# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 125

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

5 ta' April 2023

Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2022–2023

Dati tas–seduti: 12–15 ta' Settembru 2022

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

2023/C 125/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-finanzjament privat responsabbli ta' litigazzjoni (2020/2130(INL)) . . . . . . 2

2023/C 125/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar Strateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 – Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa (2022/2016(INI)) . . . . . . . . . . 23

2023/C 125/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar l-impatt tal-għeluq tal-attivitajiet edukattivi, kulturali, taż-żgħażagħ u sportivi minhabba l-COVID-19 fuq it-tfal u ż-żgħażagħ fl-UE (2022/2004(INI)) . . . . . . . . . . 44

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

2023/C 125/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (2021/2255(INI)) . . . . . . . . . . 56

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

2023/C 125/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tad-deportazzjoni furzata ta' ċivili Ukreni lejn ir-Russja u tal-adozzjoni furzata ta' tfal Ukreni fir-Russja (2022/2825(RSP)) . . . . . . . . . . 67

2023/C 125/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Uganda u fit-Tanzanija b'rabta mal-investimenti fi proġetti tal-fjuwils fossili (2022/2826(RSP)) . . . 72

MT

2023/C 125/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari l-arrest tal-Isqof Rolando Álvarez (2022/2827(RSP)) . . . 76

2023/C 125/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2020 u l-2021 (2021/2186(INI)) . . . 80

2023/C 125/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE: it-8 Rapport dwar il-Koeżjoni (2022/2032(INI)) . . . 100

2023/C 125/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea (2021/2202(INI)) . . . 114

2023/C 125/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida Aġġornata għall-Ewropa: allinjament tal-infiq mal-politika (2022/2008(INI)) . . . 124

2023/C 125/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (2022/2829(RSP)) . . . 135

2023/C 125/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar is-sitwazzjoni fl-Istrett tat-Tajwan (2022/2822(RSP)) . . . 149

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

2023/C 125/14 Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – aġenda ġdida għall-Mediterran (2022/2007(INI)) . . . 154

---

III *Atti preparatorji*

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

2023/C 125/15 P9_TA(2022)0303

Proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni) (COM(2021)0483 – C9-0347/2021 – 2021/0275(COD))

P9_TC1-COD(2021)0275

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni) . . . 166

2023/C 125/16 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (07978/2022 – C9-0181/2022 – 2022/0082(NLE)) . . . 167

2023/C 125/17 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Mauritius (05657/2022 – C9-0166/2022 – 2022/0014(NLE)) . . . . . . . . . . . . . 168

2023/C 125/18 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 2/2022 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 – Id-dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2021 (11467/2022 – C9-0297/2022 – 2022/0119(BUD)) . . . . . . . 169

2023/C 125/19 P9_TA(2022)0307

Emendi tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital fir-rigward tar-riżoluzzjoni (proposta “daisy chain”) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tat-trattament prudenzjali ta’ gruppi ta’ istituzzjonijiet globali sistematikament importanti bi strateġija ta’ riżoluzzjoni b’punti multipli ta’ dħul u metodoloġija għas-sottoskrizzjoni indiretta ta’ strumenti eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (COM(2021)0665 – C9-0398/2021 – 2021/0343(COD))

P9_TC1-COD(2021)0343

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta’ Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tat-trattament prudenzjali ta’ istituzzjonijiet globali sistemikament importanti bi strateġija ta’ riżoluzzjoni b’punti multipli ta’ dħul u metodi għas-sottoskrizzjoni indiretta ta’ strumenti eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 171

2023/C 125/20 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar il-proposta tal-2021 għal reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (COM(2021)0569 – 2021/0429R(APP)) . . . . . . . . . . . 172

2023/C 125/21 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta’ Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta’ ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 180

2023/C 125/22 P9_TA(2022)0312

Miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (COM(2022)0051 – C9-0046/2022 – 2022/0035(COD))

P9_TC1-COD(2022)0035

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-13 ta’ Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral . . . . . . . . . . . . . . . . 293

2023/C 125/23 P9_TA(2022)0313

Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali: miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 (COM(2021)0198 – C9-0153/2021 – 2021/0103(COD))

P9_TC1-COD(2021)0103

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 . . . . . . . 294

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

2023/C 125/24 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għall-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni) (COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD))

[Emenda 1, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor] . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 295

2023/C 125/25 P9_TA(2022)0316

Pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (COM(2020)0682 – C9-0337/2020 – 2020/0310(COD))

P9_TC1-COD(2020)0310

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 397

2023/C 125/26 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (COM(2021)0557 – C9-0329/2021 – 2021/0218(COD))

[Emenda 1, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor] . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 398

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

2023/C 125/27 P9_TA(2022)0323

Assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna u t-tisħiħ tal-fond ta’ proviżjonament komuni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Settembru 2022 dwar Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-Fond ta’ Proviżjonament Komuni permezz ta’ garanziji mill-Istati Membri u permezz ta’ proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (COM(2022)0557 – C9-0303/2022 – 2022/0281(COD))

P9_TC1-COD(2022)0281

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta’ Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta’ proviżjonament komuni permezz ta’ garanziji mill-Istati Membri u permezz ta’ proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 . . . . . 462

2023/C 125/28 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta’ riskju ċar ta’ ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni (2018/0902R(NLE)) . . . . . 463

2023/C 125/29 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta’ Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni) (COM(2021)0734 – C9-0432/2021 – 2021/0375(COD)) . . . . . 485

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2022–2023

Dati tas–seduti: 12–15 ta’ Settembru 2022

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0308

## Il-finanzjament privat responsabbli ta' litigazzjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-finanzjament privat responsabbli ta' litigazzjoni (2020/2130(INL))**

(2023/C 125/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għall-mekkaniżmi tar-rimedju kollettiv inġuntiv u kompensatorju fl-Istati Membri fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet mogħtija skont id-Dritt tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-Istudju mwettaq mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew "Il-Finanzjament Privat Responsabbli ta' Litigazzjoni" ta' Marzu 2021,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0218/2022),

A. billi l-Istati Membri għandhom responsabbiltà primarja li jagħmlu disponibbli għajnuna legali adegwata għal dawk li m'għandhomx biżżejjed riżorsi bil-għan li jiżguraw aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd, f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; billi l-għajnuna legali pubblika u l-prosekuzzjoni pubblika huma u jridu jibqgħu l-mekkaniżmi ċentrali biex jiggarantixxu d-dritt fundamentali għal rimedju effettiv u għal proċess ġust;

([1]) ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1.

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

B. billi l-finanzjament kummerċjali ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi (TPLF) huwa prattika li qed tikber fejn investituri privati (“il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni”) li mhumiex parti f’tilwima jinvestu fi proċedimenti legali u jħallsu spejjeż legali u spejjeż oħra, bi skambju għal sehem minn kwalunkwe ammont mogħti eventwali; billi r-rimedju kollettiv huwa biss tip wieħed ta’ litigazzjoni li fiha attwalment jintuża t-TPLF, b’eżempji oħra li jkunu l-arbitraġġ, il-proċedimenti ta’ insolvenza, l-irkupru tal-investiment, il-pretensjonijiet tal-antitrust u oħrajn;

C. billi t-TPLF jista’, jekk ikun regolat kif xieraq, jintuża aktar ta’ spiss bħala għodda biex jappoġġja l-aċċess għall-ġustizzja, speċjalment f’pajjiżi fejn l-ispejjeż legali huma għoljin ħafna, jew għan-nisa u l-gruppi emarġinati b’ostakli addizzjonali għall-finanzjament; billi t-TPLF jista’ jgħin dejjem aktar biex jiżgura li l-każijiet ta’ interess pubbliku jitressqu quddiem il-qorti u jnaqqas l-iżbilanċi ekonomiċi sinifikanti li jeżistu bejn il-korporazzjonijiet u dawk iċ-ċittadini li jfittxu rimedju, u b’hekk jiżgura responsabbiltà korporattiva xierqa;

D. billi r-rapport tal-British Institute of International and Comparative Law (BIICL) dwar “State of Collective Redress in the EU in the context of the Commission Recommendation” (L-Istat tar-Rimedju Kollettiv fl-UE fil-kuntest tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni) jenfasizza li, f’xi Stati Membri, il-finanzjament minn partijiet terzi sar fattur essenzjali biex jitwettaq ir-rimedju kollettiv ([3]); billi r-Rapport tal-Kummissjoni COM(2018)0040 dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti tal-2013 dwar ir-rimedju kollettiv jenfasizza l-fatt li t-TPLF huwa aspett ewlieni tar-rimedju kollettiv, li għandu dimensjoni transfruntiera importanti ([4]);

E. billi l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni involuti fi proċedimenti legali jistgħu jaġixxu fl-interess ekonomiku tagħhom stess, aktar milli fl-interess tar-rikorrenti; billi jistgħu jfittxu li jikkontrollaw il-litigazzjoni u jitolbu eżitu li jħallilhom l-akbar redditu u fl-inqas ammont ta’ żmien ([5]); billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li d-danni adegwati jitħallsu lill-vittmi;

F. billi, filwaqt li t-TPLF huwa virtwalment ineżistenti fl-Ewropa, huwa fenomenu li qed jikber fl-arbitraġġ dwar l-investiment li jimmultiplika l-għadd u l-volum ta’ pretensjonijiet ta’ investituri privati kontra l-Istati;

G. billi, skont id-data disponibbli, il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jistgħu, f’ċerti Stati Membri, jitolbu sehem sproporzjonat tar-rikavati li jaqbżu r-redditi tipiċi ta’ tipi oħra ta’ investimenti; billi l-ammonti mitluba mill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni normalment ivarjaw madwar l-Unjoni minn 20 % sa 50 % tal-ammont mogħti ([6]), iżda barra mill-Unjoni tali pretensjonijiet jistgħu f’xi każijiet jirrappreżentaw redditi fuq l-investiment sa 300 %; billi għandhom jiġu introdotti regoli biex jiġi żgurat li t-tariffi mħallsa lill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jkunu proporzjonati u li l-ammont mogħti jingħata l-ewwel lir-rikorrenti, qabel ma titħallas it-tariffa lill-finanzjatur ta’ litigazzjoni;

H. billi t-TPLF mhuwiex l-uniku mod kif jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja, u huma disponibbli strumenti oħra, bħall-għajnuna legali jew l-assigurazzjoni tal-ispejjeż legali, biex jiffaċilitaw tali aċċess, u jeżistu wkoll rimedji extraġudizzjarji biex jinstab rimedju, bħall-medjazzjoni, l-ADR/ODR, l-Ombudsman jew permezz ta’ sistemi ta’ lmentar ġestiti mill-kumpaniji; billi dawk is-soluzzjonijiet jistgħu jirriżultaw f’kumpens aktar rapidu u aktar adegwat għar-rikorrenti għalkemm dawn ir-rimedji mhux dejjem ikunu neċessarjament effettivi biżżejjed biex jipprovdu rimedju adegwat; billi r-rikorrenti għandhom dejjem jingħataw il-possibbiltà li jfittxu direttament rimedju ġudizzjarju;

---

([3]) https://www.biicl.org/documents/1881_StudyontheStateofCollectiveRedress.pdf, page 19.

([4]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0040&from=MT,%20page%2010

([5]) Il-Parlament tal-Awstralja kkonkluda li “l-livell ta’ setgħa u influwenza li għandhom il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni f’azzjonijiet kollettivi jagħti lok għal sitwazzjonijiet fejn l-interessi finanzjarji tagħhom jiġu qabel dawk tal-attur rappreżentattiv u tal-membri kollettivi”, ara l-Kummissjoni tar-Riforma tal-Liġi tal-Awstralja (2019): An Inquiry into Class Action Proceedings and Third-Party Litigation funders (Inkjesta dwar il-Proċedimenti ta’ Azzjoni Kollettiva u l-Partijiet Terzi Finanzjaturi ta’ Litigazzjoni), p 19.

([6]) Studju tal-EPRS (2021): Responsible private funding of litigation (Il-finanzjament privat responsabbli ta’ litigazzjoni). Anness – State of play on the EU private litigation funding landscape and on the current EU rules applicable to private litigation funding (Is-sitwazzjoni attwali dwar ix-xenarju tal-finanzjament ta’ litigazzjoni privata tal-UE u dwar ir-regoli attwali tal-UE applikabbli għall-finanzjament ta’ litigazzjoni privata).

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

I. billi t-TPLF huwa prevalenti fl-Awstralja, fl-Istati Uniti tal-Amerka, fil-Kanada, fir-Renju Unit u fin-Netherlands, u xi wħud iqisuh bħala fattur ewlieni biex jiġi żgurat li l-aċċess għall-ġustizzja jkun disponibbli ([7]), madankollu, hemm ukoll tħassib dwar prattiki abbużivi f’xi ġuriżdizzjonijiet; billi, id-data empirika ([8]) turi li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jagħżlu fil-maġġor parti kawżi li jirrappreżentaw l-aħjar redditu potenzjali, u ma jinvestux f’kawżi li jqisuhom riskjużi wisq jew li ma jrendux biżżejjed profitt;

J. billi huwa diffiċli li jiġi ddeterminat l-għadd ta’ finanzjaturi ta’ litigazzjoni, b’mill-inqas 45 finanzjatur bħal dawn li bħalissa huwa magħruf li qed joperaw fl-UE; billi, għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-prattika tat-TPLF s’issa kienet limitata fil-firxa tagħha, hija mistennija li jkollha rwol dejjem akbar fis-snin li ġejjin, iżda għadha fil-biċċa l-kbira mhux regolata fl-Unjoni, minkejja l-fatt li tista’ tippreżenta mhux biss benefiċċji, iżda wkoll riskji materjali għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja li jeħtieġ li jiġu indirizzati;

K. billi fil-vakwu regolatorju attwali hemm riskju li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni joperaw b’mod mhux trasparenti, bir-riżultat li l-qrati jistgħu, xi drabi, jagħtu ammonti lil rikorrenti mingħajr ma jirrealizzaw li sehem mill-ammont mogħti, li xi kultant jaf ikun sproporzjonat, sussegwentement jiġi dirett mill-ġdid lejn il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni a skapitu tar-rikorrenti; billi tali nuqqas ta’ trasparenza jista’ jfisser ukoll li anke l-benefiċjarji potenzjali ftit li xejn ikollhom għarfien dwar id-distribuzzjoni tal-ammonti mogħtija jew il-ftehimiet ta’ finanzjament, b’mod partikolari fejn japplika mekkaniżmu ta’ nonparteċipazzjoni fi ħdan is-sistemi ta’ rimedji kollettivi; billi, fin-nuqqas ta’ standards minimi komuni fil-livell tal-Unjoni, hemm riskju ta’ frammentazzjoni u żbilanċi regolatorji fil-qasam tal-finanzjament ta’ litigazzjoni;

L. billi d-Direttiva (UE) 2020/1828 tidentifika opportunitajiet u tistabbilixxi salvagwardji relatati mal-finanzjament ta’ litigazzjoni, li, madankollu, huma limitati għal azzjonijiet rappreżentattivi f’isem il-konsumaturi skont l-ambitu ta’ dik id-Direttiva, u għalhekk ma tirregolax tipi oħra ta’ azzjoni, bħal dawk relatati mad-drittijiet tan-negozju jew tal-bniedem, jew kategoriji ta’ rikorrenti, bħall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jew il-ħaddiema; billi għandhom japplikaw miżuri u salvagwardji effettivi għat-tipi kollha ta’ pretensjonijiet;

*Introduzzjoni*

1. Josserva li, għalkemm ir-rikors għal finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi għadu limitat, huwa prattika li qed tikber fl-Unjoni, li għandha rwol dejjem akbar fis-sistemi ġudizzjarji ta’ xi Stati Membri, kif ukoll fil-mod kif iċ-ċittadini Ewropej jistgħu jaċċessaw il-ġustizzja, b’mod partikolari fir-rigward ta’ każijiet transfruntiera. Jinnota li l-finanzjament ta’ litigazzjoni s’issa huwa fil-biċċa l-kbira mhux regolat fil-livell tal-Unjoni;

2. Jinnota li r-regolamentazzjoni tat-TPLF għandha timxi id f’id ma’ politiki li jtejbu l-aċċess għall-ġustizzja għar-rikorrenti, pereżempju billi jitnaqqsu l-ispejjeż legali, billi jiġi pprovdut finanzjament pubbliku adegwat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, jew billi jiġu promossi prattiki oħra bħall-għajnuna legali jew il-finanzjament kollettiv; jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar din il-kwistjoni u jużaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2020/1828 f’dak li għandu x’jaqsam mal-iżgurar ta’ aċċess effettiv għall-ġustizzja;

3. Huwa konvint li sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd u li s-sistemi ġudizzjarji jipprijoritizzaw ir-rimedju għall-partijiet li jkunu ġarrbu ħsara, u mhux l-interessi tal-investituri privati li jistgħu jkunu qed ifittxu biss opportunitajiet kummerċjali minn tilwim legali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti standards minimi komuni fil-livell tal-Unjoni, li jindirizzaw l-aspetti ewlenin rilevanti għat-TPLF, inklużi t-trasparenza, il-ġustizzja u l-proporzjonalità;

([7]) Ara https://www.biicl.org/documents/1881_StudyontheStateofCollectiveRedress.pdf, p. 269: “L-opinjoni ġenerali tal-approċċ tar-Renju Unit għall-finanzjament minn partijiet terzi kienet favorevoli u r-rispondenti kklassifikaw id-disponibbiltà ta’ tali finanzjament bħala fattur ewlieni fid-deċiżjoni tagħhom li jipparteċipaw fi proċedimenti kollettivi. L-esperjenza ta’ finanzjament minn partijiet terzi ta’ pretensjonijiet kollettivi fil-prattika kienet, b’mod ġenerali, waħda pożittiva. Ħadd minn dawk li wieġbu ma kellu xi esperjenza ta’ organizzazzjoni li ppruvat tiffinanzja pretensjoni kontra kompetitur. Ħadd minn dawk li wieġbu ma kellu esperjenza fejn finanzjatur kien ipprova jikkontrolla l-litigazzjoni b’mod eċċessiv għalkemm avukat wieħed iddeskriva sitwazzjoni fejn finanzjatur kien irtira l-finanzjament f’nofs il-pretensjoni li wasslet għal soluzzjoni prematura tal-każ”.

([8]) Ara l-Kummissjoni tar-Riforma tal-Liġi tal-Awstralja (2019): An Inquiry into Class Action Proceedings and Third-Party Litigation funders (Inkjesta dwar il-Proċedimenti ta’ Azzjoni Kollettiva u l-Partijiet Terzi Finanzjaturi ta’ litigazzjoni), p 34.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

4. Jisħaq li l-għan ta' tali reġim regolatorju jkun li jirregola l-attivitajiet ta' finanzjament ta' litigazzjoni minn finanzjaturi ta' litigazzjoni. Jirrimarka li tali reġim għandu jirregola l-attivitajiet ta' finanzjament fir-rigward tat-tipi kollha ta' pretensjonijiet, irrispettivament min-natura tal-pretensjonijiet, u li għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-liġi internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali eżistenti li jippermettu li jitressqu l-pretensjonijiet, b'mod partikolari l-liġi dwar il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, dwar il-protezzjoni ambjentali, u l-liġi li tirregola l-proċedimenti ta' insolvenza jew ir-responsabbiltà;

5. Jemmen li l-istabbiliment ta' standards minimi komuni tal-Unjoni għat-TPLF se jippermetti lil-leġiżlaturi jeżerċitaw sorveljanza effettiva u jiżguraw b'mod adegwat li l-interessi tar-rikorrenti jiġu protetti; jirrimarka li l-mekkaniżmi regolatorji volontarji u l-kodiċijiet ta' kondotta jista' jkollhom rwol pożittiv, iżda s'issa ma ġewx sottoskritti mill-maġġoranza l-kbira tal-finanzjaturi, u b'hekk ir-rikorrenti tħallew esposti b'mod sinifikanti;

***Ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni***

6. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' sistema ta' awtorizzazzjoni għall-finanzjaturi ta' litigazzjoni, u b'hekk jiġi żgurat li jiġu pprovduti opportunitajiet effettivi għar-rikorrenti biex isir użu mit-TPLF u li jitwaqqfu salvagwardji adegwati, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti tal-governanza korporattiva u setgħat superviżorji biex jiġu protetti r-rikorrenti u biex jiġi żgurat li l-finanzjament jiġi pprovdut biss minn entitajiet li jkunu impenjati li jikkonformaw mal-istandards minimi f'termini ta' trasparenza, governanza u adegwatezza tal-kapital, u li josservaw relazzjoni fiduċjarja fir-rigward tar-rikorrenti u l-benefiċjarji intenzjonati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li din is-sistema ma toħloqx piż amministrattiv eċċessiv għall-Istati Membri jew għall-finanzjaturi ta' litigazzjoni;

***Il-kwistjonijiet etiċi***

7. Jirrakkomanda li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jkunu obbligati jirrispettaw dmir ta' diliġenza fiduċjarju li jirrikjedi li jaġixxu fl-aħjar interessi ta' rikorrent; jemmen li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni ma jistax ikollhom kontroll mhux dovut fuq il-proċedimenti legali li jiffinanzjaw; tali kontroll fuq il-proċedimenti legali jrid ikun ir-responsabbiltà tar-rikorrenti u tar-rappreżentanti legali tagħhom; tali kontroll fuq il-proċedimenti legali ffinanzjati jista' jikkonsisti kemm f'kontroll formali, bħal permezz ta' arranġamenti kuntrattwali, kif ukoll kontroll informali, bħal permezz ta' theddid biex jiġi rtirat il-finanzjament;

8. Jissottolinja li jistgħu jinqalgħu kunflitti ta' interess meta jkun hemm relazzjonijiet mhux xierqa bejn il-finanzjaturi ta' litigazzjoni, l-entitajiet rappreżentattivi, id-ditti legali, l-aggregaturi, inklużi l-pjattaformi għall-ġbir tal-pretensjonijiet u għad-distribuzzjoni tal-ammonti, u entitajiet oħra li jistgħu jkunu involuti fil-pretensjonijiet u jkollhom interess fl-eżitu ta' każ fil-qorti; jinnota li hemm tendenza dejjem akbar ta' finanzjaturi ta' litigazzjoni li jaqblu li jiffinanzjaw ditti legali f'serje ta' kawżi futuri (finanzjament ta' portafoll) ([9]); jirrakkomanda li jiġu adottati salvagwardji li jevitaw kunflitti ta' interess potenzjali, jistabbilixxu d-drittijiet tar-rikorrenti u jeħtieġu li jiġu ddivulgati d-dettalji tar-relazzjonijiet bejn il-finanzjaturi ta' litigazzjoni u l-partijiet involuti l-oħra;

9. Jemmen li, ħlief għal ċirkostanzi eċċezzjonali u strettament irregolati, il-finanzjaturi ta' litigazzjoni ma għandhomx jitħallew jabbandunaw partijiet iffinanzjati f'litigazzjoni – fl-ebda stadju tal-proċess ta' litigazzjoni – u jħallu lir-rikorrenti responsabbli waħidhom għall-kostijiet kollha tal-litigazzjoni, li probabbilment ikunu ddeċidew favur il-litigazzjoni biss minħabba li kien involut il-finanzjatur; jisħaq, għalhekk, li l-arranġamenti kuntrattwali abbażi ta' finanzjament kondizzjonali għandhom jitqiesu nulli;

10. Jemmen li, bħar-rikorrenti, il-finanzjaturi ta' litigazzjoni għandhom ikunu responsabbli mill-kostijiet tal-konvenuti li jirriżultaw minn litigazzjoni bla suċċess, bħal minħabba l-aġġudikazzjoni ta' kostijiet avversi; jisħaq li r-regolamentazzjoni għandha tipprevjeni lill-finanzjaturi ta' litigazzjoni milli jillimitaw ir-responsabbiltà tagħhom għall-kostijiet fil-każ ta' eżitu mingħajr suċċess;

***L-inċentivi u l-limiti fuq l-irkupru***

11. Iqis li l-leġiżlazzjoni għandha timponi limiti fuq il-proporzjon tal-ammont mogħti li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni huma intitolati li jirċievu fil-każ ta' litigazzjoni b'suċċess jew soluzzjoni u abbażi ta' arranġament kuntrattwali; jemmen li huwa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali li l-arranġamenti bejn il-finanzjaturi ta' litigazzjoni u r-rikorrenti għandhom jiżvijaw mir-regola ġenerali li jitħallas minimu ta' 60 % tas-saldu gross jew tad-danni lir-rikorrenti;

([9]) Studju tal-EPRS (2021): Responsible litigation funding. (Il-finanzjament ta' litigazzjoni responsabbli.) State of play on the EU private litigation funding landscape and on the current EU rules applicable to private litigation funding (Is-sitwazzjoni attwali dwar ix-xenarju tal-finanzjament ta' litigazzjoni privata tal-UE u dwar ir-regoli attwali tal-UE applikabbli għall-finanzjament ta' litigazzjoni privata), p. 28-29.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

***Id-divulgazzjoni u t-trasparenza***

12. Iqis li għandu jkun hemm trasparenza fir-rigward tal-involviment ta' finanzjament ta' litigazzjoni fi proċedimenti legali, inklużi obbligi għar-rikorrenti u l-avukati tagħhom li jiddivulgaw ftehimiet ta' finanzjament lill-qrati fuq inizjattiva tal-qorti jew wara talba li jkun ressaq il-konvenut quddiem il-qorti, u li jinformaw lill-qorti dwar l-eżistenza ta' finanzjament kummerċjali u l-identità tal-finanzjatur għall-każ inkwistjoni; iqis li l-qorti għandha tinforma lill-konvenut dwar l-eżistenza ta' TPLF u l-identità tal-finanzjatur; jinnota li, bħalissa, il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi u l-konvenuti ħafna drabi ma jkunux konxji li pretensjoni tkun iffinanzjata minn attur kummerċjali;

***Is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji u r-rieżami mill-qrati u mill-awtoritajiet amministrattivi***

13. Huwa tal-fehma li l-awtoritajiet superviżorji, il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi, fejn xieraq f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali, għandu jkollhom is-setgħat li jiffaċilitaw l-infurzar tal-leġiżlazzjoni adottata biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti hawn fuq; jirrakkomanda l-istabbiliment ta' sistema ta' lmenti li ma twassalx għal kostijiet eċċessivi jew piż amministrattiv eċċessiv għall-Istati Membri; iqis li l-awtoritajiet superviżorji, il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi, fejn xieraq f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali, għandu jkollhom is-setgħat li jindirizzaw prattiki abbużivi minn finanzjaturi awtorizzati ta' litigazzjoni, filwaqt li ma jfixklux l-aċċess għall-ġustizzja għar-rikorrenti u l-benefiċjarji fil-mira;

***L-aspetti finali***

14. Jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib u tanalizza l-iżvilupp tal-finanzjament ta' litigazzjoni ta' partijiet terzi fl-Istati Membri, kemm f'termini tal-qafas legali kif ukoll tal-prattika, b'attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2020/1828; jitlob ukoll lill-Kummissjoni, wara l-iskadenza għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2020/1828, jiġifieri l-25 ta' Ġunju 2023, u b'kont meħud tal-effetti ta' dik id-Direttiva, biex tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva biex jiġu stabbiliti standards minimi komuni fil-livell tal-Unjoni dwar il-finanzjament kummerċjali ta' litigazzjoni minn partijiet terzi, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness għal dan;

15. Iqis li l-proposta mitluba mhux se jkollha implikazzjonijiet finanzjarji;

o

o o

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**ANNESS GĦAL RIŻOLUZZJONI:**

**RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA**

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-regolamentazzjoni ta' finanzjament ta' litigazzjoni ta' partijiet terzi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-talba tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni Ewropea ([1]),

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi huwa prattika li qed tiżviluppa f'suq tas-servizzi ta' litigazzjoni mingħajr ma hemm stabbilit qafas leġiżlattiv speċifiku fil-livell tal-Unjoni. Minkejja l-fatt li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni huma stabbiliti u joperaw b'mod regolari f'diversi Stati Membri, domestikament jew bejn il-fruntieri, s'issa kienu soġġetti għal regoli u prattiki nazzjonali differenti fis-suq intern, fejn jeżistu f'din iż-żona regoli frammentati b'mod ġenerali u saħansitra vakwu leġiżlattiv, skont l-Istat Membru kkonċernat. Regoli u prattiki diverġenti fl-Istati Membri x'aktarx jikkostitwixxu ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern. Nuqqas ta' ċarezza dwar it-termini li fuqhom jistgħu joperaw il-partijiet terzi finanzjaturi kummerċjali ta' litigazzjoni ("finanzjaturi ta' litigazzjoni") mhuwiex kompatibbli mal-funzjonament xieraq tas-suq intern, b'mod partikolari meta jitqies li jista' jkun possibbli li jiġu ffinanzjati każijiet transfruntiera biss permezz ta' parti terza, u dawk il-każijiet huma partikolarment attraenti għall-finanzjaturi ta' litigazzjoni. Id-diverġenzi fil-qafas legali applikabbli f'kull Stat Membru jinvolvu riskju ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għall-ġustizzja bejn ir-rikorrenti fi Stati Membri differenti, b'mod partikolari b'element transfruntier, kif ukoll riskju ta' forum shopping mill-finanzjaturi ta' litigazzjoni, li jistgħu jiġu influwenzati mill-element favorevoli ta' ċerti regoli nazzjonali dwar l-istabbiliment tagħhom, il-liġi applikabbli għall-ftehimiet ta' finanzjament u r-regoli proċedurali nazzjonali.

(2) Id-dritt tal-Unjoni jfittex li jiżgura bilanċ bejn li jingħata aċċess għall-ġustizzja u jiġu pprovduti salvagwardji xierqa għal dawk involuti fil-proċedimenti, biex jipprevjeni li d-dritt tagħhom li jaċċessaw il-ġustizzja tiġi sfruttata b'mod inġust. Meta l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jipprovdu finanzjament għal proċedimenti legali bi skambju għal sehem minn kwalunkwe kumpens mogħti, jista' jinħoloq riskju ta' inġustizzja. Dak ir-riskju jinkludi li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mir-rikorrenti, jew minn dawk li jirrappreżentaw, inkluż fejn rilevanti l-konsumaturi li l-interessi tagħhom ikunu rrappreżentati minn entitajiet kwalifikati, biex jaqdu l-finijiet tagħhom stess u jimmassimizzaw ir-redditu tagħhom stess, u b'hekk iħallu lir-rikorrenti jew lill-benefiċjarji fil-mira b'sehem inqas mill-ammont mogħti potenzjali. Ir-riskji jistgħu jkunu partikolarment akuti meta dawk li jkunu qed jistennew li jibbenefikaw minn litigazzjoni jkunu konsumaturi jew vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li jistgħu jilqgħu l-involviment ta' finanzjatur ta' litigazzjoni li jkun lest li jħallas għall-proċedimenti, mingħajr ma jirrealizzaw li l-interessi tagħhom jistgħu jinqalbu favur l-interessi proprji tal-finanzjatur ta' litigazzjoni.

([1]) ĠU […]
([2]) ĠU […]

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

(3) L-istabbiliment ta’ qafas komuni tal-Unjoni ta’ standards minimi għal finanzjament kummerċjali responsabbli ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi jgħin biex jippromwovi l-aċċess għall-ġustizzja u jiżgura responsabbiltà korporattiva xierqa. Tabilħaqq, ta’ spiss jeżisti żbilanċ ekonomiku sinifikanti bejn il-kumpaniji u ċ-ċittadini li jfittxu rimedju, u l-finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi jista’ jgħin biex inaqqas dak l-iżbilanċ jekk ir-riskji assoċjati jiġu mitigati, u tali finanzjament jopera f’komplementarjetà ma’ miżuri oħra li jeliminaw l-ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja. Għal dak il-għan, huwa kruċjali li jiġi żgurat bilanċ meħtieġ bejn it-titjib tal-aċċess tar-rikorrenti għall-ġustizzja u salvagwardji xierqa biex tiġi evitata litigazzjoni abbużiva. Il-finanzjament responsabbli ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi jista’ jnaqqas il-kostijiet, jagħmilhom aktar prevedibbli, jissimplifika proċeduri mhux meħtieġa u jipprovdi servizzi effiċjenti b’kostijiet li jkunu proporzjonati mal-ammonti inkwistjoni.

(4) Peress li s-suq intern jiffaċilita ż-żieda fil-kummerċ transfruntier, peress li t-tilwim qed isir dejjem aktar transfruntier, u peress li l-attivitajiet tal-finanzjaturi ta’ litigazzjoni huma ta’ natura globali, hemm riskju potenzjali ta’ diverġenzi materjali fl-approċċi tal-Istati Membri għas-salvagwardji u l-protezzjonijiet meħtieġa fir-rigward tal-finanzjament kummerċjali ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi. L-approċċi volontarji kellhom suċċess sa ċertu punt iżda mhux dejjem ġew sottoskritti mill-maġġoranza tal-atturi tal-industrija, u, fi kwalunkwe każ, miżuri mhux leġiżlattivi ma jkunux xierqa fid-dawl ta’ tali riskji materjali, pereżempju għal kategoriji vulnerabbli ta’ ċittadini, inkluż minn pajjiżi terzi.

(5) Din id-Direttiva għandha l-għan li tirregola l-finanzjament kummerċjali ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi, prattika li biha entitajiet ta’ partijiet terzi mhux involuti direttament f’tilwima jinvestu għal profitt fi proċedimenti legali, tipikament bi skambju għal perċentwal ta’ kwalunkwe saldu jew ammont mogħti (minn hawn ’il quddiem “finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi”). Il-finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi jkopri sitwazzjonijiet li fihom attur kummerċjali jinvesti għall-profitt u jaġixxi biex jippromwovi l-interessi kummerċjali tiegħu; għalhekk ma jinkludix il-forniment ta’ fondi biex tiġi sponsorjata l-litigazzjoni abbażi ta’ karità jew abbażi ta’ donazzjonijiet, fejn il-finanzjatur sempliċiment ikollu l-għan li jirkupra l-kostijiet imġarrba, jew attivitajiet simili mwettqa fuq bażi ta’ pro bono publico. Din id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tistabbilixxi salvagwardji, minn naħa waħda, biex tiżgura aċċess effiċjenti għall-ġustizzja u l-protezzjoni tal-interessi tal-partijiet fit-tilwima u, min-naħa l-oħra, biex tipprevjeni kunflitti ta’ interess, litigazzjoni abbużiva kif ukoll l-allokazzjoni sproporzjonata ta’ għotjiet monetarji lil finanzjaturi ta’ litigazzjoni.

(6) It-terminu “finanzjatur ta’ litigazzjoni” jenħtieġ li jinftiehem li jirreferi għal kwalunkwe impriża li mhijiex parti fil-proċedimenti, iżda li tidħol fi ftehim ta’ finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi (minn hawn ’il quddiem “ftehim ta’ finanzjament minn partijiet terzi”) fir-rigward ta’ dawk il-proċedimenti. F’konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kunċett ta’ “impriża” jinkludi kwalunkwe entità involuta f’attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod kif tiġi ffinanzjata, u għalhekk tinkludi kwalunkwe persuna ġuridika, inklużi l-ġenituri, is-sussidjarji jew l-affiljati tagħha u tista’ tinkludi fornituri professjonali ta’ finanzjament ta’ litigazzjoni, fornituri ta’ servizzi finanzjarji, ditti ta’ ġestjoni ta’ pretensjonijiet jew fornituri ta’ servizzi oħra. Il-kunċett ta’ finanzjatur ta’ litigazzjoni mhuwiex maħsub biex jinkludi avukati li jirrappreżentaw parti fi proċedimenti legali, jew fornituri regolati ta’ servizzi tal-assigurazzjoni lil tali parti.

(7) F’konformità mat-tradizzjonijiet legali u mal-awtonomija tal-Istati Membri, huwa f’idejn kull Stat Membru li jiddetermina jekk, u sa liema punt, il-forniment ta’ finanzjament ta’ litigazzjoni jenħtieġ li jkun permess fi ħdan l-ordinament ġuridiku tiegħu stess. Meta l-Istati Membri jagħżlu li jippermettu tali finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi, din id-Direttiva tipprevedi standards minimi għall-protezzjoni tar-rikorrenti ffinanzjati, sabiex dawk li jistgħu jirrikorru għal finanzjament ta’ litigazzjoni fl-Unjoni jkunu koperti minn livell minimu ta’ protezzjoni, li jkun konsistenti madwar l-Unjoni.

(8) F’dawk l-Istati Membri fejn il-kostijiet legali jistgħu jirrappreżentaw ostaklu sinifikanti għall-aċċess għall-ġustizzja, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jikkunsidraw l-introduzzjoni ta’ leġiżlazzjoni li tippermetti finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi u f’dak il-każ jenħtieġ li jistabbilixxu kundizzjonijiet u salvagwardji ċari li jkunu f’konformità ma’ din id-Direttiva. Filwaqt li din id-Direttiva ma tapplikax biss għal azzjonijiet rappreżentattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri bil-għan li jiżguraw li l-kostijiet tal-proċedimenti relatati ma’ azzjonijiet rappreżentattivi ma jipprevjenux lill-entitajiet kwalifikati milli jeżerċitaw b’mod effettiv id-dritt tagħhom li jfittxu rimedju, f’konformità mad-Direttiva (UE) 2020/1828 u b’mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

(9) Meta tkun permessa attività ta' finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi, hija meħtieġa sistema għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' finanzjaturi ta' litigazzjoni minn korpi amministrattivi indipendenti fl-Istati Membri li tiżgura li tali finanzjaturi ta' litigazzjoni jissodisfaw il-kriterji u l-istandards minimi stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-finanzjaturi ta' litigazzjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għal sorveljanza b'mod simili għal dak tas-sistema ta' superviżjoni prudenzjali eżistenti applikabbli għall-fornituri ta' servizzi finanzjarji.

(10) Il-finanzjaturi ta' litigazzjoni attivi fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jwettqu n-negozju tagħhom minn ġewwa l-Unjoni, ikunu awtorizzati fl-Unjoni, u jikkonkludu l-ftehimiet tagħhom ta' finanzjament minn partijiet terzi soġġetti għal-liġijiet tal-Istat Membru tal-proċedimenti jew, jekk ikun differenti, tal-Istat Membru tar-rikorrent jew tal-benefiċjarji fil-mira, sabiex jiġi żgurat li tkun adegwata s-superviżjoni skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

(11) L-awtoritajiet superviżorji fi ħdan l-Unjoni li jagħtu awtorizzazzjonijiet għat-twettiq ta' attivitajiet ta' finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jirrikjedu li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jikkonformaw mal-kriterji minimi stabbiliti minn din id-Direttiva. Tali kriterji jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità, l-indipendenza, il-governanza, it-trasparenza, l-adegwatezza tal-kapital, u l-osservanza ta' dmir fiduċjarju għar-rikorrenti u għall-benefiċjarji fil-mira. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jagħmlu kwalunkwe ordni meħtieġa, inkluża s-setgħa li jirċievu applikazzjonijiet mingħand il-finanzjaturi ta' litigazzjoni għall-awtorizzazzjoni u li jiddeċiedu dwarhom, li jiġbru kwalunkwe informazzjoni, jagħtu, jiċħdu jew jirtiraw kwalunkwe awtorizzazzjoni jew li jimponu kwalunkwe kundizzjoni, restrizzjoni jew penali fuq kwalunkwe finanzjatur ta' litigazzjoni, kif ukoll li jinvestigaw lmenti mingħajr dewmien mhux dovut kontra kwalunkwe finanzjatur ta' litigazzjoni li jwettaq attivitajiet fil-ġuriżdizzjoni tagħhom imressqa minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, bl-eċċezzjoni tal-konvenut. It-tħassib imqajjem minn konvenut rigward il-finanzjatur ta' litigazzjoni matul il-proċedimenti legali li jkunu għaddejjin jenħtieġ li jiġi indirizzat mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva rilevanti.

(12) Fost kriterji oħra ta' awtorizzazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu lill-finanzjaturi ta' litigazzjoni juru li għandhom biżżejjed kapital biex jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom. In-nuqqas ta' rekwiżiti ta' adegwatezza tal-kapital joħloq riskju li finanzjatur ta' litigazzjoni li mhuwiex kapitalizzat biżżejjed jidħol fi ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi u ma jkunx lest jew kapaċi sussegwentement ikopri l-kostijiet tal-litigazzjoni li jkun qabel li jappoġġja, inklużi l-kostijiet jew it-tariffi meħtieġa biex jippermettu lill-proċedimenti jilħqu l-konklużjoni tagħhom, jew kwalunkwe aġġudikazzjoni ta' kostijiet avversi. Dan jista' jesponi lir-rikorrenti li jiddependu mill-finanzjaturi ta' litigazzjoni għal riskju ta' telf ekonomiku materjali mhux previst, u għar-riskju tal-abbandun ta' proċedimenti li kieku kienu jkunu vijabbli minħabba ċ-ċirkostanzi kummerċjali jew id-deċiżjonijiet tal-finanzjatur ta' litigazzjoni.

(13) Il-finanzjaturi ta' litigazzjoni jenħtieġ li jkunu marbuta bid-dmir li jaġixxu b'mod ġust, trasparenti, effiċjenti u fl-aħjar interessi tar-rikorrenti u tal-benefiċjarji fil-mira tal-pretensjonijiet. In-nuqqas ta' rekwiżit li l-interessi tar-rikorrenti u tal-benefiċjarji fil-mira jitqiegħdu qabel l-interessi proprji ta' finanzjatur ta' litigazzjoni jaf joħloq ir-riskju li l-proċedimenti jiżvijaw b'mod li fl-aħħar jispiċċaw iservu l-interessi tal-finanzjatur ta' litigazzjoni, aktar milli dawk tar-rikorrent.

(14) Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-ftehimiet konklużi li jsiru ma' finanzjaturi ta' litigazzjoni li ma jkollhomx l-awtorizzazzjoni meħtieġa jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda effett legali. Il-piż biex jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa jenħtieġ li jaqa' fuq il-finanzjaturi ta' litigazzjoni nfushom, u għalhekk ir-rikorrenti u l-benefiċjarji fil-mira jenħtieġ li jiġu kkumpensati fir-rigward ta' kwalunkwe dannu kkawżat minn finanzjatur ta' litigazzjoni li ma jkollux l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

(15) Din id-Direttiva jenħtieġ li tirregola l-attivitajiet tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni, iżda jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu jew reġim regolatorju ieħor, bħal regoli eżistenti li jirregolaw il-forniment ta' servizzi finanzjarji li jistgħu japplikaw, u tirrispetta wkoll it-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri, l-awtonomija tagħhom u d-deċiżjonijiet tagħhom rigward l-adegwatezza li jiġi permess finanzjament ta' litigazzjoni fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

(16) Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji tagħhom japplikaw din id-Direttiva f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri oħra. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li tiġi organizzata fil-livell tal-Unjoni biex tiġi evitata d-diverġenza tal-istandards superviżorji, li tista' tipperikola l-funzjonament xieraq tas-suq intern.

(17) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoordina l-attivitajiet tal-awtoritajiet superviżorji u tiffaċilita l-ħolqien ta' network ta' kooperazzjoni xieraq għal dan il-għan. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkonsultaw lill-Kummissjoni kif meħtieġ, u l-Kummissjoni jenħtieġ li titħalla toħroġ linji gwida, rakkomandazzjonijiet, avviżi tal-aħjar prattiki jew opinjonijiet konsultattivi lill-awtoritajiet superviżorji dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u fir-rigward ta' kwalunkwe inkonsistenza apparenti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jaqsmu d-dettalji tal-attivitajiet tagħhom mal-Kummissjoni biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni, inkluż il-kondiviżjoni tad-dettalji tad-deċiżjonijiet kollha meħuda u tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni li jawtorizzaw.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

(18) Sabiex jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi ta' finanzjament transfruntier ta' litigazzjoni f'dawk l-Istati Membri fejn ikun permess skont id-dritt nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkooperaw, jaqsmu l-informazzjoni u l-aħjar prattiki, u jenħtieġ li jkunu meħtieġa jqisu bis-sħiħ id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni ta' xulxin. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li informazzjoni u gwida komprensivi u ċari dwar l-eżistenza ta' għażliet ta' finanzjament għall-pretensjonijiet, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li japplikaw għall-finanzjament tal-pretensjonijiet, ikunu kompletament u liberament aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha li jistgħu jfittxu rimedju, inkluż għall-gruppi l-aktar vulnerabbli. F'konformità mal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-awtorizzazzjonijiet minn qabel u għalhekk awtomatikament jagħtu awtorizzazzjoni lill-finanzjaturi ta' litigazzjoni li joperaw fit-territorju tagħhom li jkunu ġew awtorizzati joperaw fi Stat Membru ieħor, dment li l-awtorizzazzjoni inizjali tibqa' valida. Meta awtorità superviżorja fi Stat Membru riċeventi tkun konxja minn irregolaritajiet fl-imġiba tal-finanzjatur ta' litigazzjoni, hija għandha tinforma direttament lill-awtorità superviżorja responsabbli.

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-deċiżjonijiet rigward il-proċedimenti legali rilevanti, inklużi d-deċiżjonijiet dwar is-saldu, ma jiġux influwenzati bla bżonn mill-finanzjatur ta' litigazzjoni b'mod li jkun ta' detriment għall-interessi tar-rikorrenti kkonċernati minn dik l-azzjoni.

(20) Sabiex jiġi rrimedjat kwalunkwe żbilanċ fl-għarfien jew fir-riżorsi bejn finanzjatur ta' litigazzjoni u rikorrent, fil-valutazzjoni tal-adegwatezza ta' ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi, il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jenħtieġ li jqisu l-livell ta' ċarezza u trasparenza ta' tali ftehimiet, u l-grad safejn kwalunkwe riskju u benefiċċju ġie ppreżentat b'mod trasparenti lir-rikorrenti jew dawk irrappreżentati mir-rikorrent u mwettaq b'mod konxju minnhom.

(21) Il-ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi jenħtieġ li jiġu ppreżentati lir-rikorrenti f'lingwa li jifhmu, u jenħtieġ li jistabbilixxu b'mod ċar u f'termini xierqa l-firxa ta' eżiti possibbli, kif ukoll kwalunkwe riskju u limitazzjoni rilevanti.

(22) L-adegwatezza tas-superviżjoni tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni u tal-ftehimiet ta' finanzjament ta' partijiet terzi ma tistax tiġi żgurata meta jkun hemm nuqqas ta' obbligi fuq il-finanzjaturi ta' litigazzjoni biex ikunu trasparenti fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom. Dan jinkludi t-trasparenza vis-à-vis il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi, il-konvenuti u r-rikorrenti. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi biex il-qorti jew l-awtorità amministrattiva rilevanti jiġu infurmati bl-eżistenza ta' finanzjament kummerċjali u l-identità tal-finanzjatur, kif ukoll biex jiġu ddivulgati b'mod komplut il-ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi lill-qrati jew lill-awtoritajiet amministrattivi, fuq it-talba tagħhom jew fuq it-talba tal-konvenut lill-qorti u soġġetti għal limitazzjonijiet xierqa biex tiġi protetta kwalunkwe kunfidenzjalità meħtieġa. Il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jaċċessaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-attività kollha ta' finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi rilevanti għall-proċedimenti legali taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, il-konvenuti jenħtieġ li jiġu mgħarrfa mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva bl-eżistenza ta' finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi, u bl-identità tal-finanzjatur.

(23) Il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jenħtieġ li jingħataw is-setgħa, fejn ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi jkun rilevanti għall-każ quddiemhom, li jivvalutaw jekk il-ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi jikkonformax ma' din id-Direttiva u, f'konformità mal-Artikolu 16, li jirreveduh jekk ikun meħtieġ, jew fuq talba ta' parti fil-proċedimenti, jew fuq l-inizjattiva tal-qorti jew tal-awtorità amministrattiva, jew wara azzjoni mressqa quddiemhom kontra d-deċiżjoni amministrattiva ta' awtorità superviżorja li tkun saret finali;

(24) Il-finanzjaturi ta' litigazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu proċessi interni ta' governanza tajba biex jevitaw kunflitti ta' interess bejn il-finanzjatur ta' litigazzjoni u r-rikorrenti. Il-konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza jenħtieġ li tiżgura li r-rikorrenti jkunu konxji bis-sħiħ ta' kwalunkwe relazzjoni li l-finanzjatur ta' litigazzjoni jista' jkollu ma' konvenuti, avukati, finanzjaturi ta' litigazzjoni oħrajn, jew kwalunkwe parti terza oħra, li tista' toħloq kunflitt attwali jew perċepit.

(25) Il-finanzjaturi ta' litigazzjoni jenħtieġ li fl-ebda każ ma jitolbu kumpens inġust, sproporzjonat jew mhux raġonevoli għad-detriment tar-rikorrenti. Il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jivvalutaw ftehimiet ta' finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi rilevanti għall-każ quddiemhom, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi u l-isfond li fih ġie konkluż il-ftehim, sabiex jiddeterminaw b'mod effettiv jekk huwiex ġust u jikkonformax ma' din id-Direttiva u l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni u dik nazzjonali.

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

(26) Meta l-ftehimiet ta’ finanzjament minn partijiet terzi jippermettu lill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jirċievu sehem minn kwalunkwe gwadann jew minn ċerti tariffi bi prijorità fir-rigward ta’ kwalunkwe ammont mogħti allokat lir-rikorrenti, l-ammont disponibbli li jrid jingħata jista’ jitnaqqas b’tali mod li r-rikorrenti jibqgħu bi ftit jew xejn f’idejhom. Għalhekk, ftehimiet ta’ finanzjament minn partijiet terzi jenħtieġ li dejjem jiżguraw li kwalunkwe ammont jitħallas lir-rikorrent l-ewwel, jiġifieri li l-intitolament tar-rikorrent jieħu prijorità fuq dak tal-finanzjatur. Il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jenħtieġ li ma jitħallewx jirrikjedu l-prijoritizzazzjoni tal-gwadann tagħhom stess.

(27) Peress li f’ċerti Stati Membri s-sehem ta’ kwalunkwe gwadann riċevut mill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jista’ jnaqqas kwalunkwe eżenzjoni miksuba mir-rikorrenti, jenħtieġ li l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jeżerċitaw sorveljanza fuq il-valur u l-proporzjon ta’ dan is-sehem biex jipprevjenu kwalunkwe allokazzjoni sproporzjonata ta’ għotjiet monetarji lill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni. Ħlief f’ċirkostanzi eċċezzjonali, meta sehem minn kwalunkwe gwadann mitlub minn finanzjatur ta’ litigazzjoni jdgħajjef l-ammont mogħti, inklużi l-ammonti kollha tad-danni, il-kostijiet, it-tariffi u spejjeż oħra, disponibbli għar-rikorrenti u għall-benefiċjarji fil-mira għal 60 % jew inqas, dan jenħtieġ li jkun preżunt inġust u invalidu.

(28) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet addizzjonali biex jiġi żgurat li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni ma jinfluwenzawx bla bżonn id-deċiżjonijiet tar-rikorrenti matul il-proċedimenti, jiġifieri b’mod li jkun ta’ benefiċċju għall-finanzjatur ta’ litigazzjoni nnifsu għad-detriment tar-rikorrent. B’mod partikolari, il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jenħtieġ li ma jinfluwenzawx bla bżonn id-deċiżjonijiet dwar kif jiġu segwiti l-kawżi, liema interessi jiġu prijoritizzati, jew jekk ir-rikorrenti jenħtiġx li jaċċettaw kwalunkwe eżitu, ammont mogħti jew saldu partikolari.

(29) Il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jenħtieġ li ma jitħallewx jirtiraw il-finanzjament li jkunu qablu li jipprovdu, ħlief f’ċirkostanzi limitati kif stabbilit f’din id-Direttiva jew fil-liġi nazzjonali adottata skont din id-Direttiva, sabiex il-finanzjament ma jiġi rtirat fl-ebda stadju tal-proċess tal-litigazzjoni, għad-detriment ta’ rikorrenti jew ta’ benefiċjarji fil-mira, minħabba li jinbidlu l-interessi kummerċjali jew l-inċentivi tal-finanzjatur ta’ litigazzjoni.

(30) Meta l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jkunu appoġġjaw jew iffinanzjaw proċedimenti li ma jkunux ta’ suċċess, jenħtieġ li jkunu responsabbli b’mod konġunt mar-rikorrenti għal kwalunkwe kost avvers li jkunu kkawżaw lill-konvenuti u li jistgħu jingħataw mill-qrati jew mill-awtoritajiet amministrattivi. Il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jenħtieġ li jingħataw setgħat adegwati biex jiżguraw l-effettività ta’ tali obbligu, u l-ftehimiet ta’ finanzjament minn partijiet terzi jenħtieġ li ma jeskludux ir-responsabbiltà għal tali kostijiet avversi.

(31) Il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu intitolati li jiddeterminaw kwalunkwe aġġudikazzjoni ta’ kostijiet avversi f’konformità mal-liġi nazzjonali, inkluż permezz tad-dipendenza fuq kwalunkwe evidenza xjentifika, statistika jew teknika skont ir-rilevanza tal-każ, jew permezz tad-dipendenza fuq kwalunkwe espert, assessur jew kontabilist tat-taxxa, kif jista’ jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-proċedimenti.

(32) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti, b’mod partikolari, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, din id-Direttiva jenħtieġ li tkun interpretata u applikata f’konformità ma’ dawk id-drittijiet u l-prinċipji, inklużi dawk relatati mad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, kif ukoll id-dritt għal difiża.

(33) Peress li l-objettivi ta’ din id-Direttiva, jiġifieri li tiżgura l-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri applikabbli għall-finanzjaturi ta’ litigazzjoni u l-attivitajiet tagħhom, u għalhekk tiżgura aċċess għall-ġustizzja, filwaqt li tintroduċi standards minimi komuni għall-protezzjoni tad-drittijiet ta’ rikorrenti ffinanzjati u ta’ benefiċjarji fil-mira fi proċedimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment minn ftehimiet ta’ finanzjament minn partijiet terzi, li japplikaw fl-Istati Membri kollha li fihom mhuwiex permess il-finanzjament ta’ litigazzjoni, ma jistgħux jinkisbu b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri peress li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni joperaw f’bosta Stati Membri u huma soġġetti għal regoli u prattiki nazzjonali differenti, iżda pjuttost jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-iskala tas-suq emerġenti tal-finanzjament ta’ litigazzjoni minn partijiet terzi, il-ħtieġa li jiġu evitati regoli u prattiki diverġenti li x’aktarx jikkostitwixxu ostaklu għall-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-“forum shopping” mill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni li jfittxu li jottimizzaw ir-regoli nazzjonali. L-Unjoni tista’ għalhekk tadotta miżuri, f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

(34) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument ta' spjegazzjoni wieħed jew aktar, li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## *Kapitolu I*

## *Dispożizzjonijiet Ġenerali*

### *Artikolu 1*

*Suġġett u skop*

Din id-Direttiva tfittex li tistabbilixxi regoli minimi applikabbli għall-partijiet terzi finanzjaturi ta' litigazzjoni u l-attivitajiet awtorizzati tagħhom, u tipprovdi qafas biex tappoġġja u tipproteġi r-rikorrenti ffinanzjati u l-benefiċjarji fil-mira, inkluż fejn rilevanti dawk li l-interessi tagħhom huma rrappreżentati minn entitajiet kwalifikati, fi proċedimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment minn finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi. Hija tistabbilixxi salvagwardji għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, litigazzjoni abbużiva kif ukoll l-allokazzjoni sproporzjonata ta' għotjiet monetarji lil finanzjaturi ta' litigazzjoni, filwaqt li tiżgura li l-finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi jippermetti b'mod xieraq lir-rikorrenti u lill-benefiċjarji fil-mira jkollhom aċċess għall-ġustizzja, u tiżgura r-responsabbiltà korporattiva.

### *Artikolu 2*

*Kamp ta' applikazzjoni*

Din id-Direttiva tapplika għal partijiet terzi finanzjaturi kummerċjali ta' litigazzjoni (minn hawn 'il quddiem "finanzjaturi ta' litigazzjoni") u għal ftehimiet kummerċjali ta' finanzjament minn partijiet terzi (minn hawn 'il quddiem "ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi"), irrispettivament min-natura tal-pretensjonijiet relatati. Għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali eżistenti li tippermetti li jitressqu l-pretensjonijiet, b'mod partikolari l-liġi dwar il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, dwar il-protezzjoni ambjentali, u l-liġi li tirregola l-proċedimenti ta' insolvenza jew ir-responsabbiltà;

### *Artikolu 3*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "finanzjatur ta' litigazzjoni" tfisser kwalunkwe impriża kummerċjali li tidħol fi ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi fir-rigward tal-proċedimenti, anke jekk ma tkunx parti f'dawk il-proċedimenti, lanqas avukat u lanqas professjonist legali ieħor li jirrappreżenta parti f'tali proċedimenti, jew fornitur ta' servizzi tal-assigurazzjoni regolati lil parti f'tali proċedimenti, u li jkollha l-għan primarju li tirċievi redditu fuq investiment li tagħmel billi tipprovdi finanzjament fir-rigward ta' dawk il-proċedimenti jew li takkwista vantaġġ kompetittiv f'suq speċifiku;

(b) "rikorrent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tressaq jew li jkollha l-ħsieb li tressaq proċedimenti kontra parti oħra quddiem qorti jew awtorità amministrattiva;

(c) "qorti jew awtorità amministrattiva" tfisser qorti kompetenti, awtorità amministrattiva, korp tal-arbitraġġ jew korp ieħor inkarigat milli jiddeċiedi dwar il-proċedimenti, skont id-dritt nazzjonali;

(d) "benefiċjarju fil-mira" tfisser persuna li hija intitolata li tirċievi sehem minn ammont mogħti fi proċedimenti u li l-interessi tagħha fil-proċedimenti huma rrappreżentati mir-rikorrent iffinanzjat jew minn entità kwalifikata li tressaq l-azzjoni bħala parti tar-rikorrent f'isem dik il-persuna matul l-azzjonijiet rappreżentattivi;

(e) "proċedimenti" tfisser kwalunkwe litigazzjoni ċivili jew kummerċjali domestika jew transfruntiera, jew kwalunkwe proċedura ta' arbitraġġ volontarju jew mekkaniżmu alternattiv għas-soluzzjoni tat-tilwim, li permezz tiegħu jintalab rimedju quddiem qorti jew awtorità amministrattiva fl-Unjoni fir-rigward ta' tilwima;

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

(f) "entità kwalifikata" tfisser organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tal-konsumaturi u maħtura bħala kwalifikata skont id-Direttiva (UE) 2020/1828;

(g) "awtorità superviżorja" tfisser awtorità pubblika maħtura minn Stat Membru biex tkun responsabbli għall-għoti, is-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-finanzjaturi ta' litigazzjoni, u għas-superviżjoni tal-attivitajiet tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni;

(h) "ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi" tfisser ftehim li fih finanzjatur ta' litigazzjoni jaqbel li jiffinanzja l-kostijiet kollha tal-proċedimenti jew parti minnhom biex bi skambju jirċievi sehem mill-ammont monetarju mogħti lir-rikorrent jew tariffa ta' suċċess, sabiex il-finanzjatur ta' litigazzjoni jiġi rimborżat għall-finanzjament li jkun ipprovda u, fejn applikabbli, tiġi koperta r-remunerazzjoni għas-servizz ipprovdut, ibbażata kompletament jew parzjalment fuq l-eżitu tal-proċedimenti. Din id-definizzjoni tkopri l-ftehimiet kollha li fihom jintlaħaq qbil dwar tali gwadann, kemm jekk offrut bħala servizz indipendenti, kif ukoll jekk miksub permezz ta' xiri jew assenjazzjoni tal-pretensjoni.

## *Kapitolu II*

## *Approvazzjoni tal-attivitajiet tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni fi ħdan l-Unjoni*

### *Artikolu 4*

*Sistema ta' awtorizzazzjoni*

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw f'konformità mal-liġi nazzjonali jekk jistgħux jiġu offruti ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi fir-rigward ta' proċedimenti fil-ġurisdizzjoni tagħhom, għall-benefiċċju ta' rikorrenti jew benefiċjarji fil-mira residenti fit-territorju tagħhom.

2. Fejn attivitajiet ta' finanzjament minn partijiet terzi jkunu permessi, l-Istati Membri għandhom joħolqu sistema għall-awtorizzazzjoni u għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni fit-territorju tagħhom. Dik is-sistema għandha tinkludi l-ħatra ta' dipartiment superviżorju jew awtorità superviżorja indipendenti inkarigati bl-għoti, bis-sospensjoni jew bl-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għall-finanzjaturi ta' litigazzjoni u bis-superviżjoni tal-attivitajiet tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni.

3. Is-sistema ta' awtorizzazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tapplika biss għall-attivitajiet marbuta mal-offerta ta' ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi minn finanzjaturi ta' litigazzjoni. Meta l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jkunu wkoll il-fornituri ta' servizzi oħra legali, finanzjarji jew ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet taħt is-superviżjoni ta' awtorità oħra fl-Unjoni, din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe sistema ta' superviżjoni u awtorizzazzjoni li teżisti fir-rigward ta' dawk is-servizzi l-oħra.

### *Artikolu 5*

*Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jagħtu jew iżommu biss awtorizzazzjonijiet, kemm jekk għal litigazzjoni domestika jew inkella transfruntiera jew għal proċedimenti oħra, lill-finanzjaturi ta' litigazzjoni li jikkonformaw ma' din id-Direttiva, u li jissodisfaw, minbarra kwalunkwe kriterju ta' adegwatezza jew kriterju ieħor kif jista' jiġi stabbilit fil-liġi nazzjonali, tal-inqas il-kriterji li ġejjin:

(a) iwettqu n-negozju tagħhom permezz ta' uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru, u japplikaw għal awtorizzazzjoni u jżommuha f'dak l-istess Stat Membru;

(b) jimpenjaw ruħhom li jikkonkludu ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi soġġetti għal-liġijiet tal-Istat Membru ta' kwalunkwe proċediment fil-mira, jew, jekk differenti, tal-Istat Membru tar-rikorrent jew tal-benefiċjarji fil-mira;

(c) juru għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja li għandhom proċeduri u strutturi ta' governanza stabbiliti biex jiżguraw il-konformità kontinwa tagħhom ma' din id-Direttiva, mar-rekwiżiti ta' trasparenza u mar-relazzjonijiet fiduċjarji li din id-Direttiva tipprevedi, u li stabbilew proċeduri interni biex jipprevjenu kunflitt ta' interess bejnhom u l-konvenuti fi proċedimenti li jinvolvu l-finanzjatur ta' litigazzjoni;

(d) jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' adegwatezza tal-kapital stabbiliti fl-Artikolu 6; u

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

(e) jissodisfaw lill-awtorità superviżorja li għandhom il-governanza u l-proċeduri stabbiliti biex jiżguraw li d-dmir fiduċjarju previst fl-Artikolu 7 jiġi rilaxxat u rrispettat.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu b’mod reċiproku l-awtorizzazzjoni mogħtija lil finanzjatur ta’ litigazzjoni fi Stat Membru ieħor u għalhekk jippermettulhom b’mod awtomatiku joperaw fl-Istat Membru tagħhom, dment li l-awtorizzazzjoni inizjali tibqa’ valida.

3. Is-sistema ta’ awtorizzazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 4 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jirregola l-forniment ta’ servizzi finanzjarji, l-attività ta’ investiment, jew il-protezzjoni tal-konsumatur.

### *Artikolu 6*

*Adegwatezza tal-kapital*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom is-setgħa li jivverifikaw jekk il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jistax ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom f’kull ħin riżorsi finanzjarji adegwati biex jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom skont il-ftehimiet tagħhom ta’ finanzjament minn partijiet terzi. B’mod partikolari, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jiżguraw li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jkollhom il-kapaċità li:

(a) iħallsu d-djun kollha li jirriżultaw mill-ftehimiet tagħhom ta’ finanzjament minn partijiet terzi meta jsiru dovuti u pagabbli; u

(b) jiffinanzjaw l-istadji kollha ta’ kwalunkwe proċediment li jkunu impenjaw ruħhom għalih, inkluż għall-proċess u għal kwalunkwe appell sussegwenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jitħallew juru li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 billi jipprovdu ċertifikazzjoni jew attestazzjoni li skema ta’ assigurazzjoni, fejn ikun meħtieġ, tkopri kompletament il-kostijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom is-setgħa li jivverifikaw jekk il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jkunux jistgħu jżommu aċċess f’kull ħin għal-likwidità minima meħtieġa biex iħallsu bis-sħiħ il-kostijiet avversi prevedibbli kollha fil-proċedimenti kollha li jkunu ffinanzjaw. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom ikunu jistgħu jitolbu lill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jipprovdu sigurtà għall-kostijiet fil-forom ammessi mil-liġi nazzjonali, f’każ li r-rikorrent jitlob dan abbażi ta’ tħassib speċifiku motivat.

4. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fond tal-assigurazzjoni speċifiku biex ikopri l-kostijiet kollha pendenti tar-rikorrenti li jkunu involvew ruħhom *bona fide* f’litigazzjoni, f’każ li finanzjatur ta’ litigazzjoni jsir insolventi matul il-proċedura ta’ litigazzjoni. Meta tali fond jiġi stabbilit minn Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li jkun ġestit u ffinanzjat pubblikament permezz ta’ tariffi annwali pagabbli minn finanzjaturi ta’ litigazzjoni awtorizzati.

### *Artikolu 7*

*Dmir fiduċjarju*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jingħataw is-setgħa jivverifikaw li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jkollhom il-governanza u l-proċeduri interni stabbiliti biex jiżguraw li l-ftehimiet ta’ finanzjament minn partijiet terzi li jidħlu fihom ikunu bbażati fuq relazzjoni fiduċjarja u li jimpenjaw ruħhom skont dawk il-ftehimiet li jaġixxu b’mod ġust, trasparenti u li josservaw id-dmir fiduċjarju ta’ diliġenza li jeżiġi li jaġixxu fl-aħjar interessi ta’ rikorrent.

2. Meta rikorrent ikollu l-ħsieb li jagħmel pretensjoni f’isem ħaddieħor fi proċedimenti, bħal meta r-rikorrent ikun entità kwalifikata li tirrappreżenta lill-konsumaturi, il-finanzjatur ta’ litigazzjoni għandu jkollu l-obbligu ta’ dmir fiduċjarju fil-konfront ta’ tali benefiċjarji fil-mira. Il-finanzjaturi ta’ litigazzjoni għandhom ikunu obbligati jaġixxu b’mod li jkun konsistenti mad-dmir fiduċjarju tagħhom matul il-proċedimenti. Fil-każ ta’ kunflitt bejn l-interessi tal-finanzjatur ta’ litigazzjoni u dawk tar-rikorrenti jew tal-benefiċjarji fil-mira, il-finanzjatur ta’ litigazzjoni għandu jimpenja ruħu li jqiegħed l-interessi tar-rikorrenti jew tal-benefiċjarji fil-mira qabel l-interessi tiegħu stess.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

## *Kapitolu III*

## *Setgħat tal-awtoritajiet superviżorji u l-koordinazzjoni bejniethom*

### *Artikolu 8*

*Setgħat tal-awtoritajiet superviżorji*

1. Fejn ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi huma permessi f'konformità mal-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li awtorità superviżorja pubblika indipendenti tkun responsabbli għas-sorveljanza tal-awtorizzazzjoni ta' finanzjaturi ta' litigazzjoni stabbiliti fil-ġuriżdizzjoni tagħha, filwaqt li jiġu offruti ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi lil rikorrenti u lil benefiċjarji fil-mira fil-ġuriżdizzjoni tagħha, jew fir-rigward ta' proċedimenti fil-ġuriżdizzjoni tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċedura ta' lment tkun stabbilita għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tixtieq tqajjem tħassib quddiem awtorità superviżorja fir-rigward tal-konformità ta' finanzjatur ta' litigazzjoni mal-obbligi tiegħu skont din id-Direttiva u l-liġi nazzjonali applikabbli.

3. Minkejja l-proċedura ta' lment imsemmija fil-paragrafu 2, fil-każ ta' proċedimenti legali li jkunu jinsabu għaddejjin li jinvolvu l-finanzjatur ta' litigazzjoni, it-tħassib imqajjem mill-konvenut f'tali proċedimenti rigward il-konformità ta' finanzjatur ta' litigazzjoni mal-obbligi tiegħu skont din id-Direttiva u l-liġi nazzjonali applikabbli għandu jiġi trattat mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva kompetenti f'konformità mal-Artikolu 16(2).

4. Kull awtorità superviżorja għandha b'mod partikolari tingħata s-setgħa u tkun meħtieġa li:

(a) tirċievi applikazzjonijiet mingħand il-finanzjaturi ta' litigazzjoni għall-awtorizzazzjoni u kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għall-finijiet tal-kunsiderazzjoni ta' dawk l-applikazzjonijiet, u tiddeċiedi dwar kwalunkwe applikazzjoni bħal din fil-ħin;

(b) tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex tagħti jew tiċħad l-awtorizzazzjoni lil kwalunkwe finanzjatur ta' litigazzjoni applikant, tirtira kwalunkwe awtorizzazzjoni, jew timponi kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali fuq kwalunkwe finanzjatur ta' litigazzjoni awtorizzat;

(c) tiddeċiedi dwar l-adegwatezza u l-idoneità ta' finanzjatur ta' litigazzjoni, inkluż b'referenza għall-esperjenza, għar-reputazzjoni, għall-proċessi interni biex jiġu evitati u riżolti l-kunflitti ta' interess, u għall-għarfien tiegħu;

(d) tippubblika fuq is-sit web tagħha kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont il-punt (b), filwaqt li tqis kif xieraq il-kunfidenzjalità kummerċjali;

(e) tivvaluta mill-inqas kull sena jekk finanzjatur ta' litigazzjoni awtorizzat ikunx għadu qed jikkonforma mal-kriterji għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) u tiżgura li tali awtorizzazzjoni tiġi sospiża jew irtirata jekk il-finanzjatur ta' litigazzjoni ma jkunx għadu qed jikkonforma ma' wieħed jew iktar minn dawk il-kriterji. Tali sospensjoni jew irtirar ma għandhomx jaffettwaw id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-benefiċjarji tal-proċedimenti li fihom jista' jkun involut il-finanzjatur; u

(f) skont is-sistema msemmija fl-Artikolu 9, tirċievi u tinvestiga l-ilmenti b'rabta mal-imġiba ta' finanzjatur ta' litigazzjoni u l-konformità ta' tali finanzjatur ta' litigazzjoni mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu IV ta' din id-Direttiva u kwalunkwe rekwiżit ieħor applikabbli skont il-liġi nazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jkunu meħtieġa jinnotifikaw awtorità superviżorja mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe bidla li taffettwa l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-adegwatezza tal-kapital stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 6. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jiċċertifikaw kull sena li huma jkunu għadhom konformi ma' dawk il-paragrafi.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jissorveljaw ir-relazzjonijiet fiduċjarji bejn il-finanzjaturi ta' litigazzjoni u r-rikorrenti u l-benefiċjarji fil-mira b'mod ġenerali, u jkunu jistgħu jagħmlu struzzjonijiet u ordnijiet biex jiżguraw li l-interessi tar-rikorrenti u dawk tal-benefiċjarji fil-mira jkunu protetti.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

### *Artikolu 9*

*Investigazzjonijiet u lmenti*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm stabbilita sistema tal-ilmenti li tippermetti li l-ilmenti jiġu riċevuti u investigati kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.

2. Skont is-sistema tal-ilmenti msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jingħataw is-setgħa jivvalutaw mingħajr dewmien żejjed jekk finanzjatur ta' litigazzjoni jkunx konformi ma' kwalunkwe obbligu jew kundizzjoni assoċjati mal-awtorizzazzjoni tiegħu, mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u ma' kwalunkwe rekwiżit ieħor applikabbli skont il-liġi nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-eżerċitar tas-sorveljanza tagħhom fir-rigward tal-konformità tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni ma' obbligi jew kundizzjonijiet assoċjati mal-awtorizzazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jingħataw is-setgħa li

(i) jinvestigaw ilmenti riċevuti minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika f'konformità mal-Artikolu 8(2) u soġġett għall-Artikolu 8(3);

(ii) jinvestigaw ilmenti minn kwalunkwe awtorità superviżorja oħra jew mill-Kummissjoni;

(iii) jibdew investigazzjonijiet fuq bażi *ex officio*,

(iv) jibdew investigazzjonijiet wara rakkomandazzjoni minn qorti jew awtorità amministrattiva li jkollha tħassib li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment quddiem tali qorti jew awtorità amministrattiva rigward il-konformità ta' finanzjatur ta' litigazzjoni mal-obbligi jew mal-kundizzjonijiet assoċjati mal-awtorizzazzjoni tiegħu.

### *Artikolu 10*

*Koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji tagħhom japplikaw din id-Direttiva f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri oħra.

2. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tikkoordina l-attivitajiet tal-awtoritajiet superviżorji fit-twettiq tal-funzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, u għandha tlaqqa' u tippresjedi network ta' awtoritajiet superviżorji. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-modalitajiet għall-kooperazzjoni fi ħdan in-network tal-awtoritajiet superviżorji, u għandha tirrevedihom perjodikament, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji.

3. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu jikkonsultaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni li tinvolvi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni tista' toħroġ linji gwida, rakkomandazzjonijiet, avviżi dwar l-aħjar prattiki u opinjonijiet konsultattivi għall-awtoritajiet superviżorji dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u b'rabta ma' kwalunkwe inkonsistenza apparenti f'dan ir-rigward, jew b'rabta mas-superviżjoni ta' kwalunkwe finanzjatur ta' litigazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi wkoll ċentru ta' kompetenza biex tipprovdi għarfien espert kwalifikat lill-qorti jew lill-awtoritajiet amministrattivi li jkunu qed ifittxu parir dwar kif għandhom jiġu vvalutati l-attivitajiet tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni fi ħdan l-Unjoni.

4. Kull awtorità superviżorja għandha tistabbilixxi lista ta' finanzjaturi ta' litigazzjoni awtorizzati, tikkomunikaha lill-Kummissjoni u tagħmel dik il-lista disponibbli għall-pubbliku. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jaġġornaw dik il-lista kull meta jkun hemm bidliet fiha u jinfurmaw lill-Kummissjoni skont dan.

5. Kull awtorità superviżorja għandha tikkomunika, fuq talba, lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet superviżorji oħra, id-dettalji tad-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tas-superviżjoni tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni, inklużi dettalji tad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 8(4), il-punt (b).

6. Meta finanzjatur ta' litigazzjoni jkun talab awtorizzazzjoni minn awtorità superviżorja, u sussegwentement ifittex awtorizzazzjoni mingħand awtorità oħra, tali awtoritajiet superviżorji għandhom jikkoordinaw u jaqsmu l-informazzjoni sa fejn ikun xieraq, bil-għan li jieħdu deċiżjonijiet konsistenti, filwaqt li b'mod xieraq iqisu r-regoli nazzjonali diverġenti.

It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022

7. Meta finanzjatur ta' litigazzjoni jkun awtorizzat minn awtorità superviżorja fi Stat Membru, iżda jkun jixtieq joffri ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi għall-benefiċċju ta' rikorrent jew ta' benefiċjarju fil-mira ieħor fi Stat Membru ieħor, jew għal proċedimenti fi Stat Membru ieħor, huwa għandu jippreżenta prova tal-awtorizzazzjoni mill-awtorità superviżorja tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu. Meta awtorità superviżorja f'dak l-Istat Membru l-ieħor tkun konxja minn irregolaritajiet fl-imġiba tal-finanzjatur ta' litigazzjoni, hija għandha tinforma direttament lill-awtorità superviżorja responsabbli.

### *Artikolu 11*

### ***Eżerċizzju tad-delega***

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi].

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 10(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## ***Kapitolu IV***

## ***Ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi u attivitajiet tal-finanzjaturi ta' litigazzjoni***

### *Artikolu 12*

*Kontenut tal-ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun meħtieġ li l-ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi jiġu provduti bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih ikunu residenti r-rikorrent u l-benefiċjarji fil-mira, u jiġu ppreżentati b'mod ċar u li jinftiehem faċilment u jinkludu bħala minimu:

a. il-kostijiet u l-ispejjeż differenti li l-finanzjatur ta' litigazzjoni se jkopri;

b. is-sehem ta' kwalunkwe ammont mogħti jew tariffa li se jitħallsu lill-finanzjatur ta' litigazzjoni jew lil kwalunkwe parti terza oħra, jew kwalunkwe kost finanzjarju ieħor li jkun se jiġġarrab, direttament jew indirettament, mir-rikorrenti, mill-benefiċjarji fil-mira, jew mit-tnejn li huma;

c. referenza għar-responsabbiltà tal-finanzjatur ta' litigazzjoni fir-rigward ta' kostijiet avversi, f'konformità mal-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva;

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

d. klawżola li tispeċifika li kwalunkwe ammont mogħti li minnu jistgħu jitnaqqsu t-tariffi tal-finanzjatur l-ewwel jitħallas bis-sħiħ lir-rikorrenti li mbagħad jistgħu sussegwentement iħallsu kwalunkwe somma miftiehma lill-finanzjaturi ta’ litigazzjoni bħala tariffi jew kummissjoni, filwaqt li jinżammu tal-inqas l-ammonti minimi previsti f’din id-Direttiva;

e. ir-riskji li r-rikorrenti, il-benefiċjarji fil-mira jew it-tnejn li huma qed jassumu, inklużi:

i. l-ambitu għall-eskalazzjoni tal-kostijiet fil-litigazzjoni, u kif dan ikollu impatt fuq l-interessi finanzjarji tar-rikorrenti, tal-benefiċjarji jew tat-tnejn li huma;

ii. iċ-ċirkostanzi ddefiniti b’mod strett li fihom jista’ jiġi tterminat il-ftehim ta’ finanzjament minn partijiet terzi u r-riskji għar-rikorrenti, għall-benefiċjarji jew għat-tnejn li huma f’dak ix-xenarju, u

iii. kwalunkwe riskju potenzjali li jkollhom jitħallsu kostijiet avversi, inklużi ċirkostanzi li fihom l-assigurazzjoni tal-kostijiet avversi jew l-indennizzi jistgħu ma jkoprux tali skopertura.

f. dikjarazzjoni ta’ ċaħda ta’ responsabbiltà fir-rigward tan-nonkundizzjonalità tal-finanzjament b’rabta mal-passi proċedurali;

g. dikjarazzjoni ta’ nuqqas ta’ kunflitt ta’ interess mill-finanzjatur ta’ litigazzjoni.

### *Artikolu 13*

*Rekwiżiti ta’ trasparenza u l-evitar tal-kunflitti ta’ interess*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jistabbilixxu politika u jimplimentaw proċessi interni biex jiġu evitati u riżolti l-kunflitti ta’ interess. Dik il-politika u dawk il-proċessi interni għandhom ikunu xierqa għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tal-finanzjatur ta’ litigazzjoni, u għandhom jiġu stabbiliti bil-miktub u magħmula disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-finanzjatur ta’ litigazzjoni. Dawn għandhom jiġu msemmija wkoll b’mod ċar f’anness għal kwalunkwe ftehim ta’ finanzjament minn partijiet terzi.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-finanzjaturi ta’ litigazzjoni jiddivulgaw lil rikorrent u lil benefiċjarji fil-mira fil-ftehim ta’ finanzjament minn partijiet terzi l-informazzjoni kollha li tista’ raġonevolment tiġi perċepita bħala li għandha l-potenzjal li twassal għal kunflitt ta’ interess. Id-divulgazzjonijiet tal-finanzjaturi ta’ litigazzjoni għandhom jinkludi tal-inqas dan li ġej:

(a) id-dettalji ta’ kwalunkwe arranġament li jeżisti, finanzjarju jew mod ieħor, bejn il-finanzjatur ta’ litigazzjoni u kwalunkwe impriża oħra li jkunu relatati mal-proċedimenti, inkluż kwalunkwe arranġament ma’ kwalunkwe entità kwalifikata rilevanti, aggregatur tal-pretensjonijiet, avukati, jew parti interessata oħra;

(b) id-dettalji ta’ kwalunkwe konnessjoni rilevanti bejn il-finanzjatur ta’ litigazzjoni u konvenut fil-proċedimenti, b’mod partikolari b’rabta ma’ kwalunkwe sitwazzjoni ta’ kompetizzjoni.

### *Artikolu 14*

*Ftehimiet u klawżoli invalidi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ftehimiet ta’ finanzjament minn partijiet terzi konklużi ma’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma jkunux awtorizzati jaġixxu bħala finanzjatur ta’ litigazzjoni ma jkollhom l-ebda effett legali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet terzi finanzjaturi ma jitħallewx jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta’ rikorrent matul il-proċedimenti b’mod li jibbenefika lill-finanzjatur ta’ litigazzjoni nnifsu għad-detriment tar-rikorrent. Għal dak il-għan, kwalunkwe klawżola fi ftehimiet ta’ finanzjament minn partijiet terzi li tagħti lil finanzjatur ta’ litigazzjoni s-setgħa li jieħu jew jinfluwenza deċiżjonijiet fir-rigward tal-proċedimenti ma għandu jkollha l-ebda effett legali. Kwalunkwe tali klawżola jew arranġament li jikkonsistu, fost l-oħrajn, minn dan li ġej ma għandu jkollhom l-ebda effett legali:

(a) l-għoti ta’ setgħa espliċita lil finanzjatur ta’ litigazzjoni biex jieħu jew jinfluwenza deċiżjonijiet matul il-proċedimenti, bħal fir-rigward ta’ pretensjonijiet speċifiċi segwiti, is-soluzzjoni tal-kawża, jew il-ġestjoni tal-ispejjeż assoċjati mal-proċedimenti;

(b) l-għoti ta’ kapital jew kwalunkwe riżorsa oħra b’valur monetarju għall-finijiet ta’ proċedimenti, kontinġenti fuq l-approvazzjoni minn partijiet terzi finanzjaturi tal-użu speċifiku tagħhom.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

3. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-ftehimiet li fihom il-finanzjatur ta' litigazzjoni jkollu l-garanzija li se jirċievi redditu minimu fuq l-investiment tiegħu qabel ma rikorrent jew benefiċjarju fil-mira jkun jista' jirċievi s-sehem tiegħu ma jkollhom l-ebda effett legali.

4. Fin-nuqqas ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ftehim ta' finanzjament ta' litigazzjoni jagħti d-dritt lil finanzjatur ta' litigazzjoni għal sehem ta' kwalunkwe ammont mogħti li jdgħajjef is-sehem disponibbli għar-rikorrent u għall-benefiċjarji fil-mira għal 60 % jew inqas tal-ammont mogħti totali, inklużi l-ammonti kollha tad-danni, il-kostijiet, it-tariffi u spejjeż oħrajn, tali ftehim ma għandu jkollu l-ebda effett legali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi ma jkunx fihom dispożizzjonijiet li jillimitaw ir-responsabbiltà ta' finanzjatur ta' litigazzjoni fil-każ ta' ordni għal kostijiet avversi wara proċedimenti bla suċċess. Id-dispożizzjonijiet bl-għan li jillimitaw ir-responsabbiltà ta' finanzjatur ta' litigazzjoni għall-kostijiet ma għandu jkollhom l-ebda effett legali.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi ma jippermettux l-irtirar ta' dak il-finanzjament, ħlief f'ċirkostanzi preskritti ddefiniti mil-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15(1).

7. Ir-rikorrenti u l-benefiċjarji fil-mira għandhom jiġu indennizzati fir-rigward ta' kwalunkwe telf ikkawżat minn finanzjatur ta' litigazzjoni li jkun daħal fi ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi li jinstab li jkun invalidu. Id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-benefiċjarji fil-mira tal-proċedimenti ma għandhomx jiġu affettwati.

### *Artikolu 15*

*Terminazzjoni ta' ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi*

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-terminazzjoni unilaterali ta' ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi minn finanzjatur ta' litigazzjoni mingħajr il-kunsens infurmat tar-rikorrent, ħlief meta qorti jew awtorità amministrattiva tkun tat lill-finanzjatur ta' litigazzjoni l-permess li jittermina l-ftehim, wara li tkun ikkunsidrat jekk l-interessi tar-rikorrent u tal-benefiċjarji fil-mira jkunux protetti b'mod adegwat minkejja t-terminazzjoni.

2. Għandu jkun meħtieġ li jingħata avviż suffiċjenti kif previst fil-liġi nazzjonali sabiex jiġi tterminat il-ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi.

## *Kapitolu V*

## *Rieżami mill-qrati jew mill-awtoritajiet amministrattivi*

### *Artikolu 16*

*Divulgazzjoni tal-ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rikorrenti jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu meħtieġa jinfurmaw lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva rilevanti bl-eżistenza ta' ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi u bl-identità tal-finanzjatur ta' litigazzjoni u jipprovdu, fuq talba tal-qorti jew tal-awtorità amministrattiva jew tal-konvenut, lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva rilevanti, kopja kompluta u mhux redatta ta' tali ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi relatati mal-proċedimenti kkonċernati lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva rilevanti fl-iktar stadju bikri ta' dawk il-proċedimenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-konvenuti jiġu mgħarrfa mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva bl-eżistenza ta' ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi, u bl-identità tal-finanzjatur ta' litigazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jingħataw is-setgħa jirrieżaminaw il-ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi f'konformità mal-Artikolu 17, fuq it-talba ta' parti fil-proċedimenti, meta dik il-parti jkollha dubji ġustifikati fir-rigward tal-konformità ta' tali ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi ma' din id-Direttiva u ta' kwalunkwe liġi nazzjonali oħra applikabbli, jew fuq inizjattiva proprja.

### *Artikolu 17*

*Rieżami ta' ftehimiet ta' finanzjament minn partijiet terzi mill-qrati jew mill-awtoritajiet amministrattivi*

L-Istati Membri għandhom jaħtru l-qorti jew l-awtorità amministrattiva kompetenti biex twettaq il-kompiti ġudizzjarji u amministrattivi differenti previsti f'din id-Direttiva. Tali ħatra għandha b'mod partikolari tispeċifika li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva li quddiemha titressaq kawża ffinanzjata privatament għandha twettaq kontrolli, mingħajr dewmien żejjed u fuq it-talba ta' parti fil-proċedimenti jew fuq inizjattiva proprja, dwar l-impatt tal-ftehimiet ta' finanzjament fuq il-kawżi li jitressqu quddiemha, billi teżerċita s-setgħat:

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

(a) li tagħmel ordnijiet jew tagħti struzzjonijiet li huma vinkolanti fuq finanzjatur ta' litigazzjoni, bħal pereżempju li tirrikjedi li l-finanzjatur ta' litigazzjoni jipprovdi l-finanzjament kif miftiehem fil-ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi rilevanti jew li tirrikjedi li l-finanzjatur ta' litigazzjoni jagħmel bidliet fir-rigward tal-finanzjament rilevanti;

(b) li tivvaluta l-konformità ta' kull ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, b'mod partikolari mad-dmir fiduċjarju dovut lil rikorrenti u lil benefiċjarji fil-mira skont l-Artikolu 7, u, fejn jinstab li dak il-ftehim ma jkunx konformi, tordna lill-finanzjatur ta' litigazzjoni jagħmel il-bidliet meħtieġa, jew tiddikjara klawżola bħala nulla u bla effett f'konformità mal-Artikolu 14;

(c) li tevalwa l-konformità ta' kull ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi fir-rigward tar-rekwiżiti ta' trasparenza skont l-Artikolu 13;

(d) li tivvaluta jekk ftehim ta' finanzjament minn partijiet terzi jagħtix id-dritt lil finanzjatur ta' litigazzjoni għal sehem inġust, sproporzjonat jew mhux raġonevoli ta' kwalunkwe ammont mogħti kif deskritt fl-Artikolu 14(4), u biex tannulla jew taġġusta tali ftehimiet skont dan. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw li meta jagħmlu tali valutazzjoni, il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti jistgħu jqisu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi tal-proċedimenti fil-mira jew li jkunu jinsabu għaddejjin inkluż, kif xieraq:

(i) il-partijiet li jkunu involuti fil-kawża, kif ukoll il-benefiċjarji fil-mira tal-proċedimenti, u dak li fehmu li ġie miftiehem fir-rigward tal-ammont li l-finanzjatur ta' litigazzjoni jirċievi skont il-ftehim ta' finanzjament, meta eżitu jkun ta' suċċess;

(ii) il-valur probabbli ta' kwalunkwe ammont mogħti;

(iii) il-valur ta' kontribuzzjoni finanzjarja ta' finanzjatur ta' litigazzjoni u l-proporzjon tal-kostijiet kumplessivi tar-rikorrent li jiġi ffinanzjat mill-finanzjatur ta' litigazzjoni, u

(iv) il-proporzjon ta' kwalunkwe ammont mogħti li r-rikorrent u l-benefiċjarji fil-mira huwa previst li jirċievu;

(e) li tiġi imposta kwalunkwe penali li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva tqis xierqa biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva;

(f) li ssir konsultazzjoni jew jitfittex għarfien espert minn persuni b'għarfien u indipendenza xierqa biex jassistu fit-twettiq tas-setgħat ta' valutazzjoni tal-qorti jew tal-awtorità amministrattiva, inkluż minn kwalunkwe espert kwalifikat kif xieraq jew minn awtoritajiet superviżorji.

## *Artikolu 18*

*Responsabbiltà għall-kostijiet avversi*

1. Meta l-parti rikorrenti ma jkollhiex biżżejjed riżorsi biex tkopri l-kostijiet avversi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jingħataw is-setgħa li jagħmlu ordnijiet tal-kostijiet kontra l-finanzjaturi ta' litigazzjoni, kemm b'mod konġunt mar-rikorrenti kif ukoll separatament, wara eżitu bla suċċess fil-proċedimenti. F'każ bħal dan, il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jistgħu jirrikjedu li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni jħallsu kwalunkwe kost avvers xieraq, filwaqt li jqisu:

(a) il-valur u l-proporzjon ta' kwalunkwe ammont mogħti li l-finanzjatur ta' litigazzjoni jkun irċieva kieku l-pretensjoni kienet ta' suċċess;

(b) il-punt sa fejn kwalunkwe kost li ma jitħallasx minn finanzjatur ta' litigazzjoni jaqa' minflok fuq konvenut, ir-rikorrent, jew kwalunkwe benefiċjarju fil-mira ieħor;

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

(c) l-imġiba tal-finanzjatur ta' litigazzjoni matul il-proċedimenti u, b'mod partikolari, il-konformità tiegħu ma' din id-Direttiva u jekk l-imġiba tiegħu kkontribwietx għall-kost kumplessiv tal-proċedimenti; u

(d) il-valur tal-investiment inizjali tal-finanzjatur ta' litigazzjoni.

## *Kapitolu VI*

## *Dispożizzjonijiet finali*

### *Artikolu 19*

*Sanzjonijiet*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, [sa …/mingħajr dewmien], jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha [, mingħajr dewmien,] bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

2. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu b'mod partikolari jimponu multi proporzjonati kkalkolati abbażi tal-fatturat ta' impriża, jirtiraw temporanjament jew b'mod indefinit l-awtorizzazzjoni biex joperaw, u jistgħu jimponu sanzjonijiet amministrattivi xierqa oħra.

### *Artikolu 20*

*Rieżami*

1. Il-Kummissjoni għandha, mhux iktar tard minn …[(…) snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva], twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-evalwazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar regolamentazzjoni aħjar. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tivvaluta l-effettività tad-Direttiva, b'attenzjoni partikolari għal-livell ta' tariffi jew ta' mgħax imnaqqsa mill-ammonti mogħtija lir-rikorrenti, inkluż minn tal-benefiċjarji fil-mira, favur il-finanzjaturi ta' litigazzjoni, l-impatt li l-finanzjaturi ta' litigazzjoni għandhom fuq il-livell ta' attività ta' soluzzjoni ta' tilwim u l-punt sa fejn il-finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi ppermetta aċċess aħjar għall-ġustizzja.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, għall-ewwel darba sa …[(…) snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva] u sussegwentement kull sena, bl-informazzjoni li ġejja meħtieġa għall-preparazzjoni tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) l-identità, in-numru u t-tip ta' entitajiet li huma rikonoxxuti bħala finanzjaturi ta' litigazzjoni awtorizzati;

(b) kwalunkwe bidla f'dik il-lista u r-raġunijiet għaliha;

(c) in-numru u t-tip ta' proċedimenti li huma ffinanzjati kompletament jew parzjalment minn finanzjatur ta' litigazzjoni;

(d) l-eżiti ta' dawk il-proċedimenti f'termini tal-ammonti miksuba mill-finanzjaturi ta' litigazzjoni meta mqabbla mal-ammonti mogħtija lir-rikorrenti u lill-benefiċjarji fil-mira.

### *Artikolu 21*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa… [jum/xahar/sena], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn … [jum/xahar/sena].

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

***Artikolu 22***

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

***Artikolu 23***

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

P9_TA(2022)0310

# Strateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 – Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar Strateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 – Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa (2022/2016(INI))

(2023/C 125/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Lulju 2021 bit-titolu “L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030” (COM(2021)0572),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Foresti – It-Triq ’il Quddiem ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta’ April 2015 dwar “Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti” ([2]),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b’mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f’Pariġi fit-12 ta’ Diċembru 2015 (il-Ftehim ta’ Pariġi),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640), u l-linji gwida politiċi konsegwenti tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen u l-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-Ħabitats) ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/268 tat-28 ta’ Ottubru 2020 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli ta’ referenza għall-foresti li jeħtieġ jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perjodu 2021-2025 ([7]),

---

([1]) ĠU C 395, 29.9.2021, p. 37.
([2]) ĠU C 346, 21.9.2016, p. 17.
([3]) ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.
([4]) ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1.
([5]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.
([6]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([7]) ĠU L 60, 22.2.2021, p. 21.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titlu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2021 bit-titlu "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040" (COM(2021)0345),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titlu "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja" (COM(2020)0662),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ottubru 2018 bit-titlu "Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent" (COM(2018)0673),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2022 dwar is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel (COM(2022)0133),

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 ([8]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2021 dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2021 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030" ([9]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-28 ta' April 2022 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030",

— wara li kkunsidra r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2021 bit-titlu "Rapport Speċjali 21/2021 – Il-finanzjament tal-UE għall-bijodiversità u t-tibdil fil-klima fil-foresti tal-UE: riżultati pożittivi iżda limitati",

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2018 bit-titlu "Guidance on cascading use of biomass with selected good practice examples on woody biomass" (Gwida dwar l-użu kaskata tal-bijomassa b'eżempji magħżula ta' prattika tajba fuq il-bijomassa tal-injam),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2020 taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni bit-titlu "Mapping and Assessment of Ecosystems and their Services: An EU ecosystem assessment" (l-Immappjar u l-Valutazzjoni tal-Ekosistemi u s-Servizzi tagħhom: Valutazzjoni tal-ekosistema tal-UE),

---

([8]) ĠU L 189, 10.5.2022, p. 1.
([9]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 169.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tal-2020 bit-titlu "State of nature in the EU – Results from reporting under the nature directives 2013-2018" (L-Istat tan-natura fl-UE – Riżultati mir-rappurtar taħt id-direttivi tan-natura 2013-2018),

— wara li kkunsidra r-rapport Forest Europe tal-2020 bit-titlu "State of Europe's Forests 2020" (L-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Kunming – "Ecological Civilization: Building a Shared Future for All Life on Earth" (Ċivilizzazzjoni Ekoloġika: Nibnu Futur Komuni għall-Ħajja Kollha fid-Dinja),

— wara li kkunsidra r-r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma II tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) bit-titlu "Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability" Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà),

— wara li kkunsidra r-rapporti speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel u l-flussi ta' gass serra fl-ekosistemi terrestri

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' April 2018 fil-Kawża C-441/17, *Il-Kummissjoni Ewropea* v *ir-Repubblika tal-Polonja* ([10]),

— wara li kkunsidra l-proġetti u l-prattiki għall-koordinazzjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti fl-Ewropa (in-Network Ewropew tal-Inventarju Nazzjonali tal-Foresti (ENFIN), il-proġett FutMon, il-proġett Diabolo, l-Atlas Ewropew tal-Ispeċijiet tas-Siġar tal-Foresti, u l-programm tal-Immappjar u l-Valutazzjoni tal-Ekosistemi u s-Servizzi tagħhom (MAES)),

— wara li kkunsidra r-rapport kosponsorjat tal-IPBES u l-IPCC tas-Sessjoni ta' Ħidma dwar il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima tal-10 ta' Ġunju 2021,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regolament ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0225/2022),

A. billi l-UE stabbiliet il-miri vinkolanti li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u li tilħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 ([11]); billi l-UE ħadet l-impenn li tikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDG), inkluż l-SDG 15 li jikkonsisti fil-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi terrestri u l-promozzjoni tal-użu sostenibbli tagħhom, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-indirizzar tad-deżertifikazzjoni, il-waqfien u t-treġġigħ lura tad-degradazzjoni tal-art u l-waqfien tat-telf tal-bijodiversità, u li tirrispetta l-Ftehim ta' Pariġi u li tonora l-impenji li saru waqt il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2021 (COP26); billi l-foresti

([10]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-17 ta' April 2018 *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja* C-441/17, ECLI:EU:C:2018:255 (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u tal-flora selvaġġa – Artikolu 6(1) u (3) – Artikolu 12(1) – Direttiva 2009/147/KE – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Artikoli 4 u 5 – Sit Natura 2000 "Puszcza Białowieska" – Bidla fil-pjan ta' ġestjoni tal-foresti – Żieda fil-volum tal-injam esplojtabbli – Pjan jew proġett li ma humiex direttament meħtieġa għall-ġestjoni tas-sit u li jistgħu jaffettwaw lil dan is-sit b'mod sinifikattiv – Evalwazzjoni xierqa tal-effetti fuq is-sit – Ħsara għall-integrità tas-sit – Implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' konservazzjoni – Effetti fuq is-siti ta' riproduzzjoni u fuq iż-żoni ta' mistrieħ ta' speċi protetti).

([11]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima").

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

u l-industriji u s-servizzi bbażati fuq il-foresti, kif ukoll is-sidien u l-ħaddiema, se jkollhom rwol ewlieni u insostitwibbli fil-kisba tal-SDGs u l-miri tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li l-ekosistemi tal-foresti u r-raggruppamenti tal-karbonju tagħhom huma essenzjali għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, peress li jassorbu u jaħżnu madwar 10 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ewropa ([12]) u huma ospitanti ewlenin tal-bijodiversità;

B. billi l-Artikolu 4 tat-TFUE jipprevedi kompetenzi u responsabbiltà kondiviżi fir-rigward tal-foresti, b'mod partikolari fil-qafas tal-politika ambjentali tal-UE, filwaqt li ma jagħmel l-ebda referenza għal politika komuni tal-UE dwar il-foresti u b'hekk il-politika dwar il-foresti tibqa' kompetenza tal-Istati Membri; billi minħabba d-diversità kbira tal-foresti tal-UE fir-rigward tal-bijoġeografija, l-istruttura, id-daqs, il-bijodiversità, ix-xejriet tas-sjieda u l-politiki eżistenti, meta l-politika ambjentali, klimatika u ta' natura relevanti oħra tkun tolqot il-foresti, jeħtieġ li jiġu applikati kif xieraq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti (l-Istrateġija) u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE; billi d-dettalji relatati mal-ġestjoni tal-foresti jeħtieġ li jiġu aġġustati fil-livell nazzjonali u reġjonali, billi jittieħed approċċ minn isfel għal fuq; billi hija meħtieġa aktar koordinazzjoni fil-livell tal-UE biex jintlaħqu aħjar l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex ikun jista' jiġi kkalkulat b'mod aktar preċiż it-tnaqqis potenzjali tal-emissjonijiet u l-limiti tal-użu tal-foresti fid-dawl tar-rwol importanti tal-foresti biex jinkisbu l-objettivi klimatiċi Ewropej;

C. billi l-prinċipju tal-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala approċċ trasversali biex jiġu indirizzati l-isfidi klimatiċi u ambjentali, u biex jiġi żgurat li n-natura u l-bijodiversità jistgħu jiġru protetti kif xieraq, b'mod li joħloq tkabbir sostenibbli u impjiegi f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ċirkolari u kompetittiva, għandu jiggwida l-implimentazzjoni tal-istrateġija fil-ġestjoni tal-kompromessi, il-ħolqien ta' sinerġiji u s-sejbien ta' bilanċ tajjeb bejn id-diversi funzjonijiet tal-foresti, inklużi l-funzjonijiet soċjoekonomiċi, ambjentali u klimatiċi; billi "ekosistema" hija ambjent fiżiku magħmul minn komponenti ħajjin u mhux ħajjin li jinteraġixxu ma' xulxin; billi minn dawn l-interazzjonijiet, l-ekosistemi joħolqu fluss ta' benefiċċji għan-nies u għall-ekonomija msejħa "servizzi tal-ekosistema"; billi t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema assoċjati joħolqu theddida sistemika għas-soċjetà; billi l-foresti jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema, bħall-provvista tal-injam, prodotti mhux tal-injam u ikel, sekwestru tal-karbonju, kenn għall-bijodiversità, arja u ilma nodfa, benefiċċji għall-klima lokali, u protezzjoni kontra perikli naturali bħall-valangi, l-għargħar, in-nixfa u l-waqgħa tal-blat, u jipprovdu wkoll valur rikreattiv, kulturali u storiku; billi l-għan tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti huwa li tiġi żgurata l-provvista bbilanċjata tad-diversi servizzi tal-ekosistema u li jiġu appoġġati l-isforzi ta' adattament u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

D. billi l-prodotti magħmula mill-injam jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għax jaħżnu l-karbonju u jieħdu post prodotti b'marka tal-karbonju kbira, inklużi materjali tal-bini u tal-imballaġġ, tessuti, sustanzi kimiċi u fjuwils; billi l-prodotti magħmula mill-injam huma rinnovabbli u fil-biċċa l-kbira riċiklabbli, u bħala tali għandhom potenzjal enormi biex jappoġġjaw bijoekonomija ċirkolari; billi dan jagħmel lis-settur tal-forestrija u lill-industriji bbażati fuq il-foresti atturi ewlenin f'ekonomija ekoloġika;

E. billi bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" u l-mira li l-politika dwar il-klima tiġi allinjata mal-Ftehim ta' Pariġi, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u r-Regolament dwar l-Inklużjoni ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija ([13]) qed jiġu riveduti; billi l-Kummissjoni pproponiet regolament dwar prodotti li ma jikkawżawx deforestazzjoni; billi fid-dawl tal-kunċett Ewropew ta' foresti multifunzjonali, dawn l-inizjattivi jridu jkunu koerenti mal-miri politiċi ta' livell għoli tal-Patt Ekoloġiku, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijoekonomija, l-Istrateġija għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija għall-Foresti, l-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali;

([12]) Ir-Rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent Nru 5/2016, bit-titlu "European Forest Ecosystems: State and Trends" (Ekosistemi Ewropej tal-Foresti: Stat u Xejriet).

([13]) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

F. billi s-sjieda tal-foresti madwar l-Ewropa hija diversa f'termini ta' daqs u struttura ta' sjieda, u dan iwassal għal diversità kbira ta' mudelli ta' ġestjoni; billi madwar 60 % tal-foresti tal-UE huma proprjetà ta' 16-il miljun sid ta' foresti privati ([14]), li sehem sinifikanti minnhom huma detenturi agrikoli żgħar ([15]), filwaqt li madwar 40 % tal-foresti tal-UE jinsabu taħt forom differenti ta' sjieda pubblika; billi għadd żgħir ta' sidien tal-foresti għandhom sehem sinifikanti mill-erja totali tal-foresti, li wħud minnhom huma s-sidien tal-impjanti ewlenin tal-ipproċessar tal-injam tal-UE; billi l-involviment, l-appoġġ u l-motivazzjoni, qabel il-penali, ta' dawn is-sidien permezz ta' politika komprensiva u qafas leġiżlattiv li jipprovdi ċertezza legali, u li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent tad-drittijiet ta' proprjetà tagħhom, l-esperjenza bħala maniġers, l-importanza tad-dħul ġenerat mill-ġestjoni tal-foresti u sfidi speċifiċi, se jkunu kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-istrateġija, inkluż il-forniment ta' servizzi klimatiċi u servizzi oħra tal-ekosistema; billi huwa importanti, f'dan ir-rigward, li jiġi żgurat li dan il-qafas ikun ċar u trasparenti u li jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv fuq l-atturi kollha;

G. billi l-UE għandha madwar 5 % taż-żona forestali totali tad-dinja, u l-foresti jammontaw għal 43 % taż-żona tal-art tal-UE, proporzjon ftit ikbar minn dak tal-art li tintuża għall-agrikoltura, u dawn fihom 80 % tal-bijodiversità terrestri tagħha ([16]); billi, skont rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, bit-titlu "The European environment – state and outlook 2020: knowledge for transition to a sustainable Europe" L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti għall-2020: għarfien għal tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli) ([17]), l-Ewropa esperjenzat tnaqqis enormi fil-bijodiversità; billi kważi 23 % tal-foresti Ewropej jinsabu fis-siti tan-Natura 2000, u s-sehem f'xi Stati Membri jaqbeż il-50 %; billi kważi nofs il-ħabitats naturali fiż-żoni ta' Natura 2000 huma foresti;

H. billi l-aktar data reċenti miġbura skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats tindika li l-kundizzjoni tal-parametru tal-ħabitat turi li 49 % biss tal-ħabitats tal-foresti huma f'kundizzjoni tajba ([18]), filwaqt li l-istatus ta' 29,6 % tal-ħabitats mhuwiex magħruf u 21,1 % jinsabu f'kundizzjoni ħażina u jeħtieġ li jittejbu; billi l-iffukar esklużiv fuq data aggregata jista' ma jkunx biżżejjed biex tiġi identifikata u indirizzata informazzjoni ewlenija dwar l-aktar kwistjonijiet urġenti u għalhekk jeħtieġ li jiġu kkonsultati indikaturi aktar speċifiċi dwar ix-xejriet fil-kundizzjoni u l-pressjonijiet u li jiġi żgurat li d-data nieqsa tkun disponibbli fil-futur; billi dawn l-indikaturi ma jappoġġawx valutazzjoni negattiva ġenerali tal-istat tal-foresti tal-UE, iżda juru xejriet kemm pożittivi kif ukoll negattivi ([19]) li jirrikjedu rispons individwali skont il-każ; billi l-foresti huma dejjem aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari permezz tal-firxa dejjem iktar prevalenti tan-nirien fil-foresti; billi l-kwantifikazzjoni tal-effetti ta' tali disturbi naturali għar-reżiljenza u l-produttività fuq il-foresti fuq skala kbira għadha sfida kbira;

I. billi fehim akbar tad-disturbi naturali potenzjali mġarrba mill-foresti Ewropej minħabba l-klima għandu jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-gwida għall-ġestjoni tal-foresti u jiddefinixxi politiki ta' adattament bl-għan li jiġu indirizzati dawn il-vulnerabbiltajiet;

J. billi l-ġbir u ż-żamma ta' data trasparenti, affidabbli u ta' kwalità għolja, l-iskambju tal-għarfien u tal-aħjar prattiki, u riċerka ffinanzjata b'mod adegwat u kkoordinata tajjeb huma ta' importanza fundamentali biex jintlaħqu l-isfidi u jinħolqu opportunitajiet u biex jitwettqu l-funzjonijiet multipli tal-foresti, inklużi d-diversi benefiċċji pprovduti mill-prodotti tal-industriji bbażati fuq il-foresti, f'ambjent dejjem aktar kumpless; billi d-data dwar il-foresti, disponibbli

---

([14]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 dwar "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030" (COM(2021)0572),

([15]) Fl-Ewropa kollha kemm hi, il-maġġoranza tal-ishma privati huma ta' 10 ettaru jew inqas – Forest Europe, *State of Europe's Forests 2020 (l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa)*, 2020; fil-Ġermanja, 50 % tal-azjendi forestali privati huma iżgħar minn 20 ettaru, https://www.bmel.de/SharedDocs/Downloads/DE/Broschueren/bundeswaldinventur3.pdf;jsessionid=972A5297B9463-D98948E787D1AA78F19.live921?__blob=publicationFile&v=3; fi Franza, madwar żewġ terzi tas-sidien privati għandhom inqas minn ettaru, https://franceboisforet.fr/wp-content/uploads/2021/04/Brochure_chiffresClesForetPrivee_2021_PageApage_BD.pdf; fil-Finlandja, madwar 45 % tas-sidien għandhom inqas minn 10 ettari, https://www.luke.fi/en/statistics/ownership-of-forest-land; fil-Latvja, 50 % tas-sidien għandhom inqas minn 5 ettari, https://www.zm.gov.lv/public/ck/files/MAF_parskats_Silava_privat_meza_apsaimn_monitorings.pdf

([16]) Science for Environment Policy, *European Forests for biodiversity, climate change mitigation and adaptation (Foresti Ewropej għall-bijodiversità, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima)*, Future Brief 25, Science Communication Unit, UWE Bristol, 2021, https://ec.europa.eu/ science-environment-policy

([17]) Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, *The European environment – state and outlook 2020: knowledge for transition to a sustainable Europe, (L-ambjent Ewropew – L-istat u l-Prospetti 2020: għarfien għal tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli)*, 11 ta' Mejju 2020, p. 83, https://www.eea.europa.eu/soer-2020/

([18]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 dwar "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030" (COM(2021)0572),

([19]) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *Mapping and Assessment of Ecosystems and their Services: An EU ecosystem assessment*, (L-Immappjar u l-Valutazzjoni tal-Ekosistemi u s-Servizzi tagħhom: Valutazzjoni tal-ekosistema tal-UE), 2020; għax-xejriet fil-kundizzjoni, ara wkoll Forest Europe, *State of Europe's Forests 2020* (L-Istat tal-Foresti tal-Ewropa, 2020), 2020.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

fil-livell tal-UE mhijiex kompluta u l-kwalità tagħha tvarja, u dan ixekkel il-koordinament tal-UE u tal-Istati Membri fil-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-foresti; billi, b'mod partikolari, hemm bżonn ta' monitoraġġ aħjar tal-istatus tal-ekosistema tal-foresti, kif ukoll tal-impatti tal-miżuri tal-forestrija fuq il-bijodiversità u l-klima;

K. billi fil-livell internazzjonali, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (FAO) hija l-forum ewlieni għall-iżvilupp ta' definizzjonijiet maqbula internazzjonalment fil-qasam tal-foresti u l-forestrija; billi l-FAO tiġbor u tipprovdi data dwar il-foresti u l-forestrija; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkontribwixxu għax-xogħol tal-FAO;

L. billi l-provvista tad-diversi servizzi tal-ekosistema tal-foresti permezz tas-settur tal-forestrija u l-industriji bbażati fuq il-foresti hija pilastru importanti tal-introjtu u l-impjiegi, b'mod partikolari f'żoni rurali, iżda wkoll f'żoni urbani permezz tal-użu downstream ta' tali servizzi; billi l-implimentazzjoni tal-istrateġija għandha tagħti attenzjoni xierqa lill-iżvilupp tal-introjtu u l-impjiegi, iżda wkoll lill-attraenza tal-impjiegi fis-settur permezz ta' impjiegi ta' kwalità, protezzjoni soċjali, standards tas-saħħa u s-sikurezza, l-iżvilupp kontinwu ta' sħubijiet ta' ħiliet li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati, u opportunitajiet ta' taħriġ adegwati għall-maniġers u l-ħaddiema; billi l-impjiegi fil-forestrija Ewropea naqsu b'terz bejn l-2000 u l-2015 – primarjament minħabba żieda fil-mekkanizzazzjoni fl-industrija tal-injam u tal-karta [20]; billi d-disinn imtejjeb tal-makkinarju tal-forestrija jista' jżid mal-protezzjoni tal-ħaddiema u jnaqqas l-impatt fuq il-ħamrija u l-ilma; billi l-qtugħ tas-siġar u l-industrija tal-injam huma fost l-aktar setturi industrijali perikolużi u għandhom livelli għoljin ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol, mard okkupazzjonali u rtirar bikri;

M. billi ż-żona u l-volum tal-bijomassa tal-foresti Ewropej qed jiżdiedu [21], b'kuntrast max-xejriet inkwetanti tad-deforestazzjoni globalment; billi l-UE jista' jkollha rwol importanti fl-indirizzar tad-deforestazzjoni globali, rwol enfasizzat mill-proposta tal-Kummissjoni għal regolament għal prodotti li ma jikkawżawx deforestazzjoni; billi lil hinn mir-regolamentazzjoni tal-importazzjonijiet, Strateġija Ewropea għall-Foresti li tixhed l-aħjar prattiki għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ekonomikament vijabbli tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni tal-foresti globalment;

N. billi bħalissa hemm fis-seħħ skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji globali għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; billi l-iskemi ta' ċertifikazzjoni huma għodda essenzjali biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam [22] għad-diliġenza dovuta [23];

O. billi l-proċess ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti fl-Ewropa għandu jiżgura li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn it-tliet pilastri tas-sostenibbiltà – jiġifieri l-protezzjoni ambjentali, l-iżvilupp soċjali u l-iżvilupp ekonomiku;

P. billi l-kriterji u l-indikaturi għad-definizzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti użati b'mod komuni fl-UE huma bbażati fuq kooperazzjoni pan-Ewropea fi ħdan il-proċess Forest Europe li l-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni huma firmatarji tiegħu; billi bħala parti mill-programm ta' ħidma kontinwa tagħha, Forest Europe bdiet valutazzjoni mill-ġdid tad-definizzjoni ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti; billi Forest Europe tiġbor u tipprovdi informazzjoni dwar l-istatus u x-xejriet fil-foresti u l-forestrija abbażi tal-kriterji għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; billi hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-indikaturi u l-limiti jkunu bbażati fuq l-evidenza u li ssir ħidma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri f'dan ir-rigward; billi indikaturi u limiti ġodda trasparenti jistgħu jtejbu s-sostenibbiltà tas-settur, minħabba l-importanza tiegħu f'termini ta' valuri ambjentali, ekonomiċi u soċjali; billi l-qafas ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti se jkollu jiġi ddefinit b'mod ċar, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji, l-indikaturi u l-limiti relatati mas-saħħa tal-ekosistemi,

(20) ir-rapport ta' Forest Europe tal-2020 bit-titlu "State of Europe's Forests 2020" (L-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020).

(21) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *Mapping and Assessment of Ecosystems and their Services: An EU ecosystem assessment* (L-Immappjar u l-Valutazzjoni tal-Ekosistemi u s-Servizzi tagħhom: Valutazzjoni tal-ekosistema tal-UE), 2020; għax-xejriet fil-kundizzjoni, ara wkoll Forest Europe, *State of Europe's Forests 2020* (L-Istat tal-Foresti tal-Ewropa, 2020), 2020.

(22) Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23).

(23) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, *Study on certification and verification schemes in the forest sector and for wood-based products* (Studju dwar skemi ta' ċertifikazzjoni u verifika fis-settur tal-foresti u għall-prodotti bbażati fuq l-injam), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/afa5e0df-fb19-11eb-b520-01aa75ed71a1/language-en

mal-bijodiversità u mat-tibdil fil-klima, jekk trid issir għodda ta' skrinjar aktar dettaljata u utli biex jiġu ddeterminati u mqabbla approċċi ta' ġestjoni differenti, l-impatt tagħhom u l-istatus u l-konservazzjoni ġenerali tal-foresti Ewropej; billi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għandha timxi id f'id mal-promozzjoni tar-rwol multifunzjonali tal-foresti sabiex jiġi żgurat li tkun kompletament konformi mad-diversità tal-foresti u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull reġjun;

Q. billi l-agroforestrija, definita bħala sistemi ta' użu tal-art fejn jitkabbru s-siġar fuq l-istess unità ta' art fejn jitwettqu l-prattiki agrikoli, hija sensiela ta' sistemi ta' ġestjoni tal-art li jagħtu spinta lill-produttività ġenerali, jiġġeneraw aktar bijomassa, iżommu l-ħamrija tajba u jreġġgħuha lura għall-istadju oriġinali tagħha, u jipprovdu għadd ta' servizzi ekosistemiċi ta' valur; billi hemm żewġ tipi ewlenin ta' agroforestrija fl-UE: agroforestrija silvipastorali (ragħa tal-annimali, jew għalf tal-annimali prodott taħt is-siġar) u agroforestrija silvipastorali (l-għelejjel jitkabbru taħt siġar, bi spazju ta' bejn ir-ringieli li jippermetti lit-tratturi jgħaddu); billi l-maġġoranza tas-sistemi agroforestali eżistenti fl-UE huma sistemi silvipastorali u t-tkabbir tal-agroforestrija tista' ġġib diversi benefiċċji fid-dawl tal-pressjonijiet ambjentali;

R. billi l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-mira li "jiġu definiti, immappjati, monitorjati u protetti b'mod strett il-foresti primarji u antiki kollha tal-UE li fadal"; billi l-protezzjoni tal-foresti, inklużi l-foresti primarji u antiki tal-UE kollha li jibqgħu, hija kruċjali biex tiġi ppreservata l-bijodiversità u biex jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima; billi skont rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-2021 ([24]), għad hemm biss 4,9 miljun ettaru ta' foresti primarji u antiki tal-Ewropa, li jirrappreżentaw biss 3 % taż-żona forestali totali tal-Unjoni u 1,2 % tal-massa tal-art tagħha; billi l-foresti primarji u qodma għandhom rwol ewlieni għall-konservazzjoni tal-bijodiversità; billi spiss dawn ikunu bijodiversi ħafna meta mqabbla ma' foresti oħra fl-istess reġjun ekoloġiku, ikunu rikki fl-ispeċijiet u jospitaw flora u fawna speċjalizzati; billi l-foresti primarji u antiki jipprovdu wkoll firxa wiesgħa ta' servizzi kritiċi oħra tal-ekosistema; billi hija meħtieġa definizzjoni operattiva tal-foresti primarji u antiki għat-tfassil, għall-implimentazzjoni u għall-monitoraġġ xierqa tal-politika;

S. billi l-Integrate Network huwa pjattaforma ta' rappreżentanti ta' pajjiżi Ewropej differenti, mibdi minn diversi gvernijiet tal-Istati Membri u appoġġat mill-Kumitat Forestrarju Permanenti tal-Kummissjoni, li jipprovdi pariri xjentifiċi u sa issa serva bħala mutur importanti għall-identifikazzjoni ta' mezzi biex il-konservazzjoni tan-natura tiġi integrata fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; billi l-ħidma tal-pjattaforma kellha rwol importanti fl-iskambju tal-esperjenzi u tal-aħjar prattiki;

T. billi l-proġett Alterfor iffinanzjat minn Orizzont 2020 qies il-potenzjal li jiġu ottimizzati l-metodi ta' ġestjoni tal-foresti li qed jintużaw bħalissa u ppreżenta mudelli alternattivi ta' ġestjoni tal-foresti, b'opportunitajiet u sfidi elenkati għal kull alternattiva;

U. billi l-proġett SINCERE ffinanzjat minn Orizzont 2020 żviluppa politiki ġodda u mudelli ta' negozju ġodda billi għaqqad l-għarfien u l-għarfien espert mill-prattika, ix-xjenza u l-politika, madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, bil-għan li jiġu esplorati mezzi ġodda li jsaħħu s-servizzi tal-ekosistema tal-foresti b'modi li jkunu ta' benefiċċju għas-sidien tal-foresti, u li jaqdu wkoll il-ħtiġijiet soċjetali wiesgħa;

V. billi l-gwerra fl-Ukraina se jkollha impatt kbir fuq l-importazzjonijiet tal-injam, b'mod partikolari l-injam tal-betula, li minnu r-Russja tirrappreżenta 80 % tal-produzzjoni globali, u fuq l-industrija tal-ipproċessar tal-injam tal-Ewropa u l-esportazzjonijiet ta' prodotti pproċessati; billi s-sanzjonijiet leġittimi imposti fuq ir-Russja jqajmu l-kwistjoni tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-injam mir-Russja; billi l-UE tikseb madwar 80 % tad-domanda tagħha għall-injam domestikament, u l-importazzjonijiet mir-Russja jammontaw biss għal madwar 2 % tal-konsum totali; billi l-Finlandja u l-Iżvezja huma l-importaturi ewlenin tal-UE ta' njam tond mhux ipproċessat mir-Russja u se jiġu affettwati minn projbizzjonijiet kummerċjali ([25]);

([24]) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *Mapping and assessment of primary and old-growth forests in Europe* (L-Immappjar u l-valutazzjoni tal-foresti primarji u antiki fl-Ewropa), 2021.

([25]) https://www.wur.nl/en/research-results/research-institutes/environmental-research/show-wenr/does-the-eu-depend-on-russia-for-its-wood.htm

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

W. billi l-qtugħ illegali tas-siġar, inkluż il-qtugħ tas-siġar f'żoni protetti bħal żoni ta' Natura 2000, huwa problema kontinwa u mhux solvuta f'għadd ta' Stati Membri;

X. billi l-foresti huma essenzjali għas-saħħa fiżika u mentali u għall-benessri tan-nies, u jixprunaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ħielsa mill-fjuwils fossili u għandhom rwol importanti fil-ħajja tal-komunitajiet lokali, speċjalment fiż-żoni rurali fejn jipprovdu kontributi importanti għall-għajxien lokali;

1. Jilqa' l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti u l-ambizzjoni tagħha li żżid il-kontribut bilanċjat tal-foresti multifunzjonali għall-miri tal-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tiegħu, b'mod partikolari l-għanijiet li jinħolqu tkabbir ekoloġiku sostenibbli u impjiegi ekoloġiċi, li tinkiseb ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, ambjentalment sostenibbli u kompletament ċirkolari fil-limiti tal-pjaneta u u li tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; jenfasizza l-importanza ta' strateġija soda bbażata fuq ix-xjenza, li tqis id-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi tas-sostenibbiltà b'mod integrat u bbilanċjat, peress li, minbarra li tikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi u tal-bijodiversità, inkluż permezz tal-protezzjoni tal-ħamrija u tal-ilma, il-foresti jipprovdu benefiċċji ekonomiċi u soċjali u firxa wiesgħa ta' servizzi, minn mezz ta' għajxien sar-rikreazzjoni;

2. Jiddispjaċih li l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti ma ġietx żviluppata kif xieraq flimkien mal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati u li l-pożizzjonijiet tal-koleġiżlaturi ma ġewx ikkunsidrati b'mod adegwat; jisħaq l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030;

3. Jirrikonoxxi li, f'konformità mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u biex jiżdiedu l-kwalità u d-diversità tal-ekosistemi tal-foresti, iż-żamma, il-protezzjoni, it-tisħiħ, ir-restawr u l-użu sostenibbli ta' foresti b'saħħithom u reżiljenti huma għanijiet fundamentali tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u tal-atturi kollha fil-forestrija u l-katina tal-valur ibbażata fuq il-foresti, bl-użu tal-injam bħala materja prima rinnovabbli versatili biex tiġi massimizzata l-awtosuffiċjenza fl-UE; jinnota, barra minn hekk, li dawn l-għanijiet huma konformi mal-aspettattivi u t-talbiet tas-soċjetà u mal-prijoritajiet ewlenin tan-nies fl-UE; jenfasizza li l-forestrija qrib in-natura u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għandhom il-potenzjal li jġibu benefiċċji ekonomiċi simili jew aħjar, filwaqt li jippreservaw u jippromwovu l-integrità u r-reżiljenza tal-ekosistemi, u jżidu l-potenzjal tal-foresti bħala bjar tal-karbonju u rifuġji tal-bijodiversità u għall-irkupru tal-bijodiversità;

4. Jirrikonoxxi r-rwol vitali tal-foresti, il-bijodiversità tagħhom u l-ekosistemi uniċi tagħhom u għandhom sehem importanti għas-saħħa tal-ambjent, il-miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima, il-provvista ta' arja nadifa, l-istabbiltà tal-ilma u tal-ħamrija, u l-fertilità, u jipprovdu wkoll diversi ħabitats u mikroħabitats lil bosta speċijiet, u b'hekk jgħinu biex ikun hemm bijodiversità rikka; jenfasizza r-rwol essenzjali tal-foresti fis-saħħa u l-benessri tal-bniedem, inklużi l-imsaġar urbani u periurbani li huma aċċessibbli għal dawk li huma l-aktar nieqsa minn kuntatt man-natura, kif ukoll fl-għoti ta' servizzi edukattivi u turistiċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss l-approċċ "Saħħa Waħda", li jirrikonoxxi r-rabta intrinsika bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u n-natura b'saħħitha; jisħaq li l-ġestjoni tajba tas-siti ta' Natura 2000 hija essenzjali għaż-żamma u għat-titjib tal-bijodiversità u tal-ekosistemi Ewropej u tas-servizzi li jipprovdu;

5. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tal-ekosistemi tal-foresti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalih kif ukoll għall-kontribut tagħhom biex jintlaħaq l-objettiv tal-UE tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima qed jibdel il-kapaċità tat-tkabbir tal-foresti, u jżid il-frekwenza u l-gravità tan-nixfiet, l-għargħar u n-nirien, u qed iżid it-tixrid ta' organiżmi ta' ħsara u mard ġdid li jaffettwaw lill-foresti; jinnota li ekosistemi intatti għandhom kapaċità akbar minn dawk degradati li jegħlbu l-fatturi ta' stress ambjentali, inklużi l-bidliet fil-klima, għax għandhom proprjetajiet inerenti li jippermettulhom ikabbru l-kapaċità adattiva tagħhom; jisħaq li t-tibdil fil-klima se jkollu impatt negattiv saħansitra akbar fuq il-foresti Ewropej fis-snin li ġejjin, u li dan se jaffettwa b'mod partikolari postijiet b'żoni forestali monospeċifiċi u kontemporanji; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-foresti Ewropej, b'mod partikolari billi tiżdied id-diversità strutturali, funzjonali u kompożizzjonali tagħhom; jinsisti li foresti strutturalment rikki u mħallta li juru amplitudni ekoloġika wiesgħa għandhom reżiljenza ogħla u kapaċità akbar ta' adattament f'dan il-kuntest; jirrimarka li f'ċerti kundizzjonijiet, il-foresti mħallta stabbli jista' jkun fihom naturalment għadd limitat ta' speċijiet; jissottolinja li l-art forestali, bir-riżervi tal-karbonju rispettivi tagħha minn siġar ħajjin u njam mejjet, hija fattur kruċjali biex jiġi limitat it-tisħin globali, tikkontribwixxi għall-miri tan-newtralità klimatika tal-UE u ttejjeb il-bijodiversità; iqis li l-promozzjoni tal-foresti b'diversità bijoloġika hija l-aktar assigurazzjoni effettiva kontra t-tibdil fil-klima;

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

6. Jenfasizza l-kopertura u l-volum dejjem jikbru ([26]) ta' foresti fl-UE, minkejja tnaqqis fir-ritmu f'dawn l-aħħar snin, li jikkuntrasta max-xejra globali tad-deforestazzjoni ([27]); jirrikonoxxi l-isforzi tal-atturi kollha fil-katina tal-valur ibbażata fuq il-foresti li kkontribwew għal dan l-iżvilupp; jinsab imħasseb dwar il-pressjoni dejjem akbar fuq il-foresti tal-UE u l-ħabitats tagħhom, li ġiet aggravata mill-impatt tat-tibdil fil-klima, u jishaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi protetta u tiżdied ir-reżiljenza tal-foresti u tal-ekosistemi, inkluż permezz ta' miżuri biex tiżdied il-kapaċità ta' adattament għat-tibdil fil-klima, u biex jitnaqqsu l-pressjonijiet fejn ikun fattibbli, u li jitqiesu l-karatteristiċi tal-foresta; jinnota bi tħassib li l-vulnerabbiltà tal-foresti fl-UE għall-organiżmi ta' ħsara u l-patoġeni invażivi jidher li żdiedet u li t-tifqigħat huma theddida għall-karbonju sekwestrat ([28]), il-bijodiversità u l-kwalità tal-injam;

7. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tagħhom tipprovdi lill-foresti bl-aħjar protezzjoni possibbli kontra t-tniġġis u l-ħsara; jindika, b'mod partikolari, il-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni, bħall-munizzjonijiet taċ-ċomb jew il-pestiċidi, il-kompressjoni estrema tal-ħamrija minħabba l-użu mhux xieraq tal-makkinarju, u l-protezzjoni kontra d-dannu kkawżat mill-kaċċa jew il-ħsara kkawżata minn popolazzjoni kbira wisq ta' kaċċa bid-difer mifruq;

8. Jenfasizza l-karatteristiċi speċifiċi u diversi tas-setturi tal-forestrija fl-Istati Membri u jenfasizza li l-foresti tal-UE huma kkaratterizzati minn diversi kundizzjonijiet naturali, bħall-bijoġeografija, id-daqs, l-istruttura u l-bijodiversità, kif ukoll ix-xejriet tas-sjieda, il-forom ta' governanza, l-isfidi u l-opportunitajiet, u li ħafna minnhom ġew iffurmati minn sekli ta' interazzjoni, intervent u ġestjoni tal-bniedem u għalhekk huma forma ta' wirt kulturali; ifakkar ukoll li l-foresti primarji u antiki huma żoni li żviluppaw bi ftit li xejn intervent u ġestjoni tal-bniedem; jishaq li sabiex jiġi żgurat li l-istrateġija tkun tista' tiġi implimentata fit-tipi kollha ta' foresti u sitwazzjonijiet, f'xi każijiet huma meħtieġa approċċi adattati f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni tal-foresti u l-għoti ta' servizzi tal-ekosistema;

9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni tal-foresti hija speċifika għas-sit u li kundizzjonijiet tal-foresti u tipi ta' foresti li jvarjaw jistgħu jirrikjedu approċċi ta' ġestjoni differenti bbażati fuq ħtiġijiet ekoloġiċi u karatteristiċi tal-art tal-foresti differenti u jqisu d-drittijiet u l-interessi tal-ħaddiema, is-sidien u atturi kkonċernati oħra fis-settur tal-foresti;

10. Jenfasizza l-kontribut sal-lum tas-sidien u l-atturi tal-foresti fil-katina tal-valur ibbażata fuq il-foresti fl-isforzi biex tinkiseb ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima sal-2050 u għall-valur tal-għarfien ġenerazzjonali u storiku u l-għarfien espert fil-forestrija u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

11. Jirrikonoxxi l-kumplessità tal-valutazzjoni tal-istat tal-foresti, kif ukoll id-disponibbiltà, id-diversità u l-kwalità mhux uniformi tad-data u għalhekk jishaq fuq il-ħtieġa ta' djalogu politiku u xjentifiku kontinwu u finanzjament ikbar fil-livelli kollha, mill-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, u b'mod partikolari mal-maniġers u s-sidien tal-foresti, biex jittejbu l-ġbir tad-data dwar l-istat tal-foresti, u fejn ikun xieraq, l-armonizzazzjoni tad-data; jishaq fuq il-ħtieġa li jitqiesu wkoll il-mezzi finanzjarji u r-riżorsi umani, b'mod partikolari biex ikunu jistgħu jiġu identifikati l-użi tal-foresti effiċjenti fir-riżorsi u l-limiti tal-użu tal-foresti fi stadju bikri;

12. Jissottolinja li, għalkemm tiffoka fuq il-foresti fl-UE, l-istrateġija u l-implimentazzjoni tagħha jridu jkunu koerenti mal-ħidma mwettqa fil-livell pan-Ewropew minn Forest Europe u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-FAO, u jridu jqisu l-fehmiet tal-gruppi ta' esperti u l-ħidma mwettqa fil-livell tal-Istati Membri; jishaq fuq l-istrateġija u l-implimentazzjoni tagħha għandhom jevitaw id-duplikazzjoni tax-xogħol u ż-żieda tal-piż amministrattiv; jemmen ukoll li, minħabba l-impenn qawwi tal-UE biex tipproteġi l-bijodiversità u l-bjar tal-karbonju, u biex tippromwovi l-akkwist, il-produzzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi globalment, kif enfasizzat mill-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar prodotti li ma jikkawżawx deforestazzjoni, l-istrateġija għandha tiġi implimentata b'tali mod li sservi bħala mudell tal-aħjar prattiki, filwaqt li tirrikonoxxi l-varjetà tas-sitwazzjonijiet tal-bidu, u li sservi wkoll biex tinkoraġġixxi approċċi simili f'reġjuni oħra;

([26]) https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR21_21/SR_Forestry_MT.pdf
([27]) Forest Europe, , *State of Europe's Forests 2020 (L-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020)* 2020
([28]) Science for Environment Policy, *European Forests for biodiversity, climate change mitigation and adaptation (Foresti Ewropej għall-bijodiversità, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima)*, Future Brief 25, Science Communication Unit, UWE Bristol, 2021, https://ec.europa.eu/ science-environment-policy

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

13. jisħaq li biex jintlaħqu l-objettivi varji tagħha, l-implimentazzjoni tal-istrateġija trid tkun adattata għall-iskop tagħha fil-livelli reġjonali u lokali, u trid tqis l-impatt soċjoekonomiku li tista' tiġġenera, inkluż billi tadatta l-implimentazzjoni għall-kundizzjonijiet u l-esperjenzi lokali u l-għarfien u l-użi tradizzjonali, filwaqt li tqis il-fehim xjentifiku attwali, u tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati bil-ħiliet meħtieġa; jinnota li jrid ikun ibbażat fuq ir-rikonoxximent sħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà, settur tal-forestrija ekonomikament, ambjentalment u soċjalment vijabbli, u l-prinċipju li min iniġġes iħallas, bħala elementi ewlenin fil-forniment tad-diversi servizzi forestali u biex tiżdied ir-reżiljenza;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi valutazzjoni tal-impatt komprensiva tal-istrateġija biex jiġu identifikati l-implikazzjonijiet għall-kundizzjonijiet tas-suq, iż-żoni rurali u l-ħtiġijiet varji ta' finanzjament, inkluż dak għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-infrastruttura, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u t-titjib tal-bijodiversità.

***Inrawmu multifunzjonalità bbilanċjata***

15. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-foresti u l-katina tal-valur kollha bbażata fuq il-foresti fil-protezzjoni tal-klima u l-bijodiversità, u fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fis-sehem tagħhom għall-kisba ta' ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima, sa mhux aktar tard mill-2050; jissottolinja li r-rwol multifunzjonali tal-foresti jinkludi bosta servizzi tal-ekosistema u funzjonijiet soċjoekonomiċi, bħall-konservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità u tal-ħamrija, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, is-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju mill-atmosfera, il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-art, il-provvista ta' materja prima rinnovabbli u bbażata fuq in-natura u prodotti mediċi, li jittieklu u kulinari, u attivitajiet ekonomiċi mhux estrattivi, inkluż l-ekoturiżmu sostenibbli, li lkoll iwasslu għal impjiegi u tkabbir ekonomiku f'żoni rurali u urbani, jikkumbattu d-depopolazzjoni rurali, jikkontribwixxu għall-provvista ta' ilma u arja nadifa, jipproteġu kontra perikli naturali, u joffru benefiċċji rikreattivi, tas-saħħa, estetiċi u kulturali; jisħaq li l-implimentazzjoni tal-istrateġija trid tiżgura forniment bilanċjat tas-servizzi kollha u tħaddan u ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni; jissottolinja li l-forniment ta' servizzi b'suċċess jirrikjedi ġestjoni attiva sostenibbli;

16. Jemmen li l-prinċipju ewlieni biex il-funzjonijiet multipli tal-foresti jkunu f'ekwilibriju u dak tad-definizzjoni tal-għanijiet u l-miżuri skont il-forniment tas-servizzi kollha tal-ekosistema għandu jkun li jiġu massimizzati s-sinerġiji u jiġu minimizzati l-kompromessi abbażi ta' informazzjoni msejsa fuq l-evidenza;

17. Jisħaq li l-foresti jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima permezz tas-sekwestru tal-karbonju, tal-ħżin tal-karbonju u s-sostituzzjoni sostenibbli tal-injam u tal-prodotti tal-injam għall-fjuwils fossili, il-prodotti, materjali, u sorsi tal-enerġija bbażati fuq il-fjuwils fossili u prodotti oħra b'impronta tal-karbonju u ambjentali kbira ħafna; jenfasizza li l-injam huwa l-uniku riżorsa rinnovabbli naturali sinifikanti li għandu l-potenzjal li jissostitwixxi xi materjali li jużaw ħafna enerġija, bħas-siment u l-plastik, u li se jkun hemm domanda akbar fil-futur; jinnota li l-istrateġija tiffoka b'mod partikolari fuq il-ħżin fis-settur tal-kostruzzjoni u jemmen li l-implimentazzjoni tagħha għandha tappoġġa b'mod ċar użu ikbar ta' għażliet differenti għall-prodotti sostituti bbażati fuq l-injam, li għandha tissejjes fuq valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja robusti u bbażati fuq ix-xjenza, skont l-objettivi ambjentali tal-UE u l-għanijiet tal-bijoekonomija u l-istrateġija industrijali, bil-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-prodotti bbażati fuq il-foresti biex b'hekk tissaħħaħ l-ekonomija ċirkolari, u fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tinkiseb ekonomija li ma tiddependix iktar mill-fjuwils fossili; jenfasizza r-rwol tar-riċerka dwar is-sostituzzjoni ta'fjuwils fossili u materjali bbażati fuqhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqas il-konsum tal-UE b'mod ġenerali u jilqa' t-tfassil ta' metodoloġija biex jiġu kkwantifikati l-benefiċċji klimatiċi tal-kostruzzjoni bl-injam;

18. Jenfasizza li l-importanza konsiderevoli ta' ħamrija tal-foresti b'saħħitha u fertili m'għandhiex tiġi injorata, peress li hija fundamentali għas-sostenn tal-ħajja, iż-żieda fil-produttività tal-foresti [29], il-ħżin tal-karbonju u l-protezzjoni tan-network fungali vitali taħt l-art li jippermetti lis-siġar jikkondividu r-riżorsi, bħan-nutrijenti u l-ilma, u s-sinjali ta' difiża,

[29] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2021 bit-titlu "Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 – Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima" (COM(2021)0699).

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

u tipprovdi wkoll aktar reżistenza għall-organiżmi ta' ħsara, il-mard, u anke n-nixfa u l-avvenimenti estremi tat-temp ([30]), ([31]), ([32]), li x'aktarx jiżdiedu fl-intensità u l-frekwenza b'riżultat tat-tibdil fil-klima;

19. Jenfasizza li biex il-prodotti bbażati fuq l-injam jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għal ekonomija ċirkolari jeħtieġ li dawn jintużaw bl-aktar mod effiċjenti u sostenibbli; jemmen li t-tneħħija tal-injam trid tkun ristretta minn limiti ta' sostenibbiltà u li l-prinċipji fil-gwida kaskata ([33]) huma standard tajjeb għal użu effiċjenti, iżda dan ikun biss jekk ma jintużawx bħala approċċ statiku, u għalhekk iridu jiġu aġġustati regolarment biex jirriflettu użi innovattivi bħal fil-kostruzzjoni, it-tessuti, il-bijokimiċi, l-applikazzjonijiet mediċi u l-materjali tal-batteriji; jisħaq li r-riżorsi bbażati fuq l-injam iridu jintużaw bl-aktar mod effiċjenti possibbli, b'deċiżjonijiet ekonomiċi u operattivi li jqisu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, u jisħaq li suq li jiffunzjona tajjeb u mingħajr distorsjoni jista' jinċentiva l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi bbażati fuq l-injam flimkien ma' miżuri adegwati biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent;

20. Jissottolinja l-importanza ta' provvista affidabbli u sostenibbli ta' njam u ta' prodotti bbażati fuq l-injam u bijomassa bbażata fuq il-foresti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-UE, inkluż l-objettiv tan-newtralità karbonika sal-2050 u l-mira tat-tkabbir u tal-impjiegi ambjentalment sostenibbli fil-Patt Ekoloġiku; jinnota li d-domanda hija mistennija tkompli tikber ([34]) u li għandu jiġi mħeġġeġ l-użu ta' njam prodott lokalment u b'mod sostenibbli sabiex tiġi ssodisfata din id-domanda; jemmen li parti kbira tas-settur tal-forestrija tal-UE jipprovdi l-aktar materja prima miksuba b'mod sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-effetti ta' tnixxija u l-effetti ta' sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u l-materjali mhux rinnovabbli, kif ukoll l-effetti fuq il-kompetittività tas-settur tal-forestrija u l-industriji bbażati fuq il-foresti, u biex timmonitorja kwalunkwe effett fuq id-disponibbiltà tal-injam wara l-implimentazzjoni tal-miżuri skont l-istrateġija;

21. Jirrimarka li d-domanda dejjem tikber għall-injam bħala materja prima, speċjalment l-injam għall-użu bħala sors ta' enerġija, toħloq sfidi kbar fil-kuntest ta' kriżijiet politiċi, bħall-gwerra fl-Ukraina, u teħtieġ monitoraġġ kontinwu tar-riżorsi tal-foresti domestiċi biex jiġu vvalutati n-nuqqasijiet potenzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw id-dipendenzi fuq l-importazzjonijiet tal-injam mir-Russja fid-dawl tas-sanzjonijiet leġittimi wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna u jiżviluppaw strateġiji sostenibbli biex itaffu t-tfixkil fejn meħtieġ, filwaqt li tiġi evitata l-konverżjoni ta' art agrikola adatta għall-produzzjoni tal-ikel fil-livell tal-UE; jenfasizza l-importanza kruċjali tas-sigurtà tal-provvista tal-UE u tal-produzzjoni proprja tal-materja prima, fil-kuntest usa' tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku; jisħaq li, f'ċerti ċirkostanzi, l-abbandun tal-foresti jista' jirriżulta f'telf ta' impjiegi fiż-żoni rurali u jista' jwassal għal żieda fid-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti bbażati fuq il-foresti minn partijiet tad-dinja fejn il-ġestjoni tal-foresti hija inqas sostenibbli;

22. Ifakkar li 2,1 miljun persuna jaħdmu fis-settur tal-foresti, filwaqt li l-katina tal-valur estiża bbażata fuq il-foresti tappoġġja 4 miljun impjieg fl-ekonomija ekoloġika, u dan mingħajr ma jitqiesu l-attivitajiet ta' bejgħ bl-imnut u l-attivitajiet mhux relatati mal-injam bħal attivitajiet ta' divertiment relatati mal-foresti u xogħol xjentifiku fuq il-foresti; jinnota li l-impjiegi fis-settur tal-forestrija naqsu bi 33 % bejn l-2000 u l-2015, prinċipalment minħabba ż-żieda fil-mekkanizzazzjoni fi żmien meta l-estrazzjoni tal-injam kienet qed tiżdied ukoll; jenfasizza r-rwol importanti li għandhom il-foresti fil-ħolqien

---

([30]) Pickles, B. J. and Simard, S. W., "Mycorrhizal Networks and Forest Resilience to Drought", *Mycorrhizal Mediation of Soil – Fertility, Structure, and Carbon Storage*, Elsevier, Amsterdam, 2017, p. 319-339.

([31]) Gorzelak, M. A. *et al.*, "Inter-plant communication through mycorrhizal networks mediates complex adaptive behaviour in plant communities", *AoB Plants*, 2015.

([32]) Usman, M. *et al.*, "Mycorrhizal Symbiosis for Better Adaptation of Trees to Abiotic Stress Caused by Climate Change in Temperate and Boreal Forests", *Frontiers in Forests and Global Change*, 2021.

([33]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, *Gwida dwar l-użu kaskata tal-bijomassa b'eżempji magħżula ta' prattika tajba fuq il-bijomassa tal-injam*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019.

([34]) Hetemäki, L., Palahí, M. and Nasi, R., *Seeing the wood in the forests. Knowledge to Action 1*, European Forest Institute, 2020; Ara wkoll ir-Rapport tal-WWF Living Forests, Kapitolu 5, https://wwf.panda.org/discover/our_focus/forests_practice/forest_publications_-news_and_reports/living_forests_report/

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

ta' impjiegi ekoloġiċi f'żoni rurali u muntanjużi; jinnota li l-prodotti forestali mhux tal-injam, bħall-prodotti tal-ikel ibbażat fuq in-natura, il-mediċini u l-likwidi għall-materjali bażiċi, għandhom rwol importanti bħala sors ta' introjtu, b'valur stmat ta' madwar EUR 4 biljun fl-2015 ([35]), u għandhom għeruq fondi fit-tradizzjonijiet reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-impatti ekonomiċi ta' approċċ eqreb tan-natura, inkluż fuq l-impjiegi diretti u indiretti;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw u jivvalutaw l-effetti ta' bidla fil-bilanċ tal-funzjonijiet tal-foresti fuq is-sitwazzjoni ġenerali tal-impjiegi u l-profittabbiltà tas-settur tal-injam lokali, speċjalment f'żoni rurali u muntanjużi, kif ukoll fil-fażijiet downstream tal-industriji tal-ipproċessar tal-injam, u jenfasizza l-ħtieġa li l-impjiegi fis-settur jinżammu jew titjieb l-attraenza tagħhom, flimkien mas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, meta jitqiesu l-bidliet fil-prattiki ta' ġestjoni;

24. Jirrikonoxxi li hemm diversi kobenefiċċji assoċjati mar-riforestazzjoni u l-afforestazzjoni, bħall-filtrazzjoni tal-ilma, iż-żieda fid-disponibbiltà tal-ilma, il-mitigazzjoni tan-nixfa, il-kontroll tal-għargħar, is-sedimentazzjoni evitata, il-ħolqien ta' ħabitats ta' organiżmi selvaġġi, iż-żieda fil-fawna tal-ħamrija, titjib fil-fertilità tal-ħamrija u l-filtrazzjoni tal-arja; jilqa' l-pjan direzzjonali ta' riforestazzjoni u ta' tisġir għat-tħawwil ta' mill-inqas 3 biljun siġra addizzjonali fl-UE sal-2030; jenfasizza li tali inizjattivi għandhom jitwettqu f'konformità ma' prinċipji ekoloġiċi ċari u jkunu kompletament kompatibbli mal-objettiv tal-bijodiversità, u għandhom jipprijoritizzaw ir-restawr tal-ekosistemi tal-foresti; ifakkar li t-tħawwil tas-siġar jiddependi mill-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati lokali u fuq l-ippjanar reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lit-tħawwil ta' siġar xierqa f'żoni b'art degradata u dawk affettwati mid-deżertifikazzjoni, u jtenni l-importanza tal-protezzjoni tal-foresti primarji u antiki; jirrimarka li ż-żieda fiż-żona ta' art afforestata tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għar-riġenerazzjoni naturali tas-sistemi forestali degradati, bl-effett medju u fit-tul tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali u bil-ħolqien ta' impjiegi ġodda; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fil-prinċipji ta' addizzjonalità tagħha s-siġar imħawla fil-qafas tal-ekoskemi l-ġodda tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-impenji ta' ġestjoni ambjentali, relatati mal-klima u oħrajn, kif ukoll dawk fl-ambitu tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, peress li kemm il-PAK il-ġdida kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jkunu ġew implimentati wara l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030; jisħaq li peress li l-art hija riżorsa limitata, it-tħawwil ta' siġar f'foresti eżistenti, fuq art marġinali u f'żoni urbani għandu jingħata prijorità fuq il-konverżjoni ta' art agrikola produttiva, speċjalment fiċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi ġodda, kif ukoll fuq il-konverżjoni ta' mergħat u mergħat naturali, peress li dan ma jwassalx għal bidliet sinifikanti fil-karbonju organiku fil-ħamrija ([36]); jinnota l-opportunità għall-iżvilupp tal-foresti urbani f'dan il-qasam; ifakkar, madankollu, li r-riforestazzjoni u t-tisġir jistgħu jinvolvu wkoll kompromessi għall-bijodiversità, eż. fuq bwar bijodiversi;

***Il-protezzjoni, ir-restawr, ir-riforestazzjoni u t-tisġir, u l-ġestjoni sostenibbli***

25. Jissottolinja r-rwol multifunzjonali tal-foresti u l-importanza ta' ekosistemi tal-foresti li jkunu ekoloġikament reżiljenti, li jipprovdu bosta servizzi lis-soċjetà, bħall-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-provvista ta' materja prima rinnovabbli, li jgħin biex jinħolqu l-impjiegi u biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali; jisħaq li l-politiki li jsaħħu l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità se jgħinu biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima; jitlob ġestjoni sostenibbli tal-foresti fl-implimentazzjoni tal-għanijiet klimatiċi, peress li hija kruċjali għat-tnaqqis tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u jinsisti li l-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ħabitats jiġu inklużi fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

26. Jenfasizza l-importanza li l-UE tippromwovi l-preservazzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-foresti, filwaqt li titqies il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura li ġejja u l-ħtieġa li titjieb ir-reżiljenza tagħhom, filwaqt li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' settur tal-foresti u komunitajiet lokali vibranti u ekonomikament vijabbli; jitlob viżjoni fit-tul għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tal-Ewropa;

27. Jieħu nota tal-aħbar mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' indikaturi u valuri ta' limitu addizzjonali għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, li l-implimentazzjoni tagħhom f'livell nazzjonali u reġjonali mill-Istati Membri tibqa' volontarja; jemmen li dawn l-indikaturi u l-limiti għandhom itejbu l-fehim dwar jekk foresta hijiex qed tiġi ġestita b'mod sostenibbli fil-livell tal-popolament forestali, jew tal-anqas fil-livell tal-pajsaġġ forestali, u jiddeterminaw liema sforzi ta'

([35]) Fiż-żona ta' Forest Europe; ara Forest Europe, *State of Europe's Forests 2020 (L-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020)*, 2020.

([36]) Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 bit-titlu "The 3 Billion Tree Planting Pledge for 2030" (SWD(2021)0651).

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

restawr irnexxew; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa indikaturi u limiti bbażati fuq l-evidenza biex tikkomplementa l-qafas ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' kriterji ċari relatati mas-saħħa tal-ekosistema, mal-bijodiversità u mat-tibdil fil-klima, bl-għan li dawn isiru għodda effiċjenti għat-titjib tas-sostenibbiltà tal-foresti tal-UE u li jiġi żgurat li l-ġestjoni tal-foresti tikkontribwixxi għall-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità; iqis dawn l-indikaturi u l-limiti addizzjonali bħala għodda kruċjali għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u l-adattament għalih, fis-settur tal-foresti; jenfasizza l-fatt li kien hemm qbil dwar definizzjoni ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti bħala parti mill-proċess pan-Ewropew ta' Forest Europe u ġiet inkorporata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fis-sistemi volontarji, bħal fiċ-ċertifikazzjonijiet tal-foresti, fl-Istati Membri; jissottolinja għalhekk il-ħtieġa li tiġi żgurata koerenza bejn il-ħidma tal-Kummissjoni u dik ta' Forest Europe u tal-FAO u li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tal-isforzi jew żieda sproporzjonata fil-piż amministrattiv, kif ukoll li jkun hemm involviment mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u reġjonali, mal-maniġers tal-foresti pubbliċi u privati u mas-sidien tal-foresti, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jiġi żgurat li l-indikaturi u l-firxiet tal-valur ikunu adatti għall-applikazzjoni fil-livell lokali u reġjonali taħt kundizzjonijiet bijoġeografiċi speċifiċi; jirrimarka li Forest Europe bdiet il-ħidma biex tirrevedi d-definizzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-għodod tagħha; jistieden lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw kif xieraq l-istrateġiji u l-leġiżlazzjoni nazzjonali relatati mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jadattawhom għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw kif xieraq il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-objettivi vinkolanti dwar il-foresti u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, inkluża Natura 2000;

28. jenfasizza li l-pressjoni fuq il-foresti minn organiżmi ta' ħsara, mard u parassiti, diżastri naturali, bilanċ tal-ilma mibdul, żieda fit-temperaturi medji u disturbi oħra qed tiġi intensifikata dejjem aktar mit-tibdil fil-klima u li t-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-adattament tal-ekosistemi tal-foresti permezz ta' ġestjoni attiva hija kwistjoni urġenti; jinnota l-impatt ekonomiku ta' dawn id-disturbi fuq is-settur tal-forestrija kollu kemm hu; jinnota li l-użu ta' teknoloġiji innovattivi sostenibbli u l-prattiki ta' ġestjoni fir-restawr, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni jistgħu jgħinu biex tiżdied ir-reżiljenza u tissaħħaħ il-bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor u xxerred l-għarfien fost l-Istati Membri dwar kif il-foresti jiġu adattati għat-tibdil fil-klima attwali u mistenni, f'konformità mal-istrateġija l-ġdida ta' adattament tal-UE u mal-Istrateġija għall-Bijodiversità; jinnota li l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, bħala kunċett dinamiku, tikkonsisti f'firxa wiesgħa ta' azzjonijiet u prattiki adattivi, li ħafna minnhom jista' jkollhom rwol ewlieni fil-potenzjal ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-foresti, u toffri miżuri biex jiġu introdotti speċijiet Ewropej adattati aħjar u provenjenzi mtejba, jissaħħaħ il-kontribut tal-foresti għaċ-ċiklu tal-ilma, isir qtugħ biex jitrażżnu l-organiżmi ta' ħsara, il-patoġeni u l-ispeċijiet invażivi, jiġu evitati n-nirien fil-foresti u jinżammu l-funzjonijiet protettivi, fost l-oħrajn, filwaqt li jiġu sostnuti r-rwoli multifunzjonali tal-foresti; jenfasizza li art forestali akbar, reżiljenti u diversa teħtieġ ukoll aċċess għal riżorsi ġenetiċi; jisħaq fuq l-importanza li jingħata appoġġ lill-pool ġenetiku tan-nebbieta nazzjonali sabiex jiġu pprovduti inizjattivi lokali u reġjonali ta' riforestazzjoni u tisġir b'għadd suffiċjenti ta' speċijiet ta' siġar indiġeni; jindika r-rwol importanti tar-riġenerazzjoni naturali għall-futur tal-foresti, peress li din tista' trawwem żvilupp tal-għeruq mhux disturbat, vitalità u stabbiltà aħjar tas-siġar, u spejjeż aktar baxxi tat-tħawwil, iżda jinnota li r-riġenerazzjoni naturali mhijiex dejjem possibbli minħabba kundizzjonijiet speċifiċi tal-foresti; jissottolinja li l-foresti u l-kundizzjonijiet klimatiċi differenti tal-UE jirrikjedu prattiki differenzjati ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, li għandhom jiġu żviluppati aktar fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jaħdmu minn bażi komuni b'saħħitha;

29. Jinnota bi tħassib kbir li n-nirien fuq skala kbira u aktar intensi huma sfida dejjem akbar madwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, li l-istaġun tan-nirien tal-2021 fl-UE kien bla preċedent, peress li madwar 0,5 miljun ettaru nqerdu min-nirien, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-Ewropa li qed jiffaċċjaw l-ogħla żidiet fit-temperatura medja, bħall-Mediterran; jissottolinja li l-"meganirien" qed jiżdiedu fl-intensità u fil-frekwenza globalment; ifakkar li pajsaġġ varjat b'foresti diversi jipprovdi murata jew barriera naturali akbar kontra n-nirien fil-foresti fuq skala kbira u inkontrollabbli; jisħaq li r-restawr ta' foresti diversi jgħin fil-prevenzjoni u t-trażżin tan-nirien; jissottolinja l-ħtieġa għal aktar riżorsi u għall-iżvilupp ta' ġestjoni tan-nirien ibbażata fuq ix-xjenza u appoġġ għall-bini tal-kapaċità permezz ta' servizzi ta' konsulenza biex jiġu indirizzati l-effetti tat-tibdil fil-klima fil-foresti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu aħjar u jagħmlu użu mill-kunċett tal-ġestjoni integrata tan-nirien u jinnota li dan jista' jirrikjedi kapaċità regolatorja aħjar fl-Istati Membri, servizzi pubbliċi li jkunu isħeħ, u appoġġ iddedikat u kooperazzjoni akbar għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons kontra d-diżastri; jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat aktar u li jsir użu sħiħ mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili fir-rigward tan-nirien fil-foresti u diżastri naturali oħra; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor u xxerred l-għarfien fost l-Istati Membri dwar kif il-foresti jiġu adattati għat-tibdil fil-klima attwali u mistenni, f'konformità mal-istrateġija l-ġdida ta'

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

adattament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni toħloq valutazzjonijiet u mapep tar-riskju tan-nirien fil-foresti, abbażi ta' prodotti Copernicus imtejba, intelliġenza artifiċjali u data oħra ta' telerilevament, biex tappoġġa azzjoni preventiva;

30. jissottolinja li livelli differenti ta' protezzjoni huma parti mis-sett ta' għodod meħtieġa għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; jenfasizza li f'ħafna każijiet, anke l-protezzjoni tal-foresti għadha teħtieġ ċerti forom ta' intervent, pereżempju biex jiġu indirizzati l-perikli naturali jew il-ħtiġijiet ta' adattament; jinnota li foresti b'ħafna etajiet u speċijiet b'kopertura kontinwa huma aktar reżiljenti għal impatti klimatiċi bħan-nirien, in-nixfa u t-temp mhux staġjonali, anki meta jkunu parti mill-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u bħala tali huma investiment importanti għall-futur; jinsisti li l-monokulturi, li huma anqas reżiljenti għall-organiżmi ta' ħsara u għall-mard, kif ukoll għan-nixfiet, ir-riħ, il-maltempati u n-nirien, m'għandhomx jiġu appoġġjati mill-fondi tal-UE;

31. Jirrikonoxxi li mhux il-prattiki ta' ġestjoni kollha jikkontribwixxu għas-sekwestru tal-karbonju fil-foresti, iżda jisħaq li l-prattiki u l-prattikanti jistgħu jadattaw u jimmodernizzaw sabiex jibbilanċjaw bl-aħjar mod il-kompromessi, jottimizzaw l-approċċ tagħhom biex jiksbu iktar minn objettivi wieħed, u jimxu flimkien mal-għanijiet ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima u d-diversi funzjonijiet oħra tal-foresti; jirrimarka, f'dan is-sens, li hemm kompromessi u sinerġiji li għandhom jiġu kkunsidrati bejn id-domanda għall-injam u l-aspettattiva li l-foresti jaġixxu bħala bjar tal-karbonju u li jipprovdu ħabitats għall-flora u l-fawna; jistieden lill-Kummissjoni u lis-servizzi tagħha, f'dan ir-rigward, biex jaħdmu b'mod strateġiku bil-għan li jiżguraw koerenza fi kwalunkwe xogħol relatat mal-forestrija u jtejbu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza li ċerti prattiki ta' ġestjoni, b'mod partikolari inkluż is-serħan tal-art volontarju, jistgħu jgħinu biex jirrestawraw il-foresti u jkollhom impatt pożittiv fuq is-sekwestru tal-karbonju, il-bijodiversità u l-istatus ekoloġiku; jinnota li l-foresti jista' jkollhom livelli differenti ħafna ta' bijodiversità u kapaċità ta' sekwestru u ħżin tal-karbonju skont il-ġestjoni, il-makkinarju użat, l-intensità u l-frekwenza tal-qtugħ, l-istat tal-ħamrija, l-intensità tal-parassiti u tal-mard, l-età tal-popolazzjonijiet tal-foresti eċċ.; jirrimarka li xi foresti issa qed jirrilaxxaw aktar karbonju milli qed jassorbu; jinnota li l-foresti m'għandhomx jitqiesu esklussivament bħala bjar tas-$CO_2$ u bħala soluzzjoni għan-nuqqas ta' tnaqqis fl-emissjonijiet minn setturi oħra;

32. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri dwar il-linji gwida volontarji dwar il-forestrija "eqreb tan-natura" mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Foresti u n-Natura; jemmen li biex jiġi żgurat valur miżjud, il-linji gwida dwar dan il-kunċett għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u għandhom jinkorporaw firxa wiesgħa ta' għodod sostenibbli orjentati lejn ir-riżultati u ppruvati xjentifikament, flimkien ma' prattiki ta' ġestjoni tal-foresti, li b'mod partikolari jqisu l-ħtiġijiet fil-livell lokali u reġjonali, biex is-sidien u l-maniġers tal-foresti jingħataw l-għodod u l-inċentivi finanzjarji rilevanti biex jittejbu l-konnessjonijiet u l-kooperazzjoni bil-għan li l-protezzjoni tal-bijodiversità tiġi integrata aħjar fi prattiki ta' ġestjoni mtejba li fl-istess ħin jimmiraw li jipprovdu servizzi u prodotti oħra tal-ekosistema, kif tixhed l-Integrate Network; jenfasizza li l-foresti għandhom karatteristiċi differenti ħafna fl-Unjoni u li għalhekk hemm ħtieġa qawwija għal approċċi differenti ta' politika u ġestjoni, li jaħdmu minn bażi komuni b'saħħitha;

33. Jenfasizza l-importanza ta' foresti primarji u antiki, li fihom bijodiversità rikka u jipprovdu varjetà għolja ta' mikroħabitats essenzjali għas-sostenn ta' livelli għoljin ta' bijodiversità, u li jaqdu rwol ewlieni għall-protezzjoni tal-bijodiversità, is-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju, u għall-provvista tal-ilma ħelu; itenni s-sejħa tiegħu biex il-foresti antiki u primarji kollha li fadal jiġu protetti b'mod strett f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030; jinsisti li trid tiġi pprovduta wkoll protezzjoni liż-żoni ta' lqugħ li jmissu mal-foresti primarji u antiki biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-attributi antiki tal-foresti; jisħaq li l-espansjoni tal-protezzjoni xierqa għaż-żoni ta' lqugħ se ttejjeb il-konnettività tal-ħabitats ta' valur ekoloġiku għoli, li se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-konservazzjoni u jtaffi l-impatti negattivi tal-frammentazzjoni; jirrikonoxxi li kważi l-foresti primarji kollha ntilfu u jesprimi tħassib dwar il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam f'xi Stati Membri fl-UE; jinnota d-diversi definizzjonijiet ta' foresti primarji u antiki stabbiliti fil-livell internazzjonali u jisħaq li, qabel ma jsiru aktar sforzi ta' deżinjazzjoni, irid iseħħ qbil b'mod komuni bejn l-Istati Membri, is-sidien u l-maniġers tal-foresti, u partijiet ikkonċernati oħra dwar sett ta' definizzjonijiet ta' x'jikkostitwixxi foresti primarji u antiki li jibnu fuq dawk eżistenti; jiddispjaċih li l-linji gwida dwar id-definizzjoni ta' foresti antiki u primarji ma ġewx adottati mill-Kummissjoni fl-2021 kif indikat fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, iżda jilqa' l-ħidma li għaddejja dwar dawn id-definizzjonijiet mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Foresti u n-Natura; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat sett varjat u komprensiv ta' attributi, li tiġi żgurata l-flessibbiltà biex jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi fir-reġjuni

bijoġeografiċi u t-tipi ta’ foresti, u li ssir distinzjoni xierqa bejn foresti antiki u popolazzjonijiet ta’ foresti aktar antiki ġestiti għal newba twila; jisħaq li tali definizzjonijiet iridu jiġu mifiehma bħala kwistjoni urġenti, għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji ekoloġiċi u għandhom iqisu d-diversità tal-foresti Ewropej, is-sidien, it-tradizzjonijiet ta’ ġestjoni, it-tipi ta’ natura u ż-żoni klimatiċi li qed jinbidlu, u għandhom ukoll jevitaw rekwiżiti ta’ ġestjoni sproporzjonati għall-foresti u l-imsaġar li jmissu magħhom u li jippermettu miżuri ta’ ġestjoni relatati ma’ kwistjonijiet bħall-prevenzjoni tad-diżastri; jindika r-rwol ta’ inċentivi finanzjarji fl-iżvilupp volontarju fil-futur ta’ ċerti foresti antiki fuq art mistrieħa; jenfasizza li d-distribuzzjoni tal-foresti primarji u antiki fl-UE mhijiex uniformi, u 90 % minnhom jinsabu f’erba’ Stati Membri biss ([37]);

34. Jilqa’ l-fatt li l-gwida tal-Kummissjoni dwar żoni protetti ġodda tirrikonoxxi l-ħtieġa għal ċerti attivitajiet li għaddejjin bħalissa, pereżempju l-ġestjoni tal-ungulati permezz tal-kaċċa biex tiġi protetta firxa wiesgħa ta’ tipi ta’ ħabitats tal-foresti;

35. Ifakkar fid-defiċit sinifikanti fl-immappjar tal-foresti primarji u antiki u jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jitlesta l-qafas biex jiġi żgurat immappjar komprensiv u armonizzat, ibbażat fuq kriterji u definizzjonijiet operattivi ċari; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħidma li saret s’issa biex tidentifika, timmappja u tivvaluta dawn il-foresti f’xi Stati Membri u tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni tal-għarfien; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jarmonizzaw id-data eżistenti, biex jimlew il-lakuni rigward il-postijiet tal-foresti primarji u antiki u biex joħolqu bażi tad-data tas-siti potenzjali kollha li jissodisfaw il-kriterji għall-foresti antiki u primarji; f’dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu bażi tad-data trasparenti u faċli biex tiġi aċċessata tas-siti potenzjali kollha li jissodisfaw il-kriterji biex jiġu kklassifikati bħala foresti antiki u primarji;

36. Jieħu nota tal-ħidma tal-Kummissjoni li qed tiżviluppa linji gwida dwar riforestazzjoni u tisġir li jiffavorixxi l-bijodiversità; jisħaq li għandha ssir enfasi partikolari fuq dawk l-Istati Membri li l-kopertura tal-foresti tagħhom hija baxxa u, fejn xieraq u fejn ma jkunx detrimentali għall-għanijiet tal-bijodiversità, fuq art marġinali u art oħra li mhijiex adatta għall-produzzjoni tal-ikel, qrib żoni urbani u periurbani, u f’żoni muntanjużi, u fuq l-appoġġ għall-iżvilupp ta’ foresti li jkunu reżiljenti, imħallta u b’saħħithom; jisħaq li d-definizzjonijiet u l-linji gwida għat-tisġir li jiffavorixxi l-bijodiversità jridu jkunu bbażati fuq ix-xjenza, jikkunsidraw id-diversità tal-foresti Ewropej, tas-sidien, tat-tradizzjonijiet ta’ ġestjoni u tat-tipi ta’ natura, kif ukoll iż-żoni klimatiċi li qed jinbidlu, u għandhom jiġu stabbiliti f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti; jinsisti, barra minn hekk, li l-ebda art mistagħdra jew torbiera ma għandha tiġi skulata għat-tisġir u, fil-każ ta’ art storikament skulata, ma għandu jkun permess l-ebda drenaġġ ulterjuri jew addizzjonali; jirrimarka, barra minn hekk, li jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi evitata l-erożjoni fil-foresti li jinsabu f’żoni muntanjużi;

***Nippermettu lill-foresti u lill-maniġers tagħhom jilħqu bosta għanijiet***

37. Jinnota li l-PAK u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) huma s-sorsi ewlenin ta’ appoġġ għall-miżuri tal-forestrija, u dawn jammontaw għal 90 % tal-finanzjament totali tal-UE għall-forestrija; jenfasizza li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-2017 tal-miżuri tal-forestrija kkonkludiet li l-appoġġ għall-iżvilupp rurali għall-foresti ġeneralment kellu effett pożittiv u jista’ jikkontribwixxi b’mod sinifikanti biex jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali ([38]); jinnota wkoll li bejn l-2014 u l-2020, l-Istati Membri nefqu biss 49 % tal-fondi disponibbli, u li l-Kummissjoni identifikat piż amministrattiv, attraenza insuffiċjenti tal-primjums u nuqqas ta’ servizzi ta’ konsulenza bħala raġunijiet għal dan l-użu baxx u li dan għandu jitqies meta jiġu adattati l-pjanijiet strateġiċi l-ġodda tal-PAK; jistieden lill-Istati Membri jeliminaw il-piż amministrattiv sabiex l-użu tal-FAEŻR għall-miżuri tal-forestrija jsir aktar effiċjenti; jilqa’ l-għan tal-Kummissjoni li żżid l-użu tal-fondi disponibbli u jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-finanzjament u s-sussidji ma jappoġġawx operazzjonijiet li jimminaw il-provvista bbilanċjata tad-diversi servizzi tal-ekosistema; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi miżuri li jkunu konkreti u attraenti biżżejjed biex jiżguraw l-adozzjoni ta’ interventi u miżuri li jsaħħu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol multifunzjonali tal-foresti fl-UE fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, bil-għan li jiġi żgurat appoġġ

([37]) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *Mapping and assessment of primary and old-growth forests in Europe* (L-Immappjar u l-valutazzjoni tal-foresti primarji u antiki fl-Ewropa), 2021.

([38]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Forests,_forestry_and_logging#Employment_and_apparent_labour_productivity_in_forestry_and_logging

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

għal inizjattivi relatati mal-ekosistemi tal-foresti, b'mod partikolari sabiex jitnaqqas it-telf tal-bijodiversità fil-foresti, jiġi promoss it-tħawwil ta' speċijiet indiġeni xierqa ta' siġar fejn ikun adatt għall-ambjent speċifiku, tittejjeb il-ġestjoni tal-foresti u jiġi żgurat li l-fondi jintużaw f'konformità mal-għanijiet ta' politika rilevanti; jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni ma tintraċċax in-nefqa tal-forestrija taħt miżuri oħra ta' żvilupp rurali; jissottolinja li l-appoġġ għall-miżuri volontarji ta' konservazzjoni tan-natura huwa konformi mad-drittijiet tas-sjieda u mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

38. Jistieden lill-Kummissjoni ssib modi ġodda biex tagħmel il-kombinazzjoni ta' fondi differenti aktar attraenti u faċilment implimentabbli, li tkun tirrifletti u tistrieħ fuq il-karattru multifunzjonali tal-foresti u s-servizzi tal-ekosistema tal-foresti, u tippromwovi aħjar sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE bħall-programm LIFE, Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Faċilità ta' Finanzjament tal-Kapital Naturali tal-Bank Ewropew tal-Investiment; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-konsistenza tal-istrumenti ta' finanzjament differenti taħt il-baġit tal-Unjoni u l-Istrument ta' Rkupru tal-UE, inklużi l-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK, mal-impenji u l-miri stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra wkoll bħala eliġibbli taħt l-għajnuna għas-servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti l-impenji relatati mal-protezzjoni u l-protezzjoni stretta tal-foresti li jirriżultaw mill-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030; jistieden lill-Kummissjoni testendi dawn l-impenji għal perjodi itwal minn seba' snin, speċjalment fil-każ ta' żoni forestali strettament protetti;

39. Jirrimarka li s-settur tal-forestrija jopera primarjament, u aktar mis-settur agrikolu, bħala settur ibbażat fuq is-suq mingħajr dipendenza distinta fuq is-sussidji, filwaqt li jinnota wkoll li l-finanzjament tal-PAK irid jibqa' prinċipalment immirat lejn il-produzzjoni tal-ikel u jiżgura s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni; jisħaq li t-tqegħid ta' enfasi aktar b'saħħitha fuq servizzi oħra tal-ekosistema m'għandux iwassal għal dipendenza akbar, u jappoġġa lill-kummissjoni u lill-Istati Membri li jkomplu jsegwu l-iżvilupp ta' pagamenti volontarji bbażati fuq is-suq għal skemi ta' servizzi tal-ekosistema, bħas-sekwestru tal-karbonju, il-promozzjoni tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tal-ilma, il-ġbir tad-data u l-monitoraġġ; jissottolinja l-importanza li jiġi applikat il-prinċipju tal-addizzjonalità u li jitfasslu programmi b'mod li jirrikonoxxi bis-sħiħ il-ħidma ta' dawk li huma minn ta' quddiem u parteċipanti oħra, filwaqt li jimmotiva firxa wiesgħa ta' sidien tal-foresti; jissottolinja wkoll li r-rekwiżiti speċifiċi tal-programmi jeħtieġ li jqisu l-varjetà wiesgħa ta' foresti u l-isfidi u l-opportunitajiet diversi li jġibu magħhom; jinnota li d-disponibbiltà ta' data affidabbli dwar is-servizzi tal-ekosistema hija essenzjali għal kwalunkwe skema ta' pagament; jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola ([39]), li għandha l-għan li tinċentiva mudelli ta' negozju minn sorsi pubbliċi u privati billi tippremja l-prattiki ta' ġestjoni għaż-żieda tas-sekwestru fil-bijomassa ħajja u fil-ħamrija f'konformità ma' prinċipji ekoloġiċi; jenfasizza l-ħtieġa għal inizjattivi dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bbażati fuq metodoloġija xjentifika robusta, inkluża l-possibbiltà għal approċċi ta' nuqqas ta' intervent f'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità; jenfasizza, fid-dawl ta' din l-inizjattiva, li l-ġestjoni sostenibbli attiva tal-foresti tista' tikkontribwixxi kemm għaż-żieda fil-ħażniet tal-karbonju kif ukoll għat-tkabbir tal-foresti; jisħaq li l-assorbimenti tal-karbonju tal-foresti għandhom jiffukaw fuq inċentivi għas-sidien u l-maniġers tal-foresti biex jinvestu fil-ġestjoni attiva tal-foresti, jippromwovu r-riġenerazzjoni u jżidu t-tkabbir; jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni li tipproponi qafas regolatorju vinkolanti tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju sa tmiem l-2022 sabiex tikkwantifika, tirrapporta u tiċċertifika l-isforzi ta' tneħħija tal-karbonju u tevita r-rappreżentazzjoni ħażina u l-greenwashing;

40. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-iskemi eżistenti ta' ċertifikazzjoni misjuqa mis-suq u l-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; jinnota li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-iskemi wrew li huma għodod kredibbli u effettivi fit-tmexxija ta' prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti madwar l-Ewropa; jilqa' l-iskrutinju kontinwu mill-istituzzjonijiet tal-UE bħala għajnuna għal titjib kontinwu; jilqa' l-aħbar mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' skema ta' ċertifikazzjoni "eqreb tan-natura"; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn l-inizjattivi jtejbu l-ekosistemi tal-foresti, jipproteġu l-bijodiversità u jiżguraw valur miżjud permezz ta' prattiki ta' ġestjoni tal-foresti li jiffavorixxu n-natura; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkoopera ma' skemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti u ppruvati u titgħallem

([39]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar ċikli tal-karbonju sostenibbli (COM(2021)0800).

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

minnhom, u biex tappoġġa l-isforzi bil-għan li jitjiebu l-iskemi eżistenti, inkluż fir-rigward tat-trasparenza għall-konsumaturi u b'kont meħud tad-domanda tal-konsumatur; jemmen li biex jinħoloq valur miżjud, iċ-ċertifikazzjoni volontarja "eqreb tan-natura" trid tkun ibbażata fuq qafas obbligatorju ċar u trid toffri lis-sidien tal-foresti primjum suffiċjenti fuq il-prezz għall-forniment ta' servizzi tal-ekosistema, eż. billi tiġi stabbilita tikketta ta' kwalità tal-UE b'linji gwida adattati lokalment dwar il-forestrija eqreb tan-natura sabiex jiġu promossi l-aktar prattiki ta' ġestjoni favur il-bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni, wara li tikkonkludi l-ħidma fuq id-definizzjoni ta' "eqreb tan-natura", tivvaluta kemm il-valur miżjud kif ukoll l-ispejjeż għas-sidien tal-foresti ta' tali skema ta' ċertifikazzjoni; jinnota li ċ-ċertifikazzjoni volontarja hija biss wieħed mill-passi meħtieġa lejn l-iżvilupp ta' ġestjoni tal-foresti aktar sostenibbli fl-UE;

41. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar il-liċenzjar tal-logo Natura 2000 ([40]); jinnota li l-iskema tat-tikkettar ta' Natura 2000 għandha tippromwovi l-aktar standards ekoloġiċi stretti tal-UE għall-protezzjoni tat-tipi ta' ħabitats u tal-ispeċijiet l-aktar vulnerabbli fuq l-art; ifakkar li Natura 2000 tkopri madwar 18 % tat-territorju tal-UE fuq l-art; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma sseħħ l-ebda attività li tikkawża ħsara jew tfixkel l-ispeċijiet fil-ħabitats magħżula bħala Natura 2000; jitlob li jkun hemm miri ambizzjużi skont l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti biex jinżammu u jiġu restawrati l-valuri ekoloġiċi tas-siti magħżula filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti soċjali, kulturali u l-karatteristiċi reġjonali u lokali taż-żona; jinnota li l-isforzi ta' konservazzjoni fis-siti ta' Natura 2000 għandhom ikunu kompletament konformi mad-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar u mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030; jinnota li s-siti ta' Natura 2000 jipprovdu servizzi siewja tal-ekosistema lill-pubbliku; jenfasizza li l-logo ta' Natura 2000 imqiegħed fuq kwalunkwe oġġett jew servizz għandu jfisser li dawk l-oġġetti u s-servizzi qed jikkontribwixxu għall-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit ta' Natura 2000 li huma derivati minnu;

42. Jilqa' l-Pjan ta' Ħidma Strateġiku tal-Ekotikketta tal-UE għall-2020-2024 ippubblikat mill-Kummissjoni; ifakkar li l-ekotikketta tal-UE hija tikketta volontarja ta' eċċellenza ambjentali; jinnota li l-iskema tal-ekotikketta tippromwovi l-ekonomija ċirkolari tal-UE u tikkontribwixxi għal prattiki sostenibbli ta' konsum u produzzjoni; jitlob standards u monitoraġġ stretti kif ukoll il-promozzjoni ta' użu akbar tal-ekotikketta fis-settur tal-foresti tal-UE; jisħaq fuq l-importanza li jiġi estiż l-ambitu tal-ekotikketta għall-prodotti tal-injam sabiex jiġi indikat il-livell ta' sostenibbiltà ta' dawn il-prodotti; jistieden lill-Istati Membri biex iħeġġu lill-produtturi jżidu l-użu tat-tikketta Natura 2000 għall-prodotti tal-foresti mhux tal-injam;

43. Jenfasizza li biex jiġu ssodisfati l-objettivi tal-bijodiversità u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-foresti fil-kontribut tagħhom għall-miri tal-klima u tal-ekonomija ċirkolari tal-UE, li jseħħu u jiġu inċentivati aktar riċerka, innovazzjoni u żvilupp fl-oqsma tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, b'mod partikolari l-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-alternattivi b'bażi bijoloġika għall-prodotti bbażati fuq il-fossili u prodotti oħra b'impronta tal-karbonju kbira; jinkoraġġixxi appoġġ kontinwu għall-innovazzjoni sostenibbli relatata mal-injam, bħat-tessuti bbażati fuq l-injam li għandhom potenzjal għoli bħala sostitut għall-fibri tat-tessuti sintetiċi u l-qoton, u materjali oħra bbażati fuq l-injam li jkunu rċevew valutazzjoni ambjentali u klimatika pożittiva taċ-ċiklu tal-ħajja; jisħaq li sabiex ikunu kompetittivi, alternattivi b'bażi bijoloġika bħal dawn iridu joffru lill-konsumaturi prodotti bi prezzijiet affordabbli; jinnota li ċ-ċikli ta' żvilupp fis-settur jistgħu jdumu 10 snin jew aktar u jissottolinja li ambjent regolatorju prevedibbli u stabbli huwa prekundizzjoni biex jattira l-investiment; jenfasizza li ħafna innovazzjonijiet fis-settur għandhom valur miżjud għoli u jipprovdu impjiegi ta' kwalità għolja fiż-żoni rurali, kif ukoll fil-katina tal-valur tas-settur tal-foresti u l-industriji relatati b'bażi bijoloġika, u jissottolinja r-rwol tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju f'dan il-kuntest;

44. Jemmen li biex tittejjeb il-provvista koordinata ta' servizzi forestali ambjentali, soċjali, soċjetali u ekonomiċi, il-programmi qafas rilevanti tal-UE, inklużi Orizzont Ewropa, il-programm LIFE, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP-AGRI), il-programm LEADER u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, iridu jkunu allinjati aħjar; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE billi tiġi proposta sħubija ta' riċerka u innovazzjoni fil-forestrija u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi komprensivi ffukati fuq il-foresti li jinvolvu funzjonijiet u partijiet differenti tal-katina tal-valur tas-settur tal-foresti u li jinkludu laboratorji ħajjin biex jittestjaw u juru soluzzjonijiet għall-isfidi ewlenin, filwaqt li jibnu fuq pjattaformi eżistenti u ppruvati bħall-Integrate Network, il-Pjattaforma Teknoloġika tas-Settur ibbażat fuq il-Foresti u l-Istitut Ewropew tal-Foresti, u li jinkludi wkoll is-sħab pan-Ewropej u internazzjonali;

([40]) ĠU C 229, 15.6.2021, p. 6.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

45. Ifakkar li 60 % tal-foresti tal-UE huma proprjetà privata u parti sinifikanti tas-sidien tal-foresti huma detenturi żgħar; jisħaq li sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija, l-implimentazzjoni tagħha trid tiffoka fuq li tippermetti li t-tipi kollha ta' sidien u maniġers tal-foresti, u b'mod partikolari d-detenturi żgħar, iwettqu l-funzjonijiet multipli tal-foresti; jirrikonoxxi li s-sidien u l-maniġers tal-foresti jeħtieġu ammont kbir ta' flessibbiltà fil-prattiki ta' ġestjoni tal-foresti tagħhom, li jaħdmu minn bażi komuni b'saħħitha, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tal-ekosistema kollha meħtieġa, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-programmi ta' appoġġ, l-iskemi volontarji ta' ħlas għall-ekosistema u l-finanzjament tar-riċerka jkunu attraenti, jinftiehmu u faċilment aċċessibbli għad-detenturi żgħar;

46. Jissottolinja li d-disponibbiltà ta' servizzi ta' konsulenza hija mutur importanti għat-tixrid ta' prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' servizzi ta' konsulenza, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lid-detenturi żgħar;

47. Jinnota li madwar 40 % tal-foresti tal-UE huma proprjetà pubblika tal-muniċipalitajiet u l-gvernijiet reġjonali jew nazzjonali, filwaqt li f'xi Stati Membri s-sjieda pubblika tal-foresti hija ferm ogħla, u tilħaq medja ta' 90 % fix-Xlokk tal-Ewropa; jenfasizza li l-foresti pubbliċi jista' jkollhom rwol ewlieni fil-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-foresti, fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-bijodiversità, fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fit-tisħiħ tal-iżvilupp rurali u fil-provvista ta' prodotti u servizzi relatati mal-injam u mhux relatati mal-injam, u li l-aġenziji tal-forestrija tal-Istat ikunu jistgħu jaqdu rwol importanti biex jipprovdu lis-sidien privati tal-foresti b'għarfien espert tant meħtieġ dwar il-forestrija qrib tan-natura u dwar l-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima; jitlob żieda fir-riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji forestali tal-istat fejn meħtieġ; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Istati Membri jkunu ta' eżempju għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-foresti pubbliċi tagħhom għall-ġid pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali;

48. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE – Lejn żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperi sal-2040" u r-rikonoxximent tar-rwol li jaqdu l-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fis-salvagwardja ta' xogħol u għajxien deċenti fiż-żoni rurali; jissottolinja l-importanza tas-settur tal-forestrija u tal-industriji bbażati fuq l-injam bħala fornitur ta' impjiegi fil-komunitajiet rurali, kif ukoll f'żoni urbani permezz ta' użi downstream; jirrimarka l-importanza li tingħata spinta lill-attivitajiet ekonomiċi bbażati fuq il-foresti li mhumiex relatati mal-injam u sabiex jiġu ddiversifikati l-ekonomiji u l-impjiegi lokali u sseħħ inverżjoni tax-xejriet tad-depopolazzjoni taż-żoni rurali u remoti; jinnota bi tħassib kbir it-tnaqqis kostanti fl-impjiegi fis-settur tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam, li skont il-Eurostat naqas b'7 % bejn l-2000 u l-2019 ([41]), u l-għadd kbir ta' inċidenti fis-settur ([42]); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-effetti tal-miżuri meħuda fil-qafas tal-istrateġija dwar l-impjiegi u s-sikurezza tax-xogħol fid-dawl ta' prattiki ta' ġestjoni li qed jinbidlu, peress li l-għażliet diskussi spiss imorru id f'id ma' intensità tax-xogħol (fiżika) ogħla, u dan jirriżulta wkoll f'riskji differenti għall-ħaddiema u jirrikjedi taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja, kif ukoll opportunitajiet għal titjib tal-ħiliet u għal taħriġ mill-ġdid; jenfasizza l-importanza li dan it-tip ta' impjieg isir attraenti, kif ukoll l-opportunitajiet ta' ġestjoni aktar sostenibbli tal-foresti għal dan il-għan; jisħaq fuq il-ħtieġa, f'dan ir-rigward, ta' miżuri intiżi biex tiżdied is-sikurezza tax-xogħol u biex il-ħaddiema jitħarrġu b'mod adegwat u biex tiġi appoġġjata l-modernizzazzjoni tat-tagħmir u l-għodod tal-forestrija; jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw is-servizzi ta' konsulenza tagħhom f'dan ir-rigward u jinfurzawhom mill-ġdid fejn meħtieġ, u jagħtu prijorità lit-tkomplija tat-taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja fis-snajja' relatati mal-kostruzzjoni ekoloġika u l-injam; jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi, flimkien mal-manifatturi tal-makkinarju tal-forestrija, biex ittejjeb id-disinn ambjentali ta' dak il-makkinarju bil-għan li tirrikonċilja livell għoli ta' protezzjoni għall-ħaddiema ma' impatt minimu fuq il-ħamrija u l-ilma fil-foresti;

49. Jisħaq fuq l-importanza li ż-żgħażagħ u l-intraprendituri nisa jiġu attirati lejn is-settur, speċjalment fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi tal-attivitajiet ibbażati fuq il-foresti; jirrimarka, madankollu, li l-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol fis-settur tal-forestrija f'xi partijiet tal-Ewropa bħalissa ma jagħmlux minnu għażla ta' karriera attraenti; jissottolinja l-ħtieġa għal investimenti fis-settur u tul il-katina tal-valur, u għal ambjent favorevoli fiż-żoni rurali, inkluża l-infrastruttura diġitali, tat-trasport u tal-komunità; jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-istabbiliment ta' sħubija għall-ħiliet skont il-Patt għall-Ħiliet u biex tagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus bil-għan li jaħdmu flimkien biex jikber l-għadd ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fil-forestrija, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u l-ħaddiema jiġu pprovduti b'opportunitajiet u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati fil-bijoekonomija bbażata fuq l-injam, u b'hekk jagħmluha għażla ta' karriera aktar attraenti;

([41]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Forests,_forestry_and_logging#Employment_and_apparent_labour_productivity_in_forestry_and_logging

([42]) Forest Europe, , *State of Europe's Forests 2020 (L-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020)*, 2020

It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022

*Monitoraġġ, rappurtar u ġbir ta’ data*

50. Jenfasizza l-importanza ta’ data preċiża, integrata, kwalitattiva, puntwali, kumparabbli u aġġornata dwar il-foresti tal-Ewropa u jieħu nota tal-inizjattiva għal proposta leġiżlattiva għal qafas dwar l-osservazzjoni, ir-rappurtar u l-ġbir ta’ data dwar il-foresti, b’rispett sħiħ lejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà; ifakkar fl-importanza ta’ data vverifikata, b’mod partikolari dik miġbura fil-livell lokali, peress li ħafna karatteristiċi tal-foresti jistgħu jiġu vverifikati biss fuq il-post; jissottolinja li d-disponibbiltà kbira, il-kwalità għolja, it-trasparenza, il-kompletezza u l-armonizzazzjoni tad-data u r-rappurtar huma essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija u jemmen li biex jinkiseb valur miżjud reali, il-qafas irid jibni fuq il-mekkaniżmi u l-proċessi eżistenti, bħall-inventarji nazzjonali tal-foresti, is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa, in-network ENFIN, Forest Europe u l-FAO, permezz ta’ approċċ minn isfel għal fuq biex l-għarfien espert u l-esperjenza preżenti fl-Istati Membri jintużaw bl-aħjar mod, u jridu jiġu żviluppati skont l-impenji maqbula internazzjonalment u l-kompetenzi relatati tal-Istati Membri, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol, il-piż amministrattiv eċċessiv u l-ispejjeż eċċessivi; jissottolinja li l-qafas għandu jinkludi mekkaniżmi biex jiġu evitati żbalji bħall-għadd doppju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament u riżorsi umani adegwati għall-appoġġ operattiv għall-qafas;

51. Jemmen li sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta’ data affidabbli, trasparenti u ta’ kwalità għolja, approċċi innovattivi ġodda bħat-teknoloġiji tat-telerilevament iridu jiġu vverifikati u kkombinati ma’ data miksuba permezz ta’ monitoraġġ ibbażat fuq l-art u jridu jiġu interpretati f’kooperazzjoni mill-qrib max-xjentisti, kif ukoll mal-esperti lokali u indipendenti, inkluż l-awtoritajiet kompetenti u maniġers tal-foresti; jemmen li dawn l-approċċi jista’ jkollhom rwol ukoll għax jgħinu biex tiġi bbilanċjata l-multifunzjonalità tal-foresti u biex jiġu żviluppati u kondiviżi approċċi u prattiki ġodda, u għandhom jinkludu l-mezzi finanzjarji meħtieġa biex jinkiseb aċċess għad-data u jingħata kontribut għall-kisba tagħha; jemmen li s-sinerġija u l-komplementarjetà bejn l-immaġnijiet satellitari u d-data dwar il-pożizzjonament u l-lokalizzazzjoni jistgħu jsiru faċilitaturi ewlenin għall-maniġers tal-forestrija u l-korpi governattivi; jenfasizza l-importanza ta’ Copernicus li jippermetti l-monitoraġġ mill-bogħod u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-inventarji tal-foresti, kif ukoll id-detezzjoni ta’ kwistjonijiet problematiċi bħall-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u d-deforestazzjoni; jilqa’ l-fatt li, bħala parti mis-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa, il-monitoraġġ eżistenti tal-effetti klimatiċi u disturbi naturali jew ikkawżati mill-bniedem oħrajn fuq il-foresti se jissaħħaħ; jissottolinja r-rwol kruċjali li d-data tal-analiżi għandha fl-appoġġ tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-protezzjoni tal-foresti, inkluż fil-prevenzjoni tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u fl-antiċipazzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatti tad-disturbi naturali bħall-maltempati, in-nirien fil-foresti u l-organiżmi ta’ ħsara;

52. Iqis li d-data ta’ Copernicus għandha tintuża bħala evidenza fl-infurzar tal-liġi u fit-tfassil tal-politika permezz taċ-ċertifikazzjoni tad-data u tal-prodotti ta’ informazzjoni derivati tagħha, u jitlob li ċ-ċertifikazzjoni tad-data ta’ Copernicus tinkiseb fil-kuntest tal-proposta leġiżlattiva li jmiss għal qafas dwar l-osservazzjoni, ir-rappurtar u l-ġbir tad-data tal-foresti; jishaq li tali data ċċertifikata jista’ jkollha rwol ewlieni fil-monitoraġġ ta’ diversi fenomeni (bħall-kopertura tal-art tal-foresti, il-qtugħ illegali tas-siġar, is-saħħa tal-foresti, il-karatterizzazzjoni tas-siġar, ix-xejriet tat-tkabbir u l-impatt tan-nirien fil-foresti) kif ukoll fil-monitoraġġ tal-konformità;

53. Jieħu nota tal-idea li jiġu introdotti pjanijiet strateġiċi għall-foresti fl-ambitu tal-qafas dwar l-osservazzjoni, ir-rappurtar u l-ġbir ta’ data dwar il-foresti; jinnota wkoll li diversi Stati Membri diġà għandhom strateġiji nazzjonali għall-foresti fis-seħħ, li ma jistgħux jiġu vvalutati b’mod uniformi mill-Kummissjoni, u li dawn għandhom jiġu stabbiliti jew żviluppati aktar b’mod li jappoġġja l-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti; jissottolinja li din il-proposta għandha tevita żieda eċċessiva fil-piż u l-ispejjeż amministrattivi; jenfasizza li l-iskop u l-ħtieġa eżatti għal tali pjanijiet għandhom jiġu ċċarati u jenfasizza l-obbligu li tiġi rispettata l-kompetenza tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta’ foresti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposta leġiżlattiva tirrispetta bis-sħiħ l-istrateġiji nazzjonali eżistenti fil-livell tal-Istati Membri u, fejn rilevanti, fil-livell lokali, filwaqt li tenfasizza li l-ippjanar strateġiku fil-livell tal-UE għandu jgħaqqad l-istrateġiji nazzjonali eżistenti u jevita li jikkontradixxihom jew li jidduplikahom; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif din l-għodda tista’ tintuża biex tappoġġja, b’mod partikolari, lil dawk l-Istati Membri li għad m’għandhomx strateġiji nazzjonali fis-seħħ;

*Governanza u implimentazzjoni*

54. Jemmen li minħabba l-kontribut multifunzjonali tal-foresti għal bosta għanijiet tal-UE u l-livelli amministrattivi differenti u l-gruppi tal-partijiet ikkonċernati involuti, il-pedamenti tal-implimentazzjoni tal-istrateġija jridu jkunu l-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju tal-aħjar prattiki ma’ esperti nazzjonali u reġjonali, b’mod partikolari s-sidien u l-maniġers tal-foresti privati u pubbliċi, ix-xjentisti, l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni u s-soċjetà ċivili, inkluż rappreżentazzjoni xierqa tal-popli indiġeni tal-Ewropa u fir-rispett lejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jissottolinja li l-governanza trid tqis

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

l-involviment tal-UE u tal-Istati Membri ma' Forest Europe u fil-livell internazzjonali, inkluż mal-FAO, u li l-implimentazzjoni tal-istrateġija għandha tfittex li toħloq sinerġiji mal-kontribut għall-impenji u l-kooperazzjoni internazzjonali, anki dwar l-iżvilupp kontinwu tat-terminoloġija u d-definizzjonijiet; ifakkar fl-importanza ta' kooperazzjoni transfruntiera biex tiġi żgurata s-sopravivenza fit-tul tal-ispeċijiet u l-habitats l-aktar siewja u mhedda tal-Ewropa. iħeġġeġ lill-partijiet interessati ambjentali u tal-forestrija biex jilħqu partijiet dejjem ikbar tal-popolazzjoni permezz ta' diversi għodod u programmi edukattivi;

55. Jenfasizza l-importanza tal-Kumitat Permanenti tal-Forestrija bħala forum li jipprovdi għarfien espert komprensiv dwar il-forestrija u fejn jiġu diskussi attivitajiet taħt l-istrateġija u politiki oħra tal-UE li jħallu impatt fuq is-settur tal-forestrija; jemmen li biex tinkiseb koerenza politika, il-Kummissjoni għandha żżid id-djalogu bejn il-Kumitat Permanenti tal-Forestrija u gruppi oħra ta' esperti bħall-Grupp ta' Ħidma dwar il-Foresti u n-Natura, il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Forestrija u s-Sufra, li jaqdi rwol importanti fl-involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki forestali tal-UE, is-sottogrupp ta' ħidma għall-foresti u n-natura tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Bijodiversità u n-Natura, u l-Grupp ta' Esperti dwar l-Industriji bbażati fuq il-Foresti;

56. Jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-istrateġija tista' twassal għal bidliet sistemiċi sinifikanti għas-settur tal-forestrija, permezz ta' bidla minn flussi ta' dħul primarjament ibbażati fuq l-injam għal oħrajn aktar kumplessi, filwaqt li tissejjes dejjem aktar fuq id-dispożizzjonijiet ta' servizzi oħra tal-ekosistema, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati u mifhuma l-konsegwenzi tagħha; jinnota li t-trikkib estensiv u xi kultant kontradittorju fost il-politiki u l-leġiżlazzjoni, u f'xi każijiet objettivi konfliġġenti, iħallu impatt fuq il-foresti u s-settur tal-forestrija u jista' jikkawża frammentazzjoni leġiżlattiva; jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw kontinwament l-effetti kumulattivi tal-inizjattivi differenti taħt l-istrateġija, flimkien ma' leġiżlazzjoni u politiki rilevanti oħra tal-UE biex tiġi żgurata l-koerenza fi kwalunkwe xogħol relatat mal-forestrija u tissaħħaħ il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, b'rispett sħiħ lejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza li, bħala parti minn dawn il-valutazzjonijiet, l-impatt tar-reġim ta' protezzjoni għall-foresti primarji u antiki fuq il-komunitajiet lokali jrid jiġi evalwat bir-reqqa f'kooperazzjoni mal-atturi lokali, li 90 % minnhom jinsabu biss f'erba' Stati Membri ([43]); jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar dan bħala parti mir-rapport ta' implimentazzjoni tagħha;

57. Jesprimi tħassib serju għal rapporti dwar qtugħ illegali ta' siġar u tibdil fl-użu tal-art f'xi Stati Membri, inkluż f'foresti tal-istat u żoni protetti, u dwar il-proċeduri ta' ksur relatati magħhom li għaddejjin ([44]); jissottolinja li l-qtugħ illegali tas-siġar jista' jkollu effetti li jkun diffiċli jew impossibbli li jitreġġgħu lura, jista' jikkontribwixxi għat-telf tal-bijodiversità, jaċċellera t-tibdil fil-klima u t-telf ta' riżorsi naturali mill-foresti li l-komunitajiet tal-foresti jiddependu fuqhom, u jista' jwassal għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jesprimi dispjaċir profond fir-rigward tal-qtil ta' u jikkundanna l-qtil u l-vjolenza kontra l-persunal tal-forestrija, il-ġurnalisti u l-attivisti bħala konsegwenza tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u jistenna li l-Istati Membri jżommu lill-awturi responsabbli u jtemmu l-oppressjoni tal-rangers; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ u b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE rilevanti, b'mod partikolari billi jiddefinixxu l-qtugħ illegali tas-siġar, iżidu l-monitoraġġ mill-qrib, l-infiq fuq l-infurzar fejn meħtieġ, jiġġieldu l-korruzzjoni, u jtejbu l-governanza tal-foresti u tal-art; jisħaq fuq l-importanza li jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar, abbażi tat-tagħlimiet miksuba mill-implimentazzjoni u mill-infurzar tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam; jinnota li l-qtugħ tas-siġar għall-injam bi ksur tal-miżuri ta' protezzjoni tan-natura, inklużi l-pjanijiet ta' ġestjoni ta' Natura 2000 u tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, jista' jikkostitwixxi wkoll qtugħ illegali tas-siġar għall-injam; jisħaq li l-qtugħ illegali tas-siġar iħalli impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali negattivi kbar u jiġġenera telf ta' dħul għall-komunitajiet lokali; jinnota l-konnessjoni bejn il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kundizzjonijiet tal-għajxien ħżiena; jiddispjaċih għaż-żmien twil li ħadet il-Kummissjoni biex issegwi każijiet ta' ksur, peress li dan joħloq riskju kbir li l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam jkompli u li jkun tard wisq biex jitreġġa' lura u li jissewwa d-dannu kbir li dan jikkawża; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti biex iwaqqfu l-qtugħ illegali tas-siġar u jżidu l-kontroll tal-kummerċ illegali tal-injam, permezz tal-monitoraġġ mill-qrib u l-infurzar tar-regolamenti eżistenti u l-użu ta' teknoloġiji ġeospazjali u ta' telerilevament;

---

([43]) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *Mapping and assessment of primary and old-growth forests in Europe* (L-Immappjar u l-valutazzjoni tal-foresti primarji u antiki fl-Ewropa), 2021.

([44]) Ħames proċeduri ta' ksur li għadhom għaddejjin kontra erba' Stati Membri (il-Każi 2016/2072, 2018/2208, 2018/4076, 2020/2033 u 2021/4029).

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

58. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-istandards u l-ambizzjonijiet tal-UE għall-protezzjoni tal-foresti fil-livell internazzjonali;

59. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda mill-ġdid in-negozjati għal konvenzjoni internazzjonali dwar il-foresti legalment vinkolanti li tikkontribwixxi għall-ġestjoni, il-konservazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-foresti u li tipprevedi l-funzjonijiet u l-użi multipli u komplementari tagħhom, inkluża azzjoni għar-riforestazzjoni, it-tisġir u l-konservazzjoni tal-foresti, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi, ekoloġiċi, kulturali u spiritwali tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, u jiġi rikonoxxut ir-rwol vitali tat-tipi kollha ta' foresti fiż-żamma tal-proċessi u l-bilanċ ekoloġiċi, u fl-appoġġ tal-identità, il-kultura u d-drittijiet tal-popli indiġeni, il-komunitajiet tagħhom u komunitajiet u popli oħra li jgħixu fil-foresti.

60. Jistieden lill-Unjoni tikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u tiżgura l-konsistenza bejn il-politiki tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp, il-kummerċ, l-agrikoltura, l-enerġija u l-klima; jirrikonoxxi l-kontribut ekonomiku, soċjetali u ambjentali pożittiv tal-industrija tal-foresti, u jitlob aktar investiment fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-avvanz teknoloġiku;

61. Jistieden lill-Kummissjoni tippromovi l-istess regoli fis-swieq internazzjonali tal-bijoekonomija u tagħmel użu minn sħubijiet pan-Ewropej u internazzjonali u ftehimiet ta' kummerċ barrani biex tippromovi l-ambizzjoni klimatika tal-UE u s-sostenibbiltà tal-użu tal-foresti barra mill-UE.

o

o o

62. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0314

# L-impatt tal-għeluq tal-attivitajiet edukattivi, kulturali, taż-żgħażagħ u sportivi minħabba l-COVID-19 fuq it-tfal u ż-żgħażagħ fl-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar l-impatt tal-għeluq tal-attivitajiet edukattivi, kulturali, taż-żgħażagħ u sportivi minħabba l-COVID-19 fuq it-tfal u ż-żgħażagħ fl-UE (2022/2004(INI))**

(2023/C 125/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3 u 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165, 166 u 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 14, 15 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji 1, 3 u 4 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażagħ u fuq l-isport [3],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ Ewropej: l-impjiegi u l-irkupru soċjali wara l-pandemija [4],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar id-dritt għall-informazzjoni tal-Parlament rigward il-valutazzjoni li għaddejja tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza [5],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Avveniment Ewropew taż-Żgħażagħ 2021 bit-titolu "Youth Ideas Report for the Conference on the Future of Europe" (Rapport dwar l-Ideat taż-Żgħażagħ għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażagħ (2022) [6],

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2021 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (COM(2021)0770) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha (SWD(2021)0367),

— wara li kkunsidra l-artiklu tal-aħbarijiet tas-7 ta' April 2020 bit-titolu "COVID-19: how can VET respond?" (Il-COVID-19: kif jistgħu jirrispondu l-VET?), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni [7],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027: Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali" (COM(2020)0624),

---

(1) ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.
(2) ĠU C 395, 29.9.2021, p. 101.
(3) ĠU C 465, 17.11.2021, p. 82.
(4) Testi adottati, P9_TA(2022)0045.
(5) ĠU C 15, 12.1.2022, p. 184.
(6) ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1.
(7) https://ec.europa.eu/social/vocational-skills-week/covid-19-how-can-vet-respond_mt

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ tal-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq il-mobbiltà għat-tagħlim ([8]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar il-kura fit-tul u l-edukazzjoni u l-kura tat-tfal,

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Education and youth in post-COVID-19 Europe – crisis effects and policy recommendations" (L-edukazzjoni u ż-żgħażagħ fl-Ewropa ta' wara l-COVID-19 – l-effetti tal-kriżi u rakkomandazzjonijiet ta' politika), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fl-4 ta' Mejju 2021 ([9]),

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Youth in Europe: Effects of COVID-19 on their economic and social situation" (Iż-żgħażagħ fl-Ewropa: L-effetti tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fl-24 ta' Settembru 2021 ([10]),

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Cultural and creative sectors in post-COVID-19 Europe – crisis effects and policy recommendations" (Is-setturi kulturali u kreattivi fl-Ewropa ta' wara l-COVID-19 – l-effetti tal-kriżi u rakkomandazzjonijiet ta' politika), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fit-18 ta' Frar 2021 ([11]),

— wara li kkunsidra r-rapport *ad hoc* NESET Nru 3/2021 bit-titolu "Distance learning from pupil perspective" (It-tagħlim mill-bogħod mill-perspettiva tal-istudenti) ([12]),

— wara li kkunsidra r-rapport ad hoc tan-NESET Nru 2/2021 bit-titolu "The impact of COVID-19 on student learning outcomes across Europe: the challenges of distance education for all" (L-impatt tal-COVID-19 fuq l-eżiti tat-tagħlim tal-istudenti madwar l-Ewropa: l-isfidi tal-edukazzjoni mill-bogħod għal kulħadd) ([13]),

— wara li kkunsidra n-Network Ewropew ta' Esperti dwar l-Ekonomija tal-Edukazzjoni (EENEE) u r-rapport analitiku tan-NESET bit-titolu "The impact of COVID-19 on the education of disadvantaged children and the socio-economic consequences thereof" (L-impatt tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni tat-tfal żvantaġġjati u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tiegħu) ([14]),

— wara li kkunsidra r-rapport tekniku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka bit-titolu "The likely impact of COVID-19 on education: Reflections based on the existing literature and recent international datasets" (L-impatt probabbli tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni: Riflessjonijiet ibbażati fuq il-letteratura eżistenti u settijiet ta' data internazzjonali reċenti) ([15]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ tas-17 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Beyond Lockdown: the 'pandemic scar' on young people" (Lil hinn mil-Lockdown: iċ-"ċikatriċi tal-pandemija" fuq iż-żgħażagħ) ([16]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-UNICEF tal-4 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "The State of the World's Children 2021 – On My Mind: Promoting, protecting and caring for children's mental health" (L-Istat tal-Tfal fid-Dinja 2021 – Fi Ħsibijieti: il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-kura tas-saħħa mentali tat-tfal) ([17]),

---

([8]) https://erasmus-plus.ec.europa.eu/sites/default/files/2021-09/coronavirus-mobility-impact-results-may2020_en.pdf

([9]) Studju – "Education and Youth in post-COVID-19 Europe – crisis effects and policy recommendations" (L-Edukazzjoni u ż-Żgħażagħ fl-Ewropa ta' wara l-COVID-19 – l-effetti tal-kriżi u rakkomandazzjonijiet ta' politika), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, 4 ta' Mejju 2021.

([10]) Studju – "Youth in Europe: Effects of COVID-19 on their economic and social situation" (Iż-żgħażagħ fl-Ewropa: L-effetti tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku A – Il-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja, 24 ta' Settembru 2021.

([11]) Studju – "Cultural and creative sectors in post-COVID-19 Europe: Crisis effects and policy recommendations" (Is-setturi kulturali u kreattivi fl-Ewropa ta' wara l-COVID-19 – l-effetti tal-kriżi u rakkomandazzjonijiet ta' politika), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, 18 ta' Frar 2021.

([12]) Diez-Palomar, J., Pulido, C. u Villarejo, B., "Distance learning from a student prospective" (It-tagħlim mill-bogħod mill-perspettiva tal-istudenti), rapport ad hoc NESET Nru 3/2021.

([13]) Sternadel, D., "The impact of COVID-19 on student learning results across Europe: the challenges of distance education for all" (L-impatt tal-COVID-19 fuq l-eżiti tat-tagħlim tal-istudenti madwar l-Ewropa: l-isfidi tal-edukazzjoni mill-bogħod għal kulħadd), rapport ad hoc NESET Nru 2/2021.

([14]) Koehler, C., Psacharopoulos, G. u Van der Graaf, L., "The impact of COVID-19 on the education of disadvantaged children and the socio-economic consequences thereof" (L-impatt tal-COVID- fuq l-edukazzjoni tat-tfal żvantaġġati u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħhom), rapport tan-NESET-EENEE, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

([15]) Di Pietro, G., Biagi, F., Costa, P., Karpiński, Z. u Mazza, J., "The likely impact of COVID-19 on education: Reflections based on the existing literature and recent international datasets (L-impatt probabbli tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni: Riflessjonijiet ibbażati fuq il-letteratura eżistenti u settijiet ta' data internazzjonali reċenti), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020.

([16]) Moxon, D., Bacalso, C, u Şerban, A., "Beyond the pandemic: The impact of COVID-19 on young people in Europe (Lil hinn mill-pandemija: L-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażagħ fl-Ewropa), il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, Brussell, 2022.

([17]) https://www.unicef.org/press-releases/impact-covid-19-poor-mental-health-children-and-young-people-tip-iceberg

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra n-nota ta' politika tal-OECD tat-12 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Supporting young people's mental health through the COVID-19 crisis" (Appoġġ għas-saħħa mentali taż-żgħażagħ tul il-kriżi tal-COVID-19) ([18]),

— wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Young Minds ta' Frar 2021 bit-titolu "Coronavirus: Impact on young people with mental health needs" (Il-Coronavirus: L-impatt fuq iż-żgħażagħ bi ħtiġijiet ta' saħħa mentali) ([19]),

— wara li kkunsidra l-proġett Orizzont 2020 bit-titolu "Prevention of child mental health problems in Southeastern Europe – Adapt, Optimise, Test, and Extend Parenting for Lifelong Health" (Il-prevenzjoni tal-problemi tas-saħħa mentali tat-tfal fix-Xlokk tal-Ewropa – Adatta, Ottimizza, Ittestja, u Estendi t-Trobbija tat-Tfal mill-Ġenituri għas-Saħħa Tul il-Ħajja) ([20]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Mental Health Foundation Scotland (Fondazzjoni tas-Saħħa Mentali Skozja) ta' Settembru 2020 bit-titolu "Impacts of lockdown on the mental health and well-being of children and young people" (L-impatti tal-lockdown fuq is-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażagħ) ([21]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' riċerka tad-9 ta' Novembru 2021 tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) bit-titolu "Impact of COVID-19 on young people in the EU" (L-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażagħ fl-UE) ([22]),

— wara li kkunsidra l-kampanja YouMoveEurope dwar il-petizzjoni tal-International Youth Work Trainers Guild (L-Għaqda Internazzjonali ta' Ħarrieġa fil-Ħidma fost iż-Żgħażagħ) "Responding to the Impact of COVID-19 on International Youth Work Mobility" (Ir-reazzjoni għall-Impatt tal-COVID-19 fuq il-Mobbiltà Internazzjonali tal-Ħidma fost iż-Żgħażagħ) ([23]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem) ([24]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989, b'mod partikolari l-Artikolu 30 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal ([25]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2020 dwar id-drittijiet tal-persuni u l-familji tagħhom b'diżabbiltà intellettwali fil-kriżi tal-COVID-19 ([26]),

— wara li kkunsidra l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ, b'mod partikolari l-Għanijiet 5, 9 u 11,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar l-irkupru kulturali tal-Ewropa ([27]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 dwar il-futur tal-edukazzjoni Ewropea fil-kuntest tal-COVID-19 ([28]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar it-tfassil tal-politika tal-edukazzjoni diġitali ([29]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE ([30]),

---

([18]) Takino, S., Hewlett, E., Nishina, Y. u Prinz, C., "Supporting young people's mental health through the COVID-19 crisis" (Appoġġ għas-saħħa mentali taż-żgħażagħ tul il-kriżi tal-COVID-19), OECD Policy Responses to Coronavirus (COVID-19), 2021.
([19]) https://www.youngminds.org.uk/about-us/reports-and-impact/coronavirus-impact-on-young-people-with-mental-health-needs/#main-content
([20]) https://cordis.europa.eu/project/id/779318/results
([21]) https://www.mentalhealth.org.uk/sites/default/files/2022-08/MHF-Scotland-Impacts-of-lockdown.pdf
([22]) https://www.eurofound.europa.eu/mt/publications/report/2021/impact-of-covid-19-on-young-people-in-the-eu
([23]) https://you.wemove.eu/campaigns/responding-to-the-impact-of-covid-19-on-international-youth-work-mobility
([24]) ĠU C 224, 8.6.2022, p. 2.
([25]) ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.
([26]) ĠU C 371, 15.9.2021, p. 6.
([27]) ĠU C 385, 22.9.2021, p. 152.
([28]) ĠU C 404, 6.10.2021, p. 152.
([29]) ĠU C 494, 8.12.2021, p. 2.
([30]) ĠU C 184, 5.5.2022, p. 88.

— wara li kkunsidra l-proġett tal-OECD "Aġenzija tal-Istudenti għall-2030",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A9-0216/2022),

A. billi l-għeluq tal-faċilitajiet għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal u għall-għoti tal-kura, tal-iskejjel, tal-universitajiet, tal-ispazji għall-benesseri taż-żgħażagħ u għall-ħidma fost iż-żgħażagħ, kif ukoll attivitajiet ekstrakurrikulari, spazji kulturali u faċilitajiet sportivi, ċaħħad lit-tfal u liż-żgħażagħ mill-opportunità li jipparteċipaw f'attivitajiet li huma essenzjali għall-iżvilupp ġenerali tagħhom, għall-benesseri intellettwali, fiżiku u mentali tagħhom, u għall-inklużjoni soċjali u professjonali tagħhom;

B. billi t-tfal u ż-żgħażagħ huma fost l-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetà tagħna u ntlaqtu mill-għeluq relatat mal-COVID-19 matul perjodu kruċjali u kritiku ta' ħajjithom; billi s-saħħa mentali hija waħda mill-prekundizzjonijiet u l-pedamenti ta' soċjetà u demokrazija b'saħħithom; billi l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali huwa għalhekk inseparabbli minn drittijiet bażiċi oħra;

C. billi l-kanċellazzjoni ta' attivitajiet u avvenimenti edukattivi, kulturali, taż-żgħażagħ u sportivi intensifikat it-tranżizzjoni diġitali tant li biddlet f'daqqa r-rutini ta' kuljum, kif ukoll il-mod li bih it-tfal u ż-żgħażagħ jinteraġixxu u jikkomunikaw ma' xulxin, mingħajr kuntatti soċjali jew fiżiċi; billi l-għeluq tal-iskejjel, tal-ispazji għall-kultura u tal-faċilitajiet sportivi li jospitaw tali attivitajiet u avvenimenti naqqas il-livelli ta' saħħa fiżika fost iż-żgħażagħ b'tali mod li bħalissa persuna waħda biss minn kull erba' persuni ta' 11-il sena twettaq biżżejjed attività fiżika; billi dan wassal biex wieħed minn kull tliet itfal ikollhom piż żejjed jew obeżità, u dan iżid ir-riskju ta' fattur ta' diżabbiltà u morbożità akbar ([31]);

D. billi l-edukazzjoni kklassifikata bħala waħda mill-aktar settur li jgħejjik mill-aspett emozzjonali matul il-pandemija tal-COVID-19 ([32]) u r-riċerka turi rabta ċara bejn is-saħħa mentali tal-għalliema u dik tal-istudenti ([33]); billi l-edukazzjoni mill-bogħod għandha limitazzjonijiet inerenti fit-tagħlim tal-korsijiet tal-laboratorju u tal-arti, kif ukoll fl-edukazzjoni vokazzjonali u fiżika; billi l-edukazzjoni mill-bogħod f'ħafna każijiet mhijiex adattata pedagoġikament, speċjalment għall-istudenti żgħażagħ, li għandhom bżonn akbar ta' kuntatt interpersonali mal-għalliem, u minħabba n-nuqqas ta' opportunitajiet għall-għalliema biex ikunu mħarrġa b'mod adegwat biex jużaw l-għodod diġitali b'mod effettiv fl-iskejjel; billi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, it-tagħlim mill-bogħod ma qiesx il-ħtiġijiet tal-istudenti li jirċievu edukazzjoni fil-lingwi reġjonali jew minoritarji; billi dan l-approċċ jista' jitqies diskriminatorju u joħloq tbatija, ansjetà u sens ta' nuqqas ta' sigurtà f'dawk l-istudenti;

E. billi m'hemm l-ebda skeda fissa ta' kuljum li toħloq "rutina" ta' serħan il-moħħ, u l-użanza li wieħed jattendi l-iskola għal perjodi twal intilfet f'xi Stati Membri, issa li l-iskejjel reġgħu fetħu, ħafna studenti jidhru li huma "distakkati", mhux interessati fil-ħajja skolastika u qed ikollhom diffikultajiet biex isibu r-ritmu tagħhom, jikkonċentraw, iħossu sens ta' appartenenza u jaqsmu l-għanijiet tal-komunità skolastika;

F. billi l-għeluq tal-postijiet kulturali – li kienu l-ewwel li ngħalqu u l-aħħar li tħallew jinfetħu mill-ġdid – ċaħħad lill-ħallieqa kulturali żgħażagħ u, b'mod partikolari, lill-artisti żgħażagħ mill-opportunità li jibdew u jiżviluppaw il-karrieri tagħhom f'dan l-istadju bikri kruċjali;

G. billi l-isport tal-massa ġie affettwat serjament mill-konsegwenzi negattivi tal-pandemija, b'ħafna minnhom jingħalqu kompletament għal żmien twil; billi l-klabbs sportivi professjonali, speċjalment fil-livell lokali u reġjonali, għadhom mistennija jiffaċċjaw sfidi serji fir-rigward tal-irkupru finanzjarju tagħhom fit-tul; billi t-telf permanenti tal-isport tal-massa jkollu impatt dirett fuq l-atleti żgħażagħ, kemm f'termini tal-iżvilupp soċjali tagħhom kif ukoll tal-karriera professjonali futura potenzjali tagħhom fl-isport;

([31]) Ir-rapport tal-2022 dwar l-Obeżità Reġjonali Ewropea tad-WHO.
([32]) https://www.eurofound.europa.eu/mt/publications/report/2020/living-working-and-covid-19
([33]) https://op.europa.eu/webpub/eac/education-and-training-monitor-2021/en/chapters/chapter1.html#ch1-1

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

H. billi l-istat ġenerali tas-saħħa u l-benesseri mentali taż-żgħażagħ mar għall-agħar b'mod sinifikanti matul il-pandemija, bi problemi relatati mal-irduppjar tas-saħħa mentali f'għadd ta' Stati Membri meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi [34], li wassal biex l-esperti fil-qasam isejħu s-sitwazzjoni il-"pandemija silenzjuża" jew iċ-"ċikatriċi tal-pandemija"; billi l-pandemija kixfet in-nuqqas ta' appoġġ ipprovdut liż-żgħażagħ li jesperjenzaw kwistjonijiet marbuta mas-saħħa mentali; billi l-gruppi emarġinati, bħal-LGBTIQ+, il-minoranzi razzjali u etniċi jew iż-żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali, ġew soġġetti għal riskju ogħla li jiżviluppaw disturb fis-saħħa mentali; billi l-konsegwenzi reali tal-kwistjonijiet ta' saħħa mentali għaż-żgħażagħ ħafna drabi huma diffiċli biex jiġu identifikati u, sal-lum, għadhom mhumiex kompletament viżibbli;

I. billi l-pressjoni eċċessiva fuq l-istudenti biex imorru aħjar, anke minn età żgħira, poġġiet pressjoni addizzjonali fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tal-istudenti; billi d-diffikultajiet tas-saħħa mentali jġorru magħhom stigma qawwija fis-soċjetajiet tagħna, li twassal biex iż-żgħażagħ li jgħixu bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali jkunu soġġetti wkoll għal preġudizzju, iżolament soċjali, abbuż verbali jew bullying, u biex jesperjenzaw ambjenti ta' tagħlim bħala ambjent mhux sikur fejn huwa diffiċli li wieħed ifittex għajnuna jew trattament;

J. billi hemm diskrepanzi kbar bejn is-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri, minħabba n-natura u t-tul ta' żmien differenti tal-miżuri stabbiliti, kif ukoll minħabba d-differenzi fl-aċċess għat-teknoloġija u l-għodod diġitali, li jaċċentwaw l-inugwaljanzi rurali-urbani;

K. billi l-bidla sfurzata lejn it-tagħlim virtwali mhux biss aggravat l-inugwaljanzi li diġà jeżistu, iżda ħolqot ukoll oħrajn ġodda billi ħalliet warajhom tfal minn sfondi soċjalment żvantaġġati bħala riżultat ta' kundizzjonijiet ta' abitazzjonijiet iffullati, in-nuqqas ta' infrastruttura jew tagħmir diġitali u kwistjonijiet ta' konnettività, filwaqt li żiedet ir-riskju ta' eżiti baxxi ta' tagħlim u konsegwentement ta' tluq bikri mill-iskola fost l-istudenti b'inqas opportunitajiet;

L. billi l-għeluq tal-istituzzjonijiet tat-tagħlim wassal għal tnaqqis fl-għarfien eżistenti, telf tal-metodoloġija biex jinkiseb għarfien ġdid u telf reali ta' tagħlim; billi dan it-telf, li x'aktarx ikollu impatt negattiv fit-tul fuq il-benesseri futur tat-tfal u ż-żgħażagħ, huwa ogħla fost l-istudenti minn unitajiet domestiċi soċjoekonomikament żvantaġġati, li rċevew inqas appoġġ bl-istudji tagħhom matul il-pandemija;

M. billi ġie osservat li 64 % taż-żgħażagħ fil-grupp tal-età ta' bejn it-18 u l-34 sena kienu f'riskju ta' dipressjoni fir-rebbiegħa tal-2021 [35] u li s-suwiċidju huwa t-tieni kawża ewlenija tal-mewt fost iż-żgħażagħ [36] bħala riżultat tal-istress, is-solitudni, l-iżolament, id-dipressjoni, it-tbatija psikoloġika, in-nuqqas ta' prospetti edukattivi, tax-xogħol jew finanzjarji u ż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, kif ukoll l-inċertezzi fost iż-żgħażagħ marbuta ma' prospetti usa' soċjali u tal-ħajja;

N. billi jeżistu lakuni reġjonali sinifikanti madwar l-UE fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali, filwaqt li l-aċċess minn pazjenti minn ambjenti soċjalment żvantaġġati, inklużi t-tfal, huwa limitat aktar mir-restrizzjonijiet li jeżistu f'xi Stati Membri fir-rigward tar-rimborżi tas-sessjonijiet ta' psikoterapija mill-baġits tas-saħħa pubblika; billi hemm ħtieġa sinifikanti għal approċċ Ewropew rigward is-saħħa mentali għat-tfal u ż-żgħażagħ, b'enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni u l-konsulenza fl-iskejjel u ż-żgħażagħ;

O. billi l-miżuri ta' lockdown kellhom impatt partikolarment negattiv fuq il-persuni b'diżabbiltà jew bi bżonnijiet speċjali; billi kwalunkwe miżura meħuda mill-Istati Membri f'ċirkostanzi eċċezzjonali għandha dejjem tirrispetta d-drittijiet fundamentali tagħhom u tiżgura l-aċċess ugwali u nondiskriminatorju tagħhom għall-kura tas-saħħa, għas-servizzi soċjali u għall-edukazzjoni, kif ukoll għall-attivitajiet taż-żgħażagħ, kulturali u sportivi;

P. billi d-differenzi relatati mal-ġeneru għandhom impatt fuq kif it-tfal u ż-żgħażagħ ġew affettwati mill-pandemija, u t-tfajliet u n-nisa żgħażagħ sofrew aktar minn vjolenza domestika, mard psikosomatiku u disturbi fil-burdata [37]; billi d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa kompliet tiddeterjora matul il-pandemija, u affettwat il-bilanċ bejn ix-xogħol

---

(34) https://www.oecd-ilibrary.org/sites/1e1ecb53-en/1/2/2/index.html?itemId=/content/publication/1e1ecb53-en&_csp_=c628cf9bcf7362d2dc28c912508045f6&itemIGO=oecd&itemContentType=book
(35) https://www.statista.com/statistics/1287356/risk-of-depression-in-europe-2021-by-age
(36) Artiklu tal-UNICEF "The Mental Health Burden Affecting Europe' s Children" (Il-Piż tas-Saħħa Mentali li qed Jaffettwa lit-Tfal tal-Ewropa) (4 ta' Ottubru 2021).
(37) Flash Ewrobarometru tal-Parlament Ewropew: In-nisa fiż-żminijiet tal-COVID-19

u l-ħajja privata tan-nisa u d-dipendenza finanzjarja tagħhom fuq is-sħab, il-qraba jew il-ħbieb tagħhom; billi l-lockdowns suċċessivi żiedu l-piż fuq il-ġenituri u t-tuturi, li aggrava r-riskju ta’ abbuż ta’ sustanzi mill-ġenituri u vjolenza intrafamiljari li jaffettwaw is-saħħa u l-benesseri mentali ta’ dawk l-aktar vulnerabbli, kif ukoll tat-tfal u ż-żgħażagħ;

Q. billi l-problemi tas-saħħa mentali fi stadju bikri tal-iżvilupp personali jżidu l-probabbiltà li kwistjonijiet ta’ saħħa mentali jseħħu fil-ħajja adulta, b’konsegwenzi estensivi fir-rigward tal-iżvilupp personali, soċjali u professjonali u l-kwalità tal-ħajja; billi t-tfal u ż-żgħażagħ għaddejjin minn fażijiet kritiċi tal-iżvilupp newroloġiku tagħhom u huma partikolarment sensittivi għall-użu fuq skala kbira ta’ għodod diġitali għat-tagħlim mill-bogħod; billi din id-diġitalizzazzjoni intensiva tal-edukazzjoni tqajjem mistoqsijiet dwar l-impatt tat-teknoloġija fuq kwistjonijiet ta’ tagħlim;

R. billi l-għeluq naqqas il-livelli ta’ saħħa fiżika fost iż-żgħażagħ b’tali mod li bħalissa persuna waħda biss minn kull erba’ persuni ta’ 11-il sena twettaq biżżejjed attività fiżika;

S. billi l-2022 hija s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ;

T. billi kwalunkwe strateġija tal-UE dwar is-saħħa mentali mmirata lejn it-tfal u ż-żgħażagħ trid l-ewwel u qabel kollox tipprovdilhom opportunitajiet biex jinstemgħu u l-kontribut tagħhom jitqies fl-elaborazzjoni ta’ risponsi inklużivi; billi strateġija ta’ suċċess trid tinvolvi l-ġenituri, il-familji, il-ħbieb, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u s-servizzi tal-benesseri taż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, l-istituzzjonijiet kulturali u l-klabbs sportivi, flimkien mal-iskejjel u l-għalliema, billi tipprovdilhom taħriġ xieraq relatat ma’ kif jittrattaw kwistjonijiet ta’ saħħa mentali, sabiex jiġi stabbilit approċċ olistiku u jiġi żgurat li jintlaħqu ż-żgħażagħ minn ambjenti soċjoekonomikament żvantaġġati u gruppi emarġinati;

U. billi d-data xjentifika tissuġġerixxi li l-livelli ta’ fiduċja istituzzjonali fost il-membri tal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ naqsu; billi dan huwa kkawżat mill-istress u l-inċertezza marbuta mal-pandemija nnifisha iżda wkoll mill-effettività limitata tal-kanali ta’ komunikazzjoni uffiċjali tal-Istati Membri biex jilħqu l-ġenerazzjoni żagħżugħa, kif ukoll iż-żieda fid-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz li jappartjenu għall-pandemija; billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex terġa’ tinkiseb dik il-fiduċja, li tista’ tinkiseb permezz ta’ parteċipazzjoni xierqa skont l-età, inkluż billi ż-żgħażagħ jiġu offruti opportunitajiet biex jieħdu inizjattivi u deċiżjonijiet li jsawru d-dinja li jgħixu fiha u jippromwovu l-aġenzija taż-żgħażagħ sabiex iż-żgħażagħ jingħataw is-setgħa li jfittxu l-awtodeterminazzjoni u jiżviluppaw ir-reżiljenza;

V. billi l-pandemija tatna opportunità biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mas-saħħa mentali li ilhom jeżistu u li preċedentement ma ġewx indirizzati b’mod olistiku; billi s-saħħa mentali ġiet inkluża fl-objettivi speċifiċi tal-programm EU4Health, li jikkontribwixxi għall-bini ta’ unjoni tas-saħħa Ewropea bbażata fuq sistemi tas-saħħa aktar b’saħħithom, aktar aċċessibbli u reżiljenti li jkunu lesti jiffaċċjaw kriżijiet futuri possibbli;

W. billi l-gwerra fl-Ukrajna u l-konsegwenzi devastanti tagħha fuq il-bniedem, l-ikel, l-enerġija u dawk finanzjarji, kif ukoll theddid globali ieħor, jistgħu jirriżultaw f’inċertezzi li huma mistennija li jkollhom impatt negattiv ulterjuri fuq is-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażagħ;

X. billi l-gwerra fl-Ukrajna wasslet biex miljuni ta’ tfal u żgħażagħ jiġu spostati u jesperjenzaw trawma estensiva;

1. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol li għandhom l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll l-istituzzjonijiet tat-tagħlim mhux formali u informali, fl-għoti ta’ appoġġ materjali u psikoloġiku liż-żgħażagħ u lill-familji tagħhom, u jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jipprovdu appoġġ finanzjarju suffiċjenti biex jintegraw l-istituzzjonijiet edukattivi, b’mod partikolari permezz ta’ investiment sinifikanti fl-edukazzjoni pubblika, u biex jirreklutaw u jżommu għalliema u persunal edukattiv bi kwalifiki għoljin, sabiex jiġi żgurat li l-iżvilupp pedagoġiku, psikoloġiku, fiżiku, emozzjonali, konjittiv u/jew soċjali taż-żgħażagħ jiġi promoss dejjem aktar b’mod sodisfaċenti;

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, f’dan il-kuntest, iżidu b’mod sostanzjali l-infiq pubbliku fl-edukazzjoni u t-taħriġ għal aktar mill-medja tal-UE (5 % tal-PDG fl-2020); jissottolinja, b’mod partikolari, ir-rwol li għandhom l-għalliema, l-edukaturi u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ fil-kontribut għall-appoġġ psikoloġiku u l-iżvilupp tat-tfal u ż-żgħażagħ; f’dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-promozzjoni tal-litteriżmu fis-saħħa mentali tal-għalliema, il-persunal tal-edukazzjoni, l-amministraturi tal-iskejjel, l-assistenti soċjali u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, kif ukoll tal-istudenti;

3. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ma jibqgħux fommhom sieket dwar kwistjonijiet ta’ saħħa mentali u jeliminaw l-istigma soċjali diskriminatorja assoċjata f’approċċ olistiku; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu kampanja mifruxa mal-UE kollha biex titqajjem kuxjenza dwar is-saħħa mentali fl-istituzzjonijiet edukattivi u vokazzjonali sabiex tiġi miġġielda l-istigma eżistenti, biex iż-żgħażagħ jingħataw aċċess għall-informazzjoni dwar is-saħħa mentali u biex jinħoloq fehim soċjali ċar u usa’ tal-kwistjonijiet tas-saħħa mentali; jistieden lill-Istati Membri jinkludu fil-kurrikuli edukazzjoni obbligatorja dwar is-saħħa mentali obbligatorja tal-ewwel għajnuna u mingħajr stigma, sabiex l-istudenti, l-għalliema, il-professuri, il-ħarrieġa u l-mexxejja akkademiċi jkunu mħejjija aħjar biex jirrispondu għall-istudenti u ż-żgħażagħ li jesperjenzaw kwistjonijiet ta’ saħħa mentali, biex b’hekk tiġi żgurata l-promozzjoni ugwali tas-saħħa mentali u l-benesseri taċ-ċittadini madwar l-UE; jistieden lill-Istati Membri jadattaw il-kontenut tal-kurrikuli, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jagħlqu l-lakuni konjittivi maħluqa matul it-tagħlim mill-bogħod u jipprevjenu ż-żieda possibbli fil-falliment tal-iskola u fit-tluq bikri mill-iskola; jinsisti li l-Istati Membri jiżguraw aċċess għal edukazzjoni ta’ kwalità inklużiva u ekwa għal kull tifel u tifla fl-Ewropa;

4. Jenfasizza l-importanza li jiġi miġġieled il-fenomenu tan-nuqqas ta’ rappurtar rigward is-saħħa u l-benesseri mentali, kif ukoll is-sottorappreżentanza tat-tfal u ż-żgħażagħ fir-riċerka xjentifika dwar is-saħħa mentali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni twettaq riċerka b’valutazzjoni sħiħa tal-effetti fit-tul tal-miżuri preventivi kollha relatati mal-pandemija tal-COVID-19 meħuda mill-Istati Membri fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, sabiex jittaffew l-effetti ta’ kwalunkwe kriżi tas-saħħa futura;

5. Jissottolinja l-isfidi involuti fil-kejl tas-saħħa u l-benesseri mentali, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw fehim olistiku komuni tas-saħħa u s-sikurezza li jinkludi l-benesseri fiżiku, mentali u soċjali ġenerali, u jirrikjedi strateġiji komprensivi ta’ prevenzjoni u fejqan, inkluż l-iżvilupp ta’ indikaturi imparzjali biex jitkejlu s-saħħa u l-benesseri mentali, għodod ta’ valutazzjoni tar-riskju u sistemi ta’ rappurtar, f’konsultazzjoni mal-għalliema, l-istudenti, il-ġenituri u l-esperti u x-xjentisti bi speċjalizzazzjoni rilevanti, u l-integrazzjoni ta’ attivitajiet kulturali, tal-logħob u sportivi, u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta’ ħiliet kreattivi u soċjali;

6. Jissottolinja l-ħtieġa li tinbena mill-ġdid u tissaħħaħ b’mod sostenibbli u rapidu l-istruttura tal-ħidma Ewropea fost iż-żgħażagħ li ddgħajfet jew saħansitra nqerdet mill-pandemija; jenfasizza li l-ħidma fost iż-żgħażagħ stess jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta għal dak li huwa: għodda ta’ appoġġ li tagħti kontribut importanti għall-iżvilupp personali, il-benesseri u l-awtorealizzazzjoni taż-żgħażagħ; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jimplimentaw titjib konkret fil-ħidma fost iż-żgħażagħ sabiex jipprovdu appoġġ lil dawk li l-aktar għandhom bżonnha;

7. Jitlob li l-ħidma miftuħa fost iż-żgħażagħ tiġi rikonoxxuta fl-UE kollha bħala mezz ċentrali ta’ soċjalizzazzjoni għaż-żgħażagħ u biex b’mod konxju u dejjem akbar jinħolqu spazji ħielsa għaż-żgħażagħ, spiss għal dawk tal-istess età, lil hinn mid-dar tal-ġenituri u postijiet ta’ tagħlim fl-edukazzjoni formali, li jiftħu opportunitajiet għalihom biex jorganizzaw lilhom infushom u jipparteċipaw f’inizjattivi komunitarji;

8. Jistieden, f’dan ir-rigward, lill-Istati Membri jtejbu u jiżviluppaw aktar il-qafas għas-saħħa u s-sikurezza f’ambjenti ta’ tagħlim sabiex jipprovdu lill-istudenti, l-għalliema, iż-żgħażagħ u l-professjonisti bl-appoġġ ta’ għadd suffiċjenti ta’ membri tal-persunal ikkwalifikati, bħal psikologi speċjalizzati jew speċjalisti oħra tas-saħħa mentali, li jista’ jkollhom rwol vitali mhux biss għall-individwi, iżda wkoll għall-klima ġenerali tal-iskola, sabiex jinħoloq ambjent sikur għat-tfal u ż-żgħażagħ f’kull tip ta’ istituzzjoni edukattiva, fejn l-istudenti jistgħu jfittxu għajnuna psikoloġika fl-istadji bikrija tal-kwistjonijiet mentali; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu persunal ta’ appoġġ għall-ħtiġijiet edukattivi speċjali li jista’ jikkontribwixxi biex il-klassijiet u l-ispazji soċjali jsiru post akkoljenti u attraenti fejn jikbru, jitgħallmu, jiskambjaw fehmiet f’ambjent ta’ fiduċja, u jiddiskutu u jegħlbu d-differenzi b’mod kostruttiv; jenfasizza l-importanza ta’ appoġġ psikoloġiku semiprofessjonali b’livell baxx ta’ limitu għall-istudenti; jitlob li jiġi stabbilit network Ewropew attiv għall-iskambju tal-aħjar prattiki u metodi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi;

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

9. Jirrikonoxxi li l-għoti ta’ vuċi liż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jesprimu l-ħtiġijiet tagħhom u jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tagħhom, huwa essenzjali għat-titjib tal-effikaċja tal-politiki u l-programmi; jistieden, għalhekk, lill-istituzzjonijiet tat-tagħlim jestendu d-drittijiet ta’ parteċipazzjoni u kodeterminazzjoni tal-istudenti u ż-żgħażagħ fl-iskejjel, l-universitajiet, it-taħriġ vokazzjonali, il-post tax-xogħol u l-istituzzjonijiet soċjali, u jinvolvu liż-żgħażagħ, speċjalment in-nisa żgħażagħ, fir-riċerka u t-tfassil tal-programmi sabiex jifhmu aħjar u jirrispondu għall-esperjenzi, il-prijoritajiet u l-perċezzjonijiet tal-ħajja tagħhom, sabiex jiġi żgurat l-involviment tagħhom;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu investimenti transsettorjali biex jindirizzaw id-disturbi mentali fost it-tfal u ż-żgħażagħ, u jibnu pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali li jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell reġjonali u lokali, li jakkomodaw il-ħtiġijiet reali tat-tfal u ż-żgħażagħ, b’attenzjoni speċjali għall-gruppi l-aktar żvantaġġati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-ħidma taż-żgħażagħ organizzata f’organizzazzjonijiet mhux governattivi nfushom b’mod aktar sistematiku u, fuq kollox, minħabba l-importanza tagħhom għat-tagħlim mhux formali u informali, anke finanzjarjament, u għalhekk jagħmlu l-istrutturi tagħhom ta’ skambju u kooperazzjoni transfruntiera aktar reżistenti għall-kriżijiet fit-tul;

11. Jissottolinja l-importanza vitali ta’ attivitajiet u relazzjonijiet interpersonali mhux virtwali fil-ħajja ta’ kuljum fost it-tfal u ż-żgħażagħ għall-benesseri ġenerali tagħhom, li jikkostitwixxi l-bażi tal-proċess ta’ soċjalizzazzjoni u jaċċellera l-esperjenza ta’ sens ta’ appartenenza, filwaqt li jitqies ir-rwol importanti tas-soċjalizzazzjoni fl-edukazzjoni; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa tas-saħħa u s-sikurezza biex jiżguraw li f’każ ta’ pandemiji futuri jew sitwazzjonijiet oħra mingħajr preċedent, iżommu l-ambjenti kollha tat-tagħlim – kemm jekk formali, informali jew mhux formali – miftuħa b’mod sikur;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, f’każijiet fejn ikunu assolutament meħtieġa miżuri speċjali, jikkonsultaw mal-professjonisti tas-saħħa u s-sikurezza, l-iskejjel, l-għalliema, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u s-servizzi tal-benesseri taż-żgħażagħ, kif ukoll il-ġenituri, sabiex iqisu b’mod adegwat il-ħtiġijiet ta’ gruppi ta’ età differenti, gruppi vulnerabbli u żgħażagħ bi bżonnijiet speċifiċi, kwistjonijiet ta’ mobbiltà jew diżabilitajiet oħra, kif ukoll gruppi żvantaġġati u emarġinati, u ma jħallu lil ħadd jibqa’ lura, u ma japplikawx approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd; jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-kontinwità tal-lingwa biex l-istudenti li jirċievu edukazzjoni fil-lingwi reġjonali jew minoritarji jkunu jistgħu jkomplu jagħmlu dan f’ambjenti ta’ tagħlim mill-bogħod jew imħallat; jistieden, b’riżultat ta’ dan, lill-Istati Membri jqisu l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet differenti tal-attivitajiet edukattivi, kulturali, taż-żgħażagħ u sportivi;

13. Jenfasizza r-rwol pożittiv li kellu l-mentoraġġ f’ċerti pajjiżi matul il-pandemija biex jgħin liż-żgħażagħ isolvu kwistjonijiet, u b’hekk jippromwovi s-saħħa mentali tagħhom u jipprovdi konnessjoni interpersonali li offriet sens ta’ perspettiva kif ukoll appoġġ psikoloġiku fi żminijiet ta’ iżolament; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tappoġġja u tiffinanzja tali programmi ta’ mentoraġġ fil-livell Ewropew sabiex tinkoraġġixxi l-iżvilupp tagħhom fl-Istati Membri kollha;

14. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-COVID-19 aggravat l-inugwaljanzi diġà eżistenti fl-edukazzjoni billi llimitat l-opportunitajiet għal ħafna mill-aktar tfal u żgħażagħ vulnerabbli, inklużi dawk li jgħixu f’żoni foqra jew f’żoni rurali, bniet, rifuġjati u persuni b’diżabbiltà; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu identifikati u appoġġjati t-tfal, iż-żgħażagħ u l-familji affettwati b’mod sproporzjonat mill-pandemija, filwaqt li jitqiesu l-fatturi kulturali u kuntestwali li jinfluwenzawhom, sabiex jiġu identifikati d-diskrepanzi ta’ qabel il-pandemija fl-għoti ta’ servizzi tas-saħħa mentali u biex is-sistemi pubbliċi jiġu adattati aħjar; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw l-impatt tal-COVID-19 permezz ta’ lenti tal-ġeneru u jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-edukazzjoni sesswali u riproduttiva fiċ-ċirkostanzi kollha;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lit-tfal u liż-żgħażagħ li huma partikolarment vulnerabbli, bħal żgħażagħ LGBTQ+, tfal u żgħażagħ razzjalizzati, u dawk bi bżonnijiet tas-saħħa mentali preeżistenti;

16. Jenfasizza r-rwol importanti li għandha dieta tajba għas-saħħa u bbilanċjata fis-saħħa mentali tat-tfal u ż-żgħażagħ; jinsisti, għalhekk, fuq l-appoġġ soċjali importanti li jipprovdu l-iskejjel, bħal ikliet bilanċjati ta’ kuljum, li xi tfal ma jirċevux mod ieħor id-dar; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni 4 dwar il-Garanzija għat-Tfal li titlob, fost affarijiet oħra, aċċess liberu għal mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola;

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiżdied il-finanzjament u jiġu promossi b'mod adegwat l-opportunitajiet offruti minn programmi bħal Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li jissaħħu l-esperjenzi ta' mobbiltà li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ħiliet soċjali utli u meħtieġa għat-tkabbir personali u professjonali futur tal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, u li tiżdied l-aċċessibbiltà tagħhom għal kulħadd; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu t-taħriġ vokazzjonali u jagħmlu l-programmi reżiljenti għal limitazzjonijiet futuri possibbli ta' mobbiltà, kif ukoll itejbu l-kondiviżjoni sistematika tal-eżiti tal-proġetti sabiex iżidu l-viżibbiltà, l-espansjoni u l-impatt fit-tul tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament ta' dawn il-programmi tal-Unjoni fir-reviżjoni li jmiss tal-qafas finanzjarju pluriennali;

18. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-effetti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fuq it-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jkunu limitati f'ħafna każijiet u jistgħu ma jipproduċux riżultati jew riformi strutturali li jippermettu lit-tfal u liż-żgħażagħ jaċċessaw edukazzjoni ta' kwalità jew itaffu l-impatt negattiv tal-għeluq relatat mal-COVID ta' postijiet kulturali u l-aċċess għall-kreaturi kulturali fuq l-artisti żgħażagħ b'mod partikolari, li ġew miċħuda l-opportunità li jibdew u jiżviluppaw il-karrieri tagħhom fl-istadju bikri kruċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament xieraq u kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol ġusti għall-awturi żgħażagħ kollha, l-artisti tal-ispettaklu, l-artisti u l-kreaturi kulturali, il-ħaddiema u l-professjonisti l-oħra kollha li jaħdmu fis-setturi kulturali u kreattivi, inkluż fuq il-midja soċjali, li ġew affettwati b'mod negattiv bħala riżultat tal-pandemija, iżidu l-isforzi ġenerali tagħhom biex jappoġġjaw artisti u professjonisti kulturali emerġenti, jippromwovu ż-żgħażagħ u l-intraprenditorija soċjali, u jistipulaw dan l-għan f'taqsima ddedikata għall-artisti żgħażagħ fi Status Ewropew tal-Artist; itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li 10 % tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jmorru għall-edukazzjoni u 2 % għas-settur kulturali u kreattiv; jitlob evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni tal-proġetti u r-riformi relatati mal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u s-setturi kulturali u kreattivi implimentati mill-Istati Membri mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jtenni l-ħtieġa għal aktar enfasi fuq dawn is-suġġetti fir-rapporti nazzjonali abbozzati fi ħdan l-evalwazzjoni tas-Semestru Ewropew;

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-esperjenzi tal-mobbiltà u l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-għalliema, l-edukaturi, il-professuri, il-ħarrieġa, il-voluntiera u l-professjonisti li jaħdmu maż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-kreaturi kulturali u l-kowċis sportivi fit-twessigħ tal-għarfien tagħhom fil-qasam tas-sensibilizzazzjoni taż-żgħażagħ u t-tisħiħ tad-dimensjoni internazzjonali u dik multilingwi, b'mod partikolari fid-dawl taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li għandha tinkiseb sal-2025;

20. Jitlob fehim olistiku tas-saħħa li jinkludi l-benesseri fiżiku, mentali u soċjali ġenerali u jirrikjedi strateġiji komprensivi ta' prevenzjoni u fejqan, inklużi attivitajiet kulturali u sportivi, u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet kreattivi u soċjali;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi t-tfassil u l-forniment ta' servizzi mmirati u interġenerazzjonali li jikkombinaw l-esperjenza tal-anzjani mal-kuraġġ taż-żgħażagħ f'sitwazzjoni ta' benefiċċju reċiproku;

22. Jenfasizza l-importanza fundamentali tal-kultura għall-iżvilupp tal-identità individwali tat-tfal u ż-żgħażagħ, kif ukoll għall-edukazzjoni tagħhom, inkluż il-fehim tagħhom tas-soċjetà, u għall-benesseri ġenerali tagħhom;

23. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jinħoloq ambjent ta' tagħlim inklużiv, kreattiv, dinamiku u b'saħħtu minn età bikrija sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' disturbi psikofiżiċi fil-ħajja adulta; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, jiżguraw l-inklużjoni u t-titjib tal-forom kollha ta' espressjoni artistika, jiġifieri mużika, teatru, ċinema, dokumentarju, animazzjoni, l-arti viżiva, iż-żfin u forom tal-arti sperimentali ġodda, fil-kurrikuli tal-iskejjel u bħala attivitajiet artistiċi u sportivi ekstrakurrikulari, biex b'hekk jistimulaw il-libertà tal-espressjoni u l-kreattività, u jippermettu lill-istudenti jipparteċipaw b'mod attiv u jesploraw it-talenti tagħhom; jissottolinja li l-arti tista' tkun komponent ideali għal proġetti interdixxiplinari u tista' tippromwovi l-ħsieb kritiku u għalhekk m'għandhiex tkun limitata għal klassijiet tal-arti;

24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet pubbliċi jiżviluppaw infrastruttura sportiva u jżidu b'mod komprensiv l-ammont ta' edukazzjoni fiżika u attivitajiet fiżiċi ekstrakurrikulari fl-iskejjel, inklużi attivitajiet indirizzati lit-tfal u liż-żgħażagħ b'diżabbiltà; jissottolinja li l-isport, bħall-arti, jista' jkun mezz b'saħħtu ta' inklużjoni għat-tfal f'riskju ta' esklużjoni; ifakkar li l-arti u l-isport fil-kurrikuli tal-iskejjel jistgħu jgħinu bil-qawwa fil-ġlieda kontra l-isfidi globali għaż-żgħażagħ u l-edukazzjoni, inklużi d-diffikultajiet fit-tagħlim u d-disturbi fit-tagħlim, kif ukoll il-bullying, id-diskors ta' mibegħda u l-konsum ta' sustanzi psikotropiċi;

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jiffinanzjaw b'mod adegwat l-inizjattivi kulturali lokali żgħar, il-klabbs sportivi, il-faċilitajiet tar-rikreazzjoni, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-istituzzjonijiet għall-benesseri taż-żgħażagħ biex iwettqu l-attivitajiet tar-rikreazzjoni, tat-tagħlim mhux formali u informali li jaqdu rwol essenzjali fl-iżvilupp u l-benesseri taż-żgħażagħ u l-familji tagħhom, billi jipprovdu riżorsi materjali u ta' appoġġ psikoloġiku, inkluż għaż-żgħażagħ li għandhom inqas opportunitajiet jew li jiffaċċjaw diskriminazzjoni; jenfasizza l-fatt li f'żoni żvantaġġati, rurali u remoti tali attivitajiet jikkostitwixxu l-unika opportunità għat-tfal u ż-żgħażagħ biex jissoċjalizzaw, iżidu s-sens ta' ċittadinanza tagħhom u jżommu livell tajjeb ta' saħħa mentali;

26. Jitlob appoġġ għall-isport tal-massa u l-attivitajiet ekstrakurrikulari, peress li dawn sofrew b'mod sproporzjonat mill-konsegwenzi devastanti tal-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza li l-isport tad-dilettanti huwa l-bażi għall-isport fil-livell professjonali u jikkontribwixxi għall-iżvilupp personali u għall-benesseri, kif ukoll għall-iżvilupp reġjonali taż-żoni rurali; jissottolinja l-importanza li jinżamm miftuħ u li jiġi appoġġjat l-irkupru tal-klabbs sportivi professjonali u tal-organizzazzjonijiet sportivi, kif ukoll li jingħata appoġġ lill-atleti; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja dawn il-klabbs u l-organizzazzjonijiet b'mod adegwat, peress li għandhom rwol vitali fil-benesseri u s-soċjalizzazzjoni taż-żgħażagħ;

27. Jappella għal aktar koordinazzjoni fil-livell Ewropew bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u r-rappreżentanti lokali tat-timijiet u tal-klabbs sportivi, tal-assoċjazzjonijiet sportivi u kulturali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tal-istudenti, il-korpi edukattivi u universitarji, is-sħab soċjali involuti fl-edukazzjoni, u s-settur privat sabiex jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni u jinħoloq network soċjali dinamiku u b'diversi livelli li jkun jista' jwieġeb u jadatta għall-isfidi futuri;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiżgura li l-UE kollha kemm hi ssir aktar b'saħħitha u aktar awtodipendenti, filwaqt li ħadd ma jitħalla jaqa' lura; jirrimarka li trid tindirizza d-diskrepanzi ġeografiċi, tal-ġeneru, soċjali, tal-età u dawk strutturali oħra, aggravati min-nuqqas ta' infrastruttura diġitali, konnettività u għodod diġitali fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari f'żoni rurali, remoti, insulari u muntanjużi, kif ukoll f'hotspots jew żoni oħra li huma soċjoekonomikament żvantaġġati; jistieden lill-Kummissjoni twessa' l-kamp ta' applikazzjoni u ssaħħaħ il-pjattaformi edukattivi indipendenti mingħajr skop ta' qligħ iffinanzjati mill-UE u mill-UE li jikkonformaw mal-istandards tal-privatezza tad-data tal-UE, bħal eTwinning, EPALE, Erasmus+ u School Education Gateway, sabiex l-iskejjel statali, l-għalliema, il-ħarrieġa u l-edukaturi tal-UE jkunu fil-qalba tal-proċess tal-edukazzjoni diġitali mingħajr ma jiddependu fuq pjattaformi li jiġġeneraw il-profitt; barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jitqiesu l-ħtiġijiet possibbli ta' dawk l-oqsma fil-każ ta' pandemiji futuri jew kwalunkwe sitwazzjoni oħra mingħajr preċedent;

29. Jissottolinja li għandhom isiru sforzi biex jiġi ġeneralizzat il-litteriżmu diġitali fil-livelli kollha tas-soċjetà, li jippermetti l-użu xieraq tal-għodod u l-infrastrutturi diġitali; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jinkludu l-litteriżmu diġitali fil-kurrikuli tal-istituzzjonijiet ta' tagħlim kollha u jipprovdu t-taħriġ u t-tagħmir meħtieġa għall-għalliema u l-edukaturi; jenfasizza li għandha ssir enfasi partikolari fuq dawk li huma esklużi diġitalment; jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni diffiċli ta' studenti minn familji b'ħafna tfal u ġenituri li huma għalliema skont il-professjoni, li għalihom l-obbligu li jaħdmu, jgħallmu u jitgħallmu mill-bogħod jinvolvi spiża għalja u spiss mhux affordabbli sabiex jixtru, mir-riżorsi privati modesti tagħhom, aktar tagħmir sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tagħlim u/jew tax-xogħol mill-bogħod;

30. Jissottolinja li t-teknoloġiji diġitali għandhom potenzjal sostanzjali għall-għalliema, il-ħarrieġa, l-edukaturi u l-istudenti f'termini ta' teknoloġiji aċċessibbli, miftuħa, soċjali u personalizzati li jistgħu jwasslu għal perkorsi ta' tagħlim aktar inklużivi; jemmen li l-użu intelliġenti tat-teknoloġiji diġitali, xprunat minn metodi ta' tagħlim innovattivi u li jagħtu s-setgħa lill-istudenti, jista' jgħammar liċ-ċittadini b'kompetenzi ewlenin għall-ħajja; jirrimarka, madankollu, li nuqqas ta' superviżjoni tat-tagħlim diġitali taż-żgħażagħ, speċjalment dawk f'ambjenti żvantaġġati u remoti, jista' jwassal għal riskju ogħla ta' dipendenza u disturbi fis-saħħa mentali;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu f'politiki speċifiċi, anke fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jirrispondu għall-ħtiġijiet lokali sabiex (i) jagħlqu d-differenzi eżistenti kollha, inklużi l-inugwaljanzi reġjonali bejn il-ġeneri, ekonomiċi, teknoloġiċi u soċjali; (ii) jiżguraw li l-istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ vokazzjonali, l-organizzazzjonijiet u l-istrutturi taż-żgħażagħ, kif ukoll l-istudenti u ż-żgħażagħ b'mod aktar ġenerali, jiksbu appoġġ finanzjarju suffiċjenti, b'enfasi speċjali fuq l-aktar studenti vulnerabbli li qed jaqgħu lura u li jeħtieġu appoġġ addizzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' tagħlim mistennija, u l-iskejjel li jaqdu popolazzjonijiet b'livell għoli ta' faqar u ta' minoranza għolja; (iii) jiżguraw li t-teknoloġiji, l-innovazzjonijiet, il-faċilitajiet u l-għodod ta' appoġġ għat-tagħlim meħtieġa, inklużi l-għodod

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

diġitali, ikunu fis-seħħ biex jikkonsolidaw, jiżviluppaw aktar u jipprovdu edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, kif ukoll opportunitajiet ta' tagħlim informali u mhux formali għal kulħadd; u (iv) jappoġġjaw inizjattivi kulturali li jlaqqgħu flimkien it-tfal u ż-żgħażagħ fil-qafas tal-irkupru kulturali tal-komunitajiet lokali;

32. Jenfasizza li n-normi u l-aspettattivi tal-ġeneru diġà eżistenti jistgħu jkunu fatturi importanti li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali u fiżika, kif ukoll opportunitajiet ta' edukazzjoni; jirrimarka li l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-edukaturi permezz ta' riżorsi u appoġġ adegwati huwa kruċjali sabiex jiġu identifikati u indirizzati aħjar ir-riperkussjonijiet marbuta mal-ġeneru tal-għeluq tal-edukazzjoni, il-kultura u l-isport fuq is-saħħa u l-benesseri usa' tat-tfal u ż-żgħażagħ; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu sistemi edukattivi reżiljenti, ekwi u sensittivi għall-ġeneru li jiżguraw li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi għall-ġeneru, bħall-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u l-prevenzjoni u r-rispons tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

33. Itenni l-importanza tal-investiment fl-innovazzjoni u r-riċerka fl-edukazzjoni, li jippermetti li s-sistema edukattiva tal-istat ikollha aċċess għal "kultura ta' innovazzjoni" fl-UE kollha u biex jiġi żgurat li materjali tat-tagħlim, approċċi pedagoġiċi u għodod pedagoġiċi ta' kwalità għolja jkunu aċċessibbli u disponibbli bla ħlas għal kulħadd; f'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' qafas finanzjarju li jippermetti x-xiri jew il-kiri rimborżabbli ta' għodod diġitali xierqa, inkluż tagħmir tal-kompjuter u aċċess għal network tal-internet effiċjenti;

34. Jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef id-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali u patrimonjali, kif ukoll tal-libreriji awdjoviżivi, u li jiġu introdotti skemi ta' skont li jippermettu aċċess universali għar-riżorsi kulturali, inkluż għal persuni emarġinati u skejjel periferiċi li ma jistgħux jixtru abbonamenti b'rati konċessjonarji;

35. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi u l-konsegwenzi pedagoġiċi, tas-saħħa u tas-sikurezza tal-avvanzi teknoloġiċi u diġitali permezz tal-kooperazzjoni u d-djalogu direttament maż-żgħażagħ, kif ukoll mal-esperti, l-edukaturi, is-sħab tal-edukazzjoni soċjali, u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; jirrimarka l-ħtieġa urġenti li jiġu rieżaminati b'mod kritiku l-perikli possibbli tal-avvanzi diġitali u l-konsegwenzi imprevedibbli tagħhom, filwaqt li jitqies li l-għan primarju tagħhom huwa li jaqdu l-ħtiġijiet tan-nies;

36. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu x-xjenza u r-riċerka dwar is-saħħa mentali taż-żgħażagħ u jivvalutaw l-impatt fit-tul tal-għeluq, b'mod partikolari tat-tagħlim mill-bogħod fit-tul, l-iżolament u l-inċertezza, fuq il-kisba tal-għarfien, l-iżvilupp newroloġiku u l-ħiliet soċjoemozzjonali, u jiżviluppaw miżuri mmirati biex jappoġġjaw lil dawk l-aktar milquta sabiex jiġġieldu u jipprevjenu problemi tas-saħħa mentali fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod sistematiku jiġbru u jqabblu s-sejbiet tar-riċerka, l-esperjenza u l-għarfien fit-trattament ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fost iż-żgħażagħ fl-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba u tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ tal-benefiċċji u r-riskji assoċjati mat-teknoloġija diġitali, filwaqt li tiżgura mhux biss l-aċċess tagħhom għall-għodod teknoloġiċi, iżda wkoll il-kapaċità tagħhom li jużawhom b'mod sikur u xieraq sabiex iservu bħala strumenti siewja għas-soċjalizzazzjoni u d-demokrazija;

38. Jissottolinja li perjodi twal imqattgħin fl-ambjent diġitali jista' jkollhom impatti estensivi fuq is-saħħa u s-sikurezza mentali fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-għeja tal-iskrin jew id-dipendenza fuq l-internet, kif ukoll l-esponiment għal vjolenza u fastidju online, kif ukoll għal aħbarijiet foloz, li jistgħu jwasslu mhux biss għal dipressjoni, ansjetà u esklużjoni soċjali, iżda wkoll għal suwiċidji fost iż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi sforzi ta' prevenzjoni kollaborattivi u sistematiċi akbar immirati lejn il-protezzjoni taż-żgħażagħ minn tali ħsara;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex taħtar Sena Ewropea tas-Saħħa Mentali u biex tiżviluppa pjan Ewropew għall-ħarsien tas-saħħa mentali fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali, u fit-tagħlim informali u mhux formali; huwa tal-fehma li kwalunkwe pjan bħal dan għandu jibni fuq is-sejbiet tal-Grupp ta' Ħidma tal-Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u jipprovdi linji gwida komprensivi, jipproponi eżempji ta' prattika tajba u joħloq inċentivi għall-Istati

Membri biex jistabbilixxu azzjonijiet u moduli ta' taħriġ dedikati, biex b'hekk l-għalliema, il-ħarrieġa, l-edukaturi, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-impjegaturi jiġu mgħammra bis-sett ta' ħiliet meħtieġa biex jirrikonoxxu sinjali bikrija ta' eżawriment, stress u stress psikoloġiku fl-istudenti, iż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ interns, jew iż-żgħażagħ fuq taħriġ vokazzjonali, bil-ħsieb li jiġu attivati miżuri ta' prevenzjoni mmirati;

40. Jemmen li l-pjan għandu jippromwovi appoġġ psikoloġiku bla ħlas u regolari għall-għalliema, l-edukaturi u l-professjonisti tal-kura tat-tfal, u għandu jiddedika wkoll attenzjoni speċjali lill-gruppi emarġinati u żvantaġġati u lill-persuni b'diżabbiltà sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u jiġi żgurat li jkollhom aċċess ugwali għall-attivitajiet u l-opportunitajiet kollha; jissottolinja li l-pjan għandu jinkoraġġixxi wkoll l-intensifikazzjoni tar-rabtiet bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-organizzazzjonijiet kulturali, taż-żgħażagħ u sportivi biex jiġu pprovduti attivitajiet ekstrakurrikulari li għandhom l-għeruq tagħhom fil-komunità usa', bil-għan li jissaħħaħ is-sens ta' appartenenza tal-istudenti, tiġi promossa l-aġenzija taż-żgħażagħ u jiżdied l-impenn soċjali tagħhom;

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa dwar il-minimizzazzjoni tal-impatt ta' kriżi serja fuq iż-żgħażagħ u fuq is-saħħa mentali tagħhom, kif ukoll iqisu l-ġenerazzjonijiet futuri fir-rakkomandazzjonijiet u l-proposti kollha tagħhom;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa miżuri ta' mitigazzjoni fir-rigward tal-konsegwenzi negattivi tal-għeluq tal-COVID-19 fuq it-tfal u ż-żgħażagħ matul l-2023, u tagħmel użu minn din is-sena biex tipproponi wirt robust tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 għall-futur;

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0319

# Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (2021/2255(INI))**

(2023/C 125/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-Għan 4 dwar edukazzjoni ta' kwalità, l-Għan 11 dwar bliet u komunitajiet sostenibbli u l-Għan 13 dwar l-azzjoni klimatika,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-4 ta' April 2022 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima bit-titolu "Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change" (It-Tibdil fil-Klima 2022: Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima),

— wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2021 bit-titolu "Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien" (COM(2021)0573),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titolu 'Aġenda ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa – Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività' (COM(2016)0381),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 bit-titolu 'Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura' (COM(2018)0267),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu 'Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja' (COM(2020)0662),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2021 bit-titolu 'Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040' (COM(2021)0345),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 bit-titolu 'Lesti għall-Mira ta' 55 %: nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika' (COM(2021)0550),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2022 bit-titolu 'REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli' (COM(2022)0108),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2021 dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2018 dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2019-2022) ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE ([3]),

([1]) ĠU C 501 I, 13.12.2021, p. 13.
([2]) ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12.
([3]) ĠU C 184, 5.5.2022, p. 88.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar ir-rwol tal-kultura, tal-edukazzjoni, tal-media u tal-isport fil-ġlieda kontra r-razziżmu ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar l-irkupru kulturali tal-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tal-UE ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021 dwar il-kisba ta' eredità politika effettiva għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ([10]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni ([11]) (ir-Regolament dwar l-Orizzont Ewropa),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) ([12]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni ([13]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) ([14]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali ([15]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport ([16]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 – 2027) ([17]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ([18]),

— wara li kkunsidra n-'New Leipzig Charter – The transformative power of cities for the common good' (Il-Karta Ġdida ta' Leipzig – Il-qawwa trasformattiva tal-bliet għall-ġid komuni), adottata fil-laqgħa ministerjali Informali dwar kwistjonijiet urbani fit-30 ta' Novembru 2020,

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni tas-6 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Towards a Shared Culture of Architecture: investing in a high-quality living environment for everyone" (Lejn Kultura Kondiviża tal-Arkitettura: ninvestu f'ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd),

---

([4]) Testi adottati: P9_TA(2022)0057.
([5]) ĠU C 385, 22.9.2021, p. 152.
([6]) ĠU C 385, 22.9.2021, p. 68.
([7]) ĠU C 445, 29.10.2021, p. 156.
([8]) ĠU C 456, 10.11.2021, p. 24.
([9]) ĠU C 205, 20.5.2022, p. 17.
([10]) ĠU C 494, 8.12.2021, p. 26.
([11]) ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1.
([12]) ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53.
([13]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.
([14]) ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1.
([15]) ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1.
([16]) ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1.
([17]) ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34.
([18]) ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Davos adottata mill-Konferenza tal-Ministri tal-Kultura fit-22 ta' Jannar 2018 bit-titolu "Towards a high-quality *Baukultur* for Europe" (Lejn *Baukultur* ta' kwalità għolja għall-Ewropa), kif ukoll is-Sistema Davos ta' Kwalità għall-*Baukultur* "Tmien kriterji għal *Baukultur* ta' kwalità għolja" żviluppata suċċessivament,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kummissjoni "Building Better, Building Beautiful" tal-Gvern tar-Renju Unit tat-30 ta' Jannar 2020, intitolat "Living with beauty",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-Artikolu 17 dwar id-dritt għall-proprjetà, l-Artikolu 18 dwar id-dritt għall-ażil, l-Artikolu 19 dwar il-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni, l-Artikolu 26 dwar l-integrazzjoni tal-persuna b'diżabilità, l-Artikolu 34 dwar is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, l-Artikolu 36 dwar l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u l-Artikolu 37 dwar il-ħarsien tal-ambjent,

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-Kapitolu III dwar il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, il-Prinċipju 19 dwar l-akkomodazzjoni u l-għajnuna għall-persuni mingħajr dar u l-Prinċipju 20 dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali,

— wara li kkunsidra l-ħidma mwettqa fuq il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport konġunt tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A9-0213/2022),

A. billi l-Ewropa tinsab f'mument ta' tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjali, li qed tiġi mħaffa mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-COVID-19; billi s-sitwazzjoni ġeopolitika tal-Ewropa qed tinbidel b'riżultat tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; billi l-populiżmu, l-estremiżmu u s-sentiment anti-Ewropew qed jiżdiedu;

B. billi l-UE kienet qed twieġeb għall-isfidi tad-degradazzjoni ambjentali, tat-tibdil fil-klima u għall-iskarsezza dejjem akbar tar-riżorsi naturali, u dawn jeħtieġu azzjoni politika ambizzjuża u estensiva sabiex jiġi implimentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li qed jixpruna t-tfittxija għat-tiġdid u għall-innovazzjoni fir-rispett tal-limiti tal-pjaneta; billi, bħala r-"ruħ" tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha l-għan li tindirizza l-ħtiġijiet spazjali u ambjentali tal-Ewropa b'mod transdixxiplinari, sostenibbli, inklużiv u estetiku;

C. billi t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050 tirrappreżenta kemm opportunità kbira kif ukoll sfida għall-Unjoni, għall-Istati Membri tagħha u għan-negozji minn kull settur; billi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jeħtieġ li tinterpreta mill-ġdid il-Bauhaus oriġinali fid-dawl tal-kriżi klimatika, il-gwerra, il-pandemija u d-diżastri naturali, li qed iżidu l-inugwaljanzi soċjali;

D. billi l-kultura u l-libertà tal-arti jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dinamiżmu ta' soċjetà, u jippermettulna ngħixu aħjar flimkien, nibnu soċjetajiet demokratiċi, inklużivi u ħielsa u nerġgħu niksbu sens ta' identità u appartenenza kondiviżi; billi kulħadd għandu jkollu d-dritt li jkollu aċċess għall-kultura u li jipparteċipa fiha; billi l-kultura hija essenzjali wkoll għall-esplorazzjoni tal-isfidi kumplessi tas-soċjetà u l-postijiet kulturali huma postijiet essenzjali għal-libertà tal-espressjoni u tad-dibattitu;

E. billi l-kultura hija settur strateġiku għall-UE li jgħin biex tissaħħaħ l-ekonomija tagħha permezz tal-kontribut sinifikanti tagħha għall-PDG u l-impjiegi, u l-kontribut indirett tagħha għal setturi u industriji oħra; billi s-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi (CCSI) kienu wieħed mill-oqsma l-aktar milquta mill-pandemija, qed jirkupraw aktar bil-mod mill-bqija tal-ekonomija tal-UE u għalhekk għandhom jiġu promossi u appoġġjati aktar; billi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tista' tippermetti aktar investiment fis-settur u tinvolvi atturi differenti fl-implimentazzjoni tagħha fuq il-post;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

F. billi l-arkitettura, l-ippjanar urban u territorjali, il-mobilità, id-disinn, l-arti, is-soċjoloġija u l-inġinerija huma komplementari u strumentali għall-bini ta' soċjetà inklużiva, sostenibbli u sabiħa; billi dawn is-setturi, li għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, kultura ta' bini sostenibbli u soluzzjonijiet innovattivi u effiċjenti fl-użu tal-ispazju, f'konformità mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħna, ġew imfixkla mill-kriżi tal-COVID-19;

G. billi hemm ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati mudelli ekonomiċi aktar sostenibbli fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-bini u tal-enerġija, li t-tnejn jiffavorixxu l-ekonomija ċirkolari u jgħinu fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u biex jinkisbu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni;

H. billi l-binjiet huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija tal-UE u għal 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha ([19]);

I. billi l-istrateġija tal-Mewġa għar-Rinnovazzjoni għandha l-għan li tirdoppja r-rata tar-rinnovazzjoni tal-bini fl-Ewropa, filwaqt li għandha l-objettiv li aktar minn 35 miljun binja jiġu rrinovati u li jinħolqu sa 160 000 impjieg fis-settur tal-kostruzzjoni;

J. billi l-aċċess għall-akkomodazzjoni huwa dritt fundamentali; billi l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u n-nuqqas ta' aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u bi prezz aċċessibbli jikkostitwixxu kriżi f'partijiet mill-UE;

K. billi l-bliet huma postijiet ta' pluraliżmu, kreattività u solidarjetà; billi l-ippjanar u d-disinn ħżiena fil-qasam pubbliku u t-tkabbir tat-tifrix urban irriżultaw fit-telf tal-kwalità tal-bini madwar l-Ewropa; billi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha l-potenzjal li tesplora opportunitajiet biex l-ispazju limitat fil-bliet jintuża b'mod sostenibbli, estetiku u inklużiv, li tgħaqqad aħjar iż-żoni urbani u rurali, u li tiżgura l-parteċipazzjoni tal-abitanti fl-ippjanar spazjali u tgħinhom jirreklamaw il-belt bħala spazju maħluq għall-interazzjoni u l-attivitajiet kulturali;

L. billi l-bini ta' futur aħjar jibda b'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, inklużi l-edukazzjoni ambjentali, it-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja, fost l-oħrajn permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim online li għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid; billi l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità huwa dritt fundamentali; billi l-edukazzjoni u l-kultura huma vitali għall-iżvilupp personali u għandhom rwol kruċjali fil-parteċipazzjoni demokratika u ċivika taċ-ċittadini; billi ambjent mibni ta' kwalità għolja jirrikjedi t-taħriġ ta' professjonisti tas-sengħa, ta' ħaddiema tas-snajja' u ta' ħaddiema kulturali; billi l-kisba tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni tiddependi fuq il-kapaċità tagħha li teċċella fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni;

M. billi l-wirt kulturali, li jirrifletti l-valuri ta' komunità, qed jintlaqat dejjem aktar mit-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali u qed jiffaċċja sfidi oħra bħal nuqqas ta' investiment, l-ippjanar ħażin u l-flussi turistiċi ġestiti ħażin; billi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tista' tikkontribwixxi għall-preservazzjoni, ir-restawr, l-adattament u l-protezzjoni tiegħu għall-futur; billi l-professjonisti fis-settur tal-bini jeħtiġilhom jikkontribwixxu għall-ġid komuni billi jirrispettaw il-wirt kulturali;

N. billi l-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jirrikjedu kemm qafas regolatorju ta' appoġġ, li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE, kif ukoll prattiki ta' akkwist pubbliku sostenibbli;

O. billi l-azzjonijiet tal-gwerra tar-Russja huma mmirati b'mod intenzjonat lejn l-infrastruttura, l-istokk tad-djar, il-wirt kulturali u infrastruttura ċivili oħra fl-Ukrajna;

***Objettivi ewlenin***

1. Ifakkar li l-moviment storiku tal-Bauhaus ħoloq bidla fundamentali fid-disinn, fl-arkitettura u fl-arti, b'legati importanti bħall-ottimizzazzjoni tar-relazzjoni bejn il-forma u l-funzjoni, bil-għan li l-kultura tiġi demokratizzata, li wasslet għal bidla fil-ħsieb u innovazzjoni radikali u rriflettiet bidliet kulturali u soċjali reali f'kuntest artistiku u edukattiv progressiv fis-snin wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, filwaqt li offriet benefiċċji reali fil-ħajjiet tan-nies; jinnota li, bl-istess mod, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum billi toħloq bidliet reali fil-prattika u tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ġusta;

([19]) Il-Kummissjoni Ewropea, "In focus: Energy efficiency in buildings (Fokus fuq: L-effiċjenza enerġetika fil-binjiet", 17 ta' Frar 2020.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

2. Jilqa’ l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, li taspira li toħloq moviment kulturali pan-Ewropew li jikkontribwixxi għal ambjent ta’ għajxien aktar intelliġenti, aktar sostenibbli, inklużiv u pjaċevoli u jrawwem l-għarfien lokali u globali; jenfasizza li l-inizjattiva għandha tiffoka primarjament fuq it-titjib tal-kwalità tal-ħajja tan-nies billi toħloq spazji tal-għajxien tajbin għas-saħħa u bi prezzijiet aċċessibbli, tikkunsidra mill-ġdid l-istatus quo u tittrasforma l-ispazji, il-binjiet, il-bliet u t-territorji li fihom jgħixu n-nies, inkluż f’żoni u reġjuni inqas żviluppati, suburbani, rurali, remoti jew transfruntiera, f’konformità mal-Aġenda Urbana għall-UE u tibni fuq il-ħidma ta’ suċċess imwettqa mill-URBACT, filwaqt li ttejjeb il-koeżistenza u l-ispazju pubbliku għall-koeżjoni soċjali u territorjali u l-ħajja demokratika, tindirizza s-segregazzjoni spazjali u l-esklużjoni storika tal-gruppi soċjali u tipproteġi l-ambjent matul l-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-binjiet u l-ispazji tal-madwar;

3. Jirrikonoxxi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala inizjattiva kreattiva, interdixxiplinari u transdixxiplinari li tiġbor flimkien l-arkitettura, id-disinn, l-arti u x-xjenza fuq quddiem nett tal-politiki tal-UE għall-ewwel darba, filwaqt li timmira li tikkontribwixxi lil programmi u inizjattivi oħrajn tal-Unjoni, inklużi t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi tagħha, biex b’hekk il-Patt Ekoloġiku Ewropew isir esperjenza tanġibbli, pożittiva u inklużiva għal kulħadd u jingħata dimensjoni kreattiva u kulturali, u b’hekk titnieda l-mewġa ta’ innovazzjoni li jmiss; jissottolinja li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jeħtieġ ukoll li tipproteġi liċ-ċittadini mid-diżastri naturali u dawk relatati mal-klima billi tinkludi komponent ta’ sikurezza fl-objettivi tagħha; jinnota li dan se jistimola modi ġodda ta’ bini u l-użu ta’ materjali tal-bini innovattivi, ta’ kwalità għolja, sostenibbli u reżiljenti, inkluż ir-restawr ta’ wara d-diżastri;

4. Jafferma mill-ġdid li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha l-potenzjal li ssawwar mill-ġdid il-mod kif jitfasslu l-politiki, inkluż bl-involviment mal-komunitajiet, biex trawwem politiki u żviluppi leġiżlattivi li jkollhom impatt fuq l-ambjent mibni u fuq il-benesseri tal-forza tax-xogħol, u biex tiddefinixxi l-ambjent tal-futur billi tissodisfa l-ħtieġa għal spazji li jkunu aċċessibbli u adattati għal modi ta’ ħajja ġodda u li qed jinbidlu, bħal spazji għal konfigurazzjonijiet domestiċi mhux tradizzjonali, djar multiġenerazzjonali, spazji flessibbli tax-xogħol u tax-xogħol konġunt, ambjenti urbani adatti għat-tfal u spazji aktar sikuri għan-nisa u l-persuni vulnerabbli; jinsisti li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida trid turi livell ta’ ambizzjoni f’konformità mal-impenji klimatiċi tal-Unjoni u toħloq linji gwida għall-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, għall-implimentazzjoni tagħha;

5. Jenfasizza li, sabiex tirnexxi, l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida trid tkun aċċessibbli, trasparenti, bi prezz aċċessibbli, soċjalment u ġeografikament ġusta u inklużiva u trid tinvolvi b’mod attiv liċ-ċittadini tal-UE, lill-organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità u lir-residenti lokali, tiżgura diversità soċjali u territorjali u tappoġġja proġetti ta’ kull skala, b’mod minn isfel għal fuq – mit-tfassil tal-proġett sad-dħul fis-seħħ u l-evalwazzjoni tiegħu – filwaqt li jittieħdu passi attivi biex jiġi evitat kwalunkwe approċċ elitist jew effetti ħżiena ta’ ġentrifikazzjoni, u jissaħħu l-konsultazzjonijiet u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini; jenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażagħ jiġu involuti fl-inizjattiva, speċjalment billi jiġu involuti periti, artisti u ħaddiema żgħażagħ fis-CCSI;

6. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b’diżabilità jew b’mobilità mnaqqsa u bi bżonnijiet speċjali u għall-gruppi żvantaġġati, billi s-servizzi pubbliċi, il-ħajja kulturali, soċjali u ekonomika jsiru aċċessibbli għal kulħadd; jenfasizza f’dan ir-rigward l-importanza tad-diżinn tajjeb; jinsisti li r-riżorsi jridu jkunu mmirati wkoll lejn il-komunitajiet esklużi, emarġinati u żvantaġġati;

7. Iqis li dan il-moviment kulturali innovattiv għandu l-potenzjal li jpoġġi lill-Ewropa bħala mexxejja globali fil-qasam tal-arkitettura sostenibbli, tal-ippjanar territorjali u spazjali, tad-disinn, tal-kultura, tal-mobilità u l-loġistika sostenibbli, tat-teknoloġija, tal-ekonomija ċirkolari, tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġiji rinnovabbli billi jippromwovi modi aħjar ta’ għajxien, xogħol u parteċipazzjoni f’attivitajiet rikreattivi flimkien, li jistgħu jiġu applikati wkoll lil hinn mill-UE; jemmen li l-innovazzjoni soċjali u teknoloġika trid tiġi appoġġjata b’mod adegwat, inkluż permezz ta’ investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli twessa’ l-firxa tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi tinvolvi pajjiżi assoċjati u sħab barra mill-UE biex jieħdu sehem fl-inizjattiva, inkluż permezz ta’ djalogu permanenti dwar l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida; jirrikonoxxi li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għar-restawr ta’ wara l-gwerra tal-bliet, tas-soċjetajiet u tal-ekonomija, b’mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna u bl-involviment tas-CCSI Ukreni u l-professjonisti tagħha;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***Finanzjament u governanza***

9. Jenfasizza li matul l-ewwel snin tal-eżistenza tagħha, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida ma setgħetx tilħaq il-pajjiżi kollha tal-UE u lill-partijiet interessati fihom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar din l-inizjattiva u jtejbu l-koordinazzjoni bejn il-livelli kollha ta' governanza, li għandu jkollhom aċċess f'waqtu u ekwu għall-informazzjoni, l-opportunitajiet u l-finanzjament; iħeġġeġ lill-Kummissjoni torganizza laqgħat regolari mal-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, u tistabbilixxi punti fokali fl-Istati Membri biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-aċċess għall-finanzjament; jenfasizza l-importanza li jkun hemm riżorsi adegwati fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-prattika, kif ukoll mudelli u proċeduri ta' finanzjament imfassla apposta, u li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-politiki nazzjonali tagħhom; jissottolinja li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tista' tgħin biex jiġu indirizzati d-disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri f'termini tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-objettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, u b'hekk tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kollha, inklużi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex jinkorporaw il-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-ġestjoni tal-ambjent mibni u tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħhom stess;

11. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq mudell ta' governanza integrat, nondiskriminatorju, trasparenti, b'obbligu ta' rendikont u strutturat territorjalment għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, inkluż l-involviment u s-sjieda pubblika, permezz ta' ppjanar territorjali xieraq u bbażat fuq qafas ta' governanza ġenerali;

12. Jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni f'waqtha dwar kif tipparteċipa fil-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, inkluż permezz ta' assistenza teknika għall-partijiet interessati u l-aħjar prattiki, u li tiċċara l-kriterji ġenerali għall-għażla u l-evalwazzjoni tal-proġetti u l-inizjattivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u għall-allokazzjoni tal-fondi, b'mod partikolari, billi:

— tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' politiki ewlenin (eż. il-Patt Ekoloġiku, il-politiki ambjentali, industrijali, soċjali u kulturali),

— jiġu segwiti l-prinċipji gwida tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida dwar is-sostenibbiltà, l-inklużività u l-estetika, u billi tittieħed ispirazzjoni mis-Sistema Davos ta' Kwalità għall-*Baukultur*,

— jinħolqu impjiegi ġodda b'kundizzjonijiet tax-xogħol u opportunitajiet ta' negozju ta' kwalità, li jżidu l-valur ekonomiku u jtejbu l-kompetittività Ewropea, f'konformità mal-prinċipji ta' finanzjament sostenibbli, b'enfasi partikolari fuq is-simplifikazzjoni tal-proċeduri li japplikaw għat-tikketta Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-finanzjament tal-UE, u fuq it-titjib tal-vijabbiltà tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u l-kontribut għaċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà tal-ekonomija Ewropea,

— tiġi promossa l-aċċessibbiltà bl-applikazzjoni ta' kriterji speċifiċi tal-proġett, kif ukoll l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet, l-inklużività, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, id-diversità, il-pluraliżmu, is-sikurezza u l-iżvilupp tal-kapital soċjali ċivili,

— tiġi promossa l-parteċipazzjoni u l-konnessjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-gvernijiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet immexxija mill-komunità, l-individwi interessati, il-professjonisti u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom,

— jiġi involuti s-CCSI, inklużi l-ħallieqa kulturali,

— jiġi żgurat l-allinjament tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, abbażi tal-indikaturi tal-Aġenda 2030, l-impenn tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-politiki tal-UE dwar il-klima, l-ambjent, il-bijodiversità u l-enerġija, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-valuri ewlenin Ewropej;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida parti integrali mil-leġiżlazzjoni futura rilevanti kollha, filwaqt li fl-istess ħin tenfasizza l-ħtieġa li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tiġi sinkronizzata mal-leġiżlazzjoni, il-programmi u l-inizjattivi eżistenti tal-Unjoni, u jiġi żgurat li l-qafas regolatorju eżistenti, bħad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, jappoġġjaw l-ambizzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

14. Jitlob, barra minn hekk, li jiġu żviluppati kriterji speċifiċi għas-setturi rilevanti, b'mod partikolari dawk tal-kostruzzjoni u l-arkitettura, l-enerġija, il-mobilità, id-disinn, it-teknoloġija, it-turiżmu, l-edukazzjoni u l-ħiliet, is-snajja', il-kultura u l-arti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati f'dawn is-setturi, filwaqt li jitqiesu ċ-ċertifikazzjonijiet u l-istandards speċifiċi għas-settur, u għal azzjonijiet li jippromwovu s-sinerġiji bejn dawn l-atturi; ifakkar li huwa kruċjali li jitqies il-bilanċ ġeografiku sabiex il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tkun tista' tinxtered b'mod ugwali madwar l-UE u lil hinn minnha; jenfasizza, barra minn hekk, li ma hemmx bżonn li l-proġetti ikunu transnazzjonali biex jingħataw it-tikketta tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

15. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' ċarezza dwar il-finanzjament għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida mill-2023 'il quddiem; jitlob li r-Regolament dwar l-Orizzont Ewropa jiġi emendat matul ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali sabiex tinħoloq missjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida iffinanzjata b'EUR 500 miljun; jissottolinja li l-programm għandu jkun appoġġjat ukoll minn programmi rilevanti oħra sabiex jiġi ġġenerat impatt addizzjonali u li l-programmi eżistenti tal-Unjoni jistgħu jgħinu biex jinkisbu l-objettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tikkomplementa lill politiki oħrajn tal-UE, inkluża l-politika ta' koeżjoni, u tinkludi l-appoġġ għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fi ftehimiet u programmi ta' sħubija, appoġġjati mill-politiki strutturali u ta' koeżjoni tal-UE;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta mill-aktar fis possibbli biex l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida issir programm ġdid u indipendenti tal-UE sal-QFP li jmiss, fejn l-ideat u l-objettivi konkreti tiegħu għandhom ikunu akkumpanjati b'finanzjament adegwat; jagħraf l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tniedi l-ewwel sejħiet għal proġetti billi ħadet flus mill-programmi eżistenti, iżda jqis li l-impatt tagħhom mhuwiex proporzjonat mal-livell ta' ambizzjoni tal-proġett; jinsisti li dan se jirrikjedi riżorsi ġodda b'linja baġitarja dedikata u stabbli; jissottolinja li dan il-programm ġdid la jrid inaqqas il-finanzjament għal programmi oħra mhux iffinanzjati biżżejjed, b'mod partikolari l-Creative Europe, l-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, minkejja r-rabtiet u s-sinerġiji li jista' joħloq magħhom, u lanqas jiddevja l-enfasi mill-prijoritajiet politiċi miftiehma tagħhom; jissottolinja li r-riżorsi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandhom fuq kollox ikunu ddedikati għar-riċerka u l-innovazzjoni;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ċar biex tattira l-investiment pubbliku u privat etiku, inkluż il-finanzjament kollettiv (crowdfunding), b'enfasi fuq il-promozzjoni tat-tmexxija femminili fil-kapital ta' riskju u fin-negozji l-ġodda; iħeġġeġ lill-Istati Membri, soġġett għall-kamp ta' applikazzjoni fiskali tagħhom, jallokaw finanzjament adegwat f'konformità mal-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej għal proġetti f'konformità mal-prinċipji u l-objettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, sabiex jiġi stimulat l-iżvilupp sostenibbli u jiġu koperti sħubijiet li jinvolvu entitajiet pubbliċi u privati; jinnota li dan se joħloq riżultati tanġibbli fil-prattika; jissottolinja li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha tikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' spazji u bini li jiffaċilitaw l-intraprenditorija;

18. Jesprimi l-ħtieġa li mmorru lil hinn mill-fażijiet tal-kodisinn, tat-twassil u tat-tixrid, filwaqt li jiġi żgurat li l-ħsieb kreattiv ikompli tul il-fażijiet kollha; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni trasparenti u bbażat fuq l-evidenza li jinkludi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, li għandu jirrevedi kontinwament l-attivitajiet kollha tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, inkluż l-impatt soċjetali u klimatiku tagħhom, l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp tar-reġjuni u l-ħolqien tal-valur reali tagħhom maż-żmien, u jirrapporta regolarment lill-Parlament u lill-Kunsill; jistenna li jirċievi l-ewwel rapport ta' monitoraġġ fl-2022;

***Oqsma ta' żvilupp u prijorità***

19. Jemmen li l-moviment tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandu jippromwovi modi ta' ħajja aktar sostenibbli, soċjalment inklużivi u innovattivi bbażati fuq mudelli ġodda u olistiċi ta' ppjanar, kostruzzjoni u abitazzjoni tal-ambjent mibni tagħna, bl-involviment sinifikanti tar-residenti fil-proċessi tat-teħid ta-deċiżjonijiet, sabiex ikunu adatti għall-ħtiġijiet emerġenti u t-tendenzi li qed jinbidlu tal-konsum u tal-mobilità, u biex tiġi żgurata akkomodazzjoni deċenti, bi prezz aċċesibbli u ta' kwalità għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli, inkluż billi jiġu miġġielda l-esklużjoni relatata mal-akkomodazzjoni u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar;

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

20. Iqis li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida hija opportunità biex tiġi kkonċepita riġenerazzjoni ekoloġika mfassla tajjeb tal-ispazji pubbliċi bil-għan li jintlaħqu l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni, li l-binjiet skaduti jiġu mmodifikati u jingħataw skop ġdid, li ż-żoni industrijali qodma jiġu ttrasformati fi spazji urbani u pubbliċi ekoloġiċi ġodda, u biex tinbena l-infrastruttura rilevanti biex jiġu ffaċilitati l-attività fiżika, l-għarfien u l-iskambji kulturali;

21. Jitlob li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tippromwovi “bliet ta’ 15-il minuta” sabiex is-servizzi u l-kumditajiet essenzjali kollha jsiru aċċessibbli għaċ-ċittadini f’distanza bil-mixi, u tipprovdi soluzzjonijiet innovattivi għall-iżvilupp ta’ żoni urbani sostenibbli, inklużi soluzzjonijiet ta’ mobilità sostenibbli; jenfasizza li fil-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jeħtieġ li jispikkaw il-binjiet bi prezz aċċessibbli, soċjalment inklużivi u effiċjenti fl-enerġija, u li din tikkontribwixxi għal bidla modali lejn trasport pubbliku u kollettiv u mezzi ta’ trasport li jniġġsu inqas;

22. Jisħaq fuq l-importanza tat-trasformazzjoni, l-aġġornament u l-modifika retroattiva tal-istokk tal-bini eżistenti, inklużi binjiet ippjanati u mibnija ħażin imtella’ minn reġimi totalitarji, u li jiġu applikati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura bħall-injam u li jitnaqqas l-iskart u li jiżdiedu d-durabbiltà, l-użu mill-ġdid u ċ-ċirkolarità fl-ambjent mibni; jinsisti li dan għandu jinkludi l-promozzjoni tar-rinnovazzjoni u tal-użu mill-ġdid adattiv minflok it-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid, kif xieraq, it-tneħħija tal-ostakli relatati mal-immaniġġjar u t-trasport tal-iskart kif ukoll is-sensibilizzazzjoni tan-nies dwar il-karbonju inkorporat u maħżun fil-materjali biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati;

23. Jissottolinja li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha tappoġġja wkoll inizjattivi għall-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta’ akkomodazzjoni soċjali bi prezz aċċessibbli, ta’ kwalità għolja u effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

24. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu kurrikuli edukattivi innovattivi f’konformità mal-prinċipji u l-objettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għall-iżvilupp tal-ħiliet spazjali, kreattivi, ta’ orjentazzjoni u ta’ tpinġija, u jintegraw prinċipji ewlenin tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u ħiliet ekoloġiċi u diġitali fl-edukazzjoni informali, mhux formali u għolja, fit-taħriġ vokazzjonali u fit-tagħlim tul il-ħajja, inkluż billi l-professjonisti rilevanti jtejbu l-ħiliet u jingħataw taħriġ mill-ġdid, li se jgħinu wkoll biex titwettaq l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa; jenfasizza l-importanza li titqajjem kuxjenza permezz tal-edukazzjoni dwar ir-rispett tal-ambjent u tal-wirt kulturali, f’konsultazzjoni mal-Koalizzjoni “Edukazzjoni għall-Klima”; jitlob lill-UE tippromwovi dawn l-isforzi; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-opportunitajiet ta’ mobilità parti integrali mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, speċjalment għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-istudenti universitarji minn dixxiplini relatati u professjonisti tas-sengħa fi ħdan is-CCSI;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jintegraw l-aspetti kollha tat-triangolu tal-għarfien – l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni – billi jippromwovu sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, inkluż permezz tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, inklużi ċ-ċentri tar-riċerka arkitettonika u kulturi, u l-industrija, inklużi l-mikrointrapriżi u l-SMEs rilevanti, l-intrapriżi soċjali u n-negozji ġodda, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka; jemmen li l-Komunità ta’ Konoxxenza u Innovazzjoni tal-EIT dwar is-CCSI għandha tpoġġi l-għarfien espert tagħha għad-dispożizzjoni tal-objettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, speċjalment fl-Istati Membri u fir-reġjuni fejn il-kapaċità tal-innovazzjoni hija moderata;

26. Jenfasizza li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tista’ tappoġġja s-sigurtà u l-effiċjenza tal-enerġija billi tħeġġeġ l-investiment u tinċentiva l-użu ta’ materjali u soluzzjonijiet b’livell baxx ta’ użu tal-enerġija, b’emissjonijiet żero u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, inkluż permezz ta’ mudelli kooperattivi u ta’ proprjetà tal-komunità għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u proġetti li jużaw is-sħana mormija u sistemi tal-enerġija integrati;

27. Jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni urġenti taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u ż-żieda b’riżultat ta’ dan fil-faqar enerġetiku fost l-unitajiet domestiċi tal-UE; jissottolinja li l-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandhom irwol fundamentali fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u fil-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, permezz ta’ soluzzjonijiet innovattivi għas-setturi tal-bini, tal-kostruzzjoni, industrijali u tal-materjali, u jqis li din hija prekundizzjoni biex tinkiseb tranżizzjoni lejn enerġija ġusta u ekwa;

28. Jissottolinja li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tista’ tiffaċilita t-tranżizzjoni diġitali billi ttejjeb il-konnettività biex itaffi d-distakk diġitali, tikseb soluzzjonijiet aktar effiċjenti, inklużivi, aċċessibbli u ekosostenibbli, u ttejjeb l-użu tar-riżorsi u l-ħiliet lokali;

29. Jirrikonoxxi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala katalist biex isiru bidliet trasformattivi fl-ekosistemi kreattivi, tal-kostruzzjoni u tan-negozju u biex jinkisbu fehim u kwalità ġodda fl-ippjanar, it-tfassil u l-bini, inkluż billi jiġu applikati teknoloġiji diġitali tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-binja, tinbena l-kapaċità għall-ħolqien ta’ mudelli innovattivi u teknoloġiji diġitali għall-ippjanar urban billi, fost affarijiet oħra, titrawwem il-kooperazzjoni transfruntiera fl-iskambju tad-data u jiġu inklużi l-prinċipji taċ-ċirkolarità u l-effiċjenza fir-riżorsi fil-mixja lejn in-newtralità tal-karbonju;

30. Jitlob li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida toħloq inċentivi biex tinkoraġġixxi l-użu ta’ teknoloġiji u materjali sostenibbli u durabbli, tippromwovi soluzzjonijiet intelliġenti tal-enerġija u ambjentali u innovazzjoni fil-materjali, il-proċessi, l-awtomatizzazzjoni u t-tekniki b’mod rinnovabbli, riċiklabbli u kosteffiċjenti li jnaqqas l-emissjonijiet serra, bħal elementi prefabbrikati b’materjali sostenibbli, infrastruttura fotovoltajka jew tal-iċċarġjar, materjali b’sorsi bijoloġiċi u ġeoloġiċi, u tekniki tal-bini ttestjati lokalment; jenfasizza, f’dan il-kuntest, l-importanza li jiġu ffaċilitati l-provvisti meħtieġa għall-produzzjoni ta’ tali materjali tal-kostruzzjoni, inkluża l-materja prima, filwaqt li jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi billi tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq;

31. Jirrikonoxxi li l-aspett kulturali tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida huwa kritiku għad-dimensjoni soċjali u demokratika tagħha; fl-istess waqt, jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi u tiżviluppa metodoloġija ta’ disinn ibbażata fuq l-evidenza fl-ambitu tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida biex tiżgura li l-proċessi tat-trasformazzjoni tal-ispazji, tal-binjiet, tal-bliet u tat-territorji jkunu bbażati fuq riċerka xjentifika, biex jinkisbu l-aħjar eżiti possibbli;

32. Jilqa’ l-approċċ innovattiv u integrat rakkomandat mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida permezz tal-użu effiċjenti tal-ispazju, il-preservazzjoni, ir-restawr, il-valorizzazzjoni, il-promozzjoni u l-użu mill-ġdid tal-wirt storiku, kulturali u naturali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala opportunità biex jipproteġu aħjar il-wirt kulturali rikk tal-Ewropa mill-impatt tad-degradazzjoni ambjentali, it-turiżmu mmaniġġjat ħażin u sfidi oħrajn; jissottolinja li permezz tar-rinnovazzjoni intelliġenti, inkluż it-titjib fl-effiċjenza enerġetika, it-trasformazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv, is-siti kulturali u ta’ wirt jistgħu jsibu użi ġodda u estiżi; jirrikonoxxi d-diġitalizzazzjoni bħala mezz ta’ valorizzazzjoni tal-wirt kulturali;

***Implimentazzjoni***

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħaqqdu l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida mal-Mewġa ta’ Rinnovazzjoni, filwaqt li jieħdu vantaġġ mis-soluzzjonijiet innovattivi li l-proġett joffri fir-rinnovazzjoni komprensiva, olistika, ta’ kwalità u kostottimali tal-istokk tal-bini tagħna; jissottolinja li dan għandu jkun ibbażat fuq analiżi bir-reqqa taċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet u billi jitqies il-kuntest speċifiku għas-sit, inklużi l-karatteristiċi estetiċi u arkitettoniċi lokali, li jmur lil hinn mill-effiċjenza enerġetika biex jinkludi titjib fil-kwalità tal-ambjent ta’ ġewwa, l-enerġija rinnovabbli, id-durabbiltà, l-aċċessibbiltà, is-sikurezza u l-qerda ta’ sustanzi dannużi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex iżidu malajr ir-rata ta’ rinnovazzjoni, fost l-oħrajn billi jevitaw ostakli addizzjonali li jfixklu r-rinnovazzjoni;

34. Jemmen li l-impatti ambjentali u soċjali tal-proġetti kollha tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandhom jiġu vvalutati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra aktar il-Level(s), li huwa l-qafas li għadu kif ġie stabbilit għal binjiet sostenibbli, biex tittejjeb is-sostenibbiltà fis-settur; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi ottimizzat il-qafas biex ikun aktar aċċessibbli għall-professjonisti fis-settur tal-bini; jinsisti li l-qafas ikun aġġornat fuq bażi kontinwa biex jinkludi sejbiet ġodda u konklużjoni minn proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

36. Jappoġġja l-ħolqien ta’ tikketta Bauhaus Ewropea l-Ġdida, fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ibbażata fuq kriterji ċari applikati b’mod komprensiv, olistiku u inklużiv, li tivvaluta l-valur ekonomiku, ambjentali u soċjali relatat mas-sostenibbiltà ta’ proġett u tippromwovi sinerġiji ma’ tikketti u għodod eżistenti, sabiex jiġu rikonoxxuti proġetti u prodotti għall-kisba tal-għanijiet ewlenin tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u tgħinhom jiksbu aċċess għall-finanzjament; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-iskemi ta’ finanzjament tal-UE joħolqu inċentivi biex japplikawhom għat-tikketta, inkluż għaċ-ċittadini u għal proġetti mmexxija mill-komunità; jitlob li tiġi esplorata l-adozzjoni mis-suq tat-tikketta; jissottolinja li l-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fis-settur tal-bini għandhom ikunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa taċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet u analiżi tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-involviment dirett tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti, inkluż billi jiżviluppaw linji gwida dettaljati għall-applikazzjoni u jibnu l-kapaċità tagħhom biex jimplimentaw l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida; iħeġġeġ lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jinvestigaw kif l-istituzzjonijiet kulturali lokali jistgħu jibbenefikaw mill-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, b'mod partikolari għall-mitigazzjoni tal-impronta klimatika tagħhom;

38. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-azzjoni preparatorja dwar il-"Pjattaforma għall-Ġestjoni tal-Gharfien tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida" fil-baġit 2022 tista' tgħin biex tissimplifika l-gwida u tikkondividi l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-applikanti prospettivi u tista' tiġi estiża aktar mill-2023 'il quddiem;

39. Jenfasizza l-importanza ta' aktar flessibbiltà għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jesperimentaw bil-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u jissottolinja l-potenzjal li jirriżulta jekk ikun permess "ambjent ta' esperimentazzjoni" regolatorja biex tingħata spinta lill-innovazzjoni fi ħdan l-ekonomija ċirkolari u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

40. Jemmen li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha tkun parti minn Patt Kulturali usa' għall-Ewropa; jenfasizza li l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha tħaddan u tippromwovi l-potenzjal mhux sfruttat tas-CCSI, inklużi l-ħallieqa kulturali, bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u sors għal servizzi u prodotti innovattivi u ta' kwalità għolja, billi tiggarantixxi l-involviment tas-CCSI, bl-appoġġ ta' linji gwida mmirati u tiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kollaborazzjoni, it-tagħlim reċiproku, il-bini tal-kapaċità u l-iskambju kulturali, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u r-remunerazzjoni ġusta ta' dawk involuti; jenfasizza li s-sostenibbiltà ambjentali tal-avvenimenti kulturali marbuta mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandha tiġi promossa;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tippermetti lill-Parlament ikun involut aktar mill-qrib fil-korpi rilevanti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħad-diskussjoni madwar mejda ta' livell għoli;

42. Jitlob li l-Laboratorju tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida futur jikkontribwixxi għar-riċerka u l-innovazzjoni fi ħdan l-oqsma ta' prijorità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida; jenfasizza l-ħtieġa li l-laboratorju futur tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jagħmel rakkomandazzjonijiet innovattivi, jikkollabora ma' istituzzjonijiet u ma' gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali oħrajn, u ma' partijiet ikkonċernati, inklużi s-soċjetà ċivili u l-gruppi komunitarji u jistabbilixxi regoli operattivi u ta' rapportar ċari u trasparenti f'konformità mal-inizjattiva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef l-introduzzjoni tal-Laboratorju u tipprovdih b'riżorsi adegwati;

43. Jilqa' l-ħolqien tal-Festival tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-Premjijiet annwali tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, li għandhom jirriflettu d-diversità kulturali rikka tal-Unjoni u jfittxu sinerġiji ma' premjijiet u avvenimenti Ewropej rilevanti oħra; jenfasizza l-importanza li jiġu organizzati avvenimenti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida madwar l-Ewropa sabiex jintlaħqu aktar nies u titqajjem kuxjenza dwar l-inizjattiva, inkluż permezz ta' avvenimenti speċifiċi, festivals u l-ħolqien ta' Sena Ewropea tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tippjana d-destinazzjonijiet tal-festivals annwali tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi tqis il-bliet Ewropej magħżula mill-UNESCO bħala "Kapitali Dinjija tal-Arkitettura"; jissuġġerixxi li l-festival tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida isir f'dawn il-bliet tal-UE magħżula bħala Kapitali Dinjija tal-Arkitettura sabiex tittejjeb il-promozzjoni tal-arkitettura u l-innovazzjoni Ewropej;

45. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq bażi tad-data pubblika, diġitali u aċċessibbli faċilment tal-proġetti u l-azzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, u taġġornaha regolarment, sabiex tagħmel ir-riżultati tal-inizjattiva aktar viżibbli, tkompli tiżviluppa l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida abbażi tal-aħjar prattiki, inkluż fi ħdan is-settur kulturali, u biex issaħħaħ il-kondiviżjoni tal-għarfien, ir-riċerka u l-iżvilupp;

46. Jitlob li jissaħħu l-isforzi ta' komunikazzjoni, sensibilizzazzjoni u viżibbiltà tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, filwaqt li jiġi rispettat il-multilingwiżmu, sabiex tingħata spinta lill-għarfien, l-appoġġ u l-parteċipazzjoni tan-nies fl-inizjattiva, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet parteċipattivi ta' sensibilizzazzjoni pubblika, inkluż permezz tal-midja soċjali

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

u l-pubblikazzjonijiet diġitali, bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, pjattaforma li tipprovdi informazzjoni, l-aħjar prattiki tal-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida mill-Istati Membri kollha u kontenut edukattiv, inkluż modulu dwar l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, il-ħolqien ta' għodod u spazji li jiffaċilitaw it-tagħlim bejn il-pari, l-iskambju ta' ideat u għarfien, u stħarriġ biex jiġi vvalutat l-impatt tal-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

o

o o

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0320

## Ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tad-deportazzjoni furzata ta' ċivili Ukreni lejn ir-Russja u tal-adozzjoni furzata ta' tfal Ukreni fir-Russja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tad-deportazzjoni furzata ta' ċivili Ukreni lejn ir-Russja u tal-adozzjoni furzata ta' tfal Ukreni fir-Russja (2022/2825(RSP))**

(2023/C 125/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u r-Russja, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-7 ta' April ([1]), tal-5 ta' Mejju ([2]) u tad-19 ta' Mejju ([3]) 2022,

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' The Hague,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-protokolli anċillari tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989 u l-protokolli addizzjonali tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-Ukrajna tat-30 ta' Mejju 2022,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) dwar il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali li jikkonċerna d-drittijiet tal-bniedem, u dwar id-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità mwettqa fl-Ukrajna fit-13 ta' April 2022 u fl-14 ta' Lulju 2022,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament tal-Ukrajna,

— wara li kkunsidra d-diskussjoni fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-7 ta' Settembru 2022 dwar l-ispostament u d-deportazzjoni furzati taċ-ċittadini Ukreni, kif ukoll l-adozzjonijiet furzati ta' tfal Ukreni fir-Russja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Human Rights Watch "'We Had No Choice': 'Filtration' and the Crime of Forcibly Transferring Ukrainian Civilians to Russia" ("Ma Kellna l-Ebda Għażla": "Filtrazzjoni" u d-Delitt ta' Trasferiment bil-Forza ta' Ċivili Ukreni lejn ir-Russja"tal-1 ta' Settembru 2022,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, Testi adottati, P9_TA(2022)0120.

([2]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2022 dwar l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna fuq in-nisa, Testi adottati, P9_TA(2022)0206.

([3]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna, Testi adottati, P9_TA(2022)0218.

A. billi l-Federazzjoni Russa bdiet mill-ġdid gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata, mhux ġustifikata u illegali kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022; billi r-Russja wettqet ksur massiv u serju tad-drittijiet tal-bniedem u delitti tal-gwerra mill-bidu tal-invażjoni fuq skala sħiħa tagħha tal-Ukrajna, inklużi l-qtil tal-massa ta' ċivili u priġunieri tal-gwerra, it-tortura, il-vjolenza sesswali, l-għajbien furzat, id-deportazzjoni furzata, is-sakkeġġ u t-tfixkil tal-evakwazzjoni u tal-konvojs umanitarji, li kollha kemm huma pprojbiti skont id-dritt internazzjonali u jridu jiġu pproċessati;

B. billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament tal-Ukrajna (Ombudsman) jistma li mill-24 ta' Frar 2022 aktar minn 1 miljun Ukren ġew deportati bil-forza lejn il-Federazzjoni Russa, ħafna drabi sal-Lvant Imbiegħed tar-Russja; billi sorsi differenti jindikaw li dawn in-numri huma sottovalutati, bl-ogħla stimi jpoġġu n-numri għal 2,5 miljun, u li n-numri qed jiżdiedu b'mod kostanti; billi d-deportazzjonijiet furzati mill-Ukrajna, iffaċilitati mill-hekk imsejħa "kampijiet ta' filtrazzjoni", juru paralleli storiċi qawwija ma' deportazzjonijiet Sovjetiċi furzati tal-massa u ma' kampijiet ta' konċentrament tal-Gulag; billi trasferiment furzat huwa delitt tal-gwerra u delitt potenzjali kontra l-umanità;

C. billi d-deportazzjoni furzata fuq skala kbira ta' ċivili Ukreni lejn il-Federazzjoni Russa ġiet identifikata minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OSKE u n-NU bħala wieħed mill-aktar ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettaq mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna;

D. billi l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) ivverifika l-eżistenza tal-hekk imsejħa "filtrazzjoni", li tinvolvi skrinjar tas-sigurtà fuq skala kbira, obbligatorju, punittiv u abbużiv li rriżulta f'diversi ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra ċittadini Ukreni; billi ċ-ċivili Ukreni ġew intervistati b'mod effettiv hekk kif stennew li jgħaddu minn dan il-proċess, li varja fit-tul minn ftit sigħat għal kważi xahar; billi matul il-"filtrazzjoni", iċ-ċittadini Ukreni huma soġġetti għal interrogazzjoni dettaljata, tiftix fuq il-ġisem, xi drabi l-involviment ta' nudità furzata, u tortura; billi f'ċirkostanzi bħal dawn, in-nisa u l-bniet Ukreni huma f'riskju ta' sfruttament sesswali;

E. billi l-proċess ta' "filtrazzjoni" huwa sistematiku u jirrappreżenta eżerċizzju ta' ġbir tad-data illegali tal-massa, u li dan jipprovdi lill-awtoritajiet Russi b'ammonti kbar ta' data personali dwar iċ-ċivili Ukreni, inkluża d-data bijometrika tagħhom; billi dan huwa ksur ċar tad-dritt għall-privatezza u jista' jpoġġi lil dawk soġġetti għalih f'riskju li jkunu fil-mira fil-futur;

F. billi matul dan il-proċess, l-awtoritajiet Russi spiss jikkonfiskaw passaporti Ukreni u jġiegħlu lill-Ukreni jiffirmaw ftehimiet biex jibqgħu fir-Russja, u b'hekk ifixklu l-kapaċità tagħhom li jirritornaw lejn pajjiżhom, fi sforz apparenti biex tinbidel l-għamla demografika tal-Ukrajna; billi, minbarra d-deportazzjonijiet u l-adozzjonijiet furzati, ir-Russja fil-kunċett ġeopolitiku tagħha ta' "Russkij mir" ("id-dinja Russa") fit-territorji okkupati tal-Ukrajna qed twettaq Russifikazzjoni aċċellerata;

G. billi ċ-ċittadini Ukreni li "jfallu" l-proċess ta' "filtrazzjoni" jinżammu u jiġu trasferiti lejn iċ-ċentri ta' detenzjoni u l-kolonji penali Russi, u huma jinsabu f'riskju ta' ħsara serja, inklużi tortura u trattament ħażin, jew qed jisfgħu vittmi ta' għajbien furzat; billi l-OHCHR iddokumenta rapporti kredibbli ta' tfal separati mill-familji tagħhom meta l-adult li jakkumpanjahom ma għaddiex mill-proċess ta' "filtrazzjoni";

H. billi t-tfal li qed jaħarbu mill-gwerra, speċjalment meta ma jkunux akkumpanjati, jinsabu f'riskju akbar ta' vjolenza, abbuż u sfruttament, kif ukoll li jgħibu u jisfgħu vittmi tat-traffikar, speċjalment meta jiċċaqilqu bejn il-fruntieri, u l-bniet b'mod partikolari huma f'riskju ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

I. billi l-Ombudsman Ukren, fit-3 ta' Settembru 2022, iddikjara li aktar minn 200 000 tifel u tifla kienu diġà ttieħdu bil-forza fil-Federazzjoni Russa bl-intenzjoni li jsiru disponibbli għall-adozzjoni mill-familji Russi u setgħu jivverifikaw iċ-ċirkostanzi tad-deportazzjoni furzata ta' 7 000 tifel u tifla Ukreni; billi l-awtoritajiet Russi qed jisseparaw b'mod deliberat lit-tfal Ukreni mill-ġenituri tagħhom u qed jaħtfu oħrajn minn orfanatrofji, istituzzjonijiet oħra tat-tfal u sptarijiet qabel ma jressquhom għall-adozzjoni fir-Russja; billi din l-azzjoni mill-Federazzjoni Russa hija ta' natura sistematika u fuq skala kbira, u tinkludi l-qerda tar-rekords personali tal-persuni deportati, fost reati oħra;

J. billi l-Ukrajna ħolqot il-portal "Tfal tal-Gwerra" biex tippermetti lill-ġenituri ta' tfal mitlufa, spostati u deportati jikkondividu d-data kollha disponibbli;

K. billi ladarba t-tfal ikunu fir-Russja stess jew fit-territorji okkupati minnha, il-proċess ta' tluq jew ta' għaqda mill-ġdid mal-kustodji tagħhom huwa tassew kumpless; billi mingħajr proċeduri formali fis-seħħ għar-ritorn tat-tfal Ukreni lejn l-Ukrajna jew għar-riunifikazzjoni tagħhom mal-kustodji u l-indokraturi tagħhom, il-proċess fil-biċċa l-kbira jaqa' fuq individwi b'appoġġ minn voluntiera lokali, NGOs u negozjati permezz ta' mezzi informali;

L. billi fil-25 u fit-30 ta' Mejju 2022, il-President Vladimir Putin iffirma digrieti li jissimplifikaw il-proċedura għall-għoti taċ-ċittadinanza Russa liċ-ċittadini Ukreni, inklużi tfal mingħajr kura tal-ġenituri, u għall-adozzjoni tat-tfal Ukreni mill-familji Russi, u b'hekk kompla jikkomplika r-ritorn tagħhom lejn l-Ukrajna u jiffaċilita l-proċess ta' assimilazzjoni sfurzata tat-tfal Ukreni; billi mijiet ta' tfal Ukreni minn dak iż-żmien 'l hawn irċevew ċittadinanza Russa u ntbagħtu lil ġenituri ġodda fir-reġjuni differenti tar-Russja;

M. billi d-dritt internazzjonali jipprojbixxi b'mod inekwivoku d-deportazzjoni f'territorju okkupat jew minn territorju okkupat lejn it-territorju tal-poter okkupanti, li jikkostitwixxi ksur serju tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u delitt tal-gwerra skont l-Istatut ta' Ruma tal-QKI; billi d-dritt u l-prattika internazzjonali jipprojbixxu l-adozzjoni matul jew immedjatament wara l-emerġenzi; billi l-Ukrajna adottat moratorju fuq l-adozzjonijiet bejn il-pajjiżi fil-bidu tal-gwerra; billi l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra jipprojbixxu l-poteri okkupanti milli jbiddlu l-istatus personali tat-tfal, inkluża n-nazzjonalità tagħhom;

N. billi skont l-Artikolu II tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, it-trasferiment furzat tat-tfal minn grupp għal ieħor, bl-intenzjoni li jeqred, kompletament jew parzjalment, grupp nazzjonali, etniku, razzjali jew reliġjuż, jikkostitwixxi ġenoċidju;

O. billi l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u gruppi vulnerabbli oħra jidhru li jinsabu f'riskju partikolari li jinqabdu fiż-żoni okkupati mir-Russja jew fir-Russja, peress li spiss jitqiegħdu kontra r-rieda tagħhom f'faċilitajiet bħad-djar tal-kura li jinsabu fir-Russja jew fiż-żoni okkupati mir-Russja; billi dawn il-faċilitajiet huma istituzzjonijiet magħluqa, u t-tqegħid ta' persuni vulnerabbli hemmhekk jimmina b'mod fundamentali d-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment;

P. billi ċ-ċittadini Ukreni fir-Russja u fit-territorji okkupati mir-Russja jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet sinifikanti, bħan-nuqqas ta' mezzi ta' sussistenza, l-inabbiltà li jiskambjaw l-hryvnia tal-Ukrajna jew li jiġbdu fondi bl-użu ta' kards tal-bank, nuqqas ta' ħwejjeġ u oġġetti iġjeniċi, u n-nuqqas ta' kapaċità li jikkuntattjaw lill-qraba; billi ċ-ċivili Ukreni qed jiġu rilokati bil-forza f'żoni ekonomikament batuti jew iżolati fir-Russja, ħafna drabi fis-Siberja, u jitħallew mingħajr ebda mezz ta' ritorn; billi dawk li jippruvaw jitilqu mir-Russja spiss iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jaqsmu mir-Russja minħabba li ma għandhomx dokumenti ta' identifikazzjoni xierqa, ikunu ħallewhom l-Ukrajna meta ħarbu mill-gwerra jew li ġew ikkonfiskati lilhom mill-awtoritajiet Russi;

Q. billi narrattiva distorta tat-Tieni Gwerra Dinjija tinsab fl-għeruq tal-propaganda tal-Kremlin li tiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni li r-Russja wettqet illum kontra l-Ukrajna;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-involviment attiv tal-Belarussja f'din il-gwerra, u jeżiġi li r-Russja ttemm minnufih l-attivitajiet militari kollha fl-Ukrajna u tirtira mingħajr ebda kundizzjoni l-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu tal-Ukrajna rikonoxxut internazzjonalment; jesprimi s-solidarjetà assoluta tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna, jappoġġa bis-sħiħ l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, u jissottolinja li din il-gwerra tikkostitwixxi ksur serju tal-liġi internazzjonali;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-atroċitajiet irrappurtati mwettqa mill-Forzi Armati Russi, ir-rappreżentanti tagħhom u d-diversi awtoritajiet ta' okkupazzjoni, b'mod partikolari d-deportazzjoni bil-forza ta' ċivili Ukreni, inkluż tfal, lejn ir-Russja, kif ukoll il-prattiki waħxija tar-Russja fl-hekk imsejħa "kampijiet ta' filtrazzjoni" fejn il-familji jiġu sseparati u dawk li huma meqjusa "inaffidabbli" jisparixxu;

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

3. Jistieden lir-Russja tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali u twaqqaf minnufih id-deportazzjoni furzata u t-trasferiment bil-forza ta’ ċivili Ukreni lejn ir-Russja u t-territorji okkupati minnha, kif ukoll it-trasferimenti furzati kollha ta’ tfal lejn it-territorji okkupati mir-Russja u l-Federazzjoni Russa, u twaqqaf ukoll kwalunkwe adozzjoni bejn il-pajjiżi ta’ tfal trasferiti mit-territorju kollu rikonoxxut internazzjonalment tal-Ukrajna; jistieden lir-Russja tirrevoka l-leġiżlazzjoni kollha li tiffaċilita l-adozzjoni tat-tfal Ukreni;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej, inkluż il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni u l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), ikollhom aċċess bla xkiel biex iżuru l-kampijiet ta’ “filtrazzjoni” u postijiet oħra fejn jinsabu ċ-ċittadini Ukreni wara t-trasferiment tagħhom lejn ir-Russja u t-territorji okkupati minnha, jimmonitorjaw dawk il-faċilitajiet u jassistu kemm lil dawk iċ-ċittadini Ukreni li jixtiequ jirritornaw fit-territorju tal-Ukrajna biex ikunu jistgħu jagħmlu dan, kif ukoll lil dawk iċ-ċittadini Ukreni li jixtiequ jmorru f’pajjiż terz biex ifittxu ażil u japplikaw għal status ta’ rifuġjat u/jew riunifikazzjoni tal-familja mingħajr ma jgħaddu mill-Ukrajna;

5. Jitlob il-Federazzjoni Russa tipprovdi minnufih informazzjoni dwar l-ismijiet, fejn jinsabu u l-benessri tal-Ukreni kollha detenuti jew deportati, u tawtorizza u tippermetti r-ritorn sikur taċ-ċivili Ukreni kollha, inkluż it-tfal, b’mod partikolari dawk li ġew deportati bil-forza lejn it-territorju tal-Federazzjoni Russa jew lejn it-territorji Ukreni attwalment okkupati mill-Federazzjoni Russa, billi tistabbilixxi kanali sikuri ta’ komunikazzjoni u ta’ vjaġġar;

6. Jistieden lill-istati u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha jagħmlu pressjoni fuq ir-Russja biex tirrispetta l-projbizzjoni tat-trasferimenti bil-forza, inkluż meta jġiegħlu liċ-ċivili jevakwaw lejn destinazzjonijiet mhux mixtieqa, u jiffaċilitaw il-passaġġ sikur taċ-ċivili lejn destinazzjoni tal-għażla tagħhom, b’mod partikolari tal-gruppi vulnerabbli;

7. Jitlob ir-Russja tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha u twaqqaf l-operazzjonijiet sistematiċi ta’ “filtrazzjoni”, twaqqaf il-proċessi kollha kontinwi ta’ ġbir u żamma ta’ data bijometrika, tħassar id-data miġbura illegalment u tiżgura li ċ-ċivili jkunu jistgħu jitilqu b’mod sikur u taħt superviżjoni internazzjonali lejn it-territorju kkontrollat mill-Ukrajna jekk jagħżlu li jagħmlu dan; jistieden lir-Russja tabbanduna kwalunkwe tentattiv ta’ Russifikazzjoni u li ċċaħħad lill-Ukreni mill-identità nazzjonali tagħhom;

8. Jenfasizza li t-tfal isseparati mill-ġenituri tagħhom matul il-gwerra jew waqt xi emerġenza umanitarja ma jistgħux jiġu preżunti li huma orfni u jridu jitħallew jirritornaw u jkunu jistgħu jerġgħu jingħaqdu mal-ġenituri jew mat-tuturi legali tagħhom minnufih;

9. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa jagħtu aċċess minnufih lill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OHCHR u l-UNICEF għat-tfal Ukreni kollha li ġew deportati bil-forza lejn ir-Russja u t-territorji okkupati minnha; jistieden lill-awtoritajiet Russi jiżguraw is-sikurezza u l-benessri tat-tfal Ukreni sakemm ikunu fir-Russja u fit-territorji okkupati minnha, u jipproteġuhom mill-perikli li jirriżultaw mill-gwerra u l-konsegwenzi tagħha;

10. Jitlob il-ħolqien immedjat ta’ Pakkett tal-UE dwar il-Protezzjoni tat-Tfal biex jipproteġi u jassisti lit-tfal u liż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna, li jkun jinvolvi passaġġ sikur, protezzjoni mill-vjolenza, mill-abbuż, mill-isfruttament u mit-traffikar, kif ukoll għajnuna ta’ emerġenza, sforzi ta’ riunifikazzjoni tal-familja u appoġġ għar-riabilitazzjoni fit-tul;

11. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà u lill-Istati Membri jindirizzaw is-sitwazzjoni mwiegħra tal-gruppi vulnerabbli, inkluż it-tfal, l-anzjani u l-persuni b’diżabbiltà fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-UE dwar it-trasferimenti bil-forza, u jappoġġaw lill-attivisti u lill-NGOs fuq il-post li qed jippruvaw jieħdu ħsiebhom u jiffaċilitaw ir-ritorn sikur tagħhom;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu mal-awtoritajiet Ukreni, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mas-soċjetà ċivili sabiex jistabbilixxu mekkaniżmi li jiddokumentaw il-fatti ta’ trasferiment furzat (l-għadd u l-identitajiet tal-persuni, inkluż it-tfal, fejn jinsabu l-persuni li jkunu fallew il-proċess ta’ “filtrazzjoni”, il-kundizzjonijiet taż-żamma tagħhom fir-Russja, eċċ.), anki sabiex jiġi ddeterminat fejn jinsabu, biex jiġu ripatrijati b’mod partikolari kwalunkwe tfal nieqsa u biex tingħata assistenza għar-riunifikazzjoni u t-traċċar tal-familji; jishaq fuq il-ħtieġa li tingabar informazzjoni, bħall-ismijiet ta’ individwi li għebu matul il-proċess ta’ “filtrazzjoni”, il-konfinament furzat tagħhom, jew it-trasferiment tagħhom lejn ir-Russja;

13. Jistieden lill-Istati Membri, biex permezz tal-missjonijiet diplomatiċi tagħhom fir-Russja, jappoġġaw il-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar temporanji li jippermettu liċ-ċittadini Ukreni maqbuda fir-Russja mingħajr id-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar tagħhom jitilqu mill-pajjiż jekk ikunu jixtiequ, u jipprovdu kenn temporanju fl-UE jekk ikun meħtieġ;

14. Jikkundanna bil-qawwa d-digrieti Presidenzjali Russi tal-25 ta' Mejju u tat-30 ta' Mejju 2022;

15. Iħeġġeġ lir-Russja tabbanduna l-politika tagħha ta' passaportizzazzjoni u tippermetti lill-Ukreni jżommu d-dokumenti ta' identifikazzjoni oriġinali tagħhom;

16. Jinsisti li dawk li jwettqu delitti tal-gwerra u reati kontra l-umanità, u possibbilment ġenoċidju jew dawk bl-intenzjoni li jwettqu ġenoċidju, kif ukoll l-uffiċjali tal-gvern u l-mexxejja militari responsabbli, jeħtieġ jinżammu responsabbli; jinnota li r-rilokazzjoni u d-deportazzjoni furzati tat-tfal Ukreni, inkluż dawk minn istituzzjonijiet, lejn il-Federazzjoni Russa u t-territorji okkupati mir-Russja u l-adozzjoni furzata tagħhom mill-familji Russi jiksru l-liġi tal-Ukrajna u l-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Artikolu II tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jappoġġaw l-isforzi tal-awtoritajiet Ukreni u internazzjonali biex jiġbru, jiddokumentaw u jippreservaw l-evidenza tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq fil-kuntest tal-gwerra Russa kontra l-Ukrajna;

17. Jistieden lill-Gvern tal-Ukrajna jirratifika l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) biex jiffaċilita l-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità, inkluż id-deportazzjonijiet furzati, u jistieden lill-pajjiżi Ewropej kollha jiffirmaw jew jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Furzat;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw il-proċessi internazzjonali u nazzjonali leġittimi kollha, inkluż skont il-prinċipju tal-ġuriżdizzjoni universali, u jinvestigaw l-allegati delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra bl-għan li l-awturi kollha jinżammu responsabbli quddiem qorti tal-ġustizzja, inkluż il-każijiet ta' trasferimenti bil-forza, adozzjonijiet furzati u għajbien sfurzat; jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-investigazzjonijiet li għaddejjin mill-QKI f'dan ir-rigward;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ politiku, legali, tekniku, finanzjarju u kwalunkwe tip ieħor ta' appoġġ meħtieġ għall-istabbiliment ta' tribunal speċjali li jittratta d-delitt ta' aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna;

20. Jilqa' l-adozzjoni rapida tas-sanzjonijiet mill-Kunsill u jitlob li tibqa' tinżamm l-għaqda fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fid-dawl tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll livell għoli ta' koordinazzjoni fost il-G7; jistieden lis-sħab kollha, b'mod partikolari lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lill-pajjiżi kandidati potenzjali, biex jallinjaw ruħhom mal-pakketti ta' sanzjonijiet; jitlob li l-lista ta' individwi fil-mira tas-sanzjonijiet tiġi estiża, b'mod partikolari biex tinkludi l-entitajiet u l-persuni kollha identifikati bħala responsabbli għat-tħejjija u l-organizzazzjoni tad-deportazzjonijiet furzati u l-adozzjonijiet furzati, jew għat-tħaddim tal-hekk imsejħa "kampijiet ta' filtrazzjoni";

21. Jinnota paralleli storiċi qawwija bejn id-delitti tar-Russja fl-Ukrajna u d-delitti Sovjetiċi fit-territorji okkupati mis-Sovjetiċi; jirrikonoxxi d-deportazzjonijiet tal-massa Sovjetiċi, ordnati, ippjanati u eżegwiti mir-reġim Komunista Sovjetiku u mis-sistema tal-Gulags kollha bħala delitti kontra l-umanità; jenfasizza l-importanza tal-kommemorazzjoni, tar-riċerka storika u tal-edukazzjoni dwar il-passat totalitarju sabiex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni ċivika u tinbena r-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni; jitlob li ssir valutazzjoni storika u legali bir-reqqa u dibattitu pubbliku trasparenti dwar id-delitti Sovjetiċi, u aktar importanti fir-Russja stess, sabiex fil-futur ir-ripetizzjoni ta' reati simili ssir impossibbli;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, lill-Qorti Kriminali Internazzjonali, lill-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna, lill-awtoritajiet Belarussi, u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0321

## Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Uganda u fit-Tanzanija b'rabta mal-investimenti fi proġetti tal-fjuwils fossili

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Uganda u fit-Tanzanija b'rabta mal-investimenti fi proġetti tal-fjuwils fossili (2022/2826(RSP))**

(2023/C 125/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Uganda u t-Tanzanija,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-Libertà ta' Espressjoni Online u Offline,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, li l-Uganda hija firmatarja għaliha, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966, irratifikat mill-Uganda fil-21 ta' Ġunju 1995, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu, li jiggarantixxi d-dritt għal-libertà minn arrest jew detenzjoni arbitrarji,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Dritt u r-Responsabbiltà tal-Individwi, tal-Gruppi u tal-Entitajiet tas-Soċjetà li Jippromwovu u Jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem Rikonoxxuti Universalment, magħrufa wkoll bħala d-Dikjarazzjoni dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata fid-9 ta' Diċembru 1998,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi, adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 u ffirmat fit-22 ta' April 2016 minn, fost l-oħrajn, il-pajjiżi kollha tal-UE, l-Uganda u t-Tanzanija,

— wara li kkunsidra l-istrateġija konġunta UE-Afrika,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-28 ta' Lulju 2022, ivvutata minn 161 pajjiż inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, li tiddikjara l-aċċess għal ambjent nadif u b'saħħtu bħala dritt universali tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-proġett għall-iżvilupp tal-Lag Albert jikkonsisti f'diversi sħab, bil-kumpanija taż-żejt multinazzjonali Franċiża TotalEnergies (Total) bħala l-investitur ewlieni, flimkien ma' China National Offshore Oil Corporation, Uganda National Oil Company, u Tanzania Petroleum Development Corporation; billi l-produzzjoni mill-proġett se titwassal fil-port ta' Tanga fit-Tanzanija permezz ta' pipeline transfruntier, il-pipeline taż-żejt mhux raffinat tal-Afrika tal-Lvant (East African Crude Oil Pipeline, EACOP); billi l-EACOP tnieda fl-1 ta' Frar 2022 u huwa ppjanat li jitlesta sal-2025; billi Total bdiet żewġ proġetti ewlenin ta' esplorazzjoni taż-żejt fl-Uganda, li wieħed minnhom huwa l-proġett Tilenga, li se jinvolvi t-tħaffir għaż-żejt fiż-żona naturali protetta ta' Murchison Falls;

B. billi l-fażijiet ta' kostruzzjoni u operazzjonali huma mistennija li jikkawżaw aktar impatti negattivi serji għall-komunitajiet fiż-żoni tal-estrazzjoni taż-żejt u tal-pipelines, inkluż li jipperikolaw ir-riżorsi tal-ilma u jagħmlu ħsara irrimedjabbli lill-għajxien tal-bdiewa, tas-sajjieda u tas-sidien tan-negozji tat-turiżmu li jiddependu mir-riżorsi naturali rikki tar-reġjun; billi l-faċilitajiet offshore tal-EACOP fuq il-kosta tat-Tanżanija se jinbnew f'żona b'riskju għoli ta' tsunami, b'perikolu għaż-żoni tal-baħar protetti; billi dawn ir-riskji ġew innotati mill-Kummissjoni għall-Valutazzjoni Ambjentali tan-Netherlands fir-"Rieżami Konsultattiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u Soċjali ppreżentata mill-ġdid għall-EACOP", li tenfasizza b'mod partikolari li t-teknika proposta għall-qsim tal-ilma u tal-art mistagħdra (trinka miftuħa) għandha l-potenzjal għal impatti negattivi sinifikanti, b'mod partikolari fl-artijiet mistagħdra;

C. billi r-riskji u l-impatti kkawżati mill-bjar taż-żejt u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-pipelines diġà huma rrapportati li huma kbar ħafna, u ġew iddokumentati b'mod eżawrjenti f'bosta valutazzjonijiet tal-impatt ibbażati fil-komunità u studji esperti indipendenti; billi huwa previst li l-proġett se jipperikola r-riżervi u l-ħabitats naturali; billi minkejja t-tħabbira mis-sħab tal-proġett tal-benefiċċji ekonomiċi u tal-impjiegi tagħha, ħafna persuni mill-Afrika tal-Lvant u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Afrika tal-Lvant komplew jesprimu oppożizzjoni qawwija għall-bini tal-pipeline u l-proġetti assoċjati filwaqt li jsostnu li l-impatt tiegħu fuq il-komunitajiet lokali u l-ambjent mhux vallapena tar-riskju;

D. billi l-biċċa l-kbira tal-produzzjoni ppjanata minn dan il-proġett taż-żejt fuq skala kbira se tiġi estratta u mibjugħa wara l-2030; billi l-estrazzjoni taż-żejt fl-Uganda tiġġenera sa 34 miljun tunnellata ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-sena; billi l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) wissiet f'rapport tal-2021 li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C biex jiġu evitati l-aktar impatti distruttivi tat-tibdil fil-klima tirrikjedi li l-iżvilupp ġdid taż-żejt u tal-gass jieqaf immedjatament; billi diversi esperti ambjentali u tal-klima indikaw diversi nuqqasijiet kritiċi f'dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjali, filwaqt li qiesu li huwa inevitabbli li "jseħħ tixrid taż-żejt mill-EACOP matul il-ħajja tal-proġett";

E. billi fil-komunikazzjoni tagħhom tal-24 ta' Jannar 2022, l-erba' Rapporteurs Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem esprimew it-tħassib tagħhom rigward l-arresti, l-intimidazzjoni u l-fastidju ġudizzjarju tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li jaħdmu fis-settur taż-żejt u tal-gass fl-Uganda; billi diversi difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u atturi tas-soċjetà ċivili ġew irrapportati li sofrew kriminalizzazzjoni, intimidazzjoni u fastidju, inkluż Maxwell Atuhura, difensur tad-drittijiet ambjentali u uffiċjal fuq il-post f'Buliisa għall-NGO Africa Institute for Energy Governance, li sofra dħul furzat u arrest arbitrarju; Federica Marsi, ġurnalista Taljana, li ġiet arrestata arbitrarjament fil-25 ta' Mejju 2021; Joss Kaheero Mugisa, il-president tal-NGO Oil and Gas Human Rights Defenders Association, li qatta' 56 lejl fil-ħabs mingħajr ma ġie kkundannat minn qorti; Robert Birimuye, mexxej ta' persuni affettwati mill-proġett EACOP fid-Distrett ta' Kyotera, li ġie arrestat b'mod arbitrarju; Yisito Kayinga Muddu, koordinatur ta' Community Transformation Foundation Network – COTFONE, li sofra dħul furzat f'daru u fl-uffiċċju tiegħu fl-istess jum; u Fred Mwesigwa, li xehed fil-kawża kontra TotalEnergies fi Franza u sussegwentement ġie mhedded bi qtil;

F. billi mill-2019, Total iffaċċjat azzjoni legali fi Franza fuq allegazzjonijiet li naqset milli tistabbilixxi pjan ta' viġilanza adegwat li jkopri r-riskji għas-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem kif meħtieġ mil-liġi Franċiża dwar id-"dmir ta' viġilanza", relatat mal-proġetti Tilenga u EACOP u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem; billi l-appelli ta' Total ġew miċħuda mill-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża f'Diċembru 2021, il-kawża issa waslet biex tinstema' fuq il-merti tagħha u s-sentenza għadha pendenti;

G. billi missjoni mid-delegazzjoni tal-UE u l-ambaxxati ta' Franza, il-Belġju, id-Danimarka, in-Norveġja u n-Netherlands ġiet ipprojbita milli tidħol fiż-żona taż-żejt fid-9 ta' Novembru 2021;

H. billi kważi 118 000 persuna huma affettwati minn dawn il-proġetti taż-żejt: xi wħud kellhom id-djar tagħhom meqruda biex jiffaċilitaw il-kostruzzjoni ta' toroq ta' aċċess jew l-impjant tal-ipproċessar, oħrajn kellhom l-art kollha jew parti minnha rekwiżizzjonata u tilfu l-użu liberu tal-proprjetajiet tagħhom u b'hekk il-mezzi ta' sussistenza tagħhom, mingħajr ħlas minn qabel ta' kumpens ġust u adegwat; billi l-kumpens imħallas spiss ikun baxx wisq biex jippermetti lill-bdiewa li l-art tagħhom tkun ġiet esproprjata jixtru art komparabbli li fuqha jkunu jistgħu jkomplu bil-biedja, u peress li dan il-kumpens baxx għalhekk ixekkel serjament u, *a priori*, b'mod definittiv l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom, b'tali mod li l-persuni rilokati ma jkunux jistgħu jiġġeneraw aktar introjtu suffiċjenti biex jitimgħu lill-familji tagħhom, jibagħtu lil uliedhom l-iskola jew jaċċessaw il-kura tas-saħħa; billi d-drittijiet tal-komunitajiet indiġeni għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat mhumiex qed jiġu rispettati f'konformità mal-istandards internazzjonali;

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Uganda u fit-Tanzanija marbut ma' investimenti fi proġetti ta' fjuwils fossili, inklużi l-priġunerija illegali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-sospensjoni arbitrarja tal-NGOs, is-sentenzi arbitrarji ta' ħabs u l-iżgumbrament ta' mijiet ta' persuni minn arthom mingħajr kumpens ġust u adegwat; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-arresti, l-atti ta' intimidazzjoni u l-fastidju ġudizzjarju kontra d-difensuri

tad-drittijiet tal-bniedem u l-NGOs li jaħdmu fis-settur taż-żejt u l-gass fl-Uganda; jitlob lill-awtoritajiet jiżguraw li l-avukati tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-gruppi tas-soċjetà ċivili jkunu liberi li jwettqu xogħolhom f'komunitajiet f'riskju u jitlob li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kollha arrestati arbitrarjament jinħelsu minnufih;

2. Jistieden lill-gvernijiet tal-Uganda u tat-Tanzanija biex jibdew miżuri konkreti biex jiżguraw li l-awtoritajiet, il-forzi tas-sigurtà u l-politiki jirrispettaw u jikkonformaw mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem; jinsisti, b'mod partikolari, li l-UE u atturi internazzjonali oħra jżommu u jsaħħu l-approċċ integrat u koordinat tagħhom dwar l-Uganda, li jinkludi l-promozzjoni ta' governanza tajba, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u t-tisħiħ tas-sistema ġudizzjarja u l-istat tad-dritt, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jqajmu din il-kwistjoni ta' tħassib permezz ta' mezzi pubbliċi u diplomatiċi; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Uganda jawtorizza mill-ġdid lill-54 NGO li ngħalqu jew ġew sospiżi b'mod arbitrarju, u jagħti lil dawk il-persuni li ġew spostati mingħajr ma rċevew kumpens ġust u adegwat aċċess għall-art tagħhom;

3. Ifakkar li aktar minn 100 000 persuna jinsabu f'riskju imminenti ta' spostament bħala riżultat tal-proġett EACOP mingħajr garanziji xierqa ta' kumpens adegwat; iħeġġeġ li dawk li ġew żgumbrati jew miċħuda l-aċċess għall-art tagħhom jiġu kkumpensati minnufih, b'mod ġust u adegwat, kif previst fil-Kostituzzjoni tal-Uganda u kif imwiegħed mill-kumpaniji; jitlob lill-awtoritajiet jieħdu passi ulterjuri biex jikkumpensaw b'mod adegwat lill-persuni għall-proprjetà u l-art mitlufa, jipproteġu d-drittijiet tal-komunitajiet lokali għas-saħħa, l-ambjent, l-għajxien tagħhom, u l-libertajiet ċiviċi, u jipprovdu rimedju lil dawk affettwati minn operazzjonijiet taż-żejt f'dawn l-aħħar deċennji; jistieden liż-żewġ gvernijiet jaġġornaw il-liġijiet domestiċi dwar l-akkwist, il-valutazzjoni u r-risistemazzjoni tal-art biex jiżguraw li dawn ikunu allinjati mal-istandards reġjonali u internazzjonali, inkluż id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat;

4. Itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet tal-Uganda biex jippermettu aċċess liberu, sinifikanti u mingħajr xkiel għaż-żona taż-żejt għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-ġurnalisti indipendenti, l-osservaturi internazzjonali u r-riċerkaturi;

5. Itenni t-talba tiegħu għal direttiva b'saħħitha u ambizzjuża dwar id-diliġenza dovuta korporattiva obbligatorja u strument internazzjonali ambizzjuż legalment vinkolanti biex ikopri l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ambjent u tal-klima, kif deskritt fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-diliġenza dovuta korporattiva u l-obbligu ta' rendikont [1];

6. Jistieden lill-UE u lill-komunità internazzjonali jeżerċitaw pressjoni massima fuq l-awtoritajiet tal-Uganda u tat-Tanzanija, kif ukoll il-promoturi tal-proġett u l-partijiet ikkonċernati, biex jipproteġu l-ambjent u jtemmu l-attivitajiet tal-estrazzjoni f'ekosistemi protetti u sensittivi, inklużi fix-xtut tal-Lag Albert, u jimpenjaw ruħhom li jużaw l-aħjar mezzi disponibbli biex jippreservaw il-kultura, is-saħħa, u l-futur tal-komunitajiet affettwati u jesploraw alternattivi f'konformità mal-impenji internazzjonali dwar il-klima u l-bijodiversità; jistieden lill-promoturi tal-proġett EACOP fl-Uganda u fit-Tanzanija jsolvu t-tilwim kollu li kellu jiġi solvut qabel it-tnedija tal-proġett, u jqisu r-riskji kollha msemmija hawn fuq, li jheddu dan il-proġett; iħeġġeġ lil TotalEnergies tieħu sena qabel ma tniedi l-proġett biex tistudja l-fattibbiltà ta' rotta alternattiva biex jiġu ssalvagwardjati aħjar l-ekosistemi protetti u sensittivi u r-riżorsi tal-ilma tal-Uganda u tat-Tanzanija, filwaqt li tillimita l-vulnerabbiltà tal-baċiri tal-iskular fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar Afrikani, li huma riżorsa kritika għar-reġjun, u tesplora proġetti alternattivi bbażati fuq enerġiji rinnovabbli għal żvilupp ekonomiku aħjar;

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-influwenza ekonomika dejjem tikber taċ-Ċina u tar-Russja, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija; jinsab imħasseb f'dan ir-rigward dwar l-interess tal-awtoritajiet tal-Uganda li jiżviluppaw impjant tal-enerġija nukleari bl-għajnuna Russa; ifakkar li d-dinja demokratika imponiet miżuri restrittivi mmirati fuq il-kumpaniji u l-entitajiet Russi, inklużi dawk mis-settur tal-enerġija, b'reazzjoni għall-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna;

[1] ĠU C 474, 24.11.2021, p. 11.

8. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-President tar-Repubblika tal-Uganda, lill-President tar-Repubblika tat-Tanzanija u lill-Presidenti tal-parlamenti tal-Uganda u tat-Tanzanija.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0322

# In-Nikaragwa, b'mod partikolari l-arrest tal-Isqof Rolando Álvarez

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari l-arrest tal-Isqof Rolando Álvarez (2022/2827(RSP))**

(2023/C 125/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari dik tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa ([1]) u dik tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istrumentalizzazzjoni tal-ġustizzja bħala strument ta' repressjoni fin-Nikaragwa ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha dwar il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha dwar il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, u l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha dwar il-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u r-Regoli Standard Minimi tan-NU dwar it-Trattament tal-Priġunieri (ir-Regoli Nelson Mandela),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tal-14 ta' Marzu 2022 dwar il-kundanna ta' priġunieri politiċi,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-kelliem tal-Uffiċċju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tad-9 ta' Mejju 2022 dwar ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili min-naħa tan-Nikaragwa u r-rapport tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-24 ta' Frar 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa u d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem qabel id-49 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fis-7 ta' Marzu 2022,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 49/3 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tal-31 ta' Marzu 2022 dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerka Ċentrali, min-naħa l-oħra ([4]) (il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fid-19 ta' Awwissu 2022, il-pulizija nazzjonali tan-Nikaragwa għamlet rejd bil-forza fuq il-kurja veskovili ta' Matagalpa biex tarresta arbitrarjament lill-Isqof Rolando Álvarez wara impass ta' ġimagħtejn, flimkien ma' ħames qassisin, żewġ seminaristi u cameraman, li issa qegħdin fil-ħabs ta' El Chipote; billi l-Isqof Álvarez kellu rwol importanti bħala medjatur fid-Djalogu Nazzjonali tal-2018, talab b'mod kostanti djalogu paċifiku u motivat fin-Nikaragwa u kkritika l-għeluq ta' seba' stazzjonijiet tar-radju Kattoliċi operati mid-djoċesi ta' Matagalpa fl-1 ta' Awwissu 2022;

B. billi l-istqarrija tal-pulizija ma tatx raġuni għall-arresti, iżda qalet li kienu parti minn investigazzjoni mibdija fil-5 ta' Awwissu 2022 dwar attivitajiet "destabbilizzanti u provokattivi" fil-pajjiż; billi l-pulizija aktar tard ikkonfermat li kienu għaddejjin "inkjesti ġudizzjarji"; billi sigħat wara, il-Viċi President tan-Nikaragwa Rosario Murillo f'diskors sostna li l-pulizija kienet qed terġa' tistabbilixxi l-ordni f'Matagalpa u li l-arrest tal-isqof kien "neċessarju";

(1) ĠU C 251, 30.6.2022, p. 134.
(2) Testi adottati, P9_TA(2022)0238.
(3) ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58.
(4) ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3.

C. billi n-Nunzju Appostoliku għan-Nikaragwa, Monsinjur Waldemar Stanisław Sommertag, tkeċċa mill-pajjiż f'Marzu 2022, Padre Manuel Salvador García ġie arrestat f'Ġunju 2022, l-Assoċjazzjoni tal-Missjonijiet tal-Karità tal-Ordni ta' Santa Tereża ta' Kalkutta ġiet iddikjarata illegali u tkeċċiet f'Lulju 2022, u l-pulizija allegatament ipprojbixxiet purċissjonijiet reliġjużi skedati għat-13 u l-14 ta' Awwissu 2022; billi ħames qassisin oħra, Uriel Vallejos, Vicente Martínez, Sebastián López, Mangel Hernández u Dani García, marru f'eżilju minħabba l-arrest tal-Isqof Álvarez; billi fl-2019, l-Isqof Silvio Báez kien imġiegħel imur f'eżilju wara theddid fuq ħajtu rikonoxxut mill-Vatikan; billi fl-1 ta' Settembru 2022, l-awtoritajiet tan-Nikaragwa kkundannaw lill-monsinjur Leonardo José Urbina Rodríguez għal piena ta' 30 sena ħabs; billi dawn huma biss ftit eżempji ta' atti ta' repressjoni mmirati lejn membri tal-Knisja Kattolika Rumana fin-Nikaragwa;

D. billi mill-2018 'l hawn, ir-reġim tan-Nikaragwa wettaq inkarċerazzjoni sistematika u ripetuta, fastidju u intimidazzjoni fil-konfront ta' prekandidati presidenzjali, mexxejja tal-oppożizzjoni u mexxejja reliġjużi – partikolarment mill-Knisja Kattolika Rumana – kif ukoll studenti u mexxejja rurali, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, persuni LGBTI u rappreżentanti tan-negozju;

E. billi minn dak iż-żmien 'l hawn, fin-Nikaragwa stabbilixxa ruħu qafas ta' repressjoni mill-istat, ikkaratterizzat minn impunità sistemika għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, deterjorament tal-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt, u kollużjoni bejn is-setgħat tal-eżekuttiv u l-ġudikatura;

F. billi l-attakki fuq il-libertà tal-espressjoni, tal-kuxjenza u tar-reliġjon intensifikaw u billi t-theddid min-naħa tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku fil-konfront ta' diversi ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bħala kritiċi tar-reġim u membri tal-Knisja Kattolika Rumana – minħabba l-isforzi ta' medjazzjoni tagħhom fit-taħditiet nazzjonali tal-2018 u għax ikkundannaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq fil-kuntest tal-kriżi attwali fin-Nikaragwa – wassal lil ħafna minnhom jitilqu min-Nikaragwa biex ifittxu protezzjoni;

G. billi kif ġie ċċarat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-detenturi ta' mandat ta' proċedura speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, dawk miżmuma l-ħabs ġew arrestati għal raġunijiet inkompatibbli mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa;

H. billi l-għeluq tal-istazzjonijiet tar-radju Kattoliċi u ta' żewġ stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni komunitarji oħra ftit wara, b'użu eċċessiv tal-forza, huma l-aħħar f'lista twila ta' aktar minn 1 700 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u mill-inqas 40 organizzazzjoni tan-nisa, diversi partiti politiċi, assoċjazzjonijiet tal-midja u universitajiet li sfaw attakkati mir-reġim tan-Nikaragwa;

I. billi din is-sena r-reġim tan-Nikaragwa awtorizza l-preżenza militari Russa fil-pajjiż, li hija evidenza ċara tar-relazzjoni b'saħħitha u l-appoġġ komuni eżistenti bejn ir-reġim ta' Ortega-Murillo u r-reġim ta' Putin;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli r-repressjoni u l-arrest ta' membri tal-Knisja Kattolika Rumana fin-Nikaragwa, b'mod partikolari l-arrest tal-Isqof Rolando Álvarez; iħeġġeġ lir-reġim tan-Nikaragwa jtemm immedjatament ir-repressjoni u jerġa' jistabbilixxi r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, fosthom il-libertà tal-espressjoni, tar-reliġjon u tat-twemmin; jitlob il-ħelsien immedjat u inkondizzjonat ta' dawk kollha arrestati arbitrarjament, inklużi l-Isqof Álvarez u dawk miżmuma miegħu, u li l-proċedimenti legali kollha kontrihom, inklużi s-sentenzi li ngħataw, jiġu annullati;

2. Jiddeplora u jikkundanna bil-qawwa d-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa u l-eskalazzjoni fir-repressjoni kontra l-Knisja Kattolika, esponenti tal-oppożizzjoni, is-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, ir-raħħala, l-istudenti u l-popolazzjoni indiġena, fost l-oħrajn, kif ukoll l-arrest arbitrarju tagħhom sempliċement talli jkunu eżerċitaw il-libertajiet fundamentali tagħhom, it-trattament inuman u degradanti fil-konfront tagħhom u d-deterjorament tal-kundizzjoni ta' saħħithom;

3. Jikkundanna d-detenzjoni abbużiva, in-nuqqas ta' garanziji proċesswali u l-mod illegali li bih qed jiġu kkundannati l-priġunieri politiċi fin-Nikaragwa; jenfasizza li s-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti mill-fergħa eżekuttiva; jesprimi tħassib dwar il-manipulazzjoni tal-liġi kriminali u l-użu tas-sistema ġudizzjarja bħala strument għall-kriminalizzazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet ċivili u politiċi;

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

4. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni ta’ aktar minn 206 priġunier politiku miżmuma fin-Nikaragwa minn April 2018, skont il-Mekkaniżmu Speċjali ta’ Monitoraġġ għan-Nikaragwa (MESENI), u jitlob il-ħelsien immedjat tagħhom, l-annullament tal-proċedimenti legali fil-konfront tagħhom, u li r-rifuġjati u l-eżiljati kollha jitħallew jirritornaw bla periklu lejn djarhom; iħeġġeġ lir-reġim tan-Nikaragwa jtemm l-użu ta’ trattament krudili u inuman u jirrispetta l-integrità fiżika, id-dinjità, il-libertà u d-dritt ta’ aċċess għall-kura medika ta’ dawk li jinsabu l-ħabs, kif ukoll tal-familji tagħhom; iżomm lir-reġim responsabbli biex jiżgura li l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni jkunu konformi mal-obbligi u l-istandards legali internazzjonali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem bħar-Regoli Standard Minimi tan-NU dwar it-Trattament tal-Priġunieri;

5. Jiddeplora l-fatt li fis-7 ta’ Settembru 2022 ingħalqu 100 NGO oħra, u b’hekk it-total ta’ NGOs li ngħalqu fin-Nikaragwa din is-sena tela’ għal 1 850; jistieden lir-reġim tan-Nikaragwa jieqaf jagħlaq l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili arbitrarjament u jirristabbilixxi l-leġittimità tal-organizzazzjonijiet, il-partiti politiċi, l-organizzazzjonijiet reliġjużi, l-assoċjazzjonijiet u l-mezzi tal-media, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem kollha li ngħalqu arbitrarjament, kif ukoll jirritorna l-proprjetà, l-assi, id-dokumenti u t-tagħmir li ġew sekwestrati indebitament u jirristabbilixxi l-istatus ġuridiku leġittimu tagħhom;

6. Jikkundanna l-annullament tal-partiti politiċi tal-oppożizzjoni u n-nuqqas ta’ libertà li jorganizzaw u jipparteċipaw fl-elezzjonijiet muniċipali tas-6 ta’ Novembru 2022; iħeġġeġ ir-ristabbiliment tal-amministrazzjonijiet leġittimi fil-ġuriżdizzjonijiet ta’ El Cuá, San Sebastián de Yalí, Santa María de Pantasma, Murra u El Almendro;

7. Iħeġġeġ bil-qawwa lin-Nikaragwa tirrevoka kull leġiżlazzjoni li tirrestrinġi bla bżonn l-ispazju ċiviku u demokratiku adottata mill-2018 ’l hawn; itenni l-appell tiegħu lill-UE biex tkompli tappoġġja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-qraba tal-priġunieri politiċi li qegħdin fin-Nikaragwa kif ukoll dawk li qegħdin f’eżilju, inklużi l-qassisin Uriel Vallejos, Vicente Martínez, Sebastián López, Mangel Hernández u Dani García fost l-oħrajn;

8. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-membri tal-Knisja Kattolika Rumana fin-Nikaragwa;

9. Jistieden lir-reġim tan-Nikaragwa jippermetti b’urġenza r-ritorn ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali fil-pajjiż, fosthom il-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, bil-għan li jsir monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

10. Jistieden lir-reġim tan-Nikaragwa jimplimenta r-Riżoluzzjoni Nru 49/3 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li tistabbilixxi, għal perjodu ta’ sena, it-twaqqif ta’ grupp ta’ esperti tad-drittijiet tal-bniedem bl-inkarigu li jissorveljaw investigazzjonijiet kredibbli, imparzjali u eżawrjenti, jippreservaw l-evidenza u jiżguraw l-obbligu ta’ rendikont għall-ksur serju li seħħ mill-2018 ’l hawn; jistieden lill-istituzzjonijiet tan-Nikaragwa jiżguraw li ma tippersistix l-impunità fir-rigward tal-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew, filwaqt li jipprovdu lill-vittmi aċċess għall-ġustizzja u riparazzjoni sħiħa;

11. Jistieden lin-Nikaragwa tibda djalogu nazzjonali inklużiv biex tiġi żgurata soluzzjoni paċifika u demokratika għal din il-kriżi politika, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Jistieden lill-UE tkompli tagħti prijorità, permezz tal-azzjoni esterna u d-djalogu tagħha, lill-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u l-libertà tal-midja, u tikkollabora mal-komunità internazzjonali biex tiddefendi d-djalogu, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa; jitlob lid-Delegazzjoni tal-UE għan-Nikaragwa ssegwi b’attenzjoni l-iżviluppi li qegħdin iseħħu fil-pajjiż, fosthom billi tissorvelja l-proċessi u żżur lill-mexxejja tal-oppożizzjoni u lill-kritiċi tal-gvern li qegħdin il-ħabs jew arrestati d-dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li bl-assistenza tagħha għal kooperazzjoni ssaħħaħ l-appoġġ għas-soċjetà ċivili – partikolarment id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem – u li bl-ebda mod ma tikkontribwixxi għall-politiki repressivi attwali tal-awtoritajiet tan-Nikaragwa;

13. Ifakkar li fid-dawl tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali, in-Nikaragwa hija obbligata tirrispetta u tikkonsolida l-prinċipji tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, speċifikament fir-rigward tad-dispożizzjonijiet deskritti fit-Titolu I; itenni t-talba tiegħu li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi attwali, tiskatta l-klawżola demokratika tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni;

14. Itenni l-appell tiegħu biex l-imħallfin u l-prosekuturi tan-Nikaragwa jiddaħħlu malajr fil-lista ta' individwi sanzjonati mill-UE u biex il-lista ta' individwi u entitajiet sanzjonati tiġi estiża tinkludi lil Daniel Ortega u ċ-ċirku tal-qalba tiegħu;

15. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex, f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tal-Istatut ta' Ruma, jifthu investigazzjoni formali dwar in-Nikaragwa u Daniel Ortega – permezz tal-Qorti Kriminali Internazzjonali – għal delitti kontra l-umanità;

16. Itenni l-appell tiegħu għall-estradizzjoni immedjata ta' Alessio Casimirri lejn l-Italja;

17. Jitlob lill-Konferenza tal-Presidenti tiegħu tawtorizza missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni li tintbagħat tissorvelja s-sitwazzjoni fin-Nikaragwa;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-Parlament tal-Amerka Ċentrali, lill-Grupp ta' Lima, lill-Vatikan, kif ukoll lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tan-Nikaragwa.

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

P9_TA(2022)0325

# Is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE fl-2020 u l-2021

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Settembru 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2020 u l-2021 (2021/2186(INI))

(2023/C 125/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b’mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu, li jiddikjara li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta’ persuni li jagħmlu parti minn minoranzi,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”), b’mod partikolari l-Artikoli 2(1), 20 u 21 tagħha,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta’ Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta’ professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta’ Diċembru 2021 dwar Ewropa aktar inklużiva u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta’ reati fl-UE għad-diskors ta’ mibegħda u r-reati ta’ mibegħda (COM(2021)0777),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta’ Marzu 2020 bit-titolu “Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija ta’ Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025” (COM(2020)0152),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Ġunju 2020 bit-titolu “Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025)” (COM(2020)0258),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta’ Novembru 2020 bit-titolu “Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025” (COM(2020)0698),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta’ Libertà LGBTIQ ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Lulju 2021 dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b’riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Settembru 2021 dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fl-UE ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta’ Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali ([6]),

---

([1]) ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8.
([2]) ĠU C 474, 24.11.2021, p. 140.
([3]) ĠU C 81, 18.2.2022, p. 43.
([4]) ĠU C 99, 1.3.2022, p. 218.
([5]) ĠU C 117, 11.3.2022, p. 2.
([6]) ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-diskriminazzjoni pubblika u d-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi żoni mingħajr LGBTI ([7]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Frontex tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu, kif stabbiliti fir-rapport tal-kumitat tal-14 ta' Lulju 2021 dwar l-investigazzjoni ta' ġbir ta' informazzjoni dwar il-Frontex rigward l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025" ([8]),

— wara li kkunsidra d-dibattitu fil-Kumitat għall-Affarijiet Kurrenti tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa, u r-rapporti sussegwenti tiegħu tas-17 ta' Mejju 2021 bit-titolu "ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fir-rigward tas-sitwazzjoni u tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fil-Polonja" u tas-17 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Il-protezzjoni tal-persuni LGBTIQ fil-kuntest ta' diskors ta' mibegħda u ta' diskriminazzjoni dejjem jiżdiedu kontra persuni LGBTI: ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali",

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari r-rapporti tagħha dwar id-drittijiet fundamentali għas-snin 2020 u 2021,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar l-istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE (COM(2020)0711),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Era Diġitali – Rapport Annwali tal-2021 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali" (COM(2021)0819),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0224/2022),

A. billi skont l-Artikolu 2 tat-TUE, l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; billi l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu difiżi mill-istituzzjonijiet tal-UE u minn kull Stat Membru individwali fil-politiki kollha tagħhom; billi l-Kummissjoni, flimkien mal-Parlament u l-Kunsill, hija responsabbli skont it-Trattati biex tiggarantixxi r-rispett għall-istat tad-dritt bħala valur fundamentali tal-Unjoni u biex tiżgura li d-dritt, il-valuri u l-prinċipji tal-UE jiġu rispettati u osservati;

B. billi l-Artikolu 151 tat-TFUE jirreferi għad-drittijiet soċjali fundamentali bħal dawk stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea; billi l-Unjoni għadha ma aderietx mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, minkejja l-obbligu tagħha li tagħmel dan skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE;

C. billi fl-2020 u l-2021, il-miżuri restrittivi għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 interferew ma' firxa wiesgħa ta' drittijiet fundamentali, bħad-dritt għal-libertà ta' moviment u għal-libertà ta' għaqda, id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, inkluż il-protezzjoni tad-data personali, u d-dritt għall-edukazzjoni, għax-xogħol u għas-sigurtà soċjali; billi l-pandemija aggravat l-isfidi u l-inugwaljanzi eżistenti fl-oqsma kollha tal-ħajja, filwaqt li affettwat b'mod partikolari lill-gruppi vulnerabbli, u pprovokat żieda f'inċidenti ta' natura razzista;

D. billi d-dritt għal trattament ugwali u nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali minqux fl-Artikoli 2 u 3(3) tat-TUE, fl-Artikoli 8, 10, 19 u 157 tat-TFUE u fl-Artikoli 21 u 23 tal-Karta;

E. billi t-terminu "Rom" ikopri l-persuni u t-tfal kollha ta' oriġini Rom, Kalè, Manouches, Lovara, Rissende, Boyash, Domare, Kalderash u Sinti; billi d-definizzjoni l-ġdida ta' Rom hija aħjar biex tinkludi anki lil dawk stigmatizzati bħala żingari mingħajr oriġini etnika korrispondenti, bħall-Eġizzjani, l-Ashkali jew it-Travellers; billi l-komunitajiet Rom jibqgħu fost l-aktar gruppi vulnerabbli u oppressi fl-UE;

([7]) ĠU C 255, 29.6.2021, p. 7.
([8]) ĠU C 61, 4.2.2022, p. 36.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

F. billi l-kriżi tas-saħħa spiss intużat bħala pretest biex jiġu attakkati l-minoranzi, inklużi l-migranti, persuni bi sfond ta' migrazzjoni u r-Rom, li diġà kienu soġġetti għal diskriminazzjoni razzjali u etnika, diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda; billi n-nisa u t-tfal Rom, li spiss ikunu soġġetti għal diskriminazzjoni multipla jew forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, huma fost l-aktar gruppi u individwi mhedda fl-Istati Membri u fil-pajjiżi ta' adeżjoni u f'dawk kandidati, hekk kif jiffaċċjaw ostakli saħansitra agħar mill-irġiel Rom fil-popolazzjoni ġenerali, u spiss jgħixu f'insedjamenti foqra, rurali jew urbani – spiss informali – b'aċċess limitat għall-edukazzjoni, għax-xogħol u għas-servizzi tas-saħħa, mingħajr ebda aċċess għas-sanitazzjoni jew għall-ilma nadif, u stennija ta' għomor iqsar – sitwazzjoni li kompliet tiġi aggravata bil-pandemija tal-COVID-19;

G. billi fl-20 ta' Mejju 2022 il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta rakkomandazzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda, li tipprovdi gwida mhux vinkolanti dwar kif għandu jiġi indirizzat dan il-fenomenu; billi l-Kumitat ta' Esperti dwar il-Ġlieda kontra r-Reati ta' Mibegħda, stabbilit reċentement, ġie inkarigat bil-kompitu li, sa tmiem l-2023, iħejji għall-Kumitat tal-Ministri abbozz ta' rakkomandazzjoni dwar ir-reati ta' mibegħda;

H. billi l-fatt li b'mod deliberat id-drittijiet ta' ċerti gruppi minoritarji jiġu mmirati f'uħud mill-Istati Membri ħoloq u stabbilixxa momentum bnadi oħra, kif attestat mir-rigress tad-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ; billi dawn huma strateġiji deliberati bl-għan li jdgħajfu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-UE minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa adotta riżoluzzjoni li fiha fakkar ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet lokali fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ u stedinhom jaħtru "Espert Lokali dwar l-Ugwaljanza u d-Diversità"; billi l-Kumitat tar-Reġjuni fformula bosta suġġerimenti għar-rwol attiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni LGBTIQ u fil-protezzjoni minnha;

I. billi matul il-lockdowns tal-COVID-19, il-persuni LGBTIQ, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, kienu esposti għal rati ogħla mill-medja ta' vjolenza domestika u vjolenza abbażi tal-ġeneru minħabba diskriminazzjoni dovuta għall-fatt li huma LGBTIQ; billi l-persuni LGBTIQ huma aktar vulnerabbli għall-problema ta' persuni mingħajr dar, sitwazzjoni aggravata bil-lockdowns tal-COVID-19;

J. billi l-libertà tal-media hija wieħed mill-pilastri u waħda mill-garanziji ta' demokrazija li tiffunzjona u tal-istat tad-dritt; billi l-libertà, il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti huma komponenti kruċjali tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, u huma essenzjali għall-funzjonament demokratiku tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; billi l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jadottaw qafas legali u regolatorju li jrawwem l-iżvilupp ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika; billi l-fastidju online, it-theddid u l-kawżi kontra l-ġurnalisti, speċjalment il-ġurnalisti investigattivi, minn politiċi u personalitajiet pubbliċi prominenti, inklużi membri tal-gvern, qed ikomplu jiżdiedu f'uħud mill-Istati Membri; billi każijiet ta' interferenza politika fil-media ġew irrapportati fl-Istati Membri kollha; billi l-ġurnalisti jkomplu jiffaċċjaw l-ostakli biex jiksbu aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti pubbliċi;

K. billi l-kriminalizzazzjoni tal-ġurnalisti minħabba xogħolhom hija kwistjoni partikolarment gravi; billi l-ġurnalisti ma għandhomx jispiċċaw il-ħabs jew jiġu mhedda b'sentenza ta' ħabs minħabba malafama; billi l-Istati Membri ma għandhomx jimponu sanzjonijiet kriminali għal reati tal-media ħlief f'każijiet fejn drittijiet fundamentali oħra jkunu ġew imxekkla serjament, u għandhom jiżguraw li dawn is-sanzjonijiet ma jiġux applikati b'mod diskriminatorju jew arbitrarju fil-konfront tal-ġurnalisti;

L. billi r-rivelazzjonijiet li diversi pajjiżi, inklużi Stati Membri tal-UE, għamlu użu mill-ispyware ta' sorveljanza Pegasus fil-konfront ta' ġurnalisti, politiċi, u atturi oħra huma estremament allarmanti u apparentement jikkonfermaw il-perikli tal-użu ħażin tat-teknoloġija ta' sorveljanza biex tikkomprometti d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

M. billi l-iżvelar ta' informazzjoni protetta huwa aspett fundamentali tal-libertà ta' espressjoni u jiżvolġi rwol ċentrali fid-detezzjoni u fir-rapportar ta' atti illeċiti, u fit-tisħiħ tal-akkontabbiltà demokratika u tat-trasparenza; billi l-iżvelar ta' informazzjoni protetta jirrappreżenta sors ewlieni ta' informazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u fl-investigazzjoni, fl-identifikazzjoni u fil-pubbliċizzazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku u f'dak privat; billi l-protezzjoni adegwata tal-informaturi fil-livell tal-UE, nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll ir-rikonoxximent tar-rwol importanti li l-informaturi jiżvolġu fis-soċjetà, huma prerekwiżiti biex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-rwol;

N. billi wħud mill-Istati Membri oħra għadhom ma implimentawx ir-rekwiżiti kollha tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva ([9]), u b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-indipendenza tar-regolaturi tas-suq tal-media nazzjonali;

O. billi fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Parlament adotta riżoluzzjoni komprensiva dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, li tistabbilixxi l-viżjoni tiegħu dwar il-kwistjoni fl-Istati Membri; billi din ir-riżoluzzjoni tirrikonoxxi n-nuqqasijiet, tilqa' l-progress u tagħmel sensiela ta' proposti biex tiżgura aċċess għal prodotti mestrwali għal kulħadd, edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, kontraċezzjoni moderna bħala strateġija għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kura riproduttiva sikura u legali, aċċess għal trattamenti tal-fertilità, kif ukoll kura relatata mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid għal kulħadd;

P. billi skont stħarriġ tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-vittmi ta' vjolenza mis-sieħeb jirrapportaw l-aktar inċidenti serji lill-pulizija f'14 % biss tal-każijiet, u żewġ terzi tal-vittmi nisa sistematikament ma jirrapportawx il-vjolenza lill-awtoritajiet, minħabba biża' jew nuqqas ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi, jew minħabba twemmin ġenerali li l-vjolenza minn sieħeb intimu hija kwistjoni privata li ma għandhiex tiġi ppubliċizzata;

Q. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija ksur gravi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tikkostitwixxi ostaklu kbir għall-ilħiq tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-soċjetà; billi n-nisa u l-bniet jibqgħu affettwati b'mod sproporzjonat mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza sesswali, il-fastidju u l-mutilazzjoni ġenitali femminili fost forom oħra, kif ukoll il-vjolenza domestika u l-vjolenza minn sieħeb intimu; billi dawn l-atti ta' vjolenza jistgħu jitwettqu kemm fil-pubbliku kif ukoll fil-privat;

R. billi l-fenomenu tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru qed jiżdied, fejn fl-UE, waħda minn kull ħames nisa ta' età bejn it-18-il sena u d-29 sena rrapportaw li sofrew fastidju sesswali online; billi l-isfera pubblika diġitali trid tipprovdi ambjent sikur għal kulħadd, inklużi n-nisa u l-bniet; billi ma għandu jkun hemm l-ebda impunità fl-ambjent online; billi f'żewġ rapporti leġiżlattivi fuq inizjattiva proprja, il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tressaq proposti dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza ċibernetika u dwar iż-żieda fil-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

S. billi f'ħafna Stati Membri, il-miżuri ta' lockdown u ta' tbegħid soċjali attwati matul il-pandemija tal-COVID-19 spiċċaw assoċjati ma' żieda esponenzjali fil-prevalenza u fl-intensità ta' każijiet ta' vjolenza minn sieħeb intimu, vjolenza psikoloġika u kontroll koerċittiv u vjolenza ċibernetika, kif ukoll ma' żieda ta' 60 % fl-għadd ta' telefonati ta' emerġenza rrapportati mill-vittmi ta' vjolenza domestika; billi r-rekwiżit li jibqgħu d-dar u ż-żieda allarmanti fil-pandemija "fantażma" tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru għamluha diffiċli għan-nisa u għat-tfal biex jiksbu aċċess għal protezzjoni effettiva, servizzi ta' appoġġ u ġustizzja u wrew kemm ir-riżorsi u l-istrutturi ta' appoġġ ma kinux biżżejjed u li l-vittmi kellhom aċċess limitat għas-servizzi ta' appoġġ, fejn ħafna sfaw mingħajr protezzjoni adegwata u f'waqtha; billi l-Istati Membri għandhom jikkondividu l-aħjar prattiki f'miżuri speċifiċi biex jipprovdu lill-vittmi b'assistenza f'waqtha u aċċessibbli, inkluż l-istabbiliment ta' sistemi biex jintbagħtu messaġġi ta' emerġenza jew jinħolqu punti ta' kuntatt biex tintalab l-għajnuna fl-ispiżeriji u fis-supermarkets; billi għal diversi raġunijiet, minkejja l-prevalenza tal-fenomenu, il-vjolenza kontra n-nisa minn sieħeb intimu baqgħet mhux irrappurtata biżżejjed fl-UE mill-vittmi u mill-familji, mill-ħbieb, mill-konoxxenzi u mill-ġirien tagħhom, speċjalment matul il-pandemija tal-COVID-19; billi hemm nuqqas sinifikanti ta' data komprensiva, komparabbli u diżaggregata skont il-ġeneru, liema nuqqas irendi diffiċli valutazzjoni sħiħa tal-impatt tal-kriżi;

T. billi fl-Istati Membri l-ksur tad-drittijiet tat-tfal ikompli b'riżultat ta' vjolenza, abbuż, sfruttament, faqar, esklużjoni soċjali u diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon, tad-diżabilità, tal-ġeneru, tal-identità sesswali, tal-età, tal-etniċità, ta' migrazzjoni jew status ta' residenza; billi fl-UE kważi 25 % tat-tfal taħt it-18-il sena huma f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; billi l-faqar iċaħħad lit-tfal minn opportunitajiet edukattivi, indukrar, kura tas-saħħa, ikel u akkomodazzjoni adegwati, appoġġ mill-familja u saħansitra protezzjoni mill-vjolenza, u jista' jkollu effetti li jdumu ħafna; billi l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali indikat li l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal hija wkoll kwistjoni ta' drittijiet fundamentali u ta' obbligi legali; billi l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal hija objettiv espliċitu tal-politiki tal-UE u tal-Karta, li tirrikjedi li l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha tal-UE;

---

([9]) Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

U. billi l-pandemija tal-COVID-19 poġġiet pressjoni bla preċedent fuq it-tfal u l-familji fl-UE kollha, speċjalment dawk li diġà kienu ekonomikament jew soċjalment żvantaġġati; billi tfal minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati spiss ma jkollhomx tagħmir tal-IT adegwat, aċċess għall-internet u spazju u kundizzjonijiet xierqa biex jaħdmu, fatt li kompla jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti fl-apprendiment matul il-pandemija; billi l-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri li ttieħdu b'rispons għaliha żiedu r-riskju li t-tfal jkunu esposti għall-vjolenza, inkluż l-isfruttament u l-abbuż sesswali tat-tfal iffaċilitati mit-teknoloġija; billi għalkemm ġew ippreżentati inqas applikazzjonijiet għall-ażil tat-tfal, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tat-tfal baqgħu inadegwati f'diversi Stati Membri;

V. billi skont l-Artikolu 47 tal-Karta, id-dritt fundamentali għal rimedju effettiv jirrikjedi aċċess għal tribunal indipendenti; billi l-influwenza politika jew il-kontroll tal-ġudikatura u ostakli simili għall-indipendenza tal-imħallfin individwali ripetutament irriżultaw f'sitwazzjoni fejn il-ġudikatura ma setgħetx taqdi r-rwol tagħha li tivverifika b'mod indipendenti l-użu arbitrarju tal-poter mill-fergħa eżekuttiva u l-fergħa leġiżlattiva tal-gvern; billi sistema ġudizzjarja effettiva, indipendenti u imparzjali hija essenzjali għall-iżgurar tal-istat tad-dritt u għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili taċ-ċittadini fl-UE;

W. billi l-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-deher in-nuqqas li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' persuni miżmuma taħt arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża; billi filwaqt li l-prattiki relatati mal-użu tal-arrest preventiv matul il-pandemija tal-COVID-19 kienu jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, f'għadd ta' Stati Membri d-dewmien fis-seduti tal-qorti u fl-investigazzjonijiet irriżulta f'perjodi itwal ta' arrest preventiv; billi l-persuni mċaħħda mil-libertà tagħhom kienu aktar vulnerabbli għat-tifqigħa tal-COVID-19 mill-popolazzjoni ġenerali minħabba l-kundizzjonijiet ta' konfinament li għexu fihom għal perjodi twal ta' żmien; billi l-għeluq tal-qrati u/jew id-dewmien fis-seduti u fl-investigazzjonijiet ikkawżaw konfużjoni u inċertezza għas-suspettati, speċjalment għal dawk miżmuma taħt arrest, li ftit li xejn kellhom idea meta kien se jsir il-proċess tagħhom, u kemm kienu se jdumu aktar taħt arrest;

X. billi d-dritt internazzjonali jikkonferma li wieħed ma jistax jinżamm taħt arrest għar-raġuni unika li jkun qed ifittex ażil; billi d-detenzjoni trid għaldaqstant tintuża biss fl-aħħar istanza u għal skop ġustifikat; billi għal persuni apolidi *de jure* kif ukoll *de facto*, in-nuqqas ta' status legali jew ta' dokumentazzjoni tagħhom ifisser li jirriskjaw li jinżammu f'detenzjoni b'mod indefinit, u dan huwa illegali skont id-dritt internazzjonali;

Y. billi l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025) trid tipprovdi qafas għal azzjoni biex tiġi evitata l-impunità legali u soċjali, filwaqt li tiżdied is-sigurtà u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kollha tal-UE;

Z. billi s-salvagwardja tal-bijodiversità u tal-ekosistemi hija fundamentali għall-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, fejn il-perjodu 2021-2030 ġie ddeżinjat bħala d-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistema; billi l-Kummissjoni ħabbret li l-adozzjoni ta' inizjattivi leġiżlattivi kruċjali dwar il-protezzjoni ambjentali, inkluża liġi ewlenija dwar ir-restawr tan-natura, kellha tiġi posposta b'diversi xhur; billi l-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipproteġi, jippreserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-UE u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha mir-riskji u l-impatti relatati mal-ambjent; billi għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi proposti se jkollhom impatt pożittiv fuq il-livell ta' protezzjoni ambjentali, kif minqux fl-Artikolu 37 tal-Karta;

***L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali***

1. Jissottolinja l-fatt li l-istat tad-dritt huwa pedament tad-demokrazija, iżomm is-separazzjoni tal-poteri, jiżgura l-akkontabbiltà, jikkontribwixxi għall-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u jiggarantixxi l-prinċipji tal-legalità, taċ-ċertezza tad-dritt, tal-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi, tal-indipendenza ġudizzjarja, tal-imparzjalità u tal-ugwaljanza quddiem il-liġi; jishaq li l-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja b'mod partikolari huma kritiċi biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom;

2. Itenni li l-istat tad-dritt, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media u l-ġlieda b'mod effettiv kontra l-korruzzjoni huma l-pedament tas-soċjetajiet tagħna u huma valuri fundamentali tal-UE li jaffettwaw id-drittijiet fundamentali kollha; jinnota b'dispjaċir, madankollu, li f'uħud mill-Istati Membri l-ksur ta' dawn il-prinċipji huwa persistenti u joħloq theddida serja għad-distribuzzjoni ġusta, legali u imparzjali tal-fondi tal-UE;

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

3. Iqis li l-istat tad-dritt huwa marbut mill-qrib mar-rispett tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali u jenfasizza li d-deterjorament ta’ wieħed minn dawn il-valuri, ikun liema jkun, jikkostitwixxi attakk fuq il-pilastri tal-Unjoni kif stipulat fit-TUE; itenni l-bosta appelli magħmula minnu biex il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt jitwessa’ b’tali mod li jinkludi l-valuri kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE sabiex jipprovdu stampa ġenerali olistika tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluża l-proċedura prevista fl-ambitu tal-Mekkaniżmu ta’ Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, biex tindirizza dan il-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali;

4. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur gravi tal-prinċipji tal-istat tad-dritt f’uħud mill-Istati Membri, li qiegħed jikkawża periklu serju fir-rigward tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali; iqis li f’uħud mill-każijiet dan il-ksur huwa ta’ natura sistemika; jenfasizza r-rabta bejn id-deterjorament tal-istandards tal-istat tad-dritt u l-ksur tad-drittijiet fundamentali, bħal dak imwettaq fil-qasam tal-ġudikatura, l-attakki kontra l-ġurnalisti u l-media ħielsa, inkluż l-użu ta’ forza eċċessiva min-naħa tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi matul il-protesti u fil-fruntieri tal-UE, in-nuqqas ta’ garanziji u ta’ proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament għall-mibegħda min-naħa ta’ atturi politiċi, żieda fil-poter tal-awtoritajiet li jwettqu sorveljanza tal-massa u l-ġbir mifrux ta’ data interċettata, u restrizzjonijiet imposti fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirċievu finanzjament barrani jew abbażi tal-affiljazzjoni reliġjuża tagħhom; jikkundanna ulterjorment l-isforzi ta’ wħud mill-gvernijiet tal-Istati Membri biex idgħajfu s-separazzjoni tal-poteri u l-indipendenza tal-ġudikatura; jesprimi t-tħassib qawwi tiegħu, b’mod partikolari, dwar deċiżjonijiet li jixħtu dubju fuq il-preminenza tad-dritt Ewropew u jistieden lill-Kummissjoni tuża l-mezzi kollha disponibbli biex tieħu azzjoni kontra dawn l-attakki;

5. Jenfasizza li skont l-Artikolu 2 tat-TUE, l-UE hija unjoni bbażata fuq l-istat tad-dritt, u li l-infurzar tad-dritt tal-UE huwa kruċjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw kif xieraq id-drittijiet fundamentali tagħhom; jiddispjaċih li, f’dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat is-sett ta’ għodod tal-infurzar tagħha inqas, b’mod partikolari billi tat bidu għal għadd dejjem jonqos ta’ proċeduri ta’ ksur; jinnota, għalhekk, li ċ-ċittadini tal-UE qed ikollhom dejjem aktar jirrikorru għal-litigazzjoni biex jiksbu t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa din il-litigazzjoni billi tistabbilixxi fond apposta ta’ għajnuna finanzjarja għal-litigazzjoni strateġika għad-drittijiet tal-Karta;

6. Jisħaq li minkejja bosta riżoluzzjonijiet u rapporti tiegħu, u minkejja diversi proċedimenti ta’ ksur u deċiżjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fl-2020 u fl-2021, is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea qed tkompli tiddeterjora; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta’ kapaċità tal-Kummissjoni li tirrispondi b’mod xieraq għat-tħassib varju tal-Parlament rigward id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali f’diversi Stati Membri; jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ monitoraġġ u infurzar komprensivi tal-konformità mal-valuri kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi monitoraġġ komprensiv f’rapport annwali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali bħala parti mill-mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

7. Jisħaq fuq il-fatt li huwa essenzjali li s-sentenzi tal-qrati jiġu infurzati, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, u jikkundanna n-nuqqas ta’ konformità mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-qrati nazzjonali mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati; jenfasizza li s-sentenzi tal-QĠUE jridu jiġu implimentati fil-ħin u mill-aktar fis possibbli f’konformità mat-Trattati, b’mod partikolari dawk is-sentenzi li jfittxu li jipprevjenu d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, tar-razza, tal-kulur, tal-oriġini etnika jew soċjali, tal-karatteristiċi ġenetiċi, tal-lingwa, tar-reliġjon jew tat-twemmin, tal-opinjoni politika jew ta’ kwalunkwe opinjoni oħra, tal-appartenenza għal minoranza nazzjonali, tal-proprjetà, tat-twelid, tad-diżabilità, tal-età jew tal-orjentazzjoni sesswali;

8. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha; jenfasizza r-rabta bejn il-korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet fundamentali f’għadd ta’ oqsma bħall-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni tal-ġurnalisti u tal-informaturi, il-faċilitajiet ta’ detenzjoni, l-aċċess għad-drittijiet soċjali, u t-traffikar tal-bnedmin; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-korruzzjoni b’mod determinat u joħolqu strumenti effettivi biex jipprevjenu, jiġġieldu u jissanzjonaw il-korruzzjoni u jiġġieldu kontra l-frodi, kif ukoll jimmonitorjaw b’mod regolari l-użu tal-fondi pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni tissokta minnufih il-monitoraġġ u r-rapportar annwali tagħha fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b’referenza għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri;

9. Jisħaq li n-nuqqas ta’ azzjoni u approċċ laxk fil-konfront ta’ strutturi oligarkiċi u tal-ksur sistemiku tal-istat tad-dritt idgħajfu l-Unjoni Ewropea kollha u jikkompromettu l-fiduċja taċ-ċittadini tagħha; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li flus il-kontribwenti qatt ma jispiċċaw fil-bwiet ta’ dawk li jikkompromettu l-valuri kondiviżi tal-UE;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

10. Jissottolinja l-fatt li l-miżuri ta' emerġenza li rriżultaw fil-konċentrazzjoni tal-poteri u derogi għad-drittijiet fundamentali żiedu r-riskju ta' korruzzjoni; jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li fil-prattika jiġu applikati b'mod effettiv leġiżlazzjoni u oqfsa istituzzjonali adegwati għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u li l-gvernijiet jaġixxu bi trasparenza u b'akkontabbiltà; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, isegwu mill-qrib il-linji gwida li ħareġ il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa fl-2020 għall-prevenzjoni tar-riskji ta' korruzzjoni fil-kuntest tal-pandemija;

11. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-problemi strutturali f'uħud mill-Istati Membri fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura u tal-awtonomija tas-servizzi ta' prosekuzzjoni jikkompromettu l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja u għandhom impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom; ifakkar li n-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt fi Stat Membru wieħed għandhom impatt fuq l-Unjoni kollha kemm hi u jaffettwaw id-drittijiet tan-nies kollha fl-UE; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jipproteġu lill-imħallfin u lill-prosekuturi minn attakki u minn kwalunkwe tentattiv li ssir pressjoni fuqhom u li għaldaqstant tikkomprometti l-ħidma tagħhom;

12. Jisħaq li skont l-Artikolu 47 tal-Karta, id-dritt fundamentali għal rimedju effettiv jirrikjedi aċċess għal tribunal indipendenti; jinnota l-isfidi dejjem jiżdiedu maħluqa mill-qrati kostituzzjonali nazzjonali u minn uħud mill-politiċi; jinsisti li l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkonformaw bis-sħiħ mad-dritt tal-UE u mad-dritt internazzjonali kif ukoll mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB, inklużi dawk relatati mal-indipendenza ġudizzjarja; jikkundanna n-nuqqas ta' konformità ta' għadd ta' Stati Membri, inklużi l-Polonja u l-Ungerija, ma' bosta liġijiet tal-UE u sentenzi tal-qorti Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw ir-rwol kruċjali tal-QĠUE u tal-QEDB u jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tagħhom;

13. Itenni l-kundanna tiegħu tal-prattika ta' prosekuzzjoni u fastidju tal-imħallfin li jikkritikaw lill-Gvern Pollakk; jistieden lill-Gvern Pollakk jirriforma bir-reqqa s-sistema dixxiplinari għall-imħallfin f'konformità mas-sentenzi tal-QĠUE, u jerġa' jdaħħal l-imħallfin kollha li tneħħew mill-pożizzjonijiet tagħhom mill-Awla Dixxiplinari illegali tal-Qorti Suprema, inklużi dawk l-imħallfin li għadhom ma tħallewx jiġġudikaw minkejja li appellaw b'suċċess is-sospensjoni tagħhom mill-Awla f'qorti tal-ġustizzja; jistieden lill-awtoritajiet Pollakki jikkonformaw mad-diversi sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB rigward il-kompożizzjoni u l-organizzazzjoni tat-"Tribunal Kostituzzjonali" illeġittimu u tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema sabiex jikkonformaw mal-istandards ta' indipendenza ġudizzjarja li l-Polonja impenjat ruħha li tirrispetta;

14. Jilqa' l-proċeduri ta' ksur imnedija mill-Kummissjoni kontra l-Ungerija u l-Polonja bħala parti mill-pakkett ta' ksur ta' Lulju 2021 fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ u tal-ksur tad-dritt tal-UE, fejn din kienet l-ewwel darba li l-Kummissjoni tat bidu għal proċeduri ta' ksur speċifikament biex tissalvagwardja d-drittijiet tagħhom; jieħu nota tal-opinjoni motivata tal-Kummissjoni indirizzata lill-gvern Ungeriż dwar il-liġi "kontra l-persuni LGBTIQ" kif ukoll tar-risposta tal-gvern, u jistieden lill-Kummissjoni tipproċedi bil-proċedura ta' ksur billi tressaq il-każ quddiem il-QĠUE; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Qorti Għolja ta' Budapest li tannulla l-obbligu li tiġi stampata dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà fil-kotba tat-tfal fl-Ungerija, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-iżvilupp tal-każ bl-għan li tivvaluta l-passi neċessarji li jmiss fil-proċedura ta' ksur; jinsab imħasseb bin-nuqqas ta' segwitu b'rabta ma' proċeduri ta' ksur rigward iż-żoni Pollakki "liberi minn LGBT" u bin-nuqqas ta' kooperazzjoni sinċiera min-naħa tal-awtoritajiet Pollakki, u jistieden lill-Kummissjoni tibgħat opinjoni motivata lill-Gvern Pollakk;

15. Jinnota li f'Ottubru 2021, skont l-Artikolu 265 tat-TFUE, il-Parlament nieda azzjoni legali kontra l-Kummissjoni quddiem il-QĠUE minħabba li naqset milli taġixxi u tapplika r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt [10], kif kien talab f'żewġ riżoluzzjonijiet fl-2021, liema azzjoni ttieħdet wara li l-Kummissjoni offriet tweġibiet li ma kinux sodisfaċenti u pruvat tikseb iktar ħin; jiddispjaċih dwar il-fatt li sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni kienet għadha ma weġbitx għall-istedina tal-Parlament biex jiġi attivat l-Artikolu 6(1) tar-regolament u lill-Ungerija u lill-Polonja kienet bagħtitilhom biss talbiet għall-informazzjoni;

16. Itenni l-pożizzjoni tiegħu rigward ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 u li huwa direttament applikabbli fl-intier tiegħu fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri kollha tagħha għall-fondi kollha tal-baġit tal-UE, inklużi r-riżorsi allokati minn dak iż-żmien 'l hawn permezz ta' EUR 800 biljun tan-NextGenerationEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza temporanja; ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità

[10] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

tal-Istat tad-Dritt jipprovdi definizzjoni ċara tal-istat tad-dritt, li trid tinftiehem b'rabta mal-valuri l-oħra tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni; huwa tal-fehma li d-diskriminazzjoni promossa mill-istati kontra l-minoranzi għandha impatt dirett fuq il-proġetti li fuqhom l-Istati Membri jiddeċiedu li jonfqu l-flus tal-UE, u għalhekk taffettwa direttament il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tattiva minnufih il-proċedura prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;

17. Ifakkar li għadha ma ngħatat l-ebda tweġiba xierqa lill-inizjattiva tal-Parlament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li għandu jiġi rregolat bi ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jidħlu immedjatament f'negozjati mal-Parlament dwar ftehim interistituzzjonali skont l-Artikolu 295 tat-TFUE;

18. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni u fil-protezzjoni tal-valuri tal-UE minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta; jisħaq fuq il-kontribut ewlieni tagħhom biex jiddefendu l-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, jagħtu vuċi lill-persuni vulnerabbli u emarġinati, u jiżguraw l-aċċess għal servizzi soċjali kruċjali; jirrikonoxxi li spazju ċiviku f'saħħtu huwa prerekwiżit għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet fundamentali; jisħaq li l-Unjoni għandha għalhekk timpenja ruħha favur il-preservazzjoni u t-trawwim ta' spazju ċiviku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' strateġija ddedikata għal dak il-għan;

19. Jilqa' l-istabbiliment rapidu ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew effiċjenti, indipendenti u totalment operazzjonali sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fl-Unjoni Ewropea; jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġata u msaħħa l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;

20. Ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19, speċjalment fil-fażijiet bikrija tagħha, tat lok għal ksur gravi tal-libertà ta' moviment u tal-libertà ta' xogħol u d-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien, inkluż għall-ħaddiema staġjonali u transfruntiera madwar l-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali li rriżultaw mill-pandemija jitneħħew hekk kif is-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika tippermetti li dan isir, u li d-drittijiet u l-libertajiet kollha jiġu restawrati bis-sħiħ;

21. Jenfasizza r-rigress tal-istat tad-dritt f'ħafna Stati Membri fuq perjodi differenti u minn livelli differenti ta' awtorità, mil-livell eżekuttiv permezz ta' proċeduri bħall-aċċellerazzjoni tal-liġijiet waqt emerġenzi statali, għal-livell lokali bħall-abbużi pervażivi mill-awtoritajiet tal-pulizija; ifakkar li l-użu tas-setgħa diskrezzjonali għandu jkun ikkontrollat minn rieżamijiet ġudizzjarji jew rieżamijiet indipendenti oħra u li r-rimedji disponibbli għandhom ikunu ċari u aċċessibbli faċilment, b'mod partikolari fil-każ ta' abbużi, inkluż l-aċċess għal ombudsperson jew forma oħra ta' ġuriżdizzjoni mhux kontenzjuża; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi biex jipprevjenu, jikkoreġu u jippenalizzaw l-abbuż tas-setgħat diskrezzjonali u jipprovdu raġunijiet adegwati għad-deċiżjonijiet tagħhom, b'mod partikolari meta jaffettwaw id-drittijiet tal-individwi;

22. Jinsab imħasseb bil-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 u r-risponsi sussegwenti kellhom riperkussjonijiet bla preċedent fuq il-funzjonament tal-qrati u fuq il-kapaċità ta' eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża, fejn il-kapaċità tal-avukati li jikkonsultaw lill-klijenti tagħhom ġiet ristretta b'mod sever; jissottolinja l-fatt li l-aċċess għall-għases tal-pulizija u għall-qrati kien limitat b'mod sever, u bosta seduti fil-qrati ġew posposti jew saru online; jisħaq li dawn il-miżuri kellhom implikazzjonijiet serji fuq il-kapaċità tal-persuni arrestati, imħarrka jew f'detenzjoni biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal proċess ġust;

23. Jisħaq li l-pandemija tal-COVID-19 ma teħlisx lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mill-obbligu tagħhom li jibbilanċjaw bir-reqqa l-interessi involuti u milli jużaw is-setgħat tagħhom b'mod li jikkonforma mal-obbligi tagħhom b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li fejn ikun seħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'rabta mal-pulizija u mal-użu tal-forza, l-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa, effettivi u indipendenti, u jiżguraw li dawk kollha responsabbli jinżammu akkontabbli fi proċessi ġusti;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

24. Jesprimi tħassib dwar l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-persuni f'detenzjoni; jisħaq li wħud mill-Istati Membri adottaw miżuri biex inaqqsu l-popolazzjonijiet tal-ħabsijiet, iżda spiss fuq bażi temporanja biss; jissottolinja l-fatt li l-UE qed tħabbat wiċċha ma' kriżi li ilha għaddejja ta' popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet, ikkawżata primarjament mir-rikors eċċessiv għall-arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża [11]; jinsab imħasseb biż-żieda fil-problemi tas-saħħa mentali fost il-persuni taħt arrest preventiv; ifakkar li ż-żamma ta' persuni legalment innoċenti taħt arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża hija aċċettabbli biss bħala miżura eċċezzjonali tal-aħħar istanza u jistieden lill-Istati Membri jillimitaw id-dipendenza fuq l-arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża u jesploraw alternattivi għalih; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards tal-UE marbuta mal-arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża, li għandhom jistabbilixxu s-sentenza minima neċessarja qabel l-impożizzjoni ta' arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża sabiex l-awturi ta' reati minuri jiġu eżentati; huwa tal-fehma li individwi ma għandhomx jinżammu fil-ħabs għal perjodu itwal mil-limitu legali waqt li jkunu qed jistennew proċess u li l-każijiet iridu jitressqu quddiem il-qorti fi żmien raġonevoli; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi standards minimi relatati mal-kundizzjonijiet fil-ħabs u f'detenzjoni fl-UE;

***Id-dritt għal trattament ugwali***

25. Jisħaq bi tħassib li prattiki diskriminatorji jkomplu jseħħu abbażi ta' raġunijiet tas-sess, tar-razza, tal-kulur, tal-oriġini etnika jew soċjali, tal-karatteristiċi ġenetiċi, tal-lingwa, tar-reliġjon jew tat-twemmin, tal-opinjoni politika jew ta' kwalunkwe opinjoni oħra, tas-sħubija f'minoranza nazzjonali, tal-proprjetà, tat-twelid, tad-diżabilità, tal-età, tal-orjentazzjoni sesswali jew tal-identità tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi politiki pubbliċi mmirati lejn l-eliminazzjoni ta' tali diskriminazzjoni, u tiżgura li d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija [12] tiġi implimentata b'mod xieraq u sħiħ; jemmen li l-Kummissjoni għandha tibda proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li jonqsu milli jagħmlu dan;

26. Jenfasizza li, skont ir-rapporti annwali dwar id-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija tal-UE għad-drittijiet fundamentali, ħafna Stati Membri jsegwu prattiki, politiki u liġijiet istituzzjonali diskriminatorji; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jimplimentaw u jinfurzaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, iniedu proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma jittrasponux jew ma jimplimentawx bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, u jintensifikaw il-miżuri għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni istituzzjonali, b'mod partikolari min-naħa tal-infurzar tal-liġi u tas-sistema ġudizzjarja, li jista' jkollha impatt aktar serju fuq individwi minn gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li tiġi estiża l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni lil hinn mill-impjieg permezz ta' approċċ orizzontali u intersezzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżblukkaw id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali mingħajr aktar dewmien u mingħajr ma jbaxxu l-istandards;

27. Jisħaq li, skont ir-rapport tal-2021 dwar id-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, l-Istati Membri għandhom itejbu b'mod sinifikanti l-effettività tal-miżuri u tal-arranġamenti istituzzjonali tagħhom għall-applikazzjoni korretta u sħiħa tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali [13], b'mod partikolari billi jsaħħu l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza billi jiżguraw li jkollhom il-mandat u r-riżorsi xierqa li jeħtieġu biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti assenjati lilhom fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra r-razziżmu, inkluż billi tipproponi leġiżlazzjoni ambizzjuża; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020-2025 [14] u tistabbilixxi mekkaniżmi effiċjenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jitkejjel il-progress;

29. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ħatret koordinatur tad-drittijiet tal-vittmi, adottat l-ewwel strateġija tagħha dwar id-drittijiet tal-vittmi u stabbiliet pjattaforma għad-drittijiet tal-vittmi; jisħaq, madankollu, li l-isfidi għall-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari għall-vittmi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u għall-indipendenza ġudizzjarja baqgħu jippersistu f'diversi Stati Membri;

---

[11] Proċessi Ġusti, "Europe: Increase in pre-trail detention rates erodes rule of law" (L-Ewropa: Żieda fir-rati ta' żamma taħt arrest qabel il-proċess tgħawwar l-istat tad-dritt), 28 ta' April 2021.

[12] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

[14] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025" (COM(2020)0565),

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

30. Jitlob li jkun hemm mekkaniżmu ta' integrazzjoni għall-kooperazzjoni u għall-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali u tal-UE dwar l-ugwaljanza, li jiżgura li l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, speċjalment dawk intersezzjonali, jitqiesu fir-rieżami u fl-adozzjoni tal-politiki, inkluż permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-ugwaljanza b'mod regolari u indirizzat b'mod trasparenti f'konformità ma' għanijiet u skedi ta' żmien ċari, abbażi tal-evidenza u bl-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni; jitlob li tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ, mal-komunitajiet u mal-persuni li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni filwaqt li jiġu żgurati riżorsi adegwati biex tittieħed azzjoni u jitwettqu miżuri ta' monitoraġġ;

31. Jikkundanna ż-żieda fl-attakki fuq il-persuni LGBTIQ u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu miżuri biex itemmu dawn l-attakki u jiggarantixxu ugwaljanza effettiva għall-persuni LGBTIQ fl-oqsma kollha;

32. Jikkundanna l-approċċ meħud minn xi gvernijiet tal-UE li jadottaw leġiżlazzjoni permezz ta' proċeduri aċċellerati mingħajr konsultazzjonijiet pubbliċi jew saħansitra, f'każijiet eċċezzjonali, bidliet kostituzzjonali bħala mod li jiġu leġittimizzati politiki diskriminatorji li altrimenti ma jkunux jistgħu jiġu lleġiżlati, bħal dispożizzjonijiet immirati speċifikament lejn persuni LGBTIQ; jinnota li l-bidliet approvati għall-kostituzzjoni Ungeriża u l-abbozz ta' liġi "kontra l-persuni LGBTIQ" adottat f'Ġunju 2021 mill-Parlament Ungeriż huma eżempji notevoli ta' vjolazzjoni tad-dritt għal trattament ugwali u għall-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni; jilqa' l-fatt li 18-il Stat Membru ppubblikaw dikjarazzjoni konġunta li tikkundanna l-emendi kontra l-LGBT fil-Liġi tal-Ungerija dwar il-Protezzjoni tat-Tfal; jilqa' l-fatt li 16-il Stat Membru tennew l-appoġġ tagħhom għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni LGBTIQ; jisħaq li l-promozzjoni tal-proġett Ewropew bla dubju tinkludi l-promozzjoni tat-tolleranza, tal-aċċettazzjoni, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trattament ugwali;

33. Jinsab imħasseb dwar rapporti ta' forza eċċessiva, brutalità min-naħa tal-pulizija u kondotta ħażina fil-konfront tar-Rom fl-UE kollha, li jikkorrispondu ma' dak li sabet l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali fl-2020, u dan żvela wkoll il-fatt li r-Rom ikollhom iġarrbu faqar mifrux, kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati, saħħa fqira, esklużjoni mis-suq tax-xogħol u fastidju; jikkundanna l-esklużjoni soċjali persistenti u l-anti-Żingariżmu li jwasslu għall-kriminalizzazzjoni sproporzjonata tar-Rom u jistieden lill-Kummissjoni tressaq leġiżlazzjoni aħjar u miżuri ta' politika speċifiċi biex tipprevjeni tali inċidenti u ssir ġustizzja mal-vittmi, filwaqt li tpoġġi l-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu fil-qalba tal-politiki tal-UE;

34. Jiddeplora l-fatt li għadd sinifikanti ta' Rom fl-UE għadhom jgħixu f'insedjamenti emarġinati f'kundizzjonijiet estremament prekarji u f'ċirkostanzi soċjoekonomiċi foqra ħafna, u spiss ma jkollhomx aċċess għal ilma tax-xorb nadif, elettriku, akkomodazzjoni sikura u adegwata, edukazzjoni, impjieg, kura tas-saħħa, faċilitajiet tad-drenaġġ u ġbir tal-iskart; ifakkar li s-sitwazzjoni fl-insedjamenti tar-Rom tikser b'mod ċar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali u għandha ramifikazzjonijiet serji, speċjalment għat-tfal Rom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom ([15]) kif ukoll il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030 ([16]) u jagħmlu użu sħiħ mill-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali għal dan il-għan; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri u tieħu passi ulterjuri skont dan;

35. Jiddeplora l-fatt li l-prattika tas-segregazzjoni fl-iskejjel tat-tfal minn gruppi ta' minoranza tibqa' kwistjoni sinifikanti fl-Ewropa; jenfasizza li prattiki bħal dawn spiss joriġinaw minn dijanjożi ħażina ta' dawn it-tfal b'diżabilitajiet intellettwali abbażi taċ-ċirkostanzi soċjali jew personali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-politiki ta' inklużjoni tagħhom biex jipprevjenu dawn il-prattiki diskriminatorji, kemm jekk intenzjonati kif ukoll jekk mhux intenzjonati, u jistabbilixxu mekkaniżmi superviżorji sabiex, fejn meħtieġ, jirrieżaminaw u jreġġgħu lura deċiżjonijiet dijanjostiċi;

36. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-involviment xieraq tal-korpi tal-protezzjoni soċjali u legali fir-rigward tat-tfal u t-tutela soċjali f'komunitajiet Rom emarġinati sabiex jiġi żgurat li t-tfal jirċievu l-protezzjoni u l-kura li jeħtieġu għall-benesseri u għall-iżvilupp tagħhom, filwaqt li jiġu rispettati l-aħjar interessi tagħhom, u jistabbilixxu proċeduri mfassla apposta għall-ħtiġijiet differenti tal-komunitajiet Rom emarġinati sabiex iwettqu dmirijiethom bl-istess mod bħalma jagħmlu għat-tfal mill-maġġoranza tal-popolazzjoni;

---

([15]) Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom (ĠU C 93, 19.3.2021, p. 1).

([16]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM(2020)0620).

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

37. Jenfasizza li l-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni jistabbilixxi miri ambizzjużi f'seba' oqsma ewlenin: in-nondiskriminazzjoni, l-inklużjoni, il-parteċipazzjoni, l-edukazzjoni, l-impjieg, is-saħħa u l-akkomodazzjoni, u jservi ta' qafas ta' monitoraġġ aktar b'saħħtu b'firxa ta' miri kwantifikabbli u li jistgħu jitkejlu biex jiġi segwit il-progress; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq għall-istrateġija u għall-progress; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurzaw il-projbizzjoni tat-tfassil ta' profili razzjali jew etniċi fl-infurzar tal-liġi, fil-miżuri kontra t-terroriżmu u fil-kontrolli tal-migrazzjoni, kif ukoll il-vjolenza min-naħa tal-pulizija, u jiżguraw l-akkontabbiltà;

38. Jinsab inkwetat li l-politiki tat-terroriżmu u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu setgħu wasslu għal diskriminazzjoni u ostilità kontra ċerti gruppi, inklużi komunitajiet ta' kulur, komunitajiet Musulmani, movimenti, attivisti u organizzazzjonijiet kontra r-razziżmu; jiddispjaċih li f'uħud mill-każijiet dawk il-politiki jinkludu d-deleġittimizzazzjoni, il-kriminalizzazzjoni jew it-tentattiv ta' kriminalizzazzjoni ta' diskorsi politiċi, reliġjużi u diskorsi oħra, li jistgħu jirriżultaw fi prattiki diskriminatorji tal-infurzar tal-liġi, bħat-tfassil ta' profili razzjali u reliġjużi, u effetti soċjali usa' bħall-awtoċensura u t-tnaqqis tal-ispazju għas-soċjetà ċivili;

39. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li torganizza konsultazzjoni pubblika dwar l-aġġornament tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ([17]) bħala parti mill-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025), bil-għan li ssaħħaħ b'mod effettiv l-assistenza u l-protezzjoni pprovduta lill-vittmi, inklużi l-vittmi tat-terroriżmu, u tirrikonoxxi l-importanza li tiġi ppreservata d-dinjità tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet ikkonċernati jipprovdu salvagwardji biex tiġi evitata kwalunkwe vittimizzazzjoni sussegwenti li tkun ġejja minn umiljazzjoni u attakki fuq l-immaġni tal-vittmi li jkunu ġejjin minn setturi soċjali relatati mal-awtur tal-attakki;

40. Itenni t-talbiet tiegħu lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jindirizzaw b'mod effettiv sfidi bħall-isfruttament sesswali tat-tfal, il-pornografija tat-tfal, il-protezzjoni ta' tfal migranti mhux akkumpanjati, is-sitwazzjoni ta' tfal b'diżabilità istituzzjonalizzati, il-protezzjoni tat-tfal li jkunu sofrew abbuż domestiku u l-isfruttament fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll it-tfal neqsin;

41. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament u adottat strateġija ambizzjuża għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità għall-perjodu 2021-2030 ([18]); jafferma mill-ġdid l-importanza fundamentali tal-implimentazzjoni tal-miżuri proposti u tal-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri nazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità ma jkunux żvantaġġati u ma ssirx diskriminazzjoni kontrihom f'termini ta' impjieg, edukazzjoni u inklużjoni soċjali u li d-drittijiet tagħhom kif previsti fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità jiġu ggarantiti bis-sħiħ;

42. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari b'konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll fid-diskors ta' mibegħda u fir-reati ta' mibegħda; jesprimi tħassib ulterjuri dwar il-pressjoni partikolari u bla preċedent li l-pandemija poġġiet fuq individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi n-nisa, individwi minn gruppi razzjalizzati, migranti u persuni b'diżabilità; jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li l-kriżi tal-COVID-19 intużat dejjem iżjed bħala pretest biex jiġu attakkati gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi migranti, persuni bi sfond ta' immigrazzjoni u r-Rom, li diġà huma soġġetti għal diskriminazzjoni razzjali u etnika, diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda;

43. Jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher lakuni serji fil-kapaċità u fil-livell tat-tħejjija tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tal-impjieg u tal-protezzjoni soċjali tal-Istati Membri; jemmen bis-sħiħ li l-Istati Membri jeħtiġilhom itejbu ħafna s-sistemi tal-kura tas-saħħa, tal-protezzjoni soċjali u tal-assistenza soċjali tagħhom biex jiżguraw li jipprovdu appoġġ sħiħ lil kulħadd, b'mod partikolari lill-persuni l-aktar vulnerabbli, anki matul kriżi, u b'hekk jipproteġu b'mod adegwat id-drittijiet tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali ta' kulħadd;

44. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 affettwat b'mod sproporzjonat lill-komunitajiet Rom emarġinati minħabba kundizzjonijiet ħżiena ta' akkomodazzjoni, aċċess limitat għall-ilma, għall-elettriku u għas-sanitazzjoni, u nuqqas ta' aċċess għall-internet u tagħmir xieraq tal-IT, li ħallew liż-żgħażagħ Rom jaqgħu lura saħansitra aktar fl-edukazzjoni skolastika; jinsab partikolarment imħasseb dwar il-fatt li l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq ir-Rom amplifikat l-inugwaljanzi u kebbset il-preġudizzju, inklużi l-każijiet ta' vjolenza min-naħa tal-pulizija; jinnota b'dispjaċir li f'ħafna

([17]) Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

([18]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" (COM(2021)0101).

okkażjonijiet matul il-pandemija r-Rom spiċċaw akkużati meta kienu bla ħtija; jinnota li kienu esposti għal stigmatizzazzjoni, diskriminazzjoni u diskors ta' mibegħda li rabat il-virus mal-etniċità tagħhom; jiddeplora l-fatt li wħud min-networks tal-media u soċjali spiss iddeskrivew lir-Rom bħala periklu għas-saħħa pubblika responsabbli għat-tixrid tal-virus; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-politiki tagħhom biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali li jkollhom iġarrbu l-komunitajiet Rom, b'attenzjoni speċjali għad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal Rom;

45. Jisħaq li l-akkomodazzjoni hija neċessità fundamentali u li l-aċċess għall-akkomodazzjoni, b'mod partikolari l-assistenza għall-akkomodazzjoni, huma dritt fundamentali, peress li ċ-ċittadini li ma jkollhomx akkomodazzjoni ma jistgħux jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà jew jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali kollha tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jaċċettaw, mingħajr dewmien, li għandhom jintrabtu bl-Artikolu 31 tal-Karta Soċjali Ewropea riveduta dwar id-dritt għall-akkomodazzjoni; jesprimi tħassib partikolari dwar il-fatt li ż-żgħażagħ huma mċaħħda minn akkomodazzjoni minħabba ż-żieda enormi fil-prezzijiet tad-djar, speċjalment f'ċerti żoni urbani;

46. Jirrikonoxxi li l-faqar huwa forma oħra ta' diskriminazzjoni li twassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali, speċjalment ta' dawk il-gruppi li d-drittijiet tagħhom huma diġà l-aktar affettwati, bħan-nisa, il-migranti, il-persuni Suwed u ta' kulur u l-minoranzi etniċi, il-komunità LGBTIQ u t-tfal; jenfasizza l-vulnerabbiltà partikolari tat-tfal u l-impatt li l-faqar għandu fuqhom u fuq l-iżvilupp fiżiku u psikoloġiku tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex inaqqsu l-faqar, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lit-tfal; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess għall-kura tas-saħħa, għal edukazzjoni ta' kwalità u għal akkomodazzjoni fuq bażi ugwali għal kulħadd u jtemmu t-tnaqqis tas-servizzi pubbliċi, li wassal għal rati ogħla ta' faqar u, fuq kollox, ta' inugwaljanza; ifakkar li d-drittijiet ekonomiċi u soċjali huma drittijiet fundamentali; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw id-drittijiet fundamentali filwaqt li jagħmlu proposti ta' politika ekonomika;

47. Jisħaq li l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiggarantixxu d-dritt għal impjieg ta' kwalità tajba li jista' jiġi rikonċiljat mal-ħajja u mal-iżvilupp personali u tal-familja, peress li dan huwa l-aħjar mod biex jintemm il-faqar; jirrikonoxxi li dan id-dritt jinkiser b'mod ċar fil-każ tal-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-ispezzjonijiet tax-xogħol u jieħdu miżuri biex itemmu l-abbuż tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni teżamina liema passi huma meħtieġa għall-adeżjoni tal-UE mal-Karta Soċjali Ewropea, u tipproponi qafas ta' żmien għal dak il-għan;

48. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' progress fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji fis-servizzi tal-kura, li għandu konsegwenzi drammatiċi fuq il-persuni akbar fl-età, li jeħtieġu dawn is-servizzi biex jgħixu ħajja dinjituża u jibqgħu integrati fis-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom sabiex jiġġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni kontra l-persuni akbar fl-età u jiggarantixxu l-ħtiġijiet u d-drittijiet tagħhom; jissottolinja l-importanza li jiġu appoġġati inizjattivi marbuta mat-tixjiħ attiv;

49. Jenfasizza li d-disponibbiltà tas-servizzi online madwar l-UE hija waħda mill-prekundizzjonijiet fundamentali għall-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà fl-Ewropa; josserva li xi partijiet tal-UE għadhom mhumiex koperti minn servizzi online ta' kwalità tajba, spiss fiż-żoni rurali, u li dan jista' jservi biex jitwessa' d-distakk fl-inugwaljanza fost l-Ewropej; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw it-trasformazzjoni diġitali tal-UE, li għandha tiffoka fuq il-benesseri tal-ġenerazzjonijiet kollha b'mod ugwali u tindirizza s-sikurezza online;

50. Ifakkar fl-importanza li b'mod sistematiku tinġabar data dwar l-ugwaljanza obbligatorja u diżaggregata u li jiġu żviluppati indikaturi biex jitkejjel u jiġi rrapportat il-progress tal-istrateġiji tal-UE kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data dwar l-ugwaljanza diżaggregata skont l-oriġini razzjali u etnika, kif ukoll karatteristiċi protetti oħra, sabiex jiddokumentaw ir-razziżmu u jiżviluppaw politiki pubbliċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-persuni affettwati b'mod reali u effettiv, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt fundamentali għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali;

***Ir-razziżmu strutturali***

51. Jirrikonoxxi u jikkundanna l-eżistenza tar-razziżmu strutturali fl-UE minħabba sterjotipi pperpetwati minn diskorsi li jiddiskriminaw kontra minoranzi etniċi fl-oqsma kollha ta' ħajjithom; jinsab imħasseb ħafna dwar il-forom individwali, strutturali u istituzzjonali ta' razziżmu u ta' ksenofobija fl-UE u d-diskriminazzjoni li qed tiżdied kontra l-Għarab, l-Ewropej Suwed, il-persuni ta' dixxendenza Asjatika, il-Lhud, il-Musulmani, u r-Rom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtemmu l-prattiki, il-politiki u l-liġijiet istituzzjonali diskriminatorji;

52. Jissottolinja l-fatt li l-moviment Black Lives Matter immobilizza soċjetajiet madwar id-dinja biex jindirizzaw ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protesti kontra r-razziżmu wara l-mewt ta' George Floyd ([19]), li tafferma mill-ġdid li l-ħajja tas-suwed tgħodd (Black Lives Matter); itenni l-appoġġ tiegħu għall-protesti mifruxa kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni li seħħew fil-bliet kapitali u fil-bliet Ewropej madwar id-dinja kollha wara l-mewt ta' George Floyd fl-2020; jappoġġa s-sejħa tad-dimostranti biex tittieħed pożizzjoni kontra l-oppressjoni u r-razziżmu strutturali fl-Ewropa; jilqa' l-ħatra f'Mejju 2021 tal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu, l-organizzazzjoni tas-Summit tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu, il-ħolqien ta' forum permanenti għall-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Marzu 2022 dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu; jilqa', barra minn hekk, ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni Ewropea, għall-ewwel darba, tal-eżistenza tar-razziżmu strutturali fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-Razziżmu 2020-2025 u l-istabbiliment ta' miżuri konkreti biex jiġu indirizzati r-razziżmu u d-diskriminazzjoni etnika fl-UE;

53. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jindirizzaw il-kawżi fundamentali tar-razziżmu strutturali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri biex jindirizzaw inugwaljanzi strutturali persistenti f'oqsma ewlenin bħas-sistema tal-ġustizzja kriminali, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, il-beni u s-servizzi; jissottolinja r-rwol importanti tal-edukazzjoni u tal-media fil-ġlieda kontra n-narrattivi razzisti u d-dekostruzzjoni tal-preġudizzji u tal-isterjotipi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu t-taħriġ kontra r-razziżmu;

54. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu sa tmiem l-2022 u jipprijoritizzaw azzjoni li tindirizza n-nuqqas ta' aċċess għall-ġustizzja u l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi sostnuti f'oqsma bħall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-impjiegi u l-edukazzjoni, li jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala ostakli kbar għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali u ostakli ewlenin għall-inklużjoni u għall-ugwaljanza; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja u tiżgura segwitu xieraq għal dawn il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u għall-pjan ta' azzjoni tal-UE; jitlob ukoll lill-Kummissjoni timmonitorja r-razziżmu u d-diskriminazzjoni u tieħu azzjoni kontrihom fl-Istati Membri, inkluż billi tagħti bidu għal proċeduri ta' ksur biex tippromwovi l-applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni;

55. Jenfasizza s-sentimenti razzisti u ksenofobiċi dejjem jikbru espressi minn uħud mill-individwi li jinfluwenzaw l-opinjoni, mill-politiċi u mill-media, li kkontribwew għall-ħolqien ta' ambjent ostili għad-difensuri u għall-organizzazzjonijiet li jaħdmu kontra r-razziżmu; jistieden lill-Istati Membri sabiex jittrasponu u japplikaw bis-sħiħ id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li motivazzjoni razzista jew ksenofobika titqies bħala ċirkostanza aggravanti, jew, inkella, li l-qrati jkunu jistgħu jqisu tali motivazzjoni fid-determinazzjoni tal-penali;

56. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-eżistenza u t-tixrid kontinwu ta' movimenti tal-lemin estrem fl-UE, speċjalment gruppi neo-Faxxisti u neo-Nazisti; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti biex jipprojbixxu b'mod effettiv dawn il-gruppi; jitlob, intant, li ssir aktar riċerka rigward il-pedamenti, il-bażi għas-sħubija u b'mod partikolari l-finanzjament li jappoġġa tali gruppi bil-għan li tiġi identifikata l-possibbiltà ta' interferenza barranija; jisħaq fuq il-ħtieġa li fil-kurrikuli tal-istorja jingħata aktar spazju għal apprendiment oġġettiv u fattwali dwar ideoloġiji razzjali jew etniċi differenti, bħall-iskjavitù, il-kolonjaliżmu jew il-faxxiżmu, u l-forom u l-oriġini tagħhom, inkluż l-użu ħażin tax-xjenza għall-ġustifikazzjoni tagħhom, kif ukoll il-konsegwenzi tagħhom u l-fdalijiet possibbli tagħhom fiż-żminijiet tal-lum sabiex jiġi miġġieled il-qawmien mill-ġdid ripetut ta' dawn l-ideoloġiji;

57. Ifakkar fil-ħtieġa li tingħata attenzjoni mill-qrib lid-diġitalizzazzjoni u l-preġudizzji soċjali potenzjali li jistgħu jiġu introdotti fit-teknoloġiji ġodda; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji potenzjali tal-IA mhux bħala problema teknoloġika, iżda bħala problema tas-soċjetà, speċjalment għal individwi minn gruppi razzjalizzati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri biex jipprevjenu li t-teknoloġiji l-ġodda, inkluża l-IA, jaggravaw id-diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi eżistenti u l-faqar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi tal-IA jkunu ggwidati mill-prinċipji tat-trasparenza, l-ispjegabbiltà, il-ġustizzja u l-akkontabbiltà u li jitwettqu awditi indipendenti biex jiġi evitat li dawn is-sistemi jaggravaw ir-razziżmu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ukoll id-distakk bejn il-ġeneri u b'rabta mad-diversità fis-setturi tal-ICT u tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM), b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, inkluża l-IA, u b'mod partikolari, f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

---

([19]) ĠU C 362, 8.9.2021, p. 63.

58. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi ([20]) sabiex jiġġieldu r-razziżmu persistenti kontra persuni ta' oriġini, etniċità jew kulur differenti; jikkundanna l-fatt li l-minoranzi razzjali, etniċi, lingwistiċi u reliġjużi għadhom jiffaċċjaw razziżmu strutturali u istituzzjonali b'għeruq fondi, diskriminazzjoni, reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, nuqqas ta' aċċess għall-ġustizzja, u inugwaljanzi soċjoekonomiċi sostnuti li huma ostakli kbar għalihom biex igawdu bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bħala ċittadini tal-UE fl-isferi kollha tal-ħajja, inklużi l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi;

***Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ +***

59. Jiddenunzja l-fatt li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija waħda mill-aktar forom mifruxa ta' vjolenza fl-UE, fejn stħarriġ imwettaq mill-UE żvela li mara waħda minn kull tliet nisa fl-Unjoni – jiġifieri 62 miljun mara – sofriet vjolenza fiżika jew sesswali f'xi punt mill-età ta' 15-il sena, u li aktar minn nofs dawn in-nisa (55 %) sofrew fastidju sesswali; jirrimarka li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija forma ta' diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll ir-riżultat ta' sterjotipi tal-ġeneri, strutturi eteropatrijarkali, asimmetriji tal-poter u inugwaljanzi strutturali u istituzzjonali; jissottolinja l-importanza li jiġi applikat approċċ intersezzjonali u ċċentrat fuq il-vittmi għall-politiki u għall-miżuri kollha biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri javvanzaw l-isforzi tagħhom f'dik id-direzzjoni;

60. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-forom kollha tagħha u l-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tad-drittijiet tan-nisa; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2022 għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ([21]), li tipproponi miżuri b'rabta mal-kriminalizzazzjoni ta' ċerti forom ta' vjolenza, inkluż il-kriminalizzazzjoni ta' stupru fuq il-bażi ta' nuqqas ta' kunsens u ta' ċerti forom ta' vjolenza ċibernetika, kif ukoll miżuri għall-protezzjoni tal-vittmi u għal titjib fl-aċċess għall-ġustizzja, fl-appoġġ għall-vittmi u fil-prevenzjoni, u tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-intersezzjonalità; jissottolinja d-dimensjoni transfruntiera tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jinsisti li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru trid tiġi indirizzata fil-livell Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-vjolenza abbażi tal-ġeneru mal-lista ta' reati partikolarment serji minquxa fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

61. Iħeġġeġ lill-Kunsill jikkonkludi r-ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul); jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja għadhom ma rratifikawx il-konvenzjoni u jtenni t-talba tiegħu lil dawk il-pajjiżi biex jagħmlu dan; jirrimarka li l-Konvenzjoni ta' Istanbul għandha tinftiehem bħala l-istandard minimu biex tiġi eradikata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi f'uħud mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-Polonja, biex jirrevokaw il-miżuri li ttieħdu diġà fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u fil-ġlieda kontra l-vjolenza u biex jirtiraw mill-Konvenzjoni;

62. Jikkundanna l-azzjonijiet tal-movimenti kontra l-ġeneru u kontra l-femminiżmu li jattakkaw b'mod sistematiku d-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTIQ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirċievu appoġġ u finanzjament mill-Unjoni ma jippromwovux id-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru; jilqa' l-ewwel strateġija li qatt kien hemm tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ u jikkundanna ulterjorment il-każijiet dejjem jiżdiedu ta' diskriminazzjoni, reati ta' mibegħda u vjolenza kontra persuni LGBTIQ; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq għall-istrateġija;

63. Jikkundanna r-reazzjonijiet qawwija kontinwi u persistenti f'uħud mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-Polonja, fis-Slovakkja, fil-Kroazja u fil-Litwanja, kontra d-drittijiet tan-nisa, inkluż kontra s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; ifakkar li koerċizzjoni riproduttiva u ċ-ċaħda ta' kura sikura u legali f'każ ta' abort huma wkoll forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jissottolinja l-fatt li l-QEDB iddeċidiet f'diversi okkażjonijiet li l-liġijiet restrittivi dwar l-abort u n-nuqqas ta' implimentazzjoni jiksru d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet u l-awtonomija b'rabta ma' ġisimhom; jiddenunzja n-nuqqas ta' aċċess għall-abort għan-nisa f'ħafna pajjiżi, u jikkundanna l-imwiet ta' mill-inqas erba' nisa fil-Polonja minħabba l-applikazzjoni ta' regolamenti li jipprojbixxu l-abort tista' tgħid kważi fiċ-ċirkostanzi kollha; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu passi effettivi biex jirrimedjaw tali ksur eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tan-nisa u jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa biex jipprevjenu l-okkorrenza tagħhom fil-futur; jistieden lill-Kummissjoni tqis

---

([20]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

([21]) COM(2022)0105.

l-abort bħala dritt fundamentali, tneħħi kwalunkwe ostaklu għall-aċċess għalih u tiżgura li dan jitwettaq fis-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika u tagħmel enfasi akbar fuq id-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fir-rapporti annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

64. Jikkundanna bil-qawwa d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni tan-nisa Rom fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa materna; jilqa' l-fatt li ċ-Ċekja adottat liġi ta' kumpens għall-vittmi ta' sterilizzazzjoni furzata u illegali, u jinnota li l-Gvern tas-Slovakkja mexa pass 'il quddiem meta fl-2021 skuża ruħu, iżda għalissa ma ġiet proposta l-ebda liġi ta' kumpens; iqis li d-dritt ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għas-saħħa sesswali u riproduttiva, jikkostitwixxi dritt fundamentali għan-nisa li għandu jissaħħaħ u li fl-ebda każ ma għandu jitnaqqas jew jitneħħa;

65. Jistieden lill-Istati Membri kollha jirrispettaw l-awtonomija ta' ġisem il-persuni kollha, b'mod partikolari billi jipprojbixxu l-mutilazzjoni ġenitali intersesswali, l-hekk imsejħa prattiki ta' "terapija ta' konverżjoni", u l-isterilizzazzjoni furzata tal-persuni trans bħala prekundizzjoni biex jingħataw rikonoxximent legali tal-ġeneru; itenni li l-liġijiet dwar ir-rikonoxximent tal-ġeneru għandhom jiġu adottati f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, biex b'hekk ir-rikonoxximent tal-ġeneru jkun aċċessibbli, affordabbli, amministrattiv, rapidu u bbażati fuq l-awtodetermi-nazzjoni;

66. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti s-sħubijiet kollha għall-finijiet ta' libertà ta' moviment, inkluż għas-sħab mhux mill-UE ta' ċittadini tal-UE; jinsab allarmat bin-nuqqas kontinwu tal-implimentazzjoni tas-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-673/16, *Coman u Hamilton*, li rrikonoxxiet li t-terminu "konjuġi" jinkludi konjuġi tal-istess sess skont il-liġijiet tal-UE dwar il-libertà ta' moviment; jiġbed l-attenzjoni għas-sottomissjoni ta' lment lill-Kummissjoni b'rabta ma' kawża identika (*A.B. u K.V.* vs *ir-Rumanija* – Nru tal-applikazzjoni 17816/21; jisħaq li n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni wasslet biex il-kwerelanti Coman u Hamilton iressqu l-kawża quddiem il-QEDB biex jippruvaw jiżguraw rimedju legali (*Coman et al.* vs *ir-Rumanija* – applikazzjoni Nru 2663/21); itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiftaħ proċeduri ta' ksur għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-kawża Coman u Hamilton;

67. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li fl-2022 tippubblika proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-filjazzjoni fost l-Istati Membri, li għandu l-għan li joħloq ċertezza legali għall-familji qawsalla fl-UE kollha;

68. Jenfasizza ż-żieda inkwetanti fil-vjolenza abbażi tal-ġeneru u fil-vjolenza domestika matul il-pandemija tal-COVID-19; ifaħħar ir-rispons veloċi minn uħud mill-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jimplimentaw miżuri li jgħinu lill-vittmi tal-vjolenza domestika, bħaż-żieda fl-għadd ta' linji telefoniċi għall-għajnuna u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u l-introduzzjoni ta' skemi ta' kliem kodiċi fl-ispiżeriji, ċentri ta' konsulenza pop-up fi ħwienet tal-merċa jew applikazzjonijiet moħbija biex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-vjolenza domestika u l-abbuż; jirrimarka, madankollu, dwar in-nuqqas ġenerali ta' postijiet ta' kenn jew għażliet oħra ta' akkomodazzjoni sikura għas-superstiti; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-postijiet ta' kenn eżistenti biex jgħinuhom iżidu l-kapaċitajiet tagħhom, kif ukoll jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' postijiet ta' kenn addizzjonali u faċilitajiet ta' akkomodazzjoni sikura għas-superstiti, inkluż għall-minorenni li jakkumpanjawhom; jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, biex jiżguraw li s-servizzi għas-superstiti jitqiesu bħala essenzjali u jibqgħu miftuħa, u jkunu kkomplementati b'taħriġ adegwat u speċjalizzat għall-forzi tal-pulizija kif ukoll risponsi ġudizzjarji mmirati bl-għan li jiżdied il-livell ta' tħejjija għall-futur;

69. Jiddispjaċih dwar ir-reazzjonijiet qawwija kontra d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, fejn uħud mill-Istati Membri fittxew li jreġġgħu lura s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, billi użaw il-pandemija tal-COVID-19 bħala pretest biex jillimitaw l-aċċess għall-abort, għall-kontraċezzjoni u għas-servizzi ġinekoloġiċi; jissottolinja l-fatt li f'uħud mill-Istati Membri, minkejja l-pandemija, kien hemm tentattivi biex jiġu ristretti l-protezzjonijiet legali eżistenti għall-aċċess tan-nisa għall-kura f'każ ta' abort, inkluża l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet rigressivi li jridu jiġu ssodisfati qabel ma jkunu jistgħu jiġu amministrati l-aborti, bħal konsulenza obbligatorja u preġudikata jew perjodi ta' stennija; jikkundanna b'mod partikolari iktar minn 20 tentattiv parlamentari fis-Slovakkja biex jiġi limitat l-aċċess għall-aborti matul dan il-perjodu; jenfasizza bil-qawwa li s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jridu jiġu rikonoxxuti bħala essenzjali u jridu jkunu disponibbli, anke matul emerġenzi tas-saħħa globali, minħabba n-natura sensittività għaż-żmien ta' dawn is-servizzi;

70. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li r-rispons għall-kriżi tal-COVID-19 jinkorpora perspettiva tal-ġeneru u bbaġitjar skont il-ġeneru, kif ukoll valutazzjonijiet tal-impatt *ex post* fir-rigward tal-ġeneri, kif propost fl-istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-2020-2025; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u fl-azzjonijiet kollha tal-UE;

***Il-libertajiet***

71. Ifakkar fl-importanza li jiġu difiżi l-libertà, il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza fis-sjieda tal-media u r-regolamentazzjoni tal-konċentrazzjoni tas-suq, kif ukoll il-protezzjoni tal-ġurnalisti; jemmen li r-regoli vinkolanti tal-UE li jipprovdu protezzjoni robusta u konsistenti għall-media indipendenti u għall-ġurnalisti minn kawżi vessatorji maħsuba biex isikktuhom jew jintimidawhom fl-UE huma ferm meħtieġa sabiex jgħinu biex din il-prattika abbużiva tintemm; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward, inkluż billi tipproponi miżuri vinkolanti u tipproteġi u tippromwovi l-finanzjament għall-ġurnaliżmu investigattiv;

72. Jikkundanna l-użu ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), li qed jintużaw biex isikktu u jintimidaw lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi difensuri tad-drittijiet LGBTI li jikkritikaw abbużi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li s-SLAPPs huma biss waħda mit-theddidiet għal media ħielsa u pluralista, b'oħrajn inklużi l-pressjoni u l-imperattivi kummerċjali, il-pressjoni politika, l-awtoċensura ġurnalistika dwar kwistjonijiet ta' kontroversja partikolari, il-prekarjetà tal-karrieri tal-ġurnalisti u l-ammont kbir ta' xogħol li jiffaċċjaw, il-pressjoni li jħossu biex iżommu l-aċċess għal sorsi tal-ogħla livell permezz ta' rapportar mhux kritiku, u l-prospettiva li l-promozzjonijiet professjonali tagħhom jiġu annullati jekk jiksru suppożizzjonijiet taċiti u internalizzati rigward il- "linja" xierqa li għandha tittieħed dwar kwistjonijiet partikolarment kontroversjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-politika barranija; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu u jiżviluppaw media indipendenti, pluralista u ħielsa; jikkundanna, f'dan ir-rigward, kwalunkwe miżura mmirata biex issikket il-media kritika u tikkomprometti l-libertà u l-pluraliżmu tal-media; jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu miġġielda s-SLAPPs kollha; jilqa' l-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni li toħroġ rakkomandazzjoni dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tal-awtonomizzazzjoni tal-ġurnalisti fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni twettaq mingħajr dewmien l-impenn tagħha b'rabta mal-Att dwar il-Libertà tal-Media;

73. Jinsab imħasseb dwar ir-rapporti li wħud mill-awtoritajiet tal-Istati Membri użaw l-ispyware Pegasus għal finijiet politiċi jew għal finijiet oħra mhux ġustifikati biex jispjunaw fuq ġurnalisti, politiċi, avukati, atturi tas-soċjetà ċivili u individwi oħra, bi ksur tad-dritt tal-UE u tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta; jinsab imħasseb dwar l-użu tal-Pegasus kontra ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, personalitajiet tal-oppożizzjoni u avukati fl-UE u barra mill-UE; ifakkar li Pegasus huwa biss wieħed mill-ħafna eżempji ta' programmi abbużati minn entitajiet statali għall-fini tat-twettiq ta' sorveljanza tal-massa illeċita kontra ċittadini innoċenti; jilqa' l-istabbiliment ta' kumitat ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew dwar Pegasus, li se jinvestiga l-allegat użu ħażin tal-għodod ta' sorveljanza u l-ambitu tal-allegat ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta u jipprovdi salvagwardji u rakkomandazzjonijiet;

74. Jenfasizza li l-kampanji ta' malafama kontra l-persuni LGBTIQ u kontra s-soċjetà ċivili b'mod aktar ġenerali huma aktar prevalenti fl-Istati Membri fejn il-libertà tal-media qed tiġi attakkata; jikkundanna bil-qawwa l-kampanji ta' malafama kontinwi fil-media pubblika kontra l-imħallfin, il-ġurnalisti u l-politiċi li jikkritikaw lill-gvern attwali, inklużi s-SLAPPs mibdija minn aġenziji tal-gvern, uffiċjali tal-gvern, kumpaniji statali jew individwi b'rabtiet mill-qrib mal-koalizzjonijiet tal-gvern fl-Ewropa kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-għodod leġiżlattivi u eżekuttivi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tipprevjeni dawn l-azzjonijiet intimidatorji, li jipperikolaw il-libertà tal-espressjoni; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti, timmonitorja u tirrapporta attakki kontra l-ġurnalisti, kif ukoll kawżi maħsuba biex isikktu jew jintimidaw lill-media indipendenti, u jiggarantixxu aċċess għar-rimedji legali xierqa;

75. Jiddispjaċih dwar il-fatt li s-sikurezza tal-ġurnalisti mhijiex garantita b'mod universali; jissottolinja l-importanza tal-pluraliżmu tal-media u l-ħtieġa li l-ġurnalisti jiġu protetti minn theddid u attakki sabiex tiġi evitata l-awtoċensura u jiġu żgurati l-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni u tiġi salvagwardjata l-professjoni ġurnalistika; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-istrumenti għall-valutazzjoni tal-miżuri meħuda mill-gvernijiet li jistgħu jikkompromettu l-libertà tal-informazzjoni u tal-pluraliżmu;

76. Jikkundanna l-attakki, id-detenzjonijiet u l-vjolenza fil-konfront tal-ġurnalisti waqt il-protesti, li ma ħallewhomx jirrapportaw u għaldaqstant lanqas biss ma ħallewhom jagħmlu xogħolhom; jesprimi tħassib kbir rigward il-każijiet ta' brutalità min-naħa tal-pulizija waqt il-protesti, b'mod partikolari fil-konfront tal-ġurnalisti, u jitlob akkontabbiltà għal dan l-għemil; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti, b'mod partikolari waqt il-protesti;

77. Jisħaq li skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, ċerti restrizzjonijiet jistgħu jitqiegħdu b'mod legali fuq id-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika sabiex jiġu protetti s-saħħa pubblika jew interessi leġittimi oħra, iżda dawn iridu jkunu previsti bil-liġi u jkunu meħtieġa u proporzjonati għal għan speċifiku; jesprimi tħassib kbir dwar xi projbizzjonijiet ġenerali ta' protesti kif ukoll dwar ċerti projbizzjonijiet u restrizzjonijiet b'rabta mal-protesti imposti matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li laqgħat pubbliċi oħra ta' daqs simili saru mingħajr ma ġew affettwati, kif ukoll dwar l-użu tal-forza kontra dimostranti paċifiċi; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Istati Membri għandhom livelli ta' limitu differenti għall-użu tal-forza u tal-armi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għaż-żamma tal-ordni pubbliku; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu d-drittijiet fundamentali meta jadottaw miżuri u liġijiet ristrettivi rigward il-libertà tal-espressjoni, tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni u jiffaċilitaw ambjent fejn il-kritika tkun parti minn dibattitu f'saħħtu dwar kwalunkwe kwistjoni ta' interess pubbliku;

78. Jinsab imħasseb ħafna bl-attakki, il-fastidju, il-vjolenza u t-theddid fil-konfront tal-ġurnalisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' individwi oħra li jesponu interferenza barranija u kampanji ta' diżinformazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri, fil-kuntest ta' diżinformazzjoni, inċidenti qarrieqa u propaganda politika li qed jiżdied b'rata mgħaġġla, jinkludu fil-kurrikuli tagħhom, attivitajiet immirati, adattati skont l-età, iffukati fuq l-iżvilupp tal-ħsieb kritiku, tal-litteriżmu medjatiku u tal-ħiliet diġitali; jitlob enfasi akbar iddedikata għall-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza li tiffoka fuq id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-parteċipazzjoni fl-affarijiet pubbliċi;

79. Jinnota li l-pożizzjonijiet ta' diversi Stati Membri fil-klassifikazzjonijiet tal-libertà tal-istampa internazzjonali niżlu; jenfasizza r-rwol insostitwibbli tal-media tas-servizz pubbliku u jisħaq li huwa essenzjali li tiġi żgurata u tinżamm l-indipendenza tagħha mill-interferenza politika; jikkundanna bil-qawwa t-theddid għal-libertà tal-media, inkluż il-fastidju u l-attakki mmirati lejn ġurnalisti u informaturi, in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni għall-protezzjoni legali tagħhom kif ukoll il-ħtif tal-media jew azzjonijiet immotivati politikament fis-settur tal-media;

80. Jinsab imħasseb ħafna dwar id-deterjorament ulterjuri tal-libertà tal-media fl-Ungerija, fil-Polonja u fis-Slovenja u r-riformi varji stabbiliti mill-koalizzjonijiet fil-gvern sabiex jitnaqqsu d-diversità u jiġu msikkta l-vuċijiet kritiċi fil-media; jinsab imħasseb ulterjorment dwar in-nuqqas ta' sett ta' prinċipji trasparenti u ċari għad-distribuzzjoni tar-reklamar lill-mezzi tal-media mill-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali f'uħud mill-Istati Membri; jiddispjaċih ħafna dwar id-deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika tal-media matul il-pandemija tal-COVID-19 u jqis li għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tal-pandemija fuq il-mezzi tal-media;

81. Jesprimi tħassib dwar il-ħolqien ta' korpi kkontrollati mill-gvern li jimmaniġġjaw partijiet kbar tax-xenarju tal-media u l-ħtif tal-mezzi tal-media tas-servizz pubbliku biex iservu l-interessi partiġjani; ifakkar li fejn is-sjieda tal-media tibqa' kkonċentrata ħafna, kemm jekk f'idejn il-gvern kif ukoll jekk f'idejn privati, din tikkostitwixxi riskju sinifikanti għad-diversità tal-informazzjoni u għall-fehmiet rappreżentati fil-kontenut tal-media; ifakkar li l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluża l-libertà tal-espressjoni artistika, u l-libertà tal-media huma fundamentali għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet tal-media tagħhom; ifakkar li d-dritt li wieħed ifittex, jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat kemm jekk bil-fomm, kif ukoll bil-miktub jew f'forma stampata, fil-forma ta' arti, jew permezz ta' kwalunkwe media oħra, huwa komponent tal-libertà tal-espressjoni artistika;

82. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, b'attenzjoni partikolari għall-indipendenza tar-regolaturi tal-media, għat-trasparenza tas-sjieda tal-media u għal-litteriżmu medjatiku; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu effettiv mill-proċeduri ta' ksur f'sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet b'mod skorrett jew mhux komplut;

83. Jinnota li wħud mill-miżuri meħuda mill-Istati Membri b'rispons għall-COVID-19 kellhom impatt gravi fuq id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data ma ġewx ikkonsultati bis-sħiħ, li n-neċessità u l-proporzjonalità mhux dejjem kienu ċari, u li f'bosta każijiet ma kienx hemm bażi ġuridika solida u ma saret l-ebda evalwazzjoni xierqa; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jevalwaw is-sitwazzjoni mingħajr dewmien;

84. Jesprimi tħassib kbir dwar l-infurzar dgħajjef u mhux uniformi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ([22]), fejn hemm riskju li r-regolament ma jkunx qawwi daqs kemm maħsub u ma jipprovdix protezzjoni reali liċ-ċittadini tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni injorat it-talba tal-Parlament biex tvara proċedimenti ta' ksur kontra l-Irlanda talli naqset mill tinforza r-regolament kif xieraq;

85. Jinsab imħasseb dwar il-linji gwida interni tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tar-rekords u tal-arkivji, li huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti ([23]), u dwar l-esklużjoni ta' messaġġi testwali mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti, u li dan ġie kkwalifikat bħala "amministrazzjoni ħażina" mill-Ombudsman Ewropew; jiddispjaċih dwar il-fatt li wħud mill-Istati Membri fixklu l-eżerċizzju effettiv tad-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess tad-dokumenti, billi ttardjaw bla bżonn jew saħansitra neħħew l-iskadenzi għat-talbiet ta' aċċess għad-dokumenti; jenfasizza li dan mhux biss wassal għal nuqqas ta' fiduċja fl-awtoritajiet fost iċ-ċittadini tal-UE, iżda kkomprometta wkoll il-pluraliżmu tal-media fl-UE;

***Is-sitwazzjoni u l-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni tal-UE***

86. Jisħaq li, li jiġu salvati l-ħajjiet huwa obbligu legali skont id-dritt internazzjonali u d-dritt tal-UE; jikkundanna bil-qawwa l-proċedimenti kriminali mibdija minn uħud mill-Istat Membri kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u individwi li pprovdew assistenza umanitarja lill-migranti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ma jkunx hemm prosekuzzjoni kontra individwi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jassistu lill-migranti għal raġunijiet umanitarji;

87. Jikkundanna l-fatt li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jikkompromettu l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqiegħdu d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fiċ-ċentru tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-ażil;

88. Jikkundanna bil-qawwa l-każijiet ta' pushbacks u l-ksur tad-drittijiet fundamentali u l-vjolenza fil-fruntieri esterni tal-UE fil-konfront tal-migranti, tar-rifuġjati u tal-persuni li jfittxu l-ażil, kif iddenunzjat mill-istituzzjonijiet bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni ([24]), kif ukoll il-kriminalizzazzjoni tal-ħaddiema u tal-attivisti umanitarji u l-użu tal-finanzjament tal-UE, li serva b'mod sproporzjonat biex jinbnew faċilitajiet magħluqa u jissaħħu l-fruntieri esterni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema kompluta ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet kollha ta' pushbacks u ksur tad-drittijiet fundamentali u jżidu t-trasparenza tal-miżuri li jittieħdu fil-fruntieri esterni, kif mitlub mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali ([25]); jistieden lill-Kummissjoni tniedi proċeduri ta' ksur fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' pushbacks u vjolenza;

---

([22]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([23]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

([24]) L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, "IOM calls for end to pushbacks and violence against migrants at EU external borders (L-IOM tappella biex jintemmu l-pushbacks u l-vjolenza kontra l-migranti fil-fruntieri esterni tal-UE)", id-9 ta' Frar 2021.

([25]) L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, *Fundamental Rights Report 2021* (*Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2021)*, April 2021.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

89. Jesprimi tħassib kbir dwar l-informazzjoni li ġiet ippubblikata dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) filwaqt li jirrikonoxxi l-involviment fil-pushbacks u l-għarfien tagħha dwarhom; jistieden lill-Frontex tapplika l-Artikolu 46 tar-regolament tagħha ([26]) u tissospendi l-operazzjonijiet kollha fl-Istati Membri fejn iseħħu tali każijiet u tipprovdi trasparenza u akkontabbiltà totali għall-attivitajiet operazzjonali tal-organizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga u tieħu l-miżuri meħtieġa biex ittemm dawn il-prattiki fil-Frontex;

90. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu u japplikaw il-proċeduri xierqa biex jiżguraw li l-individwi jinstemgħu qabel ma jintbagħtu lura fi Stat Membru ġar, u li dawn jiġu notifikati formalment bid-deċiżjoni meħuda; jiddenunzja l-fatt li l-migranti u dawk li jkunu qed ifittxu l-ażil li jinqabdu wara li jaqsmu fruntiera interna jew esterna tal-UE ma jiġux mismugħa sistematikament qabel ma jintbagħtu lura fi Stat Membru ġar, u lanqas ma jiġu nnotifikati dwar dan; ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jiggarantixxu b'mod effettiv id-dritt għal proċess ġust u d-dritt tal-ugwaljanza quddiem il-liġi għall-persuni kollha;

91. Jesprimi tħassib kbir dwar il-minorenni mhux akkumpanjati li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE, b'mod partikolari l-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar tagħha, u jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċifika lis-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati f'dawn il-punti ta' qsim;

92. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fl-użu tat-teknoloġija fil-fruntieri, fejn xi tipi ta' teknoloġija jistgħu jkunu intrużivi ħafna; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti fil-fruntieri, li għandhom ikopru wkoll il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' sorveljanza fil-fruntieri, u jiżguraw il-konformità mad-drittijiet fundamentali;

***Ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda***

93. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fid-diskors ta' mibegħda u fil-kampanji ta' malafama fl-Istati Membri kollha, li spiss jitwettqu minn uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli jew politiċi ewlenin u jkunu speċifikament immirati lejn il-media, l-NGOs u ċerti gruppi soċjali jew minoranzi, bħall-persuni LGBTIQ; jisħaq li l-impatt tagħhom fuq l-ispazju ċiviku huwa inkontestabbli, u joħloq ambjent mhux sikur għas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jinsab allarmat b'bosta eżempji ta' attakki, fis-sena 2021 waħedha, fuq uffiċċji u persunal LGBTIQ f'diversi Stati Membri;

94. Jikkundanna kull tip ta' reat ta' mibegħda, diskors ta' mibegħda u akkużi mingħajr ebda bażi jew ifformulati *mala fede*, kemm offline kif ukoll online, immotivati minn diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; jesprimi tħassib dwar ir-reati ta' mibegħda u r-reati relatati mal-inċitament għad-diskriminazzjoni jew għall-vjolenza li seħħew matul il-pandemija tal-COVID-19, u li wasslu għall-istigmatizzazzjoni ta' xi individwi partikolarment vulnerabbli; ifakkar li r-razziżmu u l-ksenofobija huma reati, mhux opinjonijiet;

95. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u għar-reati ta' mibegħda u jistieden lill-Kunsill jaħdem b'mod diliġenti lejn l-adozzjoni unanima tagħha; ifakkar fil-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu f'kooperazzjoni mal-kumpaniji tal-internet sabiex jipprovdu salvagwardji adegwati u jimplimentaw bir-reqqa l-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Ġlieda Kontra d-Diskors ta' Mibegħda Online Illegali;

***Il-protezzjoni tal-ambjent***

96. Jenfasizza l-Artikolu 37 tal-Karta, li jafferma li fil-politiki tal-Unjoni jridu jiġu integrati miżuri biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent;

([26]) Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

97. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta l-inizjattivi leġiżlattivi rilevanti mingħajr dewmien u twettaq l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ppjanata ulterjuri f'konformità mal-iskeda ta' żmien oriġinali; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li t-tħassib ambjentali rilevanti jiġi kkunsidrat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-politiki u għall-inizjattivi kollha; jemmen li s-sostenibbiltà trid tkun il-prinċipju ta' gwida tal-politiki makroekonomiċi kollha biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ambjentalment sostenibbli, filwaqt li jiġu protetti u jinħolqu impjiegi sostenibbli, sabiex tiġi indirizzata waħda mill-aktar theddidiet sinifikanti li qatt iffaċċjat l-umanità;

98. Jitlob li jkun hemm implimentazzjoni madwar l-UE kollha tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li torbot id-drittijiet ambjentali mad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-ħsara ambjentali u n-nuqqas minn xi awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu informazzjoni dwar riskji ambjentali serji li għalihom jiġu esposti ċerti individwi, jista' jkollhom konsegwenzi gravi u ta' ħsara għall-individwi; jitlob li l-ġurnalisti, l-attivisti, l-NGOs, id-difensuri tad-drittijiet, l-informaturi u l-għassiesa pubbliċi li jaħdmu f'dawn l-oqsma jkunu protetti;

o

o o

99. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0326

## Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE: it-8 Rapport dwar il-Koeżjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE: it-8 Rapport dwar il-Koeżjoni (2022/2032(INI))**

(2023/C 125/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 162, 174 sa 178 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi [1] (Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni [2],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta [3],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern [4],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 [5],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) [6],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 [7],

— wara li kkunsidra l-pakkett "Fit for 55" adottat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2021,

(1) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.
(2) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.
(3) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1.
(4) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94.
(5) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21.
(6) ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5.
(7) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”) ([8]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([9]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta’ Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) ([10]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit ([11]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri ([12]) (Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea – FSUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta’ kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ([13]) (“Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt”),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-29 ta’ Mejju 2018 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f’kuntest transfruntier (COM(2018)0373),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta’ Frar 2022 bit-titlu “It-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni: Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050” (COM(2022)0034),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Mejju 2022 bit-titlu “Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE” (COM(2022)0198),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Ġunju 2021 bit-titlu “Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b’saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040” (COM(2021)0345),

— wara li kkunsidra l-Patt ta’ Amsterdam li jistabbilixxi l-Aġenda Urbana tal-UE, miftiehem waqt laqgħa informali bejn il-Ministri tal-UE responsabbli għall-kwistjonijiet urbani li saret fit-30 ta’ Mejju 2016 f’Amsterdam,

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat fis-17 ta’ Novembru 2017 f’Gothenburg mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU bit-titlu “Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change”,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta’ Diċembru 2020 bit-titlu “Strateġija tal-UE għall-Irkupru Rurali” ([14]),

---

([8]) ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.
([9]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.
([10]) ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1.
([11]) ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.
([12]) ĠU L 99, 31.3.2020, p. 9.
([13]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.
([14]) ĠU C 37, 2.2.2021, p. 16.

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tat-18 ta’ Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-politika strutturali u ta’ koeżjoni tal-UE biex tmexxi ’l quddiem it-trasformazzjoni tal-ekonomija b’mod innovattiv u intelliġenti ([15]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-KESE tal-25 ta’ Settembru 2021 bit-titlu “Ir-rwol tal-politika ta’ koeżjoni fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fil-perjodu ta’ programmazzjoni l-ġdid wara l-kriżi tal-COVID-19. Komplementarjetajiet u duplikazzjonijiet possibbli mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-pjani nazzjonali ta’ rkupru” ([16]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-KESE tas-27 ta’ April 2021 dwar ir-rwol tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien tal-impjiegi u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([17]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta’ Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) ([18]),

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tal-Kummissjoni mnedija fl-14 ta’ Ottubru 2020,

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva “Catching Up” tal-Kummissjoni (magħrufa wkoll bħala l-Inizjattiva “Lagging Regions”) imnedija fl-2015,

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU stabbiliti f’Settembru 2015 fl-ambitu tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f’Pariġi fit-12 ta’ Diċembru 2015 (il-Ftehim ta’ Pariġi),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Marzu 2022 dwar il-politika ta’ koeżjoni bħala strument biex jitnaqqsu d-disparitajiet fil-kura tas-saħħa u biex tittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tas-saħħa ([19]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Marzu 2022 dwar ir-rwol tal-politika ta’ koeżjoni fil-promozzjoni ta’ trasformazzjoni innovattiva u intelliġenti kif ukoll tal-konnettività reġjonali tal-ICT ([20]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Frar 2022 dwar l-isfidi għaż-żoni urbani fl-era ta’ wara l-COVID-19 ([21]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Settembru 2021 lejn sħubija aktar b’saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE ([22]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Ġunju 2021 dwar id-dimensjoni tal-ġeneru fil-politika ta’ koeżjoni ([23]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Mejju 2021 dwar it-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE bl-użu tal-istrumenti tal-politika ta’ koeżjoni ([24]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ Marzu 2021 dwar il-politika ta’ koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ([25]),

([15]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 153.
([16]) ĠU C 517, 22.12.2021, p. 1.
([17]) ĠU C 286, 16.7.2021, p. 13.
([18]) ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1.
([19]) Testi adottati, P9_TA(2022)0058.
([20]) Testi adottati, P9_TA(2022)0059.
([21]) Testi adottati, P9_TA(2022)0022.
([22]) ĠU C 117, 11.3.2022, p. 18.
([23]) ĠU C 67, 8.2.2022, p. 16.
([24]) ĠU C 15, 12.1.2022, p. 125.
([25]) ĠU C 494, 8.12.2021, p. 26.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2018 dwar ir-reġjuni li għadhom lura fl-UE ([26]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-ekonomija ċirkolari ([27]),

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu,

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titlu "EU lagging regions: state of play and future challenges, ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu f'Settembru 2020 ([28]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Analitiku Nru 01/2020 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-insegwiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0210/2022),

A. billi fl-aħħar perjodu finanzjarju, bejn l-2014 u l-2020, il-politika ta' koeżjoni, bħala l-politika prinċipali ta' investiment pubbliku, appoġġat 'il fuq minn 1,4 miljun impriża, ikkontribwiet għal 1 544 km ta' linji ferrovjarji u toroq aktar sikuri, għenet lil 45,5 miljun persuna jintegraw fis-suq tax-xogħol u żiedet il-PDG fir-reġjuni l-inqas żviluppati b'sa 5 %;

B. billi matul il-pandemija, ir-riskju ta' qgħad, iż-żieda fil-faqar u d-differenza bejn is-sessi kienu partikolarment notevoli fir-reġjuni inqas żviluppati tal-UE; billi d-differenza bejn is-sessi fl-impjiegi kienet kważi d-doppju ta' dik tar-reġjuni aktar żviluppati;

C. billi minkejja li mhijiex strument ta' kriżi, il-politika ta' koeżjoni għenet lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv f'emerġenzi u għal xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi attwali tar-rifuġjati kkawżata mill-invażjoni Russa fl-Ukrajna, inkluż bl-għoti ta' apoġġ lill-Istati Membri li jinsabu fuq quddiem nett f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkoljenza ta' rifuġjati; billi din l-għajnuna ta' emerġenza, madankollu, m'għandhiex timmina l-approċċ strateġiku tal-perjodu ta' finanzjament kollu kemm hu, peress li l-politika ta' koeżjoni fiha nfisha hija politika ta' investiment fit-tul;

D. billi hu tal-akbar importanza li l-politika ta' koeżjoni futura tiġi fformulata abbażi ta' strateġija segwita tul il-perjodu ta' finanzjament kollu, li, madankollu, tista' tiġi vvalutata mill-ġdid u aġġustata matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu;

E. billi r-reġjuni żviluppati tal-Lvant tal-UE qed ilaħħqu mal-kumplament tal-UE, filwaqt li diversi reġjuni b'introjtu medju u inqas żviluppati qed jesperjenzaw staġnar jew tnaqqis ekonomiku, u dan jissuġġerixxi li huma maqbudin f'nassa f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp; billi d-distribuzzjoni tal-fondi għandha tqis l-iżvilupp tad-disparitajiet mhux biss bejn Stat Membru u ieħor iżda anke fi ħdanhom stess;

F. billi l-konverġenza kienet xprunata minn tkabbir qawwi f'reġjuni inqas żviluppati, iżda l-benefiċċji miksuba minn spejjeż aktar baxxi u mir-redditi fuq l-investimenti tagħhom x'aktarx jonqsu maż-żmien; billi r-reġjuni inqas żviluppati se jkollhom bżonn jagħtu spinta lill-edukazzjoni u t-taħriġ, iżidu l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u jtejbu l-kwalità tal-istituzzjonijiet tagħhom, filwaqt li jkomplu jinvestu fl-infrastruttura, sabiex iżommu tkabbir stabbli, jevitaw li jinqabdu f'nassa f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp, jindirizzaw id-diskrepanza fil-konnettività u jiżguraw aċċess għal servizzi ta' kwalità u kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti;

---

([26]) ĠU C 162, 10.5.2019, p. 24.
([27]) ĠU C 28, 27.1.2020, p. 40.
([28]) Studju "EU lagging regions: state of play and future challenges", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku għall-Politika Strutturali u ta' Koeżjoni, Settembru 2020.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

G. billi filwaqt li l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali naqas bejn l-2012 u l-2019, 20 % tal-popolazzjoni totali tal-UE għadha f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali;

H. billi jeżistu differenzi kbar fil-kwalità tal-infrastruttura, is-servizzi, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għat-trasport u soluzzjonijiet ta' mobilità bejn ir-reġjuni urbani u dawk rurali;

I. billi l-bliet u konnessjonijiet funzjonali bejn iż-żoni urbani u rurali jikkostitwixxu mutur importanti għall-iżvilupp lokali u reġjonali, il-koeżjoni u tranżizzjoni ġusta;

J. billi ż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima u tal-kostruzzjoni għandha impatt negattiv dirett fuq ħafna proġetti ta' infrastruttura ffinanzjati mill-UE u tpoġġi l-implimentazzjoni tagħhom f'riskju;

K. billi t-tnaqqis demografiku huwa aktar notevoli fir-reġjuni rurali u, sal-2050, 50 % tal-popolazzjoni tal-UE se tkun qed tgħix f'reġjun b'popolazzjoni iżgħar u ixjeħ; billi dawn l-iżviluppi x'aktarx jaffettwaw il-potenzjal tat-tkabbir u l-aċċess għas-servizzi fiż-żoni rurali; billi, fid-dawl ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, huwa kruċjali li l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ ikunu involuti fl-iżvilupp futur tar-reġjuni tagħhom;

L. billi l-eżodu ta' mħuħ jaffettwa b'mod sproporzjonat lir-reġjuni inqas żviluppati u, jekk ma jiġix indirizzat, il-fenomenu se jkollu effetti permanenti u fit-tul fuq il-futur tal-Unjoni;

M. billi l-politika ta' koeżjoni hija tal-akbar importanza fl-investiment kapitali tal-gvernijiet u tipprovdi aktar minn nofs it-total tal-finanzjament permezz ta' investiment pubbliku f'xi Stati Membri; billi l-appoġġ mogħti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għandu jkun addizzjonali u mhux jieħu post in-nefqa pubblika tal-Istati Membri;

N. billi l-mira ta' Ewropa newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050 għandha tkun akkumpanjata mill-mira ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta; billi t-tniġġis tal-arja u tal-ilma għadu ġeneralment għoli wisq f'ħafna reġjuni inqas żviluppati; billi r-reġjuni kollha tal-UE għandu jkollhom rwol sinifikanti fl-indirizzar tal-isfidi tat-tibdil fil-klima, permezz ta' miżuri kkoordinati mar-reġjuni tal-madwar;

O. billi d-distakk fl-innovazzjoni reġjonali kiber u d-diskrepanzi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet bejn ir-reġjuni aktar u inqas żviluppati huma sikwit kbar; billi l-ħiliet huma kkonċentrati partikolarment fir-reġjuni kapitali u tfaċċa distakk kbir bejn iż-żoni urbani u dawk rurali;

P. billi l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, permezz tat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni, tgħaqqad il-Patt Ekoloġiku Ewropew mal-ispazji tal-għajxien kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali;

Q. billi għad hemm disparitajiet fir-ritmi tat-tranżizzjoni diġitali fl-Ewropa; billi konnessjonijiet b'veloċità għolja ħafna huma aċċessibbli biss għal tnejn minn kull tliet residenti fl-ibliet u wieħed minn kull sitt residenti f'żoni rurali;

R. billi l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni u tal-enerġija qed jogħlew, u dan qed juri l-bżonn ta' akkomodazzjoni soċjali orħos u rinnovazzjoni residenzjali aċċelerata biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku;

S. billi sar progress sinifikanti fit-titjib fil-qasam tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, iżda d-disparitajiet reġjonali għadhom akbar minn qabel il-kriżi finanzjarja tal-2008; billi l-politika ta' koeżjoni għandha tipprovdi risposti effiċjenti għall-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, iż-żieda fil-kompetittività, il-promozzjoni tal-investiment fl-edukazzjoni, inkluż fl-edukazzjoni diġitali, is-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-indirizzar tal-isfidi demografiċi; billi biex il-politika ta' koeżjoni tkun tista' tissodisfa dawn il-kompiti kollha trid tkun ibbażata fuq finanzjament sod;

T. billi r-reġjuni u ż-żoni elenkati fl-Artikolu 174 tat-TFUE jirrikjedu attenzjoni partikolari; billi l-miżuri speċifiċi u l-finanzjament addizzjonali għaż-żoni ultraperiferiċi u ż-żoni tat-Tramuntana mbiegħda b'popolazzjoni baxxa għandhom jibqgħu, sabiex ipattu għall-iżvantaġġi naturali u demografiċi gravi u permanenti ta' dawn ir-reġjuni;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

U. billi l-politika ta' koeżjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba u b'rispett sħiħ għall-valuri komuni tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TFUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-Sħubija; billi, f'diversi Stati Membri, l-istat tad-dritt iddeterjora maż-żmien; billi l-politika ta' koeżjoni għandha tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt;

V. billi l-pandemija tal-COVID-19 u t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali kkonfermaw il-bżonn ta' riflessjoni dwar il-qafas ta' governanza ekonomika, anke bis-sospensjoni temporanja (sal-2023) u r-reviżjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u kontemplazzjoni tal-possibbiltà li l-infiq pubbliku fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni min-naħa tal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali bħala parti mill-Fondi SIE ma jitqiesx bħala nefqa strutturali nazzjonali jew ekwivalenti kif definit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

W. billi l-baġit tal-FSUE ma joqrob xejn lejn l-ammont meħtieġ biex jingħata rispons adegwat għal diżastri naturali kbar u biex l-Ewropa turi solidarjetà mar-reġjuni milquta minn diżastri; billi din id-diskrepanza se tikber minħabba ż-żieda mistennija fid-diżastri naturali li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u li jwasslu għal bidliet aktar drastiċi fil-ħajja tan-nies; billi l-kontribuzzjonijiet mill-fondi tal-UE jkopru biss it-treġġigħ lura tal-istatus quo ante tal-infrastruttura u t-tagħmir, filwaqt li l-ispejjeż addizzjonali għar-rikostruzzjoni ta' strutturi aktar reżiljenti għall-klima jridu jiġu (ko)finanzjati mill-Istati Membri;

1. Huwa konvint li biex il-politika ta' koeżjoni tkun tista' tkompli taqdi r-rwol attwali tagħha bħala vettur għall-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi, strument għat-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali u interreġjonali, u mekkaniżmu ta' solidarjetà għar-reġjuni kollha tal-UE jrid ikollha finanzjament sod ibbażat fuq il-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli; jenfasizza li dan jimplika li jiġi previst tal-inqas l-istess livell ta' finanzjament bħal fil-perjodu finanzjarju 2021-2027, anke fid-dawl tar-reċessjoni li hija mistennija, flimkien mar-riżorsi baġitarji tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) II; ifakkar li sfidi ġodda jirrikjedu fondi ġodda u jitlob li l-politika ta' koeżjoni tiżdied b'riżorsi baġitarji ġodda biex l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali jkunu jistgħu jindirizzaw l-isfidi u l-kriżijiet differenti li qed jaffettwaw l-Unjoni;

2. Jinnota li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu talba debitament ġustifikata għal aktar flessibbiltà fil-qafas attwali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għal nefqa strutturali pubblika jew ekwivalenti, appoġġata mill-amministrazzjoni pubblika permezz tal-kofinanzjament ta' investimenti attivati bħala parti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF); ifakkar li meta jkun qed jiġi definit l-aġġustament fiskali taħt il-parti preventiva jew taħt il-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Kummissjoni trid tivvaluta bir-reqqa din it-talba b'mod li jirrifletti l-importanza strateġika tal-investimenti kofinanzjati mill-FEŻR, mill-FK u mill-JTF;

3. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu favur il-politika ta' koeżjoni, li tifforma parti mill-acquis communautaire u għalhekk hija inseparabbli mill-proġett Ewropew u hija bbażata fuq il-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri u r-reġjuni; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni wriet li hija għodda moderna u flessibbli li tista' tintuża malajr f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jenfasizza li l-għan oriġinali tal-politika ta' koeżjoni – li tippromwovi u tappoġġa l- "iżvilupp armonjuż ġenerali" tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħha – għandu jibqa' r-rwol ewlieni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni m'għandhiex issir sors ta' finanzjament biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fil-flessibbiltà baġitarja, u lanqas m'għandha tiffaċċja tnaqqis baġitarju b'reazzjoni għall-kriżi, u li bħala politika ta' investiment fit-tul, il-politika ta' koeżjoni għandha tgħin biex ir-reġjuni jitħejjew għall-isfidi tal-futur;

4. Jiddispjaċih li d-dewmien fin-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) wassal għal dewmien konsiderevoli fil-perjodu ta' programmazzjoni, li qed iħalli impatt fuq l-awtoritajiet maniġerjali u l-benefiċjarji; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-adozzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi peress li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tista' twassal għal akkumulazzjoni anormali ta' pagamenti fit-tieni nofs tal-QFP attwali, li tqiegħed pressjoni addizzjonali fuq il-pagamenti matul in-negozjati dwar il-QFP ta' wara l-2027; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tivvaluta l-possibbiltà legali li toħloq żewġ partijiet distinti fi ħdan ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), jiġifieri parti relatata mal-kontenut (politika) u parti relatata mal-QFP (riżorsi finanzjarji)

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

għall-perjodu ta’ programmazzjoni ta’ wara l-2027; jemmen li l-parti relatata mal-kontenut għandha tiġi nnegozjata u konkluża qabel il-parti relatata mal-QFP, biex tippermetti lill-awtoritajiet maniġerjali jibdew iħejju ruħhom fil-ħin; jenfasizza, f’dan il-qafas, il-bżonn li l-QFP li jmiss jiġi adottat malajr, sabiex l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkollhom viżjoni ċara tal-pakketti finanzjarji tagħhom u jkunu f’pożizzjoni li jagħmlu għażliet politiċi u jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom fl-investiment;

5. Jilqa’ l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) bħala strument importanti biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-coronavirus u biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji tagħha mal-politika ta’ koeżjoni; jikkritika n-nuqqas ta’ dimensjoni territorjali fl-RRF u jtenni l-importanza tal-prinċipju tas-sħubija fil-politiki territorjali tal-UE; jiddispjaċih li l-użu tal-RRF kien ċentralizzat ħafna u kien nieqes minn konsultazzjoni mar-reġjuni u l-muniċipalitajiet u jenfasizza li l-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jridu jqisu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-TFUE u jikkontribwixxu għall-kisba tagħhom; iqis, barra minn hekk, li l-pjanijiet nazzjonali ta’ rkupru ffinanzjati mill-RRF m’għandhomx jaffettwaw il-kapaċità li jiġu mobilizzati l-Fondi SIE;

6. Jenfasizza li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkritikat il-fatt li ma saritx distinzjoni bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; jenfasizza li l-politika ta’ koeżjoni tal-futur għandha tagħmel din id-differenza fil-monitoraġġ tal-infiq u fil-konċentrazzjoni tematika tagħha; jenfasizza li t-tibdil fil-klima jirrappreżenta l-aktar theddida serja għas-soċjetajiet umani f’kull parti tad-dinja u taffettwa r-reġjuni kollha; jissottolinja l-bżonn, għalhekk, li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u tissaħħaħ il-mitigazzjoni tiegħu; jenfasizza li l-politika ta’ koeżjoni trid tappoġġa l-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika;

7. Jilqa’ l-introduzzjoni tal-JTF, min-naħa tal-Kummissjoni, b’appoġġ għar-reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi fit-tranżizzjoni lejn newtralità karbonika; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tiegħu – anke dawk li għandhom dubji – u jistieden lill-Kummissjoni tislet tagħlimiet mill-implimentazzjoni tal-JTF; jitlob li, fil-perjodu ta’ programmazzjoni ta’ wara l-2027 fil-livell NUTS 3 jinħoloq fond ġdid, JTF II, b’metodu ta’ allokazzjoni rivedut; jemmen li l-fond għandu jiġi integrat bis-sħiħ fir-RDK, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta’ sħubija u ġestjoni kondiviża; jemmen li r-reġjuni b’livell għoli ta’ $CO_2$ per capita, kif ukoll l-industriji fi tranżizzjoni, għandu jkollhom aċċess għal dan il-fond, li għandu jkun mogħni b’aktar mezzi finanzjarji mill-JTF attwali u jkollu kamp ta’ applikazzjoni usa’; jitlob li l-JTF II il-ġdid jiddistingwi bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u jenfasizza l-bżonn li titfassal arkitettura sempliċi għall-politika ta’ koeżjoni futura;

8. Jilqa’ l-idea ta’ “la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni”, li jfisser li l-ebda azzjoni m’għandha tfixkel il-proċess ta’ konverġenza jew tikkontribwixxi għal disparitajiet reġjonali; jemmen li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandu jkun involut fit-tfassil ta’ dan il-prinċipju u li dan għandu jiġi stabbilit fil-leġiżlazzjoni sabiex il-kamp u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tiegħu jkunu definiti b’mod ċar b’tali mod li jiġi stabbilit bħala prinċipju trasversali fil-politiki tal-UE;

9. Jinnota li minkejja l-politika ta’ koeżjoni mhijiex strument ta’ kriżi, sa wara r-rieżami ta’ nofs it-terminu għandu jinżamm ammont ta’ flessibbiltà f’fondi mhux allokati fl-istess livell bħal fil-perjodu attwali sabiex jissaħħu r-reżiljenza u r-rispons tar-reġjuni, u tippermettilhom jindirizzaw sfidi ġodda u futuri u jassorbu xokkijiet asimmetriċi; isostni li fil-QFP ta’ wara l-2027 għandha tiġi żgurata politika ta’ koeżjoni b’saħħitha u b’finanzjament akbar, iżda li din il-politika m’għandhiex tintuża biex tiġi indirizzata kull sfida ġdida; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-allokazzjonijiet ta’ koeżjoni li jkunu baqgħu ma jintużawx fl-2021 għal aktar flessibbiltà mill-2022 ’il quddiem sabiex jinstabu soluzzjonijiet għaż-żieda fl-ispejjeż tal-proġetti ta’ infrastruttura ffinanzjati mill-UE (trasport, enerġija, diġitali eċċ.); ifakkar li l-prezz tal-materja prima u tal-kostruzzjoni jpoġġi f’riskju l-implimentazzjoni ta’ ħafna proġetti infrastrutturali ffinanzjati mill-UE;

10. Jisħaq li, fid-deċennji li ġejjin, it-tibdil fil-klima jirrappreżenta l-aktar theddida serja għas-soċjetajiet umani f’kull parti tad-dinja; ifakkar li ż-żieda fl-għadd u fl-intensità ta’ diżastri naturali u fenomeni klimatiċi estremi (għargħar, maltempati, ċikluni, nixfiet, mewġiet ta’ sħana, nirien fil-foresti, eċċ.) diġà hija konsegwenza viżibbli u tanġibbli tat-tibdil fil-klima; iqis li l-ispejjeż għall-Unjoni, għal kull pajjiż u għal kull reġjun – jekk ma jantiċipawx u ma jadattawx ruħhom għat-tibdil

fil-klima – se jkunu għoljin ħafna; jitlob żieda sinifikanti fil-baġit tal-FSUE sabiex ir-reġjuni jiġu megħjuna jantiċipaw u jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima, u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSUE jitwessa' sabiex ikun jista' jappoġġa wkoll restawr aktar reżiljenti għall-klima jew kostruzzjoni ta' infrastruttura pubblika u privata; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-baġit tal-FSUE jistax jiżdied bi speċi ta' assigurazzjoni li biha l-Istati Membri jħallsu miżata annwali bbażata fuq l-għadd ta' abitanti, li tiġi investita f'assi sikuri u titqiegħed għad-dispożizzjoni f'każ ta' kriżi;

11. Jemmen li r-rata ta' kofinanzjament għall-mira tal-"Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" fil-livell ta' kull prijorità, f'ċirkustanzi normali, m'għandhiex tkun ogħla minn:

(a) 85 % għar-reġjuni inqas żviluppati u r-reġjuni ultraperiferiċi;

(b) 75 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni, f'każ li jinżammu;

(c) 70 % għal reġjuni aktar żviluppati;

jemmen li t-tliet rati għandhom jiżdiedu f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, bl-użu tal-ammont ta' flessibbiltà;

12. Huwa tal-fehma li l-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġa lil dawk l-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu 2025-2027, ikun inqas minn 90 % tal-ING per capita medju tal-UE għall-istess perjodu ta' referenza;

13. Jenfasizza li l-użu tal-PDG bħala l-uniku indikatur tal-iżvilupp ma jikkunsidrax is-sostenibbiltà ambjentali, l-effiċjenza tar-riżorsi, l-integrazzjoni u l-progress soċjali; ifakkar li minbarra kwistjonijiet ekonomiċi, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sostenibbiltà, l-ekwità u l-inklużjoni soċjali huma parti integrali mill-mudell tal-iżvilupp tal-UE; jitlob li l-PDG jiġi kkomplementat bi kriterji ġodda (eż. soċjali, ambjentali, demografiċi), sabiex tingħata stampa ġenerali soċjoekonomika aħjar tar-reġjuni, jiġu indirizzati l-prijoritajiet attwali tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u jiġu riflessi aħjar it-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u demografika u l-benessri taċ-ċittadini;

14. Jissuġġerixxi l-ftuħ ta' riflessjoni dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi fit-tul tal-UE, speċjalment fid-dawl tal-isfidi l-ġodda li ġejjin; jemmen li t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tibqa' sfida kbira li għandna niffukaw l-investimenti tagħna fuqha sabiex nevitaw l-iżvilupp ta' disparitajiet ġodda; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu d-djalogu u jingħaqdu flimkien fl-identifikazzjoni tal-objettivi strateġiċi li l-koeżjoni futura mistennija tikkontribwixxi għalihom;

15. Jinnota li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għad hemm reġjuni li qed jesperjenzaw tnaqqis industrijali; iħeġġeġ aktar appoġġ għat-tranżizzjoni industrijali, soċjali u ambjentali ta' dawn ir-reġjuni u jemmen li, biex jiġi indirizzat l-impatt potenzjalment negattiv tat-tranżizzjoni ta' industriji qodma bħall-azzar u l-aluminju u jingħata appoġġa lil industriji bħal dawn, ir-riżorsi tal-JTF II għandhom imorru lejn il-modernizzazzjoni tagħhom fejn possibbli, il-ħolqien ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti mfassla għall-ħtiġijiet ta' kull reġjun fi tranżizzjoni industrijali, it-trawwim ta' tkabbir immexxi mill-innovazzjoni u l-iżgurar li jinfirxu l-benefiċċji tat-tkabbir;

16. Jemmen li, filwaqt li xi reġjuni fi tranżizzjoni industrijali jiffaċċjaw sfidi speċifiċi bħad-deindustrijalizzazzjoni minħabba l-esternalizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali lejn ekonomiji emerġenti, livelli baxxi ta' produttività u nuqqas ta' strateġija reali għal impjiegi orjentati lejn il-futur, reġjuni oħra għandhom potenzjal relattivament qawwi, bħal tradizzjoni fil-manifattura u attivitajiet ta' innovazzjoni sofistikati fl-industriji speċjalizzati lokali; jinnota li reġjuni aktar industrijalizzati huma aktar reżiljenti għal diversi xokkijiet ekonomiċi u soċjali, u jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tiżviluppa politika ambizzjuża ta' reindustrijalizzazzjoni għar-reġjuni tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-produzzjoni u l-konsum lokali u reġjonali; jitlob, barra minn hekk, inizjattiva speċifika tal-UE b'appoġġ għar-reġjuni tal-Unjoni li għandhom rata baxxa ta' tkabbir u li huma ifqar u qed jiddevjaw kemm internament kif ukoll esternament mill-medja tal-UE, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-inizjattiva "Catching Up"; itenni l-bżonn ta' tfassil ta' politika bbażat fuq il-lokalità permezz ta' analiżi xierqa ta' xejriet ta' tkabbir baxx u l-għodod meħtieġa biex jiġu indirizzati;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

17. Jinnota li fl-2019 aktar minn kwart tal-popolazzjoni tal-UE kienet qed tgħix f'reġjun fejn il-PDG reali kien għadu ma reġax lura għal-livell ta' qabel il-kriżi finanzjarja fl-2007, partikolarment fil-Greċja, Ċipru, l-Italja u Spanja; jisħaq li dawn l-istess pajjiżi reġgħu ġew affettwati b'mod aktar sinifikanti mill-kriżi ekonomika u soċjali kkawżata mill-COVID-19;

18. Jenfasizza l-importanza li jingħata appoġġ liż-żoni rurali billi jiġu vvalutati d-diversità u l-potenzjal tagħhom, isir titjib fil-konnettività tat-trasport, il-broadband b'veloċità għolja, il-forniment ta' servizzi, id-diversifikazzjoni ekonomika u l-ħolqien tal-impjiegi, u jiġu megħjuna jirrispondu għal sfidi bħad-deżertifikazzjoni rurali, it-tixjiħ demografiku, id-depopolazzjoni u l-abbandun rurali, it-tnaqqis fil-komunitajiet b'mod ġenerali, inklużi ċ-ċentri tal-ibliet, u opportunitajiet insuffiċjenti ta' kura tas-saħħa u edukazzjoni, filwaqt li tiġi enfasizzata wkoll l-importanza ta' konnessjonijiet urbani-rurali fil-kuntest ta' żoni urbani funzjonali; jenfasizza partikolarment ir-rwol tendenzjalment prekarju tan-nisa żgħażagħ fiż-żoni rurali; huwa tal-fehma li l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tikkontribwixxi biex iż-żoni rurali jsiru aktar attraenti; jinnota li dawn il-miżuri kollha jgħinu wkoll biex l-ibliet li qed jikbru jindirizzaw l-isfidi li qed jiffaċċjaw;

19. Jisħaq fuq l-importanza ta' soluzzjonijiet ta' mobilità sostenibbli fl-UE kollha; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-mobilità intelliġenti u ekoloġika u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili bħala kontribut għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pakkett "Fit for 55"; jenfasizza l-importanza tal-Patt Ekoloġiku u l-pakkett "Fit for 55" u jinnota li l-investimenti fil-livell reġjonali u lokali huma essenzjali għas-suċċess tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-infiq relatat mal-klima u ssaħħaħ il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

20. Jenfasizza n-natura multidimensjonali tal-iżvilupp rurali, li tmur lil hinn mill-agrikoltura fiha nfisha; jinsisti fuq il-bżonn li jiġi implimentat mekkaniżmu ta' verifika rurali biex jiġi vvalutat l-impatt tal-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE fuq iż-żoni rurali; jinnota, madankollu, li 11,5 % biss tal-persuni li jgħixu f'żoni rurali jaħdmu fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd; jitlob, għalhekk, ir-reintegrazzjoni tal-FAEŻR fil-qafas strateġiku tar-RDK bħala fond separat; jenfasizza li l-appartenenza għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni ssaħħaħ il-possibbiltajiet u s-sinerġiji – permezz ta' approċċ integrat u b'diversi fondi – għal investimenti f'żoni rurali lil hinn mill-agrikoltura u għall-iżvilupp reġjonali; jenfasizza l-kontribut siewi għall-iżvilupp rurali mogħti mill-programm LEADER, li jfittex li jinvolvi l-atturi lokali fit-tfassil u t-twettiq tal-istrateġiji, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-iżvilupp taż-żoni rurali tagħhom;

21. Jitlob it-tisħiħ tal-Artikoli 174 u 349 tat-TFUE fil-politiki kollha tal-Unjoni sabiex jiġi promoss it-twettiq tal-objettivi stabbiliti fihom; jiddispjaċih li t-8 Rapport dwar il-Koeżjoni ma jagħtix attenzjoni partikolari lill-progress magħmul fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi u r-reġjuni transfruntiera; ifakkar fir-rwol fundamentali tal-politika ta' koeżjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi; jenfasizza l-importanza li jitfasslu programmi u miżuri mfassla apposta għal dawn ir-reġjuni u jenfasizza l-bżonn li jinżammu l-miżuri kollha mfassla speċifikament għalihom, peress li l-maġġoranza tar-reġjuni ultraperiferiċi għadhom fost ir-reġjuni l-inqas żviluppati u huma 6 mit-30 reġjun tal-UE bl-aktar PDG baxx per capita; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali dinamika sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi;

22. Huwa konvint li r-rwol tal-ibliet, l-irħula u l-villaġġi ż-żgħar għandu jissaħħaħ sabiex jiġu appoġġati l-ekonomiji lokali u jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi u klimatiċi; jafferma mill-ġdid l-importanza tar-rabtiet urbani-rurali u l-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq żoni funzjonali, b'attenzjoni partikolari għall-bliet żgħar u ta' daqs medju bil-għan li jiġi evitat it-tnaqqir ta' żoni rurali; jissottolinja l-importanza li jiġu implimentati approċċi territorjali mfassla apposta u li jsir investiment partikolarment fl-inizjattiva tal-irħula intelliġenti bil-għan li tingħata ħajja ġdida lis-servizzi rurali permezz tal-innovazzjoni diġitali u soċjali; jenfasizza l-importanza ta' sinerġiji bejn għodod ta' finanzjament differenti, bħall-FAEŻR, il-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, biex jiġi indirizzat livell adegwat ta' finanzjament lejn żoni rurali permezz ta' approċċ b'diversi fondi;

23. Itenni r-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-armonizzazzjoni u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien għal kulħadd fl-Unjoni kollha; jinnota, madankollu, li qed jitfaċċaw dejjem aktar żoni żvantaġġati u foqra, inkluż f'reġjuni u żoni aktar żviluppati; jissottolinja li, filwaqt li l-bliet huma muturi reġjonali ta' tkabbir u tranżizzjoni, u l-fatt li tgħix u taħdem fih iġib miegħu ħafna vantaġġi, konċentrazzjoni għolja tal-popolazzjoni u tkabbir tal-popolazzjoni ogħla mill-medja f'ċerti żoni urbani jista' jkollhom ukoll riperkussjonijiet fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, il-livelli ta' tniġġis u l-kwalità tal-ħajja;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tressaq proposta biex l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida ssir programm tal-UE għall-QFP ta' wara l-2027, b'baġit iddedikat abbażi ta' riżorsi ġodda li jipprovdi soluzzjonijiet għall-iżvilupp ta' żoni urbani sostenibbli u innovattivi; jemmen li l-awtoritajiet urbani għandu jkollhom aċċess dirett għall-fondi tal-UE fil-futur; itenni l-importanza ta' salvagwardji li jimpedixxu l-penalizzazzjoni inġusta tal-awtoritajiet reġjonali u lokali lokalizzati f'pajjiżi li jistgħu jkunu soġġetti għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt, u jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi modi kif tkun tista' twassal il-fondi direttament lill-benefiċjarji finali tagħhom;

24. Jenfasizza l-importanza li jissaħħaħ l-approċċ minn isfel għal fuq għall-iżvilupp rurali u lokali, li huwa mezz għall-innovazzjoni soċjali u l-bini tal-kapaċitajiet, u b'hekk iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa biex jieħdu s-sjieda tal-iżvilupp tal-inħawi tagħhom; jinsisti, għaldaqstant, li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll l-NGOs u ċ-ċittadini, jiġu inklużi bis-sħiħ fil-proċess deċiżjonali u tal-implimentazzjoni biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu indirizzati kif xieraq; jinnota li l-potenzjal li jeżisti fil-livell lokali jista' jiġi mobilizzat aħjar bit-tisħiħ u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD); huwa tal-fehma li s-CLLD għandu jkun obbligatorju għall-Istati Membri;

25. Jenfasizza li s-soċjetajiet u l-ekonomiji għandhom jisfruttaw il-potenzjal kreattiv tagħhom filwaqt li jindirizzaw l-isfidi li ġġib magħha t-tranżizzjoni lejn in-newtralità karbonika, bħal fil-każ ta' reġjuni industrijali qodma, li għandhom jużaw l-industrija kreattiva bħala katalist multidixxiplinari għall-proċessi ta' tranżizzjoni, filwaqt li jintegraw ideat mill-industriji kulturali u kreattivi fil-proċessi amministrattivi; jemmen li l-awtoritajiet maniġerjali jistgħu jgħinu lir-reġjuni industrijali l-qodma; jenfasizza, għalhekk, il-bżonn ta' appoġġ għall-kooperazzjoni multidixxiplinari; jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-kultura fil-politika ta' koeżjoni, li tgħin biex jiġu żgurati reġjuni vivaċi u tiżdied l-attraenza tagħhom, jitħeġġu l-iskambji kulturali, u jiġu promossi d-diversità u s-solidarjetà;

26. Jinnota bi tħassib l-isfidi demografiċi li qed tiffaċċja l-UE, speċjalment f'ċerti reġjuni, bħat-tixjiħ demografiku, id-depopolazzjoni taż-żoni rurali u remoti, il-pressjoni demografika fuq żoni oħra, bħaż-żoni kostali u urbani, kif ukoll il-flussi migratorji u l-wasla ta' rifuġjati; jinsisti fuq il-bżonn li jitħejja rispons immedjat għall-wasla tar-rifuġjati sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni rapida u faċli tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri, barra minn hekk, ifasslu u jimplimentaw miżuri speċifiċi biex jippromwovu t-taħriġ u l-impjieg, u jħarsu d-drittijiet fundamentali; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-NGOs huma essenzjali biex jiġu identifikati u vvalutati ħtiġijiet ta' investiment speċifiċi u servizzi bażiċi għall-mobilità u l-aċċessibbiltà territorjali fiż-żoni rurali u urbani u li dawn għandhom jaqdu rwol deċiżiv bħala parteċipanti attivi fl-iżvilupp ta' strateġiji territorjali ġġenerati mill-komunitajiet lokali; jenfasizza l-importanza li jiġi inkluż rispons baġitarju speċifiku għaż-żoni rurali, inkluż biex jitreġġgħu lura x-xejriet demografiċi negattivi fil-programmi rilevanti tal-UE;

27. Jenfasizza l-bżonn li tittejjeb l-artikolazzjoni bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-UE, filwaqt li jiġi evitat approċċ punittiv; jenfasizza li s-Semestru Ewropew għandu jirrispetta l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni skont l-Artikoli 174 u 175 tat-TFUE; jitlob il-parteċipazzjoni tar-reġjuni fit-twettiq ta' dawn l-objettivi u approċċ territorjali aktar b'saħħtu; jitlob li jinbeda proċess ta' riflessjoni dwar il-kunċett tal-kundizzjonalità makroekonomika u li tiġi esplorata l-possibbiltà li dan il-kunċett jiġi sostitwit b'forom ġodda ta' kundizzjonalità biex jiġu riflessi aħjar l-isfidi l-ġodda li għandna quddiemna; iqis li s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-UE, aggravata mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 u l-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna, titlob is-sospensjoni tal-Patt ta' Stabbiltà sal-2023 u r-reviżjoni tiegħu;

28. Josserva li xi reġjuni b'introjtu medju qed iħabbtu wiċċhom ma' "nassa ta' introjtu medju", u li sikwit ibatu minn popolazzjoni li qed tonqos u tixjieħ, industriji tal-manifattura f'diffikultà, rati baxxi ta' tkabbir, innovazzjoni, kompetittività, produttività u kwalità istituzzjonali u governattiva, nuqqas ta' progress lejn tranżizzjoni ġusta u vulnerabbiltà għax-xokkijiet ikkawżati mill-globalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-aggravar inkwetanti ta' din it-tendenza u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi serji biex jindirizzaw din l-isfida u jsibu soluzzjonijiet biex dawn ir-reġjuni ma jitħallewx jibqgħu lura fit-tul iżda, minflok, jingħataw appoġġ fl-iżvilupp tal-kwalitajiet speċifiċi tagħhom;

29. Jinnota li ħafna muturi tat-tkabbir għadhom ikkonċentrati f’reġjuni aktar żviluppati u f’żoni urbani; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li waħda mill-isfidi ewlenin tal-politika ta’ koeżjoni il jmiss se tkun li jingħata appoġġ xieraq lir-reġjuni sottożviluppati u li l-politika ta’ koeżjoni għandha tnaqqas id-disparitajiet u fl-istess waqt tevita li reġjuni vulnerabbli jaqgħu lura, filwaqt li tqis ix-xejriet u d-dinamika differenti u tipprovdi appoġġ baġitarju speċifiku għaż-żoni rurali, inkluż bit-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi negattivi fil-programmi rilevanti tal-UE;

30. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis kbir fil-fondi allokati f’dawn l-aħħar snin mill-Istati Membri lill-ifqar reġjuni tagħhom; ifakkar fl-importanza li jiġi rispettat il-prinċipju tal-addizzjonalità tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu kif xieraq il-koeżjoni interna fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta’ proġetti fl-ambitu tal-Fondi SIE;

31. Jenfasizza li r-reġjuni maqbudin fin-nassa tal-introjtu medju jew li qegħdin f’riskju li jinqabdu fiha għandhom karatteristiċi differenti u jeħtieġu soluzzjonijiet imfassla apposta biex tingħata spinta lill-investimenti f’edukazzjoni ta’ kwalità għolja, il-kapital uman, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-taħriġ tal-ħaddiema, is-servizzi soċjali u l-istrateġiji ta’ mitigazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddefinixxi dawn ir-reġjuni sabiex tifhem aħjar il-fatturi strutturali li jwasslu għan-nassa tal-introjtu medju, tappoġġahom permezz ta’ approċċ divrenzjat u bbażat fuq il-post u tallokalhom ammonti akbar mill-FSE+ fil-perjodu ta’ programmazzjoni li jmiss;

32. Huwa tal-fehma li s-simplifikazzjoni għandha tkun wieħed mill-muturi ewlenin tal-politika ta’ koeżjoni li jmiss; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevitaw li jqiegħdu piż amministrattiv addizzjonali fuq l-awtoritajiet maniġerjali u jfakkar fil-bżonn li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet reġjonali u lokali u għall-benefiċjarji; jistieden lill-Istati Membri jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda, jagħmlu programmi strateġiċi u konċiżi u dokumenti flessibbli, u jrendu l-ftehimiet ta’ finanzjament bejn l-awtorità maniġerjali u l-benefiċjarju għodda għas-simplifikazzjoni; jinkoraġġixxi li jitkompla l-użu ta’ għażliet ta’ spejjeż issimplifikati (SCOs), inkluż billi jogħlew il-limiti li taħthom l-użu ta’ tali SCOs għandu jkun obbligatorju; jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tal-koeżjoni elettronika; jissottolinja l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta’ monitoraġġ u rappurtar; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, ittejjeb it-trasparenza tar-regoli tal-awditjar tagħha u tespandi l-użu tal-prinċipju ta’ awditu uniku biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u l-verifika tal-ġestjoni tal-istess infiq; jemmen li r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet maniġerjali għandha tevolvi lejn “kuntratt ta’ fiduċja” mibni fuq l-iżvilupp u l-ħolqien ta’ kriterji oġġettivi, u jqis li hemm bżonn tiġi introdotta tikketta li tippremja lill-awtoritajiet maniġerjali li jkunu wrew il-kapaċità tagħhom li josservaw ir-regoli u jnaqqsu r-rata ta’ żball;

33. Huwa tal-fehma li ż-żamma ta’ allokazzjoni ta’ fondi xierqa u adatta fl-ambitu tal-Fond ta’ Koeżjoni hija partikolarment neċessarja għall-Istati Membri li għandhom defiċit kbir fl-infrastruttura tat-trasport u l-ambjent, dment li jkun hemm ġestjoni kondiviża tal-Fond;

34. Jemmen li l-politiki strutturali nazzjonali, reġjonali u tal-UE għandhom jimxu id f’id ma’ approċċ ibbażat fuq it-territorju sabiex jingħata kontribut għall-koeżjoni territorjali, jiġu indirizzati livelli differenti ta’ governanza, jiġu żgurati kooperazzjoni u koordinazzjoni, u jiġi sfruttat il-potenzjal uniku tar-reġjuni, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-bżonn ta’ soluzzjonijiet imfassla apposta; jemmen, barra minn hekk, li l-politika ta’ koeżjoni għandha tkun orjentata aktar lejn l-investiment fin-nies, billi l-ekonomiji reġjonali jistgħu jingħataw spinta permezz ta’ taħlita effettiva ta’ investimenti fl-innovazzjoni, fil-kapital uman, fil-governanza tajba u fil-kapaċità istituzzjonali;

35. Jinnota li l-kooperazzjoni territorjali Ewropea hija wieħed mill-objettivi ewlenin tal-politika ta’ koeżjoni; jenfasizza l-valur miżjud tal-kooperazzjoni territorjali b’mod ġenerali u l-kooperazzjoni transfruntiera b’mod partikolari; josserva li r-reġjuni tal-fruntiera kienu partikolarment affettwati mill-pandemija u li l-irkupru tagħhom għandu t-tendenza li jkun aktar bil-mod minn dak ta’ reġjuni metropolitani; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza li jitneħħew l-ostakli għall-kooperazzjoni transfruntiera u jenfasizza li l-Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew (ECBM) propost mill-Kummissjoni kien jgħin biex jitneħħew aktar minn 50 % tal-ostakli eżistenti; jiddeplora profondament l-iffriżar tal-proċess leġiżlattiv relatat mal-ECBM min-naħa tal-Kunsill; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa, inkluża t-tnedija mill-ġdid tal-ECBM, biex din il-kooperazzjoni ssir aktar dinamika u effettiva għall-benefiċċju taċ-ċittadini; jenfasizza l-importanza ta’ aktar finanzjament għal Interreg b’appoġġ għall-kooperazzjoni tar-reġjuni bejn il-fruntieri; jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta’ proġetti fuq skala żgħira u transfruntiera li jlaqqgħu lin-nies flimkien; jenfasizza l-importanza tal-investimenti transfruntiera f’termini ta’ titjib fl-innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija, soluzzjonijiet komuni u sinerġiji;

36. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-investimenti f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja fil-bini tar-reżiljenza soċjali u l-indirizzar tal-kriżijiet ekonomiċi, sanitarji u soċjali;

37. Jinnota li r-riforma tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu finanzjarju 2021-2027 ikkontribwiet għal aktar simplifikazzjoni u flessibbiltà fl-użu tal-fondi min-naħa tal-benefiċjarji u l-awtoritajiet maniġerjali; jilqa' l-flessibbiltà proposta mill-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+), li wrew li l-politika ta' koeżjoni hija għodda eċċellenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi; ifakkar, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni hija politika ta' investiment fit-tul u għalhekk għandu jinħoloq mekkaniżmu ddedikat ta' rispons għall-kriżijiet fl-ambitu tal-QFP li jmiss; jistieden lill-Kummissjoni tistħarreġ l-effetti prattiċi tal-miżuri ta' simplifikazzjoni u tippromwovi aktar simplifikazzjoni, inkluż fl-għamla ta' soluzzjonijiet diġitali, flessibbiltà u parteċipazzjoni taċ-ċittadini; jitlob lill-Istati Membri, għalhekk, jgħinu lill-benefiċjarji, speċjalment lill-benefiċjarji ta' proġetti fuq skala żgħira, jagħtu l-appoġġ tagħhom għal inizjattivi privati bħala ġeneraturi tal-impjiegi u r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u jqarrbu l-politika ta' koeżjoni lejn iċ-ċittadini kollha tal-UE;

38. Jenfasizza li r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jistabbilixxi r-rispett għall-istat tad-dritt bħala kundizzjoni għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni; iqis li hemm bżonn jissaħħaħ ir-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tistabbilixxi modi li permezz tagħhom tiżgura li ċ-ċittadini tal-Istati Membri li għalihom ikun skatta l-Artikolu 7(1) tat-TFUE ma jiġux imċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi tal-UE minħabba l-azzjonijiet tal-gvernijiet tagħhom, u li l-awtoritajiet reġjonali u lokali ta' dawn l-Istati Membri ma jiġux penalizzati f'każ li jkun ġie attivat il-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt; jistenna li l-Kummissjoni, għalhekk, tqis bis-sħiħ l-aspetti tal-istat tad-dritt tul il-proċess kollu tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni;

39. Jistieden lill-Istati Membri jniedu strateġiji kuraġġużi biex jiftħu l-bibien għal investiment pubbliku u privat fit-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u demografika b'tali mod li jirristrutturaw il-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħhom b'mod pożittiv għas-soċjetà;

40. Jinkoraġġixxi tnaqqis fl-għadd ta' korpi intermedji involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi ta' koeżjoni billi jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kompetenzi tal-korpi intermedji ta' daqs kritiku u, fejn possibbli, jiġu identifikati one-stop shops għall-benefiċjarji;

41. Jisħaq fuq il-bżonn li jinħoloq qafas li jiggarantixxi l-istabbiltà legali b'regoli sempliċi, ċari u prevedibbli, partikolarment fir-rigward tal-ġestjoni u l-awditjar; jitlob li, kemm jista' jkun, tiġi evitata kwalunkwe applikazzjoni u interpretazzjoni retrospettiva tar-regoli; jissuġġerixxi t-tnedija ta' proċess ta' riflessjoni dwar il-limitu tar-rata ta' żball totali għal kull sena li taħtha s-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm titqies li tkun qed tiffunzjona b'mod effettiv u l-kapaċità tal-awtoritajiet maniġerjali li jirrispettaw din id-dispożizzjoni tar-regolament mingħajr ma jippenalizzaw lill-benefiċjarji; huwa tal-fehma li dan il-limitu għandu jiżdied għal 5 %;

42. Jiddispjaċih li l-SDGs tan-NU bħal donnhom tilfu l-pass fin-narrattiva tal-UE, partikolarment fir-rigward tal-effetti tal-mitigazzjoni tal-kriżijiet, u dan qed jipperikola l-possibbiltà li jiġu implimentati sal-2030; jinkoraġġixxi li titkompla l-mobilizzazzjoni qawwija ta' fondi mill-politika ta' koeżjoni tal-UE f'termini ta' għajnuna għall-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell reġjonali u lokali, pereżempju fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li aspetti ta' ugwaljanza u inklużjoni għandhom jissaħħu anke iżjed fl-iżvilupp reġjonali; ifakkar fl-importanza tal-integrazzjoni tas-sessi fil-politika ta' koeżjoni u jenfasizza r-rwol speċifiku tan-nisa, partikolarment f'żoni rurali remoti, li għandhom rwol ewlieni fis-soċjetà ċivili u fit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u fl-istess ħin jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għas-suq tax-xogħol kif ukoll għal pagi ugwali u servizzi pubbliċi bħas-saħħa u l-kura tat-tfal;

43. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għaż-żieda fil-baġit allokat għall-perjodu 2021-2027 għall-politika ta' koeżjoni l-ġdida li, pari passu ma' enfasi qawwija fuq azzjonijiet intelliġenti, ekoloġiċi u soċjali, se tipprovdi biżżejjed kunfidenza għal proġetti innovattivi ġodda; jitlob koordinazzjoni b'saħħitha bejn dawn il-fondi u l-programmi u l-azzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

44. Jenfasizza li l-investiment fin-nies huwa kruċjali biex jgħinhom jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, jinkoraġġixxi l-kreattività tagħhom u jistimula l-innovazzjoni, u li ċertament il-volontarjat jista' jikkontribwixxi għalih; jemmen li għandhom jiġu ppreservati jew jinħolqu impjiegi ta' kwalità u mħallsin tajjeb, flimkien ma' taħriġ (u taħriġ mill-ġdid) sabiex jiġi miġġieled il-faqar u titħeġġeġ l-integrazzjoni tal-migranti u r-rifuġjati, filwaqt li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

45. Jenfasizza l-importanza li jitħares il-prinċipju tas-sħubija fil-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ kollu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE u li tiġi stabbilita kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-NGOs u partijiet ikkonċernati oħra; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tkun aktar attiva fil-protezzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni mit-theddid li ġej minn pressjoni fuq id-demokrazija u l-valuri tagħha f'ċerti Stati Membri;

46. Ifakkar li l-impatt tal-Brexit ikkontribwixxa għal tfixkil fl-ekonomija, fil-kooperazzjoni interreġjonali, fl-ekosistemi tar-riċerka u fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tar-reġjuni tal-UE; jistieden lil dawk kollha involuti jkomplu jgħinu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali li qed ibatu mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE; iqis li kwalunkwe riflessjoni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027 titlob li jkomplu jitqiesu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali permanenti tal-Brexit fuq ir-reġjuni tal-UE; jistieden ukoll lill-Gvern tar-Renju Unit jiffinanzja l-parteċipazzjoni tal-pajjiż fil-programmi Interreg;

47. Ifakkar li l-Artikolu 175 tat-TFUE jgħid li l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kull tliet snin; iqis li l-impatt ikkombinat tal-kriżi tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna jrid jiġi vvalutat fid-dettall fid-9 Rapport dwar il-Koeżjoni sa mhux aktar tard minn Mejju 2025;

48. Jitlob aċċess aħjar għall-finanzjament biex ikunu jistgħu jsiru investimenti fit-tranżizzjoni tal-enerġija lokali, inkluż f'termini ta' effiċjenza enerġetika, distribuzzjoni deċentralizzata tal-enerġija u enfasi qawwija fuq sorsi rinnovabbli; jenfasizza l-bżonn, f'dan il-kuntest, li l-politika ta' koeżjoni tappoġġa r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija sabiex jiġu ffrankati r-riżorsi u tiġi żgurata akkomodazzjoni għal kulħadd; jenfasizza l-bżonn, barra minn hekk, li binjiet storikament u soċjoekonomikament sinifikanti jiġu ppreservati u ttrasformati;

49. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li l-infiq pubbliku fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni min-naħa tal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-ambitu tal-Fondi SIE ma jitqiesx bħala nefqa strutturali nazzjonali jew ekwivalenti kif definit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, speċjalment jekk dan l-infiq ma jiddevjax mit-twettiq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;

50. Jissottolinja li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom ikunu allinjati għall-politiki tal-UE sabiex il-programmi tal-politika ta' koeżjoni li jridu jsegwu r-regoli kollha dwar l-għajnuna mill-Istat ma jitpoġġewx f'pożizzjoni żvantaġġata meta mqabbla ma' politiki oħra tal-UE li huma eżentati minnha; jitlob, barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' preżunzjoni ta' konformità mar-reġim tal-għajnuna mill-Istat, fejn possibbli, sabiex il-politiki ta' investiment tal-UE jitqiegħdu kollha fuq l-istess livell u tiġi evitata l-kompetizzjoni bejniethom;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jagħmlu sforzi biex isaħħu l-komunikazzjoni u l-viżibilità billi jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' importanza strateġika u sejħiet għal proposti imminenti; jilqa' t-tnedija tad-database l-ġdida Kohesio u jitlob li s-sit ikun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE malajr kemm jista' jkun; jenfasizza li Kohesio għandha tipprovdi data dwar il-proġetti ta' koeżjoni u territorjali kollha, inklużi dawk relatati mal-iżvilupp rurali, kofinanzjati mill-FAEŻR u l-programm Leader, u tippermetti lill-utenti jfittxu proġetti relatati mal-oqsma tematiċi tagħhom bil-għan li tiġi pprovduta pjattaforma li tikkondividi prattiki tajba u tippromwovi proġetti ta' eċċellenza;

52. Jenfasizza li politiki oħra tal-UE jistgħu jimminaw il-koeżjoni; jilqa' l-fehma tal-Kummissjoni, għalhekk, li l-politiki orizzontali għandhom jinkorporaw il-mekkaniżmu tal-verifika reġjonali u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-impatt ta' politiki oħra fuq l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni;

53. Jenfasizza li l-infiq tal-politika ta' koeżjoni, bħal kif inhu l-każ bl-infiq kollu tal-UE, jista' jkun soġġett għal attivitajiet irregolari, marbuta ma' korruzzjoni u frodi; jitlob finanzjament u persunal adegwati għall-aġenziji u l-korpi rilevanti, partikolarment l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet tagħhom kif xieraq u jirkupraw fondi użati ħażin; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni fil-fond biex tevita kwalunkwe abbuż ta' fondi tal-UE u kull ksur tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali qabel ma tapprova kwalunkwe ftehim ta' sħubija u programm fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni;

54. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni REPowerEU tinkludi possibbiltajiet akbar għat-trasferiment ta' allokazzjonijiet baġitarji għall-RRF mill-politika ta' koeżjoni; jissottolinja li aktar minn EUR 100 biljun f'riżorsi tal-politika ta' koeżjoni se jiġu investiti fit-tranżizzjoni tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni u sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2030; jitlob, għalhekk, aċċelerazzjoni fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

55. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva u armonizzata fil-livell tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjan ta' kontinġenza biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari fi żminijiet ta' kriżi, kif spjegat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett (COM(2021)0689);

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0327

## Ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE: laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea (2021/2202(INI))**

(2023/C 125/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 162, 174, 175, 176, 177, 178 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([1]) (id-'Direttiva dwar il-Ħabitats'),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ([3]) (id-Direttiva dwar l-Għasafar),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([4]),

— wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-8 ta' Frar 2017 bit-titolu "Il-konnessjonijiet neqsin fit-trasport fir-reġjuni tal-fruntiera" ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2017 bit-titolu "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE" (COM(2017)0534),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2018 dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (il-mekkaniżmu transfruntier Ewropew)(COM(2018)0373).

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-ekonomija ċirkolari ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE ([7]),

([1]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([2]) ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.
([3]) ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([5]) ĠU C 207, 30.6.2017, p. 19.
([6]) ĠU C 28, 27.1.2020, p. 40.
([7]) ĠU C 433, 23.12.2019, p. 24.

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kummissjoni tat-3 ta’ April 2020 dwar l-Assistenza ta’ Emerġenza tal-UE fil-Kooperazzjoni Transkonfinali fil-Kura tas-Saħħa relatata mal-kriżi tal-COVID-19 (C(2020)2153),

— wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea mit-22 ta’ Lulju sal-11 ta’ Ottubru 2020 dwar l-eliminazzjoni tal-ostakli transfruntiera ([8]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Settembru 2020 bit-titolu ”Il-Kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 (COM(2020)0625),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2020/2228 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Diċembru 2020 dwar is-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021) ([9]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-5 ta’ Frar 2021 bit-titolu “Servizzi pubbliċi transkonfinali fl-Ewropa” ([10]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Ġunju 2021 bit-titolu “Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ” (COM(2021)0277).

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta’ Koeżjoni ([11]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta’ finanzjament estern ([12]) (“Regolament dwar l-Interreg”),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Lulju 2021 bit-titolu “Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea” (COM(2021)0393),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) bit-titolu “It-Tibdil fil-Klima 2021: Il-bażi tax-xjenza fiżika. Kontribut tal-Grupp ta’ Ħidma I għas-Sitt Rapport ta’ Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima”, ippubblikat fis-7 ta’ Awwissu 2021 ([13]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit ([14]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-29 ta’ Ottubru 2021 bit-titolu “Viżjoni għall-Ewropa: il-futur tal-kooperazzjoni transfruntiera” ([15]),

([8]) https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/consultations/border-2020/
([9]) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 108.
([10]) ĠU C 106, 26.3.2021, p. 12.
([11]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.
([12]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94.
([13]) https://www.ipcc.ch/report/sixth-assessment-report-working-group-i/ https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg1/downloads/report/IPCC_AR6_WGI_Full_Report.pdf.
([14]) ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.
([15]) ĠU C 440, 29.10.2021, p. 6.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra t-tliet pubblikazzjonijiet tematiċi tal-Kummissjoni u tal-Assoċjazzjoni tar-Reġjuni tal-Fruntiera Ewropej tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar l-ostakli u s-soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE, bit-titolu "More and better cross-border public services" ([16]) (Iktar servizzi pubbliċi transfruntiera u aħjar), "Vibrant cross-border labour market" ([17]), u "Border regions for the European Green Deal" ([18]) (Ir-reġjuni tal-fruntiera għall-Patt Ekoloġiku Ewropew),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Assoċjazzjoni tar-Reġjuni mal-Fruntieri Ewropej tad-9 ta' Diċembru 2021 "B-solutions: "B-solutions: Solving Border Obstacle (B-solutions: Is-soluzzjoni ta' Ostakli fuq il-Fruntieri. A Compendium 2020-2021" ([19]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (COM(2021)0891),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-IPCC tal-4 ta' April 2022 bit-titolu: "Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change" (It-Tibdil fil-Klima tal-2022: Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0222/2022),

A. billi l-Unjoni Ewropea u l-ġirien immedjati tagħha fi ħdan l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) għandhom 40 fruntiera interna fuq l-art u reġjuni tal-fruntieri interni, u billi dawn ir-reġjuni jkopru 40 % tat-territorju tal-UE, jirrappreżentaw 30 % tal-popolazzjoni tal-UE, jipproduċu kważi terz tal-PDG tal-UE u għandhom potenzjal sinifikanti biex jagħtu spinta akbar lill-ekonomiji tagħha;

B. billi r-reġjuni tal-fruntieri, b'mod partikolari dawk b'densità baxxa ta' popolazzjoni u, b'mod partikolari, iż-żoni rurali, għandhom it-tendenza li jesperjenzaw kundizzjonijiet ta' żvilupp anqas favorevoli u ġeneralment jiksbu riżultati ekonomiċi inqas tajbin minn reġjuni oħra fl-Istati Membri, u billi l-potenzjal ekonomiku tagħhom mhuwiex sfruttat kompletament;

C. billi minkejja l-isforzi li saru, diversi ostakli amministrattivi, lingwistiċi u legali għadhom jippersistu u jfixklu t-tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni bejn u fi ħdan ir-reġjuni tal-fruntieri; billi hija meħtieġa kooperazzjoni akbar u aktar profonda bejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri ġirien; billi r-reġjuni tal-fruntieri jibbenefikaw minn strument legali supranazzjonali li kapaċi jaħrab il-konsegwenzi negattivi li jafu jirriżultaw minn azzjonijiet ta' Stati Membri li jifframmentaw is-Suq Uniku;

D. billi huwa rikonoxxut li approċċ veru minn isfel għal fuq fil-politika ta' koeżjoni Ewropea għadu jeħtieġ li jiġi msaħħaħ u li l-istituzzjonijiet u l-atturi li huma qrib taċ-ċittadini, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali, għandhom jiġu fdati b'ġestjoni aktar diretta ta' fondi mill-baġit tal-politika ta' koeżjoni tal-UE; billi proġetti fuq skala żgħira u transfruntiera għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward biex ilaqqgħu lin-nies, u billi jagħmlu hekk jiftħu opportunitajiet ġodda għal żvilupp lokali sostenibbli u kooperazzjoni transfruntiera;

E. billi ċerti setturi jiffaċċjaw ostakli speċifiċi ħafna li jkunu jeħtieġu koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE, bħas-setturi tal-inbid u l-ispirti, li huma soġġetti għal piżijiet amministrattivi kbar sabiex jiġu kummerċjalizati jitqiegħdu fis-suq fil-pajjiżi ġara; billi soluzzjonijiet prattiċi, bħall-aċċess għall-punti uniċi ta' servizz, iridu jkunu aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi fejn possibbli;

([16]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacoma, A., Cordes, C., et al., More and better cross-border public services: obstacles and solutions to cross-border cooperation in the EU (Iktar servizzi pubbliċi transfruntiera u aħjar: ostakli u soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2776/912236

([17]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacoma, A., Cordes, C., et al., Vibrant cross-border labour markets: obstacles and solutions to cross-border cooperation in the EU (Swieq tax-xogħol transfruntiera vibranti: ostakli u soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2776/094950

([18]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacoma, A., Cordes, C., et al., "Border regions for the European Green Deal: obstacles and solutions to cross-border cooperation in the EU" (Reġjuni tal-fruntiera għall-Patt Ekoloġiku Ewropew: ostakli u soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE", Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2776/475773

([19]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacoma, A., Cordes, C., et al., B-solutions, solving border obstacles: a compendium 2020-2021, (B-solutions, insolvu l-ostakli fil-fruntieri: kompendju 2020-2021), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2776/625110

F. billi l-pandemija tal-COVID-19 għamlet dawk l-ostakli aktar diffiċli biex jiġu megħluba, u billi, fuq bażi ta' kuljum, ħaddiema transfruntiera jiffaċċjaw sitwazzjoni li fiha regoli tas-saħħa differenti u kontroproduttivi jiġu stabbiliti fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera;

G. billi l-għeluq tal-fruntieri nazzjonali minħabba l-pandemija tal-COVID-19 żvela l-vulnerabbiltà u l-interdipendenza uniċi tar-reġjuni transfruntiera tal-Ewropa; billi t-tfixkil tal-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi, persuni u tagħmir mediku essenzjali rriżulta f'konsegwenzi ekonomiċi detrimentali;

H. billi l-għeluq temporanju tas-servizzi pubbliċi u tal-kura tas-saħħa transfruntiera hedded l-għajxien tal-ħaddiema transfruntiera u rriżulta fi tbatija finanzjarja għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fir-reġjuni tal-fruntiera; billi l-kriżi tal-COVID-19 kienet responsabbli għall-emerġenza ta' sfidi legali u amministrattivi ġodda fir-reġjuni tal-fruntiera, bħat-telexogħol, u billi t-telehaddiema jiffaċċjaw kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni soċjali u l-liġijiet tat-taxxa;

I. billi l-pandemija tal-COVID-19 wasslet ukoll għal atti notevoli ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri ġirien, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak lokali;

J. billi xi reġjuni tal-fruntieri qed jiffaċċjaw sfidi infrastrutturali kritiċi bla preċedent relatati mal-kriżi tar-rifuġjati kkawżata mill-aggressjoni militari li għaddejja bħalissa tar-Russja fl-Ukrajna; billi s-sitwazzjoni l-ġdida ta' wara l-COVID-19 tikkontribwixxi wkoll għall-vulnerabbiltà tagħhom;

K. billi l-fruntieri nazzjonali għadhom ta' spiss ħafna jifframmentaw it-territorji naturali, u b'hekk jagħmlu l-protezzjoni u l-ġestjoni tagħhom inqas effettivi, speċjalment meta jitqies il-fatt li japplikaw oqfsa legali differenti;

L. billi t-tluq tal-massa mir-reġjuni tal-fruntieri, speċjalment min-naħa taż-żgħażagħ u l-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, juri n-nuqqas ta' opportunitajiet ekonomiċi f'reġjuni bħal dawn u jagħmilhom saħansitra inqas attraenti f'termini ta' impjiegi u żvilupp ekonomiku sostenibbli; billi hemm nuqqas ta' opportunitajiet ta' tagħlim tal-lingwi, kif ukoll nuqqas ta' inizjattivi li jqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji għar-residenti tal-fruntieri tat-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ġar; billi mhux id-dokumenti amministrattivi kollha ġew tradotti fil-lingwa tal-Istati Membri tal-fruntiera; billi l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jirrimedjaw dik is-sitwazzjoni u l-Kummissjoni għandha tagħtihom parir f'dak il-proċess;

M. billi bir-Regolament Interreg 2021-2027 il-ġdid ir-reġjuni tal-fruntieri issa għandhom qafas ċar ta' appoġġ finanzjarju għal governanza transfruntiera msaħħa sabiex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku, jinħolqu azzjonijiet ambjentali komuni u jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima;

N. billi l-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 għadha lura, u dan idgħajjef l-allokazzjoni ta' riżorsi vitali fit-territorji fil-bżonn;

O. billi kooperazzjoni transfruntiera frammentata u insuffiċjenti tista' twassal għal vulnerabbiltà akbar għad-diżastri naturali u avvenimenti estremi tat-temp fir-reġjuni tal-fruntieri;

P. billi l-UE hija magħmula wkoll minn reġjuni transfruntiera marittimi bħall-gżejjer fil-Mediterran u reġjuni ultraperiferiċi fl-Oċean Atlantiku u fl-Oċean Indjan; billi l-pożizzjoni ġeografika remota ta' uħud mill-gżejjer Ewropej, flimkien mal-kundizzjoni tagħhom bħala reġjuni tal-fruntieri, jesponuhom għal taħlita ta' restrizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u fl-oqsma tat-trasport u l-kura tas-saħħa, u dan ifixkel bil-kbir il-potenzjal tat-tkabbir tagħhom;

Q. billi huwa rikonoxxut li l-vulnerabbiltà unika tar-reġjuni tal-fruntieri tirrikjedi bidliet fil-metodi ta' finanzjament fir-reġjuni tal-fruntieri sabiex finalment jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għar-reġjuni tal-fruntieri fil-konfront tal-art tal-qalba; Billi, barra minn hekk, huwa rrakkomandat li dawn il-bidliet jinkludu t-tnaqqis ta' "borderland billion" aġġustat għall-inflazzjoni mill-baġit ta' koeżjoni tal-Unjoni u li dan jiġi riżervat speċifikament għar-reġjuni tal-fruntiera;

R. billi huwa stmat li l-adozzjoni tal-proposta għal regolament tal-mekkaniżmu transfruntier Ewropew (ECBM), ippubblikat f'Mejju 2018 mill-Kummissjoni fuq rakkomandazzjoni tal-Presidenza Lussemburgiża tal-Kunsill, kienet tgħin biex jingħelbu mill-inqas 30 %, u x'aktarx anke 50 %, tal-ostakli rikonoxxuti għall-kooperazzjoni transfruntiera;

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

1. Jilqa’ l-komunikazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni fl-2021 intitolata “Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-Integrazzjoni Ewropea”, li tinkludi informazzjoni dettaljata dwar l-ostakli li jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntieri fl-UE;

***Karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntieri***

2. Jirrimarka li l-Artikolu 174 TFUE jirrikonoxxi l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntieri u jiddikjara li l-UE għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk ir-reġjuni meta tieħu azzjoni biex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE.

3. Jenfasizza li l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntiera, b’mod partikolari dawk bi fruntieri marittimi biss, bħala fruntieri speċifiċi bil-ħtiġijiet tagħhom stess, kif ukoll iż-żoni rurali u b’densità baxxa, ivarjaw minn reġjun għal ieħor skont iċ-ċirkostanzi legali, amministrattivi, lingwistiċi, kulturali, soċjoekonomiċi, ambjentali, demografiċi u ġeografiċi li japplikaw fir-reġjun ikkonċernat; jenfasizza l-ħtieġa ta’ użu effettiv u koordinazzjoni akbar tal-fondi tal-UE biex jiġi żgurat approċċ aktar komprensiv għall-isfidi msemmija qabel; jappella għall-involviment tal-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali u approċċi mfassla apposta li jkunu integrati, imfassla apposta u speċifiċi għar-reġjun, bħala parti minn qafas ta’ governanza f’diversi livelli; jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar l-isfidi li jiffaċċjaw xi reġjuni tal-fruntieri marbuta mal-aggressjoni kontinwa tar-Russja fl-Ukrajna;

4. Jirrakkomanda inizjattiva tal-UE li tipprovdi korsijiet tal-lingwa għal-lingwi tal-pajjiżi ġara bi prezz baxx għall-parteċipanti fir-reġjuni NUTS-3 kollha li t-territorju tagħhom għandu konfini ma’ Stat Membru ġar; iħeġġeġ sabiex din l-inizjattiva tal-UE tkun ukoll inkarigata li tqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji tat-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ġar;

5. Jisħaq li piżijiet sproporzjonati, bħall-iżvantaġġi strutturali inerenti ffaċċjati mir-reġjuni tal-fruntieri kollha għandhom jiġu kkumpensati b’reġim separat għall-għajnuna reġjonali mfassla speċifikament għar-reġjuni tal-fruntieri;

6. Jitlob li 0,26 % tal-baġit tal-politika ta’ koeżjoni tal-UE jkun allokat esklużivament għall-iżvilupp tar-reġjuni tal-fruntieri fil-bidu ta’ kull perjodu ta’ programmazzjoni ġdid, li jibda mill-perjodu 2028-2034 (“borderland billion”); jissuġġerixxi wkoll li fejn dawn il-fondi ma jintużawx fir-reġjuni tal-fruntiera, l-ammont li jifdal għandu jerġa’ lura għall-baġit ta’ koeżjoni tal-UE;

7. Jissuġġerixxi li l-“borderland billion” jiġi fdat lir-Raggruppamenti Ewropej ta’ Kooperazzjoni Territorjali (EGTCs) jew lil reġjuni tal-fruntieri fejn jeżistu strutturi komparabbli; jappella sabiex l-EGTCs jew l-istrutturi komparabbli jingħataw livell għoli ta’ awtonomija fir-rigward tal-użu tal-fondi u l-għażla tal-proġetti;

8. Jitlob li l-Istati Membri jneħħu l-ostakli eżistenti u jippermettu lill-EGTCs livell ogħla ta’ awtonomija fir-rigward tal-għażla tal-proġetti u l-użu tal-fondi, b’mod partikolari billi jidentifikaw l-EGTCs bħala awtoritajiet ta’ ġestjoni tal-programmi Interreg f’konformità mal-Artikolu 45(4) tar-Regolament Interreg, filwaqt li jsaħħu l-kapaċità istituzzjonali u finanzjarja tal-EGTCs f’konformità mal-Artikolu 14(4) tar-Regolament Interreg jew jaħtru EGTCs bħala benefiċjarji li jimmaniġġjaw fondi għal proġetti żgħar, f’konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament Interreg; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni toħloq inċentivi għall-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-għażliet ta’ hawn fuq biex jagħtu rwol aktar sostanzjali lill-EGTCs sabiex verament jimplimentaw l-objettiv ta’ politika 5 tal-politika ta’ koeżjoni tal-UE għall-2021-2027: Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini;

9. Jirrakkomanda li jsiru bidliet fil-Linji Gwida tal-UE dwar l-Għajnuna Reġjonali; jissuġġerixxi li, peress li inqas minn nofs il-popolazzjoni totali tal-UE tista’ tirċievi għajnuna reġjonali fl-istess ħin, ir-reġjuni tal-fruntieri jingħataw prijorità fil-qafas ta’ din ir-regola;

***Reżiljenza permezz ta’ kooperazzjoni istituzzjonali aktar profonda;***

10. Jilqa’ l-progress li sar s’issa mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tagħha tal-2017, b’mod partikolari permezz tal-inizjattiva “b-solutions”, li pprovdiet appoġġ legali u amministrattiv lill-awtoritajiet tar-reġjuni tal-fruntieri u li jiġu rriżolti 90 każ ta’ ostakli għall-interazzjonijiet, iżda wkoll permezz ta’ appoġġ għall-iffaċilitar tal-aċċess għall-impjiegi, il-promozzjoni tal-multilingwiżmu transfruntier u l-ġbir flimkien tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa;

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

11. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost ir-reġjuni transfruntiera dwar il-possibbiltà li jirċievu appoġġ mill-Kummissjoni fl-ambitu tal-inizjattiva b-solutions; jissottolinja li l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar b-solutions ta’ suċċess tista’ tikkontribwixxi biex issolvi u tipprevjeni l-emerġenza ta’ ostakli amministrattivi u legali ġodda;

12. Jissottolinja, madankollu, li b-solutions waħedhom ma jistgħux jirrappreżentaw rispons xieraq u effettiv għall-ostakli legali u amministrattivi li jaffettwaw ir-reġjuni tal-fruntieri;

13. Jirrikonoxxi l-importanza tar-rwol li jiżvolġu l-makroreġjuni, l-Ewroreġjuni, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ u l-assoċjazzjonijiet fil-promozzjoni tal-interess kollettiv u fil-qasam tal-kooperazzjoni transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tibda valutazzjoni fil-fond ta’ Strateġiji makroreġjonali, bl-għan li tevalwa il-koerenza tagħhom mal-prijoritajiet ambjentali u diġitali mġedda tal-UE;

14. Jirrimarka li, minkejja l-isforzi li saru, għadhom jeżistu diversi ostakli amministrattivi, legali u lingwistiċi, u dawn ifixklu t-tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni bejn u fi ħdan ir-reġjuni tal-fruntieri;

15. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-ostakli li jxekklu l-kooperazzjoni transfruntiera huma ta’ natura legali, li jirriżultaw minn liġijiet nazzjonali diverġenti jew liġijiet ġenerali tal-UE; ifakkar, għalhekk, li fl-2018 il-Kummissjoni ħarġet proposta għal regolament dwar mekkaniżmu transfruntier Ewropew (ECBM) (COM(2018)0373);

16. Jirrimarka li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi huwa kruċjali għall-popolazzjoni ta’ 150 miljun ruħ taż-żoni transfruntiera interni, u ta’ spiss jiġi mxekkel minn bosta ostakli legali u amministrattivi; Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmassimizzaw l-isforzi tagħhom biex ineħħu dawn l-ostakli, speċjalment meta jkunu relatati mas-servizzi tas-saħħa, it-trasport, l-edukazzjoni, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-ambjent;

17. Jissottolinja li l-ECBM, kif propost mill-Kummissjoni, kien jikkontribwixxi biex jelimina aktar minn 50 % ta’ dawn l-ostakli, b’mod partikolari fir-rigward tan-nuqqas ta’ trasport pubbliku transfruntier u l-aċċess limitat għas-servizzi tal-impjieg, tal-edukazzjoni, tal-kultura u tad-divertiment; jiddeplora, f’dan ir-rigward, l-iffriżar mill-Kunsill tal-proċess leġiżlattiv relatat mal-ECBM; ifakkar li dan il-mekkaniżmu għandu l-għan li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni transfruntiera fuq proġetti konġunti f’oqsma differenti (infrastruttura, kura tas-saħħa, xogħol, eċċ.) billi jippermetti lil wieħed minnhom japplika d-dispożizzjonijiet legali tal-Istat Membru ġar jekk l-applikazzjoni tal-liġijiet proprji tiegħu tippreżenta ostakli legali;

18. Jinnota li l-proposta tal-ECBM kienet appoġġjata minn maġġoranza kbira fil-Parlament fi Frar 2019, u matul id-dibattitu fil-plenarja wara l-mistoqsija orali lill-Kunsill f’Ottubru 2021; ifakkar li l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari dwar dan ir-regolament kienet tinkludi formulazzjonijiet speċifiċi li kienu jiżguraw l-applikazzjoni volontarja tiegħu, u b’hekk itaffi t-tħassib tal-Istati Membri;

19. Jistieden lill-Kummissjoni temenda l-proposta attwali filwaqt li tqis il-konklużjonijiet tas-servizzi legali tal-Kunsill u tal-Parlament, bil-ħsieb li tfittex bilanċ bejn il-pożizzjonijiet rispettivi tal-koleġiżlaturi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din il-proposta tqis it-tisħiħ tar-reġjuni transfruntiera, billi jiġi antiċipat id-dannu li jista’ jiġi previst fir-reġjuni li se jkunu milquta l-iktar mill-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tibda n-negozjati mal-Istati Membri sabiex tikseb mill-aktar fis l-approvazzjoni ta’ sistema biex jingħelbu l-ostakli legali jew amministrattivi fil-fruntieri, bil-għan li tiffaċilita l-ħajja ta’ dawk li jgħixu fir-reġjuni transfruntieri;

20. Jilqa’ l-adozzjoni tal-proġett pilota Cross-Border Crisis Response Integrated Initiative (CB-CRII), li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-reżiljenza tar-reġjuni tal-fruntieri għal kriżijiet futuri; iħeġġeġ lid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Reġjonali u Urbana jimplimenta l-proġett ([20]);

([20]) https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/214920/budg2021-doc6-tab-mt.pdf

21. Jissottolinja li, b'mod parallel mal-ħsara kkawżata mill-COVID-19, u b'mod partikolari mal-għeluq tal-fruntieri li ġabet magħha il-pandemija, ir-reġjuni tal-fruntieri qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi tal-Brexit, li qed joħolqu ostakli ġodda għall-kummerċ ħieles u tfixkil serju għall-kummerċ transfruntier bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, u b'hekk qed jaggravaw is-sitwazzjoni tal-intrapriżi u tan-negozji fir-reġjuni tal-fruntieri; jilqa' f'dan ir-rigward il-ftehim milħuq dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) biex jingħata appoġġ finanzjarju u legali lill-Istati Membri u lir-reġjuni affettwati mill-Brexit;

***Servizzi pubbliċi transfruntieri ulterjuri u ta' kwalità aħjar;***

22. Jinnota b'interess li l-konsultazzjoni pubblika reċenti tal-Kummissjoni dwar it-tneħħija tal-ostakli fil-fruntieri (2020) żvelat li d-diffikultajiet ewlenin għan-nies li jgħixu f'reġjuni tal-fruntieri kienu, fost l-oħrajn, in-nuqqas ta' servizzi tat-trasport pubbliku transfruntiera affidabbli, in-nuqqas ta' servizzi diġitali u l-interoperabbiltà transfruntiera limitata tagħhom, l-ostakli direttament dovuti għad-differenzi fil-lingwa u l-ostakli relatati mal-proċessi leġiżlattivi, u d-disparitajiet ekonomiċi;

23. Jinnota li l-attrazzjoni taż-żoni transfruntiera għall-għajxien u l-investiment tiddependi ħafna fuq il-kwalità tal-ħajja, id-disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi u kummerċjali għaċ-ċittadini u n-negozji u l-kwalità tat-trasport – kundizzjonijiet li jistgħu jintlaħqu u jinżammu biss permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll man-negozji fuq kull naħa tal-fruntiera;

24. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali li l-investimenti f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja għandhom fuq il-bini tar-reżiljenza soċjali u l-indirizzar tal-kriżijiet ekonomiċi, tas-saħħa u soċjali;

25. Jirrimarka li l-introduzzjoni ta' servizzi pubbliċi transfruntiera aħjar ittejjeb mhux biss il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini transfruntiera iżda tagħmel il-valur għall-flus ta' dawn is-servizzi kosteffettiv;

26. Jissottolinja li l-koordinazzjoni tas-servizzi tat-trasport fir-reġjuni tal-fruntieri tibqa' insuffiċjenti, parzjalment minħabba konnessjonijiet neqsin jew mhux aktar użati, ħaġa li tfixkel il-mobilità u l-opportunitajiet ta' żvilupp transfruntier; jissottolinja wkoll li l-iżvilupp tal-infrastrutturi tat-trasport transfruntier sostenibbli huwa mxekkel mill-kumplessità tad-dispożizzjonijiet legali u amministrattivi;

27. Jissottolinja li l-ħolqien ta' infrastruttura tat-trasport transfruntier addizzjonali, filwaqt li jkun jiswa l-flus u ta' sfida ambjentali, jista' mhux dejjem ikun l-aħjar soluzzjoni u għalhekk jenfasizza l-potenzjal ta' miżuri mhux vinkolanti biex tingħata spinta lill-konnessjonijiet tat-trasport transkonfinali, bħal koordinazzjoni aħjar tal-iskedi tat-trasport pubbliku, ippjanar inklużiv u l-użu ta' innovazzjonijiet imfassla apposta minn awtoritajiet lokali u reġjonali transfruntiera li għandhom biżżejjed awtonomija biex jilħqu għanijiet komuni; jenfasizza li l-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport pubbliku ġdida għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u kosteffiċjenza; jappella għalhekk għall-allokazzjoni f'waqtha tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex jiġi żgurat rwol attiv tar-reġjuni tal-fruntieri fl-ilħuq tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

28. Jenfasizza r-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur tat-trasport tal-Unjoni, inkluż l-iżvilupp ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport li tiffunzjona tajjeb, li tgħaqqad l-Ewropa permezz ta' networks tal-infrastruttura tat-trasport moderni, multimodali u sikuri u l-bidla lejn mobilità b'emissjonijiet baxxi, fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ għat-tlestija tal-konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera żgħar neqsin, u b'hekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni Ewropea tar-reġjuni tal-fruntieri;

29. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu qafas legali aktar solidu u aktar ċar sabiex itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi; jissottolinja f'dan ir-rigward li l-immappjar tal-konnessjonijiet neqsin fis-settur ferrovjarju, imħejji mill-Kummissjoni, jikkostitwixxi għodda ewlenija li tippermetti li nimxu 'l quddiem f'din id-direzzjoni;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

30. Jissottolinja l-ħtieġa li jissawwar legat politiku effikaċi għas-Sena Ewropea tal-Ferroviji, speċjalment fir-reġjuni transfruntieri; jirrimarka li d-dimensjoni Ewropea u transfruntiera tal-ferroviji tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha u trawwem il-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali, b'mod partikolari, billi tiżgura konnettività aħjar fi ħdan l-Ewropa u maż-żoni periferiċi, anke permezz ta' konnessjonijiet reġjonali transfruntieri; jilqa' l-istabbiliment ta' sħubijiet għall-iżvilupp ta' servizzi komuni, inkluża l-integrazzjoni tal-iskedi u tal-biljetti, f'xi reġjuni transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja inizjattivi ta' dan it-tip, u jitlob lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi t-trasport tar-roti fuq il-ferroviji transfruntiera;

31. Jappella għal aktar diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u politiki ta' interoperabbiltà msaħħa biex jiġi żgurat li s-servizzi pubbliċi diġitali jkunu interoperabbli u transfruntiera b'mod awtomatiku; jenfasizza l-importanza tal-appoġġ għall-innovazzjoni diġitali fost is-servizzi pubbliċi u l-kumpaniji fir-reġjuni transfruntiera u jilqa' f'dan ir-rigward il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej (EDIH);

***Swieq tax-xogħol transfruntieri dinamiċi;***

32. Jilqa' d-diversi miżuri importanti li ttieħdu biex jiġu indirizzati l-asimmetriji soċjoekonomiċi fil-fruntieri; jiddispjaċih, madankollu, dwar in-nuqqas ta' evalwazzjonijiet speċifiċi u ta' statistika komparattiva biex tinkiseb ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-SMEs transfruntiera, ħaġa li hija aktar ta' dispjaċir minħabba l-fatt li l-SMEs jirrappreżentaw 67 % tal-impjiegi totali u kważi 60 % tal-valur miżjud tal-Unjoni;

33. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi fil-fond taċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi tal-SMEs transfruntiera, filwaqt li tiġbor valutazzjonijiet speċifiċi u statistika komparattiva;

34. Jirrimarka li, skont it-tmien rapport dwar il-koeżjoni tal-Kummissjoni ([21]), l-indikaturi tal-Interreg juru li 68 % biss tal-miri tal-2023 għall-mobilità tal-ħaddiema transfruntiera kienu ntlaħqu sa tmiem l-2020, filwaqt li f'oqsma oħra l-miri kienu ntlaħqu sa 495 %; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu fuq din it-triq sabiex jilħqu l-miri tal-2023;

35. Jirrikonoxxi l-importanza għall-Istati Membri li jiżguraw id-dħul mit-taxxi, is-sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll id-diversità tat-taxxi nazzjonali; jappoġġja u jimpenja ruħu li jimmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pakkett tat-taxxa tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2020 biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta, effikaċi, sostenibbli u li tirrispetta l-ambjent diġitali;

36. Jissottolinja, madankollu, li fin-nuqqas ta' provvista adegwata ta' impjiegi jew opportunitajiet ekonomiċi oħra u meta jitqies il-livell baxx ta' salarji, il-forza tax-xogħol b'livell tajjeb ta' edukazzjoni għandha t-tendenza li temigra lejn reġjuni fejn hemm numru adegwat ta' opportunitajiet u b'hekk tagħmel is-sitwazzjoni f'żoni remoti tal-fruntieri saħansitra aktar diffiċli;

37. Jemmen li l-politika ta' koeżjoni għandha tkun aktar orjentata lejn l-investiment fin-nies billi l-ekonomiji tar-reġjuni tal-fruntieri jistgħu jingħataw spinta permezz ta' ġabra effettiva ta' investimenti fl-innovazzjoni, fil-kapital uman, fil-governanza tajba u fil-kapaċità istituzzjonali;

38. Jemmen li r-reġjuni tal-fruntiera li jesperjenzaw sfidi partikolari għandhom jirċievu appoġġ imfassal apposta (eż. permezz ta' sinerġiji akbar bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni) għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji fit-tul ibbażati fuq diversifikazzjoni ekonomika, u politiki ta' taħriġ mill-ġdid u taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja;

39. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipparteċipaw bis-sħiħ fl-isforzi tal-Kummissjoni biex tinkiseb iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li, f'sinerġija mal-aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa u ż-Żona tar-Riċerka, se tiżgura aċċess għal edukazzjoni u taħriġ immirati fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera, billi tipprovdi servizzi edukattivi komuni, billi tiżgura r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, tal-ħiliet u l-kwalifiki u billi tinkoraġġixxi l-apprendistat;

---

([21]) Il-Kummissjoni Ewropea, *Il-Koeżjoni fl-Ewropa lejn l-2050 – It-tmien rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali*, id-9 ta' Frar 2022.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

40. Iħeġġeġ l-avvanz tal-programmi għall-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE fil-fruntieri esterni tal-Unjoni u r-reġjuni tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien; jirrikonoxxi l-isfidi ta' din il-kooperazzjoni minħabba d-differenzi regolatorji bejn dawn ir-reġjuni; jikkunsidra din il-kooperazzjoni bħala għodda importanti għall-avvanz tal-politika ta' tkabbir tal-UE; jenfasizza li l-promozzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn ir-reġjuni ġirien tista' tikkontribwixxi b'mod kruċjali biex jiġu ffaċċjati sfidi kbar li jaffettwaw lill-Unjoni (eż. l-iżgurar ta' futur sostenibbli għall-Mediterran, il-Baħar Baltiku u baċini marittimi oħra; l-iżgurar ta' futur sostenibbli għall-Alpi, il-Pirinej, il-Karpazji u firxiet oħra ta' muntanji; u l-iżgurar ta' futur sostenibbli għall-baċini tax-xmajjar il-kbar bħar-Renu, id-Danubju u l-Meuse);

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw, b'urġenza, implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema transfruntiera u fruntaliera, itejbu l-kundizzjonijiet tal-impjieg, tax-xogħol u tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom, u biex jindirizzaw il-ħtieġa li jiġi rrivedut il-qafas leġiżlattiv eżistenti inkluż ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ([22]) sabiex tissaħħaħ il-portabbiltà tad-dritt u tiġi żgurata koordinazzjoni adegwata tas-sigurtà soċjali, jirrieżaminaw ir-rwol tal-aġenziji tax-xogħol temporanju, tal-aġenziji ta' reklutaġġ, intermedjarji u sottokuntratturi oħrajn bil-ħsieb li jiġu identifikati nuqqasijiet ta' protezzjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' trattament ugwali; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrikonoxxu r-realtà u d-diffikultajiet assoċjati maż-żieda fit-telexogħol, jiggarantixxu li dawk li jaħdmu bit-telexogħol mill-pajjiż ta' residenza tagħhom ikollhom aċċess għal drittijiet tas-sigurtà soċjali, drittijiet tax-xogħol u reġimi fiskali, u ċertezza fir-rigward tal-awtorità responsabbli għall-kopertura tagħhom;

42. Jirrikonoxxi li rikonoxximent aktar rapidu u aktar komprensiv ta' diplomi u kwalifiki oħra miksuba wara t-taħriġ, kura tas-saħħa mtejba, espansjoni tat-trasport lokali u fuq distanzi twal u aċċess aħjar għall-informazzjoni dwar postijiet tax-xogħol battala huma meħtieġa fir-reġjuni tal-fruntiera; jissottolinja l-ħtieġa ta' żieda fil-fondi biex tiġi ffaċilitata koordinazzjoni aħjar bejn is-sistemi legali u amministrattivi nazzjonali ġirien, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema u l-ġbir ta' data dwar il-ħaddiema transfruntiera, sabiex jitnaqqsu l-lakuni fil-prattiki nazzjonali, jinkiseb aċċess aħjar għall-informazzjoni disponibbli, u jinħoloq suq intern tax-xogħol prevedibbli u aċċessibbli; jisħaq li dawn il-problemi joħolqu theddida saħansitra akbar għall-ħaddiema transfruntiera li ġejjin minn u lejn pajjiżi mhux tal-UE;

43. Jemmen li d-diġitalizzazzjoni tipprovdi opportunità bla preċedent biex tiġi ffaċilitata l-mobilità tal-forza tax-xogħol filwaqt li l-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE ssir aktar veloċi u aktar faċli biex tiġi kkontrollata; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, tressaq proposta leġiżlattiva għal dokument Ewropew tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema mobbli u ċ-ċittadini mhux tal-UE kollha li huma koperti mir-regoli tal-UE dwar il-mobilità intra-UE mingħajr aktar dewmien, li jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali u lis-sħab soċjali rilevanti bi strument li jiżgura identifikazzjoni effettiva, traċċabbiltà, aggregazzjoni u portabbiltà tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u jtejjeb l-infurzar tar-regoli tal-UE dwar il-mobilità tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fis-suq tax-xogħol b'mod ġust u effettiv sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-UE;

44. Jirrimarka li bħalissa ma jeżistix rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità bejn l-Istati Membri tal-UE, u dan joħloq diffikultà għall-persuni b'diżabilità, minħabba li l-karta tad-diżabilità nazzjonali tagħhom jaf ma tiġix rikonoxxuta fi Istati Membri oħra; iqis li dan in-nuqqas joħloq limitazzjoni, speċjalment għall-ħaddiema u l-istudenti fruntaliera b'diżabilità billi jikkomprometti d-dritt tagħhom għal servizzi adegwati; jirrikonoxxi l-valur tal-karta tad-diżabilità tal-UE li tippermetti rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità fl-Istati Membri kollha li qed jipparteċipaw fil-proġett bħalissa; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni se tipproponi l-ħolqien ta' karta tad-diżabilità Ewropea sal-aħħar tal-2023 sabiex din tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha;

***Ir-reġjuni tal-fruntieri għall-Patt Ekoloġiku Ewropew***

45. Jirrimarka li diġà jeżisti qafas legali importanti tal-Unjoni, inklużi d-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats u d-Direttiva Qafas tal-Unjoni Ewropea dwar l-Ilma ([23]), kif ukoll l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, li jridu jiġu implimentati b'mod sħiħ, sistematiku u konġunt mill-Istati Membri fir-reġjuni transfruntieri; jirrimarka li n-natura, il-klima, id-diżastri naturali u l-mard ma jiqfux fil-fruntieri nazzjonali u jappella għal protezzjoni koordinata u koerenti ta' siti ta' Natura 2000 biex jiġu żgurati miżuri ta' implimentazzjoni aktar integrati; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri jersqu lejn grad ogħla ta' armonizzazzjoni u koordinazzjoni fl-applikazzjoni ta' dawn id-Direttivi u ta' Direttivi oħrajn;

([22]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).
([23]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

jissottolinja li l-ippjanar u l-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri huwa dominju li fih il-kooperazzjoni transfruntiera hija fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-komponent relatat maż-żoni transfruntiera tal-istrateġiji nazzjonali jew reġjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima billi tipprovdi azzjonijiet speċifiċi biex jiġu inkoraġġuti risposti adegwati;

46. Jirrimarka li t-tibdil fil-klima għandu wkoll impatt serju fuq ir-reġjuni tal-fruntiera, inkluż billi jobbligahom jiżviluppaw miżuri preventivi transkonfinali komuni mfassla apposta għad-diżastri naturali; ifakkar li l-katastrofi naturali li seħħew fl-2021 affettwaw diversi reġjuni tal-fruntieri fil-Belġju, fi Franza, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, u fil-Ġermanja; jenfasizza l-obbligu għall-Istati Membri fl-ambitu tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili biex iwettqu fuq bażi regolari valutazzjonijiet tar-riskju u analiżijiet ta' xenarji ta' diżastru li jkopru kooperazzjoni transfruntiera kif ukoll jirrappurtaw dwar riskji ewlenin li jkollhom impatt transfruntier; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, bil-ħsieb ukoll li jittejbu s-sistemi ta' twissija bikrija fir-reġjuni tal-fruntiera; jilqa' f'dan ir-rigward il-proġetti tal-Interreg Rhine-Meuse dwar is-sikurezza pubblika, il-ġbir tad-data, il-ġestjoni transfruntiera tax-xmajjar u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-ippjanar spazjali għat-tnaqqis tar-riskju tal-għargħar;

47. Iqis li fiduċja reċiproka, rieda politika u approċċ flessibbli fost il-partijiet ikkonċernati f'diversi livelli, li jinkludu s-soċjetà ċivili, huma vitali biex jingħelbu l-ostakli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjuni tal-fruntieri; jappella, għaldaqstant, għal koordinazzjoni aħjar u djalogu u l-iskambju ulterjuri tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu din il-kooperazzjoni; jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, jiżguraw l-awtonomija funzjonali u finanzjarja adegwata tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rispettivi; jisħaq barra minn hekk li r-reġjuni tal-fruntieri kollha jeħtiġilhom ikollhom rwol deċiżiv fl-indirizzar tal-sfidi marbuta mat-tibdil fil-klima, permezz ta' azzjonijiet koordinati mar-reġjuni tal-madwar tagħhom;

48. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntieri jibbenefikaw ftit wisq mill-użu ta' miżuri tal-ekonomija ċirkolari, tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-avvanzi regolatorji li diġà saru u tiffinanzja sehem akbar ta' proġetti transfruntiera, tal-produzzjoni u tal-kondiviżjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u mill-ħżin; iqis li huwa meħtieġ li jsir l-aħjar użu mill-opportunitajiet ta' kooperazzjoni eżistenti fi ħdan il-qafas legali applikabbli tal-UE u jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-koordinament fir-reġjuni transfruntiera sabiex jimplimentaw l-istrateġija tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija; jenfasizza l-potenzjal taż-żoni tal-fruntieri inqas abitati biex jiżviluppaw ekonomiji sostenibbli u ekoloġika u b'hekk joħolqu valur miżjud għall-iżvilupp lokali permezz tal-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi ġodda;

49. Jissottolinja li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien se tikkostwixxi element ċentrali fil-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet eżistenti għall-kooperazzjoni fl-ambitu tal-qafas legali applikabbli tal-UE;

o

o o

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0329

## L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida Aġġornata għall-Ewropa: allinjament tal-infiq mal-politika

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida Aġġornata għall-Ewropa: allinjament tal-infiq mal-politika (2022/2008(INI))**

(2023/C 125/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 9, 151, 152, 153(1) u (2) tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 173 tiegħu, li jirrigwarda l-politika industrijali tal-UE u jirreferi, fost affarijiet oħra, għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu u l-Protokoll Nru 2 tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM(2020)0103),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" (COM(2020)0301),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa", (COM(2021)0350),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 bit-titolu "'Lesti għall-Mira ta' 55 %': nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika" (COM(2021)0550),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Jannar 2022 bit-titolu "Ekosistemi industrijali, awtonomija strateġika u benessri",

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-2 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" ([1]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Annual Single Market Report 2021" (Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku 2021) (SWD(2021)0351),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Strategic dependencies and capacities" (Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi) (SWD(2021)0352),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Lejn azzar Ewropew kompetittiv u nadif" (SWD(2021)0353),

([1]) ĠU C 97, 28.2.2022, p. 43.

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2019 tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar Industriji Intensivi fl-Enerġija bit-titolu "Pjan Ġenerali għal Trasformazzjoni Kompetittiva tal-Industriji Intensivi fl-Enerġija tal-UE – li Tippermetti Ekonomija Ċirkolari Newtrali għall-Klima sal-2050",

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija tal-2021 bit-titolu "Emissjonijiet żero netti sal-2050: Pjan Direzzjonali għas-Settur tal-Enerġija Globali",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2018 dwar "Strateġija futura għall-Politika Industrijali tal-UE",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2019 dwar strateġija ta' politika industrijali futura tal-UE: viżjoni għall-2030,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2020 dwar irkupru li jmexxi 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn industrija tal-UE aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar li nagħmlu l-irkupru ċirkolari u ekoloġiku,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 dwar strateġija industrijali ġdida għall-Ewropa ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar strateġija ġdida għall-SMEs Ewropej ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-pjan ta' azzjoni ġdid għall-ekonomija ċirkolari ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar strateġija Ewropea għall-idroġenu ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar strateġija Ewropea għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2021 dwar strateġija Ewropea għall-materja prima kritika ([9]),

— wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" (COM(2020)0628),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2020 dwar "Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa" (COM(2020)0761),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2022 bit-titolu "L-istabbiliment ta' Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali" (COM(2022)0027),

---

([2]) ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.
([3]) ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.
([4]) ĠU C 425, 20.10.2021, p. 43.
([5]) ĠU C 445, 29.10.2021, p. 2.
([6]) ĠU C 465, 17.11.2021, p. 11.
([7]) ĠU C 15, 12.1.2022, p. 56.
([8]) ĠU C 15, 12.1.2022, p. 45.
([9]) ĠU C 224, 8.6.2022, p. 22.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2019 bit-titolu "Technology Infrastructures" (Infrastrutturi tat-Teknoloġija) (SWD(2019)0158),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar politika koerenti tal-UE għall-industriji kulturali u kreattivi ([10]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għal prattika – Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid ta' deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-4 ta' April 2022 bit-titolu "Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change" (Tibdil fil-Klima 2022: Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Industrijali, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0214/2022),

A. billi huwa kruċjali li l-industrija tkun tista' timplimenta t-tranżizzjonijiet doppji, filwaqt li toħloq impjiegi ta' kwalità għolja u tiżgura kompetittività u l-kapaċità tagħha li tiżviluppa u tipproduċi prodotti, servizzi u proċessi ta' produzzjoni nodfa;

B. billi l-għan tal-Istrateġija Industrijali jrid ikun ukoll li ssaħħaħ is-suq uniku u trawwem rivoluzzjonijiet teknoloġiċi sabiex tagħmel l-UE mexxej dinji fit-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali;

C. billi l-proċessi industrijali u tal-manifattura jirrappreżentaw is-sinsla tas-suq tax-xogħol tal-UE u għandhom irawmu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja;

D. billi f'dinja ġeopolitika li qed tinbidel, it-tisħiħ tal-awtonomija strateġika u t-tnaqqis tad-dipendenzi tal-UE fuq materjali, prodotti, enerġija, kapaċitajiet ta' manifattura u teknoloġiji kritiċi huma vitali, filwaqt li tinżamm ekonomija kemm jista' jkun miftuħa u magħluqa kemm meħtieġ;

E. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna wriet għal darb'oħra li l-UE tiddependi ħafna mill-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi; billi l-UE jeħtieġ li taġġusta mill-ġdid il-politiki industrijali u tal-enerġija bl-għan li tiddiversifika s-sorsi tal-enerġija tagħha kemm jista' jkun possibbli, iżżid l-iffrankar fl-enerġija u l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, kif ukoll tuża volumi kbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tadotta approċċ ta' ekonomija ċirkolari ħafna aktar b'saħħtu fl-industriji bbażati fuq ktajjen tal-provvista reżiljenti u sostenibbli;

F. billi livell għoli ta' dipendenza fuq il-provvista tal-enerġija, bħal fuq ir-Russja, u prezzijiet għoljin tal-enerġija jistgħu jkunu detrimentali għall-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' kumpaniji Ewropej; billi d-disponibbiltà ta' materjali u komponenti tal-kapaċità tal-manifattura fl-Ewropa hija essenzjali biex tevita li tiġi sostitwita d-dipendenza enerġetika tal-UE b'dipendenza akkumulata għall-provvista ta' minerali tal-art rari, metalli oħra kritiċi, tagħmir, jew kapaċitajiet ta' manifattura;

G. billi fl-UE nsibu istituti ta' riċerka, kumpaniji u nies tas-sengħa ewlenin fid-dinja u għandha l-potenzjal li tkun minn ta' quddiem fid-dinja fl-innovazzjoni industrijali;

H. billi l-Kummissjoni, wara li identifikat id-dipendenzi strateġiċi tagħha fl-ekosistemi industrijali l-aktar sensittivi, ħabbret li se tipproponi miżuri konkreti sistemiċi (ekonomiċi u regolatorji) biex tnaqqas dawn id-dipendenzi, inkluż billi tassigura u tippromwovi l-produzzjoni u l-investiment fl-Ewropa;

([10]) ĠU C 238, 6.7.2018, p. 28.

I. billi l-UE jeħtieġ li tindirizza r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, filwaqt li toħloq ekosistema tal-manifattura u tal-provvista attraenti, innovattiva ta' valur għoli, li tkun allinjata mal-għanijiet tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), l-innovazzjoni u l-miri klimatiċi u ambjentali tal-Ewropa;

J. billi s-settur industrijali esperjenza tnaqqis ta' 35 % fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-1990, u billi parti minn dan it-tnaqqis huwa dovut għar-rilokazzjonijiet tas-siti;

K. billi l-potenzjal ekonomiku stmat biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija finali sal-2030, meta mqabbel maż-żamma tal-istatus quo, huwa ta' 23,5 % għall-industrija Ewropea ([11]);

L. billi l-Kummissjoni rrikonoxxiet li aktar setturi ekonomiċi bħas-settur tas-saħħa, is-settur agroalimentari, l-industrija tal-minjieri u tal-estrazzjoni tal-materja prima u l-industrija tat-teknoloġija diġitali huma kruċjali biex tinkiseb l-awtonomija strateġika tal-UE;

M. billi l-Kummissjoni rrikonoxxiet fl-istrateġija industrijali aġġornata ġdida li politiki tas-suq mhux sostenibbli, inkluż fl-akkwist pubbliku, jistgħu jwasslu għal konsolidazzjoni tas-suq;

1. Jilqa' l-aġġornament tal-istrateġija industrijali; jisħaq li biex il-Patt Ekoloġiku jkun strateġija ta' tkabbir verament sostenibbli u trasformattiva, inaqqas id-dipendenzi u jżomm kundizzjonijiet ekwi għall-industrija Ewropea matul it-tranżizzjonijiet doppji, jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn politika industrijali ambizzjuża sabiex isir mexxej kompetittiv f'emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra (GHG) u f'ekonomija sostenibbli, u biex joħloq sinerġiji bejn in-negozji, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, u jeħtieġ li jiġi appoġġjat minn politika ambizzjuża ta' R&Ż u qafas favorevoli għall-SMEs; jisħaq li din il-ħtieġa żdiedet b'mod sinifikanti minħabba l-kriżi klimatika u enerġetika li għaddejja u l-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' miżuri ta' salvataġġ immirati għall-konsumaturi vulnerabbli fil-kuntest industrijali, b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi vulnerabbli, li ġew affettwati wkoll b'mod qawwi mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-impatt tal-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fuq l-industrija Ewropea u l-kapaċitajiet tagħha f'inizjattivi u objettivi attwali u futuri, u jadottaw approċċ olistiku meta joħolqu inċentivi biex jappoġġjaw setturi industrijali strateġiċi u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, li qed jiffaċċjaw żieda qawwija fl-ispejjeż tal-enerġija, it-trasport u l-materja prima; jirrikonoxxi li hemm bosta miżuri li jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu dawn l-impatti, filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja;

3. Jisħaq li suq uniku Ewropew li jiffunzjona huwa ta' vantaġġ biex tissaħħaħ ir-reżiljenza industrijali, l-attraenza tal-Ewropa bħala destinazzjoni ta' investiment u l-kompetittività tal-UE, kif ukoll jittejbu t-tranżizzjonijiet doppji bħala bażi għal tkabbir ġdid fis-setturi industrijali;

4. Jissottolinja li l-UE ma tistax tkun dipendenti fuq pajjiżi li mhumiex fl-UE għal prodotti, enerġija u kapaċitajiet u teknoloġiji tal-manifattura li huma essenzjali għall-ekonomija tagħna u għas-soċjetà tagħna tal-futur; jisħaq li jeħtieġ li l-UE terġa' tikseb pożizzjoni b'saħħitha fi ktajjen ta' valur globali kruċjali u tiżgura l-provvista ta' materja prima kritika fi żminijiet ta' kriżi, anke permezz tal-użu akbar ta' mudelli tan-negozju ċirkolari; jenfasizza l-benefiċċju ta' ktajjen tal-provvista iqsar għar-reżiljenza tal-ekonomija tagħna u għall-kisba tal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE;

5. Jenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni internazzjonali, sħubijiet ugwali u kummerċ globali miftuħ għall-ekonomija Ewropea, filwaqt li jinnota li wieħed mill-modi l-aktar effiċjenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza industrijali Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi huwa li jiġu ddiversifikati l-ktajjen tal-provvista permezz ta' miżuri tal-politika kummerċjali ambizzjużi, inkluż il-kummerċ strateġiku u l-ftehimiet tal-investiment;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mill-aktar fis possibbli perkorsi ta' tranżizzjoni ċari u bbażati fuq ix-xjenza għall-ekosistema industrijali, inkluż billi tidentifika l-ħtiġijiet għal tranżizzjoni b'suċċess f'termini ta' infrastruttura, teknoloġiji u ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji fl-inizjattivi, l-objettivi, il-finanzjament u l-istrumenti regolatorji kollha li se jappoġġjaw l-industrija matul it-tranżizzjonijiet; jenfasizza l-ħtieġa ta' allinjament bejn il-perkorsi tat-tranżizzjoni, il-pjanijiet direzzjonali tat-teknoloġija industrijali u l-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka u Innovazzjoni tas-Sħubijiet Ewropej fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa; jitlob monitoraġġ u rappurtar annwali dwar

([11]) Rapport Speċjali 02/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi. Iffrankar tal-enerġija, iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti" https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR22_02/SR_Energy-effic-enterpr_MT.pdf

il-kompetittività, il-progress teknoloġiku, l-impjegabbiltà u r-reżiljenza tal-ekosistemi industrijali tagħna u dwar il-progress fil-perkorsi ta’ tranżizzjoni tas-setturi individwali, inkluża l-konsistenza tagħhom mal-miri klimatiċi tal-UE, sabiex l-istrumenti jkunu jistgħu jiġu adattati malajr meta jkun meħtieġ; jisħaq li l-partijiet ikkonċernati kollha fil-katina tal-valur, inklużi s-soċjetà ċivili, il-komunità akkademika, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, it-trade unions u l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima għandhom ikunu involuti b’mod trasparenti fil-proċess tal-perkorsi ta’ tranżizzjoni li jiżguraw monitoraġġ kontinwu u bbażat fuq ix-xjenza tal-progress;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija ffokata fuq it-tranżizzjoni tal-industriji l-aktar intensivi fl-enerġija li tippermettilhom jippreżervaw il-kompetittività tagħhom u fl-istess ħin jappoġġjaw awtonomija strateġika akbar, minħabba li dawn l-industriji ta’ spiss huma ta’ importanza strateġika;

8. Ifakkar li l-kompetittività industrijali tal-Ewropa fil-biċċa l-kbira tiddependi mill-kapaċità tagħha li tkun innovattiva; jinnota li setgħat ekonomiċi oħra għandhom prestazzjoni aħjar fuq l-UE fl-infiq fir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG; itenni l-importanza ta’ livell ambizzjuż ta’ investiment fir-R&Ż biex tittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE fid-dinja; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-mira ta’ 3 % tal-investimenti tal-PDG fir-R&Ż għadha ma ntlaħqitx fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-isforzi tal-Istati Membri biex ikomplu jimpenjaw ruħhom għal żieda fil-miri nazzjonali tal-investiment fir-R&Ż, b’mod partikolari biex il-finanzjament pubbliku u privat nazzjonali għall-innovazzjoni u r-riċerka industrijali jimxi lejn riċerka mmexxija mill-kurżità u ta’ tħejjija teknoloġika baxxa biex tinżamm u tittejjeb il-bażi tal-għarfien li ssostni l-innovazzjoni industrijali tal-Ewropa; jenfasizza, f’dan ir-rigward, ir-rwol li jista’ jkollhom is-sħubijiet tax-xjenza miftuħa; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-investiment fir-R&Ż ikun ukoll immirat lejn il-parteċipazzjoni tal-mikrointrapriżi;

9. Jindika l-ħtieġa li l-programmi ta’ ħidma ta’ Orizzont Ewropa u s-sħubijiet pubbliċi-privati jqisu ċ-ċirkostanzi l-ġodda li jirriżultaw mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna, b’mod partikolari r-raggruppamenti 4 u 5 dwar “l-industrija, id-diġitali u l-ispazju” u dwar “il-klima, l-enerġija u l-mobilità”, u li jiffukaw fuq ir-R&Ż orjentati lejn l-industrija fuq is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u fuq it-tnaqqis tad-dipendenza tal-industriji tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tikkontribwixxi fit-tnaqqis tad-distakk fl-investiment mal-kompetituri globali għal teknoloġiji abilitanti essenzjali; jilqa’, f’dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni għal Att Ewropew dwar iċ-Ċipep u l-istabbiliment tal-Alleanza Ewropea għad-Data Industrijali, Edge u Cloud; jistieden lill-Kummissjoni tagħti bidu malajr kemm jista’ jkun għax-xogħol ittardjat tal-Alleanza Ewropea għall-Proċessuri Industrijali u għat-Teknoloġiji tas-Semikondutturi; jistieden lill-Kummissjoni testendi malajr dawn l-inizjattivi għal strumenti oħra ta’ riċerka, żvilupp u innovazzjoni (RŻI) u għal teknoloġiji abilitanti ewlenin, bħall-batteriji, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, l-awtomazzjoni u r-robotika, il-bijoteknoloġija, l-edge computing, il-fotonika u l-computing kwantistiku u t-teknoloġija;

11. Jilqa’ l-isforzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi, inklużi ż-żieda fil-kapaċità ta’ produzzjoni lokali, il-linji pilota u s-siti ta’ manifattura tal-ewwel tip għat-teknoloġija avvanzata taċ-ċippa, id-disinn taċ-ċippa u tas-sistema; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-finanzjament tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep ma jwassalx għal tnaqqis fil-finanzjament għal programmi relatati oħra eżistenti tal-UE; jilqa’ d-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-Att dwar iċ-Ċipep Ewropej (SWD(2022)0147); madankollu jistieden lill-Kummissjoni tipproduċi valutazzjoni tal-impatt, inkluż l-impatt ambjentali, u analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet futuri għaċ-ċipep, il-vantaġġ kompetittiv ta’ tipi differenti u l-potenzjal għall-produzzjoni taċ-ċipep fl-Ewropa;

12. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda Strateġika ta’ Riċerka u ta’ Innovazzjoni (SRIA) tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT JU) minħabba li din hija aġenda kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni f’diversi teknoloġiji abilitanti ewlenin; jikkunsidra li l-finanzjament mill-ġdid tal-KDT JU lejn ir-riċerka speċifikament dwar iċ-ċipep primarjament għandu jsir fi ħdan il-qafas tal-SRIA eżistenti;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-"Made in EU" u li titħaffef l-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-Industrija 4.0, b'mod partikolari mill-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora bil-qawwa s-sħubija "Made in Europe" fil-programm Orizzont Ewropa u tagħmel dan billi trawwem il-kooperazzjoni tal-SMEs mal-universitajiet u mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija; jenfasizza li "Made in Europe" għandha tappoġġja mhux biss il-kwalità u l-innovazzjoni, iżda wkoll prodotti, proċessi u servizzi industrijali sostenibbli ħafna u soċjalment ġusti, u tippromwovi l-irkupru ta' impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet ta' manifattura madwar l-Unjoni, sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ibbilanċjat u sostenibbli tar-reġjuni kollha tal-UE;

14. Jisħaq fuq l-importanza tal-Forum Industrijali stabbilit mill-istrateġija industrijali u jinnota li fost il-ħames task forces li nħolqu, waħda hija direttament rilevanti għas-suq uniku u tanalizza l-aspetti orizzontali tas-suq uniku u t-tneħħija ta' ostakli, filwaqt li oħra għandha enfasi speċifika fuq il-manifattura avvanzata bħala faċilitatur orizzontali għal firxa wiesgħa ta' ekosistemi;

15. Jissottolinja l-importanza tal-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-Unjoni u ta' ekonomija ċirkolari integrata bis-sħiħ biex tinħoloq industrija effiċjenti u dekarbonizzata; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analizi dwar ir-riċiklaġġ u introduzzjoni mill-ġdid fiċ-ċiklu tal-prodott; jistieden lill-Kummissjoni tagħti kunsiderazzjoni partikolari lill-opportunitajiet ta' finanzjament u ta' offerti għal proġetti ta' kumpaniji li huma mexxejja innovattivi fl-ekonomija ċirkolari, kif ukoll għall-ħtieġa li jiġi stimulat l-iżvilupp ta' swieq ewlenin; iqis li l-prevenzjoni tal-iskart u t-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi relatat mal-iskart, kif ukoll ir-riċiklaġġ b'ċirkwit magħluq f'setturi industrijali sħaħ, huma indispensabbli għal ekonomija ċirkolari; jenfasizza wkoll l-importanza tal-istandards, il-mandati għax-xiri, il-kwoti, is-sostenibbiltà u r-riparabbiltà mid-disinn filwaqt li jiġu ffaċilitati r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' materja prima (kritika) importanti, kif ukoll tal-użu mtejjeb u l-lonġevità tal-prodotti;

16. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li ħarġet gwida dwar l-akkwist pubbliku u l-isforzi tagħha fil-promozzjoni tar-reċiproċità fl-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku; jisħaq li l-akkwist pubbliku huwa strument essenzjali għas-sigurtà nazzjonali u ekonomika, il-politika industrijali, soċjali u tas-sostenibbiltà ekoloġika u għall-appoġġ tal-adozzjoni u d-domanda għal prodotti u servizzi; jissottolinja li l-mekkaniżmi tal-akkwist pubbliku għandhom jappoġġjaw aktar it-trasformazzjoni tal-industrija tal-Ewropa billi jrawmu l-produzzjoni ta' prodotti u servizzi ekoinnovattivi, kosteffettivi u sostenibbli, u jżidu d-domanda għal materja prima sekondarja li tirriżulta mill-użu ta' proċessi tal-produzzjoni ċirkolari; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tirrieżamina r-regoli tal-akkwist pubbliku u tal-kompetizzjoni fejn meħtieġ, filwaqt li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku; ifakkar fl-importanza tal-linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni dwar kif l-Istati Membri għandhom jinkludu għanijiet ta' prestazzjoni u kriterji ta' kwalità, kif ukoll il-kriterju tal-Aktar Offerta Ekonomika Vantaġġuża (MEAT), fil-kuntratti mogħtija; jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-aċċess għall-SMEs u tiġġieled kontra l-kriterji tal-akkwist li jistabbilixxu rekwiżiti jew kwalifiki lil hinn mill-elementi ewlenin tas-servizz jew tal-prodotti mixtrija, sabiex l-SMEs ikollhom ċans ġust li jipparteċipaw fis-suq sostanzjali għall-akkwist pubbliku; jitlob li jkun hemm l-ogħla viġilanza fir-rigward tal-akkwist ta' infrastruttura kritika minn atturi mhux Ewropej;

17. Ifakkar fir-rwol tal-prattiki tal-akkwist sostenibbli fil-prevenzjoni tan-nuqqasijiet tal-mediċina biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-provvista u l-investimenti fil-manifattura; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, tappoġġja lill-Istati Membri billi tiżviluppa regoli tal-UE mmirati dwar l-akkwist tal-mediċini, skont id-direttiva attwali dwar l-akkwist pubbliku, bl-għan li jiġu żgurati s-sostenibbiltà fit-tul, il-kompetizzjoni, is-sigurtà tal-provvista u jiġu stimulati investimenti fil-manifattura;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-akkwisti konġunti mnedija matul it-tifqigħa tal-COVID-19, biex tqabbilhom mal-ftehim ta' xiri bil-quddiem, u titgħallem mil-lezzjoni miksuba biex ittejjeb din l-għodda billi tevita kwalunkwe tfixkil tas-suq intern;

19. Jenfasizza l-importanza li l-edukazzjoni, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid jiġu inklużi fil-perkorsi ta' tranżizzjoni bħala għodod importanti fit-trasformazzjoni tal-industrija tal-UE u fl-isforzi biex tinkiseb produttività ogħla, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tar-reġjuni fil-proċess ta' rivitalizzazzjoni ekonomika, sabiex jiġi evitat li r-reġjuni jitfaqqru; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija għall-edukazzjoni vokazzjonali u sħubijiet bejn in-negozji u l-edukazzjoni flimkien mas-sħab soċjali, b'mod partikolari fi ħdan raggruppamenti industrijali reġjonali, biex jagħtu spinta lill-ħiliet u jtejbu l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet lesti għas-suq mill-SMEs, u billi jistabbilixxu inċentivi

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

għall-SMEs biex iħarrġu u jtejbu l-ħiliet tal-persunal u tal-ħaddiema tagħhom, speċjalment fil-qasam tal-ħiliet diġitali; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn ir-R&Ż u l-industrija, speċjalment fil-forma ta' trasferimenti tat-teknoloġija lill-SMEs; jisħaq li l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-intraprenditorija għandhom ikunu żgurati;

20. Jisħaq fuq l-importanza ta' edukazzjoni proattiva u politiki tat-taħriġ li jrawmu r-reklutaġġ u ż-żamma tat-talent fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw riċerkaturi u għalliema ta' klassi dinjija fl-UE biex imexxu l-aġenda tal-edukazzjoni, tar-riċerka, tal-iżvilupp u tat-taħriġ tal-forza tax-xogħol futura u jtejbu l-kollaborazzjoni bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka u s-settur tan-negozju;

21. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jimplimentaw il-Patt għall-Ħiliet u l-inizjattivi l-oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li joħolqu opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-forza tax-xogħol, li jgħammru lill-individwi bil-ħiliet meħtieġa li jwasslu għal diversifikazzjoni professjonali u li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u jħaffu t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema u tal-persuni qiegħda, speċjalment il-ħaddiema li huma l-aktar vulnerabbli f'termini tat-tranżizzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati l-inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni, bil-għan li jinbena suq intern Ewropew b'saħħtu għar-riċerka u l-innovazzjoni;

22. Jisħaq li l-ħaddiema inqas kwalifikati huma partikolarment vulnerabbli; jisħaq fuq ir-rilevanza tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta f'dan ir-rigward minkejja l-kamp ta' applikazzjoni limitat tiegħu;

23. Jissottolinja li l-SMEs u n-negozji ġodda qed ikollhom rwol ċentrali fl-ekosistemi industrijali tal-UE, speċjalment fid-diġitalizzazzjoni tal-UE, u huma sors kritiku ta' mudelli ta' negozju u innovazzjoni ta' prodotti sostenbbli u soċjalment responsabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament nazzjonali u tal-UE, b'mod partikolari f'setturi tradizzjonali fejn id-diġitalizzazzjoni għadha ma ġietx żviluppata; jesprimi dispjaċir għal-lakuna fil-finanzjament għall-intraprendituri kkawżata mill-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew l-oriġini; jenfasizza r-rwol tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex irawwem ekosistema tan-negozji ġodda u tal-investiment Ewropea li twassal għal aktar iżvilupp ta' innovazzjonijiet ta' teknoloġija profonda, ta' riskju għoli u premju għoli;

24. Huwa tal-fehma li l-inizjattivi biex jinkiseb id-Deċennju Diġitali se jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, speċjalment l-SMEs, li għadhom lura meta mqabbla ma' kumpaniji kbar fil-ħiliet diġitali jew fid-diġitalizzazzjoni tal-operat tagħhom;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti fis-suq uniku li qed ixekklu t-tkabbir tal-SMEs u tan-negozji ġodda fl-Ewropa, kif ukoll il-ħtieġa ta' qafas legali u regolatorju mtejjeb u konsegwentement jiġu introdotti politiki favur l-SMEs;

26. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-qafas regolatorju jiġi mmodernizzat u validu għall-futur sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà u l-prevedibbiltà regolatorja, li tiffaċilita l-innovazzjoni, l-investimenti, l-approvazzjoni ta' prodotti u servizzi innovattivi, u tippermetti t-trasformazzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra u tiżgura l-kompetittività tal-Ewropa u l-impjiegi ta' kwalità għolja, filwaqt li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, ambjentali, tal-ġeneru u soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi pjanijiet direzzjonali fil-perkorsi ta' tranżizzjoni, b'miri vinkolanti kwantitattivi u kwalitattivi, wara li tikkonkludi valutazzjoni tal-impatt, u biex tnaqqas il-piżijiet amministrattivi bla bżonn għan-negozji Ewropej, speċjalment l-SMEs; jenfasizza l-prinċipju ta' "one in, one out";

27. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattiv bla bżonn, speċjalment għall-SMEs u għan-negozji l-ġodda, filwaqt li jinżammu l-ogħla standards għall-konsumaturi, il-ħaddiema, is-saħħa u l-ħarsien tal-ambjent; jisħaq li l-Ewropa qed tesperjenza żvolta bħala riżultat tal-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk proposti leġiżlattivi ġodda jpoġġux piż regolatorju jew amministrattiv żejjed fuq il-kumpaniji;

28. Ifakkar fir-rwol li għandha l-amministrazzjoni pubblika biex tiżgura ambjent ekonomiku favur in-negozju u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi bla bżonn fuq l-intrapriżi, filwaqt li tiżgura l-ogħla standards ta' trasparenza u ta' sikurezza tal-ħaddiema; jemmen li l-għodod tal-gvern elettroniku, il-politiki tal-innovazzjoni diġitali u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali għandhom jiġu promossi fis-settur pubbliku u fost l-impjegati tiegħu;

29. Jissottolinja d-dimensjonijiet nazzjonali u reġjonali tal-politika industrijali u r-rwol ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, b'mod partikolari f'termini ta' impjieg u żvilupp ekonomiku u industrijali tul it-territorju tal-Istati Membri; jistieden, f'dan ir-rigward, biex issir analiżi tal-kisbiet tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħala pjattaforma għal miżuri futuri fil-livell reġjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' parteċipazzjoni trasparenti tal-partijiet ikkonċernati lokali kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-komunità fit-tfejjija u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' tranżizzjoni reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi strumenti biex jiżdied l-użu ta' "Made in EU" f'livell reġjonali;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq ekosistemi reġjonali li jhaddnu l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tagħhom stess, jgħinu biex jingħelbu d-disparitajiet reġjonali u jinvolvu l-amministrazzjoni pubblika, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, lix-xjenzati, lis-soċjetà ċivili u lill-industrija biex jgħaqqdu l-għarfien tagħhom u joħolqu b'mod konġunt il-kontenut, il-kuntest u l-esperjenzi ta' tagħlim;

31. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali tat-tranżizzjoni industrijali u li jiġu żviluppati miżuri adegwati li jappoġġjaw l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid ta' reġjuni fi tranżizzjoni permezz ta' proġetti ta' investiment interreġjonali strateġiċi u permezz ta' pjanijiet għall-iżvilupp mill-ġdid għar-reġjuni vulnerabbli, speċjalment iż-żoni rurali u remoti;

32. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' riorjentazzjoni fundamentali tal-politika tal-enerġija Ewropea tagħna b'risposta għall-invażjoni vjolenti tar-Russja fl-Ukrajna; jitlob tnaqqis sinifikanti fid-dipendenza enerġetika tal-UE, speċjalment fuq il-gass, iż-żejt, il-faħam u l-fjuwil nukleari Russi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw il-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' enerġija sostenibbli, affordabbli, sigura u abbundanti ta' enerġija rinnovabbli u tranżitorja b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jżidu l-iffrankar tal-enerġija u l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja b'mod aktar effettiv l-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija li se jippermettu li jintlaħaq it-tkabbir tad-domanda għall-elettriku u żżid il-koordinazzjoni tal-ippjanar u l-iffinanzjar għall-infrastruttura meħtieġa, b'mod partikolari għall-elettriku, l-enerġija, il-grilji intelliġenti, l-idroġenu, is-$CO_2$ u l-infrastruttura tat-tisħin/tkessiħ;

33. Jisħaq li l-funzjonament xieraq tal-ekosistema industrijali Ewropea jeħtieġ provvista tal-enerġija stabbli; iwissi fuq il-konsegwenzi dannużi ta' kuntest ta' kontrazzjoni tal-enerġija għall-għodda produttiva; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' sistema ta' koordinazzjoni li tissorvelja sistematikament id-disponibbiltà tal-gass fi żminijiet ta' kriżi sabiex tiffaċilita strateġiji Ewropej komuni ħalli tiġi ttrattata l-kriżi;

34. Jindika l-fatt li t-tisħin u t-tkessiħ tal-proċessi jibqgħu wieħed mill-aktar użi sinifikanti ta' enerġija fis-settur industrijali; jissottolinja li, biex jitħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-industrija, il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ industrijali jeħtieġ li jiġu sfruttati bis-sħiħ; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir użu aħjar tas-sħana u l-kesħa mormija inevitabbli, kif ukoll raggruppamenti u simbjożi industrijali li joffru sinerġiji sinifikanti u potenzjali ta' ffrankar tal-enerġija f'ħafna setturi, inklużi t-tessuti, is-sustanzi kimiċi, l-ipproċessar tal-ikel u l-makkinarju;

35. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha f'li tillibera l-potenzjal tal-bijoekonomija ċirkolari, fejn jintużaw riżorsi sostenibbli u rinnovabbli biex jippromwovu industriji kompetittivi u reżiljenti fuq terminu twil; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-użu tal-iskart tal-bijomassa jista' jissostitwixxi b'mod effettiv il-fjuwils fossili, filwaqt li jippermetti li titnaqqas l-impronta tas-$CO_2$; iħeġġeġ, għalhekk, lill-awtoritajiet tal-UE, nazzjonali u lokali, jinkoraġġixxu tali approċċ ċirkolari fil-politiki kollha;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu ż-żmien meħtieġ biex joħorġu l-permessi b'mod sostanzjali u joħolqu proċeduri ta' awtorizzazzjoni mgħaġġla għall-infrastruttura li tappoġġja l-industrija fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima, mingħajr preġudizzju għat-trasparenza, il-leġittimità u l-legalità tal-proċeduri eżistenti; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jiġi żviluppat pedament tal-idroġenu fl-Ewropa, li jiġu żviluppati aktar l-interkonnessjonijiet madwar il-kontinent tagħna u li jiġi appoġġjat l-użu mifrux ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija bħall-installazzjoni ta' faċilitajiet lokali ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli effiċjenti ħafna u l-koġenerazzjoni, b'mod partikolari għall-SMEs;

37. Itenni l-ħtieġa ta' qafas abilitanti għall-iżvilupp ta' mobilità sostenibbli u appoġġ għall-akkoppjament tas-setturi;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

38. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-programmi u l-istrumenti tar-RŻI, l-infrastruttura u dawk diġitali kollha tal-UE b'mod intelliġenti u selettiv, inklużi proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni biex jiġu mmirati l-fallimenti tas-suq, u l-alleanzi industrijali, kif ukoll l-infrastrutturi tat-teknoloġija biex jittestjaw, jivvalidaw u jtejbu s-soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda, b'mod partikolari dawk li jiżviluppaw it-teknoloġiji innovattivi rivoluzzjonarji meħtieġa għat-tranżizzjonijiet doppji, b'mod partikolari dawk relatati mal-produzzjoni tal-enerġija, il-fjuwils u t-teknoloġiji abilitanti ewlenin, u għall-implimentazzjoni ta' ekonomija ċirkolari effiċjenti, bħall-azzar nadif, l-avjazzjoni nadifa, l-fjuwils elettroniċi, il-fertilizzanti nodfa, u l-e-cracking;

39. Jisħaq li valutazzjoni rapida ta' proġetti importanti ta' applikazzjonijiet ta' interess Ewropew komuni (IPCEI) mill-Kummissjoni hija kruċjali għar-reżiljenza tal-industrija Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi linji gwida ċari, effettivi, sempliċi u komprensivi rigward l-IPCEIs; itenni l-importanza tat-tnaqqis tar-riskju tal-finanzjament, bħal permezz ta' InvestEU jew il-Fond għall-Innovazzjoni, li huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-manifattura tal-UE f'setturi strateġiċi ewlenin, bħall-industrija solari, li jippermettulha terġa' tibni bażi ta' manifattura Ewropea solida;

40. Jenfasizza l-potenzjal kbir tal-Kuntratti għad-Differenza tal-Karbonju (CCfDs) bħala strument vitali biex jiskatta t-tnaqqis tal-emissjonijiet u jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fl-industrija; iqis l-importanza tagħhom b'mod partikolari għas-setturi li diffiċli jitrażżnu, għat-titjib tat-teknoloġiji u għall-appoġġ tad-diffużjoni tagħhom fi ħdan is-setturi; jenfasizza li s-CCfDs għandhom ikunu proporzjonati, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, konformi mad-WTO u m'għandhomx iwasslu għal distorsjonijiet bla bżonn tas-suq intern tal-UE;

41. Jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni dwar id-dipendenzi u l-kapaċitajiet strateġiċi f'konformità mal-għan ta' awtonomija strateġika; jistieden lill-Kummissjoni tiffinalizza l-pjanijiet direzzjonali tal-analiżi u t-teknoloġija industrijali mill-aktar fis possibbli u tipproponi azzjonijiet biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-prodotti kritiċi identifikati, inkluż ir-riċiklaġġ u l-azzjonijiet ta' effiċjenza fir-riżorsi, u l-provvisti, inklużi l-fornituri tal-enerġija; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess mhux interrott ta' tagħmir mediku u tal-kura tas-saħħa essenzjali għas-suq komuni tal-UE, wara l-esperjenza miksuba min-nuqqasijiet inizjali fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġija bbażata fuq analiżi aktar fil-fond tad-dipendenzi reċiproċi sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE fil-ktajjen tal-valur kritiċi u fil-manifattura; filwaqt li tibqa' impenjata favur il-multilateraliżmu u l-kummerċ ħieles;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ olistiku tal-katina tal-valur meta tanalizza d-dipendenzi strateġiċi madwar l-14-il ekosistema industrijali kritiċi li identifikat fir-Rapport Annwali tagħha dwar is-Suq Uniku tal-2021; jirrakkomanda li dawn l-eżamijiet fil-fond jiġu estiżi għas-setturi kollha meqjusa bħala strateġiċi; jitlob lill-Kummissjoni tqis l-impatt tal-miżuri ekstraterritorjali meħuda minn pajjiżi mhux tal-UE fuq l-industriji tagħha, b'mod partikolari f'termini ta' kontrolli tal-esportazzjoni; jirrimarka li sabiex jiġi evitat li jinħolqu dipendenzi u vulnerabbiltajiet ġodda, l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida Aġġornata għandha tkun immexxija minn riżorsi u kapaċitajiet teknoloġiċi Ewropej;

43. Jissottolinja li r-riċiklaġġ għandu jkollu rwol kritiku fiż-żieda tal-provvista ta' materja prima u sekondarja, u b'hekk titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq importazzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja miżuri biex tillimita ż-żieda fid-domanda għall-materja prima primarja bħall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari, l-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) għal sostituzzjonijiet materjali, inklużi provvisti sostenibbli fi ftehimiet kummerċjali, u permezz ta' sħubijiet għall-materja prima;

44. Jistieden lill-Kummissjoni twessa' l-ambitu tal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi biex jinkludi l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar kontinwi tal-indikaturi tar-reżiljenza għall-industriji tal-UE, bħal dipendenzi reċiproċi f'teknoloġiji ewlenin, kapaċitajiet tal-manifattura, sistemi ta' twissija bikrija għal qtugħ potenzjali, dipendenzi strateġiċi u sussidji barranin f'setturi strateġiċi;

45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu inċentivi *ad hoc* għal investimenti fil-produzzjoni ta' oġġetti kritiċi, bħal mediċini essenzjali, biex tikseb l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha, kif ukoll għall-manifattura ta' teknoloġija fid-dawl ta' kwalunkwe tip ta' kriżi, inkluża gwerra, filwaqt li jkun hemm ktajjen tal-provvista reżiljenti fit-tul;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

46. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri proposti fl-Istrateġija Farmaċewtika tal-UE jiżguraw ir-rwol tal-UE bħala innovatur fir-R&Ż, kif ukoll jiggarantixxu l-kompetittività jipprovdu provvisti affidabbli u aċċessibbli ekonomikament, aċċess għal mediċini moderni u li jkomplu jistimulaw l-innovazzjoni u l-investiment fir-R&Ż; jinnota li l-attrazzjoni ta' industrija farmaċewtika bbażata fuq ir-riċerka b'saħħitha lejn l-UE tappoġġja wkoll ir-reżiljenza tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati investimenti ddedikati fir-R&I, il-manifattura tal-mediċini u l-ingredjenti attivi fl-UE u billi jinżammu faċilitajiet vibranti bbażati fuq ir-riċerka u tal-produzzjoni fit-territorju tagħha;

47. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-kompetizzjoni inġusta, l-investimenti u t-teħid ta' kontroll minn kumpaniji ffinanzjati mill-Istat mhux tal-UE fis-suq uniku, speċjalment f'setturi strateġiċi, bħall-provvista tal-enerġija meħtieġa biex jiġu żgurati l-indipendenza u s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza din l-interferenza, biex tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi, speċjalment għall-SMEs, biex jiġu żviluppati miżuri xierqa u legalment sodi biex tiġi evitata l-interferenza, filwaqt li, b'mod ġenerali, jiġi żgurat li l-qafas stabbilit sew tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE ma jiġix imminat u li l-kompetizzjoni ġusta tiġi promossa fost il-kumpaniji mhux tal-UE u tal-UE li joperaw fis-suq uniku tal-UE bl-istess mod;

48. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat trattament ugwali bejn il-kumpaniji Ewropej u dawk mhux Ewropej; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi ppreservata l-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej fl-esportazzjoni fil-qafas ta' dawn il-proposti;

49. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-ħsieb tar-rieżami li jmiss, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tal-qafas għall-investiment barrani dirett biex tindirizza l-effett tas-sussidji barranin fuq is-sigurtà ekonomika fl-UE u tat-trasferimenti tat-teknoloġija minn kumpaniji tal-UE f'pajjiżi li mhumiex fl-UE f'setturi strateġiċi;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi t-trasferiment ta' teknoloġiji ambjentali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika fuq skala globali;

51. Jinsab imħasseb dwar id-dipendenza dejjem tikber fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir tas-sigurtà f'partijiet vitali u sensittivi tas-soċjetà tagħna, bħas-sigurtà (tal-fruntiera, ċibernetika u tad-difiża); jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġija u t-tagħmir tas-sigurtà jiġu deżinjati bħala settur strateġiku; jitlob li jkun hemm pjan ta' azzjoni biex tingħata spinta lil din l-industrija tal-UE, inkluż permezz ta' regoli adattati dwar l-akkwist pubbliku;

52. Jenfasizza l-konklużjonijiet tar-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tan-networks 5G u r-riskji assoċjati mal-bejjiegħa mhux fl-UE ([12]); jistieden lill-Kummissjoni tistimula introduzzjoni koordinata tal-5G fl-UE u tnaqqas ir-riskji tad-dipendenzi esterni u l-interferenzi fit-teknoloġija tal-komunikazzjoni tal-5G u 6G permezz ta' appoġġ ikkoordinat biex l-atturi Ewropej ikunu jistgħu jibnu l-kapaċitajiet ta' R&Ż għas-sistemi 6G u jiżviluppaw swieq ewlenin għall-infrastruttura 5G bħala bażi għat-trasformazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura livell adegwat ta' kompetittività fil-qasam tat-teknoloġiji 5G filwaqt li tiggarantixxi s-sigurtà tan-networks 5G;

53. Jenfasizza li l-industriji u s-setturi kulturali u kreattivi huma ċentrali għall-moviment Bauhaus Ewropew Ġdid li se jkun inizjattiva kruċjali; jinnota li s-setturi kulturali u kreattivi huma l-forza li tmexxi l-innovazzjoni u l-iżvilupp fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas ta' politika industrijali komprensiv, koerenti u fit-tul għas-setturi kulturali u kreattivi;

54. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar Att dwar id-Data u l-iżvilupp ta' inizjattiva Ewropea komuni dwar l-ispazji tad-data; jissottolinja r-rwol li l-ispazji tad-data interoperabbli, kompetittivi u madwar l-Ewropa kollha se jkollhom għal diversi setturi industrijali, inkluż l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, il-mobilità, l-ambjent, is-saħħa u l-manifattura intelliġenti; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ differenzjat li jqis il-karatteristiċi ta' kull settur; jemmen li r-rwol ewlieni ta' kumpaniji mhux tal-UE jew mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea fl-inizjattivi tal-ispazji tad-data tal-UE jista' jnaqqas l-għan li tissaħħaħ is-sovranità teknoloġika tal-UE; jisħaq fuq l-importanza tal-ekonomija tad-data u jitlob lill-Kummissjoni taċċellera l-inizjattivi kollha relatati mad-data u tappoġġja l-emerġenza ta' ekosistema tal-ispazju tad-data Ewropea bbażata fuq l-affidabbiltà, il-kompetittività u l-interoperabbiltà, u trawwem il-ħolqien ta' infrastrutturi Ewropej kondiviżi biex tiffaċilita l-użu u l-iskambju tad-data bejn is-setturi industrijali, issaħħaħ l-ekosistemi tad-data, tal-cloud u tal-edge u ssaħħaħ l-investimenti fil-komunikazzjonijiet b'veloċità għolja; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza taċ-ċertezza legali li hija essenzjali għall-kapaċità innovattiva tal-kumpaniji tal-UE;

---

([12]) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Rapport Speċjali 03/2022: Tnedija tal-5G fl-UE: dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, u problemi ta' sigurtà jibqgħu mhux solvuti", Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

55. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata r-reżiljenza tan-networks tal-komunikazzjoni u s-sigurtà tal-ispazji tad-data, u b'hekk jiġi inkoraġġit il-varar rapidu tan-networks tal-fibra li jistgħu jiżguraw perkorsiiet multipli u reżistenza għal attakki fiżiċi u ċibernetiċi;

56. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-tranżizzjoni diġitali tagħmel użu mill-metodi l-aktar avvanzati u mill-aħjar prattiki biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-kumplessitajiet komputazzjonali, tiżdied l-effiċjenza enerġetika u l-effiċjenza tad-data tas-sistemi f'użu produttiv; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa ta' metodu li jinkludi valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali fit-tranżizzjoni diġitali, inkluż dwar l-użu tal-enerġija, tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti u s-sistemi;

57. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi miżuri biex tipprevjeni s-sjieda mhux mill-UE tal-korpi notifikati tal-UE, li huma nnominati minn pajjiż tal-UE biex jivvalutaw il-konformità ta' ċerti prodotti qabel jitqiegħdu fis-suq;

58. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal strateġija tal-istandardizzazzjoni Ewropea li għandha l-għan li tappoġġja t-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika, u jikkondividi l-ambizzjoni biex jittieħed approċċ aktar proattiv lejn l-istabbiliment tal-istrateġiji għall-istandards inkluż fil-livell internazzjonali ma' sħab kummerċjali ewlenin;

59. Jinnota li, sabiex tinkiseb awtonomija strateġika, l-UE teħtieġ tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha; jisħaq fuq l-importanza li tiġi pprovduta direzzjoni politika u jiġu żviluppati programmi pubbliċi ambizzjużi biex jiġu appoġġjati u tingħata spinta lill-investimenti fl-industriji tal-ispazju u tad-difiża; jemmen li huwa ta' importanza kbira li jiġi operazzjonalizzat suq Ewropew tat-tagħmir tad-difiża affidabbli, modest u effiċjenti li jinkludi grad għoli ta' sovranità teknoloġika;

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P9_TA(2022)0330

# Il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra it-tibdil fil-klima

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (2022/2829(RSP))**

(2023/C 125/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2020 dwar l-istess suġġett ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") ([3]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-istess suġġett ([4]),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar l-istess suġġett ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 tagħha, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-2021 dwar in-Nixfa fil-qafas tar-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (GAR) mill-Uffiċċju tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri,

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU li ġew miftiehma fl-2015, b'mod partikolari l-għan 15,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD),

— wara li kkunsidra l-edizzjoni speċjali tal-2021 tal-Global Wetland Outlook ippubblikata mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar l-Artijiet Mistagħdra,

— wara li kkunsidra r-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni intitolat "Drought in Europe – August 2022" (In-Nixfa fl-Ewropa – Awwissu 2022),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 bit-titolu "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030" (COM(2021)0572),

([1]) ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.
([2]) ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.
([3]) ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.
([4]) ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.
([5]) ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni globali tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi ta' Mejju 2019 dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2021 intitolata "Strateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030: Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima" (COM(2021)0699) u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija ([7]),

— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea dwar ir-Riżorsi tal-Ilma,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) bit-titolu "Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability" (Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 64/292 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-28 ta' Lulju 2010 li tirrikonoxxi d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Right2Water" ([8]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) Nru 17/2020 intitolat "Water and agriculture: Towards sustainable solutions" (L-ilma u l-agrikoltura: lejn soluzzjonijiet sostenibbli),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Istitut Dinji tar-Riżorsi tal-21 ta' Jannar 2020 intitolat "Achieving Abundance: Understanding the Cost of a Sustainable Water Future" (Kisba tal-abbundanza: nifhmu l-ispiża ta' futur idriku sostenibbli),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-EEA tal-14 ta' Ottubru 2021 intitolat "Water resources across Europe – confronting water stress: an updated assessment", (Ir-riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa – niffaċċjaw l-istress idriku: valutazzjoni aġġornata),

— wara li kkunsidra l-Kontroll tal-Idoneità tal-2019 għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tal-Kummissjoni, id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u d-Direttiva dwar l-Għargħar (SWD(2019) 0439),

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' valutazzjoni u r-rapporti speċjali tal-IPCC,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2021 bit-titolu "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" (COM(2021)0082),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi ([9]) (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni ([10]),

---

([6]) ĠU C 445, 29.10.2021, p. 156.
([7]) ĠU C 506, 15.12.2021, p. 38.
([8]) ĠU C 316, 22.9.2017, p. 99.
([9]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.
([10]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([11]) (FSUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi skont l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa, f'Awwissu 2022, 64 % tal-kontinent kien taħt twissija ta' nixfa (bi 17 % taħt twissija ta' nixfa); billi d-data preliminari tissuġġerixxi li n-nixfa attwali hija l-agħar li qatt kienet minn 500 sena 'l hawn; billi t-temperatura medja madwar l-Ewropa fl-2022 kienet l-ogħla rekord kemm f'Awwissu kif ukoll fil-perjodu Ġunju-Awwissu ([12]); billi huwa mbassar li l-kundizzjonijiet aktar xotti min-normal se jippersistu fix-xhur li ġejjin f'partijiet kbar tal-Ewropa, u billi l-mewġiet tas-sħana u n-nixfa jirrinforzaw lil xulxin;

B. billi skont l-IPCC, huwa ċar li l-kriżi klimatika toħloq avvenimenti klimatiċi estremi bħall-għargħar, maltempati u sħana aktar frekwenti u aktar intensi, li jfisser li l-preċipitazzjoni u l-maltempati qed jiżdiedu, il-mewġiet tas-sħana qed jisħnu u n-nixfiet qed jitwalu u jsiru aktar gravi;

C. billi l-kriżi klimatika diġà qed ikollha effetti drammatiċi fuq l-ekosistemi, il-popolazzjonijiet tal-bniedem u l-għajxien tan-nies; billi skont l-IPCC, il-kontinent Ewropew qed jisħon b'rata aktar mgħaġġla minn partijiet oħra tad-dinja, b'żieda fit-temperatura ta' 2 C fl-2019 meta mqabbla mal-era preindustrijali, filwaqt li ż-żieda fit-temperatura medja globali hi ta' 1,1 C; billi n-nixfa rekord ta' din is-sena hija l-aktar waħda reċenti f'sensiela ta' eventi klimatiċi estremi li qed isiru n-normalità l-ġdida u li qed jiżdiedu fil-volum u fil-kobor; billi, hekk kif iċ-ċiklu tal-ilma qed jintensifika bit-tibdil fil-klima, se jkun hemm nixfiet, maltempati u għargħar aktar frekwenti u intensi;

D. billi hija meħtieġa azzjoni urġenti biex it-tibdil fil-klima jiġi mmitigat billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'konformità mal-aqwa xjenza disponibbli u flimkien ma' żieda sinifikanti fl-azzjonijiet dwar l-adattament u r-reżiljenza fis-setturi kollha sabiex jitnaqqsu u jiġu kkontrollati l-impatti fuq terminu qasir, medju u twil fuq l-ekonomija, l-ambjent u l-benesseri u s-saħħa;

E. billi l-Istitut Dinji tar-Riżorsi sab li sitt pajjiżi tal-UE (Ċipru, il-Belġju, il-Greċja, Spanja, il-Portugall u l-Italja) jiffaċċjaw livelli għoljin ta' stress idriku, u jbassar li sal-2030 se jkun hemm distakk ta' 56 % bejn id-domanda u l-provvista globali tal-ilma rinnovabbli ([13]); billi l-EEA tistma li l-istress fuq l-ilma diġà jaffettwa 20 % tat-territorju Ewropew u 30 % tal-popolazzjoni tiegħu, u jistma li l-ispiża tan-nixfiet fl-Ewropa hija bejn EUR 2 biljun u EUR 9 biljun fis-sena ([14]);

F. billi t-tibdil fil-klima biddel ix-xejriet tar-riħ u tat-temp tal-Ewropa b'tali mod li s-sistemi ta' pressjoni għolja jippersistu, u dan irriżulta f'perjodi twal bi ftit jew xejn xita, u wassal għal staġuni tat-tkabbir tal-għelejjel li huma aktar xotti; billi t-tira tikkontribwixxi għar-riforniment tal-ilma ta' taħt l-art, l-istruttura tal-ħamrija u l-bijota, it-temperaturi tal-ħamrija, u n-nuqqasijiet tal-ilma jwasslu għall-erożjoni tal-ħamrija u jnaqqsu l-produzzjoni tal-għelejjel fost l-oħrajn; billi l-anomaliji tat-tira għadhom ferm negattivi fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa minħabba n-nuqqas ta' xita u l-mewġiet ta' sħana li seħħew f'dawn l-aħħar xhur, meta mqabbla ma' Ġunju 2022;

G. billi l-previżjonijiet tar-rendiment tal-UE għall-qamħirrum, il-fażola tas-sojja u l-fjuri tal-ġirasol huma l-aktar milquta, bi tnaqqis – meta mqabbel mal-medja għal dawn l-aħħar ħames snin – li huwa stmat għal rispettivament, - 16 %, - 15 %, - 12 %; billi għelejjel oħra x'aktarx li jiġu affettwati ħafna, speċjalment l-għalf; billi s-severità tal-impatti tan-nixfiet u tal-mewġiet tas-sħana fuq il-produzzjoni agrikola bejn wieħed u ieħor ittripplat matul dawn l-aħħar 50 sena ([15]); billi dawn il-livelli ta' produzzjoni aktar baxxi huma ta' tħassib partikolari minħabba l-konsegwenzi tal-kunflitt li għaddej fl-Ukrajna fuq is-suq tal-ikel u tal-għalf;

([11]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

([12]) Is-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus, "Surface air temperature for August 2022" (It-Temperatura tal-Arja fis-Superfiċje għal Awwissu).

([13]) L-Istitut Dinji tar-Riżorsi, "Achieving abundance: understanding the cost of a sustainable water future" (Kisba tal-abbundanza: nifhmu l-ispiża ta' futur idriku sostenibbli), 21 ta' Jannar 2020.

([14]) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Water resources across Europe – confronting water stress: an updated assessment", (Ir-riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa – niffaċċjaw l-istress idriku: valutazzjoni aġġornata), 14 ta' Ottubru 2021.

([15]) Mekonen, Zelalem A. et al, "Wildfire exacerbates high-latitude soil carbon losses from climate warming", "*Environment Research Letters*, (Nirien fil-foresti jiggravaw it-telf tal-karbonju fil-ħamrija b'latitudni għolja kkawżat mit-tisħin tal-klima", Ittri ta' Riċerka Ambjentali), Vol. 17, Nru 9, Settembru 2022.

H. billi l-prattiki agrikoli mhux sostenibbli, id-deforestazzjoni u l-urbanizzazzjoni intensiva jaggravaw kemm ir-riskju li jseħħu d-diżastri naturali, kif ukoll is-severità tagħhom;

I. billi skont l-aħħar Atlas Dinji ta' Deżertifikazzjoni aktar minn 75 % tal-erja tal-art tad-Dinja diġà hija degradata u aktar minn 90 % tista' tiddegrada sal-2050; billi fil-livell tal-UE d-deżertifikazzjoni taffettwa 8 % tat-territorju, l-aktar fl-Ewropa tan-Nofsinhar, tal-Lvant u Ċentrali u tkopri 14-il miljun ettaru; billi 13-il Stat Membru ddikjaraw lilhom infushom affettwati mid-deżertifikazzjoni skont il-UNCCD; billi d-deżertifikazzjoni hija xprunata fost l-oħrajn mill-erożjoni tal-ħamrija, ir-ragħa żejjed u t-telf tal-kopertura tal-veġetazzjoni speċjalment is-siġar, is-salinizzazzjoni, it-telf tal-materja organika tal-ħamrija u l-bijota u d-degradazzjoni tal-bijodiversità; billi fl-2015, l-UE u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiksbu n-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art fl-UE sal-2030;

J. billi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) ([16]) tiddikjara fl-Artikolu 4(1) li "l-Istati Membri jridu jipproteġu, jiżviluppaw u jsaħħu l-korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art, jiżguraw bilanċ bejn estrazzjoni u charge mill-ġdid tal-ilma ta' taħt l-art, bil-mira għal ksib ta' stat tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva"; billi 22 sena wara, 40 % biss tal-lagi, l-estwarji, ix-xmajjar u l-ilmijiet kostali mmonitorjati jinsabu fi status ekoloġiku "tajjeb" jew "tajjeb ħafna" meħtieġ mid-WFD; billi l-kontroll tal-idoneità skont id-WFD wera li kważi 50 % tal-korpi tal-ilma huma koperti minn eżenzjoni, li mhuwiex stat sodisfaċenti; billi fil-passat ġew implimentati prattiki u miżuri ta' ġestjoni ħżiena, b'impatt devastanti fuq iż-żamma tal-ilma tal-ħamrija, bħal: l-iddrittar tax-xmajjar u/jew l-użu tal-konkrit fil-qigħan tax-xmajjar, l-intensifikazzjoni tal-użu tal-art, u t-tnixxif tal-għadajjar u tal-artijiet mistagħdra;

K. billi l-ilma huwa komponent essenzjali fiċ-ċiklu tal-ikel; billi huwa neċessarju li l-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-wiċċ ikunu ta' kwalità tajba u disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti biex tinkiseb sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa, sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent kif deskritta fl-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt; billi ilma nadif u suffiċjenti huwa essenzjali għall-implimentazzjoni u l-kisba ta' ekonomija ċirkolari reali fl-UE; billi r-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi ([17]) tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jistabbilixxi l-objettiv li jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi;

L. billi l-agrikoltura tiddependi fuq id-disponibbiltà tal-ilma; billi l-irrigazzjoni tgħin biex tipproteġi lill-bdiewa mill-varjabbiltà tal-klima u żżid ir-rendimenti, iżda tpoġġi wkoll pressjoni sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-ilma; billi fl-2016 6 % ([18]) biss tal-art agrikola tal-UE ġiet irranġata iżda dan ammonti għal 24 % tal-astrazzjoni tal-ilma kollha tal-UE; billi skont ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura, l-implimentazzjoni tal-PAK ma ġietx allinjata b'mod konsistenti mal-politika tal-UE dwar l-ilma, u n-nuqqas ta' titjib f'dan il-qasam jista' jwassal għal żieda fil-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma;

M. billi l-PAK il-ġdida, li se tidħol fis-seħħ fl-2023, tirrestrinġi l-investimenti għat-tkabbir tal-uċuħ irrigati f'żoni fejn l-istatus tal-korpi tal-ilma huwa "inqas minn tajjeb";

N. billi l-astrazzjoni tal-ilma minn ilma miftuħ u ilma ta' taħt l-art għax-xorb, l-industrija u l-agrikoltura, aggravata b'temperaturi estremament għoljin u nuqqas ta' xita, tfisser aktar konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u nutrijenti u b'hekk inċidenzi ta' proliferazzjoni ta' algi u patoġeni tossiċi, kif esperjenzat fis-sistemi tax-xmajjar, l-estwarji u l-korpi tal-ilma tal-Ewropa, li jirriżultaw f'imwiet tal-massa tal-ilma ħelu u l-qtil tal-ħut u l-kollass tas-sajd

---

([16]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

([17]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

([18]) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Special Report 20/2021: Sustainable water use in agriculture: CAP funds more likely to promote greater rather than more efficient water use", 2021. (Rapport Speċjali Nru 20/2021: l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: il-fondi tal-PAK aktarx jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti tal-ilma", 2021).

u l-għejbien ta’ għajxien; billi t-temperaturi għoljin tal-ilma jnaqqsu wkoll il-kontenut tal-ossiġenu b’impatti drammatiċi fuq il-ħut; billi t-tnaqqis tal-fluss tax-xmajjar flimkien mat-tħammil, jirrilaxxa tossini kkonċentrati li akkumulaw fis-sedimenti, b’riperkussjonijiet sinifikanti fuq il-ħajja akkwatika u s-sajd downstream;

O. billi 60 % tal-baċini tax-xmajjar jinsabu f’reġjuni transnazzjonali, li jrendi kruċjali l-kooperazzjoni transfruntiera effettiva; billi 20 pajjiż Ewropew jiddependu minn pajjiżi oħra għal aktar minn 10 % tar-riżorsi tal-ilma tagħhom, u 75 % tar-riżorsi ta’ ħames pajjiżi jaslu għandhom minn barra l-pajjiż permezz tax-xmajjar ([19]); billi nuqqas ta’ konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi ([20]) fir-reġjuni tal-fruntiera jikkawża deterjorament tal-korpi tal-ilma transfruntiera, li jagħmilha impossibbli li jintlaħqu l-għanijiet tad-WFD fl-Istat Membru riċevitur; billi filwaqt li l-WFD semmiet “ekoreġjuni rilevanti”, fil-prattika l-kooperazzjoni dwar l-ilma hija dgħajfa; billi minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi, il-kumplessità idropolitika tal-baċiri kondiviżi hija mistennija li tiżdied;

P. billi r-riżorsi tal-ilma rinnovabbli *per capita* naqsu bi 17 % fl-UE matul dawn l-aħħar 60 sena; billi diversi pajjiżi tal-UE kellhom jirrazzjonaw l-ilma tax-xorb f’dawn l-aħħar xhur minħabba n-nixfa, b’pereżempju, komunitajiet li qed ikollhom jiddependu fuq l-ilma tax-xorb ikkonsenjat mit-trakkijiet; billi t-tnixxijiet tal-ilma jammontaw għal 24 % tal-ilma totali kkunsmat fl-Unjoni;

Q. billi bejn 20 u 40 % tal-ilma disponibbli fl-Ewropa jinħela minħabba, fost fatturi oħra, tnixxijiet fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma, installazzjonijiet insuffiċjenti ta’ teknoloġiji li jiffrankaw l-ilma, attivitajiet ta’ irrigazzjoni eċċessivi u mhux meħtieġa u viti tal-ilma li jqattru;

R. billi l-flussi annwali tax-xmajjar qed jonqsu fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Ewropa u qed jiżdiedu fit-Tramuntana u fil-Grigal tal-Ewropa; billi l-ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika u s-sistemi tat-tkessiħ tal-impjanti tal-enerġija qed jiġu affettwati b’mod sever; billi l-proġett ta’ Adaptive Management of Barriers in European Rivers (AMBER) (Ġestjoni Adattiva tal-Ostakli fix-Xmajjar Ewropej) wera li x-xmajjar tal-Ewropa huma mblukkati b’aktar minn miljun ostaklu, li 85 % jew aktar minnhom huma strutturi żgħar f’kundizzjoni ħażina jew inattivi; billi l-ostakli kollha għandhom impatt fuq is-saħħa tax-xmajjar u ċ-ċiklu tal-ilma, u b’hekk ibiddlu l-fluss naturali ta’ xmara u jimblukkaw ir-rotot migratorji tal-ħut;

S. billi l-livelli u l-volumi mnaqqsa tal-ilma kellhom impatti severi fis-setturi bbażati fuq l-enerġija fossili, nukleari u idro u fuq is-sistemi tat-tkessiħ; billi n-nixfa ta’ dan is-sajf aggravat il-pressjonijiet severi fis-suq tal-enerġija li l-Ewropa qed tesperjenza; billi l-impatti sussegwenti jistgħu jaffettwaw aktar l-ekosistemi akkwatiċi li diġà qed jitħabtu ma’ mewġiet ta’ sħana;

T. billi ħafna attivitajiet turistiċi huma dipendenti fuq ix-xmajjar; billi n-nuqqas ta’ ilma attwalment jaffettwa 17 % tat-territorju tal-UE, filwaqt li s-sitwazzjoni hija aktar inkwetanti madwar il-Mediterran fejn madwar 50 % tal-popolazzjoni tgħix taħt stress idriku kostanti matul is-sajf, u ħafna attrazzjonijiet turistiċi kellhom jissospendu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom minħabba n-nixfa;

U. billi n-nuqqas ta’ xita u l-irtirar massiv tal-ilma għall-irrigazzjoni kellhom impatt fuq it-trasport fuq ix-xmajjar, u ġġeneraw diffikultajiet fil-provvista ta’ materjali tqal, b’mod partikolari fil-wied tar-Renu, u dan għandu impatt negattiv fuq ħafna setturi ta’ attività; billi l-passaġġi fuq l-ilma interni Ewropej ewlenin, b’mod partikolari r-Renu, id-Danubju u l-Po, esperjenzaw livelli estremament baxxi, b’impatti fuq l-agrikoltura, l-ilma tax-xorb, l-ekosistemi u l-kummerċ;

V. billi l-foresti huma dejjem aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, b’mod partikolari permezz ta’ prevalenza dejjem tiżdied tan-nirien fil-foresti; billi snin ta’ nixfa u degradazzjoni ħolqu kundizzjonijiet ideali biex jinfirxu n-nirien fil-foresti; billi l-Ewropa qed tesperjenza nirien fil-foresti ta’ proporzjonijiet drammatiċi;

---

([19]) Baranyai, G., “Transboundary water governance in the European Union: the (unresolved) allocation question”, (Il-governanza transfruntiera tal-ilma fl-Unjoni Ewropea: il-kwistjoni tal-allokazzjoni (mhux solvuta), Ġurnal Uffiċjali tal-Kunsill Dinji tal-Ilma, Vol. 21, Nru 3, 2019.

([20]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta’ Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

W. billi aktar minn 5 miljun ettaru ta’ foresta nħarqu fl-10 snin bejn l-2011 u l-2021, primarjament minħabba n-nixfiet; billi total ta’ 500 000 ettaru ta’ art inħarqu min-nirien fil-foresti li seħħew bejn l-4 ta’ Ġunju u t-3 ta’ Settembru 2022 biss ([21]), u l-kapaċitajiet ta’ tifi tan-nar fil-foresti tal-UE ntużaw sal-limiti tagħhom; billi fit-territorju kollu tal-Unjoni, in-nirien fil-foresti qerdu siti ta’ valur, bħal parks naturali u parks ġeoloġiċi tal-UNESCO, u dan ikkawża t-telf tal-bijodiversità, tal-għelejjel u tal-mergħat;

X. billi n-nixfiet u l-mewġiet ta’ sħana marbuta mat-tibdil fil-klima għamluha aktar diffiċli biex jiġu miġġielda n-nirien, peress li dawn il-kundizzjonijiet jagħmluha aktar faċli għan-nirien biex jinfirxu malajr u jżidu s-severità tagħhom; billi t-tibdil fil-klima se jżid il-frekwenza tan-nirien fil-foresti u l-potenzjal distruttiv tagħhom, u l-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-Ewropa x’aktarx li jibda aktar kmieni u jispiċċa aktar tard fis-sena; billi dawn il-bidliet bla preċedent għandhom jitqiesu fil-prattiki ta’ ġestjoni tan-nirien tal-Istati Membri;

Y. billi l-foresti stabbli, imħallta, ta’ etajiet u speċijiet diversi u b’bijodiversità għolja u b’kopertura kontinwa jipprovdu ħafna kobenefiċċji, b’mod partikolari l-mitigazzjoni tan-nixfa u tas-sħana; billi s-sistemi tal-agroforestrija u s-siġar inkorporati fl-agroekosistemi jipprovdu wkoll ħafna benefiċċji, inklużi l-produttività u r-reżiljenza;

Z. billi l-mewġiet tas-sħana u n-nixfiet għandhom effett avvers fuq l-introjtu tal-bdiewa, u dan jista’ jwassal għall-abbandun tal-azjendi agrikoli; billi barra minn hekk, l-abbandun tal-azjendi agrikoli jista’ joħloq kundizzjonijiet li jwasslu sabiex jiġu kkawżati n-nirien fil-foresti;

AA. billi n-Nazzjonijiet Uniti tistma li 35 % tal-artijiet mistagħdra globalment għebu mill-1970, b’rata tliet darbiet aktar mgħaġġla mill-foresti, minkejja li jipprovdu ħafna benefiċċji; billi l-artijiet mistagħdra kostali bħall-mangrovji jissekwestraw il-karbonju sa 55 darba aktar malajr mill-foresti pluvjali; billi t-torbieri, li jkopru biss 3 % tas-superfiċje tal-art tad-dinja, jistgħu jaħżnu 30 % tal-karbonju kollu bbażat fuq l-art biss meta jkunu mxarrba, u jassorbu l-ilma żejjed biex jipprevjenu l-għargħar u n-nixfiet; billi skont il-Kummissjoni, fl-UE ntilfu madwar żewġ terzi tal-artijiet mistagħdra tal-UE li kienu jeżistu 100 sena ilu;

AB. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU rrikonoxxiet id-dritt għall-ilma u s-sanità bħala dritt tal-bniedem fit-28 ta’ Lulju 2010; billi l-ilma tax-xorb nadif huwa essenzjali għad-drittijiet tal-bniedem kollha; billi fl-2013, 1 884 790 ċittadin iffirmaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej intitolata “Right2Water” dwar id-dritt għall-ilma u s-sanità; billi attwalment, miljun ċittadin tal-UE ma għandhomx aċċess għall-ilma u 8 miljuni ma għandhomx sanità;

AC. billi n-nixfa qed taggrava l-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nies minħabba s-sħana u n-nuqqas ta’ ilma; billi l-persuni l-aktar fil-bżonn qed jiġu affettwati b’mod sproporzjonat; billi hemm rata ta’ mortalità eċċessiva fil-pajjiżi Ewropej l-aktar milquta min-nixfa; billi n-nixfa tikkawża ħsara fil-binjiet l-aktar fraġli, u b’hekk il-kwalità tal-ħajja tal-abitanti tiddeterjora;

AD. billi n-nixfa u effetti oħra tat-tibdil fil-klima għandhom impatt fuq is-saħħa mentali u jżidu l-ansjetà, speċjalment fost iż-żgħażagħ;

AE. billi l-baġit tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-UE (FSUE) mhuwiex suffiċjenti biex jingħata rispons adegwat għal diżastru naturali maġġuri u biex l-Ewropa turi solidarjetà mar-reġjuni milquta minn diżastru;

---

([21]) Servizz ta’ Monitoraġġ tal-Atmosfera ta’ Copernicus, “Europe’s summer wildfire emissions highest in 15 years” (L-ogħla emissjonijiet min-nirien fil-foresti tas-sajf fl-Ewropa fi 15-il sena), is-6 ta’ Settembru 2022.

AF. billi n-nixfiet jista' jkollhom effetti kaskata, b'telf ikkawżat min-nixfa fl-UE li jammonta għal madwar EUR 9 biljun fis-sena; billi analiżi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka turi li l-impatt tan-nixfiet fuq l-ekonomija Ewropea jista' jammonta għal aktar minn EUR 65 biljun fis-sena sal-2100 ([22]); billi jekk it-temperaturi globali jaqbżu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura, in-nixfiet mistennija jseħħu darbtejn aktar spiss, u t-telf annwali assolut min-nixfiet fl-Ewropa jiżdied għal EUR 40 biljun fis-sena ([23]); billi l-kostijiet tan-nuqqas ta' azzjoni huma ferm akbar mill-kostijiet tal-investiment f'azzjoni klimatika ambizzjuża llum ([24]);

AG. billi l-kriżi klimatika taggrava l-inugwaljanzi eżistenti; billi l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u l-persuni vulnerabbli jintlaqtu partikolarment mill-kriżi klimatika u għandhom bżonn appoġġ partikolari biex jadattaw ruħhom għat-tibdil fil-klima; billi huwa meħtieġ li l-ħaddiema jiġu protetti mill-effetti avversi tal-kriżi klimatika fuq il-post tax-xogħol;

1. Jesprimi l-kondoljanzi tiegħu u s-solidarjetà profonda tiegħu mal-familji ta' dawk li sfaw vittmi tal-eventi meteoroloġiċi estremi reċenti u mal-abitanti taż-żoni devastati, u jfaħħar id-dedikazzjoni tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar full-time u volontarji, il-ħaddiema tas-salvataġġ, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali involuti fl-isforzi ta' sokkors, u l-membri tal-pubbliku li ppruvaw isalvaw lin-nies u jipprevjenu t-tixrid tan-nirien, ħafna drabi b'periklu għal ħajjithom stess;

2. Jissottolinja l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-ikel u jistieden lill-Kummissjoni żżomm lura milli tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE ulterjuri li tipperikola jew tirriskja li tipperikola s-sigurtà tal-ikel tagħna;

3. Jemmen li dawn il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi estremi huma sinjal tal-ħtieġa ta' azzjoni aktar ambizzjuża dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; iqis li l-UE għandu jkollha rwol ewlieni f'dan il-proċess u li għandha ssaħħaħ l-isforzi tagħha fis-setturi kollha; ifakkar li f'konformità kemm mal-Liġi tal-UE dwar il-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll mal-aqwa xjenza disponibbli, l-Unjoni Ewropea għandha żżid l-azzjoni klimatika tagħha kemm dwar il-mitigazzjoni, biex trażżan it-tisħin globali għal 1,5 °C meta mqabbel mal-livelli preindustrijali, kif ukoll dwar l-adattament biex titrawwem ir-reżiljenza; jappella biex l-UE taġġorna l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi u żżid il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-gassijiet serra sas-27 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP27), skont l-aqwa xjenza disponibbli; jappella għall-ogħla ambizzjoni fir-rigward tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %";

4. Jesprimi tħassib dwar is-sejbiet tar-rapport tal-2021 tal-Programm tan-NU għall-Ambjent dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet, b'mod partikolari l-fatt li, minkejja l-wegħdiet klimatiċi aktar ambizzjużi li saru fl-aħħar sena, l-emissjonijiet previsti jħallu lid-dinja fit-triq lejn żieda ta' 2,7 °C fit-temperatura jekk dawn il-wegħdiet nazzjonali jiġu implimentati bis-sħiħ, u dan ikollu impatti severi madwar id-dinja; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibqgħu impenjati bis-sħiħ favur il-Patt Ekoloġiku tal-UE u jżidu l-azzjoni dwar il-mitigazzjoni, l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima tal-UE, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lill-fenomeni meteoroloġiċi estremi;

5. Jistenna li l-proposta tal-Kummissjoni għal liġi tal-UE dwar ir-restawr tan-natura ([25]) tkun opportunità biex jittejbu s-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament, il-prevenzjoni tad-diżastri u r-restawr tan-natura; jistenna li tipprovdi qafas għar-restawr ta' ekosistemi reżiljenti għan-nixfiet, inklużi r-restawr ta' foresti ta' etajiet u speċijiet diversi u b'bijodiversità għolja u b'kopertura kontinwa, artijiet mistagħdra, kopertura ta' veġetazzjoni naturali, dinamika tal-pjanuri tal-għargħar, infiltrazzjoni naturali tal-pajsaġġ kollu, kif ukoll it-titjib tar-reżiljenza tal-baċiri tax-xmajjar;

([22]) Aħbarijiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, "Global warming could more than double costs caused by drought in Europe, study finds" (Studju jsib li t-tisħin globali jista' jirdoppja u iżjed il-kostijiet ikkawżati min-nixfa fl-Ewropa), l-10 ta' Mejju 2021.

([23]) Sejbiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar il-projezzjoni tal-impatti ekonomiċi tat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-UE abbażi ta' analiżi minn isfel għal fuq.

([24]) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2020 intitolata "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030: Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" (COM(2020)0562).

([25]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2022 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura (COM(2022)0304).

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

6. Jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkontribwixxi għal effett ta' tkessiħ ġenerali billi tistabbilixxi pjattaforma tal-UE għall-ekoloġizzazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi objettivi vinkolanti ambizzjużi u speċifiċi għall-bijodiversità urbana, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, l-approċċi bbażati fuq l-ekosistemi u l-infrastruttura ekoloġika, li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-bnedmin kif ukoll għall-organiżmi selvaġġi u jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali fir-rigward tal-bijodiversità; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu inklużi miżuri bħal sehem minimu ta' soqfa ekoloġiċi fuq il-binjiet ġodda, appoġġ għall-biedja urbana, inkluż l-użu ta' siġar produttivi, fejn xieraq, filwaqt li jiġi żgurat li ma tintuża l-ebda pestiċida kimika u jitnaqqas l-użu tal-fertilizzanti fiż-żoni ekoloġiċi urbani tal-UE, u żieda fl-għadd ta' spazji ekoloġiċi skont l-għadd ta' abitanti;

7. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità u jidentifikaw miżuri ta' restawr fuq terminu qasir, medju u twil għall-ekosistemi degradati minħabba avvenimenti meteoroloġiċi estremi; jitlob, barra minn hekk, li l-linji gwida tal-UE għall-pjanijiet ta' restawr ta' wara l-emerġenza jidentifikaw żoni ta' prijorità għall-fażijiet ta' rkupru, riabilitazzjoni u rikostruzzjoni wara diżastri kkawżati minn għargħar, nirien fil-foresti, mewġiet ta' sħana, jew nixfiet, inklużi rakkomandazzjonijiet biex tiżdied ir-reżiljenza u r-rivitalizzazzjoni tal-mezzi ta' għajxien, tal-ekonomiji u tal-ambjent affettwat;

8. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi gwida li l-partijiet ikkonċernati jistgħu jużaw biex jagħtu spinta lir-reżiljenza għan-nixfiet kemm tan-nies kif ukoll tal-ekosistemi; jisħaq li hija meħtieġa azzjoni koordinata anke fil-livell Ewropew fil-qasam tar-riċerka u l-monitoraġġ, bejn entitajiet diġà eżistenti bħall-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa, l-EEA, is-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus u partijiet ikkonċernati xierqa oħra; jisħaq li fil-qasam tal-finanzjament, għandu jiġi identifikat appoġġ finanzjarju xieraq fil-kuntest tal-PAK, il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u fondi reġjonali oħra;

9. Jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà partikolari tal-pajjiżi Mediterranji u l-importanza li jintużaw mekkaniżmi u riżorsi speċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji u l-effetti ta' dawn l-eventi estremi f'dawn it-territorji; jenfasizza li n-nixfa u fenomeni meteoroloġiċi oħra marbuta mal-kriżi klimatika mhux biss għandhom impatti ambjentali, iżda għandhom ukoll impatti soċjali, kulturali, ekonomiċi u politiċi, li jżidu r-riskju li l-inugwaljanzi soċjali jaggravaw;

10. Jissottolinja l-influwenza negattiva li d-diżastri naturali għandhom fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE, li xxekkel l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni; ifakkar, f'dan ir-rigward, li aktar minn EUR 100 biljun f'riżorsi tal-politika ta' koeżjoni se jiġu investiti fit-tranżizzjoni tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2030; jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà partikolari tat-territorji elenkati fl-Artikolu 174 tat-TFUE, b'mod partikolari l-gżejjer u r-reġjuni muntanjużi, u fl-Artikolu 349 tat-TFUE;

11. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-istrateġija ta' adattament tal-UE; jiddispjaċih madankollu li l-istrateġija ta' adattament tonqos milli tistabbilixxi miri konkreti, li jistgħu jitkejlu u marbuta biż-żmien biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jsiru reżiljenti għall-klima u jfakkar fit-talba tal-Parlament għal miri vinkolanti u kwantifikabbli; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tipproponi qafas Ewropew komprensiv, ambizzjuż u legalment vinkolanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima, inklużi l-għodod leġiżlattivi xierqa, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni l-aktar vulnerabbli;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal b'mod urġenti valutazzjoni komprensiva tar-riskju klimatiku fl-UE kollha, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lir-riskji ta' nixfiet, nirien fil-foresti, theddid għas-saħħa, vulnerabbiltajiet tal-ekosistema u l-effett fuq infrastrutturi kritiċi u hotspots tan-network, sabiex tiggwida u tipprijoritizza l-isforzi ta' adattament u reżiljenza fuq terminu qasir, medju u twil; jappella, b'mod partikolari, għat-tlestija tat-test tal-istress tal-UE għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima għall-infrastruttura ewlenija sas-sajf tal-2023;

13. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-mod kif il-kriżi klimatika taggrava l-inugwaljanzi eżistenti; jenfasizza li l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u l-persuni vulnerabbli jintlaqtu partikolarment mill-kriżi klimatika u għandhom bżonn appoġġ partikolari biex jadattaw ruħhom għat-tibdil fil-klima; jilqa' l-politiki soċjali fl-Istati Membri kollha li jipproteġu lill-ħaddiema mill-effetti avversi tal-kriżi klimatika fuq il-post tax-xogħol u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jintegraw l-adattament għat-tibdil fil-klima fil-politiki tax-xogħol u soċjali tagħhom;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

***Protezzjoni Ċivili u Rispons f'Każ ta' Emerġenza***

14. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat aktar il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u jsir użu sħiħ minnu fir-rigward tan-nirien fil-foresti u diżastri naturali oħra; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor u xxerred l-għarfien fost l-Istati Membri dwar kif il-foresti jiġu adattati għat-tibdil fil-klima attwali u mistenni, f'konformità mal-istrateġija l-ġdida ta' adattament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni toħloq valutazzjonijiet u mapep tar-riskju tan-nirien fil-foresti, abbażi ta' prodotti Copernicus imtejba u data oħra ta' telerilevament, sabiex tappoġġa azzjoni preventiva; jenfasizza l-importanza li tingħata spinta lill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili biex jiġu żgurati kapaċitajiet adegwati ta' tifi tan-nar fil-foresti fl-UE;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw l-istabbiliment tal-flotta permanenti l-ġdida rescEU u jħeġġiġhom jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal dan u jespandu mill-aktar fis possibbli x-xibka ta' sikurezza staġjonali Ewropea eżistenti;

16. Jinnota bi tħassib il-limitazzjonijiet tal-qafas attwali ta' rispons għad-diżastri fil-livell tal-UE bbażat fuq ġabra ta' riżorsi ta' rispons impenjati minn qabel mill-Istati Membri b'mod volontarju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw il-possibbiltà li jespandu l-kapaċità u l-kompetenzi tal-UE fil-qasam tar-rispons għad-diżastri fid-dawl ta' diżastri klimatiċi dejjem aktar frekwenti u severi, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' forza permanenti tal-protezzjoni ċivili tal-UE;

17. Jappella għal espansjoni tar-riżerva tat-tifi tan-nar volontarja attwali fl-ambitu ta' rescEU u jistieden lill-Istati Membri kollha jikkunsidraw li jpoġġu parti mill-brigati nazzjonali tagħhom għat-tifi tan-nar f'riżerva Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni biex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' rispons tal-UE;

18. Jappoġġa l-modernizzazzjoni tal-assi tal-protezzjoni ċivili permezz ta' akkwisti pubbliċi komuni ġodda, sabiex it-tagħmir u l-assi tal-art u tal-ajru jkunu aktar adattati għall-ġeografija tat-territorji differenti tal-UE;

19. Jappella għat-tisħiħ tal-pożizzjonament minn qabel staġjonali tal-pumpiera f'punti kritiċi għan-nirien fil-foresti, abbażi tas-suċċess tal-programm pilota operazzjonalizzat dan is-sajf fil-Greċja;

20. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u jappoġġaw il-ħolqien ta' ċentru Ewropew ta' eċċellenza fil-protezzjoni ċivili, b'mod partikolari biex jippromwovu t-taħriġ ta' aġenti fil-ġlieda kontra n-nirien u l-ġestjoni tal-kriżijiet, u biex jinkoraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki;

21. Ifakkar li l-FSUE ġie emendat diversi drabi sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u li l-linja baġitarja 2022 għall-FSUE diġà ġiet immobilizzata bis-sħiħ minħabba ż-żieda fid-diżastri naturali; jappella għal żieda sinifikanti fil-baġit tal-FSUE li tgħin lir-reġjuni jantiċipaw u jimmitigaw l-effetti tat-tibdil fil-klima, u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSUE jitwessa' sabiex ikun jista' jappoġġa wkoll restawr aktar reżiljenti għall-klima jew kostruzzjoni ta' infrastruttura pubblika u privata; jenfasizza li s-severità ta' xi diżastri naturali f'xi każijiet hija r-riżultat ta' fatturi kkawżati mill-bniedem, inkluż ippjanar spazjali mhux prudenti li jwassal għall-bini ta' akkomodazzjoni u infrastruttura fil-pjanuri tal-għargħar tax-xmajjar jew f'territorji suxxettibbli għall-uqigħ tal-art; itenni f'dan ir-rigward li r-rimborżi tal-FSUE għandhom jiffavorixxu reżiljenza u sostenibbiltà aktar b'saħħithom permezz tal-finanzjament ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ekosistema (eż. riforestazzjoni, restawr tal-ħabitats u rikostruzzjoni reżiljenti għat-terremoti);

22. Jirrimarka li huwa vitali li l-għajnuna u l-fondi jintbagħtu lir-reġjuni milquta b'mod kemm jista' jkun rapidu, faċli u flessibbli, u jissottolinja li s-sinerġiji bejn l-FSUE, il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, il-komponent ta' adattament għat-tibdil fil-klima tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-programmi ta' kooperazzjoni territorjali huma essenzjali sabiex jinħoloq pakkett komprensiv ta' rispons u reżiljenza;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-konsegwenzi tan-nixfa u t-tibdil fil-klima; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva Ewropea dwar l-involviment ċiviku u tippromwovi inizjattivi volontarji dwar ir-rispons għad-diżastri;

*Agrikoltura*

24. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bis-sħiħ l-impatti tas-sitwazzjoni kontinwa tan-nixfa fuq il-produzzjoni tal-ikel tal-UE fis-sena attwali, u fuq il-provvisti tal-ikel għall-popolazzjoni matul ix-xitwa li ġejja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, barra minn hekk, jikkunsidraw liema azzjonijiet korrettivi jistgħu jittieħdu u x'appoġġ jista' jingħata biex jiġi żgurat li l-produtturi primarji tal-ikel li jġarrbu telf fil-produzzjoni minħabba s-sħana u n-nixfa jkunu jistgħu jerġgħu jibdew, mingħajr dewmien, ċikli ġodda ta' produzzjoni għall-provvisti essenzjali tal-ikel;

25. Jenfasizza l-importanza li wieħed imur lil hinn mill-miżuri fuq terminu qasir u l-mitigazzjoni tal-kriżi attwali; jissottolinja li l-UE trid tkompli tadatta s-sistemi tal-ikel tagħha sabiex tagħmilhom aktar reżiljenti fit-tul;

26. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' varjetajiet u prattiki li jkunu aktar reżistenti għan-nixfa u t-tibdil fil-klima;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-PAK jiġu implimentati bil-ħsieb li l-agrikoltura ssir aktar effiċjenti fl-użu tal-ilma bil-għan li jitnaqqas l-użu tal-ilma u tiġi promossa reżiljenti akbar għan-nixfa, filwaqt li jitnaqqsu l-pressjonijiet idromorfoloġiċi b'mod ġenerali, filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tar-rapport speċjali tal-QEA dwar l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura; jilqa' l-introduzzjoni ta' ekoskemi ġodda, li għandhom jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar reżiljenti u ekoloġika;

28. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jżidu s-sehem tal-appoġġ agrikolu ddedikat għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji fl-agrikoltura u jikkunsidraw li jestendu l-użu tal-iskemi pubbliċi ta' assigurazzjoni għall-klima; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi skambji ta' prattika tajba dwar dan u dwar miżuri oħra ta' mitigazzjoni;

29. Jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni tidentifika riżorsi finanzjarji biex tgħin lill-azjendi agrikoli, filwaqt li tikkumpensa għat-telf li jirriżulta minn ħsara kkawżata min-nixfa jew eventi oħra kkawżati mill-emerġenza klimatika, tinċentiva aktar reżiljenza għall-klima u sostenibbiltà u tiżgura li din il-kriżi ma tispiċċax bl-għeluq definittiv tal-azjendi agrikoli;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-ħolqien ta' stokkijiet buffer ta' għalf u oġġetti tal-ikel strateġiċi bħala mezz wieħed biex jittaffew l-aspetti l-aktar dannużi tan-nixfa, inklużi varjazzjonijiet kbar fir-rendiment minn sena għal sena, u jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dan fil-livell internazzjonali billi ssegwi l-istabbiliment tal-ħżin tal-ikel bħala għodda waħda ta' stabbilizzazzjoni fid-dawl tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-agrikoltura u l-provvisti tal-ikel;

31. Jissottolinja l-ħtieġa ta' sistemi ta' irrigazzjoni agrikola aktar effiċjenti u mmirati, kif ukoll kapaċità ta' ħżin tal-ilma u rikalibrazzjoni ġenerali tal-ħtiġijiet tal-irrigazzjoni biex jinkiseb użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma; ifakkar li l-investimenti fl-irrigazzjoni u fil-kapaċità tal-ħżin tal-ilma huma appoġġati biss jekk iwasslu għal iffrankar tal-ilma; jissottolinja li l-investiment fir-restawr tal-ekosistema u fil-metodi ta' produzzjoni li jagħmlu t-tranżitu għall-agroekoloġija għandu jingħata prijorità;

32. Jinnota d-deċiżjoni meħuda fil-qafas tar-riforma l-ġdida tal-PAK rigward l-investimenti fl-irrigazzjoni fiż-żoni fejn l-istat tal-korpi tal-ilma huwa "inqas minn tajjeb"; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu investimenti f'dawn iż-żoni li jwasslu għall-iffrankar tal-ilma b'mod li jindirizza l-iskarsezza strutturali tal-ilma u jnaqqas l-impatti fuq l-ilmijiet;

33. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw l-introduzzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni li ma jużawx l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art, bħall-ħżin tal-ilma tax-xita u r-riċiklaġġ tal-ilma mormi, flimkien ma' sforzi biex jitnaqqas l-użu ġenerali tal-ilma; jitlob lill-Kummissjoni tiċċara, malajr kemm jista' jkun, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-UE dwar l-investimenti fl-irrigazzjoni fil-qafas tal-PAK sabiex tiġi eliminata kwalunkwe inċertezza; jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-linji gwida eżistenti għall-Istati Membri rigward l-investimenti fl-irrigazzjoni fil-qafas tal-pjanijiet strateġiċi l-ġodda tal-PAK;

34. Jenfasizza r-rwol pożittiv li l-agroekoloġija, l-agroforestrija u s-sistemi ta' produzzjoni organika għandhom fis-salvagwardja tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma billi jżidu l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità fl-użu tar-riżorsi, itejbu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli billi jnaqqsu l-inputs u jiddiversifikaw il-produzzjoni u għalhekk iferrxu r-riskju, li huwa speċjalment importanti biex jiġi evitat it-telf totali tal-għelejjel; ifakkar li t-tħawwil ta' sisien tal-ħaxix u siġar, l-isforz biex tiġi żgurata l-kopertura tal-ħamrija, l-evitar tar-ragħa eċċessiv, it-tnaqqis tal-kompattazzjoni u l-bini ta' livelli ta' materja organika tal-ħamrija u ta' humus huma utli għall-bdiewa;

35. Jissottolinja l-ħtieġa, fid-dawl tal-eventi klimatiċi estremi ta' dawn l-aħħar xhur, li jiġu implimentati malajr l-istrateġiji mill-għalqa sal-platt u għall-bijodiversità sabiex titwettaq ambizzjoni akbar favur settur agrikolu aktar ekoloġiku u aktar sostenibbli billi jitqiesu l-impatti klimatiċi differenzjati ta' tipi differenti ta' produzzjoni agrikola; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibqgħu impenjati bis-sħiħ favur il-Patt Ekoloġiku tal-UE u jżidu l-azzjoni dwar il-mitigazzjoni, l-adattament u r-reżiljenza fil-konfront tat-tibdil fil-klima tal-UE, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lill-fenomeni meteoroloġiċi estremi;

36. Jissottolinja l-importanza tas-saħħa tal-ħamrija għaż-żamma u l-filtrazzjoni tal-ilma; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel iż-żamma tal-ilma u l-kapaċità tal-iffiltrar kif ukoll it-tira pilastru ewlieni tal-abbozz ta' liġi tal-UE dwar is-saħħa tal-ħamrija li se jiġi ppubblikat fl-2023; jissottolinja li t-torbieri għandhom potenzjal enormi bħala bjar tal-karbonju u għandhom rwol sinifikanti fl-iffiltrar tal-ilma u fil-mitigazzjoni tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fil-foresti;

37. Jappella għal objettiv tal-UE tan-newtralità tad-degradazzjoni tal-art fl-UE sal-2030 sabiex jiġi żgurat li l-mira korrispondenti fil-qafas tal-SDGs tan-NU tintlaħaq bis-sħiħ fl-UE, peress li l-UE bħalissa mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-SDG kif enfasizzat fir-rapport speċjali tal-QEA tal-2018 dwar id-deżertifikazzjoni;

38. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-bdiewa li jżommu r-riżorsi tal-ħamrija u tal-ilma f'kundizzjoni tajba, kif ukoll il-ħtieġa li jiżdiedu l-prattiki tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu dawn il-prattiki permezz ta' ekoskemi ġodda u permezz tal-iżvilupp tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, li se jkollu wkoll jintegra elementi ambjentali oħra, bħall-ġestjoni tal-ilma, sabiex jiżdiedu l-inċentivi għall-produtturi; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' ċikli tal-karbonju sostenibbli;

39. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi aċċelerat it-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilmijiet tal-wiċċ, b'mod partikolari min-nitrati u l-pestiċidi;

40. Jappella sabiex l-inizjattivi u l-azzjonijiet kollha relatati mal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tan-nixfiet, l-għargħar u l-mewġiet ta' sħana u l-impatti tagħhom jintegraw bis-sħiħ il-kunsiderazzjoni tal-ambjent naturali, b'mod partikolari l-foresti, u l-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi;

***Nirien fil-Foresti:***

41. Jappella għal rispons integrat għan-nirien fil-foresti sabiex il-foresti tal-UE jiġu protetti mill-qerda kkawżata minn eventi klimatiċi estremi; jissottolinja li globalment in-nirien fuq skala kbira qed jiżdiedu fl-intensità u fil-frekwenza; jinsab imħasseb dwar l-espansjoni prevista ta' żoni suxxettibbli għan-nirien u staġuni itwal b'riskju għoli ta' nirien fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni Ewropej, b'mod partikolari f'xenarji ta' emissjonijiet għoljin; ifakkar li pajsaġġ varjat b'foresti diversi jipprovdi protezzjoni akbar jew barriera naturali kontra nirien fil-foresti fuq skala kbira u inkontrollabbli;

42. Jisħaq li r-restawr u r-riforestazzjoni ta' foresti diversi jgħin fil-prevenzjoni u t-trażżin tan-nirien; jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar riżorsi għall-iżvilupp ta' ġestjoni tan-nirien ibbażata fuq ix-xjenza u appoġġ għall-bini tal-kapaċità permezz ta' servizzi ta' konsulenza biex jiġu indirizzati l-effetti tat-tibdil fil-klima fil-foresti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu b'mod aħjar u jagħmlu użu mill-kunċett tal-ġestjoni integrata tan-nirien u jinnota li dan jista' jirrikjedi kapaċità regolatorja aħjar fl-Istati Membri, it-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi u appoġġ iddedikat u kooperazzjoni akbar għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għad-diżastri;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

43. Jinsab imħasseb dwar ir-riskju ta' formazzjoni ta' pirokumulunimbus minn nirien fil-foresti u l-impatt negattiv fuq l-istratosfera u s-saff tal-ożonu; jappella, għalhekk, sabiex in-nirien intenzjonati u l-ħruq tas-siġar fil-foresti jitnaqqsu kemm jista' jkun;

44. Jiġbed l-attenzjoni għall-impatti tan-nirien fil-foresti u tat-tniġġis tal-arja assoċjat fuq is-saħħa u jesprimi tħassib għat-tbassir tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija li jgħid li dawn il-fenomeni mistennijin jiżdiedu, anke f'xenarju ta' livell baxx ta' emissjonijiet ([26]); Jinnota li, bit-tisħin tal-pjaneta, mistennijin jiżdiedu n-nirien fil-foresti u t-tniġġis tal-arja assoċjat, anke f'xenarju ta' livell baxx ta' emissjonijiet, u jinnota, barra mill-effetti għal saħħet il-bniedem, li dan se jħalli impatt anke fuq l-ekosistemi, peress li s-sustanzi li jniġġsu fl-arja jiddepożitaw ruħhom mill-atmosfera għal fuq wiċċ l-art; jirrimarka dwar kif il-kriżi klimatika għandha impatt fuq il-bijodiversità u t-tnaqqis tar-reżiljenza tal-ekosistemi u l-impatti konsegwenti fuq is-saħħa pubblika, u għalhekk jinsisti fuq l-importanza ta' approċċ "Saħħa Waħda";

45. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni kontinwa tal-foresti tagħna u jipproteġu l-art mill-klassifikazzjoni mill-ġdid bħala art mhux forestali wara nirien fil-foresti, peress li dan jista' jinkoraġġixxi nirien intenzjonati bl-għan li l-art tkun tista' tintuża għal użu ieħor li ma kienx permess qabel in-nirien; jistieden lill-Kumitat tar-Reġjuni u lis-servizzi tal-Kummissjoni jiżguraw kollaborazzjoni mal-awtoritajiet lokali u jirriċerkaw l-istorja tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-art wara nirien fil-foresti;

46. Jitlob li d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([27]) tiġi riveduta sabiex tinkludi eżenzjoni mit-taxxa fuq il-konsum intern fuq prodotti tal-enerġija għall-pumpiera waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

***Ilma***

47. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija komprensiva tal-UE dwar l-ilma li tinkludi l-organizzazzjoni mal-Istati Membri ta' konferenza Ewropea dwar l-ilma sabiex jiġu żviluppati malajr linji gwida dwar il-ġestjoni ta' baċiri tax-xmajjar kondiviżi tranżnazzjonali, speċjalment fil-każ ta' nixfiet pluriennali, u biex tiġi żgurata prijoritizzazzjoni bbilanċjata bejn l-użi tal-ilma;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-iżvilupp ta' pjanijiet reġjonali jew nazzjonali komprensivi mis-sors sa l-użu aħħari tal-ilma, sabiex jiġu ttrattati t-tnixxija u l-infiltrazzjoni tal-ilma minħabba kwalità fqira jew infrastruttura miżmuma ħażin, inkluż fil-livell tal-baċin, urban u tal-azjenda agrikola, u biex tiskambja l-aħjar prattiki għal dan il-għan;

49. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa ż-żieda fl-isforzi tal-Istati Membri biex iżidu l-użu ta' tekniki tal-użu mill-ġdid tal-ilma, teknoloġiji u prattiki ta' irrigazzjoni li jiffrankaw l-ilma, teknoloġiji ekoloġiċi tas-soqfa, doċoċ u tojlits intelliġenti fis-settur tal-ilma, inklużi l-provvista, is-sanità u l-ġestjoni tal-ilma tax-xita, u fiċ-ċikli u l-applikazzjonijiet industrijali, residenzjali u kummerċjali kollha tal-ilma; jappella sabiex tiġi emendata l-leġiżlazzjoni attwali biex jitħeġġeġ l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-industriji li jużaw ħafna ilma filwaqt li jiġu rispettati l-kriterji ta' kwalità l-aktar stretti, kif ukoll fl-uffiċċji u fid-djar bl-użu mill-ġdid tal-ilma griż; ifakkar li l-ġestjoni tal-ilma hija ta' importanza kruċjali biex jiġu minimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, għall-protezzjoni tal-ilma u tas-sigurtà tal-ikel, kif ukoll il-bijodiversità u ż-żamma ta' ħamrija b'saħħitha;

50. Jirrimarka li s-settur tal-enerġija huwa konsumatur kbir tal-ilma fl-Ewropa, li s-settur tal-ilma nnifsu jikkonsma ħafna enerġija għall-astrazzjoni, l-ippumpjar, it-tisħin, it-tkessiħ, it-tindif u d-desalinizzazzjoni tal-ilma; jindika l-impatt li l-livelli baxxi tal-ilma kellhom fuq is-settur tal-enerġija u fuq ċerti industriji; jenfasizza li effiċjenza mtejba tal-ilma jista' jkollha impatt dirett fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tibdil fil-klima;

([26]) Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija, "WMO Air Quality and Climate Bulletin highlights impacts of wildfires" (Il-Bulettin tad-WMO dwar il-Kwalità tal-Arja u l-Klima jenfasizza l-impatti tan-nirien fil-foresti), 7 ta' Settembru 2022.

([27]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

51. Jissottolinja l-ħtieġa li ċ-ċittadini jiġu involuti fil-ġestjoni tal-ilma; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw l-aċċess għall-ilma maħsub għal gruppi vulnerabbli u emarġinati f'konformità mad-Direttiva u jieħdu azzjoni ulterjuri biex jiżguraw il-provvista tal-ilma tal-vit; ifakkar fl-obbligi tal-istati li jiżguraw id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb, b'mod partikolari matul il-mewġiet ta' sħana u l-perjodi ta' nixfa, li jinvolvi, pereżempju, l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' parteċipazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni ta' Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat (FPIC) għall-infrastruttura tal-enerġija u l-industriji estrattivi fuq skala kbira; jisħaq fuq l-importanza tar-rikonoxximent sistematiku tad-drittijiet konswetudinarji għall-ilma tax-xorb u l-għoti ta' rimedji ġustizzjabbli (permezz ta' mekkaniżmu tal-ilmenti) għal każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

52. Jissottolinja l-importanza tal-prevenzjoni tal-ispekulazzjoni fuq l-ilma sabiex jiġu żgurati aċċess ġust u ġestjoni tajba tar-riżorsi; jappella għal projbizzjoni fuq il-kummerċ tal-ilma bħala komodità fis-swieq finanzjarji;

***Dimensjoni Internazzjonali u Soċjali***

53. Jisħaq li madwar l-Ewropa ħafna nies jgħixu f'akkomodazzjoni antikwata u żdingata u f'kundizzjonijiet tal-għajxien xejn sodisfaċenti u dawn jagħmluhom aktar vulnerabbli għall-effetti tat-temp estrem; ifakkar li l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata huwa dritt fundamentali; jappella għall-adozzjoni rapida ta' fond soċjali għall-klima ambizzjuż sabiex jiġu appoġġjati l-aktar gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tad-djar tagħhom u jiġu dekarbonizzati s-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ tagħhom, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u dan jippermettilhom inaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom u jtejbu wkoll il-kwalità tal-ħajja tagħhom;

54. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li tiżdied l-azzjoni globali, kemm biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif enfasizzat fil-Patt Klimatiku ta' Glasgow, adottat fl-2022; jappella sabiex l-UE jkollha rwol attiv fit-tkomplija tal-proċess tad-definizzjoni ta' għan globali fil-qasam tal-adattament u biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-għan relatat mal-finanzjament internazzjonali għall-klima, inkluż billi jiġi żgurat bilanċ bejn il-finanzjament għall-mitigazzjoni u dak għall-adattament; jistieden, barra minn hekk, lill-UE tipparteċipa b'mod attiv fil-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri biex tieħu azzjonijiet konkreti biex tipproteġi, mir-riskji ta' diżastri naturali, il-kisbiet fl-iżvilupp;

55. Ifakkar li s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema hija kompetenza tal-UE u li f'konformità mad-Direttiva 89/391/KEE ([28]), il-ħaddiema għandhom ikunu protetti minn kwalunkwe riskju, inkluż minn riskji ġodda; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa u b'urġenza r-riskji ġodda tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali sabiex tipproteġi aħjar lill-ħaddiema minn esponiment għal temperaturi għoljin, radjazzjoni uv naturali u perikli oħra relatati għas-sikurezza, b'mod partikolari fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-agrikoltura u tas-servizzi pubbliċi; jirrimarka li rwoli differenzjati skont il-ġeneru jikkawżaw ukoll vulnerabbiltajiet għall-effetti tat-tibdil fil-klima differenzjati bejn in-nisa u l-irġiel, u li l-impatti tat-tibdil fil-klima jaggravaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri;

56. Ifakkar fil-ħtieġa li l-Istati Membri jaħdmu lejn approċċ ta' "Viżjoni Żero" għall-imwiet relatati max-xogħol f'konformità mal-qafas strateġiku tal-UE 2021-2027 dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema kollha li jintervjenu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, inklużi l-pumpiera, li huma partikolarment esposti għall-karċinoġeni matul xogħolhom; jisħaq fuq l-importanza li jiġi inkluż taħriġ regolari dwar is-sikurezza u l-ġestjoni tar-riskju għal dawk li jintervjenu f'emerġenza, kif ukoll li jiġu pprovduti tagħmir u materjali protettivi xierqa fl-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri fil-qasam tas-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri;

57. Jesprimi l-kondoljanzi profondi tiegħu lill-poplu tal-Pakistan, li sofra mill-impatti fatali tal-kriżi klimatika, u jirrikonoxxi li l-Pakistan jikkontribwixxi ftit li xejn għall-kriżi klimatika; jinnota li l-UE allokat EUR 1,8 miljun inizjali f'assistenza umanitarja għall-vittmi tal-għargħar, iżda jirrikonoxxi li dan mhuwiex proporzjonat mal-indirizzar xieraq tal-ħtiġijiet tan-nies u l-komunitajiet milquta;

([28]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

58. Jisħaq fuq l-importanza li jsir progress fl-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; jilqa' d-dikjarazzjoni ministerjali adottata dan is-sajf fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li tinnota li n-nixfiet u l-għargħar huma sfidi ta' dimensjoni globali li jinħassu l-aktar mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll min-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, speċjalment il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali; ifakkar lill-pajjiżi żviluppati dwar il-ħtieġa li juru solidarjetà mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod partikolari ma' dawk l-aktar vulnerabbli;

59. Ifakkar li l-2021-2030 huwa d-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistema u jistenna li r-restawr tan-natura jkun il-karatteristika ewlenija ta' dan id-deċennju fl-UE; jinkoraġġixxi lill-partijiet kollha għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika jimplimentaw b'mod urġenti miżuri għar-restawr tan-natura fit-territorji tagħhom;

60. Jinnota li l-pajjiżi madwar id-dinja ntlaqtu wkoll minn nixfiet rekord serji, inkluża nixfa rekord fiċ-Ċina; jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-sħab internazzjonali dwar il-kwistjoni tan-nixfiet, in-nirien fil-foresti u impatti oħra tat-tibdil fil-klima; jistieden lill-UE tistinka favur djalogu msaħħaħ f'dan il-qasam, inkluż fil-COP27, sabiex isir skambju tal-għarfien u biex il-ġestjoni tan-nixfa tittejjeb b'mod reċiproku;

61. Jisħaq li s-sistemi ta' twissija bikrija huma kritiċi għall-adattament effettiv, b'mod partikolari fir-rigward tan-nirien fil-foresti u l-għargħar, iżda mhumiex disponibbli għal parti kbira tad-dinja; jappoġġa l-inizjattiva ta' servizzi ta' twissija bikrija tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija u jittama li din tiġi implimentata malajr sabiex jiġu salvati kemm jista' jkun ħajjiet malajr kemm jista' jkun mill-impatti tal-kriżi klimatika; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkondividu t-teknoloġija tas-sistema ta' twissija bikrija;

62. Jissottolinja li skont in-NU, in-nixfa fil-Qarn tal-Afrika poġġiet 22 miljun persuna fir-riskju li jmutu bil-ġuħ; jinnota li l-problemi bl-aċċess għall-ikel u l-ġuħ f'pajjiżi barra mill-UE qed jiġu aggravati mill-kriżi klimatika, kif ukoll mill-forzi ġeopolitiċi; jistieden lill-UE tagħti prijorità lill-politiki dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni koerenti u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem; jindika kif il-kriżi klimatika qed taggrava l-kriżijiet umanitarji madwar id-dinja, b'mod partikolari fl-Afganistan, fejn in-nixfa hija fattur li jikkontribwixxi biex 20 miljun Afgan jiġu mċaħħda mill-ikel;

63. Jisħaq li l-UE għandha tkun lesta għal spostamenti kkawżati mill-klima u jirrikonoxxi l-ħtieġa li jittieħdu miżuri adegwati sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem ta' popolazzjonijiet mhedda mill-effetti tat-tibdil fil-klima; iqis li tali spostament għandu jiġi indirizzat fil-livell internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw dwar l-iżvilupp ta' qafas internazzjonali biex jiġu indirizzati l-ispostament u l-migrazzjoni kkawżati mill-klima kemm fil-fora internazzjonali kif ukoll fl-azzjoni esterna tal-UE; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jappoġġaw lill-persuni li ġew spostati minħabba t-tibdil fil-klima u li ma għadhomx jistgħu jgħixu fil-postijiet ta' residenza tagħhom; jissottolinja li l-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ddeċieda li l-istati jridu jqisu l-impatti tal-kriżi klimatika fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż ta' oriġini meta jikkunsidraw id-deportazzjoni tal-applikanti għall-ażil;

64. Jappella sabiex jiżdiedu l-investimenti fl-edukazzjoni u li tiżdied is-sensibilizzazzjoni għaċ-ċittadini Ewropej dwar id-diżastri naturali; jitlob li l-Jum Internazzjonali għat-Tnaqqis tad-Diżastri Naturali jiġi promoss b'inizjattivi viżibbli tal-UE;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

P9_TA(2022)0331

# Is-sitwazzjoni fl-Istrett tat-Tajwan

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Settembru 2022 dwar is-sitwazzjoni fl-Istrett tat-Tajwan (2022/2822(RSP))**

(2023/C 125/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-21 ta’ Ottubru 2021 lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni UE-Tajwan ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Ġunju 2022 dwar l-UE u l-isfidi tas-sigurtà fl-Indo-Paċifiku ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2022 dwar l-istrateġija Indo-Paċifika fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Settembru 2021 dwar strateġija UE-Ċina ġdida ([4]),

— wara li kkunsidra s-summit UE-Ċina tal-1 ta’ April 2022,

— wara li kkunsidra l-politika ta’ “Ċina Waħda” tal-UE,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2021 dwar strateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tas-16 ta’ Settembru 2021 dwar l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku (JOIN(2021)0024),

— wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża adottata mill-Kunsill fil-21 ta’ Marzu 2022,

— wara li kkunsidra l-Kunċett Strateġiku tan-NATO tal-2022,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tal-1 ta’ Diċembru 2021 dwar il-Portal Globali (JOIN(2021)0030),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-ministri għall-affarijiet barranin tal-G7 tat-3 ta’ Awwissu 2022 dwar il-preservazzjoni tal-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan,

— wara li kkunsidra d-diskors tal-VP/RGħ Josep Borrell fid-29 Forum Reġjonali tal-ASEAN fil-5 ta’ Awwissu 2022,

— wara li kkunsidra d-Djalogu Strateġiku Trilaterali bejn l-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Ġappun tal-5 ta’ Awwissu 2022,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NATO, Jens Stoltenberg, tal-4 ta’ Awwissu 2022,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE u t-Tajwan huma sħab li jaqsmu l-istess fehma u li jikkondividu l-valuri komuni tal-libertà, tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt; billi l-UE tkompli żżomm il-pożizzjoni ta’ prinċipju tagħha favur politika ta’ “Ċina Waħda”;

---

([1]) ĠU C 184, 5.5.2022, p. 170.
([2]) Testi adottati, P9_TA(2022)0224
([3]) Testi adottati, P9_TA(2022)0276.
([4]) ĠU C 117, 11.3.2022, p. 40.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

B. billi bejn l-4 u l-10 ta' Awwissu 2022, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) eskalat l-intimidazzjoni militari tagħha li ilha għaddejja kontra t-Tajwan għal livell mingħajr preċedent wara ż-żjara tat-2 u t-3 ta' Awwissu 2022 mill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Istati Uniti Nancy Pelosi, u varat eżerċizzji militari fuq skala kbira bl-użu ta' munizzjon reali f'seba' żoni deżinjati madwar it-Tajwan; billi l-eżerċizzji inkludew l-użu ta' xejn inqas minn 11-il missila ballistika li minnhom mill-inqas ħamsa għaddew minn fuq it-Tajwan; billi dawn l-eżerċizzji militari kkostitwew imblokk virtwali tal-ispazju marittimu u tal-ajru tat-Tajwan;

C. billi ħamsa mill-missili ballistiċi tar-RPĊ niżlu fiż-żona ekonomika esklussiva Ġappuniża (ŻEE);

D. billi l-eżerċizzji militari fuq skala sħiħa kienu akkumpanjati minn attakki ċibernetiċi intensi kontra l-awtoritajiet Tajwaniżi u s-settur privat; billi l-belliġerenza militari kontinwa tar-RPĊ toħloq theddida serja għall-*istatus quo* u tista' twassal għal eskalazzjoni perikoluża, anke mhux intenzjonata, b'impatt serju fuq l-istabbiltà u l-paċi globali, inkluż għall-UE;

E. billi r-RPĊ tidher li qed tfittex li tkompli l-azzjonijiet aggressivi żżejjed tagħha b'mod indefinit, u qed tipprova ddgħajjef l-*istatus quo* fl-Istrett tat-Tajwan;

F. billi mill-2019 'l hawn, ir-RPĊ daħlet fiż-żona ta' identifikazzjoni tad-difiża tal-ajru (ADIZ) Tajwaniża b'aktar regolarità; billi r-RPĊ qed taġixxi b'mod aggressiv f'żoni vasti tal-Indo-Paċifiku u qed teżerċita gradi differenti ta' koerċizzjoni militari jew ekonomika, li wasslu għal tilwim ma' ġirien bħall-Ġappun, l-Indja, il-Filippini u l-Awstralja;

G. billi b'reazzjoni għall-provokazzjonijiet imġedda mir-RPĊ, it-Tajwan ħabbar li se jżid il-baġit militari tiegħu b'13,9 % sena wara sena, għal rekord ta' TWD 586,3 biljun (EUR 19,5 biljun);

H. billi l-Awstralja u l-Ġappun, flimkien mal-Istati Uniti, esprimew f'dikjarazzjoni konġunta "tħassib dwar l-azzjonijiet reċenti [tar-RPĊ] li jaffettwaw serjament il-paċi u l-istabbiltà internazzjonali" u ħeġġew lir-RPĊ "twaqqaf immedjatament l-eżerċizzji militari"; billi l-ministri għall-affarijiet barranin tal-G7 ikkritikaw fid-dettall l-azzjonijiet aggressivi tar-RPĊ;

I. billi wara ż-żjara tad-delegazzjoni tal-Kungress tal-Istati Uniti mmexxija mill-Ispeaker Pelosi, ir-RPĊ issospendiet it-taħditiet u l-kooperazzjoni mal-Istati Uniti fi tmien oqsma differenti, inklużi d-djalogi dwar kwistjonijiet militari u t-tibdil fil-klima;

J. billi f'dawn l-aħħar snin it-Tajwan laqa' għadd kbir ta' żjarat minn leġiżlaturi, inklużi dawk mill-Istati Membri tal-UE u Viċi President wieħed tal-Parlament Ewropew; billi tali żjarat fil-qafas tad-diplomazija parlamentari huma prattika komuni fid-demokraziji;

K. billi fid-9 ta' Ottubru 2021, il-President Xi Jinping wiegħed li jwettaq ir-"riunifikazzjoni" mat-Tajwan permezz ta' mezzi allegatament paċifiċi, iżda ddikjara b'mod falz li l-akbar ostaklu għaliha kienet l-hekk imsejħa forza ta' "indipendenza tat-Tajwan"; billi din ir-retorika mhijiex appoġġata mill-azzjonijiet tar-RPĊ; billi d-diplomatiċi tar-RPĊ saħansitra heddew bl-hekk imsejħa "edukazzjoni mill-ġdid" tat-Tajwaniżi wara r-"riunifikazzjoni";

L. billi l-white paper tar-RPĊ li ġiet ippubblikata dan l-aħħar bit-titolu "Il-Kwistjoni tat-Tajwan u r-Riunifikazzjoni taċ-Ċina fl-Era l-Ġdida" neħħiet ir-riassigurazzjonijiet preċedenti offruti lit-Tajwan dwar l-istatus futur tiegħu wara r-"riunifikazzjoni", bħall-fatt li ma jkunux stazzjonati t-truppi tar-RPĊ jew li jintbagħat persunal amministrattiv fuq il-gżira;

M. billi r-RPĊ imponiet sanzjonijiet ekonomiċi u pressjoni massivi fuq il-Litwanja wara li qablet mal-ftuħ ta' Uffiċċju ta' Rappreżentanza Tajwaniż fil-Litwanja, kif ukoll pjanijiet biex tiftaħ uffiċċju ta' rappreżentanza tal-kummerċ Litwan f'Taipei; billi l-Parlament isostni bil-qawwa d-dritt tal-Istati Membri kollha tal-UE li jsegwu tali relazzjonijiet mat-Tajwan;

N. billi t-Tajwan allinja ruħu mas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u billi kemm l-awtoritajiet Tajwaniżi kif ukoll il-poplu tiegħu għamlu donazzjonijiet sinifikanti lir-rifuġjati Ukreni;

O. billi t-Tajwan jinsab f’pożizzjoni strateġika f’termini ta’ kummerċ; billi l-Istrett tat-Tajwan huwa r-rotta primarja għall-vapuri li jivvjaġġaw miċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea t’Isfel u t-Tajwan lejn l-Ewropa; billi l-UE tibqa’ l-akbar sors ta’ investiment dirett barrani (FDI) fit-Tajwan; billi hemm potenzjal konsiderevoli biex jiżdied l-FDI tat-Tajwan fl-UE; billi t-Tajwan jiddomina s-swieq tal-manifattura tas-semikondutturi, peress li l-produtturi tiegħu jimmanifatturaw madwar 50 % tal-produzzjoni dinjija tas-semikondutturi; billi l-istrateġija Indo-Paċifika tal-UE targumenta favur żieda fil-kooperazzjoni mat-Tajwan fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment u tippromwovi l-istabbilizzazzjoni tat-tensjonijiet fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar u fl-Istrett tat-Tajwan;

P. billi, fis-Summit UE-Ċina tal-1 ta’ April 2022, l-UE fakkret fir-responsabbiltà tar-RPĊ, kemm bħala attur globali kif ukoll bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, li taħdem għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun u b’mod partikolari fl-Istrett tat-Tajwan;

Q. billi l-UE impenjat ruħha li tuża kull mezz disponibbli biex tinkoraġġixxi inizjattivi bl-għan li jippromwovu d-djalogu, il-kooperazzjoni u l-bini tal-fiduċja maż-żewġ naħat tal-Istrett tat-Tajwan; billi dawn l-iżviluppi l-ġodda saħħew il-ħtieġa urġenti li l-impenn tal-UE jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tensjonijiet reġjonali bħala fattur ta’ instabbiltà;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-eżerċizzji militari tar-RPĊ li bdew fl-Istrett tat-Tajwan fit-2 ta’ Awwissu 2022 u li laħqu livell bla preċedent ta’ intensità, u jistieden lill-Gvern tar-RPĊ joqgħod lura minn kwalunkwe miżura li tista’ tiddestabbilizza l-Istrett tat-Tajwan u s-sigurtà reġjonali;

2. Jissottolinja li l-istatus quo fl-Istrett tat-Tajwan ma jridx jinbidel b’mod unilaterali u jinsisti fuq l-oppożizzjoni għall-użu tal-forza jew għal kwalunkwe theddid li tintuża;

3. Itenni l-impenn tal-komunità internazzjonali li żżomm l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, il-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan u fir-reġjun; itenni l-impenn tal-UE għall-politika ta’ “Ċina Waħda” bħala l-pedament politiku tar-relazzjonijiet UE-Ċina; ifakkar li l-istrateġija UE-Ċina tenfasizza li relazzjonijiet kostruttivi bejn iż-żewġ naħat tal-Istrett huma parti mill-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fir-reġjun kollu tal-Asja u l-Paċifiku u li l-UE tappoġġa inizjattivi mmirati lejn id-djalogu u l-bini tal-fiduċja; huwa konvint li l-azzjonijiet provokattivi tar-RPĊ kontra t-Tajwan u fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar għandu jkollhom konsegwenzi għar-relazzjonijiet UE-Ċina, u li għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta’ ppjanar ta’ kontinġenza;

4. Jesprimi s-solidarjetà soda tiegħu mal-poplu tat-Tajwan; jifraħ lill-awtoritajiet tat-Tajwan u lill-mexxejja politiċi għar-reazzjoni mrażżna u responsabbli tagħhom għall-provokazzjonijiet tar-RPĊ;

5. Jissottolinja li, fil-gżira demokratika tat-Tajwan, huwa f’idejn il-poplu li jiddeċiedi kif jixtieq jgħix;

6. Itenni l-importanza li jiġi rispettat id-dritt internazzjonali, b’mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u d-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-obbligu li t-tilwim jissolva b’mezzi paċifiċi, u dwar iż-żamma tal-libertà tan-navigazzjoni u t-titjiriet li jgħaddu minn fuq il-pajjiż;

7. Jilqa’ l-mod ċar li bih l-Istati Membri tal-UE kif ukoll sħab ewlenin fir-reġjun ikkundannaw l-eżerċizzji militari tar-RPĊ, u jissottolinja li l-unità tagħna hija kruċjali sabiex tiġi skoraġġuta kwalunkwe aggressjoni mir-RPĊ u jinżammu l-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan;

8. Jinsab imħasseb għall-aħħar dwar il-missili ballistiċi li ġew sparati fuq it-Tajwan, li niżlu fiż-żona ekonomika esklużiva tal-Ġappun, li jheddu l-istabbiltà tar-reġjun u s-sigurtà nazzjonali tal-Ġappun; jilqa’ l-kelliem tal-istqarrijiet tal-Gvern Ġappuniż li jappella għal djalogu ġenwin biex jissolvew il-kwistjonijiet li jikkonċernaw lit-Tajwan b’mod paċifiku; jesprimi s-simpatija tiegħu u joffri l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-Ġappun, u jenfasizza f’dan ir-rigward il-ħtieġa li d-demokraziji fir-reġjun ikomplu jappoġġaw lit-Tajwan fid-dawl tat-theddid militari tar-RPĊ, peress li l-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun huma fl-interess ta’ kulħadd;

9. Iħeġġeġ lir-RPĊ twaqqaf minnufih l-azzjonijiet u l-intrużjonijiet kollha fiż-żona ta’ identifikazzjoni għad-difiża tal-ajru tat-Tajwan u twaqqaf il-ksur tal-ispazju tal-ajru fuq il-gżejjer periferiċi tat-Tajwan, jerġgħu jistabbilixxu bis-sħiħ ir-rispett sħiħ tal-linja medjana tal-Istrett tat-Tajwan, u twaqqaf it-tattiki militari f’żona griża l-oħra kollha, inklużi kampanji ċibernetiċi u ta’ diżinformazzjoni;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

10. Jikkundanna d-deċiżjoni tar-RPĊ li tissospendi diversi djalogi politiċi mal-Istati Uniti, inkluż dwar kwistjonijiet klimatiċi u ta' sigurtà, u jħeġġeġ lit-tmexxija tar-RPĊ terġa' lura għal standards diplomatiċi sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' kalkoli żbaljati u żbalji li jista' jkollhom konsegwenzi katastrofiċi;

11. Jirrifjuta bil-qawwa l-koerċizzjoni ekonomika tar-RPĊ kontra t-Tajwan u demokraziji oħra fir-reġjun tagħha, kif ukoll kontra l-Istati Membri tal-UE, u jissottolinja li prattiki bħal dawn mhumiex biss illegali skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, iżda għandhom ukoll effett devastanti fuq ir-reputazzjoni tar-RPĊ madwar id-dinja u jwasslu għal aktar telf ta' fiduċja fir-RPĊ bħala sieħba;

12. Jitlob li l-UE tassumi rwol aktar b'saħħtu fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Istrett tat-Tajwan u l-Indo-Paċifiku b'mod ġenerali, f'konformità mal-istrateġija Indo-Paċifika tagħha stess; jappella għall-approfondiment ulterjuri tar-relazzjonijiet strateġiċi tagħna ma' sħab tal-istess fehma fir-reġjun, b'mod partikolari l-Ġappun u l-Awstralja;

13. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jżidu l-preżenza ekonomika u diplomatika tagħhom fir-reġjun Indo-Paċifiku kollu, inkluż fit-Tajwan, u jfakkar li ċ-ċentru ta' gravità strateġiku u ekonomiku tad-dinja qed jiċċaqlaq lejn dan ir-reġjun, u li l-UE għalhekk għandha interess ċar li ssawwar approċċ ċar u kredibbli fil-livell tal-UE għall-Indo-Paċifiku;

14. Jistieden għal darb'oħra lill-UE ssaħħaħ is-sħubija eżistenti mat-Tajwan sabiex tippromwovi valuri u prinċipji komuni, inkluż billi tfittex ftehim reżiljenti dwar il-katina tal-provvista u ftehim bilaterali ta' investiment (BIA), li jgħinu fil-protezzjoni tal-interessi tal-UE kollha kemm hi u tal-Istati Membri tagħha;

15. Jilqa' l-pjanijiet imħabbra reċentement mil-Litwanja biex tiftaħ uffiċċju ta' rappreżentanza tal-kummerċ f'Taipei fil-ħarifa tal-2022; jistieden Stati Membri oħra li għadhom ma fetħux uffiċċju kummerċjali fit-Tajwan biex isegwu dan l-eżempju u jsaħħu r-relazzjonijiet politiċi tagħhom mat-Tajwan; jistieden lir-RPĊ tirrevoka s-sanzjonijiet mhux ġustifikati tagħha kontra uffiċjali Litwani; jikkundanna r-restrizzjonijiet kummerċjali tar-RPĊ;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tbiddel l-isem tal-Uffiċċju Ekonomiku u Kummerċjali Ewropew f'Taipei sabiex jirrifletti l-ambitu wiesa' tar-rabtiet tagħna;

17. Jisħaq fuq kemm it-Tajwan huwa kruċjali għall-katina tal-provvista globali fis-setturi ewlenin tat-teknoloġija avvanzata, b'mod partikolari s-semikondutturi, u jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jiżviluppaw strateġija għar-reżiljenza u jibdew jaħdmu mingħajr dewmien fuq ftehim reżiljenti tal-katina tal-provvista mat-Tajwan bl-għan li jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet rispettivi b'mod ta' benefiċċju reċiproku u li għandu l-għan li jissalvagwardja s-sigurtà tat-Tajwan billi jsaħħaħ it-"tarka tas-siliċju" tiegħu;

18. Jinkoraġġixxi aktar interazzjoni ekonomika, xjentifika, kulturali u politika bejn l-UE u t-Tajwan, inkluż fl-aktar livelli għolja possibbli, sabiex tiġi riflessa bis-sħiħ il-kooperazzjoni dinamika, multidimensjonali u mill-qrib bejn l-UE u t-Tajwan bħala sħab tal-istess fehma;

19. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jikkunsidraw proġetti ta' konnettività mal-istati gżejjer tal-Paċifiku u koinvestiment f'sħubijiet bejn il-Global Gateway tal-UE u u l-Politika l-ġdida tat-Tajwan għan-Nofsinhar bl-għan li jitrawmu relazzjonijiet kummerċjali u politiċi kif ukoll l-istabbiltà fir-reġjun Indo-Paċifiku;

20. Itenni l-istedina preċedenti tiegħu lill-Kummissjoni biex tniedi, mingħajr dewmien, valutazzjoni tal-impatt, konsultazzjoni pubblika u eżerċizzju dwar l-ambitu rigward Ftehim Bilaterali ta' Investiment mal-awtoritajiet Tajwaniżi bi tħejjija għan-negozjati biex jiġu approfonditi r-rabtiet ekonomiċi bilaterali;

21. Jirrakkomanda approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Tajwan biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni strutturali dwar il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani; jirrakkomanda li jiġi stazzjonat uffiċjal ta' kollegament fl-Uffiċċju Ekonomiku u Kummerċjali Ewropew biex jikkoordina l-isforzi konġunti dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-indħil;

22. Jirrikonoxxi li l-azzjonijiet ta' appoġġ, bħaż-żjarat parlamentari, huma ta' valur u jemmen li dawn jistgħu jikkontribwixxu għad-deterrenza jekk ikunu akkumpanjati minn kooperazzjoni sostantiva f'oqsma oħra; jissottolinja l-intenzjoni tiegħu li jibgħat delegazzjonijiet parlamentari uffiċjali fit-Tajwan fil-futur; jilqa' l-fatt li stedina uffiċjali għal żjara fil-Parlament Ewropew ġiet estiża għall-Yuan Leġiżlattiv tat-Tajwan matul iż-żjara reċenti tal-Viċi President tal-Parlament Ewropew Beer fit-Tajwan; biħsiebu jsegwi azzjonijiet bħall-organizzazzjoni ta' ġimgħa parlamentari UE-Tajwan;

23. Ifaħħar l-impenn tat-Tajwan li jżomm mal-Ukrajna quddiem l-aggressjoni brutali u mhux ġustifikata tar-Russja;

24. Ifakkar fl-importanza li jissaħħaħ id-djalogu UE-Tajwan billi jiġu approfonditi r-relazzjonijiet mal-atturi lokali, inkluża s-soċjetà ċivili, u jsiru skambi ma' organizzazzjonijiet tal-media Tajwaniżi, u jisħaq li skambju msaħħaħ bħal dan se jgħin biex itejjeb il-profil u l-viżibbiltà tal-UE fit-Tajwan u jikkontribwixxi għall-isforzi konġunti biex flimkien jindirizzaw it-theddida ta' diżinformazzjoni li ż-żewġ naħat qed jiffaċċjaw dejjem aktar;

25. Isostni bis-saħħa l-parteċipazzjoni sinifikanti tat-Tajwan bħala osservatur fil-laqgħat, fil-mekkaniżmi u fl-attivitajiet tal-korpi internazzjonali, fosthom l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol) u l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-gvernijiet u lil-leġizlaturi tat-Tajwan, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-Awstralja, l-Indja, il-Filippini, ir-Russja u l-Ukrajna, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0318

## Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – aġenda ġdida għall-Mediterran

**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – aġenda ġdida għall-Mediterran (2022/2007(INI))**

(2023/C 125/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-9 ta' Frar 2021 intitolata "Sħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – Aġenda Ġdida għall-Mediterran" (JOIN(2021)0002),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja tas-27-28 ta' Novembru 1995, li tistabbilixxi Sħubija Ewro-Mediterranja u akkumpanjata minn programm ta' ħidma dettaljat,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tan-NU 70/1 intitolata "Transforming our World – the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-Dinja tagħna – l-Aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli) (l-Aġenda 2030), adottata fis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fi New York fil-25 ta' Settembru 2015, u li tistabbilixxi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

— wara li kkunsidra l-SDG 14: "Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għal żvilupp sostenibbli",

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi, adottat permezz tad-Deċiżjoni 1/CP.21 fil-21 Konferenza tal-Partijiet (COP21) għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u l-11-il Konferenza tal-Partijiet (COP11),

— wara li kkunsidra s-26 Konferenza tal-Partijiet (COP 26) għall-UNFCCC li saret fi Glasgow, ir-Renju Unit, mill-31 ta' Ottubru sat-13 ta' Novembru 2021,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

— wara li kkunsidra t-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), b'mod speċjali: Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt ta' Organizzazzjoni, 1948; Il-Konvenzjoni dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u Negozjar Kollettiv, 1949; Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (u l-Protokoll tal-2014 tagħha); Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957; Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973; Il-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999; Il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs, 1951; Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol), 1958,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) u l-protokolli u d-deċiżjonijiet tal-UE relatati,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-istati kostali fil-Mediterran, (id-Dikjarazzjoni MedFish4Ever), adottata fil-Belt Valletta, Malta, fit-30 ta' Marzu 2017,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tad-9 ta' Frar 2021 intitolat "Renewed Partnership with the Southern Neighbourhood Economic and Investment Plan for the Southern Neighbours" (Sħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar: Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Ġirien tan-Nofsinhar) (SWD(2021)0023),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' April 2021 intitolati "Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – aġenda ġdida għall-Mediterran",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Frar 2021,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – Aġenda ġdida għall-Mediterran" adottata fil-145 sessjoni plenarja tiegħu tat-30 ta' Ġunju u tal-1 ta' Lulju 2021,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019 intitolata "Il-perjodu wara r-Rebbiegħa Għarbija: it-triq 'il quddiem għar-reġjun MENA" ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali f'forma ta' ittra,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0220/2022),

A. billi f'Novembru 1995, dik li kienet il-Komunità Ewropea ffirmat id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona, bi 12-il pajjiż tan-Nofsinhar tal-Mediterran li ppromwovew il-ħolqien ta' żona komuni bl-objettiv aħħari ta' paċi, stabilità u prosperità;

B. billi fl-2004, bħala riżultat tat-tkabbir tal-UE li ra l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mil-Lvant u n-Nofsinhar, l-UE ddeċidiet li tniedi l-Politika Ewropea tal-Viċinat tagħha, li tkopri d-dimensjonijiet tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE u tfittex li tavvanza d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tagħha; billi l-Politika Ewropea tal-Viċinat ġiet sussegwentement aġġornata fl-2015; billi l-politika kienet għal ħafna snin ikkomplementata minn strument finanzjarju ddedikat għall-azzjoni esterna tal-UE, li jipprovdi riżorsi u objettivi ġenerali, kif ukoll mandat għall-Kummissjoni biex tipproponi programmazzjoni pluriennali u annwali għall-assistenza tal-UE; billi l-istrument finanzjarju tal-UE għall-Politika Ewropea tal-Viċinat issa ġie sostitwit mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI);

C. billi l-2008 immarkat il-bidu tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM), organizzazzjoni intergovernattiva maħluqa bħala kontinwazzjoni tal-Proċess ta' Barċellona u pprovdiet post importanti għad-djalogu u l-kooperazzjoni fil-livell politiku u fil-livell tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati rilevanti tal-politika; billi l-UgħM hija kkomplementata minn Assemblea Parlamentari (UgħM-AP), li tipprovdi opportunità essenzjali għal djalogu u konverġenza politiċi, kif ukoll kooperazzjoni multilaterali fost ir-rappreżentanti eletti tal-UE u l-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran;

([1]) ĠU C 108, 26.3.2021, p. 90.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

D. billi, fid-9 ta’ Frar 2021, il-Kummissjoni u l-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (VP/RGħ) approvaw komunikazzjoni konġunta għal sħubija ambizzjuża u mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar dwar aġenda ġdida għall-Mediterran flimkien ma’ dokument ta’ ħidma konġunt tal-persunal li jakkumpanjaha u li jistabbilixxi pjan ekonomiku u ta’ investiment li jiffoka fuq, fost oħrajn, ħames prijoritajiet, b’mod partikolari: l-iżvilupp tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt; ir-reżiljenza, il-prosperità u t-tranżizzjoni diġitali; il-paċi u s-sigurtà; il-migrazzjoni u l-mobilità; u t-tranżizzjoni ekoloġika; ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-ambjent; billi din l-aġenda l-ġdida għall-Mediterran hija pass pożittiv fid-direzzjoni t-tajba lejn aktar integrazzjoni ekonomika u ta’ politika mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar; billi d-Dikjarazzjoni tal-Ftehimiet ta’ Abram tafferma mill-ġdid il-Ftehimiet ta’ Abram iffirmati f’Awwissu 2020 u tirreferi għall-ftehimiet li segwew, li jfittxu li jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet bejn l-Iżrael u stati Għarab oħra;

E. billi r-reġjun tal-Mediterran huwa żona ta’ importanza strateġika vitali u komplementari għall-UE; billi l-hekk imsejjaħ Proċess ta’ Barċellona mniedi fl-1995 inkluda l-objettivi tal-ħolqien ta’ żona komuni ta’ paċi, stabilità u prosperità kondiviża, tat-tnedija ta’ żona Ewro-Mediterranja ta’ kummerċ ħieles, tal-ħidma biex jissaħħu d-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u tal-iżvilupp ta’ sħubija Ewro-Mediterranja għal fehim u prossimità akbar fost in-nies; billi wara aktar minn 25 sena mid-Dikjarazzjoni ta’ Barċellona, il-biċċa l-kbira tal-objettivi għadhom ma ntlaħqux għalkollox; billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u s-sħab Mediterranji tagħha jeħtieġ li jingħataw ħajja ġdida sabiex jiġu indirizzati l-isfidi komuni, jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet kondiviżi u jiġi sfruttat il-potenzjal tar-reġjun kondiviż tagħna; billi l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar qed jiffaċċjaw sfidi komuni, u madankollu kull wieħed minnhom għandu sitwazzjoni politika u ekonomika speċifika u problemi partikolari li jridu jiġu rikonoxxuti fil-politiki tal-UE dwar ir-reġjuni rispettivi;

F. billi l-aġenda l-ġdida għall-Mediterran suppost tistabbilixxi qafas ta’ politika ġenerali bħala mod li jiffaċilita t-tħejjija ta’ oqfsa politiċi bilaterali, li jistgħu jkunu dokumenti konġunti, prijoritajiet ta’ sħubija jew ekwivalenti, li jistabbilixxu aġendi ta’ riforma politika u ekonomika maqbula b’mod konġunt u għodod ta’ implimentazzjoni relatati; billi huwa essenzjali li l-politiki tal-Istati Membri jkunu koerenti mal-Politika tal-Viċinat tan-Nofsinhar sabiex l-UE tilħaq l-objettivi tal-politika barranija tagħha fir-reġjun;

G. billi l-UE u s-sħab tagħha tal-Viċinat tan-Nofsinhar jikkondividu interess komuni fl-appoġġ ta’ sistema multilaterali rivitalizzata u adatta għall-iskop tagħha, bin-NU fil-qalba tagħha, biex jiġu indirizzati sfidi komuni bħar-riżoluzzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi, it-tibdil fil-klima, il-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u l-vjolenza kontra n-nisa;

H. billi l-UE jeħtiġilha tinvesti fil-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha bħala kwistjoni ta’ prijorità; billi s-sigurtà, l-istabilità, il-prosperità u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima tal-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE se jsaħħu s-sigurtà, l-istabilità, il-prosperità u r-reżiljenza għall-klima tal-UE; billi l-investiment imġedded fil-Viċinat tan-Nofsinhar u d-djalogu politiku u ta’ politika intensifikat bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar se jipprovdu opportunità siewja għal kooperazzjoni mill-qrib u sinerġiji ta’ politika għall-benefiċċju kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, min-naħa l-oħra; billi l-Viċinat tan-Nofsinhar m’għandux jitqies bħala grupp iżolat, iżda għandu jitqies f’korrelazzjoni mill-qrib mal-Viċinat tal-Lvant u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) usa’ kif definit fir-Rieżami tal-PEV 2015, u bħala riflessjoni strateġika ġenerali dwar kif għandhom jiġu segwiti relazzjonijiet ibbilanċjati u ta’ benefiċċju reċiproku eqreb bejn l-UE u l-ġirien tagħha; billi kemm il-Viċinat tan-Nofsinhar kif ukoll tal-Lvant tal-UE huma strateġiċi għall-UE f’diversi oqsma, bħall-istabilità u s-sigurtà, is-sigurtà tal-enerġija, il-ġestjoni tal-kunflitti u r-riskju tat-terroriżmu, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-kummerċ, is-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista u l-aċċess diversifikat għas-swieq, u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, fost l-oħrajn, u billi jistgħu jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u r-riformi demokratiċi u, għalhekk, jiżguraw spazju aktar sigur u effettiv għar-relazzjonijiet u l-investimenti ekonomiċi, eż. linji tal-provvista iqsar; billi l-UE għandha ssegwi spazju regolatorju komuni li jinkludi l-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant tagħha, u għalhekk tiżgura l-aċċess tal-pajjiżi ġirien tagħha għall-ogħla standards ta’ politika, ta’ kontra l-korruzzjoni u ta’ drittijiet tal-bniedem, li mhumiex biss multiplikaturi ta’ investiment ekonomiku u tkabbir ekonomiku ġust u sostenibbli, iżda wkoll kruċjali għas-sigurtà u l-istabilità politika mtejba tal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant u tal-UE, u għall-protezzjoni ambjentali;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

I. billi l-kriżi tal-COVID-19 u l-implikazzjonijiet tal-gwerra fuq is-sigurtà tal-ikel fl-Ukrajna żiedu r-riskju ta' destabbilizzazzjoni ulterjuri, peress li l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha huma severi għall-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar; billi l-UE għandha tirrikonoxxi d-diversità u l-eteroġeneità tar-reġjun u tadatta r-relazzjoni tagħha għall-kuntesti individwali ta' kull stat;

J. billi l-politika tal-Viċinat tan-Nofsinhar għandha tipprovdi lill-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar b'qafas ta' politika effettiv u aċċess għar-riżorsi u l-investimenti, bil-għan li trawwem integrazzjoni soċjoekonomika reali b'mod ġenerali, żvilupp ekonomiku, impjiegi u proċess ta' bini tal-kapaċità, inkluż f'termini ta' demokrazija, għall-istituzzjonijiet rilevanti; billi l-politika tal-Viċinat tan-Nofsinhar għandha tikkontribwixxi fuq terminu qasir u medju biex tnaqqas it-tensjoni tal-kunflitti fil-Viċinat Ewropew u żżomm dawn il-kunflitti milli jseħħu fil-futur; billi n-nisa u t-tfal jintlaqtu partikolarment ħażin mill-kunflitti fil-pajjiżi tal-Mediterran;

K. billi, skont il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati, fl-2021, 1 924 persuna mietu jew għebu fuq ir-rotot migratorji tal-Mediterran Ċentrali u tal-Punent, filwaqt li 1 153 persuna oħra mietu jew għebu fuq ir-rotta marittima tal-Majjistral tal-Afrika lejn il-Gżejjer Kanarji; billi 1 776 persuna mietu jew għebu fit-tliet rotot fl-2020; billi 23 000 persuna mietu jew għebu fil-Mediterran mill-2014, skont il-Proġett tal-Migranti Nieqsa, l-inizjattiva implimentata fl-2014 mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni;

L. billi l-UE fittxet approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u l-ażil, ibbażat fuq il-valuri tal-UE ta' solidarjetà u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

M. billi l-gwerra fl-Ukrajna kellha konsegwenzi drammatiċi f'ħafna pajjiżi vulnerabbli fuq il-prezz, il-produzzjoni u l-provvista taċ-ċereali, b'mod partikolari l-qamħ, u l-aċċess għalihom; billi s-sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar huma strutturalment dipendenti fuq l-importazzjonijiet taċ-ċereali, u l-gwerra fl-Ukrajna qed ikollha impatt sostanzjali fuq il-ktajjen tal-provvista tal-prodotti bażiċi tal-qamħ u taż-żejt għat-tisjir, b'implikazzjonijiet għas-sigurtà tal-ikel; billi l-Missjoni Internazzjonali għar-Reżiljenza tal-Ikel u l-Agrikoltura (FARM) tnediet fl-24 ta' Marzu 2022, flimkien mal-UE, il-G7 u l-Unjoni Afrikana, biex tevita l-effetti diżastrużi tal-gwerra li saret mir-Russja fl-Ukrajna fuq is-sigurtà alimentari dinjija;

N. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna qed ikollha, u se jkompli jkollha, effetti devastanti għar-reġjun f'termini ta' sigurtà tal-ikel; billi l-gwerra fl-Ukrajna ssottolinjat it-theddida minn pajjiżi terzi li qed ifittxu kontroll politiku u ekonomiku fir-reġjun Mediterranju u l-viċinat tal-UE, u hija l-aktar illustrazzjoni reċenti ta' din it-theddida, għad-detriment tal-aspirazzjonijiet demokratiċi u tal-integrità territorjali tal-pajjiżi fil-mira; billi l-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE huwa post li fih jindaħlu s-setgħat ewlenin, inklużi r-Russja, iċ-Ċina u l-Iran, fost l-oħrajn, li kollha qed ifittxu li jżidu l-abilità u l-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw eġemonija politika u/jew ekonomika f'ċerti pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, u li għalhekk hija sfida serja għall-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jibnu l-kapaċità tagħhom għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u għall-promozzjoni tal-valuri demokratiċi bħal-libertà tal-istampa, il-libertajiet ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda u l-pluraliżmu tal-midja, li huma kollha komponenti kruċjali u ewlenin tal-istat tad-dritt u jeħtieġ li jiżdiedu; billi soċjetà ċivili ħielsa, b'saħħitha u indipendenti hija fundamentali għall-iżvilupp ta' kwalunkwe pajjiż fir-reġjun;

O. billi l-isforzi tal-UE biex tiġġieled it-tentattivi ta' partijiet terzi li jiddestabbilizzaw ir-reġjun għadhom għaddejjin; billi l-UE jeħtiġilha tafferma mill-ġdid ir-rwol tagħha bħala sieħba privileġġata u l-ankra politika, ekonomika u demokratika primarja għall-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar fi kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, is-sigurtà, il-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u r-riċerka u l-iżvilupp; billi dan ir-rwol fundamentali tal-UE huwa, u għandu jkompli jkun, rifless fil-livell ta' impenn u l-pożizzjoni politika fil-livell tal-UE relatata mal-Viċinat tan-Nofsinhar;

P. billi l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-forom kollha ta' terroriżmu, inkluż it-terroriżmu Iżlamiku, tibqa' prijorità; billi l-ġlieda kontra l-Istat Iżlamiku ilha għaddejja fir-reġjun mill-2015; billi whud mill-kawżi ewlenin tal-movimenti radikali, inkluża l-marġinalizzazzjoni soċjali u politika, għadhom sal-lum ma ġewx indirizzati;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Q. billi l-gwerra fl-Ukrajna u l-bżonn li rriżulta biex tiġi diversifikata aktar u dekarbonizzata l-provvista tal-enerġija tal-UE kixfu r-rwol essenzjali tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex isir sieħeb kruċjali tal-UE għall-kisba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, iżda wkoll għall-iżgurar ta' provvisti suffiċjenti tal-gass u taż-żejt għall-UE fuq perjodu qasir, b'benefiċċji reċiproċi kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar; billi l-iskoperta ta' riżervi sinifikanti ta' gass naturali u l-abbundanza ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran, speċjalment is-Saħara bil-potenzjal konsiderevoli tiegħu għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli, jipprovdu opportunità għall-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi kkonċernati u għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa mal-UE, inkluż l-idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli; billi d-dħul mir-riżorsi naturali għandu jitqassam b'mod ġust u jintuża għall-benefiċċju tal-popolazzjonijiet lokali; billi dawn ir-riżervi u l-provvisti tal-gass jeħtieġu sħubijiet, investimenti u l-kondiviżjoni tal-għarfien bejn il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran u l-UE u l-Istati Membri tagħha; billi, min-naħa tagħha, din is-sħubija diġà qed turi li hija opportunità għal djalogu u kooperazzjoni fost il-pajjiżi kkonċernati kollha tan-Nofsinhar tal-Mediterran, u twassal għal aktar stabilità fir-reġjun; billi, għaldaqstant, il-Viċinat tan-Nofsinhar mhuwiex biss essenzjali għal raġunijiet ta' sigurtà u stabilità reġjonali, iżda huwa wkoll sieħeb primarju għall-aċċess għal sorsi tal-enerġija affidabbli, inklużi dawk rinnovabbli; billi sħubija vera b'benefiċċji reċiproċi, b'mod partikolari għan-nies fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, hija essenzjali biex jiġi ggarantit l-aċċess għall-enerġija rinnovabbli, affordabbli u lokali b'mod inkluživ;

R. billi l-effetti tat-tibdil fil-klima huma mistennija jipprovokaw l-ispostament ulterjuri tal-popolazzjonijiet li jgħixu fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq; billi f'Novembru 2022 l-Eġittu se jospita s-27 Konferenza tan-NU dwar il-Klima, COP27; billi, skont il-Programm tan-NU għall-Ambjent, il-Mediterran qed jisħon 20 % aktar malajr mill-medja dinjija; billi x-xita fir-rebbiegħa u fis-sajf hija mistennija li tonqos b'30 % sal-2080;

S. billi r-reġjun tal-Mediterran jospita 510 miljun ruħ u huwa l-baħar ewlieni l-aktar imniġġes fid-dinja, b'1,25 miljun framment tal-plastik għal kull $km^2$; billi l-iskart fil-baħar huwa fattur ewlieni fil-kriżi tal-bijodiversità u qed jiswa madwar EUR 641 miljun fis-sena lis-setturi tat-turiżmu, tas-sajd u dak marittimu; billi skont ir-rapport tal-Fond Dinji għall-Organiżmi Selvaġġi tal-2019, 0,57 miljun tunnellata ta' plastik jidħlu fil-Mediterran kull sena, ċifra li, sal-2050, se tiżdied b'erba' darbiet; billi, skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU, 75 % tal-istokkijiet tal-Mediterran, li għalihom huma disponibbli valutazzjonijiet ivvalidati, huma mistada f'livelli bijoloġikament mhux sostenibbli;

T. billi l-iżvilupp, is-sigurtà, l-istabilità u d-demokrazija fil-Viċinat tan-Nofsinhar huma korrelatati mill-qrib mal-integrazzjoni soċjoekonomika reali tan-nisa, iż-żgħażagħ u l-gruppi diskriminati bħall-persuni LGBTQI+, id-drittijiet fundamentali għal minoranzi reliġjużi, kulturali u etniċi, u spazji miftuħa għaċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili indipendenti li fihom jesprimu lilhom infushom, jaġixxu, u jikkondividu ideat u opinjonijiet b'mod liberu; billi l-istudji wrew li l-kapaċità tagħhom li jaċċessaw l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-impjiegi u l-iżvilupp professjonali adegwat fit-tul hija kruċjali; billi d-drittijiet ċivili, politiċi, soċjali u ekonomiċi tan-nisa u l-promozzjoni tagħhom fil-Viċinat tan-Nofsinhar għandhom ikunu prijorità fl-aġenda l-ġdida għall-Mediterran; billi l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha ferm aktar baxxa milli f'partijiet oħra tad-dinja, b'medja ta' 19 % skont ir-rapport UN Women tal-2020, li jipprovdi analiżi tas-sitwazzjoni tan-nisa fir-reġjun tal-Lvant Nofsani/l-Afrika ta' Fuq (MENA);

1. Jirrakkomanda li, fl-implimentazzjoni tas-sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – aġenda ġdida għall-Mediterran, il-Kummissjoni u l-VP/RGħ;

(a) jiżguraw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran abbażi tal-objettivi u l-prijoritajiet iddeterminati b'mod konġunt mal-pajjiżi sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar, u jibnu fuq sinerġiji siewja permezz ta' kooperazzjoni trasparenti u l-programmazzjoni tal-azzjoni esterna għar-reġjun fl-ambitu tal-NDICI u jsegwu koordinazzjoni mill-qrib mal-programmazzjoni tal-Istati Membri kif ukoll jiffaċilitaw kemm jista' jkun opportunitajiet għal taħlit ta' finanzjament permezz ta' sħubijiet bejn il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra; ikunu tal-fehma li l-aġenda l-ġdida għall-Mediterran tista' tintroduċi kundizzjonalità pożittiva li permezz tagħha l-appoġġ attiv tal-UE għal interfaċċja ta' politika eqreb u effettiva mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar ikun jista' jwassal għal aktar sħubijiet

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

u konverġenza fuq prijoritajiet ta’ politika oħrajn għall-benefiċċju kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar u ċ-ċittadini tagħhom; jippreżentaw aġġornamenti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran u jiżguraw il-viżibilità tal-UE fir-riżorsi finanzjarji kollha tal-UE allokati għar-reġjun direttament jew indirettament permezz ta’ sħubijiet man-NU, organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, u sħab tradizzjonali u mhux tradizzjonali oħra, u jieħdu approċċ ta’ Tim Ewropa, filwaqt li jiżguraw ir-responsabilità finanzjarja, abbażi tal-metodoloġija eżistenti għall-ġestjoni tal-prestazzjoni u s-sistema ta’ rappurtar għall-programmi tal-UE, inkluż approċċ ibbażat fuq l-inċentivi; jinkludu reġim ġenerali ta’ kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jisħqu li s-soċjetajiet ċivili tal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar għandhom aspettattivi qawwija tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bħala ankri politiċi, ekonomiċi u kulturali importanti għar-riformi politiċi u ekonomiċi u għall-prosperità fit-tul; iwissu li, minħabba l-importanza strateġika u l-potenzjal ekonomiku tar-reġjun, il-kapaċità tal-UE li tkun is-sieħeb ewlieni mhijiex mingħajr l-isfidi tagħha u, għalhekk, viżibilità adegwata għall-impenn tal-UE lejn ir-reġjun inġenerali hija essenzjali, kemm direttament kif ukoll permezz ta’ fondi allokati lil organizzazzjonijiet oħra bħan-NU;

(b) isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar f’oqsma ta’ politika rilevanti u jippromwovu l-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi, il-ġlieda kontra l-piraterija, is-sigurtà marittima, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu;

(c) jiżviluppaw u jikkonkludu dokumenti konġunti jew prijoritajiet ta’ sħubija bħala kwistjoni ta’ prijorità biex jissostitwixxu d-dokumenti preċedenti, u jibnu fuq il-ħames prijoritajiet ewlenin tal-aġenda tal-Mediterran, b’mod partikolari dawk dwar l-iżvilupp tal-bniedem, is-sigurtà tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt;

(d) jerġgħu jistabbilixxu l-pożizzjoni tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Viċinat tan-Nofsinhar, li għandu jirrapporta kemm lill-VP/RGħ kif ukoll lill-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir (NEAR), sabiex tiżdied l-unità u l-azzjoni tal-UE fir-reġjun, u jiġu promossi u mħarsa l-valuri u l-interessi komuni tagħna;

(e) jintensifikaw is-sensibilizzazzjoni diplomatika u d-djalogu mal-istati tal-Viċinat tan-Nofsinhar, inkluż fil-qafas tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, u jindirizzaw, bħala kwistjoni ta’ prijorità, l-impatt tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna fuq il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar f’termini ta’ sigurtà tal-ikel, b’referenza partikolari għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli minħabba d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-ikel, in-nuqqas ta’ sigurtà soċjali jew il-mudell ekonomiku tagħhom; jaħdmu mal-Kummissjoni fuq mezzi li bihom tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel għall-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Mediterran li jiffaċċjaw diffikultajiet f’dan ir-rigward u jfasslu rispons robust, reżiljenti u sostenibbli ta’ politika u assistenza għal dan il-għan mingħajr aktar dewmien, u jibnu wkoll fuq il-Faċilità għall-Ikel u r-Reżiljenza sabiex jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel fir-reġjun, inkluż biex jippromwovu sistemi agrikoli lokali sostenibbli, u prattiki agrikoli inqas intensivi f’termini ta’ output u aktar rilevanti f’termini ta’ klima; ifakkru li n-nuqqas ta’ sigurtà tal-ikel fir-reġjun huwa aggravat mill-konsegwenzi tal-emerġenza klimatika, speċjalment in-nixfiet u ż-żieda fit-temperaturi estremi; ifakkru fl-importanza ta’ viżibilità adegwata għall-isforzi u r-riżorsi tal-UE meta tgħaddi l-assistenza permezz ta’ organizzazzjonijiet oħra bħall-Programm Dinji tal-Ikel u ta’ monitoraġġ kontinwu tal-azzjonijiet u r-riżorsi sabiex jiġi rieżaminat il-progress li jkun sar;

(f) jirrikonoxxu d-diversi sfidi bħat-tibdil fil-klima, il-kriżi ekonomika u l-attakki terroristiċi li qed jiffaċċja r-reġjun; jenfasizzaw li l-istress fuq l-ilma li jirriżulta miż-żieda fil-ħtiġijiet tal-ilma ħelu, flimkien mal-kontroll strateġiku tax-xmajjar, jista’ jwassal għall-aktar kunflitti serji; jistabbilixxu strateġija politika biex jiffaċilitaw soluzzjonijiet fl-oqsma b’potenzjal destabbilizzanti għoli;

(g) jimplimentaw, bħala kwistjoni ta’ prijorità, strateġiji biex itaffu l-faqar, strateġiji ddedikati għall-programmazzjoni għal aċċess usa’ għaż-żgħażagħ u n-nisa għall-edukazzjoni u l-edukazzjoni għolja flimkien ma’ finanzjament adegwat għall-aċċess għall-edukazzjoni għall-popolazzjoni inġenerali, u strateġiji li jappoġġaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta’ strutturi ta’ edukazzjoni ogħla jew vokazzjonali effiċjenti fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar; jaħdmu ma’ pajjiżi sħab sabiex il-kurrikuli skolastiċi tagħhom jirrispettaw l-istandards ta’ paċi, tolleranza u nonvjolenza tal-UNESCO; jaħdmu biex jeliminaw u jiskoraġġixxu d-diskors ta’ mibegħda li jinċita d-diskriminazzjoni u l-vjolenza, u jappoġġaw politiki u inizjattivi li jkollhom fil-mira l-protezzjoni tal-minoranzi u l-ġlieda kontra l-manifestazzjonijiet ta’ intolleranza, razziżmu, omofobija, ksenofobija u forom ta’ intolleranza reliġjuża; jisħqu li l-iżvilupp tal-kurrikuli huwa kritiku għat-trawwim ta’ soċjetajiet tolleranti; ifakkru li l-migrazzjoni taż-żgħażagħ u l-eżodu tal-imħuħ professjonali huma

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

kwistjoni ta’ tħassib serju għas-sħab tagħna fir-reġjun, kif ukoll theddida serja għall-kapaċità fit-tul għat-tkabbir ekonomiku u l-vijabilità ekonomika tal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar; jissottolinjaw, għalhekk, l-importanza tal-promozzjoni tal-investiment u l-avvanz tat-tkabbir ekonomiku fir-reġjun b’mod parallel ma’ aċċess usa’ għall-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali u l-opportunitajiet ta’ impjieg, sabiex iż-żgħażagħ fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar ikun jista’ jkollhom prospetti reali ta’ aċċess għall-impjiegi u integrazzjoni soċjoekonomika reali; jisħqu fuq l-importanza li l-aċċess tal-parteċipanti mill-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, inklużi dawk li ħarbu mill-Ukrajna, jespandi għall-programmi Erasmus u Erasmus+, u l-finanzjament għal tali skambji jiżdied; jipprevjenu li dawn il-politiki jkollhom impatt negattiv fuq il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar permezz tal-fenomenu tal-eżodu tal-imħuħ; ifakkru fl-importanza tal-mobilità ċirkolari, inklużi l-iskambji bejn il-pajjiżi tan-Nofsinhar u sħubijiet tal-mobilità, sabiex il-professjonisti mill-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar ikun jista’ jkollhom opportunitajiet konkreti biex jarrikkixxu u jespandu t-taħriġ professjonali tagħhom fl-UE u jirritornaw lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom biex jikkondividu u jibnu l-għarfien;

(h) jagħtu attenzjoni lill-metodoloġija eżistenti għall-ġestjoni tal-prestazzjoni u s-sistema ta’ rappurtar implimentata għall-programmi tal-UE, inkluż l-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi, fil-kuntest tal-kunsiderazzjoni sistematika ta’ kwistjoniijiet ta’ integrazzjoni soċjoekonomika tan-nisa fir-reġjun u ta’ kwistjonijiet ta’ ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta’ politika tal-UE kull fejn ikun possibbli; jorjentaw l-appoġġ tal-UE għan-nisa bl-objettiv li jittejjeb u jiġi garantit l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-impjiegi u, b’mod aktar ġenerali, li jiġu promossi opportunitajiet professjonali u soċjoekonomiċi ugwali, biex b’hekk tiġi ffaċilitata l-indipendenza finanzjarja u jiġu promossi d-dritttijiet ugwali; jinċentivaw sħubijiet bilaterali u trilaterali bejn l-universitajiet tal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-universitajiet tal-UE, inkluż permezz ta’ opportunitajiet usa’ ta’ tagħlim mill-bogħod għall-istudenti tal-Viċinat tan-Nofsinhar u opportunitajiet ta’ skambju usa’ għall-persunal akkademiku; jiżguraw aċċess usa’ għall-midja online bbażata fl-UE, anki permezz ta’ ċentri diġitali pubbliċi, u kontenut kulturali tal-UE għall-pubbliku interessat fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar;

(i) jappoġġaw l-implimentazzjoni u r-ratifika ta’ konvenzjonijiet internazzjonali biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa; jaħdmu biex jiżguraw li l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni ta’ Istanbul u s-CEDAW; jieħdu nota tal-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tal-25 ta’ Novembru 2020 dwar it-tielet Pjan ta’ Azzjoni Dwar il-Ġeneru (GAP III) (JOIN(2020)0017) u l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, jinkoraġġixxu lis-sħab kollha tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jeqirdu, jinvestigaw u jipprevjenu l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, u jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva sinifikanti u ugwali tan-nisa fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u tal-proċess deċiżjonali, u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa; jippromwovu l-implimentazzjoni sħiħa fil-pajjiżi sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tar-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li tqis l-impatt sproporzjonat tal-konflitti fuq in-nisa u l-bniet u tiggwida l-ħidma u l-azzjonijiet għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni, il-protezzjoni u d-drittijiet tan-nisa fiċ-ċiklu kollu tal-kunflitt, mill-prevenzjoni tal-kunflitti sar-rikostruzzjoni ta’ wara l-kunflitt;

(j) jirrikonoxxu l-importanza tal-migrazzjoni organizzata sew bejn il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Ewropa li hija ġestita abbażi tal-prinċipji tas-solidarjetà, il-bilanċ u r-responsabbiltà kondiviża, filwaqt li jiġu miġġielda wkoll il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin;

(k) jiżguraw li l-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha tal-Viċinat tan-Nofsinhar isegwu politiki ta’ migrazzjoni li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u r-rifuġjati kif minquxa fil-liġi internazzjonali, reġjonali u nazzjonali; iżidu l-involviment tal-UE f’pajjiżi fejn id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-komunità, inklużi dawk li qed jipproteġu l-ħajjiet tal-migranti u tal-applikanti għall-ażil, huma mhedda; jirrikonoxxu u jiffinanzjaw b’mod adegwat il-ħidma importanti u indispensabbli tal-aġenziji umanitarji, filwaqt li jiżguraw li l-finanzjament tal-UE għal dan l-għan ikollu viżibbiltà kbira;

(l) jiggarantixxu li l-finanzjament tal-NDICI intiż għall-migrazzjoni fil-Viċinat tan-Nofsinhar jiġi allokat bħala kwistjoni ta’ prijorità lill-programmi li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-ispostament furzat, anki billi jtejjeb l-istandards tal-għajxien fir-reġjun;

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(m) jitolbu lill-UE u lis-sħab tagħha fil-Viċinat tan-Nofsinhar biex jieħdu approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jqisu l-importanza li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-ispostament furzat; jipprovaw inaqqsu d-dħul irregolari fit-territorju ta’ Stat Membru; jipprijoritizzaw ir-riammissjoni tal-migranti mingħajr id-dritt li jibqgħu fl-UE fir-relazzjonijiet ma’ pajjiżi terzi, bir-rispett dovut għall-obbligi ta’ non-refoulement u tal-liġi internazzjonali; jiftakkru li l-progress huwa possibbli biss permezz ta’ kapital uman lokali flimkien ma’ appoġġ għall-iżvilupp estern, li l-migrazzjoni m’għandhiex twassal għal eżodu ta’ mħuħ u li l-migrazzjoni hija sfida li taffettwa l-istabbiltà fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran; jenfasizzaw li “rifuġjat” mhuwiex ekwivalenti għal “migrant ekonomiku” u li l-UE għandha għalhekk tadotta approċċi differenti għaż-żewġ kategoriji; jenfasizzaw li l-UE għandha tiffaċilita rotot sikuri għall-applikanti għall-ażil u għar-rifuġjati lejn l-UE; jappellaw għal involviment kontinwu mas-sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jiġu żgurati soluzzjonijiet sostenibbli għar-rifuġjati; jiftakkru li n-Nofsinhar tal-Mediterran u s-sistemi demokratiċi ġodda tiegħu huma soġġetti għal tensjonijiet bħal sottożvilupp ekonomiku, kunflitt, nuqqas ta’ opportunitajiet għaż-żgħażagħ, qgħad strutturali u, barra minn hekk, l-isfida tal-migrazzjoni intra-Afrika u l-impatt tat-tibdil fil-klima; iqisu dawn il-fatturi kollha fid-djalogu permanenti tal-UE mal-atturi lokali;

(n) iżidu u jiżviluppaw b’mod urġenti sħubijiet u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi rilevanti tal-Viċinat tan-Nofsinhar sabiex jiġu indirizzati u mtaffa l-impatti negattivi immedjati u fit-tul tat-tibdil fil-klima, tiġi promossa l-protezzjoni ambjentali u jitfasslu soluzzjonijiet biex tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma, b’enfasi fuq l-isforzi għall-bini tar-reżiljenza, u ssir ħidma lejn l-avvanz u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, f’konformità mal-Ftehim ta’ Pariġi, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Aġenda 2030, billi tiġi integrata kondizzjonalità klimatika adegwata fl-assistenza kollha tal-UE lil pajjiżi terzi f’konformità mal-impenji klimatiċi meħuda mill-UE; jiftakkru li l-istrateġija tal-UE dwar l-azzjoni dwar il-klima u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima mhux se tkun daqstant effettiva mingħajr titjib u investiment konsiderevoli fil-viċinat tal-UE; jappoġġaw l-inizjattivi ewlenin dwar il-preservazzjoni tal-klima fil-pjan ekonomiku u ta’ investiment għall-Viċinat tan-Nofsinhar; iwissu dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-reġjun tal-Magreb, b’mod partikolari fl-Afrika sub-Saħarjana, u l-kwistjoni tat-tnaqqis tal-aċċess għall-ilma fir-reġjuni tal-Magreb u tal-Maxreq; jiftakkru li l-aċċess għall-ilma, ir-riforestazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni, l-ekonomija ċirkulari, l-adozzjoni ta’ mudell kummerċjali bbażat fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-aċċess għal tali sorsi se jkunu essenzjali għan-newtralità klimatika tal-Viċinat tan-Nofsinhar u biex jipproteġuh mill-effetti tat-tibdil fil-klima; jiftakkru, barra minn hekk, li dan, imbagħad, se jżid il-kapaċità tal-UE li tilħaq l-objettivi tagħha ta’ newtralità klimatika; jappoġġaw id-djalogu u l-kooperazzjoni reġjonali dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, it-teknoloġija u l-aċċess għall-ilma, bħall-iffrankar tal-ilma, l-ilma reklamat u l-pjanijiet ta’ desalinizzazzjoni, permezz tal-enerġija rinnovabbli, u jappoġġaw aktar investiment f’sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, bħar-riħ, ix-xemx u l-idroġenu ekoloġiku fir-reġjun; jenfasizzaw l-importanza ta’ sħubijiet ma’ pajjiżi rilevanti tal-Viċinat tan-Nofsinhar dwar ir-riforestazzjoni u l-prattiki agrikoli sostenibbli li jirriżultaw fi tnaqqis fil-konsum tal-ilma; jenfasizzaw li l-aħjar prattiki fil-qasam tal-agrikoltura jeżistu mhux biss fl-UE, iżda wkoll fil-Viċinat tan-Nofsinhar, u għalhekk, li l-UE jista’ jkollha rwol importanti fil-promozzjoni u l-avvanz tad-djalogu, il-kooperazzjoni u s-sħubijiet Nofsinhar-Nofsinhar għall-iskambju ta’ prattiki bħal dawn;

(o) jappoġġjaw b’mod attiv miżuri komuni għall-konservazzjoni, il-protezzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità rikka tal-baċir tal-Mediterran, ċentru uniku ta’ diversifikazzjoni għall-ispeċijiet ta’ fawna u flora, jiżguraw ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, inkluż l-ilma, u jsaħħu sistemi tal-ikel sostenibbli; jikkontribwixxu għat-titjib tal-monitoraġġ u l-kontroll u l-kooperazzjoni reġjonali effettiva fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(p) iħejju analiżi tar-rwol pożittiv li l-UE u relazzjonijiet aktar profondi tal-UE mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar jista’ jkollhom fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom u l-isforzi konġunti li jistgħu jagħmlu biex jiddiversifikaw ir-riżorsi tal-enerġija tagħhom u jżidu l-provvista tal-enerġija tagħhom minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u sostenibbli; jippreżentaw fi żmien debitu strateġija għal aktar tisħiħ tar-rwol tal-Viċinat tan-Nofsinhar fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew b’mod konsistenti mal-impenji tal-Ftehim ta’ Pariġi; jappoġġjaw lill-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar teknikament u finanzjarjament fl-isforzi tagħhom biex jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija tagħhom billi jintensifikaw l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, b’enfasi partikolari fuq l-enerġija solari u l-enerġija mir-riħ; jenfasizzaw li l-iżvilupp tas-suq tal-enerġija ekoloġika għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ impjiegi ġodda u għalhekk iżid ir-rata tal-impjiegi fil-pajjiżi li jħaddnu t-tranżizzjoni tal-enerġija;

(q) isegwu rwol attiv tal-UE fl-iffaċilitar tad-djalogu u l-kooperazzjoni fost il-pajjiżi kollha tan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran fil-qasam tal-enerġija, filwaqt li jippromwovu, fejn meħtieġ, il-kapaċità għall-fehim, id-djalogu u s-soluzzjonijiet finali dwar id-demarkazzjoni tal-fruntieri marittimi f'konformità mal-liġi internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS); isegwu rwol attiv tal-UE fl-iffaċilitar tad-djalogu u l-kooperazzjoni f'dan ir-rigward biex jissalvagwardjaw l-integrità territorjali u ż-żona ekonomika esklussiva tal-pajjiżi kkonċernati, jippromwovu r-rispett għal-liġi internazzjonali u l-ftehimiet finali nnegozjati dwar id-demarkazzjoni tal-fruntieri marittimi;

(r) jippromwovu aktar u b'mod urġenti jieħdu miżuri biex isaħħu l-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn l-UE u l-pajjiżi fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran li jipproduċu gass naturali u tipi oħra ta' enerġija, permezz ta' ċentri rilevanti tal-UE; jikkunsidraw, b'mod partikolari, portijiet u infrastruttura u teknoloġija li huma lesti għall-idroġenu ekoloġiku biex jiġi evitat effett ta' intrappolament kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, għall-benefiċċju tal-pajjiżi produtturi kollha u l-Istati Membri kollha; jaffermaw mill-ġdid li d-dipendenzi fuq iż-żejt u l-gass naturali għandhom jitnaqqsu fi żmien debitu permezz ta' tranżizzjoni ekoloġika komprensiva f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jappoġġaw ukoll tranżizzjonijiet ekoloġiċi fil-Viċinat tan-Nofsinhar; jinnota li l-Forum dwar il-Gass tal-Lvant tal-Mediterran (EMGF) iservi bħala pjattaforma għal kooperazzjoni reġjonali pożittiva;

(s) jippromwovu koll l-interkonnessjoni elettrika fl-ambitu tad-diversifikazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija tal-UE u ż-żieda tal-provvista tal-enerġija tagħha minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(t) iqisu l-potenzjal tal-ekonomija blu li tippromwovi t-tkabbir sostenibbli u l-opportunitajiet ekonomiċi fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran, filwaqt li tintegraha kif xieraq fl-ippjanar tal-iżvilupp ekonomiku;

(u) jibnu fuq l-esperjenza pożittiva ħafna ta' xi Stati Membri fl-appoġġ ta' negozji ġodda u fut-tmexxija ulterjuri tax-xogħol tagħhom permezz ta' inkubaturi jew aċċeleraturi ddedikati, speċjalment f'setturi ewlenin bħalma huma dawk tas-saħħa, l-enerġija rinnovabbli, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji l-ġodda u l-edukazzjoni; jistabbilixxu u jappoġġjaw inkubaturi jew aċċeleraturi fil-pajjiżi rilevanti tal-Viċinat tan-Nofsinhar, jappoġġjaw il-ħolqien ta' negozji ġodda lokali, u jżidu il-kapaċitajiet diġitali u ekoloġiċi tagħhom; jaqblu fuq l-importanza li tkompli tittejjeb l-infrastruttura diġitali tal-pajjiżi rilevanti tal-Viċinat tan-Nofsinhar u li dawn il-pajjiżi jiġu inklużi fl-aġenda diġitali tal-UE; jinnotaw li dan huwa prerekwiżit għall-iżvilupp ekonomiku, l-integrazzjoni soċjoekonomika u l-aċċess usa' għall-edukazzjoni; jiżvolġu rwol ta' gwida fil-promozzjoni tal-investiment u s-sħubijiet bejn il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni tal-UE u l-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni fil-pajjiżi rilevanti tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jipprovdu aċċess għal infrastruttura diġitali moderna, b'mod partikolari networks mobbli 5G, ibbażati fuq it-teknoloġija tal-UE, u jwissu li dan in-nuqqas se jagħti lill-pajjiżi terzi li qed ifittxu li jibnu ingranaġġ u preżenza ekonomika u politika fir-reġjun vantaġġ kompetittiv, inkluż f'termini politiċi; jiftakkru fl-importanza ta' djalogu politiku mill-qrib u kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar fl-iżvilupp ta' politiki adegwati fil-qasam taċ-ċibersigurtà li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-utenti kollha f'konformità mal-valuri tal-UE, u ta' sħubijiet f'fora internazzjonali dwar l-istandards taċ-ċibersigurtà, sabiex jinkiseb ċiberspazju miftuħ, sikur u affidabbli; jibnu fuq it-Task Force StratCom għan-Nofsinhar bil-għan li tkompli tiżviluppa strateġija konkreta għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, kif ukoll tiġġieled l-aħbarijiet foloz u l-propaganda mir-Russja, iċ-Ċina u setgħat reġjonali oħra fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħna, kif ukoll fl-UE; jesprimu tħassib serju dwar l-impatt domestiku, fl-Istati Membri tal-UE, tal-kampanji ta' diżinformazzjoni mmexxija b'mod aggressiv mir-Russja u ċ-Ċina fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali u fil-midja konvenzjonali; iħeġġu lill-gvernijiet tal-ġirien tan-Nofsinhar jippermettu aċċess bla xkiel għall-internet u jirrispettaw il-libertà tal-espressjoni ta' ilħna kuntrarji mingħajr biża' ta' rappreżalji; jistiednu lill-gvernijiet tal-ġirien tan-Nofsinhar jirrispettaw u jipproteġu l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà tal-istampa kemm online kif ukoll offline; jiffinanzjaw programmi b'appoġġ għal-libertà tal-espressjoni u l-privatezza, l-aċċess għall-internet u l-etika online;

(v) jiżguraw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran, anki bħala mod kif jiġu appoġġati l-investiment u s-sħubijiet fit-tul minn kumpaniji bbażati fl-UE fil-Viċinat tan-Nofsinhar; jindikaw il-fatt li, bħala konsegwenza tal-pandemija u l-gwerra fl-Ukrajna, ħafna kumpaniji bbażati fl-UE qed jipproċedu għar-ripatrijazzjoni u għad-delokalizzazzjoni f'pajjiż qrib tal-linji ta' provvista u produzzjoni tagħhom; jirrikonoxxu li dan jipprovdi opportunità unika kemm għall-UE kif ukoll għall-Viċinat tan-Nofsinhar, permezz

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

tal-implimentazzjoni f'waqtha u sħiħa tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran u l-pjan ekonomiku u ta' investiment, biex jiġi żgurat ambjent li jkun kapaċi jappoġġa lil dawk il-kumpaniji bbażati fl-UE li jixtiequ jipproċedu għad-delokalizzazzjoni f'pajjiż qrib u jiġi promoss l-investiment fit-tul fil-Viċinat tan-Nofsinhar, biex b'hekk jiġu stabbiliti rabtiet politiċi aktar mill-qrib u kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar;

(w) jinkludu d-drittijiet ekonomiċi u tax-xogħol fl-aġenda l-ġdida, jinnovaw u jinkoraġġixxu strateġiji bbażati fuq analiżi fil-fond ta' dak li qed iseħħ fil-fruntiera tan-Nofsinhar, u jiffokaw fuq xogħol deċenti, żvilupp sostenibbli u standards internazzjonali tax-xogħol; jinkludu b'mod effettiv il-moviment tat-trade union fil-konsultazzjonijiet nazzjonali u jinkoraġġixxu d-djalogu soċjali; jaħdmu biex itemmu t-tħaddim tat-tfal u jiggarantixxu d-dritt għal salarju u kumpens u l-libertà ta' sħubija ma' trade union, u jtemmu sitwazzjonijiet ta' skjavitù u diskriminazzjoni, filwaqt li jħarsu wkoll lejn il-ħtieġa li tiġi pprovduta protezzjoni adegwata għar-rifuġjati fir-reġjun; jinkoraġġixxu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, u jippromwovu l-inklużjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ fl-istrutturi tat-trade unions u fl-ispazji politiċi;

(x) jippromwovu l-integrazzjoni reġjonali, subreġjonali u bilaterali fin-Nofshinar tal-Mediterran, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitneħħa kwalunkwe ostakolu tal-fruntiera, tat-trasport jew tal-kummerċ bejn il-pajjiżi tar-reġjun u jiġu promossi b'mod attiv rabtiet u sħubijiet aktar mill-qrib; jistabbilixxu bħala prijorità strateġika t-titjib tar-relazzjoni kummerċjali bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar billi jaħdmu favur żona Ewro-Mediterranja ta' kummerċ ħieles għall-prodotti u s-servizzi; iżommu enfasi fuq il-faċilitazzjoni tal-investimenti, is-servizzi u l-iżvilupp sostenibbli;

(y) itennu l-impenn fit-tul tal-UE għar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU, b'mod aktar speċifiku r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' Jannar 2022, u jiftakkru fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Frar 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, fil-kuntest tal-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, fejn ikun hemm Stat tal-Iżrael sigur u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovran u vijabbli, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà abbażi tal-linji tal-1967, bi skambji ta' art ekwivalenti maqbula reċiprokament u Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati; jiftakkru li l-insedjamenti Iżraeljani fit-territorji Palestinjani okkupati huma illegali skont il-liġi internazzjonali; jitolbu li jitwaqqfu l-azzjonijiet li jistgħu jimminaw il-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati fuq il-post, u li ma jitkomplux l-insedjamenti u t-terroriżmu, peress li jikkostitwixxu ksur tal-liġi internazzjonali u ma jikkontribwixxux għal paċi dejjiema u komprensiva; iwissu li fil-kuntest ġeopolitiku attwali l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani jista' javvanza biss b'impenn politiku qawwi u investiment mill-UE u l-Istati Uniti; jippromwovu n-negozjati diretti bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani;

(z) ikomplu jappoġġaw, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament, il-ħidma tal-korpi rilevanti tan-NU, bħall-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Rifuġjati tal-Palestina, b'viżibbiltà adegwata għall-finanzjament u l-appoġġ tal-UE għal dan l-għan u f'sinerġija mal-objettivi tal-UE;

(aa) jirrikonoxxu l-importanza tal-assistenza finanzjarja tal-UE lill-Awtorità Nazzjonali Palestinjana u lis-soċjetà ċivili Palestinjana fuq il-post, b'mod partikolari fl-għoti ta' appoġġ lin-nies fi żminijiet ta' kriżijiet serji tal-ikel u nuqqas ta' enerġija, u jippromwovu l-kundizzjonijiet it-tajba biex itaffu l-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ssottolinjat mill-President Ursula von der Leyen matul l-aħħar żjara tagħha f'Ramallah fl-14 ta' Ġunju 2022; jissottolinjaw li l-finanzjament m'għandux jiġi sospiż għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mingħajr evidenza ta' użu ħażin;

(ab) ikomplu jappoġġaw il-kooperazzjoni fir-reġjun kollu; jieħdu nota tal-Ftehimiet ta' Abraham, li rriżultaw fir-rikonoxximent reċiproku tal-Iżrael, il-Baħrejn, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Marokk u s-Sudan, u tal-fatt li dawn jipprovdu opportunità biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn dawk l-Istati;

(ac) jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni reġjonali u jappoġġaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Iżrael u l-Istati Għarab, u jippromwovu l-inklużjoni sħiħa tal-Awtorità Nazzjonali Palestinjana, f'konformità mal-isforzi tal-UE u tal-Istati Uniti biex jinkisbu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun u f'konformità mal-qafas tan-NU, l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi u l-Ftehimiet ta' Oslo; jużaw dan il-momentum biex jiffavorixxu d-djalogu u l-kooperazzjoni fir-reġjun biex jappoġġaw il-proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u s-soluzzjoni ta' żewġ Stati kif ukoll ir-rispett għal-liġi internazzjonali;

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(ad) jappoġġaw b’mod attiv, fil-qafas tal-istrateġija Global Gateway u f’sinerġija mal-pjan ekonomiku u ta’ investiment għall-Viċinat tan-Nofsinhar, il-pjanijiet inizjali biex tiġi żviluppata konnessjoni kummerċjali bla xkiel, permezz ta’ interkonnetturi ferrovjarji u tal-baħar, bejn l-Asja tax-Xlokk u l-pajjiżi tal-Kunsill ta’ Kooperazzjoni tal-Golf, il-Ġordan, l-Iżrael, il-Palestina u l-Greċja bħala punti ta’ dħul għal oġġetti nnegozjati u riżorsi tal-enerġija fl-UE u bħala alternattiva għall-inizjattiva “Belt and Road”; jiftakkru li din ir-rotta alternattiva tkompli tiddiversifika l-linji ta’ provvista tal-UE u żżid mas-sigurtà tal-enerġija tal-UE, u ssaħħaħ il-potenzjal tal-Viċinat tan-Nofsinhar għat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll issaħħaħ aktar il-proċess tal-integrazzjoni reġjonali u d-djalogu reġjonali u tippromwovi sħubija, kooperazzjoni u paċi fit-tul fost il-pajjiżi kollha fir-reġjun;

(ae) jimplimentaw l-aġenda l-ġdida għall-Mediterran billi jsaħħu l-appoġġ tal-UE għal soċjetà ċivili ħielsa, b’saħħitha u indipendenti madwar il-Mediterran, u permezz ta’ djalogu u konsultazzjoni speċifiċi mal-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali u reġjonali; jissaħħu r-rabtiet bejn id-delegazzjonijiet tal-UE u l-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM); jiftakkru li dawn huma muturi importanti għall-iżvilupp ekonomiku u uman sostenibbli u ekwu u huma eqreb tan-nies, b’mod li l-istrateġiji ta’ implimentazzjoni jkunu jistgħu jilħqu l-komunitajiet kollha, inklużi dawk l-aktar żvantaġġati ġeografikament jew f’termini soċjoekonomiċi, kif ukoll id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jinsistu li l-appoġġ tal-UE għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili m’għandux jiddependi fuq l-approvazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali u huwa essenzjali fil-pajjiżi kollha tar-reġjun mingħajr eċċezzjoni; jagħtu mandat lid-delegazzjonijiet fil-Viċinat tan-Nofsinhar biex iżidu l-kuntatt mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u sezzjoni trasversali tas-soċjetà, bħala xpruni għall-iżvilupp territorjali, speċjalment f’konsultazzjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-sħubija u l-investiment fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar; jagħtu mandat ulterjuri lid-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jistabbilixxu kunsilli konsultattivi ta’ livell għoli li jirriflettu d-diversità soċjali, ekonomika u politika tal-pajjiżi kkonċernati u li jinkludu mexxejja ekonomiċi, tal-midja, kulturali, akkademiċi, tas-soċjetà ċivili u żgħażagħ prominenti, kif ukoll sħab soċjali u difensuri ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem mill-pajjiżi kkonċernati, u jipprovdu kontribut aktar riflessiv mill-partijiet ikkonċernati ewlenin fir-rigward tal-prijoritajiet ta’ politika tal-UE u l-arkitettura tal-politika mfassla mill-UE;

(af) jindirizzaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-isfidi ffaċċjati mis-soċjetà ċivili u jappoġġaw inizjattivi konkreti li jsaħħu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-media indipendenti; jiżguraw li l-pajjiżi sħab jimplimentaw b’mod effettiv l-istandards tax-xogħol u jindirizzaw il-ksur tal-istandards tal-ILO;

(ag) jinċentivaw u jsostnu r-riforma permezz tal-politika tal-Viċinat tan-Nofsinhar fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni għall-benefiċċju tan-nies u l-istabbiltà fir-reġjun;

(ah) jistiednu lill-pajjiżi kollha tan-Nofsinhar tal-Mediterran jippermettu spazju ħieles, sikur u transnazzjonali għall-organizzazzjonijiet tax-xjenza u tas-soċjetà ċivili qabel il-COP27, li se ssir fl-Eġittu;

(ai) jippreżentaw pjan ta’ azzjoni ambizzjuż tal-UE biex tiġi indirizzata l-impunità għad-delitti kontra l-umanità, kif mitlub mill-Parlament f’Marzu 2021, li jagħti prijorità immedjata lis-Sirja li esperjenzat l-aktar kunflitt fatali fir-reġjun f’għexieren ta’ snin, u jenfasizzaw il-ħtieġa li ssir ħidma biex tinkiseb Libja stabbli, sikura, magħquda u prospera, li hija fl-interess ta’ kulħadd;

(aj) jippreżentaw aġġornamenti annwali rigward l-implimentazzjoni tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran, b’mod partikolari fir-rigward tal-ħlas tar-riżorsi finanzjarji magħmula disponibbli għall-pjan ekonomiku u ta’ investiment; jikkonsultaw regolarment lill-Parlament dwar il-programmazzjoni annwali u pluriennali relatata mal-implimentazzjoni tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran u l-pjan ekonomiku u ta’ investiment; jinformaw regolarment lill-Parlament dwar is-sitwazzjoni attwali tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran, speċjalment l-implimentazzjoni tal-ħames prijoritajiet tagħha u l-konklużjoni u l-adozzjoni ta’ dokumenti konġunti u prijoritajiet ta’ sħubija, u jżommuh infurmat dwar din l-implimentazzjoni u r-rispons għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fl-oqsma kollha ta’ politika tal-UE, kif ukoll dwar proġetti u programmi addizzjonali li se jsaħħu l-kapaċità ta’ sħubija tal-UE mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar;

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(ak) jinvestu sforzi rilevanti biex javvanzaw id-djalogu interkulturali u interreliġjuż bħala opportunità siewja għall-promozzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem, jindirizzaw b’mod konġunt il-fundamentaliżmu reliġjuż, id-diskriminazzjoni, il-mibegħda kontra l-Musulmani u l-antisemitiżmu, u jiġġieldu b’mod konġunt kontra r-radikalizzazzjoni, l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza, u t-terroriżmu; jiftakkru fl-intenzjoni tal-President tal-Parlament li taħtar mibgħut għad-djalogu interreliġjuż u tinvolvi mill-qrib lill-mibgħuta eżistenti tal-Kummissjoni u tal-Parlament għal djalogu interreliġjuż fi sforzi konġunti għal djalogu interreliġjuż mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar;

(al) jaħtfu l-opportunità tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran biex jinħoloq qafas b’saħħtu għad-djalogu u l-kooperazzjoni madwar il-Mediterran għall-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali, u biex titqajjem kuxjenza dwar il-valur tiegħu, anki bil-ħsieb li jiġu promossi aktar it-turiżmu u l-opportunitajiet ekonomiċi; itejbu l-preservazzjoni u l-promozzjoni tar-Rotot Kulturali tal-Kunsill tal-Ewropa li fihom jipparteċipaw ukoll il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, inklużi r-Rotot Storiċi ta’ Andalusija, ir-Rotta Aeneas, ir-Rotot tas-Siġra taż-Żebbuġa, ir-Rotta Iter Vitis u r-Rotta tal-Feniċi;

(am) jaħtfu l-opportunità biex jespandu aktar il-kapaċità tal-UE fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni u d-djalogu mal-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar permezz tal-kapaċità effettiva u li ilha teżisti tal-Parlament f’dawk li huma djalogu interparlamentari, appoġġ demokratiku u diplomazija parlamentari, b’referenza partikolari għad-delegazzjonijiet interparlamentari tal-Parlament u l-kapaċità tagħhom li jippromwovu, f’koordinazzjoni mill-qrib mal-kumitati rilevanti tal-Parlament, djalogu demokratiku u dwar politika f’kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar;

(an) jiżguraw rabta pożittiva bejn l-aġenda l-ġdida għall-Mediterran u l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jibnu koalizzjoni ta’ pajjiżi tal-istess fehma biex jappoġġjaw sistema multilaterali effettiva u bbażata fuq ir-regoli, li kapaċi ssaħħaħ lill-kapaċità tal-komunità internazzjonali li tindirizza l-isfidi globali; jinkludu fl-aġenda l-ġdida għall-Mediterran djalogu imsaħħaħ dwar il-valur għall-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar li jikkonverġu mal-UE mhux biss dwar id-djalogu dwar politika, l-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku, iżda wkoll dwar il-kapaċità li jiġu promossi l-paċi u l-istabbiltà, jiġu difiżi l-prinċipji tal-liġi internazzjonali u tiġi rispettata l-liġi internazzjonali, u jiġu difiżi l-valuri demokratiċi, il-libertajiet u d-drittijiet tal-bniedem fundamentali fis-sistema tan-NU u l-fora multilaterali rilevanti;

(ao) jidħlu f’djalogu mas-sħab kollha tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jiżviluppaw politiki bbażati fuq l-Aġenda 2030 u l-SDGs tagħha, u mmirati lejn it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali;

(ap) jinkoraġġixxu lill-Kunsill biex jagħmel użu sħiħ mir-Reġim Globali ta’ Sanzjonijiet tal-UE b’rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun; jaħdmu biex jestendu l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan l-istrument importanti għall-atti ta’ korruzzjoni;

(aq) jikkundannaw għal darb’oħra l-użu tal-piena tal-mewt; jistieden lis-sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar ikkonċernati jintroduċu moratorju immedjat fuq l-użu tal-piena tal-mewt bħala pass lejn l-abolizzjoni tagħha u jimmitigaw is-sentenzi tal-mewt kollha;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lis-Segretarjat tal-Unjoni għall-Mediterran u lill-Assemblea Parlamentari tagħha, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lill-Istati li huma membri tal-Unjoni għall-Mediterran u d-dimensjoni parlamentari tagħha.

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0303

## Proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta’ merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni) ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta’ merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni) (COM(2021)0483 – C9-0347/2021 – 2021/0275(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni)**

(2023/C 125/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0483),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0347/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta’ Ottubru 2021 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta’ Diċembru 1994 – Metodu ta’ ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 109 u 59 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0228/2022),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta’ Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P9_TC1-COD(2021)0275**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta’ Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta’ merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2022/1999.)*

---

([1]) ĠU C 105, 4.3.2022, p. 148.
([2]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

P9_TA(2022)0304

## Konklużjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2022 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (07978/2022 – C9-0181/2022 – 2022/0082(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2023/C 125/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (07978/2022),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (07978/2022),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0181/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4), u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0229/2022),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-emendi għall-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0305

## Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u Mauritius: opportunitajiet tas-sajd u kontribuzzjoni finanzjarja 2017-2021. Estensjoni tal-Protokoll ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (05657/2022 – C9-0166/2022 – 2022/0014(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2023/C 125/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05657/2022),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (05658/2022),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43 u l-Artikolu 218(6), it-tieni paragrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0166/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0211/2022),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta' Mauritius.

P9_TA(2022)0306

# Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022: id-dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2021

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 – Id-dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2021 (11467/2022 – C9-0297/2022 – 2022/0119(BUD))

(2023/C 125/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, adottat b'mod definittiv fl-24 ta' Novembru 2021 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021-2027 ([3]) ("ir-Regolament dwar il-QFP"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom ([5]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022, adottat mill-Kummissjoni fit-12 ta' April 2022 (COM(2022)0250),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022, adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2022 u li ntbagħtet lill-Parlament fis-16 ta' Awwissu 2022 (11467/2022 – C9-0297/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 94 u 96 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0226/2022),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022 għandu l-għan li jdaħħal fil-baġit 2022 is-surplus li rriżulta mis-sena finanzjarja 2021, li jammonta għal EUR 3 227,1 miljun;

B. billi l-komponenti ewlenin ta' dak is-surplus huma eżitu pożittiv fuq id-dħul ta' EUR 2 574,8 miljun, u sottoinfiq fin-nefqa ta' EUR 652,3 miljun;

---

([1]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([2]) ĠU L 45, 24.2.2022, p. 1.
([3]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([4]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
([5]) ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

C. billi mil-lat tad-dħul, is-surplus huwa xprunat b'mod predominanti minn ammont ogħla milli mistenni ta' dazji doganali (b'EUR 1 688,7 miljun) u ammont ogħla milli previst ta' dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi (b'EUR 1 110,8 miljun) imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni fl-aħħar xhur tas-sena;

D. billi mil-lat tan-nefqa, is-sottoimplimentazzjoni fil-pagamenti mill-Kummissjoni tilħaq il-EUR 81 miljun għar-riportati tal-2021 u l-EUR 250 miljun għar-riportati tal-2020 (li minnhom EUR 183 miljun huma relatati mal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza), u s-sottoimplimentazzjoni mill-istituzzjonijiet l-oħra tilħaq il-EUR 117-il-miljun għar-riportati tal-2021 u s-EUR 77 miljun għar-riporti tal-2020;

1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022 kif imressaq mill-Kummissojni, li huwa ddedikat biss għall-ibbaġitjar tas-surplus tal-2021, għall-ammont ta' EUR 3 227,1 miljun, f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarju; jinnota li s-surplus tal-2021 ta' EUR 3 227,1 miljun huwa partikolarment għoli; itenni, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni għandha taderixxi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda fl-implimentazzjoni tagħha tal-baġit skont l-Artikolu 317 tat-TFUE u l-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju;

2. Jiddispjaċih li l-EUR 183 miljun maħsuba għax-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19 fl-2021 ma ntefqux kif ippjanat mill-Kummissjoni jew ġew ridiretti lejn ħtiġijiet oħra;

3. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-istrumenti baġitarji kollha disponibbli tal-Unjoni, inkluż is-surplus, għandhom jiġu attivati biex ikomplu jipprovdu l-aktar appoġġ ekonomiku u finanzjarju b'saħħtu possibbli lill-Ukrajna u lill-pajjiżi l-aktar esposti u biex ikomplu jsaħħu l-kapaċitajiet ta' solidarjetà tal-Unjoni biex tindirizza l-konsegwenzi soċjali, enerġetiċi, agrikoli u ekonomiċi għall-Unjoni u għaċ-ċittadini tagħha tal-gwerra Russa fl-Ukrajna; iwissi li dawk il-ħtiġijiet urġenti se jirrikjedu appoġġ addizzjonali mill-baġit tal-Unjoni u jinsab lest li jappoġġa żidiet rilevanti fil-baġit tal-Unjoni għall-2022 permezz ta' baġits emendatorji futuri u jistieden lill-Kummissjoni tressaq, fejn rilevanti, baġits emendatorji li jimmobilizzaw flus ġodda biex jirrispondu għal dawk l-isfidi; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Istati Membri jiddedikaw it-tnaqqis sinifikanti mistenni fil-kontribuzzjonijiet tagħhom ibbażati fuq l-ING li jirriżultaw mis-surplus tal-2021 għall-ibbaġitjar tal-azzjonijiet relatati mal-indirizzar determinat tal-konsegwenzi gravi ta' din il-gwerra illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna;

4. Josserva li, skont il-Kummissjoni, multi tal-kompetizzjoni fl-2021 ammontaw għal EUR 957 miljun; iqis mill-ġdid li, flimkien ma' kull surplus li jirriżulta mis-sottoimplimentazzjoni, il-baġit tal-Unjoni għandu jkun abilitat li jerġa' juża kull dħul li jirriżulta minn multi jew marbut ma' pagamenti tard mingħajr tnaqqis korrispondenti tal-kontribuzzjonijiet tal-ING;

5. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 3/2022 ġie adottat b'mod definittiv u biex tiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati, u lill-parlamenti nazzjonali.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0307

## Emendi tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital fir-rigward tar-riżoluzzjoni (proposta "daisy chain") ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tat-trattament prudenzjali ta' gruppi ta' istituzzjonijiet globali sistematikament importanti bi strateġija ta' riżoluzzjoni b'punti multipli ta' dħul u metodoloġija għas-sottoskrizzjoni indiretta ta' strumenti eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (COM(2021)0665 – C9-0398/2021 – 2021/0343(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2023/C 125/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0398/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Jannar 2022 [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2021 [2],

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-15 ta' Ġunju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0020/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P9_TC1-COD(2021)0343**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tat-trattament prudenzjali ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti bi strateġija ta' riżoluzzjoni b'punti multipli ta' dħul u metodi għas-sottoskrizzjoni indiretta ta' strumenti eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2022/2036.)*

---

[1] ĠU C 122, 17.3.2022, p. 33.
[2] ĠU C 152, 6.4.2022, p. 111.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0309

## Rapport interim dwar il-proposta tal-2021 għal reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta tal-2021 għal reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (COM(2021)0569 – 2021/0429R(APP))**

(2023/C 125/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 310, 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2021 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2021)0569),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima (COM(2021)0568),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda [1] ("l-FII"),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0227/2022),

A. billi l-proposti tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2021 biex tiġi stabbilita l-ġenerazzjoni li jmiss ta' riżorsi proprji għall-baġit tal-Unjoni u biex jiġi rivedut il-qafas finanzjarju pluriennali ("il-QFP") għall-perjodu 2021-2027 huma marbuta b'mod inseparabbli mal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" imressaq fl-14 ta' Lulju 2021;

B. billi, skont l-Artikolu 311 tat-TFUE, l-Unjoni jeħtiġilha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha u twettaq il-politiki tagħha;

C. billi, f'konformità mal-pożizzjoni li ilu jħaddan il-Parlament, jeħtieġ li l-impenji u l-objettivi ta' politika ġodda jiġu mqabbla ma' flus ġodda, u ma għandhomx jiġu ffinanzjati għad-detriment ta' programmi u prijoritajiet oħra tal-Unjoni;

D. billi l-inkorporazzjoni sħiħa tal-Fond Soċjali għall-Klima fil-baġit tal-Unjoni hija rekwiżit tat-Trattat skont l-Artikolu 310(1) tat-TFUE u prerekwiżit, fost l-oħrajn, biex jiġi rispettat il-metodu Komunitarju, jiġu garantiti r-responsabbiltà, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari, jiġu żgurati l-prevedibbiltà tal-finanzjament u l-ipprogrammar pluriennali, u tiġi ssalvagwardjata t-trasparenza tad-deċiżjonijiet baġitarji meħuda fil-livell tal-Unjoni;

E. billi, f'każ ta' żieda fil-prezz tal-karbonju meta mqabbel mas-suppożizzjoni inizjali, għandha ssir disponibbli allokazzjoni addizzjonali għall-Fond Soċjali għall-Klima fuq bażi annwali, b'mod proporzjonat mar-rata ta' żieda fil-prezz tal-karbonju, sabiex jiġu appoġġati aktar l-unitajiet domestiċi u l-utenti vulnerabbli tat-trasport fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika; billi tali rinforzi annwali għandhom jiġu akkomodati fi ħdan il-QFP permezz ta' aġġustament awtomatiku fil-fluttwazzjoni tal-prezzijiet tal-karbonju tal-limitu massimu tal-intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" u l-limitu massimu tal-pagamenti;

F. billi, skont l-Artikolu 312(5) tat-TFUE, u kif definit aktar fil-FII, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni huma meħtieġa jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' QFP ġdid jew rivedut;

[1] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

1. Jesprimi l-pożizzjoni tiegħu biss dwar il-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2021 għal reviżjoni tal-QFP 2021-2027, u b'hekk jagħżel approċċ immirat limitat, u f'allinjament sħiħ, mal-pożizzjoni tiegħu dwar il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %";

2. Jiddikjara, madankollu, li hija meħtieġa reviżjoni usa' tal-QFP attwali peress li kien diġà ġġebbed sal-limiti tiegħu fl-ewwel sena tiegħu; jindika d-diversi kriżijiet u sfidi li l-Unjoni qed tindirizza, b'mod partikolari l-gwerra fl-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha, u l-ħtiġijiet finanzjarji sostanzjali li ġġenerat; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni twettaq rieżami fil-fond tal-funzjonament tal-QFP attwali u tipproċedi bi proposta leġiżlattiva għal reviżjoni komprensiva tal-QFP mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-ewwel trimestru tal-2023; biħsiebu jagħti aktar dettalji dwar it-talbiet tiegħu għal dik ir-reviżjoni f'rapport iddedikat;

3. Jappoġġa bis-sħiħ l-inkorporazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima fil-baġit tal-Unjoni u fil-QFP bħala parti mill-pożizzjoni fit-tul tiegħu li l-programmi u l-fondi kollha tal-Unjoni għandhom jiġu inklużi fil-baġit; jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni bħala punt tat-tluq fir-rigward taż-żieda tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" u l-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, li hija prekundizzjoni neċessarja sabiex il-finanzjament tal-Fond Soċjali għall-Klima ma jkunx ta' detriment għal programmi u prijoritajiet oħra tal-Unjoni;

4. Jissottolinja, madankollu, li huma meħtieġa xi modifiki biex jirriflettu l-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", inkluż dwar il-pakkett finanzjarju rivedut tal-Fond Soċjali għall-Klima, li jirrifletti d-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) kif emendata;

5. Jappoġġa l-proposta għal aġġustament annwali speċifiku bbażat fuq riżorsi proprji ġodda; iqis li dan huwa konformi mal-prinċipju, kif stabbilit fil-FII, li n-nefqa mill-baġit tal-Unjoni relatata mal-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru ma għandhiex twassal għal tnaqqis mhux dovut fin-nefqa tal-programm jew fl-istrumenti ta' investiment taħt il-QFP, filwaqt li taderixxi mal-prinċipju baġitarju tal-universalità tad-dħul; jafferma mill-ġdid, għalhekk, li aġġustament annwali bħal dan jiddependi fuq l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda f'konformità mal-pjan direzzjonali stabbilit fil-FII;

6. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqisu r-rakkomandazzjonijiet u l-modifiki li ġejjin:

(i) l-impatt tal-pakkett finanzjarju rivedut tal-Fond Soċjali għall-Klima għandu jiġi rifless f'dan ir-regolament, inkluż fl-anness tiegħu;

(ii) għandu jiġi introdott aġġustament tekniku awtomatiku tal-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" u l-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament biex jiġi żgurat li jsiru disponibbli allokazzjonijiet addizzjonali għall-Fond Soċjali għall-Klima f'każ ta' żieda fil-prezz tal-karbonju għal livell ogħla mis-suppożizzjoni inizjali;

(iii) l-aġġustament annwali speċifiku bbażat fuq riżorsi proprji ġodda għandu jiġi emendat biex jiġi żgurat li jkun jista' jiġi estiż f'każ ta' dewmien fl-adozzjoni tal-QFP li jmiss, f'konformità mal-Artikolu 312(4) TFUE;

(iv) il-proposta għal regolament tal-Kunsill għandha tiġi modifikata kif ġej:

---

([2]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Modifika 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (3) L-introduzzjoni tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-UE għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, kif stabbilit fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), tista’ twassal għal impatti soċjali fuq terminu qasir. Biex tiġi indirizzata din l-isfida, ir-Regolament (UE) [XXX] finali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbilixxa ([15]) Fond Soċjali għall-Klima, li għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont il-qafas finanzjarju pluriennali. Għalhekk, jenħtieġ li l-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn tal-intestatura 3, “Riżorsi Naturali u Ambjent”, u l-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament jiġu adattati għas-snin 2025, 2026 u 2027. | (3) L-introduzzjoni tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-UE għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, kif stabbilit fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), tista’ twassal għal impatti soċjali fuq terminu qasir. Biex tiġi indirizzata din l-isfida, ir-Regolament (UE) [XXX] finali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbilixxa ([15]) Fond Soċjali għall-Klima, li għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont il-qafas finanzjarju pluriennali. Għalhekk, jenħtieġ li l-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn tal-intestatura 3, “Riżorsi Naturali u Ambjent”, u l-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament jiġu adattati għas-snin ***2024,*** 2025, 2026 u 2027. ***F’każ ta’ prezz tal-karbonju ogħla meta mqabbel mas-suppożizzjoni inizjali, jenħtieġ li ssir disponibbli allokazzjoni addizzjonali għall-Fond Soċjali għall-Klima fuq bażi annwali, proporzjonalment mar-rata ta’ żieda fil-prezz tal-karbonju, sabiex jiġu appoġġati aktar l-unitajiet domestiċi u l-utenti vulnerabbli tat-trasport fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Tali rinforzi annwali jenħtieġ li jiġu akkomodati fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali permezz ta’ aġġustament awtomatiku fil-fluttwazzjoni tal-prezzijiet tal-karbonju tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn tal-intestatura 3 “Riżorsi Naturali u Ambjent”, u l-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament.*** |

([14]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([15]) ĠU […], […], p. […].

([14]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([15]) ĠU […], […], p. […].

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Modifika 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | *(3a)* ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid qabel l-1 ta' Lulju 2025 sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jadottawh kmieni biżżejjed qabel jibda l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. F'konformità mal-Artikolu 312(4) tat-TFUE, il-limiti massimi u dispożizzjonijiet oħra, inklużi l-aġġustamenti għall-qafas finanzjarju pluriennali stabbiliti fil-Kapitolu 2, li jikkorrispondu għall-aħħar sena tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit f'dan ir-Regolament għandhom ikomplu japplikaw fil-każ li qafas finanzjarju pluriennali ġdid ma jiġix adottat qabel tmiem it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit f'dan ir-Regolament.*** |

**Modifika 3**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (1) ***fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | (1) ***l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(f) kalkolu tal-allokazzjonijiet addizzjonali bbażat fuq il-fluttwazzjoni tal-prezz tal-karbonju u r-riżultat tal-aġġustament annwali msemmi fl-Artikolu 4b";*** |
| | ***(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4a, 6 u 7, l-ebda aġġustament tekniku ieħor ma għandu jsir fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korrezzjonijiet *ex post* fis-snin sussegwenti."; | "4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4a, ***4b,*** 6 u 7, l-ebda aġġustament tekniku ieħor ma għandu jsir fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korrezzjonijiet *ex post* fis-snin sussegwenti."; |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Modifika 4**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (2) ***jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:*** | (2) ***jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:*** |
| “Artikolu 4a | “Artikolu 4a |
| Aġġustament annwali speċifiku bbażat fuq riżorsi proprji ġodda | Aġġustament annwali speċifiku bbażat fuq riżorsi proprji ġodda |
| 1. Mill-2024, wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji tas-sena n-1 skont l-Artikolu 245(3) tar-Regolament Finanzjarju, għandu jsir aġġustament ’il fuq għal-limitu massimu tan-nefqa għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn tas-subintestatura 2b u għal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament għas-sena kurrenti. | 1. Mill-2024, wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji tas-sena n-1 skont l-Artikolu 245(3) tar-Regolament Finanzjarju, għandu jsir aġġustament ’il fuq għal-limitu massimu tan-nefqa għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn tas-subintestatura 2b u għal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament għas-sena kurrenti. |
| 2. Dan l-aġġustament annwali għandu jkun tal-ammonti li ġejjin: | 2. Dan l-aġġustament annwali għandu jkun tal-ammonti li ġejjin: |
| (a) għas-snin 2024, 2025 u 2026, ammont ekwivalenti għad-dħul li jkun iddaħħal fil-kontijiet proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 li jirriżulta mir-riżorsi stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (e), (f) u (g), tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. | (a) għas-snin 2024, 2025 u 2026, ammont ekwivalenti għad-dħul li jkun iddaħħal fil-kontijiet proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 li jirriżulta mir-riżorsi stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (e), (f) u (g), tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. |
| (b) għas-sena 2027, ammont ekwivalenti għad-dħul li ddaħħal fil-kontijiet proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 li jirriżulta mir-riżorsi stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (e), (f) u (g), tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, imnaqqas b’ammont fiss ta’ EUR ***8 000*** miljun (fi prezzijiet tal-2018). | (b) għas-sena 2027, ammont ekwivalenti għad-dħul li ddaħħal fil-kontijiet proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 li jirriżulta mir-riżorsi stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (e), (f) u (g), tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, imnaqqas b’ammont fiss ta’ EUR ***2 800*** miljun (fi prezzijiet tal-2018). |
| L-aġġustamenti annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jaqbżu l-EUR 15 000 miljun (fi prezzijiet tal-2018) kull sena għas-snin mill-2024 sal-2027. | L-aġġustamenti annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jaqbżu l-EUR 15 000 miljun (fi prezzijiet tal-2018) kull sena għas-snin mill-2024 sal-2027. |
| 3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati tal-aġġustamenti annwali msemmija fil-paragrafu 2 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji għas-sena n-1 skont l-Artikolu 245(3) tar-Regolament Finanzjarju.”; | 3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati tal-aġġustamenti annwali msemmija fil-paragrafu 2 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji għas-sena n-1 skont l-Artikolu 245(3) tar-Regolament Finanzjarju.’; |
| | ***Artikolu 4b*** |
| | ***Aġġustament annwali speċifiku bbażat fuq il-flutwazzjoni tal-prezz tal-karbonju*** |
| | ***1. Mill-2025, għandu jsir aġġustament annwali ’l fuq għal-limitu massimu tan-nefqa għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn tal-intestatura 3 ‘Riżorsi Naturali u Ambjent’ u għal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament għas-sena attwali fil-każ li l-prezz medju tal-karbonju kkalkulat fis-sena n-1 ikun ogħla mis-suppożizzjoni inizjali.*** |
| | ***2. L-aġġustament annwali ’l fuq imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu jkun ekwivalenti għall-ammont ikkalkulat billi tiġi mmultiplikata l-allokazzjoni annwali li tirriżulta mill-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima bil-perċentwal li bih il-prezz medju tal-karbonju kkalkulat fis-sena n-1 qabeż is-suppożizzjoni inizjali.”;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Modifika 5**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (3) fl-Artikolu 11(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej: | (3) fl-Artikolu 11(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej: |
| "L-ammonti li jikkorrispondu mal-aġġustamenti 'l fuq msemmija mal-Artikolu 4a(1) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) għandhom ikunu flimkien mal-ammonti massimi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu."; | "L-ammonti li jikkorrispondu mal-aġġustamenti 'l fuq msemmija fl-Artikolu 4a(1), ***l-Artikolu 4b*** u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) għandhom ikunu flimkien mal-ammonti massimi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu."; |

**Modifika 6**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (4) L-Anness I huwa sostitwit bit-***test fl-Anness ta' dan ir-Regolament***. | (4) L-Anness I huwa sostitwit ***b'dan li ġej***: |

“ANNESS I

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (UE-27)

*(EUR miljuni – prezzijiet tal-2018)*

| APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Total 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali** | **19 712** | | **19 133** | **18 633** | **18 518** | **18 646** | **18 473** | **133 326** |
| **2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri** | **49 741** | **51 920** | **52 194** | **53 954** | **55 182** | **56 787** | **58 809** | **378 587** |
| 2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 45 411 | 45 951 | 46 493 | 47 130 | 47 770 | 48 414 | 49 066 | 330 235 |
| 2b. Reżiljenza u Valuri | 4 330 | 5 969 | 5 701 | 6 824 | 7 412 | 8 373 | 9 743 | 48 352 |
| **3. Riżorsi Naturali u Ambjent** | **55 242** | **52 214** | **51 489** | **[50 617]** | **[51 895]** | **[58 064]** | **[56 947]** | **[376 468]** |
| li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti | 38 040 | 37 544 | 37 604 | 36 983 | 36 373 | 35 772 | 35 183 | 257 499 |
| **4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri** | **2 324** | **2 947** | **3 164** | **3 282** | **3 672** | **3 682** | **3 736** | **22 807** |
| **5. Sigurtà u Difiża** | **1 700** | **1 725** | **1 737** | **1 754** | **1 928** | **2 078** | **2 263** | **13 185** |
| **6. Il-Viċinat u d-Dinja** | **15 309** | **15 522** | **14 789** | **14 056** | **13 323** | **12 592** | **12 828** | **98 419** |
| **7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea** | **10 021** | **10 215** | **10 342** | **10 454** | **10 554** | **10 673** | **10 843** | **73 102** |
| li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 7 742 | 7 878 | 7 945 | 7 997 | 8 025 | 8 077 | 8 188 | 55 852 |
| **TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN** | **154 049** | **154 754** | **152 848** | **[152 750]** | **[155 072]** | **[162 522]** | **[163 899]** | **[1 095 894]** |
| **TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ PAGAMENT** | **156 557** | **156 322** | **149 936** | **[149 936]** | **[152 112]** | **[159 068]** | **[158 722]** | **[1 082 652]”.** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

7. Jinsab lest li jidħol f'negozjati biex itejjeb il-proposta tal-Kummissjoni;

o

o o

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0311

## Regolament dwar id-deforestazzjoni ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2023/C 125/21)

### Emenda 1

### Proposta għal regolament

### Premessa 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti ([18]). ***Barra minn hekk***, ***id-deforestazzjoni*** u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti ***jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali*** u ***jżidu*** l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered ***mill-annimali għall-bnedmin***.<br><br>([18]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019)0352. | (1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma ***u l-irriċarġjar, filwaqt li aktar minn kwart mill-mediċini moderni jiġu mill-pjanti tal-foresti tropikali. Żoni kbar tal-foresti jaġixxu bħala sors ta' umdità u jgħinu fil-prevenzjoni tad-deżertifikazzjoni tar-reġjuni kontinentali***. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti ([18]). Barra minn hekk, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali. ***Id-deforestazzjoni***, ***id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti ***jżidu wkoll il-kuntatti bejn l-annimali selvaġġi, l-annimali mrobbija fl-irziezet u l-bnedmin,*** u ***b'hekk iżidu*** l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered ***u r-riskji ta' epidemiji u pandemiji ġodda***.<br><br>([18]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019)0352 . |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0219/2022).

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Id-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 420 miljun ettaru ta' foresta – madwar 10 % tal-foresti li jifdal fid-dinja u żona akbar mill-Unjoni Ewropea – intilfu madwar id-dinja bejn l-1990 u l-2020 ([19]). Id-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti huma, min-naħa tagħhom, xprunaturi importanti tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità — l-aktar żewġ sfidi ambjentali importanti ta' żminijietna. Madankollu kull sena d-dinja tkompli titlef 10 miljun ettaru ta' foresta. | (2) Id-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 420 miljun ettaru ta' foresta – madwar 10 % tal-foresti li jifdal fid-dinja u żona akbar mill-Unjoni Ewropea – intilfu madwar id-dinja bejn l-1990 u l-2020 ([19]). Id-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti huma, min-naħa tagħhom, xprunaturi importanti tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità — l-aktar żewġ sfidi ambjentali importanti ta' żminijietna. Madankollu kull sena d-dinja tkompli titlef 10 miljun ettaru ta' foresta. ***Il-foresti huma affettwati ħafna wkoll mit-tibdil fil-klima, u jenħtieġ li jiġu indirizzati ħafna sfidi biex jiġu żgurati l-adattabbiltà u r-reżiljenza tal-foresti fid-deċennji li ġejjin.*** |
| ([19]) FAO, Global Forest Resource Assessment 2020, p. XII, https://www.fao.org/documents/card/en/c/ca9825en. | ([19]) FAO, Global Forest Resource Assessment 2020, p. XII, https://www.fao.org/documents/card/en/c/ca9825en. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Id-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika globali b'diversi modi. Tassew importanti, dawn iżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, filwaqt li jneħħu permanentement l-kapaċitajiet tal-bir tal-karbonju, inaqqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona affettwata u jnaqqsu sostanzjalment il-bijodiversità. Id-deforestazzjoni waħedha tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ([20]). | (3) Id-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika globali b'diversi modi. Tassew importanti, dawn iżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, filwaqt li jneħħu permanentement l-kapaċitajiet tal-bir tal-karbonju, inaqqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona affettwata u jnaqqsu sostanzjalment il-bijodiversità ***u r-reżiljenza kontra l-mard u l-pesti***. Id-Deforestazzjoni waħedha tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ([20]). |
| ([20]) IPCC, It-Tibdil fil-Klima u l-Art: rapport speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet serra fl-ekosistemi terrestri, https://www.ipcc.ch/srccl/. | ([20]) IPCC, It-Tibdil fil-Klima u l-Art: rapport speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet serra fl-ekosistemi terrestri, https://www.ipcc.ch/srccl/. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

## Emenda 4

## Proposta għal regolament

## Premessa 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità ***tgħin sabiex jiġi mitigat it-tibdil*** fil-klima. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni u ***tad-degradazzjoni*** tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta’ ekosistemi oħra huma l-akbar opportunità unika bbażata fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. | (4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità ***u l-ekosistemi huma fundamentali għall-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil*** fil-klima ***([1a])***. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni***, tad-degradazzjoni tal-foresti*** u ***tal-konverżjoni*** tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta’ ekosistemi oħra huma l-akbar opportunità unika bbażata fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. |
| | ***([1a]) Sommarju tar-Rapport tal-IPCC għal dawk li jfasslu l-politika, February 2022 https://report.ipcc.ch/ar6wg2/pdf/IPCC_AR6_WGII_SummaryForPolicymakers.pdf*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-bijodiversità hija essenzjali għar-reżiljenza tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak globali. Aktar minn nofs il-prodott domestiku gross globali jiddependi min-natura u mis-servizzi li jipprovdi. Tliet setturi ekonomiċi ewlenin – il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, l-ikel u x-xorb – kollha jiddependu ħafna min-natura. It-telfien tal-bijodiversità jhedded ċikli tal-ilma sostenibbli u s-sistemi tal-ikel tagħna, u jqiegħed is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tagħna f'riskju. Aktar minn 75 % tat-tipi tal-għelejjel tal-ikel madwar id-dinja jiddependu mid-dakkir mill-annimali. Barra minn hekk, diversi setturi industrijali jiddependu mid-diversità ġenetika u s-servizzi tal-ekosistema bħala inputs kritiċi għall-produzzjoni, partikolarment għall-mediċini. | (5) Il-bijodiversità hija essenzjali għar-reżiljenza tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak globali. Aktar minn nofs il-prodott domestiku gross globali jiddependi min-natura u mis-servizzi li jipprovdi. Tliet setturi ekonomiċi ewlenin – il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, l-ikel u x-xorb – kollha jiddependu ħafna min-natura. It-telfien tal-bijodiversità jhedded ċikli tal-ilma sostenibbli u s-sistemi tal-ikel tagħna, u jqiegħed is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tagħna f'riskju. Aktar minn 75 % tat-tipi tal-għelejjel tal-ikel madwar id-dinja jiddependu mid-dakkir mill-annimali. Barra minn hekk, diversi setturi industrijali jiddependu mid-diversità ġenetika u s-servizzi tal-ekosistema ***preżenti f'foresti kumplessi u li jirriġeneraw b'mod naturali b'relazzjonijiet simbjotiċi kumplessi sostnuti,*** bħala inputs kritiċi għall-produzzjoni, partikolarment għall-mediċini***, inklużi l-antimikrobiċi***. ***Barra minn hekk, it-traspirazzjoni, il-proċess li bih is-siġar jieħdu l-ilma mill-art u jirrilaxxawh fl-atmosfera mill-weraq tagħhom, hija sors ewlieni ta' ilma fl-atmosfera, u hija stmata li hija responsabbli għal madwar nofs il-preċipitazzjoni kollha. Id-deforestazzjoni għalhekk tinfluwenza ħafna r-reġim tax-xita u r-regolamentazzjoni naturali tal-flussi tal-ilma, kemm fil-foresti kif ukoll fiż-żoni tal-madwar. L-impatt tad-deforestazzjoni fuq is-sistema tar-riċiklaġġ tal-ilma tad-dinja jirriskja li jkun devastanti daqs l-impatt tagħha fuq it-tibdil fil-klima.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

### Emenda 6

### Proposta għal regolament

### Premessa 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) It-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-deforestazzjoni huma preokkupazzjonijiet tal-ogħla importanza globali, li jaffettwaw is-sopravivenza tal-umanità u l-kundizzjonijiet tal-għajxien sostnuti fid-Dinja. L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom fuq in-natura, il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-bniedem u l-ekonomiji lokali, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-objettiv fundamentali ta' żminijietna u kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali. | (6) It-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-deforestazzjoni huma preokkupazzjonijiet tal-ogħla importanza globali, li jaffettwaw is-sopravivenza tal-umanità u l-kundizzjonijiet tal-għajxien sostnuti fid-Dinja. L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom fuq in-natura, il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-bniedem u l-ekonomiji lokali, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-objettiv fundamentali ta' żminijietna u kwistjoni ta' ***ugwaljanza bejn il-ġeneri u*** ekwità interġenerazzjonali. |

### Emenda 7

### Proposta għal regolament

### Premessa 6a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Mill-227 attakk letali kontra d-difensuri tal-ambjent u tal-art irreġistrati fl-2020, 70 % ta' dawk maqtula kienu qed jaħdmu biex jiddefendu l-foresti tad-dinja mid-deforestazzjoni u l-iżvilupp industrijali. Dawk l-attakki huma mmirati b'mod sproporzjonat għall-popli indiġeni, li kienu l-mira ta' terz tal-qtil irreġistrat fl-2020.*** |

### Emenda 8

### Proposta għal regolament

### Premessa 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-konsum tal-Unjoni huwa xprunatur konsiderevoli tad-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti fuq skala globali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-inizjattiva stmat li mingħajr intervent regolatorju xieraq, il-konsum u l-produzzjoni tal-UE ***tas-sitt komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni*** (injam, bhejjem tal-ifrat, sojja, żejt tal-palm, kawkaw u kafè) se jiżdiedu għal madwar 248 000 ettaru ta' deforestazzjoni kull sena sal-2030. | (7) Il-konsum tal-Unjoni huwa xprunatur konsiderevoli tad-deforestazzjoni***, tal-konverżjoni tal-ekosistema naturali*** u ***tad-degradazzjoni tal-ekosistema naturali u tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti fuq skala globali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-inizjattiva stmat li mingħajr intervent regolatorju xieraq, il-konsum u l-produzzjoni tal-UE ***ta' biss sitt komoditajiet*** (injam, bhejjem tal-ifrat, sojja, żejt tal-palm, kawkaw u kafè) se jiżdiedu għal madwar 248 000 ettaru ta' deforestazzjoni kull sena sal-2030. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-foresti fl-UE, ir-rapport dwar l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa għall-2020 ([21]) jiddikjara li, bejn l-1990 u l-2020, iż-żona tal-foresti fl-Ewropa żdiedet b'9 %, il-karbonju maħżun fil-bijomassa kiber b'50 % u l-provvista tal-injam żdiedet b'40 %. Madankollu, anqas minn 5 % taż-żoni tal-foresti Ewropej jitqiesu mhux disturbati, jew naturali, skont ir-rapport dwar l-Istat tal-Ambjent għall-2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ([22]). | (8) Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-foresti fl-UE, ir-rapport dwar l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa għall-2020 ([21]) jiddikjara li, bejn l-1990 u l-2020, iż-żona tal-foresti fl-Ewropa żdiedet b'9 %, il-karbonju maħżun fil-bijomassa kiber b'50 % u l-provvista tal-injam żdiedet b'40 %. ***Madankollu, il-foresti naturali u antiki huma wkoll soġġetti għal intensifikazzjoni tal-ġestjoni u l-bijodiversità unika u l-karatteristiċi strutturali tagħhom jinsabu fil-periklu. Madankollu,*** anqas minn 5 % taż-żoni tal-foresti Ewropej jitqiesu mhux disturbati, jew naturali, skont ir-rapport dwar l-Istat tal-Ambjent għall-2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent***, u t-tibdil fil-klima jwassal għal theddid li jvarja minn xejriet estremi tat-temp għal mard mill-insetti. L-ekosistemi tal-foresti jridu jlaħħqu ma' pressjonijiet multipli ġġenerati minn attivitajiet relatati mal-bniedem. Dawn jinkludu attivitajiet li jaffettwaw direttament l-ekosistemi u l-ħabitats bħal ċerti prattiki ta' ġestjoni tal-foresti. B'mod partikolari, foresti ġestiti b'mod intensiv b'età ugwali jista' jkollhom impatt sever fuq ħabitats sħaħ permezz ta' qtugħ ċar u tneħħija ta' injam mejjel*** ([22])***.*** |

([21]) Forest Europe – Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020, https://foresteurope.org/state-europes-forests-2020/.

([22]) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Istat tal-Ambjent għall-2020, https://www.eea.europa.eu/soer/publications/soer-2020.

([21]) Forest Europe – Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020, https://foresteurope.org/state-europes-forests-2020/.

([22]) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Istat tal-Ambjent għall-2020, https://www.eea.europa.eu/soer/publications/soer-2020.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

## Emenda 10

## Proposta għal regolament

## Premessa 9

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (9) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi sabiex tindirizza l-kriżijiet ambjentali globali, inkluż azzjonijiet speċifiċi dwar id-deforestazzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" ([23]), il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità t-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-Unjoni fuq l-art u l-inkoraġġiment tal-konsum ta' prodotti mill-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni fl-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" ([24]), il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-ebda persuna jew post ma ***jitħalla jibqa'*** lura. Din għandha wkoll l-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġenerazzjonijiet futuri, fost l-oħrajn, arja friska, ilma nadif, ħamrija tajba u bijodiversità. Għal dak il-għan, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 ([25]), l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ([26]), l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti ([27]), il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal tniġġis żero ([28]) u strateġiji rilevanti oħra ([29]) żviluppati skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ikomplu jenfasizzaw l-importanza tal-azzjoni dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-foresti. Partikolarment, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għandha l-għan li tipproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Fl-aħħar nett, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija ([30]) ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ekosistemi filwaqt li tindirizza d-domanda dejjem akbar għall-ikel, l-għalf, l-enerġija, il-materjali u l-prodotti billi tfittex modi ġodda għall-produzzjoni u l-konsum. | (9) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi sabiex tindirizza l-kriżijiet ambjentali globali, inkluż azzjonijiet speċifiċi dwar id-deforestazzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" ([23]), il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità t-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-Unjoni fuq l-art u l-inkoraġġiment tal-konsum ta' prodotti mill-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni fl-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" ([24]), il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva ***mibnija fuq kummerċ ħieles sostenibbli bbażat fuq ir-regoli***, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-ebda persuna jew post ma ***jitħallew jibqgħu*** lura. Din għandha wkoll l-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġenerazzjonijiet futuri, fost l-oħrajn, arja friska, ilma nadif, ħamrija tajba u bijodiversità. Għal dak il-għan, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 ([25]), l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ([26]), l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti ([27]), il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal tniġġis żero ([28]) u strateġiji rilevanti oħra ([29]) żviluppati skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ikomplu jenfasizzaw l-importanza tal-azzjoni dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-foresti. Partikolarment, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għandha l-għan li tipproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Fl-aħħar nett, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija ([30]) ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ekosistemi filwaqt li tindirizza d-domanda dejjem akbar għall-ikel, l-għalf, l-enerġija, il-materjali u l-prodotti billi tfittex modi ġodda għall-produzzjoni u l-konsum. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

(23) COM(2019)0352.

(24) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019)0640.

(25) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM(2020)0380.

(26) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM(2020)0381.

(27) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, COM(2013)0659.

(28) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021)0400.

(29) eż. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM(2021)0345.

(30) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija dwar il-bijoekonomija aġġornata, Strateġija dwar il-Bijoekonomija aġġornata, COM(2018)0273.

(23) COM(2019)0352.

(24) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019)0640.

(25) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM(2020)0380.

(26) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM(2020)0381.

(27) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, COM(2013)0659.

(28) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021)0400.

(29) eż. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM(2021)0345.

(30) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija dwar il-bijoekonomija aġġornata, Strateġija dwar il-Bijoekonomija aġġornata, COM(2018)0273.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-Istati Membri ripetutament esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar id-deforestazzjoni persistenti. Huma enfasizzaw li peress li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ma humiex biżżejjed sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni ***u d-degradazzjoni*** tal-foresti, hija meħtieġa azzjoni msaħħa tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp sostenibbli, li ġiet adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015. Il-Kunsill appoġġa speċifikament it-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" li se tivvaluta miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali u li se tippreżenta proposti rispettivi ([31]). | (10) L-Istati Membri ripetutament esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar id-deforestazzjoni persistenti. Huma enfasizzaw li peress li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ma humiex biżżejjed sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni*** tal-foresti ***u t-telf tal-bijodiversità***, hija meħtieġa azzjoni msaħħa tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp sostenibbli, li ġiet adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015***. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll għad-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU għall-SDGs, għad-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistemi u għad-Deċennju tal-Biedja mill-Familja tan-NU***. Il-Kunsill appoġġa speċifikament it-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" li se tivvaluta miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali u li se tippreżenta proposti rispettivi ([31]). |
| ([31]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (is-16 ta' Diċembru 2019) 15151/19. Disponibbli fuq https://www.consilium.europa.eu/media/41860/st15151-en19.pdf. | ([31]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (is-16 ta' Diċembru 2019) 15151/19. Disponibbli fuq https://www.consilium.europa.eu/media/41860/st15151-en19.pdf. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-Parlament Ewropew enfasizza li l-qerda kontinwa tal-foresti tad-dinja ***hija*** marbuta, fil-biċċa l-kbira, mal-espansjoni tal-produzzjoni agrikola — partikolarment billi l-foresti jiġu kkonvertiti f’art agrikola ddedikata għall-produzzjoni ta’ numru ta’ prodotti u komoditajiet li hemm domanda kbira għalihom. Fit-22 ta’ Ottubru 2020, il-Parlament adotta riżoluzzjoni [32] f’konformità mal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li titlob lill-Kummissjoni tissottometti, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, proposta għal “qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa’ lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha”. | (11) Il-Parlament Ewropew enfasizza li l-qerda kontinwa ***u d-degradazzjoni u l-konverżjoni*** tal-foresti ***u tal-ekosistemi naturali*** tad-dinja***, kif ukoll il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, huma*** marbuta, fil-biċċa l-kbira, mal-espansjoni tal-produzzjoni agrikola — partikolarment billi l-foresti jiġu kkonvertiti f’art agrikola ddedikata għall-produzzjoni ta’ numru ta’ prodotti u komoditajiet li hemm domanda kbira għalihom. Fit-22 ta’ Ottubru 2020, il-Parlament adotta riżoluzzjoni [32] f’konformità mal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li titlob lill-Kummissjoni tissottometti, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, proposta għal “qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa’ lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha” ***bbażata fuq diliġenza dovuta obbligatorja***. |
| [32] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta’ Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa’ lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha (2020/2006(INL)) Disponibbli fuq https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285_MT.html. | [32] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta’ Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa’ lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha (2020/2006(INL)) Disponibbli fuq https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285_MT.html. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti tikkostitwixxi parti importanti mill-pakkett ta’ miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sabiex ikun hemm konformità mal-impenn tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll mal-Ftehim ta’ Pariġi tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima [33], u mal-impenn legalment vinkolanti skont il-Liġi tal-UE dwar il-Klima sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika ***sal-***2050 u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b’mill-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. | (12) Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni***, il-konverżjoni tal-ekosistema naturali, id-degradazzjoni tal-ekosistema naturali*** u ***tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti tikkostitwixxi parti importanti mill-pakkett ta’ miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sabiex ikun hemm konformità mal-impenn tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll mal-Ftehim ta’ Pariġi tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima [33], u ***t-Tmien Programm ta’ Azzjoni Ambjentali adottat bid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [33a], u*** mal-impenn legalment vinkolanti skont il-Liġi tal-UE dwar il-Klima sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika ***sa mhux aktar tard mill-***2050 u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b’mill-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. |
| [33] Ratifikat mill-UE fil-5 ta’ Ottubru 2016, u daħal fis-seħħ fl-4 ta’ Novembru 2016. | [33] Ratifikat mill-UE fil-5 ta’ Ottubru 2016, u daħal fis-seħħ fl-4 ta’ Novembru 2016.<br>***[33a] Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ April 2022 dwar Programm Ġenerali ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030, GU L 114, 12.4.2022, p. 22.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(12a)* ***Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti tikkostitwixxi wkoll parti importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jiġi miġġieled it-telf tal-bijodiversità u biex ikun hemm konformità mal-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-miri tal-UE għar-restawr tan-natura.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12ba (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(12b)* ***Il-foresti primarji huma uniċi u insostitwibbli. Il-foresti tal-pjantaġġuni u l-foresti mħawla huma inqas bijodiversi u jipproteġu l-ambjent inqas tajjeb mill-foresti primarji u naturali. Huwa għalhekk xieraq li ssir distinzjoni ċara bejn tipi differenti ta' foresti b'konnessjoni mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13a)* ***Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni tal-foresti u l-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra teħtieġ ukoll l-għarfien tal-konsumaturi dwar xejriet ta' konsum aktar tajbin għas-saħħa li jkollhom impronta ambjentali iżgħar.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13b)* ***Il-proteini tal-pjanti għall-għalf tal-bhejjem jikkontribwixxu ħafna għad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti u l-konverżjoni ta' ekosistemi oħra madwar id-dinja. Id-deforestazzjoni u l-konverżjoni ta' ekosistemi oħra jistgħu jiġu miġġielda b'mod partikolari billi titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-proteini tal-pjanti importati u jiġu promossi proteini tal-pjanti lokali u miksuba b'mod sostenibbli. Il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn żieda fl-awtonomija tal-proteini u l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-Unjoni dwar il-proteini tal-pjanti.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nnegozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produtturi u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward. | (14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nnegozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti ***u l-konverżjoni tal-foresti*** xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti ***, inkluż il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs),*** mal-pajjiżi produtturi u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) It-twaqqif tad-deforestazzjoni ***u tad-degradazzjoni*** tal-foresti huwa parti essenzjali mill-SDGs. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi partikolarment sabiex jintlaħqu l-għanijiet rigward il-ħajja fuq l-art (SDG 15), l-azzjoni klimatika (SDG 13), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), inxejnu l-ġuħ (SDG 2) u saħħa tajba u benesseri (SDG 3). Il-mira rilevanti 15.2 sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ma ntlaħqitx, u dan jenfasizza l-urġenza ta' azzjoni ambizzjuża u effettiva. | (15) It-twaqqif tad-deforestazzjoni***, tad-degradazzjoni tal-foresti, tal-konverżjoni*** tal-foresti ***u tal-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra*** huwa parti essenzjali mill-SDGs. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi partikolarment sabiex jintlaħqu l-għanijiet rigward il-ħajja fuq l-art (SDG 15), l-azzjoni klimatika (SDG 13), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), inxejnu l-ġuħ (SDG 2) u saħħa tajba u benesseri (SDG 3). Il-mira rilevanti 15.2 sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ma ntlaħqitx, u dan jenfasizza l-urġenza ta' azzjoni ambizzjuża u effettiva. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow tal-2021 dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art ([37]) li tirrikonoxxi li "biex nilħqu l-għanijiet tagħna relatati mal-użu tal-art, il-klima, il-bijodiversità u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell nazzjonali, nirrikjedu azzjoni trasformattiva ulterjuri fiż-żoni interkonnessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; l-iżvilupp tal-infrastruttura; il-kummerċ, il-finanzi u l-investiment; u l-appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni, u l-komunitajiet lokali". ***F'dik id-Dikjarazzjoni, il-firmatarji*** enfasizzaw ukoll li se jsaħħu l-isforzi kondiviżi tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-politiki tal-kummerċ u tal-iżvilupp, fuq livell internazzjonali u domestiku, li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-komoditajiet, li jaħdmu għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi***, u li ma jwasslux għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-art.*** | (17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow tal-2021 dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art ([37]) li tirrikonoxxi li "biex nilħqu l-għanijiet tagħna relatati mal-użu tal-art, il-klima, il-bijodiversità u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell nazzjonali, nirrikjedu azzjoni trasformattiva ulterjuri fiż-żoni interkonnessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; l-iżvilupp tal-infrastruttura; il-kummerċ, il-finanzi u l-investiment; u l-appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni, u l-komunitajiet lokali". ***Il-firmatarji impenjati li jwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-foresti u d-degradazzjoni tal-art sal-2030 u*** enfasizzaw ukoll li se jsaħħu l-isforzi kondiviżi tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-politiki tal-kummerċ u tal-iżvilupp, fuq livell internazzjonali u domestiku, li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-komoditajiet, li jaħdmu għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi. |
| ([37]) https://ukcop26.org/glasgow-leaders-declaration-on-forests-and-land-use/. | ([37]) https://ukcop26.org/glasgow-leaders-declaration-on-forests-and-land-use/. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni. | (18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. ***Kwalunkwe miżura introdotta mill-Unjoni li taffettwa l-kummerċ jeħtieġ li tkun konformi mad-WTO. Barra minn hekk, il-miżuri kollha introdotti mill-Unjoni li jaffettwaw il-kummerċ huwa meħtieġ li jqisu r-rispons possibbli tas-sħab kummerċjali tal-Unjoni u jiżguraw li l-infurzar tal-miżura ma jkunx restrittiv bla bżonn u lanqas ma jfixkel il-kummerċ, filwaqt li jitqies li l-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli hija ta' interess prevalenti.*** Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni ***kif ukoll enfasi fuq il-komoditajiet u l-prodotti bl-akbar riskju li jwasslu għad-deforestazzjoni, għad-degradazzjoni tal-foresti u għall-konverżjoni tal-foresti***. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) L-isfidi li qed tiffaċċja d-dinja fir-rigward tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' azzjoni fuq livell globali. L-Unjoni jenħtieġ li tkun attur globali b'saħħtu kemm billi tkun ta' eżempju kif ukoll billi tkun minn ta' quddiem fil-kooperazzjoni internazzjonali biex toħloq sistema multilaterali miftuħa u ġusta fejn il-kummerċ sostenibbli jaġixxi bħala faċilitatur ewlieni tat-tranżizzjoni ekoloġika kemm għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif ukoll biex jitreġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

### Premessa 19

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva" ([38]) li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. ***Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19*** u ***fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi*** u ***diġitali tal-ekonomija*** u ***lejn il-bini*** ta' ***Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja***. | (19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva" ([38]) li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. ***Il-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali jistgħu jkunu għodod importanti għall-konsolidazzjoni ta' standards ogħla ta' sostenibbiltà, speċjalment fir-rigward ta' setturi li huma marbuta mal-foresti*** u ***l-ktajjen tal-valur derivati tagħhom. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti wriet li f'xi każijiet hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni*** u ***l-infurzar ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti*** u ***li l-politiki kummerċjali u*** ta' ***investiment tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu ssimplifikati sabiex tiġi indirizzata l-isfida globali tad-deforestazzjoni b'mod aktar effettiv***. |
| ([38]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)0066, 18 ta' Frar 2021. | ([38]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)0066, 18 ta' Frar 2021. |

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

### Premessa 19a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Sabiex terġa' tingħata l-ħajja lill-ħidma tal-Unjoni dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tal-Unjoni u biex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li jitolbu l-protezzjoni tal-foresti, il-politika kummerċjali tal-Unjoni jenħtieġ li tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali attwali kif ukoll fuq it-twettiq ta' negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali ġodda li jinkludu dispożizzjonijiet b'saħħithom, vinkolanti u infurzabbli dwar l-iżvilupp sostenibbli.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19b)*** ***Klawsoli robusti dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni tal-foresti u l-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra għandhom jiġu inklużi fil-mandati ta' negozjar, u għandhom jiġu inklużi parametri referenzjarji sostenibbli għall-materja prima rilevanti għall-għoti ta' preferenzi kummerċjali ġodda.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19c)*** ***Kwalunkwe sħubija jew kooperazzjoni ma' sieħeb kummerċjali jenħtieġ li dejjem tippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, l-awtoritajiet lokali u s-settur privat inklużi l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira filwaqt li titqies l-awtonomija tas-sħab soċjali.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19d)*** ***Id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles għandhom iqisu l-imġiba soċjali, ambjentali u responsabbli fin-negozju.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19e (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | *(19e)* ***Dan ir-Regolament għandu jkun akkumpanjat minn ftehimiet ta' sħubija b'saħħithom ibbażati fuq il-kummerċ u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi produtturi ewlenin tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-interessi speċjali tal-bdiewa ż-żgħar u tal-komunitajiet lokali.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun komplementari għal miżuri oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" ([39]), partikolarment: 1) il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, sabiex dawn jiġu appoġġati fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, bħall-governanza dgħajfa, l-infurzar tal-liġi ineffettiv u l-korruzzjoni, u 2) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin, ***sabiex tiġi promossa*** l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-swieq tagħhom jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti. | (20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun komplementari għal miżuri oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" ([39]), partikolarment: 1) il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, sabiex dawn jiġu appoġġati fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, bħall-governanza dgħajfa, l-infurzar tal-liġi ineffettiv u l-korruzzjoni, u 2) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin ***billi, fost azzjonijiet oħra*, *jiġu promossi l-ftehimiet kummerċjali li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-konservazzjoni tal-foresti u jinkoraġġixxu l-kummerċ fi prodotti agrikoli u bbażati fuq il-foresti li jkunu ħielsa mid-deforestazzjoni, u*** l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-swieq tagħhom jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti. |

([39]) COM(2019)0352.

([39]) COM(2019)0352.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(20a)* ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u, għaldaqstant, iservi biex jippromwovi u jiffaċilita l-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari mal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), permezz tal-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin fir-rigward tal-preservazzjoni, il-konservazzjoni, u l-użu sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jingħata rikonoxximent speċjali lill-inizjattivi ta' sostenibbiltà mwettqa mis-settur privat.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(20b)* ***Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ integrali għas-sostenibbiltà, skont il-pajjiż li qed jiżviluppa kkonċernat u s-sitwazzjoni ambjentali, soċjali u ekonomika ġenerali tiegħu, li jikkunsidra d-dimensjoni ambjentali, kif ukoll id-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi, b'mod partikolari meta ssir referenza għal-LDCs. Jenħtieġ li l-miżuri tal-Unjoni ma jwasslux għal tnaqqis fid-dħul għal popolazzjonijiet vulnerabbli, telf ta' impjiegi jew rigressjoni fil-kisbiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jenħtieġ li jevitaw li jinċentivaw attivitajiet illegali, li ħafna minnhom huma marbuta mal-kriminalità organizzata transnazzjonali u li l-effetti tagħha huma sahansitra aktar diżastrużi għall-ambjent u s-soċjetà. Jenħtieġ li jitqies ukoll, b'mod adegwat, l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-progress li sar lejn il-kisba tal-SDGs, b'mod partikolari l-impatt sproporzjonat tal-pandemija fuq il-foqra u l-vulnerabbli, u fuq l-impjiegi u l-inugwaljanza.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) ***Jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi ***r-rwol*** tal-popli indiġeni fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, ***sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti,*** u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produtturi jipproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibbilment il-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-objettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti. | (21) ***F'kooridnazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, ***kif ukoll il-partijiet ikkonċernati rilevanti attivi fuq il-post,*** u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni ***u r-restawr*** tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu ***u jsaħħu*** r-rwol ***u d-drittijiet*** tal-popli indiġeni ***u tal-komunitajiet lokali***, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, ***id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat,*** iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli ***u qrib in-natura*** tal-foresti ***abbażi ta' indikaturi u sollijiet, l-ekoturiżmu***, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi ***bis-sħiħ ir-rwol u d-drittijiet*** tal-popli indiġeni ***u l-komunitajiet lokali*** fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. ***Kwalunkwe regola u rekwiżit għandhom jippruvaw jimminimizzaw il-piż fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'pajjiżi terzi u għandhom jippruvaw jipprevjenu l-ostakli għall-aċċess tagħhom għas-suq tal-Unjoni u l-kummerċ internazzjonali.*** Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produtturi jipproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibbilment il-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-objettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti ***kif ukoll jappoġġa r-restawr tal-foresti, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali u informazzjoni ġeospazjali***. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(21a)** **Dan ir-Regolament jirrikonoxxi l-importanza ekonomika tal-esportazzjonijiet tal-komoditajiet għal pajjiżi terzi kif ukoll l-isfidi speċifiċi li jistgħu jiffaċċjaw il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, speċjalment in-nisa. Minħabba li s-sehem ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira fil-produzzjoni tal-komoditajiet ikkonċernati jista' jkun għoli ħafna, jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-isfidi li se jiffaċċjaw il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa kruċjali li l-operaturi li jixtru mingħand il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jipprovdu appoġġ finanzjarju u tekniku f'waqtu biex jgħinu lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda tal-aċċess għas-suq tal-Unjoni. Biex tappoġġa prattiki sostenibbli, bħall-agroekoloġija u l-ġestjoni komunitarja tal-foresti, l-UE jenħtieġ li tindirizza l-ixprunaturi diretti u indiretti tad-deforestazzjoni, inkluż il-faqar, billi tippromwovi introjtu li jiggarantixxi l-għajxien għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira li jipproduċu merkanzija esportata lejn l-UE u tiżgura riżorsi suffiċjenti biex jappoġġaw speċifikament lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'pajjiżi terzi biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għas-suq tal-UE. Fl-istess ħin, l-istabbiliment ta' sistema ta' traċċabilità kredibbli jista' jagħti s-setgħa lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira peress li jista' jevita n-nuqqas ta' ħlas ta' primjums ta' sostenibbiltà mwiegħda, jippermetti ħlasijiet elettroniċi lill-produtturi billi tintuża s-sistema ta' traċċabilità nazzjonali biex b'hekk tiġi miġġielda l-frodi u jippermetti lill-awtoritajiet lokali jiġbru l-għarfien dwar l-għadd ta' rqajja' tal-art tal-produtturi u jikkontrollaw l-għadd ta' bdiewa.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, u ma' pajjiżi terzi. | (22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus ***u sorsi oħra disponibbli pubblikament jew privatament***, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. L-Osservatorju tal-UE ***jenħtieġ li jkollu riżorsi stabbli u suffiċjenti u li jipparteċipa fl-istabbiliment ta' sistema ta' twissija rapida għall-operaturi, il-kummerċjanti, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet kompetenti fejn l-analiżi tal-kopertura tal-foresti tiżvela d-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-attività tal-foresti. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina wkoll kif l-Osservatorju tal-UE jista' jikkontribwixxi għall-analiżi tal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-pajjiżi produtturi, inklużi d-drittijiet tal-pussess tal-art u d-dritt proċedurali li jingħata kunsens liberu, minn qabel u infurmat. L-Osservatorju tal-UE*** se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, ***mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, mal-operaturi*** u ma' pajjiżi terzi. ***Se jikkoopera wkoll mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bil-għan li jiċċentralizza d-data u r-riżultati tal-kontrolli li huma jwettqu fuq il-post.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (23) Il-qafas ***leġiżlattiv eżistenti*** tal-UE jiffoka fuq l-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u ma jindirizzax id-deforestazzjoni direttament. Dan jikkonsisti fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jintroduċi fis-suq injam u prodotti tal-injam ([40]), u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005, dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea ***([41]). Both Regulations were evaluated in a Fitness Check*** which ***determined that, while the legislation has had a positive impact on forest governance, the objectives*** of the two Regulations – ***namely to curb illegal logging and related trade, and to reduce the*** consumption of illegally harvested timber in the EU – ***have not been met ([42]) and it was concluded that focusing solely on legality of timber was not sufficient to meet the set objectives***. | (23) Il-qafas ***eżistenti tal-UE dwar il-foresti huwa l-Pjan ta' Azzjoni*** tal-UE ***għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċi li*** jiffoka fuq l-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u ma jindirizzax id-deforestazzjoni direttament. Dan jikkonsisti fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jintroduċi fis-suq injam u prodotti tal-injam ([40]), u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005, dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea ***([41]) li joperazzjonalizza l-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs). Il-prestazzjoni u l-implimentazzjoni taż-żewġ*** Regolamenti ***għaddew minn kontroll*** tal-idoneità li ***sab*** li, filwaqt li ***t-tnejn kisbu xi suċċess, għadd ta' sfidi ta' implimentazzjoni żammew lura l-progress lejn il-kisba sħiħa tal-objettivi tagħhom. L-applikazzjoni*** u ***l-funzjonament tal-iskema ta' diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) Nru 995/210 minn naħa waħda***, u ***l-għadd limitat*** ta' ***pajjiżi involuti fil-proċess tal-VPA, b'waħda biss sa issa għandha fis-seħħ sistema ta' liċenzjar operattiva (l-Indoneżja) min-naħa l-oħra, naqqsu l-effettività fl-ilħuq tal-objettiv tal-konsum tal-injam maħsud illegalment fl-UE***. |

Test propost mill-Kummissjoni:

([40]) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.
***([41])*** ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.
***([42]) https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/11630-Illegal-logging-evaluation-of-EU-rules-fitness-check-_mt***

Emenda:

([40]) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.
***([41])*** ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Ir-rapporti disponibbli jikkonfermaw li parti kbira mid-deforestazzjoni li għaddejja hija legali skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni. Rapport reċenti [43] jistma li bejn l-2013 u l-2019, madwar 30 % tad-deforestazzjoni destinata għall-agrikoltura kummerċjali fil-pajjiżi tropikali kienet legali. Id-data disponibbli għandha t-tendenza li tiffoka fuq pajjiżi b'governanza dgħajfa — is-sehem globali tad-deforestazzjoni illegali jista' jkun aktar baxx, iżda diġà jipprovdi data ċara li turi li t-tneħħija tad-deforestazzjoni legali fil-pajjiż tal-produzzjoni jimmina l-effettività tal-miżuri ta' politika. | (24) Ir-rapporti disponibbli jikkonfermaw li parti kbira mid-deforestazzjoni li għaddejja hija legali skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni. Rapport reċenti [43] jistma li bejn l-2013 u l-2019, madwar 30 % tad-deforestazzjoni destinata għall-agrikoltura kummerċjali fil-pajjiżi tropikali kienet legali. Id-data disponibbli għandha t-tendenza li tiffoka fuq pajjiżi b'governanza dgħajfa — is-sehem globali tad-deforestazzjoni illegali jista' jkun aktar baxx, iżda diġà jipprovdi data ċara li turi li t-tneħħija tad-deforestazzjoni legali fil-pajjiż tal-produzzjoni jimmina l-effettività tal-miżuri ***ta' dan il-qasam***. |
| ([43]) https://www.forest-trends.org/wp-content/uploads/2021/05/Illicit-Harvest-Complicit-Goods_rev.pdf. | ([43]) https://www.forest-trends.org/wp-content/uploads/2021/05/Illicit-Harvest-Complicit-Goods_rev.pdf. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Il-valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri ta' politika possibbli sabiex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti mmexxija mill-Unjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-riżoluzzjoni tal-2020 tal-Parlament Ewropew jidentifikaw b'mod ċar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti bħala l-kriterji gwida għall-miżuri futuri tal-Unjoni. Għalhekk, il-qafas legali l-ġdid tal-Unjoni jenħtieġ li jindirizza kemm il-legalità ***kif ukoll*** jekk il-produzzjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti hijiex mingħajr deforestazzjoni. | (25) Il-valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri ta' politika possibbli sabiex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti mmexxija mill-Unjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-riżoluzzjoni tal-2020 tal-Parlament Ewropew jidentifikaw b'mod ċar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti bħala l-kriterji gwida għall-miżuri futuri tal-Unjoni. ***L-iffukar biss fuq il-legalità jista' potenzjalment jinkoraġġixxi ġirja lejn l-aktar livell baxx f'pajjiżi li huma dipendenti ħafna fuq l-esportazzjonijiet agrikoli. Dawk il-pajjiżi jistgħu jkollhom it-tentazzjoni li jbaxxu l-protezzjoni ambjentali tagħhom bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-aċċess tal-prodotti tagħhom għas-suq tal-Unjoni.*** Għalhekk, il-qafas legali l-ġdid tal-Unjoni jenħtieġ li jindirizza kemm il-legalità, jekk il-produzzjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti hijiex mingħajr deforestazzjoni ***u jekk il-protezzjoni tad-drittijiet tal-pussess tal-art u l-popli lokali ġiet miżmuma***. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni" tkun wiesgħa biżżejjed sabiex tkopri kemm id-deforestazzjoni ***kif ukoll id-degradazzjoni*** tal-foresti, jenħtieġ li tipprovdi ċarezza legali, u jenħtieġ li din tkun tista' titkejjel abbażi ta' data kwantitattiva, oġġettiva u rikonoxxuta internazzjonalment. | (26) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni" tkun wiesgħa biżżejjed sabiex tkopri kemm id-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti, jenħtieġ li tipprovdi ċarezza legali, u jenħtieġ li din tkun tista' titkejjel abbażi ta' data kwantitattiva, oġġettiva u rikonoxxuta internazzjonalment. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Jenħtieġ li r-Regolament ikopri dawk il-komoditajiet li l-konsum tagħhom mill-Unjoni huwa l-aktar rilevanti f'termini ta' dak li qed iwassal għad-deforestazzjoni globali u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti u li għalihom intervent ta' politika tal-Unjoni jista' jġib l-ogħla benefiċċji għal kull valur unitarju tal-kummerċ. Sar rieżami estensiv tal-letteratura xjentifika, jiġifieri tas-sorsi primarji li jistmaw l-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni globali u li jorbtu dik l-impronta ma' komoditajiet speċifiċi, bħala parti mill-istudju li jappoġġa l-Valutazzjoni tal-Impatt u kontroverifikat permezz ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet konċernati. Dak il-proċess wassal għall-ewwel lista ta' ***tmien*** komoditajiet. L-injam ġie inkluż direttament fil-kamp ta' applikazzjoni peress li kien diġà kopert mill-EUTR. ***Il-lista tal-komoditajiet imbagħad tnaqqset aktar permezz ta' analiżi tal-effiċjenza fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Din l-analiżi tal-effiċjenza qabblet l-ettari ta' deforestazzjoni marbuta mal-konsum tal-UE, kif stmat f'dokument ta' riċerka riċenti*** [44]***, għal kull waħda minn dawk il-komoditajiet bil-valur medju tagħhom tal-importazzjonijiet tal-UE.*** Skont id-dokument ta' riċerka użat għall-analiżi tal-effiċjenza, sitt komoditajiet jirrappreżentaw l-akbar sehem tad-deforestazzjoni xprunata mill-UE fost it-total ta' ***tmien*** komoditajiet analizzati f'dak id-dokument ta' riċerka: iż-żejt tal-palm (33,95 %), is-sojja (32,83 %), l-injam (8,62 %), il-kawkaw (7,54 %), il-kafè (7,01 %) u ċ-ċanga (5,01 %).<br><br>([44]) Pendrill F., Persson U. M., Kastner, T. 2020. | (27) Jenħtieġ li r-Regolament ikopri dawk il-komoditajiet li l-konsum tagħhom mill-Unjoni huwa l-aktar rilevanti f'termini ta' dak li qed iwassal għad-deforestazzjoni globali***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti, u li għalihom intervent ta' politika tal-Unjoni jista' jġib l-ogħla benefiċċji għal kull valur unitarju tal-kummerċ. Sar rieżami estensiv tal-letteratura xjentifika, jiġifieri tas-sorsi primarji li jistmaw l-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni globali u li jorbtu dik l-impronta ***ambjentali*** ma' komoditajiet speċifiċi, bħala parti mill-istudju li jappoġġa l-Valutazzjoni tal-Impatt u kontroverifikat permezz ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet konċernati. Dak il-proċess wassal għall-ewwel lista ta' komoditajiet. L-injam ġie inkluż direttament fil-kamp ta' applikazzjoni peress li kien diġà kopert mill-EUTR. Skont id-dokument ta' riċerka ***reċenti*** [44] użat għall-analiżi tal-effiċjenza, sitt komoditajiet jirrappreżentaw l-akbar sehem tad-deforestazzjoni xprunata mill-UE fost it-total ta' komoditajiet analizzati f'dak id-dokument ta' riċerka: iż-żejt tal-palm (33,95 %), is-sojja (32,83 %), l-injam (8,62 %), il-kawkaw (7,54 %), il-kafè (7,01 %) u ċ-ċanga (5,01 %). ***Il-laħam importat fl-Unjoni jenħtieġ li jkun soġġett għall-istess regoli bħal-laħam prodott fl-Unjoni. Għalhekk, il-laħam mill-majjali, it-tjur, u n-nagħaġ u l-mogħoż jenħtieġ li jkun kopert minn dan ir-Regolament biex jiġi żgurat li l-annimali mrobbija barra mill-Unjoni u mbagħad importati jkunu ġew mitmugħa prodotti jew prodotti ħielsa mid-deforestazzjoni. Il-gomma u l-qamħirrum jenħtieġ li jkunu koperti wkoll minn dan ir-Regolament minħabba l-impatt tagħhom fuq id-deforestazzjoni globali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun intitolata li tadotta atti delegati biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I.***<br><br>([44]) Pendrill F., Persson U. M., Kastner, T. 2020. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 27a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(27a)* ***L-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament peress li s-servizzi tagħhom jistgħu jwasslu għal attivitajiet ta' appoġġ marbuta direttament jew indirettament mad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti. L-attivitajiet bankarji, ta' investiment u ta' assigurazzjoni kollha tal-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ għalhekk li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex ma jitħallewx jappoġġaw proġetti marbuta direttament jew indirettament mad-deforestazzjoni, mad-degradazzjoni tal-foresti jew mal-konverżjoni tal-foresti.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni. | (29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti ***u l-konverżjoni tal-foresti***, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni***, kif ukoll biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem, u d-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 29a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(29a)* ***Meta jiġi vvalutat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew li jiġu esportati minnu, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqies il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li huwa assoċjat mad-deforestazzjoni, mad-degradazzjoni tal-foresti u mal-konverżjoni tal-foresti, inklużi d-drittijiet tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u tad-detenturi tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Ħafna organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika) żviluppaw ħidma fil-qasam tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u d-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament jibnu fuq din il-ħidma. | (30) Ħafna organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika) żviluppaw ħidma fil-qasam tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti ***kif ukoll tal-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra*** u d-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament jibnu fuq din il-ħidma. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza sabiex tipprovdi bażi għall-evalwazzjoni ta' jekk l-art konċernata kinitx soġġetta għal deforestazzjoni ***jew degradazzjoni*** tal-foresti, li jfisser li l-ebda komodità u prodott fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jitħalla jidħol fis-suq tal-Unjoni jew jiġi esportat jekk jiġi prodott fuq art soġġetta għad-deforestazzjoni jew għad-degradazzjoni tal-foresti wara dik id-data. Jenħtieġ li din tippermetti l-verifika u l-monitoraġġ xierqa, ***tikkorrispondi mal-impenji*** internazzjonali eżistenti, bħall-SDGs u d-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti, u b'hekk jiġi minimizzat it-tfixkil f'daqqa fil-ktajjen tal-provvista filwaqt li jitneħħa kwalunkwe inċentiv sabiex jiġu aċċellerati l-attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | (31) Jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza sabiex tipprovdi bażi għall-evalwazzjoni ta' jekk l-art konċernata kinitx soġġetta għal deforestazzjoni***, degradazzjoni tal-foresti u konverżjoni*** tal-foresti, li jfisser li l-ebda komodità u prodott fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jitħalla jidħol fis-suq tal-Unjoni jew jiġi esportat jekk jiġi prodott fuq art soġġetta għad-deforestazzjoni jew għad-degradazzjoni tal-foresti ***jew il-konverżjoni tal-foresti*** wara dik id-data. Jenħtieġ li din tippermetti l-verifika u l-monitoraġġ xierqa, ***tqis l-impenji*** internazzjonali eżistenti, bħall-SDGs u d-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti, u b'hekk jiġi minimizzat it-tfixkil f'daqqa fil-ktajjen tal-provvista filwaqt li jitneħħa kwalunkwe inċentiv sabiex jiġu aċċellerati l-attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu ġew prodotti f'konformità ***mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni***. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta. | (32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni ***jew esportati minnu, u lanqas esportati minnu***, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu ġew prodotti f'konformità ***mal-liġi u mal-istandards domestiċi u internazzjonali rilevanti***. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi ***tliet*** elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti ***u ta' rekwiżiti*** ta' legalità huma ssodisfati, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż ***u ż-żona tal-produzzjoni***, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni ***tal-biċċiet art rilevanti***. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportah. | (33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi ***erba'*** elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju ***u obbligi ta' rapportar***. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni***,ta' degradazzjoni tal-foresti*** u ta' ***konverżjoni u*** degradazzjoni tal-foresti ***u r-rekwiżit*** ta' legalità huma ssodisfati, ***u li l-pajjiż ta' produzzjoni kkonforma mar-rekwiżit tal-legalità u mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat,*** fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż ***tal-produzzjoni jew partijiet minnhom***, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). ***L-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' ġeolokalizzazzjoni f'setturi fejn il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jirrappreżentaw sehem sinifikanti ta' produtturi tista' tkun partikolarment ta' sfida u jenħtieġ li jingħataw, fejn rilevanti u gwida, kif ukoll appoġġ tekniku u finanzjarju.*** Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportah. ***Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 33a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | *(33a)* ***L-operaturi jenħtieġ li jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li jitħallas prezz ġust lill-produtturi li huma jiksbu sorsi mingħandhom, b'mod partikolari l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, sabiex jippermettu introjtu li jiggarantixxi l-għajxien u jindirizzaw b'mod effettiv il-faqar bħala kawża ewlenija tad-deforestazzjoni.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 33b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | *(33b)* ***L-operaturi u l-kummerċjanti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-għodod magħmula disponibbli mill-Unjoni meta jiġbru u jittraskrivu mill-ġdid l-informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta. L-aġenziji inkarigati minn EGNOS/Galileo u Copernicus jenħtieġ li jsaħħu s-sinerġiji tagħhom sabiex jippermettu approċċ olistiku. L-operaturi u n-negozjanti, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jenħtieġ li jappoġġaw lill-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, sabiex ikunu jistgħu jakkwistaw u jagħmlu użu xieraq mill-għodod meħtieġa biex jiġbru l-informazzjoni, inkluża l-ġeolokalizzazzjoni, u biex jagħmlu użu xieraq minnhom b'mod sostenibbli.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 34**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (34) Jenħtieġ li l-operaturi formalment jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-komoditajiet jew tal-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jew li jesportaw billi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi mudell għal tali dikjarazzjonijiet. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-infurzar ta' dan ir-Regolament permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-qrati kif ukoll iżid il-konformità mill-operaturi. | (34) Jenħtieġ li l-operaturi ***li jqiegħdu l-komodità jew il-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni jew li jesportaw komodità lejn pajjiż terz*** formalment jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-komoditajiet jew tal-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jew li jesportaw billi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi mudell għal tali dikjarazzjonijiet. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-infurzar ta' dan ir-Regolament permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-qrati kif ukoll iżid il-konformità mill-operaturi. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Jenħtieġ li n-negozjanti jkunu responsabbli għall-ġbir u għaż-żamma ta’ informazzjoni li tiżgura t-trasparenza tal-katina tal-provvista tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq. Negozjanti kbar li ma humiex intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-provvista u għandhom rwol importanti fl-iżgurar li ***dawn ikunu*** mingħajr deforestazzjoni u għalhekk jenħtieġ li jkollhom l-istess obbligi bħall-operaturi. | (36) Jenħtieġ li n-negozjanti jkunu responsabbli għall-ġbir u għaż-żamma ta’ informazzjoni li tiżgura t-trasparenza tal-katina tal-provvista tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq. Negozjanti kbar li ma humiex intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-provvista u għandhom rwol importanti fl-iżgurar li ***l-ktajjen tal-provvista jkunu*** mingħajr deforestazzjoni u għalhekk jenħtieġ li jkollhom l-istess obbligi bħall-operaturi. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi ***li ma humiex SMEs***, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta’ diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom. | (37) Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta’ diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (38) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li tista' tiġi adattata fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' dan ir-Regolament ma teskludix l-applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur. Meta tali strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE jipprevedu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi jew iżidu rekwiżiti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta dan ir-Regolament ikun fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, jenħtieġ li dawn ma jiġux interpretati b'mod li jimmina l-applikazzjoni effettiva ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE dwar id-diliġenza dovuta jew l-ilħuq tal-għan ġenerali tagħhom. | (38) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi ***, bħar-Regolament (EU) 2020/852 tal-Parlament wropew u tal-Kunsill*** ([1a]) ***u [d-Direttiva li jmiss dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva]*** ([1b])***,*** jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li tista' tiġi adattata fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri. ***Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tal-legalità. Dan japplika ex ante, qabel ma l-komoditajiet jew il-prodotti jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu.*** Jenħtieġ li l-eżistenza ta' dan ir-Regolament ***speċifiku għall-komoditajiet*** ma teskludix l-applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur. Meta tali strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE jipprevedu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi jew iżidu rekwiżiti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta dan ir-Regolament ikun fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, jenħtieġ li dawn ma jiġux interpretati b'mod li jimmina l-applikazzjoni effettiva ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE dwar id-diliġenza dovuta jew l-ilħuq tal-għan ġenerali tagħhom. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ linji gwida ċari u faċli biex jinftiehmu biex tgħin lill-operaturi u lin-negozjanti, b'mod partikolari l-SMEs, jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament bil-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv u finanzjarju. Il-linji gwida jenħtieġ li jappoġġaw lill-operaturi biex dawn jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta b'mod effettiv meta dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra sovrapposti li jistabbilixxu rekwiżiti oħra ta' diliġenza dovuta.*** |

([1a]) *Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).*

([1b]) *COM(2022)0071.*

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 38a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(38a) Hemm rabta diretta bejn id-deforestazzjoni u l-konverżjoni tal-ekosistemi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tagħhom u jenħtieġ li l-inklużjoni sħiħa tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għat-testi u l-istandards internazzjonali, inkluża d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, id-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art, id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC). Id-drittijiet tax-xogħol kif minquxa fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet għall-protezzjoni ambjentali u d-dritt li jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent jenħtieġ li jiġu promossi wkoll.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (40) Ir-responsabbiltà għall-infurzar ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li dan ir-Regolament jiġi rispettat bis-sħiħ. Infurzar uniformi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu jista' jinkiseb biss permezz ta' skambju sistematiku ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni. | (40) Ir-responsabbiltà għall-infurzar ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li dan ir-Regolament jiġi rispettat bis-sħiħ. Infurzar uniformi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu jista' jinkiseb biss permezz ta' skambju sistematiku ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li, b'mod partikolari, twettaq analiżi tal-penali applikati mill-Istati Membri u twettaq skambju magħhom sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 40a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(40a) Għall-finijiet tal-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament u l-konformità miegħu mill-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi u n-negozjanti, jenħtieġ li l-membri tal-pubbliku konċernat ikunu jistgħu jieħdu azzjoni biex jiżguraw il-konformità mal-liġi ambjentali u b'hekk jipproteġu l-ambjent.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 40b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(40b) Id-dritt għal rimedju effettiv huwa dritt tal-bniedem rikonoxxut internazzjonalment, minqux fl-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali u l-Artikolu 2(3) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u huwa wkoll dritt fundamentali tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jiżguraw li l-membri tal-pubbliku kkonċernati jew affettwati minn ksur ta' dan ir-Regolament ikollhom aċċess xieraq għal rimedju effettiv.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi u effiċjenti ta' dan ir-Regolament huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema ta' informazzjoni sabiex tappoġġa lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti fil-preżentazzjoni u fl-aċċess tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq. Jenħtieġ li l-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta fis-sistema tal-informazzjoni. Jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet doganali sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li ***s-sistema tal-informazzjoni*** tkun aċċessibbli wkoll għal pubbliku usa', bid-data anonimizzata provduta f'format miftuħ u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Politika tal-Unjoni dwar id-Data Miftuħa. | (41) L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi u effiċjenti ta' dan ir-Regolament huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema ta' informazzjoni sabiex tappoġġa lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti fil-preżentazzjoni u fl-aċċess tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq. Jenħtieġ li l-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta fis-sistema tal-informazzjoni. Jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet doganali sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament ***u jenħtieġ li tiffaċilita t-trasferimenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali kif ukoll fosthom***. Jenħtieġ li ***d-data li mhix sensittiva f'sens kummerċjali*** tkun aċċessibbli wkoll għal pubbliku usa', bid-data ***li tkun*** anonimizzata – ***apparti l-informazzjoni rigward il-lista ta' operaturi u negozjanti mhux konformi – u*** provduta f'format miftuħ u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Politika tal-Unjoni dwar id-Data Miftuħa. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Għall-komoditajiet rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kompitu li jivverifikaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-obbligi skont dan ir-Regolament, billi r-rwol tad-dwana huwa li tiżgura li r-referenza ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali fejn applikabbli u, barra minn hekk mill-mument li l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta wara analiżi tar-riskju inizjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fis-Sistema ta' Informazzjoni u jaġixxu kif xieraq (jiġifieri jissospendu jew jirrifjutaw komodità jew prodott jekk jintalbu jagħmlu dan permezz tal-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni). Din l-organizzazzjoni speċifika tal-kontrolli tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. | (42) Għall-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kompitu li jivverifikaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-obbligi skont dan ir-Regolament ***abbażi, fost l-oħrajn, tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta sottomessi mill-operaturi*** billi r-rwol tad-dwana huwa li tiżgura li r-referenza ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali fejn applikabbli u, barra minn hekk mill-mument li l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta wara analiżi tar-riskju inizjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fis-Sistema ta' Informazzjoni u jaġixxu kif xieraq (jiġifieri jissospendu jew jirrifjutaw komodità jew prodott jekk jintalbu jagħmlu dan permezz tal-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni). Din l-organizzazzjoni speċifika tal-kontrolli tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 42a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(42a) Il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jitwettqu b'mod li jkun l-inqas ta' tfixkil għall-kummerċ u għall-operazzjonijiet tal-operaturi u n-negozjanti.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 43a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(43a)* ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura riżorsi finanzjarji adegwati u suffiċjenti, inkluż speċifikament għall-appoġġ tekniku, inkluż permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, biex tgħin lill-pajjiżi sħab jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk ir-riżorsi jkunu diġà disponibbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' adattament tal-komunitajiet affettwati, b'attenzjoni partikolari għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Sabiex jiġi ottimizzat u jitneħħa l-piż minn fuq il-proċess ta' kontroll tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti interfaċċi elettroniċi li jippermettu t-trasferiment awtomatiku tad-data bejn is-sistemi doganali u s-Sistema ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Is-sistema ta' Single Window tal-UE għad-dwana hija l-kandidat naturali sabiex jiġu appoġġati tali trasferimenti tad-data. Jenħtieġ li l-interfaċċi jkunu awtomatizzati ħafna u faċli sabiex jintużaw, u ***jenħtieġ li l-piż addizzjonali*** għall-awtoritajiet doganali ***jkun limitat***. Barra minn hekk, fid-dawl tad-differenzi limitati bejn id-data li għandha tiġi dikjarata rispettivament fid-dikjarazzjoni doganali u fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, huwa xieraq li jiġi propost ukoll approċċ "min-negozji għall-gvern" fejn in-negozjanti u l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana u din id-dikjarazzjoni tiġi trażmessa awtomatikament fis-Sistema ta' Informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw id-data li għandha tiġi trażmessa u kwalunkwe rekwiżit tekniku ieħor. | (45) Sabiex jiġi ottimizzat u jitneħħa l-piż minn fuq il-proċess ta' kontroll tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti interfaċċi elettroniċi ***interoperabbli*** li jippermettu t-trasferiment awtomatiku tad-data bejn is-sistemi doganali u s-Sistema ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Is-sistema ta' Single Window tal-UE għad-dwana hija l-kandidat naturali sabiex jiġu appoġġati tali trasferimenti tad-data. Jenħtieġ li l-interfaċċi jkunu awtomatizzati ħafna u faċli sabiex jintużaw, u ***jiffaċilitaw il-proċessi*** għall-awtoritajiet doganali ***kif ukoll jillimitaw il-kostijiet u l-piż għall-operaturi***. Barra minn hekk, fid-dawl tad-differenzi limitati bejn id-data li għandha tiġi dikjarata rispettivament fid-dikjarazzjoni doganali u fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, huwa xieraq li jiġi propost ukoll approċċ "min-negozji għall-gvern" fejn in-negozjanti u l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana u din id-dikjarazzjoni tiġi trażmessa awtomatikament fis-Sistema ta' Informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw id-data li għandha tiġi trażmessa u kwalunkwe rekwiżit tekniku ieħor. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-oriġini u l-produzzjoni tagħhom. L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta’ tkabbir, ħsad jew produzzjoni ta’ komoditajiet rilevanti bi ksur ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b’hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta’ konformità u l-piż amministrattiv. Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b’riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti. | (46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-oriġini u l-produzzjoni tagħhom ***jew parti minnhom***. L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta’ tkabbir, ħsad jew produzzjoni ta’ komoditajiet rilevanti bi ksur ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b’hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta’ konformità u l-piż amministrattiv***, sakemm l-operatur ma jkunx jaf jew ikollu raġuni biex jemmen li hemm riskji ta’ nuqqas ta’ konformità ma’ dan ir-Regolament. Meta awtorità kompetenti tkun konxja minn riskju li r-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jkunu qed jiġu evitati, pereżempju fejn komodità jew prodott rilevanti li jkunu ġew prodotti f’pajjiż b’riskju għoli jiġu sussegwentement ipproċessati fl-Unjoni jew esportati lejn l-UE minn pajjiż b’riskju baxx, u d-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta’ diliġenza dovuta jindikaw li l-komodità jew il-prodott ikunu ġew prodotti f’pajjiż b’riskju baxx, jenħtieġ li tivverifika permezz ta’ kontrolli ulterjuri jekk hemmx xi nuqqas ta’ konformità u, jekk meħtieġ, tieħu azzjoni xierqa, bħall-qbid u s-sospensjoni tat-tqegħid fis-suq tal-komodità jew tal-prodott rilevanti, kif ukoll twettaq verifiki ulterjuri***. Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b’riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 47**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (47) Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta’ deforestazzjoni u ta’ degradazzjoni tal-foresti f’livell ta’ pajjiż jew ta’ partijiet minnu abbażi ta’ firxa ta’ kriterji li jirriflettu kemm data kwantitattiva, oġġettiva kif ukoll dik rikonoxxuta internazzjonalment, u indikazzjonijiet li l-pajjiżi huma involuti attivament fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti. Jenħtieġ li din l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva tagħmilha aktar faċli għall-operaturi fl-Unjoni li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità, filwaqt li tipprovdi wkoll inċentiv għall-pajjiżi produtturi sabiex iżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi ta’ produzzjoni agrikola tagħhom u jnaqqsu l-impatt tad-deforestazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan jgħin sabiex il-ktajjen tal-provvista jsiru aktar trasparenti u sostenibbli. Jenħtieġ li din is-sistema ta’ valutazzjoni komparattiva tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni bi tliet livelli ta’ pajjiżi li għandhom jitqiesu bħala ta’ riskju baxx, standard jew għoli. Sabiex jiġu żgurati trasparenza u ċarezza xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni partikolarment tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data li tkun qiegħda tintuża għall-valutazzjoni komparattiva, ir-raġunijiet għall-bidla proposta fil-klassifikazzjoni u t-tweġiba tal-pajjiż konċernat. Għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b’riskju baxx jew partijiet ta’ pajjiżi identifikati bħala b’riskju baxx, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew japplikaw diliġenza dovuta simplifikata, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw skrutinju msaħħaħ fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b’riskju għoli jew partijiet minn pajjiżi identifikati bħala ta’ riskju għoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta’ implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex konformi ma’ dan ir-Regolament. | (47) Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta’ deforestazzjoni u ta’ degradazzjoni tal-foresti ***jew ta’ riskju ta’ konverżjoni tal-foresti*** f’livell ta’ pajjiż jew ta’ partijiet minnhom u abbażi ta’ firxa ta’ kriterji li jirriflettu kemm data kwantitattiva, oġġettiva kif ukoll dik rikonoxxuta internazzjonalment, u indikazzjonijiet li l-pajjiżi huma involuti attivament fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti***, u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali***. Jenħtieġ li din l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva tagħmilha aktar faċli għall-operaturi fl-Unjoni li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità, filwaqt li tipprovdi wkoll inċentiv għall-pajjiżi produtturi sabiex iżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi ta’ produzzjoni agrikola tagħhom u jnaqqsu l-impatt tad-deforestazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan jgħin sabiex il-ktajjen tal-provvista jsiru aktar trasparenti u sostenibbli. Jenħtieġ li din is-sistema ta’ valutazzjoni komparattiva tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni bi tliet livelli ta’ pajjiżi li għandhom jitqiesu bħala ta’ riskju baxx, standard jew għoli. Sabiex jiġu żgurati trasparenza u ċarezza xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni partikolarment tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data li tkun qiegħda tintuża għall-valutazzjoni komparattiva, ir-raġunijiet għall-bidla proposta fil-klassifikazzjoni u t-tweġiba tal-pajjiż konċernat. Għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b’riskju baxx jew partijiet ta’ pajjiżi identifikati bħala b’riskju baxx, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew japplikaw diliġenza dovuta simplifikata, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw skrutinju msaħħaħ fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b’riskju għoli jew partijiet minn pajjiżi identifikati bħala ta’ riskju għoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta’ implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex konformi ma’ dan ir-Regolament. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

## Emenda 64

## Proposta għal regolament

## Premessa 47a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(47a) Biex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ma joħloqx restrizzjoni bla bżonn għall-kummerċ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera ma' pajjiżi li huma identifikati li jippreżentaw riskju standard jew għoli, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dawn il-pajjiżi, sabiex taħdem favur it-tnaqqis tal-livell ta' riskju.*** |

## Emenda 65

## Proposta għal regolament

## Premessa 48

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki meta jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni rilevanti u abbażi ta' dan, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessa minn partijiet terzi. Għal kopertura komprensiva tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, tal-operaturi u n-negozjanti rispettivi u tal-volumi tas-sehem tagħhom ta' komoditajiet u prodotti, jenħtieġ li japplika approċċ maqsum f'żewġ partijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivverifikaw ċertu perċentwal ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jkopru wkoll perċentwal speċifiku ta' komoditajiet u prodotti rilevanti. Jenħtieġ li tali perċentwali jkunu ogħla għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom. | (48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki meta jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni rilevanti u abbażi ta' dan, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessa minn partijiet terzi. Għal kopertura komprensiva tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, tal-operaturi u n-negozjanti rispettivi u tal-volumi tas-sehem tagħhom ta' komoditajiet u prodotti, jenħtieġ li japplika approċċ maqsum f'żewġ partijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivverifikaw ċertu perċentwal ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jkopru wkoll perċentwal speċifiku ta' komoditajiet u prodotti rilevanti. Jenħtieġ li tali perċentwali jkunu ogħla għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom ***filwaqt li dawn jistgħu jkunu aktar baxxi għal pajjiżi b'riskju baxx jew partijiet minnhom***. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 49**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (49) Jenħtieġ li l-verifiki tal-operaturi u tan-negozjanti mill-awtoritajiet kompetenti jkopru s-sistemi ta’ diliġenza dovuta u l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-verifiki jkunu bbażati fuq pjan ta’ verifiki bbażat fuq ir-riskju. Jenħtieġ li l-pjan ikun fih kriterji tar-riskju li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta sottomessi mill-operaturi u min-negozjanti. Jenħtieġ li l-kriterji tar-riskju jqisu r-riskju ta’ deforestazzjoni assoċjata ma’ komoditajiet u prodotti rilevanti fil-pajjiż tal-produzzjoni, l-istorja tal-konformità tal-operaturi u tan-negozjanti mal-obbligi ta’ dan ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-operaturi, tan-negozjanti u tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti, u jenħtieġ li titwettaq bl-użu ta’ tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-data fis-sistema tal-informazzjoni li tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta. | (49) Jenħtieġ li l-verifiki tal-operaturi u tan-negozjanti mill-awtoritajiet kompetenti jkopru s-sistemi ta’ diliġenza dovuta u l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-verifiki jkunu bbażati fuq pjan ta’ verifiki bbażat fuq ir-riskju. Jenħtieġ li l-pjan ikun fih kriterji tar-riskju li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta sottomessi mill-operaturi u min-negozjanti. Jenħtieġ li l-kriterji tar-riskju jqisu r-riskju ta’ deforestazzjoni assoċjata ma’ komoditajiet u prodotti rilevanti fil-pajjiż tal-produzzjoni, l-istorja tal-konformità tal-operaturi u tan-negozjanti mal-obbligi ta’ dan ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-operaturi, tan-negozjanti u tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti, u jenħtieġ li titwettaq bl-użu ta’ tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-data fis-sistema tal-informazzjoni li tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta. ***Fejn meħtieġ u teknikament possibbli, l-awtoritajiet kompetenti, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet f’pajjiżi terzi, għandhom ukoll iwettqu kontrolli in situ.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) F'każ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tiżvela riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. F'każ li dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu daħlu fis-suq tal-Unjoni jew ikunu ħerġin minnu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-awtoritajiet doganali s-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa. Tali talba jenħtieġ li tiġi komunikata permezz tas-sistema tal-interfaċċa bejn id-dwana u l-awtoritajiet kompetenti. Is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal ***tlett*** ijiem ta' xogħol ħlief meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jivvalutaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri interim addizzjonali sabiex jestendu l-perjodu ta' sospensjoni jew jitolbu tali estensjoni lill-awtoritajiet doganali fil-każ ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu deħlin jew ħerġin mis-suq tal-Unjoni. | (50) F'każ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tiżvela riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni ***jew l-esportazzjoni tagħhom mill-Unjoni***. F'każ li dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu daħlu fis-suq tal-Unjoni jew ikunu ħerġin minnu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-awtoritajiet doganali s-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa. Tali talba jenħtieġ li tiġi komunikata permezz tas-sistema tal-interfaċċa bejn id-dwana u l-awtoritajiet kompetenti. Is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal ***ħamest*** ijiem ta' xogħol***, jew 72 siegħa għal komoditajiet u prodotti friski li jistgħu jitħassru,*** ħlief meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jivvalutaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri interim addizzjonali sabiex jestendu l-perjodu ta' sospensjoni jew jitolbu tali estensjoni lill-awtoritajiet doganali fil-każ ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu deħlin jew ħerġin mis-suq tal-Unjoni. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 50a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(50a) L-operaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-konformità minnaħa tal-fornituri tagħhom li huma bdiewa b'azjenda agrikola żgħira ma' dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' investimenti u tisħiħ tal-kapaċitajiet, kif ukoll mekkaniżmi ta' pprezzar li jippermettu introjtu li jiggarantixxi l-għajxien għall-produtturi li jiksbu s-sorsi mingħandhom.*** |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (51) Jenħtieġ li l-pjan għall-verifiki jiġi aġġornat regolarment abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi li juru rekord konsistenti ta’ konformità ***jenħtieġ li*** jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta’ verifiki. | (51) Jenħtieġ li l-pjan għall-verifiki jiġi aġġornat regolarment abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi li juru rekord konsistenti ta’ konformità ***jistgħu*** jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta’ verifiki. |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 51a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(51a) Jekk ikollha raġuni biex temmen li Stat Membru ma jwettaqx biżżejjed kontrolli biex jiżgura l-infurzar ta’ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata l-mandat li tintroduċi bidliet, fi djalogu ma’ dak l-Istat Membru, fil-pjan ta’ verifiki f’dak l-Istat Membru biex tirrettifika s-sitwazzjoni.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta’ dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b’penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. | (52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta’ dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b’penali effettivi, proporzjonati u dissważivi ***u li l-operaturi li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi skont dan ir-Regolament ikunu responsabbli u obbligati li jikkumpensaw għall-ħsara li kieku kien jevita l-eżerċitar tad-diliġenza dovuta***. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 52a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(52a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika l-ismijiet tal-operaturi u n-negozjanti mhux f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dan jista' jgħin lil operaturi u kummerċjanti oħra fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom u jżid il-pressjoni mill-konsumaturi u mis-soċjetà ċivili fuq operaturi u kummerċjanti mhux konformi sabiex għall-akkwisti tagħhom jużaw ktajjen tal-provvista li jkunu ħielsa mid-deforestazzjoni.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 53**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (53) Filwaqt li jqisu l-karattru internazzjonali tad-deforestazzjoni ***u d-degradazzjoni*** tal-foresti u l-kummerċ relatat, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni u l-infurzar ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-impatti ambjentali negattivi. | (53) Filwaqt li jqisu l-karattru internazzjonali tad-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni*** tal-foresti***, il-konverżjoni tal-foresti*** u l-kummerċ relatat, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni u l-infurzar ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-impatti ambjentali negattivi. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 53a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(53a)* ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal informazzjoni fattwali, affidabbli u aġġornata dwar id-deforestazzjoni għall-operaturi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi interessati, u biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-operaturi ekonomiċi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma li tkun tkopri ż-żoni forestali madwar id-dinja, u li tinkludi firxa ta' għodod li jippermettu lill-partijiet kollha jimxu malajr lejn akkwist li ma jinvolvi l-Ebda Deforestazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista tagħhom. Jenħtieġ li l-pjattaforma tinkludi mapep tematiċi, mappa tal-kopertura tal-art b'serje kronoloġika li tibda mid-data ta' skadenza stabbilita minn dan ir-Regolament, u firxa ta' klassijiet li jippermettu li tiġi eżaminata l-kompożizzjoni tal-pajsaġġ. Il-pjattaforma jenħtieġ li tipprovdi wkoll sistema ta' twissija, li tiddependi fuq monitoraġġ ta' kull xahar tal-bidla fil-kopertura tal-foresti, u firxa ta' analiżijiet u outputs sikuri u faċli għall-utent, li juru kif il-ktajjen tal-provvista huma marbuta mad-deforestazzjoni. Sabiex jitrawwem l-użu tal-aktar informazzjoni preċiża u f'waqtha, biex jiġu żviluppati valutazzjoni tar-riskju u analiżijiet tar-riskju, biex jittejbu l-verifiki fuq id-dikjarazzjonijiet u l-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi, filwaqt li jiġi żviluppat approċċ kooperattiv, jenħtieġ li l-pjattaforma tkun disponibbli għall-operaturi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u l-awtoritajiet interessati tal-pajjiżi terzi kollha. Jenħtieġ li l-pjattaforma tuża immaġnijiet satellitari, inklużi minn Copernicus Sentinel, li għandhom il-kapaċità li jipprovdu l-informazzjoni fattwali, affidabbli u aġġornata meħtieġa.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 54**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (54) ***Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu attenzjoni urġenti partikolari. Sabiex tindirizza dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa u l-fattibbiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal ekosistemi oħra u għal komoditajiet ulterjuri sentejn wara d-dħul fis-seħħ. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq ukoll rieżami tal-prodotti rilevanti kif elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament permezz ta' att delegat.*** | ***imħassar*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 55**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (55) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament jibqgħu rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta, l-informazzjoni u l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Partikolarment, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati. | (55) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament jibqgħu rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta, l-informazzjoni u l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti ***u mal-partijiet ikkonċernati***, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Partikolarment, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 57**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT), jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament. | (57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. ***Il-VPAs huma maħsuba biex irawmu bidliet sistemiċi fis-settur tal-forestrija bil-għan li jiġu promossi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-eliminazzjoni tal-qtugħ illegali tas-siġar u l-appoġġ għall-isforzi dinjija biex titwaqqaf id-deforestazzjoni. Il-VPAs jipprovdu qafas legali importanti kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-pajjiżi sħab tagħha, li sar possibbli bis-saħħa tal-kooperazzjoni tajba u l-impenn mill-pajjiżi kkonċernati; Jenħtieġ li jiġu promossi VPAs ġodda ma' sħab addizzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jibni fuq il-ħidma li saret fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 li jkompli jservi bħala mekkaniżmu importanti għall-protezzjoni tal-foresti tad-dinja.*** Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT) ***u jiġu inċentivati sħab oħra biex jaħdmu ħalli jilħqu dan l-istadju***, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament***, u b'hekk jiżguraw li din il-parti tar-rekwiżit ta' diliġenza dovuta tiġi verifikata faċilment***. ***Is-sħubijiet tal-VPAs jenħtieġ jiġu appoġġati b'riżorsi adegwati u b'appoġġ amministrattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet speċifiku. Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 se jibqa' wkoll sistema importanti biex jipprovdi oqfsa għal konsultazzjonijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 57a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(57a)* ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tassisti lil-LDCs u lill-SMEs fil-fehim u l-implimentazzjoni tal-istandards stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-konformità tagħhom magħhom, filwaqt li żżomm kooperazzjoni miftuħa lejn il-bini tal-kapaċità mal-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-produtturi, speċjalment il-produtturi ż-żgħar.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 58**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (58) Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni ***u d-degradazzjoni*** tal-foresti, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu ***attenzjoni*** urġenti partikolari. ***Għalhekk*** jenħtieġ li ssir evalwazzjoni ***tal-ħtieġa u tal-fattibbiltà*** tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra minbarra l-foresti fi żmien ***sentejn (2)*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | (58) Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni***,*** ***id-degradazzjoni*** tal-foresti ***u l-konverżjoni tal-foresti***, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima ***u l-kriżi tal-bijodiversità***, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli, u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu ***azzjoni*** urġenti partikolari ***u jeħtieġ li jkunu evitati. Ma hemm l-ebda dubju li l-konsum tal-Unjoni huwa xprun konsiderevoli anke għall-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi mhux forestali bijodiversi u rikki fil-karbonju madwar id-dinja. Sabiex titnaqqas l-impronta tal-Unjoni fuq l-ekosistemi naturali kollha,*** jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra minbarra l-foresti ***u art imsaġġra oħra sa mhux aktar tard minn sena*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, u proposta leġiżlattiva għaliha, li t-tħejjijiet għaliha għandhom jibdew sa mhux aktar tard mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Dewmien ulterjuri biex jiġu inklużi ekosistemi oħra f'dan ir-Regolament jirriskja li jċaqlaq il-produzzjoni agrikola mill-foresti għal ekosistemi mhux forestali. Dawn tal-aħħar jinsabu wkoll taħt pressjoni li qed tiżdied ta' konverżjoni u degradazzjoni minħabba l-produzzjoni tal-komoditajiet għas-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll il-ħtieġa u l-fattibbiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal aktar komoditajiet sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Fl-istess waqt, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq ukoll rieżami tal-prodotti rilevanti kif elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament permezz ta' att delegat.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 58a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(58a)* ***Filwaqt li titqies it-talba li saret mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu "Qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha" tat-22 ta' Ottubru 2020 u mill-maġġoranza vasta tal-kważi 1,2 miljun parteċipant għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti mmexxija mid-domanda biex jiġu inklużi l-ekosistemi mhux forestali f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża l-evalwazzjoni u l-proposta leġiżlattiva tagħha għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra abbażi tad-definizzjonijiet ta' "ekosistemi naturali", "konverżjoni tal-ekosistema naturali" u "degradazzjoni tal-foresti u tal-ekosistemi naturali" u d-data limitu tal-31 ta' Diċembru 2019, kif stabbilit f'dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (60) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġlieda kontra d-deforestazzjoni ***u d-degradazzjoni*** tal-foresti billi jitnaqqas il-kontribut tal-konsum fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv. | (60) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġlieda kontra d-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni*** tal-foresti ***u l-konverżjoni tal-foresti*** billi jitnaqqas il-kontribut tal-konsum fl-Unjoni ***u billi jinċentiva t-tnaqqis tad-deforestazzjoni fil-pajjiżi produtturi***, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 61**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (61) Jenħtieġ li l-operaturi, in-negozjanti u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw perjodu ta' żmien raġonevoli bil-għan li jkunu jistgħu jħejju lilhom infushom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, | (61) ***Sabiex jiġi evitat it-tfixkil fil-katina tal-provvista u jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq pajjiżi terzi, sħab kummerċjali, u b'mod partikolari bdiewa b'azjenda agrikola żgħira,*** jenħtieġ li l-operaturi, in-negozjanti u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw perjodu ta' żmien raġonevoli bil-għan li jkunu jistgħu jħejju lilhom infushom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-introduzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, tal-bhejjem tal-ifrat, tal-kawkaw, tal-kafè, tal-palm taż-żejt, tas-sojja u tal-injam ("komoditajiet rilevanti") u ***l-prodotti***, kif elenkati fl-Anness I, li fihom, ikunu ġew mitmugħa bi jew ikunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti ("prodotti rilevanti"), bil-għan li | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-introduzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, tal-bhejjem tal-ifrat, ***tal-ħnieżer, tan-nagħaġ u l-mogħoż, tal-pollam,*** tal-kawkaw, tal-kafè, tal-palm taż-żejt u tad-derivattivi taż-żejt tal-palm, tas-sojja***, tal-qamħirrum, tal-gomma*** u tal-injam ("komoditajiet rilevanti") u ***tal-prodotti, inklużi l-karbonju u l-prodotti tal-karta stampata***, kif elenkati fl-Anness I, li ***jkun*** fihom, ikunu ġew mitmugħa bi jew ikunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti ("prodotti rilevanti"), bil-għan li: |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiġi mminimizzat il-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni ***u d-degradazzjoni*** tal-foresti madwar id-dinja | (a) jiġi mminimizzat il-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni*** tal-foresti ***u l-konverżjoni tal-foresti*** madwar id-dinja; |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jitnaqqas il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità. | (b) jitnaqqas il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità; |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) isir kontribut għal tnaqqis fid-deforestazzjoni globali.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll obbligi għall-istituzzjonijiet finanzjarji b'sede jew li joperaw fl-Unjoni li jipprovdu servizzi finanzjarji lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom huma marbuta ma' jew jikkonsistu fil-produzzjoni, il-forniment, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni tal-komoditajiet u prodotti rilevanti fis-sens ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni ***ta' foresta għal użu agrikolu***, kemm jekk ikkawżata mill-bniedem kif ukoll jekk le; | (1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni, kemm jekk ikkawżata mill-bniedem kif ukoll jekk le***, ta' foresti jew art imsaġġra oħra, għal użu agrikolu jew għal foresti mħawla***; |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "konverżjoni tal-ekosistema" tfisser il-bidla ta' ekosistema naturali għal użu tal-art ieħor jew bidla fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, fl-istruttura jew fil-funzjoni ta' ekosistema naturali; dan jinkludi d-degradazzjoni severa jew l-introduzzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni li jirriżultaw f'bidla sostanzjali u sostnuta fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, fl-istruttura jew fil-funzjoni tal-ekosistema;*** |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a)*** ***“użu agrikolu” tfisser l-użu tal-art għal kwalunkwe waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: il-kultivazzjoni ta’ għelejjel temporanji jew annwali li għandhom ċiklu ta’ tkabbir ta’ sena jew anqas; il-kultivazzjoni ta’ għelejjel permanenti jew perenni li għandhom ċiklu ta’ tkabbir ta’ aktar minn sena, inklużi l-għelejjel tas-siġar; il-kultivazzjoni ta’ mergħat jew bwar permanenti jew temporanji kif ukoll it-trobbija tal-bhejjem; u art temporanjament mhux maħduma;*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b)*** ***“art imsaġġra oħra” tfisser art mhux klassifikata bħala foresta, b’firxa ta’ aktar minn 0,5 ettaru, b’siġar ogħla minn 5 metri u kopertura forestali ta’ 5 sa 10 fil-mija, jew siġar li jistgħu jilħqu dawn il-limiti in situ, jew b’kopertura kombinata ta’ buxxijiet, arbuxxelli u siġar ’il fuq minn 10 fil-mija, eskluża art li hija prinċipalment ta’ użu agrikolu jew urban;*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a)*** ***“ekosistema naturali” tfisser ekosistema, inklużi ekosistema ġestita mill-bniedem, li sostanzjalment tixbah, f’termini tal-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, l-istruttura u l-funzjoni ekoloġika, ekosistema li tinsab jew li kieku tinstab f’żona partikolari fin-nuqqas ta’ impatti umani kbar; din tinkludi, b’mod partikolari, art b’ħażniet kbar ta’ karbonju u art b’valur għoli ta’ bijodiversità;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) "degradazzjoni tal-foresti" tfisser ***operazzjonijiet ta' ħsad li ma humiex sostenibbli u jikkawżaw tnaqqis jew telf*** tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità ***tal-ekosistemi*** tal-foresti***, li jirriżultaw fit-tnaqqis fit-tul tal-provvista kumplessiva tal-benefiċċji mill-foresti, li tinkludi l-injam,*** il-bijodiversità ***u prodotti*** jew servizzi ***oħra***; | (6) "degradazzjoni tal-foresti ***u ta' ekosistemi naturali oħra***" tfisser ***it-tnaqqis jew it-telf*** tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità tal-foresti ***u art imsaġġra oħra u ekosistemi naturali oħra, li jaffettwaw il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, l-istruttura jew il-funzjoni tagħhom, kemm jekk ikkawżati direttament mill-bnedmin kif ukoll jekk le; dan jinkludi l-isfruttament illegali tal-foresti, ta' art imsaġġra oħra jew ta' ekosistemi naturali oħra kif ukoll l-użu ta' prattiki ta' ġestjoni li jirriżultaw f'impatt sostanzjali jew sostnut fuq il-kapaċità tagħhom li jappoġġaw*** il-bijodiversità jew ***li jipprovdu*** servizzi ***ekosistemiċi***; |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***"operazzjonijiet ta' ħsad sostenibbli" tfisser li l-ħsad isir b'kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu minimizzati l-impatti negattivi, b'mod li jiġi evitat il-ħsad tal-ġdur u tal-għeruq, id-degradazzjoni tal-foresti primarji jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamrija vulnerabbli; li jimminimizza tqaċċit totali tas-siġar u jiżgura lokalment sollijiet xierqa għall-estrazzjoni tal-injam niexef u rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "mingħajr deforestazzjoni" tfisser | (8) "mingħajr deforestazzjoni" tfisser li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, inkluż dawk użati għal jew li jinsabu fi prodotti rilevanti, ikunu ġew prodotti fuq art li ma kinitx soġġetta għal deforestazzjoni***, u li ma wasslux jew ma kkontribwewx għad-degradazzjoni tal-foresti jew għall-konverżjoni tal-foresti*** wara l-31 ta' Diċembru ***2019;*** |

It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(a)*** li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, inkluż dawk użati għal jew li jinsabu fi prodotti rilevanti, ikunu ġew prodotti fuq art li ma kinitx soġġetta għal deforestazzjoni wara l-31 ta' Diċembru ***2020, u*** | |
| ***(b) li l-injam ikun inqata' mill-foresta mingħajr ma tiġi kkawżata d-degradazzjoni tal-foresti wara l-31 ta' Diċembru 2020;*** | |

**Emenda 240**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (9) "prodott" tfisser imkabbra, maħsuda***, imrobbija, mitmugħa minn*** jew miksuba fuq biċċa art rilevanti; | (9) "prodott" tfisser imkabbra, maħsuda jew miksuba fuq biċċa art rilevanti***, jew, fil-każ ta' bhejjem, "prodott" tfisser il-biċċiet art rilevanti kollha involuti fil-proċess tat-trobbija tal-bhejjem***; |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (16) "riskju negliġibbli" tfisser valutazzjoni sħiħa kemm tal-informazzjoni speċifika għall-prodott kif ukoll tal-informazzjoni ġenerali dwar il-konformità ***mal-Artikoli 3(a) u 3(b) mill-komoditajiet jew mill-prodotti rilevanti li ma juru l-ebda raġuni għal riokkupazzjoni***; | (16) "riskju negliġibbli" tfisser ***il-livell ta' riskju li japplika għal komoditajiet u prodotti rilevanti li għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, jew jiġu esportati minnu, fejn dawn il-komoditajiet jew prodotti ma juru l-ebda kawża ta' tħassib għal raġunijiet ta'*** valutazzjoni sħiħa kemm tal-informazzjoni speċifika għall-prodott kif ukoll tal-informazzjoni ġenerali dwar il-konformità ***mal-Artikolu 3 l-applikazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa***; |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(16a) "involviment sinifikattiv mal-partijiet ikkonċernati" tfisser il-fehim tat-tħassib u l-interessi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-aktar gruppi vulnerabbli bħal bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u popli indiġeni, kif ukoll il-komunitajiet lokali, inklużi n-nisa, billi jiġu kkonsultati direttament b'mod li jqis l-ostakli potenzjali għal involviment effettiv.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) "prodotti mhux konformi" tfisser komoditajiet u prodotti rilevanti li ma kinux prodotti "mingħajr deforestazzjoni", jew li ma kinux prodotti f'konformità ***mal-leġiżlazzjoni*** rilevanti ***tal-pajjiż tal-produzzjoni, jew it-tnejn li huma***; | (18) "prodotti mhux konformi" tfisser komoditajiet u prodotti rilevanti li ma kinux prodotti "mingħajr deforestazzjoni", jew li ma kinux prodotti f'konformità ***mal-liġi u l-istandards*** rilevanti***, inklużi dawk dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet tal-pussess tal-art ta' komunitajiet lokali, u d-dritt tal-kunsens liberu, minn qabel u informat, u li ma kinux koperti minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta preċiża***; |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) "preokkupazzjoni sostanzjata" tfisser talba ***fondata sew ibbażata*** fuq informazzjoni oġġettiva u verifikabbli rigward in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament u li tista' tirrikjedi l-intervent tal-awtoritajiet kompetenti; | (21) "preokkupazzjoni sostanzjata" tfisser talba ***bbażata*** fuq informazzjoni oġġettiva u verifikabbli rigward in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament u li tista' tirrikjedi l-intervent tal-awtoritajiet kompetenti; |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) "***leġiżlazzjoni*** rilevanti ***tal-pajjiż tal-produzzjoni***" tfisser ir-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni dwar l-istatus legali taż-żona tal-produzzjoni f'termini ta' drittijiet tal-użu tal-art, protezzjoni ambjentali, id-drittijiet ta' partijiet terzi u r-regolamenti rilevanti dwar il-kummerċ u d-dwana skont il-qafas ta' leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni. | (28) "***liġi u standards*** rilevanti" tfisser: |
| | ***(a)*** ir-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni dwar l-istatus legali taż-żona tal-produzzjoni f'termini ta' drittijiet tal-użu tal-art, protezzjoni ambjentali, id-drittijiet ta' partijiet terzi u r-regolamenti rilevanti dwar il-kummerċ u d-dwana skont il-qafas ta' leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni. |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) id-drittijiet tal-bniedem protetti skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-istrumenti li jipproteġu d-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art u d-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC), kif stabbilit, fost l-oħrajn, fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, il-Forum Permanenti tan-NU dwar Kwistjonijiet Indiġeni u ftehimiet internazzjonali vinkolanti eżistenti, il-Konvenzjoni dwar il-Popli Indiġeni u Tribali (Nru 169, 1989), li jkopru d-dritt għall-protezzjoni ambjentali, id-dritt li wieħed jiddefendi l-ambjent, ħieles minn kwalunkwe forma ta' persekuzzjoni u fastidju, u drittijiet tal-bniedem oħra rikonoxxuti internazzjonalment relatati mal-użu tal-art, l-aċċess għall-art jew is-sjieda tal-art;*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) "kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC)" tfisser dritt tal-bniedem kollettiv tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali li jagħtu u jirrifjutaw il-kunsens tagħhom qabel il-bidu ta' kwalunkwe attività li tista' taffettwa d-drittijiet, l-art, ir-riżorsi, it-territorji, l-għajxien, u s-sigurtà tal-ikel tagħhom; huwa dritt eżerċitat permezz ta' rappreżentanti tal-għażla tagħhom stess u b'mod konsistenti mat-tradizzjonijiet, il-valuri u n-normi tagħhom stess;*** |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28b) "difensuri tad-drittijiet tal-bniedem" tfisser dawk l-individwi, gruppi u organi tas-soċjetà li jippromwovu u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti universalment; id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ifittxu l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet ċivili u politiċi kif ukoll il-promozzjoni, il-ħarsien u r-realizzazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali; id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jippromwovu u jħarsu wkoll id-drittijiet tal-membri ta' gruppi bħall-komunitajiet indiġeni;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(28c)* ***"difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ambjentali" tfisser individwi u gruppi li, fil-kapaċità personali jew professjonali tagħhom u b'mod paċifiku, jistinkaw biex jħarsu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem relatati mal-ambjent, inkluż l-ilma, l-arja, l-art, il-flora u l-fawna;*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ikunu ġew prodotti f'konformità ***mal-leġiżlazzjoni*** rilevanti ***tal-pajjiż tal-produzzjoni***; u | (b) ikunu ġew prodotti f'konformità ***mal-liġijiet u l-istandards*** rilevanti***, kif definit fl-Artikolu 2, punt (28)***; u |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** <br> ***L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipprovdu servizzi finanzjarji lill-klijenti biss meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jikkonkludu li ma hemmx aktar minn riskju negliġibbli li s-servizzi inkwistjoni potenzjalment jipprovdu appoġġ direttament jew indirettament lil attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti jew il-konverżjoni tal-foresti.*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel l-esportazzjoni tagħhom minnu sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-Artikolu ***3(a) u (b)***. Għal dak il-għan, huma għandhom jużaw qafas ta' proċeduri u miżuri, minn issa 'l quddiem imsejħa "diliġenza dovuta" kif stabbilit fl-Artikolu 8. | 1. L-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel l-esportazzjoni tagħhom minnu sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-Artikolu ***3***. Għal dak il-għan, huma għandhom jużaw qafas ta' proċeduri u miżuri, minn issa 'l quddiem imsejħa "diliġenza dovuta", kif stabbilit fl-Artikolu 8. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 ikunu waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta ***u li*** ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli ***u*** għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. | 2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 ikunu waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni ***disponibbli, trażmissibbli u ċċertifikata elettronikament*** għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta***, tiżvela l-passi li ttieħdu f'dan ir-rigward biex tiġi vverifikata l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament, u tispjega l-valutazzjoni għaliex*** ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli. Għandu jkun fiha ***wkoll*** l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. ***L-operaturi għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jippubblikaw u jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikazzjoni għall-iskrutinju amministrattiv, ċiviku u xjentifiku, filwaqt li jqisu r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. ***Billi jagħmel disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta,*** l-operatur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-operaturi għandhom iżommu rekord tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin mid-data tat-tqegħid fis-suq permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. | 3. L-operatur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-operaturi għandhom***, għalhekk, jagħmlu l-isforzi raġonevoli u dokumentati biex jappoġġaw il-konformità tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira mad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Huma għandhom*** iżommu rekord tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin mid-data tat-tqegħid fis-suq permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 ***u jikkondividu d-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta ma' operaturi u kummerċjanti sussegwenti fil-katina tal-provvista***. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jkunux konformi ***mal-Artikolu 3(a) jew (b)***; | (a) il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jkunux konformi ***mal-Artikolu 3***; |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta jkun żvela riskju mhux negliġibbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma humiex konformi ***mal-Artikolu 3(a) jew (b)***; | (b) l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta jkun żvela riskju mhux negliġibbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma humiex konformi ***mal-Artikolu 3***; |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-operaturi għandu jkollhom sistema fis-seħħ biex jirċievu preokkupazzjonijiet sostanzjati mill-partijiet interessati u għandhom jinvestigaw bir-reqqa l-preokkupazzjonijiet sostanzjati kollha introdotti f'konformità ma' dik is-sistema.*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Operaturi li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, ***inkluż*** preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***għandu jinforma*** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni. | 6. Operaturi li jkunu rċevew ***jew identifikaw*** informazzjoni ġdida ***rilevanti***, ***inklużi*** preokkupazzjonijiet sostanzjati, ***jew informazzjoni mogħtija permezz tal-mekkaniżmi ta' twissija rapida, li jindikaw riskju mhux negliġibbli*** li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ***ikun fir-riskju li*** ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***, għandhom jinformaw*** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq***, kif ukoll lin-negozjanti li lilhom ikunu pprovdew il-komodità jew il-prodott rilevanti bil-ħsieb li jipprevjenu li jkun hemm ċirkolazzjoni ulterjuri fis-suq tal-Unjoni, jew li ssir esportazzjoni minnu***. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni. |

It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-operaturi għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 15, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords. | 7. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw is-sistema ta' diliġenza dovuta tal-operaturi fuq bażi annwali.*** L-operaturi għandhom joffru ***wkoll*** l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 15, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords. |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa:*** |
| | ***(a) li jinvolvu ruħhom b'mod sinifikattiv ma' partijiet ikkonċernati vulnerabbli, bħall-bdiewa b'ażjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, fil-katina tal-provvista tagħhom;*** |
| | ***(b) biex jiżguraw li dawk il-partijiet ikkonċernati vulnerabbli jirċievu assistenza adegwata u remunerazzjoni ġusta sabiex il-komoditajiet u l-prodotti tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw mar-regoli, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit ta' ġeolokalizzazzjoni, u biex jiżguraw li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jinqasmu b'mod ġust fost l-atturi differenti fil-katina tal-valur; u*** |
| | ***(c) biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-impenji miftiehma, filwaqt li jiggarantixxu li jiġu indirizzati l-impatti negattivi għall-partijiet ikkonċernati vulnerabbli identifikati.*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Obbligi tan-negozjanti u eżenzjonijiet għan-negozjanti li huma SMEs*** |
| | ***1. In-negozjanti li huma SMEs jistgħu jqegħdu fis-suq biss komoditajiet u prodotti rilevanti jekk ikollhom l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2. In-negozjanti li ma humiex SMEs għandhom jitqiesu bħala operaturi u jkunu soġġetti għal obbligi u dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 sa 12, l-Artikolu 14(9), u l-Artikoli 15 u 20 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq tal-Unjoni.*** |
| | ***3. In-negozjanti li huma SMEs għandhom jiġbru u jżommu l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jqegħdu fis-suq:*** |
| | ***(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettronika u, jekk disponibbli, indirizz web tal-operaturi jew tan-negozjanti li jkunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti lilhom;*** |
| | ***(b) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettroniku u, jekk disponibbli, indirizz web tan-negozjanti li lilhom ikunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.*** |
| | ***4. In-negozjanti li huma SMEs għandhom iżommu l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għal mill-anqas ħames snin u għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.*** |
| | ***5. Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew jew identifikaw informazzjoni rilevanti ġdida, inklużi preokkupazzjonijiet sostanzjati, li tindika riskju mhux negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq il-komodità jew il-prodott rilevanti.*** |
| | ***6. In-negozjanti, kemm jekk huma SMEs kif ukoll jekk mhumiex, għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti biex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kontrolli skont l-Artikolu 16, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.*** |
| | ***7. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi assistenza teknika lill-SMEs li m'għandhomx il-mezzi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti skont dan l-Artikolu.*** |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu, fuq talba, jipprovdi kopja tal-mandat f’lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lill-awtoritajiet kompetenti. | 2. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu, fuq talba, jipprovdi kopja tal-mandat f’lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lill-awtoritajiet kompetenti ***u kopja bil-lingwa tal-Istat Membru li fih tiġi ttrattata d-dikjarazzjoni ta’ diliġenza dovuta jew, fin-nuqqas ta’ dan, bl-Ingliż***. |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 6* | ***Imħassar*** |
| ***Obbligi tan-negozjanti*** | |
| ***1. In-negozjanti li huma SMEs jistgħu jqegħdu fis-suq biss komoditajiet u prodotti rilevanti jekk ikollhom l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 2.*** | |
| ***2. In-negozjanti li huma SMEs għandhom jiġbru u jżommu l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jqegħdu fis-suq:*** | |
| ***(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettronika u, jekk disponibbli, indirizz web tal-operaturi jew tan-negozjanti li jkunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti lilhom;*** | |
| ***(b) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettroniku u, jekk disponibbli, indirizz web tan-negozjanti li lilhom ikunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.*** | |
| ***3. In-negozjanti li huma SMEs għandhom iżommu l-informazzjoni msemmija f’dan l-Artikolu għal mill-anqas ħames snin u għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.*** | |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4.   Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq.*** | |
| ***5.   In-negozjanti li ma humiex SMEs għandhom jitqiesu bħala operaturi u jkunu soġġetti għal obbligi u dispożizzjonijiet fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 sa 12, 14(9), 15 u 20 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq tal-Unjoni.*** | |
| ***6.   In-negozjanti għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 16, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.*** | |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| L-introduzzjoni fis-suq minn operaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi | L-introduzzjoni fis-suq minn operaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi |
| F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tieħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. | F'każ li persuna fiżika jew ġuridika***, irrispettivament mid-daqs tagħha,*** stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tieħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. |
| | ***Jekk ma jkun hemm l-ebda manifattur jew importatur stabbilit fl-Unjoni, is-swieq online għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 11 għall-prodotti u l-komoditajiet li għalihom jiffaċilitaw il-bejgħ.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-komponenti ta' prodotti li jkunu diġà għaddew minn konformità mad-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4(1) m'għandhomx jeħtieġu proċedura addizzjonali ta' diliġenza dovuta. Għall-komponenti li ma jkunux ġew koperti minn proċedura ta' diliġenza dovuta, ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta xorta waħda għandhom japplikaw.*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3. Għal dan il-għan, l-operatur għandu jiġbor, jorganizza u jżomm għal ħames snin l-informazzjoni li ġejja relatata ***mal-komoditajiet jew mal-prodotti*** rilevanti, sostnuta minn evidenza: | L-operaturi għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3. Għal dan il-għan, l-operatur għandu jiġbor, jorganizza u jżomm għal ħames snin l-informazzjoni li ġejja relatata ***ma' kull komodità jew prodott*** rilevanti ***mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati mill-Unjoni***, sostnuta minn evidenza: |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem komuni tal-ispeċi u l-isem xjentifiku sħiħ tagħha; | (a) deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem komuni tal-ispeċi u l-isem xjentifiku sħiħ tagħha; ***id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tinkludi l-lista tal-komoditajiet li jinsabu fihom jew li jintużaw biex isiru dawk il-prodotti; għall-prodotti tal-annimali, id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-lista tal-prodotti użati għall-għalf tal-annimali;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

## Emenda 122

### Proposta għal regolament

### Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-identifikazzjoni tal-pajjiż tal-produzzjoni; | (c) l-identifikazzjoni tal-pajjiż tal-produzzjoni ***jew ta' partijiet minnu***; |

## Emenda 123

### Proposta għal regolament

### Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni ***tal-biċċiet*** kollha ***tal-art*** fejn ***ikunu*** ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti***, kif ukoll il-firxa ta' data jew ħin*** tal-produzzjoni; | (d) il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni ***għall-biċċiet*** kollha ***ta' art*** fejn ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti***, jew il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni tal-punti kollha ta' poligonu għall-biċċiet ta' art fejn ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti; kwalunkwe deforestazzjoni jew degradazzjoni fil-biċċiet ta' art partikolari, jew identifikati b'punt uniku ta' latitudni u lonġitudni jew bil-poligonu, għandha awtomatikament tiskwalifika l-prodotti u l-komoditajiet bażiċi kollha minn dawk il-biċċiet ta' art milli jitqiegħdu fis-suq jew milli jiġu esportati minnhom; l-operaturi għandhom jipprovdu d-data jew il-perjodu taż-żmien jew l-istaġun tal-ħsad*** tal-produzzjoni ***tal-komodità jew tal-prodott***; ***il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament fir-rigward tad-daqs tal-biċċiet ta' art li akbar minnu l-kumpaniji huma meħtieġa jipprovdu poligoni bħala l-uniku mezz ta' ġeolokalizzazzjoni għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti;*** |

## Emenda 124

### Proposta għal regolament

### Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni***, inkluż kwalunkwe arranġament li jagħti d-dritt li tintuża ż-żona rispettiva għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komodità rilevanti.*** | (h) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni***, kif ukoll il-liġijiet u l-istandards rilevanti, kif definit fl-Artikolu 2, punt (28);*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha)*** ***informazzjoni adegwata u verifikabbli, miksuba permezz ta' awditi indipendenti u proċessi ta' konsultazzjoni xierqa, li ż-żona użata għall-fini tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma tkun soġġetta għall-ebda pretensjoni abbażi ta' drittijiet ta' pussess ta' art indiġenu, konswetudinarju jew leġittimu ieħor jew soġġetta għal kwalunkwe tilwima dwar l-użu, is-sjieda jew l-okkupazzjoni tagħha;*** |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb)*** ***informazzjoni adegwata u verifikabbli li tiżvela l-fehmiet ta' kwalunkwe poplu indiġenu, komunità lokali u gruppi oħra li jiddikjaraw id-drittijiet ta' pussess ta' art fir-rigward taż-żona użata għall-fini tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fir-rigward tal-produzzjoni ta' dawk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.*** |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-forniment ta' servizzi finanzjarji lill-klijenti jikkonforma mal-Artikolu 11a. L-informazzjoni, id-dokumenti u d-data għandhom jinkludu tal-inqas:*** |
| | ***(a)*** ***deskrizzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi tal-klijent, tal-attivitajiet tal-entitajiet ikkontrollati mill-klijent, tal-attivitajiet ekonomiċi tal-fornituri tal-klijenti;*** |
| | ***(b)*** ***informazzjoni dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, magħmula disponibbli fih jew esportati minnu u dwar l-eżerċizzju relatat tad-diliġenza dovuta skont dan ir-Regolament;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) l-użu, għall-attivitajiet skont il-punt (a), ta' komoditajiet u prodotti rilevanti, inkluża informazzjoni dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti użati effettivament u dwar l-eżerċizzju relatat tad-diliġenza dovuta skont dan ir-Regolament;*** |
| | ***(d) il-politiki adottati, u implimentati mill-klijent u mill-entitajiet u l-fornituri msemmija fil-punt (a) bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-attivitajiet tagħhom ma jikkawżawx deforestazzjoni, degradazzjoni tal-foresti jew konverżjoni tal-foresti;*** |
| | ***(e) l-identifikazzjoni tal-pajjiż tal-produzzjoni u l-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni tal-biċċiet ta' art kollha fejn għandhom jiġu prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.*** |

**Emendi 128 u 253**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex tissupplimenta l-paragrafu 1 dwar aktar informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex tissupplimenta l-paragrafu 1 u l-paragrafu 1a dwar aktar informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.*** |

It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi twettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex tistabbilixxi jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament. Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta’ nuqqas ta’ konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma jesportawh. | 1. L-operaturi ***u l-istituzzjonijiet finanzjarji*** għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi twettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex tistabbilixxi jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament. ***Fejn operatur ma jkunx jista’ jiġbor b'mod adegwat l-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament, huwa għandu jkollu d-dritt li jitlob kjarifika jew assistenza dwar l-implimentazzjoni mill-awtorità kompetenti.*** Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta’ nuqqas ta’ konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma jesportawh. ***Jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jkunux jistgħu jikkonkludu li r-riskju ta’ nuqqas ta’ konformità jkun negliġibbli, huma ma għandhomx jipprovdu servizzi finanzjarji lill-klijenti kkonċernati.*** |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-preżenza ta’ popli vulnerabbli, popli indiġeni, komunitajiet lokali u detenturi oħra ta’ drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art fil-pajjiż jew f'parti minnu tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;*** |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-eżistenza ta’ pretensjonijiet jew tilwim dwar l-użu ta’, is-sjieda ta’, jew l-eżerċitar ta’ drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art fiż-żona użata għall-fini tal-produzzjoni tal-komodità jew il-prodott rilevanti, kemm jekk irreġistrati formalment kif ukoll jekk le;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

## Emenda 133

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-prevalenza tad-deforestazzjoni ***jew*** tad-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiż, fir-reġjun u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti; | (c) il-prevalenza tad-deforestazzjoni, tad-degradazzjoni tal-foresti ***jew tal-konverżjoni tal-foresti*** fil-pajjiż, fir-reġjun u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti; |

## Emenda 134

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni ***u oriġini***, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea; | (e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni ***jew ta' partijiet minnu f'konformità mal-Artikolu 27, u tal-oriġini***, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, ***l-assenza, il-ksur jew*** in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi ***tad-drittijiet tal-pussess tal-art u d-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali***, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea; |

## Emenda 135

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni bejn il-komoditajiet u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti; | (f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni bejn il-komoditajiet u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti ***jew ir-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data li jipprojbixxu t-trażmissjoni ta' tali data***; |

## Emenda 136

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn ***seħħet jew tkun qiegħda sseħħ id-deforestazzjoni jew*** id-degradazzjoni tal-foresti; | (g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn ***seħħew jew ikunu qegħdin iseħħu d-deforestazzjoni,*** id-degradazzjoni tal-foresti ***jew il-konverżjoni tal-foresti kif ukoll il-ksur tal-liġi rilevanti***; |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha)*** ***l-eżitu ta' djalogi bejn diversi partijiet ikkonċernati li fihom il-partijiet milquta, bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, l-SMEs, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, ikunu ġew mistiedna jipparteċipaw b'mod attiv;*** |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia)*** ***informazzjoni pprovduta permezz tal-mekkaniżmu ta' twissija rapida;*** |

**Emenda 245**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-prodotti tal-injam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 li huma koperti minn liċenzja FLEGT valida minn skema ta' liċenzjar operazzjonali għandhom jitqiesu li huma f'konformità ***mal-Artikolu*** 3 (b) ta' dan ir-Regolament. | 3. Il-prodotti tal-injam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 li huma koperti minn liċenzja FLEGT valida minn skema ta' liċenzjar operazzjonali għandhom jitqiesu li huma f'konformità ***mar-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif spjegat fl-Artikolu*** 3, ***il- punt*** (b)***, u kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (28)(a***) ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' stħarriġ jew awditi indipendenti jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9. | 4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' stħarriġ jew awditi indipendenti***, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-investimenti finanzjarji għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira*** jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fejn ikun rilevanti, l-operaturi għandhom jiżguraw li jiġu adottati valutazzjonijiet tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni li jipprevedu l-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni tal-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u detenturi oħra tad-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art li jkunu preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti.*** |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern u l-ġestjoni tal-konformità, inkluż għall-operaturi li ma humiex SMEs, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali; | (a) mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern u l-ġestjoni tal-konformità, inkluż għall-operaturi li ma humiex SMEs, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali***, filwaqt li jispeċifikaw id-dettalji ta' kuntatt jew indirizz elettroniku ta' kuntatt validu***; |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom jiġu ddokumentati, riveduti mill-anqas fuq bażi annwali u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba. | 7. Il-valutazzjonijiet tar-riskju***, kif ukoll, fejn xieraq, id-deċiżjonijiet dwar il-mitigazzjoni tar-riskju meħuda*** għandhom jiġu ddokumentati, riveduti mill-anqas fuq bażi annwali u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba. |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu 3 (a) u (b)***. Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi riveduta mill-anqas darba fis-sena u***, jekk ikun meħtieġ,*** tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin. | 1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu 3***. Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi riveduta mill-anqas darba fis-sena u tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta ***meta l-operaturi jsiru konxji tagħhom***. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin. |

It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. ***Sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur tas-sostenibbiltà,*** l-operaturi ***li ma humiex SMEs*** għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament kemm jista' jkun, inkluż fuq l-internet, dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom inkluż dwar il-passi meħuda min-naħa tagħhom sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit ***fl-Artikolu 8***. L-operaturi li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-UE*** li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-paragrafu billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw fil-kuntest ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-UE***. | 2. L-operaturi għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament kemm jista' jkun, inkluż fuq l-internet, dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom inkluż dwar il-passi meħuda min-naħa tagħhom sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit ***fl-Artikoli 8, 9 u 10, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-eżiti tad-diliġenza dovuta tagħhom, u l-miżuri li ħadu biex jappoġġaw il-konformità tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, inkluż permezz ta' investimenti u tisħiħ tal-kapaċitajiet***. L-operaturi li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-Unjoni*** li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-paragrafu billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw fil-kuntest ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-Unjoni***. |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Ir-rapporti għandhom, fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fornuti minn kull fornitur:*** <br> ***(a) jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 9;*** <br> ***(b) jiddeskrivu l-informazzjoni u l-evidenza miksuba u użata biex tiġi vvalutata l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-Artikolu 3;*** <br> ***(c) jiddikjaraw il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 10(1) u jiddeskrivu kwalunkwe proċedura jew miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda skont l-Artikolu 10(4);*** <br> ***(d) jispeċifikaw id-data u l-post fejn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew ġew esportati minnu; u*** <br> ***(e) jipprovdu evidenza ta' konsultazzjoni mal-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, u detenturi oħra tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art li huma preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-operaturi għandhom iżommu għal mill-anqas ħames snin id-dokumentazzjoni kollha ***relatata mad-diliġenza*** dovuta, bħar-rekords, il-miżuri u l-proċeduri rilevanti kollha skont l-Artikolu 8. Huma għandhom ***jagħmluhom*** disponibbli lill-awtorità kompetenti fuq talba. | 3. L-operaturi għandhom iżommu għal mill-anqas ħames snin id-dokumentazzjoni kollha ***tad-diliġenza*** dovuta, bħar-rekords, il-miżuri u l-proċeduri rilevanti kollha skont l-Artikolu 8***, billi jippermettu li kull prodott jew komodità mqiegħda fis-suq, l-analiżi tar-riskju mwettqa u r-riżultat miksub jiġu identifikati mingħajr ebda dubju***. Huma għandhom jagħmlu ***dik id-dokumentazzjoni*** disponibbli lill-awtorità kompetenti fuq talba. |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***L-obbligi tal-istituzzjonijiet finanzjarji*** |
| | ***1. Bil-ħsieb li jikkonformaw mal-Artikolu 3, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jeżerċitaw diliġenza dovuta qabel ma jipprovdu servizzi finanzjarji lil klijenti li l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom jikkonsistu f'negozjar jew tqegħid fis-suq ta' komoditajiet u prodotti rilevanti, jew li huma marbuta magħhom.*** |
| | ***2. Id-diliġenza dovuta għandha tinkludi:*** |
| | ***(a) il-ġbir ta' informazzjoni u dokumenti, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1a), meħtieġa sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;*** |
| | ***(b) valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10;*** |
| | ***3. L-istituzzjonijiet finanzjarji ma għandhomx jipprovdu servizzi finanzjarji lill-klijenti mingħajr ma jippreżentaw minn qabel dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta lill-awtoritajiet kompetenti.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4. Meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu stabbilixxew relazzjoni ta' negozju kontinwa mal-klijenti qabel… [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ilestu d-diliġenza dovuta rilevanti sa… [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]:*** |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11b*** <br> ***1. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 (1a) u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u abbażi ta' din għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju sabiex jistabbilixxu jekk hemmx ir-riskju li l-forniment ta' servizzi finanzjarji lil klijent ma jkunx konformi mal-Artikolu 12a (1). Jekk l-istituzzjoni finanzjarja ma tistax turi li r-riskju tan-nonkonformità huwa negliġibbli, hija ma għandhiex tipprovdi servizzi finanzjarji lill-klijent ikkonċernat.*** |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jqiegħdu komoditajiet jew prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportawhom minnha, l-operaturi ma humiex meħtieġa jissodisfaw l-obbligi skont ***l-Artikolu 10*** meta jkunu jistgħu jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha jkunu ġew prodotti f'pajjiżi jew f'partijiet minnhom li ġew identifikati bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 27. | 1. Meta jqiegħdu komoditajiet jew prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportawhom minnha, l-operaturi ma humiex meħtieġa jissodisfaw l-obbligi skont ***l-Artikolu 10(2), punti (a), (b), (ba), (bb), (c), (d), (e), (h), (ha) jew (j), jew l-Artikolu 10 (6),*** meta jkunu jistgħu jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha jkunu ġew prodotti f'pajjiżi jew f'partijiet minnhom li ġew identifikati bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 27. |

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati. | 2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni ***rilevanti*** li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati. ***L-operatur għandu jikkomunika minnufih kwalunkwe informazzjoni rilevanti lill-awtorità kompetenti.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta awtorità kompetenti tiġi mgħarrfa bi kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju ta' ċirkomvenzjoni possibbli tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, inklużi każijiet li fihom il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti jiġu prodotti f'pajjiż b'riskju standard jew ta' riskju għoli u sussegwentement jiġu pproċessati fl-Unjoni jew esportati lejha minn pajjiż b'riskju baxx, l-awtorità kompetenti għandha tipproċedi għall-verifiki skont l-Artikolu 14(6) u, fejn meħtieġ, tadotta miżuri interim skont l-Artikolu 21. Meta jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ulterjuri skont l-Artikoli 22 u 23.*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** <br><br> ***Linji gwida*** <br><br> ***1. Sa … [data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida speċifiċi għall-komoditajiet u faċli għall-utent biex tiċċara r-responsabbiltajiet tad-diliġenza dovuta u r-regoli tat-traċċabbiltà tal-operaturi li jkunu mfassla biex jaqblu mal-ktajjen tal-provvista rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tqis rekwiżiti oħra ta' diliġenza dovuta li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari [id-Direttiva li jmiss dwar id-Diliġenza Dovuta dwar il-Governanza Korporattiva Sostenibbli].*** <br><br> ***2. Il-linji gwida għandhom iqisu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-SMEs u għandhom jinfurmawhom dwar il-mezzi differenti biex jaċċessaw l-assistenza amministrattiva u finanzjarja u għandhom jipprovdu gwida dwar kif ir-rekwiżiti li jirriżultaw mit-trikkib tar-regoli dwar id-diliġenza dovuta stabbiliti f'atti differenti tal-Unjoni jistgħu jiġu implimentati bl-aktar mod effiċjenti.*** <br><br> ***3. Il-linji gwida għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż minn pajjiżi terzi u, meta xieraq, billi jitqiesu l-aħjar prattiki ta' korpi internazzjonali li jkollhom għarfien espert fid-diliġenza dovuta.*** <br><br> ***4. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u taġġorna regolarment il-linji gwida filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fis-setturi kkonċernati.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha. Il-Kummissjoni għandha taġġorna regolarment il-lista, abbażi tal-aġġornamenti rilevanti li tirċievi mill-Istati Membri. | 3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha ***mingħajr dewmien bla bżonn***. Il-Kummissjoni għandha taġġorna regolarment il-lista, abbażi tal-aġġornamenti rilevanti li tirċievi mill-Istati Membri. |

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat u riżorsi adegwati sabiex iwettqu l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament. | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat***, indipendenza funzjonali*** u riżorsi adegwati sabiex iwettqu l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri***, jistgħu*** jiffaċilitaw l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni rilevanti, partikolarment bil-għan li jgħinu lill-operaturi jivvalutaw ir-riskju kif stipulat fl-Artikolu 9, u dwar l-aħjar prattiki rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. | 6. L-Istati Membri ***għandhom*** jiffaċilitaw l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni rilevanti, partikolarment bil-għan li jgħinu lill-operaturi jivvalutaw ir-riskju kif stipulat fl-Artikolu 9, u dwar l-aħjar prattiki rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-obbligi elenkati f'dan il-Kapitolu, b'mod partikolari l-verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, il-Kummissjoni għandha toħroġ gwida lill-awtoritajiet kompetenti kollha mhux aktar tard minn … [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 7b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-istituzzjonijiet finanzjarji mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u jirrevedu l-kriterji tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu ***partikolarment l-assenjazzjoni tar-riskju lil pajjiżi jew partijiet minnhom f'konformità mal-Artikolu 27, l-istorja tal-konformità ta'*** operatur jew negozjant ***ma' dan ir-Regolament*** u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta jirrevedu l-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom*** jistabbilixxu frekwenza mnaqqsa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament. | 3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan***, li għandu jsir disponibbli għall-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 19,*** għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u jirrevedu l-kriterji tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu ***l-ksur preċedenti ta' dan ir-Regolament minn*** operatur jew negozjant***, il-kwantità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq jew li jsiru disponibbli fis-suq, jew esportata mis-suq tal-Unjoni, mill-operatur jew in-negozjant, iż-żmien li jkun għadda minn meta saret il-valutazzjoni tar-riskju għall-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti, il-prossimità għall-foresti tal-biċċiet ta' art jew poligoni li fuqhom ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti,*** u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta jirrevedu l-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom*** jistabbilixxu frekwenza mnaqqsa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

## Emenda 160

### Proposta għal regolament

### Artikolu 14 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jintemmu fi żmien ***tlett*** ijiem tax-xogħol sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-riżultat tal-verifiki mwettqa f'dak il-perjodu, jikkonkludu li jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jistabbilixxu jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-perjodu ta' sospensjoni permezz ta' miżuri interim addizzjonali meħuda skont l-Artikolu 21 jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali dwar il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni skont l-Artikolu 24(6). | 7. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jintemmu fi żmien ***ħamest*** ijiem tax-xogħol***, jew 72 siegħa għall-komoditajiet u l-prodotti friski li jistgħu jitħassru,*** sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-riżultat tal-verifiki mwettqa f'dak il-perjodu, ma jikkonkludux li jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jistabbilixxu jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-perjodu ta' sospensjoni permezz ta' miżuri interim addizzjonali meħuda skont l-Artikolu 21 jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali dwar il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni skont l-Artikolu 24(6). |

## Emenda 161

### Proposta għal regolament

### Artikolu 14 – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas ***5 %*** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll ***5 %*** tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu. | 9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas ***10 %*** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll ***10 %*** tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu. ***Għal komoditajiet jew prodotti minn pajjiżi jew minn partijiet tagħhom ikkategorizzati bħala ta' riskju baxx kif imsemmi fl-Artikolu 27, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-kontrolli annwali għal 5 %.*** |

## Emenda 162

### Proposta għal regolament

### Artikolu 14 – paragrafu 11

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjati pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament. | 11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom***, mingħajr dewmien bla bżonn,*** iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ***tal-mekkaniżmu ta' twissija bikrija jew*** ta' preokkupazzjonijiet sostanzjati pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr twissija minn qabel lill-operatur jew lin-negozjant, ħlief meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività tal-verifiki. | 12. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr twissija minn qabel lill-operatur jew lin-negozjant, ħlief meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività tal-verifiki. ***L-awtoritajiet għandhom jiġġustifikaw tali notifiki minn qabel fir-rapporti ta’ kontroll tagħhom, inkluża informazzjoni dwar l-għadd ta’ twissijiet minn qabel.*** |

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità. Għandhom jinżammu rekords tal-verifiki kollha għal mill-anqas ***ħames*** snin. | 13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità***, inklużi l-penali relatati man-nuqqas ta’ konformità ma’ dan ir-Regolament***. Għandhom jinżammu rekords tal-verifiki kollha għal mill-anqas ***għaxar*** snin. |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni tista’, fuq talba, tipprovdi lill-Istati Membri appoġġ tekniku biex tgħinhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 13b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***13b. Meta l-Kummissjoni tirċievi informazzjoni li Stat Membru ma jwettaqx kontrolli li jkunu biżżejjed biex jiżgura li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, hija għandha, fi djalogu mal-Istat Membru kkonċernat, tingħata l-mandat li tintroduċi bidliet fil-pjan imsemmi fil-paragrafu 3 stabbilit minn dak l-Istat Membru biex tiżgura li s-sitwazzjoni tiġi rettifikata.*** |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14, paragrafu 13c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***13c. Ir-rekords tal-verifiki mwettqa skont dan ir-Regolament u r-rapporti tar-riżultati u l-eżiti tagħhom għandhom jikkostitwixxu informazzjoni ambjentali għall-finijiet tad-Direttiva 2003/4/KE ([1a]) u għandhom ikunu disponibbli fuq talba.*** |

*([1a]) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).*

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Verifiki fuq ***l-operaturi*** | Verifiki fuq ***operaturi u negozjanti li mhumiex SMEs*** |

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da) eżami tal-miżuri interim meħuda skont l-Artikolu 21 u l-miżuri korrettivi meħuda skont l-Artikolu 22;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

### Emenda 170

### Proposta għal regolament

### Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat il-post eżatt fejn ***tkun ġiet prodotta*** l-komodità jew il-prodott rilevanti, ***inkluż l-ittestjar tal-isotopu***; | (f) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat il-post eżatt fejn ***ikunu ġew prodotti*** l-komodità jew il-prodott rilevanti, ***inkluża analiżi anatomika, kimika u tad-DNA***; |

### Emenda 171

### Proposta għal regolament

### Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat biex jiġu ddeterminati l-ispeċijiet bijoloġiċi affettwati minn dan ir-Regolament li jinsabu fil-komodità jew fil-prodott rilevanti, inkluża analiżi anatomika, kimika u tad-DNA;*** |

### Emenda 172

### Proposta għal regolament

### Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat jekk il-komodità jew il-prodott rilevanti ***huwiex*** mingħajr deforestazzjoni, inkluż data ta' osservazzjoni tad-Dinja bħal mill-programm u l-għodod ta' Copernicus, u | (g) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat jekk il-komodità jew il-prodott rilevanti ***humiex*** mingħajr deforestazzjoni, inkluż data ta' osservazzjoni tad-Dinja bħal mill-programm u l-għodod ta' Copernicus ***jew minn sorsi oħra disponibbli pubblikament u privatament***, u |

### Emenda 173

### Proposta għal regolament

### Artikolu 16 – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Verifiki fuq in-negozjanti | Verifiki fuq in-negozjanti ***SMEs*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu ***l-kostijiet*** tat-twettiq tal-ittestjar, il-kostijiet tal-ħżin u l-kostijiet tal-attivitajiet relatati ma' prodotti li jinstabu li ma humiex konformi u li huma soġġetti għal azzjoni korrettiva ***qabel ir-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera, it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu.*** | 2. Il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu***, fost l-oħrajn, il-kostijiet*** tat-twettiq tal-ittestjar, il-kostijiet tal-ħżin u l-kostijiet tal-attivitajiet relatati ma' prodotti li jinstabu li ma humiex konformi u li huma soġġetti għal azzjoni korrettiva. |

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. | 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament***, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' awditi fuq il-post***. |

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jinkludi l-għoti ta' aċċess għal u l-iskambju ***ta' data*** dwar l-operaturi u n-negozjanti inkluż dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament. | 3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jinkludi l-għoti ta' aċċess għal ***data,*** u l-iskambju ***tagħha,*** dwar l-operaturi u n-negozjanti, inkluż dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta***, in-natura tal-verifiki mwettqa u r-riżultati tagħhom u kwalunkwe penali imposta,*** ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament. ***Meta jiskambjaw informazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw regoli stretti dwar il-protezzjoni tad-data f'konformità mal-liġi eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni meta jsibu ksur ta' dan ir-Regolament u nuqqasijiet serji li jistgħu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, partikolarment, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jidentifikaw komodità jew prodott rilevanti fis-suq li ma ***jkunx*** konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-irtirar jew is-sejħa lura ta' tali komodità jew prodott mill-bejgħ fl-Istati Membri kollha. | 4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni meta jsibu ksur ***eżistenti jew potenzjali*** ta' dan ir-Regolament u nuqqasijiet serji li jistgħu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, partikolarment, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jidentifikaw komodità jew prodott rilevanti fis-suq li ma ***jkunux, jew jistgħu ma jkunux,*** konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-irtirar jew is-sejħa lura ta' tali komodità jew prodott mill-bejgħ fl-Istati Membri kollha ***jew sabiex jappoġġaw azzjoni ta' infurzar minn dawk l-awtoritajiet kompetenti***. |

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 18a*** |
| | ***Immaġnijiet bis-satellita u l-aċċess għad-data dwar il-foresti*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma li tuża immaġnijiet bis-satellita, inkluż Copernicus Sentinel, li tkopri ż-żoni tal-foresti madwar id-dinja, u li tinkludi għodod li jippermettu lill-partijiet kollha jimxu malajr lejn l-ebda deforestazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista. Il-pjattaforma għandha tipprovdi:*** |
| | ***(a) mapep tematiċi, inkluża mappa tal-kopertura tal-art b'serje ta' żmien mid-data limitu fil-punt (8) tal-Artikolu 2 u firxa ta' klassijiet li jippermettu l-eżami tal-kompożizzjoni tal-pajsaġġ;*** |
| | ***(b) sistema ta' twissija, li tiddependi minn monitoraġġ ta' kull xahar tat-tibdil fil-kopertura tal-foresti;*** |
| | ***(c) firxa ta' analiżijiet u ta' outputs faċli għall-utent u siguri, li juru kif il-ktajjen tal-provvista huma marbuta mad-deforestazzjoni.*** |
| | ***Il-pjattaforma għandha ssir disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u għall-awtoritajiet, l-operaturi u n-negozjanti ta' pajjiżi terzi interessati.*** |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April ta’ kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-pjanijiet tagħhom għall-verifiki, in-numru u r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq l-operaturi u n-negozjanti***, inkluż il-kontenut ta’ dawn il-verifiki***, il-volum tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti vverifikati fir-rigward tal-kwantità totali tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti introdotti fis-suq, il-pajjiżi tal-oriġini u tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti kif ukoll ***il-miżuri meħuda f’każ ta’ nuqqas*** ta’ ***konformità*** u ***l-kostijiet tal-kontrolli rkuprati***. | 1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April ta’ kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-pjanijiet tagħhom għall-verifiki ***u l-kriterji tar-riskju li huma bbażati fuqhom***, ***inkluż*** in-numru u r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq l-operaturi u n-negozjanti ***u l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti***, il-volum tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti vverifikati fir-rigward tal-kwantità totali tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti introdotti fis-suq, il-pajjiżi tal-oriġini u tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti kif ukoll***, f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità, il-miżuri*** ta’ ***sorveljanza tas-suq meħuda f’konformità mal-Artikolu 22*** u ***l-penali imposti f’konformità mal-Artikolu 23***. |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti jkunu ġew prodotti f’pajjiż jew f’parti minnu elenkati bħala ta’ riskju għoli f’konformità mal-Artikolu 27, jew ikun hemm riskju li komoditajiet jew prodotti rilevanti prodotti f’tali pajjiżi jew partijiet minnhom jidħlu fil-katina tal-provvista rilevanti, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas ***15 %*** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll ***15 %*** tal-kwantità ta’ kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotta jew imqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu minn pajjiżi b’riskju għoli jew partijiet minnu. | Meta l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti jkunu ġew prodotti f’pajjiż jew f’parti minnu elenkati bħala ta’ riskju għoli f’konformità mal-Artikolu 27, jew ikun hemm riskju li komoditajiet jew prodotti rilevanti prodotti f’tali pajjiżi jew partijiet minnhom jidħlu fil-katina tal-provvista rilevanti, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas ***20 %*** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll ***20 %*** tal-kwantità ta’ kull waħda mill-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti introdotta jew imqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu minn pajjiżi b’riskju għoli jew partijiet minnu. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-verifiki annwali mwettqa abbażi ta’ dan l-Artikolu jinkludu l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 15.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta, wara l-verifiki msemmija fl-Artikoli 15 u 16, ***ikunu nstabu nuqqasijiet serji*** possibbli, jew ikunu ġew identifikati riskji skont l-Artikolu 14(6), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż is-sekwestru jew is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni minnu tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. | Meta, ***abbażi tal-eżami tal-evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluża l-informazzjoni skambjata skont l-Artikolu 18 u tħassib sostanzjat pprovdut mill-partijiet terzi skont l-Artikolu 29, jew*** wara l-verifiki msemmija fl-Artikoli 15 u 16, ***ikun instab ksur*** possibbli ***ta' dan ir-Regolament***, jew ikunu ġew identifikati riskji skont l-Artikolu 14(6), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż is-sekwestru jew is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni minnu tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. ***L-Istati Membri għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn il-miżuri.*** |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma ***jkunx*** konformi ***ma' dan*** ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva ***xierqa u proporzjonata*** sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità. | 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma ***jkunux*** konformi ***mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan*** ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità ***f'perjodu ta' żmien speċifikat u raġonevoli***. |

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***il-qerda*** tal-komodità jew tal-prodott rilevanti ***jew l-għoti tiegħu*** għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku. | (d) ***l-għoti, fejn ikun possibbli,*** tal-komodità jew tal-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku ***jew inkella r-riċiklaġġ jew, bħala l-aħħar alternattiva, il-qerda tagħhom***. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Irrispettivament mill-azzjoni korrettiva meħuda skont il-paragrafu 2, u bil-ħsieb li jiġi evitat ir-riskju ta' ksur ulterjuri, l-operatur jew in-negozjant għandu jindirizza kwalunkwe nuqqas fis-sistema ta' diliġenza dovuta li seta' wassal għan-nuqqas ta' konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli jieħu ***azzjoni*** korrettiva msemmija fil-paragrafu 2 ***jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu*** 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li ***l-prodott jiġi rtirat*** jew ***jittieħed*** lura, jew li ***t-tqegħid tiegħu*** fis-suq tal-Unjoni jew ***l-esportazzjoni*** minnu ***jiġi pprojbit jew ristrett.*** | 3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli jieħu ***l-azzjoni*** korrettiva msemmija fil-paragrafu 2 ***fil-perjodu ta' żmien speċifikat mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu*** 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li ***l-komodità jew il-prodott jiġu rtirati*** jew ***jittieħdu*** lura jew li ***ma jitqegħdux*** fis-suq tal-Unjoni jew ***jiġu esportati*** minnu. |

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli*** dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u n-negozjanti ***u għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati***. ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti u li taffettwahom.*** | 1. ***Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jissupplimentaw lil dan ir-Regolament*** dwar il-penali ***uniformi*** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u n-negozjanti***, sabiex tiżgura li jiġu applikati standards armonizzati madwar l-Unjoni***. L-Istati Membri għandhom ***jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati***. |

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-penali ***previsti*** għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-penali għandhom jinkludu, bħala minimu: | 2. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u ***uniformi madwar l-Istati Membri***. Il-penali għandhom jinkludu, bħala minimu: |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) multi proporzjonati għad-danni ambjentali u għall-valur tal-komoditajiet jew tal-prodotti konċernati rilevanti, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom, u gradwalment jiżdied il-livell ta' tali multi għal ksur ripetut; l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-anqas **4 %** tal-fatturat annwali tal-operaturi jew tan-negozjanti ***fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri konċernati***; | (a) multi proporzjonati għad-danni ambjentali***, għall-ħsara ekonomika għall-komunitajiet lokali*** u għall-valur tal-komoditajiet jew tal-prodotti konċernati rilevanti, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom, u gradwalment jiżdied il-livell ta' tali multi għal ksur ripetut; l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-anqas ***8 %*** tal-fatturat annwali tal-operaturi jew tan-negozjanti ***fl-Unjoni, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1a]); u għandu jiżdied biex jiġi żgurat li l-penali taqbeż il-vantaġġ ekonomiku potenzjali miksub u għandha tkun ta' deterrent;***<br>___<br>([1a]) *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet), (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).* |

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat;*** |

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-obbligu li jiġi kkumpensat id-dannu magħmul lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta seta' jevita;*** |

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) esklużjoni temporanja mill-proċessi tal-akkwist pubbliku. | (d) esklużjoni temporanja mill-proċessi tal-akkwist pubbliku ***u mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri tal-offerti, l-għotjiet u l-konċessjonijiet;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da)** **il-projbizzjoni temporanja jew permanenti milli jqiegħdu jew jagħmlu disponibbli komoditajiet u prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni, jew milli jesportawhom, fil-każ ta' ksur serju jew ksur ripetut;*** |

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(db)** **il-projbizzjoni mill-użu tal-proċedura simplifikata ta' diliġenza dovuta stabbilita fl-Artikolu 12, fil-każ ta' ksur serju jew ksur ripetut;*** |

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a.** **L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-operaturi u n-negozjanti li jkunu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u l-penali imposti fuqhom permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 fi żmien 30 jum mis-sejba rilevanti ta' nuqqas ta' konformità, filwaqt li jqisu kif xieraq ir-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista ta' operaturi u negozjanti kkonċernati. Huma għandhom jiġu infurmati bl-inklużjoni tagħhom fil-lista.*** |
| | ***Il-lista tal-operaturi u n-negozjanti mhux konformi għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:*** |
| | ***(a)** **isem l-operatur jew in-negozjant;*** |
| | ***(b)** **id-data tal-ewwel inklużjoni fil-lista u d-data minn meta ttieħdet biżżejjed azzjoni ta' rimedju;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(c) sommarju tal-attivitajiet li jiġġustifikaw l-inklużjoni tal-operatur jew tan-negozjant fil-lista; u*** |
| | ***(d) in-natura tal-penali imposta u, meta tkun finanzjarja, l-ammont tagħha.*** |
| | ***Il-lista għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kummissjoni u għandha tiġi aġġornata regolarment.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fir-Reġistru msemmi fl-Artikolu 31.*** |

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2b. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta l-operatur jew in-negozjant mhux konformi msemmi fil-paragrafu 1 ikun ħa azzjoni ta' rimedju suffiċjenti u ħallas il-penali kollha jew ikun wettaq titjib fis-sistema ta' diliġenza dovuta tiegħu, u ma tkun ġiet irrapportata l-ebda penali jew proċedura oħra li tikkonċerna ksur allegat.*** |
| | ***Ladarba tkun ittieħdet azzjoni ta' rimedju, il-Kummissjoni għandha tneħħi l-operatur jew in-negozjant ikkonċernat. Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista pubblika tal-operaturi u n-negozjanti kkonċernati kull sitt xhur.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, mill-aktar fis possibbli, tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar it-tneħħija ta' operatur jew negozjant mil-lista u taġġorna r-Reġistru msemmi fl-Artikolu 31.*** |

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni jkun ġie sospiż f'konformità mal-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu, fi żmien ***it-tlett*** ijiem tax-xogħol indikati fl-Artikolu 14(7), il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti; | (b) Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni jkun ġie sospiż f'konformità mal-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu, fi żmien ***il-ħamest*** ijiem tax-xogħol***, jew it-72 siegħa għal komoditajiet u prodotti friski f'riskju li jitħassru,*** indikati fl-Artikolu 14(7), il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti; |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 8 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Man-notifika ta' ***dak l-istatus***, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti. Dawn għandhom jinkludu wkoll l-avviż li ġej fis-sistema ta' proċessar tad-data doganali, u, fejn xieraq, fuq il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-komodità jew il-prodott rilevanti u fuq kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament rilevanti ieħor: "komodità jew prodott mhux konformi — ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera/esportazzjoni mhux awtorizzat — ir-Regolament (UE) 2021/XXXX." [OP sabiex tiġi indikata r-referenza ta' dan ir-Regolament] | Man-notifika ***tal-istatus*** ta' ***nuqqas ta' konformità***, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti. Dawn għandhom jinkludu wkoll l-avviż li ġej fis-sistema ta' proċessar tad-data doganali, u, fejn xieraq, fuq il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-komodità jew il-prodott rilevanti u fuq kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament rilevanti ieħor: "komodità jew prodott mhux konformi — ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera/esportazzjoni mhux awtorizzat — ir-Regolament (UE) 2021/XXXX." [OP sabiex tiġi indikata r-referenza ta' dan ir-Regolament] |

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeqirdu komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. ***L-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw kif xieraq. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mhux konformi jistgħu alternattivament jiġu kkonfiskati u mqiegħda mid-dwana għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.*** | 10. L-awtoritajiet doganali jistgħu ***jagħtu l-komodità jew il-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku u biss jekk din id-donazzjoni ma tkunx possibbli, jirriċiklaw jew, bħala l-aħħar alternattiva,*** jeqirdu komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. |

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta, b'rabta mal-komoditajiet u mal-prodotti rilevanti soġġetti għal dan ir-Regolament li huma jew f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali għajr ir-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", l-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul ikollhom raġuni sabiex jemmnu li dawk il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-uffiċċju doganali kompetenti tad-destinazzjoni. | 4. Meta, b'rabta mal-komoditajiet u mal-prodotti rilevanti soġġetti għal dan ir-Regolament li huma jew f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali għajr ir-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", l-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul ikollhom raġuni sabiex jemmnu li dawk il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-uffiċċju doganali kompetenti tad-destinazzjoni ***kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament***. |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta’ Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn ***erba’ snin*** mid-data ta’ adozzjoni tal-att ta’ implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3. | 1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta’ Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn ***sena*** mid-data ta’ adozzjoni tal-att ta’ implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3. |

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista’*** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta’ Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti: | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta’ Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti: |

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema bi tliet livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta’ partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f’konformità ma’ dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju baxx jew għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni ***tista’*** tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta’ partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta’ att(i) ta’ implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 34(2). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta’ evidenza ġdida. | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema bi tliet livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta’ partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f’konformità ma’ dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju baxx jew għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni ***għandha*** tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta’ partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta’ att(i) ta’ implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 34(2) ***sa … [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: [daħħal id-data 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]***. Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta’ evidenza ġdida. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-identifikazzjoni ta' pajjiżi b'riskju baxx u għoli jew partijiet minnhom skont il-paragrafu 1 għandha ***tqis*** l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż ***konċernat*** u tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin: | L-identifikazzjoni ta' pajjiżi b'riskju baxx u għoli jew partijiet minnhom skont il-paragrafu 1 għandha ***ssegwi proċess ta' valutazzjoni trasparenti u objettiv li għandu jqis*** l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż ***u mill-awtoritajiet reġjonali kkonċernati, operaturi kif ukoll NGOs u partijiet terzi, inklużi l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** u tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin: |

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-rata tad-deforestazzjoni u ***tad-degradazzjoni*** tal-foresti, | (a) ir-rata tad-deforestazzjoni***, tad-degradazzjoni tal-foresti*** u ***tal-konverżjoni*** tal-foresti, |

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jekk il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima jkoprix l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art li jiżgura li l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti ***huma*** kontabilizzati lejn l-impenn tal-pajjiż sabiex inaqqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif speċifikat fin-NDC; | (d) jekk il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima jkoprix l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art li jiżgura li l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti ***jkunu*** kontabilizzati lejn l-impenn tal-pajjiż sabiex inaqqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif speċifikat fin-NDC; |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-ftehimiet u strumenti oħra konklużi bejn il-pajjiż konċernat u l-Unjoni li jindirizzaw id-deforestazzjoni jew ***id-degradazzjoni*** tal-foresti u jiffaċilitaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***u*** l-implimentazzjoni effettiva tagħhom; | (e) il-ftehimiet u strumenti oħra konklużi bejn il-pajjiż konċernat u l-Unjoni li jindirizzaw id-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** jew ***il-konverżjoni*** tal-foresti u jiffaċilitaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***, dment li*** l-implimentazzjoni ***f'waqtha u*** effettiva tagħhom ***tkun ġiet aċċertata abbażi ta' valutazzjoni oġġettiva u trasparenti***; |

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jekk il-pajjiż konċernat għandux fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jieħu miżuri ta' infurzar effettivi sabiex jevita u jissanzjona attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti, u partikolarment jekk jiġux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti sabiex jiġu miċħuda l-benefiċċji li jirriżultaw mid-deforestazzjoni jew ***mid-degradazzjoni*** tal-foresti. | (f) jekk il-pajjiż konċernat għandux fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Pariġi ***u liġijiet u standards rilevanti kif definiti fil-punt 28 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament***, u jieħu miżuri ta' infurzar effettivi sabiex ***jiżgura li dawk il-liġijiet jiġu implimentati u*** jevita u jissanzjona attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni***, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti, u partikolarment jekk jiġux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti sabiex jiġu miċħuda l-benefiċċji li jirriżultaw mid-deforestazzjoni***, mid-degradazzjoni tal-foresti*** jew ***mill-konverżjoni*** tal-foresti ***jew nuqqas ta' konformità mal-liġijiet u l-istandards rilevanti kif deskritti fil-punt 28 tal-Artikolu 2***. |

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) jekk il-ġuriżdizzjoni nazzjonali u subnazzjonali tkunx żviluppat approċċi ġuriżdizzjonali bl-impenn sinifikanti tal-partijiet konċernati rilevanti kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, u s-settur privat, inklużi l-mikrointrapriżi u SMEs oħra, u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, biex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni tal-foresti, il-ksur tad-drittijiet tal-art u l-produzzjoni illegali;*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) jekk il-pajjiż konċernat jagħmilx id-data rilevanti disponibbli b'mod trasparenti;*** |

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fc) jekk applikabbli, l-eżistenza, il-konformità mal-liġijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u ta' detenturi oħra tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art, u l-infurzar effettiv tagħhom;*** |

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi konċernati bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla ***fil-kategorija*** ta' riskju ***eżistenti*** u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-pajjiżi żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li ***jista' jinkludi*** informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż sabiex ***jirrimedja s-sitwazzjoni*** f'każ li l-istatus ***tiegħu*** jew l-istatus ta' partijiet ***minnu jista'*** jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla. | Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi***, l-awtoritajiet reġjonali kif ukoll l-operaturi u n-negozjanti*** konċernati bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla ***għall-kategorija*** ta' riskju ***ta' pajjiż jew parti minnu*** u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha ***twettaq ukoll konsultazzjoni pubblika biex tiġbor informazzjoni u fehmiet mill-partijiet interessati, inkluż b'mod partikolari l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Kummissjoni għandha*** tippermetti lill-pajjiżi ***u lill-awtoritajiet reġjonali*** żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li ***tista' tinkludi*** informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż ***jew l-awtorità reġjonali*** sabiex ***jirrimedjaw is-sitwazzjoni*** f'każ li l-istatus ***tagħhom*** jew l-istatus ta' partijiet ***minnhom*** jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla. |

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan għandu jinkludi fin-notifika, l-informazzjoni li ġejja: | Dan għandu jinkludi fin-notifika ***u fil-konsultazzjoni***, l-informazzjoni li ġejja: |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha*** mal-pajjiżi produtturi konċernati minn dan ir-Regolament ***sabiex tiżviluppa*** sħubijiet u ***kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konġuntement id-deforestazzjoni*** u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ***se jiffokaw*** fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ***, arranġamenti amministrattivi*** u ***dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet*** li jippermettu lill-pajjiżi produtturi jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. ***Tali ftehimiet*** u ***l-implimentazzjoni effettiva*** tagħhom ***se jitqiesu*** bħala ***parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu*** 27 ta' dan ir-Regolament. | 1. ***F'approċċ koordinat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom*** mal-pajjiżi produtturi konċernati minn dan ir-Regolament***, il-gvernijiet lokali u l-partijiet interessati, b'mod partikolari dawk li jesportaw volumi sinifikanti ta' komoditajiet elenkati fl-Anness I, inkluż permezz tal-użu ta'*** sħubijiet ***eżistenti*** u ***futuri u ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-allinjament ta' għodod ta' għajnuna eżistenti biex jindirizzaw b'mod konġunt il-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ***għandhom jiġu appoġġati b'riżorsi adegwati u għandhom jagħmlu enfasi*** fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti***, il-konverżjoni tal-foresti*** u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali***, il-governanza tajba, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-għajxien u tas-sussistenza ta' komunitajiet dipendenti mill-foresti, inklużi popli indiġeni, komunitajiet lokali, detenturi tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira oħra***. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu***, iżda ma jkunux limitati għal,*** djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ ***finanzjarji*** u ***tekniċi, arranġamenti amministrattivi*** li jippermettu lill-pajjiżi produtturi ***u partijiet minnhom*** jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u s-soċjetà ċivili jkunu involuti fl-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali konġunti. Il-pjanijiet direzzjonali konġunti għandhom ikunu bbażati fuq stadji importanti miftiehma mal-partijiet konċernati lokali. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha b'mod partikolari mal-pajjiżi produtturi biex tneħħi l-ostakli legali għall-konformità*** tagħhom***, inkluż il-governanza nazzjonali tal-pussess tal-art u l-liġi tal-protezzjoni tad-data. L-għan ta' dawk is-sħubijiet għandu jkun l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali konġunti, inkluż djalogu u kooperazzjoni sostnuti, b'mod partikolari ma' pajjiżi u partijiet minnhom identifikati*** bħala ***ta' riskju għoli, biex jappoġġaw it-titjib kontinwu tagħhom lejn il-kategorija ta' riskju standard imsemmija fl-Artikolu*** 27***. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira sabiex dawn l-azjendi jkunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni lejn prattiki agrikoli u tal-forestrija sostenibbli u jikkonformaw mar-rekwiżiti*** ta' dan ir-Regolament***, inkluż billi jippermettulhom jaċċessaw informazzjoni suffiċjenti u faċli għall-utenti. Riżorsi finanzjarji adegwati għandhom ikunu disponibbli biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 265**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jimpenjaw ruħhom aktar biex jimplimentaw u jinfurzaw il-ftehimiet kummerċjali kif ukoll jikkonkludu ftehimiet ġodda ta' kummerċ ħieles li jinkludu dispożizzjonijiet b'saħħithom dwar is-sostenibbiltà, b'mod partikolari għall-foresti, u l-obbligu ta' infurzar effettiv tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, bħall-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.*** |

**Emendi 214 u 266**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet konċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u s-settur privat inklużi, ***l-SMEs*** u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira. | 2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni ***għandu jkollhom riżorsi finanzjarji adegwati u jqisu bis-sħiħ l-informazzjoni u t-twissijiet provduti mill-Osservatorju tal-UE. Huma*** għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet konċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, in-nisa u s-settur privat inklużi, ***il-mikrointrapriżi u SMEs oħra*** u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira. ***Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom ukoll jappoġġaw jew jibdew djalogu inklużiv u parteċipattiv lejn proċessi nazzjonali ta' riforma legali u ta' governanza biex tissaħħaħ il-governanza tal-foresti u jiġu indirizzati fatturi domestiċi li jikkontribwixxu għad-deforestazzjoni.*** |

**Emenda 215**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Biex tiżgura li l-infurzar ta' dan ir-Regolament ma jkunx restrittiv bla bżonn jew ma jfixkilx il-kummerċ, speċjalment lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ amministrattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet speċifiku lill-gvernijiet, lill-gvernijiet lokali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions, u lill-produtturi, b'mod partikolari l-produtturi ż-żgħar, f'pajjiżi terzi bl-għan li jkun aktar faċli għal dawn l-atturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti amministrattivi ta' dan ir-Regolament.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġiżlazzjonijiet rilevanti, inċentivi fiskali u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu l-konservazzjoni tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u l-kompetittività tal-agrikoltura, il-ktajjen tal-provvista trasparenti, ***it-tisħiħ tad-drittijiet*** tal-komunitajiet ***dipendenti*** mill-foresti, inkluż bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra. | 3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġiżlazzjonijiet rilevanti, ***inklużi proċessi b'diversi partijiet konċernati biex jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti,*** inċentivi fiskali ***jew kummerċjali*** u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu l-konservazzjoni tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u l-kompetittività tal-agrikoltura, il-ktajjen tal-provvista trasparenti ***u t-traċċabbiltà, jipproteġu d-drittijiet tas-sjieda, taż-żamma tal-art u tal-aċċess għall-art, inklużi d-drittijiet taż-żamma tas-siġar għall-komunitajiet lokali u indiġeni, u d-dritt li jagħtu jew iżommu l-kunsens liberu, minn qabel u infurmat, isaħħu d-drittijiet*** tal-komunitajiet ***li jiddependu*** mill-foresti, inkluż bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, ***isaħħu s-sistemi nazzjonali tal-governanza u l-infurzar tal-liġi,*** u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra. ***Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tintegra l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-art u tal-pussess tal-art skont l-Osservatorju tal-UE.*** |

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex ***twaqqaf id-deforestazzjoni*** u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni ***tal-ekosistemi tal-foresti***. | 4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex ***jitwaqqfu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni ***tal-foresti u ekosistemi naturali oħra u tad-drittijiet tal-bniedem relatati***. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 29 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw b'diliġenza u imparzjalment il-preokkupazzjonijiet sostanzjati u jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż verifiki u seduti ta' smigħ tal-operaturi u tan-negozjanti, bil-għan li jiġi identifikat ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, miżuri interim skont l-Artikolu 21 sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, u l-esportazzjoni minnu ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu qegħdin jiġu investigati. | 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom***, mingħajr dewmien żejjed,*** jivvalutaw b'diliġenza u imparzjalment il-preokkupazzjonijiet sostanzjati u jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż verifiki u seduti ta' smigħ tal-operaturi u tan-negozjanti, bil-għan li jiġi identifikat ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, miżuri interim skont l-Artikolu 21 sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, u l-esportazzjoni minnu ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu qegħdin jiġu investigati ***u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri stabbiliti***. |

**Emenda 219**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 29 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtorità kompetenti għandha, ***kemm jista' jkun malajr*** u f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-dritt nazzjonali, tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1, li jkunu ssottomettew ***osservazzjonijiet*** lill-awtorità, dwar ***id-deċiżjoni*** tagħha ***jekk taċċettax*** jew ***tirrifjutax it-talba*** għal azzjoni u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. | 3. L-awtorità kompetenti għandha, ***fi żmien 30 jum minn meta tirċievi preokkupazzjoni sostanzjata,*** u f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-dritt nazzjonali, tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1, li jkunu ssottomettew ***preokkupazzjonijiet sostanzjati*** lill-awtorità, dwar ***il-valutazzjoni*** tagħha ***tal-preokkupazzjoni sostanzjata tagħhom, skont il-paragrafu 2, u d-deċiżjoni li taċċetta*** jew ***tirrifjuta t-talba*** għal azzjoni u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. ***Fejn tittieħed azzjoni ulterjuri skont il-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mingħajr dewmien żejjed dwar in-natura u l-iskeda ta' żmien tal-miżuri li għandhom jittieħdu.*** |

**Emenda 220**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Sabiex tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni dwar preokkupazzjonijiet sostanzjati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn pajjiżi produtturi, u speċjalment mill-komunitajiet lokali, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċedura ta' komunikazzjoni ċentralizzata biex tiddereġi dawk il-preokkupazzjonijiet lejn l-Istati Membri rilevanti. Dik il-proċedura għandha tkun komplementari għal dawk stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.*** |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 221**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 29 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri biex jipproteġu l-identità tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jippreżentaw preokkupazzjonijiet sostanzjati jew li jwettqu investigazzjonijiet bil-għan li jivverifikaw il-konformità mill-operaturi jew min-negozjanti ma’ dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-aċċess għal qorti jew korp pubbliku indipendenti u imparzjali ieħor skont il-paragrafu 1 għandu jkun ġust, ekwu, f’waqtu u ma jiswiex tant li jkun projbittiv u jipprovdi rimedji adegwati u effettivi, inkluż rimedju b’mandat ta’ inibizzjoni fejn xieraq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni prattika ssir disponibbli għall-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrattivi u ta’ rimedju ġudizzjarju.*** |

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm, sad-data stabbilita fl-Artikolu 36(2), sistema ta’ informazzjoni (“Reġistru”) li għandu jkun fiha d-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta magħmula disponibbli skont l-Artikolu 4(2). | 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm, sad-data stabbilita fl-Artikolu 36(2), sistema ta’ informazzjoni (“Reġistru”) li għandu jkun fiha d-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta magħmula disponibbli skont l-Artikolu 4(2)***, kif ukoll il-lista tal-operaturi u n-negozjanti mhux konformi msemmija fl-Artikolu 23***. |

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-reġistrazzjoni tal-eżitu tal-kontrolli fuq id-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta; | (c) ir-reġistrazzjoni tal-eżitu tal-kontrolli fuq id-dikjarazzjonijiet ta’ diliġenza dovuta ***kif ukoll il-penali imposti***; |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għal dik is-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi u lin-negozjanti f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament. | 4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għal dik is-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi u lin-negozjanti ***jew lir-rappreżentanti legali tagħhom, jew lit-tnejn li huma, u lill-fornituri kkonċernati*** f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament. ***Il-fornituri kkonċernati għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw l-informazzjoni kollha li tappartjeni lilhom.*** |

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. ***F'konformità*** mal-Politika tal-UE dwar id-Data Miftuħa, u partikolarment id-Direttiva (UE) 2019/1024 ([51]), il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għall-pubbliku usa' għas-settijiet tad-data anonimizzati kompluti tas-sistema tal-informazzjoni f'format miftuħ li jista' jinqara mill-magni u li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà. | 5. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23 u f'konformità*** mal-Politika tal-UE dwar id-Data Miftuħa, u partikolarment id-Direttiva (UE) 2019/1024 ([51]), il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għall-pubbliku usa'***, ħlief għall-informazzjoni fil-punt (e) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu,*** għas-settijiet tad-data anonimizzati kompluti tas-sistema tal-informazzjoni f'format miftuħ li jista' jinqara mill-magni u li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà. |
| ([51]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. ***56–83***). | ([51]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. ***56***). |

**Emenda 227**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. ***Sa*** mhux aktar tard minn ***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ***, il-Kummissjoni għandha twettaq l-ewwel rieżami ta'*** dan ir-Regolament, ***u*** għandha ***tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma'*** proposta leġiżlattiva***, jekk tkun xierqa. Ir-rapport għandu jiffoka partikolarment fuq evalwazzjoni tal-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp*** ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra, inkluż art b'ħażniet għoljin ta' karbonju u art b'valur għoli ta' bijodiversità bħal mergħat, torbieri u artijiet mistagħdra u komoditajiet ***ulterjuri.*** | 1. ***Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha kontinwament twettaq rieżami tal-applikazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha:*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(a)* ***tippreżenta,*** mhux aktar tard minn***… [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sena*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament], valutazzjoni tal-impatt akkumpanjata, fejn xieraq, minn*** proposta leġiżlattiva***, biex jiġi estiż il-kamp*** ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi ***naturali*** oħra, inkluż art b'ħażniet għoljin ta' karbonju u art b'valur għoli ta' bijodiversità bħal mergħat, torbieri u artijiet mistagħdra***, minbarra foresti u art imsaġġra oħra f'konformità mad-data limitu u d-definizzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 2,*** |
| | *(b)* ***tevalwa, mhux aktar tard minn… [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]:*** |
| | ***(i) il-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal komoditajiet u prodotti oħra, b'mod partikolari prodotti addizzjonali derivati mill-komoditajiet elenkati fl-Anness I kif ukoll għal komoditajiet u prodotti addizzjonali, speċifikament il-kannamieli, l-etanol u l-prodotti tal-minjieri;*** |
| | ***(ii) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-bdiewa, partikolarment fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-ħtieġa possibbli ta' appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli u lejn bdiewa b'azjenda agrikola żgħira li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;*** |
| | ***(iii) il-ħtieġa ta' għodod addizzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-fattibbiltà tagħhom, b'mod partikolari għall-pajjiżi l-anqas żviluppati milquta mmens minn dan ir-Regolament u l-pajjiżi identifikati bħala ta' riskju standard jew għoli, sabiex jappoġġaw il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament;*** |
| | *(c)* ***tanalizza, fi żmien sena mill-adozzjoni ta' [id-Direttiva li jmiss dwar id-diliġenza dovuta għas-sostenibbiltà korporattiva], jekk hemmx bżonn ta' xi linji gwida biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tiġi żgurata l-koerenza bejn dan ir-Regolament u [id-Direttiva li jmiss dwar id-diliġenza dovuta għas-sostenibbiltà korporattiva], u biex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed.*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ u mill-anqas kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ġenerali ta' dan ir-Regolament, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva. ***L-ewwel wieħed mir-rapporti għandu jinkludi partikolarment, abbażi ta' studji speċifiċi, evalwazzjoni ta':*** | ***Mingħajr preġudizzju għar-rieżamijiet skedati fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq, f'intervalli regolari, rieżami tal-Anness 1 sabiex jiġi vvalutat jekk huwiex xieraq li jiġu emendati jew estiżi l-prodotti rilevanti elenkati fl-Anness I sabiex jiġi żgurat li l-prodotti kollha li jkun fihom komoditajiet rilevanti, ikunu ġew mitmugħa bihom jew li jkunu saru bl-użu tagħhom, jiġu inklużi f'dik il-lista, sakemm id-domanda għal dawk il-prodotti ma jkollhiex effett negliġibbli fuq id-deforestazzjoni. Ir-rieżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-effett tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fuq id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti, u għandhom iqisu l-bidliet fil-konsum, inkluż valutazzjoni dettaljata tal-bidliet fix-xejriet kummerċjali fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament, kif indikat minn evidenza xjentifika.*** |

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) il-ħtieġa ta' għodod addizzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-fattibbiltà tagħhom sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi tar-Regolament inkluż permezz tar-rikonoxximent ta' skemi ta' ċertifikazzjoni;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 230**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-impatt tar-Regolament fuq il-bdiewa, partikolarment fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-ħtieġa possibbli ta' appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli.*** | ***imħassar*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 231**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Mingħajr preġudizzju għar-rieżami ġenerali skont il-paragrafu 1, l-ewwel rieżami tal-Anness I għandu jitwettaq mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u minn hemm 'il quddiem f'intervalli regolari sabiex jiġi valutat jekk huwiex xieraq li jiġu emendati jew estiżi l-prodotti rilevanti elenkati fl-Anness I sabiex jiġi żgurat li l-prodotti kollha li fihom, ikunu ġew mitmugħa b'komoditajiet rilevanti jew ikunu saru bl-użu tagħhom jiġu inklużi f'dik il-lista, sakemm id-domanda għal dawk il-prodotti ma jkollhiex effett negliġibbli fuq id-deforestazzjoni. Ir-rieżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-effett tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti fuq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u jqisu l-bidliet fil-konsum, kif indikat minn evidenza xjentifika.*** | 3. ***Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-partijiet konċernati vulnerabbli bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, speċjalment f'pajjiżi terzi, filwaqt li tagħti wkoll attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tan-nisa. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija xjentifika u trasparenti u għandu jqis l-informazzjoni pprovduta minn partijiet konċernati interessati.*** |

**Emenda 232**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament il-bidliet fix-xejriet kummerċjali tal-prodotti u l-komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta bidliet fix-xejra tal-kummerċ jinstab li ma jkollhomx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-evitar tal-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż is-sostituzzjoni ta' dawk il-prodotti u l-komoditajiet bi prodotti u komoditajiet oħra li mhumiex inklużi fil-lista ta' prodotti u komoditajiet fl-Anness I iżda li jkollhom karatteristiċi simili, dan għandu jitqies bħala prattika ta' ċirkomvenzjoni. Il-partijiet interessati jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ċirkomvenzjoni perċepita u l-Kummissjoni għandha tinvestiga kwalunkwe talba sostanzjata introdotta minn parti interessata.*** |

It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022

**Emenda 233**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Wara ***rieżami*** kif stabbilit ***fil-paragrafu 3***, il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 ***sabiex temenda l-Anness I sabiex tinkludi prodotti rilevanti li fihom jew li jkunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti***. | 4. Wara ***kwalunkwe wieħed mir-rieżamijiet*** kif stabbilit ***fil-paragrafi 1 sa 4***, il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 ***biex tissupplimenta l-lista fl-Anness I, jew, jekk xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament***. |

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. | 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***partijiet konċernati u*** esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. |

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 35a*** |
| | ***Emenda tad-Direttiva 2003/35/KE*** |
| | ***L-Anness I tad-Direttiva 2003/35/KE (1a) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa emendat billi jiżdied dan il-punt li ġej:*** |
| | ***(ga) l-Artikolu 14(3) ta' [Regolament (UE) Nru XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010] (*).*** |

***(1a) Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (GU L 156, 25.6.2003, p. 17).***

***(*) ĠU: Jekk jogħġbok żid in-numru u d-data ta' dan ir-Regolament u nota f'qiegħ il-paġna bir-referenza tal-pubblikazzjoni tiegħu.***

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 236**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 36 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-operaturi li huma mikrointrapriżi ([53]) stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2020, ħlief għall-prodotti koperti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 995/2010. | 3. L-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-operaturi li huma mikrointrapriżi ***u intrapriżi żgħar*** ([53]) stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2020, ħlief għall-prodotti koperti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 995/2010. |
| ([53]) Kif definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE. | ([53]) Kif definiti fl-Artikolu 3(1) ***u (2)*** tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE. |

**Emendi 237 u 246**

**Proposta għal regolament**

**Anness I**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Bhejjem tal-ifrat | ex 0102 Bhejjem tal-ifrat ħajjin<br>ex 0201 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ<br>ex 0202 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat<br>ex 0206 10 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ<br>ex 0206 22 Fwied li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat<br>ex 0206 29 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat (għajr l-ilsna u l-fwied), iffriżat<br>ex 4101 Ġlud grezzi tal-bhejjem tal-ifrat (friski, jew immellħin, imnixxfin, ittrattati bil-ġir, piklati jew ippreservati b'mod ieħor, iżda mhux ikkonzati, ipparċminati jew ippreparati mod ieħor), kemm jekk imxerrha jew bix-xagħar imneħħi kemm jekk le<br>ex 4104 Ġlud ikkonzati jew "in crust" tal-bhejjem tal-ifrat, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex, iżda mhux ippreparati mod ieħor<br>ex 4107 Ġilda tal-bhejjem tal-ifrat, li ngħatat aktar trattament wara l-ikkonzar u l-crusting, din tinkludi l-ġilda pparċminata, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex |

| | |
|---|---|
| Kawkaw | 1801 00 00 Żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imkissra, nejja jew mixwija<br>1802 00 00 Fosdoq tal-kawkaw, ħliefa, qxur u skart ieħor tal-kawkaw<br>1803 Paste tal-kawkaw, kemm jekk bix-xaħam imneħħi u kemm jekk le<br>1804 00 00 Butir, xaħam u żejt tal-kawkaw<br>1805 00 00 Trab tal-kawkaw, li ma jkunx fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud<br>1806 Ċikkulata u preparati oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw |
| Kafè | 0901 Kafè, kemm jekk inkaljat jew dekafeinat u kemm jekk le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li jkun fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon |
| Żejt tal-palm | 1511 Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament<br>1207 10 Ġewż tal-palm u qlub tagħhom<br>1513 21 Żejt grezz tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom<br>1513 29 Żejt tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament (bl-esklużjoni ta' żejt grezz)<br>2306 60 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żjut tal-ġewż tal-palm jew ta' żjut tal-qlub tagħhom |
| Sojja | 1201 Fażola tas-sojja, kemm jekk imkissra u kemm jekk le<br>1208 10 Dqiq u grixi tal-fażola tas-sojja<br>1507 Żejt tal-fażola tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament<br>2304 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| | |
|---|---|
| Injam | 4401 Qabs, fil-forma ta' zkuk, qatgħat taz-zkuk, friegħi, qatet jew forom simili; injam f'laqx jew partikuli; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta' zkuk, briquettes, pellets jew forom simili, kif ukoll jekk le<br>4403 Injam grezz, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew maqtugħ kwadru raff<br>4406 Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm<br>4407 Injam issegat jew imlaqqax għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm<br>4408 Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, issegat għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm<br>4409 Injam (inklużi strixxi u freġji għall-kisi tal-art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (b'minċott raġel, b'minċott mara, b'ħanek maqtugħ, iċċanfrinat, bi skanalatura-V, bil-gula, iffurmat, ittundjat jew simili) tul kwalunkwe xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le<br>4410 Particle board, oriented strand board (OSB) u board simili (eż. waferboard) tal-injam jew ta' materjali oħrajn mill-injam, kemm jekk agglomerati bir-rażi jew sustanzi leganti organiċi oħrajn u kemm jekk le<br>4411 Fibreboard tal-injam jew materjali oħrajn mill-injam, magħqudin bir-rażi jew b'sustanzi organiċi oħrajn jew le<br>4412 Plywood, pannelli miksijin bil-fuljetta u injam laminat bħalhom<br>4413 00 00 Injam densifikat, fi blokok, folji, strixxi jew forom profilati<br>4414 00 Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja u oġġetti simili<br>4415 Cases għall-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, ċilindri u pakki simili; tal-injam; rombli tal-injam tal-kejbils; pallets, pallets tal-kaxxi u boards oħrajn tat-tagħbija, tal-injam; pallet collars tal-injam<br>(Mhux inkluż materjal tal-ippakkjar użat esklussivament bħala materjal tal-ippakkjar biex jappoġġa, jipproteġi jew iġorr prodott ieħor introdott fis-suq.)<br>4416 00 00 Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti tal-buttara oħrajn u partijiet tagħhom, tal-injam, inkluż l-injam imqawwes (staves)<br>4418 Xogħol tal-injam għal bennejja, inklużi pannelli tal-injam ċellulari, pannelli assemblati għall-paviment, shingles u shakes<br>Polpa u karta tal-Kapitoli 47 u 48 tan-Nomenklatura Magħquda, bl-eċċezzjoni ta' prodotti bbażati fuq il-bambù u rkuprati (skart u laqx)<br>9403 30, 9403 40, 9403 50 00, 9403 60 u 9403 90 30 Għamara tal-injam<br>9406 10 00 Bini prefabbrikat tal-injam |

It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Bhejjem tal-ifrat | ex 0102 Bhejjem tal-ifrat ħajjin<br>ex 0201 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ<br>ex 0202 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat<br>ex 0206 10 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ<br>ex 0206 22 Fwied li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat<br>ex 0206 29 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat (għajr l-ilsna u l-fwied), iffriżat<br>***ex 0206 10 Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk jew imkessaħ***<br>***ex 0206 21 Ilsna li jittieklu tal-annimali bovini, iffriżati***<br>***ex 0210 20 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat***<br>***ex 1602 50 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat jew il-ġewwieni tagħhom, ippreparat jew ippreservat***<br>ex 4101 Ġlud grezzi tal-bhejjem tal-ifrat (friski, jew immellħin, imnixxfin, ittrattati bil-ġir, piklati jew ippreservati b’mod ieħor, iżda mhux ikkonzati, ipparċminati jew ippreparati mod ieħor), kemm jekk imxerrħa jew bix-xagħar imneħħi kemm jekk le<br>ex 4104 Ġlud ikkonzati jew “in crust” tal-bhejjem tal-ifrat, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex, iżda mhux ippreparati mod ieħor<br>ex 4107 Ġilda tal-bhejjem tal-ifrat, li ngħatat aktar trattament wara l-ikkonzar u l-crusting, din tinkludi l-ġilda pparċminata, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex |
| ***Ħnieżer*** | ***0103 Ħnieżer ħajjin***<br>***0203 Laħam tal-ħnieżer, frisk, imkessaħ jew***<br>***iffriżat***<br>***0210 11 Ġarretti, spalel u qatgħat***<br>***tagħhom, bl-għadma, tal-ħanżir domestiku***<br>***0210 12 Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom***<br>***tal-ħanżir domestiku***<br>***0210 19 Laħam ieħor tal-ħanżir domestiku***<br>***209 10 Xaħam tal-ħanżir, mingħajr ebda laħam dgħif, mhux***<br>***imdewweb jew estratt mod ieħor, frisk,***<br>***imkessaħ, iffriżat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew***<br>***affumikat*** |
| ***Nagħaġ u Mogħoż*** | ***0104 Nagħaġ u mogħoż ħajjin***<br>***0204 Laħam ta’ nagħaġ jew mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| | |
|---|---|
| ***Tjur*** | ***0105 Pollam ħaj, jiġifieri, qatgħat ta' għadam ta' tjur***<br>***tal-ispeċi Gallus domesticus, papri,***<br>***wiżż, dundjani u farawni oħrajn***<br>***0207 Laħam u ġewwieni li jittiekel, taħt l-instestatura***<br>***tat-tjur Nru 0105, friski, imkessħa jew iffriżati***<br>***0209 90 Xaħam tat-tjur, mhux maħdum jew***<br>***estratt mod ieħor, frisk, imkessaħ, iffriżat,***<br>***immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat***<br>***0210 99 39 Laħam tal-pollam immellaħ***<br>***1602 31 – 1602 32 –1602 39 Pollam ippreparat u ppreservat*** |
| Kawkaw | 1801 00 00 Żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imkissra, nejja jew mixwija<br>1802 00 00 Fosdoq tal-kawkaw, ħliefa, qxur u skart ieħor tal-kawkaw<br>1803 Paste tal-kawkaw, kemm jekk bix-xaħam imneħħi u kemm jekk le,<br>1804 00 00 Butir, xaħam u żejt tal-kawkaw,<br>1805 00 00 Trab tal-kawkaw, li ma jkunx fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud<br>1806 Ċikkulata u preparati oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw |
| Kafè | 0901 Kafè, kemm jekk inkaljat jew dekafeinat u kemm jekk le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li jkun fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon |
| Żejt tal-palm | 1511 Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament<br>1207 10 Ġewż tal-palm u qlub tagħhom<br>1513 21 Żejt grezz tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom<br>1513 29 Żejt tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament (bl-esklużjoni ta' żejt grezz)<br>2306 60 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żjut tal-ġewż tal-palm jew ta' żjut tal-qlub tagħhom<br>***2905 17 Dodekan-1-ol (Alkoħol lawriku), Eżadekan-1-ol (Alkoħol ċetiliku) u Ottadekan-1-ol (Alkoħol steariliku)***<br>***2905 45 Alkoħol; polidriċi, gliċeroli***<br>***2915 70 Aċidu palmitiku, aċidu steariku, imlieħ u esteri tagħhom***<br>***2915 90 Aċidi; aċidi monokarbossiliċi aċikliċi saturati; anidridi, alidi, perossidi, perossiaċidi u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitratati jew nitrosazjati, m.k. b. fl-intestatura Nru 2915***<br>***Gruppi ta' kodiċi HS u subintestaturi 1517…, 3401…, 3823…, 3824…, 3826 Żejt tal-palm u derivatibbażati fuq iż-żejt tal-lewż tal-palm*** |

**It-Tlieta 13 ta’ Settembru 2022**

| | |
|---|---|
| Sojja | 1201 Fażola tas-sojja, kemm jekk imkissra u kemm jekk le<br>1208 10 Dqiq u grixi tal-fażola tas-sojja<br>1507 Żejt tal-fażola tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament<br>2304 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta’ pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja |
| ***Qamħirrum*** | ***1005 Qamħirrum (qamħ)***<br>***1102 20 Dqiq tal-qamħirrum (qamħ)***<br>***1103 13 Ħbub imfesdqa misħuqa taċ-ċereali, grixi u pellets***<br>***qamħirrun (qamħ)***<br>***1103 29 40 Pellets tal-qamħirrum***<br>***1104 19 50 Ħbub taċ-ċereali maħdumin mod ieħor***<br>***mill-qamħirrum***<br>***1104 23 Ħbub oħrajn maħdumin mill-qamħirrum***<br>***(qamħ)***<br>***1108 12 00 Lamtu tal-qamħirrum (qamħ)***<br>***1515 21 Żejt tal-qamħirrum (qamħ) u l-frazzjonijiet tiegħu:***<br>***Żejt grezz***<br>***1904 10 10 Ikel ippreparat miksub***<br>***min-nefħa jew mill-inkaljar taċ-ċereali jew***<br>***prodotti taċ-ċereali miksuba mill-qamħirrum***<br>***2302 10 Nuħħala, smid u residwi oħrajn,***<br>***kemm jekk fil-forma ta’ pellets kif ukoll jekk le***<br>***li ġejjin mit-tnaqqih, mit-tħin jew xogħol***<br>***ieħor ta’ ċereali jew pjanti leguminużi***<br>***tal-qamħirrum (qamħ)***<br>***1515 29 Żejt tal-qamħirrum u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat b’mod kimiku (minbarra dak grezz)***<br>***2306 90 05 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin u kemm jekk miġbura fil-forma ta’ pellets, li jirriżultaw mill-estrazzjoni tan-nebbieta tal-qamħirrum (qamħ)*** |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| | |
|---|---|
| Injam | 4401 Qabs, fil-forma ta' zkuk, qatgħat taz-zkuk, frieghi, qatet jew forom simili; injam f'laqx jew partikuli; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta' zkuk, briquettes, pellets jew forom simili, kif ukoll jekk le |
| | ***4402 Faħam tal-kannol tal-injam inkluż faħam tal-kannol tal-qoxra jew tal-ġewża, magħqud jew le (minbarra faħam tal-kannol tal-injam użat bħala mediċinali, faħam tal-kannol imħallat ma' inċens, faħam tal-kannol attivat u faħam tal-kannol fil-forma ta' krejons)*** |
| | 4403 Injam grezz, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew maqtugħ kwadru raff |
| | 4406 Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm |
| | 4407 Injam issegat jew imlaqqax għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm |
| | 4408 Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, issegat għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm |
| | 4409 Injam (inklużi strixxi u freġji għall-kisi tal-art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (b'minċott raġel, b'minċott mara, b'ħanek maqtugħ, iċċanfrinat, bi skanalatura-V, bil-gula, iffurmat, ittundjat jew simili) tul kwalunkwe xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le |
| | 4410 Particle board, oriented strand board (OSB) u board simili (eż. waferboard) tal-injam jew ta' materjali oħrajn mill-injam, kemm jekk agglomerati bir-rażi jew sustanzi leganti organiċi oħrajn u kemm jekk le |
| | 4411 Fibreboard tal-injam jew materjali oħrajn mill-injam, magħqudin bir-rażi jew b'sustanzi organiċi oħrajn jew le |
| | 4412 Plywood, pannelli miksijin bil-fuljetta u injam laminat bħalhom |
| | 4413 00 00 Injam densifikat, fi blokok, folji, strixxi jew forom profilati |
| | 4414 00 Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja u oġġetti simili |
| | 4415 Cases għall-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, ċilindri u pakki simili; tal-injam; rombli tal-injam tal-kejbils; pallets, pallets tal-kaxxi u boards oħrajn tat-tagħbija, tal-injam; pallet collars tal-injam |
| | (Mhux inkluż materjal tal-ippakkjar użat esklussivament bħala materjal tal-ippakkjar biex jappoġġa, jipproteġi jew iġorr prodott ieħor introdott fis-suq.) |
| | 4416 00 00 Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti tal-buttara oħrajn u partijiet tagħhom, tal-injam, inkluż l-injam imqawwes (staves) |
| | 4418 Xogħol tal-injam għal bennejja, inklużi pannelli tal-injam ċellulari, pannelli assemblati għall-paviment, shingles u shakes |
| | Polpa u karta tal-Kapitoli 47 u 48 tan-Nomenklatura Magħquda, bl-eċċezzjoni ta' prodotti bbażati fuq il-bambù u rkuprati (skart u laqx) |
| | ***4900 Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar, manuskritti, testi ttajpjati u pjanti*** |
| | 9403 30, 9403 40, 9403 50 00, 9403 60 u 9403 90 30 Għamara tal-injam |
| | 9406 10 00 Bini prefabbrikat tal-injam |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

| | |
|---|---|
| *Gomma* | ***4001 Gomma naturali, balata, guttapercha, guayule, chicle u gomom simili; f'forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi***<br>***4005 Gomma komposta, mhux vulkanizzata, f'forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi***<br>***4006 Gomma mhux vulkanizzata f'forom oħra (eż. vireg, tubi u forom profilati) u oġġetti (eż. diski u ċrieki)***<br>***4007 Ħajt u korda tal-gomma vulkanizzata***<br>***4008 Pjanċi, folji, strixxi, vireg u forom profilati, ta' gomma vulkanizzata minbarra gomma iebsa***<br>***4010 Ċineg jew ċineg tal-ġarr jew tat-trażmissjoni, tal-gomma vulkanizzata***<br>***4011 Tajers pnewmatiċi ġodda, tal-gomma (oħrajn)***<br>***4012 Tajers pnewmatiċi treddjati mill-ġdid jew użati tal-lastku; tajers solidi jew kuxxinetti, rajja jew flaps tat-tajers interkambjabbli, tal-lastku***<br>***4013 Tubi ta' ġewwa, tal-gomma***<br>***4015 Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ (inklużi ingwanti), għall-iskopijiet kollha tal-gomma vulkanizzata minbarra l-gomma iebsa***<br>***4016 Oġġetti tal-gomma vulkanizzata minbarra gomma iebsa, mhux speċifikati band'oħra fil-kapitolu 40***<br>***4017 Gomma iebsa (jiġifieri ebonite) fil-forom kollha inkluż skart u fdal; oġġetti ta' gomma iebsa*** |

**Emenda 238**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata, id-deskrizzjoni b'test liberu u l-kwantità ([70]) tal-komodità jew tal-prodott rilevanti maħsub li jiġi introdott fis-suq tal-Unjoni mill-operatur; | 2. Il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata, id-deskrizzjoni b'test liberu***, inkluż l-isem kummerċjali kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem xjentifiku sħiħ,*** u l-kwantità ([70]) tal-komodità jew tal-prodott rilevanti maħsub li jiġi introdott fis-suq tal-Unjoni mill-operatur ***jew esportat minnu.*** |
| ([70]) Il-kwantità trid tiġi espressa f'kilogrammi tal-massa netta u, meta applikabbli, ukoll fl-unità supplimentari stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 li tikkorrispondi għall-kodiċi tas-Sistema Armonizzata indikat. Unità supplimentari hi applikabbli meta tkun iddefinita b'mod konsistenti għas-subintestaturi kollha possibbli skont il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata msemmi fid-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta. | ([70]) Il-kwantità trid tiġi espressa f'kilogrammi tal-massa netta***, li tispeċifika stima perċentwali jew devjazzjoni,*** u, meta applikabbli, ukoll fl-unità supplimentari stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 li tikkorrispondi għall-kodiċi tas-Sistema Armonizzata indikat. Unità supplimentari hi applikabbli meta tkun iddefinita b'mod konsistenti għas-subintestaturi kollha possibbli skont il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata msemmi fid-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

**Emenda 239**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Il-pajjiż tal-produzzjoni u ***l-irqajja' kollha tal-art tal-produzzjoni, inkluż il-koordinati***, il-latitudni u l-lonġitudni ***tal-ġeolokalizzazzjoni***. Meta prodott jew komodità jkun fiha materjali, ingredjenti jew komponenti prodotti ***fi rqajja' tal-art*** differenti, għandhom jiġu inklużi l-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni ***tal-irqajja'*** differenti kollha ***tal-art***; | 3. Il-pajjiż tal-produzzjoni u ***partijiet minnu u l-koordinati kollha tal-ġeolokalizzazzjoni***, il-latitudni u l-lonġitudni***, tal-biċċiet kollha ta' art kif speċifikat fil-punt (d) tal-Artikolu 9(1)***. Meta prodott jew komodità jkun fiha materjali, ingredjenti jew komponenti prodotti ***f'biċċiet ta' art jew poligoni*** differenti, għandhom jiġu inklużi l-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni ***tal-biċċiet*** differenti kollha ***ta' art jew poligoni***; |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0312

# Miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (COM(2022)0051 – C9-0046/2022 – 2022/0035(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2023/C 125/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0051),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0046/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2022 [1],

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Lulju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0198/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2022)0035

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-13 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2022/2037.)*

---

[1] ĠU C 290, 29.7.2022, p. 149.

**It-Tlieta 13 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0313

# Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali: miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 (COM(2021)0198 – C9-0153/2021 – 2021/0103(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2023/C 125/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0198),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0153/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 [1],

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat(i) responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta' Ġunju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0009/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2021)0103

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2022/2056.)*

---

[1] ĠU C 341, 24.8.2021, p. 108.

P9_TA(2022)0315

## Effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni) ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għall-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni) (COM(2021)0558 – C9-0330/2021 – 2021/0203(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)**

**[Emenda 1, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]**

(2023/C 125/24)

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ġiet emendata b'mod sostanzjali kemm-il darba ([4]). Peress li jridu jsiru iżjed emendi, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Permezz tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika ([5]), il-Kummissjoni pproponiet li żżid l-ambizzjoni tal-Unjoni billi żżid il-mira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ("GHG") għal mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Din hija żieda sostanzjali meta mqabbla mal-mira eżistenti ta' 40 %. Il-proposta wettqet l-impenn tal-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([6]) li jiġi ppreżentat pjan komprensiv biex il-mira tal-Unjoni għall-2030 tiżdied għal 55 % b'mod responsabbli. Hi konformi wkoll mal-objettivi tal-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Naz-

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0221/2022).

(*) Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

([1]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 134.

([2]) ĠU C […], […], p. […].

([3]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

([4]) Ara l-Anness XV, il-Parti A.

([5]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM(2020)0562 final.

([6]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019)0640 final.

zjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-“Ftehim ta’ Pariġi”) li ż-żieda fit-temperatura dinjija tinżamm ferm inqas minn 2 °C u jissoktaw l-isforzi biex tinżamm f’1,5 °C.

(3) F’Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew approva mira vinkolanti tal-Unjoni ta’ tnaqqis domestiku nett ta’ mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990. ([7]) Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-ambizzjoni klimatika jeħtieġ tiżdied b’mod li jixpruna tkabbir ekonomiku sostenibbli, joħloq l-impjiegi, jipprovdi benefiċċji tas-saħħa u tal-ambjent għaċ-ċittadini tal-Unjoni, u jikkontribwixxi għall-kompetittività dinjija fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni billi jippromwovi l-innovazzjoni fit-teknoloġiji ekoloġiċi.

(4) Biex jimplimenta dawn l-objettivi, il-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021 ([8]) ħabbar pakkett “lesti għall-mira ta’ 55 %” biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b’mill-inqas 55 % sal-2030, u tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050. Dan il-pakkett ikopri firxa wiesgħa ta’ oqsma ta’ politika, fosthom l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, l-użu tal-art, il-bidla fl-art u l-forestrija, it-tassazzjoni fuq l-enerġija, il-kondiviżjoni tal-isforzi u l-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet.

***(4a) Il-pakkett “lesti għall-mira ta’ 55 %” għandu jissalvagwardja u joħloq l-impjiegi fl-Unjoni u jippermetti lill-Unjoni jkollha pożizzjoni dominanti fl-iżvilupp u l-adozzjoni ta’ teknoloġiji nodfa fit-tranżizzjoni enerġetika globali, b’enfasi partikolari fuq soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.***

(5) Il-projezzjonijiet jindikaw li, jekk issir implimentazzjoni sħiħa tal-politiki attwali, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 ikun madwar 45 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990, jekk jiġu esklużi l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-użu tal-art, u madwar 47 %, jekk dawn jiġu inklużi. Għaldaqstant, il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 jipprevedi sett ta’ azzjonijiet meħtieġa fis-setturi kollha tal-ekonomija u reviżjonijiet tal-istrumenti leġiżlattivi ewlenin biex tintlaħaq din iż-żieda fl-ambizzjoni.

(6) L-effiċjenza enerġetika hija qasam ewlieni ta’ azzjoni, li mingħajru ma tistax tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni sħiħa tal-ekonomija tal-Unjoni ([9]). Il-ħtieġa li jinħatfu opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv wasslet għall-politika attwali tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika. F’Diċembru 2018, iddaħħlet mira ewlenija ġdida tal-Unjoni tal-effiċjenza enerġetika sal-2030 ta’ mill-inqas 32,5 % (meta mqabbla mal-użu tal-enerġija previst fl-2030) bħala parti mill-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha.

(7) Biex tinkiseb iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika wriet li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jiżdied b’mod sinifikanti mil-livell attwali ta’ ambizzjoni ta’ 32,5 %. ***Żieda fl-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 tista’ tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija u tkun kruċjali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, akkumpanjata minn żieda u adozzjoni tal-elettrifikazzjoni, l-idroġenu, l-e-fjuwils u teknoloġiji rilevanti oħra meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fis-settur tat-trasport. Anke bi tkabbir rapidu fil-ġenerazzjoni tal-elettriku ekoloġiku, l-effiċjenza enerġetika tista’ tnaqqas il-ħtieġa ta’ kapaċità ġdida ta’ ġenerazzjoni tal-enerġija. Iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika hija importanti ferm ukoll għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni bi tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni tal-fjuwils mill-pajjiżi terzi. L-effiċjenza enerġetika hija waħda mill-aktar miżuri nodfa u kosteffiċjenti li biha tiġi indirizzata dik id-dipendenza.***

(8) It-total tal-kontributi nazzjonali kkomunikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) ma jilħaqx il-livell ta’ ambizzjoni tal-Unjoni ta’ 32,5 %. F’daqqa, il-kontributi jwasslu għal tnaqqis ta’ 29,4 % għall-konsum tal-enerġija finali u ta’ 29,7 % għall-konsum tal-enerġija primarja, meta mqabbla mal-projezzjonijiet mix-xenarju ta’ referenza tal-2007 għall-2030. Dan jissarraf f’diskrepanza kollettiva ta’ 2,8 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija primarja u ta’ 3,1 punti perċentwali għall-konsum tal-enerġija finali

---

([7]) https://www.consilium.europa.eu/media/47296/1011-12-20-euco-conclusions-en.pdf.

([8]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2021 – Unjoni ta’ vitalità f’dinja ta’ fraġilità, COM(2020)0690 final.

([9]) Il-Komunikazzjoni Pjaneta Nadifa għal kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM(2018)0773 final), tivvaluta r-rwol tal-effiċjenza enerġetika bħala kundizzjoni *sine qua non* għax-xenarji kollha tad-dekarbonizzazzjoni.

għall-EU27. ***Fir-rigward taċ-ċifri tal-konsum tal-enerġija primarja u finali għall-2020 u l-kisba tal-mira tal-Unjoni, dawn għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-effetti temporanji tal-miżuri tal-pandemija tal-COVID-19 meħuda fl-2020 li naqqsu b'mod konsiderevoli l-attività ekonomika u t-trasport b'mod partikolari. Il-livelli rrappurtati ta' konsum tal-enerġija primarja u finali għall-2020 jirrikjedu analiżi bir-reqqa.***

(9) Filwaqt li l-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija għadu qawwi fis-setturi kollha, hemm sfida partikolari relatata mat-trasport għax dan hu responsabbli għal aktar minn 30 % tal-konsum tal-enerġija finali, u relatata mal-bini għax 75 % tal-bini fl-Unjoni għandhom rendiment baxx fl-użu tal-enerġija. Settur li l-importanza tiegħu qed tiżdied maż-żmien hu s-settur tal-ICT (it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni), li hu responsabbli għal 5-9 % tal-użu totali tal-elettriku fid-dinja u għal aktar minn 2 % tal-emissjonijiet kollha. Fl-2018, iċ-ċentri tad-data ammontaw għal 2,7 % tad-domanda għall-elettriku fl-EU28. [10] F'dan il-kuntest, l-Istrateġija Diġitali tal-Unjoni [11] saħqet fuq il-ħtieġa ta' ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, u ta' miżuri ta' trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni fir-rigward tal-impronta ambjentali tagħhom. Barra minn hekk, għandha titqies ukoll iż-żieda possibbli fid-domanda għall-enerġija tal-industrija li tista' tirriżulta mid-dekarbonizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari għall-proċessi intensivi fl-enerġija.

(10) Il-livell ogħla ta' ambizzjoni jirrikjedi promozzjoni aktar soda tal-miżuri kosteffettivi tal-effiċjenza enerġetika fl-oqsma kollha tas-sistema tal-enerġija u fis-setturi rilevanti kollha, meta l-attività tkun taffettwa d-domanda għall-enerġija, bħas-setturi tat-trasport, tal-ilma u tal-agrikoltura. Bit-titjib fl-effiċjenza enerġetika tul il-katina kollha tal-enerġija, inkluż il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija, se jgawdi l-ambjent, jitjiebu l-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tiżdied is-sigurtà tal-enerġija ***bit-tnaqqis tal-ħtieġa tal-importazzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari tal-fjuwils fossili***, jonqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, jitwieżnu l-persuni fil-faqar enerġetiku, u tingħata spinta lill-kompetittività, lill-impjiegi u lill-attività ekonomika fl-ekonomija kollha, u b'hekk titjieb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Dan jikkonforma mal-impenji tal-Unjoni li saru fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u l-aġenda dinjija dwar il-klima stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015.

***(10a) It-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' diversi setturi, inklużi t-trasport u l-akkomodazzjoni, għandu l-potenzjal li jrawwem ir-riġenerazzjoni urbana, l-impjiegi, it-titjib tal-bini u l-bidliet fix-xejriet tal-mobilità u tal-aċċessibbiltà. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu promossi għażliet aktar effiċjenti, sostenibbli u affordabbli.***

(11) Din id-Direttiva tagħmel pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sal-2050, li permezz tagħha l-effiċjenza enerġetika tiġi ttrattata bħala sors ta' enerġija minnha nnifisha. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa prinċipju kumplessiv li għandu jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, fil-livelli kollha, inkluż fis-settur finanzjarju. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investiment***, sakemm dan ma jkunx iwassal għal żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika. Filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal obbligi legali, objettivi u prinċipji oħra, dawn ukoll ma għandhomx ixekklu l-applikazzjoni tiegħu jew jeżentaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-effiċjenza enerġetika u r-rispons fin-naħa tad-domanda jkunu jistgħu jikkompetu b'termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Irid isir titjib fl-effiċjenza enerġetika kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet ekwivalenti fuq in-naħa tal-provvista. Dak għandu jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji. L-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika għandha tkun prijorità wkoll biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

(12) L-effiċjenza enerġetika għandha tiġi rikonoxxuta bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni ta' prijorità fid-deċiżjonijiet futuri tal-investiment dwar l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi applikat filwaqt li jitqiesu qabelxejn l-approċċ tal-effiċjenza tas-sistema u l-perspettiva soċjetali ***u tas-saħħa, filwaqt li tingħata attenzjoni għas-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika***. Għaldaqstant, dan għandu jgħin biex tiżdied l-effiċjenza tas-setturi individwali tal-użu finali u tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi. L-applikazzjoni

[10] Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, Final study report, Energy-efficient Cloud Computing Technologies and Policies for an Eco-friendly Cloud Market (Rapport ta' Studju Finali, Teknoloġiji u Politiki ta' Cloud Computing Effiċjenti fl-użu tal-Enerġija għal Suq Cloud Favur l-Ambjent), https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market.

[11] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (COM(2020)0067 final).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

tal-prinċipju għandha tappoġġa wkoll l-investimenti f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija li jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali elenkati fir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

(13) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" ġie definit fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) u jinsab fil-qalba tal-Istrateġija għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija ([14]). Filwaqt li l-prinċipju hu bbażat fuq il-kosteffettività, l-applikazzjoni tiegħu għandha implikazzjonijiet usa' ***mill-perspettiva tas-soċjetà***, li ***għandhom jiġu evalwati bir-reqqa permezz ta' metodoloġiji robusti ta' valutazzjoni tal-kostbenefiċċji li jqisu l-benefiċċji multipli tal-effiċjenza enerġetika***. Il-Kummissjoni ħejjiet linji gwida apposta għall-operazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju, billi pproponiet għodod speċifiċi u eżempji ta' applikazzjoni f'diversi setturi. Il-Kummissjoni ħarġet ukoll rakkomandazzjoni lill-Istati Membri li tibni fuq ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u titlob azzjonijiet speċifiċi b'rabta mal-applikazzjoni tal-prinċipju. ***L-Istati Membri għandhom iqisu bis-sħiħ dik ir-rakkomandazzjoni u jkunu ggwidati minnha fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika fil-prattika.***

***(13a) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jimplika l-adozzjoni ta' approċċ olistiku, li jqis l-effiċjenza kumplessiva tas-sistema tal-enerġija integrata, is-sigurtà tal-provvista u l-kosteffettività u jippromwovi l-aktar soluzzjonijiet effiċjenti għan-newtralità klimatika fil-katina totali tal-valur, mill-produzzjoni tal-enerġija u t-trasport tan-network sal-konsum tal-enerġija finali, sabiex jinkisbu effiċjenzi kemm fil-konsum tal-enerġija primarja kif ukoll f'dik finali. Dak l-approċċ għandu jqis il-prestazzjoni tas-sistema u l-użu dinamiku tal-enerġija, fejn ir-riżorsi orjentati lejn id-domanda u l-flessibbiltà tas-sistema huma kkunsidrati bħala soluzzjonijiet ta' effiċjenza. Fl-istess ħin, il-prinċipju jista' jiġi applikat ukoll f'livell aktar baxx ta' assi meta għandha tiġi identifikata l-prestazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' soluzzjonijiet speċifiċi u s-soluzzjonijiet jiġu adattati biex jiffavorixxu dawk b'effiċjenza ogħla fejn jirrappreżentaw ukoll perkors ta' dekarbonizzazzjoni kosteffettiv.***

(14) Biex jitħalla impatt, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jeħtieġ jiġi applikat b'mod konsistenti minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ***nazzjonali, reġjonali, lokali u settorjali fix-xenarji u d-deċiżjonijiet*** ta' politika, tal-ippjanar u ta' investiment ewlenin ***rilevanti kollha*** – jiġifieri l-investimenti fuq skala kbira b'valur aktar minn EUR 50 miljun kull wieħed jew EUR 75 miljun għall-proġetti infrastrutturali tat-trasport – li jaffettwaw il-konsum, it-trażmissjoni, id-distribużżjoni, il-ħżin jew il-provvista tal-enerġija. Għal applikazzjoni tajba tal-prinċipju jeħtieġ tintuża l-metodoloġija korretta tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet abilitanti għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija, u jsir monitoraġġ xieraq. ***L-analiżi tal-kostbenefiċċji għandha dejjem tkun ibbażata fuq l-aktar informazzjoni aġġornata dwar il-prezzijiet tal-enerġija u tinkludi xenarji għal prezzijiet li qed jogħlew, bħal minħabba tnaqqis fil-kwoti tal-ETS, sabiex jiġi pprovdut inċentiv biex jiġu applikati miżuri tal-effiċjenza enerġetika, u għandhom ikunu żviluppati, imwettqa u magħmula disponibbli għall-pubbliku b'mod sistematiku. Għandha tingħata prijorità lis-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda fejn ikunu aktar kosteffettivi mill-investimenti fl-infrastruttura tal-provvista tal-enerġija biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika.*** Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda tista' ġġib benefiċċji ***usa' fil-qasam ekonomiku, ambjentali u soċjetali*** għall-konsumaturi u ***għall-komunitajiet lokali***, u tista' żżid l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija, pereżempju billi tnaqqas il-kostijiet operazzjonali tas-sistema biex jorħsu t-tariffi għall-konsumaturi kollha. L-Istati Membri għandhom iqisu l-benefiċċji potenzjali tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u meta rilevanti jikkunsidraw ir-rispons tad-domanda ***kemm fil-livell ċentralizzat kif ukoll deċentralizzat***, il-ħżin tal-enerġija, u soluzzjonijiet intelliġenti bħala parti mill-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija integrata.

---

([12]) ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

([13]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill PE/55/2018/REV/1, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

([14]) Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija, COM(2020)0299 final.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(15) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi applikat dejjem b'mod proporzjonali, u r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ma għandhomx jinvolvu obbligi sovrapposti jew kunfliġġenti fuq l-Istati Membri, meta l-applikazzjoni tal-prinċipju tkun żgurata direttament b'leġiżlazzjoni oħra. Dan jaf ikun il-każ għall-proġetti ta' interess komuni inklużi fil-lista tal-Unjoni skont ***l-Artikolu 3 tar-Regolament (EU) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** [15], li jintroduċi r-rekwiżiti biex il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jitqies qabelxejn fl-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' dawk il-proġetti.

(16) Tranżizzjoni ġusta lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 hija ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-faqar enerġetiku hu kunċett ewlieni konsolidat fil-pakkett leġiżlattiv intitolat "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha", li tfassal biex jiffaċilita tranżizzjoni enerġetika ġusta. F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [16], il-Kummissjoni pprovdiet gwida indikattiva dwar indikaturi xierqa għall-kejl tal-faqar enerġetiku u li jiddefinixxu x'inhu "għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku". [17] Id-Direttiva (UE) 2019/944 u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [18] jirrikjedu li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku kull meta dan jiġi identifikat, inkluż miżuri li jindirizzaw il-kuntest usa' tal-faqar. ***Dan huwa partikolarment rilevanti f'kuntest ta' prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew u pressjoni inflazzjonarja, fejn għandhom jiġu implimentati miżuri kemm għal żmien qasir kif ukoll fit-tul biex jindirizzaw sfidi sistemiċi għas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni.***

(17) L-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, il-klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali, il-persuni fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew fil-faqar enerġetiku, u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali***, kif ukoll l-SMEs u l-mikrointrapriżi,*** għandhom jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu implimentati bħala prijorità biex itejbu s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-unitajiet domestiċi, ***u*** jew biex jittaffa l-faqar enerġetiku ***u ma għandhomx jinkoraġġixxu kwalunkwe żieda sproporzjonata fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni, tal-mobilità jew tal-enerġija***. Għal approċċ holistiku fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki u l-miżuri l-oħra ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawn l-individwi u l-unitajiet domestiċi.

(18) Din id-Direttiva hi parti minn qafas ta' politika usa' tal-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika li jindirizzaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika f'oqsma ta' politika speċifiċi, fosthom il-bini (id-Direttiva 2010/31/UE [19]), il-prodotti (id-Direttiva 2009/125/KE, ir-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020/740 [20]) u l-mekkaniżmu ta' governanza (ir-Regolament (UE) 2018/1999). Dawn il-politiki jaqdu rwol importanti ħafna fil-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meta l-prodotti jiġu sostitwiti jew meta l-bini jinbena jew jiġi rinnovat [21].

(19) Biex tintlaħaq mira ambizzjuża tal-effiċjenza enerġetika jeħtieġ jitneħħew l-ostakli biex jiġi ffaċilitat l-investiment fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika. Is-subprogramm LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa se jalloka finanzjament biex jappoġġa l-iżvilupp tal-aqwa prattiċi Ewropej fl-implimentazzjoni tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika b'mod li jindirizza l-ostakli komportamentali, tas-suq u regolatorji għall-effiċjenza enerġetika.

---

[15] ***Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).***

[16] Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku C(2020) 9600 final.

[18] Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

[19] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

[20] Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija; ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija; u r-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra rispettivament.

[21] Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-rieżamijiet tal-prodotti skont il-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn 2020-2024 u l-Pjan ta' Azzjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni", flimkien mar-rieżami tal-EPBD, se jagħtu kontribut importanti biex tintlaħaq il-mira tal-iffrankar tal-enerġija għall-2030.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(20) Il-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014 appoġġa l-mira ta' 27 % tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 fil-livell tal-Unjoni, li riedet tiġi riveduta sal-2020 b'kunsiderazzjoni tal-mira ta' 30 % fil-livell tal-Unjoni. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2015 intitolata "Lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija", il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta, addizzjonalment, il-vijabbiltà ta' mira ta' 40 % tal-effiċjenza enerġetika għall-istess perjodu taż-żmien.

(21) Hu previst li l-mira ta' 32,5 % tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 u l-istrumenti ta' politika l-oħra tal-qafas eżistenti jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' madwar 45 % sal-2030 ([22]). Għal żieda fl-ambizzjoni klimatika ogħla ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, il-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 ivvalutat liema livell ta' sforzi jkun meħtieġ fl-oqsma ta' politika differenti. Din tikkonkludi li, fir-rigward tax-xenarju bażi, għal kisba kostottimali tal-mira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konsum tal-enerġija finali u primarja jrid jonqos b'mill-inqas 36-37 % u 39-41 % rispettivament.

(22) Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 bħala xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi. Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika ▌. Il-mod ġdid kif jiġi espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ ▌.

(23) Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija finali u primarja hija allinjata mal-metodoloġija l-ġdida tal-Eurostat, iżda l-indikaturi użati għall-fini ta' din id-Direttiva għandhom kamp ta' applikazzjoni differenti – jiġifieri jeskludu s-sħana ambjentali u jinkludu l-konsum tal-enerġija fl-avjazzjoni internazzjonali għall-mira fil-konsum tal-enerġija finali. L-użu tal-indikaturi l-ġodda jimplika wkoll li kull bidla fil-konsum tal-enerġija tal-kalkari tal-blast issa hi riflessa biss fil-konsum tal-enerġija primarja.

(24) Il-ħtieġa li l-Unjoni żżid l-effiċjenza enerġetika tagħha għandha tiġi espressa fil-konsum tal-enerġija primarja u finali, li jrid jinkiseb fl-2030, b'indikazzjoni tal-livell ta' sforzi addizzjonali meħtieġ meta mqabbel mal-miżuri fis-seħħ jew ippjanati fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Ix-Xenarju ta' Referenza tal-2020 jipprojetta 864 Mtoe ta' konsum tal-enerġija finali u 1 124 Mtoe ta' konsum tal-enerġija primarja li jrid jintlaħaq fl-2030 (minbarra s-sħana ambjentali u inkluż l-avjazzjoni internazzjonali). Tnaqqis addizzjonali ta' ***14,5 %*** jwassal għal ***740*** Mtoe u ***960*** Mtoe fl-2030 rispettivament. ***Dan jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 40 % għall-konsum tal-enerġija finali u ta' 42,5 % għall-konsum tal-enerġija primarja rispettivament, meta mqabbla mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030.*** Ma hemm l-ebda mira vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri ***biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika*** għall-2020. ***Għall-mira tal-2030, il-kontributi nazzjonali għandhom ikunu vinkolanti***, u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kontributi tagħhom biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni ***skont il-formula*** prevista f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jistabbilixxu l-objettivi nazzjonali tagħhom abbażi tal-konsum tal-enerġija primarja jew finali jew tal-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew abbażi tal-intensità tal-enerġija. Din id-Direttiva temenda l-mod kif l-Istati Membri għandhom jesprimu l-kontributi nazzjonali ***vinkolanti*** tagħhom għall-mira ***vinkolanti*** tal-Unjoni. Il-kontributi ***vinkolanti*** tal-Istati Membri għall-mira tal-Unjoni għandhom jiġu espressi fil-konsum tal-enerġija finali u primarja biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-monitoraġġ tal-progress. Evalwazzjoni regolari tal-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-2030 hija meħtieġ u hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1999.

(25) Il-mira tal-effiċjenza enerġetika għandha tintlaħaq bħala riżultat tal-implimentazzjoni kumulattiva ta' miżuri ***lokali, reġjonali,*** nazzjonali u Ewropej speċifiċi li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika f'oqsma differenti. L-Istati Membri għandhom jintalbu jistabbilixxu politiki u miżuri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika. Dawn il-politiki u l-miżuri u l-isforzi individwali ta' kull Stat Membru għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni, flimkien ma' data dwar il-progress li jkun sar, biex tkun ivvalutata l-probabbiltà li tintlaħaq il-mira kumplessiva tal-Unjoni u sa fejn l-isforzi individwali huma biżżejjed biex tintlaħaq il-mira komuni.

---

([22]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Pjaneta Nadifa għal Kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM(2018)0773 final).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(26) Is-settur pubbliku hu responsabbli għal madwar 5 sa 10 % tal-konsum tal-enerġija finali totali tal-Unjoni. L-awtoritajiet pubbliċi jonfqu madwar EUR 1,8 triljun fis-sena. Dan jirrappreżenta madwar 14 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, is-settur pubbliku huwa xprunatur importanti biex tiġi stimolata t-trasformazzjoni tas-swieq lejn prodotti, bini u servizzi aktar effiċjenti, kif ukoll biex jingħata bidu għal bidliet komportamentali fil-konsum tal-enerġija miċ-ċittadini u mill-intrapriżi. Barra minn hekk, it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jistgħu jagħmlu disponibbli riżorsi pubbliċi għal finijiet oħra. Il-korpi pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jaqdu rwol eżemplari fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika.

(27) Biex imexxi bl-eżempju, is-settur pubbliku għandu jistabbilixxi l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika tiegħu stess. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku għandu jirrifletti l-isforzi meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. ▌ Obbligu li jinkiseb tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija fis-settur pubbliku b'mill-inqas ***2 %*** għandu jiżgura li s-settur pubbliku jaqdi r-rwol eżemplari tiegħu. L-Istati Membri jibqa' jkollhom flessibbiltà sħiħa rigward l-għażla tal-miżuri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika ħalli jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali. Ir-rekwiżit ta' tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija finali għandu piż amministrattiv iżgħar mill-istabbiliment ta' metodi tal-kejl għall-iffrankar tal-enerġija.

(28) Biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miri għall-konsum tal-enerġija finali tas-servizzi pubbliċi u l-installazzjonijiet kollha tal-korpi pubbliċi. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-destinatarji, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-definizzjoni ta' awtoritajiet kontraenti prevista fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [23]. L-obbligu jista' jiġi ssodisfat bi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali fi kwalunkwe qasam tas-settur pubbliku, inkluż it-trasport, il-bini pubbliku, il-kura tas-saħħa, l-ippjanar spazjali, il-ġestjoni tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi, id-drenaġġ u l-purifikazzjoni tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, id-distribuzzjoni tal-enerġija, il-provvista u l-ħżin, it-tidwil pubbliku, l-ippjanar tal-infrastruttura. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-korpi pubbliċi, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjattaformi diġitali jew għodod biex jiġbru d-data tal-konsum aggregat mingħand il-korpi pubbliċi, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, u jirrapportaw id-data lill-Kummissjoni.

(29) L-Istati Membri għandhom jaqdu rwol eżemplari billi jiżguraw li l-kuntratti kollha tar-rendiment fl-użu tal-enerġija***, l-awditjar tal-enerġija*** u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jitwettqu fis-settur pubbliku f'konformità mal-istandards Ewropej jew internazzjonali, jew li l-awditjar tal-enerġija jintuża fil-biċċa l-kbira fil-partijiet intensivi fl-enerġija tas-settur pubbliku. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu gwida u proċeduri ċari għall-użu ta' dawk l-istrumenti***.

(30) L-awtoritajiet pubbliċi huma mħeġġa jiksbu l-appoġġ ta' entitajiet bħal aġenziji tal-enerġija sostenibbli, meta applikabbli stabbiliti fil-livell reġjonali jew lokali. L-organizzazzjoni ta' dawk l-aġenziji normalment tkun tirrifletti l-ħtiġijiet individwali tal-awtoritajiet pubbliċi f'ċertu reġjun jew li joperaw f'ċertu qasam tas-settur pubbliku. L-aġenziji ċentralizzati jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet aħjar u jaħdmu b'mod aktar effettiv f'aspetti oħra, bħal pereżempju, fi Stati Membri iżgħar jew ċentralizzati jew fir-rigward ta' aspetti kumplessi jew transreġjonali bħat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli jistgħu jservu bħala punti uniċi ta' servizz skont l-Artikolu 21. Dawk l-aġenziji spiss ikunu responsabbli għall-iżvilupp ta' pjanijiet lokali jew reġjonali tad-dekarbonizzazzjoni, li jistgħu jinkludu wkoll miżuri oħra tad-dekarbonizzazzjoni, bħall-iskambju ta' bojlers tal-fjuwils fossili, u biex jappoġġaw lill-awtoritajiet pubbliċi fl-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-enerġija. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli jew entitajiet oħra li jassistu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jaf ikollhom kompetenzi, objettivi u riżorsi ċari fil-qasam tal-enerġija sostenibbli. L-aġenziji tal-enerġija sostenibbli jistgħu jitħeġġu jikkunsidraw inizjattivi meħuda fil-qafas tal-Patt tas-Sindki, li jiġbor flimkien il-gvernijiet lokali impenjati b'mod volontarju fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, u inizjattivi eżistenti oħra għal dan il-għan. Il-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni għandhom ikunu marbuta ma' pjanijiet tal-iżvilupp territorjali u jqisu l-valutazzjoni komprensiva li għandhom iwettqu l-Istati Membri.

(31) L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-korpi pubbliċi fl-ippjanar u fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, billi jipprovdu ***appoġġ finanzjarju u tekniku u jissottomettu pjanijiet li jindirizzaw in-nuqqas tal-forza tax-xogħol u professjonisti kwalifikati meħtieġa għall-istadji kollha tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi nies tas-sengħa kif ukoll esperti tat-teknoloġija ekoloġika b'livell għoli ta'***

[23] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

***ħiliet, xjenzati applikati u innovaturi. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-korpi pubbliċi jqisu l-benefiċċji usa’ lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija, bħall-kwalità mtejba tal-arja ta’ ġewwa u ambjent ta’ ġewwa aktar b’saħħtu kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja tan-nies, b’mod partikolari għall-iskejjel, iċ-ċentri għall-kura ta’ matul il-jum, id-djar tal-kura, l-akkomodazzjoni protetta u l-isptarijiet. L-Istati Membri għandhom jipprovdu*** linji gwida li jippromwovu l-bini tal-kompetenzi u l-opportunitajiet tat-taħriġ u jheġġu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ċentri ta’ kompetenza nazzjonali ***u reġjonali*** dwar kwistjonijiet kumplessi, bħall-konsulenza lill-aġenziji lokali jew reġjonali tal-enerġija dwar it-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali.

***(31a) F’sitwazzjoni ta’ kriżi tas-sigurtà tal-enerġija u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b’inċentivi biex jintroduċu investimenti minn qabel fl-iffrankar tal-enerġija. Għal dak il-għan, l-Istati Membri li jirrinovaw aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tagħhom fi kwalunkwe sena partikolari matul il-perjodu 2024-2026 għandhom jingħataw il-possibbiltà li jgħoddu s-surplus mar-rata ta’ rinnovazzjoni annwali ta’ kwalunkwe waħda mit-tliet snin ta’ wara. Stat Membru li jirrinova aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tiegħu mill-1 ta’ Jannar 2027 jista’ jgħodd is-surplus mar-rata ta’ rinnovazzjoni annwali tas-sentejn ta’ wara. Dik il-possibbiltà ma għandhiex tintuża għal skopijiet li mhumiex konformi mal-objettivi ġenerali u l-livell ta’ ambizzjoni ta’ din id-Direttiva.***

(32) Il-bini u t-trasport huma, flimkien mal-industrija, l-utenti ewlenin tal-enerġija u s-sors ewlieni tal-emissjonijiet ([24]) Il-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni u għal 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha mill-enerġija ([25]).. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Mewġa ta’ Rinnovazzjoni” ([26]) tindirizza l-isfida doppja tal-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi u l-affordabbiltà fis-settur tal-bini u għandha l-għan li tirdoppja r-rata tar-rinnovazzjoni. Din tiffoka fuq il-bini bl-agħar rendiment fl-użu tal-enerġija, fuq il-faqar enerġetiku u fuq il-bini pubbliku. Barra minn hekk, il-bini huwa kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-bini li jkun il-proprjetà ta’ korpi pubbliċi***, u l-bini li jipprovdi servizzi ta’ interess ġenerali, bħall-edukazzjoni (bħal ċentri għall-kura ta’ matul il-jum, skejjel u universitajiet), is-saħħa (bħal sptarijiet u djar tal-kura għall-anzjani) u s-servizzi soċjali (bħal ċentri komunitarji li jaqdu liż-żgħażagħ, l-anzjani u l-persuni li jgħixu f’unitajiet domestiċi b’introjtu baxx), jew l-akkomodazzjoni soċjali,*** jammonta għal sehem konsiderevoli mill-istokk tal-bini u għandu viżibbiltà kbira fil-ħajja pubblika. Għalhekk jixraq tiġi ffissata rata annwali ta’ rinnovazzjoni tal-bini li jkun il-proprjetà ta’ korpi pubbliċi ***u bini għal skopijiet soċjali*** fit-territorju ta’ Stat Membru biex jiġi aġġornat ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu ***u jiġi trasformat f’Bini b’Użu ta’ Enerġija Qrib Żero (NZEBs) jew bini b’emissjonijiet żero***. L-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu rata ogħla ta’ rinnovazzjoni, meta dik tkun kosteffettiva skont il-qafas tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom f’konformità mal-Istrateġiji tar-Rinnovazzjoni fit-tul tagħhom jew mal-programmi nazzjonali tar-rinnovazzjoni. Dik ir-rata ta’ rinnovazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fir-rigward tal-Bini b’Użu ta’ Enerġija Qrib Żero (NZEBs) stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]). ***L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rekwiżiti inqas stretti għal xi bini, bħal bini b’mertu arkitettoniku jew storiku speċjali.*** Waqt ir-rieżami li jmiss tad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li kisbu l-Istati Membri b’rabta mar-rinnovazzjoni tal-bini tal-korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tippreżenta proposta leġiżlattiva għal reviżjoni tar-rata ta’ rinnovazzjoni, filwaqt li tqis il-progress miksub mill-Istati Membri, żviluppi ekonomiċi jew tekniċi sostanzjali, jew meta meħtieġ, l-impenji tal-Unjoni b’rabta mad-dekarbonizzazzjoni u t-tniġġis żero. L-obbligu f’din id-Direttiva li l-bini tal-korpi pubbliċi jiġi rinnovat jikkumplimenta dik id-Direttiva, li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li meta l-bini eżistenti jiġi rinnovat drastikament, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tiegħu jiġi aġġornat biex dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-NZEBs. ***Għandha tiġi pprovduta gwida addizzjonali mill-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar ir-rinnovazzjoni profonda ta’ bini b’valur storiku.***

([24]) COM(2020)0562 final.

([25]) Ara IRP, Resource Efficiency and Climate Change (L-Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi u t-Tibdil fil-Klima), 2020, u l-UN Environment Emissions Gap Report (Ir-Rapport tan-NU dwar id-Diskrepanzi fl-Emissjonijiet Ambjentali), 2019. Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-użu u l-operazzjoni tal-bini, inkluż l-emissjonijiet indiretti fis-settur tal-enerġija u tas-sħana, u mhux għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu. Il-karbonju inkorporat fil-kostruzzjoni hu stmat li jammonta għal madwar 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra annwali globali totali.

([26]) COM(2020)0662 final.

([27]) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(33) Biex jistabbilixxu r-rata ta' rinnovazzjonijiet, l-Istati Membri jeħtieġ ikollhom ħarsa ġenerali tal-bini li ma jissodisfax il-livell tal-NZEB. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jżommu aġġornat inventarju tal-bini pubbliku ***inkluża l-akkomodazzjoni soċjali*** bħala parti minn bażi tad-data ġenerali taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. B'dak l-inventarju, l-atturi privati inkluż il-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija ***(ESCOs)***, għandhom ikunu jistgħu wkoll jipproponu soluzzjonijiet ta' rinnovazzjoni u jkunu jistgħu jiġu aggregati mill-Osservatorju tal-Unjoni tal-Istokk Immobiljari.

(34) Fl-2020, aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja kienet tgħix f'żoni urbani. Dik iċ-ċifra mistennija tilħaq it-68 % sal-2050 ([28]). Barra minn hekk, nofs l-infrastrutturi urbani sal-2050 għad iridu jinbnew ([29]). Il-bliet u ż-żoni metropolitani huma ċentri ta' attività ekonomika, ta' ġenerazzjoni tal-għarfien, ta' innovazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda. Il-bliet jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu jew jaħdmu fihom. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-muniċipalitajiet b'mod tekniku u finanzjarju. Għadd ta' muniċipalitajiet u korpi pubbliċi oħra fl-Istati Membri diġà stabbilew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija u għall-provvista tal-enerġija***, u għall-mobilità sostenibbli***, pereżempju bi pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli ***u pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli***, bħal dawk li tfasslu bl-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi individwali fil-bini jew fil-mezzi tat-trasport. ***Huma meħtieġa aktar sforzi fil-qasam tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-mobilità urbana, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għat-trasport tal-merkanzija, peress li din tuża madwar 40 % tal-enerġija kollha tat-trasport bit-triq. Regolament … [ir-Regolament rivedut TEN-T – 2021/0420(COD)] għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tiġi indirizzata l-effiċjenza enerġetika tat-trasport urban b'approċċ konsistenti, integrat u multimodali permezz tar-rekwiżit li jiġu adottati Pjanijiet ta' Mobbilità Urbana Sostenibbli (SUMP) kif definit f'dak ir-Regolament. Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu bil-qawwa kemm jista' jkun awtoritajiet lokali jadottaw SUMPs sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u jevitaw trasport bla bżonn fejn possibbli, f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".***

(35) Fir-rigward tax-xiri ta' ċerti prodotti u servizzi u fir-rigward tax-xiri u l-kiri tal-bini, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jikkonkludu kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, ta' provvista jew ta' servizz għandhom imexxu bl-eżempju u jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri effiċjenti fl-użu tal-enerġija u japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", inkluż għal dawk il-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet li għalihom ma ġew previsti l-ebda rekwiżiti speċifiċi fl-Anness IV. Dan għandu japplika għad-dipartimenti amministrattivi li l-kompetenza tagħhom hija estiża fuq it-territorju kollu ta' Stat Membru. Meta fi Stat Membri partikolari u minħabba kompetenza partikolari ma jkun jeżisti l-ebda dipartiment amministrattiv rilevanti bħal dan li jkopri t-territorji kollu, l-obbligu għandu japplika għal dawk id-dipartimenti amministrattivi li l-kompetenzi tagħhom ikopru b'mod kollettiv it-territorju kollu. Id-dispożizzjonijiet tad-direttivi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku madankollu ma għandhomx ikunu affettwati. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli għall-akkwist pubbliku konġunt fi ħdan l-Istati Membri jew bejn il-fruntieri, jekk dawk ikunu jistgħu jnaqqsu l-kostijiet u jtejbu l-benefiċċji tas-suq intern billi joħolqu opportunitajiet tan-negozju għall-fornituri u għall-provdituri ta' servizzi tal-enerġija.

(36) L-entitajiet pubbliċi kollha li jinvestu riżorsi pubbliċi permezz tal-akkwist għandhom imexxu bl-eżempju meta jagħtu kuntratti u konċessjonijiet billi jagħżlu prodotti, servizzi, xogħlijiet u bini bl-aqwa rendiment fl-effiċjenza enerġetika, anke fir-rigward ta' dawk l-akkwisti li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi skont id-Direttiva 2009/30/KE. F'dak il-kuntest, il-proċeduri kollha tal-għoti għall-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet b'valur li jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]), fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]), u fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jeħtieġ iqisu r-rendiment fl-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tas-servizzi stabbilit mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, billi bħala prijorità jqisu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom.

---

([28]) https://www.unfpa.org/world-population-trends

([29]) https://www.un.org/en/ecosoc/integration/pdf/fact_sheet.pdf

([30]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

([31]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(37) Hu importanti wkoll li l-Istati Membri jimmonitorjaw kif ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti fl-akkwist ta' prodotti, bini, xogħlijiet u servizzi, billi jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-impatt fuq l-effiċjenza enerġetika ta' dawk l-offerenti rebbieħa li jaqbżu l-limiti msemmija fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, tkun disponibbli għall-pubbliku. B'hekk, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw ir-rwol tas-settur pubbliku biex ikun żgurat li l-effiċjenza enerġetika tkun l-ewwel fl-akkwist pubbliku b'mod trasparenti.

(38) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrikonoxxi r-rwol tal-ekonomija ċirkolari fil-kontribut għall-objettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Is-settur pubbliku ***għandu*** jikkontribwixxi għal dawk l-objettivi billi juża l-kapaċità tal-akkwist tiegħu biex, meta xieraq, jagħżel prodotti, bini, servizzi u xogħlijiet li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bl-għodod disponibbli għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, u b'hekk jagħti kontribut importanti biex jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-impatti ambjentali.

(39) Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku u ▌ fl-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, billi jipprovdu linji gwida u metodoloġiji meħtieġa dwar it-twettiq tal-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, u l-impatti u l-kostijiet ambjentali. Għodod imfassla tajjeb, b'mod partikolari l-għodod diġitali, mistennija jiffaċilitaw il-proċeduri tal-akkwist u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi speċjalment fi Stati Membri iżgħar li jaf ma jkollhomx kapaċità biżżejjed biex iħejju l-offerti. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jippromwovu b'mod attiv l-użu tal-għodod diġitali u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri għall-fini tal-iskambju tal-aqwa prattika.

(40) Peress li l-bini jikkawża emissjonijiet tal-gassijiet serra qabel u wara l-ħajja operazzjonali tiegħu, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-emissjonijiet tal-karbonju tal-bini. Dan iseħħ fil-kuntest tal-isforzi biex tiżdied l-attenzjoni għar-rendiment taċ-ċiklu tal-ħajja kollu, aspetti tal-ekonomija ċirkolari u l-impatti ambjentali, bħala parti mir-rwol eżemplari tas-settur pubbliku. Għalhekk, l-akkwist pubbliku jista' jkun opportunità biex jiġi indirizzat il-karbonju inkorporat fil-bini tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kontraenti huma atturi importanti li ***għandhom*** jieħdu azzjoni bħala parti mill-proċeduri tal-akkwist billi jixtru bini ġdid li jindirizza l-potenzjal tat-tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu.

(41) Il-potenzjal tat-tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu jkejjel l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-bini fi stadji differenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Għalhekk, dan ikejjel il-kontribut kumplessiv tal-bini għall-emissjonijiet li jwasslu għat-tibdil fil-klima. Xi drabi, dan jissejjaħ ukoll valutazzjoni tal-impronta tal-karbonju jew kejl tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Dan jiġbor flimkien l-emissjonijiet tal-karbonju inkorporati fil-materjali tal-bini b'emissjonijiet tal-karbonju diretti u indiretti mill-istadju tal-użu. Il-bini hu bank materjali sinifikanti, u hu repożitorju għal riżorsi intensivi fil-karbonju għal ħafna deċennji, u għalhekk hu importanti li jiġu esplorati disinji li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ fil-futur fi tmiem il-ħajja operazzjonali ***f'konformità mal-pjan ta' azzjoni l-ġdid tal-ekonomija ċirkolari. L-Istati Membri għandhom jippromwovu ċ-ċirkolarità, id-durabbiltà u l-adattabbiltà tal-materjali tal-bini sabiex jindirizzaw il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-prodotti tal-kostruzzjoni filwaqt li jistabbilixxu kost kompetittiv u attraenti, billi jużaw l-istrumenti finanzjarji kollha disponibbli biex jipprovdu inċentivi għall-użu ta' materjali ċirkolari***.

(42) Il-potenzjal tat-tisħin dinji hu espress bħala indikatur numeriku f'kgCO2e/$m^2$ (ta' erja utli tal-art interna) għal kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja fuq medja ta' sena ta' perjodu ta' studju ta' referenza ta' 50 sena. L-għażla tad-data, id-definizzjoni tax-xenarju u l-kalkoli jsiru f'konformità mal-istandard EN 15978. L-ambitu tal-elementi tal-bini u tat-tagħmir tekniku hu stabbilit fl-indikatur 1,2 tal-qafas komuni tal-Unjoni tal-Livell(i). Meta jkun hemm għodda nazzjonali tal-kalkolu, jew tkun meħtieġa biex isiru divulgazzjonijiet jew biex jinkisbu permessi għall-bini, għandu jkun possibbli li dik l-għodda nazzjonali tintuża biex tingħata l-informazzjoni meħtieġa. Għandu jkun possibbli li jintużaw għodod oħra tal-kalkolu, dment li dawn jissodisfaw il-kriterji minimi stabbiliti fil-qafas komuni tal-Unjoni tal-Livell(i).

(43) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) tirregola l-installazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-enerġija jew li jużaw l-enerġija għal skopijiet ta' produzzjoni, u l-informazzjoni dwar l-enerġija użata fl-installazzjoni jew iġġenerata minnha trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għal permessi integrati (l-Artikolu 12(1)(b)). Barra minn hekk, dik id-Direttiva tispeċifika fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva li l-użu

([32]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

effiċjenti tal-enerġija hu wieħed mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-obbligi bażiċi tal-operatur u wieħed mill-kriterji biex jiġu ddeterminati l-aqwa tekniki disponibbli skont l-Anness III tad-Direttiva 2010/75/UE. L-effiċjenza operazzjonali tas-sistemi tal-enerġija f'xi mument partikolari hija influwenzata mill-abbiltà li jalimentaw enerġija ġġenerata minn sorsi differenti – bi gradi differenti ta' inerzja u b'ħinijiet differenti tal-istartjar – fil-grilja, mingħajr intoppi u b'mod flessibbli. Bit-titjib fl-effiċjenza, ikun jista' jsir użu aħjar tal-enerġija rinnovabbli.

(44) It-titjib fl-effiċjenza enerġetika jista' jikkontribwixxi għal output ekonomiku akbar. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimmiraw li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija irrispettivament mil-livelli ta' tkabbir ekonomiku.

(45) L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit minn din id-Direttiva għandu jiżdied u għandu japplika wkoll wara l-2030. Din tiżgura l-istabbiltà għall-investituri u b'hekk tħeġġeġ investimenti fit-tul u miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul, bħar-rinnovazzjoni estensiva tal-bini bl-objettiv fit-tul li tiġi faċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'NZEBs. ***Ir-rinnovazzjonijiet estensivi li jtejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija b'mill-inqas 60 % bħalissa jitwettqu kull sena biss f'0,2 % tal-istokk tal-bini, u l-effiċjenza enerġetika titjieb b'mod sinifikanti f'ħamsa biss tal-każijiet.*** L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jaqdi rwol importanti fil-ħolqien ta' tkabbir lokali, impjiegi, kompetittività u biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Dan għandu jiżgura li l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-objettivi tal-enerġija u l-klima tagħha billi toħloq aktar opportunitajiet u tħoll ir-rabta bejn il-konsum tal-enerġija u t-tkabbir. Il-kooperazzjoni mas-settur privat hija importanti biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jiġi sfruttat l-investiment privat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u biex jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' dħul għal innovazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

(46) Il-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jħallu wkoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-arja, hekk kif aktar bini effiċjenti fl-enerġija jikkontribwixxi biex tonqos id-domanda għall-fjuwils tat-tisħin, inkluż il-fjuwils solidi tat-tisħin. Għalhekk, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxu biex titjieb il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra u jgħinu, b'mod kosteffettiv, biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, kif stabbilit b'mod partikolari fid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [33].

(47) L-Istati Membri jeħtieġ jilħqu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali għall-perjodu kollu tal-obbligu sal-2030, ekwivalenti għal iffrankar annwali ġdid ta' mill-inqas 0,8 % tal-konsum tal-enerġija finali sal-31 ta' Diċembru 2023 u ta' mill-anqas ***2 %*** mill-1 ta' Jannar 2024. Dak ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat b'miżuri ġodda ta' politika li jiġu adottati fil-perjodu tal-obbligu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 jew b'azzjonijiet individwali ġodda permezz ta' miżuri ta' politika adottati tul jew qabel il-perjodu preċedenti, dment li l-azzjonijiet individwali li jattivaw l-iffrankar tal-enerġija jiddaħħlu tul il-perjodu ta' wara. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi jew it-tnejn li huma.

(48) Għall-perjodu mill-2021 sal-31 ta' Diċembru 2023, Ċipru u Malta għandhom ikunu meħtieġa jiksbu iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali ekwivalenti għall-iffrankar il-ġdid ta' 0,24 % tal-konsum tal-enerġija finali biss għall-perjodu mill-2021 sal-2030. Dik ir-rata ta' ffrankar individwali ma għandhiex tibqa' tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

(49) Meta jużaw skema tal-obbligi, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw partijiet obbligati fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, ***l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni,*** id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut, u d-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut tal-fjuwils tat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Id-deżinjazzjoni jew l-eżenzjoni mid-deżinjazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa bl-imnut ma għandhomx jinftehmu bħala inkompatibbli mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, ***operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni,*** distributuri jew bejjiegħa bl-imnut jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux deżinjati bħala

(33) Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

partijiet obbligati. Biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli ***u lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx***, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u biex jimplimentaw miżuri ta' politika bħala prijorità fost dawk il-persuni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-partijiet obbligati biex jiksbu ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll miri biex inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Il-partijiet obbligati jistgħu jilħqu dawn il-miri billi jippromwovu l-installazzjoni ta' miżuri li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija u ffrankar finanzjarju fil-kontijiet tal-enerġija, bħall-installazzjoni ta' miżuri ta' insular u tisħin***, u billi jappoġġaw inizjattivi ta' ffrankar tal-enerġija minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu partikolarment ta' benefiċċju għal klijenti vulnerabbli, persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, peress li dawn il-persuni għandhom it-tendenza li jgħixu f'bini ta' prestazzjoni agħar u għalhekk jistgħu jibbenefikaw l-aktar minn titjib fl-effiċjenza enerġetika***.

(50) Huma u jfasslu miżuri ta' politika biex jissodisfaw l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/852 ([34]). L-Istati Membri ma għandhomx jippromwovu attivitajiet li mhumiex ambjentalment sostenibbli bħall-użu ta' ▌ fjuwils fossili. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons għat-tibdil fil-klima billi jippromwovi inċentivi lill-Istati Membri biex jimplimentaw taħlita ta' politiki sostenibbli u nodfa li tkun reżiljenti u timmitiga t-tibdil fil-klima. Għalhekk, l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika dwar l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili ***jista 'jkun*** eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija ***taħt ċerti kundizzjonijiet u għal ċertu perjodu wara t-traspożizzjoni*** ta' din id-Direttiva ***f'konformità mal-Anness V***. B'hekk, l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija jkun jista' jiġi allinjat mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika, tal-Istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, u jirrifletti l-ħtieġa ta' azzjoni kif identifikat l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) fir-rapport tagħha ta' żero netti ([35]). Ir-restrizzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Istati Membri jonfqu l-fondi pubbliċi fuq teknoloġiji sostenibbli u validi għall-futur biss. Hu importanti li l-Istati Membri jipprovdu qafas ta' politika ċar u ċertezza tal-investiment lill-atturi tas-suq. L-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandha tippermetti lill-atturi kollha tas-suq jadattaw it-teknoloġiji tagħhom fi żmien raġonevoli. Meta l-Istati Membri jappoġġaw l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti tal-fjuwils fossili jew is-sostituzzjoni bikrija ta' tali teknoloġiji, pereżempju bi skemi ta' sussidju jew bi skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, l-iffrankar tal-enerġija jaf ma jibqax eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija. Filwaqt li l-iffrankar tal-enerġija miksub, pereżempju, mill-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq il-gass naturali mhuwiex eliġibbli, ir-restrizzjoni ma tapplikax għall-użu indirett tal-fjuwils fossili, pereżempju meta l-produzzjoni tal-elettriku tinkludi l-ġenerazzjoni tal-fjuwils fossili. Il-miżuri ta' politika mmirati lejn bidliet komportamentali biex jonqos il-konsum tal-fjuwils fossili, pereżempju b'kampanji informattivi, bl-ekosewqan, għandhom jibqgħu eliġibbli. L-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika mmirati lejn ir-rinnovazzjonijiet tal-bini jista' jkunu jinkludu miżuri bħal pereżempju s-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin tal-fjuwils fossili u titjib fit-tessut tal-bini, li għandhom ikunu limitati għal dawk it-teknoloġiji li jippermettu l-kisba tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-kodiċijiet nazzjonali tal-bini stabbiliti fi Stat Membru partikolari. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jippromwovu t-titjib tas-sistemi tat-tisħin bħala parti minn rinnovazzjonijiet profondi bi qbil mal-objettiv fit-tul tan-newtralità tal-karbonju, jiġifieri biex tonqos id-domanda għat-tisħin filwaqt li l-bqija tad-domanda għat-tisħin tinqeda b'sors tal-enerġija mingħajr karbonju. ***Meta jitqies l-iffrankar meħtieġ biex jinkiseb sehem mill-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-kundizzjonijiet klimatiċi tagħhom.***

(51) Il-miżuri tal-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika fit-trasport huma eliġibbli biex jitqiesu għall-kisba tal-obbligu tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali. Dawn il-miżuri jinkludu politika li tkun, fost l-oħrajn, maħsuba biex tippromwovi vetturi aktar effiċjenti***, inklużi modi ta' trasport li jaħdmu bil-batteriji***, bidla fil-mezzi għar-roti, il-mixi u t-trasport kollettiv, jew pjani ta' mobilità u żvilupp urban li jnaqqas id-domanda għat-trasport.

([34]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

([35]) L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) (2021), Net Zero by 2050 A Roadmap for the Global Energy Sector, (Newtralità Klimatika sal-2050 – Pjan Direzzjonali għas-Settur tal-Enerġija Globali), https://www.iea.org/reports/net-zero-by-2050.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Barra minn hekk, anke l-iskemi li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi ġodda u aktar effiċjenti jew ta' politiki li jrawmu bidla lejn fjuwils b'livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet ***tal-gassijiet serra***, għajr il-miżuri ta' politika dwar l-użu ta' kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, li jnaqqsu l-użu tal-enerġija għal kull kilometru, jistgħu jkunu eliġibbli, soġġetti għall-konformità mar-regoli dwar il-materjalità u l-addizzjonalità stabbiliti fl-Anness V ta' din id-Direttiva. Il-miżuri ta' politika li jippromwovu l-użu ta' vetturi ġodda tal-fjuwils fossili ma għandhomx ikunu jikkwalifikaw bħala miżuri eliġibbli skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija.

(52) Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]) u li jwasslu għal titjib fl-effiċjenza enerġetika li jista' jiġi verifikat, u mkejjel jew stmat, jistgħu jitqiesu bħala mod kosteffettiv kif l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija skont din id-Direttiva.

(53) Bħala alternattiva għar-rekwiżit li l-partijiet obbligati jiksbu l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-Direttiva, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri, fl-iskemi tal-obbligi tagħhom, li jippermettu jew jirrikjedu li l-partijiet obbligati jikkontribwixxu għal Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, li jkun jista' jintuża għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

(54) L-Istati Membri u l-partijiet obbligati għandhom jużaw il-mezzi u t-teknoloġiji disponibbli kollha, għajr dawk dwar l-użu ta' teknoloġiji bbażati fuq il-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali, inkluż billi jippromwovu teknoloġiji ***intelliġenti u*** sostenibbli f'sistemi effiċjenti tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali, infrastruttura effiċjenti tat-tisħin u tat-tkessiħ***, bini effiċjenti u intelliġenti, vetturi u industriji elettriċi*** u awditjar tal-enerġija jew sistemi ta' ġestjoni ekwivalenti, dment li l-iffrankar tal-enerġija ddikjarat ikun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 u l-Anness V ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jimmiraw għal grad għoli ta' flessibbiltà fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika alternattivi. L-Istati Membri għandhom iħeġġu azzjonijiet li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija tul ***iċ-ċiklu tal-ħajja kollu***.

(55) Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fit-tul se jibqgħu jwasslu għal iffrankar tal-enerġija wara l-2020 iżda, biex dawn jikkontribwixxu għall-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030, dawk il-miżuri għandhom iwasslu għal iffrankar ġdid wara l-2020. Min-naħa l-oħra, l-iffrankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 ma għandux jingħadd mal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

(56) L-iffrankar ġdid għandu jkun addizzjonali għal dak li jsir is-soltu, biex l-iffrankar li jaf isir f'xi eventwalità, ma jingħaddx mal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-iffrankar tal-enerġija. Biex jiġi kkalkulat l-impatt tal-miżuri introdotti, għandu jingħadd biss l-iffrankar nett, imkejjel bħala l-bidla fil-konsum tal-enerġija li tista' tiġi attribwita direttament għall-miżura tal-effiċjenza enerġetika inkwistjoni implimentata għall-finijiet tal-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva. Biex jiġi kkalkulat l-iffrankar nett, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu xenarju bażi ta' kif is-sitwazzjoni tevolvi fin-nuqqas tal-miżura inkwistjoni. Il-miżura ta' politika inkwistjoni għandha tiġi evalwata f'paragun ma' dak ix-xenarju bażi. L-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti minimi previsti mill-qafas leġiżlattiv rilevanti fil-livell tal-Unjoni, u għandhom iqisu l-fatt li jistgħu jittieħdu miżuri oħra ta' politika fl-istess perjodu taż-żmien li wkoll jistgħu jħallu impatt fuq l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija, biex mhux il-bidliet kollha osservati sa mill-introduzzjoni tal-miżura ta' politika partikolari li qed tiġi evalwata jiġu attribwiti għal dik il-miżura ta' politika waħedha. L-azzjonijiet tal-parti parteċipanti jew inkarigata, obbligata għandhom fil-fatt jikkontribwixxu għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat biex ikun żgurat li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tal-materjalità.

(57) Hu importanti li, meta rilevanti, l-istadji kollha tal-katina tal-enerġija jitqiesu fil-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija biex jiżdied il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija fit-trażmissjoni u fid-distribuzzjoni tal-elettriku. L-istudji mwettqa u l-konsultazzjonijiet li saru mal-partijiet ikkonċernati ħarġu fid-dieher potenzjal sinifikanti. Madankollu, il-kundizzjonijiet fiżiċi u ekonomiċi huma pjuttost differenti fost l-Istati Membri, u ħafna drabi fi ħdan bosta Stati Membri, u hemm għadd kbir ta' operaturi tas-sistema. Dawk iċ-ċirkostanzi jindikaw approċċ deċentralizzat, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom l-għarfien meħtieġ, il-kompetenzi

([36]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

legali u l-kapaċità amministrattiva biex jippromwovu l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku effiċjenti fl-enerġija. Entitajiet bħan-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E) u l-Entità Ewropea għall-Operaturi tas-Sistemi tad-Distribuzzjoni (l-Entità tal-UE għad-DSO) jistgħu jipprovdu wkoll kontributi utli u għandhom jappoġġaw lill-membri tagħhom fl-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika.

(58) Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw għall-għadd kbir ħafna ta' operaturi tas-sistema tal-gass naturali. Ir-rwol tal-gass naturali u r-rata tal-provvista u l-kopertura tat-territorju jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimmonitorjaw u jidderieġu l-evoluzzjoni tas-sistema lejn effiċjenza akbar, u entitajiet bħan-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (ENTSOG) jistgħu jipprovdu kontributi utli u għandhom jappoġġaw lill-membri tagħhom fl-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika.

***(58a) L-ESCOs huma importanti biex jiżviluppaw, ifasslu, jibnu u jorganizzaw il-finanzjament għal proġetti li jiffrankaw l-enerġija, inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija, u jnaqqsu l-kostijiet tal-operazzjonijiet u l-manutenzjoni f'setturi bħall-bini, l-industrija u t-trasport.***

(59) ***Il-kunsiderazzjoni tar-rabta bejn l-ilma u l-enerġija hija partikolarment importanti biex jiġi indirizzat l-użu interdipendenti tal-enerġija u tal-ilma u l-pressjoni dejjem akbar fuq iż-żewġ riżorsi.*** Il-ġestjoni effikaċi tal-ilma tista' tagħti kontribut sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija ***u toħloq mhux benefiċċji klimatiċi biss, iżda wkoll benefiċċji ekonomiċi u soċjali***. Is-setturi tal-ilma u tal-ilma mormi jammontaw għal 3,5 % tal-użu tal-elettriku fl-Unjoni u dak is-sehem mistenni jikber. Fl-istess ħin, it-tnixxijiet tal-ilma jammontaw għal 24 % tal-ilma totali kkunsmat fl-Unjoni u s-settur tal-enerġija huwa l-akbar konsumatur tal-ilma, b'44 % tal-konsum. Il-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija bl-użu ta' teknoloġiji u proċessi intelliġenti ***fiċ-ċikli u l-applikazzjonijiet tal-ilma industrijali, residenzjali u kummerċjali kollha*** għandu jiġi esplorat bis-sħiħ u applikat kull meta jkun kosteffettiv, filwaqt li l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għandu jiġi kkunsidrat. Min-naħa l-oħra, it-teknoloġiji avvanzati tat-tisqija***, il-ħsad tal-ilma tax-xita u t-teknoloġiji tal-użu mill-ġdid tal-ilma*** jistgħu jnaqqsu sostanzjalment il-konsum tal-ilma fl-agrikoltura***, il-bini u l-industrija*** u l-enerġija użata għat-trattament u l-ġarr tiegħu.

(60) F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika għandhom ikunu inklużivi u għalhekk dawn għandhom jiżguraw aċċess ekwu għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għall-konsumaturi kollha affettwati mill-faqar enerġetiku. It-titjib fl-effiċjenza enerġetika għandu jiġi implimentat bħala prijorità fost il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u ▌ fost l-unitajiet domestiċi ***b'introjtu baxx***, b'introjtu medju u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-anzjani u dawk li jgħixu f'żoni rurali u mbiegħda ***u fir-reġjuni ultraperiferiċi***. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni speċifika lil ċerti gruppi partikolari li jinsabu f'riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-partijiet obbligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija b'rabta mal-faqar enerġetiku u din il-possibbiltà diġà ġiet estiża għal miżuri ta' politika alternattivi u għall-Fondi Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. Dik għandha tissarraf f'obbligu li jiġu protetti u tingħata s-setgħa lill-klijenti u lill-utenti finali vulnerabbli u biex jittaffa l-faqar enerġetiku, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu flessibbiltà sħiħa b'rabta mat-tip ta' miżura ta' politika, u, mad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tagħha. Jekk skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika ma tkunx tippermetti miżuri relatati ma' konsumaturi tal-enerġija individwali, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri biex itaffi l-faqar enerġetiku permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi biss. Fi ħdan it-taħlita ta' politiki, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri l-oħra ta' politika ma jkollhomx effett negattiv fuq il-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aqwa użu possibbli mill-investimenti ta' finanzjament pubbliku għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż finanzjament u faċilitajiet finanzjarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.

(61) Din id-Direttiva tirreferi għall-kunċett ta' klijenti vulnerabbli, li l-Istati Membri jridu jistabbilixxu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/944. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE, il-kunċett ta' "utenti finali" flimkien mal-kunċett ta' "klijent finali" jiċċaraw li d-drittijiet għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum japplikaw ukoll għall-konsumaturi mingħajr kuntratti individwali jew diretti mal-fornitur tal-enerġija użata

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

għas-sistemi tal-produzzjoni kollettivi tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku f'bini b'ħafna okkupanti. Il-kunċett ta' klijenti vulnerabbli mhux bilfors jiżgura li jimmira wkoll għall-utenti finali. Għaldaqstant, biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jilħqu lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi kollha f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, l-Istati Membri għandhom jinkludu mhux biss lill-klijenti, fis-sens strett tagħha, iżda anke lill-utenti finali, meta jiġu biex jistabbilixxu d-definizzjoni tagħhom ta' klijenti vulnerabbli.

(62) Madwar 34 miljun unità domestika fl-Unjoni ma setgħux iżommu djarhom sħan kif xieraq fl-2019 [37]. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħti prijorità lid-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni b'impenn lejn il-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. It-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż it-tranżizzjoni nadifa, taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'modi differenti, u jaf tħalli impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għandhom ikunu ċentrali fi kwalunkwe strateġija kosteffettiva li tindirizza l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-klijenti, u jkunu kumplimentari għall-politiki tas-sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex ikun żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-inkwilini b'mod sostenibbli, għandhom jitqiesu l-kosteffettività ta' dawn il-miżuri u l-affordabbiltà tagħhom għas-sidien tal-proprjetajiet u għall-inkwilini, u għandu jiġi garantit appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lil-livell lokali u reġjonali biex jingħaraf u jittaffa l-faqar enerġetiku. ***Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu. Biex jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditjar tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-partijiet obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, u jinvolvu ruħhom mas-servizzi soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (bħal organizzazzjonijiet tal-konsumatur, NGOs soċjali u assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni) biex jistabbilixxu pjattaforma ta' involviment iddedikata biex jittaffa l-faqar enerġetiku.*** Fi żmien fit-tul, l-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġ jiġi trasformat f'NZEBs f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex biżżejjed, u l-bini okkupat minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati mill-faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva b'rabta mal-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi għandhom importanza partikolari.

(63) Biex jinħataf il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija, f'ċerti segmenti tas-suq li ġeneralment ma jiġux offruti awditjar tal-enerġija b'mod kummerċjali (bħall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)), l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi li jħeġġu ***u jappoġġaw*** lill-SMEs biex iwettqu awditjar tal-enerġija ***u biex jimplimentaw rakkomandazzjonijiet mill-awditjar tal-enerġija, pereżempju billi jiġu stabbiliti skemi ta' appoġġ, bħal ċentri tal-awditjar tal-enerġija għall-SMEs u l-mikrointrapriżi biex ikopru l-kostijiet ta' awditjar tal-enerġija. Ċentri bħal dawn jistgħu jkunu bbażati f'universitajiet, b'bażi tad-data ċentrali għall-ġbir u l-komunikazzjoni tar-riżultati tal-awditjar***. L-awditjar tal-enerġija għandu jkun obbligatorju u regolari għall-intrapriżi kbar, għax l-iffrankar tal-enerġija jista' jkun sinifikanti. L-awditjar tal-enerġija għandu jqis l-Istandards Ewropej jew internazzjonali, bħall-EN ISO 50001 (Sistemi ta' Ġestjoni tal-Enerġija), ***l-EN ISO 50005 (Sistemi ta' Ġestjoni tal-Enerġija),*** l-EN 16247-1 (Awditjar tal-enerġija), ***l-ISO 50002 (Awditjar tal-Enerġija)*** jew jekk ikunu jinkludu awditjar tal-enerġija, l-EN ISO 14000 (Sistemi tal-Ġestjoni Ambjentali) u għaldaqstant ikunu wkoll konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness VI ta' din id-Direttiva għax dawn id-dispożizzjonijiet ma jmorrux lil hinn mir-rekwiżiti ta' dawn l-istandards rilevanti. Bħalissa qed jiġi żviluppat standard Ewropew speċifiku dwar l-awditjar tal-enerġija. L-awditjar tal-enerġija jista' jsir b'mod awtonomu jew inkella jista' jkun parti minn sistema usa' ta' ġestjoni ambjentali jew kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. F'dawn il-każijiet kollha, dawk is-sistemi għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi tal-Anness VI. Barra minn hekk, mekkaniżmi u skemi speċifiċi stabbiliti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-konsum tal-fjuwil minn ċerti operaturi tat-trasport, pereżempju l-ETS tal-UE skont il-liġi tal-UE, jistgħu jitqiesu kompatibbli mal-awditjar tal-enerġija, inkluż fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, jekk dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness VI.

***(63a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw in-natura obbligatorja tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-enerġija mill-intrapriżi. In-nuqqas tal-obbligu li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar hija raġuni ewlenija għaliex dawk ir-rakkomandazzjonijiet mhumiex ikkunsidrati b'mod adegwat mill-intrapriżi.***

---

(37) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku, C(2020) 9600 final.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(64) Il-konsum medju tal-intrapriża għandu jkun il-kriterju li jiddefinixxi l-applikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u tal-awditjar tal-enerġija biex tiżdied is-sensittività ta' dawk il-mekkaniżmi fl-identifikazzjoni tal-opportunitajiet rilevanti tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv. L-intrapriżi li jinsabu f'livelli inqas mil-limiti tal-konsum definiti għas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u l-awditjar tal-enerġija għandhom jitheġġu ***u jingħataw appoġġ tekniku biex*** jagħmlu awditjar tal-enerġija u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dak l-awditjar.

(65) Meta l-awditjar tal-enerġija jsir minn esperti interni, l-indipendenza meħtieġa titlob li dawn l-esperti ma jkunux involuti direttament fl-attività awditjata.

(66) Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) huwa settur importanti ieħor li jikseb attenzjoni dejjem akbar. Fl-2018, il-konsum tal-enerġija taċ-ċentri tad-data fl-Unjoni kien 76,8 TWh. Dan mistenni jiżdied bi 28 % għal 98,5 TWh sal-2030. Din iż-żieda f'termini assoluti tidher ukoll f'termini relattivi: fl-UE, iċ-ċentri tad-data kienu responsabbli għal 2,7 % tad-domanda għall-elettriku fl-2018 u jekk l-iżvilupp jibqa' għaddej kif inhu, sal-2030 id-domanda tagħhom se tiżdied għal 3,21 % ([38]). L-Istrateġija Diġitali tal-Ewropa diġà enfasizzat il-ħtieġa ta' ċentri tad-data sostenibbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, u tappella għal miżuri ta' trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni fejn tidħol l-impronta ambjentali tagħhom. Biex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fis-settur tal-ICT, b'mod partikolari taċ-ċentri tad-data, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jippubblikaw data rilevanti għar-rendiment fl-użu tal-enerġija, għall-impronta tal-ilma ***u għall-flessibbiltà min-naħa tad-domanda*** taċ-ċentri tad-data, ***abbażi ta' mudell komuni tal-Unjoni***. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jippubblikaw data biss dwar iċ-ċentri tad-data ***b'domanda installata għall-potenza tal-IT ta' mill-inqas 100 kW***, li għalihom interventi xierqa ta' disinn jew ta' effiċjenza, għal installazzjonijiet ġodda jew eżistenti rispettivament, jistgħu jwasslu għal tnaqqis konsiderevoli tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma***, żieda fl-effiċjenza tas-sistemi li tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-grilja*** jew fl-użu mill-ġdid tas-sħana mormija f'faċilitajiet u networks tas-sħana fil-qrib. ***L-indikaturi*** tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data ***għandhom jiġu stabbiliti*** abbażi ta' dik id-data miġbura***, filwaqt li jitqiesu wkoll inizjattivi diġà eżistenti fis-settur. Bil-ħsieb li tiffaċilita l-iżvelar, il-Kummissjoni għandha tħejji linji gwida dwar il-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija taċ-ċentri tad-data, wara li twettaq konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u tikkunsidra metriċi standardizzati eżistenti. Huwa imperattiv li jkun hemm approċċ armonizzat madwar l-Istati Membri, sabiex jiġu evitati skemi ta' rappurtar differenti u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni bejn l-Istati Membri.***

(67) L-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data ***għandhom*** jintużaw biex ikejlu erba' dimensjonijiet bażiċi ta' ċentru tad-data sostenibbli, jiġifieri l-effiċjenza enerġetika użata, kemm minn dik l-enerġija tiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-użu mill-ġdid tas-sħana prodotta mormija***, l-effettività tat-tkessiħ, l-effettività tal-użu tal-karbonju*** u l-użu tal-ilma ħelu. L-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data għandhom jgħolqu sensibilizzazzjoni fost ***l-operaturi tan-networks,*** is-sidien u l-operaturi taċ-ċentri tad-data, il-manifatturi tat-tagħmir, l-iżviluppaturi tas-software u tas-servizzi, l-utenti tas-servizzi taċ-ċentri tad-data fil-livelli kollha kif ukoll l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jintroduċu, jużaw jew jakkwistaw servizzi tal-cloud u taċ-ċentri tad-data. Għandhom ukoll jagħtu fiduċja dwar it-titjib reali wara sforzi u miżuri biex tiżdied is-sostenibbiltà fiċ-ċentri tad-data ġodda jew eżistenti. Fl-aħħar nett, għandhom jintużaw bħala bażi għal ippjanar u teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti u bbażati fuq l-evidenza. L-użu tal-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data għandu jkun ***obbligatorju*** għall-Istati Membri. L-użu tal-indikatur tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data għandu jkun fakultattiv għall-Istati Membri. ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effiċjenza taċ-ċentri tad-data abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri.***

***(67a) Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]), tistabbilixxi sħubijiet għall-effiċjenza enerġetika speċifiċi għas-settur billi tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati, inklużi l-NGOs u s-sħab soċjali, f'setturi bħal dawk tal-ICT, it-trasport, is-setturi finanzjarji u tal-bini b'mod inklużiv u rappreżentattiv.***

---

([38]) https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market

***([39]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(68) Għandu jinkiseb aktar tnaqqis fl-infiq tal-konsumaturi fuq l-enerġija billi jingħataw għajnuna biex inaqqsu l-użu tal-enerġija tagħhom billi jnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini u jtejbu l-effiċjenza tal-apparati domestiċi, u dan għandu jiġi kkombinat mad-disponibbiltà ta' modi tat-trasport li jużaw inqas enerġija integrati mat-trasport pubbliku***, il-mobilità kondiviża*** u l-użu tar-rota. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll li jtejbu l-konnettività fiż-żoni rurali u mbiegħda.

(69) Is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni dwar il-benefiċċji ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika hija kruċjali, u li dawn jingħataw informazzjoni preċiża dwar modi kif din tista' tinkiseb. Iċ-ċittadini ta' kull età għandhom ikunu involuti wkoll fit-tranżizzjoni tal-enerġija permezz tal-Patt Klimatiku Ewropew u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika hija importanti ferm ukoll għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni bi tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni tal-fjuwils mill-pajjiżi terzi.

(70) Il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri kollha meħuda tal-effiċjenza enerġetika, inkluż il-perjodi ta' rkupru, għandhom isiru trasparenti għalkollox għall-konsumaturi.

(71) Meta jimplimentaw din id-Direttiva u jieħdu miżuri oħra fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-sinerġiji bejn il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u l-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali skont il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.

(72) L-Istati Membri, filwaqt li jieħdu vantaġġ minn mudelli u teknoloġiji ġodda tan-negozju, għandhom jistinkaw biex jippromwovu u jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż b'servizzi tal-enerġija innovattivi għal klijenti kbar u żgħar.

(73) Hu meħtieġ li jingħata rispons frekwenti u mtejjeb dwar il-konsum tal-enerġija, meta dan ikun fattibbli teknikament u kosteffiċjenti b'rabta mal-apparati tal-kejl użati. Din id-Direttiva tiċċara li jekk is-submetraġġ hux kosteffiċjenti jew le jiddependi fuq jekk il-kostijiet relatati humiex proporzjonati mal-iffrankar tal-enerġija potenzjali. Il-valutazzjoni dwar jekk il-kejl separat hux kosteffiċjenti jew le tista' tqis l-effett ta' miżuri konkreti oħra ppjanati f'bini partikolari, bħal pereżempju xi rinnovazzjoni li tkun se ssir. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn hu teknikament possibbli, finanzjarjament raġonevoli, u proporzjonat għall-iffrankar tal-enerġija potenzjali, fir-rigward tal-gass naturali, it-tisħin, it-tkessiħ u l-misħun domestiku, il-klijenti finali jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu eżatt il-konsum reali tal-enerġija tal-klijent finali u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu.***

(74) Din id-Direttiva tiċċara wkoll li għandhom jiġu applikati drittijiet relatati mal-kontijiet, u mal-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum, għall-konsumaturi tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku fornut minn sors ċentrali anke meta dawn ma jkollhomx relazzjoni kuntrattwali individwali diretta ma' fornitur tal-enerġija.

(75) Biex tinkiseb it-trasparenza fil-kontabbiltà tal-konsum individwali tal-enerġija termali u b'hekk tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tas-submetraġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ regoli nazzjonali trasparenti u disponibbli għall-pubbliku dwar l-allokazzjoni tal-kost tal-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku f'bini b'aktar minn appartament jew użu wieħed. Minbarra t-trasparenza, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jieħdu miżuri li jsaħħu l-kompetizzjoni fil-provvista tas-servizzi tas-submetraġġ u b'hekk jgħinu biex ikun żgurat li l-kostijiet kollha mġarrba mill-utenti finali jkunu raġonevoli.

(76) L-arloġġi tat-tisħin u l-allokaturi tal-kost tat-tisħin installati ġodda għandhom ikunu jistgħu jinqraw mill-bogħod biex ikun żgurat l-għoti kosteffettiv u frekwenti ta' informazzjoni dwar il-konsum ***u biex ikunu jistgħu jwasslu informazzjoni bħal temperaturi dettaljati u tagħbija tal-fażi. Id-data kollha għandha tkun disponibbli faċilment fil-ħin reali u tkun tista' tiġi kondiviża lill-konsumatur finali tal-enerġija. L-arloġġi u l-arloġġi separati għandhom juru l-konsum tal-enerġija f'forma aċċessibbli u faċli għall-utent.*** Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-metraġġ tal-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku; is-submetraġġ u l-allokazzjoni tal-kost għat-tisħin, it-tkessiħ u l-misħun domestiku; ir-rekwiżit ta' qari mill-bogħod; informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku; il-kost tal-aċċess għall-metraġġ u għall-informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku; u r-rekwiżiti minimi għall-informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku huma maħsuba biex japplikaw biss għat-tisħin, it-tkessiħ u l-misħun domestiku fornut minn sors ċentrali. L-Istati Membri huma liberi biex jiddeċiedu jekk it-teknoloġiji li jinqraw waqt il-mixi (walk-by) jew waqt is-sewqan (drive-by) għandhomx jitqiesu li jinqraw mill-bogħod jew le. L-apparati li jinqraw mill-bogħod ma jirrikjedux aċċess għal appartamenti jew unitajiet individwali biex jinqraw.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(77) L-Istati Membri għandhom iqisu l-fatt li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' teknoloġiji ġodda għall-kejl tal-konsum tal-enerġija tirrikjedi t-tisħiħ tal-investiment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet għall-utenti u anke għall-fornituri tal-enerġija.

(78) L-informazzjoni dwar il-kontijiet u r-rendikonti annwali huma mezz importanti biex il-klijenti jibqgħu informati dwar il-konsum tagħhom tal-enerġija. Id-data dwar il-konsum u l-kostijiet tista' wkoll tagħti informazzjoni oħra li tgħin lill-konsumaturi jqabblu l-kuntratt attwali tagħhom ma' offerti oħra u jużaw mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti u mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li t-tilwim relatat mal-kontijiet hu sors komuni ta' lmenti tal-konsumaturi u fattur li jikkontribwixxi għal livelli persistentement baxxi ta' sodisfazzjon tal-konsumaturi u ta' kwistjonijiet mal-provdituri tal-enerġija tagħhom, hu meħtieġ li jsiru kontijiet aktar sempliċi, aktar ċari u eħfef biex jinftiehmu, filwaqt li jkun żgurat li l-istrumenti separati, pereżempju informazzjoni dwar il-kontijiet, għodod tal-informazzjoni u dikjarazzjonijiet annwali, ikunu jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tal-enerġija tagħhom, iqabblu l-offerti u jaqilbu minn fornitur għal ieħor.

(79) Meta jfasslu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jiżguraw il-funzjonament korrett tas-suq intern u l-implimentazzjoni koerenti tal-*acquis*, skont it-TFUE.

(80) Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti għandhom potenzjal sinifikanti li jiffrankaw l-enerġija primarja fl-Unjoni. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti. Dawk il-valutazzjonijiet għandhom i***kunu bbażati fuq xenarju bażi li jwassal għal settur tat-tisħin u t-tkessiħ nazzjonali bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli fi żmien kompatibbli mal-ksib tal-objettiv tan-newtralità klimatika u*** jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u mal-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni. Soġġett għal analiżi tal-kostbenefiċċji li turi surplus tal-kostbenefiċċji, l-installazzjonijiet ġodda tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u l-installazzjonijiet eżistenti li jiġu rinnovati sostanzjalment jew li l-permess jew il-liċenzja tagħhom jiġu aġġornati, għandhom jiġu attrezzati b'unitajiet tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja biex tiġi rkuprata s-sħana mormija waqt il-produzzjoni tal-elettriku. Bl-istess mod, faċilitajiet oħra b'input tal-enerġija medju annwali sostanzjali għandhom jiġu attrezzati b'soluzzjonijiet tekniċi ħalli tintuża s-sħana mormija mill-faċilità, meta l-analiżi tal-kostbenefiċċji turi surplus tal-kostbenefiċċji. Din is-sħana mormija tista' tiġi ttrasportata skont il-ħtieġa minn networks tat-tisħin distrettwali. L-avvenimenti li jwasslu biex jiġi applikat rekwiżit għal kriterji ta' awtorizzazzjoni ġeneralment ikunu avvenimenti li jwasslu wkoll għal rekwiżiti għal permessi skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([40]) u għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/944.

***(80a) Meta jivvalutaw il-potenzjal għal tisħin u tkessiħ effiċjenti, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aspetti ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza usa'. Peress li l-pompi tas-sħana huma għodda indispensabbli għat-twettiq tal-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ, kwalunkwe impatt ambjentali potenzjali mir-refriġeranti għandu jiġi vvalutat u eliminat bis-sħiħ.***

(81) Jista' jkun xieraq li l-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li huma maħsubin biex jużaw ħżin ġeoloġiku kif permess skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([41]), jitqiegħdu f'postijiet fejn l-irkupru tas-sħana mormija minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja jew minn provvista ta' network tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali ma jkunx kosteffettiv. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżentaw lil dawk l-installazzjonijiet mill-obbligu li jwettqu analiżi tal-kostbenefiċċji biex jipprovdu lill-installazzjoni b'tagħmir li jippermetti l-irkupru tas-sħana mormija permezz ta' unità tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja. Għandu jkun ukoll possibbli li jiġu eżentati installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku peak-load u back-up li huma ppjanati li joperaw għal anqas minn 1500 siegħa ta' operazzjoni kull sena bħala medja inizjali fuq perjodu ta' ħames snin mir-rekwiżit li jipprovdu wkoll is-sħana.

(82) Jixraq li l-Istati Membri jħeġġu l-introduzzjoni ta' miżuri u proċeduri li jippromwovu l-installazzjonijiet ta' koġenerazzjoni b'input termali kklassifikat totali ta' inqas minn 5 MW biex iħeġġu l-ġenerazzjoni ta' enerġija distribwita.

(83) Biex jiġu implimentati valutazzjonijiet komprensivi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-valutazzjonijiet tal-potenzjal għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja***, il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sħana mormija għall-awtokonsum*** u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti fil-livell reġjonali u lokali. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jippromwovu u jiffaċilitaw l-użu tal-potenzjal kosteffiċjenti identifikat tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti.

---

([40]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

([41]) Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(84) Ir-rekwiżiti għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' politika klimatiċi fit-tul, u mal-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u għandhom jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/85. Is-sistemi kollha tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali għandhom jimmiraw li jtejbu l-abbiltà ta' interazzjoni ma' partijiet oħra tas-sistema tal-enerġija biex jiġi ottimizzat l-użu tal-enerġija u jkun evitat l-iskart tal-enerġija billi jinħataf il-potenzjal kollu tal-bini li jaħżen is-sħana jew il-kesħa, inkluż is-sħana żejda minn faċilitajiet ta' servizz u minn ċentri tad-data fil-qrib. Għal dik ir-raġuni, sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti għandha tiżgura ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika primarja u integrazzjoni progressiva tal-enerġija rinnovabbli u tas-sħana jew il-kesħa mormijin ***kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (42). Għaldaqstant, din id-Direttiva tintroduċi progressivament rekwiżiti aktar stretti b'rabta mal-provvista tat-tisħin u tat-tkessiħ, li għandhom ikunu applikabbli tul perjodi taż-żmien speċifiċi stabbiliti, u għandhom ikunu applikabbli b'mod permanenti mill-1 ta' Jannar 2050 'il quddiem.

(85) Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja ġiet definita bl-iffrankar tal-enerġija miksub minn produzzjoni kkombinata minflok minn produzzjoni separata ta' sħana u elettriku. Ir-rekwiżiti għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' politika klimatika fit-tul. Id-definizzjonijiet ta' koġenerazzjoni u ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja użati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-użu ta' definizzjonijiet differenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal finijiet oħra għajr dawk tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni. Biex jiġi massimizzat l-iffrankar tal-enerġija u jkun evitat it-telf tal-opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija, għandha tingħata l-akbar attenzjoni lill-kundizzjonijiet operazzjonali tal-unitajiet ta' koġenerazzjoni.

(86) Biex tiżgura t-trasparenza u tippermetti lill-klijent finali jagħżel bejn elettriku ta' koġenerazzjoni u elettriku ġġenerat b'tekniki oħra, l-oriġini tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandha tiġi ggarantita abbażi ta' valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza. L-iskemi tal-garanziji tal-oriġini minnhom innifishom ma jimplikawx dritt ta' benefiċċju minn mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali. Huwa importanti li kull forma ta' elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja tkun tista' tiġi koperta b'garanziji tal-oriġini. Għandha ssir distinzjoni bejn il-garanziji tal-oriġini u ċ-ċertifikati skambjabbli.

(87) L-istruttura speċifika tas-setturi tal-koġenerazzjoni u tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, li tinkludi bosta produtturi żgħar u medji, għandha titqies b'mod speċjali meta jkunu qed jiġu eżaminati l-proċeduri amministrattivi għall-kisba ta' permess biex tinbena kapaċità ta' koġenerazzjoni jew networks assoċjati, b'applikazzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir".

(88) Ħafna min-negozji tal-Unjoni huma SMEs. Dawn jirrappreżentaw potenzjal enormi ta' ffrankar tal-enerġija għall-Unjoni. Biex jgħinuhom jadottaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas favorevoli bil-għan li l-SMEs jingħataw assistenza teknika u informazzjoni mmirata.

(89) L-Istati Membri għandhom, abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, jistabbilixxu regoli li jikkontrollaw is-sostenn u l-kondiviżjoni tal-kostijiet tal-konnessjonijiet mal-grilja u tat-tisħiħ tal-grilja, u għall-adattamenti tekniċi meħtieġa għall-integrazzjoni tal-produtturi ġodda tal-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, filwaqt li jqisu linji gwida u kodiċijiet żviluppati skont ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (43) u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (44). Il-produtturi tal-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandhom jitħallew joħorġu sejħa għall-offerti għax-xogħol tal-konnessjoni. L-aċċess għas-sistema tal-grilja għall-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, speċjalment għal unitajiet ta' skala żgħira u ta' mikrokoġenerazzjoni, għandu jiġi ffaċilitat. F'konformità mal-Artikolu 99(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż b'rabta mal-effiċjenza enerġetika, fuq l-impriżi li jaħdmu fis-setturi tal-elettriku u tal-gass.

(90) Jeħtieġ jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet relatati mal-kontijiet, punt ta' kuntatt uniku, ir-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, il-faqar enerġetiku u d-drittijiet kuntrattwali bażiċi, bil-għan li jiġu allinjati, meta xieraq, mad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-elettriku skont id-Direttiva (UE) 2019/944, biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u biex il-klijenti finali jkunu jistgħu ***jkollhom aċċess dirett għal informazzjoni dettaljata***, ċara u aġġornata dwar il-konsum ***tal-elettriku,*** tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku tagħhom u biex jirregolaw l-użu tal-enerġija tagħhom***, u b'hekk jagħmlu l-konsum tal-enerġija kompletament trasparenti għall-konsumaturi***.

***(42) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).***

(43) Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

(44) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(91) Bid-disponibbiltà ta' mekkaniżmi effettivi u indipendenti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti għall-konsumaturi kollha, bħal ombudsman tal-enerġija, korp tal-konsumaturi jew awtorità regolatorja, għandha tkun żgurata b'aktar protezzjoni tal-konsumaturi. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jintroduċu proċeduri rapidi u effettivi għat-trattament tal-ilmenti.

(92) Għandhom jiġi rikonoxxuti ***u appoġġati b'mod attiv*** il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 ▌, u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, skont id-Direttiva (UE) 2019/944 favur l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Dawk il-komunitajiet jistgħu jgħinu lill-Istati Membri ***jimplimentaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-livell lokali*** billi javvanzaw l-effiċjenza enerġetika fil-livell lokali jew tal-unitajiet domestiċi***, kif ukoll fil-bini pubbliku b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali***. Dawn jistgħu jagħtu s-setgħa u jinvolvu lill-konsumaturi u jippermettu li ċerti gruppi ta' klijenti domestiċi, inkluż fiż-żoni rurali u mbiegħda ***u fir-reġjuni ultraperiferiċi*** jipparteċipaw fi proġetti u interventi tal-effiċjenza enerġetika***, ħafna drabi billi jgħaqqdu tali azzjonijiet ma' investiment fl-enerġija rinnovabbli. Il-komunitajiet tal-enerġija għandhom ukoll rwol b'saħħtu x'jaqdu fl-edukazzjoni u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-miżuri li jistgħu jieħdu biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija.*** Jekk appoġġati sew mill-Istati Membri, il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku billi jiffaċilitaw proġetti tal-effiċjenza enerġetika, b'inqas konsum tal-enerġija u b'tariffi aktar baxxi tal-provvista. ***L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli mhux meħtieġa biex jiżguraw li jkun attraenti li jinbnew komunitajiet tal-enerġija. L-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha għandhom ikunu mħarrġa kif suppost f'dan il-qasam.***

***(92a) Il-bidliet fl-imġiba fil-konsum tal-enerġija fuq perjodu twil jistgħu jinkisbu permezz tal-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini. Il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu biex ikun hemm iffrankar tal-enerġija fuq perjodu twil, b'mod partikolari fost l-unitajiet domestiċi, u żieda fl-investimenti sostenibbli miċ-ċittadini u n-negozji ż-żgħar. L-Istati Membri għandhom jawtonomizzaw dawn l-azzjonijiet miċ-ċittadini permezz ta' appoġġ għal proġetti u organizzazzjonijiet tal-enerġija tal-komunità.***

(93) Għandu jiġi rikonoxxut il-kontribut ta' punti uniċi ta' servizz jew ta' strutturi simili bħala mekkaniżmi li jistgħu jippermettu li diversi gruppi fil-mira, inkluż iċ-ċittadini, l-SMEs u l-awtoritajiet pubbliċi, ifasslu u jimplimentaw proġetti u miżuri relatati mat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. ***Il-kontribut ta' punti uniċi ta' servizz jista' jkun importanti ħafna għall-klijenti l-aktar vulnerabbli, inklużi n-nisa fid-diversità kollha tagħhom u l-ġenituri waħedhom, peress li dawn jistgħu jirrappreżentaw sors ta' informazzjoni aktar faċli, affidabbli u aċċessibbli dwar it-titjib fl-effiċjenza enerġetika***. Dak il-kontribut jista' jinkludi l-għoti ta' konsulenza u assistenza teknika, amministrattivi u finanzjarji, l-iffaċilitar tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa jew tal-aċċess għas-swieq finanzjarji, jew gwida mal-qafas legali nazzjonali u Ewropew, inkluż regoli u kriterji tal-akkwist pubbliku, u t-Tassonomija tal-UE.

(94) Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-impatt tal-miżuri tagħha li jappoġġaw l-iżvilupp ta' pjattaformi li jinvolvu, fost l-oħrajn, lill-korpi tad-djalogu soċjali Ewropew fit-tfassil ta' programmi ta' taħriġ għall-effiċjenza enerġetika, u għandha tressaq aktar miżuri jekk ikun xieraq. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ ukoll lis-sħab soċjali Ewropej fid-diskussjonijiet tagħhom dwar l-effiċjenza enerġetika, speċjalment b'rabta mal-klijenti u l-utenti finali vulnerabbli, inkluż dawk fil-faqar enerġetiku.

(95) Tranżizzjoni ġusta lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 hija ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, proklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, jinkludi l-enerġija fost is-servizzi essenzjali li kulħadd għandu d-dritt jaċċessa. Għandu jkun hemm disponibbli appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għall-persuni fil-bżonn ([45])***, partikolarment f'kuntest ta' pressjoni inflazzjonarja u żidiet sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija***.

([45]) L-EPSR, il-Prinċipju 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali": https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_mt

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(96) Jeħtieġ ikun żgurat li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali jiġu protetti u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa jipparteċipaw b’mod attiv f’interventi u miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, u f’miżuri relatati ta’ informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jimplimentaw l-Istati Membri. ***Għandhom jiġu żviluppati kampanji ta’ sensibilizzazzjoni mmirati biex juru l-benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll biex jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli.***

(97) Il-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għandu jiġi investit b’mod strateġiku f’miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b’mod partikolari għall-benefiċċju tal-klijenti vulnerabbli, tal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u tal-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jieħdu vantaġġ minn kull kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievu mill-Fond Soċjali għall-Klima ([46]), u mid-dħul mill-kwoti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan id-dħul se jappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplimentaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta’ politika skont l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, li jistgħu jinkludu lill-persuni li jgħixu f’reġjuni rurali u mbiegħda.

(98) L-iskemi ta’ finanzjament nazzjonali għandhom jiġu kkumplimentati bi skemi adegwati ta’ informazzjoni aħjar, assistenza teknika u amministrattiva, aċċess aktar faċli għall-finanzjament li jippermetti l-aħjar użu tal-fondi disponibbli speċjalment minn persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, minn klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, minn persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali.

(99) L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni kollha b’mod ugwali, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, u jiżguraw li l-aktar persuni affettwati jew li għandhom riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku, jew li huma l-aktar esposti għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, ikunu protetti kif xieraq. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika ma jaggravawx l-inugwaljanzi eżistenti, b’mod partikolari fir-rigward tal-faqar enerġetiku.

(100) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija jħaddmu approċċ integrat li jinkludi l-iffrankar potenzjali fil-provvista tal-enerġija u s-setturi tal-użu finali. Mingħajr preġudizzju għas-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-suq u l-investimenti antiċipatorji fi grilji offshore għall-użu tal-enerġija rinnovabbli offshore, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom jiżguraw li l-prinċipju “l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel” jiġi applikat fil-proċessi tal-ippjanar u tat-teħid tad-deċiżjonijiet u li t-tariffi tan-network u r-regolamentazzjoni jinċentivaw titjib fl-effiċjenza enerġetika. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu l-prinċipju “l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel”. Dan jgħin lill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jqisu soluzzjonijiet aħjar tal-effiċjenza enerġetika u kostijiet inkrementali mġarrba għall-akkwist ta’ riżorsi min-naħa tad-domanda, kif ukoll l-impatti ambjentali u soċjoekonomiċi ta’ investimenti u pjanijiet operazzjonali differenti tan-network. Approċċ bħal dan jirrikjedi bidla minn perspettiva dejqa tal-effiċjenza ekonomika għal benesseri soċjali massimizzati. Il-prinċipju “l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel” għandu b’mod partikolari jiġi applikat fil-kuntest tat-tiswir ta’ xenarji għall-espansjoni tal-infrastruttura tal-enerġija meta s-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda jistgħu jitqiesu bħala alternattivi vijabbli u jeħtieġ jiġu vvalutati kif xieraq, u għandu jsir parti intrinsika mill-valutazzjoni tal-proġetti tal-ippjanar tan-network. L-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi skrutinizzata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

(101) Għandu jkun disponibbli għadd biżżejjed ta’ professjonisti affidabbli u kompetenti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva u fil-ħin ta’ din id-Direttiva, pereżempju rigward il-konformità mar-rekwiżiti tal-awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta’ ċertifikazzjoni u/jew kwalifika ekwivalenti u t-taħriġ xieraq għall-provdituri ta’ servizzi tal-enerġija, awditjar tal-enerġija u miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza enerġetika b’kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, il-fornituri tat-taħriġ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. L-iskemi għandhom jiġu vvalutati kull erba’ snin minn Diċembru 2024 u jekk ikun meħtieġ jiġu aġġornati biex ikun żgurat il-livell meħtieġ ta’ kompetenzi għall-fornituri ta’ servizzi tal-enerġija, l-awdituri tal-enerġija, il-maniġers tal-enerġija u l-installaturi ta’ elementi tal-bini.

---

([46]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021)0568 final.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(102) Jeħtieġ jissokta l-iżvilupp tas-suq għas-servizzi tal-enerġija biex tkun żgurata d-disponibbiltà tad-domanda u tal-provvista tas-servizzi tal-enerġija. It-trasparenza, pereżempju permezz ta' listi ta' fornituri ta' servizzi tal-enerġija ċċertifikati u bid-disponibbiltà ta' kuntratti mudell, l-iskambju tal-aqwa prattiċi u linji gwida jikkontribwixxu għall-użu tas-servizzi tal-enerġija u għall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u jistgħu wkoll jgħinu biex jingħata stimolu lid-domanda u tiżdied il-fiduċja fil-fornituri ta' servizzi tal-enerġija . B'kuntratt għar-rendiment fl-użu tal-enerġija, il-benefiċjarju tas-servizz tal-enerġija jevita l-kostijiet tal-investiment billi juża parti mill-valur finanzjarju tal-iffrankar tal-enerġija biex iħallas lura l-investiment totali jew parzjali li tkun għamlet parti terza. Dan jista' jgħin biex jattira kapital privat li hu fundamentali biex jiżdiedu r-rati tar-rinnovazzjoni tal-bini fl-Unjoni, jitwassal għarfien espert fis-suq u jinħolqu mudelli tan-negozju innovattivi. Għalhekk, il-bini mhux residenzjali ***u l-bini residenzjali pubbliku*** b'erja utli tal-art ta' aktar minn ***500 m² u l-bini għal skopijiet soċjali*** għandhom ikunu meħtieġa jivvalutaw il-fattibbiltà li jsir ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għar-rinnovazzjoni. Dan ikun pass 'il quddiem biex tiżdied il-fiduċja fil-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija u titwitta t-triq għal aktar proġetti bħal dawn fil-futur.

(103) Minħabba l-objettivi ambizzjużi tar-rinnovazzjoni tul id-deċennju li ġej fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Mewġa ta' Rinnovazzjoni", jeħtieġ jiżdied ir-rwol tal-intermedjarji indipendenti tas-suq inkluż tal-punt uniku ta' servizz jew ta' mekkaniżmi ta' appoġġ simili biex jiġi stimulat l-iżvilupp tas-suq fuq in-naħat tad-domanda u tal-provvista u jiġi promoss ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjoni tal-bini privat u pubbliku. L-aġenziji tal-enerġija lokali jistgħu jaqdu rwol ewlieni f'dan ir-rigward, u biex jidentifikaw u jappoġġaw l-istabbiliment ta' faċilitaturi potenzjali jew punti uniċi ta' servizz. ***Din id-Direttiva għandha tgħin fit-titjib tad-disponibbiltà ta' prodotti, servizzi u pariri disponibbli fl-Unjoni u fis-swieq lokali, inkluż billi tippromwovi l-potenzjal għall-imprendituri nisa li jimlew il-lakuni fis-suq u jipprovdu modi innovattivi biex tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika.***

(104) L-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għadu jġarrab ostakli importanti f'diversi Stati Membri minħabba l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji pendenti. Għaldaqstant, jeħtieġ jiġu indirizzati l-ambigwitajiet tal-oqfsa leġiżlattivi nazzjonali, in-nuqqas ta' għarfien espert, speċjalment b'rabta mal-proċeduri tal-offerti, u self u għotjiet kompetittivi.

(105) L-Istati Membri għandhom jibqgħu jappoġġaw lis-settur pubbliku fl-adozzjoni ta' kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija billi jipprovdu mudelli ta' kuntratti li jqisu l-istandards Ewropej jew internazzjonali disponibbli, il-linji gwida għas-sejħiet għall-offerti u l-Gwida għat-Trattament Statistiku tal-Kuntratti għar-Rendiment tal-Enerġija ([47]) ppubblikata f'Mejju 2018 mill-Eurostat u mill-Bank Ewropew tal-Investiment dwar it-trattament tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-kontijiet tal-gvern, li jkunu taw opportunitajiet biex jiġu indirizzati l-ostakli regolatorji pendenti għal dawn il-kuntratti fl-Istati Membri.

(106) L-Istati Membri ħadu miżuri biex jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji. Madankollu, hemm bżonn jiżdiedu l-isforzi biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-użu ta' kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u ta' arranġamenti ta' finanzjament ma' partijiet terzi li jgħinu biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija. Dawn l-ostakli jinkludu regoli u prattika tal-kontabbiltà li jxekklu l-investimenti kapitali u l-iffrankar finanzjarju annwali li jinkiseb minn miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika milli jiġu riflessi kif xieraq fil-kontabbiltà għall-perjodu taż-żmien kollu tal-investiment.

(107) L-Istati Membri użaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija (NEEAPs) tal-2014 u tal-2017 biex jirrapportaw il-progress fit-tneħħija tal-ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-effiċjenza enerġetika, b'rabta mal-qsim tal-inċentivi bejn is-sidien u l-inkwilini jew fost is-sidien ta' binja jew ta' unitajiet tal-bini. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jaħdmu f'dik id-direzzjoni u jaħtfu l-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika fil-kuntest tal-istatistika tal-Eurostat tal-2016, irrappreżentata mill-fatt li aktar minn erbgħa minn kull għaxar Ewropej jgħixu f'appartamenti u li aktar minn tlieta minn kull għaxar Ewropej huma inkwilini.

(108) L-Istati Membri, u r-reġjuni ***reġjonali u lokali*** għandhom jitħeġġu jużaw bis-sħiħ il-fondi Ewropej disponibbli fil-QFP u f'NextGenerationEU, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji u l-assistenza teknika disponibbli permezz ta' InvestEU, biex jixprunaw investimenti privati u pubbliċi f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika. L-investiment fl-effiċjenza enerġetika għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għat-tkabbir

([47]) https://ec.europa.eu/eurostat/documents/1015035/8885635/guide_to_statistical_treatment_of_epcs_en.pdf/f74b474b-8778-41a9-9978-8f4fe8548ab1

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

ekonomiku, għall-impjiegi, għall-innovazzjoni u biex jonqos il-faqar enerġetiku tal-unitajiet domestiċi u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għal irkupru ekoloġiku. L-oqsma potenzjali għal finanzjament jinkludu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-akkomodazzjoni pubbliċi, u ***t-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, b'mod partikolari f'impjiegi relatati mar-rinnovazzjoni tal-bini,*** biex ikunu promossi l-impjiegi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika. Il-Kummissjoni se tiżgura sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari l-fondi b'ġestjoni konġunta u b'ġestjoni diretta (bħall-programmi b'ġestjoni ċentrali: Orizzont Ewropa jew LIFE), kif ukoll bejn għotjiet, self u assistenza teknika biex jiġi massimizzat l-effett ta' ingranaġġ tagħhom fuq il-finanzjament privat u l-impatt tagħhom fuq il-kisba tal-objettivi tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika.

(109) L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' faċilitajiet ta' finanzjament biex jilħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. Dawn il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet finanzjarji u multi meta ma jitwettqux ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva; ir-riżorsi allokati għall-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 10 (3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([48]); ir-riżorsi allokati għall-effiċjenza enerġetika fil-fondi u l-programmi Ewropej, u strumenti finanzjarji Ewropej iddedikati, bħall-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika. L-Istati Membri għandhom jaħdmu fuq pjattaformi ta' bini li jkunu mmirati lejn l-aggregazzjoni ta' proġetti żgħar u ta' daqs medju bil-ħsieb li jinħolqu ġabriet ta' proġetti adatti għal skopijiet ta' finanzjament.

(110) Dawn il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu jiġu bbażati, meta applikabbli, fuq ir-riżorsi allokati għall-effiċjenza enerġetika mill-bonds tal-proġetti tal-Unjoni; ir-riżorsi allokati għall-effiċjenza enerġetika mill-Bank Ewropew tal-Investiment u minn istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, b'mod partikolari l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa; ir-riżorsi ingranati fl-istituzzjonijiet finanzjarji; ir-riżorsi naturali, inkluż bil-ħolqien ta' oqfsa regolatorji u fiskali li jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' inizjattivi u programmi tal-effiċjenza enerġetika; id-dħul mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([49]).

(111) Il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu b'mod partikolari jużaw dawn il-kontributi, ir-riżorsi u d-dħul li jippermettu u jħeġġu l-investiment kapitali privat, b'mod partikolari permezz ta' investituri istituzzjonali, filwaqt li jintużaw kriterji li jiżguraw il-kisba tal-objettivi ambjentali u soċjali għall-għoti tal-fondi; jużaw mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament (pereżempju garanziji fuq is-self għall-kapital privat, garanziji fuq is-self għat-trawwim ta' kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, għotjiet, self sussidjat u linji ta' kreditu dedikati, sistemi ta' finanzjament minn partijiet terzi) li jnaqqsu r-riskji tal-proġetti tal-effiċjenza enerġetika u jippermettu rinnovazzjonijiet kosteffettivi anke fost l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju; ikunu marbutin ma' programmi jew aġenziji li jaggregaw u jivvalutaw il-kwalità tal-proġetti tal-iffrankar tal-enerġija, jipprovdu assistenza teknika, jippromwovu s-suq tas-servizzi tal-enerġija u jgħinu fil-ġenerazzjoni tad-domanda tal-konsumaturi għal servizzi tal-enerġija.

(112) Il-faċilitajiet ta' finanzjament jistgħu jipprovdu wkoll riżorsi xierqa biex jappoġġaw il-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni li jtejbu u jakkreditaw il-ħiliet għall-effiċjenza enerġetika; jipprovdu r-riżorsi għal riċerka dwar teknoloġiji fuq skala żgħira u mikro tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, u għat-turija u l-adozzjoni malajr tagħhom, u għall-ottimizzazzjoni tal-konnessjonijiet ta' dawn il-ġeneraturi mal-grilja; ikunu marbutin ma' programmi li jieħdu azzjoni biex jippromwovu l-effiċjenza enerġetika fid-djar kollha biex ikun evitat il-faqar enerġetiku u biex is-sidien li jikru l-proprjetà tagħhom jitħeġġu jagħmluhom effiċjenti fl-użu tal-enerġija kemm jista' jkun; jipprovdu r-riżorsi xierqa biex jappoġġaw id-djalogu soċjali u jinħolqu standards biex itejbu l-effiċjenza enerġetika u jiżguraw kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol u s-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

(113) Il-programmi ta' finanzjament, l-istrumenti finanzjarji u l-mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament disponibbli fl-Unjoni għandhom jintużaw għal twettiq fil-prattika tal-objettiv li jitjieb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-bini tal-korpi pubbliċi. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul tagħhom mill-allokazzjonijiet annwali

([48]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([49]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

tal-emissjonijiet skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE fl-iżvilupp ta’ mekkaniżmi bħal dawn b’mod volontarju u filwaqt li jqisu r-regoli baġitarji nazzjonali. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali b’informazzjoni adegwata dwar tali programmi. Pereżempju, l-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki tista’ tkun waħda mill-għodod għall-għoti ta’ informazzjoni adegwata.***

(114) Fl-implimentazzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-impatt tal-miżuri rilevanti fuq id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi l-iskema tal-UE għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet (ETS) biex iżżomm l-inċentivi fis-sistema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet li jippremjaw l-investimenti b’livelli baxxi tal-karbonju u tipprepara lis-setturi tal-ETS għall-innovazzjonijiet meħtieġa fil-futur. Din jeħtieġ timmonitorja l-impatt fuq dawk is-setturi industrijali li huma esposti għal riskju sinifikanti ta’ rilokazzjoni tal-karbonju kif determinat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE ([50]), biex ikun żgurat li din id-Direttiva tippromwovi l-iżvilupp ta’ dawn is-setturi u mhux tfixkilhom.

(115) Il-miżuri tal-Istati Membri għandhom jiġu appoġġati bi strumenti finanzjarji tal-Unjoni mfassla sew u effettivi skont il-programm InvestEU, u bil-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li għandhom jappoġġaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-istadji kollha tal-katina tal-enerġija u jużaw analiżi komprensiva tal-kostbenefiċċji b’mudell ta’ rati ta’ skonti differenzjati. L-appoġġ finanzjarju għandu jiffoka fuq metodi kosteffettivi li jżidu l-effiċjenza enerġetika u li jwasslu biex jonqos il-konsum tal-enerġija. Il-BEI u l-BERŻ, flimkien mal-banek promozzjonali nazzjonali, għandhom ifasslu, jiġġeneraw u jiffinanzjaw programmi u proġetti ddedikati għas-settur tal-effiċjenza, inkluż għall-unitajiet domestiċi f’sitwazzjoni ta’ faqar enerġetiku.

(116) Il-liġi transettorjali tipprevedi bażi soda għall-protezzjoni tal-konsumaturi għal firxa wiesgħa ta’ servizzi tal-enerġija attwali, u din aktarx tevolvi. Madankollu, ċerti drittijiet kuntrattwali bażiċi tal-konsumaturi għandhom jiġu stabbiliti b’mod ċar. Il-konsumaturi għandhom ikollhom disponibbli informazzjoni sempliċi u mhux ambigwa dwar id-drittijiet tagħhom b’rabta mas-settur tal-enerġija.

(117) Id-disponibbiltà ta’ mekkaniżmi effettivi u indipendenti ta’ riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti għall-konsumaturi kollha, bħal ombudsman tal-enerġija, korp tal-konsumaturi jew awtorità regolatorja, hija żgurata b’aktar protezzjoni tal-konsumaturi. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jintroduċu proċeduri rapidi u effettivi għat-trattament tal-ilmenti.

(118) Biex tkun tista’ tiġi evalwata l-effettività ta’ din id-Direttiva, għandu jiġi stabbilit rekwiżit ta’ rieżami ġenerali ta’ din id-Direttiva u li jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta’ Frar 2027. Dak ir-rieżami għandu jippermetti l-allinjamenti meħtieġa, b’kunsiderazzjoni wkoll tal-iżviluppi ekonomiċi u fl-innovazzjoni.

(119) L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jingħataw rwol ewlieni fl-iżvilupp u t-tfassil, fl-eżekuzzjoni u fil-valutazzjoni tal-miżuri stabbiliti f’din id-Direttiva, biex ikunu jistgħu jindirizzaw sew il-karatteristiċi speċifiċi tal-klima, tal-kultura u tas-soċjetà tagħhom.

***(119a) Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, b’mod partikolari fir-rigward tal-konnessjoni tal-enerġija, il-produzzjoni, il-provvista u l-konsum, u r-riskju akbar ta’ faqar enerġetiku, għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni ultraperiferiċi u lill-abitanti tagħhom meta jfasslu, jimplimentaw u jevalwaw il-miżuri previsti f’din id-Direttiva.***

(120) Biex jirrifletti l-progress teknoloġiku u s-sehem dejjem akbar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-koeffiċjent awtomatiku għall-iffrankar f’kWh ta’ elettriku, għandu jiġi rivedut biex jirrifletti t-tibdil fil-fattur tal-enerġija primarja (PEF) għall-elettriku u għal vetturi oħra tal-enerġija. Il-kalkoli li jirriflettu t-taħlita tal-enerġija tal-PEF għall-elettriku huma bbażati fuq valuri medji annwali. Il-metodu tal-kontabbiltà tal-“kontenut tal-enerġija fiżika” jintuża għall-ġenerazzjoni nukleari tal-elettriku u tas-sħana,

([50]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE tas-27 ta’ Ottubru 2014 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta’ setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu mill-2015 sal-2019 (ĠU L 308, 29.10.2014, p. 114).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

u l-metodu tal-"effiċjenza tal-konverżjoni teknika" jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana minn fjuwils fossili u mill-bijomassa. Għall-enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, il-metodu hu l-ekwivalenti dirett abbażi tal-approċċ tal-"enerġija primarja totali". Biex jiġi kkalkulat is-sehem tal-enerġija primarja għall-elettriku fil-koġenerazzjoni, jiġi applikat il-metodu stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva. Tintuża pożizzjoni medja tas-suq aktar milli waħda marġinali. L-effiċjenzi tal-konverżjoni huma preżunti li huma 100 % għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, 10 % għall-impjanti ġeotermali u 33 % għall-impjanti tal-enerġija nukleari. Il-kalkolu tal-effiċjenza totali għall-koġenerazzjoni hu bbażat fuq l-aktar data riċenti tal-Eurostat. Fir-rigward tal-konfini tas-sistema, il-PEF hu 1 għas-sorsi kollha tal-enerġija. Il-valur tal-PEF jirriferi għall-2018 u hu bbażat fuq data interpolata mill-aktar verżjoni riċenti tax-Xenarju ta' Referenza PRIMES għall-2015 u għall-2020 u aġġustat b'data tal-Eurostat sal-2016. L-analiżi tkopri l-Istati Membri u n-Norveġja. Is-sett tad-data għan-Norveġja hu bbażat fuq id-data tal-ENTSO-E.

(121) L-iffrankar tal-enerġija miksub bl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni ma għandux jiġi dikjarat sakemm ma jinkisibx minn miżura li tmur lil hinn mill-minimu meħtieġ mill-att legali tal-Unjoni inkwistjoni, kemm bl-istabbiliment ta' rekwiżiti aktar ambizzjużi tal-effiċjenza enerġetika fil-livell tal-Istat Membru u kemm biż-żieda fl-adozzjoni tal-miżura. Il-bini jippreżenta potenzjal sostanzjali għal aktar żidiet fl-effiċjenza enerġetika, u r-rinnovazzjoni tal-bini hi element essenzjali u fit-tul, flimkien mal-ekonomiji ta' skala biex jiżdied l-iffrankar tal-enerġija. Għalhekk għandu jiġi ċċarat li jista' jiġi dikjarat l-iffrankar tal-enerġija kollu miksub minn miżuri li jippromwovu r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti, dment li dan jaqbeż l-iffrankar li kien jinkiseb bin-nuqqas tal-miżura ta' politika u dment li l-Istat Membru juri li l-parti parteċipanti jew inkarigata obbligata fil-fatt ikkontribwiet għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat.

(122) F'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, għandha tingħata aktar prominenza lir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-verifika għall-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika alternattivi, inkluż ir-rekwiżit ta' verifika ta' kampjun statistikament rappreżentattiv tal-miżuri. F'din id-Direttiva, proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika għandhom jinftiehmu li jirrikjedu l-istabbiliment ta' subsett ta' popolazzjoni statistika tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija inkwistjoni, b'tali mod li dan ikun jirrifletti b'mod preċiż il-popolazzjoni kollha tal-miżuri kollha tal-iffrankar tal-enerġija, biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru konklużjonijiet raġonevolment affidabbli rigward il-fiduċja fit-totalità tal-miżuri.

(123) L-enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini minn teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli tnaqqas l-ammont ta' enerġija fornut mill-fjuwils fossili. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini huma miżuri importanti biex jonqsu d-dipendenza enerġetika u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, b'mod speċjali fid-dawl tal-objettivi ambizzjużi marbutin mal-klima u l-enerġija stabbiliti għall-2030 kif ukoll tal-impenn dinji li sar fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi. Għall-finijiet tal-obbligu tagħhom ta' ffrankar kumulattiv tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu iqisu l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika li jippromwovu t-teknoloġiji rinnovabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija skont il-metodoloġija tal-kalkolu prevista f'din id-Direttiva. L-iffrankar tal-enerġija b'miżuri ta' politika dwar l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili ma għandux jingħadd.

(124) Uħud mill-bidliet introdotti b'din id-Direttiva jistgħu jirrikjedu emenda sussegwenti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex tkun żgurata l-koerenza bejn iż-żewġ atti legali. Id-dispożizzjonijiet ġodda, b'mod partikolari dawk relatati mal-istabbiliment tal-kontributi nazzjonali ***vinkolanti***, ***it-trajettorji u l-istadji importanti,*** il-mekkaniżmi li jikkumpensaw għad-diskrepanzi u l-obbligi tar-rappurtar, għandhom jiġu simplifikati u trasferiti f'dak ir-Regolament, ladarba jiġi emendat. Fid-dawl tal-bidliet proposti f'din id-Direttiva, jaf ikun hemm bżonn ukoll valutazzjoni mill-ġdid ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1999. Ir-rekwiżiti addizzjonali ta' rappurtar u ta' monitoraġġ ma għandhomx joħolqu sistemi ġodda ta' rappurtar iżda jkunu soġġetti għall-qafas eżistenti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar skont ir-Regolament (EU) 2018/1999.

(125) Biex trawwem l-implimentazzjoni prattika ta' din id-Direttiva fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, il-Kummissjoni għandha tibqa' tappoġġa l-iskambju ta' esperjenzi dwar il-prattiki, valutazzjoni komparattiva, attivitajiet ta' networking, u prattiki innovattivi bi pjattaforma online.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(126) Peress li l-objettivi ta’ din id-Direttiva, jiġifieri li tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni u li titwitta t-triq lejn aktar titjib fl-effiċjenza enerġetika u lejn in-newtralità klimatika, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(127) Biex ikun jista’ jsir adattament għall-progress tekniku u jkunu jistgħu jsiru bidliet fid-distribuzzjoni tas-sorsi tal-enerġija, is-setgħa li tadotta atti f’konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami tal-valuri ta’ referenza armonizzati tal-effiċjenza stabbiliti abbażi ta’ din id-Direttiva u fir-rigward tal-valuri, il-metodi tal-kalkolu, il-koeffiċjent prestabbilit tal-enerġija primarja, u r-rekwiżiti fl-Annessi ta’ din id-Direttiva.

(128) Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell ta’ esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f’konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([51]). B’mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin kif jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta’ esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(129) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat tal-implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([52]).

(130) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttiva ta’ qabel. L-obbligu ta’ traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva ta’ qabel.

(131) Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XV,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

## *SUĠĠETT, KAMP TA’ APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET U MIRI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA*

### *Artikolu 1*

### Suġġett u kamp ta’ applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta’ miżuri li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika fl-Unjoni biex ikun żgurat li l-mira ***vinkolanti*** tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni tintlaħaq u tkun tippermetti aktar titjib fl-effiċjenza enerġetika, ***filwaqt li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Pariġi u għas-sigurtà tal-Unjoni tal-provvista tal-enerġija permezz tat-tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, inklużi l-fjuwils fossili, filwaqt li tittrasforma r-relazzjonijiet tal-Unjoni dwar l-enerġija ma’ sħab ta’ pajjiżi terzi lejn il-kisba tan-newtralità klimatika.***

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli mfassla biex jimplimentaw l-effiċjenza enerġetika bħala prijorità fost is-setturi kollha, ineħħu l-ostakli fis-suq tal-enerġija u jxejnu l-fallimenti tas-suq li jxekklu l-effiċjenza fil-provvista***, fit-trażmissjoni, fil-ħżin*** u fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, din tipprevedi li jiġu stabbiliti kontributi nazzjonali ***vinkolanti*** tal-effiċjenza enerġetika għall-2030.

([51]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([52]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", u b'hekk tikkontribwixxi għall-Unjoni bħala soċjetà inklużiva, ġusta u prospera b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva.

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva huma rekwiżiti minimi u ma għandhom ixekklu lill-ebda Stat Membru milli jżomm jew idaħħal miżuri aktar stretti. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi miżuri aktar stretti, l-Istat Membru għandu jinnotifika din il-leġiżlazzjoni lill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "enerġija" tfisser kull forma ta' prodotti tal-enerġija, fjuwils kombustibbli, sħana, enerġija rinnovabbli, elettriku, jew kwalunkwe forma oħra ta' enerġija, kif definit fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([53]);

(2) "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tfisser il-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999;

(3) "sistema tal-enerġija" tfisser sistema ddisinjata primarjament biex tipprovdi servizzi tal-enerġija biex tissodisfa d-domanda tas-setturi tal-użu finali għall-enerġija fil-forma ta' sħana, fjuwils u elettriku.

***(3a) "effiċjenza tas-sistema" tfisser l-għażla ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija fejn dawn jippermettu wkoll perkors ta' dekarbonizzazzjoni kosteffettiv, flessibbiltà addizzjonali u l-użu effiċjenti tar-riżorsi;***

(4) "konsum tal-enerġija primarja" tfisser l-enerġija disponibbli grossa, esklużi l-bunkers marittimi internazzjonali, il-konsum finali mhux tal-enerġija, is-sħana ambjentali ***u l-enerġija ġeotermali użata fil-pompi tas-sħana***;

(5) "konsum tal-enerġija finali" tfisser kull enerġija fornuta lill-industrija, lit-trasport (inkluż il-konsum tal-enerġija fl-avjazzjoni internazzjonali), lill-unitajiet domestiċi, lis-servizzi pubbliċi u privati, lill-agrikoltura, lill-forestrija u s-sajd, u lil utenti finali oħra (il-konsumaturi finali tal-enerġija). Din teskludi l-konsum tal-enerġija fil-bunkers marittimi internazzjonali, is-sħana ambjentali u ***l-enerġija ġeotermali użata fil-pompi tas-sħana u*** l-konsenji lis-settur tat-trasformazzjoni, u s-settur tal-enerġija u t-telf minħabba t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni (japplikaw id-definizzjonijiet fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008);

(6) "effiċjenza enerġetika" tfisser il-proporzjon tal-output ta' rendiment, servizz, oġġett jew enerġija, għall-input tal-enerġija;

(7) "iffrankar tal-enerġija" tfisser ammont ta' enerġija ffrankata u ddeterminata b'kejl u/jew stima tal-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tkun żgurata n-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija;

(8) "titjib fl-effiċjenza enerġetika" tfisser żieda fl-effiċjenza enerġetika permezz ta' bidliet teknoloġiċi, komportamentali u/jew ekonomiċi;

(9) "servizz tal-enerġija" tfisser il-benefiċċju fiżiku, l-utilità jew il-vantaġġ miksubin minn kombinament ta' enerġija ma' teknoloġija jew azzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li tista' tinkludi l-operazzjonijiet, il-manutenzjoni u l-kontroll meħtieġa biex jitwassal is-servizz, li jitwassal abbażi ta' kuntratt u li f'ċirkostanzi normali wriet li tikseb titjib fl-effiċjenza enerġetika jew iffrankar tal-enerġija primarja li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat;

(10) "korpi pubbliċi" tfisser "awtoritajiet kontraenti" kif definit fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([54]);

---

([53]) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

([54]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(10a) "bini għal skopijiet soċjali" tfisser bini okkupat biss minn korpi li mhumiex korpi pubbliċi, li huma ffinanzjati pubblikament u li jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi soċjali jew l-akkomodazzjoni soċjali;***

(11) "erja tal-art utli totali" tfisser l-erja tal-art ta' binja jew ta' parti minn binja, fejn l-enerġija tintuża biex tikkondizzjona l-klima interna;

(12) "awtoritajiet kontraenti" tfisser awtoritajiet kontraenti kif definit fl-Artikoli 6(1), 2(1) u 3(1) tad-Direttivi 2014/23/UE, id-Direttiva 2014/24/UE u d-Direttiva 2014/25/UE rispettivament;

(13) "entitajiet kontraenti" tfisser entitajiet kontraenti kif definit fid-Direttivi 2014/23/UE u 2014/25/UE rispettivament;

(14) "sistema ta' ġestjoni tal-enerġija" tfisser sett ta' elementi interrelatati jew interattivi ta' pjan li jistabbilixxi objettiv tal-effiċjenza enerġetika u strateġija biex jinkiseb dak l-objettiv, inkluż il-monitoraġġ tal-konsum reali tal-enerġija, l-azzjonijiet meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u l-kejl tal-progress;

(15) "standard Ewropew" tfisser standard adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika jew mill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni u magħmul disponibbli għall-użu pubbliku;

(16) "standard internazzjonali" tfisser standard adottat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni u magħmul disponibbli għall-pubbliku;

(17) "parti obbligata" tfisser distributur tal-enerġija jew kumpanija tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut jew operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li huma marbuta bl-iskema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 9;

(18) "parti inkarigata" tfisser entità legali b'setgħa delegata minn gvern jew minn korp pubbliku ieħor biex tiżviluppa, tmexxi jew tħaddem skema ta' finanzjament f'isem il-gvern jew il-korp pubbliku l-ieħor;

(19) "parti parteċipanti" tfisser intrapriża jew korp pubbliku li impenjaw ruħhom li jilħqu ċerti objettivi bħala parti minn ftehim volontarju, jew li huma koperti bi strument ta' politika regolatorju nazzjonali;

(20) "awtorità pubblika ta' implimentazzjoni" tfisser korp regolat minn liġi pubblika li hu responsabbli għat-twettiq jew il-monitoraġġ ta' tassazzjoni fuq l-enerġija jew il-karbonju, skemi u strumenti finanzjarji, inċentivi fiskali, standards u normi, skemi tat-tikkettar tal-enerġija, taħriġ jew edukazzjoni;

(21) "miżura ta' politika" tfisser strument regolatorju, finanzjarju, fiskali, volontarju jew tal-għoti tal-informazzjoni stabbilit u implimentat formalment fi Stat Membru biex jinħoloq qafas ta' appoġġ, rekwiżit jew inċentiv għall-atturi tas-suq biex jipprovdu u jixtru servizzi tal-enerġija u biex jieħdu miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza enerġetika;

(22) "azzjoni individwali" tfisser azzjoni li twassal għal titjib fl-effiċjenza enerġetika li jista' jiġi verifikat, u mkejjel jew stmat, u li sar bis-saħħa ta' miżura ta' politika;

(23) "distributur tal-enerġija" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, inkluż operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni, li hi responsabbli għat-twassil tal-enerġija bil-għan li titwassal għand klijenti finali jew għand stazzjonijiet tad-distribuzzjoni li jbigħu l-enerġija lil klijenti finali;

(24) "operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" tfisser "operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni" kif definit fl-Artikolu 2(29) tad-Direttiva (UE) 2019/944 fir-rigward tal-elettriku, u fl-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2009/73/KE, fir-rigward tal-gass rispettivament;

(25) "kumpanija tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tbigħ l-enerġija lil klijenti finali;

(26) "klijent finali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-enerġija għall-użu finali tagħha stess;

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(27) “fornitur ta’ servizz tal-enerġija” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twassal servizzi ta’ enerġija jew miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika f’faċilità jew f’bini tal-klijent finali;

***(27a) “intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju” jew “SME” tfisser intrapriża kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE*** (55)***;***

***(27b) “mikrointrapriża” tfisser intrapriża kif definit fl-Artikolu 2(3) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE;***

(28) “awditjar tal-enerġija” tfisser proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil tal-konsum tal-enerġija ***u l-ġestjoni*** ta’ binja jew ta’ grupp ta’ bini, ta’ operazzjoni jew ta’ installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta’ servizz privat jew pubbliku, li jiġu identifikati u kwantifikati opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv, jiġi identifikat il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, u jiġu rrappurtati s-sejbiet;

(29) “ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija” tfisser arranġament kuntrattwali bejn il-benefiċjarju u l-provditur ta’ miżura li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, ivverifikata u monitorjata tul it-terminu kollu tal-kuntratt, fejn ix-xogħol, il-provvista jew is-servizz f’dik il-miżura jitħallsu b’mod relattiv ma’ livell ta’ titjib fl-effiċjenza enerġetika miftiehem kuntrattwalment jew ma’ kriterju ieħor miftiehem tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, bħall-iffrankar finanzjarju;

(30) “sistema ta’ metraġġ intelliġenti” tfisser “sistema ta’ arloġġi intelliġenti” kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/944;

***(30a) “punt tal-irriċarġjar” tfisser punt tal-irriċarġjar kif definit fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva … [AFIR – 2021/0223(COD)];***

(31) “operatur tas-sistema tat-trażmissjoni” tfisser “operatur ta’ sistema tat-trażmissjoni” kif definit fl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u fid-Direttiva 2009/73/KE, għall-elettriku u għall-gass, rispettivament;

(32) “koġenerazzjoni” tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta’ enerġija termali u ta’ enerġija elettrika jew mekkanika;

(33) “domanda ġustifikabbli ekonomikament” tfisser domanda li ma taqbiżx il-ħtiġijiet tat-tisħin jew tat-tkessiħ u li kieku tiġi ssodisfata f’kundizzjonijiet tas-suq bi proċessi ta’ ġenerazzjoni tal-enerġija, għajr il-koġenerazzjoni;

(34) “sħana utli” tfisser sħana ġġenerata bi proċess ta’ koġenerazzjoni biex tissodisfa domanda ġustifikabbli ekonomikament għal tisħin jew tkessiħ;

(35) “elettriku minn koġenerazzjoni” tfisser elettriku ġġenerat bi proċess marbut mal-produzzjoni ta’ sħana utli u kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness II;

(36) “koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja” tfisser koġenerazzjoni li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness III;

(37) “effiċjenza kumplessiva” tfisser it-total annwali tal-produzzjoni tal-elettriku u tal-enerġija mekkanika u tal-output tas-sħana utli diviża bl-input tal-fjuwil użat għas-sħana ġġenerata bi proċess ta’ koġenerazzjoni u bil-produzzjoni grossa tal-elettriku u tal-enerġija mekkanika;

(38) “proporzjon tal-enerġija għas-sħana” tfisser il-proporzjon tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għas-sħana utli waqt operazzjoni fil-modalità ta’ koġenerazzjoni sħiħa bl-użu ta’ data operazzjonali tal-unità speċifika;

(39) “unità ta’ koġenerazzjoni” tfisser unità li tista’ topera f’modalità ta’ koġenerazzjoni;

---

(55) ***Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(40) "unità ta' koġenerazzjoni ta' skala żgħira" tfisser unità ta' koġenerazzjoni b'kapaċità installata inqas minn 1 $MW_e$;

(41) "unità ta' mikrokoġenerazzjoni" tfisser unità ta' koġenerazzjoni b'kapaċità massima inqas minn 50 $kW_e$;

(42) "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" tfisser sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 24;

(43) "tisħin u tkessiħ effiċjenti" tfisser alternattiva ta' tisħin u tkessiħ li, meta mqabbla ma' xenarju bażiku li jirrifletti s-sitwazzjoni attwali, tnaqqas b'mod miżurabbli l-input tal-enerġija primarja meħtieġa biex tiġi fornuta unità waħda tal-enerġija mwassla fi ħdan konfini ta' sistema rilevanti b'mod kosteffettiv, kif ivvalutata fl-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija f'din id-Direttiva, b'kunsiderazzjoni tal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni, il-konverżjoni, il-ġarr u d-distribuzzjoni;

(44) "tisħin u tkessiħ individwali effiċjenti" tfisser alternattiva ta' provvista ta' tisħin u tkessiħ individwali li, meta mqabbla ma' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti, tnaqqas b'mod miżurabbli l-input tal-enerġija primarja mhux rinnovabbli meħtieġa biex tiġi fornuta unità waħda tal-enerġija mwassla fi ħdan konfini ta' sistema rilevanti, jew tirrikjedi l-istess input ta' enerġija primarja mhux rinnovabbli iżda b'inqas kost, b'kunsiderazzjoni tal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni, il-konverżjoni, il-ġarr u d-distribuzzjoni;

(45) "ċentru tad-data" tfisser struttura, jew grupp ta' strutturi ***użati għaż-żamma, il-konnessjoni u t-tħaddim ta' sistema/servers tal-kompjuter*** u tagħmir ***assoċjat għall-ħżin, l-ipproċessar u/jew id-distribuzzjoni*** tad-data***, kif ukoll attivitajiet relatati kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132*** (***[56]***);

(46) "rinnovazzjoni sostanzjali" tfisser rinnovazzjoni li l-kost tagħha jaqbeż il-50 % tal-kost tal-investiment għal unità ġdida komparabbli;

(47) "aggregatur" għandha t-tifsira attribwita lil "aggregatur indipendenti" kif definit fl-Artikolu 2(19) tad-Direttiva (UE) 2019/944;

(48) "faqar enerġetiku" tfisser ***l-inabbiltà, relatata man-nuqqas ta' affordabbiltà,*** ta' unità domestika ***li tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi tal-provvista tal-enerġija tagħha u n-nuqqas*** ta' aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija ***biex jiġu żgurati livelli bażiċi ta' kumdità u saħħa,*** standard tal-għajxien u tas-saħħa deċenti, inklużi ***tisħin, misħun***, tkessiħ, tidwil, u enerġija adegwati biex jitħaddmu l-apparati, fil-kuntest nazzjonali rilevanti, u fil-politika soċjali eżistenti u f'politiki rilevanti oħra***, ikkawżati minn fattur wieħed jew minn kombinazzjoni tal-fatturi li ġejjin: introjtu disponibbli insuffiċjenti, infiq għoli għall-enerġija u effiċjenza enerġetika fqira tad-djar***;

(49) "utent finali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri t-tisħin, it-tkessiħ jew il-misħun domestiku għall-użu finali tagħha stess, jew persuna fiżika jew ġuridika li tokkupa binja jew unità individwali f'binja b'diversi appartamenti jew b'diversi użi, fornuta b'tisħin, tkessiħ jew misħun domestiku minn sors ċentrali li ma jkollha l-ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija;

(50) "inċentivi maqsuma" tfisser in-nuqqas ta' distribuzzjoni ġusta u raġonevoli ta' obbligi finanzjarji u premjijiet relatati ma' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fost l-atturi kkonċernati, pereżempju s-sidien u l-inkwilini jew is-sidien differenti tal-unitajiet tal-bini, jew is-sidien u l-inkwilini jew is-sidien differenti ta' bini b'diversi appartamenti jew b'diversi użi.

***(50a) "strateġija ta' involviment" tfisser strateġija li tistabbilixxi objettivi, tiżviluppa tekniki u tistabbilixxi l-proċess li bih jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u lokali, inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bħall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, fil-proċess tat-tfassil tal-politika, bil-għan li tiżdied is-sensibilizzazzjoni, jinkiseb feedback dwar tali politiki u tittejjeb l-aċċettazzjoni pubblika tagħhom;***

***([56]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132 tat-28 ta' Jannar 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, l-istatistika ta' kull xahar u l-istatistika ta' kull xahar fuq żmien qasir dwar l-enerġija (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 208).***

L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022

***(50b) "punt uniku ta' servizz" tfisser punt uniku għall-għoti ta' pariri, gwida u informazzjoni.***

*Artikolu 3*

**Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"**

1. F'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, ***inklużi r-riżorsi orjentati lejn id-domanda u l-flessibbiltajiet tas-sistema, jiġu vvalutati fit-tfassil u l-ippjanar ta' deċiżjonijiet*** ta' politika ***kif ukoll ta' deċiżjonijiet*** ta' investiment ewlenin relatati mas-setturi li ġejjin:

(a) sistemi tal-enerġija, u

(b) setturi mhux tal-enerġija, meta dawk is-setturi jkunu jħallu impatt fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika***, inklużi l-bini, it-trasport, l-ilma, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), is-setturi tal-agrikoltura u finanzjarji***.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"***, inkluż, fejn xieraq, l-integrazzjoni tas-setturi u l-impatti transsettorjali,*** tiġi vverifikata mill-entitajiet rilevanti meta d-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investiment ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' approvazzjoni u ta' monitoraġġ.

***2a. Fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749*** [57].

3. Fl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-Istati Membri għandhom:

(a) ***jiżviluppaw, japplikaw u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku metodoloġija*** tal-kostbenefiċċji ***li tippermetti l-valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika filwaqt li jqisu ċ-ċiklu tal-ħajja kollu u l-iżviluppi prevedibbli, l-effiċjenza tas-sistema u l-kostefiċjenza, is-sigurtà tal-provvista u l-kwantifikazzjoni*** mill-perspettiva tas-soċjetà***, tas-saħħa, ekonomika u tan-newtralità klimatika***;

***(aa) jiżguraw li l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" ikollha impatt pożittiv fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku;***

(b) jidentifikaw entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" ***tal-oqfsa regolatorji, inklużi r-regolamenti finanzjarji,*** u ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika ***u s-sistemi tal-enerġija***;

***(ba) jiżguraw li l-investimenti li jsiru jkunu ambjentalment sostenibbli fl-istadji kollha tal-katina tal-valur tal-enerġija u japplikaw l-prinċipji taċ-ċirkolarità fi tranżizzjoni għan-newtralità klimatika;***

(c) jirrapportaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar kif il-prinċipju ***"l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"*** tqies fl-ippjanar nazzjonali, reġjonali ***u lokali***, fil-politika u fid-deċiżjonijiet ta' investiment ewlenin relatati mas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali ***u mas-setturi mhux tal-enerġija, meta dawk is-setturi jkollhom impatt fuq il-konsum tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, inklużi, iżda mhux limitati għal dawn li ġejjin:***

***(i) valutazzjoni tal-applikazzjoni sistematika u l-benefiċċji tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fis-sistemi tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsum tal-enerġija;***

---

[57] ***Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għall-prattika – Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu.***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(ii) lista ta' azzjonijiet meħuda biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu regolatorju jew mhux regolatorju mhux meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u tas-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda, inkluż permezz tal-identifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni u miżuri nazzjonali li jmorru kontra l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel";***

***3a. Minn … [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jissupplimenta din id-Direttiva billi jistabbilixxi qafas ġenerali komuni inklużi s-superviżjoni, il-proċedura ta' monitoraġġ u rappurtar li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex ifasslu l-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà filwaqt li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jadattaw għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u lokali.***

*Artikolu 4*

**Miri tal-effiċjenza enerġetika**

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' mill-inqas ***40 %*** fl-2030 ***fil-konsum tal-enerġija finali u 42,5 % fil-konsum tal-enerġija primarja*** meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza ***tal-2007*** biex il-konsum tal-enerġija finali tal-Unjoni jammonta għal mhux aktar minn ***740*** Mtoe u l-konsum tal-enerġija primarja tal-Unjoni jammonta għal mhux aktar minn ***960*** Mtoe fl-2030 ([58]).

2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kontributi nazzjonali ***vinkolanti*** tal-effiċjenza enerġetika għall-konsum tal-enerġija finali u primarja biex kollettivament l-Istati Membri jissodisfaw il-mira vinkolanti tal-Unjoni stabbilita fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk il-kontributi flimkien ma' trajettorja ***b'żewġ punti ta' referenza (stadji importanti) fl-2025 u 2027*** għal dawk il-kontributi, lill-Kummissjoni bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, stabbilita fl-Artikolu 3 u fl-Artikoli 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. ***Meta jistabbilixxu l-kontributi nazzjonali vinkolanti tagħhom,*** l-Istati Membri għandhom ***japplikaw*** il-formula definita fl-Anness I ta' din id-Direttiva u jispjegaw kif, u abbażi ta' liema data, ġew ikkalkulati l-kontributi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll is-sehem tal-konsum tal-enerġija tas-setturi tal-użu finali tal-enerġija, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija, inkluż tal-industrija, residenzjali, tas-servizzi u tat-trasport, fil-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Għandhom jiġu indikati wkoll il-projezzjonijiet għall-konsum tal-enerġija ▌ fl-ICT ▌.

Meta jistabbilixxu dawk il-kontributi, l-Istati Membri għandhom iqisu:

(a) li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ma jridx ikun aktar minn ***740*** Mtoe tal-konsum tal-enerġija finali jew ma jridx ikun aktar minn ***960*** Mtoe tal-konsum tal-enerġija primarja;

(b) il-miżuri previsti f'din id-Direttiva;

(c) miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni;

(d) il-fatturi rilevanti ***li ġejjin*** li jaffettwaw l-isforzi tal-effiċjenza ***inklużi fil-formula stabbilita fl-Anness I***:

i. il-livell kollettiv ta' ambizzjoni meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi;

ii. id-distribuzzjoni ekwa tal-isforzi madwar l-Unjoni;

iii. l-intensità tal-enerġija tal-ekonomija;

(iv) il-potenzjal pendenti tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv;

---

([58]) Il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kienet inizjalment stabbilita u kkalkulata bl-użu tal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2007 għall-2030 bħala xenarju bażi. Il-bidla fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija tal-Eurostat u t-titjib fil-projezzjonijiet tal-immudellar sussegwenti jeżiġu bidla fix-xenarju bażi. Għaldaqstant, bl-istess approċċ kif ġiet definita l-mira, jiġifieri t-tqabbil tagħha mal-projezzjonijiet futuri tax-xenarju bażi, l-ambizzjoni tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 hija stabbilita bi tqabbil mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta' Referenza tal-2020 għall-2030 li jirriflettu l-kontributi nazzjonali mill-NECPs. B'dak ix-xenarju bażi aġġornat, l-Unjoni jeħtieġ tkompli żżid l-ambizzjoni tagħha tal-effiċjenza enerġetika b'mill-inqas 9 % fl-2030 meta mqabbla mal-livell tal-isforzi fix-Xenarju ta' Referenza tal-2020. Il-mod ġdid kif jiġi espress il-livell ta' ambizzjoni għall-miri tal-Unjoni ma jaffettwax il-livell reali tal-isforzi meħtieġ.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(e) ***fatturi*** nazzjonali oħra li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija, b'mod partikolari:

(i) l-evoluzzjoni u l-previżjoni tal-PDG;

(ii) bidliet fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-enerġija, żviluppi fit-taħlita tal-enerġija, u l-adozzjoni ta' fjuwils sostenibbli ġodda;

(iii) l-iżvilupp tas-sorsi kollha tal-enerġiji rinnovabbli, l-enerġija nukleari, il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju;

(iv) id-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija.

***(iv a) il-livell ta' ambizzjoni fil-pjanijiet nazzjonali ta' dekarbonizzazzjoni/newtralità klimatika.***

***Meta l-Istati Membri jqisu l-fatturi nazzjonali msemmija fil-punt (e) tat-tielet subparagrafu, dan ma għandux iwassal biex ma tintlaħaqx il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kontribut kollettiv tal-Istati Membri huwiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni u tivvaluta jekk il-kontributi humiex konformi mal-kisba tal-istadji importanti. Meta tikkonkludi li dan ma jkunx biżżejjed, hija għandha, fi żmien xahrejn min-notifika tal-Istati Membri dwar il-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika, tipproponi lil kull Stat Membru kontribut nazzjonali kkoreġut tal-effiċjenza enerġetika filwaqt li tiżgura li l-kontribut kollettiv tal-Istati Membri jilħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni. Meta tapplika dak il-mekkaniżmu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda differenza fil-konsum tal-enerġija primarja u finali bejn is-somma tal-kontributi nazzjonali tal-Istati Membri u l-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni.***

3. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2018/1999, ***tivvaluta l-progress tal-Istati Membri fil-kisba tal-kontributi nazzjonali vinkolanti u l-istadji importanti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Meta l-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha,*** li ma sarx biżżejjed progress biex jintlaħqu l-kontributi tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri li jaqbżu ▌ t-trajettorji ***u l-istadji importanti*** tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżguraw li jiġu implimentati miżuri addizzjonali fi żmien sena mid-data tal-wasla tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni biex ikun żgurat li jissokta l-perkors it-tajjeb biex jiksbu l-kontributi tagħhom tal-effiċjenza enerġetika. Għalkemm ma għandhomx ikunu limitati għalihom, dawk il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu l-miżuri li ġejjin:

a. il-miżuri nazzjonali li jipprovdu iffrankar tal-enerġija addizzjonali, inkluż b'assistenza aktar b'saħħitha għall-iżvilupp tal-proġetti li jimplimentaw miżuri ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika;

b. iż-żieda tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit fl-Artikolu 8;

c. l-aġġustament tal-obbligu għas-settur pubbliku;

d. l-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja volontarja lill-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika msemmi fl-Artikolu 28 jew strument ta' finanzjament ieħor maħsub għall-effiċjenza enerġetika, meta l-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali għandhom ikunu daqs l-investimenti meħtieġa biex tintlaħaq ▌ it-trajettorja.

Meta Stat Membru jkun 'il fuq ▌ mit-trajettorja tiegħu msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dan għandu jinkludi fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, spjegazzjoni ***dwar il-miżuri li se jieħu biex ikopri*** d-diskrepanza biex jiżgura li jilħaq il-kontributi nazzjonali tiegħu tal-effiċjenza enerġetika ***u l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija li kull miżura hija mistennija tikseb***.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri nazzjonali msemmija f'dan il-paragrafu humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni biex tiżgura, b'mod partikolari, li jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull bidla metodoloġika fid-data rrappurtata skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-bilanċ tal-enerġija u fil-mudelli tal-enerġija għall-użu Ewropew tal-enerġija u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi aġġustamenti tekniċi fil-kalkolu tal-miri tal-Unjoni għall-2030 bil-ħsieb li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

**KAPITOLU II**

***IR-RWOL EŻEMPLARI TAS-SETTUR PUBBLIKU***

*Artikolu 5*

**Is-settur pubbliku fuq quddiem nett fl-effiċjenza enerġetika**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsum totali finali tal-enerġija tal-korpi pubbliċi kollha flimkien jitnaqqas b'mill-inqas **2 %** kull sena, meta mqabbel mas-sena X-2 (X hija is-sena meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ).

Meta jikkalkulaw il-konsum tal-enerġija finali tal-korpi pubbliċi tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-varjazzjonijiet klimatiċi fl-Istat Membru.

2. Fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima u fl-aġġornamenti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jinkludu ***l-lista tal-korpi*** pubbliċi ***kollha*** li għandhom jikkontribwixxu biex jiġi ssodisfat l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ammont ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ***u l-iffrankar tal-enerġija*** li ***jridu jinkisbu*** minn kull wieħed minnhom, u l-miżuri ppjanati biex ***jinkisbu dawn***. Bħala parti mir-rapporti nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali miksub kull sena.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ***rilevanti, mal-aġenziji tal-enerġija tagħhom, fejn rilevanti,*** u mal-pubbliku, inkluż il-gruppi partikolari li jinsabu fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew aktar suxxettibbli għall-effetti tiegħu ***abbażi tal-introjtu, il-ġeneru, id-demografija, il-kundizzjoni tas-saħħa jew is-sħubija tagħhom fi grupp minoritarju***, bħal ▌ persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li, meta jfasslu u jimplimentaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-awtoritajiet reġjonali u lokali jevitaw impatti negattivi diretti jew indiretti tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fuq dawk f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku, unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jew gruppi vulnerabbli.***

4. L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu appoġġ finanzjarju u tekniku*** lill-korpi pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika ***u jħeġġuhom iqisu l-benefiċċji usa' lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija, bħall-kwalità tal-arja ta' ġewwa u tal-ambjent kif ukoll titjib tal-livell tal-kwalità tal-ħajja tan-nies u l-kumdità ta' bini pubbliku rinnovat, b'mod partikolari għall-iskejjel, iċ-ċentri għall-kura ta' matul il-jum, id-djar tal-kura, l-akkomodazzjoni protetta, l-isptarijiet, u l-akkomodazzjoni soċjali,*** inkluż fil-livelli reġjonali u lokali. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu*** linji gwida, ***jippromwovu*** l-bini ta' kompetenzi u opportunitajiet tat-taħriġ***, inkluż dwar ir-rinnovazzjoni tal-enerġija permezz ta' Kuntratti tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija u sħubijiet pubbliċi privati*** u ***jħeġġu*** l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, inkluż fost l-aġenziji. ***L-Istati Membri għandhom jappoġġaw korpi pubbliċi biex jindirizzaw in-nuqqas ta' riżorsi umani, li huma meħtieġa fl-istadji kollha tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-ħaddiema tas-sengħa kif ukoll esperti tat-teknoloġija ekoloġika b'livell għoli ta' ħiliet, xjenzjati u innovaturi applikati.***

5. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-korpi pubbliċi biex jikkunsidraw l-emissjonijiet tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja ***kif ukoll il-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tas-sigurtà tal-enerġija*** tal-attivitajiet ta' investiment u ta' politika tal-korpi pubbliċi tagħhom ***u għandhom jipprovdu gwida speċifika f'dak ir-rigward***.

***5a. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi pubbliċi biex jieħdu miżuri adegwati biex jindirizzaw id-dimensjoni tat-tisħin tal-bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jew okkupat minnhom, b'mod partikolari permezz tas-sostituzzjoni ta' ħiters qodma u ineffiċjenti u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili.***

***5b. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu tat-trasport pubbliku u mezzi oħra ta' mobilità li jniġġsu inqas u huma aktar effiċjenti fl-enerġija, bħall-ferrovija, l-użu tar-rota, il-mixi jew il-mobilità kondiviża, billi jġeddu u jiddekarbonizzaw il-flotot, iħeġġu bidla modali u jinkludu dawk il-mezzi fl-ippjanar tal-mobilità urbana.***

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

*Artikolu 6*

**Ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE ▌, kull Stat Membru għandu jiżgura li kull sena tiġi rinnovata mill-anqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li tkun il-proprjetà ta’ korpi pubbliċi ***tal-kategoriji li ġejjin u ta’ bini għal skopijiet soċjali*** biex din mill-anqas tiġi ttrasformata f’Bini b’Użu ta’ Enerġija Qrib Żero (NZEBs) ***jew bini b’emissjonijiet żero*** f’konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE ***b’kunsiderazzjoni xierqa tal-kosteffettività u tal-fattibbiltà teknika:***

***(a) bini li jkun il-proprjetà ta’ korpi pubbliċi;***

***(b) bini li għadu kif ġie okkupat minn korpi pubbliċi, minn… [id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva];***

***(c) bini okkupat minn korpi pubbliċi meta jilħqu punt ta’ attivazzjoni (tiġdid tal-kiri, bejgħ, bidla fl-użu, tiswija sinifikanti jew xogħol ta’ manutenzjoni).***

***L-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-akkomodazzjoni soċjali mill-obbligu ta’ rinnovazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu fejn tali rinnovazzjonijiet ma jkunux newtrali f’termini ta’ kostijiet jew iwasslu għal żidiet fil-kera għall-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali li bl-ebda mod ma tista’ tkun limitata għall-ekwivalenti tal-iffrankar ekonomiku fuq il-kont tal-enerġija.***

Meta l-korpi pubbliċi jokkupaw binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom jeżerċitaw id-drittijiet kuntrattwali tagħhom sa fejn ikun possibbli u jheġġu lil sid il-binja biex jirrinovaha f’Bini b’Użu ta’ Enerġija Qrib Żero (NZEB) f’konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE ***jew jimplimentaw sistema ta’ ġestjoni tal-enerġija jew kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija biex jinżamm u jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija maż-żmien***. Meta l-korpi pubbliċi jikkonkludu kuntratt ġdid għall-okkupanza ta’ binja li ma tkunx il-proprjetà tagħhom, dawn għandhom ***jiżguraw*** li ***l-binja tidħol*** fl-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika fuq iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ***jew jistabbilixxu klawżoli kuntrattwali li jimpenjaw lis-sid tal-bini biex jirrinova l-bini għal Bini b’Użu ta’ Enerġija Qrib Żero (NZEB) qabel ma jkun okkupat mill-korp pubbliku***.

Ir-rata ta’ mill-anqas 3 % għandha tiġi kkalkulata fuq l-erja totali tal-art tal-bini li jkollu erja tal-art utli totali ta’ aktar minn 250 $m^2$ li tkun il-proprjetà ta’ korpi pubbliċi ▌ u ***tal-bini għal skopijiet soċjali*** li, fl-1 ta’ Jannar 2024, ma tkunx Bini b’Użu ta’ Enerġija Qrib Żero (NZEBs).

***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti biex jiżguraw li, fejn ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, il-bini li jkun il-proprjetà ta’ korpi pubbliċi jew okkupat minnhom kif imsemmi fl-ewwel u fit-tielet subparagrafi ta’ dan il-paragrafu u l-bini għal skopijiet soċjali ta’ aktar minn 250 m² ikun mgħammar b’sistemi ta’ awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini jew soluzzjonijiet oħra għall-ġestjoni attiva tal-flussi tal-enerġija, f’konformità mal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2010/31/UE.***

***Fejn ikun teknikament fattibbli u kosteffettiv, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jinstallaw għadd ta’ punti tal-irriċarġjar fil-bini li jkun il-proprjetà ta’ korpi pubbliċi jew okkupat minnhom li jaqbżu r-rekwiżiti minimi previsti fl-Artikolu [12] tad-Direttiva… [riformulazzjoni tal-EPBD – 2021/0426(COD)].***

***1a. B’deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rekwiżiti inqas stretti li jistabbilixxu rekwiżiti differenti tal-effiċjenza enerġetika għall-kategoriji ta’ bini li ġejjin:***

***(a) bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat, jew minħabba l-mertu arkitettoniku jew storiku speċjali tiegħu, sa fejn il-konformità ma’ ċerti rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tibdel b’mod inaċċettabbli l-karattru jew l-apparenza tiegħu;***

***(b) bini li jkun il-proprjetà tal-forzi armati jew il-gvern ċentrali u li qed jintuża għal finijiet ta’ difiża nazzjonali, iżda li mhux postijiet ta’ għajxien singoli jew bini tal-uffiċċji tal-forzi armati u persunal ieħor impjegat mill-awtoritajiet tad-difiża nazzjonali;***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(c) bini użat bħala post ta' qima u għal attivitajiet reliġjużi.***

***1b. Sabiex l-iffrankar tal-enerġija jiġi antiċipat u biex jiġi pprovdut inċentiv għal azzjoni bikrija, Stat Membru li jirrinova aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tiegħu f'konformità mal-paragrafu 1 fi kwalunkwe sena sal-31 ta' Diċembru 2026 jista' jgħodd is-surplus mar-rata annwali ta' rinnovazzjoni ta' kwalunkwe waħda mit-tliet snin ta' wara. Stat Membru li jirrinova aktar minn 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini tiegħu mill-1 ta' Jannar 2027 jista' jgħodd is-surplus mar-rata ta' rinnovazzjoni annwali tas-sentejn ta' wara.***

2. F'każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jgħoddu mar-rata tar-rinnovazzjoni annwali ta' bini ġdid proprjetà bħala sostitut għal bini speċifiku ta' korpi pubbliċi mwaqqa' f'waħda mis-sentejn preċedenti. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom japplikaw biss meta jkunu aktar kosteffettivi u sostenibbli f'termini ta' enerġija u tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ tul iċ-ċiklu tal-ħajja miksubin meta mqabbla mar-rinnovazzjonijiet ta' dan il-bini. Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u l-proċeduri biex jiġu identifikati dawn il-każijiet eċċezzjonali għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u ppubblikati minn kull Stat Membru.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku inventarju ta' bini msaħħan u/jew imkessaħ ***li huwa proprjetà tal-korpi pubbliċi jew okkupat minnhom kif imsemmi fl-ewwel u fit-tielet subparagrafi tal-paragrafu 1 u bini għal skopijiet soċjali*** b'erja tal-art utli totali ta' aktar minn 250 $m^2$. Dan l-inventarju għandu jiġi ***stabbilit sat-30 ta' Ġunju 2024, u għandu jiġi*** aġġornat mill-anqas darba fis-sena. ***Dan għandu jinġabar f'bażi tad-data faċli għall-utent u jkun marbut mal-ħarsa ġenerali tal-istokk tal-bini li ssir fil-qafas tal-istrateġiji nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul f'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE u mal-bażijiet tad-data stabbiliti skont l-Artikolu [19] ta' dik id-Direttiva [riformulazzjoni tal-EPBD – 2021/0426(COD)].***

***Meta tali inventarji jkunu diġà jeżistu fil-livelli lokali jew reġjonali, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiffaċilita l-ġbir tad-data u l-attivitajiet tal-ipproċessar relatati mal-inventarju tiegħu. L-inventarju għandu jippermetti wkoll lill-atturi privati inklużi l-ESCOs biex jieħdu sehem f'soluzzjonijiet ta' rinnovazzjoni. Id-data dwar il-karatteristiċi tal-istokk tal-bini, il-prestazzjoni tal-qoxra tal-bini, is-sistemi tekniċi tal-bini, ir-rinnovazzjoni tal-bini u r-rendiment fl-użu tal-enerġija tista' tiġi aggregata mill-Osservatorju Ewropew tal-Istokk Immobiljari biex jiġi żgurat fehim aħjar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tas-settur tal-bini permezz ta' data komparabbli.***

L-inventarju għandu jkun fih mill-anqas id-data li ġejja:

(a) l-erja tal-art f'$m^2$;

***(ab) il-konsum annwali tal-enerġija tas-sħana, it-tkessiħ, l-elettriku u l-misħun meta dik id-data tkun disponibbli;***

(b) iċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' kull binja maħruġ f'konformità ***mal-Artikolu 16 tad-Direttiva … [riformulazzjoni tal-EPBD – 2021/0426(COD)] jew, fejn ma jeżisti l-ebda ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-sors tas-sħana tal-bini, l-intensità tal-enerġija tal-bini mogħtija f'kWh/($m^2$*y), installazzjonijiet tal-ventilazzjoni u tat-tkessiħ u installazzjonijiet tekniċi oħra;***

***(ba) l-iffrankar tal-enerġija mkejjel li jirriżulta mir-rinnovazzjoni ta' bini li jkun il-proprjetà ta' korpi pubbliċi jew okkupat minnhom u ta' bini għal skopijiet soċjali u azzjonijiet oħra ta' effiċjenza enerġetika fuq dak il-bini;***

***(bb) l-età, it-tip ta' użu, it-tipoloġija u l-post (urban jew rurali) tal-bini.***

***Minbarra d-data msemmija fit-tielet subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jinkludu aspetti kwalitattivi fl-inventarji tagħhom. B'mod partikolari, huma jistgħu jehmżu mal-inventarji tagħhom deskrizzjoni tal-miżuri relatati mal-istrateġiji ta' involviment tagħhom sabiex jiżguraw li s-sidien u l-okkupanti tal-bini jadattaw l-imġiba tagħhom għall-iffrankar tal-enerġija u għar-rekwiżiti operazzjonali tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEBs) Tali annessi għandhom ikunu disponibbli fil-forma ta' ċentri ta' riżorsi preeżistenti ġestiti minn awtoritajiet lokali, jew miżjuda magħhom, li għandhom ikunu aċċessibbli għal partijiet ikkonċernati, inklużi dawk li jfasslu l-politika, sidien il-kera soċjali privati u assoċjazzjonijiet tal-kerrejja, u maniġers ta' uffiċċji privati.***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*Artikolu 7*

**L-akkwist pubbliku**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, meta jikkonkludu kuntratti pubbliċi u konċessjonijiet ta' valur daqs jew aktar mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE, fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE, jixtru biss prodotti, servizzi, bini u xogħlijiet b'rendiment għoli tal-effiċjenza enerġetika, ***filwaqt li titqies kif xieraq il-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji,*** f'konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li meta jikkonkludu l-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet ta' valur daqs jew aktar mil-limiti msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" imsemmi fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva, inkluż għal dawk il-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet li għalihom m'hemm previst l-ebda rekwiżit speċifiku fl-Anness IV.

2. L-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika għall-kuntratti tal-forzi armati biss safejn l-applikazzjoni tiegħu ma toħloqx kunflitt man-natura u mal-għan primarju tal-attivitajiet tal-forzi armati. L-obbligu ma għandux japplika għall-kuntratti tat-tagħmir militari kif definit fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([59]).

3. Minkejja l-paragrafu 4 tal-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jivvalutaw il-fattibbiltà li jiġu konklużi kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fit-tul li jipprovdu ffrankar tal-enerġija fit-tul meta jiffirmaw kuntratti ta' servizzi b'kontenut sinifikanti ta' enerġija.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, meta jinxtara pakkett ta' prodotti kopert għalkollox minn att delegat adottat skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([60]), l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-effiċjenza enerġetika aggregata tiegħu prijorità fuq l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti individwali f'dak il-pakkett, billi jinxtara l-pakkett ta' prodotti li jkun konformi mal-kriterju li jappartjeni għall-ogħla klassi ta' effiċjenza enerġetika ***disponibbli***.

5. L-Istati Membri ***għandhom*** jirrikjedu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu, meta xieraq, aspetti usa' ta' sostenibbiltà, soċjali, ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari fil-prattiki tal-akkwist***, b'mod partikolari għas-settur tat-trasport,*** biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni u ta' tniġġis żero. Meta xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni.

Biex tkun żgurata t-trasparenza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fil-proċess tal-akkwist, l-Istati Membri għandhom jagħmlu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar l-impatt tal-effiċjenza enerġetika ta' kuntratti b'valur daqs jew aktar mil-limiti msemmija fil-paragrafu 1. L-awtoritajiet kontraenti ***għandhom*** jirrikjedu li l-offerenti jiżvelaw informazzjoni dwar il-potenzjal ta' tisħin dinji tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini ġdid ***u bini li jrid jiġi rinnovat, inkluż l-użu ta' materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ċ-ċirkolarità tal-materjali użati, u għandhom*** jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għall-kuntratti, b'mod partikolari għal bini ġdid b'erja tal-art akbar minn 2 000 metru kwadru.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti fl-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, billi jipprovdu regoli u linji gwida ċari, inkluż metodoloġiji, dwar il-valutazzjoni tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-impatti u l-kostijiet ambjentali, jistabbilixxu ċentri ta' appoġġ għall-kompetenzi, iħeġġu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti, inkluż bejn il-fruntieri, u jużaw l-akkwist aggregat u l-akkwist diġitali meta possibbli.

***5a. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tipprovdi aktar gwida u għodod lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-uffiċjali tal-akkwist fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fil-proċess tal-akkwist. Tali appoġġ jista' jsaħħaħ il-fora ta' appoġġ eżistenti (eż. azzjoni miftiehma) għall-Istati Membri u jgħinhom iqisu l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku.***

---

([59]) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

([60]) Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet legali u regolatorji, u l-prattiki amministrattivi, fir-rigward tax-xiri pubbliku u tal-ibbaġitjar u tal-kontabbiltà annwali, li huma meħtieġa biex ikun żgurat li awtoritajiet kontraenti individwali ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u milli jużaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u mekkaniżmi ta' finanzjament oħra ta' partijiet terzi fuq bażi kuntrattwali fit-tul.

7. L-Istati Membri għandhom ineħħu kwalunkwe ostaklu regolatorju u mhux regolatorju għall-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet legali u regolatorji, u l-prattiki amministrattivi, fir-rigward tax-xiri pubbliku u tal-ibbaġitjar u tal-kontabbiltà annwali, biex ikun żgurat li l-korpi pubbliċi individwali ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u milli jużaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u mekkaniżmi ta' finanzjament ta' partijiet terzi fuq bażi kuntrattwali fit-tul.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda biex jindirizzaw l-ostakli għall-adozzjoni tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

## KAPITOLU III

### *L-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA*

*Artikolu 8*

### Obbligu tal-iffrankar tal-enerġija

***-1. Bil-ħsieb li jiġi żgurat kontribut stabbli u prevedibbli lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, l-Istati Membri għandhom jiksbu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fil-perjodi ta' obbligu. L-ewwel perjodu ta' obbligu, li huwa msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), kien mill-2014 sal-2020. It-tieni perjodu ta' obbligu, li huwa msemmi fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandu jibda mill-2021 sal-2030.***

1. L-Istati Membri għandhom jiksbu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali ekwivalenti mill-anqas għal:

(a) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 ta' 1,5 % tal-bejgħ annwali tal-enerġija lil klijenti finali skont il-volum, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2013. Il-bejgħ tal-enerġija, bil-volum, użata fit-trasport jista' jiġi eskluż parzjalment jew għalkollox minn dak il-kalkolu;

(b) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 ta' 0,8 % tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019. B'deroga minn dak ir-rekwiżit, Ċipru u Malta għandhom jiksbu ffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 ekwivalenti għal 0,24 % tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019;

(c) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030 ta' ***2 %*** tal-konsum tal-enerġija finali annwali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2020.

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif iqassmu f'fażijiet il-kwantità kkalkulata ta' ffrankar ġdid tul kull perjodu msemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, dment li l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv totali meħtieġ fl-użu finali jkun intlaħaq sal-aħħar ta' kull perjodu ta' obbligu.

L-Istati Membri għandhom ikomplu jiksbu ffrankar annwali ġdid, skont ir-rata tal-iffrankar prevista fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għal perjodi ta' għaxar snin wara l-2030.

2. L-Istati Membri għandhom jiksbu l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi jistabbilixxu skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika kif imsemmi fl-Artikolu 9 jew billi jadottaw miżuri ta' politika alternattivi kif imsemmi fl-Artikolu 10. L-Istati Membri jistgħu jikkombinaw skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika ma' miżuri ta' politika alternattivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-miżuri ta' politika msemmijin fl-Artikoli 9 u 10 u l-Artikolu 28(11) jiġi kkalkulat skont l-Anness V.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

3. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, miżuri ta' politika alternattivi, jew kombinament tat-tnejn, jew programmi jew miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx,*** il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' politika implimentati skont dan l-Artikolu ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq dawk il-persuni. Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-finanzjament, inkluż il-finanzjament pubbliku, il-faċilitajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u d-dħul mill-kwoti skont l-Artikolu 22(3)(b) biex jitneħħew l-effetti negattivi u tkun żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u inklużiva.

***Sabiex jinkiseb l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-paragrafu 1,*** l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw u jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fil-kontribut għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' politika.

L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu u*** jiksbu sehem ***minimu*** tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx,*** il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan is-sehem għandu tal-anqas ikun daqs il-proporzjon tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom stabbilit f'konformità mal-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza. ***L-Istati Membri għandhom, fil-valutazzjoni tagħhom tas-sehem tal-faqar enerġetiku fil-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima, jikkunsidraw l-indikaturi msemmija fil-punti (a) sa (bb) ta' dan is-subparagrafu***. Jekk Stat Membru ma jkunx innotifika s-sehem ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku kif ivvalutat fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tiegħu, is-sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, ***l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx,*** il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, għandu tal-anqas ikun daqs is-sehem medju aritmetiku tal-indikaturi li ġejjin għas-sena 2019 jew, jekk mhux disponibbli għall-2019, għall-estrapolazzjoni lineari tal-valuri tagħhom għall-aħħar tliet snin disponibbli:

a) Inabbiltà li d-dar tinżamm sħuna kif xieraq (Eurostat, SILC [ilc_mdes01]);

b) Arretrati fuq il-kontijiet tal-utilità (Eurostat, SILC, [ilc_mdes07]); u

***(ba) il-popolazzjoni totali ta' nies li jgħixu f'abitazzjoni b'saqaf iqattar, ħitan, art jew pedamenti umdi jew tmermir fl-oqfsa tat-twieqi jew fl-art (Eurostat, SILC [ilc_mdho01]);***

***(bb) ir-rata tar-riskju ta' faqar (stħarriġ ta' Eurostat, SILC u ECHP [ilc_li02]) (punt ta' limitu: 60 % tal-introjtu medjan ekwivalizzat wara t-trasferimenti soċjali.***

▌

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-indikaturi applikati, is-sehem medju aritmetiku u l-eżitu tal-miżuri ta' politika stabbiliti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, fil-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u fir-rapporti ta' progress rispettivi f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

5. L-Istati Membri jistgħu jgħoddu l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-miżuri ta' politika, kemm dawk introdotti sal-31 ta' Diċembru 2020 u anke dawk introdotti wara dik id-data, dment li dawk il-miżuri jwasslu għal azzjonijiet individwali ġodda mwettqa wara l-31 ta' Diċembru 2020. L-iffrankar tal-enerġija miksub tul kwalunkwe perjodu ta' obbligu ma jgħoddx għall-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija għall-perjodi ta' obbligu preċedenti stabbiliti fil-paragrafu 1.

6. Dment li l-Istati Membri jwettqu mill-inqas l-obbligu tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (1), dawn jistgħu jikkalkulaw l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 b'wieħed jew aktar mill-mezzi li ġejjin:

(a) japplikaw rata ta' ffrankar annwali fuq il-bejgħ tal-enerġija lil klijenti finali jew fuq il-konsum tal-enerġija finali, b'medja tal-aktar tliet snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019;

(b) jeskludu, għalkollox jew parzjalment, l-enerġija użata fit-trasport mix-xenarju bażi tal-kalkolu;

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(c) jużaw xi waħda mill-alternattivi msemmijin fil-paragrafu 8.

7. Meta l-Istati Membri jużaw xi wieħed mill-possibbiltajiet previsti fil-paragrafu 6 rigward l-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, dawn għandhom jistabbilixxu:

(a) ir-rata ta’ ffrankar annwali tagħhom li se tiġi applikata fil-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali, li għandha tiżgura li l-ammont finali tal-iffrankar tal-enerġija nett tagħhom ma jkunx anqas minn dak meħtieġ skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1;

(b) ix-xenarju bażi tal-kalkolu tagħhom stess, li jista’ jeskludi, parzjalment jew għalkollox, l-enerġija użata fit-trasport.

8. Soġġett għall-paragrafu 9, kull Stat Membru jista’:

(a) jagħmel il-kalkolu meħtieġ skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 bil-valuri ta’ 1 % fl-2014 u fl-2015; 1,25 % fl-2016 u fl-2017; u 1,5 % fl-2018, fl-2019 u fl-2020;

(b) jeskludi mill-kalkolu l-bejgħ kollu jew parti mill-bejgħ tal-enerġija użata, bil-volum, rigward il-perjodu ta’ obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, jew l-enerġija finali kkunsmata, rigward il-perjodu ta’ obbligu msemmi fil-punt (b) ta’ dak is-subparagrafu, mill-attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE;

(c) jgħodd, mal-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-iffrankar tal-enerġija miksub fis-setturi tat-trasformazzjoni, tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-enerġija, inkluż l-infrastruttura tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti, bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 23(4), il-punt (a) tal-Artikolu 24(4), u l-Artikolu 25(1), (5) sa (9) u (11). L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta’ politika maħsuba tagħhom skont dan il-punt għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2021 u sal-31 ta’ Diċembru 2030 bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima. L-impatt ta’ dawk il-miżuri għandu jiġi kkalkulat skont l-Anness V u jiġi inkluż f’dawk il-pjanijiet;

(d) jgħodd mal-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija, l-iffrankar tal-enerġija miksub minn azzjonijiet individwali ġodda li jkunu ġew implimentati mill-31 ta’ Diċembru 2008 u li baqa’ jkollhom impatt fl-2020 rigward il-perjodu ta’ obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u wara l-2020 rigward il-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, u li jista’ jiġi mkejjel u verifikat;

(e) jgħodd, mal-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija, l-iffrankar tal-enerġija miksub minn miżuri ta’ politika, dment li jkun jista’ jintwera li dawk il-miżuri jwasslu għal azzjonijiet individwali mwettqa mill-1 ta’ Jannar 2018 sal-31 ta’ Diċembru 2020 u li jiksbu ffrankar wara l-31 ta’ Diċembru 2020;

(f) jeskludi mill-kalkolu tal-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija skont il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, 30 % tal-ammont verifikabbli ta’ enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini għal użu proprju permezz ta’ miżuri ta’ politika li jippromwovu installazzjonijiet ġodda ta’ teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli;

(g) jgħodd mal-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija skont il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-iffrankar tal-enerġija li jaqbeż l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perjodu ta’ obbligu mill-1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2020, dment li dak l-iffrankar jinkiseb minn azzjonijiet individwali mwettqa skont il-miżuri ta’ politika msemmijin fl-Artikoli 9 u 10, notifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet ta’ Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-Effiċjenza fl-Enerġija u rrappurtati fir-rapporti ta’ progress tagħhom f’konformità mal-Artikolu 24.

9. L-Istati Membri għandhom japplikaw u jikkalkulaw l-effett tal-għażliet li saru skont il-paragrafu 8 għall-perjodu msemmi fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 separatament:

(a) għall-kalkolu tal-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija għall-perjodu ta’ obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 8. L-għażliet kollha li jsiru skont il-paragrafu 8 meħudin flimkien għandhom jammontaw għal mhux aktar minn 25 % tal-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1;

(b) għall-kalkolu tal-ammont meħtieġ ta’ ffrankar tal-enerġija għall-perjodu ta’ obbligu msemmi fil-punt (b) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-punti (b) sa (g) tal-paragrafu 8, dment li l-azzjonijiet individwali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 8 jibqa’ jkollhom impatt li jista’ jiġi verifikat u mkejjel wara l-31 ta’ Diċembru 2020. L-għażliet kollha li jsiru skont il-paragrafu 8 meħudin flimkien ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis ta’ aktar minn 35 % tal-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija kkalkulat skont il-paragrafi 6 u 7.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jeskludux għalkollox jew parzjalment l-enerġija użata fit-trasport mix-xenarju bażi tal-kalkolu tagħhom jew jużawx xi alternattiva minn fost dawk elenkati fil-paragrafu 8, dawn għandhom jiżguraw li l-ammont nett ikkalkulat ta' ffrankar ġdid jinkiseb fil-konsum tal-enerġija finali tul il-perjodu ta' obbligu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 ma jkunx inqas mill-ammont miksub mill-applikazzjoni tar-rata ta' ffrankar annwali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

10. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fl-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, fil-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti tagħhom għall-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u f'konformità mal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1999, u fir-rapporti ta' progress rispettivi, il-kalkolu tal-ammont tal-iffrankar tal-enerġija li jrid jinkiseb tul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 u għandhom, jekk ikun rilevanti, jispjegaw kif ġew stabbiliti r-rata ta' ffrankar annwali u x-xenarju bażi tal-kalkolu u kif, u sa liema punt, l-għażliet imsemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu ġew applikati.

11. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, deskrizzjoni tal-miżuri ta' politika li jridu jiġu implimentati biex jinkiseb l-ammont totali meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali, u l-metodoloġiji tal-kalkolu tagħhom skont l-Anness V ta' din id-Direttiva, bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fil-proċedura, u skontha, skont l-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudell tar-rappurtar mogħti lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

12. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1999, jew tal-abbozz jew l-aġġornament finali tal-aħħar pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima notifikat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, jew tal-valutazzjoni tal-abbozz u tal-verżjoni finali sussegwenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' politika tagħhom ma jiżgurawx il-kisba tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali sa tmiem il-perjodu ta' obbligu, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 għall-Istati Membri li l-miżuri ta' politika tagħhom jidhrilha li mhumiex biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom.

13. Meta Stat Membru ma jkunx kiseb l-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ fl-użu finali sa tmiem kull perjodu ta' obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan għandu jikseb l-iffrankar tal-enerġija pendenti flimkien mal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali meħtieġ sa tmiem il-perjodu ta' obbligu ta' wara.

14. Bħala parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tagħhom u tar-rapporti ta' progress rispettivi tagħhom, u tal-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti għall-enerġija u l-klima tagħhom, innotifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 l-Istati Membri, inkluż meta xieraq b'evidenza u b'kalkoli, għandhom juru:

(a) li meta kien hemm duplikazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta' politika jew ta' azzjonijiet individwali, dan l-iffrankar tal-enerġija ma ngħaddx darbtejn;

(b) kif l-iffrankar tal-enerġija miksub skont il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 jikkontribwixxi għall-kisba tal-kontribut nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 4;

(c) li l-miżuri ta' politika huma stabbiliti biex jissodisfaw l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom, imfassla skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, u li dawk il-miżuri ta' politika huma eliġibbli u xierqa biex jiżguraw il-kisba tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali sa tmien kull perjodu ta' obbligu.

*Artikolu 9*

**Skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika**

1. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jiksbu l-ammont ta' ffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) permezz ta' skema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, dawn għandhom jiżguraw li l-partijiet obbligati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li joperaw fit-territorju ta' kull Stat Membru jissodisfaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(8) u (9), ir-rekwiżit tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali stabbilit fl-Artikolu 8(1).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Meta applikabbli, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-partijiet obbligati jwettqu dak l-iffrankar, kollu jew parti minnu, bħala kontribuzzjoni għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika f'konformità mal-Artikolu 28(11).

2. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, partijiet obbligati minn fost l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, ***l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni,*** id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji li jbigħu l-enerġija bl-imnut u d-distributuri tal-fjuwil tat-trasport jew il-bejjiegħa bl-imnut tal-fjuwil tat-trasport li joperaw fit-territorju tagħhom. L-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija biex jiġi ssodisfat l-obbligu għandhom jiksbuh il-partijiet obbligati fost il-klijenti finali, deżinjati mill-Istat Membru, indipendentement mill-kalkolu li sar skont l-Artikolu 8(1) jew, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, bi ffrankar iċċertifikat miksub minn partijiet oħra kif deskritt fil-punt (a) tal-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut jiġu deżinjati bħala partijiet obbligati skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt li jkunu qed jissodisfaw l-obbligu tagħhom, il-kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut ma joħolqu l-ebda ostaklu li jxekkel lill-konsumaturi milli jaqilbu minn fornitur għal ieħor.

4. L-Istati Membri ***għandhom jinkoraġġixxu*** lill-partijiet obbligati jiksbu sehem tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli ***u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx*** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll li l-partijiet obbligati jilħqu miri ta' tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija u jiksbu ffrankar tal-enerġija billi jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri ta' appoġġ finanzjarju li jtaffu l-effetti tal-prezz tal-karbonju fuq l-SMEs u ***l-mikrointrapriżi***.

5. L-Istati Membri ***għandhom*** jirrikjedu lill-partijiet obbligati jaħdmu mal-awtoritajiet ***reġjonali u*** lokali jew mal-muniċipalitajiet***, u jinvolvu ruħhom mas-servizzi soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jistabbilixxu pjattaforma ta' impenn dedikata għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku,*** biex jippromwovu miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli ***u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx*** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Dan jinkludi l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari fir-riskju tal-faqar enerġetiku jew suxxettibbli aktar għall-effetti tiegħu. Biex jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet obbligati jwettqu azzjonijiet bħal rinnovazzjoni tal-bini, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali, sostituzzjoni tal-apparat domestiku, appoġġ finanzjarju u inċentivi għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u appoġġ, jew awditjar tal-enerġija.

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-partijiet obbligati jirrapportaw annwalment dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet obbligati bl-azzjonijiet promossi fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, u għandhom jirrikjedu informazzjoni statistika aggregata dwar il-klijenti finali tagħhom (li tidentifika l-bidliet fl-iffrankar tal-enerġija f'informazzjoni sottomessa qabel) u dwar l-appoġġ tekniku u finanzjarju mogħti.

7. L-Istati Membri għandhom jesprimu l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija minn kull parti obbligata f'termini ta' konsum tal-enerġija finali jew primarja. Il-metodu magħżul biex jiġi espress l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija għandu jintuża wkoll għall-kalkolu tal-iffrankar dikjarat mill-partijiet obbligati. Waqt il-konverżjoni tal-iffrankar tal-enerġija, għandhom japplikaw il-valuri kalorifiċi netti stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([61]) u l-fattur tal-enerġija primarja skont l-Artikolu 29 sakemm ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat l-użu ta' fatturi tal-konverżjoni oħrajn.

8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li permezz tagħhom issir verifika dokumentata ta' mill-inqas proporzjon u kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika implimentati mill-partijiet obbligati. Il-kejl, il-kontroll u l-verifika għandhom isiru indipendentement mill-partijiet obbligati. Meta entità tkun parti obbligata skont skema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika skont

---

([61]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

l-Artikolu 9 u skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq [COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD) ([62])], is-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika għandha tiżgura li l-prezz tal-karbonju mgħoddi waqt ir-rilaxx tal-fjuwil għall-konsum [f'konformità mal-Artikolu 1(21) ta' COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD)] għandu jitqies fil-kalkolu u fir-rappurtar tal-iffrankar tal-enerġija tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija tal-entità.

9. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar is-sistemi ta' kejl, kontroll u verifika stabbiliti inkluż, iżda mhux biss, il-metodi użati, il-kwistjonijiet identifikati u kif dawn ġew indirizzati.

10. Fl-iskema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-partijiet obbligati biex iwettqu dan li ġej:

(a) jgħoddu mal-obbligu tagħhom l-iffrankar tal-enerġija ċċertifikat miksub minn fornituri ta' servizzi tal-enerġija jew minn partijiet terzi oħra, inkluż meta l-partijiet obbligati jippromwovu miżuri permezz ta' korpi oħra approvati mill-Istat jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jinvolvu sħubijiet formali u jistgħu jkunu kkombinati ma' sorsi oħra ta' finanzjament. Meta l-Istati Membri jippermettu dan, dawn għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija timxi skont proċess ta' approvazzjoni mħaddem fl-Istati Membri, li jkun ċar, trasparenti, u miftuħ għall-parteċipanti kollha tas-suq, u li jkollu l-għan li jnaqqas kemm jista' jkun il-kostijiet taċ-ċertifikazzjoni;

(b) jgħoddu l-iffrankar tal-enerġija miksub f'sena partikolari bħallikieku nkiseb f'xi waħda mill-erba' snin preċedenti jew mit-tliet snin sussegwenti, dment li dan il-perjodu ma jaqbiżx it-tmiem tal-perjodi ta' obbligu stabbiliti fl-Artikolu 8(1).

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u, jekk xieraq, jieħdu miżuri biex inaqqsu kemm jista' jkun l-impatt tal-kostijiet diretti u indiretti tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika fuq il-kompetittività tal-industrriji intensivi fl-enerġija li huma esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali.

11. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-iffrankar tal-enerġija miksub minn kull parti obbligata, jew minn kull subkategorija ta' parti obbligata, u bħala total permezz tal-iskema.

*Artikolu 10*

**Miżuri ta' politika alternattivi**

1. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jiksbu l-iffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi, dawn għandhom jiżguraw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(8) u (9), li l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) jinkiseb fost il-klijenti finali.

2. Għall-miżuri kollha għajr dawk relatati mat-tassazzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li permezz tagħhom issir verifika dokumentata ta' mill-inqas proporzjon u kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika implimentati mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati. Il-kejl, il-kontroll u l-verifika għandhom isiru indipendentement mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar is-sistemi ta' kejl, kontroll u verifika stabbiliti inkluż, iżda mhux biss, il-metodi użati, il-kwistjonijiet identifikati u kif dawn ġew indirizzati.

4. Meta jirrapportaw miżura ta' tassazzjoni, ***inklużi tariffi u imposti parafiskali,*** l-Istati Membri għandhom juru ***li huma ġew imfassla bl-iskop li jiġġeneraw iffrankar tal-enerġija u*** kif fit-tfassil tal-miżura ta' tassazzjoni ġiet żgurata l-effikaċja tas-sinjal tal-prezz, bħal pereżempju r-rata tat-taxxa u l-viżibbiltà maż-żmien. Meta jkun hemm tnaqqis fir-rata tat-taxxa, l-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw kif il-miżuri ta' tassazzjoni għadhom iwasslu għal iffrankar tal-enerġija ġdid.

([62]) Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757, (Test b'relevanza għaż-ŻEE){SEC(2021)0551 final} – {SWD(2021)0557 final} – {SWD(2021)0601 final} -{SWD(2021)0602 final.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*Artikolu 11*

**Sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u awditjar tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi ***jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, meta l-konsum annwali medju tagħhom tal-enerġija matul it-tliet snin ta' qabel, filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, ikun:***

***(a) ogħla minn 100 TJ, mill-1 ta' Jannar 2024;***

***(b) ogħla minn 70 TJ, mill-1 ta' Jannar 2027.***

Is-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija għandha tiġi ċċertifikata minn korp indipendenti skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi ▌li ma jimplimentawx sistema ta' ġestjoni tal-enerġija jkunu soġġetti għal awditjar tal-enerġija, ***meta l-konsum annwali medju tagħhom tal-enerġija matul it-tliet snin ta' qabel, filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, ikun:***

***(a) ogħla minn 10 TJ, mill-1 ta' Jannar 2024;***

***(b) ogħla minn 6 TJ, mill-1 ta' Jannar 2027.***

L-awditjar tal-enerġija għandu jsir ***skont l-istandards rilevanti Ewropej jew internazzjonali*** b'mod indipendenti u kosteffettiv minn esperti ***speċifiċi għas-settur*** kwalifikati jew akkreditati ***jew minn korpi indipendenti akkreditati*** skont ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 26 jew implimentati u sorveljati minn awtoritajiet indipendenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-awditjar tal-enerġija għandu jsir mill-inqas kull erba' snin mid-data tal-awditjar tal-enerġija preċedenti.

Ir-riżultati tal-awditjar tal-enerġija, inklużi r-rakkomandazzjonijiet minn dan l-awditjar għandhom ***jirriżultaw fi pjanijiet konkreti u fattibbli ta' implimentazzjoni li jindikaw il-kost u l-perjodu tal-ħlas lura għal kull azzjoni tal-effiċjenza enerġetika rakkomandata u għandhom*** jiġu trażmessi lill-maniġment tal-intrapriża. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tkun obbligatorja, bl-eċċezzjoni ta' dawk fejn il-perjodu tal-ħlas lura jkun itwal minn tliet snin.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet implimentati jiġu ppubblikati fir-rapport annwali tal-intrapriża, ***u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, ħlief informazzjoni soġġetta għal liġijiet nazzjonali li jipproteġu s-sigrieti kummerċjali u tan-negozju u l-kunfidenzjalità***.

***2a. L-Istati Membri jistgħu jheġġu lill-kumpaniji eliġibbli kollha jipprovdu l-informazzjoni li ġejja fir-rapport annwali tagħhom:***

***(a) informazzjoni dwar il-konsum tal-enerġija annwali f'kWh;***

***(b) informazzjoni dwar il-volum ta' ilma użat annwalment f'metri kubi;***

***(c) tqabbil tal-konsum annwali tal-enerġija u tal-ilma tal-istess faċilità mas-snin preċedenti.***

3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu d-disponibbiltà lill-klijenti finali kollha ta' awditjar tal-enerġija ta' kwalità għolja, kosteffettiv u:

(a) imwettaq b'mod indipendenti minn esperti kwalifikati u/jew akkreditati skont il-kriterji ta' kwalifikazzjoni; jew

(b) implimentati u sorveljati minn awtoritajiet indipendenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-awditjar tal-enerġija msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir minn esperti interni jew awdituri tal-enerġija dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa ***salvagwardji biex jiżgura l-kapaċità tiegħu li jwettaq awditi b'mod indipendenti kif ukoll*** skema li tiżgura u tivverifika l-kwalità tagħhom inkluż, meta xieraq, għażla aleatorja annwali ta' mill-inqas persentaġġ statistikament sinifikanti tal-awditjar kollu tal-enerġija li jagħmlu.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Biex tkun garantita l-kwalità għolja tal-awditjar tal-enerġija u tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji minimi trasparenti u nondiskriminatorji għall-awditjar tal-enerġija abbażi tal-Anness VI ***u speċifikat fi standards Ewropej u internazzjonali***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-verifiki tal-kwalità jsiru biex ikunu żgurati l-validità u l-eżattezza tal-awditi tal-enerġija.

L-awditjar tal-enerġija ma għandux jinkludi klawżoli li jwaqqfu s-sejbiet tal-awditjar milli jiġu trasferiti lil xi fornitur ta' servizzi tal-enerġija kwalifikat/akkreditat, bil-kundizzjoni li l-klijent ma joġġezzjonax.

4. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi ***bil-għan*** li jħeġġu ***u jipprovdu appoġġ tekniku*** lill-SMEs li mhumiex soġġetti għall-paragrafi 1 jew 2 biex iwettqu awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni sussegwenti tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditjar ***skont il-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness VI***.

Abbażi ta' kriterji trasparenti u nondiskriminatorji u mingħajr preġudizzju għal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat tal-UE, l-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu ***mekkaniżmi bħal ċentri tal-awditu tal-enerġija għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, fejn dawn ma jkunux f'kompetizzjoni ma' awdituri privati, biex jipprovdu awditi tal-enerġija sussidjati, kif ukoll*** skemi ta' appoġġ oħra għall-SMEs, inkluż jekk dawn ikunu kkonkludew ftehimiet volontarji, biex ikopru l-ispejjeż ta' verifika tal-enerġija u tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet kosteffettivi ħafna mill-verifiki tal-enerġija, jekk il-miżuri proposti jkunu implimentati.

***L-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jipprovdu inċentivi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet permezz ta' appoġġ tekniku u finanzjarju, li ma għandux jitqies bħala parti mill-ammont massimu ta' għajnuna de minimis lill-intrapriżi, aċċess aktar faċli għall-finanzjament, b'attenzjoni speċjali għall-SMEs u dawk il-kumpaniji li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet bl-ogħla impatt ta' dekarbonizzazzjoni f'termini ta' effiċjenza enerġetika.***

L-Istati Membri għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-SMEs, inkluż permezz tal-organizzazzjonijiet intermedjarji rappreżentattivi rispettivi tagħhom, għal eżempji konkreti ta' kif is-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jistgħu jgħinu lin-negozji tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri billi tappoġġa l-iskambji tal-aqwa prattiki f'dan il-qasam.

***4a. Għall-fini tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi jinkludu:***

***(a) l-integrazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija li jinvolvu l-maniġment tal-intrapriża, inklużi inċentivi finanzjarji bl-impenn tal-intrapriża li tadotta l-miżuri ta' effiċjenza enerġetika identifikati;***

***(b) appoġġ lill-SMEs fil-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji multipli tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fi ħdan l-operazzjonijiet tagħhom;***

***(c) l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali għall-effiċjenza enerġetika speċifiċi għall-kumpaniji żviluppati fi proċess interattiv, bi prijoritizzazzjoni tal-għanijiet, il-miżuri u l-għażliet teknoloġiċi;***

***(d) l-iżvilupp ta' networks ta' tranżizzjoni tal-enerġija tal-SMEs, iffaċilitati minn faċilitaturi indipendenti;***

***(e) mekkaniżmi ta' appoġġ għal tali netorks għall-iskjerament ta' awditi tal-enerġija jew sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija.***

5. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi li jħeġġu lill-intrapriżi li mhumiex SMEs u li mhumiex soġġetti għall-paragrafi 1 jew 2 biex iwettqu awditjar tal-enerġija u l-implimentazzjoni sussegwenti tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditjar ***skont il-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness VI***.

6. L-awditjar tal-enerġija għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 2 meta dan isir b'mod indipendenti, abbażi ta' kriterji minimi bbażati fuq l-Anness VI, u jiġi implimentati skont ftehimiet volontarji konklużi bejn organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u korp maħtur u sorveljat mill-Istat Membru kkonċernat, jew minn korpi oħra ddelegati bir-responsabbiltà kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-Kummissjoni.

L-aċċess għall-parteċipanti fis-suq li joffru servizzi tal-enerġija għandu jkun ibbażat fuq kriterji trasparenti u nondiskriminatorji.

7. L-intrapriżi li jimplimentaw kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom ikunu ***meqjusa li jissodisfaw ir-rekwiżiti*** tal-paragrafi 1 u 2 dment li l-kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ***jkopri l-elementi neċessarji tas-sistema tal-ġestjoni tal-enerġija*** u jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIV.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

8. L-intrapriżi li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni ambjentali – iċċertifikata minn korp indipendenti skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti – għandhom ikunu ***meqjusa li jissodisfaw ir-rekwiżiti*** tal-paragrafi 1 u 2, dment li s-sistema ta' ġestjoni ambjentali kkonċernata tinkludi awditjar tal-enerġija abbażi tal-kriterji minimi bbażati fuq l-Anness VI.

9. L-awditjar tal-enerġija jista' jkun awtonomu jew parti minn awditjar ambjentali usa'. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li bħala parti mill-awditjar tal-enerġija ssir valutazzjoni tal-fattibbiltà teknika u ekonomika ta' konnessjoni ma' network ippjanat jew eżistenti tat-tisħin jew tat-tkessiħ distrettwali.

Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw skemi ta' inċentiv u ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-enerġija u miżuri simili.

***9a. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u l-awditi tal-enerġija fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.***

▌

***Artikolu 11a***

***Ċentri tad-data***

1. ***Sal-15 ta' Marzu 2024 u kull sena minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jitolbu lis-sidien u l-operaturi ta' kull ċentru tad-data fit-territorju tagħhom b'domanda installata għall-enerġija tal-IT ta' mill-inqas 100 kW, partikolarment fis-settur tal-ICT, iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VIa abbażi ta' format armonizzat.***

***2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li jkunu ġabru skont il-paragrafu 1 mingħajr dewmien. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-qafas ta' bażi tad-data stabbilita u operata mill-Kummissjoni.***

***3. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida għall-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni tal-prestazzjoni enerġetika taċ-ċentri tad-data f'konformità mal-Anness VIa. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu definizzjonijiet armonizzati għal kull element ta' informazzjoni kif ukoll metodoloġija uniformi tal-kejl, linji gwida tar-rapportar u mudell armonizzat għat-trasferiment tal-informazzjoni biex ikun jista' jsir rapportar konsistenti fl-Istati Membri kollha.***

***4. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lis-sidien u l-operaturi ta' kull ċentru tad-data fit-territorju tagħhom b'domanda tal-potenza tal-IT installata ugwali jew akbar minn 1 MW, jikkunsidraw l-aħjar prattiki msemmija fl-aħħar verżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika fiċ-Ċentri tad-Data, jew fid-dokument CLC TR50600-99-1 tas-CEN-CENELEC "Faċilitajiet u infrastrutturi ta' ċentri tad-data – Parti 99-1: Prattiki rakkomandati għall-ġestjoni tal-enerġija", sad-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat skont l-Artikolu 31(3) ta' din id-Direttiva.***

***5. Sal-15 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta d-data disponibbli dwar l-effiċjenza enerġetika taċ-ċentri tad-data kkomunikata mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 2 u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta dwar miżuri ulterjuri biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, inkluż dwar l-istabbiliment ta' standards minimi ta' prestazzjoni u valutazzjoni dwar il-fattibbiltà tat-tranżizzjoni lejn ċentri ta' emissjonijiet netti żero, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Proposta bħal din tista' tistabbilixxi perjodu ta' żmien li fih iċ-ċentri tad-data eżistenti għandhom ikunu obbligati jilħqu l-istandards minimi tal-prestazzjoni.***

*Artikolu 12*

**Metraġġ għall-gass naturali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn hu teknikament possibbli, finanzjarjament raġonevoli, u proporzjonat għall-iffrankar tal-enerġija potenzjali, fir-rigward tal-gass naturali, il-klijenti finali jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu eżatt il-konsum reali tal-enerġija tal-klijent finali u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu.

Dawn l-arloġġi individwali bi prezz kompetittiv għandhom jingħataw dejjem meta:

(a) jinbidel arloġġ eżistenti, sakemm dan ma jkunx teknikament impossibbli jew ma jkunx kosteffettiv meta wieħed jikkunsidra l-iffrankar potenzjali stmat fuq tul ta' żmien;

(b) issir konnessjoni ġdida f’bini ġdid jew f’bini li fih isiru rinnovazzjonijiet kbar, kif stipulat fid-Direttiva 2010/31/UE.

2. Meta, u sa fejn, l-Istati Membri jimplimentaw sistemi ta’ metraġġ intelliġenti u jintroduċu arloġġi intelliġenti għall-gass naturali f’konformità mad-Direttiva 2009/73/KE, dawn għandhom:

(a) jiżguraw li s-sistemi tal-metraġġ jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu lill-klijenti finali u li l-objettivi tal-effiċjenza enerġetika u l-benefiċċji tal-klijenti finali jitqiesu bis-sħiħ meta jiġu stabbiliti l-funzjonalitajiet minimi tal-arloġġi u l-obbligi imposti fuq il-parteċipanti fis-suq;

(b) jiżguraw is-sigurtà tal-arloġġi intelliġenti u l-komunikazzjoni tad-data, u l-privatezza tal-klijenti finali, f’konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-protezzjoni tad-data u l-privatezza;

(c) jeżiġu li jingħataw pariri u informazzjoni xierqa lill-klijenti waqt l-installazzjoni tal-arloġġi intelliġenti, b’mod partikolari dwar il-potenzjal kollu tagħhom b’rabta mal-ġestjoni tal-qari tal-arloġġi u mal-monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija.

*Artikolu 13*

**Metraġġ għall-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għat-tisħin distrettwali, għat-tkessiħ distrettwali u għall-misħun domestiku, il-klijenti finali jingħataw arloġġi bi prezz kompetittiv li jirriflettu eżatt il-konsum reali tal-enerġija tagħhom.

2. Meta t-tisħin, it-tkessiħ jew il-misħun domestiku jiġu fornuti lil binja minn sors ċentrali li jaqdi bosta binjiet jew minn sistema tat-tisħin distrettwali jew tat-tkessiħ distrettwali, għandu jiġi installat arloġġ fejn isir l-iskambju tas-sħana jew fil-punt tal-konsenja.

*Artikolu 14*

**Submetraġġ u allokazzjoni tal-kost għat-tisħin, it-tkessiħ u l-misħun domestiku**

1. F’binjiet b’diversi appartamenti u f’binjiet b’diversi użi li għandhom sors ċentrali tat-tisħin jew tat-tkessiħ jew li huma fornuti minn sistema tat-tisħin distrettwali jew tat-tkessiħ distrettwali, għandhom jiġu installati arloġġi individwali biex ikejlu l-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-misħun domestiku għal kull unità tal-bini, meta dan ikun teknikament fattibbli u kosteffettiv mil-lat ta’ proporzjon għall-iffrankar tal-enerġija potenzjali.

Meta l-użu ta’ arloġġi individwali ma jkunx teknikament fattibbli jew meta ma jkunx kosteffiċjenti li jitkejjel il-konsum tat-tisħin f’kull unità tal-bini, għandhom jintużaw allokaturi individwali tal-kost tat-tisħin biex jitkejjel il-konsum tat-tisħin f’kull radjatur, sakemm l-Istat Membru inkwistjoni ma jurix li l-installazzjoni ta’ dawn l-allokaturi tal-kost tat-tisħin ma tkunx kosteffiċjenti. F’dawk il-każijiet, jistgħu jitqiesu metodi kosteffiċjenti alternattivi għall-kejl tal-konsum tat-tisħin. Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u/jew il-proċeduri biex jiġu ddeterminati n-nuqqas ta’ fattibbiltà teknika u n-nuqqas ta’ kosteffettività għandhom jiġu stabbiliti u ppubblikati b’mod ċar minn kull Stat Membru.

2. F’bini ġdid b’diversi appartamenti u fil-partijiet residenzjali ta’ bini ġdid b’diversi użi li għandhom sors ċentrali tat-tisħin għall-misħun domestiku jew li jiġu fornuti minn sistemi tat-tisħin distrettwali, minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom xorta jingħataw arloġġi individwali għall-misħun domestiku.

3. Meta l-binjiet b’diversi appartamenti jew b’diversi użi jiġu fornuti minn tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, jew meta s-sistemi komuni tagħhom tat-tisħin jew tat-tkessiħ għal dan il-bini jkunu prevalenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ regoli nazzjonali trasparenti u disponibbli għall-pubbliku dwar l-allokazzjoni tal-kost tal-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku f’dan il-bini biex tkun żgurata t-trasparenza u l-eżattezza tal-kontabbiltà tal-konsum individwali. Meta xieraq, dawn ir-regoli għandhom jinkludu linji gwida dwar il-mod kif issir l-allokazzjoni tal-kost tal-enerġija li tintuża kif ġej:

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(a) il-misħun domestiku;

(b) is-sħana rradjata mill-installazzjoni tal-bini u għall-fini tat-tisħin taż-żoni komuni, meta t-tromba tat-taraġ u l-kurituri jkollhom radjaturi;

(c) għall-fini tat-tisħin jew tat-tkessiħ tal-appartamenti.

*Artikolu 15*

**Rekwiżit ta' qari remot**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 13 u 14, l-arloġġi u l-allokaturi tal-kost tat-tisħin installati ġodda għandhom ikunu apparati li jinqraw mill-bogħod. Il-kundizzjonijiet tal-fattibilità teknika u tal-kosteffettività stipulati fl-Artikolu 14(1) għandhom japplikaw.

2. L-arloġġi u l-allokaturi tal-kost tat-tisħin li ma jistgħux jinqraw mill-bogħod iżda li diġà ġew installati għandhom isiru jinqraw mill-bogħod jew jinbidlu b'apparati li jinqraw mill-bogħod sal-1 ta' Jannar 2027, għajr meta l-Istat Membru inkwistjoni juri li dan mhux kosteffiċjenti.

*Artikolu 16*

**Informazzjoni fil-kontijiet għall-gass naturali**

1. Meta l-klijenti finali ma jkollhomx arloġġi intelliġenti kif imsemmi fid-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass naturali tkun affidabbli, eżatta u bbażata fuq il-konsum reali, f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness VII, meta dak ikun possibbli teknikament u ġustifikat ekonomikament.

Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat minn sistema ta' awtoqari regolari mill-klijenti finali, fejn dawn jikkomunikaw il-qari tal-arloġġ tagħhom stess lill-fornitur tal-enerġija. Huwa biss meta l-klijent finali ma jkunx għadda l-qari tal-arloġġ tiegħu għal perjodu partikolari ta' żmien li l-kontijiet għandhom jiġu bbażati fuq il-konsum stmat jew rata fissa.

2. L-arloġġi installati f'konformità mad-Direttiva 2009/73/KE għandhom jippermettu l-għoti ta' informazzjoni eżatta dwar il-kontijiet li tkun ibbażata fuq il-konsum reali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali għandu jkunu jistgħu jaċċessaw faċilment l-informazzjoni kumplimentari dwar il-konsum storiku biex b'hekk ikunu jistgħu jagħmlu awtokontrolli dettaljati.

L-informazzjoni kumplimentari dwar il-konsum storiku għandha tinkludi:

(a) data kumulattiva dwar mill-anqas it-tliet snin preċedenti jew il-perjodu mill-bidu tal-kuntratt tal-provvista jekk dan ikun iqsar. Id-data għandha tikkorrispondi għall-perjodi li għalihom tkun ġiet prodotta informazzjoni frekwenti dwar il-kontijiet;

(b) data dettaljata skont il-ħin tal-użu għal kull ġurnata, ġimgħa, xahar u sena. Din id-data għandha ssir disponibbli lill-klijent finali bl-internet jew bl-interfaċċja tal-arloġġ għall-perjodu ta' mill-anqas 24 xahar preċedenti jew għall-perjodu mill-bidu tal-kuntratt tal-provvista jekk dan ikun iqsar.

3. Indipendentement minn jekk l-arloġġi intelliġenti jkunux ġew installati jew le, l-Istati Membri:

(a) għandhom jeżiġu li, sa fejn l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku tal-klijenti finali tkun disponibbli, din issir disponibbli, meta jintalab dan mill-klijenti finali, għall-fornitur ta' servizzi tal-enerġija deżinjat mill-klijent finali;

(b) għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jingħataw l-għażla ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u kontijiet elettroniċi u li jirċievu, meta jitolbu dan, spjegazzjoni ċara u li tiftiehem ta' kif ġie derivat il-kont tagħhom, speċjalment meta l-kontijiet ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali;

(c) għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha xierqa tkun disponibbli mal-kont biex il-klijent finali jkollu kont komprensiv tal-kostijiet attwali tal-enerġija, f'konformità mal-Anness VII;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(d) jistgħu jistipulaw li, meta jintalab mill-klijent finali, l-informazzjoni f'dawn il-kontijiet ma għandhiex titqies li tikkostitwixxi talba għal ħlas. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-sorsi tal-enerġija joffru arranġamenti flessibbli għall-ħlasijiet proprja;

(e) għandhom jeżiġu li l-informazzjoni u l-estimi għall-kostijiet tal-enerġija jingħataw lill-konsumaturi, meta jintalbu, fil-ħin u b'format li jiftiehem faċilment, biex il-konsumaturi jkollhom offerti paragunabbli.

*Artikolu 17*

**Informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu installati arloġġi jew allokaturi tal-kost tat-tisħin, l-informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum tkun affidabbli, eżatta u bbażata fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-kost tat-tisħin, f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-Anness VIII għall-utenti finali kollha .

Dan l-obbligu jista', meta Stat Membru jipprevedi dan, għajr fil-każ ta' konsum b'submetraġġ ibbażat fuq allokaturi tal-kost tat-tisħin skont l-Artikolu 14, jiġu ssodisfat b'sistema ta' awtoqari regolari mill-klijent finali jew mill-utent finali, fejn dawn jikkomunikaw il-qari tal-arloġġ tagħhom stess. Huwa biss meta l-klijent finali jew l-utent finali ma jkunux għaddew il-qari tal-arloġġ tagħhom għal perjodu partikolari ta' żmien li l-kontijiet għandhom jiġu bbażati fuq il-konsum stmat jew rata fissa.

2. L-Istati Membri għandhom:

(a) jeżiġu li, jekk l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku jew il-qari tal-allokatur tal-kost tat-tisħin tal-utenti finali tkun disponibbli, din issir disponibbli, meta jintalab dan mill-klijenti finali, għall-fornitur ta' servizzi tal-enerġija deżinjat mill-utent finali;

(b) jiżguraw li l-klijenti finali jingħataw l-għażla ta' informazzjoni elettronika dwar il-kontijiet u ta' kontijiet elettroniċi;

(c) jiżguraw li mal-kont tingħata informazzjoni ċara u li tinftiehem lill-utenti finali kollha skont il-punt 3 tal-Anness VIII;

(d) jippromwovu ċ-ċibersigurtà u jiżguraw il-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-utenti finali f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, meta jintalab dan mill-klijenti finali, l-għoti tal-informazzjoni dwar il-kontijiet ma għandux jitqies li jikkostitwixxi talba għal ħlas. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu offruti arranġamenti flessibbli għall-ħlas reali.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu min għandu jkun responsabbli għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-utenti finali mingħajr kuntratt dirett jew individwali ma' fornitur tal-enerġija.

*Artikolu 18*

**Spejjeż tal-aċċess għall-metraġġ u għal informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass naturali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jirċievu l-kontijiet kollha tagħhom u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għall-konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u li l-klijenti finali jkollhom aċċess għad-data dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas.

*Artikolu 19*

**Spejjeż tal-aċċess għall-metraġġ u għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti finali jirċievu l-kontijiet kollha tagħhom u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għall-konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u li l-utenti finali jkollhom aċċess għad-data dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-distribuzzjoni tal-kostijiet tal-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-konsum individwali tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku f'bini b'diversi appartamenti u f'bini b'diversi użi skont l-Artikolu 14 għandha ssir mingħajr qligħ. Il-kostijiet imġarrba bl-assenjar ta' dak il-kompitu lil parti terza, bħal lil fornitur ta' servizz jew lill-fornitur lokali tal-enerġija, li jkopru l-kejl, l-allokazzjoni u l-kontabbiltà għall-konsum individwali reali f'bini bħal dan, jistgħu jingħaddu lill-utenti finali, dment li dawn il-kostijiet ikunu raġonevoli.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

3. Biex ikunu żgurati kostijiet raġonevoli għas-servizzi ta' submetraġġ kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistimulaw il-kompetizzjoni f'dak is-settur tas-servizzi billi jieħdu miżuri xierqa, bħal pereżempju billi jirrakkomandaw jew jippromwovu mod ieħor l-użu ta' sejħiet għall-offerti jew l-użu ta' apparati u sistemi interoperabbli li jiffaċilitaw il-bdil bejn il-fornituri tas-servizzi.

## KAPITOLU IV

## *INFORMAZZJONI U GĦOTI TA' SETGĦA LILL-KONSUMATURI*

### *Artikolu 20*

### Drittijiet kuntrattwali bażiċi għat-tisħin, it-tkessiħ u l-misħun domestiku

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([63]) u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE ([64]), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali u, meta msemmija b'mod espliċitu, l-utenti finali għandhom jingħataw id-drittijiet previsti fil-paragrafi 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-klijenti finali għandhom id-dritt ta' kuntratt mal-fornitur tagħhom li jispeċifika:

(a) l-identità u l-indirizz tal-fornitur;

(b) is-servizzi pprovduti u l-livelli tal-kwalità tas-servizz offruti;

(c) it-tipi ta' servizzi ta' manutenzjoni offruti;

(d) il-mezzi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi applikabbli, dwar it-tariffi għall-manutenzjoni, u dwar il-prodotti jew is-servizzi f'pakkett;

(e) it-tul tal-kuntratt, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid u t-terminazzjoni tal-kuntratt u tas-servizzi, inkluż il-prodotti jew is-servizzi f'pakkett ma' dawk is-servizzi, u jekk titħalliex issir terminazzjoni mingħajr ħlas tal-kuntratt;

(f) kwalunkwe kumpens u arranġamenti ta' rifużjoni li japplikaw jekk ma jintlaħqux il-livelli tal-kwalità tas-servizz ikkuntrattat, inkluż kontijiet mhux eżatti jew li jdumu ma jinħarġu;

(g) il-metodu biex tinbeda proċedura għal riżoluzzjoni ta' tilwima barra mill-qorti f'konformità mal-Artikolu 21;

(h) informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, inkluża informazzjoni dwar it-trattament tal-ilmenti u l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-paragrafu, li hija kkomunikata b'mod ċar fuq il-kont jew fuq is-sit web tal-impriża ***u tinkludi d-dettalji ta' kuntatt jew link għas-sit web tal-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 21***.

Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu ġusti u magħrufa minn qabel. Fi kwalunkwe każ, din l-informazzjoni għandha tingħata qabel il-konklużjoni jew il-konferma tal-kuntratt. Meta xi kuntratti jiġu konklużi permezz ta' intermedjarji, anki l-informazzjoni relatata mal-kwistjonijiet msemmija f'dan il-paragrafu għandha tingħata qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

Il-klijenti finali u l-utenti finali għandhom jingħataw sommarju tal-kundizzjonijiet kuntrattwali prinċipali b'mod li jinftiehem u konċiż, u b'lingwaġġ sempliċi.

***2a. Il-fornituri għandhom jipprovdu lill-klijenti u lill-utenti finali kopja tal-kuntratt, informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli u dwar it-termini u l-kundizzjonijiet standard, fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku, u l-użu tagħhom.***

([63]) Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

([64]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

3. Il-klijenti finali għandhom jingħataw notifika adegwata dwar kull intenzjoni ta' modifika tal-kundizzjonijiet kuntrattwali. Il-fornituri għandhom jinnotifikaw lill-klijenti finali tagħhom, b'mod trasparenti u li jinftiehem, direttament dwar kull aġġustament fil-prezz tal-provvista u r-raġunijiet u l-prekundizzjonijiet għall-aġġustament u l-ambitu tiegħu, fi żmien xieraq sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn, jew sa mhux aktar tard minn xahar fil-każ tal-klijenti domestiċi, qabel jidħol fis-seħħ l-aġġustament. ***Il-klijenti finali għandhom ikunu infurmati bid-dritt tagħhom li jitterminaw il-kuntratt jekk ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet kuntrattwali l-ġodda jew l-aġġustament tal-prezz notifikat lilhom mill-fornitur skont il-kuntratt. Il-klijenti finali għandhom jinfurmaw lill-utenti finali dwar il-bidliet kuntrattwali maħsuba mingħajr dewmien.***

4. Il-fornituri għandhom joffru għażla wiesgħa tal-metodi tal-ħlas lill-klijenti finali. Dawn il-metodi tal-ħlas ma għandhomx jiddiskriminaw b'mod mhux dovut bejn il-klijenti. Kwalunkwe differenza fit-tariffi relatati mal-metodi tal-ħlas jew ma' sistemi tal-ħlas bil-quddiem għandha tkun oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata, u ma għandhiex taqbeż il-kostijiet diretti mġarrba mill-benefiċjarju għall-użu ta' metodu tal-ħlas speċifiku jew ta' sistema tal-ħlas bil-quddiem, f'konformità mal-Artikolu 62 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([65]).

5. Skont il-paragrafu 6, il-klijenti tal-unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għal sistemi tal-ħlas bil-quddiem ma għandhomx jitqiegħdu fi żvantaġġ mis-sistemi tal-ħlas bil-quddiem.

6. Il-fornituri għandhom joffru termini ġenerali u kundizzjonijiet ġusti u trasparenti lill-klijenti u***, fejn applikabbli,*** lill-utenti finali, li għandhom jingħataw b'lingwaġġ sempliċi u mhux ambigwu, u ma għandhomx jinkludu ostakli nonkuntrattwali għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-konsumaturi, bħal dokumentazzjoni kuntrattwali eċċessiva. L-utenti finali għandhom jingħataw aċċess għal dawn it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali, meta jintalab dan. Il-klijenti finali u l-utenti finali għandhom jiġu protetti minn metodi inġusti u qarrieqa tal-bejgħ. Il-klijenti finali b'diżabbiltà għandhom jingħataw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kuntratt tagħhom mal-fornitur tagħhom b'formati aċċessibbli.

7. Il-klijenti finali u l-utenti finali għandu jkollhom id-dritt għal standard tajjeb ta' servizz u trattament tal-ilmenti mill-fornituri tagħhom. Il-fornituri għandhom jittrattaw l-ilmenti b'mod sempliċi, ġust u malajr.

***7a. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-infurzar tal-miżuri tal-protezzjoni tal-konsumatur stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom ikunu indipendenti mill-interessi tas-suq u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi.***

*Artikolu 21*

**Informazzjoni lill-konsumaturi u sensibilizzazzjoni**

1. L-Istati Membri***, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, l-azzjonijiet individwali u l-oqfsa finanzjarji u legali tkun trasparenti***, aċċessibbli*** u disseminata b'mod wiesa' fost l-atturi rilevanti kollha tas-suq, bħall-klijenti finali, l-utenti finali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-aġenziji tal-enerġija, il-fornituri tas-servizzi soċjali, il-bennejja, il-periti, l-inġiniera, l-awdituri ambjentali u tal-enerġija, u l-installaturi tal-elementi tal-bini kif definit fl-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 2010/31/UE.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jippromwovu u jiffaċilitaw użu effiċjenti tal-enerġija mill-klijenti finali u mill-utenti finali. Dawn il-miżuri għandhom ikunu parti minn strateġija nazzjonali bħall-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, jew l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul kif definit ***fid-Direttiva … [EPBD riformulata – 2021/0426(COD)]***.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, dawn il-miżuri għandhom jinkludu firxa ta' strumenti u politiki li jippromwovu bidla fl-imġiba bħal:

(i) inċentivi fiskali;

(ii) aċċess għal finanzi, vawċers, għotjiet jew sussidji;

***(iia) id-disponibbiltà ta' awditi appoġġati pubblikament u servizzi ta' konsulenza u appoġġ imfassla apposta għal konsumaturi tal-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari konsumaturi vulnerabbli, persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u fejn japplika, persuni li jgħixu fl-akkomodazzjoni soċjali;***

---

([65]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(iib) servizzi ta' konsulenza mfassla apposta għall-SMEs u l-mikrointrapriżi;***

(iii) għoti tal-informazzjoni b'format aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;

(iv) proġetti eżemplari;

(v) attivitajiet fuq il-post tax-xogħol;

(vi) attivitajiet tat-taħriġ;

(vii) għodod diġitali.

***(viia) strateġiji ta' involviment.***

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, dawn il-miżuri għandhom jinkludu wkoll, iżda mhux biss, dawn il-modi u l-mezzi għall-involviment tal-atturi tas-suq bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1:

(i) il-ħolqien ta' one-stop shops jew mekkaniżmi simili għall-għoti ta' pariri tekniċi, amministrattivi u finanzjarji u għal assistenza dwar l-effiċjenza enerġetika, inkluż b'rabta ma' ***verifiki tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi,*** rinnovazzjonijiet tal-enerġija tal-bini, ***informazzjoni dwar is-sostituzzjoni ta' sistemi tat-tisħin antiki u ineffiċjenti b'apparati moderni u aktar effiċjenti*** u l-użu tal-enerġija rinnovabbli ***u ħżin tal-enerġija*** għall-bini, lil klijenti finali u utenti finali, speċjalment dawk tal-unitajiet domestiċi u mhux domestiċi żgħar***, inklużi l-SMEs u l-mikrointrapriżi;***

***(ia) kooperazzjoni ma' atturi privati li jipprovdu servizzi bħal awditi tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' finanzjament u eżekuzzjoni ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija u l-promozzjoni ta' tali servizzi;***

(ii) komunikazzjoni ta' bidliet kosteffettivi u li jistgħu jinkisbu faċilment fl-użu tal-enerġija;

(iii) disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u strumenti ta' finanzjament;

(iv) il-forniment ta' punti uniċi ta' kuntatt, biex il-klijenti finali u l-utenti finali jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar id-drittijiet tagħhom, il-liġi applikabbli u l-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim disponibbli għalihom f'każ ta' tilwim. Dawn il-punti uniċi ta' kuntatt jistgħu jkunu parti minn punti ta' informazzjoni ġenerali għall-konsumaturi.

***2a. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiddjalogaw mal-awtoritajiet rilevanti u mal-partijiet ikkonċernati privati fl-iżvilupp ta' one-stop shops lokali, reġjonali jew nazzjonali ddedikati għall-effiċjenza enerġetika. Dawn il-one-stop shops għandhom ikunu transsettorjali u interdixxiplinari u jwasslu għal proġetti żviluppati lokalment billi:***

***(a) jagħtu pariri u jipprovdu informazzjoni simplifikata dwar possibbiltajiet u soluzzjonijiet tekniċi u finanzjarji lill-familji, l-SMEs, il-mikrointrapriżi u l-korpi pubbliċi;***

***(b) joħolqu konnessjoni bejn proġetti potenzjali mal-atturi tas-suq, b'mod partikolari proġetti fuq skala iżgħar;***

***(c) jagħtu pariri dwar l-imġiba tal-konsum tal-enerġija bil-għan li l-konsumaturi jkunu involuti attivament;***

***(d) jagħtu informazzjoni dwar programmi ta' taħriġ u edukazzjoni biex jiġu żgurati aktar professjonisti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll jiġġeddu u jittejbu l-ħiliet tal-professjonisti sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq;***

***(e) jiġbru u jippreżentaw data aggregata dwar it-tipoloġija minn proġetti tal-effiċjenza enerġetika ffaċilitati minn one-stop shops lill-Kummissjoni, li għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'rapport kull sentejn sabiex jiġu kondiviżi l-esperjenzi u tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri u b'hekk jiġu promossi eżempji tal-aħjar prattika minn tipoloġiji differenti ta' bini, akkomodazzjoni u intrapriżi;***

***(f) jipprovdu appoġġ olistiku lill-unitajiet domestiċi kollha, b'attenzjoni speċjali għall-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku u l-bini bl-agħar prestazzjoni, kif ukoll lill-kumpaniji akkreditati u lill-installaturi li jipprovdu servizzi ta' modifika retroattiva, adattati għal tipoloġiji ta' akkomodazzjoni u skop ġeografiku differenti u jipprovdu appoġġ li jkopri l-istadji differenti tal-proġett ta' modifika retroattiva, partikolarment biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva … [EPBD riformulata – 2021/0426(COD)];***

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

***(g) jiżviluppaw servizzi għal konsumaturi foqra fl-enerġija, konsumaturi vulnerabbli u familji bi dħul baxx.***

***L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi, l-aġenziji tal-enerġija u l-inizjattivi mmexxija mill-komunità u biex jippromwovu, jiżviluppaw u jtejbu l-one-stop shops permezz ta’ proċess integrat. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri b’linji gwida għall-iżvilupp ta’ dawn il-one-stop shops bil-għan li jinħoloq approċċ armonizzat fl-Unjoni kollha.***

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa għall-atturi tas-suq biex jipprovdu informazzjoni adegwata u mmirata u konsulenza lill-konsumaturi finali, inkluż il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali dwar l-effiċjenza enerġetika***, l-SMEs u l-mikrointrapriżi***.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali, l-utenti finali, il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali, jkollhom aċċess għal mekkaniżmi barra l-qorti sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effettivi u effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim rigward id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, permezz ta’ mekkaniżmu indipendenti bħal Ombudsman tal-enerġija jew korp tal-konsumaturi, jew permezz ta’ awtorità regolatorja. Meta jkun klijent finali jkun konsumatur kif definit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [66], dawn il-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fiha.

Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet tar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim jikkooperaw biex jipprovdu mekkaniżmi sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effettivi u effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti, għal kull tilwima li tinqala’ minn prodotti jew servizzi relatati jew magħquda ma’ xi prodott jew servizz li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.

Il-parteċipazzjoni tal-impriżi b’mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti għall-klijenti domestiċi għandha tkun obbligatorja sakemm l-Istat Membru ma jurix lill-Kummissjoni li hemm mekkaniżmi oħra effettivi daqshom.

5. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji bażiċi tal-liġijiet tagħhom dwar il-proprjetà u dwar il-kiri, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ineħħu ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-effiċjenza enerġetika, rigward il-qsim tal-inċentivi bejn is-sidien u l-inkwilini jew fost is-sidien ta’ binja jew ta’ unità tal-bini, biex ikun żgurat li dawn il-partijiet ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti li jtejbu l-effiċjenza minħabba l-fatt li individwalment ma jiksbux benefiċċji sħaħ jew minħabba nuqqas ta’ regoli għall-qsim tal-kostijiet u l-benefiċċji bejniethom.

Miżuri li jneħħu dawn l-ostakli jistgħu jinkludu l-għoti ta’ inċentivi***, inkluż dwar il-finanzjament u l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal soluzzjonijiet ta’ finanzjament offruti minn terzi***, ir-revoka jew l-emendar ta’ dispożizzjonijiet legali jew regolatorji, jew l-adozzjoni ta’ linji gwida u ta’ komunikazzjonijiet interpretattivi, jew is-simplifikazzjoni ta’ proċeduri amministrattivi, inkluż regoli u miżuri nazzjonali li jirregolaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi proprjetajiet b’diversi sidien. Il-miżuri jistgħu jiġu kkombinati mal-għoti ta’ edukazzjoni, taħriġ u informazzjoni u assistenza teknika speċifiċi dwar l-effiċjenza enerġetika lill-atturi tas-suq bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jappoġġaw djalogu multilaterali bil-parteċipazzjoni ***tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti,*** sħab pubbliċi u soċjali ▌ bħall-organizzazzjonijiet tas-sidien u l-inkwilini, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi***, id-distributur tal-enerġija jew il-kumpanija tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut, l-ESCOs***, il-kumpaniji tas-servizz tal-enerġija, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-aġenziji, bil-għan li jiġu stabbiliti proposti dwar miżuri, inċentivi u linji gwida aċċettati b’mod konġunt li huma rilevanti għall-qsim tal-inċentivi bejn is-sidien u l-inkwilini, jew fost is-sidien ta’ binja jew ta’ unità tal-bini.

Kull Stat Membru għandu jirrapporta dawn l-ostakli u l-miżuri meħuda fl-istrateġija ta’ rinnovazzjoni fit-tul tiegħu skont l-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE u r-Regolament (UE) 2018/1999.

[66] Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

6. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ l-iskambju u d-distribuzzjoni wiesgħa tal-informazzjoni dwar prattiki tajba ***u metodoloġiji*** ta’ effiċjenza enerġetika ***u tipprovdi assistenza teknika biex ittaffi*** l-qsim tal-inċentivi fl-Istati Membri.

***Artikolu 21a***

***Sħubijiet għall-effiċjenza enerġetika***

***1. Sa … [12 il-xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sħubijiet Ewropej ta’ effiċjenza enerġetika speċifiċi għas-settur billi tlaqqa’ flimkien il-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi s-sħab soċjali, f’setturi bħall-ICT, it-trasport, is-setturi finanzjarji u tal-bini b’mod inklużiv u rappreżentattiv. Il-Kummissjoni għandha taħtar president għal kull sħubija Ewropea ta’ effiċjenza enerġetika speċifika għas-settur.***

***2. Is-sħubijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiffaċilitaw id-djalogi dwar il-klima u jinkoraġġixxu lis-setturi jfasslu pjanijiet direzzjonali għall-effiċjenza enerġetika sabiex jiġu identifikati l-miżuri u l-għażliet teknoloġiċi disponibbli biex jinkiseb iffrankar fl-effiċjenza enerġetika, issir tħejjija għall-enerġija rinnovabbli u jiġu dekarbonizzati s-setturi. Tali pjanijiet direzzjonali għandhom jagħtu kontribut siewi biex jgħinu lis-setturi fl-ippjanar tal-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta’ din id-Direttiva u r-Regolament (UE) 2021/1119 kif ukoll jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-atturi biex jissaħħaħ is-suq intern tal-Unjoni.***

*Artikolu 22*

**Nagħtu s-setgħa u protezzjoni lill-klijenti vulnerabbli u ntaffu l-faqar enerġetiku**

1. L-Istati Membri għandhom ***jiżviluppaw strateġija robusta fit-tul u*** jieħdu miżuri xierqa biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-klijenti vulnerabbli u ***lill-familji bi dħul baxx u***, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali.

Fid-definizzjoni tal-kunċett ta’ klijenti vulnerabbli skont l-Artikoli 28(1) u 29 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom iqisu lill-utenti finali.

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u miżuri relatati ta’ informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi, b’mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 21 fl-Artikolu 8(3), bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli***, l-unitajiet domestiċi b’introjtu baxx*** u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali biex itaffu l-faqar enerġetiku. ***L-Istati Membri għandhom jintroduċu strumenti xierqa ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku jkunu megħjuna b’miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika.***

3. Biex iwieżnu lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku***, lill-unitajiet domestiċi b’introjtu baxx*** u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom:

a) jimplimentaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika biex itaffu l-effetti distribuzzjonali minn politiki u miżuri oħra, bħall-miżuri tat-tassazzjoni implimentati skont l-Artikolu 10 ta’ din id-Direttiva, jew l-applikazzjoni tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u t-trasport f’konformità mad-Direttiva tal-ETS [COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD)];

***(aa) jiżguraw li l-miżuri biex tiġi promossa u ffaċilitata l-effiċjenza enerġetika, partikolarment dawk li jirrigwardaw il-bini u l-mobilità, ma jwasslux għal żieda sproporzjonata fil-prezz ta’ dawn is-servizzi jew għal esklużjoni soċjali akbar;***

b) jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-finanzjament pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż meta applikabbli, mill-kontribuzzjoni finanzjarja li l-Istat Membru jkun irċieva mill-Fond Soċjali għall-Klima skont [l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021)0568 final], u mid-dħul minn irkanti bl-iskambju tal-kwoti skont l-ETS tal-UE [COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD)], għal investimenti f’miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika bħala azzjonijiet ta’ prijorità;

c) meta applikabbli, iwettqu investimenti bikrija u progressivi f’miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika***, bħall-modifika retroattiva ta’ sistemi tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-ventilazzjoni,*** qabel ma l-impatti distribuzzjonali minn politiki u miżuri oħra juru l-effett tagħhom;

d) jibnu assistenza teknika ***li tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar ir-riformi tal-oqfsa regolatorji bħal-liġijiet tal-proprjetà u tal-kera fir-rigward ta’ miżuri ta’ effiċjenza enerġetika*** u l-introduzzjoni ta’ finanzjament u għodod finanzjarji abilitanti, bħal skemi fuq il-kont, riżerva lokali ta’ telf mis-self, fondi ta’ garanzija, fondi mmirati lejn rinnovazzjonijiet profondi u rinnovazzjonijiet bi gwadanji minimi fl-enerġija;

e) irawmu assistenza teknika għall-atturi soċjali biex jippromwovu l-involviment attiv tal-klijenti vulnerabbli fis-suq tal-enerġija, u bidliet pożittivi fl-imġiba tagħhom tal-konsum tal-enerġija;

f) jiżguraw aċċess għal finanzjament, għotjiet jew sussidji marbuta ma' gwadanji minimi fl-enerġija ***u jiffaċilitaw l-aċċess għal self bankarju affordabbli jew linji ta' kreditu ddedikati.***

***3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, lill-klijenti vulnerabbli u, fejn applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali kontra l-iffissar inġust tal-prezzijiet u miż-żidiet fil-prezzijiet fil-provvista tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-misħun domestiku.***

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu network ta' esperti minn diversi setturi bħas-settur tas-saħħa, ***is-settur tal-enerġija,*** is-settur tal-bini***, is-settur tat-tisħin u t-tkessiħ*** u s-setturi soċjali, ***inklużi l-aġenziji lokali u reġjonali fejn applikabbli,*** biex jiżviluppaw strateġiji li jappoġġaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali u nazzjonali biex jimplimentaw miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u jtaffu l-faqar enerġetiku, miżuri li jiġġeneraw soluzzjonijiet sodi fit-tul biex itaffu l-faqar enerġetiku u jiżviluppaw assistenza teknika u għodod finanzjarji xierqa. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw network ta' kompożizzjoni tal-esperti li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri u jirrifletti l-perspettivi tan-nies fid-diversità kollha tagħhom.

▌L-istess network ta' esperti ***għandu jgħin lill-Istati Membri***:

a) jistabbilixxu definizzjonijiet, indikaturi u kriterji nazzjonali tal-faqar enerġetiku, ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku, u ta' kunċetti ta' klijenti vulnerabbli, inkluż l-utenti finali;

b) jiżviluppaw jew itejbu l-indikaturi u s-settijiet tad-data rilevanti, pertinenti għall-kwistjoni tal-faqar enerġetiku, li għandhom jintużaw u jsiru rapporti dwarhom;

c) jistabbilixxu metodi u miżuri li jiżguraw l-affordabbiltà, il-promozzjoni tan-newtralità tal-kost tal-akkomodazzjoni, jew modi li jiżguraw li l-fondi pubbliċi investiti f'miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jkunu ta' benefiċċju għas-sidien u għall-inkwilini tal-binjiet u tal-unitajiet tal-bini, b'mod partikolari b'rabta mal-klijenti vulnerabbli, mal-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, u, meta applikabbli, mal-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

d) jivvalutaw, u meta applikabbli, jipproponu miżuri li jevitaw jew jirrimedjaw sitwazzjonijiet meta ċerti gruppi partikolari jkunu affettwati aktar jew f'riskju akbar li jiġu affettwati mill-faqar enerġetiku jew ikunu aktar suxxettibbli għall-impatti negattivi tal-faqar enerġetiku, bħan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, it-tfal, u l-persuni ta' sfond razzjali jew etniku minoritarju.

## KAPITOLU V

## *L-EFFIĊJENZA FIL-PROVVISTA TAL-ENERĠIJA*

*Artikolu 23*

### Valutazzjoni u ppjanar tat-tisħin u t-tkessiħ

1. Bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, il-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u r-rapporti ta' progress rispettivi notifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiħ***, li tinkludi l-immappjar taż-żoni identifikati għal networks tat-tisħin u t-tkessiħ ġodda***. Dik il-valutazzjoni komprensiva għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IX u għandha tkun mehmuża mal-valutazzjoni li ssir skont l-Artikolu 15(7) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-partijiet rilevanti kollha, inklużi l-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati,*** jingħataw l-opportunità jipparteċipaw fit-tħejjija tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

3. Għall-fini tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tal-kostbenefiċċji li tkopri t-territorju tagħhom u abbażi tal-kundizzjonijiet klimatiċi, il-fattibbiltà ekonomika jew l-adegwatezza teknika. Dik l-analiżi tal-kostbenefiċċji għandha tkun kapaċi tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-aktar soluzzjonijiet effiċjenti fir-riżorsi u kosteffiċjenti biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tat-tisħin u tat-tkessiħ***, filwaqt li titqies l-effiċjenza ġenerali tas-sistema, l-adegwatezza u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija, kif ukoll il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"***. Dik l-analiżi tal-kostbenefiċċji tista' tkun parti minn valutazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([67]).

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jipprovdu l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet dettaljati skont l-Anness X u jistabbilixxu u jippubblikaw il-proċeduri għall-analiżi ekonomika.

4. Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw potenzjal għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u/jew għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti ***u/jew il-ġenerazzjoni tal-elettriku mis-sħana mormija għall-awtokonsum*** li l-benefiċċji tagħhom jisbqu l-kostijiet, l-Istati Membri***, jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali responsabbli,*** għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex tiġi żviluppata infrastruttura għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti ***u/jew jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' installazzjonijiet għall-konverżjoni ta' sħana mormija żejda għall-elettriku għall-awtokonsum*** u/jew biex jiġu akkomodati l-iżvilupp ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u l-użu tat-tisħin u tat-tkessiħ mis-sħana mormija u minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija f'konformità mal-paragrafu 1 u l-Artikolu 24(4) u (6).

Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 ma jidentifikawx potenzjal li l-benefiċċji tiegħu jisbqu l-kostijiet, inkluż il-kostijiet amministrattivi għat-twettiq tal-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija fl-Artikolu 24 (4), l-Istat Membru***, flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati,*** jista' jeżenta installazzjonijiet mir-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu.

5. L-Istati Membri għandhom jadottaw politiki u miżuri, li jiżguraw li jiġi realizzat il-potenzjal identifikat fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1. Dawn il-politiki u l-miżuri għandhom jinkludu mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness IX. Kull Stat Membru għandu jinnotifika dawn il-politiki u l-miżuri bħala parti mill-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima, tal-pjan nazzjonali integrat sussegwenti tiegħu għall-enerġija u l-klima, u tar-rapporti ta' progress rispettivi notifikati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

***Fit-tħejjija tal-politiki u l-miżuri tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar impjanti u unitajiet ta' koġenerazzjoni f'networks eżistenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali u jwettqu valutazzjoni tal-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija. Dik l-informazzjoni għandu jkun fiha mill-inqas id-data dwar l-effiċjenza tas-sistema, it-telf tas-sistema, id-densità tal-konnessjoni, it-telf tan-network u l-firxa tat-temperatura, l-enerġija primarja u l-konsum finali tal-enerġija, il-fatturi ta' emissjoni u l-ktajjen upstream tas-sorsi tal-enerġija. Dik id-data għandha tiġi ppubblikata u l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dik id-data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.***

6. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-awtoritajiet reġjonali u lokali jħejju pjanijiet lokali tat-tisħin u t-tkessiħ tal-anqas fil-muniċipalitajiet li għandhom popolazzjoni totali ta' ***mill-inqas 35 000 u jħeġġu lil muniċipalitajiet b'popolazzjoni iżgħar iħejju pjanijiet bħal dawn***. Dawk il-pjanijiet ***għandhom***:

(a) ikunu bbażati fuq l-informazzjoni u d-data pprovduti fil-valutazzjonijiet komprensivi mwettqa skont il-paragrafu 1, u jipprovdu stima u mmappjar tal-potenzjal għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, inkluż ***bit-tħejjija ta' tisħin distrettwali b'temperatura baxxa, koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja,*** l-irkupru tas-sħana mormija, u l-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ f'dik iż-żona partikolari; ***barra minn hekk, għandha titwettaq analiżi tal-apparat tat-tisħin u t-tkessiħ fl-istokk tal-bini lokali li tqis il-potenzjali speċifiċi taż-żona għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika u li tiżviluppa mudelli ta' pjan direzzjonali tar-rinnovazzjoni għal tipi ta' bini simili bil-għan li jkun hemm trasformazzjoni rapida, kosteffettiva u kkoordinata reċiprokament tal-bini u tal-infrastruttura tal-provvista;***

***(aa) ikunu konformi bis-sħiħ mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel";***

(b) jinkludu strateġija għall-użu tal-potenzjal identifikat skont il-paragrafu 6(a);

(c) jitħejjew bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati reġjonali jew lokali rilevanti kollha u jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-pubbliku ġenerali***, inklużi l-operaturi tal-infrastruttura tal-enerġija lokali, fi stadju bikri***;

---

([67]) Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(ca) iqisu l-infrastruttura tal-enerġija eżistenti għall-gass, is-sħana u l-elettriku;***

(d) jikkunsidraw il-ħtiġijiet komuni tal-komunitajiet lokali u ta' diversi unitajiet amministrattivi lokali jew reġjonali, jew ta' diversi reġjuni;

***(da) jivvalutaw ir-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija u inizjattivi oħra mmexxija mill-konsumatur li jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' tisħin u tkessiħ fil-livell lokali;***

***(db) jinkludu strateġija biex tingħata prijorità lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, lill-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, lill-konsumaturi vulnerabbli u, fejn applikabbli, lill-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali kif imsemmi fl-Artikolu 22, inkluża analiżi tas-suq biex jiġu identifikati u mifhuma l-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira u jiġu proposti programmi mfassla apposta;***

***(dc) jivvalutaw il-finanzjament tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri identifikati u jipprovdu mekkaniżmi finanzjarji li jippermettu lill-konsumaturi jaqilbu għal tisħin u tkessiħ rinnovabbli;***

***(dd) iqisu l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, l-adegwatezza tas-sistema tal-enerġija u r-reżiljenza;***

(e) jinkludu ***trajettorja biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjanijiet f'konformità man-newtralità klimatika u*** l-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri identifikati;

***(ea) jiżviluppaw strateġija għal pjan ta' sostituzzjoni ta' apparat antik u ineffiċjenti tat-tisħin u t-tkessiħ f'korpi pubbliċi b'alternattivi effiċjenti ħafna, bil-ħsieb li gradwalment jiġu eliminati l-fjuwils fossili;***

***(eb) jivvalutaw il-possibbiltà ta' sinerġiji mal-pjanijiet ta' awtoritajiet reġjonali u lokali tal-viċinat biex jinkoraġġixxu investimenti konġunti u kosteffiċjenza.***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-partijiet rilevanti kollha, inklużi l-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati,*** jingħataw l-opportunità jipparteċipaw fit-tħejjija tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ, fil-valutazzjoni komprensiva, u fil-politiki u l-miżuri.

Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet li jappoġġaw lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jimplimentaw politiki u miżuri ta' tisħin u tkessiħ effiċjenti fl-enerġija u bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli fil-livell reġjonali u lokali bl-użu tal-potenzjal identifikat. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw bl-aktar mod possibbli u b'kull mezz lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, inkluż b'appoġġ finanzjarju u bi skemi ta' appoġġ tekniku. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ ikunu allinjati ma' rekwiżiti lokali oħra f'termini ta' klima, enerġija u ppjanar ambjentali, sabiex jiġi evitat il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u tiġi mħeġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet.***

***6a. Il-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ lokali jistgħu jitwettqu b'mod konġunt minn grupp ta' diversi awtoritajiet lokali tal-viċinat dment li l-kuntest ġeografiku u amministrattiv kif ukoll l-infrastruttura tat-tisħin u tat-tkessiħ ikunu xierqa.***

***6b. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet tat-tisħin u tat-tkessiħ lokali għandha tiġi vverifikata u vvalutata minn awtorità kompetenti. Meta l-implimentazzjoni ma titqiesx suffiċjenti, abbażi tat-trajettorja u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 6, punt (e), l-awtorità kompetenti għandha tipproponi miżuri biex tagħlaq id-distakk fl-implimentazzjoni.***

*Artikolu 24*

**Provvista tat-tisħin u tat-tkessiħ**

1. Biex jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika primarja u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista tat-tisħin u t-tkessiħ, sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti hija sistema li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

a. sal-31 ta' Diċembru ***2027***, sistema li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli, 50 % ta' sħana mormija, 75 % ta' sħana koġenerata jew 50 % ta' taħlita ta' dawn it-tipi ta' enerġija u sħana ***li jidħlu fin-network***;

b. mill-1 ta' Jannar ***2028***, sistema li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli, 50 % ta' sħana mormija, 80 % ta' sħana koġenerata ta' effiċjenza għolja jew mill-anqas kombinament ta' din l-enerġija termali li tidħol fin-network fejn is-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 5 % u s-sehem totali ta' enerġija rinnovabbli, ta' sħana mormija jew ta' sħana koġenerata ta' effiċjenza għolja jkun mill-inqas 50 %;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

c. mill-1 ta' Jannar 2035, sistema li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli u ta' sħana mormija, meta s-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 20 %;

d. mill-1 ta' Jannar 2045, sistema li tuża mill-inqas 75 % ta' enerġija rinnovabbli u ta' -sħana mormija, fejn is-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 40 %;

e. mill-1 ta' Jannar 2050, sistema li tuża enerġija rinnovabbli u sħana mormija biss, meta s-sehem tal-enerġija rinnovabbli jkun mill-inqas 60 %.

***f. f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", fejn is-sehem tas-sħana mormija jaqbeż il-kriterji fil-punti (c), (d) u (e), u fejn is-sħana mormija kieku tintilef, is-sħana mormija tista' tissostitwixxi kwalunkwe wieħed mis-sorsi l-oħra tal-enerġija;***

***g. tkun saret valutazzjoni tat-temperaturi massimi meħtieġa fl-grilja tad-distribuzzjoni.***

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, din tkun tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 applikabbli f'dak iż-żmien meta tibda jew tkompli topera wara r-rinnovazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta sistema tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu tal-fjuwils fossili għajr il-gass naturali fis-sorsi tas-sħana eżistenti meta mqabbel mal-medja tal-konsum annwali, b'medja tal-aktar tliet snin kalendarji riċenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, u li kull sors ġdid tas-sħana f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili ▌. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jiġu mmappjati u ppubblikati r-rotot ġeografiċi ta' sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali eżistenti.***

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2025 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, l-operaturi tas-sistemi kollha eżistenti tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali b'output totali tal-enerġija li jaqbeż il-5 MW u li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1(b) sa (e), iħejju pjan biex jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika primarja u l-enerġija rinnovabbli ***u biex jitnaqqas it-telf mid-distribuzzjoni***. Il-pjan għandu jinkludi miżuri biex jintlaħqu l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1(b) sa (e) u għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.

***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċentru tad-data b'input tal-enerġija nominali totali li jaqbeż il-100 kW juża s-sħana residwa jew applikazzjonijiet oħra għall-irkupru tas-sħana mormija sakemm ma jkunx f'pożizzjoni li juri li ma jkunx teknikament jew ekonomikament fattibbli skont il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.***

4. Biex jivvalutaw il-fattibbiltà ekonomika ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika ta' provvista tas-sħana u tal-kesħa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-livell ta' installazzjoni ssir analiżi tal-kostbenefiċċji skont l-Anness X meta l-installazzjonijiet li ġejjin ikunu ġew ippjanati mill-ġdid jew rinnovati sostanzjalment ***u l-ispejjeż materjali tagħhom ma jkunux għadhom iġġarrbu***:

(a) tkun ippjanata installazzjoni għall-ġenerazzjoni tal-elettriku termali b'input tal-enerġija totali annwali medju li jaqbeż 5 MW, biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji ta' forniment għall-operazzjoni tal-installazzjoni bħala installazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;

(b) installazzjoni industrijali b'input tal-enerġija totali annwali medju li jaqbeż il-5 MW biex jiġi vvalutat l-użu tas-sħana mormija fis-sit u barra mis-sit;

(c) faċilità ta' servizz b'input tal-enerġija totali annwali medju li jaqbeż il-5 MW, bħal faċilitajiet tat-trattament tal-ilma mormi u faċilitajiet tal-LNG biex jiġi vvalutat l-użu tas-sħana mormija fis-sit u barra mis-sit;

(d) ċentru tad-data b'input tal-enerġija kklassifikat totali li jaqbeż il-livell ta' ***100 kW***, biex jiġu vvalutati ***l-fattibbiltà teknika, il-kosteffiċjenza u l-impatt tal-effiċjenza enerġetika u d-domanda lokali għas-sħana, inkluża l-varjazzjoni staġonali,*** tal-użu tas-sħana mormija biex tiġi ssodisfata d-domanda ekonomikament ġustifikata, u tal-konnessjoni ta' dik l-installazzjoni ma' network tat-tisħin distrettwali jew ma' sistema ta' tkessiħ distrettwali effiċjenti/ibbażata fuq l-RES ***jew applikazzjonijiet oħra ta' rkupru tas-sħana mormija***. L-analiżi għandha tikkunsidra soluzzjonijiet tas-sistema tat-tkessiħ li jippermettu t-tneħħija jew il-ġbir tas-sħana mormija f'livell ta' temperatura utli b'inputs tal-enerġija anċillari minimi.

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tneħħija tal-ostakli regolatorji għall-użu ta' sħana mormija u l-għoti ta' appoġġ suffiċjenti għall-użu tas-sħana mormija meta l-installazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) sa (d) jkunu ppjanati ġodda jew rinnovati.*** Għall-finijiet tal-valutazzjoni tas-sħana mormija fis-sit għall-fini tal-punti (b) sa (d), minflok l-analiżi tal-kostbenefiċċji stabbilita f'dan il-paragrafu, jistgħu jsiru awditi tal-enerġija f'konformità mal-Anness VI.

L-attrezzament ta' tagħmir għall-ġbir tad-diossidu tal-karbonju prodott minn installazzjoni tal-kombustjoni bil-ħsieb li jinħażen ġeoloġikament kif previst fid-Direttiva 2009/31/KE ma għandux jitqies bħala rinnovazzjoni għall-finijiet tal-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu.

L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-analiżi tal-kostbenefiċċji ssir b'kooperazzjoni mal-kumpaniji responsabbli għall-operazzjoni tal-faċilità.

5. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-paragrafu 4:

(a) lil dawk l-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku peak-load u back-up li huma ppjanati biex joperaw għal anqas minn 1 500 siegħa ta' operazzjoni kull sena bħala medja inizjali fuq perjodu ta' ħames snin, abbażi ta' proċedura ta' verifika stabbilita mill-Istati Membri li tiżgura li dan il-kriterju għall-eżenzjoni jiġi ssodisfat;

(b) lill-installazzjonijiet li jeħtieġ ikunu jinsabu qrib sit tal-ħżin ġeoloġiku approvat skont id-Direttiva 2009/31/KE;

(c) ċentri tad-data li s-sħana mormija tagħhom tintuża jew tkun se tintuża f'network tat-tisħin distrettwali jew direttament għat-tisħin tal-post, għall-preparazzjoni tal-misħun domestiku jew għal użi oħra fil-bini jew fil-grupp ta' binjiet fejn tkun tinsab ***jew użi oħra f'żona rilevanti fl-inħawi taċ-ċentri tad-data***.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti, espressi f'termini tal-ammont tas-sħana mormija utli disponibbli, id-domanda għas-sħana jew id-distanzi bejn l-installazzjonijiet industrijali u n-networks tat-tisħin distrettwali, biex jeżentaw lil installazzjonijiet individwali mid-dispożizzjonijiet tal-punti (c) u (d) tal-paragrafu 4.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-eżenzjonijiet adottati skont dan il-paragrafu lill-Kummissjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jadottaw kriterji ta' awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/944, jew kriterji ta' permess ekwivalenti, biex:

(a) jieħdu kont tal-eżitu tal-valutazzjonijiet komprensivi msemmija fl-Artikolu 23(1);

(b) jiżguraw li r-rekwiżiti tal-paragrafu 4 jiġu ssodisfati;

(c) iqisu l-eżitu tal-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija fil-paragrafu 4.

7. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil installazzjonijiet individwali milli jkollhom, skont il-kriterji ta' awtorizzazzjoni u ta' permess imsemmija fil-paragrafu 6, jimplimentaw għażliet li l-benefiċċji tagħhom jisbqu l-kostijiet tagħhom, jekk ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' liġi, ta' sjieda jew ta' finanzjament biex jagħmlu dan. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta notifika motivata tad-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data meta ttieħdet. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar in-notifika fi żmien tliet xhur minn meta taslilha.

8. Il-paragrafi 4, 5, 6 u7 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva.

9. L-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-analiżi tal-kostbenefiċċji mwettqa skont il-punti (a), (b), (c) u (d) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Dik l-informazzjoni għandu jkun fiha tal-anqas id-data dwar l-ammonti ta' provvista tas-sħana disponibbli u l-parametri tas-sħana, in-numru ta' sigħat ta' operazzjoni ppjanati kull sena, u l-pożizzjoni ġeografika tas-siti. Dik id-data għandha tiġi ppubblikata bir-rispett dovut għas-sensittività potenzjali tagħha.

10. Abbażi tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza msemmija fil-punt (f) tal-Anness III, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oriġini tal-elettriku ġġenerat minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja tista' tiġi ggarantita skont kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji stabbiliti minn kull Stat Membru. Dawn għandhom jiżguraw li din il-garanzija tal-oriġini tikkonforma mar-rekwiżiti u tkun tinkludi mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XI. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-garanziji tal-oriġini tagħhom, esklużivament bħala prova tal-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu. Kwalunkwe rifjut ta' rikonoxximent ta' garanzija tal-oriġini bħala prova ta' din ix-xorta, b'mod partikolari għal raġunijiet relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, irid ikun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan ir-rifjut u bil-ġustifikazzjoni tiegħu. Fil-każ ta' rifjut ta' rikonoxximent ta' garanzija tal-oriġini, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni biex teżiġi li l-parti rifjutanti tirrikonoxxiha, b'mod partikolari b'rabta ma' kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji li abbażi tagħhom ikun dak ir-rikonoxximent.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tirrieżamina, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 31 ta' din id-Direttiva, l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza kif stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 ([68]).

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull appoġġ disponibbli għall-koġenerazzjoni jkun soġġett għall-fatt li l-elettriku ġġenerat ikun ġej minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u li s-sħana mormija tintuża effettivament biex jinkiseb iffrankar tal-enerġija primarja. L-appoġġ pubbliku għall-koġenerazzjoni, u għall-ġenerazzjoni u n-networks tat-tisħin distrettwali, għandu jkun soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, meta applikabbli.

*Artikolu 25*

**Trasformazzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija**

1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati fid-Direttivi (UE) 2019/944 u 2009/73/KE fir-rigward tad-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, inklużi d-deċiżjonijiet tagħhom dwar it-tariffi tan-network***, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-kosteffikaċja. Minbarra l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom iqisu l-kosteffiċjenza, l-effiċjenza tas-sistema u s-sigurtà tal-provvista u jadattaw approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja li jissalvagwardja s-sostenibbiltà u l-miri klimatiċi tal-Unjoni***.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass u tal-elettriku japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva ***u mal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà*** fl-ippjanar tan-network, fl-iżvilupp tan-network u fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom. ***Il-flessibbiltà orjentata lejn id-domanda għandha tkun parti ċentrali mill-valutazzjoni tal-ippjanar u l-operat tan-networks.*** Filwaqt li jqisu s-sigurtà tal-provvista u l-integrazzjoni tas-suq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni ***jinvestu*** f'assi ***li jibqgħu validi fil-futur*** biex jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ***jistgħu*** jipprovdu metodoloġiji u gwida dwar kif iridu jiġu vvalutati l-alternattivi fl-analiżi tal-kostbenefiċċji ***f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, li jistgħu jikkondividu għarfien tekniku kruċjali,*** filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji usa', u kif trid tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni meta jkunu qed japprovaw, jivverifikaw jew jimmonitorjaw il-proġetti ppreżentati mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni ***jimmonitorjaw u jikkwantifikaw il-volum ġenerali tat-telf*** tan-network ***relatat man-network li joperaw*** u jieħdu miżuri kosteffettivi biex ***iżidu l-effiċjenza*** tan-network ***u jindirizzaw il-ħtiġijiet relatati mal-iżvilupp tal-infrastruttura u t-telf li jirriżulta miż-żieda fl-elettrifikazzjoni kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-produzzjoni***. L-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għandhom jirrapportaw lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-enerġija dwar dawk il-miżuri ▌. ▌ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' ***network*** tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jivvalutaw il-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika b'rabta mas-sistemi eżistenti tagħhom tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni tal-gass jew tal-elettriku u jtejbu l-effiċjenza enerġetika fid-disinn u fl-operazzjoni tal-infrastruttura***, speċjalment f'termini tal-introduzzjoni ta' grilja intelliġenti***. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi tan-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi li jtejbu ***l-effiċjenza u s-sostenibbiltà inkluża*** l-effiċjenza enerġetika, tas-sistemi eżistenti ***u futuri*** permezz ta' regolamenti bbażati fuq l-inċentivi.

4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom jinkludu taqsima speċifika dwar il-progress miksub fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika b'rabta mal-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku fir-rapport annwali mfassal skont l-Artikolu 59(1)(i) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73/KE. F'dawn ir-rapporti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom jipprovdu valutazzjoni ***tal-effiċjenza globali*** fl-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, il-miżuri li ħadu l-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni u, meta applikabbli, jagħtu rakkomandazzjonijiet biex titjieb l-effiċjenza enerġetika***, inklużi alternattivi kosteffiċjenti li jnaqqsu t-tagħbija fl-eqqel sigħat u l-użu tal-elettriku b'mod ġenerali***.

5. Għall-elettriku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regolazzjoni tan-networks u t-tariffi tan-networks jissodisfaw il-kriterji fl-Anness XII, b'kunsiderazzjoni għal-linji gwida u l-kodiċijiet żviluppati skont ir-Regolament (UE) 2019/943.

---

([68]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jirrevedi l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 54).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

6. L-Istati Membri jistgħu jippermettu komponenti ta' skemi u ta' strutturi tariffarji b'għan soċjali għat-trażmissjoni u għad-distribuzzjoni tal-enerġija destinata għan-network, dment li kwalunkwe effett fixkiel għas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jinżamm għall-minimu meħtieġ u ma jkunx sproporzjonat mal-għan soċjali.

7. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw it-tneħħija ta' dawk l-inċentivi fit-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni li jagħmlu ħsara lill-effiċjenza enerġetika ***u r-rispons għad-domanda*** tal-ġenerazzjoni, tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni u tal-provvista tal-elettriku u tal-gass. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw effiċjenza fit-tfassil tal-infrastruttura u t-tħaddim tal-infrastruttura eżistenti, fil-qafas tad-Direttiva (UE) 2019/944, li t-tariffi jippermettu lill-fornituri jtejbu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fl-effiċjenza tas-sistema.***

8. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XII.

9. Meta xieraq, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jħeġġu li l-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja titqiegħed f'siti qrib iż-żoni tad-domanda għas-sħana billi jnaqqsu t-tariffi tal-konnessjoni u tal-użu tas-sistema.

10. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-produtturi tal-elettriku minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li jixtiequ jikkollegaw mal-grilja joħorġu sejħa għall-offerti għax-xogħol tal-konnessjoni.

11. Fir-rappurtar skont id-Direttiva 2010/75/UE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2) ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jinkludu informazzjoni dwar il-livelli tal-effiċjenza enerġetika tal-installazzjonijiet li jwettqu l-kombustjoni tal-fjuwils b'input termali kklassifikat totali ta' 50 MW jew aktar fid-dawl tal-aqwa tekniki disponibbli rilevanti, kif żviluppat skont id-Direttiva 2010/75/UE.

## KAPITOLU VI

## *DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI*

### *Artikolu 26*

### Disponibbiltà ta' skemi ta' kwalifika, akkreditament u ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-livell xieraq ta' kompetenzi għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tas-suq. L-Istati Membri b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u/jew skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi xierqa ta' taħriġ, ikunu disponibbli għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika inkluż il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, il-fornituri tal-awditi tal-enerġija, il-maniġers tal-enerġija, l-esperti indipendenti u l-installaturi tal-elementi tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE, u li dawn ikunu affidabbli u jikkontribwixxu għall-objettivi nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika u għall-objettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE.

Il-fornituri ta' skemi ta' ċertifikazzjoni u/jew ta' skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi xierqa ta' taħriġ għandhom jiġu akkreditati skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 ([69]).

***1a. L-Istati Membri għandhom jippromwovu ċ-ċertifikazzjoni, it-taħriġ u programmi edukattivi biex jiżguraw il-livell xieraq ta' kompetenzi għall-professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri biex jippromwovu l-parteċipazzjoni f'tali taħriġ, partikolarment mill-SMEs u l-persuni li jaħdmu għal rashom. Sa … [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tibda kampanja fl-Unjoni kollha biex tattira aktar nies lejn professjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u tiżgura aċċess ugwali għan-nisa.***

***1b. Sa … [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma bħala punt ta' aċċess uniku li permezz tiegħu tipprovdi appoġġ u kondiviżjoni tal-għarfien biex tiżgura l-livell xieraq ta' professjonisti kwalifikati biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija. Il-pjattaforma għandha tlaqqa' lill-Istati Membri, is-sħab soċjali, l-istituzzjonijiet edukattivi, id-dinja akkademika u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn biex trawwem u tippromwovi l-aħjar prattiki ħalli jiġu żgurati aktar professjonisti fl-effiċjenza enerġetika u jsir tiġdid u titjib tal-ħiliet tal-professjonisti sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-suq.***

([69]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi nazzjonali ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifiki ekwivalenti, inkluż, meta meħtieġ, il-programmi ta' taħriġ, ***ikunu bbażati fuq*** l-istandards Ewropej jew internazzjonali eżistenti.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli pubblikament l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, jew l-iskemi ta' kwalifiki ekwivalenti, jew il-programmi xierqa ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jikkooperaw bejniethom u mal-Kummissjoni dwar il-paraguni bejn l-iskemi u għar-rikonoxximent tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jagħmlu lill-konsumaturi konxji mid-disponibbiltà tal-iskemi f'konformità mal-Artikolu 27(1).

4. Sal-31 ta' Diċembru 2024, u kull ***sentejn*** minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk l-iskemi jiżgurawx il-livell meħtieġ ta' kompetenzi ***u bilanċ bejn is-sessi*** għall-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, l-awdituri tal-enerġija, il-maniġers tal-enerġija, l-esperti indipendenti u l-installaturi tal-elementi tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE***. Għandhom ukoll jivvalutaw id-distakk bejn l-għadd ta' professjonisti disponibbli u dak meħtieġ. Huma*** għandhom iqiegħdu l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tagħha għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

*Artikolu 27*

**Servizzi tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu s-suq tas-servizzi tal-enerġija u l-aċċess tal-SMEs għalih billi jqassmu informazzjoni ċara u aċċessibbli faċilment dwar:

(a) il-kuntratti tas-servizzi tal-enerġija disponibbli u l-klawsoli li għandhom ikunu inklużi fil-kuntratti ta' din ix-xorta biex ikunu garantiti l-iffrankar tal-enerġija u d-drittijiet tal-klijenti finali;

(b) l-istrumenti finanzjarji, l-inċentivi, l-għotjiet, il-fondi rotanti, il-garanziji, l-iskemi tal-assigurazzjoni, u s-self biex jingħata appoġġ lill-proġetti ta' servizzi tal-effiċjenza enerġetika;

(c) il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija disponibbli li huma kkwalifikati u/jew iċċertifikati, u l-kwalifiki u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 26;

(d) il-metodoloġiji ta' monitoraġġ u ta' verifika disponibbli, u l-iskemi ta' kontroll tal-kwalità.

2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' tikketti tal-kwalità, fost l-oħrajn, minn assoċjazzjonijiet kummerċjali, abbażi ta' standards Ewropej jew internazzjonali meta rilevanti;

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jaġġornaw regolarment lista ta' fornituri disponibbli ta' servizzi tal-enerġija li huma kwalifikati u/jew iċċertifikati, u l-kwalifiki u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26, jew jipprovdu pjattaforma biex il-fornituri ta' servizzi tal-enerġija jkunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** l-korpi pubbliċi jużaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjonijiet ta' binjiet kbar. Għar-rinnovazzjonijiet ta' binjiet kbar mhux residenzjali ***u binjiet residenzjali pubbliċi*** b'erja ta' art utli ta' aktar minn ***500*** m$^2$***, kif ukoll binjiet li jkollhom skop soċjali***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi pubbliċi jivvalutaw il-fattibbiltà tal-użu tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ***u ta' servizzi oħra tal-enerġija bbażati fuq il-prestazzjoni***.

L-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-korpi pubbliċi biex jikkombinaw l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma' servizzi tal-enerġija estiżi, inkluż ir-rispons għad-domanda u l-ħżin***, sabiex jiġi żgurat l-iffrankar tal-enerġija u jinżammu r-riżultati miksuba maż-żmien permezz ta' monitoraġġ kontinwu, operat effettiv u manutenzjoni***.

5. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lis-settur pubbliku biex jieħu offerti ta' servizz tal-enerġija, b'mod partikolari għar-rinnovazzjoni tal-bini, billi:

(a) jipprovdu mudell ta' kuntratti għall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jinkludi mill-inqas il-punti elenkati fl-Anness XIII u jqisu l-istandards Ewropej jew internazzjonali eżistenti, il-linji gwida disponibbli għas-sejħiet għall-offerti u l-gwida tal-Eurostat għat-trattament statistiku tal-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-kontijiet tal-gvern;

(b) jipprovdu informazzjoni dwar l-aqwa prattiki għall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, inkluż jekk ikunu disponibbli, analiżi tal-kostbenefiċċji permezz ta' approċċ ta' ċiklu tal-ħajja;

L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022

(c) ***il-promozzjoni u*** t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta’ bażi tad-data ta’ proġetti tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija implimentati u li qed jiġu implimentati, inkluż l-iffrankar tal-enerġija previst u magħmul.

6. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-funzjonament tajjeb tas-suq tas-servizzi tal-enerġija billi jieħdu dawn il-miżuri li ġejjin:

(a) jidentifikaw u jippubbliċizzaw punt(i) ta’ kuntatt biex il-klijenti finali jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1;

(b) ineħħu l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jxekklu l-użu ta’ kkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u mudelli oħra ta’ servizzi tal-effiċjenza enerġetika biex jiġu identifikati u/jew implimentati miżuri tal-iffrankar tal-enerġija;

(c) jistabbilixxu u jippromwovu r-rwol tal-korpi konsultattivi***, l-ESCOs*** u intermedjarji indipendenti tas-suq, inklużi one-stop shops jew mekkaniżmi ta’ appoġġ simili, biex jistimulaw l-iżvilupp tas-suq fuq in-naħat tad-domanda u tal-provvista, u jagħmlu l-informazzjoni dwar dawk il-mekkaniżmi ta’ appoġġ disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli għall-atturi tas-suq.

7. Għall-fini ta’ appoġġ għall-funzjonament tajjeb tas-suq tas-servizzi tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu individwali jew jiddeżinjaw ombudsperson biex jiżguraw it-trattament effiċjenti tal-ilmenti u r-riżoluzzjoni barra mill-qorti tat-tilwim li jinqala’ minn kuntratti ta’ servizzi tal-enerġija u ta’ rendiment fl-użu tal-enerġija.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri tal-enerġija, l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni u l-kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut ma jwettqux attivitajiet li jistgħu jxekklu d-domanda għal servizzi tal-enerġija, u t-twassil tagħhom, jew miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, jew li jfixklu l-iżvilupp tas-swieq għal dawn is-servizzi jew il-miżuri, inkluż l-għeluq tas-suq għall-kompetituri jew l-abbuż b’pożizzjonijiet dominanti.

*Artikolu 28*

**Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, Finanzjament u Appoġġ Tekniku**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-istabbiliment ta’ faċilitajiet ta’ finanzjament, jew l-użu ta’ dawk eżistenti, għal miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika biex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-benefiċċji ta’ diversi sorsi ta’ finanzjament u l-kombinament ta’ għotjiet, strumenti finanzjarji u assistenza teknika.

2. Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, direttament jew permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, tassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta’ faċilitajiet ta’ finanzjament u faċilitajiet ta’ assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali bil-għan li jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f’setturi differenti, filwaqt li jipproteġu u jagħtu setgħa lill-klijenti vulnerabbli, lill-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, lill-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali, inkluż b’integrazzjoni ta’ perspettiva tal-ugwaljanza biex ħadd ma jinqata’ lura.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiżguraw li l-prodotti ta’ self għall-effiċjenza enerġetika, bħal ipoteki ekoloġiċi u self ekoloġiku, garantiti u mhux garantiti, jiġu offruti b’mod wiesa’ u nondiskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u, ikunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri l jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta’ skemi ta’ finanzjament fuq il-kont u fuq it-taxxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jirċievu informazzjoni dwar opportunitajiet biex jieħdu sehem fil-finanzjament ta’ miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż il-ħolqien ta’ sħubijiet pubbliċi/privati.

***3a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom jadottaw skemi ta’ appoġġ finanzjarju biex iżidu l-adozzjoni ta’ miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika għal sistemi ta’ tisħin u tkessiħ individwali u distrettwali u r-rinnovazzjoni sostanzjali ta’ sistemi ta’ tisħin u tkessiħ individwali u distrettwali u s-sostituzzjoni ta’ apparati tat-tisħin u tat-tkessiħ qodma u ineffiċjenti b’alternattivi effiċjenti ħafna.***

***L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta’ għarfien espert lokali u assistenza teknika biex jagħtu pariri dwar l-aħjar prattiki fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali lokali, bħall-aċċess għal proġetti disponibbli lokalment u appoġġ finanzjarju ddedikat.***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aqwa prattiki bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali jew reġjonali kompetenti, pereżempju permezz ta' laqgħat annwali tal-korpi regolatorji, bażijiet tad-data pubbliċi bl-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri mill-Istati Membri, u paragun bejn il-pajjiżi.

5. Biex jiġi mobilizzat finanzjament privat għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika u rinnovazzjoni tal-enerġija***, b'kontribut għall-kisba tal-miri tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva u l-objettivi tad-Direttiva*** 2010/31/UE, il-Kummissjoni għandha twettaq djalogu ma' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati***, kif ukoll setturi speċifiċi bħal dawk tat-trasport, l-ICT u l-bini,*** biex tesplora ***l-ħtiġijiet u*** l-azzjonijiet possibbli li tista' tieħu.

6. L-azzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5 għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) jiġi mobilizzat investiment tal-kapital fl-effiċjenza enerġetika billi jitqiesu l-impatti aktar mifruxa tal-iffrankar tal-enerġija;

***(aa) tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji ddedikati għall-effiċjenza enerġetika u skemi ta' finanzjament fuq skala stabbiliti minn istituzzjonijiet finanzjarji;***

(b) tiġi żgurata data dwar rendiment aħjar fl-użu tal-enerġija u tal-finanzi billi:

(i) jiġi eżaminat aktar kif investimenti fl-effiċjenza enerġetika jtejbu l-valuri tal-assi sottostanti;

(ii) jiġu appoġġati studji li jivvalutaw il-monetizzazzjoni tal-benefiċċji mhux tal-enerġija ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

7. Għall-fini tal-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika u tar-rinnovazzjoni tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom, meta jimplimentaw din id-Direttiva:

(a) jikkunsidraw modi kif jużaw aħjar is-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u l-awditjar tagħha skont l-Artikolu 11 biex jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet;

(b) jagħmlu l-aqwa użu tal-possibbiltajiet u tal-għodod disponibbli mill-baġit tal-Unjoni u proposti fl-inizjattiva ta' finanzi intelliġenti għal bini intelliġenti u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni".

8. Sal-31 ta' Diċembru 2024 il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-atturi tas-suq dwar kif jinkiseb l-investiment privat.

Il-gwida għandu jkollha l-għan li tgħin lill-Istati Membri u lill-atturi tas-suq biex jiżviluppaw u jimplimentaw l-investimenti tagħhom fl-effiċjenza enerġetika fid-diversi programmi tal-Unjoni, u se tipproponi mekkaniżmi u soluzzjonijiet finanzjarji adegwati, b'taħlita ta' għotjiet, strumenti finanzjarji u assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti, biex iżżid l-inizjattivi eżistenti u tuża l-finanzjament tal-Unjoni bħala katalista biex tingrana u tistimola l-finanzjament privat.

9. ***Sa … [id-data tat-traspożizzjoni],*** l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. ***Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika*** għandu l-għan li jimplimenta miżuri tal-effiċjenza enerġetika ***b'appoġġ għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(2). Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jista' jinħoloq bħala fond iddedikat fil-qafas ta' faċilità nazzjonali diġà eżistenti li tippromwovi l-investimenti kapitali.***

***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strumenti ta' finanzjament, fosthom garanziji pubbliċi fil-Fondi Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika biex iżidu l-użu tal-investimenti pubbliċi fl-effiċjenza enerġetika u tal-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika u skemi innovattivi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Bi qbil mal-Artikolu*** 8(3) u l-Artikolu 22***, il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri*** bħala prijorità fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. ***Dak l-appoġġ għandu jinkludi finanzjament lill-SMEs għal miżuri tal-effiċjenza sabiex jintuża u jiskatta finanzjament privat għall-SMEs, b'hekk jappoġġa l-implimentazzjoni ta'*** miżuri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika li jappoġġaw lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-kontributi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza enerġetika u t-trajettorji indikattivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4(2). [Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jista' jiġi ffinanzjat bi dħul mill-irkanti tal-kwoti skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet fis-settur tal-bini u tat-trasport.]

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

10. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-korpi pubbliċi jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) permezz ta' kontribuzzjonijiet annwali lill-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika ekwivalenti għall-ammont ta' investimenti meħtieġa biex jiġu ssodisfati dawk l-obbligi.

11. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-partijiet obbligati jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom stipulati fl-Artikolu 8(1) u (4) billi kull sena jikkontribwixxu għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika ammont ekwivalenti għall-investimenti meħtieġa biex jiġu ssodisfati dawk l-obbligi.

12. L-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul tagħhom mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għall-iżvilupp ta' finanzjament innovattiv biex titjieb l-effiċjenza enerġetika.

***12a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika implimentati fl-Istati Membri u l-kapaċità tagħhom li jżidu l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika filwaqt li jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet ta' finanzjament pubbliku espressi fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk mekkaniżmu għall-effiċjenza enerġetika fil-livell tal-Unjoni, bl-objettiv li jipprovdi garanzija tal-UE, assistenza teknika – inklużi one-stop shops – u għotjiet assoċjati li jippermettu l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji kif ukoll skemi ta' finanzjament u appoġġ fil-livell nazzjonali, jistax ikun ta' appoġġ kosteffettiv biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u l-klima u, jekk ikun xieraq, tipproponi l-ħolqien ta' tali mekkaniżmu.***

***Għal dak il-għan, sa … [it-30 ta' Marzu 2024] il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġislattivi.***

***12b. Sa … [il-15 ta' Marzu 2025], u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 17 u 21 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni id-data li ġejja:***

***(a) stima tal-volum ta' investimenti pubbliċi u privati fl-effiċjenza enerġetika, inklużi investimenti permezz tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-fattur ta' ingranaġġ miksub minn finanzjament pubbliku b'appoġġ għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika;***

***(b) il-volum ta' prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, b'distinzjoni bejn prodotti ta' self garantiti u mhux garantiti;***

***(c) programmi ta' finanzjament nazzjonali stabbiliti biex jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika u l-aħjar prattiki, u skemi ta' finanzjament innovattivi għall-effiċjenza enerġetika.***

***Sabiex tiffaċilita t-tħejjija tar-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu, sa … [il-15 ta' Marzu 2024] il-Kummissjoni għandha tipprovdi mudell komuni lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jinkludu anness għar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, imfassal skont dak il-mudell.***

*Artikolu 29*

**Fatturi ta' konverżjoni u fatturi tal-enerġija primarja**

1. Għall-finijiet tal-paragun tal-iffrankar tal-enerġija u l-konverżjoni tal-enerġija lejn unità paragunabbli, għandhom japplikaw il-valuri kalorifiċi netti fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([70]) u l-fatturi tal-enerġija primarja stipulati fil-paragrafu 2 sakemm ma jistax jiġi ġġustifikat l-użu ta' valuri jew fatturi oħrajn.

2. Fattur tal-enerġija primarja għandu jkun applikabbli meta l-iffrankar tal-enerġija jiġi kkalkulat f'termini ta' enerġija primarja u jintuża approċċ minn isfel għal fuq ibbażat fuq il-konsum tal-enerġija finali.

3. Għall-iffrankar tal-elettriku f'kWh, l-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent biex jikkalkulaw akkuratament l-iffrankar miksub fil-konsum tal-enerġija primarja. L-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent prestabbilit ta' 2,1 sakemm ma jużawx id-diskrezzjoni tagħhom biex jiddefinixxu koeffiċjent differenti abbażi ta' ċirkostanzi nazzjonali ġustifikati.

---

([70]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

4. Għall-iffrankar ta’ vetturi oħra tal-enerġija f’kWh, l-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent biex jikkalkulaw akkuratament l-iffrankar miksub fil-konsum tal-enerġija primarja.

5. Meta l-Istati Membri jistabbilixxu l-koeffiċjent tagħhom stess għal valur prestabbilit previst skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dan b’metodoloġija trasparenti abbażi ta’ ċirkostanzi nazzjonali ***jew lokali*** li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja. Dawk iċ-ċirkostanzi għandhom ikunu sostanzjati, verifikabbli u bbażati fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

6. Meta jistabbilixxu koeffiċjent tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu t-taħlita tal-enerġija inkluża fl-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima u fil-pjan nazzjonali integrat sussegwenti għall-enerġija u l-klima li jridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Jekk jiddevjaw mill-valur prestabbilit, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-koeffiċjent li jużaw lill-Kummissjoni flimkien mal-metodoloġija tal-kalkolu u d-data sottostanti fl-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima u fil-pjanijiet nazzjonali integrati sussegwenti għall-enerġija u l-klima f’konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

7. Sal-25 ta’ Diċembru 2022 u kull erba’ snin minn hemm ’il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-koeffiċjent prestabbilit abbażi tad-data osservata. Dik ir-reviżjoni għandha ssir billi jitqiesu l-effetti tagħha fuq liġijiet oħra tal-Unjoni bħad-Direttiva 2009/125/KE u r-Regolament (UE) 2017/1369. ***Il-metodoloġija għandha tkun ivvalutata b’mod regolari biex jiġi żgurat li l-iffrankar tal-enerġija jwassal għall-ogħla livell ta’ tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra filwaqt li jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili.***

## KAPITOLU VII

## *DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

*Artikolu 30*

### Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dawk id-dispożizzjonijet sa [id-data tat-traspożizzjoni] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b’kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 31*

### Atti delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegat skont l-Artikolu 32 dwar ir-rieżami tal-valuri ta’ referenza armonizzati tal-effiċjenza msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(10).

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32 biex temenda jew tissupplimenta din id-Direttiva billi tadatta l-valuri, il-metodi tal-kalkolu, il-koeffiċjenti prestabbiliti tal-enerġija primarja u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 29, l-Annessi II, III, V, VII to XI, and XIII għall-progress tekniku.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 32 biex temenda jew tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, skema komuni tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data lokalizzati fit-territorju tagħha ***fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva***. L-iskema għandha tistabbilixxi d-definizzjoni ta’ indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data u, skont ***l-Artikolu 11a*** ta’ din id-Direttiva, tiddefinixxi l-limiti minimi għall-konsum sinifikanti tal-enerġija u tistabbilixxi l-indikaturi ewlenin u l-metodoloġija biex dawn jitkejlu.

*Artikolu 32*

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 31 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ħames snin minn [*id-data tal-pubblikazzjoni fil-ĠU*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa’ xhur qabel tmiem il-perjodu ta’ ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi taż-żmien identiċi, għajr meta l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

3. Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikolu 31 tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li ġie adottat skont l-Artikolu 31 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġġedded b’xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 33*

**Rieżami u monitoraġġ tal-implimentazzjoni**

1. Fil-kuntest tar-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju skont l-Artikolu 35(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, filwaqt li tqis l-effetti tal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva.

2. Sal-31 ta’ Ottubru 2025 u kull erba’ snin minn hemm ’il quddiem, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-miżuri eżistenti biex tinkiseb żieda fl-effiċjenza enerġetika u dekarbonizzazzjoni fit-tisħin u fit-tkessiħ. L-evalwazzjoni għandha tqis:

(a) l-effiċjenza enerġetika u x-xejriet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fit-tisħin u t-tkessiħ, inkluż fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali;

(b) interkonnessjonijiet bejn il-miżuri meħuda;

(c) bidliet fl-effiċjenza enerġetika u fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fit-tisħin u fit-tkessiħ;

(d) il-politiki u l-miżuri eżistenti u ppjanati dwar l-effiċjenza enerġetika, u l-politiki u l-miżuri għal tnaqqis tal-gassijiet serra fil-livell nazzjonali u tal-UE; u

(e) il-miżuri li l-Istati Membri jkunu pprovdew fil-valutazzjonijiet komprensivi tagħhom skont l-Artikolu 23(1) ta’ din id-Direttiva u nnotifikaw skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

***Sad-dati msemmija fl-ewwel subparagrafu,*** il-Kummissjoni ***għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dik l-evalwazzjoni u*** tipproponi, jekk ikun xieraq, miżuri biex tiżgura li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima.

3. Qabel it-30 ta’ April ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw statistika lill-Kummissjoni dwar il-produzzjoni nazzjonali tal-elettriku u tas-sħana minn koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja u baxxa, skont il-metodoloġija murija fl-Anness II, b’rabta mal-produzzjoni totali tas-sħana u tal-elettriku. Għandhom jippreżentaw ukoll statistika annwali dwar il-kapaċitajiet tal-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku u l-fjuwils għall-koġenerazzjoni, u dwar il-produzzjoni u l-kapaċitajiet tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali, b’rabta mal-produzzjoni u l-kapaċitajiet totali tas-sħana u tal-elettriku. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw statistika dwar l-iffrankar tal-enerġija primarja miksub bl-applikazzjoni tal-koġenerazzjoni skont il-metodoloġija murija fl-Anness III.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

4. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-potenzjal għall-effiċjenza enerġetika fil-konverżjoni, it-trasformazzjoni, it-trażmissjoni, it-trasport u l-ħżin tal-enerġija, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu, jekk xieraq, ikun akkumpanjat bi proposti leġiżlattivi.

5. Soġġetta għal bidliet fid-dispożizzjonijiet dwar is-suq bl-imnut fid-Direttiva 2009/73/KE, sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni, u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-metraġġ, il-kontijiet u l-informazzjoni tal-konsumaturi għall-gass naturali, biex dawn jiġu allinjati, meta xieraq, mad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-elettriku fid-Direttiva (UE) 2019/944, biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u biex il-klijenti finali jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni aktar frekwenti, ċara u aġġornata dwar il-konsum tagħhom tal-gass naturali u jirregolaw l-użu tagħhom tal-enerġija. Kemm jista' jkun malajr wara l-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tadotta proposti leġiżlattivi.

6. Sal-31 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Unjoni tkunx laħqet il-mira ewlenija tagħha tal-effiċjenza enerġetika għall-2020.

7. Sat-28 ta' Frar 2027 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tevalwa din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Dik l-evalwazzjoni għandha tinkludi:

(a) valutazzjoni tal-effikaċja ġenerali ta' din id-Direttiva u tal-ħtieġa li l-politika tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika tiġi aġġustata aktar skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 u fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi u fl-innovazzjoni;

***(aa) valutazzjoni komprensiva tal-impatt makroekonomiku aggregat ta' din id-Direttiva, b'enfasi fuq l-effetti fuq is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-enerġija, il-minimizzazzjoni tal-faqar enerġetiku, it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi, l-ispiża tal-mobbiltà u l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi;***

(b) il-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-effiċjenza enerġetika għall-2030 stabbiliti fl-Artikolu 4(1) biex tirrevedi dawk il-miri 'l fuq fil-każ ta' tnaqqis sostanzjali fil-kostijiet miksub permezz ta' żviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi, jew meta meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni għall-2040 jew għall-2050, jew l-impenji internazzjonali tagħha għad-dekarbonizzazzjoni;

(c) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu ffrankar annwali ġdid f'konformità mal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8 għall-perjodi ta' għaxar snin wara l-2030;

(d) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiżguraw li mill-inqas 3 % tal-erja totali tal-art tal-bini msaħħan u/jew imkessaħ li jkun proprjetà ta' korpi pubbliċi jiġi rinnovat kull sena f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 biex tiġi riveduta r-rata tar-rinnovazzjoni f'dak l-Artikolu;

(e) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu sehem ta' ffrankar tal-enerġija fost il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 għall-perjodi ta' għaxar snin wara l-2030;

(f) jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali f'konformità mal-Artikolu 5(1).

Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn ***valutazzjoni komprensiva ta' jekk ikunx hemm bżonn issir reviżjoni ta' din id-Direttiva fl-interess tas-simplifikazzjoni regolatorja u***, jekk ikun xieraq, proposti għal aktar miżuri. ***Il-Kummissjoni għandha tadatta kontinwament għall-aħjar prattiki fil-proċeduri amministrattivi u tieħu l-miżuri kollha biex tissimplifika l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li tnaqqas kemm jista' jkun il-piżijiet amministrattivi.***

*Artikolu 34*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*Artikolu 35*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli […] u mal-Annessi […] [Artikoli u Annessi li ġew emendati fis-sustanza meta mqabbla mad-Direttiva revokata] sa […].

Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li kull referenza fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva revokata b'din id-Direttiva, għandha tinftiehem bħala referenza għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 36*

**Tħassir**

Id-Direttiva 2012/27/UE, kif emendata bl-atti elenkati fil-Parti A tal-Anness XV, hija mħassra b'effett minn […] [l-għada tad-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(1)] , mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XV.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-Tabella ta' Korrelazzjoni fl-Anness XVI.

*Artikolu 37*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli […] u l-Annessi […] [l-Artikoli u l-Annessi li ma jinbidlux meta mqabbla mad-Direttiva revokata] għandhom japplikaw minn […] [l-għada tad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(1)].

*Artikolu 38*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

ANNESS I

***KONTRIBUTI NAZZJONALI GĦALL-MIRI TAL-UNJONI GĦALL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA FL-2030 FIL-KONSUM TAL-ENERĠIJA FINALI U/JEW PRIMARJA***

1. Il-livell tal-kontributi nazzjonali jiġi kkalkulat abbażi tal-formula ▌:

$$FEC_{C_{2030}} = C_{EU}(1\text{-}Target)\ FEC_{B_{2030}}$$

$$PEC_{C_{2030}} = C_{EU}(1\text{-}Target)\ PEC_{B_{2030}}$$

Fejn $C_{EU}$ huwa l-fattur ta’ korrezzjoni ***stabbilit mill-Kummissjoni wara li l-Istati Membri jkunu rrappurtaw il-mira***, Mira hija l-livell ta’ ambizzjoni speċifiku għall-pajjiż, u $FEC_{B2030}$ $PEC_{B2030}$ huwa x-Xenarju ta’ Referenza tal-2020 użat bħala xenarju bażi għall-2030.

2. Il-formula ▌li ġejja tirrappreżenta l-kriterji oġġettivi li jirriflettu l-fatturi elenkati fil-punti (d)(i) sa (iv) tal-Artikolu 4(2), kull wieħed użat għad-definizzjoni tal-livell ta’ ambizzjoni speċifika nazzjonali bħala % (*Mira*) u bl-istess piż fil-formula (0,25):

a) kontribut b’rata fissa (“$F_{fissa}$”);

b) kontribut dipendenti fuq il-PDG għal kull ras (“$F_{ġid}$”);

c) kontribut dipendenti fuq l-intensità enerġetika (“$F_{intensità}$”);

d) kontribut potenzjali tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv (“$F_{potenzjal}$”).

3. L-$F_{fissa}$ tirrappreżenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 li tinkludi l-isforzi addizzjonali meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni fil-FEC u fil-PEC meta mqabbla mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta’ Referenza ***tal-2007*** għall-2030.

4. L-$F_{ġid}$ għandha tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru abbażi tal-medja tiegħu ta’ tliet snin tal-indiċi reali medju ta’ tliet snin tal-PDG għal kull ras tal-Eurostat, għall-medja ta’ tliet snin tal-Unjoni tul il-perjodu 2017-2019, espressa f’Paritajiet tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPPs).

5. L-$F_{intensità}$ għandha tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru abbażi tal-indiċi medju ta’ tliet snin (FEC jew PEC għal kull PDG reali f’PPPs) tal-intensità enerġetika finali tiegħu, għall-medja ta’ tliet snin tal-Unjoni tul il-perjodu 2017-2019.

6. L-$F_{potenzjal}$ għandha tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru abbażi tal-iffrankar tal-enerġija finali jew primarja skont ix-xenarju PRIMES MIX 55 % għall-2030. L-iffrankar huwa espress b’rabta mal-projezzjonijiet tax-Xenarju ta’ Referenza ***tal-2007*** għall-2030.

7. Għal kull kriterju msemmi fil-punt 2(a) sa (d), għandu jiġi applikat limitu inferjuri u superjuri. Il-livell ta’ ambizzjoni għal kull fattur għandu jkun limitat għal 50 % u 150 % tal-livell medju ta’ ambizzjoni tal-Unjoni f’xi fattur partikolari.

8. Is-sors tad-data tal-input użat għall-kalkolu tal-fatturi huwa l-Eurostat, sakemm ma jiġix dikjarat mod ieħor.

9. $F_{total}$ għandu jiġi kkalkulat bħala l-għadd totali ponderat tal-erba’ fatturi kollha ($F_{fissa}$, $F_{ġid}$, $F_{intensità}$, u $F_{potenzjal}$). Il-mira għandha mbagħad tiġi kkalkulata bħala l-multiplikazzjoni tal-fattur totali $F_{total}$ u l-mira tal-UE.

10. ***Il-Kummissjoni għandha tiddetermina*** fattur ta’ korrezzjoni tal-enerġija primarja u finali $C_{EU}$***, li*** għandu jiġi applikat ***għall-allokazzjonijiet fil-mira tal-Istati*** Membri kollha biex jiġi kkalibrat l-għadd totali tal-kontributi nazzjonali kollha għall-miri tal-konsum tal-enerġija primarja u finali tal-Unjoni fl-2030. Il-fattur $C_{EU}$ huwa identiku għall-Istati Membri kollha.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

ANNESS II

***IL-PRINĊIPJI ĠENERALI GĦALL-KALKOLU TAL-ELETTRIKU MILL-KOĠENERAZZJONI***

***Parti I***

*Prinċipji ġenerali*

Il-valuri użati għall-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-operazzjoni mistennija jew attwali tal-unità waqt kundizzjonijiet tal-użu normali. Għall-unitajiet tal-mikrokoġenerazzjoni, il-kalkolu jista’ jkun ibbażat fuq valuri ċċertifikati.

(a) Il-produzzjoni tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għandha titqies ugwali għall-produzzjoni annwali totali tal-elettriku tal-unità mkejla fl-iżbokk tal-ġeneraturi ewlenin; dment li jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) f’unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (b), (d), (e), (f), (g) u (h) imsemmija fil-Parti II b’effiċjenza ġenerali annwali stabbilita mill-Istati Membri f’livell ta’ mill-inqas 75 %;

(ii) f’unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (a) u (c) imsemmija fil-Parti II b’effiċjenza ġenerali annwali stabbilita mill-Istati Membri f’livell ta’ mill-inqas 80 %.

(b) F’unitajiet tal-koġenerazzjoni b’effiċjenza ġenerali annwali inqas mill-valur imsemmi fil-punt (a)(i) (unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (b), (d), (e), (f), (g), u (h) imsemmija fil-Parti II) jew b’effiċjenza ġenerali annwali inqas mill-valur imsemmi fil-punt (a)(ii) (unitajiet tal-koġenerazzjoni tat-tipi (a) u (c) imsemmija fil-Parti II), l-elettriku mill-koġenerazzjoni jiġi kkalkolat bil-formula li ġejja:

$E_{CHP}=H_{CHP}*C$

fejn:

$E_{CHP}$ huwa l-ammont ta’ elettriċità mill-koġenerazzjoni

C hija l-proporzjon tal-enerġija għas-sħana;

$H_{CHP}$ hija l-ammont ta’ sħana utli mill-koġenerazzjoni (ikkalkulat għal dan il-għan bħala l-produzzjoni totali tas-sħana, bit-tnaqqis ta’ kull sħana ġġenerata f’bojlers separati jew bl-estrazzjoni ta’ fwar taħt pressjoni (live steam) mill-ġeneratur tal-fwar qabel it-turbina).

Il-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni jrid ikun ibbażat fuq il-proporzjon proprja tal-potenza għas-sħana. Jekk il-proporzjon proprja tal-potenza għas-sħana ta’ unità tal-koġenerazzjoni mhux magħruf, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti li ġejjin, b’mod partikolari għall-finijiet statistiċi, għall-unitajiet tat-tipi (a), (b), (c), (d) u (e) imsemmija fil-Parti II, dment li l-elettriku mill-koġenerazzjoni kkalkolat ikun daqs jew inqas mill-produzzjoni totali tal-elettriku tal-unità:

| Tip ta’ unità | Il-proporzjon prestabbilit tal-potenza għas-sħana, C |
|---|---|
| Turbina tal-gass b’ċiklu kkombinat bl-irkupru tas-sħana | 0,95 |
| Turbina ta’ kontropressjoni tal-fwar | 0,45 |
| Turbina ta’ estrazzjoni bil-kondensazzjoni tal-fwar | 0,45 |
| Turbina tal-gass bl-irkupru tas-sħana | 0,55 |
| Magna ta’ kombustjoni interna | 0,75 |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Jekk l-Istati Membri jintroduċu valuri prestabbiliti għall-proporzjonijiet tal-potenza għas-sħana għall-unitajiet tat-tipi (f), (g), (h), (i), (j) u (k) imsemmija fil-Parti II, dawn il-valuri prestabbiliti għandhom jiġu ppubblikati u notifikati lill-Kummissjoni.

(c) Jekk sehem mill-kontenut tal-enerġija tal-input tal-fjuwil fil-proċess tal-koġenerazzjoni jiġi rkuprat f'kimiċi u jiġi riċiklat, dan is-sehem jista' jitnaqqas mill-input tal-fjuwil qabel ma tiġi kkalkolata l-effiċjenza ġenerali użata fil-punti (a) u (b).

(d) L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw il-proporzjon tal-potenza għas-sħana bħala l-proporzjon tal-elettriku għas-sħana utli meta l-operazzjoni ssir fil-modalità ta' koġenerazzjoni b'kapaċità aktar baxxa li tuża data operazzjonali tal-unità speċifika.

(e) L-Istati Membri jistgħu jużaw perjodi tar-rappurtar oħrajn minflok ta' sena għall-finijiet tal-kalkoli skont il-punti (a) u (b).

***Parti II***

*Teknoloġiji ta' koġenerazzjoni koperti minn din id-Direttiva*

(a) Turbina tal-gass b'ċiklu kkombinat bl-irkupru tas-sħana

(b) Turbina ta' kontropressjoni tal-fwar

(c) Turbina ta' estrazzjoni bil-kondensazzjoni tal-fwar

(d) Turbina tal-gass bl-irkupru tas-sħana

(e) Magna ta' kombustjoni interna

(f) Mikroturbini

(g) Magni Stirling

(h) Ċelloli tal-fjuwil

(i) Magni tal-fwar

(j) Ċikli Rankine organiċi

(k) Kwalunkwe tip ieħor ta' teknoloġija jew kombinazzjoni tagħhom li jaqa' fid-definizzjoni stabbilità fil-punt (32) tal-Artikolu 2.

Meta jimplimentaw u japplikaw il-prinċipji ġenerali għall-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni, l-Istati Membri għandhom jużaw il-Linji Gwida dettaljati stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/952/KE ([1]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/952/KE tad-19 ta' Novembru 2008 li tistabbilixxi linji gwida dettaljati għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Anness II tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 338, 17.12.2008, p. 55).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS III

***METODOLOĠIJA BIEX TIĠI DDETERMINATA L-EFFIĊJENZA TAL-PROĊESS TAL-KOĠENERAZZJONI***

Il-valuri użati għall-kalkolu tal-effiċjenza tal-koġenerazzjoni, u tal-iffrankar tal-enerġija primarja għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-operazzjoni mistennija jew attwali tal-unità waqt kundizzjonijiet tal-użu normali.

### (a) Koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja

Għall-fini ta' din id-Direttiva, koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandha tissodisfa dawn il-kriterji li ġejjin:

— il-produzzjoni tal-koġenerazzjoni mill-unitajiet tal-koġenerazzjoni għandhom jipprovdu ffrankar tal-enerġija primarja kkalkolat skont il-punt (b) ta' mill-inqas 10 % meta mqabbla mar-referenzi għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku;

— il-produzzjoni minn unitajiet ta' skala żgħira u tal-mikrokoġenerazzjoni li jipprovdu ffrankar tal-enerġija primarja jistgħu jikkwalifikaw bħala koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;

— l-emissjonijiet diretti tad-diossidu tal-karbonju mill-produzzjoni tal-koġenerazzjoni alimentata bil-fjuwils fossili, huma inqas minn 270 $gCO_2$ għal kull 1 kWh ta' output ta' enerġija mill-ġenerazzjoni kkombinata (inkluż tisħin/tkessiħ, potenza u enerġija mekkanika).

— Meta unità tal-koġenerazzjoni tinbena jew tiġi rinnovata sostanzjalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-użu tal-fjuwils fossili għajr il-gass naturali f'sorsi tas-sħana eżistenti mqabbla mal-konsum annwali medjat għat-tliet snin kalendarji preċedenti ta' operazzjoni sħiħa qabel ir-rinnovazzjoni, u li kull sors tas-sħana ġdid f'dik is-sistema ma jużax fjuwils fossili għajr il-gass naturali.

### (b) Kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija primarja

L-ammont ta' ffrankar tal-enerġija primarja miksub bil-produzzjoni tal-koġenerazzjoni definit skont l-Anness II għandu jiġi kkalkolat bil-formula li ġejja:

$$PES = \left(1 - \frac{1}{\frac{CHPH\eta}{RefH\eta} + \frac{CHPE\eta}{RefE\eta}}\right) \times 100\,\%$$

Fejn:

PES huwa l-iffrankar tal-enerġija primarja.

CHP Hη hija l-effiċjenza tas-sħana tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni definita bħala l-output tas-sħana utli annwali diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana utli u l-elettriku mill-koġenerazzjoni.

Ref Hη huwa l-valur ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tas-sħana.

CHP Eη hija l-effiċjenza elettrika tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni definita bħala l-elettriku annwali mill-koġenerazzjoni diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana utli u l-elettriku mill-koġenerazzjoni. Meta unità tal-koġenerazzjoni tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriku annwali mill-koġenerazzjoni jista' jiżdied b'element addizzjonali li jirrappreżenta l-ammont ta' elettriku li huwa ekwivalenti għal dak tal-enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali ma joħloqx dritt ta' ħruġ ta' garanziji tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 24(10).

Ref Eη huwa l-valur ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tal-elettriku.

### (c) Kalkoli tal-iffrankar tal-enerġija bil-kalkolu alternattiv

L-Istati Membri jistgħu jikkalkolaw l-iffrankar tal-enerġija primarja minn produzzjoni tas-sħana u tal-elettriku u tal-enerġija mekkanika kif indikat hawn taħt mingħajr ma japplikaw l-Anness II biex jeskludu l-partijiet tas-sħana u tal-elettriku nonkoġenerati tal-istess proċess. Produzzjoni bħal din tista' titqies bħala koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja jekk tkun tissodisfa l-kriterji tal-effiċjenza fil-punt (a) ta' dan l-Anness u, għall-unitajiet tal-koġenerazzjoni b'kapaċità elettrika aktar minn 25 MW, l-effiċjenza ġenerali tkun aktar minn 70 %. Madankollu, speċifikazzjoni tal-kwantità tal-elettriku mill-koġenerazzjoni ġġenerat bi produzzjoni bħal din, għall-ħruġ ta' garanzija tal-oriġini u għall-finijiet statistiċi, għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Anness II.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Jekk l-iffrankar tal-enerġija primarja għal proċess jiġi kkalkolat bil-kalkolu alternattiv kif indikat hawn fuq, l-iffrankar tal-enerġija primarja għandu jiġi kkalkolat bil-formula tal-punt (b) ta' dan l-Anness li tissostitwixxi: "CHP Hη" bi "Hη", u "CHP Eη" bi "Eη", fejn:

Hη għandha tfisser l-effiċjenza tas-sħana tal-proċess definita bħala l-output tas-sħana annwali diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana u ta' output tal-elettriku.

Eη għandha tfisser l-effiċjenza tal-elettriku tal-proċess definita bħala l-output tal-elettriku annwali diviż bl-input tal-fjuwil użat biex jinkiseb it-total ta' output tas-sħana u ta' output tal-elettriku. Meta unità tal-koġenerazzjoni tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriku annwali mill-koġenerazzjoni jista' jiżdied b'element addizzjonali li jirrappreżenta l-ammont ta' elettriku li huwa ekwivalenti għal dak tal-enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali ma joħloqx dritt ta' ħruġ ta' garanziji tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 24(10).

(d) L-Istati Membri jistgħu jużaw perjodi tar-rappurtar oħrajn minflok ta' sena għall-finijiet tal-kalkoli skont il-punti (b) u (c) ta' dan l-Anness.

(e) Għall-unitajiet tal-mikrokoġenerazzjoni, il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija primarja jista' jkun ibbażat fuq data ċċertifikata.

**(f) Valuri ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku**

Il-valuri armonizzati ta' referenza tal-effiċjenza għandhom jikkonsistu f'matriċi ta' valuri differenzjati skont fatturi rilevanti, inkluż is-sena tal-kostruzzjoni u t-tipi ta' fjuwils, u jridu jkunu bbażati fuq analiżi dokumentata sew li fost l-oħrajn tqis id-data minn użu operazzjonali f'kundizzjonijiet realistiċi, it-taħlita tal-fjuwils u l-kundizzjonijiet klimatiċi, u t-teknoloġiji tal-koġenerazzjoni applikati.

Il-valuri ta' referenza għall-effiċjenza għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku skont il-formula stabbilita fil-punt (b) għandhom jistabbilixxu l-effiċjenza operatorja tal-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku li l-koġenerazzjoni jkun beħsiebha tissostitwixxi.

Il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għandhom jiġu kkalkolati skont il-prinċipji li ġejjin:

(i) għal unitajiet ta' koġenerazzjoni, il-paragun ma' produzzjoni separata tal-elettriku għandu jsir abbażi tal-prinċipju li jqabbel l-istess kategoriji ta' fjuwils;

(ii) kull unità ta' koġenerazzjoni għandha titqabbel mal-aqwa teknoloġija disponibbli u ekonomikament ġustifikabbli fis-suq għal produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku fis-sena tal-kostruzzjoni tal-unità tal-koġenerazzjoni;

(iii) il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għal unitajiet ta' koġenerazzjoni li għandhom iżjed minn 10 snin għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-valuri ta; referenza tal-unitajiet li għandhom 10 snin;

(iv) il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għal produzzjoni separata tal-elettriku u tas-sħana għandhom jirriflettu d-differenzi klimatiċi bejn l-Istati Membri.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

## ANNESS IV

***REKWIŻITI TAL-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA GĦALL-AKKWIST PUBBLIKU***

Fil-proċeduri tal-għoti għall-kuntratti pubbliċi u l-konċessjonijiet, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti li l-jixtru prodotti, servizzi, bini u xogħlijiet, għandhom:

(a) meta prodott ikun kopert minn att delegat adottat skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 jew b’direttiva ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni relatata, dawn għandhom jixtru biss prodotti konformi mal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 7(2) ta’ dak ir-Regolament;

(b) meta prodott li ma jkunx kopert mill-punt (a) ikun kopert minn miżura ta’ implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE adottata wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, dawn għandhom jixtru biss prodotti konformi mal-parametri referenzjarji tal-effiċjenza enerġija speċifikati f’dik il-miżura ta’ implimentazzjoni;

(c) meta prodott jew servizz ikun kopert mill-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni, b’rilevanza għall-effiċjenza enerġetika tal-prodott jew tas-servizz, dawn għandhom jagħmlu l-aqwa sforzi biex jixtru biss prodotti u servizzi li jirrispettaw mill-inqas l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-livell “ċentrali” fil-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni rilevanti inkluż fost l-oħrajn għaċ-ċentri tad-data, il-kmamar tas-servers u s-servizzi tal-cloud, il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni għat-tidwil tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku, il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku tal-Unjoni għall-kompjuters, il-moniters, it-tablets u l-ismartphones;

(d) għandhom jixtru biss tajers li jikkonformaw mal-kriterju li jkollhom l-aqwa klassi ta’ effiċjenza enerġetika tal-fjuwil, kif definit mir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Dan ir-rekwiżit ma għandux jipprevjeni lill-korpi pubbliċi milli jixtru tajers tal-aqwa klassi tal-qbid fuq l-imxarrab jew tal-istorbju estern tat-tidwir, meta dan ikun iġġustifikat minn raġunijiet ta’ sikurezza jew ta’ saħħa pubblika;

(e) fis-sejħiet għall-offerti tagħhom tal-kuntratti tas-servizzi, għandhom jeżiġu li, għall-finijiet ta’ forniment tas-servizzi inkwistjoni, il-fornituri tas-servizzi jużaw biss prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fil-punti (a) , (b) u (d), meta jipprovdu s-servizzi inkwistjoni. Dan ir-rekwiżit għandu japplika biss għal prodotti ġodda mixtrija mill-fornituri tas-servizzi parzjalment jew kompletament għall-finijiet ta’ forniment tas-servizz inkwistjoni;

(f) għandhom jixtru, jew jagħmlu ftehimiet ġodda għall-kiri ta’, bini biss li jikkonforma mill-inqas mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/31/UE sakemm il-finijiet tax-xiri ma jkunx:

  (i) biex isiru rinnovazzjoni kompleta jew twaqqigħ;

  (ii) fil-każ tal-korpi pubbliċi, biex jerġa’ jbigħ il-bini mingħajr ma jużah għall-finijiet tal-korp pubbliku; jew

  (iii) biex jippreservah bħala bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat, jew minħabba l-mertu arkitettoniku jew storiku speċjali tiegħu.

Il-konformità ma’ dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi vverifikata permezz taċ-ċertifikati tar-rendiment tal-enerġija msemmijin fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/31/UE.

---

([1]) Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 1).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

ANNESS V

**METODI U PRINĊIPJI KOMUNI GĦALL-KALKOLU TAL-IMPATT TAL-ISKEMI TAL-OBBLIGU TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA JEW TA' MIŻURI OĦRA TA' POLITIKA SKONT L-ARTIKOLI 8, 9 U 10 U TAL-ARTIKOLU 28(11)**

1. Il-metodi għall-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għajr dak li jinkiseb b'miżuri tat-tassazzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 8, 9 u 10 u tal-Artikolu 28(11).

   Il-partijiet parteċipanti jew inkarigati obbligati, jew l-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni, jistgħu jużaw il-metodi li ġejjin għall-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija:

   (a) iffrankar meqjus, b'referenza għar-riżultati ta' titjib enerġetiku preċedenti mmonitorjat b'mod indipendenti f'installazzjonijiet simili. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ "*ex ante*";

   (b) iffrankar imkejjel b'metraġġi, fejn l-iffrankar bl-installazzjoni ta' miżura, jew ta' pakkett ta' miżuri, jiġi ddeterminat bir-reġistrazzjoni tat-tnaqqis reali fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jqis fatturi bħall-addizzjonalità, l-okkupanza, il-livelli tal-produzzjoni u t-temp, li jistgħu jaffettwaw il-konsum. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ "*ex post*";

   (c) iffrankar skalat li juża stimi tal-inġinerija tal-iffrankar. Dan l-approċċ jista' jintuża biss meta l-istabbiliment ta' data mkejla soda għal installazzjoni speċifika jkun diffiċli jew għali b'mod sproporzjonat, pereżempju s-sostituzzjoni ta' kompressur jew mutur elettriku b'rata ta' kWh differenti minn dik li għaliha tkejlet l-informazzjoni indipendenti dwar l-iffrankar, jew meta dawk l-istimi jsiru b'metodoloġiji u parametri referenzjarji stabbiliti b'mod nazzjonali minn esperti kwalifikati jew akkreditati li jkunu indipendenti mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati obbligati, involuti;

   (d) iffrankar mistħarreġ, li jiddetermina r-rispons tal-konsumaturi għal pariri, kampanji informattivi, tikkettar jew skemi taċ-ċertifikazzjoni, jew għal metraġġ intelliġenti. Dan l-approċċ jista' jintuża biss għall-iffrankar miksub b'tibdil fl-imġiba tal-konsumaturi. Ma għandux jintuża għall-iffrankar miksub bl-installazzjoni ta' miżuri fiżiċi.

2. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija għal miżura tal-effiċjenza enerġetika għall-finijiet tal-Artikoli 8, 9 u 10 u tal-Artikolu 28(11), għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

   (a) l-Istati Membri għandhom juru li l-miżura ta' politika tkun ġiet implimentata biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija u biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali skont l-Artikolu 8(1). L-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza u d-dokumentazzjoni tagħhom li l-iffrankar tal-enerġija nkiseb b'miżura ta' politika, inkluż bi ftehimiet volontarji;

   (b) l-iffrankar għandu jintwera li huwa addizzjonali għal dak li kien se jkun hemm fi kwalunkwe każ mingħajr l-attività tal-partijiet parteċipanti jew inkarigati obbligati, jew tal-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni. Biex jiġi ddeterminat l-iffrankar li jista' jiġi ddikjarat bħala addizzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw kif l-użu tal-enerġija u d-domanda għaliha jevolvu fin-nuqqas tal-miżura ta' politika inkwistjoni billi jqisu mill-inqas il-fatturi li ġejjin: ix-xejriet tal-konsum tal-enerġija, il-bidliet fl-imġiba tal-konsumaturi, il-progress teknoloġiku u l-bidliet ikkawżati b'miżuri oħra implimentati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;

   (c) l-iffrankar li jinkiseb bl-implimentazzjoni tal-liġi obbligatorja tal-Unjoni għandu jitqies bħala ffrankar li kien iseħħ fi kwalunkwe każ, u b'hekk ma għandux jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-finijiet tal-Artikolu 8(1). B'deroga minn dak ir-rekwiżit, l-iffrankar marbut mar-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti jista' jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), dment li jkun żgurat il-kriterju tal-materjalità msemmi fil-punt 3 (h) ta' dan l-Anness. Il-miżuri li jippromwovu titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku skont l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6 jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu biex jiġi ssodisfat l-iffrankar tal-enerġija li jeżiġi l-Artikolu 8(1), dment li dawn iwasslu għal iffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

   (d) il-miżuri meħuda skont ir-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra jistgħu jitqiesu bħala materjali, iżda l-Istati Membri jridu juru li dawn jirriżultaw f'titjib fl-effiċjenza enerġetika li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(e) l-Istati Membri ma jistgħux jgħoddu l-użu mnaqqas tal-enerġija fis-setturi, inkluż fis-settur tat-trasport u tal-bini, li kien isir fi kwalunkwe każ minħabba l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 8(1). Jekk entità tkun parti obbligata skont skema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 9 ta’ din id-Direttiva u skont l-Iskema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE għall-bini u t-trasport bit-triq [COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD)], is-sistema ta’ monitoraġġ u verifika għandha tiżgura li l-prezz tal-karbonju li jingħadda waqt ir-rilaxx tal-fjuwil għall-konsum [skont l-Artikolu 1(21) ta’ COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD)] jitqies fil-kalkolu u fir-rappurtar tal-iffrankar tal-enerġija tal-miżuri tagħha tal-iffrankar tal-enerġija;

(f) kreditu jista’ jingħata biss għall-iffrankar li jaqbeż il-livelli li ġejjin:

(i) l-istandards tal-Unjoni għall-prestazzjoni b’rabta mal-emissjonijiet għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda wara l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]); L-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza, is-suppożizzjonijiet tagħhom u l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom biex juru l-addizzjonalità għar-rekwiżiti tas-$CO_2$ tal-vetturi l-ġodda tal-Unjoni;

(ii) ir-rekwiżiti tal-Unjoni relatati mat-tneħħija mis-suq ta’ ċerti prodotti relatati mal-enerġija wara l-implimentazzjoni ta’ miżuri ta’ implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE; l-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza, is-suppożizzjonijiet tagħhom u l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom biex juru l-addizzjonalità;

(g) politiki li jkollhom l-iskop li jħeġġu livell ogħla ta’ effiċjenza enerġetika ta’ prodotti, tagħmir, sistemi tat-trasport, vetturi u fjuwils, bini u elementi tal-bini, proċessi jew swieq għandhom ikunu permessi, għajr ***għal*** dawk il-miżuri ta’ politika rigward l-użu ta’ teknoloġiji ta’ kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, li jiġu implimentati ***mill-1 ta’ Lulju 2028 u bl-eċċezzjoni tal-miżuri ta’ politika li jissussidjaw l-użu ta’ kombustjoni diretta ta’ teknoloġiji tal-fjuwils fossili fil-bini residenzjali mill-1 ta’ Jannar 2024. L-iffrankar tal-enerġija miksub b’miżuri ta’ politika rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili jista’ jgħodd biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għal ammont massimu ekwivalenti għal kwart tal-iffrankar tal-enerġija mill-1 ta’ Jannar 2024 sat-30 ta’ Ġunju 2028***;

***(ga) azzjonijiet individwali rigward l-użu ta’ kombustjoni diretta ta’ teknoloġiji tal-fjuwils fossili mhumiex awtorizzati mill-1 ta’ Lulju 2028. Azzjonijiet individwali li jippromwovu taħlita ta’ teknoloġiji huma awtorizzati. Fil-każ ta’ azzjonijiet individwali li jippromwovu taħlita ta’ teknoloġiji, is-sehem tal-iffrankar tal-enerġija relatat mat-teknoloġiji tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili ma għandux ikun eliġibbli biex jingħadd mill-1 ta’ Lulju 2028;***

▌ **[AM 20]**

(i) il-miżuri li jippromwovu l-installazzjoni ta’ teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira fuq il-bini jew fil-bini jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu biex jiġi ssodisfat l-iffrankar tal-enerġija li jeżiġi l-Artikolu 8(1), dment li dan iwassal għal iffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista’ jiġi verifikat, u mkejjel jew stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta’ dan l-Anness;

(j) il-miżuri li jippromwovu l-installazzjoni ta’ teknoloġiji termali solari jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu biex jiġi ssodisfat l-iffrankar tal-enerġija li jeżiġi l-Artikolu 8(1), dment li dan iwassal għal iffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista’ jiġi verifikat, u mkejjel jew stmat. Is-sħana ambjentali maqbuda mit-teknoloġiji termali solari tista’ tiġi eskluża mill-konsum tal-enerġija fl-użu finali tagħhom;

(k) għall-politiki li jaċċelleraw l-adozzjoni ta’ prodotti u vetturi aktar effiċjenti, għajr dawk rigward l-użu tal-kombustjoni diretta tal-fjuwils fossili, tista’ ssir dikjarazzjoni għal kreditu sħiħ, dment li jintwera li din l-adozzjoni ssir qabel jgħaddi t-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura, jew qabel ma l-prodott jew il-vettura normalment jiġu sostitwiti, u dment li l-iffrankar jiġi ddikjarat biss għall-perjodu sa tmiem it-tul tal-ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura li jridu jiġu sostitwiti;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 li jistabbilixxi standards ta’ rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(l) fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom, meta rilevanti, jiżguraw li jinżammu l-istandards ta' kwalità għall-prodotti, għas-servizzi u għall-installazzjoni ta' miżuri, jew li dawn jiġu introdotti meta ma jkunux jeżistu;

(m) biex jitqiesu l-varjazzjonijiet klimatiċi bejn ir-reġjuni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaġġustaw l-iffrankar għal valur standard jew li jippermettu ffrankar tal-enerġija differenti skont il-varjazzjonijiet fit-temperatura bejn ir-reġjuni;

(n) il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jqis it-tul tal-ħajja tal-miżuri u r-rata tat-tnaqqis tal-iffrankar maż-żmien. Dak il-kalkolu għandu jgħodd l-iffrankar li tikseb kull azzjoni individwali tul il-perjodu mid-data tal-implimentazzjoni tagħha sa tmiem kull perjodu ta' obbligu . Inkella, l-Istati Membri jistgħu jadottaw metodu ieħor li hu stmat li jikseb mill-inqas l-istess ammont totali tal-iffrankar. Meta jużaw metodu ieħor, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont totali tal-iffrankar tal-enerġija kkalkulat b'dak il-metodu ma jkunx jaqbeż l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija li kien jinkiseb bil-kalkolu tagħhom meta jingħadd l-iffrankar li tikseb kull azzjoni individwali tul il-perjodu mid-data tal-implimentazzjoni tagħha sal-2030 . L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fid-dettall fil-pjani nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, il-metodu l-ieħor u d-dispożizzjonijiet li saru biex ikun żgurat li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit vinkolanti tal-kalkolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti li ġejjin għall-miżuri ta' politika li ttieħdu skont l-Artikolu 10 u l-Artikolu 28(11):

(a) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali li jiksbu ffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jista' jiġi verifikat;

(b) ir-responsabbiltà ta' kull parti parteċipanti, parti inkarigata jew awtorità pubblika tal-implimentazzjoni, kif rilevanti, tiġi definita b'mod ċar;

(c) l-iffrankar tal-enerġija li jinkiseb jew li jrid jinkiseb jiġi ddeterminat b'mod trasparenti;

(d) l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ jew li jrid jinkiseb mill-miżura ta' politika jiġi espress fil-konsum tal-enerġija finali jew primarja, bl-użu tal-fatturi ta' valuri kalorifiċi netti jew enerġija primarja imsemmija fl-Artikolu 29;

(e) għandu jiġi pprovdut u jsir disponibbli għall-pubbliku rapport annwali dwar l-iffrankar tal-enerġija li kisbu l-partijiet inkarigati, il-partijiet parteċipanti u l-awtoritajiet pubbliċi tal-implimentazzjoni, u anki data dwar ix-xejra annwali tal-iffrankar tal-enerġija;

(f) isir monitoraġġ tar-riżultati u jittieħdu l-miżuri xierqa jekk il-progress ma jkunx sodisfaċenti;

(g) l-iffrankar tal-enerġija minn azzjoni individwali ma jiġix dikjarat minn aktar minn parti waħda;

(h) għandu jintwera li l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni jkunu materjali għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat;

(i) l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni ma għandhom l-ebda effett negattiv fuq il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

4. Għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika relatati mat-tassazzjoni ***u imposti parafiskali*** introdotti skont l-Artikolu 10, għandhom jiġu applikati l-prinċipji li ġejjin:

(a) għandu jingħata kreditu biss għall-iffrankar tal-enerġija minn miżuri tat-tassazzjoni li jaqbżu l-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils kif mitlub mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE [2] jew 2006/112/KE [3];

---

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022

***(aa) għandu jingħata kreditu biss għall-iffrankar ta’ enerġija minn miżuri ta’ tassazzjoni u imposti parafiskali mfassla bl-għan li jiġġeneraw iffrankar ta’ enerġija kif definit fl-Artikolu 2, punt (7);***

(b) ▌ l-elastiċità tal-prezzijiet ta’ żmien qasir għall-kalkolu tal-impatt tal-miżuri tat-tassazzjoni (tal-enerġija) għandha ***tkun speċifika għas-segmenti tal-utent finali, inkluż il-klassijiet tal-introjtu, it-tipi u d-daqs tal-kumpaniji, u għalhekk*** tirrappreżenta r-rispons tad-domanda għall-enerġija għall-bidliet fil-prezzijiet, u għandha tiġi stmata abbażi ta’ sorsi tad-data uffiċjali riċenti u rappreżentattivi li japplikaw għall-Istat Membru u, meta applikabbli, abbażi ta’ studji ta’ akkumpanjament minn istitut indipendenti ▌ ;

(c) l-iffrankar tal-enerġija minn strumenti ta’ politika tat-tassazzjoni ta’ akkumpanjament, inkluż inċentivi fiskali jew pagament għal fond, għandu jitqies b’mod separat;

(d) ***għandhom*** jintużaw stimi tal-elastiċità ta’ żmien qasir biex jiġi vvalutat l-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta’ tassazzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe trikkib fuq il-liġi tal-Unjoni u fuq miżuri oħra ta’ politika;

(e) l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-effetti distribuzzjonali tat-tassazzjoni u miżuri ekwivalenti fuq il-klijenti vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali, u juru l-effetti tal-miżuri ta’ mitigazzjoni implimentati f’konformità mal-Artikolu 22(1) sa (3);

(f) l-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza, inkluż metodoloġiji tal-kalkolu, li meta jkun hemm trikkib fl-impatt tal-miżuri tat-tassazzjoni tal-enerġija jew tal-karbonju jew bl-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE [COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD)], ma jkunx hemm għadd doppju tal-iffrankar tal-enerġija.

5. Notifika tal-metodoloġija

L-Istati Membri għandhom, f’konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-metodoloġija dettaljata proposta tagħhom għall-operazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u tal-miżuri alternattivi msemmija fl-Artikoli 9 u 10, u l-Artikolu 28(11). Għajr fil-każ tat-tassazzjoni, din in-notifika għandha tinkludi dettalji dwar:

(a) il-livell tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) jew l-iffrankar li mistenni jinkiseb tul il-perjodu kollu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2030;

(b) kif il-kwantità kkalkulata tal-iffrankar il-ġdid tal-enerġija meħtieġ skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) jew tal-iffrankar tal-enerġija mistenni li jinkiseb se titqassam f’fażijiet tul il-perjodu ta’ obbligu;

(c) il-partijiet parteċipanti jew inkarigati, obbligati jew l-awtoritajiet pubbliċi tal-implimentazzjoni;

(d) is-setturi fil-mira;

(e) il-miżuri ta’ politika u l-azzjonijiet individwali, inkluż l-ammont totali mistenni tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv għal kull miżura;

(f) informazzjoni dwar il-miżuri jew il-programmi ta’ politika jew il-miżuri ffinanzjati minn Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika implimentat bħala prijorità fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali;

(g) is-sehem u l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija li jridu jinkisbu fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali;

(h) meta applikabbli, informazzjoni dwar l-indikaturi applikati, is-sehem medju aritmetiku, u l-eżitu tal-miżuri ta’ politika stabbiliti skont l-Artikolu 8(3);

(i) meta applikabbli, informazzjoni dwar l-impatti u l-effetti negattivi tal-miżuri ta’ politika implimentati skont l-Artikolu 8(3) fuq il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali;

(j) it-tul tal-perjodu ta’ obbligu għall-iskema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika;

(k) meta applikabbli, l-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija jew il-miri ta’ tnaqqis fil-kost li jridu jintlaħqu mill-partijiet obbligati fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f’akkomodazzjoni soċjali;

(l) l-azzjonijiet previsti mill-miżura ta' politika;

(m) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż kif ġew iddeterminati l-addizzjonalità u l-materjalità u liema metodoloġiji u parametri referenzjarji jintużaw għall-iffrankar meqjus u skalat, u, meta applikabbli, il-valuri kalorifiċi netti u l-fatturi ta' konverżjoni użati;

(n) it-tulijiet tal-ħajja tal-miżuri u kif dawn jiġu kkalkulati jew abbażi ta' xiex;

(o) l-approċċ imħaddem biex jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet klimatiċi fl-Istat Membru;

(p) is-sistemi tal-monitoraġġ u tal-verifika għall-miżuri skont l-Artikoli 9 u 10 u kif tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati, obbligati;

(q) fil-każ tat-tassazzjoni:

(i) is-setturi u t-taqsima fil-mira tal-kontribwenti;

(ii) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni;

(iii) l-iffrankar li mistenni jinkiseb;

(iv) it-tul taż-żmien tal-miżura tat-tassazzjoni;

(v) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż liema elastiċitajiet tal-prezzijiet ikunu ntużaw u kif ikunu ġew stabbiliti; u

(vi) kif ikun ġie evitat it-trikkib mal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva tal-ETS tal-UE [COM(2021)0551 final, 2021/0211(COD)], u kif ikun tneħħa r-riskju ta' għadd doppju.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

**ANNESS VI**

***KRITERJI MINIMI GĦALL-VERIFIKI TAL-ENERĠIJA, INKLUŻ DAWK LI JSIRU BĦALA PARTI MIS-SISTEMI TAL-ĠESTJONI TAL-ENERĠIJA***

Il-verifiki tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 11 għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) ikunu bbażati fuq data operazzjonali aġġornata, imkejla u traċċabbli fuq il-konsum tal-enerġija u l-profili tat-tagħbija (għall-elettriku);

(b) jinkludu rieżami dettaljat tal-profil tal-konsum tal-enerġija ta' bini jew ta' gruppi ta' bini, operazzjonijiet industrijali, jew installazzjonijiet, inkluż it-trasport;

(c) jidentifikaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jonqos il-konsum tal-enerġija;

(d) jidentifikaw il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli;

(e) jibbażaw, meta possibbli, fuq analiżi tal-kost taċ-ċiklu tal-ħajja (LCCA) minflok fuq Perjodi ta' Ripagament Sempliċi (SPP) biex jitqiesu l-iffrankar fit-tul, il-valuri residwali tal-investimenti fit-tul, u r-rati tal-iskont;

(f) ikunu proporzjonati, u rappreżentattivi biżżejjed, biex tkun tista' titfassal stampa affidabbli tal-prestazzjoni ġenerali tal-enerġija u ssir identifikazzjoni affidabbli tal-aktar opportunitajiet sinifikanti għal titjib.

Il-verifiki tal-enerġija għandhom jippermettu kalkoli dettaljati u validati għall-miżuri proposti biex tingħata informazzjoni ċara fuq l-iffrankar potenzjali.

Id-data użata fil-verifiki tal-enerġija għandha tkun tista' tinħażen għall-analiżi storika u t-traċċar tal-prestazzjoni.

▌

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

ANNESS VIA

***REKWIŻITI MINIMI GĦALL-MONITORAĠĠ U L-PUBBLIKAZZJONI TAR-RENDIMENT TAL-ENERĠIJA TAĊ-ĊENTRI TAD-DATA***

***L-informazzjoni minima li ġejja għandha tiġi mmonitorjata u ppubblikata fir-rigward tar-rendiment tal-enerġija taċ-ċentri tad-data msemmija fl-Artikolu 11a(1):***

***(a) l-isem taċ-ċentru tad-data, l-isem tas-sid u l-operaturi taċ-ċentru tad-data, il-muniċipalità fejn huwa bbażat iċ-ċentru tad-data, ħlief għal ċentri tad-data relatati mad-difiża u s-sigurtà nazzjonali;***

***(b) l-erja tal-art taċ-ċentru tad-data; il-potenza installata; it-temperatura imposta; it-traffiku tad-data incoming u outgoing annwali, jekk disponibbli għall-operatur taċ-ċentru tad-data, u filwaqt li jitqies il-mudell kummerċjali u t-tip ta' konsumatur; u l-ammont ta' data maħżuna u pproċessata fiċ-ċentru tad-data, meta dan jaffettwa l-konsum tal-enerġija tiegħu;***

***(c) ir-rendiment, matul l-aħħar sena kalendarja sħiħa, taċ-ċentru tad-data f'konformità mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tas-CEN/CENELEC EN 50600-4 "Teknoloġija tal-informazzjoni – Faċilitajiet u infrastrutturi ta' ċentri tad-data", b'kont meħud tal-pożizzjoni ġeografika taċ-ċentru tad-data, id-domanda għar-riutilizzazzjoni tas-sħana u l-infrastrutturi tas-sħana disponibbli, sad-dħul fis-seħħ tal-att delegat skont l-Artikolu 31 ta' din id-Direttiva:***

***(i) l-effikaċja tal-użu tal-potenza (PUE) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-2***

***(ii) il-fattur ta' enerġija rinnovabbli (REF) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-3***

***(iii) il-fattur ta' riutilizzazzjoni tal-enerġija (ERF) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-6***

***(iv) il-proporzjon tal-effikaċja tat-tkessiħ (CER) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-7***

***(v) l-effikaċja tal-użu tal-karbonju (CUE) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-8***

***(vi) l-effikaċja tal-użu tal-ilma (WUE) skont CEN/CENELEC EN 50600-4-9***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

ANNESS VII

***REKWIŻITI MINIMI GĦALL-KONTIJIET U GĦALL-INFORMAZZJONI FIL-KONTIJIET, ABBAŻI TAL-KONSUM REALI TA' GASS NATURALI***

## 1. Rekwiżiti minimi għall-kontijiet

*1.1. Kontijiet ibbażati fuq il-konsum reali*

Biex il-klijenti finali jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-konsum reali tal-inqas darba fis-sena, u l-informazzjoni fil-kontijiet għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-inqas kull tliet xhur, fuq talba jew meta l-konsumaturi jkunu għażlu li jirċievu kontijiet elettroniċi, jew inkella darbtejn fis-sena. Il-gass li jintuża biss għal skopijiet ta' tisjir jista' jiġi eżentat minn dan ir-rekwiżit.

*1.2. Informazzjoni minima li trid tkun fil-kont*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta xieraq, l-informazzjoni li ġejja tkun disponibbli għall-klijenti finali b'termini ċari u li jinftiehmu fil-kontijiet, fil-kuntratti, fit-transazzjonijiet, u fl-irċevuti fl-istazzjonijiet tad-distribuzzjoni, jew inkella tiġi mehmuża magħhom:

(a) il-prezzijiet reali attwali u l-konsum reali tal-enerġija;

(b) paraguni tal-konsum attwali tal-enerġija tal-klijent finali mal-konsum fl-istess perjodu tas-sena preċedenti, preferibbilment b'format grafiku;

(c) l-informazzjoni ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet tal-klijenti finali, l-aġenziji tal-enerġija jew korpi simili, inkluż l-indirizzi tas-siti web, imnejn jistgħu jinkisbu informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli għal titjib tal-effiċjenza enerġetika, profili komparattivi tal-utenti finali, u speċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għat-tagħmir li juża l-enerġija.

Barra minn dan, kull meta possibbli u utli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-paraguni, ma' klijent finali medju normalizzat jew skont parametri referenzjarji fl-istess kategorija tal-utenti, isiru disponibbli għall-klijenti finali b'termini ċari u li jinftiehmu, fil-kontijiet, fil-kuntratti, fit-transazzjonijiet, u fl-irċevuti fl-istazzjonijiet tad-distribuzzjoni, jew inkella jiġu mehmużin magħhom jew indikati fihom.

*1.3. Pariri dwar l-effiċjenza enerġetika mehmużin mal-kontijiet u tagħrif ieħor lill-klijenti finali*

Meta jibagħtu l-kuntratti u l-bidliet fil-kuntratti, u fil-kontijiet li jirċievu l-klijenti jew fuq siti web maħsuba għal klijenti individwali, id-distributuri tal-enerġija, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni u l-kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija lill-konsumaturi, dawn għandhom jinformaw lill-klijenti tagħhom b'mod ċar u li jinftiehem dwar l-informazzjoni ta' kuntatt għal ċentri ta' pariri indipendenti għall-konsumatur, aġenziji tal-enerġija jew istituzzjonijiet simili, inkluż indirizzi ta' siti web, imnejn jistgħu jiksbu pariri dwar il-miżuri disponibbli tal-effiċjenza enerġetika, il-profili tal-parametri referenzjarji għall-konsum tal-enerġija tagħhom, u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tagħmir li juża l-enerġija li jistgħu jgħinu biex jonqos il-konsum ta' dan it-tagħmir.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

ANNESS VIII

**REKWIŻITI MINIMI GĦALL-KONTIJIET U GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IL-KONSUM GĦAT-TISĦIN, IT-TKESSIĦ U L-ILMA SĦUN DOMESTIKU**

## 1. Kontijiet abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin

Biex l-utenti finali jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin tal-inqas darba fis-sena.

## 2. Frekwenza minima għall-kontijiet u għall-informazzjoni dwar il-konsum

Sal-31 ta’ Diċembru 2021 , jekk ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-kost għat-tisħin, il-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-konsum abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin għandha tingħata lill-utenti finali tal-inqas kull tliet xhur fuq talba jew meta l-klijenti finali jkunu għażlu li jirċievu kontijiet elettroniċi, jew inkella darbtejn fis-sena.

Mill-1 ta’ Jannar 2022, jekk ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-kost għat-tisħin, il-kontijiet jew l-informazzjoni dwar il-konsum abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin għandhom jingħataw lill-utenti finali mill-inqas kull xahar. Dawn jistgħu jsiru disponibbli wkoll fuq l-internet u b’aġġornamenti sikwit kif jippermettu l-apparati u s-sistemi tal-kejl użati. It-tisħin u t-tkessiħ jistgħu jiġu eżentati minn dak ir-rekwiżit barra l-istaġuni tat-tisħin jew tat-tkessiħ.

## 3. Informazzjoni minima li trid tkun fil-kont

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja ssir disponibbli għall-utenti finali b’termini ċari u li jinftiehmu fil-kontijiet tagħhom jew magħhom, meta dawn ikunu bbażati fuq il-konsum reali jew fuq il-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin:

(a) il-prezzijiet reali attwali u l-konsum reali tal-enerġija jew il-kost totali tat-tisħin u l-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin;

(b) l-informazzjoni dwar it-taħlita tal-fjuwils użati u l-emissjonijiet annwali tal-gassijiet serra relatati, inkluż għall-utenti finali fornuti bit-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali, u deskrizzjoni tat-taxxi, tal-imposti u tat-tariffi differenti applikati. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rekwiżit tal-għoti tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex ikun jinkludi biss il-forniment minn sistemi tat-tisħin distrettwali b’input termali klassifikat totali li jaqbeż l-20 MW;

(c) paraguni tal-konsum attwali tal-enerġija tal-klijent finali mal-konsum fl-istess perjodu tas-sena preċedenti, b’format grafiku u b’korrezzjonijiet tal-klima għat-tisħin u għat-tkessiħ;

(d) l-informazzjoni ta’ kuntatt għall-organizzazzjonijiet tal-klijenti finali, l-aġenziji tal-enerġija jew korpi simili, inkluż l-indirizzi tas-siti web, imnejn jistgħu jinkisbu informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli għal titjib tal-effiċjenza enerġetika, profili komparattivi tal-utenti finali, u speċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għat-tagħmir li jużа l-enerġija;

(e) l-informazzjoni dwar il-proċeduri tal-ilmenti rilevanti, is-servizzi tal-Ombudsman jew mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, kif applikabbli fl-Istati Membri;

(f) paraguni ma’ utent finali medju normalizzat jew skont parametri referenzjarji fl-istess kategorija tal-utenti. Fil-każ tal-kontijiet elettroniċi, dawn il-paraguni jistgħu minflok isiru disponibbli online u jiġu indikati fil-kontijiet.

Il-kontijiet li ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali jew fuq il-qari tal-allokaturi tal-kost għat-tisħin għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara u li tinftiehem ta’ kif ġie kkalkulat l-ammont stipulat fil-kont, u tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-punti (d) u (e).

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

**ANNESS IX**

***POTENZJAL GĦAL EFFIĊJENZA FIT-TISĦIN U FIT-TKESSIĦ***

Il-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjali nazzjonali tat-tisħin u tat-tkessiħ imsemmija fl-Artikolu 23(1) għandha tinkludi u tkun ibbażata fuq dan li ġej:

***Parti I***

*ĦARSA KUMPLESSIVA LEJN IT-TISĦIN U T-TKESSIĦ*

1. id-domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ f’termini ta’ enerġija utli vvalutata ([1]) u ta’ konsum tal-enerġija finali kkwantifikat f’GWh kull sena ([2]) skont is-setturi:

   (a) is-settur residenzjali;

   (b) is-servizzi;

   (c) l-industrija;

   (d) kwalunkwe settur ieħor li individwalment jikkonsma aktar minn 5 % tad-domanda nazzjonali totali għat-tisħin u t-tkessiħ utli;

2. l-identifikazzjoni, jew fil-każ tal-punt 2(a)(i), l-identifikazzjoni jew l-istima, tal-provvista attwali tat-tisħin u t-tkessiħ:

   (a) skont it-teknoloġija, f’GWh kull sena ([3]), fis-setturi msemmija fil-punt 1 meta possibbli, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli:

      (i) ipprovduta fuq il-post f’siti residenzjali u ta’ servizz permezz ta’:

      — bojlers tas-sħana biss;

      — koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija ta’ effiċjenza għolja;

      — il-pompi tas-sħana;

      — teknoloġiji u sorsi oħra fuq il-post;

      (ii) ipprovduta fuq il-post f’siti mhux ta’ servizz u mhux residenzjali permezz ta’:

      — bojlers tas-sħana biss;

      — koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija ta’ effiċjenza għolja;

      — il-pompi tas-sħana;

      — teknoloġiji u sorsi oħra fuq il-post;

      (iii) ipprovduta mhux fuq il-post permezz ta’:

      — koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija ta’ effiċjenza għolja;

      — sħana residwa;

      — teknoloġiji u sorsi oħra mhux fuq il-post;

   (b) l-identifikazzjoni ta’ installazzjonijiet li jiġġeneraw sħana jew kesħa mormija u l-forniment potenzjali tagħhom ta’ tisħin jew ta’ tkessiħ, f’GWh kull sena:

([1]) L-ammont ta’ enerġija termali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-utenti finali għat-tisħin u t-tkessiħ.
([2]) Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.
([3]) Għandha tintuża l-aktar data riċenti disponibbli.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(i) l-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija termali li jistgħu jfornu jew li jistgħu jiġu modifikati retroattivament biex ifornu s-sħana mormija b'input termali totali li jaqbeż il-50 MW;

(ii) l-installazzjonijiet tal-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija li jużaw it-teknoloġiji msemmija fil-Parti II tal-Anness II b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW;

(iii) l-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart;

(iv) l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW, għajr l-installazzjonijiet speċifikati fil-punt 2(b)(i) u (ii) li jiġġeneraw it-tisħin jew it-tkessiħ bl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(v) l-installazzjonijiet industrijali b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW u li jistgħu jipprovdu s-sħana mormija;

(c) is-sehem rapportat tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sħana jew kesħa mormija fil-konsum tal-enerġija finali tas-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali [4] fl-aħħar ħames snin, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001;

3. mappa li tkopri t-territorju nazzjonali kollu u li tidentifika (filwaqt li tippriserva l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva):

(a) iż-żoni tad-domanda għat-tisħin u t-tkessiħ wara l-analiżi tal-punt 1, filwaqt li tuża kriterji konsistenti li jagħmlu enfasi fuq dawk iż-żoni tal-muniċipalitajiet u tal-konurbazzjonijiet li għandhom densità tal-enerġija;

(b) il-punti tal-provvista eżistenti tat-tisħin u tat-tkessiħ identifikati skont il-punt 2(b) u l-installazzjonijiet eżistenti tat-trażmissjoni tat-tisħin distrettwali;

(c) il-punti tal-provvista ppjanati tat-tisħin u tat-tkessiħ tat-tip deskritt skont il-punt 2(b) u l-installazzjonijiet eżistenti tat-trażmissjoni tat-tisħin distrettwali;

4. tbassir tax-xejriet fid-domanda għat-tisħin u t-tkessiħ biex tinżamm perspettiva tat-tletin sena li ġejjin f'GWh u filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-projezzjonijiet għall-għaxar snin li ġejjin, il-bidla fid-domanda fil-bini u f'setturi differenti tal-industrija, u l-impatt tal-politiki u tal-istrateġiji relatati mal-ġestjoni tad-domanda, bħall-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-bini skont id-Direttiva (UE) 2018/844;

***Parti II***

*OBJETTIVI, STRATEĠIJI U MIŻURI TA' POLITIKA*

5. il-kontribut ippjanat tal-Istat Membru fir-rigward tal-objettivi, il-miri u l-kontributi nazzjonali tiegħu għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, kif stabbilit fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1999, miksub b'tisħin u tkessiħ effiċjenti, b'mod partikolari b'rabta mal-punti 1 sa 4 tal-Artikolu 4(b) u mal-paragrafu (4)(b) tal-Artikolu 15, li jidentifika liema minn dawn l-elementi hu addizzjonali meta mqabbel mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima;

6. ħarsa kumplessiva ġenerali lejn il-politiki u l-miżuri eżistenti kif deskritt fl-aktar rapport riċenti ppreżentat f'konformità mal-Artikoli 3, 20, 21 u 27(a) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

---

[4] Wara li tiġi stabbilita l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kwantità ta' enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ u t-tkessiħ distrettwali skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-identifikazzjoni ta' "tkessiħ rinnovabbli" għandha ssir f'konformità ma' dik id-Direttiva. Sa dakinhar, din l-identifikazzjoni għandha ssir skont metodoloġija nazzjonali xierqa.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

***Parti III***

*ANALIŻI TAL-POTENZJAL EKONOMIKU TA’ EFFIĊJENZA FIT-TISĦIN U FIT-TKESSIĦ*

7. analiżi tal-potenzjal ekonomiku ([5]) ta’ teknoloġiji differenti tat-tisħin u tat-tkessiħ għandha ssir għat-territorju nazzjonali kollu billi tintuża l-analiżi tal-kostbenefiċċji msemmija fl-Artikolu 23(3) u għandha tidentifika xenarji alternattivi għal teknoloġiji aktar effiċjenti u rinnovabbli tat-tisħin u tat-tkessiħ, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli, meta applikabbli.

   Għandhom jiġu kkunsidrati t-teknoloġiji li ġejjin:

   (a) is-sħana u l-kesħa mormija industrijali;

   (b) l-inċinerazzjoni tal-iskart;

   (c) il-koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja;

   (d) sorsi tal-enerġija rinnovabbli (pereżempju l-enerġija ġeotermali, l-enerġija termali solari u l-bijomassa) għajr dawk użati għall-koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja;

   (e) il-pompi tas-sħana;

   (f) it-tnaqqis fit-telf tas-sħana u tal-kesħa min-networks distrettwali eżistenti;

8. din l-analiżi tal-potenzjal ekonomiku għandha tinkludi l-passi u l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

   (a) Kunsiderazzjonijiet:

      (i) l-analiżi tal-kostbenefiċċji għall-finijiet tal-Artikolu 23(3) għandha tinkludi analiżi ekonomika li tikkunsidra l-fatturi soċjoekonomiċi u ambjentali ([6]), u analiżi finanzjarja li tivvaluta l-proġetti mill-perspettiva tal-investituri. L-analiżi ekonomika u dik finanzjarja għandhom jużaw il-valur preżenti nett bħala kriterju għall-valutazzjoni;

      (ii) ix-xenarju bażi għandu jservi ta’ parametru referenzjarju u jqis il-politiki eżistenti waqt it-tħejjija ta’ din il-valutazzjoni komprensiva ([7]), u jintrabat mad-data miġbura skont il-Parti I u l-punt 6 tal-Parti II ta’ dan l-Anness;

      (iii) ix-xenarji alternattivi għax-xenarju bażi għandhom iqisu l-objettivi tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli tar-Regolament (UE) 2018/1999. Kull xenarju għandu jippreżenta l-elementi li ġejjin imqabbla max-xenarju bażi:

      — il-potenzjal ekonomiku tat-teknoloġiji, eżaminat billi l-valur preżenti nett jintuża bħala kriterju;

      — it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

      — l-iffrankar tal-enerġija primarja f’GWh kull sena;

      — l-impatt fuq is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija nazzjonali.

      Ix-xenarji li ma jkunux fattibbli minħabba raġunijiet tekniċi jew finanzjarji, jew minħabba regolamentazzjoni nazzjonali jistgħu jiġu esklużi fi stadju bikri tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, jekk dan ikun ġustifikat abbażi ta’ kunsiderazzjonijiet retti, espliċiti u dokumentati sew.

      Il-valutazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet għandhom iqisu l-iffrankar tal-kostijiet u tal-enerġija miksub b’aktar flessibbiltà fil-provvista tal-enerġija u b’operazzjoni aktar ottimali tan-networks tal-elettriku, inkluż il-kostijiet evitati u l-iffrankar miksub bit-tnaqqis fl-investiment fl-infrastruttura, fix-xenarji analizzati.

---

([5]) L-analiżi tal-potenzjal ekonomiku għandha tippreżenta l-volum ta’ enerġija (f’GWh) li jista’ jiġi ġġenerat kull sena minn kull teknoloġija analizzata. Għandhom jitqiesu wkoll il-limitazzjonijiet u l-interrelazzjonijiet fis-sistema tal-enerġija. L-analiżi tista’ tuża mudelli bbażati fuq suppożizzjonijiet li jirrappreżentaw l-operazzjoni ta’ tipi komuni ta’ teknoloġiji jew sistemi.

([6]) Inkluża l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 15, paragrafu 7 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

([7]) Id-data limitu biex jitqiesu l-politiki għax-xenarju bażi hi tmiem is-sena preċedenti tas-sena meta trid titlesta l-valutazzjoni komprensiva. Għaldaqstant, il-politiki promulgati sa sena qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-valutazzjoni komprensiva m’hemmx għalfejn jitqiesu.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(b) Kostijiet u benefiċċji

Il-kostijiet u l-benefiċċji msemmija fil-punt 8(a) għandhom jinkludu mill-inqas il-kostijiet u l-benefiċċji li ġejjin:

(i) Benefiċċji:

— il-valur tal-output għall-konsumatur (it-tisħin, it-tkessiħ u l-elettriku);

— benefiċċji esterni bħall-benefiċċji ambjentali, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u benefiċċji tas-saħħa u tas-sikurezza, kemm jista’ jkun;

— l-effetti fuq is-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, kemm jista’ jkun.

(ii) Kostijiet:

— il-kostijiet kapitali tal-impjanti u tat-tagħmir;

— il-kostijiet kapitali tan-networks tal-enerġija assoċjati;

— il-kostijiet operattivi varjabbli u fissi;

— il-kostijiet tal-enerġija;

— il-kostijiet ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza, kemm jista’ jkun;

— il-kostijiet tas-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, kemm jista’ jkun.

(c) Xenarji rilevanti għax-xenarju bażi:

Għandu jitqies kull xenarju rilevanti għax-xenarju bażi, inkluż ir-rwol ta’ tisħin u tkessiħ individwali effiċjenti.

(i) l-analiżijiet tal-kostbenefiċċji jistgħu ikopru valutazzjoni ta’ proġett jew ta’ grupp ta’ proġetti għal valutazzjoni lokali, reġjonali jew nazzjonali usa’, halli tinstab l-aktar soluzzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ kosteffettiva u ta’ benefiċċju meta mqabbla max-xenarju bażi għal żona ġeografika partikolari għall-finijiet tal-ippjanar;

(d) Konfini u approċċ integrat:

(i) il-konfini ġeografiku għandu jkopri żona ġeografika adegwata u definita sew;

(ii) l-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għandhom iqisu r-riżorsi ċentralizzati jew deċentralizzati rilevanti kollha ta’ provvista, fis-sistema u fil-konfini ġeografiku, inkluż it-teknoloġiji kkunsidrati fil-punt 7 tal-Parti III ta’ dan l-Anness, kif ukoll ix-xejriet u l-karatteristiċi kollha tat-tisħin u tat-tkessiħ.

(e) Suppożizzjonijiet:

(i) l-Istati Membri għandhom jipprovdu suppożizzjonijiet, għall-finijiet tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji, dwar il-prezzijiet ta’ fatturi maġġuri ta’ input u ta’ output, u dwar ir-rata tal-iskont;

(ii) ir-rata tal-iskont użata fl-analiżi ekonomika biex jiġi kkalkulat il-valur preżenti nett għandha tingħażel skont linji gwida Ewropej jew nazzjonali;

(iii) l-Istati Membri għandhom jużaw projezzjonijiet nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali tal-iżvilupp tal-prezz tal-enerġija, jekk ikun xieraq, fil-kuntest nazzjonali u/jew reġjonali/lokali tagħhom;

(iv) il-prezzijiet użati fl-analiżi ekonomika għandhom jirriflettu l-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi. Il-kostijiet esterni, bħall-effetti ambjentali u tas-saħħa, għandhom jiġu inklużi kemm jista’ jkun, jiġifieri meta jkun jeżisti prezz tas-suq jew meta dan ikun diġà inkluż fir-regolamentazzjoni Ewropea jew nazzjonali.

(f) Analiżi tas-sensittività:

(i) għandha tiġi inkluża analiżi tas-sensittività biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji ta’ proġett jew ta’ grupp ta’ proġetti abbażi ta’ fatturi varjabbli li jħallu impatt sinifikanti fuq l-eżitu tal-kalkoli, bħal pereżempju prezzijiet differenti tal-enerġija, il-livelli tad-domanda, ir-rati tal-iskont u oħrajn.

***Parti IV***

*STRATEĠIJI U MIŻURI TA’ POLITIKA ĠODDA POTENZJALI*

9. ħarsa kumplessiva lejn il-miżuri ta’ politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġodda ([8]) biex jitwettaq il-potenzjal ekonomiku identifikat f’konformità mal-punti 7 u 8, flimkien mal-projezzjonijiet tagħhom ta’:

(a) it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

(b) l-iffrankar tal-enerġija primarja f’GWh kull sena;

(c) l-impatt fuq is-sehem ta’ koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja;

(d) l-impatt fuq is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija nazzjonali u fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ;

(e) ir-rabtiet mal-programmazzjoni finanzjarja nazzjonali u l-iffrankar tal-kostijiet għall-baġit pubbliku u għall-parteċipanti tas-suq;

(f) il-miżuri stmati ta’ appoġġ pubbliku, jekk ikun hemm, bil-baġit annwali tagħhom u l-identifikazzjoni tal-element ta’ għajnuna potenzjali.

---

([8]) Din il-ħarsa kumplessiva għandha tinkludi l-miżuri u l-programmi ta’ finanzjament li jistgħu jiġu adottati tul il-perjodu tal-valutazzjoni komprensiva, mingħajr ma tiġi ppreġudikata notifika separata tal-iskemi ta’appoġġ pubbliku għal valutazzjoni ta’ għajnuna mill-Istat.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS X

***ANALIŻI TAL-KOSTBENEFIĊĊJI***

*Prinċipji għall-finijiet tal-Artikolu 244 u (6)*

L-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għandhom jipprovdu informazzjoni għall-finijiet tal-miżuri fl-Artikolu 24(4) u (6):

Jekk tiġi ppjanata installazzjoni tal-elettriku biss jew installazzjoni mingħajr irkupru tas-sħana, għandu jsir paragun bejn l-installazzjonijiet ippjanati jew il-modernizzazzjoni ppjanata u installazzjoni ekwivalenti li tipproduċi l-istess ammont ta' elettriku jew sħana fil-proċessi, iżda li tirkupra s-sħana mormija u tforni s-sħana permezz ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u/jew networks tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali.

F'konfini ġeografiċi partikolari, il-valutazzjoni għandha tqis l-installazzjoni ppjanata u kull punt eżistenti jew potenzjali xieraq ta' domanda għat-tisħin jew għat-tkessiħ li jistgħu jiġu fornuti minnha, bil-kunsiderazzjoni ta' possibbiltajiet razzjonali (pereżempju, l-fattibbiltà teknika u d-distanza).

Il-konfini tas-sistema għandu jinkludi l-installazzjoni ppjanata u t-tagħbijiet tat-tisħin u tat-tkessiħ, bħall-bini u l-proċess industrijali. F'dan il-konfini tas-sistema, il-kost totali tal-forniment tas-sħana u tal-enerġija għandu jiġi ddeterminata għaż-żewġ każijiet u jitqabbel.

It-tagħbijiet tat-tisħin jew tat-tkessiħ għandhom jinkludu t-tagħbijiet eżistenti tat-tisħin jew tat-tkessiħ bħal installazzjonijiet industrijali jew sistema eżistenti tat-tisħin jew tat-tkessiħ distrettwali, u anki, f'żoni urbani, it-tagħbijiet u l-kostijiet eżistenti tat-tisħin jew tat-tkessiħ li jkun hemm jekk grupp ta' bini jew parti minn belt jiġu fornuti bihom u/jew jiġu konnessi ma' network ġdid tat-tisħin jew tat-tkessi distrettwali.

L-analiżi tal-kostbenefiċċji għandha tkun ibbażata fuq deskrizzjoni tal-installazzjoni ppjanata u l-installazzjoni(jiet) paragunati, li tkopri l-kapaċità elettrika u termali, kif applikabbli, it-tip ta' fjuwil, l-użu ppjanat u l-għadd ta' sigħat ta' operazzjoni ppjanati kull sena, il-post u d-domanda elettrika u termali.

Il-valutazzjoni tal-użu tas-sħana mormija għandha tqis it-teknoloġiji attwali. Il-valutazzjoni għandha tqis l-użu dirett tas-sħana mormija jew l-aġġornament tagħha għal livelli ogħla ta' temperatura, jew it-tnejn li huma. Fil-każ tal-irkupru fuq il-post tas-sħana mormija, għandu jiġi vvalutat mill-inqas l-użu ta' skambjaturi tas-sħana, pompi tas-sħana, u teknoloġiji tas-sħana għall-enerġija. Fil-każ tal-irkupru mhux fuq il-post tas-sħana mormija, tal-inqas l-installazzjonijiet industrijali, is-siti agrikoli u n-networks tat-tisħin distrettwali għandhom jiġu vvalutati bħala punti ta' domanda potenzjali.

Għall-finijiet tal-paragun, għandhom jitqiesu d-domanda għall-enerġija termali u t-tipi ta' tisħin u tkessiħ użati mill-punti viċini tad-domanda għat-tisħin jew għat-tkessiħ . Il-paragun għandu jkopri l-kostijiet relatati mal-infrastruttura għall-installazzjoni ppjanata u paragunata.

L-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-finijiet tal-Artikolu 24(4) għandhom jinkludu analiżi ekonomika li tkopri analiżi finanzjarja li tirrifletti t-transazzjonijiet attwali tal-flussi tal-flus kontanti mill-investimenti f'installazzjonijiet individwali u mit-tħaddim tagħhom.

Il-proġetti b'eżitu pożittiv tal-kostbenefiċċji huma dawk li t-total tal-benefiċċji skontati fl-analiżi ekonomika u finanzjarja jaqbeż it-total tal-kostijiet skontati (eċċess tal-kostbenefiċċji).

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-prinċipji gwida għall-metodoloġija, is-suppożizzjonijiet u l-medda taż-żmien għall-analiżi ekonomika.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-kumpaniji responsabbli mill-operazzjoni tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku termali, lill-kumpaniji industrijali, lin-networks tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali, jew lil partijiet oħra influwenzati mill-konfini definit tas-sistema u mill-konfini ġeografiku, biex jipprovdu data biex tintuża għal valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji ta' installazzjoni individwali.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS XI

***GARANZIJA TAL-ORIĠINI GĦALL-ELETTRIKU ĠĠENERAT B'KOĠENERAZZJONI TA' EFFIĊJENZA GĦOLJA***

(a) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li:

(i) il-garanzija tal-oriġini tal-elettriku ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja:

— tippermetti li l-produtturi juru li l-elettriku li jbigħu hu ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tinħareġ għal dan il-għan bħala rispons għal talba tal-produttur;

— tkun preċiża, affidabbli u reżistenti għall-frodi;

— tinħareġ, tiġi trasferita u titħassar b'mod elettroniku;

(ii) l-istess unità tal-enerġija mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja titqies darba biss.

(b) Il-garanzija tal-oriġini msemmija fl-Artikolu 24(10) għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-identità, il-post, it-tip u l-kapaċità (termali u elettrika) tal-installazzjoni fejn tiġi ġġenerata l-enerġija;

(ii) id-dati u l-postijiet tal-produzzjoni;

(iii) il-valur kalorifiku aktar baxx tas-sors tal-fjuwil li minnu jiġi ġġenerat l-elettriku;

(iv) il-kwantità u l-użu tas-sħana ġġenerata flimkien mal-elettriku;

(v) il-kwantità tal-elettriku minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja skont l-Anness III li tirrappreżenta l-garanzija;

(vi) l-iffrankar tal-enerġija primarja kkalkolat skont l-Anness III abbażi tal-valuri armonizzati ta' referenza tal-effiċjenza indikati fil-punt (f) tal-Anness III;

(vii) l-effiċjenza elettrika u termali nominali tal-impjant;

(viii) jekk u sa liema punt l-installazzjoni bbenefikat minn appoġġ għall-investiment;

(ix) jekk u sa liema punt l-unità tal-enerġija bbenefikat mod ieħor minn xi skema ta' appoġġ nazzjonali, u t-tip tal-iskema ta' appoġġ;

(x) id-data ta' meta l-impjant ikun beda jopera; and

(xi) id-data u l-pajjiż tal-ħruġ, u numru ta' identifikazzjoni uniku.

Il-garanzija tal-oriġini għandu jkollha l-qies standard ta' 1 MWh. Għandha tkun relatata mal-output tal-elettriku nett imkejjel fil-konfini tal-istazzjoni u esportat lejn il-grilja.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS XII

***KRITERJI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA GĦAL REGOLAMENTAZZJONI TAN-NETWORK TAL-ENERĠIJA U GĦAT-TARIFFI TAN-NETWORK TAL-ELETTRIKU***

1. It-tariffi tan-network għandhom jirriflettu l-kost tal-iffrankar tal-kost fin-netwerks miksub min-naħa tad-domanda u l-miżuri ta' rispons għad-domanda u l-ġenerazzjoni distribwita, inkluż l-iffrankar miksub bit-tnaqqis fil-kost tat-twassil jew tal-investiment fin-networks, u b'operazzjoni aktar ottimali tan-network.

2. Ir-regolamentazzjoni u t-tariffi tan-network ma għandhomx jipprevjenu lill-operaturi tan-network jew lill-bejjiegħa tal-enerġija milli jagħmlu disponibbli servizzi tas-sistema għal miżuri ta' rispons għad-domanda, ġestjoni tad-domanda u ġenerazzjoni distribwita fis-swieq organizzati tal-elettriku, b'mod partikolari:

   (a) it-trasferiment tat-tagħbija mill-ħinijiet tal-akbar domanda għall-ħinijiet li mhumiex tal-akbar domanda, u l-klijenti finali jqisu d-disponibbiltà tal-enerġija rinnovabbli, l-enerġija mill-koġenerazzjoni u l-ġenerazzjoni distribwita;

   (b) l-iffrankar tal-enerġija miksub b'rispons għad-domanda tal-konsumaturi distribwiti b'aggregaturi tal-enerġija;

   (c) it-tnaqqis tad-domanda miksub b'miżuri tal-effiċjenza enerġetika mwettqa mill-fornituri tas-servizzi tal-enerġija, inkluż il-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija;

   (d) il-konnessjoni u d-dispaċċ ta' sorsi ta' ġenerazzjoni b'livelli aktar baxxi ta' vultaġġ;

   (e) il-konnessjoni ta' sorsi ta' ġenerazzjoni minn post eqreb lejn il-konsum; u

   (f) il-ħżin tal-enerġija.

   Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, it-terminu "swieq organizzati tal-elettriku" għandu jinkludi s-swieq tal-bejgħ dirett u l-iskambji tal-elettriku għall-kummerċ tal-enerġija, is-servizzi ta' bbilanċjar u servizzi ancillari fil-perjodi kollha taż-żmien, inkluż is-swieq bil-quddiem, ta' ġurnata bil-quddiem, u ta' dakinhar stess.

3. It-tariffi tan-network jew tal-bejgħ bl-imnut jistgħu jappoġġaw l-ipprezzar dinamiku għal miżuri ta' rispons għad-domanda mill-klijenti finali, bħal:

   (a) tariffi skont il-ħin tal-użu (time-of-use tariffs);

   (b) ipprezzar għall-ħinijiet kritiċi tal-aktar użu (critical peak pricing);

   (c) ipprezzar fil-ħin reali; and

   (d) rifużjonijiet tal-ħinijiet tal-aktar użu.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS XIII

***REKWIŻITI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA GĦALL-OPERATURI TAS-SISTEMI TAT-TRAŻMISSJONI U GĦALL-OPERATURI TAS-SISTEMI TAD-DISTRIBUZZJONI***

L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għandhom:

(a) jistabbilixxu u jagħmlu pubbliċi r-regoli standard tagħhom relatati mat-tiġrib u l-qsim tal-kostijiet tal-adattamenti tekniċi, bħall-konnessjonijiet mal-grilja, rinfurzar tal-grilja u l-introduzzjoni ta' grilji ġodda, operazzjoni mtejba tal-grilja u regoli dwar l-implimentazzjoni nondiskriminatorja tal-kodiċijiet tal-grilja, li huma meħtieġa għal integrazzjoni tal-produtturi l-ġodda li jalimentaw l-elettriku ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja fil-grilja interkonnessa;

(b) jipprovdu lil kull produttur ġdid tal-elettriku ġġenerat b'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li jixtieq ikun konness mas-sistema bl-informazzjoni komprensiva u meħtieġa mitluba, inkluż:

(i) stima komprensiva u dettaljata tal-kostijiet assoċjati mal-konnessjoni;

(ii) skeda taż-żmien raġonevoli u preċiża għall-wasla u l-ipproċessar tat-talba għall-konnessjoni mal-grilja;

(iii) skeda taż-żmien indikattiva u raġonevoli għal kull konnessjoni proposta mal-grilja. Il-proċess ġenerali għal konnessjoni mal-grilja ma għandux ikun itwal minn 24 xahar, b'kunsiderazzjoni ta' dak li hu raġonevolment prattikabbli u nondiskriminatorju;

(c) jipprovdu proċeduri standardizzati u simplifikati għall-konnessjoni ta' produtturi distribwiti ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja biex jiffaċilitaw il-konnessjoni tagħhom mal-grilja.

Ir-regoli standard imsemmija fil-punt (a) għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji b'kunsiderazzjoni partikolari tal-kostijiet u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-konnessjoni ta' dawk il-produtturi mal-grilja. Dawn jistgħu jipprevedu tipi differenti ta' konnessjoni.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS XIV

***ELEMENTI MINIMI LI JRIDU JIĠU INKUŻI FIL-KUNTRATTI TAL-PRESTAZZJONI TAL-ENERĠIJA JEW FL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TAS-SEJĦIET GĦALL-OFFERTI ASSOĊJATI***

— Sejbiet/rakkomandazzjonijiet ta' analiżi/verifika mwettqa qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt li jkopri l-użu tal-enerġija tal-bini bil-ħsieb li jiġu implimentati miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika.

— Lista ċara u trasparenti tal-miżuri ta' effiċjenza li jridu jitwettqu jew ir-riżultati tal-effiċjenza li jridu jinkisbu.

— L-iffrankar iggarantit li jsir bl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-kuntratt.

— It-tul u t-tappi ewlenin tal-kuntratt, it-termini u l-perjodu ta' notifika.

— Lista ċara u trasparenti tal-obbligi ta' kull parti kontraenti.

— Id-data/i ta' referenza biex ikun stabbilit l-iffrankar miksub.

— Lista ċara u trasparenti tal-passi li jridu jsiru biex titwettaq miżura jew pakkett ta' miżuri u, meta rilevanti, il-kostijiet assoċjati.

— Obbligu li ta' implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri fil-kuntratt u dokumentazzjoni tal-bidliet kollha li jsiru tul il-proġett.

— Regolamenti li jispeċifikaw l-inklużjoni ta' rekwiżiti ekwivalenti f'kull subkuntrattar ma' partijiet terzi.

— Turija ċara u trasparenti tal-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proġett u distribuzzjoni tas-sehem taż-żewġ partijiet fl-iffrankar monetarju miksub (jiġifieri remunerazzjoni tal-fornitur tas-servizzi).

— Dispożizzjonijiet ċari u trasparenti dwar il-kejl u l-verifika tal-iffrankar iggarantit miksub, kontrolli tal-kwalità u garanziji.

— Dispożizzjonijiet li jiċċaraw il-proċedura biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet qafas li qed jinbidlu u li jaffettwaw il-kontenut u l-eżitu tal-kuntratt (jiġifieri l-prezzijiet tal-enerġija li qed jinbidlu, l-intensità tal-użu ta' installazzjoni).

— Informazzjoni dettaljata tal-obbligi ta' kull waħda mill-partijiet kontraenti u tal-penali għall-ksur tagħhom.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS XV

Parti A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista bl-emendi suċċessivi tagħha**

**(imsemmija fl-Artikolu 36)**

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1) | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/12/UE<br>(ĠU L 141, 28.5.2013, p. 28) | |
| Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75) | l-Artikolu 2 biss |
| Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210) | |
| Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1) | l-Artikolu 54 biss |
| Id-Deċiżjoni (UE) 2019/504 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 85 I, 27.3.2019, p. 66) | l-Artikolu 1 biss |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/826<br>(ĠU L 137, 23.5.2019, p. 3) | |
| Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125) | l-Artikolu 70 biss |

Parti B

**Limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali**

**(imsemmija fl-Artikolu 36)**

| Direttiva | Skadenzi għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 2012/27/EU | il-5 ta' Ġunju 2014 |
| (UE) 2018/844 | l-10 ta' Marzu 2020 |
| (UE) 2018/2002 | il-25 ta' Ġunju 2020, għajr għall-punti 5 sa 10 tal-Artikolu 1 u l-punti 3 u 4 tal-Anness |
| | il-25 ta' Ottubru 2020 fir-rigward tal-punti 5 sa 10 tal-Artikolu 1 u l-punti 3 u 4 tal-Anness |
| (UE) 2019/944 | il-31 ta' Diċembru 2019 fir-rigward tal-punt (5)(a) tal-Artikolu 70 |
| | il-25 ta' Ottubru 2020 fir-rigward tal-punt (4) tal-Artikolu 70 |
| | il-31 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-punti (1) sa (3), (5)(b) u (6) tal-Artikolu 70 |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS XVI

### TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Id-Direttiva 2012/27/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2, il-kliem introduttorju | Artikolu 2, il-kliem introduttorju |
| Artikolu 2, il-punt 1 | Artikolu 2, il-punt 1 |
| — | Artikolu 2, il-punti 2 u 3 |
| Artikolu 2, il-punt 2 | Artikolu 2, il-punt 4 |
| Artikolu 2, il-punt 3 | Artikolu 2, il-punt 5 |
| Artikolu 2, il-punt 4 | Artikolu 2, il-punt 6 |
| Artikolu 2, il-punt 5 | Artikolu 2, il-punt 7 |
| Artikolu 2, il-punt 6 | Artikolu 2, il-punt 8 |
| Artikolu 2, il-punt 7 | Artikolu 2, il-punt 9 |
| Artikolu 2, il-punt 8 | Artikolu 2, il-punt 10 |
| Artikolu 2, il-punt 9 | — |
| Artikolu 2, il-punt 10 | Artikolu 2, il-punt 11 |
| | Artikolu 2, il-punti 12 u 13 |
| Artikolu 2, il-punt 11 | Artikolu 2, il-punt 14 |
| Artikolu 2, il-punt 12 | Artikolu 2, il-punt 15 |
| Artikolu 2, il-punt 13 | Artikolu 2, il-punt 16 |
| Artikolu 2, il-punt 14 | Artikolu 2, il-punt 17 |
| Artikolu 2, il-punt 15 | Artikolu 2, il-punt 18 |
| Artikolu 2, il-punt 16 | Artikolu 2, il-punt 19 |
| Artikolu 2, il-punt 17 | Artikolu 2, il-punt 20 |
| Artikolu 2, il-punt 18 | Artikolu 2, il-punt 21 |
| Artikolu 2, il-punt 19 | Artikolu 2, il-punt 22 |
| Artikolu 2, il-punt 20 | Artikolu 2, il-punt 23 |
| Artikolu 2, il-punt 21 | Artikolu 2, il-punt 24 |
| Artikolu 2, il-punt 22 | Artikolu 2, il-punt 25 |
| Artikolu 2, il-punt 23 | Artikolu 2, il-punt 26 |
| Artikolu 2, il-punt 24 | Artikolu 2, il-punt 27 |
| Artikolu 2, il-punt 25 | Artikolu 2, il-punt 28 |
| Artikolu 2, il-punt 26 | — |
| Artikolu 2, il-punt 27 | Artikolu 2, il-punt 29 |
| Artikolu 2, il-punt 28 | Artikolu 2, il-punt 30 |
| Artikolu 2, il-punt 29 | Artikolu 2, il-punt 31 |
| Artikolu 2, il-punt 30 | Artikolu 2, il-punt 32 |
| Artikolu 2, il-punt 31 | Artikolu 2, il-punt 33 |
| Artikolu 2, il-punt 32 | Artikolu 2, il-punt 34 |
| Artikolu 2, il-punt 33 | Artikolu 2, il-punt 35 |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

| Id-Direttiva 2012/27/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 2, il-punt 34 | Artikolu 2, il-punt 36 |
| Artikolu 2, il-punt 35 | Artikolu 2, il-punt 37 |
| Artikolu 2, il-punt 36 | Artikolu 2, il-punt 38 |
| Artikolu 2, il-punt 37 | Artikolu 2, il-punt 39 |
| Artikolu 2, il-punt 38 | Artikolu 2, il-punt 40 |
| Artikolu 2, il-punt 39 | Artikolu 2, il-punt 41 |
| Artikolu 2, il-punt 40 | — |
| Artikolu 2, il-punt 41 | Artikolu 2, il-punt 42 |
| Artikolu 2, il-punt 42 | Artikolu 2, il-punt 43 |
| Artikolu 2, il-punt 43 | Artikolu 2, il-punt 44 |
| — | Artikolu 2, il-punt 45 |
| Artikolu 2, il-punti 44 u 45 | Artikolu 2, il-punti 46 u 47 |
| — | Artikolu 2, il-punti 48, 49 u 50 |
| — | Artikolu 3 |
| — | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju |
| Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b) | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b) |
| Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (c) | — |
| Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d) | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (c) |
| Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-kliem introduttorju | — |
| — | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), il-kliem introduttorju |
| — | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (d)(i), (ii) u (iii) |
| Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (a) | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (d)(iv) |
| — | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e), il-kliem introduttorju |
| Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (b) | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e)(i) |
| Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (c) | Artikolu 4(2) it-tieni subparagrafu, il-punt (e)(ii) |
| Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (d) | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e)(iii) |
| Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (e) | — |
| Artikolu 3(2) u (3) | — |
| Artikolu 3(4) | Artikolu 33(6) |
| Artikolu 3(5) u (6) | — |
| — | Artikolu 4(3) |
| — | Artikolu 4(4) |
| — | Artikolu 5 |
| Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 5(1), it-tielet subparagrafu | Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

| Id-Direttiva 2012/27/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 5(1), ir-raba' u l-ħames subparagrafi | — |
| Artikolu 5(2) u (3) | — |
| Artikolu 5(4) | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 5(5) | Artikolu 6(3) |
| Artikolu 5(6) u (7) | — |
| Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu | — |
| — | Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu | — |
| Artikolu 6(2), (3) u (4) | Artikolu 7(2), (3) u (4) |
| — | Artikolu 7(5) u (6) |
| — | Artikolu 7(7), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 7(1), kliem introduttorju, il-punti (a) u (b) | Artikolu 8(1), kliem introduttorju, il-punti (a) u (b) |
| — | Artikolu 8(1), il-punt (c) |
| Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 8(5) |
| Artikolu 7(1), it-tielet subparagrafu | Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 7(1), ir-raba' subparagrafu | Artikolu 8(1), it-tielet subparagrafu |
| — | Artikolu 8(2), (3) u (4) |
| Artikolu 7(2) | Artikolu 8(6) |
| Artikolu 7(3) | Artikolu 8(7) |
| Artikolu 7(4) | Artikolu 8(8) |
| Artikolu 7(5) | Artikolu 8(9) |
| Artikolu 7(6) | Artikolu 8(10) |
| Artikolu 7(7) | — |
| Artikolu 7(8) | — |
| Artikolu 7(9) | — |
| Artikolu 7(10) | — |
| Artikolu 7(11) | — |
| | Artikolu 8(11), (12) u (13) |
| Artikolu 7(12) | Artikolu 8(14) |
| Artikolu 7a (1), (2) u (3) | Artikolu 9(1), (2) u (3) |
| — | Artikolu 9(4), (5) u (6) |
| Artikolu 7a (4) u (5) | Artikolu 9(7) u (8) |
| — | Artikolu 9(9) |
| Artikolu 7a (6) u (7) | Artikolu 9(10) u (11) |
| Artikolu 7b (1) u (2) | Artikolu 10(1) u (2) |
| — | Artikolu 10(3) u (4) |
| — | Artikolu 11(1) u (2) |
| Artikolu 8(1) u (2) | Artikolu 11(3) u (4) |
| Artikolu 8(3) u (4) | — |

| Id-Direttiva 2012/27/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 11(5) |
| Artikolu 8(5) | Artikolu 11(6) |
| — | Artikolu 11(7) |
| Artikolu 8(6) | Artikolu 11(8) |
| Artikolu 8(7) | Artikolu 11(9) |
| — | Artikolu 11(10) |
| Artikolu 9 | Artikolu 12 |
| Artikolu 9a | Artikolu 13 |
| Artikolu 9b | Artikolu 14 |
| Artikolu 9c | Artikolu 15 |
| Artikolu 10 | Artikolu 16 |
| Artikolu 10a | Artikolu 17 |
| Artikolu 11 | Artikolu 18 |
| Artikolu 11a | Artikolu 19 |
| — | Artikolu 20 |
| — | Artikolu 21(1) |
| Artikolu 12(1) | Artikolu 21(2) |
| Artikolu 12(2), il-kliem introduttorju u l-punti (a), is-subpunti (i) sa (v) | Artikolu 21(2), it-tieni subparagrafu, is-subpunti (i) sa (v)<br>Artikolu 21(2), it-tieni subparagrafu, is-subpunt (vi) |
| Artikolu 12(2), il-punt (b) | Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu |
| — | Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (i) |
| Artikolu 12(2), il-punt (b), is-subpunti (i) u (ii) | Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu, il-punti (ii) u (iii) |
| — | Artikolu 21(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (iv) |
| — | Artikolu 21(4) |
| — | Artikolu 21(5), it-tielet u r-raba’ subparagrafi |
| — | Artikolu 22 |
| Artikolu 13 | Artikolu 30 |
| Artikolu 14(1) u (2) | — |
| — | Artikolu 23(1) u (2) |
| Artikolu 14(3) | Artikolu 23(3), l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 23(3), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 14(4) | Artikolu 23(4) |
| — | Artikolu 23(5) u (6) |
| — | Artikolu 24(1), (2) u (3) |
| Artikolu 14(5), il-kliem introduttorju u l-punt (a) | Artikolu 24(4), il-kliem introduttorju u l-punt (a) |
| Artikolu 14(5), il-punti (b), (c) u (d) | — |
| — | Artikolu 24(4), il-punti (b), (c) u (d) u t-tieni subparagrafu |
| Artikolu 14(5), it-tieni u t-tielet subparagrafi | Artikolu 24(4), it-tielet u r-raba’ subparagrafi |
| Artikolu 14(6), il-punt (a) | Artikolu 24(5), il-punt (a) |
| Artikolu 14(6), il-punt (b) | — |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

| Id-Direttiva 2012/27/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 14(6), il-punt (c) | Artikolu 24(5), il-punt (b) |
| — | Artikolu 24(5), il-punt (c) |
| Artikolu 14(6), it-tieni u t-tielet subparagrafi | Artikolu 24(5), it-tieni u t-tielet subparagrafi |
| Artikolu 14(7), (8) u (9) | Artikolu 24(6), (7) u (8) |
| — | Artikolu 24(9) |
| Artikolu 14(10) u (11) | Artikolu 24(10) u (11) |
| Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 25(1) |
| Artikolu 15(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi | — |
| — | Artikolu 25(2), (3) u (4) |
| Artikolu 15(1), ir-raba' subparagrafu | Artikolu 25(5) |
| Artikolu 15(2) u (2a) | — |
| Artikolu 15(3), (4) u (5), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 25(6), (7) u (8) |
| Artikolu 15(5), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 15(6), l-ewwel subparagrafu | — |
| Artikolu 15(6), it-tieni subparagrafu | Artikolu 25(9) |
| Artikolu 15(7) | Artikolu 25(10) |
| Artikolu 15(9), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 25(11) |
| Artikolu 15(9), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 16(1) u (2) | — |
| — | Artikolu 26(1) u (2) |
| Artikolu 16(3) | Artikolu 26(3) |
| — | Artikolu 26(4) |
| Artikolu 17(1), l-ewwel subparagrafu | — |
| Artikolu 17(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 28(3) |
| Artikolu 17(2) | Artikolu 21(3) |
| Artikolu 17(3) | — |
| Artikolu 17(4) | — |
| Artikolu 17(5) | Artikolu 21(6) |
| Artikolu 18(1), il-kliem introduttorju | Artikolu 27(1), il-kliem introduttorju |
| Artikolu 18(1), il-punt (a), is-subpunti (i) u (ii) | Artikolu 27(1), il-punti (a) u (b) |
| — | Artikolu 27(1), il-punti (c) u (d) |
| Artikolu 18(1), il-punt (b) | Artikolu 27(2) |
| Artikolu 18(1), il-punt (c) | Artikolu 27(3) |
| — | Artikolu 27(4) |
| Artikolu 18(1), il-punt (d), is-subpunti (i) u (ii) | Artikolu 27(5), il-punti (a) u (b) |
| — | Artikolu 27(5), il-punt (c) |
| Artikolu 18(2), il-punti (a) u (b) | Artikolu 27(6), il-punti (a) u (b) |
| Artikolu 18(2), il-punti (c) u (d) | — |
| — | Artikolu 27(6), il-punt (c) |
| — | Artikolu 27(7) |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

| Id-Direttiva 2012/27/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 18(3) | Artikolu 27(8) |
| Artikolu 19(1), il-punt (a) | Artikolu 21(5), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 19(1), il-punt (b) | Artikolu 7(7), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 21(5), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 19(2) | — |
| Artikolu 20(1) u (2) | Artikolu 28(1) u (2) |
| — | Artikolu 28(3) |
| Artikolu 20(3), (3a), (3b) u (3c) | Artikolu 28(4), (5), (6) u (7) |
| Artikolu 20(3d) | Artikolu 28(8), l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 28(8), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 20(4), (5), (6) u (7) | Artikolu 28(9), (10), (11) u (12) |
| Artikolu 21 | Artikolu 29(1) |
| — | Artikolu 29(2), (3), (4), (5), (6) u (7) |
| Artikolu 22(1) u (2) | Artikolu 31(1) u (2) |
| — | Artikolu 31(3) |
| Artikolu 23 | Artikolu 32 |
| Artikolu 24(4a), (5) u (6) | Artikolu 33(1), (2) u (3) |
| Artikolu 24(7), (8), (9), (10), (12) | — |
| Artikolu 24(13) u (14) | Artikolu 33(4) u (5) |
| Artikolu 24(15), il-kliem introduttorju | Artikolu 33(7), il-kliem introduttorju |
| Artikolu 24(15), il-punt (a) | — |
| Artikolu 24(15), il-punt (b) | Artikolu 33(7), il-punt (a) |
| | Artikolu 33(7), il-punti (b), (c), (d), (e) u (f) |
| Artikolu 24(15), it-tieni subparagrafu | Artikolu 33(7), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 25 | — |
| Artikolu 26 | Artikolu 34 |
| Artikolu 27, l-ewwel subparagrafu | Artikolu 36, l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 27, it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 27, it-tielet subparagrafu | Artikolu 36, it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 27(2) u (3) | — |
| Artikolu 28(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 35(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 28(1), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 28(1), it-tielet u r-raba' subparagrafi | Artikolu 35(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi |
| Artikolu 28(2) | Artikolu 35(2) |
| Artikolu 29 | Artikolu 37 |
| Artikolu 30 | Artikolu 38 |
| — | Anness I |
| Anness I | Anness II |
| Anness II | Anness III |
| Anness III | Anness IV |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

| Id-Direttiva 2012/27/UE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Anness IV | — |
| Anness V | Anness V |
| Anness VI | Anness VI |
| Anness VII | Anness VII |
| Anness VIIa | Anness VIII |
| Anness VIII | Anness IX |
| Anness IX | Anness X |
| Anness X | Anness XI |
| Anness XI | Anness XII |
| Anness XII | Anness XIII |
| Anness XIII | Anness XIV |
| Anness XV | — |
| — | Anness XV |
| — | Anness XVI |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0316

## Pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (COM(2020)0682 – C9-0337/2020 – 2020/0310(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2023/C 125/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0682),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 153(2), li jinqara flimkien mal-punt (b) tal-Artikolu 153(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0337/2020),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Parlament Daniż, mill-Parlament Malti u mill-Parlament Żvediż, li jaffermaw li l-abbozz tal-att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2021 [2],

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-15 ta' Ġunju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 40 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0325/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2020)0310

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2022/2041.)*

---

[1] ĠU C 220, 9.6.2021, p. 106.
[2] ĠU C 175, 7.5.2021, p. 89.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0317

## Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (COM(2021)0557 – C9-0329/2021 – 2021/0218(COD))** [1]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

**[Emenda 1, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]**

(2023/C 125/26)

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

2021/0218 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652**

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114 u 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew [3] jistabbilixxi l-objettiv li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima fl-2050 b'mod li jikkontribwixxi għall-ekonomija Ewropea, għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi. Dak l-objettiv, u l-objettiv ta' tnaqqis ta' ***mill-anqas*** 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 kif stabbilit ***fir-Regolament (UE) 2021/1119 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)***, jirrikjedi tranżizzjoni enerġetika u ishma ferm ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'sistema tal-enerġija integrata.

---

(1) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat/kumitati responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0208/2022).
(*) Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.
(1) ĠU C , , p. .
(2) ĠU C , , p. .
(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2019)0640 final tal-11.12.2019, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*(1a)* *It-tranżizzjoni enerġetika taffettwa lill-Istati Membri, lir-reġjuni, lis-setturi ekonomiċi u liċ-ċittadini b'mod differenti u skont is-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Patt Ekoloġiku jiġi implimentat b'mod li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni u li t-tranżizzjoni enerġetika tkun ġusta u inklużiva. B'mod partikolari, irid jiġi żgurat li t-tfixkil jiġi evitat f'setturi kritiċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-ekonomija u tas-soċjetà, bħall-mobbiltà.*

*(1b)* *L-enerġija hija fattur ta' produzzjoni essenzjali li huwa f'domanda kostanti u ta' importanza vitali f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali. L-attivitajiet kollha tal-bniedem, inkluż it-trasport, jiddependu mid-disponibbiltà ta' enerġija suffiċjenti u għall-but ta' kulħadd meta tkun meħtieġa.*

*(1c)* *Il-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (it-tmien EAP) jistabbilixxi objettivi tematiċi prijoritarji għall-2030 fl-oqsma tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, ekonomija ċirkolari mhux tossika, ambjent mingħajr l-ebda tniġġis u l-minimizzazzjoni tal-pressjonijiet ambjentali mill-produzzjoni u l-konsum fis-setturi kollha tal-ekonomija, u jirrikonoxxi li dawn l-objettivi, li jindirizzaw kemm il-fatturi ewlenin kif ukoll l-impatti tal-ħsara ambjentali, huma interkonnessi b'mod inerenti. It-tmien EAP għandu wkoll objettiv prijoritarju fit-tul li, sa mhux aktar tard mill-2050, in-nies jgħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti tal-pjaneta, f'ekonomija tal-benesseri fejn ma jinħela xejn, it-tkabbir ikun riġenerattiv, tkun inkisbet in-newtralità klimatika fl-Unjoni u l-inugwaljanzi jkunu tnaqqsu b'mod sinifikanti. Ambjent san huwa l-bażi tal-benesseri tan-nies kollha u huwa ambjent li fih il-bijodiversità tiġi kkonservata, l-ekosistemi jiffjorixxu, u n-natura tiġi protetta u restawrata, li jwassal għal reżiljenza akbar għat-tibdil fil-klima, għad-diżastri relatati mat-temp u l-klima u riskji ambjentali oħra.*

*(1d)* *Il-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 ("it-tmien EAP"), il-qafas għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u l-klima, għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima, sostenibbli, mhux tossika, effiċjenti fir-riżorsi, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, reżiljenti u kompetittiva b'mod ġust, ekwu u inklużiv, kif ukoll li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb l-istat tal-ambjent billi, fost oħrajn, iwaqqaf u jreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità. Huwa jappoġġa u jsaħħaħ approċċ integrat ta' politika u ta' implimentazzjoni, abbażi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. It-tmien EAP jirrikonoxxi li l-kisba ta' din it-tranżizzjoni se tirrikjedi bidla sistemika li, skont l-EEA, tinvolvi bidla fundamentali, trasformattiva u trażversali li timplika bidliet kbar u orjentazzjoni mill-ġdid fl-għanijiet, l-inċentivi, it-teknoloġiji, il-prattiki soċjali u n-normi tas-sistema, kif ukoll fis-sistemi ta' għarfien u l-approċċi rigward il-governanza.*

*(1e)* *L-iżgurar li l-inizjattivi leġiżlattivi, il-programmi, l-investimenti, il-proġetti u l-implimentazzjoni tagħhom ikunu konsistenti mal-objettivi tat-tmien EAP, jikkontribwixxu għalihom fejn rilevanti, u ma jagħmlux ħsara lill-ebda wieħed minnhom, huwa meħtieġ għall-ilħuq tal-objettivi. Barra minn hekk, l-iżgurar li l-inugwaljanzi soċjali li jirriżultaw minn impatti u politiki relatati mal-klima u l-ambjent jiġu mminimizzati u li l-miżuri meħuda biex jipproteġu l-ambjent u l-klima jitwettqu b'mod soċjalment ġust u inklużiv, kif ukoll l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki dwar il-klima u l-ambjent, inkluż bl-inkorporazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fl-istadji kollha tal-proċess tat-tfassil tal-politika, se jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tat-tmien EAP u, bħala tali, huma wkoll stabbiliti bħala kundizzjonijiet abilitanti fit-tmien EAP.*

*(1f)* *L-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għall-2030 tat-tmien EAP huwa tnaqqis rapidu u prevedibbli tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u, fl-istess ħin, it-titjib tal-assorbimenti mill-bjar naturali fl-Unjoni biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 kif stipulat fir-Regolament (UE) 2021/1119, f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-ambjent, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Biex jgħin fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu, it-tmien EAP jistabbilixxi wkoll il-kundizzjoni abilitanti tat-tneħħija gradwali tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, inkluż billi tiġi stabbilita skadenza għat-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-karburanti fossili konsistenti mal-ambizzjoni li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5° C kif ukoll qafas vinkolanti tal-Unjoni biex jiġi mmonitorjat u jsiru rapporti dwar il-progress tal-Istati Membri lejn it-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-karburanti fossili, abbażi ta' metodoloġija miftiehma.*

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*(1g)* ***Din id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura li, bħala parti mill-politika tal-enerġija tal-UE, l-investimenti fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jiġu mħeġġa filwaqt li tinżamm is-sovranità tal-enerġija ta' kull Stat Membru.***

*(1h)* ***Id-direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li se jkollu wkoll diversi effetti fuq l-Unjoni, inkluż fuq il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi, il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi, l-ilħuq tal-miri klimatiċi u l-kobor tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għaldaqstant, jenħtieġ li fuq bażi regolari titwettaq evalwazzjoni komprensiva tal-impatt makroekonomiku aggregat tar-regolamenti li jiffurmaw il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".***

(2) L-enerġija rinnovabbli għandha rwol fundamentali fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050, peress li s-settur tal-enerġija jikkontribwixxi aktar minn 75 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Billi tnaqqas dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-ambjent bħat-telf tal-bijodiversità, ***it-tniġġis tal-art, tal-ilma u tal-arja, dment li l-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli nfushom ma jaggravax dawk il-problemi. Il-kostijiet operatorji baxxi tal-enerġija rinnovabbli u l-esponiment imnaqqas għax-xokkijiet fil-prezzijiet meta mqabbla mal-karburanti fossili jagħtu lill-enerġija rinnovabbli rwol fundamentali fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku.***

*(2a)* ***B'aktar pajjiżi li qed jimpenjaw ruħhom favur in-newtralità klimatika minn issa sa nofs is-seklu, kemm id-domanda nazzjonali kif ukoll dik globali għal teknoloġiji rinnovabbli huma mbassra li se jiżdiedu u joffru opportunitajiet sinifikanti għall-ħolqien tal-impjiegi, l-espansjoni ta' bażi industrijali Ewropea tas-sorsi rinnovabbli u t-tmexxija Ewropea kontinwa fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji rinnovabbli innovattivi, li mbagħad isaħħu l-vantaġġ kompetittiv tal-kumpaniji Ewropej u l-indipendenza tal-enerġija tal-UE mill-importazzjonijiet tal-karburanti fossili.***

*(2b)* ***Is-sehem tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-UE laħaq it-22 % fl-2020 [4], 2 punti perċentwali (pp) aktar mill-mira għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija għall-2020, kif stabbilit fid-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.***

*(2c)* ***L-enerġija rinnovabbli hija faċilitatur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli, u tikkontribwixxi direttament u indirettament għal ħafna Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), inkluż it-tnaqqis tal-faqar, l-edukazzjoni, l-ilma u s-sanità. Is-sorsi rinnovabbli jirriżultaw ukoll f'benefiċċji soċjoekonomiċi wiesgħa, joħolqu impjiegi ġodda u jrawmu l-industriji lokali.***

*(2d)* ***Fil-livell internazzjonali, fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 26) tal-2021, il-Kummissjoni, flimkien mas-sħab globali, impenjat ruħha li ttemm l-appoġġ dirett għal proġetti internazzjonali ta' produzzjoni tal-enerġija mill-karburanti fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa u li tuża dawn il-fondi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli.***

*(2e)* ***Fil-COP26, il-Kummissjoni flimkien mal-mexxejja globali għollew il-livell ta' ambizzjoni globali għall-preservazzjoni u l-irkupru tal-foresti globali, u għal tranżizzjoni aċċellerata lejn trasport b'emissjonijiet żero.***

*(2f)* ***Il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli spiss issir fil-livell lokali u tiddependi mill-SMEs reġjonali; għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jinvolvu bis-sħiħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jistabbilixxu l-miri u jappoġġaw il-miżuri tal-politiki.***

*(2g)* ***Billi madwar 35 miljun Ewropew huma milquta mill-faqar enerġetiku [5], il-politiki dwar l-enerġija rinnovabbli għandhom rwol importanti fi kwalunkwe strateġija biex jiġu indirizzati l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi.***

---

*(4)* ***https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/ddn-20220119-1***
*(5)* ***Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku.***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(3) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6] tistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni biex sal-2030 jintlaħaq sehem ta' mill-anqas 32 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni. Skont il-Pjan dwar il-Mira Klimatika, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija jkun jeħtieġ li jiżdied għal **45** % sal-2030 sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra [7]. Għalhekk, il-mira stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva trid tiżdied.

***(3a) F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2021 bit-titolu "Dwar l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għall-prattika. Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu", din id-Direttiva jenħtieġ li tieħu approċċ integrat billi tippromwovi l-aktar sors rinnovabbli effiċjenti fl-enerġija għal kwalunkwe settur u applikazzjoni partikolari, kif ukoll billi tippromwovi l-effiċjenza tas-sistema, sabiex tkun meħtieġa l-inqas enerġija għal attivitajiet ekonomiċi differenti.***

***(3b) F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 bit-titolu "Il-Pjan REPowerEU", it-tisħiħ tal-produzzjoni ta' bijometan sostenibbli għal mill-anqas 35 bcm sal-2030 huwa perkors kosteffiċjenti biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u tiġi diversifikata l-provvista tal-gass tal-UE, u b'hekk jiġu appoġġati s-sigurtà tal-provvista u l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa strateġija tal-UE biex tindirizza l-ostakli regolatorji għaż-żieda fil-produzzjoni tal-bijometan u għall-integrazzjoni tiegħu fis-suq intern tal-gass tal-UE.***

***(3c) Biex jappoġġaw l-ilħuq kosteffettiv tal-għan tal-enerġija rinnovabbli u l-elettrifikazzjoni tas-setturi tal-użu finali, filwaqt li jagħtu s-setgħa lill-unitajiet domestiċi u lill-industriji biex ikollhom rwol attiv fl-iżgurar u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE u jippremjawhom għal dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-qafas regolatorju nazzjonali jippermetti t-tnaqqis tad-domanda massima għall-elettriku permezz tal-attivazzjoni tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda fis-setturi kollha tal-użu finali. Għal dak il-għan, fil-pjanijiet integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu mira minima għat-tnaqqis tad-domanda massima għall-elettriku ta' mill-anqas 5 % sal-2030, biex tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema, f'konformità mal-Artikolu 4(d)(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999.***

***(3d) Il-politika ta' koeżjoni għall-2021-2027 għandha bħala wieħed mill-ħames objettivi tagħha Ewropa aktar ekoloġika li tippromwovi l-investimenti fl-enerġija nadifa, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-trasport sostenibbli. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, għalhekk, jenħtieġ li jkollhom l-għan li jipprevjenu ż-żieda fid-disparitajiet, billi jgħinu lil dawk ir-reġjuni li jerfgħu l-akbar piż tat-tranżizzjoni, jinkoraġġixxu l-investiment fl-infrastruttura, u jħarrġu lill-ħaddiema f'teknoloġiji ġodda biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.***

***(3e) Il-FEŻR ikollu jappoġġa l-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jippromwovi l-enerġija rinnovabbli, jiżviluppa sistemi u networks intelliġenti tal-enerġija, u jippromovi mobbiltà urbana multimodali sostenibbli, fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'newtralità karbonika. L-FSE+ irid jikkontribwixxi għat-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġa għall-adattament tal-ħiliet u l-kwalifiki, it-taħriġ mill-ġdid ta' kulħadd, inkluż il-forza tax-xogħol, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'oqsma relatati mal-ambjent, il-klima, l-enerġija, l-ekonomija ċirkolari u l-bijoekonomija (l-Artikolu 4 tar-Regolament FSE+).***

***(3f) Il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għandha dimensjoni lokali qawwija. Għalhekk, huwa importanti li l-Istati Membri jinvolvu bis-sħiħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali dwar il-klima, filwaqt li jiżguraw aċċess dirett għall-finanzjament u l-monitoraġġ tal-progress tal-miżuri adottati. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jinkorporaw il-kontributi lokali u reġjonali fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.***

***(3g) Jirrikonoxxi r-rwol importanti li l-politika ta' koeżjoni għandha biex tikkontribwixxi sabiex ir-reġjuni insulari jiġu megħjuna jilħqu l-objettivi tan-newtralità klimatika, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet addizzjonali marbuta ma' setturi bħall-enerġija u t-trasport, kif ukoll l-impatt tat-teknoloġija mobbli fuq is-sistemi tal-enerġija tagħhom, li jirrikjedu livell ta' investiment għall-ġestjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli intermittenti li jkun, f'valuri proporzjonali, għoli ħafna.***

(6) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82-209.

(7) Il-Punt 3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020)0562 final tas-17.9.2020, It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(3h) Jirrimarka li, minħabba d-daqs żgħir u s-sistemi tal-enerġija iżolati tagħhom, ir-reġjuni insulari l-aktar remoti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, jiffaċċaw sfida kbira fir-rigward tal-provvista tal-enerġija, peress li ġeneralment jiddependu mill-importazzjonijiet tal-karburanti fossili għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-trasport u t-tisħin.***

***(3i) Iqis li l-użu tal-enerġija rinnovabbli, inkluża l-enerġija mill-marea, jenħtieġ li jkun prijorità u jemmen li dan jista' jġib benefiċċji sostanzjali għall-gżejjer, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali, inkluża l-preservazzjoni tal-arkitettura tradizzjonali tal-gżejjer u l-ħabitats lokali; jitlob, għalhekk, appoġġ għall-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli abbażi tal-karatteristiċi ġeografiċi tagħhom; jilqa' l-programmi tal-idroġenu ekoloġiku li nedew il-gżejjer.***

(4) Hemm rikonoxximent dejjem akbar tal-ħtieġa għall-allinjament tal-politiki dwar il-bijoenerġija mal-prinċipju kaskata tal-użu tal-bijomassa ([8]), bil-għan li jiġi żgurat aċċess ġust għas-suq tal-materja prima tal-bijomassa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u b'valur miżjud għoli bbażati fuq il-bijoenerġija u bijoekonomija ċirkolari sostenibbli. Meta jiżviluppaw skemi ta' appoġġ għall-bijoenerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk iqisu l-provvista sostenibbli disponibbli tal-bijomassa għall-użi enerġetiċi u mhux enerġetiċi u l-manutenzjoni tal-bjar tal-karbonju u tal-ekosistemi nazzjonali fil-foresti***, il-protezzjoni tal-bijodiversità,*** kif ukoll il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-użu kaskata tal-bijomassa, u l-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). ***Madankollu, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħtu appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija minn ġdur jew għeruq fil-każ ta' skart jew residwi derivati mill-implimentazzjoni ta' xogħlijiet imwettqa bl-objettiv primarju tal-konservazzjoni tan-natura u l-ġestjoni tal-pajsaġġ, bħal mill-ġnub tat-toroq. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri jenħtieġ li*** jevitaw il-promozzjoni tal-użu ta' njam tond ta' kwalità għall-enerġija ħlief f'ċirkostanzi definiti sew***, pereżempju l-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti u l-qtugħ ta' salvataġġ***. F'konformità mal-prinċipju kaskata, il-bijomassa tal-injam jenħtieġ li tintuża skont l-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali tagħha fl-ordni ta' prijoritajiet li ġejja: 1) prodotti bbażati fuq l-injam, 2) l-estensjoni tal-ħajja operattiva tagħhom, 3) l-użu mill-ġdid, 4) ir-riċiklaġġ, 5) il-bijoenerġija u 6) ir-rimi. Meta l-ebda użu ieħor għall-bijomassa tal-injam ma jkun ekonomikament vijabbli jew ambjentalment xieraq, l-irkupru tal-enerġija jgħin biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi mhux rinnovabbli. L-iskemi ta' appoġġ tal-Istati Membri għall-bijoenerġija jenħtieġ li għalhekk jiġu diretti lejn tali materja prima li għaliha teżisti ftit kompetizzjoni fis-suq mas-setturi tal-materjali, u li l-akkwist tagħha jitqies pożittiv kemm għall-klima kif ukoll għall-bijodiversità, sabiex jiġu evitati inċentivi negattivi għal perkorsi tal-bijoenerġija mhux sostenibbli, kif identifikat fir-rapport tal-JRC "The use of woody biomass for energy production in the EU" ([10]). Min-naħa l-oħra, fid-definizzjoni tal-implikazzjonijiet ulterjuri tal-prinċipju kaskata, jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, li jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-iskemi ta' appoġġ tagħhom. Il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jkunu l-għażla ta' prijorità. L-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li joħolqu skemi ta' appoġġ li jmorru kontra l-miri dwar it-trattament tal-iskart u li jwasslu għal użu ineffiċjenti tal-iskart riċiklabbli. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-bijoenerġija, mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jagħtux aktar appoġġ lill-impjanti tal-elettriku biss, sakemm l-installazzjonijiet ma jkunux f'reġjuni bi status ta' użu speċifiku fir-rigward tat-tranżizzjoni tagħhom lil hinn mill-karburanti fossili, jekk ▌jużaw il-qbid u l-ħżin tad-dijossidu tal-karbonju ***jew jekk l-installazzjonijiet ma jistgħux jiġu modifikati għall-koġenerazzjoni f'ċirkostanzi ġustifikati eċċezzjonali wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni***.

(5) It-tkabbir rapidu u ż-żieda fil-kompetittività tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli jistgħu jissodisfaw sehem dejjem akbar tad-domanda għall-enerġija, pereżempju bl-użu ta' pompi tas-sħana għal tisħin tal-post jew ta' proċessi industrijali ta' temperatura baxxa, ta' vetturi elettriċi għat-trasport, jew ta' fran elettriċi f'ċerti industriji. L-elettriku rinnovabbli jista' jintuża wkoll biex jiġu prodotti karburanti sintetiċi għall-konsum f'setturi tat-trasport li

(8) Il-prinċipju kaskata għandu l-għan li jikseb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-użu tal-bijomassa permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-użu tal-materjal tal-bijomassa għall-użu tal-enerġija kull fejn ikun possibbli, u b'hekk jiżdied l-ammont ta' bijomassa disponibbli fis-sistema. F'konformità mal-prinċipju kaskata, il-bijomassa tal-injam jenħtieġ li tintuża skont l-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali tagħha fl-ordni ta' prijoritajiet li ġejja: 1) prodotti bbażati fuq l-injam, 2) l-estensjoni tal-ħajja operattiva tagħhom, 3) l-użu mill-ġdid, 4) ir-riċiklaġġ, 5) il-bijoenerġija u 6) ir-rimi.

(9) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

(10) https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC122719

diffiċli jiġu dekarbonizzati bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu. ***Jenħtieġ li jiġu żviluppati teknoloġiji innovattivi b'rabta ma' objettiv speċifiku, billi dawn jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi għall-2030 kif ukoll l-objettivi klimatiċi għall-2050.*** Qafas għall-elettrifikazzjoni jrid jippermetti koordinazzjoni robusta u effiċjenti u li jespandi l-mekkaniżmi tas-suq biex jilħaq kemm il-provvista kif ukoll id-domanda fl-ispazju u fiż-żmien, jistimula l-investimenti fil-flessibbiltà, ***il-ħżin tal-enerġija, ir-rispons għad-domanda u mekkaniżmi oħra ta' flessibbiltà*** u jgħin fl-integrazzjoni ta' ishma kbar ta' ġenerazzjoni rinnovabbli varjabbli. Għalhekk, l-Istati Membri***, f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel",*** jenħtieġ li jiżguraw li l-użu tal-elettriku rinnovabbli jkompli jiżdied b'pass adegwat biex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber***, inkluż billi jikkoordinaw strateġiji għall-importazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw ukoll li d-domanda tadatta b'mod flessibbli għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli***. Għal dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu qafas li jinkludi mekkaniżmi kompatibbli mas-suq biex jindirizzaw l-ostakli li jifdal biex ikun hemm sistemi tal-elettriku sikuri u adegwati adatti għal livell għoli ta' enerġija rinnovabbli ***flessibbli***, kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin, integrati bis-sħiħ fis-sistema tal-elettriku. B'mod partikolari, dan il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi dawk mhux finanzjarji bħal riżorsi diġitali u umani insuffiċjenti tal-awtoritajiet għall-ipproċessar ta' għadd dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għall-permessi.

***(5a) Teknoloġiji innovattivi, bħal pompi tas-sħana ibridi, jeħtieġ li jiġu żviluppati u użati fi ħdan il-kriterji tad-Direttiva (UE) 2018/2001, peress li jistgħu jintużaw bħala teknoloġija ta' tranżizzjoni lejn l-għanijiet klimatiċi għall-2030 kif ukoll jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2050.***

***(5b) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE fil-futur jenħtieġ li jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll jippermetti li jsiru investimenti fit-teknoloġiji meħtieġa.***

(6) Meta jiġi kkalkulat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fi Stat Membru, il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jenħtieġ li jingħaddu fis-settur fejn jiġu kkunsmati (elettriku, tisħin u tkessiħ, jew trasport). ***Meta l-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġu kkunsmati fi Stat Membru li jkun differenti minn dak fejn ikunu ġew prodotti, l-enerġija ġġenerata bl-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jenħtieġ li tammonta għal 80 % tal-volum tagħhom fil-pajjiż u s-settur fejn tiġi kkunsmata u għal 20 % tal-volum tagħhom fil-pajjiż fejn tiġi prodotta, sakemm l-Istati Membri kkonċernati ma jiftehmux mod ieħor. Il-ftehimiet bejn l-Istati Membri jistgħu jkunu fil-forma ta' ftehim speċifiku ta' kooperazzjoni magħmul permezz tal-Pjattaforma tal-Unjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija Rinnovabbli (URDP). Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi nnotifikata bi kwalunkwe ftehim bħal dan u tagħmel disponibbli informazzjoni dwaru, inklużi l-volumi eżatti tal-provvista u d-domanda, il-ħinijiet tat-trasferiment u d-data minn meta l-ftehim jidħol fis-seħħ. Għas-sottomiri, il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jenħtieġ li jammontaw għal 100 % tal-volum tagħhom fil-pajjiż fejn jiġu kkunsmati.*** Biex jiġi evitat l-għadd doppju, l-elettriku rinnovabbli użat għall-produzzjoni ta' dawn il-karburanti jenħtieġ li ma jingħaddx. Dan jirriżulta f'armonizzazzjoni tar-regoli ta' kontabbiltà għal dawn il-karburanti fid-Direttiva kollha, irrispettivament minn jekk dawn jingħaddux għall-mira ġenerali tal-enerġija rinnovabbli jew għal kwalunkwe sottomira. Dan jippermetti wkoll li tiġi kkalkulata l-enerġija reali kkunsmata, filwaqt li jitqies it-telf tal-enerġija fil-proċess għall-produzzjoni ta' dawk il-karburanti. Barra minn hekk, dan jippermetti l-kontabbiltà tal-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika importati fl-Unjoni u kkunsmati fiha.

***(6a) Peress li l-kurrent tal-iċċarġjar huwa sostenibbli biss jekk jiġi prodott minn enerġija nadifa, l-analiżijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti elettrifikati fl-oqsma tas-sħana, tat-trasport u tal-industrija jenħtieġ li dejjem iqisu l-ishma tal-karburanti fossili li jkun jifdal mill-ġenerazzjoni tal-elettriku preċedenti.***

(7) Il-kooperazzjoni tal-Istati Membri għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli tista' tieħu l-forma ta' trasferimenti statistiċi, skemi ta' appoġġ jew proġetti konġunti. Dan jippermetti użu kosteffiċjenti tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Ewropa u jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq. Minkejja l-potenzjal tagħha, il-kooperazzjoni kienet limitata ħafna, u b'hekk wasslet għal riżultati subottimali f'termini ta' effiċjenza fiż-żieda tal-enerġija rinnovabbli. Għalhekk,

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati jittestjaw il-kooperazzjoni permezz tal-implimentazzjoni ta' ***proġetti*** pilota ***sa Diċembru 2025 u, sal-2030, it-tielet proġett, għall-Istati Membri b'konsum annwali tal-elettriku ta' aktar minn 100 TWh***. Il-proġetti ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 ([11]) jissodisfaw dan l-obbligu għall-Istati Membri involuti.

*(7a)* ***L-oqsma kollha tal-politiki tal-UE jridu jidderieġu l-azzjonijiet tagħhom lejn il-miri dwar il-klima li għadhom kemm ġew stabbiliti u jilħqu n-newtralità klimatika. Dan jgħodd għall-politika ta' koeżjoni li, għal aktar minn għoxrin sena, ikkontribwiet għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, filwaqt li pprovdiet eżempji u l-aħjar prattiki li jistgħu jiġu riflessi f'dimensjonijiet oħra ta' politika, bħall-emendar ta' din id-Direttiva. Il-politika ta' koeżjoni mhux biss toffri opportunitajiet ta' investiment b'reazzjoni għall-ħtiġijiet lokali u reġjonali permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE), iżda tipprovdi wkoll qafas ta' politika integrat biex jitnaqqsu d-disparitajiet fl-iżvilupp bejn ir-reġjuni Ewropej u tgħinhom jindirizzaw id-diversi sfidi għall-iżvilupp tagħhom, inkluż permezz tal-ħarsien tal-ambjent, l-impjiegi ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ekwu, inklużiv u sostenibbli.***

*(7b)* ***L-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol kruċjali f'sistemi tal-enerġija integrati u deċentralizzati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tgħin lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jaħdmu bejn il-fruntieri billi tgħinhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT).***

*(7c)* ***Il-politika ta' koeżjoni tiżgura koerenza akbar u koordinazzjoni aħjar bejn il-politika ta' koeżjoni u oqsma leġiżlattivi oħra tal-UE, biex b'hekk tittejjeb l-integrazzjoni tal-politika tal-aspetti klimatiċi, jitfasslu politiki aktar effettivi bbażati fuq is-sorsi, jiġi pprovdut finanzjament immirat tal-UE u, konsegwentement, tittejjeb l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima fil-prattika.***

*(7d)* ***Huwa importanti ħafna li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prinċipji tal-governanza f'diversi livelli u tas-sħubija fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom kompetenzi diretti rigward l-ambjent u t-tibdil fil-klima, billi jimplimentaw 90 % tal-adattament għat-tibdil fil-klima u 70 % tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet jiżviluppaw ukoll azzjonijiet biex jippromwovu mġiba li tirrispetta l-klima fost iċ-ċittadini, inklużi dawk marbuta mal-immaniġġjar tal-iskart, il-mobbiltà intelliġenti, l-akkomodazzjoni sostenibbli u l-konsum tal-enerġija.***

(8) L-Istrateġija dwar l-Enerġija Rinnovabbli Offshore tintroduċi objettiv ambizzjuż ta' 300 GW ta' enerġija offshore u ta' 40 GW ta' enerġija mill-oċeani fil-baċiri tal-baħar kollha tal-Unjoni sal-2050. Sabiex tiġi żgurata din il-bidla gradwali, l-Istati Membri se jkollhom bżonn jaħdmu flimkien bejn il-fruntieri fil-livell tal-baċir tal-baħar. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu b'mod konġunt***, u jallokaw spazju adegwat fil-pjan spazjali marittimu tagħhom, l-ammont*** ta' ġenerazzjoni rinnovabbli offshore li għandu jintuża f'kull baċir tal-baħar sal-2050, b'passi intermedji fl-2030 u fl-2040. ***Jekk ikun hemm diskrepanza possibbli bejn l-ammont potenzjali ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli offshore tal-Istati Membri u l-ammont ippjanat ta' enerġija rinnovabbli offshore, il-Kummissjoni jenħtieġ li tieħu miżuri addizzjonali biex tnaqqas dik id-diskrepanza.*** Dawn l-objettivi jenħtieġ li jiġu riflessi fil-pjanijiet nazzjonali aġġornati dwar l-enerġija u l-klima li se jiġu ppreżentati fl-2023 u fl-2024 skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Fid-definizzjoni tal-ammont, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli offshore ta' kull baċir tal-baħar, ***il-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-infrastruttura tal-grilja tat-trażmissjoni,*** il-ħarsien tal-ambjent, ***il-bijodiversità,*** l-adattament għat-tibdil fil-klima u użi oħrajn tal-baħar***, speċjalment l-attivitajiet li diġà jsiru fiż-żoni affettwati u l-ħsara possibbli lill-ambjent***, kif ukoll il-miri tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw dejjem aktar il-possibbiltà li jikkombinaw il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli offshore ma' linji ta' trażmissjoni li jgħaqqdu lil diversi Stati Membri, fil-forma ta' proġetti ibridi jew, fi stadju aktar tard, grilja aktar densa. Dan jippermetti lill-elettriku jimxi f'direzzjonijiet differenti, u b'hekk jimmassimizza l-benesseri soċjoekonomiku, jottimizza n-nefqa infrastrutturali u jippermetti użu aktar sostenibbli tal-baħar. ***L-Istati Membri li jmissu ma' baċir tal-baħar jenħtieġ li jużaw il-proċess ta' ppjanar tal-ispazju marittimu biex jiżguraw approċċ b'saħħtu ta' parteċipazzjoni pubblika sabiex jitqiesu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kollha u l-komunitajiet kostali.***

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*(8a)* ***Il-kundizzjonijiet meqjusa neċessarji għall-isfruttament tal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli fl-ibħra u l-oċeani Ewropej, inklużi dawk madwar il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi qed ivarjaw. Għalhekk, l-Unjoni impenjata li tistabbilixxi teknoloġiji alternattivi kapaċi li ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-ambjent tal-baħar għal dawn iż-żoni ta' interess partikolari.***

*(8b)* ***Jenħtieġ li jitqiesu d-diversità ġeografika u l-użi alternattivi tal-ambjent tal-baħar, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli tal-ibħra u l-oċeani Ewropej kollha, u dan jeħtieġ sett ferm usa' ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi. Dawn is-soluzzjonijiet jinkludu l-enerġija mill-parks eoliċi offshore li jżommu f'wiċċ l-ilma, farms solari, l-enerġija mill-mewġ, mill-kurrenti u mill-marea, id-differenzjali fi gradjenti termali jew ta' enerġija blu, it-tkessiħ u t-tisħin tal-baħar, u l-enerġija ġeotermali u l-bijomassa tal-baħar (algi).***

*(8c)* ***L-installazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq art rurali u fuq art agrikola b'mod ġenerali jenħtieġ li tkun irregolata mill-prinċipji tal-proporzjonalità, il-komplementarjetà u l-kumpens. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-varar ordnat ta' proġetti rinnovabbli sabiex jiġi evitat it-telf ta' art agrikola, u jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji xierqa li jagħmlu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli kompatibbli mal-produzzjoni agrikola u tal-bhejjem.***

(9) Is-suq għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli qed jikber b'mod rapidu u jipprovdi rotta komplementari għas-suq tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli flimkien ma' skemi ta' appoġġ mill-Istati Membri jew għall-bejgħ dirett fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa. Fl-istess ħin, ***dawn il-ftehimiet jipprovdu lill-produttur bis-sigurtà ta' ċertu introjtu, filwaqt li l-utent jista' jibbenefika minn prezz stabbli tal-elettriku.*** Is-suq għall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli għadu limitat għal għadd żgħir ta' Stati Membri u kumpaniji kbar, b'ostakli amministrattivi, tekniċi u finanzjarji sinifikanti li jifdal f'partijiet kbar tas-suq tal-Unjoni. ***Minbarra ftehimiet dwar ix-xiri ta' enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-ostakli għall-introduzzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, li se jkollhom rwol dejjem akbar biex jintlaħqu l-miri klimatiċi u tas-sorsi rinnovabbli tal-UE.*** Għalhekk, il-miżuri eżistenti fl-Artikolu 15 biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jissaħħu ulterjorment, billi jiġi esplorat l-użu ta' garanziji ta' kreditu biex jitnaqqsu r-riskji finanzjarji ta' dawn il-ftehimiet, filwaqt li jitqies li dawn il-garanziji, fejn ikunu pubbliċi, jenħtieġ li ma jeskludux il-finanzjament privat.

(10) Proċeduri amministrattivi kumplessi żżejjed u twal iżżejjed jikkostitwixxu ostaklu ewlieni għall-użu tal-enerġija rinnovabbli. ***Hemm bżonn ta' aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u dawk għall-għoti ta' permessi biex jittaffa l-piż amministrattiv kemm għall-proġetti ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll għall-proġetti relatati tal-infrastruttura tal-grilja. Fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi l-linji gwida dwar l-għoti ta' permessi biex jitqassru u jiġu ssimplifikati l-proċessi għall-proġetti ġodda, il-proġetti ta' repowering u l-modernizzazzjoni tal-proġetti fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li jiġu żviluppati indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fil-kuntest ta' dawn il-linji gwida.***

*(10a)* ***L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma atturi ewlenin fl-isforzi intiżi biex l-Ewropa tersaq aktar viċin l-ilħuq tal-objettivi tagħha f'dak li jikkonċerna l-enerġija u l-klima. Il-produzzjoni tal-enerġija fil-livell lokali hija kruċjali biex titrawwem il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, titnaqqas id-dipendenza enerġetika minn sorsi esterni u jitnaqqsu r-rati tal-faqar enerġetiku.***

(11) Il-binjiet għandhom potenzjal kbir mhux sfruttat biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ f'dan is-settur permezz ta' sehem akbar fil-produzzjoni u fl-użu tal-enerġija rinnovabbli***, b'mod partikolari fil-kuntest lokali,*** se tkun meħtieġa biex tiġi ssodisfata l-ambizzjoni stabbilita ***fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima*** biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni tan-newtralità klimatika. Madankollu, il-progress dwar l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ kien staġnat fl-aħħar deċennju, li fil-biċċa l-kbira jiddependi fuq użu akbar tal-bijomassa. Mingħajr l-istabbiliment ta' miri ***indikattivi*** biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, mhux se jkun hemm kapaċità biex jiġi traċċat il-progress u jiġu identifikati l-konġestjonijiet fl-użu tal-enerġija rinnovabbli. ***Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jgħoddu s-sħana u l-kesħa mormija fil-mira indikattiva għall-enerġija rinnovabbli fil-bini, sa limitu ta' 20 %, b'limitu massimu ta' 54 %.*** Barra minn hekk, il-ħolqien ta' miri se jipprovdi sinjal fit-tul lill-investituri, inkluż għall-perjodu immedjatament wara l-2030. Dan se jikkomplementa l-obbligi relatati mal-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ***u jikkonforma mal-prinċipju "l-Effiċjenza***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***Enerġetika tiġi l-Ewwel".*** Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri indikattivi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet biex jiggwidaw u jinċentivaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jisfruttaw il-potenzjal tal-użu u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli ***fuq il-post jew fil-qrib*** fil-binjiet ***u*** jinkoraġġixxu l-iżvilupp ▌ ta' teknoloġiji li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli ***u jgħinu l-integrazzjoni effiċjenti tagħhom fis-sistema tal-enerġija,*** filwaqt li jipprovdu ċertezza għall-investituri u l-involviment fil-livell lokali***, kif ukoll jikkontribwixxu għall-effiċjenza tas-sistema. L-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet huma mfassla biex iżidu l-kostijiet tal-enerġija fossili u jwasslu għal investimenti fl-iffrankar tal-enerġija xprunati mis-suq jew biex issir bidla għall-enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li jiġu evitati piżijiet doppji għall-konsumaturi permezz tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u miri oħra meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni.***

***(11a) Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, l-argument favur tranżizzjoni enerġetika rapida qatt ma kien aktar b'saħħtu u ċar. Ir-Russja tipprovdi aktar minn 40 % tal-konsum totali ta' gass tal-UE, li jintuża l-aktar fis-settur tal-bini, li huwa responsabbli għal 40 % tal-konsum totali tal-enerġija tal-UE. Billi taċċellera t-tnedija tas-soqfa solari u l-pompi tas-sħana, l-UE tista' tiffranka ammonti sinifikanti ta' importazzjonijiet ta' karburanti fossili. Il-frontloading ta' tali investimenti se jaċċellera aktar it-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE minn fornituri esterni. Skont REPowerEU, għall-2022 biss jistgħu jiġu ffrankati 2,5 bcm addizzjonali ta' gass billi jiġu installati sa 15 TWh ta' sistemi solari PV fuq il-bjut, u 12-il bcm addizzjonali b'kull 10 miljun pompa tas-sħana installata. Fl-istess ħin, dan jagħti spinta kbira lis-swieq tax-xogħol lokali; waħedha, tali mewġa ta' installazzjoni ta' soqfa solari tista' toħloq sa 225 000 impjieg lokali fin-negozju tal-installazzjoni*** ([12]).

(12) Għadd insuffiċjenti ta' ħaddiema tas-sengħa, b'mod partikolari l-installaturi u d-disinjaturi ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, inaqqsu r-ritmu tas-sostituzzjoni ta' sistemi tat-tisħin tal-karburanti fossili b'sistemi bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli u huma ostaklu ewlieni għall-integrazzjoni ta' sorsi rinnovabbli fil-binjiet, fl-industrija u fl-agrikoltura. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw mas-sħab soċjali u mal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli biex jantiċipaw il-ħiliet li se jkunu meħtieġa. Għadd suffiċjenti ta' ***strateġiji ta' titjib tal-ħiliet u tiġdid tal-ħiliet u*** programmi ta' taħriġ ta' kwalità għolja ***u effettivi*** u ta' possibbiltajiet ta' ċertifikazzjoni li jiżguraw installazzjoni xierqa u tħaddim affidabbli ta' firxa wiesgħa ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ***u teknoloġiji ta' ħżin, kif ukoll punti ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi,*** jenħtieġ li jkunu disponibbli u mfassla b'mod li jattiraw il-parteċipazzjoni fi programmi ta' taħriġ u f'sistemi ta' ċertifikazzjoni bħal dawn. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw liema azzjonijiet jenħtieġ li jittieħdu biex jattiraw gruppi li bħalissa mhumiex irrappreżentati biżżejjed fl-oqsma tax-xogħol inkwistjoni. Il-lista ta' installaturi mħarrġa u ċċertifikati jenħtieġ li ssir pubblika biex jiġu żgurati kemm il-fiduċja tal-konsumatur kif ukoll l-aċċess faċli għal ħiliet ta' disinjaturi u ta' installaturi mfassla apposta li jiggarantixxu installazzjoni u tħaddim xierqa tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli.

***(12a) In-negozji agrikoli u ortikulturali għandhom l-ispazju u l-erja tas-soqfa u jipproduċu l-bijomassa. Dawn huma assi li jippermettulhom jaqdu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni enerġetika taż-żoni rurali u fi ħdan il-komunitajiet rurali, speċjalment fid-dawl tal-produzzjoni deċentralizzata. Is-settur huwa utent relattivament żgħir tal-enerġija u jista' jipproduċi ferm aktar enerġija rinnovabbli milli jeħtieġ. Huwa għalhekk li l-introduzzjoni tal-kondiviżjoni tal-enerġija u tal-komunitajiet tal-enerġija jenħtieġ li tiġi mħeġġa u appoġġata aktar.***

(13) Il-garanziji tal-oriġini huma għodda ewlenija għall-informazzjoni tal-konsumatur kif ukoll għall-adozzjoni ulterjuri ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli. Sabiex tiġi stabbilita bażi koerenti tal-Unjoni għall-użu ta' garanziji tal-oriġini u sabiex jiġi pprovdut aċċess għal evidenza ta' sostenn xierqa għal persuni li jikkonkludu ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, il-produtturi kollha tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu garanzija tal-oriġini mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jqisu l-valur tas-suq tal-garanziji tal-oriġini jekk il-produtturi tal-enerġija jirċievu appoġġ finanzjarju. ***Is-sistema ta' garanziji tal-oriġini prevista mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun sistema armonizzata applikabbli fl-Unjoni kollha. Sistema tal-enerġija aktar flessibbli u domandi dejjem akbar min-naħa tal-konsumaturi jeħtieġu għodda aktar innovattiva, diġitali, teknoloġikament avvanzata u affidabbli biex tappoġġa u tiddokumenta l-produzzjoni tiżdied tal-enerġija rinnovabbli. B'mod***

([12]) *Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (2020), Arnulf Jäger-Waldau: "The Untapped Area Potential for Photovoltaic Power in the European Union" (Il-Potenzjal taż-Żona mhux Sfruttata għall-Enerġija Fotovoltajka fl-Unjoni Ewropea).*

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***partikolari, it-teknoloġiji innovattivi jistgħu jiżguraw granularità spazjali u temporali ogħla tal-garanziji tal-oriġini. Biex jiffaċilitaw l-innovazzjoni diġitali f'dan il-qasam, l-Istati Membri jenħtieġ li jintroduċu granularità addizzjonali fir-rigward tad-daqs fl-iskemi tagħhom għall-garanziji tal-oriġini.***

***(13a) F'konformità mal-Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2022, fejn rilevanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw il-ħtieġa li jestendu l-infrastruttura eżistenti tan-network tal-gass biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-gass minn sorsi rinnovabbli u biex inaqqsu d-dipendenza fuq il-karburanti fossili, b'mod partikolari jekk dik l-infrastruttura tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-interkonnessjoni bejn mill-anqas żewġ Stati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż terz.***

(14) L-iżvilupp tal-infrastruttura għan-networks tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali jenħtieġ li jissaħħaħ u jiġi orjentat lejn l-użu ta' firxa usa' ta' sorsi ta' sħana u ta' kesħa rinnovabbli b'mod effiċjenti u flessibbli sabiex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli u tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi aġġornata l-lista tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli li n-networks tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jenħtieġ li jakkomodaw dejjem aktar u li wieħed jirrikjedi l-integrazzjoni tal-ħżin tal-enerġija termali bħala sors ta' flessibbiltà, effiċjenza akbar fl-enerġija u operazzjoni aktar kosteffettiva.

***(14a) L-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jintegraw l-elettriku rinnovabbli intermittenti fil-grilja, filwaqt li jiżguraw l-istabbiltà tal-grilja u s-sigurtà tal-provvista, jistgħu jkunu relatati mal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet bħal faċilitajiet ta' ħżin, ġestjoni min-naħa tad-domanda u impjanti tal-enerġija li jibbilanċjaw il-grilja u impjanti ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja li jipparteċipaw fl-ibbilanċjar tal-grilja b'appoġġ għall-elettriku rinnovabbli intermittenti.***

(15) B'aktar minn 30 miljun vettura elettrika mistennija fl-Unjoni sal-2030 jeħtieġ li jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-integrazzjoni tas-sistema tal-elettriku rinnovabbli, u b'hekk jippermettu li jintlaħqu ishma ogħla tal-elettriku rinnovabbli b'mod kostottimali. Il-potenzjal tal-vetturi elettriċi li jassorbu l-elettriku rinnovabbli fi żminijiet meta jkun abbundanti u jdaħħluh mill-ġdid fi grilja meta jkun hemm skarsezza jrid jiġi sfruttat bis-sħiħ***, u dan jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-sistema ta' elettriku rinnovabbli varjabbli filwaqt li tiġi żgurata provvista sigura u affidabbli tal-elettriku***. Għalhekk huwa ***neċessarju*** li jiġu introdotti miżuri speċifiċi dwar il-vetturi elettriċi u informazzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli u kif u meta tiġi aċċessata, li jikkomplementaw dawk fid-Direttiva (UE) 2014/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) u r-[Regolament propost dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020]. ***Barra minn hekk, il-vetturi elettriċi solari jistgħu jagħtu kontribut kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport Ewropew. Dawn huma ferm aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija meta mqabbla ma' vetturi elettriċi bil-batterija tradizzjonali, ma jiddependux b'mod estensiv fuq il-grilja tal-elettriku għall-iċċarġjar, u jistgħu jiġġeneraw enerġija nadifa addizzjonali li tista' tiġi alimentata fil-grilja permezz ta' ċċarġjar bidirezzjonali, li jikkontribwixxi għall-indipendenza enerġetika tal-Ewropa u għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.*** **[Am. 26].**

***(15a) Il-potenzjal ta' impjanti tal-enerġija li jibbilanċjaw il-grilja u impjanti ta' koġenerazzjoni li jipparteċipaw fl-ibbilanċjar tal-grilja b'appoġġ għall-elettriku rinnovabbli intermittenti, biex b'hekk jippermettu l-espansjoni ta' tali elettriku rinnovabbli, jenħtieġ li jintuża bis-sħiħ.***

(16) Sabiex is-servizzi ta' flessibbiltà u ta' bbilanċjar mill-aggregazzjoni tal-assi tal-ħżin distribwiti jiġu żviluppati b'mod kompetittiv, l-aċċess f'ħin reali għall-informazzjoni bażika dwar il-batteriji bħall-istat tas-saħħa, l-istat taċ-ċarġ, il-kapaċità u s-set point tal-potenza jenħtieġ li jiġi pprovdut skont termini mhux diskriminatorji***, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)*** (***[14]***), u bla ħlas lis-sidien jew lill-utenti tal-batteriji u lill-entitajiet li jaġixxu f'isimhom ***permezz ta' kunsens espliċitu***, bħall-maniġers tas-sistemi tal-enerġija tal-binjiet, il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà

([13]) Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

***([14]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.).***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

u parteċipanti oħrajn fis-suq tal-elettriku***, bħall-utenti ta' vetturi elettriċi***. Għalhekk huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri li jindirizzaw il-ħtieġa ta' aċċess għal tali data għall-iffaċilitar tal-operazzjonijiet relatati mal-integrazzjoni ta' batteriji domestiċi u vetturi elettriċi***, sistemi intelliġenti tat-tisħin u t-tkessiħ, u apparati intelliġenti oħra***, li jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għad-data dwar il-batteriji relatati mal-iffaċilitar tal-adattament mill-ġdid tal-batteriji fi [ir-regolament propost tal-Kummissjoni dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020]. Id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għad-data dwar il-batteriji tal-vetturi elettriċi jenħtieġ li japplikaw flimkien ma' kwalunkwe dispożizzjoni stabbilita fid-dritt tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

(17) L-għadd dejjem akbar ta' vetturi elettriċi f'modi ta' trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar u b'modi oħra se jirrikjedi li l-operazzjonijiet tal-irriċarġjar jiġu ottimizzati u ġestiti b'mod li ma jikkawżax konġestjoni u li jisfrutta bis-sħiħ id-disponibbiltà tal-elettriku rinnovabbli u tal-prezzijiet baxxi tal-elettriku fis-sistema. F'sitwazzjonijiet fejn l-iċċarġjar ***intelliġenti u*** bidirezzjonali jassisti aktar penetrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli mill-flotot ta' vetturi elettriċi fit-trasport u fis-sistema tal-elettriku b'mod ġenerali, tali funzjonalità jenħtieġ li tkun disponibbli wkoll. Fid-dawl tal-firxa twila ta' punti tal-irriċarġjar, ir-rekwiżiti għall-infrastruttura tal-iċċarġjar jenħtieġ li jinżammu aġġornati b'mod li jindirizza l-ħtiġijiet futuri u ma jirriżultawx f'effetti ta' intrappolament negattivi għall-iżvilupp tat-teknoloġija u tas-servizzi.

(18) L-utenti ta' vetturi elettriċi li jidħlu fi ftehimiet kuntrattwali ma' fornituri ta' servizzi tal-elettromobbiltà u ma' parteċipanti fis-suq tal-elettriku jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu informazzjoni u spjegazzjonijiet dwar kif it-termini tal-ftehim se jaffettwaw l-użu tal-vettura tagħhom u l-istat tas-saħħa tal-batterija tagħha. Il-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà u l-parteċipanti fis-suq tal-elettriku jenħtieġ li jispjegaw b'mod ċar lill-utenti tal-vetturi elettriċi kif se jiġu rimunerati għall-flessibbiltà, għall-ibbilanċjar u għas-servizzi ta' ħżin ipprovduti lis-sistema u lis-suq tal-elettriku bl-użu tal-vettura elettrika tagħhom. L-utenti tal-vetturi elettriċi jeħtieġ li jkollhom ukoll id-drittijiet tal-konsumatur tagħhom garantiti meta jidħlu f'tali ftehimiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom bħall-post u d-drawwiet tas-sewqan, b'rabta mal-użu tal-vettura tagħhom. Il-preferenza tal-utenti tal-vetturi elettriċi fir-rigward tat-tip ta' elettriku mixtri għall-użu fil-vettura elettrika tagħhom, kif ukoll preferenzi oħra, jistgħu jkunu wkoll parti minn tali ftehimiet. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, huwa importanti ***li jiġi żgurat li l-infrastruttura tal-iċċarġjar li għandha tiġi varata tintuża bl-aktar mod effettiv. Sabiex tittejjeb il-fiduċja tal-konsumatur fil-mobbiltà elettrika, huwa essenzjali*** li l-utenti tal-vetturi elettriċi jkunu jistgħu jużaw l-abbonament tagħhom f'diversi punti tal-irriċarġjar. Dan jippermetti wkoll lill-fornitur tas-servizz tal-għażla tal-utent tal-vettura elettrika biex jintegra bl-aħjar mod il-vettura elettrika fis-sistema tal-elettriku, permezz ta' ppjanar u inċentivi prevedibbli bbażati fuq il-preferenzi tal-utent tal-vettura elettrika. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji ta' sistema tal-enerġija bbażata fuq il-konsumatur u fuq il-prosumatur, u d-dritt tal-għażla tal-fornitur tal-utenti tal-vetturi elettriċi bħala klijenti finali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/944.

***(18a) Lil hinn mill-batteriji domestiċi u tal-vetturi elettriċi, varjetà ta' apparati oħra bħal apparati intelliġenti għat-tisħin u t-tkessiħ, tankijiet tal-ilma sħun, unitajiet tal-ħżin tal-enerġija termali u apparati intelliġenti oħra għandhom potenzjal sinifikanti ta' rispons għad-domanda li jenħtieġ li jiġi sfruttat b'mod urġenti biex jippermetti lill-konsumaturi jipprovdu l-flessibbiltà tagħhom għas-sistema tal-enerġija. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu introdotti miżuri li jippermettu aċċess f'ħin reali għal data rilevanti għar-rispons għad-domanda għall-utenti, kif ukoll għal partijiet terzi li jaġixxu f'isem is-sidien u l-utenti, bħall-parteċipanti fis-suq tal-elettriku, b'termini mhux diskriminatorji u bla ħlas, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679.***

(19) ***Għaldaqstant, il-ġenerazzjoni distribwita u deċentralizzata, ir-rispons tad-domanda u*** l-assi tal-ħżin ▌, bħall-batteriji domestiċi u l-batteriji tal-vetturi elettriċi***, is-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ intelliġenti u apparati intelliġenti oħrajn, kif ukoll il-ħżin tal-enerġija termali,*** għandhom il-potenzjal li joffru flessibbiltà konsiderevoli u servizzi ta' bbilanċjar lill-grilja permezz ta' aggregazzjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' tali ***apparati u*** servizzi ***relatati***, id-dispożizzjonijiet regolatorji dwar il-konnessjoni u t-tħaddim tal-assi ***deċentralizzati tal-ġenerazzjoni u*** tal-ħżin, bħat-tariffi, il-ħinijiet ta' impenn u l-ispeċifikazzjonijiet tal-konnessjoni, jenħtieġ li jitfasslu b'mod li ma jfixkilx il-potenzjal tal-assi kollha tal-ħżin, inkluż dawk żgħar u mobbli, biex jiġu offruti servizzi ta' flessibbiltà u ta' bbilanċjar lis-sistema u biex jikkontribwixxu għall-penetrazzjoni ulterjuri tal-elettriku rinnovabbli, meta mqabbla

ma' assi ta' ħżin stazzjonarji akbar. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu wkoll kundizzjonijiet ekwi għal atturi iżgħar fis-suq, b'mod partikolari l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq mingħajr ma jiffaċċjaw piż amministrattiv jew regolatorju sproporzjonat.***

(20) Il-punti tal-irriċarġjar fejn il-vetturi elettriċi tipikament jiġu pparkjati għal perjodi ta' żmien estiżi, bħal fejn in-nies jipparkjaw għal raġunijiet ta' residenza jew ta' impjieg, huma rilevanti ħafna għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, u għalhekk iridu jiġu żgurati funzjonalitajiet ta' ċċarġjar intelliġenti ***u bidirezzjonali***. ***Jenħtieġ li jittieħdu inizjattivi speċifiċi biex jiżdied l-għadd ta' punti tal-irriċarġjar fiż-żoni rurali u skarsament popolati u biex tiġi żgurata distribuzzjoni adegwata fl-aktar żoni remoti u muntanjużi.*** F'dan ir-rigward, it-tħaddim ta' infrastruttura ta' ċċarġjar normali mhux aċċessibbli għall-pubbliku***, pereżempju permezz ta' sistemi ta' kejl intelliġenti,*** huwa partikolarment importanti għall-integrazzjoni tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku peress li tinsab fejn il-vetturi elettriċi jiġu pparkjati ripetutament għal perjodi twal ta' żmien, bħal f'bini b'aċċess ristrett, faċilitajiet ta' parkeġġ jew ta' parkeġġ tal-impjegati mikrija lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

(21) L-industrija tirrappreżenta 25 % tal-konsum tal-enerġija tal-Unjoni, u hija konsumatur ewlieni tat-tisħin u t-tkessiħ, li bħalissa 91 % minnu huwa fornut mill-karburanti fossili. Madankollu, 50 % tad-domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ hija ta' temperatura baxxa (<200 °C) li għaliha hemm għażliet kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz tal-elettrifikazzjoni ***diretta abbażi tal-enerġija rinnovabbli, il-pompi tas-sħana industrijali u s-soluzzjonijiet ġeotermali***. Barra minn hekk, l-industrija tuża sorsi mhux rinnovabbli bħala materja prima biex tipproduċi prodotti bħall-azzar jew sustanzi kimiċi. Id-deċiżjonijiet dwar l-investiment industrijali llum se jiddeterminaw il-proċessi industrijali futuri u l-għażliet enerġetiċi li jistgħu jitqiesu mill-industrija, u għalhekk huwa importanti li dawk id-deċiżjonijiet dwar l-investimenti jibqgħu validi fil-futur ***u li jiġi evitat il-ħolqien ta' assi mhux rekuperabbli***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti parametri referenzjarji biex jinċentivaw lill-industrija biex taqleb għal proċessi ta' produzzjoni bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli li mhux biss huma mħaddma bl-enerġija rinnovabbli, iżda jużaw ukoll materja prima bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħall-idroġenu rinnovabbli. ▌

***(21a) L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-istrumenti meħtieġa tal-ippjanar spazjali li jikklassifikaw il-ħamrija agrikola u jidentifikaw il-ħamrija ta' valur agrikolu għoli abbażi tal-karatteristiċi edafoloġiċi tagħha. Fil-politiki tagħhom għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-għan li din il-ħamrija tiġi ppreservata għall-użu agrikolu u tal-bhejjem.***

(22) ***B'applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel",*** il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jistgħu jintużaw għal finijiet ta' enerġija, iżda wkoll għal finijiet mhux ta' enerġija bħala feedstock jew materja prima f'industriji bħall-azzar jew is-sustanzi kimiċi. L-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għaż-żewġ skopijiet jisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħhom li jissostitwixxu l-karburanti fossili użati bħala materja prima u li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***fi proċessi industrijali li huma diffiċli li jiġu elettrifikati*** u għalhekk jenħtieġ li jiġu inklużi f'mira għall-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. Il-miżuri nazzjonali biex jappoġġaw l-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika ***f'dawk is-setturi industrijali*** jenħtieġ li ma jirriżultawx f'żidiet netti fit-tniġġis minħabba domanda akbar għall-ġenerazzjoni tal-elettriku li hija ssodisfata mill-aktar karburanti fossili li jniġġsu, bħall-faħam, id-diżil, il-linjite, iż-żejt, il-pit u x-shale taż-żejt.

***(22a) Kif imsemmi fl-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu, il-karburanti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jista' jkollhom rwol fit-tranżizzjoni enerġetika biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karburanti eżistenti. Peress li l-karburanti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mhumiex karburanti rinnovabbli, ir-reviżjoni tad-Direttiva (UE) …/… [id-Direttiva dwar il-gass u l-idroġenu] jenħtieġ li tiddefinixxi d-dispożizzjonijiet komplementari dwar ir-rwol tal-karburanti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biex in-newtralità karbonika tinkiseb sal-2050.***

(23) Iż-żieda fl-ambizzjoni fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ hija kruċjali biex tintlaħaq il-mira ġenerali tal-enerġija rinnovabbli minħabba li t-tisħin u t-tkessiħ jikkostitwixxu madwar nofs il-konsum tal-enerġija tal-Unjoni, li jkopri firxa wiesgħa ta' użi finali u teknoloġiji fil-binjiet, fl-industrija u fit-tisħin u fit-tkessiħ distrettwali. Sabiex titħaffef iż-żieda tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ, ***jenħtieġ li*** 1,1 ▌ ***annwali jsir*** vinkolanti bħala minimu għall-Istati Membri kollha***, b'mira indikattiva li titla' sa 2,3, skont il-livell REPowerEU***. Għal dawk l-Istati Membri, li diġà għandhom ishma rinnovabbli ta' aktar minn 50 % fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, jenħtieġ li jibqa' possibbli li tiġi applikata biss nofs ir-rata annwali vinkolanti ta' żieda u l-Istati Membri b'60 % jew aktar jistgħu jgħoddu kwalunkwe sehem bħal dan bħala li jissodisfa r-rata annwali medja ta' żieda f'konformità mal-punti b) u c) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 23. ***L-Istati Membri jenħtieġ li, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***u reġjonali u f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", iwettqu valutazzjoni tal-potenzjal tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti żidiet speċifiċi għall-Istati Membri, biex jerġgħu jqassmu l-isforzi addizzjonali għal-livell mixtieq ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-2030 fost l-Istati Membri abbażi tal-PDG u l-kosteffettività. Jenħtieġ li tiġi inkluża wkoll lista itwal ta' miżuri differenti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 biex tiġi ffaċilitata ż-żieda tas-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ. L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jimplimentaw ***tliet miżuri mil-lista ta' miżuri. Meta jadottaw u jimplimentaw dawk il-miżuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-aċċessibbiltà tagħhom għall-konsumaturi kollha, b'mod partikolari dawk f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jew vulnerabbli, u jenħtieġ li jirrikjedu li sehem sinifikanti ta' miżuri jiġu implimentati bħala prijorità f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx f'riskju ta' faqar enerġetiku u f'akkomodazzjoni soċjali*** **[Am. 38].**

(24) Biex jiġi żgurat li rwol akbar tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jkun akkumpanjat minn informazzjoni aħjar għall-konsumaturi, huwa xieraq li tiġi ċċarata u msaħħa d-divulgazzjoni tas-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ***u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati, kif ukoll*** l-effiċjenza enerġetika ta' dawn is-sistemi.

***(24a) Is-settur agrikolu għandu l-potenzjal li jipproduċi elettriku rinnovabbli addizzjonali. Dan l-elettriku rinnovabbli huwa prodott b'mod deċentralizzat, li huwa opportunità fit-tranżizzjoni enerġetika. Sabiex dan l-elettriku jitqiegħed fil-grilja, din il-grilja jeħtieġ li jkollha kapaċità suffiċjenti. Madankollu, fiż-żoni rurali l-grilja spiss tintemm u għalhekk ma jkollhiex biżżejjed kapaċità biex takkomoda elettriku addizzjonali. It-tisħiħ tal-grilja fiż-żoni rurali jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ bil-qawwa sabiex il-farms ikunu jistgħu fil-fatt jissodisfaw il-kontribut potenzjali tagħhom għat-tranżizzjoni enerġetika permezz tal-produzzjoni deċentralizzata tal-elettriku.***

***(24b) L-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira fil-farms għandhom potenzjal enormi li jżidu ċ-ċirkolarità fil-farms billi jittrasformaw il-flussi tal-iskart u tar-residwi tal-farms, fost l-oħrajn id-demel, fi sħana u elettriku. Għalhekk, jenħtieġ li jitneħħew l-ostakli kollha biex il-bdiewa jiġu mħeġġa jinvestu f'dawn it-teknoloġiji favur farms ċirkolari, bħad-diġesturi żgħar ħafna. Wieħed minn dawn l-ostakli huwa l-valorizzazzjoni tar-residwi tal-proċess, pereżempju l-irkupru tan-nitroġenu mid-demel (RENURE), kif ukoll is-sulfat tal-ammonju, li jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu kkategorizzati u użati bħala fertilizzanti.***

(25) Is-sistemi moderni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti bbażati fuq is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli wrew il-potenzjal tagħhom li jipprovdu soluzzjonijiet kosteffettivi għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, aktar effiċjenza enerġetika u integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, filwaqt li jiffaċilitaw id-dekarbonizzazzjoni ġenerali tas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ. Biex jiġi żgurat li dan il-potenzjal jiġi sfruttat, iż-żieda annwali tal-enerġija rinnovabbli u/jew tas-sħana mormija fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jenħtieġ li tiżdied minn punt perċentwali wieħed għal ***2,3*** mingħajr ma tinbidel in-natura indikattiva ta' din iż-żieda, li jirrifletti l-iżvilupp mhux uniformi ta' dan it-tip ta' network madwar l-Unjoni.

(26) Biex tiġi riflessa l-importanza akbar tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u l-ħtieġa li l-iżvilupp ta' dawn in-networks jiġi orjentat lejn l-integrazzjoni ta' aktar enerġija rinnovabbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti biex tiġi żgurata l-konnessjoni ta' fornituri ta' partijiet terzi tal-enerġija rinnovabbli u s-sħana u l-kesħa mormija ma' sistemi ta' networks tat-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali ta' aktar minn 25 MW.

(27) Is-sħana u l-kesħa mormija ma jintużawx biżżejjed minkejja d-disponibbiltà wiesgħa tagħhom, u dan iwassal għal ħela ta' riżorsi, effiċjenza enerġetika aktar baxxa fis-sistemi nazzjonali tal-enerġija u konsum tal-enerġija ogħla milli meħtieġ fl-Unjoni. Ir-rekwiżiti għal koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-operaturi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, is-setturi industrijali u terzjarji, u l-awtoritajiet lokali jistgħu jiffaċilitaw id-djalogu u l-kooperazzjoni meħtieġa biex jiġu sfruttati l-potenzjali kosteffettivi tas-sħana u tal-kesħa mormija permezz ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali.

(28) Biex jiġi żgurat li t-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jipparteċipaw bis-sħiħ fl-integrazzjoni tas-settur tal-enerġija, huwa meħtieġ li l-kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku tiġi estiża għall-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni tal-elettriku u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni jitwessa' għall-ippjanar u s-swieq tal-investiment fil-grilja biex il-potenzjal tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali għall-forniment ta' servizzi ta' flessibbiltà fis-swieq tal-elettriku jintuża aħjar. Jenħtieġ li ssir possibbli wkoll kooperazzjoni ulterjuri mal-operaturi tan-network tal-gass, inkluż in-networks tal-idroġenu u networks oħrajn tal-enerġija, biex tiġi żgurata integrazzjoni usa' fost it-trasportaturi tal-enerġija u l-aktar użu kosteffettiv tagħhom.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(29) L-użu tal-karburanti rinnovabbli u tal-elettriku rinnovabbli fit-trasport jista' jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-Unjoni b'mod kosteffettiv, u jtejjeb, fost l-oħrajn, id-diversifikazzjoni tal-enerġija f'dak is-settur filwaqt li jippromwovi l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija tal-Unjoni u jnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Bil-għan li tintlaħaq il-mira aktar ambizzjuża għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra definita mill-Unjoni, jenħtieġ li jiżdied il-livell ta' enerġija rinnovabbli pprovdut lill-modi kollha tat-trasport fl-Unjoni. L-espressjoni tal-mira tat-trasport bħala objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet tistimula użu dejjem akbar tal-karburanti l-aktar kosteffettivi u produttivi, f'termini ta' ffrankar ta' gassijiet serra, fit-trasport. Barra minn hekk, objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet jistimula l-innovazzjoni u jistabbilixxi parametru referenzjarju ċar biex jitqabblu t-tipi ta' karburant u l-elettriku rinnovabbli skont l-intensità ta' gassijiet serra tagħhom. Minbarra dan, iż-żieda fil-livell tal-mira bbażata fuq l-enerġija fuq il-bijokarburanti avvanzati u l-bijogass u l-introduzzjoni ta' mira għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiżguraw użu akbar tal-karburanti rinnovabbli bl-iżgħar impatt ambjentali fil-modi tat-trasport li huma diffiċli biex jiġu elettrifikati. L-ilħuq ta' dawk il-miri jenħtieġ li jiġi żgurat permezz ta' obbligi fuq il-fornituri tal-karburanti kif ukoll permezz ta' miżuri oħrajn inklużi fir-[Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu – FuelEU Maritime u r-Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru]. L-obbligi ddedikati fuq il-fornituri tal-karburanti tal-avjazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss skont [ir-Regolament (UE) 2021/XXX dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru].

***(29a) Il-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza strateġika tas-settur tat-trasport. L-implimentazzjoni ta' korsiji ħodor, li pprovdew ktajjen ta' provvista siguri għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-emerġenza, provvista tal-ikel essenzjali u prodotti farmaċewtiċi, kienet prattika tajba, li fil-futur jenħtieġ li tieħu preċedenza fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet fi żminijiet ta' kriżi.***

***(29b) L-implimentazzjoni jew l-installazzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni assistita mir-riħ u ta' propulsjoni bir-riħ titqies bħala sors ta' enerġija rinnovabbli u waħda mis-soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni għat-trasport marittimu.***

(30) L-elettromobbiltà se jkollha rwol essenzjali fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Biex irawmu l-iżvilupp ulterjuri tal-elettromobbiltà, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kreditu li jippermetti lill-operaturi ta' punti ta' ċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jikkontribwixxu, billi jipprovdu elettriku rinnovabbli ***jew enerġija rinnovabbli***, lejn it-twettiq tal-obbligu stabbilit mill-Istati Membri dwar il-fornituri tal-karburanti. ***L-Istati Membri jistgħu jinkludu stazzjonijiet tal-irriċarġjar privati f'dan il-mekkaniżmu, jekk ikun jista' jintwera li l-elettriku rinnovabbli fornut lil dawk l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar ikun ipprovdut unikament lill-vetturi elettriċi.*** Filwaqt li jiġi appoġġat l-elettriku fit-trasport permezz ta' mekkaniżmu bħal dan, huwa importanti li l-Istati Membri jkomplu jistabbilixxu livell għoli ta' ambizzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-karburant likwidu tagħhom***, b'mod partikolari fis-setturi tat-trasport li huwa diffiċli li jiġu dekarbonizzati, bħas-settur marittimu u dak tal-avjazzjoni, fejn l-elettrifikazzjoni diretta hija ferm aktar diffiċli***.

***(30a) L-idroġenu jista' jintuża bħala materja prima jew sors tal-enerġija fi proċessi industrijali u kimiċi u fit-trasport bl-ajru u marittimu, u jiddekarbonizza setturi li fihom l-elettrifikazzjoni diretta mhijiex teknikament possibbli jew kompetittiva, kif ukoll għall-ħżin tal-enerġija biex tiġi bbilanċjata, fejn meħtieġ, is-sistema tal-enerġija, u għaldaqstant għandu rwol sinifikanti fl-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.***

***(30b) Il-qafas regolatorju tal-Unjoni u l-inizjattivi mmirati biex jintlaħqu l-objettivi ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li jappoġġaw lill-industrija biex timxi lejn sistema tal-enerġija Ewropea aktar sostenibbli, speċjalment meta jiġu stabbiliti miri u limiti ġodda tal-produzzjoni.***

(31) Il-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni Ewropea f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Fl-ilħuq ta' dan l-għan, huwa essenzjali li jingħata kontribut ukoll għal objettivi ambjentali usa', u b'mod partikolari l-prevenzjoni tat-telf tal-bijodiversità, li hija affettwata b'mod negattiv mit-tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjat mal-produzzjoni ta' ċerti bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa. ***Bl-istess mod, ippjanar inadegwat tal-installazzjonijiet ta' proġetti kbar tar-riħ jew fotovoltajċi jista' jkollu effetti mhux mixtieqa fuq il-bijodiversità, fuq il-pajsaġġi, u fuq il-komunitajiet lokali. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll l-effetti indiretti tad-deforestazzjoni u l-kompattazzjoni tal-ħamrija, l-effetti tat-turbini tar-riħ u l-kunflitti tal-użu tal-art fir-rigward tal-parks solari.*** Il-kontribut għal dawn l-objettivi klimatiċi u ambjentali jikkostitwixxi tħassib profond u fit-tul interġenerazzjonali għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għal-leġiżlatur tal-Unjoni. ***Għaldaqstant, l-Unjoni jenħtieġ li tippromwovi l-karburanti fi kwantitajiet li jibbilanċjaw l-ambizzjoni meħtieġa mal-ħtieġa li jiġi evitat li jingħata***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***kontribut għal tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art.*** B'konsegwenza ta' dan, il-bidliet fil-mod kif tiġi kkalkolata l-mira tat-trasport jenħtieġ li ma jaffettwawx il-limiti stabbiliti dwar kif għandu jitqies dak il-għan għal ċerti karburanti prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf minn naħa waħda u karburanti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, sabiex ma jinħoloq l-ebda inċentiv għall-użu ta' bijokarburanti u bijogass prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf fit-trasport ***u biex titqies il-gwerra kontra l-Ukrajna***, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jkunu jistgħu jagħżlu jekk jgħodduhomx jew le għall-mira fil-qasam tat-trasport. Jekk ma jgħodduhomx, dawn jistgħu jnaqqsu l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet kif xieraq, jekk wieħed jassumi li l-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf jiffrankaw 50 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jikkorrispondi għall-valuri tipiċi stabbiliti f'anness ta' din id-Direttiva għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-aktar perkorsi tal-produzzjoni rilevanti ta' bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf kif ukoll il-limitu minimu ta' ffrankar li japplika għall-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet li jipproduċu tali bijokarburanti. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jiżguraw provvista tal-ikel addizzjonali biex jistabbilizzaw is-swieq globali tal-prodotti bażiċi tal-ikel.***

***(31a) Jenħtieġ li jitqies l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà partikolari tar-reġjuni ultraperiferiċi li tirriżulta mill-pożizzjoni remota tagħhom mir-reġjuni kontinentali, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija diffiċli u d-dipendenza fuq il-klima u d-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, kombinazzjoni li tfixkel ħafna l-iżvilupp tagħhom u tiġġenera kostijiet żejda sostanzjali f'ħafna oqsma, b'mod partikolari għat-trasport. L-isforzi li qed isiru u l-miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra jridu jiġu adattati għal din is-sitwazzjoni diffiċli, filwaqt li l-objettivi ambjentali jiġu bbilanċjati mal-kostijiet soċjali għoljin għal dawn ir-reġjuni.***

(32) L-espressjoni tal-mira tat-trasport bħala objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet tagħmel l-użu ta' multiplikaturi mhux neċessarju biex jiġu promossi ċerti sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dan minħabba li sorsi differenti ta' enerġija rinnovabbli jiffrankaw ammonti differenti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u, għalhekk, jikkontribwixxu b'mod differenti għal mira. L-elettriku rinnovabbli jenħtieġ li jitqies li għandu emissjonijiet żero, li jfisser li jiffranka 100 % tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-elettriku prodott mill-karburanti fossili. Dan joħloq inċentiv għall-użu tal-elettriku rinnovabbli peress li l-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat x'aktarx li ma jilħqux tali perċentwal għoli ta' ffrankar. L-elettrifikazzjoni li tiddependi fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli għalhekk issir l-aktar mod effiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, sabiex jiġi promoss l-użu ta' bijokarburanti avvanzati u ta' bijogass u ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fil-modi tat-trasport bl-ajru u marittimu, li huma diffiċli li jiġu elettrifikati, huwa xieraq li jinżamm il-multiplikatur għal dawk il-karburanti fornuti f'dawk il-modi meta jingħaddu mal-miri speċifiċi stabbiliti għal dawk il-karburanti.

(33) L-elettrifikazzjoni diretta tas-setturi tal-użu finali, inkluż is-settur tat-trasport, tikkontribwixxi għall-effiċjenza ***tas-sistema*** u tiffaċilita t-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli. Għalhekk hija minnha nnifisha mezz effettiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, il-ħolqien ta' qafas dwar l-addizzjonalità li japplika speċifikament għall-elettriku rinnovabbli fornut lil vetturi elettriċi fit-trasport mhuwiex meħtieġ **[Am. 10]**.

(34) Peress li l-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jridu jingħaddu bħala enerġija rinnovabbli irrispettivament mis-settur li fih jiġu kkunsmati, ir-regoli biex tiġi ddeterminata n-natura rinnovabbli tagħhom meta jiġu prodotti mill-elettriku, li kienu applikabbli biss għal dawk il-karburanti meta jiġu kkunsmati fis-settur tat-trasport, jenħtieġ li jiġu estiżi għall-karburanti rinnovabbli kollha ta' oriġini mhux bijoloġika, irrispettivament mis-settur fejn jiġu kkunsmati.

***(34a) L-elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli waħda jew ma' diversi minnhom jista' jingħadd bis-sħiħ bħala elettriku rinnovabbli fejn jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. L-installazzjonijiet juru li l-elettriku kkonċernat ikun ġie fornut mingħajr ma ttieħed l-elettriku mill-grilja. L-elettriku meħud mill-grilja jista' jingħadd bħala rinnovabbli b'mod sħiħ dment li jkun prodott esklussivament minn sorsi rinnovabbli u l-proprjetajiet rinnovabbli u kriterji xierqa oħra jkunu ntwerew bil-konklużjoni ta' ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija.. Sabiex ikun ikkwalifikat bis-sħiħ bħala karburant rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, il-korrelazzjoni ġeografika jenħtieġ li tkun fil-livell tal-pajjiż pjuttost milli fil-livell taż-żona tal-offerti u jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjonijiet offshore. Il-proprjetajiet rinnovabbli ta' dak l-elettriku jenħtieġ li jiġu ddikjarati darba biss u f'settur tal-użu finali wieħed biss. L-istess jenħtieġ li japplika għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika importati fl-Unjoni*** **[Am. 11]**.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(35) Biex tiġi żgurata effettività ambjentali ogħla tal-kriterji tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-karburanti tal-bijomassa solida f'installazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin, l-elettriku u t-tkessiħ, il-limitu minimu għall-applikabbiltà ta' tali kriterji jenħtieġ li jitnaqqas mill-20 MW attwali għal ***7,5 MW***.

(36) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 saħħet il-qafas dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija u l-iffrankar tal-gassijiet serra billi stabbiliet kriterji għas-setturi kollha tal-użu finali. Hija stabbiliet regoli speċifiċi għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti, li jirrikjedu s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet ta' ħsad u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet mit-tibdil fl-użu tal-art. Biex tinkiseb protezzjoni akbar tal-ħabitats b'bijodiversità u b'livell għoli ta' karbonju, bħall-foresti primarji ***u dawk qodma***, foresti b'bijodiversità għolja, mergħat, torbieri ***u xagħriet***, jenħtieġ li jiġu introdotti esklużjonijiet u limitazzjonijiet għall-bijomassa tal-foresti minn dawk iż-żoni, f'konformità mal-approċċ għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola. Barra minn hekk, il-kriterji għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li japplikaw ukoll għal installazzjonijiet eżistenti bbażati fuq il-bijomassa biex jiġi żgurat li l-produzzjoni tal-bijoenerġija f'dawn l-installazzjonijiet kollha twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-enerġija prodotta mill-karburanti fossili. ***Foresti seminaturali bħala foresti jew art imsaġġra oħra li la huma foresta primarja u lanqas tisġir, u li huma predominantement magħmula minn siġar u speċijiet nattivi ta' arbuxelli li ma jkunux inżergħu, għandhom valur għoli għall-bijodiversità u l-klima u jenħtieġ li ma jiġux trasformati f'tisġir jew jiġu degradati b'xi mod ieħor. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lix-xjenza tal-foresti biex jiġu indirizzati mistoqsijiet miftuħa u tiġi pprovduta data, billi dan huwa kruċjali biex jiġu mifhum aħjar ir-rwol tas-siġar tagħna għall-klima, l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà. Jenħtieġ li bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola u tal-foresti, kif ukoll il-Karburanti Rinnovabbli ta' Oriġini Mhux Bijoloġika, jinkisbu minn artijiet jew foresti li għalihom ikunu rispettati d-drittijiet ta' partijiet terzi rigward l-użu u l-pussess tal-art jew il-foresta, billi jinkiseb il-kunsens liberu, minn qabel u infurmat ta' dawn il-partijiet terzi bil-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet rappreżentattivi, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema tal-partijiet terzi u d-disponibbiltà tal-ikel u l-għalf ma tkunx f'riskju.***

(37) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-produtturi ta' karburanti rinnovabbli u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat u għall-Istati Membri, fejn skemi volontarji jew nazzjonali jkunu ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni bħall-għoti ta' evidenza jew l-għoti ta' data preċiża dwar il-konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll rekwiżiti oħra stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw ir-riżultati taċ-ċertifikazzjoni maħruġa minn skemi bħal dawn fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tal-Kummissjoni. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq installazzjonijiet żgħar, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' verifika ssimplifikat għall-installazzjonijiet ta' bejn 5 MW u ***20 MW***.

(38) Il-bażi tad-data tal-Unjoni li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni għandha l-għan li tippermetti t-traċċar ta' karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li jiġi estiż mit-trasport għas-setturi l-oħrajn kollha tal-użu finali li fihom jiġu kkunsmati tali karburanti. Dan jenħtieġ li jagħti kontribut vitali għall-monitoraġġ komprensiv tal-produzzjoni u tal-konsum ta' dawk il-karburanti, filwaqt li jtaffi r-riskji ta' għadd doppju jew ta' irregolaritajiet tul il-ktajjen tal-provvista koperti mill-bażi tad-data tal-Unjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' asserzjonijiet doppji dwar l-istess gass rinnovabbli, jenħtieġ li titħassar garanzija tal-oriġini maħruġa għal kwalunkwe kunsinna ta' gass rinnovabbli rreġistrata fil-bażi tad-data. ***Din il-bażi tad-data jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod miftuħ, trasparenti u faċli għall-utent. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika rapporti annwali għall-pubbliku ġenerali dwar l-informazzjoni rrapportata fil-bażi tad-data tal-Unjoni inklużi l-kwantitajiet, l-oriġini ġeografika u t-tip ta' materja prima tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa.***

***(38a) Sabiex jiġu kkumpensati l-piżijiet regolatorji għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet u n-negozji introdotti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fil-qafas tal-istħarriġ annwali tagħha dwar il-piżijiet imwettaq skont il-paragrafu 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, tirrieżamina l-qafas regolatorju fis-setturi kkonċernati f'konformità mal-prinċipju "one in, one out", kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2021 intitolata "Regolamentazzjoni Aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar", u, fejn xieraq, tippreżenta proposti leġiżlattivi għall-emendar jew it-tħassir ta' dispożizzjonijiet f'atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni li jiġġeneraw kostijiet ta' konformità f'dawk is-setturi.***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(38b) Iridu jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet adegwati kontra l-frodi, b'mod partikolari fir-rigward taż-żejt tat-tisjir użat meta jitqies it-taħlit mifrux taż-żejt tal-palm. Peress li l-kxif u d-deterrenza tal-frodi huma essenzjali għall-prevenzjoni tal-kompetizzjoni inġusta u d-deforestazzjoni rampanti f'pajjiżi terzi, jenħtieġ li tiġi implimentata traċċabbiltà sħiħa u ċċertifikata.***

(39) Ir-Regolament dwar il-Governanza (UE) 2018/1999 jagħmel diversi referenzi f'għadd ta' postijiet għall-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ta' mill-anqas 32 % għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsmat fl-Unjoni fl-2030. Peress li dik il-mira trid tiżdied sabiex tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***b'mill-anqas 55 %*** sal-2030, dawk ir-referenzi jenħtieġ li jiġu emendati. Kwalunkwe rekwiżit addizzjonali ta' ppjanar u rapportar stabbilit mhux se joħloq sistema ġdida ta' ppjanar u rapportar, iżda jenħtieġ li jkun soġġett għall-qafas eżistenti ta' ppjanar u rapportar skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

(40) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [15] jenħtieġ li jiġi emendat sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti regolatorji fir-rigward tal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-karburant tat-trasport u għall-allinjament mad-Direttiva (UE) 2018/2001.

***(40a) Huwa importanti wkoll li jitħeġġu r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġiji nodfa bħall-idroġenu, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar għal karburanti alternattivi u, fuq kollox, biex fis-suq titqiegħed enerġija li tkun orħos minn dik tal-karburanti fossili bħad-diżil, iż-żejt kombustibbli u l-petrol, li llum il-ġurnata l-prezzijiet tagħhom qed jilħqu livelli rekord.***

(41) Id-definizzjonijiet tad-Direttiva 98/70/KE jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jiġu allinjati mad-Direttiva (UE) 2018/2001 u b'hekk tiġi evitata l-applikazzjoni ta' definizzjonijiet differenti f'dawk iż-żewġ atti.

(42) L-obbligi rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-użu tal-bijokarburanti fid-Direttiva 98/70/KE jenħtieġ li jitħassru sabiex tiġi ssimplifikata u evitata regolamentazzjoni doppja fir-rigward tal-obbligi msaħħa tad-dekarbonizzazzjoni tal-karburant tat-trasport li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2018/2001.

(43) L-obbligi rigward il-monitoraġġ u r-rapportar dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE jenħtieġ li jitħassru sabiex jiġi evitat li l-obbligi ta' rapportar jiġu regolati darbtejn.

(44) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652, li tipprovdi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni uniformi tal-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE, jenħtieġ li titħassar peress li ssir obsoleta bit-tħassir tal-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE minn din id-Direttiva.

(45) Fir-rigward tal-komponenti b'bażi bijoloġika fil-karburant tad-diżil, ir-referenza fid-Direttiva 98/70/KE għall-karburant tad-diżil B7, jiġifieri l-karburant tad-diżil li fih sa 7 % esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin (FAME), tillimita l-għażliet disponibbli biex jintlaħqu miri ta' inkorporazzjoni tal-bijokarburanti ogħla kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2018/2001. Dan minħabba l-fatt li kważi l-provvista kollha tal-Unjoni tal-karburant tad-diżil diġà hija B7. Għal dik ir-raġuni, is-sehem massimu ta' komponenti b'bażi bijoloġika jenħtieġ li jiżdied minn 7 % għal 10 %. Is-sostenn tal-adozzjoni mis-suq tal-B10, jiġifieri karburant tad-diżil li fih sa 10 % esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin (FAME), jirrikjedi grad ta' protezzjoni ta' B7 madwar l-Unjoni għal 7 % FAME fil-karburant tad-diżil minħabba l-proporzjon imdaqqas ta' vetturi mhux kompatibbli mal-B10 li mistenni jkun preżenti fil-flotta sal-2030. Dan jenħtieġ li jiġi rifless fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/70/KE kif emendata b'dan l-att.

***(45a) Użu akbar tal-enerġija rinnovabbli jista' jżid ukoll is-sigurtà tal-enerġija u l-awtosuffiċjenza billi, fost oħrajn, inaqqas id-dipendenza fuq il-karburanti fossili. Madankollu, aktar tisħiħ u interkonnessjoni tas-sistema ta' trażmissjoni huma essenzjali għall-użu ġust u effiċjenti ta' din it-tranżizzjoni, sabiex il-benefiċċji li jirriżultaw jinfirxu b'mod uniformi mal-popolazzjoni tal-Unjoni u ma jwasslux għal faqar enerġetiku.***

(46) Id-dispożizzjonijiet tranżitorji jenħtieġ li jippermettu kontinwazzjoni ordnata tal-ġbir tad-data u t-twettiq tal-obbligi ta' rapportar fir-rigward tal-Artikoli tad-Direttiva 98/70/KE mħassra minn din id-Direttiva.

---

([15]) Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(47) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni [16], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata, b'mod partikolari wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża l-Kummissjoni vs il-Belġju [17] (Kawża C-543/17).

***(47a) Hemm potenzjal enormi għall-Unjoni u l-pajjiżi sħab tagħha li qed jiżviluppaw f'termini ta' kooperazzjoni teknoloġika, proġetti ta' enerġija rinnovabbli u esportazzjonijiet ta' enerġija nadifa u l-iżvilupp ta' interkonnettività akbar ta' grilji tal-enerġija nadifa. Minkejja t-tkabbir kumplessiv kostanti tagħhom, l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli għadhom ikkonċentrati f'numru ristrett ta' reġjuni u pajjiżi. Ir-reġjuni ddominati mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk emerġenti jibqgħu konsistentement sottorappreżentati, u jattiraw biss madwar 15 % tal-investimenti globali fl-enerġija rinnovabbli [18]. Jenħtieġ li s-sħubijiet tal-enerġija tal-Unjoni jkunu mmirati lejn proġetti ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u jistabbilixxu oqfsa legali u finanzjarji u jenħtieġ li jinkludu l-għoti tal-assistenza teknika meħtieġa u t-trasferiment tal-għarfien f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur privat. L-impenji marbuta mal-governanza tajba u l-prospettiva ta' kollaborazzjoni stabbli u fit-tul jenħtieġ li jkunu kundizzjoni għall-kooperazzjoni tal-Unjoni. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija sostenibbli jenħtieġ li tkun prijorità fundamentali għall-pajjiżi idonei fl-ambitu tal-inizjattiva Global Gateway*** **[Am. 12].**

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

***Emendi għad-Direttiva (UE) 2018/2001***

Id-Direttiva (UE) 2018/2001 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu huwa emendat kif ġej:

***(-a) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(1) 'enerġija minn sorsi rinnovabbli' jew 'enerġija rinnovabbli' tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, jiġifieri enerġija mir-riħ, solari (solari termali u solari fotovoltajka) u enerġija ġeotermali, enerġija osmotika, enerġija mill-ambjent, marea, mewġ u enerġija oħra oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass tal-landfills, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, u bijogass;";***

***(-aa) fil-punt (16), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(c) li l-għan ewlieni tagħha huwa li tipprovdi benefiċċji komunitarji ambjentali, ekonomiċi jew soċjali, f'konformità mal-prinċipju 'l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel', għall-azzjonisti jew membri tagħha jew għaż-żoni lokali fejn topera, aktar milli għal profitti finanzjarji;";***

(a) il-punt (36) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(36) 'karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika' tfisser karburanti likwidi u gassużi li l-kontenut ta' enerġija tagħhom huwa derivat minn sorsi rinnovabbli minbarra l-bijomassa;";

---

[16] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

[17] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 2019, Kummissjoni vs il-Belġju, C-543/17, ECLI: EU: C:2019:573.

***[18] Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (Irena) – rapport dwar ix-xenarju globali tal-finanzjament tal-enerġija rinnovabbli 2020, paġna 9.***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(b) il-punt (47) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(47) 'valur awtomatiku' tfisser valur idderivat minn valur tipiku permezz tal-applikazzjoni ta' fatturi determinati minn qabel u li jista', f'ċirkostanzi speċifikati f'din id-Direttiva, jintuża minflok valur reali;";

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(***47a***) 'injam tond ta' kwalità' tfisser injam tond maqtugħ jew maħsud b'xi mod ieħor u mneħħi, li l-karatteristiċi tiegħu, bħall-ispeċi, id-dimensjonijiet, l-integrità, u d-densità tan-nodi, jagħmluh xieraq għall-użu industrijali, kif definit u debitament iġġustifikat mill-Istati Membri skont il-kundizzjonijiet rilevanti tal-foresti. Dan ma jinkludix operazzjonijiet ta' żbir ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni jew siġar estratti minn foresti affettwati minn nirien, pesti, mard jew ħsara minħabba fatturi abijotiċi;

***(47b) 'teknoloġija innovattiva fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli' tfisser teknoloġija ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li ttejjeb b'mill-anqas mod wieħed it-teknoloġiji l-aktar avvanzati komparabbli fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jew li tippermetti l-isfruttament ta' riżorsa tal-enerġija rinnovabbli fil-biċċa l-kbira mhux sfruttata u tinvolvi livell ċar ta' riskju, f'termini teknoloġiċi, tas-suq jew finanzjarji, li jkun ogħla mir-riskju ġeneralment assoċjat ma' teknoloġiji jew attivitajiet komparabbli mhux innovattivi;***

(***47c***) 'żona tal-offerti' tfisser żona tal-offerti kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (65) tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]);

(***47d***) 'sistema ta' kejl intelliġenti' tfisser sistema ta' kejl intelliġenti kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (23) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]);

(***47e***) 'punt tal-irriċarġjar' tfisser punt tal-irriċarġjar kif definit ***fl-Artikolu*** 2, il-punt (33) tad-Direttiva (UE) Nru 2019/944;

(***47f***) 'parteċipant tas-suq' tfisser parteċipant tas-suq kif definit ***fl-Artikolu*** 2, il-punt (25) tar-Regolament (UE) 2019/943;

(***47g***) 'suq tal-elettriku' tfisser suq tal-elettriku kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9) tad-Direttiva 2019/944;

(***47h***) 'batterija domestika' tfisser batterija rikarikabbli awtonoma b'kapaċità nominali ta' aktar minn 2 kwh, li hija adattata għall-installazzjoni u għall-użu f'ambjent domestiku;

(***47i***) 'batterija ta' vettura elettrika' tfisser batterija ta' vettura elettrika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (12) tar-[Regolament propost dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 ([21])];

(***47j***) 'batterija industrijali' tfisser batterija industrijali kif definita fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-[Regolament propost dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020];

---

([19]) Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

([20]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

([21]) COM(2020)0798 final

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(***47k***) 'stat tas-saħħa' tfisser stat tas-saħħa kif definit ***fl-Artikolu*** 2, il-punt (25) ta' [il-proposta għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 ([22])];

(***47l***) 'stat taċ-ċarġ' tfisser stat taċ-ċarġ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (24) tal-[proposta għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020];

(***47m***) 'set point tal-potenza' tfisser l-informazzjoni miżmuma f'sistema ta' ġestjoni tal-batterija li tippreskrivi l-parametri tal-enerġija elettrika li fiha l-batterija topera matul operazzjoni ta' rriċarġjar jew ta' skarikar, sabiex l-istat tas-saħħa u l-użu operattiv tagħha jkunu ottimizzati;

(***47n***) 'iċċarġjar intelliġenti' tfisser operazzjoni ta' rriċarġjar li fiha l-intensità tal-elettriku fornut lill-batterija tiġi aġġustata f'ħin reali, abbażi tal-informazzjoni rċevuta permezz ta' komunikazzjoni elettronika ***u li tista' titwettaq b'veloċitajiet normali tal-iċċarġjar kif ukoll matul l-iċċarġjar rapidu permezz ta' rispons għal sinjali tal-prezz dinamiċi jew ottimizzazzjoni tal-fluss tal-enerġija***;

(***47o***) 'awtorità regolatorja' tfisser awtorità regolatorja definita fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament (UE) 2019/943;

(***47p***) 'iċċarġjar bidirezzjonali' tfisser ***operazzjoni ta' ċċarġjar*** intelliġenti fejn id-direzzjoni ***tal-fluss*** tista' tinqaleb, sabiex ***l-elettriku jkun jista'*** jgħaddi mill-batterija għall-punt tal-irriċarġjar li tkun imqabbda miegħu;

(***47q***) 'punt tal-irriċarġjar b'enerġija normali' tfisser punt tal-irriċarġjar b'enerġija normali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (31) ta' [il-proposta għal Regolament dwar l-użu ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE];

***(47r) 'batterija tal-komunità' tfisser batterija rikarikabbli awtonoma b'kapaċità nominali ta' aktar minn 50 kWh, li hija adatta għall-installazzjoni u l-użu f'ambjent residenzjali, kummerċjali jew industrijali u li hija proprjetà ta' awtokonsumaturi ta' enerġija rinnovabbli li jaġixxu b'mod konġunt jew komunità tal-enerġija rinnovabbli;***

***(47s) 'ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli' tfisser kuntratt li permezz tiegħu persuna fiżika jew ġuridika taqbel li tixtri enerġija rinnovabbli direttament mingħand produttur, li jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, ftehimiet dwar ix-xiri tal-idroġenu rinnovabbli u ftehimiet dwar ix-xiri tat-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli;***

***(47t) 'ftehim dwar ix-xiri tat-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli' tfisser kuntratt li permezz tiegħu persuna fiżika jew ġuridika taqbel li tixtri t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli direttament mingħand produttur;***

***(47u) 'ftehim dwar ix-xiri tal-idroġenu minn sorsi rinnovabbli' tfisser kuntratt li permezz tiegħu persuna fiżika jew ġuridika taqbel li tixtri karburanti ta' oriġini mhux bijoloġika direttament mingħand produttur;***

(***47v***) 'industrija' tfisser il-kumpaniji u l-prodotti li jaqgħu taħt it-taqsimiet B, C, F u J, id-diviżjoni (63) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE REV.2) ([23]);

(***47w***) 'skop mhux ta' enerġija' tfisser l-użu ta' karburanti bħala materja prima fi proċess industrijali, minflok ma jintużaw għall-produzzjoni tal-enerġija;

(***47x***) 'karburanti rinnovabbli' tfisser bijokarburanti, bijolikwidi, karburanti tal-bijomassa u karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika;

---

([22]) Il-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni "dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 (xxxx).

([23]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).";

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*(47y)* ***'l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel' tfisser il-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (18) tar-Regolament (UE) 2018/1999;***

*(47z)* ***'assi ibridu rinnovabbli offshore' tfisser assi ta' trażmissjoni li jaqdi l-iskop doppju li jgħaqqad il-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli offshore u li jgħaqqad żewġ żoni tal-offerti jew aktar;***

*(47aa)* ***'tisħin u tkessiħ distrettwali bbażati fuq sorsi rinnovabbli' tfisser sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija li jaħdmu esklużivament b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli;***

*(47ab)* ***'bijomassa tal-injam primarja' tfisser l-injam tond kollu maqtugħ jew maħsud u mneħħi b'xi mod ieħor. Tinkludi l-injam kollu miksub mit-tneħħija, jiġifieri, il-kwantitajiet imneħħija mill-foresti, inkluż l-injam irkuprat minħabba l-mortalità naturali u mit-tqaċċit u l-qtugħ tas-siġar għall-injam. Tinkludi wkoll l-injam kollu mneħħi bil-qoxra u mingħajrha, inkluż l-injam imneħħi fil-forma tonda tiegħu, jew maqsum, maqtugħ f'kaxxi jew f'xi forma oħra, eż, friegħi, għeruq, ġdur u għoqod (fejn dawn jinħasdu) u injam li jingħata forma raffa jew li jkun għall-ponta. Ma tinkludix il-bijomassa tal-injam miksuba minn miżuri sostenibbli ta' prevenzjoni ta' nirien fil-foresti f'żoni b'riskju għoli ta' nirien, bijomassa tal-injam miksuba minn miżuri ta' sigurtà tat-toroq u lanqas il-bijomassa tal-injam estratta minn foresti affettwati minn diżastri naturali, pesti attivi jew mard biex jiġi evitat it-tixrid tagħhom, filwaqt li tiġi mminimizzata l-estrazzjoni tal-injam u tiġi protetta d-diversità, li jirriżulta f'foresti aktar diversifikati u reżiljenti, abbażi ta' linji gwida tal-Kummissjoni*** [Am. 42];

*(47ac)* ***'idroġenu rinnovabbli' tfisser idroġenu prodott permezz tal-elettroliżi tal-ilma (f'elettrolizzatur, li jaħdem bl-elettriku li joriġina minn sorsi rinnovabbli), jew permezz tar-riformar tal-bijogass jew tal-konverżjoni bijokimika tal-bijomassa, jekk f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;***

(***47ad***) 'foresta ta' tħawwil' tfisser foresta mħawla li hija ġestita b'mod intensiv u li tissodisfa, mat-tħawwil u mal-maturità, il-kriterji kollha li ġejjin: speċi waħda jew tnejn, klassi tal-età ugwali, u spazjar regolari. Tinkludi pjantaġġuni ta' rotazzjoni qasira għall-injam, għall-fibra u għall-enerġija, u teskludi l-foresti mħawla għall-protezzjoni jew għall-irkupru tal-ekosistema, kif ukoll il-foresti stabbiliti permezz tat-tħawwil jew tat-tiżrigħ li fil-maturità jixbhu jew se jixbhu foresti li jirriġeneraw b'mod naturali;

(***47ae***) 'foresta mħawla' tfisser foresta li fil-biċċa l-kbira hija magħmula minn siġar stabbiliti permezz tat-tħawwil u/jew taż-żrigħ intenzjonat sakemm is-siġar imħawla jew miżrugħa jkunu mistennija jikkostitwixxu aktar minn ħamsin fil-mija tal-injam wieqaf mal-maturità; tinkludi l-imsajġar minn siġar li oriġinarjament ikunu ġew imħawla jew miżrugħin; ▌

*(47af)* ***'enerġija osmotika' tfisser enerġija maħluqa b'mod naturali mid-differenza fil-konċentrazzjoni tal-melħ bejn żewġ fluwidi, normalment ilma ħelu u ilma mielaħ;***

*(47ag)* ***'effiċjenza tas-sistema' tfisser sistema tal-enerġija li tintegra sorsi rinnovabbli varjabbli b'mod kosteffettiv u timmassimizza l-valur tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda biex tottimizza t-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika, imkejla bħala tnaqqis tal-kostijiet ta' investiment u ta' operazzjoni tas-sistema, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-karburanti fossili f'kull taħlita tal-enerġija nazzjonali;***

*(47ah)* ***'impjant tal-enerġija ibrida rinnovabbli' tfisser kombinazzjoni ta' żewġ teknoloġiji ta' ġenerazzjoni rinnovabbli jew aktar li jaqsmu l-istess konnessjoni mal-grilja, u jistgħu jintegraw ukoll kapaċità ta' ħżin;***

*(47ai)* ***'proġett tal-ħżin tal-enerġija b'kolokazzjoni' tfisser proġett li jinkludi faċilità ta' ħżin tal-enerġija u faċilità li tipproduċi enerġija rinnovabbli konnessa wara l-istess punt ta' aċċess għall-grilja.;***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*(47aj) 'vettura elettrika solari' tfisser vettura bil-mutur effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, mgħammra b'sistema ta' propulsjoni li fiha biss magni elettriċi mhux periferiċi bħala konvertitur tal-enerġija b'sistema ta' ħażna ta' enerġija elettrika rikarikabbli, li tista' tiġi rriċarġjata esternament; u mgħammra wkoll b'pannelli fotovoltajċi integrati fil-vettura* [Am. 29]";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ikun ta' mill-anqas ***45*** %.

***Sabiex jippromwovu l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli minn teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli u biex jissalvagwardjaw il-kompetittività industrijali tal-Unjoni, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mira indikattiva ta' mill-anqas 5 % tal-kapaċità installata ġdida tal-enerġija rinnovabbli bejn … [id-dħul fis-seħħ tad-direttiva] u l-2030 bħala teknoloġija innovattiva tal-enerġija rinnovabbli.***

***Sabiex jiffaċilitaw aktar penetrazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u biex iżidu l-flessibbiltà u s-servizzi ta' bbilanċjar, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mira indikattiva għat-teknoloġiji tal-ħżin.***

***Biex jappoġġaw l-ilħuq kosteffettiv tal-mira msemmija fl-ewwel subparagrafu u l-kisba tal-effiċjenza tas-sistema, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mira nazzjonali indikattiva minima għall-flessibbiltà min-naħa tad-domanda li, sal-2030, tikkorrispondi għal tnaqqis ta' 5 % tad-domanda massima għall-elettriku. Dik il-mira għandha tintlaħaq permezz tal-attivazzjoni tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda fis-setturi kollha tal-użu finali, inkluż permezz tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-effiċjenza enerġetika f'konformità mad-Direttiva (UE) …/… [id-Direttiva (UE) 2018/844 riveduta] u d-Direttiva (UE) …/… [id-Direttiva (UE) 2018/2002 riveduta].***

***L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-mira nazzjonali tagħhom ta' flessibbiltà min-naħa tad-domanda, inklużi l-istadji intermedji, fl-objettivi nazzjonali stabbiliti fil-pjanijiet integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima biex iżidu l-flessibbiltà tas-sistema, f'konformità mal-Artikolu 4, punt (d), punt (3) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri komplementari biex tappoġġa lill-Istati Membri ħalli jilħqu l-mira tagħhom.***

***Kull Stat Membru għandu jidentifika fil-pjan integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima, f'konformità mal-Artikolu 4, punt (d), punt (3) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri msemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";***

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-enerġija mill-bijomassa tiġi prodotta b'mod li jimminimizza effetti distortivi bla bżonn fuq is-suq tal-materja prima tal-bijomassa u impatti dannużi fuq il-bijodiversità***, l-ambjent u l-klima***. Għal dak il-għan, huma għandhom iqisu l-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju kaskata msemmi fit-tielet subparagrafu.

Bħala parti mill-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu:

(a) L-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda appoġġ għal:

(i) l-użu ta' zkuk għas-serrar, zkuk għall-fuljetti, ġdur u għeruq għall-produzzjoni tal-enerġija;

(ii) il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli prodotta mill-inċinerazzjoni tal-iskart jekk ma jkunux ġew irrispettati l-obbligi ta' ġbir separat ***u ta' ġerarkija tal-iskart*** stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE;

(iii) prattiki li ma humiex konformi mal-att ***ta' implimentazzjoni msemmi*** fit-tielet subparagrafu.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(b) Mill-31 ta' Diċembru 2026, u mingħajr preġudizzju ***għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 u*** għall-obbligi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda appoġġ lill-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa tal-foresti f'installazzjonijiet tal-elettriku biss, sakemm tali elettriku ma jissodisfax mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) jiġi prodott f'reġjun identifikat fi pjan ta' tranżizzjoni territorjali ġusta approvat mill-Kummissjoni ▌, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta minħabba d-dipendenza tiegħu fuq karburanti fossili solidi, u jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 29***, punt*** (11);

(ii) jiġi prodott bl-applikazzjoni tal-Qbid u l-Ħżin tal-Bijomassa tas-$CO_2$ u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 29***, punt*** (11).

***(iia) jiġi prodott minn impjanti li diġà qed joperaw fi … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], li għalihom mhumiex possibbli modifiki fid-direzzjoni tal-koġenerazzjoni minħabba n-nuqqas tal-kundizzjonijiet tal-infrastruttura u tad-domanda u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 29, punt (11), dment li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-użu ta' tali eżenzjoni u jiġġustifikawha permezz ta' informazzjoni xjentifika u teknika verifikata u aġġornata u li l-Kummissjoni tapprova l-eżenzjoni.***

Mhux aktar tard minn sena wara [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tadotta att ***ta' implimentazzjoni*** ▌dwar kif għandu jiġi applikat il-prinċipju kaskata għall-bijomassa ***tal-foresti***, b'mod partikolari dwar kif għandu jiġi mminimizzat l-użu ta' njam tond ta' kwalità għall-produzzjoni tal-enerġija, b'enfasi fuq skemi ta' appoġġ u b'kunsiderazzjoni xierqa ***tal-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali u tal-ispeċifiċitajiet*** nazzjonali***, inklużi l-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti u l-qtugħ ta' salvataġġ***.

Sal-2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-impatt tal-iskemi ta' appoġġ tal-Istati Membri għall-bijomassa, inkluż dwar il-bijodiversità***, il-klima, l-ambjent*** u d-distorsjonijiet possibbli tas-suq, u se tivvaluta ***l-iskemi*** ta' appoġġ għall-bijomassa tal-foresti.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas, li jista' jinkludi skemi ta' appoġġ u l-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' ***proġetti ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli u b'kolokazzjoni kif ukoll ftehimiet dwar ix-xiri ta' enerġija rinnovabbli u*** ftehimiet dwar ix-xiri ***tat-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi*** rinnovabbli, li jippermettu l-użu ***tal-enerġija*** rinnovabbli għal livell li jkun konsistenti mal-kontribuzzjoni nazzjonali tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 2 u b'pass li jkun konsistenti mat-trajettorji indikattivi msemmija fl-Artikolu 4(a)(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999. B'mod partikolari, dak il-qafas għandu jindirizza l-ostakli li jifdal, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għall-għoti ta' permessi, ***l-istabbiliment ta' inizjattivi tal-komunità tal-enerġija u l-iżvilupp tan-networks meħtieġa għat-trasport tal-enerġija, biex jappoġġa*** livell għoli ta' provvista ***tal-enerġija*** rinnovabbli. Meta jfasslu dak il-qafas, l-Istati Membri għandhom iqisu l-elettriku rinnovabbli addizzjonali ***u l-infrastrutturi tal-ħżin meħtieġa*** biex tiġi ssodisfata d-domanda fis-setturi tat-trasport, tal-industrija, tal-binjiet u tat-tisħin u t-tkessiħ u għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.";

***F'konformità mal-prinċipju 'l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel', l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsum, il-kummerċ u l-ħżin flessibbli tal-elettriku rinnovabbli f'dawn is-setturi tal-użu finali biex jgħinu l-penetrazzjoni tiegħu b'mod kosteffettiv.***

***L-Istati Membri jistgħu jinkludu sommarju tal-politiki u l-miżuri fl-ambitu tal-qafas abilitanti u valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom rispettivament fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u fir-rapporti ta' progress tagħhom, skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.";***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(3) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

***(-a) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(c) konsum finali ta' enerġija minn sorsi u karburanti rinnovabbli fis-settur tat-trasport."***;

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), (b), jew (c), il-gass u l-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom jitqiesu darba biss għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. L-enerġija prodotta minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għandha titqies fis-settur – tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiħ jew tat-trasport – fejn tiġi kkunsmata. ***Meta l-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġu kkunsmati fi Stat Membru li jkun differenti minn dak fejn ikunu ġew prodotti, l-enerġija ġġenerata bl-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għandha tammonta għal 80 % tal-volum tagħhom fil-pajjiż u s-settur fejn tiġi kkunsmata u għal 20 % tal-volum tagħhom fil-pajjiż fejn tiġi prodotta, sakemm l-Istati Membri kkonċernati ma jiftehmux mod ieħor. Sabiex timmonitorja tali ftehimiet u biex tevita kwalunkwe għadd doppju, il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata bi kwalunkwe ftehim bħal dan, inkluż il-volumi eżatti tal-provvista u d-domanda, il-ħinijiet tat-trasferiment u d-data sa meta l-ftehim jidħol fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar il-ftehimiet konklużi, inkluż iż-żmien, il-volum, il-prezz u kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali tagħhom.***";

***(aa) fil-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:***

***"Għall-finijiet tal-miri msemmija fl-Artikoli 15a, 22a, 23(1), 24(4) u 25(1), il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għandhom jammontaw għal 100 % tal-volum tagħhom fil-pajjiż fejn jiġu kkunsmati.";***

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-konsum finali gross tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandu jiġi kkalkolat bħala l-kwantità ta' elettriku prodott fi Stat Membru minn sorsi rinnovabbli, inkluża l-produzzjoni tal-elettriku minn awtokonsumaturi ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-elettriku minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u minbarra l-produzzjoni tal-elettriku f'unitajiet ta' akkumulu ppompjat mill-ilma li qabel kien jiġi ppompjat 'il fuq kif ukoll l-elettriku użat għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.";

(c) fil-paragrafu 4, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Il-konsum finali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-bijokarburanti, tal-bijogass u tal-karburanti rinnovabbli kollha ta' oriġini mhux bijoloġika kkunsmati fis-settur tat-trasport.";

(4) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. ***Kull*** Stat Membru għandu ***jidħol fi ftehimiet ta' kooperazzjoni biex*** jistabbilixxi ***proġetti konġunti*** ma' Stat Membru wieħed jew aktar għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inklużi ***l-assi ibridi*** rinnovabbli ***offshore, kif ġej:***

***(a) sal-31 ta' Diċembru 2025, l-Istati Membri b'konsum annwali tal-elettriku ta' 100 TWh jew anqas*** għandhom ***jistabbilixxu mill-anqas żewġ proġetti konġunti;***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(b) ***sal-2030, l-Istati*** Membri ***b'konsum annwali tal-elettriku ta' aktar minn 100 TWh għandhom jistabbilixxu t-tielet proġett konġunt.*** ▌;

***Tali proġetti konġunti ma għandhomx jikkorrispondu għall-proġetti ta' interess komuni diġà adottati fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2022/869 [1a]. L-identifikazzjoni ta' proġetti konġunti għandha tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet identifikati fil-pjanijiet ta' żvilupp ta' network offshore integrat strateġiku ta' livell għoli għal kull baċir tal-baħar u l-Pjan ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network iżda tista' tmur lil hinn minn dawk il-ħtiġijiet u tista' tinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-operaturi privati.***

Il-proġetti ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 [1] għandhom ***jitqiesu għall-finijiet tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu*** għall-Istati Membri involuti ***f'dawk il-proġetti.***

***L-Istati Membri għandhom jaħdmu favur distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet u l-benefiċċji ta' proġetti konġunti. Għal dak il-għan, il-kostijiet u l-benefiċċji rilevanti kollha tal-proġett komuni għandhom jitqiesu fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni rilevanti.***

***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet ta' kooperazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, inkluża d-data li fiha l-proġett mistenni jsir operazzjonali.***

---

[1a] ***Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).***";

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1).

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"7a. L-Istati Membri li jmissu ma' baċir tal-baħar għandhom jikkooperaw ***sabiex jistabbilixxu*** b'mod konġunt***, wara li jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati,*** l-ammont ta' enerġija rinnovabbli offshore li jippjanaw li jipproduċu f'dak il-baċir tal-baħar sal-2050, b'passi intermedji ***u trajettorji għal kull baċir tal-baħar*** fl-2030 u fl-2040 ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/869. Kull Stat Membru għandu jindika l-volumi li biħsiebu jikseb permezz ta' offerti tal-gvern, b'enfasi fuq il-fattibbiltà teknika u ekonomika għall-infrastruttura tal-grilja.***

***Fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod kollettiv li dawk il-pjanijiet ikunu konformi mal-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2020 bit-titolu 'Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima', filwaqt li jirrispettaw il-liġi ambjentali tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-bijodiversità,*** l-ispeċifiċitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, ***speċjalment l-attivitajiet li diġà jsiru fiż-żoni affettwati, il-ħsara possibbli lill-ambjent,*** il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli offshore tal-baċir tal-baħar u l-importanza li jiġi żgurat l-ippjanar integrat tal-grilja assoċjat. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dak l-ammont ***u l-grilja ppjanata*** fil-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999. ***Il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri komplementari biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jallinjaw mat-trajettorji għal kull baċir tal-baħar.***

***Wara l-komunikazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati u aġġornati għall-enerġija u l-klima, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kwalunkwe diskrepanza bejn l-ammont potenzjali ta' riżorsi tal-enerġija rinnovabbli offshore tal-Istati Membri u l-ammont ta' enerġija rinnovabbli offshore ppjanata għall-2030, l-2040 u l-2050. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri addizzjonali biex tnaqqas dak id-diskrepanza.***

*L-Istati Membri li l-fruntiera tagħhom tmiss ma' baċir tal-baħar għandhom, flimkien, jiddefinixxu l-ispazju adegwat għall-proġetti ta' enerġija rinnovabbli offshore u jallokaw dak l-ispazju fil-pjanijiet spazjali marittimi tagħhom filwaqt li jiżguraw approċċ qawwi ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku sabiex jitqiesu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u tal-komunitajiet kostali affettwati kollha, kif ukoll l-impatti fuq l-attivitajiet li diġà qed isehħu fiż-żoni affettwati.*

*Sabiex jiffaċilitaw l-għoti tal-permessi għal proġetti konġunti tal-enerġija rinnovabbli offshore, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-kumplessità u jżidu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċess tal-għoti tal-permessi u jsaħħu l-kooperazzjoni bejniethom, inkluż, meta jkun xieraq, billi jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt ('punt uniku ta' servizz') għal kull kuritur prijoritarju tal-grilja offshore.*

*Sabiex isaħħu l-aċċettazzjoni wiesgħa tal-pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà li jinkludu l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fi proġetti konġunti ta' kooperazzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli offshore.*";

(5) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

*(-a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:*

*(a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għall-impjanti, inklużi l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli ibrida u n-networks assoċjati ta' trażmissjoni u distribuzzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin jew it-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli, għall-proċess ta' trasformazzjoni tal-bijomassa f'bijokarburanti, bijolikwidi, karburanti mill-bijomassa jew prodotti tal-enerġija oħra, u għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika tkun proporzjonata u meħtieġa u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel.";*

*(-aa) it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:*

*(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"(a) il-proċeduri amministrattivi kollha huma simplifikati, inklużi l-proċessi reġjonali u muniċipali, u mħaffa fil-livell amministrattiv xieraq u jiġu stabbiliti perijodi ta' żmien prevedibbli għall-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu;";*

*(ii) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:*

*"(c) l-imposti amministrattivi kollha mħallsa mill-konsumaturi, il-pjanifikaturi, il-periti, il-bennejja u l-installaturi u fornituri tat-tagħmir u s-sistemi huma trasparenti u relatati mal-kost; u*

*(d) proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u inqas ta' xkiel, inkluża proċedura ta' notifika sempliċi u punti uniċi ta' kuntatt huma stabbiliti għal apparati deċentralizzati, u għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.";*

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit ***b'dan li*** ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar kwalunkwe speċifikazzjoni teknika li għandha tiġi ssodisfata minn tagħmir u sistemi ta' enerġija rinnovabbli biex jibbenefikaw minn skemi ta' sostenn ***u jkunu eleġibbli fl-ambitu tal-akkwist pubbliku***. Fejn jeżistu standards ***regolatorji jew*** armonizzati jew standards Ewropej, inklużi sistemi ta' referenza teknika stabbiliti mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej, dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu espressi skont dawk l-istandards. Għandha tingħata preċedenza lill-istandards ***regolatorji u*** armonizzati, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għal-leġiżlazzjoni Ewropea, ***inklużi, pereżempju, ir-Regolament (UE) 2017/1369 jew id-Direttiva 2009/125/KE.*** Fin-nuqqas tagħhom, għandhom jintużaw standards armonizzati oħrajn u standards Ewropej, f'dik l-ordni. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma għandhomx jippreskrivu fejn it-tagħmir u s-sistemi għandhom jiġu ċċertifikati u ma għandhomx jimpedixxu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern";

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

***(aa) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:***

***“3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jinkludu dispożizzjonijiet għall-integrazzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, inkluż għall-awtokonsum tas-sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, u l-użu tas-sħana u l-kesħa mormija inevitabbli fl-ippjanar, inkluż fl-ippjanar spazjali bikri, l-iddisinjar, il-bini u r-rinnovazzjoni ta’ infrastruttura urbana, iż-żoni industrijali, kummerċjali jew residenzjali u fl-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport, inklużi n-networks tal-elettriku, tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, tal-gass naturali u tal-karburanti alternattivi. L-Istati Membri, b’mod partikolari, għandhom jinkoraġġixxu l-korpi amministrattivi lokali u reġjonali biex jinkludu t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli fl-ippjanar tal-infrastruttura ta’ belt fejn xieraq, u biex jikkonsultaw lill-operaturi tan-network ħalli jirriflettu l-impatt tal-programmi ta’ effiċjenza enerġetika u tar-rispons għad-domanda kif ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-awtokonsum ta’ sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, dwar il-pjanijiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-operaturi.”;***

(b) il-paragrafi 4, 5, 6 u 7 huma mħassra:

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“8. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-ostakli regolatorji u amministrattivi għall-ftehimiet dwar ix-xiri ta’ enerġija rinnovabbli fit-tul, ***inklużi l-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, il-ftehimiet dwar ix-xiri tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli u l-ftehimiet dwar ix-xiri tal-idroġenu rinnovabbli, il-proġetti ta’ ħżin tal-enerġija b’kolokazzjoni kif ukoll dawk transfruntiera.*** ▌

***Huma*** għandhom ineħħu l-ostakli ***fil-livell nazzjonali u transfruntier għall-iżvilupp tagħhom, bħall-ostakli għall-għoti ta’ permessi***, ***pereżempju għall-industriji intensivi fl-enerġija u l-SMEs, kif ukoll atturi u muniċipalitajiet iżgħar oħra,*** u jippromwovu l-adozzjoni ta’ ftehimiet bħal dawn, inkluż billi jesploraw kif jitnaqqsu r-riskji finanzjarji assoċjati magħhom, b’mod partikolari billi jużaw garanziji ta’ kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-ftehimiet ma jkunux soġġetti għal proċeduri ▌ sproporzjonati jew diskriminatorji ***jew kwalunkwe imposta jew miżata***, u li kwalunkwe garanzija tal-oriġini assoċjata tkun tista’ tiġi ttrasferita lix-xerrej tal-enerġija ▌ skont ***ftehim*** dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli.

L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-politiki u l-miżuri tagħhom li jippromwovu l-adozzjoni ta’ ftehimiet dwar ix-xiri ta’ enerġija rinnovabbli fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fir-rapporti ta’ progress ippreżentati skont l-Artikolu 17 ta’ dak ir-Regolament. F’dawk ir-rapporti, huma għandhom jipprovdu wkoll indikazzjoni tal-volum tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli appoġġata ***mit-tipi differenti ta’*** ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli.

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkunu jistgħu jissottomettu d-dokumenti kollha rilevanti f’forma diġitali. Jekk applikant jagħżel l-applikazzjoni diġitali, il-proċess sħiħ tal-għoti ta’ permess, inkluż il-proċessi interni amministrattivi, jeħtieġ li jsir b’mod diġitali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll id-diġitalizzazzjoni tas-seduti ta’ smigħ pubbliċi u tal-proċeduri ta’ parteċipazzjoni.”;***

(d) jiżdied il-paragrafu 9 li ġej:

“9. Sa … [sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha ***tirrevedi l-linji gwida għall-Istati Membri dwar prattiki li jippermettu l-aċċellerazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċess għal proġetti ġodda u repowered. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli*** dwar il-proċeduri amministrattivi stabbiliti ***fl-Artikoli 15 u 17 flimkien mal-applikazzjoni*** tagħhom ***għat-tisħin***, ***it-tkessiħ u l-enerġija rinnovabbli u l-koġenerazzjoni rinnovabbli u sett ta’ indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) li jippermettu valutazzjoni u monitoraġġ trasparenti kemm tal-progress kif ukoll tal-effettività.***

L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022

***Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Tali gwida għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar ir-riżorsi diġitali u umani tal-awtoritajiet tal-għoti ta' permessi, il-punti uniċi ta' kuntatt effettivi, l-ippjanar spazjali, il-limitazzjonijiet militari u tal-avjazzjoni ċivili, il-proċeduri tal-qorti u każijiet ta' riżoluzzjoni u medjazzjoni ċivili kif ukoll l-aġġustament u l-modifiki retroattivi tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja, ix-xogħlijiet ġeoloġiċi kif ukoll l-iżgurar ta' kapaċità teknika adegwata biex dawk l-attivitajiet isiru.***

***L-Istati Membri għandhom jippreżentaw valutazzjoni tal-proċess tagħhom tal-għoti ta' permessi u l-miżuri għal titjib li għandhom jittieħdu f'konformità mal-linji gwida fil-pjan nazzjonali integrat u aġġornat għall-enerġija u l-klima kif imsemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament(UE) 2018/199 f'konformità mal-proċedura u mal-iskeda ta' żmien stabbiliti f'dak l-Artikolu.***

***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżuri korrettivi fil-pjanijiet u l-punteġġ ta' kull Stat Membru fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.***

***Fil-każ ta' nuqqas ta' progress, il-Kummissjoni*** tista' tieħu miżuri addizzjonali biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom ***billi tgħinhom fir-riforma u fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri tagħhom tal-għoti ta' permessi***.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"L-Artikolu 15a

**L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet**

1. Sabiex jiġu promossi l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli ***u tas-sħana u l-kesħa mormija*** fis-settur tal-bini, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mira indikattiva għas-sehem ta' enerġija rinnovabbli ***prodotta fuq il-post jew fil-qrib, inkluż mill-grilja,*** fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tal-bini tagħhom fl-2030 li tkun konsistenti ma' mira indikattiva ta' sehem ta' mill-anqas 49 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli ***u sħana u kesħa mormija inevitabbli*** fis-settur tal-bini fil-konsum finali tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030. ***L-Istati Membri li ma jipprezzawx il-karbonju b'mod espliċitu fis-settur tal-bini permezz ta' skema ta' taxxa jew għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jew l-Istati Membri li temporanjament jagħżlu li ma jipparteċipawx fl-iskema Ewropea l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-binjiet u għat-trasport għandhom jistabbilixxu sehem indikattiv ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.*** Il-mira ***indikattiva*** nazzjonali għandha tiġi espressa f'termini ta' sehem mill-konsum finali nazzjonali tal-enerġija u għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7***, li tista' tinkludi fil-kalkolu tas-sehem tal-konsum finali l-elettriku minn sorsi rinnovabbli li jinkludi l-awtokonsum, il-komunitajiet tal-enerġija, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-elettriku u s-sħana u l-kesħa mormija inevitabbli***. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-mira tagħhom fil-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 kif ukoll informazzjoni dwar kif qed jippjanaw li jilħquha.

***L-Istati Membri jistgħu jgħoddu s-sħana u l-kesħa mormija mal-mira msemmija fl-ewwel subparagrafu, sa limitu ta' 20 %. Jekk jiddeċiedu li jagħmlu dan, il-mira għandha tiżdied b'nofs il-perċentwal tas-sħana u l-kesħa mormija użat sa limitu massimu ta' 54 %.***

2. L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri fir-regolamenti u l-kodiċijiet tal-bini tagħhom u, fejn applikabbli, fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom, biex iżidu s-sehem tal-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli ***prodotti kemm fuq il-post jew fil-qrib, inkluż mill-grilja,*** fl-istokk tal-bini, inklużi miżuri nazzjonali relatati ma' żidiet sostanzjali fl-awtokonsum tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli***, il-kondiviżjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli*** u l-ħżin tal-enerġija lokali, ***l-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali, servizzi oħra ta' flessibbiltà bħar-rispons għad-domanda, u*** flimkien mat-titjib fl-effiċjenza enerġetika relatat mal-koġenerazzjoni ***b'effiċjenza għolja*** u mal-binjiet passivi, b'enerġija kważi żero u b'enerġija żero ***filwaqt li jitqiesu t-teknoloġiji innovattivi***.

Biex jinkiseb is-sehem indikattiv ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli stabbilit fil-paragrafu 1, l-Istati Membri, fir-regolamenti u fil-kodiċijiet tagħhom dwar il-bini u, fejn applikabbli, fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom jew b'mezzi oħra b'effett ekwivalenti, għandhom jirrikjedu l-użu ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli ***prodotta kemm fuq il-post jew fil-qrib, inkluż mill-grilja,*** fil-binjiet ***ġodda u f'dawk soġġetti għal rinnovazzjoni kbira***, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/31/UE ***u meta jkun ekonomikament, teknikament u funzjonalment fattibbli***. L-Istati Membri għandhom jippermettu li dawk il-livelli minimi jiġu ssodisfati, fost l-oħrajn, permezz tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

Għall-binjiet eżistenti, l-ewwel subparagrafu għandu japplika għall-forzi armati biss dment li l-applikazzjoni tiegħu ma tikkawża l-ebda kunflitt man-natura u mal-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-forzi armati u bl-eċċezzjoni ta’ materjal użat b’mod esklussiv għal finijiet militari.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-binjiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, jissodisfaw rwol eżemplari fir-rigward tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli użata, f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE. L-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jippermettu li dak l-obbligu jiġi ssodisfat billi jipprevedu li s-soqfa ***jew superfiċi u sottosuperfiċi kompatibbli oħra*** ta’ binjiet pubbliċi jew pubbliċi privati mħallta jintużaw minn partijiet terzi għal installazzjonijiet li jipproduċu enerġija minn sorsi rinnovabbli.

***L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-bini, b’mod partikolari permezz tal-użu tal-akkwist pubbliku. Tali appoġġ għandu jiġi indikat fil-Pjanijiet Nazzjonali għar-Rinnovazzjoni tal-Bini tal-Istati Membri skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva … [EPBD].***

4. Sabiex jinkiseb is-sehem indikattiv tal-enerġija rinnovabbli stabbilit fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu ta’ sistemi u tagħmir tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ***inklużi teknoloġiji innovattivi għall-kuntest lokali speċifiku, bħas-sistemi u t-tagħmir tat-tisħin u t-tkessiħ elettrifikati, ibbażati fuq sorsi rinnovabbli u intelliġenti, ikkomplementati, meta applikabbli, bil-ġestjoni intelliġenti tas-sorsi tal-enerġija deċentralizzati kollha fil-bini, permezz ta’ Sistemi ta’ Ġestjoni tal-Enerġija fil-Bini li kapaċi jinteraġixxu mal-grilja tal-enerġija***. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw il-miżuri, l-għodod u l-inċentivi xierqa kollha, inklużi, fost l-oħrajn, it-tikketti tal-enerġija żviluppati skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont id-Direttiva 2010/31/UE, jew ċertifikati jew standards xierqa oħra żviluppati fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni, u għandhom jiżguraw l-għoti ta’ informazzjoni u pariri adegwati***, inkluż permezz ta’ punti uniċi ta’ servizz,*** dwar alternattivi rinnovabbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija kif ukoll dwar l-istrumenti u l-inċentivi finanzjarji disponibbli għall-promozzjoni ta’ rata ta’ sostituzzjoni akbar ta’ sistemi tat-tisħin ***u t-tkessiħ*** antiki u bidla akbar għal soluzzjonijiet ibbażati fuq l-enerġija rinnovabbli.”;

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

(7) ***L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:***

***(a)*** il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta’ ċertifikazzjoni ***jew skemi nazzjonali ekwivalenti ta’ kwalifika*** jkunu disponibbli għall-installaturi u għad-disinjaturi tal-forom kollha ta’ sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli fil-binjiet, fl-industrija u fl-agrikoltura, u għall-installaturi ta’ ***teknoloġiji oħra tal-enerġija rinnovabbli, teknoloġiji ta’ ħżin u rispons għad-domanda, inklużi stazzjonijiet tal-iċċarġjar***. Dawk l-iskemi jistgħu jqisu l-iskemi u l-istrutturi eżistenti kif xieraq, u għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV. Kull Stat Membru għandu ***jivverifika r-rikonoxximent taċ-ċertifikazzjoni*** mogħtija minn Stati Membri oħra f’konformità ma’ dawk il-kriterji.

***Sal-31 ta’ Diċembru 2023 u kull tliet snin wara dan,*** l-Istati Membri għandhom ***jivvalutaw id-diskrepanza bejn il-professjonisti mħarrġa u kwalifikati fl-installazzjonijiet disponibbli u dawk meħtieġa, u fejn xieraq, jipprovdu rakkomandazzjonijiet biex kwalunkwe diskrepanza titneħħa. Dawk il-valutazzjonijiet u kwalunkwe rakkomandazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.***

L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu kundizzjonijiet, inkluż permezz ta’ strateġiji ta’ titjib tal-ħiliet u tiġdid tal-ħiliet, biex*** jiżguraw li ***numru suffiċjenti ta’*** installaturi mħarrġa u kwalifikati ***msemmija fil-paragrafu 3*** jkunu disponibbli ▌biex imantnu t-tkabbir tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli meħtieġ biex jikkontribwixxi għaż-żieda annwali fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ kif stabbilit fl-Artikolu 23 ***u għall-miri għall-enerġija rinnovabbli fil-bini stabbiliti fl-Artikolu 15a, fis-settur industrijali kif stabbilit fl-Artikolu 22a u fis-settur tat-trasport kif stabbilit fl-Artikolu 25, u biex jikkontribwixxi ħalli tintlaħaq il-mira ġenerali stabbilita fl-Artikolu 3***.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

Biex ***jinkiseb numru*** suffiċjenti ta’ installaturi u disinjaturi, l-Istati Membri***, dment li jkunu kompatibbli mal-iskemi nazzjonali ta’ kwalifika u ċertifikazzjoni,*** għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli programmi ta’ taħriġ suffiċjenti li jwasslu għal kwalifika jew għal ċertifikazzjoni u li jkopru t-teknoloġiji tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, u l-aħħar soluzzjonijiet innovattivi tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri biex jippromwovu l-parteċipazzjoni f’tali programmi, b’mod partikolari minn intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u dawk li jaħdmu għal rashom***, kif ukoll jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri u jindirizzaw, b’mod partikolari, il-minoranzi sottorappreżentati. Jekk ikunu kompatibbli mal-iskemi ta’ taħriġ u kwalifika li diġà jkunu fis-seħħ,*** l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ftehimiet volontarji mal-fornituri u mal-bejjiegħa tat-teknoloġija rilevanti biex iħarrġu għadd suffiċjenti ta’ installaturi, li jistgħu jkunu bbażati fuq stimi tal-bejgħ, fl-aktar soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi riċenti disponibbli fis-suq.

***L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-politiki u l-miżuri tagħhom li jippromwovu t-taħriġ effettiv, ta’ kwalità għolja u inklużiv, it-tiġdid tal-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fir-rapporti ta’ progress ippreżentati skont l-Artikolu 17 ta’ dak ir-Regolament.***

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar l-iskemi ta’ ċertifikazzjoni ***jew l-iskemi ta’ kwalifika nazzjonali ekwivalenti*** msemmija fil-paragrafu 3 disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu disponibbli għall-pubbliku wkoll, b’mod trasparenti u faċilment aċċessibbli, lista aġġornata regolarment*** tal-installaturi li jkunu kkwalifikati jew iċċertifikati f’konformità mal-paragrafu 3 tiġi aġġornata regolarment u ssir disponibbli għall-pubbliku ▌.”;

***(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***“6a. Kwalunkwe miżura meħuda skont dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda skont id-Direttivi (UE) …/… [Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika] u (UE) …/… [EPBD].”;***

(8) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

***(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:***

***“1. Għall-finijiet li l-klijenti finali jintwerew l-oriġini tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f’taħlita tal-enerġija tal-fornitur tal-enerġija u fl-enerġija fornuta lill-konsumaturi skont kuntratti kkummerċjalizzati b’referenza għall-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oriġini tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli tista’ tkun garantita bħala tali fis-sens ta’ din id-Direttiva, skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.”;***

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinħareġ garanzija tal-oriġini bi tweġiba għal talba minn produttur tal-enerġija minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli. L-Istati Membri ***għandhom jipprevedu sistema uniformi*** biex jinħarġu garanziji tal-oriġini ***għall-idroġenu rinnovabbli***.

***L-Istati Membri, għall-finijiet ta’ kontabbiltà għall-valur tas-suq tal-garanzija tal-oriġini, jistgħu jiddeċiedu li ma joħorġux tali garanzija tal-oriġini lil produttur li jingħata appoġġ finanzjarju minn skema ta’ appoġġ.***

***Il-Kummissjoni għandha tintroduċi informazzjoni supplementari għall-garanziji tal-oriġini, filwaqt li tevita l-għadd doppju.***

Il-ħruġ ta’ garanziji tal-oriġini jista’ jkun soġġett għal limitu minimu ta’ kapaċità. Garanzija tal-oriġini għandha tkun ta’ ▌ 1 MWh ***bil-possibbiltà li jinħarġu frazzjonijiet tagħha. Dawn għandhom ikunu standardizzati kif xieraq permezz tal-istandard Ewropew CEN-EN16325 u jinħarġu fuq talba minn produttur tal-enerġija, sakemm dan ma jwassalx għal għadd doppju. Għandhom jiġu introdotti proċessi ta’ reġistrazzjoni simplifikati u tariffi tar-reġistrazzjoni mnaqqsa għall-installazzjonijiet żgħar ta’ inqas minn 50 kW u għall-komunitajiet tal-enerġija. Jistgħu jinħarġu garanziji tal-oriġini għal diversi installazzjonijiet żgħar miġbura flimkien***.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

Ma għandhiex tinħareġ aktar minn garanzija tal-oriġini waħda fir-rigward ta' kull unità ta' enerġija prodotta ***u l-istess unità ta' enerġija titqies darba biss***.";

(i***a***) ***it-tieni subparagrafu huma mħassar***;

***(ib) fir-raba' subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(c) meta l-garanziji tal-oriġini ma jinħarġux direttament lill-produttur imma lil fornitur jew konsumatur li jixtri l-enerġija jew f'kuntest kompetittiv inkella fi ftehim dwar ix-xiri fit-tul tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.";***

(ii) il-ħames subparagrafu huwa mħassar;

***(aa) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-garanziji tal-oriġini għandhom ikunu validi għal tranżazzjonijiet għal 12-il xahar wara l-produzzjoni tal-unità ta' enerġija rilevanti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-garanziji tal-oriġini kollha li ma jkunux ġew ikkanċellati għandhom jiskadu sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara l-produzzjoni tal-unità ta' enerġija. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-garanziji tal-oriġini skaduti fil-kalkolu tat-taħlita tal-enerġija residwa.";***

***(ab) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"4. Għall-finijiet tad-divulgazzjoni msemmija fil-paragrafi 8 u 13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanniji tal-enerġija jikkanċellaw il-garanziji tal-oriġini sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-garanzija tal-oriġini. Barra minn hekk, sa… [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data dwar it-taħlita residwa tagħhom tiġi ppubblikata fuq bażi annwali.";***

***(ac) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:***

***(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(a) is-sors tal-enerġija li minnu tkun ġiet prodotta l-enerġija u d-dati tal-bidu u tat-tmiem kemm jista' jkun qrib il-ħin reali, bl-għan li jinkisbu intervalli ta' mhux aktar minn siegħa ta' produzzjoni;";***

***(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(c) l-identità, il-post, iż-żona tal-offerti għall-elettriku, it-tip u l-kapaċità tal-impjant fejn l-enerġija ġiet prodotta;";***

***(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:***

***"(g) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-enerġija garantita skont l-istandard ISO 14067:2018;***

***(h) il-granularità temporali rfinata;***

***(i) it-tqabbil tal-lokazzjoni ġeografika.";***

(b) ***il-paragrafu*** 8 ▌ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta fornitur tal-elettriku jkun mitlub juri ***l-oriġini*** ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tiegħu għall-finijiet tal-Artikolu 3(9), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/72/KE, huwa għandu jagħmel dan billi juża garanziji tal-oriġini ħlief fir-rigward tas-sehem tat-taħlita tal-enerġija tiegħu li jikkorrispondi għal offerti kummerċjali mhux intraċċati, jekk ikun hemm, li għalihom il-fornitur jista' juża t-taħlita residwa.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*Meta fornitur tal-gass ikun meħtieġ juri l-oriġini ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tiegħu għall-finijiet tal-Anness 1, it-taqsima 5 tad-Direttiva (UE) …/… [dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu kif proposta mid-dokument COM(2021)0803], għandu jagħmel dan billi juża garanziji tal-oriġini ħlief fir-rigward tas-sehem tat-taħlita tal-enerġija tiegħu li jikkorrispondi għal offerti kummerċjali mhux intraċċati, jekk ikun hemm, li għalihom il-fornitur jista' juża t-taħlita residwa.*

*Meta l-Istati Membri jkunu għamlu arranġament biex ikollhom garanziji tal-oriġini għal tipi oħra ta' enerġija, il-fornituri għandhom jużaw għad-divulgazzjoni l-istess tip ta' garanziji tal-oriġini bħall-enerġija fornuta. Barra minn hekk, meta l-klijent jikkonsma gass minn network tal-idroġenu jew tal-gass naturali, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-garanziji tal-oriġini kkanċellati jikkorrispondu għall-karatteristiċi rilevanti tan-network. Bl-istess mod, il-garanziji tal-oriġini maħluqa skont l-Artikolu 14(10) tad-Direttiva 2012/27/UE jistgħu jintużaw biex jissostanzjaw kwalunkwe rekwiżit biex tintwera l-kwantità tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, meta l-elettriku jiġi ġġenerat mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja bl-użu ta' sorsi rinnovabbli, tista' tinħareġ garanzija tal-oriġini waħda biss li tispeċifika ż-żewġ karatteristiċi.";*

*(ba) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"9. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-garanziji tal-oriġini maħruġa minn Stati Membri oħra f'konformità ma' din id-Direttiva esklużivament bħala evidenza tal-elementi msemmija fil-paragrafu 1 u l-punti (a) sa (i) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7. Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi garanzija tal-oriġini biss meta jkollu dubji bbażati fuq raġunijiet sodi dwar l-eżattezza, l-affidabbiltà jew l-awtentiċità tagħha. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar tali rifjut u l-ġustifikazzjoni għalih.";*

*(bb) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"11. L-Istati Membri ma għandhomx jirrikonoxxu garanziji tal-oriġini maħruġa minn pajjiżi terzi ħlief meta l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim ma' dak il-pajjiż terz dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-garanziji tal-oriġini maħruġa fl-Unjoni u sistemi kompatibbli ta' garanziji tal-oriġini stabbiliti f'dak il-pajjiż terz, u biss meta jkun hemm importazzjoni jew esportazzjoni diretta tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida li jiċċaraw ir-rekwiżiti tal-Unjoni għar-rikonoxximent tal-garanziji tal-oriġini maħruġa minn pajjiż terz, inklużi l-arranġamenti sottostanti ta' governanza assoċjati, bil-għan li tissimplifika u taċċellera l-ilħuq ta' tali ftehimiet mal-pajjiżi terzi.*

*Sa … [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha toħroġ gwida dwar is-salvagwardji rilevanti għat-trasferimenti transfruntieri.";*

*(bc) il-paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"13. Il-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju 2025, għandha tadotta rapport li jivvaluta l-opzjonijiet biex tiġi stabbilita tikketta ekoloġika għall-Unjoni kollha bil-ħsieb li tippromwovi l-użu ta' enerġija rinnovabbli minn installazzjonijiet ġodda. Il-fornituri għandhom jużaw l-informazzjoni li tinsab fil-garanziji tal-oriġini biex juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' tali tikketta.";*

*(bd) jiżdied il-paragrafu li ġej:*

*"13a. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tas-sistema tal-garanziji tal-oriġini u, sat-30 ta' Ġunju 2025, għandha tivvaluta l-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-garanziji tal-oriġini fis-suq u, fil-każ ta' żbilanċi, tidentifika l-fatturi rilevanti li jaffettwaw il-provvista u d-domanda u tipproponi miżuri li jirrettifikaw kwalunkwe żbilanċ strutturali potenzjali bil-ħsieb li jingħata appoġġ lis-swieq fl-iffukar fuq installazzjonijiet rinnovabbli ġodda.";*

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(9) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Skont l-evalwazzjoni tagħhom inkluża fil-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar in-neċessità li tinbena infrastruttura ġdida ***jew li tiġi modernizzata dik eżistenti*** għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali minn sorsi rinnovabbli sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni stipulata fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri, ***f'konformità mal-prinċipju 'l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel',*** fejn rilevanti, għandhom jieħdu l-passi meħtieġa bil-għan li tiġi żviluppata infrastruttura distrettwali effiċjenti għat-tisħin u t-tkessiħ għall-promozzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli,▌ f'kombinazzjoni mal-ħżin tal-enerġija termali***, is-sistemi ta' rispons għad-domanda u l-installazzjonijiet li jikkonvertu l-enerġija fi sħana***.

***3a. F'konformità mal-liġi rilevanti dwar is-swieq tal-elettriku, l-Istati Membri, meta rilevanti, għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jintegraw l-elettriku rinnovabbli intermittenti fil-grilja filwaqt li jiżguraw l-istabbiltà tal-grilja u s-sigurtà tal-provvista.***";

(10) jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

"*L-Artikolu 20a*

**Iffaċilitar tal-integrazzjoni tas-sistema tal-elettriku rinnovabbli"**

'1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u***, jekk teknikament disponibbli,*** l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni fit-territorju tagħhom jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar is-sehem tal-elettriku rinnovabbli u l-kontenut tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-elettriku fornut f'kull żona tal-offerti, bl-aktar mod preċiż possibbli u qrib il-ħin reali kemm jista' jkun iżda f'intervalli ta' ħin ta' mhux aktar minn siegħa, bit-tbassir fejn disponibbli. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni jkollhom aċċess għad-data meħtieġa. Jekk ma jkollhomx aċċess, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, għall-informazzjoni kollha meħtieġa, huma għandhom japplikaw is-sistema eżistenti ta' rapportar tad-data skont l-ENTSO-E, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2019/944. Madankollu, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal żbalji ta' tbassir, ta' stima jew ta' kalkolu minħabba ċirkostanzi esterni. L-Istati Membri għandhom jinċentivaw il-modernizzazzjoni tal-grilji intelliġenti biex jimmonitorjaw aħjar il-bilanċ tal-grilja jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni f'ħin reali.***

***Jekk teknikament disponibbli, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni għandhom jagħmlu disponibbli wkoll data anonimizzata u aggregata dwar il-potenzjal tar-rispons għad-domanda u l-elettriku rinnovabbli ġġenerat mill-awtokonsumaturi u mill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u introdott fil-grilja***.

***1a. L-informazzjoni u d-data msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu*** disponibbli b'mod diġitali b'mod li jiżgura ***l-interoperabbiltà bbażata fuq formati tad-data armonizzati u settijiet tad-data standardizzati sabiex ikunu jistgħu jintużaw b'mod mhux diskriminatorju*** mill-parteċipanti fis-suq tal-elettriku, mill-aggregaturi, mill-konsumaturi u mill-utenti finali, u li ***jkunu jistgħu jinqraw*** b'apparati ta' komunikazzjoni elettronika ▌.

2. Minbarra r-rekwiżiti fi [il-proposta għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020], l-Istati Membri għandhom ***jadottaw miżuri li jirrikjedu*** li l-manifatturi ta' batteriji domestiċi u industrijali jippermettu aċċess f'ħin reali għal informazzjoni bażika dwar is-sistema tal-ġestjoni tal-batteriji, inkluż il-kapaċità tal-batteriji, l-istat tas-saħħa, l-istat taċ-ċarġ u s-set point tal-potenza, lis-sidien u lill-utenti tal-batteriji kif ukoll lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom ***b'kunsens espliċitu u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679***, bħall-kumpaniji tal-ġestjoni tal-enerġija tal-binjiet u l-parteċipanti fis-suq tal-elettriku, skont termini mhux diskriminatorji u bla ħlas.

***Sa … [6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja],*** l-Istati Membri għandhom ***jadottaw miżuri li jirrikjedu*** li l-manifatturi tal-vetturi jagħmlu disponibbli, f'ħin reali, data fil-vettura relatata mal-istat tas-saħħa tal-batterija, mal-istat taċ-ċarġ tal-batterija, mal-valur programmat tal-enerġija tal-batterija ***u*** mal-kapaċità tal-batterija ▌għas-sidien u għall-utenti tal-vetturi elettriċi, kif ukoll għall-partijiet terzi li jaġixxu f'isem is-sidien u l-utenti ***b'kunsens espliċitu***, bħall-parteċipanti fis-suq tal-elettriku u l-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà, skont termini mhux diskriminatorji u bla ħlas ***għas-sidien jew l-utenti tal-batteriji u l-entitajiet li jaġixxu f'isimhom,*** minbarra rekwiżiti ulterjuri fir-regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq ***u f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament (UE) 2016/679. F'konformità mar-Regolament dwar il-Batteriji, id-data għandha tiġi kondiviża fil-modalità ta' "qari biss", u b'hekk tevita li partijiet terzi jimmodifikaw il-parametri tad-data.***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ▌l-manifatturi tas-sistemi intelliġenti tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-unitajiet tal-ħżin tal-enerġija termali u ta' apparati intelliġenti oħra li jiffaċilitaw lill-konsumaturi jipprovdu rispons għad-domanda għas-sistema tal-enerġija biex jippermettu aċċess f'ħin reali għad-data rilevanti għar-rispons għad-domanda skont termini mhux diskriminatorji u bla ħlas lill-utenti, kif ukoll lill-partijiet terzi li jaġixxu f'isem is-sidien u l-utenti permezz ta' kunsens espliċitu u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679.***

3. Minbarra r-rekwiżiti fi [il-proposta għal Regolament dwar l-użu ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti normali tal-irriċarġjar tal-enerġija mhux aċċessibbli għall-pubbliku installati fit-territorju tagħhom minn [l-iskadenza tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja] ikunu jistgħu jappoġġaw funzjonalitajiet intelliġenti tal-iċċarġjar u ***jinteraġixxu ma' sistemi ta' kejl intelliġenti, meta varati mill-Istati Membri u***, fejn xieraq abbażi ta' valutazzjoni mill-awtorità regolatorja, funzjonalitajiet tal-iċċarġjar bidirezzjonali ***kif stabbilit fl-Artikolu 14(4) tar-Regolament … [ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi] u vvalutat mill-awtoritajiet regolatorji rigward il-kontribut potenzjali tiegħu.***

4. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-mezzi kollha ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, inklużi unitajiet ta' produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli, ikunu involuti fil-forniment ta' sistemi u ta' servizzi ta' bbilanċjar. L-Istati Membri għandhom*** jiżguraw ***ukoll*** li l-qafas regolatorju nazzjonali ma jiddiskriminax kontra l-parteċipazzjoni fis-swieq tal-elettriku, inklużi l-ġestjoni tal-konġestjoni u l-forniment ta' servizzi ta' flessibbiltà u ta' bbilanċjar ***għan-networks tal-elettriku u n-networks tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, il-fornituri tal-ħżin u l-flessibbiltà tal-enerġija kif ukoll tas-servizzi ta' bbilanċjar***, ta' sistemi żgħar jew mobbli bħall-batteriji domestiċi ***u tal-komunità*** u l-vetturi elettriċi, ***kif ukoll riżorsi ta' enerġija deċentralizzati b'kapaċità taħt il-1 MW li jipparteċipaw fis-sistema, l-unitajiet ta' ħżin tal-enerġija termali, il-gass bl-elettriku, il-pompi tas-sħana u teknoloġiji oħra li kapaċi jipprovdu flessibbiltà,*** kemm direttament kif ukoll permezz tal-aggregazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu kundizzjonijiet ekwi għall-atturi iżgħar tas-suq, b'mod partikolari l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq mingħajr ma jiffaċċaw piż amministrattiv jew regolatorju sproporzjonat.***';

***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas regolatorju nazzjonali jippermetti lill-klijenti finali jidħlu fi ftehimiet kuntrattwali mal-parteċipanti fis-suq tal-elettriku u mal-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà biex jirċievu informazzjoni dwar it-termini tal-ftehim, inkluża l-protezzjoni tad-data personali tagħhom, kif ukoll l-implikazzjonijiet tagħha għall-konsumaturi, inkluż ir-remunerazzjoni għall-flessibbiltà.";***

(11) jiddaħħal l-Artikolu 22a li ġej:

"L-Artikolu 22a

**L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex iżidu s-sehem tas-sorsi rinnovabbli fl-ammont ta' sorsi ta' enerġija użati għall-finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali fis-settur tal-industrija b'żieda annwali medja indikattiva ta' ***1,9*** punt perċentwali sal-2030. ***Dik iż-żieda għandha tiġi kkalkulata bħala medja għall-perjodi ta' tliet snin, jiġifieri mill-2024 sal-2027 u mill-2027 sal-2030.***

L-Istati Membri għandhom jinkludu ***l-politiki u*** l-miżuri ppjanati u meħuda biex tinkiseb tali żieda indikattiva fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u fir-rapporti ta' progress ippreżentati skont l-Artikoli 3, 14 u 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999. ***Tali miżuri għandhom jinkludu l-elettrifikazzjoni bbażata fuq sorsi rinnovabbli tal-proċessi industrijali meta titqies bħala għażla kosteffettiva. Meta jadottaw miżuri biex iżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-prinċipju 'l-Effiċjenzaġ Eneretika tiġi l-Ewwel'.***

***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas regolatorju li jista' jinkludi miżuri ta' appoġġ għall-industrija f'konformità mal-Artikolu 3(4a) u jippromwovu l-użu ta' sorsi rinnovabbli u idroġenu rinnovabbli kkunsmat mill-industrija, filwaqt li jqisu bis-sħiħ l-effettività u l-kompetittività internazzjonali, bħala prekundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-konsum tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija. B'mod partikolari, dak il-qafas għandu jindirizza l-ostakoli regolatorji, amministrattivi u ekonomiċi f'konformità mal-Artikolu 3(4a) u l-Artikolu 15(8).***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribut ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali ▌ ***jkun*** ta' 50 % tal-idroġenu użat għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali fl-industrija sal-2030. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-2035, il-kontribut tal-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali jkun ta' mill-anqas 70 % tal-idroġenu użat għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali fl-industrija. Il-Kummissjoni għandha tanalizza d-disponibbiltà ta' karburanti ta' oriġini mhux bijoloġika fl-2026 u kull sena wara dan.*.** Ir-regoli li ġejjin għandhom jintużaw biex jiġi kkalkulat ▌ ***il-perċentwal*** [**Am. 34**]:

(a) Għall-kalkolu tad-denominatur, għandu jitqies il-kontenut enerġetiku tal-idroġenu għal skopijiet ta' enerġija u mhux enerġija finali, minbarra l-idroġenu użat bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' karburanti tat-trasport konvenzjonali ***u l-idroġenu ġġenerat bħala prodott sekondarju jew derivat minn prodotti sekondarji f'installazzjonijiet industrijali.***

(b) Għall-kalkolu tan-numeratur, għandu jitqies il-kontenut enerġetiku tal-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kkunsmati fis-settur tal-industrija għal finijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija finali, minbarra l-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' karburanti tat-trasport ▌.

(c) Għall-kalkolu kemm tan-numeratur kif ukoll tad-denominatur, għandhom jintużaw il-valuri li jirrigwardaw il-kontenut enerġetiku tal-karburanti għat-trasport kif stabbilit fl-Anness III.

***Sal-31 ta' Jannar 2026, wara l-istabbiliment tar-regoli msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk, fid-dawl tal-iżvilupp regolatorju, tekniku u xjentifiku, ikunx xieraq u ġġustifikat li tadatta s-sottomira tal-RFNBOs tal-2030, u, fejn xieraq, għandha temenda dan l-artikolu għal dak il-għan, akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt.***

***Biex jippromwovu l-użu ta' soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli għal sħana industrijali b'temperatura baxxa u medja, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom li jżidu d-disponibbiltà ta' alternattivi rinnovabbli ekonomikament vijabbli u teknikament fattibbli għall-użu tal-enerġija bbażata fuq il-karburanti fossili għal applikazzjonijiet tas-sħana industrijali bil-għan li jintemm l-użu ta' karburanti fossili għal applikazzjonijiet li jirrikjedu temperaturi massimi ta' tisħin sa 200 grad Celsius sa mhux aktar tard mill-2027.***

▌

***1a. Sa … [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija globali ta' importazzjoni tal-idroġenu biex tippromwovi suq Ewropew tal-idroġenu. Din l-istrateġija għandha tikkomplementa inizjattivi li jippromwovu l-produzzjoni nazzjonali tal-idroġenu fl-Unjoni, filwaqt li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-kisba tal-miri stabbiliti fiha, filwaqt li tqis kif xieraq is-sigurtà tal-provvista u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fir-rigward tal-enerġija. Il-miżuri inklużi fl-istrateġija għandu jkollhom l-għan li jippromwovu kundizzjonijiet ekwi, ibbażati fuq regoli jew standards ekwivalenti f'pajjiżi terzi f'termini ta' protezzjoni ambjentali, sostenibbiltà u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-istrateġija għandha tinkludi stadji importanti u miżuri indikattivi għall-importazzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimplimentaw l-istrateġija fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u fir-rapporti ta' progress ippreżentati skont l-Artikoli 3, 14 u 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999. Barra minn hekk, l-istrateġija għandha tqis ukoll il-ħtieġa li jiġi żviluppat l-aċċess għall-enerġija għall-popolazzjoni lokali.";***

(12) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex jippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, kull Stat Membru għandu jżid is-sehem ta' enerġija rinnovabbli f'dak is-settur ***b'2,3*** punti perċentwali ***indikattivi*** bħala medja annwali kkalkulata għall-perjodi 2021-2025 u 2026-2030, billi jibda mis-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ fl-2020, espress f'termini ta' sehem nazzjonali tal-konsum tal-enerġija finali u kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7.

Dik iż-żieda għandha tkun ta' ***2,8*** punti perċentwali għall-Istati Membri fejn jintużaw is-sħana u l-kesħa mormija. F'dak il-każ, l-Istati Membri jistgħu jgħoddu s-sħana u l-kesħa mormija sa 40 % taż-żieda annwali medja."

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. ***Sabiex il-Kummissjoni tingħata rendikont sħiħ tad-differenzi konsiderevoli fil-livell tad-domanda għat-tisħin industrijali madwar l-Unjoni,*** l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-potenzjal tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, inkluża ***analiżi tal-kostbenefiċċji li tkopri l-esternalitajiet pożittivi kollha***, u fejn xieraq, analiżi taż-żoni adatti għall-użu tagħhom f'riskju ekoloġiku baxx u tal-potenzjal għal proġetti domestiċi fuq skala żgħira. ***SMEs, simbjożi industrijali u tal-binjiet kummerċjali kif ukoll kwalunkwe rekwiżit rigward l-infrastruttura, bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.*** Il-valutazzjoni għandha ***tikkunsidra t-teknoloġiji disponibbli u ekonomikament fattibbli għall-użi industrijali u domestiċi sabiex*** tistabbilixxi stadji importanti u miżuri biex ***jiżdied l-użu ta' sorsi*** ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ u, fejn xieraq, l-użu tas-sħana u l-kesħa mormija permezz tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u ***unitajiet domestiċi fuq skala żgħira u SMEs*** bil-għan li tiġi stabbilita strateġija nazzjonali fit-tul ***għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja li joriġina mit-tisħin*** u t-tkessiħ. ***Strateġija bħal din għandha tqis il-livell differenti ta' kwalità tas-sħana (temperatura għolja, medja, baxxa) speċifika għal diversi proċessi u użi.*** Il-valutazzjoni għandha tkun ***f'konformità mal-prinċipju 'l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel' u*** parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u għandha takkumpanja l-valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiħ meħtieġa mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.";

(c) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa mħassar.

***(ca) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***"L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu informazzjoni lis-sidien jew lill-inkwilini tal-binjiet u lill-SMEs dwar miżuri kosteffettivi, u strumenti finanzjarji, biex itejbu l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni permezz ta' għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti bbażati f'punti uniċi ta' servizz.";***

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Sabiex tinkiseb iż-żieda annwali medja msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***għandhom*** jimplimentaw ***minn tal-anqas tlieta mill-miżuri*** li ġejjin:

(a) inkorporazzjoni fiżika tal-enerġija rinnovabbli jew tas-sħana u l-kesħa mormija fis-sorsi u fil-karburanti tal-enerġija fornuti għat-tisħin u t-tkessiħ;

(b) l-installazzjoni ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli effiċjenti ħafna fil-binjiet, ***il-konnessjoni tal-binjiet ma' sistemi effiċjenti ħafna tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali*** jew l-użu ta' enerġija rinnovabbli jew sħana u kesħa mormija fi proċessi tat-tisħin u t-tkessiħ industrijali;

(c) miżuri koperti minn ċertifikati kummerċjabbli li jagħtu xhieda tal-konformità mal-obbligu stipulat fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, permezz ta' appoġġ għal miżuri ta' installazjoni skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu, imwettqa minn operatur ekonomiku ieħor bħal installatur tat-teknoloġija rinnovabbli indipendenti jew kumpanija tas-servizzi tal-enerġija li tipprovdi servizzi ta' installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli;

(d) il-bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet nazzjonali***, reġjonali*** u lokali ***biex jimmappjaw il-potenzjal lokali tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli u*** biex jippjanaw, jimplimentaw ***u jagħtu pariri dwar*** proġetti u infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli;

(e) il-ħolqien ta' oqfsa tal-mitigazzjoni tar-riskju biex jitnaqqas il-kost tal-kapital għal proġetti tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ***u tas-sħana u l-kesħa mormija, fost l-oħrajn, li jippermettu r-raggruppament ta' proġetti iżgħar kif ukoll li jorbtu tali proġetti b'mod aktar olistiku ma' miżuri oħra ta' effiċjenza enerġetika u ta' rinnovazzjoni tal-binjiet***;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(f) il-promozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri ***ta' tisħin u ta' tkessiħ rinnovabbli*** għal konsumaturi żgħar korporattivi u kollettivi;

(g) skemi ta' sostituzzjoni ppjanati ***tas-sorsi*** tat-tisħin bil-karburanti fossili, ***tas-sistemi tat-tisħin mhux kompatibbli ma' sorsi rinnovabbli*** jew tal-iskemi ta' eliminazzjoni gradwali tal-karburanti fossili bi stadji importanti;

(h) l-ippjanar tas-sħana rinnovabbli, li jinkludi t-tkessiħ, ir-rekwiżiti fil-livell lokali u reġjonali;

(i) miżuri ta' politika oħrajn, b'effett ekwivalenti, inklużi miżuri fiskali, skemi ta' appoġġ jew inċentivi finanzjarji oħrajn ***li jikkontribwixxu għall-installazzjoni ta' tagħmir għat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli u l-iżvilupp ta' networks tal-enerġija li jfornu enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ fil-binjiet u fl-industrija;***

***(j) il-promozzjoni tal-produzzjoni tal-bijogass u l-injezzjoni tiegħu fil-grilja tal-gass, minflok l-użu tiegħu għall-produzzjoni tal-elettriku;***

***(k) miżuri li jippromwovu l-integrazzjoni ta' teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija termali fis-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ;***

***(l) il-promozzjoni ta' networks tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali bbażati fuq sorsi rinnovabbli ta' proprjetà tal-konsumaturi, b'mod partikolari mill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' miżuri regolatorji, arranġamenti ta' finanzjament u appoġġ.***

Meta jadottaw u jimplimentaw dawk il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċessibbiltà tagħhom għall-konsumaturi kollha ***inklużi dawk li huma inkwilini,*** b'mod partikolari dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli ***u għandhom jirrikjedu l-implimentazzjoni ta' sehem sinifikanti ta' miżuri bħala prijorità fl-unitajiet domestiċi li jgħixu f'kundizzjoni ta' faqar enerġetiku kif iddefinit fir-[riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika] u fl-akkomodazzjoni soċjali,*** li kieku ma jkollhomx biżżejjed kapital bil-quddiem biex jibbenefikaw.";

(13) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. ***L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ir-rinnovazzjoni u l-iżvilupp ta' networks eżistenti u effiċjenti ħafna tar-raba' u l-ħames ġenerazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali rinnovabbli alimentati esklużivament minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sħana jew kesħa mormija inevitabbli, wara analiżi pożittiva tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ekonomiċi u ambjentali mwettqa fi sħubija mal-awtoritajiet lokali involuti.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija***, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra*** u s-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali tagħhom tingħata b'mod faċli u aċċessibbli lill-konsumaturi finali, bħal fuq kontijiet jew fuq is-siti web tal-fornituri u fuq talba. L-informazzjoni dwar is-sehem tal-enerġija rinnovabbli għandha tiġi espressa mill-anqas bħala perċentwal tal-konsum finali gross tat-tisħin u t-tkessiħ assenjat lill-klijenti ta' sistema partikolari ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, inkluż l-informazzjoni dwar kemm intużat enerġija biex tiġi kkonsenjata unità waħda ta' tisħin lill-klijent jew lill-utent finali.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex iżidu s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli***, inkluża s-sħana ġġenerata mill-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli,*** u mis-sħana u l-kesħa mormija fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali b'mill-anqas ***2,3*** punti perċentwali bħala medja annwali kkalkulata għall-perjodu 2021 sa 2025 u għall-perjodu 2026 sa 2030, billi jibdew mis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli***, inkluża s-sħana ġġenerata mill-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli,*** u mis-sħana u l-kesħa mormija fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fl-2020, u għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għal dak il-għan. Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli għandu jiġi espress f'termini ta' sehem tal-konsum finali gross tal-enerġija fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali aġġustat għall-kundizzjonijiet klimatiċi medji normali.

L-Istati Membri b'sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi ta' sħana u kesħa mormija fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali ogħla minn 60 % jistgħu jgħoddu kwalunkwe tali sehem bħala li jissodisfa ż-żieda medja annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw iż-żieda medja annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali ta' kapaċità ta' 'l fuq minn 25 MWth ikunu ***mħeġġa*** li jikkollegaw lil fornituri ta' partijiet terzi tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sħana u kesħa mormija jew li jkunu ***mħeġġa*** li joffru li jikkollegaw u jixtru sħana jew kesħa minn sorsi rinnovabbli u minn sħana u kesħa mormija minn fornituri ta' partijiet terzi abbażi ta' kriterji mhux diskriminatorji ***li għandhom jiġu*** stabbiliti mill-Istat ***Membru*** kkonċernat, ***jekk tali konnessjoni tkun teknikament u ekonomikament fattibbli u*** fejn dawn l-operaturi jridu jagħmlu waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) jissodisfaw id-domanda minn klijenti ġodda;

(b) jissostitwixxu l-kapaċità eżistenti ta' ġenerazzjoni tas-sħana jew tal-kesħa;

(c) jespandu l-kapaċità eżistenti ta' ġenerazzjoni tas-sħana jew tal-kesħa.";

***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jgħoddu l-elettriku rinnovabbli użat għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fiż-żieda medja annwali stabbilita fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. L-elettriku rinnovabbli li jingħadd fis-sens tal-Artikolu 7(1), punt (b) ma għandux jitqies għall-finijiet tal-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1), punt (a).***

***Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jgħoddu l-elettriku rinnovabbli użat għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel l-introduzzjoni ta' tali mekkaniżmu. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-ammont ta' elettriku rinnovabbli użat fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.***";

(d) il-paragrafi 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lil operatur ta' sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali jirrifjuta li jikkonnettja u li jixtri sħana jew kesħa minn fornitur ta' parti terza fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sistema ma jkollhiex il-kapaċità meħtieġa minħabba provvisti oħra ta' sħana jew ta' kesħa minn sorsi rinnovabbli jew ta' sħana u kesħa mormija;

(b) is-sħana jew il-kesħa mill-fornitur terz ma tissodisfax il-parametri tekniċi meħtieġa għall-kollegament u biex jiġi żgurat operat affidabbli u sikur tas-sistema tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali;

(c) l-operatur jista' juri li l-għoti ta' aċċess iwassal għal żieda eċċessiva fil-kost tat-tisħin jew tat-tkessiħ għall-klijenti finali meta mqabbel mal-kost tal-provvista lokali ewlenija ta' tisħin jew tkessiħ li magħha jikkompetu s-sors rinnovabbli jew is-sħana u l-kesħa mormija;

(d) is-sistema tal-operatur tissodisfa d-definizzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti stabbilita fl-[Artikolu x tar-riformulazzjoni proposta tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika].

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta operatur ta' sistema tat-tisħin jew tkessiħ distrettwali jirrifjuta li jikkonnettja fornitur tat-tisħin jew tat-tkessiħ skont l-ewwel subparagrafu, l-informazzjoni dwar ir-raġunijiet għar-rifjut, kif ukoll il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fis-sistema sabiex issir il-konnessjoni, tiġi pprovduta minn dak l-operatur lill-awtorità kompetenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċess xieraq għar-rimedju tar-rifjuti mhux ġustifikati.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu***, fejn meħtieġ,*** qafas ta' koordinazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u s-sorsi potenzjali tas-sħana u l-kesħa mormija fis-setturi industrijali u terzjarji biex jiffaċilitaw l-użu tas-sħana u l-kesħa mormija. Dak il-qafas ta' koordinazzjoni għandu jiżgura ***l-applikazzjoni tal-prinċipju 'l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel' u jiffaċilita d-djalogu*** fir-rigward tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija li jinvolvi mill-anqas:

(a) l-operaturi ta' sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali;

(b) l-intrapriżi tas-settur industrijali u terzjarju li jiġġeneraw sħana u kesħa mormija li jistgħu jiġu rkuprati b'mod ekonomiku permezz ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, bħaċ-ċentri tad-data, l-impjanti industrijali, il-binjiet kummerċjali kbar***, il-faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija,*** u t-trasport pubbliku; ▌

(c) l-awtoritajiet lokali responsabbli għall-ippjanar u għall-approvazzjoni tal-infrastrutturi tal-enerġija;

***(d) l-esperti xjentifiċi li qed jaħdmu fuq l-aħħar sistemi mill-aktar avvanzati tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali bbażati għalkollox fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija;***

***(e) il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli involuti fit-tisħin u t-tkessiħ.***";

(e) il-paragrafi 8, 9 u 10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas li skontu l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni tal-elettriku jivvalutaw mill-anqas kull erba' snin, f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali fl-oqsma rispettivi tagħhom, il-potenzjal għas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali li jipprovdu servizzi ta' bbilanċjar u servizzi ta' sistemi oħra, inkluż ir-rispons għad-domanda u l-ħżin termali ta' elettriku żejjed minn sorsi rinnovabbli ***ċentralizzati u deċentralizzati***, u jekk l-użu tal-potenzjal identifikat ikunx aktar effiċjenti fir-riżorsi u aktar kosteffiċjenti mis-soluzzjonijiet alternattivi***, f'konformità mal-prinċipju 'l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel'***.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku jqisu kif xieraq ir-riżultati tal-valutazzjoni meħtieġa skont l-ewwel subparagrafu fl-ippjanar tal-grilja, fl-investiment fil-grilja u fl-iżvilupp tal-infrastruttura fit-territorji rispettivi tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-operaturi ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku biex jiżguraw li s-servizzi ta' bbilanċjar, ħżin u flessibbiltà oħra, bħar-rispons għad-domanda, ipprovduti mill-operaturi tas-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali, ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq tal-elettriku tagħhom ***fuq bażi mhux diskriminatorja***.

L-Istati Membri jistgħu jestendu r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' koordinazzjoni skont l-ewwel u t-tielet subparagrafi għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass, inkluż in-networks tal-idroġenu u networks tal-enerġija oħrajn.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-konsumaturi u r-regoli għat-tħaddim tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali f'konformità ma' dan l-Artikolu jkunu definiti b'mod ċar u infurzati mill-awtorità kompetenti.

10. Stat Membru ma għandux ikun mitlub japplika ***l-paragrafu*** 2 ▌ meta tiġi ssodisfata tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sehem tiegħu tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali kien anqas minn jew daqs 2 % tal-konsum finali gross tal-enerġija fit-tisħin u t-tkessiħ fl-24 ta' Diċembru 2018;

(b) is-sehem tiegħu tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jiżdied għal aktar minn 2 % tal-konsum finali gross tal-enerġija fit-tisħin u t-tkessiħ fl-24 ta' Diċembru 2018 bl-iżvilupp tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti ġdid ibbażat fuq il-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999 u l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(1a) ta' din id-Direttiva;

(c) 90 % tal-konsum finali gross tal-enerġija fis-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jseħħ f'sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali li jissodisfaw id-definizzjoni stabbilita fl-[Artikolu x tar-riformulazzjoni proposta tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika].";

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(14) L-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 25

**It-tnaqqis fl-intensità ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport mill-użu tal-enerġija rinnovabbli**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi obbligu fuq il-fornituri tal-karburanti biex jiżguraw li:

(a) l-ammont ta' karburanti rinnovabbli u ta' elettriku rinnovabbli fornut lis-settur tat-trasport iwassal għal tnaqqis fl-intensità ta' gassijiet serra ta' mill-anqas ***16*** % sal-2030, meta mqabbel mal-linja bażi stabbilita fl-Artikolu 27 (1), il-punt (b), f'konformità ma' trajettorja stabbilita mill-Istat Membru;

(b) is-sehem ta' bijokarburanti u bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX fl-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport huwa mill-anqas ▌***0,5*** % fl-2025 u ***mill-anqas*** 2,2 % fl-2030, u s-sehem ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika huwa mill-anqas 2,6 % ***fl-2028 u mill-anqas 5,7 %*** fl-2030;

***(ba) mill-2030, il-fornituri tal-karburanti għandhom ifornu mill-anqas 1,2 % tal-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u idroġenu rinnovabbli lill-modi ta' trasport marittimi li għalihom ikun diffiċli li jitnaqqsulhom l-emissjonijiet. Stat Membru li ma jkollux portijiet marittimi fit-territorju tiegħu jista' jagħżel li ma japplikax din id-dispożizzjoni. Kwalunkwe Stat Membru li jkun biħsiebu juża dik id-deroga għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sena wara … [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Kwalunkwe bidla sussegwenti għandha wkoll tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.***

***Jekk il-lista ta' materja prima stabbilita fil-Parti A tal-Anness IX tiġi emendata f'konformità mal-Artikolu 28(6), is-sehem minimu ta' bijokarburanti u bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima fl-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu għandu jiżdied kif meħtieġ u għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni.***

***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li tressaq proposta leġiżlattiva sal-2025 biex iżżidu fejn ikun hemm aktar tnaqqis sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, fejn ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-impenji internazzjonali tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni, jew fejn tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija fl-Unjoni jiġġustifika tali żieda.***

Għall-kalkolu tat-tnaqqis imsemmi fil-punt (a) u s-sehem imsemmi fil-punt (b), l-Istati Membri għandhom iqisu l-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika wkoll meta jintużaw bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' karburanti konvenzjonali ***għat-trasport***. Għall-kalkolu tat-tnaqqis imsemmi fil-punt (a), l-Istati Membri jistgħu jqisu l-karburanti tal-karbonju riċiklat.

Meta jistabbilixxu l-obbligu dwar il-fornituri tal-karburanti, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-fornituri tal-karburanti li jfornu l-elettriku jew karburanti tat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika mir-rekwiżit li jikkonformaw mas-sehem minimu ta' bijokarburanti u bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX fir-rigward ta' dawk il-karburanti.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu li jippermetti lill-fornituri tal-karburanti fit-territorju tagħhom jiskambjaw krediti għall-provvista ta' enerġija rinnovabbli lis-settur tat-trasport. L-operaturi ekonomiċi li jfornu elettriku rinnovabbli lil vetturi elettriċi ***ħfief u tqal*** permezz ta' stazzjonijiet pubbliċi tal-irriċarġjar ***jew ta' enerġija rinnovabbli*** għandhom jirċievu krediti, irrispettivament minn jekk l-operaturi ekonomiċi jkunux soġġetti għall-obbligu stabbilit mill-Istat Membru dwar il-fornituri tal-karburanti, u jistgħu jbigħu dawk il-krediti lill-fornituri tal-karburanti, li għandhom jitħallew jużaw il-krediti biex jissodisfaw l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu stazzjonijiet tal-irriċarġjar privati fil-mekkaniżmu msemmi fl-ewwel subparagrafu sakemm ikun jista' jiġi muri li l-elettriku rinnovabbli fornut lil dawk l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar privati ikun ipprovdut unikament lill-vetturi elettriċi.***";

(15) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità ta' gassijiet serra msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), is-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll ta' karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn jiġu prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf, ma għandux ikun aktar minn punt perċentwali wieħed ogħla mis-sehem ta' tali karburanti fil-konsum finali ta' enerġija fis-settur tat-trasport fl-2020 f'dak l-Istat Membru, b'massimu ta' 7 % ta' konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport f'dak l-Istat Membru.";

***Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-ewwel subparagrafu li tippermetti lill-Istati Membri jeskludu l-bijolikwidi użati għall-produzzjoni tal-elettriku fir-reġjuni ultraperiferiċi fis-sens tal-Artikolu 349 TFUE mill-kalkolu tal-limitu massimu ta' 7 % tal-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija msemmi fl-ewwel subparagrafu, dment li tali deroga tkun iġġustifikata mill-ispeċifiċitajiet lokali. L-Istati Membri għandhom iressqu t-talba għad-deroga lill-Kummissjoni … [id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja] u jipprovdu ġustifikazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi aġġornati għal tali deroga. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba tal-Istat Membru fi żmien tliet xhur minn meta tirċeviha.";***

***(ia) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Meta s-sehem tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun inqas minn 1 % fi Stat Membru, huwa jista' jiżdied sa massimu ta' 2 % tal-konsum finali tal-enerġija fis-setturi tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija.";***

(ii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta s-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll ta' karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf fi Stat Membru jkun limitat għal sehem ta' anqas minn 7 % jew Stat Membru jiddeċiedi li jillimita s-sehem aktar, dak l-Istat Membru jista' jnaqqas l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), kif xieraq, fid-dawl tal-kontribut li dawn il-karburanti kienu jagħmlu f'termini tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom iqisu li dawk il-karburanti jiffrankaw 50 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.";

(b) ***il-paragrafu*** 2 ***huwa emendat kif ġej:***

***(i) fl-ewwel*** u l-ħames subparagrafi, "is-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1)" huwa sostitwit bi "l-objettiv ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)";

***(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Sa … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], dak il-limitu għandu jonqos għal 0 %."***

***(iii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara r-raba' subparagrafu:***

***"Sat-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill aġġornament tar-rapport dwar l-istatus ta' espansjoni fil-produzzjoni ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf rilevanti madwar id-dinja. Dak l-aġġornament għandu jinkludi l-aktar data reċenti mill-aħħar sentejn fir-rigward tad-deforestazzjoni u l-materja prima b'riskju għoli li jwassal għal bidla indiretta fl-użu tal-art, u għandu jindirizza prodotti bażiċi oħra b'riskju għoli fil-kategorija ta' materja prima b'riskju għoli li jwassal għal bidla indiretta fl-użu tal-art. Għall-finijiet tal-atti delegati msemmija fis-sitt subparagrafu, is-sehem massimu tal-espansjoni annwali medja taż-żona tal-produzzjoni globali f'ħażniet għoljin ta' karbonju għandu jkun ta' 7,9 %.";***

(16) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

"Ir-regoli għall-kalkolu fis-settur tat-trasport u fir-rigward ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika irrispettivament mill-użu finali tagħhom";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-kalkolu tat-tnaqqis fl-intensità ta' gassijiet serra msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(i) għall-bijokarburanti u għall-bijogass, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' dawn il-karburanti fornuti lill-modi kollha tat-trasport bl-iffrankar tal-emissjonijiet tagħhom iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 31;

(ii) għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' dawn il-karburanti li jiġu fornuti lill-modi kollha tat-trasport bl-iffrankar tal-emissjonijiet tagħhom iddeterminati f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 29a(3);

(iii) għall-elettriku rinnovabbli, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' elettriku rinnovabbli li jiġi pprovdut lill-modi kollha tat-trasport ***b'komparatur*** tal-karburanti fossili;

***Il-komparatur*** $EC_{F(e)}$ stabbilit fl-Anness V ***għandu jintuża sal-31 ta' Diċembru 2029. Mill-1 ta' Jannar 2030 'il quddiem, għandu jintuża l-komparatur*** $E_{F(t)}$ ***stabbilit fl-Anness V.***

***Madankollu, l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra miksub fl-2030 bl-użu tal-elettriku rinnovabbli fit-trasport, ikkalkulat bl-applikazzjoni tal-komparatur*** $E_{F(t)}$***, għandu jikkostitwixxi kontribut addizzjonali tal-elettriku rinnovabbli ta' dak li diġà nkiseb sal-31 ta' Diċembru 2029 bil-komparatur*** $EC_{F(e)}$ ***għall-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet mill-2030 'il quddiem.***

(b) il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 25(1) għandha tiġi kkalkulata billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' enerġija fornuta lis-settur tat-trasport bil-komparatur tal-karburanti fossili $E_{F(t)}$ stabbilit fl-Anness V;

(c) għall-kalkolu tal-ammonti ta' enerġija rilevanti, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' enerġija fornuta lis-settur tat-trasport, għandhom jintużaw il-valuri fir-rigward tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport stabbiliti fl-Anness III;

(ii) sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport mhux inklużi fl-Anness III, l-Istati Membri għandhom jużaw l-istandards Ewropej rilevanti għad-determinazzjoni tal-valuri kalorifiċi tal-karburanti. Fejn l-ebda standard Ewropew ma jkun ġie adottat għal dak l-għan, għandhom jintużaw l-istandards tal-ISO rilevanti;

(iii) l-ammont ta' elettriku rinnovabbli fornut lis-settur tat-trasport jiġi ddeterminat billi l-ammont ta' elettriku fornut lil dak is-settur jiġi mmultiplikat bis-sehem medju ta' elettriku rinnovabbli fornut fit-territorju tal-Istat Membru fis-sentejn preċedenti. Bħala eċċezzjoni, meta l-elettriku jinkiseb minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni li tiġġenera elettriku rinnovabbli u jiġi fornut lis-settur tat-trasport, dak l-elettriku għandu jingħadd bis-sħiħ bħala rinnovabbli;

(iv) is-sehem ta' bijokarburanti u ta' bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX fil-kontenut tal-enerġija tal-karburanti u tal-elettriku fornuti lis-settur tat-trasport għandu, ħlief f'Ċipru u f'Malta, ikun limitat għal 1,7 %;

***Jekk il-lista ta' materja prima stabbilita fil-Parti B tal-Anness IX tiġi emendata skont l-Artikolu 28 (6), il-limitu massimu ta' tali bijokarburanti u bijogass għandu jiżdied kif meħtieġ u għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni.***

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(d) it-tnaqqis fl-intensità ta’ gassijiet serra mill-użu tal-enerġija rinnovabbli jiġi ddeterminat billi l-iffrankar tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-użu tal-bijokarburanti, tal-bijogass u tal-elettriku rinnovabbli pprovdut lill-modi kollha tat-trasport jiġi diviż bil-linja bażi.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 35 biex tissuplimenta din id-Direttiva billi tadatta l-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport, kif stabbilit fl-Anness III, f’konformità mal-progress xjentifiku u tekniku;”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Għall-kalkolu tal-miri msemmija fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-ammont ta’ enerġija kkunsmata fis-settur tat-trasport, għandhom jitqiesu l-elettriku u l-karburanti kollha fornuti lis-settur tat-trasport;

(b) għall-kalkolu tan-numeratur, għandu jitqies il-kontenut ta’ enerġija ta’ bijokarburanti avvanzati u bijogass prodott mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX u tal-karburanti rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika fornuti lill-modi kollha ta’ trasport fit-territorju tal-Unjoni;

(c) l-ishma ta’ bijokarburanti u ta’ bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX u ta’ karburanti rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika fornuti fil-modi ta’ avjazzjoni u marittimi għandhom jitqiesu bħala li huma 1,2 darbiet tal-kontenut tal-enerġija tagħhom.”;

(d) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(e) il-paragrafu 3 huwa ***sostitwit b’dan li*** ġej:

***“3. Meta l-elettriku jintuża għall-produzzjoni ta’ karburanti rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika, direttament jew għall-produzzjoni ta’ prodotti intermedji, is-sehem medju ta’ elettriku minn sorsi rinnovabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif imkejjel sentejn qabel is-sena inkwistjoni, għandu jintuża biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli.***

***L-elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma’ installazzjoni waħda jew bosta installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli jista’ jingħadd bis-sħiħ bħala elettriku rinnovabbli għall-produzzjoni ta’ dawk il-karburanti rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika dment li l-installazzjoni turi li l-elettriku kkonċernat ġie fornut mingħajr ma ttieħed l-elettriku mill-grilja.***

***L-elettriku li ttieħed mill-grilja jista’ jingħadd bħala rinnovabbli b’mod sħiħ sakemm ikun prodott esklussivament minn sorsi rinnovabbli u l-proprjetajiet rinnovabbli u kriterji xierqa oħra ntwerew, waqt li jiġi żgurat li l-karatteristiċi rinnovabbli ta’ dak l-elettriku jiġu ddikjarati darba biss u biss f’settur ta’ użu aħħari wieħed.***

***Dan jista’ jinkiseb billi jkun hemm konformità mar-rekwiżiti li ġejjin***:

***(a) biex juru l-proprjetajiet rinnovabbli, il-produtturi tal-karburanti għandhom ikunu meħtieġa jikkonkludu ftehim wieħed jew aktar dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli ma’ installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku għal ammont li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-ammont ta’ elettriku li jiġi ddikjarat bħala rinnovabbli b’mod sħiħ.***

***(b) il-bilanċ bejn l-elettriku rinnovabbli mixtri permezz ta’ ftehim wieħed jew aktar dwar ix-xiri tal-enerġija u l-ammont ta’ elettriku meħud mill-grilja għall-produzzjoni tal-karburanti għandu jinkiseb fuq bażi trimestrali sabiex il-produzzjoni tkun ikkwalifikata bis-sħiħ bħala karburant rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika.***

***Mill-1 ta’ Jannar 2030, il-bilanċ bejn l-elettriku rinnovabbli mixtri permezz ta’ ftehim wieħed jew aktar dwar ix-xiri tal-enerġija u l-ammont ta’ elettriku meħud mill-grilja għall-produzzjoni tal-karburanti għandu jinkiseb fuq bażi ta’ kull xahar, kull tliet xhur jew kull sena sabiex il-produzzjoni tkun ikkwalifikata bis-sħiħ bħala karburant rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika. Il-korrelazzjoni temporali għandha tiddependi fuq valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għall-impjanti eżistenti kollha, inklużi dawk ikkummissjonati qabel l-2030.***

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

***Fir-rigward tal-post fejn jinsab l-elettrolizzatur, għandha tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a) l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli skont il-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli tkun tinsab fl-istess pajjiż bħall-elettrolizzatur jew f’pajjiż ġar; jew***

***(b) l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli skont il-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli tinsab f’żona tal-offerti offshore maġenb il-pajjiż fejn jinsab l-elettrolizzatur jew f’pajjiż ġar.***

***L-elettriku li ttieħed jew li ġie injettat mill-ġdid minn faċilità tal-ħżin tal-elettriku mill-grilja jista’ jingħadd bħala rinnovabbli b’mod sħiħ sakemm ikun prodott esklussivament minn sorsi rinnovabbli u l-proprjetajiet rinnovabbli u kriterji xierqa oħra ntwerew, waqt li jiġi żgurat li l-proprjetajiet rinnovabbli ta’ dak l-elettriku jiġu ddikjarati darba biss u f’settur ta’ użu aħħari wieħed biss*** **[Am. 13].**

***L-elettriku ġġenerat minn vettura elettrika solari u użat għall-moviment tal-vettura nnifisha jista’ jingħadd bħala kompletament rinnovabbli.”*** **[Am. 32]**;

(17) L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma mħassra.

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Sal-31 ta’ Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika l-metodoloġija biex tiddetermina s-sehem tal-bijokarburant, u tal-bijogass għat-trasport, li jirriżultaw mill-bijomassa li tkun qed tiġi pproċessata ma’ karburanti fossili fi proċess komuni.”;

***(ba) fil-paragrafu 6, il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b’dan li ġej:***

***“(c) il-ħtieġa li jiġu evitati effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi, filwaqt li titqies id-disponibbiltà futura tal-materja prima u l-ħtieġa li tiġi evitata distorsjoni tas-suq li twassal għal importazzjonijiet massivi ta’ materja prima;***

***(d) il-potenzjal li jwassal għall-iffrankar sostanzjali tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra meta mqabbla ma’ karburanti fossili abbażi ta’ valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-volumi disponibbli tal-materja prima u s-sehem tal-użi industrijali preeżistenti li jikkompetu, b’kunsiderazzjoni xierqa tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali;”;***

(c) fil-paragrafu 7, “stabbilit fir-raba’ subparagrafu tal-Artikolu 25(1)” hija sostitwita bi “stabbilit fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)”;

(18) L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

***(-i) fl-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b’dan li ġej:***

***“L-enerġija mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta’ dan is-subparagrafu biss jekk tissodisfa l-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 ta’ dan l-Artikolu, u jekk tieħu kont tal-ġerarkija tal-iskart kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju kaskata msemmi fl-Artikolu 3;”*** **[Am. 43]**;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-kontribut lejn is-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri u l-miri msemmija fl-Artikoli 3(1), 15a(1), 22a(1), 23(1), 24(4), u 25(1) ta' din id-Direttiva;";

***(ia) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:***

***"L-enerġija mill-karburanti tal-bijomassa solida ma għandhiex tiġi kkunsidrata għall-finijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu jekk dawn ikunu dderivati mill-bijomassa primarja tal-injam kif iddefinit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva"; Għall-fini li jikkontribwixxi għall-mira tas-sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 3(1), is-sehem tal-enerġija minn karburanti tal-bijomassa solidi derivati minn bijomassa tal-injam primarja kif definit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva ma għandux ikun aktar mis-sehem tal-konsum globali tal-enerġija tal-medja ta' tali karburant fl-2017–2022 abbażi tal-aħħar data disponibbli."*** [Am. 44]

***(ib) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Madankollu, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-iskart u r-residwi, minbarra r-residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akwakultura, is-sajd u l-forestrija, iridu jissodisfaw biss il-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stipulat fil-paragrafu 10 sabiex jitqiesu għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu. Madankollu, f'każ ta' skart imħallat, l-operaturi huma meħtieġa japplikaw sistemi ta' separazzjoni tal-iskart imħallat ta' kwalità ddefinita, bl-għan li jitneħħew il-materjali fossili. Dan is-subparagrafu għandu japplika wkoll għal skart u residwi li l-ewwel jiġu pproċessati fi prodott qabel ikomplu jiġu proċessati f'bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa.";***

(ii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-karburanti tal-bijomassa għandhom jissodisfaw il-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 jekk jintużaw,

— (a) fil-każ ta' karburanti tal-bijomassa solida, f'installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' ***7,5*** MW jew aktar,

— (b) fil-każ ta' karburanti ta' bijomassa gassuża, f'installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' 2 MW jew aktar,

— (c) fil-każ ta' installazzjonijiet li jipproduċu karburanti ta' bijomassa gassuża bir-rata medja tal-fluss tal-bijometan li ġejja:

(i) aktar minn ***500*** $m^3$ ta' ekwivalenti ta' metan/siegħa mkejjel f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura u pressjoni (jiġifieri 0 °C u pressjoni atmosferika ta' 1 bar);

(ii) jekk il-bijogass ikun magħmul minn taħlita ta' metan u gassijiet oħra mhux kombustibbli, għar-rata tal-fluss tal-metan, il-limitu stabbilit fil-punt (i) ikkalkulat mill-ġdid b'mod proporzjonali għas-sehem volumetriku tal-metan fit-taħlita.";

(iii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara r-raba' subparagrafu:

"L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal installazzjonijiet b'kapaċità termali kklassifikata totali jew rata ta' fluss tal-bijometan aktar baxxa.";

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*(aa) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewswel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'valur għoli ta' bijodiversità, jiġifieri art li kellha status wieħed minn dawn li ġejjin f'Jannar 2008 jew warajh, kemm jekk l-art għad għandha dan l-istatus u kemm jekk le:*

*(a) foresta primarja u qadima u art oħra msaġġra, jiġifieri foresta u art oħra msaġġra ta' speċijiet nattivi, fejn m'hemmx indikazzjoni ċarament viżibbli ta' attività tal-bniedem u l-proċessi ekoloġiċi mhumiex mittiefsa b'mod sinifikanti;*

*(b) foresta b'bijodiversità għolja u art imsaġġra oħra rikka fl-ispeċijiet u mhux degradata, u li tkun ġiet identifikata bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma ħolqitx interferenza ma' dawk il-finijiet ta' ħarsien tan-natura;*

*(c) żoni deżinjati:*

*(i) mil-liġi jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' ħarsien tan-natura; jew*

*(ii) għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu li huma rikonoxxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi mfassla minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, soġġett għar-rikonoxximent tagħhom skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(4), sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma ħolqitx interferenza ma' dawk il-finijiet ta' ħarsien tan-natura;*

*(d) bur b'bijodiversità għolja ta' aktar minn ettaru li huwa:*

*(i) naturali, jiġifieri bur li se jibqa' bur fin-nuqqas ta' intervent tal-bniedem u li jżomm il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet naturali u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi; jew*

*(ii) mhux naturali, jiġifieri bur li mingħajr l-intervent tal-bniedem ma jibqax bur u li huwa rikk fl-ispeċijiet u mhux degradat u li ġie identifikat bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ħsad tal-materja prima jkun meħtieġ biex jinżamm l-istatus tiegħu ta' bur ta' bijodiversità għolja.*

*(iii) xagħri li jżomm il-kompożizzjoni naturali tal-ispeċijiet u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi.*";

(b) fil-paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

"Dan il-paragrafu, bl-eċċezzjoni tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), japplika wkoll għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti.";

(c) *il-paragrafu* 4 *huwa sostitwit b'dan li ġej*:

"*4. "Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'ħażna għolja ta' karbonju, jiġifieri art li kellha status wieħed minn dawn li ġejjin f'Jannar 2008 u li m'għadx għandha dak l-istatus:*

*(a) artijiet mistagħdra, jiġifieri art li hija miksija jew saturata bl-ilma permanentement jew għal parti sinifikanti tas-sena;*

*(b) żoni kontinwament ifforestati, jiġifieri art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' aktar minn 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawk il-limiti in situ;*

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(c)*** ***art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' bejn 10 % u 30 %, jew siġar li jistgħu jilħqu dawn il-limiti in situ, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-ħażna ta' karbonju taż-żona qabel u wara l-konverżjoni hija tali li, meta tiġi applikata l-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V, il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfati;***

***(ca)*** ***xagħri li jżomm il-kompożizzjoni naturali tal-ispeċijiet u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi***.

***Dan il-paragrafu ma għandux japplika jekk, fiż-żmien meta nkisbet il-materja prima, l-art kellha l-istess status li kellha f'Jannar 2008.***

"L-ewwel subparagrafu, bl-eċċezzjoni tal-punti (b) u (c), u t-tieni subparagrafu japplikaw ukoll għall-bijo-karburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola jew tal-foresti kkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art li f'Jannar 2008 kienet torbiera, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li turi li l-kultivazzjoni u l-ħsad ta' dik il-materja prima ma jinvolvux id-drenaġġ ta' ħamrija li qabel ma jkunx sarilha drenaġġ ***u l-konformità fl-livell nazzjonali jew subnazzjonali, f'konformità mal-kriterji biex jiġi mminimizzat ir-riskju li tintuża bijomassa tal-foresti dderivata minn produzzjoni mhux sostenibbli msemmija fil-paragrafu 6, tkun tista' tiġi rrappurtata mill-awtorità nazzjonali kompetenti***.";

***(da)*** ***jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"5a. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola meqjusa għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn pajjiż li mhux Stat parti għall-Ftehim ta' Pariġi";***

(e) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu ***huwa emendat b'dan li ġej***:

***(i) il-kliem introduttorju jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa forestali kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx jiġu derivati minn bijomassa tal-injam primarja, għandhom jieħdu kont tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju ta' kaskata msemmi fl-Artikolu 3, u għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' użu tal-bijomassa tal-injam li ġejja minn produzzjoni mhux sostenibbli: Għall-fini li jikkontribwixxi għall-miri rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 3(1), is-sehem tal-enerġija minn karburanti tal-bijo-massa, bijolikwidi u bijokarburanti derivati minn bijomassa tal-injam primarja kif definit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva ma għandux ikun aktar mis-sehem tal-konsum globali tal-enerġija tal-medja ta' tali karburanti fl-2017–2022 abbażi tal-aħħar data disponibbli."*** [Am. 45]

***(ii) fil-punt (a), il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(iii) li ż-żoni deżinjati mil-liġi internazzjonali jew nazzjonali jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' konservazzjoni tan-natura, inkluż fl-artijiet mistagħdra, mergħat, xagħri u torbiera, ikunu protetti bl-għan li tiġi preservata l-bijodiversità u li tiġi evitata l-qerda tal-ħabitats kif stipulat fid-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE, li jiġi preservat l-istatus ambjentali tal-oċeani kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE, kif ukoll l-istatus ekoloġiku tax-xmajjar kif stipulat fid-Direttiva 2000/60/KE;";***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(***iii***) ***fil-punt*** (a), il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iv) li l-ħsad isir ***filwaqt li jiġi żgurat li tinżamm il-kwalità*** tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu ***evitati*** l-impatti negattivi, b'mod li ***jevita l-ħsad*** tal-ġdur u tal-għeruq ***li ma jkunux xierqa għall-użu materjali eż. permezz tal-użu ta' prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti***, id-degradazzjoni tal-foresti primarji ***u qodma*** jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamriji vulnerabbli; li ***jevita*** tqaċċit tas-siġar, ***dment li dan ma jwassalx għal kundizzjonijiet favorevoli u xierqa għall-ekosistema,*** jiżgura limiti xierqa lokalment ***u ekoloġikament*** għall-estrazzjoni tal-injam niexef, u ***jiżgura*** rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità:";

***(v) fil-punt*** (b), il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iv) li l-ħsad isir ***filwaqt li jiġi żgurat li tinżamm il-kwalità*** tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu ***evitati*** l-impatti negattivi, b'mod li ***jevita l-ħsad*** tal-ġdur u tal-għeruq ***li ma jkunux xierqa għall-użu materjali eż. permezz tal-użu ta' prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti***, id-degradazzjoni tal-foresti primarji ***u qodma*** jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamriji vulnerabbli; li ***jevita*** tqaċċit tas-siġar, ***dment li dan ma jwassalx għal kundizzjonijiet favorevoli u xierqa għall-ekosistema,*** jiżgura limiti xierqa lokalment ***u ekoloġikament*** għall-estrazzjoni tal-injam niexef, u ***jiżgura*** rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità:";

***(fa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"7a. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti ma għandhomx jaqbżu l-limitu massimu ddefinit fil-livell nazzjonali għall-użu tal-bijomassa tal-foresti li jkun konsistenti mal-miri tal-Istat Membru għat-tkabbir tal-bjar tal-karbonju, kif iddefinit fir-Regolament … [ir-Regolament 2018/841 rivedut].";***

(g) fil-paragrafu 10, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) mill-anqas 70 % għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ mill-karburanti tal-bijomassa użati fl-installazzjonijiet ***li jibdew joperaw mill-1 ta' Jannar 2021*** sal-31 ta' Diċembru 2025, u mill-anqas ***85*** % ***għall-installazzjonijiet li jibdew joperaw*** mill-1 ta' Jannar 2026. **[Am. 46]**;;"

***(ga) fil-paragrafu 11, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"11. ***L-elettriku mill-karburanti mill-bijomassa għandu jitqies għall-finijiet msemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biss jekk il-karburanti li qed jintużaw ma jinkludux il-bijomassa tal-injam primarja u jekk jissodisfa wieħed jew aktar mir-rekwiżiti li ġejjin. Għall-fini li jikkontribwixxi għall-miri rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 3(1), is-sehem tal-elettriku minn karburanti tal-bijomassa derivati minn bijomassa tal-injam primarja kif definit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva ma għandux ikun aktar mis-sehem tal-konsum globali tal-elettriku tal-medja ta' tali karburanti fl-2017–2022 abbażi tal-aħħar data disponibbli."*** **[Am. 47]**;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

***(gb) il-paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"13 Għall-finijiet*** imsemmija ***fl-ewwel*** subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw, għal perjodu ta' żmien limitat, mill-kriterji stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 u 11 ta' dan l-Artikolu billi jadottaw kriterji differenti għal:

(a) installazzjonijiet li jinsabu f'reġjun ultraperiferiku kif imsemmi fl-Artikolu 349 ***tat-TFUE*** sa fejn tali faċilitajiet jipproduċu elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn karburanti mill-bijomassa ***u bijolikwidi, u għall-bijokarburanti b'mod partikolari għas-settur spazjali u l-attivitajiet astrofiżiċi relatati***; kif ukoll

(b) karburanti mill-bijomassa ***u bijolikwidi*** użati fl-installazzjonijiet ***u bijokarburanti b'mod partikolari għas-settur spazjali u l-attivitajiet astrofiżiċi relatati msemmija fil-punt*** (a) ta' dan is-subparagrafu, irrispettivament mill-post ta' oriġini ta' dik il-bijomassa, sakemm tali kriterji jkunu oġġettivament iġġustifikati għal raġunijiet li l-għan tagħhom huwa ***l-iżgurar***, għal dan ir-reġjun ultraperiferiku, ***tal-aċċess għal enerġija sikura*** u ***żgurata*** u ***l-inċentivar tat-tranżizzjoni*** mill-karburanti fossili għal karburanti mill-bijomassa ***u l-bijolikwidi*** sostenibbli.

***Il-bijolikwidi, il-bijokarburanti u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-injam primarja estratti b'mod sostenibbli u li jirriżultaw mill-ippjanar tal-użu tal-art f'reġjun ultraperiferiku fejn il-foresti jkopru mill-inqas 90 % tat-territorju ta' dak ir-reġjun ultraperiferiku għandhom jitqiesu għall-finijiet imsemmija fil-punt (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29.***

***Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija fir-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jagħtu appoġġ għall-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa tal-foresti f'installazzjonijiet tal-elettriku biss li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmi fl-Artikolu 349 TFUE.*** [Am. 33]"

***(gc) il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"14. Għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji addizzjonali dwar is-sostenibbiltà ***għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u*** l-karburanti mill-bijomassa.";

(19) jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

"L-Artikolu 29a

**Kriterji għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat**

1. L-enerġija minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għandha tingħadd għall-ishma tal-Istati Membri tal-enerġija rinnovabbli u l-miri msemmija fl-Artikoli 3(1), 15a(1), 22a(1), 23(1), 24(4) u 25(1) biss jekk l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu ta' dawk il-karburanti jkun ta' mill-anqas 70 %.

2. L-enerġija mill-karburanti tal-karbonju riċiklat tista' tingħadd għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), biss jekk l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu ta' dawk il-karburanti jkun ta' mill-anqas 70 %.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u minn karburanti tal-karbonju riċiklat. Il-metodoloġija għandha tiżgura li l-kreditu għall-emissjonijiet evitati ma jingħatax għas-$CO_2$ li l-qbid tiegħu diġà rċieva kreditu tal-emissjonijiet skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi. ***Il-kontenut tal-karbonju tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-atmosfera għandhom jiġu inklużi fil-metodoloġija.***

***Fi kwalunkwe każ, il-metodoloġija biex tivvaluta l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-karburanti tal-karbonju riċiklati għandha tqis il-karbonju inkorporat, f'approċċ ta' ċiklu tal-ħajja.";***

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

*(19a)* ***jiddaħħal l-Artikolu 29b li ġej:***

***"L-Artikolu 29b***

***Kriterji ta' sostenibbiltà għall-impjanti idroelettriċi***

***L-enerġija ġġenerata mill-idroelettriku għandha tiġi prodotta f'impjant li, f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 11 ta' dik id-Direttiva, ikun implimenta l-miżuri kollha ta' mitigazzjoni teknikament fattibbli u ekoloġikament rilevanti biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq l-ilma kif ukoll miżuri biex jittejbu l-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament mill-ilma.";***

(20) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fejn il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju rriċiklat għandhom jingħaddu mal-miri msemmija fl-Artikoli 3(1), 15a(1), 22a(1), 23(1), 24(4) u 25(1), l-Istati Membri għandhom jesiġu lill-operaturi ekonomiċi juru***, permezz ta' awditi indipendenti u disponibbli għall-pubbliku obbligatorji,*** li l-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29(2) sa (7) u (10) u 29a(1) u (2) għall-karburanti rinnovabbli u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat ġew issodisfati. Għal dak il-għan, huma għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jużaw sistema ta' bilanċ tal-massa li:";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli dwar il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29(2) sa (7) u (10) u 29a(1) u (2), ***jieħdu inkunsiderazzjoni l-miri tal-UE għall-bijodiversità,*** u li l-operaturi ekonomiċi jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri rilevanti ***u tal-pubbliku***, fuq talba, id-data li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jakkreditaw fornituri indipendenti ta' servizzi ta' assigurazzjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, biex jipprovdu opinjoni dwar l-informazzjoni sottomessa u biex jipprovdu evidenza li dan ikun sar. Sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 29(3), punti (a), (b) u (d), mal-Artikolu 29(4), punt (a), mal-Artikolu 29(5), mal-Artikolu 29(6), punt (a) u mal-Artikolu 29(7), punt (a), l-awditjar tal-ewwel jew tat-tieni parti jista' jintuża sal-ewwel punt ta' ġbir tal-bijomassa tal-foresti. L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma preċiżi, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi, inkluża verifika li tiżgura li l-materjali ma humiex mmodifikati jew mormija intenzjonalment sabiex il-kunsinna jew parti minnha tkun tista' ssir skart jew residwu. Dan għandu jevalwa l-frekwenza u l-metodoloġija tat-teħid tal-kampjuni u l-affidabbiltà tad-data.***

L-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat jkunux prodotti fl-Unjoni jew ikunux importati. L-informazzjoni dwar l-oriġini ġeografika u t-tip ta' materja prima tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa għal kull fornitur tal-karburanti għandha ssir disponibbli għall-konsumaturi ***b'mod aġġornat, faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent*** fuq is-siti web tal-operaturi, tal-fornituri ***u*** tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ***kif ukoll fl-istazzjonijiet ta' rifurniment*** u għandha tiġi aġġornata fuq bażi annwali.";

(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li skemi nazzjonali jew internazzjonali volontarji li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli u karburanti tal-karbonju riċiklat, jipprovdu data preċiża dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-finijiet tal-Artikoli 29(10) u 29a (1) u (2), juru konformità mal-Artikoli 27(3) u 31a(5), jew juru li l-kunsinni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7). Meta juru li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29(6) u (7) huma ssodisfati, l-operaturi jistgħu jipprovdu l-evidenza meħtieġa direttament fil-livell taż-żona tas-sorsi. Il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew ta' speċijiet rari,

mhedda jew fil-periklu, rikonoxxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi mfassla minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura għall-finijiet tal-Artikolu 29(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(ii).";

***(ca) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawk l-iskemi jkollhom informazzjoni eżatta dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, għar-restawr ta' art degradata ***u*** għall-evitar ta' konsum eċċessiv tal-ilma f'żoni fejn l-ilma hu skars ▌.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skemi nazzjonali fejn il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29(2) sa (7) u (10) u 29a(1) u (2), f'konformità mal-metodoloġija żviluppata skont l-Artikolu 29a(3), hija vverifikata tul il-katina kollha tal-kustodja li tinvolvi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawk l-iskemi jistgħu jintużaw ukoll biex tiġi vverifikata l-preċiżjoni u l-kompletezza tal-informazzjoni inkluża mill-operaturi ekonomiċi fil-bażi tad-data tal-Unjoni, biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 27(3) u għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art.

Stat Membru jista' jinnotifika tali skema nazzjonali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-valutazzjoni ta' tali skema sabiex tiffaċilita r-rikonoxximent bilaterali u multilaterali reċiproku ta' dawk l-iskemi. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jekk tali skema nazzjonali nnotifikata tikkonformax mal-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3).

Fejn id-deċiżjoni tkun pożittiva, skemi oħrajn rikonoxxuti mill-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu ma għandhomx jirrifjutaw ir-rikonoxximent reċiproku mal-iskema nazzjonali ta' dak l-Istat Membru fir-rigward tal-verifika tal-konformità mal-kriterji li għalihom tkun ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni.

Għall-installazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin u t-tkessiħ tal-elettriku b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' bejn 5 u ***10*** MW, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi nazzjonali ssimplifikati ta' verifika biex jiżguraw l-issodisfar tal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fil-paragrafi (2) sa (7) u (10) tal-Artikolu 29.";

(e) fil-paragrafu 9, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"***9.*** "Meta operatur ekonomiku jipprovdi evidenza jew data miksuba f'konformità ma' skema li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 4 jew 6, Stat Membru ma għandux jesiġi li l-operatur ekonomiku jipprovdi aktar evidenza ta' konformità mal-elementi koperti mill-iskema li għaliha l-iskema tkun ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni.";

(f) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"***10.*** "Fuq talba ta' Stat Membru, li tista' tkun ibbażata fuq it-talba ta' operatur ekonomiku, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-evidenza kollha disponibbli, teżamina jekk il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) u fl-Artikolu 29a(1) u (2) fir-rigward ta' sors ta' karburanti rinnovabbli u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat ġewx issodisfati.

Fi żmien sitt xhur mill-wasla ta' talba bħal din u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34 (3), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat jistax:

(a) iqis il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat minn dak is-sors għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(1); jew

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

(b) b’deroga mill-paragrafu 9 ta’ dan l-Artikolu, jesiġi li l-fornituri tas-sors ta’ karburanti rinnovabbli u ta’ karburanti tal-karbonju riċiklat għandhom jipprovdu aktar evidenza ta’ konformità ma’ dawk il-kriterji ta’ sostenibbiltà u ta’ ffrankar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra u dawk il-limiti ta’ ffrankar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra.”;

▌

(22) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“L-Artikolu 31a

**Bażi tad-data tal-Unjoni**

1. ***Sa … [tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja],*** il-Kummissjoni għandha tiżgura li tiġi stabbilita bażi tad-data tal-Unjoni li tippermetti t-traċċar ***ta’ karburanti tal-bijomassa,*** ta’ karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi u ta’ karburanti tal-karbonju riċiklat ***(il-‘Bażi tad-Data tal-Unjoni’)***.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi rilevanti f’dik il-bażi tad-data jdaħħlu fil-ħin informazzjoni preċiża dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u ***dwar il-kriterji*** ta’ sostenibbiltà tal-karburanti soġġetti għal dawk it-tranżazzjonijiet, inklużi l-emissjonijiet tagħhom ta’ gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja, mill-punt tal-produzzjoni tagħhom sal-mument li jiġu kkunsmati fl-Unjoni. ***Is-sistema tal-gass interkonnessa għandha titqies bħala sistema ta’ bilanċ tal-massa waħda. L-informazzjoni dwar l-injezzjoni u l-irtirar għandha tiġi pprovduta fil-Bażi tad-Data tal-Unjoni għall-karburanti gassużi.*** L-informazzjoni dwar jekk ġiex ipprovdut appoġġ għall-produzzjoni ta’ kunsinna speċifika ta’ karburant, u jekk iva, dwar it-tip ta’ skema ta’ appoġġ, għandha tiġi inkluża wkoll fil-bażi tad-data.

Fejn xieraq biex tittejjeb it-traċċabbiltà tad-data tul il-katina tal-provvista kollha, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 35 biex testendi ulterjorment il-kamp ta’ applikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-bażi tad-data tal-Unjoni biex tkopri data rilevanti mill-punt tal-produzzjoni jew tal-ġbir tal-materja prima użata għall-produzzjoni tal-karburant.

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-fornituri tal-karburanti jdaħħlu l-informazzjoni meħtieġa biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, fil-bażi tad-data tal-Unjoni.

***Minkejja s-subparagrafi 1 sa 3, għall-karburanti gassużi rinnovabbli u għall-karburanti gassużi injettati fis-sistema tal-gass Ewropea, l-operaturi ekonomiċi għandhom idaħħlu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u l-kriterji ta’ sostenibbiltà u informazzjoni rilevanti oħra bħall-emissjonijiet ta’ gassijiet serra tal-karburanti sal-istadju ta’ injezzjoni fis-sistema interkonnessa tal-gass, fejn is-sistema ta’ traċċabbiltà tal-ibbilanċjar tal-massa tkun ikkomplementata minn garanziji tal-oriġini.***

3. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-bażi tad-data tal-Unjoni għall-finijiet ta’ monitoraġġ u verifika tad-data.

4. ***Meta jkunu*** nħarġu garanziji tal-oriġini għall-produzzjoni ta’ kunsinna ta’ gassijiet rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-garanziji tal-oriġini jiġu kkanċellati ***wara li*** l-kunsinna ta’ gassijiet rinnovabbli ***tiġi rtirata mis-sistema interkonnessa tal-gass***.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-preċiżjoni u l-kompletezza tal-informazzjoni inkluża mill-operaturi ekonomiċi fil-bażi tad-data tiġi vverifikata, pereżempju billi jintużaw skemi volontarji jew nazzjonali***, li tista’ tiġi kkomplementata b’sistema ta’ garanziji tal-oriġini***.

***5a. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b’mod miftuħ, trasparenti u faċli għall-utent kif ukoll tinżamm aġġornata.***

***Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapporti annwali għall-pubbliku ġenerali dwar l-informazzjoni rrapportata fil-bażi tad-data tal-Unjoni inklużi l-kwantitajiet, l-oriġini ġeografika u t-tip ta’ materja prima tal-karburanti rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju.”;***

***(22a) L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:***

***“3. Fl-2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, jekk xieraq, proposta leġiżlattiva dwar il-qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-perjodu ta’ wara l-2030.”;***

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

***(b) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***“Meta tkun qed tħejji l-proposta leġiżlattiva msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis:***

***(a) il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 401/2009;***

***(b) il-baġit indikattiv previst tal-Unjoni għal gassijiet serra kif stipulat fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva (UE) 2021/1119;***

***(c) il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima ppreżentati mill-Istati Membri sat-30 ta’ Ġunju 2024 skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999;***

***(d) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, inklużi l-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra; u***

***(e) l-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.”;***

***(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***“4a. Sa … [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja] il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva u tippubblika rapport li jistabbilixxi l-konklużjonijiet tar-rieżami tagħha. B’mod partikolari, dan ir-rieżami għandu jeżamina dan li ġej:***

***(a) l-effetti esterni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent;***

***(b) il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva;***

***(c) l-istatus tal-implimentazzjoni ta’ inizjattivi relatati dwar l-enerġija rinnovabbli skont ir-RepowerEU;***

***(d) jekk iż-żieda fid-domanda għall-elettriku fis-setturi tat-trasport, tal-industrija, tal-bini u tat-tisħin u t-tkessiħ u għall-produzzjoni ta’ RFNBOs hjiex issodisfata b’ammonti ekwivalenti ta’ kapaċitajiet ta’ ġenerazzjoni rinnovabbli;***

***(e) tnaqqis gradwali, sal-2030, tas-sehem ta’ karburanti derivati minn bijomassa tal-injam primarja kif definit fl-Artikolu 2 ta’ din id-Direttiva, għall-fini tal-għadd għall-miri rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 3(1), abbażi ta’ valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni. Din ir-reviżjoni għal tnaqqis gradwali għandha tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard minn… [3 snin wara t-traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva emendatorja]*** *[Am. 48].*

***Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jadattaw kontinwament għall-aħjar prattiki amministrattivi fir-rigward ta’ proċeduri amministrattivi u jieħdu l-miżuri l-oħra kollha biex jissimplifikaw l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva u jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-atturi involuti u s-setturi affettwati għal livell minimu.”;***

(23) L-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(3), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 29a(3), fl-Artikolu 26(2), ir-raba’ subparagrafu, fl-Artikolu 26(2), il-ħames subparagrafu, fl-Artikolu 27(1), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 27(3), ir-raba’ subparagrafu, fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 28(6), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 31(5), it-tieni subparagrafu, u fl-Artikolu 31a(2), it-tieni subparagrafu, għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ħames snin minn [id-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta’ setgħa mhux iktar tard minn disa’ xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ ħames snin. Id-delega ta’ setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi ta’ żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikolu 7(3), il-ħames subparagrafu, fl-Artikolu 8(3), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 29a(3), fl-Artikolu 26(2), ir-raba’ subparagrafu, fl-Artikolu 26(2), il-ħames subparagrafu, fl-Artikolu 27(1), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 27(3), ir-raba’ subparagrafu, fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 28 (6), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 31(5), u fl-Artikolu 31a(2), it-tieni subparagrafu, tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta’ setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.”;

(c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(3), il-ħames subparagrafu, l-Artikolu 8(3), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 29a(3), l-Artikolu 26(2), ir-raba’ subparagrafu, l-Artikolu 26(2) il-ħames subparagrafu, l-Artikolu 27 (1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 27(3), ir-raba’ subparagrafu, l-Artikolu 28(5), l-Artikolu 28(6), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 31(5), u l-Artikolu 31a(2), it-tieni subparagrafu għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(24) l-Annessi huma emendati f’konformità mal-Anness ta’ din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2018/1999**

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 11 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(11) ‘il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030’ tfisser il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta’ tnaqqis domestiku ta’ mill-anqas 40 % fl-emissjonijiet ta’ gassijiet serra fl-ekonomija kollha meta mqabbel mal-1990 li trid tintlaħaq sal-2030, il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni ta’ mill-anqas 32,5 % għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-2030, u l-mira tal-interkonnessjoni tal-elettriku ta’ 15 % għall-2030 jew kwalunkwe mira sussegwenti f’dan ir-rigward maqbula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-2030.”;

(b) fil-punt 20, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni bbażati fuq il-valutazzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 29 (1) fir-rigward tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-implimentazzjoni bikrija tal-kontribut ta’ Stat Membru lejn il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u kif imkejjel mal-punti ta’ referenza nazzjonali tagħha għall-enerġija rinnovabbli;”;

(2) Fl-Artikolu 4, il-punt (a)(2) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(2) fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli:

Bl-għan li tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kontribut għal dik il-mira f’termini tas-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-Istat Membru fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030, bi trajettorja indikattiva għal dak il-kontribut mill-2021 ’il quddiem. Sal-2022, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta’ referenza ta’ mill-anqas 18 % taż-żieda totali fis-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta’ dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030. Sal-2025, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta’ referenza ta’ mill-anqas 43 % taż-żieda totali fis-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta’ dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030. Sal-2027, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta’ referenza ta’ mill-anqas 65 % taż-żieda totali fis-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta’ dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030.

**L-Erbgħa 14 ta’ Settembru 2022**

Sal-2030, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq mill-anqas il-kontribut ippjanat tal-Istat Membru. Jekk Stat Membru jistenna li jaqbeż il-mira nazzjonali vinkolanti tiegħu għall-2020, it-trajettorja indikattiva tiegħu tista’ tibda fil-livell li tkun ipproġettata li tilħaq. It-trajettorji indikattivi tal-Istati Membri, meħudin flimkien, għandhom jikkorrispondu għall-punti ta’ referenza tal-Unjoni fl-2022, fl-2025 u fl-2027 u għall-mira vinkolanti tal-Unjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001. B’mod separat mill-kontribut tiegħu għall-mira tal-Unjoni u t-trajettorja indikattiva tiegħu għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, Stat Membru għandu jkun liberu li jindika ambizzjonijiet ogħla għall-finijiet tal-politika nazzjonali.”;

(3) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Istati Membri b’mod kollettiv għandhom jiżguraw li s-somma tal-kontribuzzjonijiet tagħhom tammonta għal mill-anqas il-livell tal-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.”;

(4) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar fis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-Unjoni abbażi ta’ trajettorja indikattiva tal-Unjoni li tibda minn 20 % fl-2020, tilħaq punti ta’ referenza ta’ mill-anqas 18 % fl-2022, 43 % fl-2025 u 65 % fl-2027 taż-żieda totali fis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli fl-2020 u l-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli fl-2030, u tilħaq il-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.”;

*Artikolu 3*

**Emendi għad-Direttiva 98/70/KE**

Id-Direttiva 98/70/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 1

Kamp ta’ applikazzjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi, fir-rigward ta’ vetturi tat-triq, u makkinarju mobbli mhux tat-triq (inklużi bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni meta ma jkunux fuq il-baħar), tratturi tal-biedja u tal-forestrija, u dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni meta ma jkunux fuq il-baħar, speċifikazzjonijiet tekniċi għal raġunijiet ambjentali u ta’ saħħa għall-karburanti li għandhom jintużaw ma’ magni ‘positive ignition’ u magni ‘compression ignition’, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti tekniċi ta’ dawk il-magni.”;

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti 1, 2 u 3 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“1. ‘petrol’ tfisser kull żejt minerali volatili maħsub għat-tħaddim ta’ magni tal-kombustjoni interna positive ignition għall-propulsjoni ta’ vetturi u li jaqgħu fil-kodiċijiet NM 2710 12 41, 2710 12 45 u 2710 12 49;

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

2. 'karburanti tad-diżil' tfisser żjut tal-gass li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2710 19 43 ([24]) kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]) u fir-Regolament (KE) 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]) u li jintużaw għal vetturi awtopropulsivi;

"3. 'żjut tal-gass maħsuba għall-użu minn makkinarju mobbli mhux tat-triq (inklużi bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni), tratturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, u dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni' tfisser kwalunkwe likwidu derivat miż-żejt naturali, li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 2710 19 43 ([27]), imsemmija fid-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]), fir-Regolament (UE) 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]) u fir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]) u maħsuba għall-użu f'magni compression ignition.";

(b) il-punti 8 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"8. 'fornitur' tfisser 'fornitur tal-karburant' kif definit fl-Artikolu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (38) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]);

"9. 'bijokarburanti' tfisser 'bijokarburanti' kif definiti fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (33) tad-Direttiva 2018/2001;";

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-fornituri jiżguraw it-tqegħid fis-suq tad-diżil b'kontenut ta' mhux aktar minn 7 % ta' ester metiliku tal-aċidi xaħmin (FAME)."

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontenut massimu permissibbli ta' kubrit fiż-żjut tal-gass maħsuba għall-użu minn makkinarju mobbli mhux tat-triq (inklużi bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni), tratturi agrikoli u tal-forestrija u dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni jkun ta' 10 mg/kg. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-karburanti likwidi barra minn dawk iż-żjut tal-gass jistgħu jintużaw f'bastimenti għall-passaġġi tal-ilma interni u dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni biss jekk il-kontenut ta' kubrit f'dawn il-karburanti likwidi ma jaqbiżx il-kontenut massimu permissibbli ta' dawk iż-żjut tal-gass.";

---

([24]) In-numerazzjoni ta' dawn il-kodiċijiet NM kif speċifikata fit-Tariffa Doganali Komuni, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana. (ĠU L 256 7.9.1987, p. 1).

([25]) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

([26]) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni fir-rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1);

([27]) In-numerazzjoni ta' dawn il-kodiċijiet NM kif speċifikata fit-Tariffa Doganali Komuni, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana. (ĠU L 256 7.9.1987, p. 1).

([28]) Id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90).

([29]) Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, (ĠU L 060, 2.3.2013, p. 1).

([30]) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE, (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

([31]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.)

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

(4) l-Artikoli 7a sa 7e huma mħassra.

(5) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punti (g), (h), (i) u (k) huma mħassra;

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(6) L-Annessi I, II, IV u V huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data miġbura u rrapportata lill-awtorità maħtura mill-Istat Membru fir-rigward tas-sena [ĠU: issostitwixxi bis-sena kalendarja li matulha jidħol fis-seħħ it-tħassir] jew parti minnha f'konformità mal-Artikolu 7a(1), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 7a(7) tad-Direttiva 98/70/KE, li jitħassru mill-Artikolu 3(4) ta' din id-Direttiva, tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni.

(2) Il-Kummissjoni għandha tinkludi d-data msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi kwalunkwe rapport li hija obbligata tissottometti skont id-Direttiva 98/70/KE.

*Artikolu 5*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***2023***. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 6*

**Tħassir**

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 ([32]) hi mħassra b'effett minn [ĠU: issostitwixxi bis-sena kalendarja li matulha jidħol fis-seħħ it-tħassir].

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

***Sa Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-impatt komprensiva dwar l-effetti kkombinati u kumulattivi tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", inkluża din id-Direttiva.***

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

([32]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil, ĠU L 107, 25.4.2015, p. 26–67.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

**ANNESS I**

L-Annessi tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, l-aħħar ringiela fit-tabella hija mħassra;

▌

(3) L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

KONTENUT TA' ENERĠIJA FIL-KARBURANTI

| Karburant | Kontenut ta' enerġija skont il-piż (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/kg) | Kontenut ta' enerġija skont il-volum (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/l) |
|---|---|---|
| KARBURANTI TAL-BIJOMASSA U/JEW OPERAZZJONIJIET TAL-IPPROĊESSAR TAL-BIJOMASSA | | |
| Bijopropan | 46 | 24 |
| Żejt veġetali pur (żejt prodott minn pjanti taż-żejt permezz tal-ippressar, l-estrazzjoni jew proċeduri paragunabbli, grezz jew raffinat imma mhux modifikat kimikament) | 37 | 34 |
| Bijodiżil – aċidu grass metilester (metilester prodott minn żejt ta' oriġini mill-bijomassa) | 37 | 33 |
| Bijodiżil – aċidu grass etilester (etilester prodott minn żejt ta' oriġini mill-bijomassa) | 38 | 34 |
| Bijogass li jista' jissaffa sa kwalità ta' gass naturali | 50 | — |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għad-diżil | 44 | 34 |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-petrol | 45 | 30 |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-karburant tal-ġettijiet | 44 | 34 |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-gass likwifikat miż-żejt | 46 | 24 |
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għad-diżil | 43 | 36 |
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-petrol | 44 | 32 |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

| Karburant | Kontenut ta' enerġija skont il-piż (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/kg) | Kontenut ta' enerġija skont il-volum (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/l) |
|---|---|---|
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-karburant tal-ġettijiet | 43 | 33 |
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-gass likwifikat miż-żejt | 46 | 23 |
| KARBURANTI RINNOVABBLI LI JISTGĦU JIĠU PRODOTTI MINN SORSI RINNOVABBLI VARJI, INKLUŻ IL-BIJOMASSA | | |
| Metanol minn sorsi rinnovabbli | 20 | 16 |
| Etanol minn sorsi rinnovabbli | 27 | 21 |
| Propanol minn sorsi rinnovabbli | 31 | 25 |
| Butanol minn sorsi rinnovabbli | 33 | 27 |
| Diżil Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi li tintuża bħala sostitut għad-diżil) | 44 | 34 |
| Petrol Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi prodotta mill-bijomassa li tintuża bħala sostitut għall-petrol) | 44 | 33 |
| Karburant tal-ġettijiet Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi prodotta mill-bijomassa li tintuża bħala sostitut għall-karburant tal-avjazzjoni) | 44 | 33 |
| Gass likwifikat miż-żejt Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi li tintuża bħala sostitut għall-gass tal-petroljum likwifikat) | 46 | 24 |
| DME (dimetileter) | 28 | 19 |
| Idroġenu minn sorsi rinnovabbli | 120 | — |
| ETBE (etiltertjobutileter prodott abbażi tal-etanol) | 36 (li minnu 37 % minn sorsi rinnovabbli) | 27 (li minnu 37 % minn sorsi rinnovabbli) |
| MTBE (metiltertjobutileter prodott fuq il-bażi tal-metanol) | 35 (li minnu 22 % minn sorsi rinnovabbli) | 26 (li minnu 22 % minn sorsi rinnovabbli) |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

| Karburant | Kontenut ta' enerġija skont il-piż (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/kg) | Kontenut ta' enerġija skont il-volum (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/l) |
|---|---|---|
| TAEE (amiletileterterzjarju prodott fuq il-bażi tal-etanol) | 38 (li minnu 29 % minn sorsi rinnovabbli) | 29 (li minnu 29 % minn sorsi rinnovabbli) |
| TAME (amilmetileterterzjarju prodott fuq il-bażi tal-metanol) | 36 (li minnu 18 % minn sorsi rinnovabbli) | 28 (li minnu 18 % minn sorsi rinnovabbli) |
| THxEE (eżiletileterterzjarju prodott fuq il-bażi tal-metanol) | 38 (li minnu 25 % minn sorsi rinnovabbli) | 30 (li minnu 25 % minn sorsi rinnovabbli) |
| THxME (eżilmetileterterzjarju prodott fuq il-bażi tal-metanol) | 38 (li minnu 14 % minn sorsi rinnovabbli) | 30 (li minnu 14 % minn sorsi rinnovabbli) |
| KARBURANTI MHUX RINNOVABBLI | | |
| Petrol | 43 | 32 |
| Diżil | 43 | 36 |
| Idroġenu minn sorsi mhux rinnovabbli | 120 | — |

(4) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"TAĦRIĠ U ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLATURI U D-DISINJATURI TA' INSTALLAZZJONIJIET RINNOVABBLI"**

b) is-sentenza introduttorja u l-ewwel punt huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-iskemi ta' ċertifikazzjoni u l-programmi ta' taħriġ imsemmija fl-Artikolu 18(3) għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin:

1. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni għandu jkun trasparenti u definit b'mod ċar mill-Istati Membri jew mill-korp amministrattiv maħtur minnhom.";

c) Jiddaħħlu l-punti 1a u 1b li ġejjin:

"1a. Iċ-ċertifikati maħruġa mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu definiti b'mod ċar u faċli biex jiġu identifikati l-ħaddiema u l-professjonisti li jkunu jixtiequ jiksbu ċ-ċertifikazzjoni.

1b. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni għandu jippermetti lill-installaturi jistabbilixxu installazzjonijiet ta' kwalità għolja li joperaw b'mod affidabbli.";

d) Il-punti 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li gej:

"2. L-installaturi tal-bijomassa, tal-pompi tas-sħana, tal-enerġija ġeotermali tal-wiċċ***, tal-enerġija*** termali solari ***u tat-teknoloġiji tal-ħżin u tar-rispons għad-domanda, inklużi l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar,*** għandhom ikunu ċċertifikati minn programm ta' taħriġ jew minn fornitur tat-taħriġ akkreditat ***jew minn skemi ta' kwalifika formali skont il-liġi nazzjonali***."

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

3. L-akkreditazzjoni tal-programm ta' taħriġ jew tal-fornitur għandha ssir mill-Istati Membri jew mill-korp amministrattiv maħtur minnhom. Il-korp ta' akkreditazzjoni għandu jiżgura li ***l-programmi*** ta' taħriġ***, ta' titjib tal-ħiliet u ta' tiġdid tal-ħiliet offruti*** mill-fornitur tat-taħriġ ***ikunu inklużivi u jkollhom*** kontinwità u kopertura reġjonali jew nazzjonali.

   Il-fornitur tat-taħriġ għandu jkollu faċilitajiet tekniċi adegwati biex jipprovdi taħriġ prattiku, inkluż biżżejjed tagħmir tal-laboratorju jew faċilitajiet korrispondenti biex jipprovdi taħriġ prattiku.

   Minbarra t-taħriġ bażiku, il-fornitur tat-taħriġ għandu joffri korsijiet iqsar ta' aġġornament u titjib tal-ħiliet organizzati f'moduli ta' taħriġ li jippermettu lill-installaturi u lid-disinjaturi jżidu kompetenzi ġodda, iwessgħu u jiddiversifikaw il-ħiliet tagħhom f'diversi teknoloġiji u l-kombinamenti tagħhom. Il-fornitur tat-taħriġ għandu jiżgura l-adattament tat-taħriġ għal teknoloġiji rinnovabbli ġodda fil-kuntest tal-bini, l-industrija u l-agrikoltura. Il-fornituri tat-taħriġ għandhom jirrikonoxxu l-ħiliet rilevanti miksuba.

   Il-programmi u l-moduli ta' taħriġ għandhom jitfasslu b'tali mod li jippermettu t-tagħlim tul il-ħajja f'installazzjonijiet rinnovabbli u li jkunu kompatibbli mat-taħriġ vokazzjonali għal dawk li jkunu jfittxu impjieg għall-ewwel darba u l-adulti li jkunu qed ifittxu tiġdid tal-ħiliet jew impjieg ġdid.

   Il-programmi ta' taħriġ għandhom jitfasslu sabiex jiffaċilitaw il-kisba ta' kwalifika f'teknoloġiji u f'soluzzjonijiet differenti u jevitaw speċjalizzazzjoni limitata f'marka jew teknoloġija speċifika. Il-fornitur tat-taħriġ jista' jkun il-manifattur tat-tagħmir jew tas-sistema, jew istitut jew assoċjazzjoni.";

***da) Il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"5. Il-kors ta' taħriġ għandu jintemm b'eżami li jwassal għal ċertifikat jew kwalifika. L-eżami għandu jinkludi valutazzjoni prattika ta' installazzjoni tajba ta' boilers u stoves tal-bijomassa, pompi tas-sħana, installazzjonijiet ġeotermali tal-wiċċ, installazzjonijiet termali solari jew teknoloġiji ta' rispons għad-domanda u l-ħżin, inklużi stazzjonijiet tal-iċċarġjar.";***

e) Fil-punt 6(c), jiżdiedu l-punti (iv) u (v) li ġejjin:

"(iv) konoxxenza tal-istudji tal-fattibbiltà u tad-disinn;

(v) konoxxenza tat-tħaffir, f'każ ta' pompi tas-sħana ġeotermali.";

(5) fl-Anness V, il-parti C hija emendata kif ġej:

a) il-punti 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. L-emissjonijiet mill-estrazzjoni u l-kultivazzjoni ta' materja prima, eec, għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-proċess tal-estrazzjoni jew tal-kultivazzjoni nnifsu; mill-ġbir, tnixxif u ħżin ta' materja prima; mill-iskart u t-tnixxijiet; u mill-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi jew prodotti użati fl-estrazzjoni jew fil-kultivazzjoni. Il-qbid ta' $CO_2$ fil-kultivazzjoni ta' materja prima għandu jiġi eskluż. Jekk ikunu disponibbli, fil-kalkolu għandhom jiġu applikati l-valuri awtomatiċi diżaggregati għall-emissjonijiet ta' $N_2O$ fil-ħamrija stabbiliti fil-Parti D. Fin-nuqqas ta' informazzjoni rilevanti f'dawk ir-rapporti huwa permess li l-medji jiġu kkalkulati abbażi tal-prattiki tal-biedja lokali bbażati pereżempju fuq id-data ta' grupp ta' azjendi agrikoli, bħala alternattiva għall-użu tal-valuri attwali.";

6. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 1(a), l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn ġestjoni agrikola mtejba, esca, bħal pereżempju billi naqilbu għal tnaqqis jew tneħħija tal-ħrit, għal titjib tar-rotazzjoni tal-għelejjel, l-użu ta' wċuħ tar-raba', inkluża l-ġestjoni tar-residwu mill-għelejjel, u l-użu ta' sustanzi organiċi li jtejbu l-ħamrija (eż. kompost, diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel), għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk ma

jaffettwawx il-bijodiversità b’mod negattiv. Għandha tiġi pprovduta aktar evidenza solida u verifikabbli li l-karbonju fil-ħamrija żdied, jew li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li dan żdied matul il-perjodu li fih tkun ġiet ikkultivata l-materja prima kkonċernata filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn dawn il-prattiki jwasslu għal żieda fl-użu tal-erbiċidi u tal-fertilizzanti ([1]).”;

b) il-punt 15 huwa mħassar:

c) il-punt 18 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“18. Għall-finijiet tal-kalkoli msemmija fil-punt 17, l-emissjonijiet li jridu jiġu diviżi għandhom ikunu eec + el + esca + dawk il-frazzjonijiet ta’ ep, etd, eccs u eccr li jintervjenu sal-istadju u fl-istadju tal-proċess ta’ produzzjoni li fih il-prodott sekondarju jiġi prodott. Jekk tkun saret xi allokazzjoni għal prodotti sekondarji fi stadju ta’ proċess preċedenti fiċ-ċiklu tal-ħajja, il-frazzjoni ta’ dawk l-emissjonijiet assenjata f’dak l-aħħar stadju tal-proċess lill-prodott ta’ karburant intermedju, għandha tintuża għal dawk l-għanijiet minflok mit-total ta’ dawk l-emissjonijiet. Fil-każ ta’ bijogass u bijometan, il-prodotti sekondarji kollha li ma jaqgħux taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-punt 7, għandhom ikunu kkunsidrati għall-finijiet ta’ dak il-kalkolu. L-ebda emissjonijiet ma għandhom jiġu allokati għal skart u residwi. Il-prodotti sekondarji li għandhom kontenut ta’ enerġija negattiva għandhom ikunu kkunsidrati li għandhom kontenut ta’ enerġija żero għall-finijiet tal-kalkolu. L-iskart u r-residwi, inkluż l-iskart u r-residwi inklużi fl-Anness IX għandhom jitqiesu li għandhom emissjonijiet żero ta’ gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja sal-proċess tal-ġbir ta’ dawk il-materjali irrispettivament minn jekk humiex ipproċessati fi prodotti intermedji qabel jiġu ttrasformati fil-prodott finali. Fil-każ ta’ karburanti tal-bijomassa prodotti fir-raffineriji, minbarra l-kombinament ta’ impjanti tal-ipproċessar ma’ boilers jew unitajiet ta’ koġenerazzjoni li jipprovdu s-sħana u/jew l-elettriku lill-impjant tal-ipproċessar, l-unità tal-analiżi għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 17 għandha tkun ir-raffinerija”;

(6) Fl-Anness VI, il-Parti B hija emendata kif ġej:

a) il-punti 5 u 6 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“5. L-emissjonijiet mill-estrazzjoni u l-kultivazzjoni ta’ materja prima, eec, għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-proċess tal-estrazzjoni jew tal-kultivazzjoni nnifsu; mill-ġbir, tnixxif u ħżin ta’ materja prima; mill-iskart u t-tnixxijiet; u mill-produzzjoni ta’ sustanzi kimiċi jew prodotti użati fl-estrazzjoni jew fil-kultivazzjoni. Il-qbid ta’ $CO_2$ fil-kultivazzjoni ta’ materja prima għandu jiġi eskluż. Jekk ikunu disponibbli, fil-kalkolu għandhom jiġu applikati l-valuri awtomatiċi diżaggregati għall-emissjonijiet ta’ $N_2O$ fil-ħamrija stabbiliti fil-Parti D. Huwa permess li l-medji jiġu kkalkulati abbażi tal-prattiki tal-biedja lokali bbażati fuq id-data ta’ grupp ta’ azjendi agrikoli, bħala alternattiva għall-użu tal-valuri attwali.”;

6. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 1(a), l-iffrankar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra minn ġestjoni agrikola mtejba, esca, bħal pereżempju billi naqilbu għal tnaqqis jew tneħħija tal-ħrit, għal titjib tar-rotazzjoni tal-għelejjel, l-użu ta’ wċuħ tar-raba’, inkluża l-ġestjoni tar-residwu mill-għelejjel, u l-użu ta’ sustanzi organiċi li jtejbu l-ħamrija (eż. kompost, diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel), għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk ma jaffettwawx il-bijodiversità b’mod negattiv. Għandha tiġi pprovduta aktar evidenza solida u verifikabbli li l-karbonju fil-ħamrija żdied, jew li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li dan żdied matul il-perjodu li fih tkun ġiet ikkultivata l-materja prima kkonċernata filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn dawn il-prattiki jwasslu għal żieda fl-użu tal-erbiċidi u tal-fertilizzanti ([2])”;

---

([1]) Il-kejl tal-karbonju fil-ħamrija jista’ jikkostitwixxi evidenza bħal din, eż. permezz tal-ewwel kejl qabel dak tal-kultivazzjoni u dawk sussegwenti f’intervalli regolari b’ħafna snin bejn kull wieħed. F’każ bħal dan, qabel ma jkun disponibbli t-tieni kejl, iż-żieda fil-karbonju fil-ħamrija tista’ tiġi stmata fuq il-bażi ta’ esperimenti jew kampjuni tal-ħamrija rappreżentattivi. Mit-tieni kejl ’il quddiem, il-kejl ikun jikkostitwixxi l-bażi biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta’ żieda fil-karbonju fil-ħamrija u d-daqs tagħha.

([2]) Il-kejl tal-karbonju fil-ħamrija jista’ jikkostitwixxi evidenza bħal din, eż. permezz tal-ewwel kejl qabel dak tal-kultivazzjoni u dawk sussegwenti f’intervalli regolari b’ħafna snin bejn kull wieħed. F’każ bħal dan, qabel ma jkun disponibbli t-tieni kejl, iż-żieda fil-karbonju fil-ħamrija tista’ tiġi stmata fuq il-bażi ta’ esperimenti jew kampjuni tal-ħamrija rappreżentattivi. Mit-tieni kejl ’il quddiem, il-kejl ikun jikkostitwixxi l-bażi biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta’ żieda fil-karbonju fil-ħamrija u d-daqs tagħha.

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

b) il-punt 15 huwa mħassar:

c) il-punt 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"18. Għall-finijiet tal-kalkoli msemmija fil-punt 17, l-emissjonijiet li jridu jiġu diviżi għandhom ikunu $e_{ec} + e_{l} + e_{sca}$ + dawk il-frazzjonijiet ta' $e_{p}$, $e_{td}$, $e_{ccs}$ u $e_{ccr}$ li jintervjenu sal-istadju u fl-istadju tal-proċess ta' produzzjoni li fih il-prodott sekondarju jiġi prodott. Jekk tkun saret xi allokazzjoni għal prodotti sekondarji fi stadju ta' proċess preċedenti fiċ-ċiklu tal-ħajja, il-frazzjoni ta' dawk l-emissjonijiet assenjata f'dak l-aħħar stadju tal-proċess lill-prodott ta' karburant intermedju, għandha tintuża għal dawk l-għanijiet minflok mit-total ta' dawk l-emissjonijiet.

Fil-każ ta' bijogass u bijometan, il-prodotti sekondarji kollha li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 7, għandhom ikunu kkunsidrati għall-finijiet ta' dak il-kalkolu. L-ebda emissjonijiet ma għandhom jiġu allokati għal skart u residwi. Il-prodotti sekondarji li għandhom kontenut ta' enerġija negattiva għandhom ikunu kkunsidrati li għandhom kontenut ta' enerġija żero għall-finijiet tal-kalkolu.

L-iskart u r-residwi, inkluż l-iskart u r-residwi inklużi fl-Anness IX għandhom jitqiesu li għandhom emissjonijiet żero ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja sal-proċess tal-ġbir ta' dawk il-materjali irrispettivament minn jekk humiex ipproċessati fi prodotti intermedji qabel jiġu ttrasformati fil-prodott finali. ▌

Fil-każ ta' karburanti tal-bijomassa prodotti fir-raffineriji, minbarra l-kombinament ta' impjanti tal-ipproċessar ma' boilers jew unitajiet ta' koġenerazzjoni li jipprovdu s-sħana u/jew l-elettriku lill-impjant tal-ipproċessar, l-unità tal-analiżi għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 17 għandha tkun ir-raffinerija."

***(6a) Fl-Anness VI, tiddaħħal il-parti Ba li ġejja:***

***"Ba.***

***Il-materja prima għall-karburanti tal-bijomassa għall-użu f'installazzjonijiet stazzjonarji barra mis-settur tat-trasport, inklużi l-punti li ġejjin:***

***1. Frazzjoni ta' bijomassa ta' residwi u skart fl-industrija primarja tal-ipproċessar tal-ikel:***

***(a) polpa tal-pitravi (għal użu proprju intern għas-settur biss)***

***(b) ħwawar u weraq mill-ħasil tal-pitravi***

***(c) ħlifiet taċ-ċereali u qxur tal-frott***

***(d) frazzjoni ta' bijomassa ta' skart industrijali mhux tajjeb għall-użu fil-katina tal-ikel u tal-għalf***

***(e) il-frazzjoni fibruża tal-pitrava ħelwa wara l-estrazzjoni tal-meraq tad-diffużjoni, il-weraq u t-trufijiet u likuri oħra miksuba wara l-estrazzjoni taz-zokkor***

***2. Frazzjoni ta' bijomassa tal-ħama mit-trattament tal-ilma mormi fl-industrija primarja tal-ipproċessar tal-ikel;";***

(7) fl-Anness VII, fid-definizzjoni ta' "$Q_{użabbli}$", ir-referenza għall-Artikolu 7(4) hija sostitwita b'referenza għall-Artikolu 7(3).

(8) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Materja prima għall-produzzjoni ta' bijogass għat-trasport u ta' bijokarburanti avvanzati:"

(b) Fil-Parti B, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-materja prima għall-produzzjoni ta' bijokarburanti u ta' bijogass għat-trasport, li l-kontribut tagħha għall-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbilita fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25, għandha tkun limitata:";

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**

## ANNESS II

L-Annessi I, II, IV u V tad-Direttiva 98/70/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'EN 228:2012+A1:2017. L-Istati Membri jistgħu jadottaw il-metodu analitiku speċifikat minflok l-istandard EN 228:2012+A1:2017 jekk ikun jista' jintwera li jipprovdi għall-inqas l-istess eżattezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qed jissostitwixxi.";

(b) it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) il-valuri kkwotati fl-ispeċifikazzjoni huma 'valuri reali'. Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ta' EN ISO 4259–1:2017/A1:2021 ”Petroleum u prodotti relatati — Preċiżjoni tal-metodi ta' kejl u riżultati – Parti 1: Ġiet applikata determinazzjoni tad-data ta' preċiżjoni fir-rigward tal-metodi tat-test u sabiex jiġi ffissat valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero (R = riproduċibbiltà). Ir-riżultati ta' kejl individwali għandhom ikunu interpretati fuq il-bażi tal-kriterji deskritti f'EN ISO 4259-2:2017/A1:2019.";

(c) it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Monoalkoħols u eteri oħra b'punt finali ta' togħlija li ma jkunx ogħla minn dak iddikjarat f'EN 228:2012 +A1:2017."

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fl-aħħar linja tat-tabella, "Kontenut ta' FAME — EN 14078", l-entrata fl-aħħar kolonna "Limiti" "Massimu", "7,0" hija sostitwita bi "10,0";

(b) it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'EN 590:2013+A1:2017. L-Istati Membri jistgħu jadottaw il-metodu analitiku speċifikat minflok l-istandard EN 590:2013+A1:2017 jekk ikun jista' jintwera li jipprovdi għall-inqas l-istess eżattezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qed jissostitwixxi.";

(c) it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-valuri kkwotati fl-ispeċifikazzjoni huma 'valuri reali'. Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ta' EN ISO 4259–1:2017/A1:2021 ”Petroleum u prodotti relatati — Preċiżjoni tal-metodi ta' kejl u riżultati – Parti 1: Ġiet applikata determinazzjoni tad-data ta' preċiżjoni fir-rigward tal-metodi tat-test u sabiex jiġi ffissat valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero (R = riproduċibbiltà). Ir-riżultati ta' kejl individwali għandhom ikunu interpretati fuq il-bażi tal-kriterji deskritti f'EN ISO 4259-2:2017/A1:2019.";

(3) L-Annessi IV u V huma mħassra.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0323

## Assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna u t-tisħiħ tal-fond ta' proviżjonament komuni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-Fond ta' Proviżjonament Komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (COM(2022)0557 – C9-0303/2022 – 2022/0281(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: L-ewwel qari)**

(2023/C 125/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0557),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0303/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Settembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2022)0281

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Settembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni (UE) 2022/1628.)*

---

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0324

## Eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni (2018/0902R(NLE))**

(2023/C 125/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 2, 4(3) u 7(1) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-protokolli tagħha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra t-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Lista tal-Kriterji tal-Istat tad-Dritt adottata mill-Kummissjoni ta' Venezja fil-106 sessjoni plenarja tagħha f'Venezja fil-11-12 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 bit-titolu "Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt" (COM(2014)0158),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 ([2]) u tal-5 ta' Mejju 2022 ([3]) dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b'riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż ([4]),

— wara li kkunsidra l-kapitoli tal-pajjiżi dwar l-Ungerija fir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0217/2022),

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu lil minoranzi, kif stabbilit fl-Artikolu 2 TUE u kif rifless fil-Karta u inkorporat fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u billi dawk il-valuri, li huma komuni għall-Istati Membri jikkostitwixxu l-pedament tad-drittijiet li jgawdu dawk li jgħixu fl-Unjoni;

([1]) ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.
([2]) ĠU C 270, 7.7.2021, p. 91.
([3]) Testi adottati, P9_TA(2022)0204.
([4]) ĠU C 99, 1.3.2022, p. 218.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

B. billi kif jidher mill-Artikolu 49 tat-TUE, li jipprevedi l-possibbiltà li kull Stat Ewropew japplika sabiex isir membru tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea hija komposta minn stati li impenjaw ruħhom liberament u volontarjament favur il-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, li jirrispettaw dawn il-valuri u li jimpenjaw ruħhom li jippromwovuhom, billi d-dritt tal-UE huwa bbażat fuq il-premessa fundamentali li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħra kollha, u jirrikonoxxi li dawn l-Istati Membri jikkondividu miegħu, dawn l-istess valuri ([5]);

C. billi dik il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri u, għaldaqstant, l-osservanza tad-dritt tal-UE li jimplimentahom ([6]);

D. billi l-konformità ta' Stat Membru mal-valuri li jinsabu fl-Artikolu 2 tat-TUE hija kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati għal dak l-Istat Membru; billi kwalunkwe ksur tal-valuri fundamentali tal-UE minn gvern ta' Stat Membru inevitabbilment jimplika attakk fuq il-libertà personali, id-drittijiet politiċi u soċjali taċ-ċittadini, kif ukoll il-ġid u l-benesseri tagħhom; billi l-Ungerija nnifisha ssottoskriviet għall-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

E. billi l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali fl-Artikolu 4(3) tat-TUE jistabbilixxi obbligu fuq l-Unjoni u l-Istati Membri biex jassistu lil xulxin fit-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati b'rispett reċiproku sħiħ, u fuq l-Istati Membri biex jieħdu kwalunkwe miżura xierqa, ġenerali jew b'mod partikolari, biex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

F. billi l-Artikolu 19 tat-TUE jesprimi b'mod konkret il-valur tal-istat tad-dritt affermat fl-Artikolu 2 tat-TUE, jagħti r-responsabbiltà li tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-UE lill-Istati Membri kollha u l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet tal-individwi skont dik il-liġi lill-qrati u lit-tribunali nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja ([7]);

G. billi kwalunkwe riskju ċar ta' ksur serju min-naħa ta' Stat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE ma jikkonċernax biss lill-Istat Membru individwali fejn jimmaterjalizza r-riskju iżda għandu impatt fuq l-Istati Membri l-oħra, fuq il-fiduċja reċiproka ta' bejniethom, u fuq in-natura proprja tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha skont id-dritt tal-Unjoni;

H. billi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE mhuwiex limitat għall-obbligi skont it-Trattati, bħal fl-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u billi l-Unjoni tista' tivvaluta l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri komuni f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri;

I. billi għal diversi snin is-sitwazzjoni fl-Ungerija ma ġietx indirizzata biżżejjed u għad fadal ħafna tħassib, u sadanittant qamu ħafna kwistjonijiet ġodda, li qed ikollhom impatt negattiv fuq l-immaġni tal-Unjoni, kif ukoll l-effettività u l-kredibbiltà tagħha fid-difiża tad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija globalment, u li juru l-ħtieġa li jiġu indirizzati permezz ta' azzjoni konċertata tal-Unjoni;

J. billi wara d-delegazzjoni *ad hoc* tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern f'Budapest, l-Ungerija, mid-29 ta' Settembru sal-1 ta' Ottubru 2021, il-maġġoranza tal-membri tad-delegazzjoni għad għandhom tħassib serju dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiż; billi d-delegazzjoni kkonkludiet li s-sitwazzjoni ma tjibitx mill-2018, iżda minflok marret għall-agħar;

K. billi l-Gvern Ungeriż jinjora l-prinċipju tal-primat tad-dritt tal-UE kif minqux fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iżda huwa stess juża l-Qorti tal-Ġustizzja biex jagħmel rikorsi biex jieħu azzjoni kontra atti Ewropej eżistenti;

L. billi l-Parlament Ungeriż adotta riżoluzzjoni fid-19 ta' Lulju 2022 li titlob li s-setgħat tal-Parlament Ewropew jiġu limitati, u li l-Membri tal-PE jinħatru aktar milli jiġu eletti;

---

([5]) Is-Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni Ewropea* vs *Ir-Repubblika tal-Polonja*, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-paragrafu 42.

([6]) Opinjoni tal-Qorti tat-18 ta' Diċembru 2014, Opinjoni skont l-Artikolu 218(11) TFUE, 2/13, ECLI:EU:C:2014:2454, il-paragrafu 168.

([7]) Is-Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, *Associação Sindical dos Juízes Portugueses* vs *Tribunal de Contas*, C-64/16, ECLI EU:C:2018:117, il-paragrafu 32.

M. billi l-koeżistenza paċifika ta' gruppi etniċi differenti għandha effetti pożittivi fuq il-ġid kulturali u l-prosperità tan-nazzjon;

N. billi l-imblukkar ta' miżuri restrittivi kontra r-Russja fil-Kunsill idgħajjef l-isforzi tal-Unjoni biex tipproteġi l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE fl-UE u lil hinn minnha, u jikkostitwixxi problema ta' sigurtà għall-Unjoni Ewropea;

***Il-funzjonament tas-sistema kostituzzjonali u elettorali***

O. billi fit-13 ta' Lulju 2022, fil-kapitolu tal-pajjiż dwar l-Ungerija tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni indikat li t-trasparenza u l-kwalità tal-proċess leġiżlattiv jibqgħu sors ta' tħassib, u l-Gvern Ungeriż ilu juża s-setgħat ta' emerġenza tiegħu b'mod estensiv, anke f'oqsma mhux relatati mal-pandemija tal-COVID-19 kif invoka inizjalment; billi l-implimentazzjoni ineffettiva minn organi statali tas-sentenzi tal-qrati Ewropej u nazzjonali hija sors ta' tħassib; billi t-trusts ta' interess pubbliku li jirċievu finanzjament pubbliku sinifikanti u ġestiti minn membri tal-bord qrib il-gvern attwali saru operattivi;

P. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni kkoordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ([8]), il-Parlament qies li d-deċiżjoni tal-Gvern Ungeriż li jtawwal l-istat ta' emerġenza b'mod indefinit, li jawtorizza lilu nnifsu biex jiggverna b'digriet mingħajr limiti ta' żmien, u li jdgħajjef is-sorveljanza ta' emerġenza tal-Parlament Ungeriż, kienet totalment inkompatibbli mal-valuri Ewropej; billi fir-rakkomandazzjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Riforma tal-Ungerija tal-2020 tal-20 ta' Lulju 2020 u hu u jwassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija tal-2020 ([9]), il-Kunsill irrakkomanda li jiġi żgurat li kwalunkwe miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata, limitata fiż-żmien u skont l-istandards Ewropej u internazzjonali, li ma jinterferixxux mal-attivitajiet tan-negozju u l-istabbiltà tal-ambjent regolatorju, u l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-tfassil tal-politika;

Q. billi fit-tieni rapport interim ta' konformità tiegħu adottat fil-25 ta' Settembru 2020, il-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO) laqa' l-emendi għall-Att dwar l-Assemblea Nazzjonali biex id-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-Membri tal-PE milli jkunu involuti f'ċerti attivitajiet, isiru aktar operattivi billi jiġu previsti konsegwenzi aktar ċari f'każ li dawn il-kwistjonijiet ma jiġux riżolti mill-Membri tal-PE inkwistjoni; billi, madankollu, ir-rapport sab ukoll li miżuri aktar determinati għadhom meħtieġa biex jittejjeb il-qafas attwali tal-integrità tal-Parlament Ungeriż, b'mod partikolari biex jittejjeb il-livell ta' trasparenza u konsultazzjoni fil-proċess leġiżlattiv (inkluża l-introduzzjoni ta' regoli dwar l-interazzjonijiet mal-lobbyists), biex jiġi adottat kodiċi ta' kondotta għall-Membri tal-PE (li jkopri b'mod partikolari diversi sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess), biex jiġu żviluppati aktar regoli li jobbligaw lill-Membri tal-PE jiżvelaw b'mod *ad hoc* kunflitti potenzjali bejn il-ħidma parlamentari tagħhom u l-interessi privati tagħhom, biex jiġi żgurat format uniformi ta' dikjarazzjonijiet tal-assi u biex tiġi rieżaminata l-immunità vasta li jgawdu minnha l-Membri tal-PE kif ukoll biex jiġu żgurati s-superviżjoni u l-infurzar effettivi tar-regoli ta' kondotta, il-kunflitt ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi;

R. billi f'dikjarazzjoni maħruġa fl-20 ta' Novembru 2020, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ħeġġet lill-Parlament Ungeriż biex jipposponi l-votazzjoni dwar abbozzi ta' liġijiet minħabba l-biża' li diversi proposti li jinsabu fil-pakkett leġiżlattiv kumpless u li ġew ippreżentati mingħajr konsultazzjoni minn qabel u huma relatati ma' kwistjonijiet inkluż il-funzjonament tal-ġudikatura, il-liġi elettorali, l-istrutturi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-iskrutinju fuq il-fondi pubbliċi u d-drittijiet tal-bniedem ta' persuni LGBTI, jistgħu jservu biex idgħajfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem fl-Ungerija; billi fl-opinjoni tagħha tat-2 ta' Lulju 2021 dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ta' Venezja nnotat bi tħassib li l-emendi kostituzzjonali ġew adottati matul stat ta' emerġenza, mingħajr ebda konsultazzjoni pubblika u l-memorandum ta' spjegazzjoni huwa magħmul biss minn tliet paġni; billi l-Kummissjoni ta' Venezja indikat ukoll li l-Artikoli 6, 9, u 11 tad-Disa' Emenda li temenda l-Liġi Fundamentali tal-Ungerija dwar id-dikjarazzjonijiet ta' gwerra, il-kontroll tal-forzi tad-difiża Ungeriżi u l-"ordni legali speċjali" li jappartjenu għall-istat ta' gwerra, l-istat ta' emerġenza u l-istat ta' periklu, prinċipalment iħallu l-ispeċifikazzjoni tal-parti l-kbira tad-dettalji għall-atti kardinali, li eventwalment jistgħu jqajmu mistoqsijiet serji rigward l-ambitu tas-setgħat tal-istat matul stati ta' eċċezzjoni; billi,

([8]) ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.
([9]) ĠU C 282, 26.8.2020, p. 107.

fir-rigward tal-abolizzjoni tal-Kunsill tad-Difiża Nazzjonali u l-għoti tas-setgħat tiegħu lill-Gvern, il-Kummissjoni ta' Venezja indikat li, filwaqt li din fir-realtà ma tmurx kontra l-istandards Ewropej, din twassal għal konċentrazzjoni ta' setgħat ta' emerġenza f'idejn l-eżekuttiv li ma tistax titqies bħala sinjal inkoraġġanti, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' kwalunkwe kjarifika fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-*proporzjon* jew in-neċessità ta' tali modifika;

S. billi fit-12 ta' Frar 2021, il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa nnota sitwazzjoni ġeneralment negattiva f'termini ta' awtogovernanza lokali u reġjonali fl-Ungerija, minħabba nuqqas ġenerali ta' konformità mal-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali u esprima tħassib dwar tendenza ċara lejn ir-riċentralizzazzjoni, in-nuqqas ta' konsultazzjoni effettiva u l-interferenza sinifikanti mill-istat fil-funzjonijiet muniċipali; billi l-kungress enfasizza wkoll ċerti nuqqasijiet fis-sitwazzjoni ta' awtogovernanza lokali fil-pajjiż, bħan-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji disponibbli għall-awtoritajiet lokali u n-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jirreklutaw persunal ta' kwalità għolja;

T. billi l-bidliet li saru fil-liġi elettorali matul is-snin permezz tat-tfassil mill-ġdid tal-kostitwenzi u l-kumpens għar-rebbieħa qed ikunu ta' żvantaġġ għall-partiti tal-oppożizzjoni; billi fl-opinjoni konġunta tagħhom tat-18 ta' Ottubru 2021 dwar l-emendi tal-2020 għal-leġiżlazzjoni elettorali fl-Ungerija, il-Kummissjoni ta' Venezja u l-OSKE Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) saħqu li l-ħeffa fl-adozzjoni u n-nuqqas ta' konsultazzjonijiet pubbliċi sinifikanti kienu partikolarment inkwetanti fil-każ tal-leġiżlazzjoni elettorali, li m'għandhiex titqies bħala strument politiku; billi l-Kummissjoni ta' Venezja u l-OSKE ODIHR għamlu wkoll ir-rakkomandazzjoni ewlenija biex jiġu emendati t-Taqsima 3 u t-Taqsima 68 tal-Att CLXVII tal-2020 dwar l-Emenda ta' Ċerti Atti relatati mal-Elezzjonijiet, billi jitnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' kostitwenzi b'membru wieħed u l-għadd ta' pajjiżi li fihom kull partit jeħtieġ li jinnomina kandidati fl-istess waqt sabiex ikun jista' jmexxi lista nazzjonali ta' kandidati, kif ukoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet ulterjuri;

U. billi l-elezzjonijiet demokratiċi organizzati b'kondizzjonijiet ekwivalenti huma ta' importanza kbira għan-natura demokratika tas-soċjetajiet tagħna; billi bi tweġiba għat-tħassib dwar l-ekwità tal-elezzjonijiet u l-appelli mis-soċjetà ċivili, l-OSKE ddeċidiet li tibgħat missjoni ta' osservazzjoni elettorali internazzjonali fuq skala sħiħa għall-elezzjonijiet ġenerali u r-referendum li saru fit-3 ta' April 2022, li hija okkorrenza rari għal Stati Membri tal-UE; billi fid-dikjarazzjoni tas-sejbiet u l-konklużjonijiet preliminari ppubblikata fl-4 ta' April 2022, il-missjoni internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE sabet li l-elezzjonijiet u r-referendum kienu amministrati tajjeb u ġestiti b'mod professjonali iżda mxekkla min-nuqqas ta' kondizzjonijiet ekwivalenti; billi l-kontestanti, fil-parti l-kbira, setgħu jagħmlu kampanja libera iżda, filwaqt li l-kampanja kienet kompetittiva kienet ukoll negattiva ħafna fit-ton u kkaratterizzata minn sovrapożizzjoni mifruxa bejn il-koalizzjoni fil-gvern u l-Gvern, filwaqt li n-nuqqas ta' trasparenza u sorveljanza insuffiċjenti tal-finanzi tal-kampanja kienet ta' benefiċċju ulterjuri għall-koalizzjoni fil-gvern; billi l-mod li bih ħafna tilwimiet elettorali ġew ittrattati mill-kummissjonijiet elettorali u l-qrati ma kienx jipprovdi rimedju legali effettiv; billi fir-rapport finali tagħha ppubblikat fid-29 ta' Lulju 2022, il-missjoni internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE indikat li ħafna rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-ODIHR għadhom fil-biċċa l-kbira mhux indirizzati, inkluż dwar id-drittijiet tal-vot, il-prevenzjoni tal-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi u ċ-ċajpir tal-funzjonijiet tal-istat u tal-partit, il-libertà tal-media, il-finanzjament tal-kampanji, u l-osservazzjoni taċ-ċittadini; billi għall-kuntrarju ta' prattika internazzjonali tajba, il-leġiżlazzjoni Ungeriża tippermetti devjazzjonijiet sa 20 % mill-għadd medju ta' votanti għal kull kostitwenza b'mandat uniku, u għall-kuntrarju tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-Parlament Ungeriż ma rrevediex il-limiti tal-kostitwenzi li qabżu l-limitu ta' devjazzjoni stabbilit wara l-elezzjonijiet tal-2018; billi d-distribuzzjoni inugwali tal-votanti fost il-kostitwenzi, b'devjazzjonijiet mill-medja sa 33 %, tikkontesta l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-votazzjoni;

V. billi fl-24 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ungeriż adotta l-10 Emenda għal-Liġi Fundamentali biex jippermetti lill-Gvern jiddikjara stat ta' periklu f'każ ta' kunflitt armat, gwerra jew diżastru umanitarju f'pajjiż ġar; billi emenda wkoll l-Att dwar il-Ġestjoni tad-Diżastri, li jippermetti lill-Gvern jieħu preċedenza fuq l-atti tal-Parlament permezz ta' digrieti ta' emerġenza fi kwalunkwe żona matul stat ta' periklu ddikjarat minħabba kunflitt armat, gwerra jew diżastru umanitarju f'pajjiż ġar, bil-potenzjal li jissospendi jew jirrestrinġi l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali lil hinn minn dak permess f'ċirkostanzi ordinarji; billi fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att VI tal-2022 dwar l-Eliminazzjoni tal-Konsegwenzi fl-Ungerija ta' Kunflitt Armat u Diżastru Umanitarju f'Pajjiż Ġar, li daħal fis-seħħ fl-istess jum; billi dan l-att jawtorizza lill-Gvern biex jestendi l-effett ta' digrieti tal-Gvern ta' emerġenza sakemm l-istat ta' periklu jkun intemm mill-Gvern;

W. billi l-Liġi Fundamentali ġiet emendata 10 darbiet mill-adozzjoni tagħha; billi l-atti kardinali jkopru 35 suġġett u issa jammontaw għal aktar minn 300 biċċa leġiżlazzjoni li ġew adottati mill-2011, ħafna drabi mingħajr konsultazzjoni pubblika anke jekk id-drittijiet fundamentali ġew affettwati;

X. billi f'dikjarazzjoni konġunta maħruġa fl-2013, il-presidenti tal-Qrati Kostituzzjonali Ungeriżi u Rumeni enfasizzaw ir-responsabbiltà speċjali tal-qrati kostituzzjonali f'pajjiżi rregolati b'maġġoranza ta' żewġ terzi; billi r-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali stipulat li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi Fundamentali kellhom jitħassru; billi l-Qorti Kostituzzjonali qiegħda tiddependi dejjem aktar fuq il-kunċett tal-identità kostituzzjonali fid-deċiżjonijiet tagħha; billi fil-ġurisprudenza, il-kunċett ta' identità kostituzzjonali huwa ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ filwaqt li jieħu preċedenza fuq il-Liġi Fundamentali; billi l-Gvern Ungeriż qed ifittex dejjem aktar rikors għall-Qorti Kostituzzjonali biex jevita li jkollu jinforza s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE); billi fit-18 ta' Mejju 2022, il-Qorti Kostituzzjonali mblukkat ir-referenda dwar il-pjanijiet tal-Gvern li jibni kampus f'Budapest għall-Università ta' Fudan u li jestendi l-benefiċċji tal-qgħad għal massimu ta' disa' xhur mill-perjodu attwali ta' tliet xhur;

Y. billi qed jiżdied il-qbil fost l-esperti li l-Ungerija m'għadhiex demokrazija; billi skont l-Indiċi tad-Demokrazija V-Dem tal-2019 tal-Università ta' Gothenburg, l-Ungerija saret l-ewwel Stat Membru awtoritarju tal-UE; billi l-Ungerija ġiet identifikata bħala "reġim ibridu", inkwantu tilfet l-istatus ta' "demokrazija semikonsolidata" fir-rapport Nations in Transit 2020 ta' Freedom House; billi l-Ungerija hija meqjusa "demokrazija difettuża" u kklassifikat fis-56 minn 167 pajjiż (pożizzjoni waħda inqas mill-2020) fl-Indiċi tad-Demokrazija 2022 tal-Economist Intelligence Unit; billi skont l-Indiċi tad-Demokrazija V-Dem tal-2022, mill-Istati Membri tal-UE, l-Ungerija ilha waħda mill-akbar awtokratizzaturi fid-dinja għal dawn l-aħħar għaxar snin;

***L-indipendenza tal-ġudikatura u ta' istituzzjonijiet oħra u d-drittijiet tal-imħallfin***

Z. billi fit-13 ta' Lulju 2022, fil-kapitolu tal-pajjiż dwar l-Ungerija tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni indikat li, fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja, it-tħassib espress fil-kuntest tal-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE mibdija mill-Parlament Ewropew, kif ukoll f'Rapporti preċedenti dwar l-Istat tad-Dritt, għadu ma ġiex indirizzat, kif kien il-każ għar-rakkomandazzjoni rilevanti li saret fl-ambitu tas-Semestru Ewropew; billi dan it-tħassib huwa relatat b'mod partikolari mal-isfidi ffaċċjati mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali (NJC) indipendenti fil-kontrobilanċ tas-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (NOJ), ir-regoli dwar l-elezzjoni tal-President tal-Qorti Suprema (Kúria), u l-possibbiltà ta' deċiżjonijiet diskrezzjonali fir-rigward tal-ħatriet u l-promozzjonijiet ġudizzjarji, l-allokazzjoni tal-kawżi u l-bonusijiet lill-imħallfin u lill-eżekuttivi tal-qorti; billi fir-rigward tal-effiċjenza u l-kwalità, is-sistema ġudizzjarja għandha prestazzjoni tajba f'termini tat-tul tal-proċedimenti u għandha livell ġeneralment għoli ta' diġitalizzazzjoni, u billi s-salarji tal-imħallfin u l-prosekuturi qed ikomplu jiżdiedu gradwalment; billi fis-26 ta' Awwissu 2022, diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili talbu li l-Ministru tal-Ġustizzja tindirizza l-problemi tal-ġudikatura Ungeriża wara li wettqu konsultazzjonijiet wiesgħa mal-pubbliku ġenerali u mal-esperti, inklużi organi awtogovernattivi u rappreżentattivi tal-ġudikatura u tal-Kummissjoni ta' Venezja;

AA. billi fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Novembru 2021 fil-Kawża C-564/19 *IS* "Illégalité de l'ordonnance de renvoi", il-QĠUE tat is-sentenza li l-Artikolu 267 tat-TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-qorti suprema ta' Stat Membru milli tiddikjara li talba għal deċiżjoni preliminari minn qorti inferjuri hija illegali minħabba li d-domandi preliminari ma jkunux rilevanti u neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali; billi l-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-UE jirrikjedi lill-qorti inferjuri tinjora tali deċiżjoni tal-qorti suprema nazzjonali; billi l-Artikolu 267 tat-TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li proċedimenti dixxiplinari jitressqu kontra mħallef nazzjonali għar-raġuni li jkun għamel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-QĠUE skont dik id-dispożizzjoni;

AB. billi f'dikjarazzjoni maħruġa fl-14 ta' Diċembru 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa talbet lill-President tal-Ungerija biex jirritorna lill-Parlament Ungeriż il-pakkett leġiżlattiv dwar il-qrati amministrattivi; billi fl-opinjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2019 dwar il-Liġi dwar il-Qrati Amministrattivi u l-Liġi dwar id-Dħul fis-Seħħ tal-Liġi dwar il-Qrati Amministrattivi u Ċerti Regoli Tranżizzjonali, il-Kummissjoni ta' Venezja ddikjarat li l-iżvantaġġ ewlieni tal-mudell organizzattiv u amministrattiv adottat għall-qrati amministrattivi huwa li setgħat estensivi ħafna jinsabu kkonċentrati f'idejn ftit partijiet ikkonċernati u ma hemm ebda sistemi ta' kontrokontrolli effettivi biex jikkontrobattu dawn is-setgħat;

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

AC. billi fir-rapport tagħha tal-21 ta’ Mejju 2019, wara ż-żjara fl-Ungerija mill-4 sat-8 ta’ Frar 2019, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa nnotat li serje ta’ riformi fil-ġudikatura tal-Ungerija matul is-snin tal-2010 kienu qajmu tħassib dwar l-effetti tagħhom fuq l-indipendenza tal-ġudikatura u, li fis-sistema tal-qrati ordinarji, kien tqajjem tħassib dwar l-effettività tas-superviżjoni eżerċitata mill-NJC fuq il-President tal-NOJ wara l-anomaliji reċenti osservati fir-relazzjoni bejn dawk l-istituzzjonijiet ġudizzjarji b’referenza għall-proċeduri ta’ ħatra; billi, filwaqt li laqa’ l-emendi reċenti li saru fil-leġiżlazzjoni oriġinali dwar il-qrati amministrattivi b’reazzjoni għall-opinjoni tal-Kummissjoni ta’ Venezja, il-Kummissarju ma kinitx persważa li l-emendi kienu biżżejjed biex jindirizzaw it-tħassib serju identifikat mill-Kummissjoni ta’ Venezja;

AD. billi fl-2019, il-Parlament Ungeriż iddeċieda li jipposponi d-dħul fis-seħħ tal-pakkett leġiżlattiv dwar il-qrati amministrattivi u l-Gvern iddikjara li kien abbanduna l-idea li jintroduċi qrati amministrattivi separati; billi diversi elementi importanti tal-pakkett ġew introdotti permezz ta’ serje ta’ emendi leġiżlattivi adottati bejn l-2019 u l-2021;

AE. billi f’dikjarazzjoni maħruġa fit-28 ta’ Novembru 2019, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ħeġġet lill-Parlament Ungeriż jimmodifika liġi li taffettwa l-indipendenza tal-ġudikatura; billi l-Kummissarju qieset li d-dispożizzjonijiet li jiftħu l-possibbiltà biex l-awtoritajiet amministrattivi jintroduċu lmenti kostituzzjonali wara deċiżjonijiet sfavorevoli mill-qrati ordinarji qajmu tħassib dwar li jinżammu garanziji għal proċessi ġusti għall-ilmentatur individwali u, flimkien mal-bidliet proposti dwar il-kwalifiki u l-ħatriet tal-imħallfin u l-uniformità tal-ġurisprudenza, il-miżuri leġiżlattivi jirriskjaw ukoll li jnaqqsu l-indipendenza tal-imħallfin individwali fid-dmirijiet ewlenin tagħhom u li joħolqu ġerarkiji eċċessivi fis-sistema ġudizzjarja;

AF. billi fl-opinjoni tagħha tas-16 ta’ Ottubru 2021 dwar l-emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjoni u l-Amministrazzjoni tal-Qrati u l-Att dwar l-Istatus Legali u r-Remunerazzjoni tal-Imħallfin adottati mill-Parlament Ungeriż f’Diċembru 2020, il-Kummissjoni ta’ Venezja tenniet ir-rakkomandazzjonijiet dwar ir-rwol tal-President tal-NOJ espressi fl-opinjoni tagħha tal-2012 li ma ġewx indirizzati; billi l-Kummissjoni ta’ Venezja rrakkomandat ukoll l-istabbiliment ta’ kundizzjonijiet ċari, trasparenti u prevedibbli għall-imħallfin issekondati biex jiġu assenjati f’pożizzjoni ogħla wara l-perjodu ta’ sekondar; billi l-Kummissjoni ta’ Venezja għamlet diversi rakkomandazzjonijiet relatati mal-allokazzjoni tal-kawżi, mas-setgħa tal-President tal-Kúria li jżid il-membri tal-panels aġġudikanti, mad-deċiżjonijiet dwar l-uniformità u mal-kompożizzjoni tal-kmamar fil-proċedura tal-ilmenti dwar l-uniformità; billi l-Kummissjoni ta’ Venezja osservat ukoll li r-reġim tal-ħatra tal-President tal-Kúria introdott bl-emendi tal-2019 jista’ joħloq riskji serji ta’ politiċizzazzjoni u jkollu konsegwenzi importanti għall-indipendenza tal-ġudikatura, jew il-perċezzjoni tagħha mill-pubbliku, meta jitqies ir-rwol kruċjali ta’ din il-pożizzjoni fis-sistema ġudizzjarja;

AG. billi fit-tieni rapport interim ta’ konformità tiegħu adottat fil-25 ta’ Settembru 2020, il-GRECO nnota li ma ġie rrappurtat ebda progress ulterjuri fir-rigward tal-imħallfin u t-tliet rakkomandazzjonijiet mhux implimentati li fadal, u li s-sejbiet tiegħu stess dwar is-setgħat tal-President tal-NOJ (kemm fir-rigward tal-proċess tal-ħatra jew il-promozzjoni ta’ kandidati għal pożizzjonijiet ġudizzjarji kif ukoll il-proċess ta’ assenjazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin) baqgħu ta’ sinifikat speċjali; billi fir-rigward tal-prosekuturi, il-GRECO laqa’ d-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi li jagħmlu l-involviment ta’ kummissarju dixxiplinari obbligatorju fi proċedimenti dixxiplinari, iżda ma setax jikkorrobora jekk kienx hemm konformità mar-rakkomandazzjoni 17 tiegħu (proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-prosekuturi); billi ma nkiseb ebda progress fir-rigward tal-estensjoni tal-mandat tal-Prosekutur Ġenerali, tal-immunità vasta li jgawdu l-prosekuturi u tal-iżvilupp ta’ kriterji li jiggwidaw it-tneħħija ta’ każijiet mingħand prosekuturi subordinati;

AH. billi fil-komunikazzjoni tiegħu mal-Gvern tal-Ungerija fil-15 ta’ April 2021, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati wera l-fehma li l-ħatra tal-President tal-Kúria tista’ titqies bħala attakk fuq l-indipendenza tal-ġudikatura u tentattiv biex il-ġudikatura tiġi sottomessa għar-rieda tal-fergħa leġiżlattiva, bi ksur tal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat; billi r-Rapporteur Speċjali enfasizza wkoll il-fatt partikolarment inkwetanti li l-President tal-Kúria ġie elett minkejja l-oġġezzjoni ċara tal-NJC, u indika li d-deċiżjoni li tiġi injorata l-opinjoni

negattiva espressa mill-NJC tista’ tiġi interpretata bħala dikjarazzjoni politika mill-maġġoranza fil-Gvern; billi skont ir-Rapporteur Speċjali, l-effett ewlieni – jekk mhux l-għan ewlieni – tar-riformi tas-sistema ġudizzjarja kien li jfixkel il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja, li huwa protett mill-kostituzzjoni, u li jippermetti lill-fergħat leġiżlattivi u eżekuttivi jinterferixxu fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

AI. billi fid-deċiżjoni tiegħu tat-2 ta’ Diċembru 2021 dwar is-superviżjoni msaħħa pendenti tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) f’*Gazsó Group* vs *L-Ungerija*, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fakkar li l-grupp ta’ kawżi inkwistjoni kien jikkonċerna l-problema strutturali tat-tul eċċessiv tal-proċedimenti ċivili, kriminali u amministrattivi u n-nuqqas ta’ rimedji domestiċi effettivi; billi l-Kumitat tal-Ministri nnota b’sodisfazzjon l-adozzjoni tal-abbozz ta’ liġi li jintroduċi rimedju kumpensatorju għal proċedimenti ċivili eċċessivament twal, iżda appella bil-qawwa lill-awtoritajiet biex jiżguraw li dan ikun konformi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; billi fid-dawl tal-importanza tal-kwistjoni, in-natura teknika tagħha u t-tmiem tal-iskadenza stabbilita mill-QEDB fis-sentenza pilota tagħha għas-16 ta’ Ottubru 2016, il-Kumitat tal-Ministri ħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet biex jesploraw kwalunkwe possibbiltà biex iħaffu l-ippjanar tagħhom;

AJ. billi fid-9 ta’ Marzu 2022, fir-riżoluzzjoni interim tiegħu dwar is-superviżjoni msaħħa pendenti tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-QEDB f’*Baka* vs *L-Ungerija*, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet biex iżidu l-isforzi tagħhom biex isibu modi, f’kooperazzjoni mill-qrib mas-Segretarjat tal-Kumitat tal-Ministri, biex jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li deċiżjoni mill-Parlament Ungeriż għad-denunzja tal-President tal-Kúria tkun soġġetta għal sorveljanza effettiva minn korp ġudizzjarju indipendenti skont il-każistika tal-QEDB; billi l-Kumitat tal-Ministri fakkar ukoll, għal darb’oħra, l-impenn tal-awtoritajiet li jevalwaw il-leġiżlazzjoni domestika dwar l-istatus tal-imħallfin u l-amministrazzjoni tal-qrati, u ħeġġiġhom jippreżentaw il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħhom, inklużi l-garanziji u s-salvagwardji li jipproteġu lill-imħallfin minn interferenzi indebiti, sabiex il-Kumitat tal-Ministri jkun jista’ jagħmel valutazzjoni sħiħa dwar jekk it-tħassib rigward l-“effett dissważiv” fuq il-libertà tal-espressjoni tal-imħallfin ikkawżat mill-ksur f’dawn il-każijiet kienx tneħħa;

AK. billi l-Ungerija kklassifikat fid-69 post minn 139 pajjiż fl-Indiċi tal-Istat tad-Dritt tal-2021 tal-World Justice Project (tnaqqis ta’ żewġ postijiet meta mqabbel mas-sena preċedenti) u tokkupa l-aħħar post (31 minn 31) fir-reġjun tal-UE, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u l-Amerka ta’ Fuq;

***Il-korruzzjoni u l-kunflitti ta’ interess***

AL. billi fit-13 ta’ Lulju 2022, fil-kapitolu tal-pajjiż dwar l-Ungerija tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni indikat li l-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-miżuri skont l-istrateġija kontra l-korruzzjoni 2020-2022 ġiet posposta u li ma tħabbret l-ebda strateġija ġdida, u li għad hemm nuqqasijiet fir-rigward tal-lobbjar u r-“revolving doors”; kif ukoll tal-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji; billi l-mekkaniżmi ta’ kontroll indipendenti għadhom insuffiċjenti biex jidentifikaw il-korruzzjoni u għad hemm tħassib dwar in-nuqqas ta’ kontrolli sistematiċi u s-sorveljanza insuffiċjenti tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi kif ukoll in-nuqqas ta’ regoli dwar il-kunflitt ta’ interess għat-trusts ta’ interess pubbliku; billi n-nuqqas ta’ rekord robust ta’ investigazzjonijiet ta’ allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni li jikkonċernaw uffiċjali ta’ livell għoli u ċ-ċirku immedjat tagħhom jibqa’ ta’ tħassib serju, għalkemm infetħu xi każijiet ġodda ta’ korruzzjoni ta’ livell għoli; billi n-nuqqas ta’ rieżami ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet li l-korruzzjoni ma tiġix investigata u mħarrka għadu kawża ta’ tħassib, b’mod partikolari f’ambjent fejn ir-riskji ta’ klijenteliżmu, favoritiżmu u nepotiżmu fl-amministrazzjoni pubblika ta’ livell għoli għadhom ma ġewx indirizzati;;

AM. billi fit-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarju Hahn għas-seduta ta’ smigħ tal-11 ta’ Novembru 2019 dwar il-kwittanza tal-2018 lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni indikat li, għall-perjodu 2014-2020, ġew aċċettati u implimentati korrezzjonijiet finanzjarji b’rata fissa fl-Ungerija wara awditu orizzontali tal-akkwist pubbliku fejn ġew identifikati nuqqasijiet serji fil-funzjonament tas-sistema ta’ ġestjoni u kontroll fir-rigward tal-kontroll tal-proċeduri ta’ akkwist pubbliku;

AN. billi fir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta’ Lulju 2022 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-Ungerija għall-2022 u hi u tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Konverġenza tal-2022 tal-Ungerija, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ungerija għandha tieħu azzjoni biex issaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni, inkluż billi ttejjeb l-isforzi tal-prosekuzzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni pubblika, u ssaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja, kif ukoll biex ittejjeb il-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta’ djalogu soċjali effettiv, involviment ma’ partijiet ikkonċernati oħra u valutazzjonijiet tal-impatt regolari, u biex ittejjeb il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

AO. billi fl-10 ta' Ġunju 2021, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ddikjara fir-Rapport ta' Attività tiegħu tal-2020 li kien irrakkomanda li l-Kummissjoni tirkupra 2,2 % tal-pagamenti li saru permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali għall-perjodu 2016-2020; billi dan huwa l-ogħla perċentwal ta' pagamenti li għandhom jiġu rkuprati fost l-Istati Membri kollha u huwa ferm ogħla mill-medja ta' 0,29 %; billi twettqet frodi kontra l-fondi għall-iżvilupp tal-UE allokati lill-Ungerija; billi flimkien ma' livell għoli ta' korruzzjoni, kien hemm żieda fl-inugwaljanza soċjali u fil-faqar, li mhux biss iwassal għal nuqqas kbir ta' sigurtà fost il-popolazzjoni iżda jikkostitwixxi wkoll ksur tad-drittijiet fundamentali;

AP. billi f'Novembru 2021 il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Ungerija fejn issottolinjat il-problemi relatati mal-indipendenza tal-ġudikatura, il-prosekuzzjoni ineffettiva tal-korruzzjoni u n-nuqqasijiet fl-akkwist pubbliku li jistgħu jkunu ta' riskju għall-interessi finanzjarji tal-UE; billi fl-ittra tagħha, il-Kummissjoni ddeskriviet problemi sistemiċi u nuqqas ta' obbligu ta' rendikont għall-korruzzjoni billi ressqet 16-il mistoqsija speċifika lill-awtoritajiet Ungeriżi dwar kwistjonijiet bħall-kunflitti ta' interess, il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE, u garanziji ta' rieżami ġudizzjarju minn qrati indipendenti; billi minkejja dan it-tħassib, il-Kummissjoni dewmet l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt ([10]) sa April 2022;

AQ. billi fil-5 ta' April 2022, il-President tal-Kummissjoni ħabbret li l-Kummissarju għall-Baġit u l-Amministrazzjoni Johannes Hahn kien informa lill-awtoritajiet Ungeriżi dwar il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tkompli għall-pass li jmiss u tiskatta formalment ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, prinċipalment fuq tħassib dwar il-korruzzjoni; billi l-Kummissjoni finalment bdiet il-proċedura formali kontra l-Ungerija skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt billi ħarġet notifika bil-miktub fis-27 ta' April 2022; billi fl-20 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinforma lill-Ungerija bl-intenzjoni tagħha li tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill u tagħtiha l-opportunità li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha;

AR. billi fis-6 ta' April 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat avviż formali addizzjonali lill-Ungerija biex tiżgura t-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku ([11]), id-Direttiva 2014/23/UE dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ([12]) u d-Direttiva 2014/25/UE dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali ([13]); billi, skont il-Kummissjoni, il-liġi Ungeriża tippermetti applikazzjoni aktar estensiva ta' eċċezzjonijiet fir-rigward ta' raġunijiet ta' sigurtà u għal kuntratti ssussidjati permezz ta' benefiċċji fiskali, u dawn l-eċċezzjonijiet iwasslu għal esklużjoni usa' tal-kuntratti mill-obbligi skont id-dritt tal-UE; billi, barra minn hekk, il-Kummissjoni temmen li l-bidliet fil-liġi Ungeriża dwar il-minjieri, li jipprevedu l-possibbiltà li jingħataw konċessjonijiet ta' estrazzjoni mingħajr proċeduri trasparenti ta' sejħiet għall-offerti, imorru kontra l-prinċipju tat-trasparenza;

AS. billi fid-19 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat ittra ta' intimazzjoni lill-Ungerija rigward it-traspożizzjoni inkorretta tad-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ([14]);

AT. billi fit-tieni rapport interim tiegħu dwar il-konformità adottat fil-25 ta' Settembru 2020, il-GRECO nnota li l-Ungerija kienet għadha implimentat jew ittrattat b'mod sodisfaċenti ħamsa biss mit-18-il rakkomandazzjoni fir-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni tar-Raba' Ċiklu u kkonkluda li l-livell ġeneralment baxx ta' konformità mar-rakkomandazzjonijiet baqa' "globalment mhux sodisfaċenti";

AU. billi l-Ungerija ddeċidiet li ma tipparteċipax f'kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jew li tieħu sehem f'kooperazzjoni msaħħa fost il-prosekuturi tal-UE;

---

([10]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).
([11]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.
([12]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.
([13]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.
([14]) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.

AV. billi fir-rieżami tekniku tiegħu tar-rapport dwar l-istat ta' konservazzjoni għall-komponent Ungeriż tal-proprjetà transkonfinali tal-Wirt Dinji "Fertö/Neusiedlersee Cultural Landscape" kkompilat f'Mejju 2021, il-Kunsill Internazzjonali tal-UNESCO dwar il-Monumenti u s-Siti kkonkluda li l-proġett Sopron Fertö Lake Resort, fid-daqs u l-forma ppreżentati tiegħu, ikun ta' ħsara għall-awtentiċità u l-integrità tal-proprjetà tal-Patrimonju Dinji transkonfinali;

AW. billi l-Ungerija kklassifikat fit-73 post mill-180 pajjiż u territorju koperti mill-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2021 ta' Transparency International (tnaqqis ta' post wieħed meta mqabbel mas-sena preċedenti) u l-klassifikazzjoni tagħha ilha nieżla b'mod kostanti mill-2012 'l hawn;

***Privatezza u protezzjoni tad-data***

AX. billi fir-rapport tal-missjoni wara d-delegazzjoni *ad hoc* tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern f'Budapest mid-29 ta' Settembru sal-1 ta' Ottubru 2021, tqajjem tħassib dwar in-nuqqas ta' salvagwardji fir-rigward tas-sorveljanza fil-leġiżlazzjoni attwali, mingħajr kontrolli u bilanċi u rimedji reali; billi tqajjem tħassib ukoll dwar l-allegat użu tas-software ta' spjunaġġ Pegasus tal-NSO Group u żieda fis-sorveljanza min-naħa tal-istat fil-konfront ta' attivisti, ġurnalisti, avukati u politiċi;

AY. billi f'Lulju 2021, b'informazzjoni miksuba permezz ta' bażi tad-data żvelata, il-portal investigattiv Direkt36 żvela li madwar 300 ċittadin Ungeriż, inklużi ġurnalisti indipendenti, sidien tal-media, avukati, politiċi, negozjanti li jikkritikaw il-Gvern u eks uffiċjali tal-istat, kienu fil-mira tas-software ta' spjunaġġ Pegasus mingħajr l-għarfien tagħhom bejn l-2018 u l-2021; billi fir-rimarki preliminari tiegħu dwar is-software ta' spjunaġġ modern ippubblikati fil-15 ta' Frar 2022, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data kkonkluda li l-użu mifrux ta' software ta' spjunaġġ avvanzat ħafna bħal Pegasus għandu l-potenzjal li jikkawża riskji u danni bla preċedent mhux biss għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali iżda anke għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, elenka serje ta' passi u miżuri bħala garanzija kontra l-użu illegali ta' software ta' spjunaġġ, u ddikjara li projbizzjoni fuq l-iżvilupp u l-użu ta' software ta' spjunaġġ bil-kapaċità ta' Pegasus fl-UE tkun l-aktar għażla effettiva biex jitħarsu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; billi l-media favur il-Gvern fl-Ungerija bilkemm qatt irrappurtat dwar Pegasus;

AZ. billi fid-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar is-superviżjoni msaħħa pendenti tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-QEDB f'*Szabó u Vissy* vs *L-Ungerija*, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fakkar li l-każ inkwistjoni kien jikkonċerna l-ksur tad-dritt tal-applikanti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħhom u għall-korrispondenza tagħhom minħabba l-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar miżuri ta' sorveljanza sigrieta relatati mas-sigurtà nazzjonali, li ma kellhomx salvagwardji preċiżi, effettivi u komprensivi biżżejjed dwar l-ordni, l-eżekuzzjoni u r-rimedju potenzjali ta' dawk il-miżuri; billi l-Kumitat tal-Ministri enfasizza wkoll li s-sorveljanza sigrieta għandha titqies bħala att intrużiv ħafna li potenzjalment jinterferixxi mad-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u l-privatezza u jhedded il-pedamenti ta' soċjetà demokratika, filwaqt li jfakkar li bi tweġiba għas-sentenza tal-QEDB, l-awtoritajiet ħabbru fl-2017 il-ħtieġa għal riforma leġiżlattiva; billi l-Kumitat tal-Ministri nnota bi tħassib serju li l-proċess leġiżlattiv kien għadu fi stadju preliminari u li l-awtoritajiet ma kienu ppreżentaw l-ebda żvilupp rilevanti ieħor, u għalhekk talab bil-qawwa lill-awtoritajiet biex jadottaw b'mod urġenti l-miżuri meħtieġa biex il-leġiżlazzjoni domestika ssir kompletament konformi mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jistabbilixxu skeda ta' żmien għall-proċess leġiżlattiv u jippreżentaw abbozz ta' proposta leġiżlattiva lill-Kumitat;

***Il-libertà tal-espressjoni, inkluż il-pluraliżmu tal-media***

BA. billi fit-13 ta' Lulju 2022, fil-kapitolu tal-pajjiż dwar l-Ungerija tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni indikat li l-indipendenza funzjonali u l-effettività tal-Awtorità tal-Media jeħtieġ li jissaħħu, u li d-direzzjoni kontinwa ta' ammonti sinifikanti ta' reklamar mill-Istat lill-media favur il-Gvern toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi fix-xenarju tal-media; billi l-media tas-servizz pubbliku topera f'sistema istituzzjonali kumplessa, fost tħassib dwar l-indipendenza editorjali u finanzjarja tagħha, u l-professjonisti tal-media jkomplu jiffaċċjaw sfidi fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom, inkluża s-sorveljanza tal-ġurnalisti investigattivi; billi l-aċċess għall-informazzjoni pubblika għadu qed jiġi ostakolat taħt stat ta' periklu;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

BB. billi fil-15 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq lill-Ungerija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talli kisret ir-regoli tat-telekomunikazzjoni tal-UE bid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Media Ungeriż għal raġunijiet dubjużi ħafna li jirrifjuta l-applikazzjoni ta' Klubrádió għall-użu tal-ispettru tar-radju; billi l-Kummissjoni kkonkludiet li r-rifjut tal-Kunsill tal-Media Ungeriż li jġedded id-drittijiet ta' Klubrádió kienu sproporzjonati u mhux trasparenti, u li, f'dan il-każ partikolari, il-liġi nazzjonali Ungeriża dwar il-media kienet ġiet applikata b'mod diskriminatorju, bi ksur tad-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ([15]) u tal-libertà tal-espressjoni;

BC. billi l-Fondazzjoni tal-Istampa u l-Media tal-Ewropa Ċentrali (KESMA) twaqqfet fil-11 ta' Settembru 2018; billi l-konsolidazzjoni ta' aktar minn 470 organizzazzjoni tal-media taħt il-kappa tal-KESMA kellha impatti f'termini ta' tnaqqis fl-ispazju disponibbli għall-media indipendenti u tal-oppożizzjoni u fil-limitu tal-aċċess ta' ċittadini Ungeriżi għall-informazzjoni; billi l-fondi li ntefqu għall-media pubblika u l-KESMA ntużaw biex isegwu l-propaganda tal-Gvern u biex jiġu skreditati l-Oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs); billi l-ambjent tal-media jista' jkun imxekkel favur il-Gvern permezz tal-manipulazzjoni tas-sjieda tal-media, il-ħakma tal-istat ta' regolaturi u ta' stabbilimenti li qabel kienu indipendenti, id-dħul mir-reklamar tal-Gvern u l-għoti ta' liċenzji – metodi replikati f'partijiet oħra fl-Ewropa;

BD. billi fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru 2019 fil-kawża *Szurovecz* vs *L-Ungerija*, il-QEDB ikkonkludiet li kien sar ksur tal-libertà tal-espressjoni bin-nuqqas ta' aċċess tal-media għall-faċilitajiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil; billi s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti;

BE. billi fis-sentenzi tagħha tat-3 ta' Diċembru 2019 fil-kawża *Scheiring u Szabó* vs *L-Ungerija*, u fit-2 ta' Diċembru 2021 fil-kawża *Szél* vs *L-Ungerija*, il-QEDB ikkonkludiet li kien sar ksur tal-libertà tal-espressjoni fir-rigward tal-wiri ta' strixxuni fil-Parlament Ungeriż; billi s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi għadha pendenti;

BF. billi fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Jannar 2020 fil-kawża *Magyar Kétfarkú Kutya Párt* vs *L-Ungerija*, il-QEDB ikkonkludiet li kien sar ksur tal-libertà tal-espressjoni bil-ħruġ ta' penali ta' applikazzjoni mobbli ta' partit politiku li permezz tagħha l-votanti setgħu jieħdu ritratt, itellgħu u jikkummentaw anonimament dwar il-voti invalidi mitfugħa f'referendum dwar l-immigrazzjoni fl-2016; billi s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti;

BG. billi f'dikjarazzjoni maħruġa fit-23 ta' Marzu 2020, ir-Rappreżentant tal-OSKE għal-Libertà tal-Media esprima t-tħassib tiegħu dwar id-dispożizzjonijiet fl-abbozz ta' liġi Ungeriż b'rispons għall-coronavirus, li seta' jkollhom impatt negattiv fuq il-ħidma tar-rappurtaġġ tal-media dwar il-pandemija;

BH. billi fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2020 fil-kawża *Mándli et al* vs *L-Ungerija*, il-QEDB ikkonkludiet li kien sar ksur tal-libertà tal-espressjoni bis-sospensjoni tal-akkreditament tal-applikanti bħala ġurnalisti fil-Parlament Ungeriż; billi s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti;

BI. billi, fl-24 ta' Lulju 2020, it-tkeċċija tal-kap editur tal-portal tal-aħbarijiet indipendenti ewlieni tal-Ungerija Index.hu wassal għar-riżenja kollettiva ta' aktar minn 70 ġurnalist li pprotestaw kontra l-indħil ċar u l-pressjoni governattiva fuq l-organizzazzjoni tal-media tagħhom;

BJ. billi skont l-ewwel Snapshot ta' Mapping Media Freedom iffinanzjat mill-Kummissjoni u maħruġ f'Lulju 2020, il-kriżi tal-COVID-19 x'aktarx kellha l-akbar effett fuq il-libertà tal-media fl-Ungerija meta mqabbla mal-pajjiżi Ewropej l-oħra kollha, peress li l-isfidi eżistenti ġew aggravati u tfaċċaw kwistjonijiet ġodda; billi l-leġiżlazzjoni l-ġdida adottata matul l-istat ta' emerġenza fl-Ungerija biex tiġġieled it-tixrid ta' informazzjoni "falza" jew "distorta" kkawżat inċertezza u awtoċensura fost il-mezzi tax-xandir u l-operaturi tal-media;

BK. billi fil-memorandum tagħha dwar il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media fl-Ungerija ppubblikat fit-30 ta' Marzu 2021, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indikat li l-effetti kkombinati ta' awtorità regolatorja tal-media li mhijiex ħielsa minn kontroll politiku u minn intervent sostnut u preġudikat mill-istat fis-suq tal-media dgħajfu l-kundizzjonijiet għall-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-espressjoni fl-Ungerija; billi l-Kummissarju kkonkludiet ukoll li d-dibattitu politiku ħieles u l-iskambju liberu ta' diversi opinjonijiet, li huma l-prerekwiżiti biex is-soċjetajiet demokratiċi jirnexxu, ġew ristretti ħafna, b'mod partikolari barra mill-belt kapitali;

([15]) ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

BL. billi f'dikjarazzjoni wara ż-żjara tagħha fl-Ungerija mill-15 sat-22 ta' Novembru 2021, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni indikat li l-interventi tal-Ungerija fis-settur tal-media matul dawn l-aħħar għaxar snin jistgħu joħolqu riskji għad-drittijiet tal-bniedem fl-elezzjonijiet li ġejjin; billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU kompliet tispeċifika li bl-eżerċitar ta' influwenza fuq il-korpi regolatorji tal-media, l-għoti ta' fondi statali sostanzjali b'appoġġ għall-media li tiffavorixxi l-Gvern, l-iffaċilitar tal-espansjoni u l-iżvilupp tal-media li ssegwi linja editorjali favur il-Gvern, u l-ostraċizzazzjoni tal-organi tal-istampa u l-ġurnalisti li jirrapportaw b'mod kritiku dwar il-Gvern, l-awtoritajiet biddlu s-sura tas-settur tal-media b'mod proattiv u fl-isforzi tagħhom biex joħolqu "bilanċ" dgħajfu d-diversità, il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media;

BM. billi fl-4 ta' April 2022, fid-dikjarazzjoni tagħha tas-sejbiet u l-konklużjonijiet preliminari wara l-elezzjonijiet parlamentari u r-referendum, il-missjoni internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE qalet li l-preġudizzju u n-nuqqas ta' bilanċ fl-aħbarijiet segwiti flimkien mal-assenza ta' dibattiti bejn il-kontestanti prinċipali llimitaw l-opportunità tal-votanti li jagħmlu għażla infurmata; billi fid-29 ta' Lulju 2022, fir-rapport finali tagħha, il-missjoni internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE enfasizzat li kampanji estensivi ta' reklamar tal-Gvern u kopertura tal-aħbarijiet preġudikata fil-media pubblika u privata pprovdew pjattaforma ta' kampanja mifruxa għall-partit fil-gvern;

BN. billi fit-8 ta' April 2022, l-Uffiċċju Elettorali Nazzjonali Ungeriż iddikjara illegali l-kampanja nazzjonali tal-NGOs fir-referendum dwar l-aċċess tat-tfal għal informazzjoni dwar l-orjentazzjoni sesswali u kwistjonijiet ta' identità tal-ġeneru – li fiha ħeġġew liċ-ċittadini jitfgħu voti invalidi – kienet illegali, u impona multi fuq 16-il NGO Ungeriża differenti li kienu pparteċipaw fil-kampanja referendarja;

BO. billi l-Ungerija kklassifikat fil-85 post mill-180 pajjiż u territorju koperti mill-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2022 ta' Reporters Mingħajr Fruntieri u, fl-analiżi għar-reġjun tal-Ewropa u l-Asja Ċentrali, hija elenkata fost il-pajjiżi li intensifikaw liġijiet diġà ħorox kontra l-ġurnalisti;

### *Il-libertà akkademika*

BP. billi fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020 fil-Kawża C-66/18, *Il-Kummissjoni* vs *L-Ungerija* ("Enseignement supérieur"), il-QĠUE ddeċidiet li bl-adozzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 76(1)(a) u (b) tal-Liġi Nru CCIV tal-2011 dwar l-edukazzjoni għolja nazzjonali, kif emendata, l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 13, 14 (3) u 16 tal-Karta, l-Artikolu 49 tat-TFUE u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern ([16]), kif ukoll il-ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; billi l-Università tal-Ewropa Ċentrali kellha titlaq minn Budapest;

BQ. billi f'Ottubru 2018 il-Gvern Ungeriż iddeċieda li jwaqqa' l-istudji dwar il-ġeneru minn lista ta' programmi ta' lawrja ta' Masters eliġibbli għall-akkreditazzjoni u l-finanzjament pubbliku;

BR. billi fit-2 ta' Lulju 2019 il-Parlament Ungeriż adotta emendi għal għadd ta' liġijiet dwar is-sistema istituzzjonali u l-finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u b'hekk neħħa l-awtonomija tal-Akkademja tax-Xjenzi; billi fil-31 ta' Awwissu 2020 il-maniġment prestiġjuż tal-Università tat-Teatru u l-Arti tal-Films (SZFE) irriżenja bi protesta dwar l-impożizzjoni ta' bord maħtur mill-Gvern; billi l-Ministeru tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni ħatar ħames membri fil-bord tal-amministrazzjoni l-ġdid, u rrifjuta l-membri proposti mis-senat tal-università; billi żewġ terzi mit-33 fondazzjoni għall-amministrazzjoni ta' assi ta' interess pubbliku li jwettqu dmirijiet pubbliċi li nħolqu sa tmiem l-2021 se jkunu qed jamministraw istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li qabel kienu mmexxija mill-Istat;

BS. billi fl-opinjoni tagħha tat-2 ta' Lulju 2021 dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ta' Venezja enfasizzat il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat mill-ġdid l-Artikolu 7 tad-Disa' Emenda relatata mal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-introduzzjoni ta' fondazzjoni għall-amministrazzjoni ta' assi ta' interess pubbliku li jwettqu dmirijiet pubbliċi fil-Liġi Fundamentali; billi l-Kummissjoni ta' Venezja ssuġġeriet li dawn il-fondazzjonijiet għandhom jiġu rregolati mil-liġi statutorja minflok, bid-dmirijiet rilevanti kollha ta' trasparenza

([16]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

u responsabbiltà għall-ġestjoni tal-fondi tagħhom (pubbliċi u privati) stabbiliti b'mod ċar, kif ukoll salvagwardji xierqa ta' indipendenza għall-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-bord tal-amministrazzjoni; billi l-Kummissjoni ta' Venezja semmiet ukoll li dawn il-liġijiet għandhom iqisu r-rwol sinifikanti tal-universitajiet bħala postijiet ta' ħsieb liberu u argumentazzjoni, filwaqt li jipprevedu l-miżuri kollha dovuti biex jiggarantixxu l-ħarsien xieraq tal-indipendenza akkademika u l-awtonomija istituzzjonali;

BT. billi fid-dikjarazzjoni tagħha wara ż-żjara fl-Ungerija mill-15 sat-22 ta' Novembru 2021, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni ħeġġet lill-awtoritajiet Ungeriżi jipproteġu l-libertà akkademika b'mod effettiv u jirrispettaw id-drittijiet tal-professuri u l-istudenti, fid-dawl tar-riskji marbuta mal-privatizzazzjoni tal-universitajiet pubbliċi għall-awtonomija tal-akkademiċi;

## *Il-libertà ta' reliġjon*

BU. billi fil-21 ta' Diċembru 2018 għaddiet emenda komprensiva għall-Att dwar il-Knisja tal-2011; billi, skont il-Gvern Ungeriż, din l-emenda kienet tiftaħ toroq legali għall-komunitajiet reliġjużi biex japplikaw, quddiem il-Qorti Metropolitana ta' Budapest, għall-istatus ta' assoċjazzjoni reliġjuża, knisja rreġistrata jew knisja inkorporata; billi s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-QEDB fil-kawża *Magyar Keresztény Mennonita Egyház et al* vs *L-Ungerija*, li sabet ksur tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni moqri fid-dawl tad-dritt għal-libertà tar-reliġjon minħabba t-tneħħija mir-reġistru tal-knejjes, għadha pendenti;

BV. billi fl-opinjoni tagħha tat-2 ta' Lulju 2021 dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat li s-sistema tal-iskejjel pubbliċi trid tipprovdi kurrikulu oġġettiv u pluralista li jevita l-indottrinazzjoni u d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, filwaqt li jirrispetta l-konvinzjonijiet tal-ġenituri u l-libertà tagħhom li jagħżlu bejn lezzjonijiet reliġjużi u sekulari;

BW. billi fit-13 ta' Lulju 2022, fil-kapitolu tal-pajjiż dwar l-Ungerija tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni indikat li l-pressjoni fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mhix tonqos; billi fis-27 ta' Lulju 2022, diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indikaw li l-abbozz ta' liġi ppreżentat mill-Gvern li jemenda r-regoli dwar il-konsultazzjoni pubblika "fl-interess li jintlaħaq ftehim mal-Kummissjoni Ewropea" joffri biss soluzzjonijiet foloz; billi l-Kummissjoni indikat ukoll li t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni pubblika fit-tfassil tal-liġijiet huwa għan importanti, iżda jkun jirrikjedi, l-ewwel u qabel kollox, rieda governattiva reali, implimentazzjoni sinifikanti tal-liġijiet eżistenti u garanziji ħafna aktar effettivi minn dawk inklużi fl-abbozz ta' liġi;

## *Il-libertà ta' assoċjazzjoni*

BX. billi fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 2020 fil-Kawża C-78/18, *Il-Kummissjoni* vs *L-Ungerija* (trasparenza tal-assoċjazzjonijiet), il-QĠUE kkonkludiet li bl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ([17]) tal-Liġi Nru LXXVI tal-2017 dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet li jirċievu Appoġġ minn Barra, l-Ungerija kienet introduċiet restrizzjonijiet diskriminatorji u mhux ġustifikati fuq donazzjonijiet barranin lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bi ksur tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 63 tat-TFUE u l-Artikoli 7, 8 u 12 tal-Karta; billi l-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat ittra ta' intimazzjoni lill-awtoritajiet Ungeriżi fit-18 ta' Frar 2021 inkwantu li ma kinux ħadu l-miżuri meħtieġa biex jirrispettaw is-sentenza; billi fl-20 ta' Lulju 2021, fil-kapitolu tal-pajjiż dwar l-Ungerija tar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni indikat li l-Parlament Ungeriż kien ħassar il-liġi u introduċa regoli ġodda dwar il-kontrolli tal-legalità għas-soċjetà ċivili, u li kien għad hemm pressjoni fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma kritiċi fil-konfront tal-Gvern; billi t-tkissir sistematiku tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali ċekken l-ispazju għall-partiti tal-Oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions u gruppi ta' interess, u ma ħalla l-ebda spazju għal djalogu soċjali u konsultazzjoni;

([17]) Dispożizzjonijiet li jimponu obbligi ta' reġistrazzjoni, dikjarazzjoni u pubblikazzjoni fuq ċerti kategoriji ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirċievu direttament jew indirettament appoġġ minn barra l-pajjiż li jaqbeż ċertu limitu u li jipprevedu l-possibbiltà li jiġu applikati penali għal organizzazzjonijiet li ma jikkonformawx ma' dawk l-obbligi.

BY. billi l-adozzjoni tal-liġi l-ġdida ma kinitx preċeduta minn konsultazzjoni pubblika ta' kwalunkwe tip u l-NGOs lanqas ma ġew ikkonsultati direttament, b'kontradizzjoni mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja mill-opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017 li l-konsultazzjoni pubblika għandha tinvolvi, sa fejn ikun possibbli, l-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili li l-istatus, il-finanzjament jew l-isferi ta' operazzjoni tagħhom jiġu affettwati bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni; billi skont il-liġi l-ġdida, dawn l-organizzazzjonijiet issa jistgħu jiġu soġġetti għal spezzjonijiet finanzjarji regolari mill-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat; billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma mħassba li l-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat, li l-funzjoni ewlenija tiegħu hi li jissorvelja l-użu tal-fondi pubbliċi, u mhux id-donazzjonijiet privati, se jintuża biex issir aktar pressjoni fuqhom; billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili wissew li bil-liġi l-ġdida dwar l-NGOs, l-istat se jindaħal fl-awtonomija tal-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet stabbiliti abbażi tad-dritt ta' assoċjazzjoni u fil-privatezza taċ-ċittadini li jiddefendu l-interess pubbliku, u li l-liġi hija ta' detriment għall-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni u għad-demokrazija kollha kemm hi; billi l-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat beda kontrolli fuq għexieren ta' NGOs fis-17 ta' Mejju 2022, fejn talab il-politiki kontabilistiċi u ta' ġestjoni tal-flus tagħhom;

BZ. billi fit-23 ta' Lulju 2021, tħabbar li ma ntlaħaq l-ebda ftehim mill-istati donaturi taż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Għotjiet tan-Norveġja – l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja – dwar il-ħatra ta' operatur ta' fond għall-ġestjoni tal-finanzjament għas-soċjetà ċivili fl-Ungerija; billi b'riżultat ta' dan, l-ebda programm mhu se jiġi implimentat matul il-perjodu ta' finanzjament attwali, li jannulla l-finanzjament ta' EUR 214,6 miljun li kien twarrab għall-Ungerija;

CA. billi fl-opinjoni konġunta tagħhom tas-17 ta' Diċembru 2018 dwar it-Taqsima 253 tal-Att XLI tal-20 ta' Lulju 2018 li jemenda ċerti liġijiet tat-taxxa u liġijiet relatati oħra, u dwar it-taxxa speċjali tal-immigrazzjoni, il-Kummissjoni ta' Venezja u l-OSKE/ODIHR qalu li t-taxxa ta' 25 % fuq l-għajnuna finanzjarja għal attività ta' appoġġ għall-immigrazzjoni mwettqa fl-Ungerija jew fuq l-għajnuna finanzjarja għall-operazzjonijiet ta' organizzazzjoni b'sede fl-Ungerija li twettaq attività ta' appoġġ għall-immigrazzjoni, ma tissodisfax ir-rekwiżit tal-legalità u tikkostitwixxi ndħil mhux ġustifikat fid-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni tal-NGOs affettwati;

CB. billi fir-rapport tagħha tal-21 ta' Mejju 2019 wara żjara fl-Ungerija mill-4 sat-8 ta' Frar 2019, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa enfasizzat li ċerti miżuri leġiżlattivi stigmatizzaw u kkriminalizzaw attivitajiet tas-soċjetà ċivili li għandhom jitqiesu bħala leġittimi għalkollox f'soċjetà demokratika, u jeżerċitaw effett dissważiv kontinwu fuq l-NGOs, filwaqt li nnotat li xi wħud mid-dispożizzjonijiet legali huma eċċezzjonalment vagi, arbitrarji u mhux implimentati fil-prattika;

CC. billi fir-rapport tiegħu tal-11 ta' Mejju 2020 wara żjara fl-Ungerija mill-10 sas-17 ta' Lulju 2019, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti osserva li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-migranti fl-Ungerija esperjenzaw diversi ostakli fit-twettiq tal-ħidma leġittima u importanti tagħhom bħala konsegwenza tal-emendi leġiżlattivi, ir-restrizzjonijiet finanzjarji u miżuri operattivi u prattiċi oħra meħuda mill-awtoritajiet rilevanti; billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU nnotat ukoll li għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kienu soġġetti għal kampanji ta' malafama, li f'xi każijiet ġew segwiti minn investigazzjonijiet amministrattivi jew kriminali;

***Id-dritt għal trattament ugwali, inklużi d-drittijiet LGBTIQ***

CD. billi fit-13 ta' Lulju 2022, fil-kapitolu dwar l-Ungerija tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni indikat li l-Kummissarju Ungeriż għad-Drittijiet Fundamentali kien kiseb aktar kompetenzi, iżda l-akkreditament tiegħu tnaqqas wara tħassib dwar l-indipendenza tiegħu; billi bejn l-14 u l-25 ta' Marzu 2022, fir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tas-sessjoni virtwali tas-Sottokumitat għall-Akkreditament tagħha, l-Alleanza Globali tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem irrakkomandat li l-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali jitbaxxa għal status B, peress li s-Sottokumitat ma kienx irċieva l-evidenza bil-miktub meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-Kummissarju kien qed iwettaq il-mandat tiegħu b'mod effettiv fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli bħall-minoranzi etniċi, il-persuni LGBTIQ, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rifuġjati u l-migranti, jew b'rabta ma' kwistjonijiet importanti tad-drittijiet tal-bniedem bħall-pluraliżmu tal-media, l-ispazju ċiviku u l-indipendenza ġudizzjarja; billi s-Sottokumitat kien tal-fehma li l-Kummissarju kien qed jaġixxi b'mod li jikkompromettі serjament il-konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-kriterji tal-istandards għall-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; billi s-Sottokumitat innota wkoll problemi fil-proċess tal-għażla u l-ħatra u fir-relazzjonijiet tax-xogħol u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

CE. billi fil-15 ta' Ġunju 2021, il-Parlament Ungeriż adotta liġi oriġinarjament maħsuba biex tiġġieled il-pedofilija, li, wara emendi proposti minn membri parlamentari tal-partit Fidesz fil-gvern, fiha klawżoli li jipprojbixxu kwalunkwe referenza għall-omosesswalità u r-riassenjament tal-ġeneru fil-preżenza ta' minorenni; billi l-liġi tipprojbixxi kwalunkwe referenza għall-omosesswalità u r-riassenjament tal-ġeneru waqt il-lezzjonijiet tal-edukazzjoni sesswali, u tistipula li tali lezzjonijiet issa jistgħu jsiru biss minn organizzazzjonijiet reġistrati; billi l-bidliet fil-Liġi dwar ir-Reklamar tan-Negozju u l-Liġi dwar il-Media jirrikjedu li reklami u kontenut fejn jidhru persuni LGBTI jridu jiġu kklassifikati bħala Kategorija V (jiġifieri mhux rakkomandati għall-minorenni); billi l-assoċjazzjoni tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ma' atti kriminali bħall-pedofilija hija inaċċettabbli u twassal għal aktar diskriminazzjoni u stigmatizzazzjoni fil-konfront tal-minoranzi sesswali; billi, b'konsegwenza tar-regoli nazzjonali li jipprojbixxu jew jillimitaw l-aċċess għal kontenut li juri l-hekk imsejħa "diverġenza mill-identità personali li tikkorrispondi għas-sess mat-twelid, bidla fis-sess jew omosesswalità" għal individwi taħt it-18-il sena, il-Gvern Ungeriż ħareġ digriet li fih ordna lill-bejjiegħa tal-kotba għat-tfal igeżwru kotba u media li juru l-omosesswalità f'"pakkett magħluq" u jipprojbixxu l-bejgħ ta' kotba jew media li juru relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess jew bidliet fil-ġeneru f'distanza ta' 200 metru minn kwalunkwe skola jew knisja; billi dan kien japplika għall-ktieb tal-istejjer għat-tfal *A Fairytale for Everyone*, ippubblikat minn Labrisz;

CF. billi fit-2 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat opinjoni motivata lill-awtoritajiet Ungeriżi biex tindikalhom li bl-impożizzjoni ta' obbligu li tingħata informazzjoni dwar diverġenza minn "rwoli tas-sessi tradizzjonali", l-Ungerija kienet qed tillimita l-libertà tal-espressjoni tal-awturi u tal-pubblikaturi tal-kotba (l-Artikolu 11 tal-Karta) u tiddiskrimina fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali b'mod mhux ġustifikat (l-Artikolu 21 tal-Karta), u tapplika b'mod skorrett ir-regoli tal-UE dwar prattiki kummerċjali żleali skont id-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern ([18]);

CG. billi fil-15 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi lill-Ungerija lill-QĠUE fir-rigward tar-regoli nazzjonali tagħhom li jfittxu li jipprojbixxu jew jillimitaw l-aċċess għall-kontenut li juri l-hekk imsejħa "diverġenza mill-identità personali li tikkorrispondi għas-sess mat-twelid, bidla fis-sess jew omosesswalità" għal individwi taħt it-18-il sena; billi l-Kummissjoni kkonkludiet li dawn ir-regoli, b'mod partikolari, imorru kontra d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva ([19]), id-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ([20]), kif ukoll id-dinjità tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata kif ukoll id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, kif minquxa rispettivament fl-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta; billi l-Kummissjoni indikat ukoll li minħabba l-gravità ta' dan il-ksur, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jiksru wkoll il-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi fit-22 ta' Ġunju 2021, 18-il Stat Membru tal-UE aderixxew ma' dikjarazzjoni fil-marġni tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, li fiha opponew l-adozzjoni tal-liġi;

CH. billi fil-21 ta' Mejju 2019, fir-rapport tagħha wara ż-żjara fl-Ungerija bejn l-4 u t-8 ta' Frar 2019, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ddeskriviet kif l-Ungerija qed tmur lura fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, ir-rappreżentanza politika tan-nisa hija baxxa ferm, u li, fil-politika tal-gvern, il-kwistjonijiet tan-nisa huma assoċjati mill-qrib mal-affarijiet tal-familja u l-awtoritajiet ma baqgħux jimplimentaw strateġija speċifika dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

CI. billi f'dikjarazzjoni maħruġa fid-29 ta' April 2020, l-Espert Indipendenti tan-NU dwar il-ħarsien mill-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ħeġġeġ lill-Ungerija tneħhi l-leġiżlazzjoni proposta li ċċaħħad lill-persuni transġeneru u ta' ġeneru varjanti mid-dritt għar-rikonoxximent legali u l-awtodeterminazzjoni;

CJ. billi fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tat-3 ta' Marzu 2020 dwar is-sitt rapport perjodiku tal-Ungerija, il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal talab lill-Gvern Ungeriż jaġixxi, jadotta strateġija, u jipprovdi informazzjoni u appoġġ lil tfal vulnerabbli, inklużi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-bniet, it-tfal Rom, it-tfal migranti u li jkunu qed ifittxu ażil kif

([18]) ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
([19]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
([20]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

ukoll it-tfal leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneru u intersesswali; billi l-Kumitat qajjem ukoll tħassib serju dwar it-tfal b'diżabilità li jiġu mċaħħda mill-familji tagħhom u li jgħixu f'istituzzjonijiet, miżuri insuffiċjenti mill-awtoritajiet Ungeriżi biex itemmu l-istituzzjonalizzazzjoni u jippromwovu l-aċċess għas-saħħa, servizzi ta' riabilitazzjoni u attivitajiet inklużivi oħra, il-każijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u maltrattament ta' tfal b'diżabilità f'kura istituzzjonali, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' tfal b'diżabilità Rom, u l-istigma kontinwa mġarrba mit-tfal b'diżabilità;

CK. billi fil-5 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ungeriż adotta riżoluzzjoni li fiha rrifjuta r-ratifika tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul);

CL. billi fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2020, fil-kawża *Rana* vs *L-Ungerija*, il-QEDB ikkonstatat ksur tad-dritt għar-rispett għall-ħajja privata fil-każ ta' raġel transġeneru mill-Iran li kien ingħata ażil fl-Ungerija iżda ma setgħax jibdel ismu u l-ġeneru tiegħu legalment f'dak il-pajjiż; billi fid-deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022 dwar is-superviżjoni msaħħa pendenti tal-eżekuzzjoni, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa nnota bi tħassib li l-awtoritajiet Ungeriżi ma kienu ħadu l-ebda miżura biex joħolqu soluzzjoni xierqa għal ċittadini ta' pajjiżi terzi stabbiliti legalment li japplikaw għal rikonoxximent legali tal-ġeneru; billi, barra minn hekk, f'Mejju 2020 il-Parlament Ungeriż adotta leġiżlazzjoni li għamlet ir-rikonoxximent legali tal-ġeneru impossibbli għall-persuni transġeneru Ungeriżi;

CM. billi f'dikjarazzjoni maħruġa fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ħeġġet lill-Membri Parlamentari Ungeriżi biex jirrifjutaw abbozzi ta' emendi li jipprojbixxu d-diskussjoni dwar l-identità sesswali u tal-ġeneru u d-diversità; billi fl-opinjoni tagħha tat-13 ta' Diċembru 2021 dwar il-kompatibbiltà mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem tal-Att LXXIX tal-2021 li jemenda ċerti atti għall-protezzjoni tat-tfal, il-Kummissjoni ta' Venezja kkonkludiet li l-emendi qajla jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u ħeġġet lill-awtoritajiet Ungeriżi jirrevokaw għadd ta' dispożizzjonijiet;

CN. billi fl-opinjoni tagħha tat-2 ta' Lulju 2021 dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat li l-emenda kostituzzjonali rigward iż-żwieġ bħala l-unjoni ta' raġel u mara, u ż-żieda li "[L]-omm għandha tkun mara, il-missier għandu jkun raġel", ma għandhiex tintuża bħala opportunità biex jiġu rtirati l-liġijiet eżistenti dwar il-protezzjoni ta' individwi li mhumiex eterosesswali, jew biex jiġu emendati dawk il-liġijiet għall-iżvantaġġ tagħhom; billi l-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat ukoll li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-emendi kostituzzjonali, speċjalment fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, għandhom jitwettqu b'mod li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, jiġi implimentat bir-reqqa; billi nnotat ukoll li l-emenda "[L]-Ungerija għandha tipproteġi d-dritt tat-tfal għal awtoidentità li tikkorrispondi għas-sess tagħhom mat-twelid" għandha titħassar jew tiġi modifikata biex jiġi żgurat li ma jkollhiex l-effett li ċċaħħad id-drittijiet ta' persuni transġeneru għar-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru miksuba tagħhom;

CO. billi fl-opinjoni tagħha tat-18 ta' Ottubru 2021 dwar l-emendi għall-Att dwar it-Trattament Ugwali u l-Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs u għall-Att dwar il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali kif adottat mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ta' Venezja indikat li hemm riskji assoċjati mal-fużjoni tal-korpi tal-ugwaljanza mal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem inklużi, iżda mhux limitati għal, tradizzjonijiet, proċeduri legali u approċċi differenti li l-istituzzjonijiet jista' jkollhom fis-seħħ u osservat li l-kolliżjoni tal-kompetenzi li diġà jgawdi l-Kummissarju skont l-Att CXI u dawk miksuba fil-kapaċità tiegħu bħala suċċessur tal-Awtorità Ungeriża tat-Trattament Ugwali, hija dimostrazzjoni ċara ta' riskju li jista' jdgħajjef l-effettività tal-ħidma fil-qasam tal-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;

CP. billi f'dikjarazzjoni maħruġa fit-13 ta' Jannar 2022, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa affermat li kien ta' dispjaċir kbir li l-Gvern Ungeriż kien iddeċieda li jwettaq referendum nazzjonali dwar l-aċċess tat-tfal għall-informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru fl-istess jum tal-elezzjonijiet parlamentari, peress li dan kompla jikkontribwixxi għall-istrumentalizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ; billi fid-29 ta' Lulju 2022, fir-rapport finali tagħha, il-missjoni internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE enfasizzat li l-qafas legali tar-referendum huwa fil-biċċa l-kbira inadegwat u ma jipprevedix kundizzjonijiet ekwi għall-kampanji ta' referendum, u b'hekk ma jissodisfax ir-rakkomandazzjonijiet

ewlenin skont il-prattika tajba internazzjonali, u skont emenda tal-2018, il-gvern għandu drittijiet sħaħ tal-kampanja meta jkun l-inizjatur ta’ referendum, għall-kuntrarju ta’ prattika tajba internazzjonali, u l-awtoritajiet mhumiex obbligati jipprovdu lill-elettorat informazzjoni oġġettiva dwar il-kwistjonijiet tar-referendum jew il-pożizzjonijiet tal-proponenti u l-avversarji, li jisfidaw il-kapaċità tal-votanti li jagħmlu għażla infurmata; billi r-referendum kontra l-persuni LGBTIQ li sar fl-Ungerija fit-3 ta’ April 2022 ma kienx validu peress li l-ebda għażla (“iva” jew “le”) ma kisbet 50 % tal-voti; billi r-referendum ġie kkritikat b’mod wiesa’ bħala wieħed li jikser il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni;

CQ. billi fid-29 ta’ Lulju 2022, fir-rapport finali tagħha, il-missjoni internazzjonali ta’ osservazzjoni elettorali tal-OSKE enfasizzat li inqas minn 20 % tal-kandidati kollha kienu nisa, u dan jillimita b’mod sinifikanti l-opportunità li tissaħħaħ ir-rappreżentanza baxxa tan-nisa fil-politika nazzjonali fl-Ungerija; billi l-proporzjon ta’ nisa fil-Parlament Ungeriż elett fl-2022 huwa ta’ 14 %;

CR. billi fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-25 ta’ Marzu 2022 dwar it-tieni u t-tielet rapport ikkombinati tal-Ungerija, il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità esprima tħassib li l-persuni b’diżabilità ma għandhomx mekkaniżmu biex jieħdu deċiżjoni b’mod awtonomu, u rrakkomanda li l-Ungerija temenda l-leġiżlazzjoni tagħha biex tiżgura li t-teħid ta’ deċiżjonijiet appoġġjat jirrispetta d-dinjità, l-awtonomija, ir-rieda u l-preferenzi tal-persuni b’diżabilità fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tagħhom; billi l-Kumitat irrakkomanda wkoll li l-Ungerija tfassal mill-ġdid il-miżuri tagħha u tidderieġi mill-ġdid il-baġits tagħha f’servizzi ta’ appoġġ ibbażati fil-komunità, bħall-assistenza personali, bil-għan li tippermetti li l-persuni b’diżabilità jgħixu b’mod indipendenti u ugwali fil-komunità;

***Id-drittijiet ta’ persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom u l-Lhud, u l-protezzjoni kontra dikjarazzjonijiet ta’ mibegħda kontra tali minoranzi***

CS. billi fid-9 ta’ Ġunju 2021 il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat ittra ta’ intimazzjoni lill-Ungerija peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha ma tikkonformax bis-sħiħ mar-regoli tal-UE li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni skont id-Direttiva 2000/43/KE tal-Kunsill li timplimenta l-prinċipju ta’ trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità [21] u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol [22], li jirrikjedu li l-Istati Membri jistabbilixxu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għad-diskriminazzjoni; billi f’Lulju 2020 seħħet bidla fundamentali meta l-Ungerija emendat ir-reġim nazzjonali ta’ sanzjonijiet, u obbligat lill-qrati jagħtu kumpens morali għal diskriminazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali biss fil-forma ta’ servizzi ta’ taħriġ jew edukazzjoni u mhux fil-forma ta’ pagament ta’ darba; billi l-Parlament Ewropew talab ripetutament lill-Istati Membri jindirizzaw l-anti-Żingariżmu permezz ta’ miżuri leġiżlattivi u ta’ politika effettivi;

CT. billi fit-2 ta’ Diċembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta’ intimazzjoni lill-Ungerija rigward it-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/JHA dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta’ razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali [23], peress li l-qafas legali Ungeriż jonqos milli jikkriminalizza l-iskużar fil-pubbliku, iċ-ċaħda jew it-trivjalizzazzjoni gravi ta’ reati internazzjonali u ma jiżgurax li motivazzjoni razzista u ksenofobika titqies bħala ċirkostanza aggravanti jew li tali motivazzjoni titqies mill-qrati nazzjonali għal kwalunkwe reat imwettaq;

CU. billi fl-osservazzjonijiet konklużivi tagħha tas-6 ta’ Ġunju 2019 dwar ir-rapporti perjodiċi kkombinati mit-tmintax sal-ħamsa u għoxrin dwar l-Ungerija, il-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali indika li kien allarmat ħafna bil-prevalenza ta’ diskors ta’ mibegħda razzista kontra r-Rom, il-migranti, ir-rifuġjati, il-persuni li jfittxu ażil u minoranzi oħra, li jixpruna l-mibegħda u l-intolleranza u xi drabi jinċita l-vjolenza lejn tali gruppi, b’mod partikolari minn politiċi ewlenin u fil-media, inkluż fuq l-internet; billi, b’mod partikolari, il-Kumitat kien ferm allarmat dwar rapporti li personalitajiet pubbliċi, inkluż fl-ogħla livelli, kienu għamlu dikjarazzjonijiet li jistgħu jippromwovu l-mibegħda razzjali, b’mod partikolari bħala parti mill-kampanja tal-gvern kontra l-immigranti u r-rifuġjati li bdiet fl-2015, u fil-preżenza u l-operat ta’ organizzazzjonijiet li jippromwovu l-mibegħda razzjali; billi, filwaqt li jieħu nota tal-informazzjoni pprovduta dwar il-miżuri meħuda biex tittejjeb is-sitwazzjoni tar-Rom, inkluż fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, kif ukoll permezz tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni Soċjali tal-2011, il-Kumitat baqa’ mħasseb ħafna dwar il-persistenza tad-diskriminazzjoni kontra r-Rom u s-segregazzjoni u l-faqar estrem li jiffaċċjaw;

(21) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
(22) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
(23) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

CV. billi fil-ħames opinjoni tiegħu dwar l-Ungerija adottat fis-26 ta' Mejju 2020, il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa indika li filwaqt li l-Ungerija żammet il-politika tagħha li tappoġġja l-minoranzi nazzjonali abbażi ta' qafas leġiżlattiv solidu, għad hemm bżonn li jiġu indirizzati d-diffikultajiet strutturali li jiffaċċjaw ir-Rom fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u privata, inklużi l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u l-aċċess għall-kura tas-saħħa; billi l-Kumitat enfasizza li jeħtieġ li jittieħdu miżuri urġenti sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tar-Rom, jiġi miġġieled it-tluq bikri mill-iskola, u tiġi promossa edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità, inkluż f'żoni segregati; billi indika wkoll li fir-reġjuni żvantaġġati, hemm bżonn ta' komplementarjetà aktar b'saħħitha bejn il-politiki nazzjonali u lokali sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet fit-tul għall-problemi tal-impjiegi u tal-akkomodazzjoni, filwaqt li l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għas-servizzi soċjali jibqa' soġġett għal ostakli prattiċi serji, prinċipalment għad-detriment tan-nisa u t-tfal Rom;

CW. billi fid-deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022 dwar is-superviżjoni msaħħa pendenti tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-QEDB f'*Horváth u Kiss* vs *l-Ungerija*, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fakkar li l-każ inkwistjoni kien jikkonċerna t-tqegħid ħażin diskriminatorju u r-rappreżentanza żejda tat-tfal Rom fi skejjel speċjali għal tfal b'diżabilità mentali, u li l-istat kien taħt obbligu pożittiv li jevita li jipperpetwa prattiki diskriminatorji; billi l-Kumitat tenna bil-qawwa l-istedina tiegħu lill-awtoritajiet biex jipprovdu eżempji li juru l-effikaċja tar-rimedji amministrattivi u ġudizzjarji kontra s-sejbiet tal-kumitati esperti u biex jikkompletaw id-data statistika pprovduta f'dan ir-rigward, ħeġġeġ lill-awtoritajiet jissupplimentaw l-informazzjoni statistika b'data diżaggregata skont l-etniċità li tindika l-għadd ta' appelli ppreżentati f'każijiet ta' tfal Rom u tenna bil-qawwa l-istedina tiegħu lill-awtoritajiet biex jipprovdu aktar informazzjoni dwar kwalunkwe proċedura rilevanti quddiem il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali;

CX. billi s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-QEDB f'*Balázs* vs *l-Ungerija* li jikkonċernaw ksur tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni moqrija flimkien mal-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti minħabba n-nuqqas tal-awtoritajiet li jwettqu investigazzjonijiet effettivi dwar il-kwistjoni ta' motivi razzjali possibbli wara t-trattament ħażin impost fuq l-applikanti Rom minn aġenti tal-infurzar tal-liġi, għadha pendenti;

CY. billi fid-29 ta' Lulju 2022, il-mexxejja tal-gruppi politiċi tal-Parlament adottaw dikjarazzjoni li tikkundanna d-dikjarazzjonijiet apertament razzisti tal-Prim Ministru Viktor Orbán dwar il-fatt li ma jixtiqx li l-poplu Ungeriż isir "razza mħallta", u ssottolinjaw li dawn id-dikjarazzjonijiet jiksru l-valuri tagħna, li huma minquxa wkoll fit-Trattati tal-UE;

***Id-drittijiet fundamentali tal-migranti, il-persuni li jfittxu ażil u r-rifuġjati***

CZ. billi fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Marzu 2020 fil-Kawża C-564/18, *Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal (Tompa)*, il-QĠUE ddeċidiet li d-Direttiva 2013/32/UE dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali ([24]) tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi miċħuda bħala inammissibbli għar-raġuni li l-applikant wasal fit-territorju ta' Stat Membru kkonċernat minn stat li fih dik il-persuna ma kinitx esposta għal persekuzzjoni jew riskju ta' offiża gravi, jew li fih huwa ggarantit livell suffiċjenti ta' protezzjoni; billi l-QĠUE kkonkludiet li d-direttiva tipprekludi wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi limitu ta' żmien ta' tmint ijiem li fih qorti li tkun qed tisma' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli għandha tagħti deċiżjoni, meta dik il-qorti ma tkunx tista' tiżgura, f'tali limitu ta' żmien, li r-regoli sostantivi u l-garanziji proċedurali li jgawdi l-applikant skont id-dritt tal-UE jkunu effettivi;

DA. billi fis-sentenza tagħha tat-2 ta' April 2020 fil-Kawżi Magħquda C-715/17, C-718/17 u C-719/17, inkluża *l-Kummissjoni* vs *l-Ungerija* (mekkaniżmu temporanju għar-rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali), il-QĠUE ddeċidiet li billi naqset milli tindika f'intervalli regolari, u mill-inqas kull tliet xhur, għadd xieraq ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jistgħu jiġu rilokati malajr fit-territorju tagħha, l-Ungerija, mill-25 ta' Diċembru 2015, naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 ([25]) u konsegwentement naqset milli tissodisfa l-obbligi sussegwenti tagħha ta' rilokazzjoni skont l-Artikolu 5(4) sa (11) ta' dik id-deċiżjoni;

([24]) ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60.

([25]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80).

DB. billi fl-14 ta' Mejju 2020, fil-Kawżi Magħquda C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, *Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság* u *Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság*, il-QĠUE ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115/KE dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ([26]) u d-Direttiva 2013/33/UE li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ([27]) ifissru li l-obbligu impost fuq ċittadin ta' pajjiż terz li jibqa' permanentement f'żona ta' tranżitu li l-perimetru tagħha jkun ristrett u magħluq, li fi ħdanha l-movimenti ta' dan iċ-ċittadin ikunu limitati u kkontrollati, u li fiha ma jistax legalment jitlaq volontarjament, fi kwalunkwe direzzjoni, jidher li huwa ċaħda tal-libertà, ikkaratterizzata minn "detenzjoni" fis-sens ta' dawn id-direttivi; billi l-QĠUE indikat li d-dritt tal-UE jipprekludi għadd ta' dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ungeriża;

DC. billi fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Diċembru 2020 fil-Kawża C-808/18, *Il-Kummissjoni* vs *l-Ungerija* ("Accueil des demandeurs de protection internationale"), il-QĠUE ddeċidiet li l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttivi 2008/115/KE, 2013/32/UE u 2013/33/UE billi: i) tipprevedi li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi jistgħu jsiru biss fiż-żoni ta' tranżitu ta' Röszke u Tompa, filwaqt li tillimita drastikament l-għadd ta' applikanti awtorizzati biex jidħlu f'dawk iż-żoni ta' tranżitu kuljum; ii) stabbiliet sistema ta' detenzjoni sistematika tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fiż-żoni ta' tranżitu ta' Röszke u Tompa; iii) tippermetti t-tneħħija taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju tagħha, mingħajr ma tosserva l-proċeduri u s-salvagwardji stabbiliti fl-acquis; u iv) għamlet l-eżerċizzju mill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali tad-dritt tagħhom li jibqgħu fit-territorju tagħha soġġett għal kundizzjonijiet li jmorru kontra d-dritt tal-UE; billi fis-27 ta' Jannar 2021, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ħabbret li kienet se tissospendi l-operazzjonijiet tagħha fl-Ungerija, wara s-sentenza tal-QĠUE; billi fit-12 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi lill-Ungerija lill-QĠUE talli naqset milli tikkonforma mas-sentenza u talbet li l-QĠUE tordna l-ħlas ta' penali finanzjarji (Kawża C-123/22);

DD. billi fid-9 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat ittra ta' intimazzjoni u opinjoni motivata lill-awtoritajiet Ungeriżi talli naqsu milli jittrasponu bis-sħiħ id-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-intervista personali, l-iskrinjar mediku, il-garanziji għat-tfal u ż-żgħażagħ mhux akkumpanjati u dwar il-proċedura ta' eżami tal-ażil;

DE. billi fil-15 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi lill-Ungerija lill-QĠUE billi qieset li l-proċedura l-ġdida tal-ażil hija inkompatibbli mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/32, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 18 tal-Karta (il-Kawża C-823/21 *Il-Kummissjoni* vs *l-Ungerija*);

DF. billi fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Novembru 2021 fil-Kawża C-821/19, *Il-Kummissjoni* vs *l-Ungerija* ("Incrimination de l'aide aux demandeurs d'asile"), il-QĠUE ddeċidiet li l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont: i) l-Artikolu 33(2) tad-Direttiva 2013/32/UE billi ppermettiet li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi miċħuda bħala inammissibbli għar-raġuni li l-applikant wasal fit-territorju tagħha minn Stat li fih dik il-persuna ma kinitx esposta għal persekuzzjoni jew riskju ta' ħsara serja, jew li fih kien iggarantit livell suffiċjenti ta' protezzjoni; ii) l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/32/UE kif ukoll l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2013/33/UE billi tikkriminalizza fil-liġi nazzjonali tagħha l-azzjonijiet ta' kull persuna li, b'rabta ma' attività organizzattiva, tipprovdi assistenza biex issir jew tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-ażil fit-territorju tagħha, meta jkun jista' jiġi stabbilit lil hinn minn kull dubju raġonevoli li din il-persuna kienet taf li dik l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi aċċettata skont dik il-liġi; u iii) l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 12(1), punt (c), u l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/32/UE kif ukoll l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2013/33/UE billi pprekludiet lil kwalunkwe persuna ssuspettata li wettqet tali reat mid-dritt li tidħol fil-fruntieri esterni tagħha;

DG. billi fir-rapport tagħha tal-21 ta' Mejju 2019, wara żjara fl-Ungerija mill-4 sat-8 ta' Frar 2019, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa sabet li l-pożizzjoni kontra l-immigrazzjoni u l-persuni li jfittxu ażil adottata mill-Gvern Ungeriż mill-2015 'l hawn irriżultat f'qafas leġiżlattiv li jdgħajjef l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil u l-integrazzjoni ta' rifuġjati rikonoxxuti kif preskritt mill-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

([26]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.
([27]) ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96.

DH. billi fir-rapport tiegħu tas-17 ta' Marzu 2020, wara żjara fl-Ungerija fl-2018, il-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Pieni Inumani jew Degradanti enfasizza li ma sar xejn miż-żjara *ad hoc* tal-Kumitat fl-2017 biex jiġu stabbiliti salvagwardji effettivi għall-prevenzjoni tat-trattament ħażin ta' persuni ritornati mill-uffiċjali tal-pulizija Ungeriża permezz taċ-ċint tal-fruntiera lejn is-Serbja, u kien ċar ukoll li għad ma kien hemm l-ebda rimedju legali kapaċi li joffri protezzjoni effettiva lil dawn il-persuni kontra t-tneħħija furzata u/jew ir-refoulement tagħhom, inkluż ir-refoulement tal-katina;

DI. billi fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2019 dwar ir-rapporti perjodiċi kkombinati mit-tmintax sal-ħamsa u għoxrin dwar l-Ungerija, il-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali esprima tħassib dwar is-sitwazzjoni allarmanti tal-persuni li jfittxu ażil, ir-rifuġjati u l-migranti u dwar rapporti li l-prinċipju ta' non-refoulement ma kienx qed jiġi rispettat bis-sħiħ fil-liġi u fil-prattika; billi l-Kumitat kien ferm allarmat ukoll dwar l-użu eċċessiv ta' forza u vjolenza rrappurtat minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi kontra ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fi kwalunkwe post fl-Ungerija, filwaqt li wettqu "push-backs" għal dawk qrib il-fruntiera mas-Serbja, b'riżultat ta' korrimenti u ħsara fiżika;

DJ. billi fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu 2021 f'*R.R. et al* vs *l-Ungerija*, il-QEDB sabet li n-nuqqas ta' ikel ipprovdut lill-ewwel applikant (R.R.) u l-kundizzjonijiet ta' soġġorn tal-applikanti l-oħra (mara tqila u tfal) kienu wasslu għal ksur tal-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti; billi l-QEDB sabet ukoll li s-soġġorn tal-applikanti fiż-żona ta' tranżitu kien jammonta għal ċaħda *de facto* tal-libertà u li n-nuqqas ta' kwalunkwe deċiżjoni formali tal-awtoritajiet u kwalunkwe proċediment li permezz tiegħu l-legalità tad-detenzjoni tagħhom setgħet tiġi deċiża malajr minn qorti kien wassal għal ksur tad-dritt għal-libertà u s-sigurtà; billi fis-sentenzi tagħha tal-24 ta' Frar 2022 f'*M.B.K. et al* vs *l-Ungerija* u tat-2 ta' Ġunju 2022 f'*H.M. et al* vs *l-Ungerija*, il-QEDB waslet għal konklużjonijiet simili; billi s-superviżjoni msaħħa tal-eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi għadha pendenti;

DK. billi fir-rapport tiegħu tal-11 ta' Mejju 2020 wara żjara fl-Ungerija fl-2019, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti tenna t-talba tiegħu lill-Gvern Ungeriż li ssir rivalutazzjoni sinifikanti tas-sitwazzjoni attwali u tal-politiki ta' migrazzjoni tagħha u indika li l-Ungerija għandha ttemm l-hekk imsejħa sitwazzjoni ta' kriżi, li ma tikkorrispondix mar-realtà u għandha impatt negattiv serju fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, tal-persuni li jfittxu ażil, il-libertà tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-setgħa tal-ġudikatura u tneħħi l-miżuri restrittivi l-oħra kollha b'karatteristiċi u konsegwenzi simili;

DL. billi fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Lulju 2021 f'*Shahzad* vs *l-Ungerija*, il-QEDB sabet li l-applikant kien soġġett għal tkeċċija "kollettiva" peress li s-sitwazzjoni individwali tiegħu ma kinitx ġiet aċċertata mill-awtoritajiet, li ma kinux ipprovdew modi ġenwini u effettivi biex jidħol fl-Ungerija, l-applikant ma kienx tneħħa riżultat tal-imġiba tiegħu u ma kellux rimedju legali adegwat disponibbli għalih; billi s-superviżjoni msaħħa tal-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti;

DM. billi fid-deċiżjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar is-superviżjoni msaħħa pendenti tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-QEDB f'*Ilias u Ahmed* vs *l-Ungerija*, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fakkar li dan il-każ jikkonċerna ksur tal-obbligu proċedurali skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jiġu vvalutati r-riskji ta' trattament ħażin qabel l-applikanti li jfittxu l-ażil jitneħħew lejn is-Serbja billi jibbażaw fuq preżunzjoni ġenerali ta' "pajjiż terz sikur", innota b'dispjaċir kbir li ma ttieħed l-ebda pass lejn it-twettiq tar-rivalutazzjoni meħtieġa tal-preżunzjoni leġiżlattiva ta' "pajjiż terz sikur" fir-rigward tas-Serbja u tenna bis-sħiħ l-istedina tiegħu biex issir tali valutazzjoni mill-ġdid mingħajr aktar dewmien u f'konformità mar-rekwiżiti tal-każistika tal-QEDB, u li jiġu ppreżentati r-raġunijiet u l-eżitu tagħha; billi l-Kumitat innota wkoll bi tħassib serju li, minkejja t-tħassib li esprima fid-deċiżjoni preċedenti tiegħu, il-prattika ta' tneħħijiet furzati mingħajr proċedura ordnata tkompliet, u tenna bil-qawwa t-talba tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti li jirriżultaw mis-sentenza tal-QEDB u biex jiżguraw li r-ritorni furzati jkunu inkwadrati minn proċeduri u salvagwardji ordnati, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt ta' kull persuna li tfittex ażil kif stabbilit mid-dritt internazzjonali;

DN. billi s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-QEDB f'*Nabil et al* vs *l-Ungerija* dwar ksur tad-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-applikanti għall-ażil, minħabba d-detenzjoni tagħhom sakemm jiġu eżaminati l-merti tat-talbiet għall-ażil tagħhom, għadha pendenti;

DO. billi fil-komunikazzjoni tagħha tat-12 ta' Awwissu 2022 indirizzata lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indikat li l-aċċess għall-proċedura tal-ażil u għal valutazzjoni tar-riskju sostantiva u individwali sar prattikament impossibbli fl-Ungerija minħabba l-miżuri konsekuttivi u li jikkoinċidu li l-Gvern ilu li adotta mill-2015; billi l-applikanti potenzjali għall-ażil jew jiġu rrifjutati milli jidħlu legalment fit-territorju jew, bi ftit eċċezzjonijiet, jiġu obbligati jitilqu mill-Ungerija u jgħaddu minn skrinjar minn qabel permezz tal-proċedura tal-Ambaxxata qabel ma jkunu jistgħu jippreżentaw talba għal protezzjoni internazzjonali; billi dan iż-żarmar gradwali tas-sistema tal-ażil kien akkumpanjat b'mod konsistenti u xprunat minn diskors aħrax kontra l-migranti adottat mill-Gvern Ungeriż, li kompla jdgħajjef l-akkoljenza u l-protezzjoni tar-rifuġjati u l-applikanti għall-ażil fil-pajjiż;

### *Drittijiet Ekonomiċi u Soċjali*

DP. billi fir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija tal-2022 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija tal-2022, il-Kunsill irrakkomanda li titkompla l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-ħiliet, u l-estensjoni tat-tul tal-benefiċċji tal-qgħad biex tittejjeb l-adegwatezza tal-assistenza soċjali u jiġi żgurat aċċess għal servizzi essenzjali u akkomodazzjoni adegwata għal kulħadd; billi huwa rrakkomanda li jitjiebu l-eżiti tal-edukazzjoni u tiżdied il-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom, f'edukazzjoni ġenerali ta' kwalità u li jittejjeb l-aċċess għal servizzi ta' kura preventiva u primarja ta' kwalità;

DQ. billi fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tat-3 ta' Marzu 2020 dwar is-sitt rapport perjodiku tal-Ungerija, il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal irrakkomanda li l-Ungerija għandha tkompli tinvesti f'miżuri biex jintemm il-faqar, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lit-tfal Rom u lit-tfal li jgħixu f'żoni soċjoekonomikament żvantaġġati u qajjem tħassib serju dwar l-għadd ta' studenti li jitilqu kmieni mill-iskola, ħafna minnhom minn ambjenti żvantaġġati, l-allokazzjoni ta' skejjel pubbliċi lil komunitajiet reliġjużi, li tista' tikkontribwixxi għas-segregazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon u t-twemmin, is-segregazzjoni kontinwa tat-tfal Rom fl-edukazzjoni, id-distakk fl-edukazzjoni bejn it-tfal Rom u dawk mhux Rom, in-nuqqas ta' data uffiċjali dwar it-tfal Rom fl-edukazzjoni, il-bullying, l-abbuż u l-esklużjoni li jiffaċċjaw it-tfal fl-iskejjel, b'mod partikolari, it-tfal LGBTI u l-użu ta' metodi ta' dixxiplina fl-iskejjel li ma jipproteġux lit-tfal mill-vjolenza fiżika u mentali;

DR. billi fil-11 ta' Frar 2022, il-Gvern Ungeriż ħareġ digriet ta' emerġenza li ddetermina s-"servizzi minimi meħtieġa" li jridu jiġu pprovduti matul strajk skont il-liġi dwar l-istrajkijiet u interpretahom b'mod tant vast li għamilha impossibbli li jsir strajk; billi d-digriet illimita d-drittijiet tal-għalliema li kienu ħabbru pjanijiet ta' strajk fis-16 ta' Marzu 2022;

DS. billi minn mindu ġiet adottata l-projbizzjoni tar-residenza abitwali fi spazju pubbliku, diversi qrati ordinarji talbu lill-Qorti Kostituzzjonali tannulla l-leġiżlazzjoni li tallega li l-liġi mhijiex kostituzzjonali għal diversi raġunijiet; billi wara dewmien twil wisq, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet il-petizzjonijiet kollha ppreżentati mill-qrati ordinarji għar-raġunijiet kollha u ċaħdet li tqis is-sottomissjonijiet kollha li ma jappoġġjawx ir-raġunament tal-gvern; billi fil-każ tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, is-sistema tas-sigurtà soċjali tiffoka primarjament fuq l-illegalità tal-preżenza ta' persuni mingħajr dar f'żoni pubbliċi u fuq miżuri punittivi, minflok fuq l-inklużjoni soċjali;

1. Itenni li t-tħassib tiegħu huwa relatat mal-kwistjonijiet li ġejjin fl-Ungerija:

— il-funzjonament tas-sistema kostituzzjonali u elettorali,

— l-indipendenza tal-ġudikatura u ta' istituzzjonijiet oħra u d-drittijiet tal-imħallfin,

— il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess,

— il-privatezza u l-protezzjoni tad-data,

— il-libertà tal-espressjoni, inkluż il-pluraliżmu tal-media,

— il-libertà akkademika,

— il-libertà tar-reliġjon,

— il-libertà ta' assoċjazzjoni,

— id-dritt għal trattament ugwali, inklużi d-drittijiet LGBTIQ,

— id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom u l-Lhud, u l-protezzjoni kontra dikjarazzjonijiet ta' mibegħda kontra tali minoranzi,

— id-drittijiet fundamentali tal-migranti, il-persuni li jfittxu ażil u r-rifuġjati,

— id-drittijiet ekonomiċi u soċjali;

2. Jemmen li, meqjusa flimkien, il-fatti u t-tendenzi, kif juru r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament, jirrappreżentaw theddida sistemika kontra l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE u jikkostitwixxu riskju ċar ta' ksur serju tagħhom; jesprimi tħassib serju dwar l-isforzi intenzjonati u sistematiċi tal-Gvern Ungeriż biex idgħajjef il-valuri fundaturi tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, u jikkundannahom; jenfasizza li dawn ix-xejriet marru għall-agħar b'mod sostanzjali mill-attivazzjoni tal-Artikolu 7 (1) tat-TUE; jisħaq li l-Gvern Ungeriż jerfa' r-responsabbiltà għar-restawr tal-konformità mad-dritt tal-UE u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u jesprimi dispjaċir kbir li n-nuqqas ta' azzjoni deċiżiva min-naħa tal-UE kkontribwixxa għal kollass tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Ungerija, li biddel il-pajjiż f'reġim ibridu ta' awtokrazija elettorali, skont l-indiċijiet rilevanti;

3. Jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċeduri li għaddejjin tal-Artikolu 7(1) tat-TUE; iħeġġeġ lill-Kunsill jiżgura li s-seduti ta' smigħ isiru mill-inqas darba għal kull Presidenza matul il-proċeduri li għaddejjin dwar l-Artikolu 7 tat-TUE u biex jindirizza wkoll żviluppi ġodda li jaffettwaw l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kunsill jippubblika minuti komprensivi wara kull seduta ta' smigħ; jenfasizza li m'hemmx bżonn ta' unanimità fil-Kunsill sabiex jiġi identifikat riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(1), u lanqas biex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri inkwistjoni, u biex jiġu pprovduti skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet; itenni t-talba għall-Kunsill biex jagħmel dan, filwaqt li jissottolinja li kwalunkwe dewmien ulterjuri għal tali azzjoni jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu; jisħaq li l-Istati Membri għandhom obbligu li jaġixxu flimkien u jtemmu l-attakki fuq il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jistieden lill-Kunsill joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Ungerija malajr kemm jista' jkun sabiex jiġu rrimedjati l-kwistjonijiet imsemmija fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 u f'din ir-riżoluzzjoni, u jitlobha timplimenta s-sentenzi u r-rakkomandazzjonijiet kollha msemmija, inklużi dawk relatati mal-elezzjonijiet ġenerali li saru fit-3 ta' April 2022; jinsisti li fil-proċedimenti kollha relatati mal-Artikolu 7 tat-TUE, il-Parlament għandu jkun jista' jippreżenta l-proposta motivata tiegħu lill-Kunsill, jattendi s-seduti ta' smigħ tal-Artikolu 7 tat-TUE u jkun infurmat minnufih u bis-sħiħ f'kull stadju tal-proċedura;

4. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jagħtu aktar attenzjoni lill-iżżarmar sistemiku tal-istat tad-dritt, kif ukoll lill-interazzjoni bejn id-diversi każijiet ta' ksur tal-valuri identifikati fir-riżoluzzjonijiet tiegħu; jissottolinja li jekk il-ksur tal-istat tad-dritt jitħalla mhux ikkontrollat, l-istituzzjonijiet demokratiċi jiġu mminati u eventwalment jiġu affettwati d-drittijiet tal-bniedem u l-ħajja ta' kulħadd fil-pajjiż fejn ikun sar il-ksur; jisħaq li l-Unjoni għandha tiddefendi l-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE b'determinazzjoni ugwali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-għodod disponibbli biex tindirizza riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, b'referenza partikolari għal proċeduri ta' ksur sommarji, applikazzjonijiet għal miżuri interim quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u azzjonijiet rigward in-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti; ifakkar fl-importanza tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u jilqa' d-deċiżjoni li dan jiġi skattat fil-każ tal-Ungerija, għalkemm wara dewmien twil u b'kamp ta' applikazzjoni limitat; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata skont ir-regolament fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari dawk relatati mal-indipendenza tal-ġudikatura u raġunijiet oħra indirizzati fl-ittra li l-Kummissjoni bagħtet lill-Ungerija fid-19 ta' Novembru 2021; jissottolinja l-fatt li l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt hija għodda komplementari għall-proċedura skont l-Artikolu 7, hija applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha u ilha infurzabbli minn Jannar 2021, u jistieden lill-Kummissjoni twettaq l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura l-infurzar effettiv tiegħu; jinnota r-riskju ta' użu ħażin tal-fondi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex toqgħod lura milli tapprova l-pjan tal-Ungerija sakemm tkun ikkonformat bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet kollha speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew fil-qasam tal-istat tad-dritt u sakemm tkun implimentat is-sentenzi rilevanti kollha tal-QĠUE u tal-QEDB; jistenna li l-Kummissjoni teskludi kwalunkwe riskju tal-programmi fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni li jikkontribwixxu għall-użu ħażin tal-fondi tal-UE jew għall-ksur tal-istat tad-dritt qabel

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

ma tapprova l-ftehimiet ta’ sħubija u l-programmi tal-politika ta’ koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni tapplika r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni [28] u r-Regolament Finanzjarju [29] b’mod aktar strett sabiex tindirizza kwalunkwe użu diskriminatorju tal-fondi tal-UE għal raġunijiet motivati politikament; iqis li l-applikazzjoni ta’ dawn l-istrumenti għall-protezzjoni tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE hija saħansitra aktar urġenti fi żmien meta dawn il-valuri qed jiġu mhedda mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-azzjonijiet li qed tieħu kontra l-UE;

6. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-riċevituri jew il-benefiċjarji finali tal-fondi tal-UE ma jiġux miċħuda dawn il-fondi fil-każ li jiġu applikati sanzjonijiet skont il-Mekkaniżmu ta’ Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) u (5), tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; jistieden lill-Kummissjoni ssib modi kif tqassam il-fondi tal-UE permezz tal-gvernijiet lokali u l-NGOs jekk il-gvern ikkonċernat ma jikkooperax fir-rigward tan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-istat tad-dritt;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lis-soċjetà ċivili indipendenti fl-Ungerija li tissalvagwardja l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, b’mod partikolari, billi tuża l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri; itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tadotta strateġija komprensiva tas-soċjetà ċivili għall-protezzjoni u l-iżvilupp tal-ispazju ċiviku fi ħdan l-Unjoni li tintegra l-għodod eżistenti kollha u tiddeskrivi sett ta’ miżuri konkreti li jipproteġu u jsaħħu l-ispazju ċiviku;

8. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jidħlu minnufih f’negozjati mal-Parlament dwar mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-forma ta’ ftehim interistituzzjonali, inkluż ċiklu ta’ politika permanenti fost l-istituzzjonijiet tal-UE;

9. Jilqa’ l-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, b’mod partikolari dawk li jinsabu fil-proposta 25 dwar l-istat tad-dritt, il-valuri demokratiċi u l-identità Ewropea, u jtenni l-ħtieġa li tissaħħaħ il-proċedura għall-protezzjoni tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni u li jiġu ċċarati d-determinazzjoni u l-konsegwenzi tal-ksur tal-valuri fundamentali;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, kif ukoll lin-Nazzjonijiet Uniti.

---

[28] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.
[29] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

P9_TA(2022)0328

## L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni) (COM(2021)0734 – C9-0432/2021 – 2021/0375(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)**

(2023/C 125/29)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a)** **L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, li skontu l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a)** **L-Artikolu 21 tal-Karta jistabbilixxi d-dritt għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a)** **Jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti livelli differenzjati ta' affiljazzjoni u kategorija ta' sħab tar-riċerka għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, sabiex ikun hemm aktar flessibbiltà u biex tiġi ffaċilitata l-libertà tar-riċerka.*** |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0223/2022).

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Jenħtieġ li l-istatus ġuridiku Ewropew mogħti lill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet affiljati magħhom jagħtihom kapaċità u għarfien ġuridiċi fl-Istati Membri kollha. Tali kapaċità u għarfien ġuridiċi ma jagħtuhomx il-jedd li jinnominaw kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali jew ***elezzjonijiet*** għall-Parlament Ewropew. Kull tali jedd jew jedd simili jibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. | (23) Jenħtieġ li l-istatus ġuridiku Ewropew mogħti lill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet affiljati magħhom jagħtihom kapaċità u għarfien ġuridiċi fl-Istati Membri kollha. Tali kapaċità u għarfien ġuridiċi ma jagħtuhomx il-jedd li jinnominaw kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali jew ***fil-kostitwenzi nazzjonali jew reġjonali fl-elezzjonijiet*** għall-Parlament Ewropew. Kull tali jedd jew jedd simili jibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ***u*** l-partiti membri tagħhom imexxu bl-eżempju billi jagħlqu d-diskrepanza bejn il-ġeneri fid-dominju politiku ***Meta*** jixtiequ jibbenefikaw mill-fondi tal-UE jenħtieġ li l-partiti politiċi ***jkollhom*** regoli interni li jippromwovu ***l-bilanċ*** bejn il-ġeneri u jenħtieġ li ***jkunu*** trasparenti rigward il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-partiti membri tagħhom. Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu evidenza ***tal-politika interna tagħhom dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri*** u dwar kif il-ġeneri huma rrappreżentati fil-partiti membri tagħhom fir-rigward tal-kandidati u l-Membri tagħhom fil-Parlament Ewropew. Il-partiti politiċi Ewropej huma wkoll imħeġġa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-membri politiċi tagħhom rigward l-inklużività u r-r-rappreżentanza tal-minoritajiet. | (30) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej, il-partiti membri tagħhom ***u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej*** imexxu bl-eżempju billi jagħlqu d-diskrepanza bejn il-ġeneri fid-dominju politiku***. Jekk*** jixtiequ jibbenefikaw mill-fondi tal-UE, jenħtieġ li l-partiti politiċi ***Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikollhom*** regoli interni li jippromwovu ***l-ugwaljanza*** bejn il-ġeneri***, inkluż pjan ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u protokoll biex jiġu evitati, identifikati u miġġielda l-fastidju sesswali u l-fastidju abbażi tal-ġeneru***. ***Barra minn hekk,*** jenħtieġ li ***l-partiti politiċi Ewropej ikunu*** trasparenti rigward il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-partiti membri tagħhom ***u*** jenħtieġ li jipprovdu evidenza dwar kif il-ġeneri huma rrappreżentati fil-partiti membri tagħhom fir-rigward tal-kandidati u l-Membri tagħhom fil-Parlament Ewropew***. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jenħtieġ li jipprovdu wkoll evidenza dwar il-politika interna tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' rapport annwali***. Il-partiti politiċi Ewropej huma wkoll imħeġġa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-membri politiċi tagħhom rigward l-inklużività u r-r-rappreżentanza tal-minoritajiet. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirrikonoxxi żewġ kategoriji biss ta' dħul għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri kontribuzzjoniet minn membri u donazzjonijiet. Għadd ta' sorsi ta' dħul iġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji (bħall-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew dħul mill-konferenzi) jaqgħu barra mill-ambitu ta' ***dawn*** iż-żewġ kategoriji, u joħolqu problemi ta' kontabilitstika u trasparenza. Għalhekk, jenħtieġ li tinħoloq it-tielet kategorija ta' dħul ("riżorsi proprji"). Jenħtieġ li l-proporzjon ta' riżorsi proprji fil-baġit totali ta' partit politiku jew fondazzjoni politika ***Ewropej*** jiġi limitat għal ***5*** % ***biex jiġi evitat li dan il-proporzjon ikollu dimensjoni eċċessiva fil-baġit*** globali ta' dawn l-entitajiet. | (38) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirrikonoxxi żewġ kategoriji biss ta' dħul għall-partiti ***politiċi Ewropej*** u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***apparti mill-kontribuzzjonijiet*** mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri kontribuzzjoniet ***jew tariffi ta' assoċjazzjoni*** minn membri u donazzjonijiet. Għadd ta' sorsi ta' dħul iġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji (bħall-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew dħul mill-konferenzi ***jew mill-workshops***) jaqgħu barra mill-ambitu ta' ***dawk*** iż-żewġ kategoriji, u joħolqu problemi ta' kontabilitstika u trasparenza. Għalhekk, jenħtieġ li tinħoloq it-tielet kategorija ta' dħul ("riżorsi proprji ***anċillari***"). Jenħtieġ li l-proporzjon ta' riżorsi proprji ***anċillari*** fil-baġit totali ta' partit politiku ***Ewropew*** jew fondazzjoni politika ***Ewropea*** jiġi limitat għal ***10*** % ***tal-ammont iġġenerat mill-kontribuzzjonijiet u t-tariffi ta' assoċjazzjoni biex jibqa' proporzjonat għall-baġit*** globali ta' dawn l-entitajiet. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Sabiex ikunu jistgħu jilħqu lill-membri u lill-kostitwenzi tagħhom madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ikollhom id-dritt li jużaw il-finanzjament tagħhom għal kampanji politiċi transfruntieri. L-iffinanzjar u l-limitar tal-ispejjeż tal-elezzjoni għall-partiti u l-kandidati f'dawn il-kampanji jenħtieġ li jkunu rregolati bir-regoli applikabbli f'kull Stat Membru. | (39) Sabiex ikunu jistgħu jilħqu lill-membri u lill-kostitwenzi tagħhom madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ikollhom id-dritt li jużaw il-finanzjament tagħhom għal kampanji politiċi transfruntieri***, bħal kampanji referendarji u kampanji mwettqa fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, anki billi jistabbilixxu u jippromwovu listi l-istabbiliment ta' listi għall-Unjoni kollha għal dawn l-elezzjonijiet***. L-iffinanzjar u l-limitar tal-ispejjeż tal-elezzjoni għall-partiti u l-kandidati f'dawn il-kampanji jenħtieġ li jkunu rregolati bir-regoli applikabbli f'kull Stat Membru. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 41**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(41) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ***ma jiffinanzjawx, direttament jew indirettament, partiti*** politiċi oħra u, b'mod partikolari, partiti jew kandidati nazzjonali. ***Jenħtieġ li l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma jiffinanzjawx***, ***direttament jew indirettament***, partiti ***politiċi*** jew kandidati ***Ewropej jew*** nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-projbizzjoni ta' finanzjament indirett ma tkunx ta' ostakolu għall-partiti politiċi Ewropej milli pubblikament jappoġġaw lill-partiti membri tagħhom fl-Unjoni u jiddjalogaw magħhom***, jew milli jagħtu appoġġ lil*** attivitajiet politiċi fl-interess komuni, sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom skont l-Artikolu 10(4) TUE. Barra minn hekk, il-partiti politiċi Ewropej u ***l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom*** jenħtieġ li jiffinanzjaw biss attivitajiet fil-kuntest tal-kampanji referendarji nazzjonalimeta dawn ikunu jikkonċernaw ***l-implimentazzjoni tat-TUE u t-TFUE***. Dawn il-prinċipji jirriflettu d-Dikjarazzjoni Nru 11 dwar l-Artikolu 191 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Nizza.

*Emenda*

(41) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ***u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma jużawx il-finanzjament riċevut mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament dirett jew indirett ta' entitajiet*** politiċi oħra u, b'mod partikolari, partiti jew kandidati nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-projbizzjoni ta' finanzjament indirett ma tkunx ta' ostakolu għall-partiti politiċi Ewropej ***jew il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej*** milli pubblikament jappoġġaw lill-partiti membri ***jew lill-organizzazzjonijiet membri*** tagħhom fl-Unjoni u jiddjalogaw magħhom ***dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għall-Unjoni, milli jappoġġaw*** attivitajiet politiċi fl-interess komuni, ***jew milli jinvolvu ruħhom f'attivitajiet edukattivi,*** sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom skont l-Artikolu 10(4) TUE ***u jsaħħu d-demos Ewropew. Il-projbizzjoni ta' finanzjament indirett jenħtieġ li ma tipprevjenix lir-rappreżentanti jew persunal ta' partiti politiċi, jew ta' persuni potenzjalment politikament attivi milli jipparteċipaw f'avvenimenti ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Madankollu, jenħtieġ li*** l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***ma jinvolvux ruħhom fit-taħriġ ta' kandidati politiċi fis-6 xhur qabel l-elezzjonijiet nazzjonali jew dawk Ewropej. Barra minn hekk,*** il-partiti politiċi Ewropej jenħtieġ li jiffinanzjaw biss attivitajiet fil-kuntest tal-kampanji referendarji nazzjonali meta dawn ikunu jikkonċernaw ***kwistjonijiet relatati b'mod dirett mal-Unjoni***. Dawn il-prinċipji jirriflettu d-Dikjarazzjoni Nru 11 dwar l-Artikolu 191 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Nizza.

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) Jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju komuni għad-divulgazzjonijiet tal-partiti politiċi Ewropej. Minħabba r-rwol speċifiku tagħha fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità tistabbilixxi u tiġġestixxi dan ir-repożitorju bħala parti mir-Reġistru għall-partiti politiċi Ewropej. Jenħtieġ li l-informazzjoni li tinsab fir-repożitorju l-Partiti Politiċi Ewropej jittrażmettuha lill-Awtorità bl-użu ta' format standard u tista' tkun awtomatizzata. Fir-repożitorju tal-Awtorità jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu informazzjoni biex il-kuntest usa' tar-reklamar politiku ***u l-għanijiet tiegħu ikunu*** jistgħu jinftiehmu. L-informazzjoni dwar l-ammont allokat għar-reklamar politiku fil-kuntest ta' kampanja speċifika li għandha tiġi inkluża fir-repożitorju tista' tkun ibbażata fuq ***allokazzjoni stmata*** ta' finanzjament. L-ammonti li għandhom jissemmew fir-repożitorju jinkludu donazzjonijiet għal skopijiet ***jew*** benefiċċji ***speċifiċi*** in natura. | (50) Jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju komuni għad-divulgazzjonijiet tal-partiti politiċi Ewropej. Minħabba r-rwol speċifiku tagħha fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità tistabbilixxi u tiġġestixxi dan ir-repożitorju bħala parti mir-Reġistru għall-partiti politiċi Ewropej. Jenħtieġ li l-informazzjoni li tinsab fir-repożitorju l-Partiti Politiċi Ewropej jittrażmettuha lill-Awtorità bl-użu ta' format standard u tista' tkun awtomatizzata. Fir-repożitorju tal-Awtorità jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu informazzjoni biex il-kuntest usa' u ***l-objettivi*** tar-reklamar politiku ***jkunu*** jistgħu jinftiehmu ***miċ-ċittadini***. L-informazzjoni dwar l-ammont allokat għar-reklamar politiku fil-kuntest ta' kampanja speċifika li għandha tiġi inkluża fir-repożitorju tista' tkun ibbażata fuq ***stima realistika*** ta' finanzjament ***u l-ammonti reali, ladarba jkunu magħrufa***. L-ammonti li għandhom jissemmew fir-repożitorju jinkludu donazzjonijiet għal skopijiet ***speċifiċi,*** benefiċċji in natura***, kontribuzzjonijiet, tariffi ta' assoċjazzjoni u riżorsi proprji anċillari***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 61**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (61) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kull Stat Membru jaħtar punti singoli ta' kuntatt inkarigati mill-koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Jenħtieġ li dawn il-punti ta' kuntatt ikollhom biżżejjed riżorsi biex ikunu jistgħu jiggarantixxu koordinazzjoni effikaċi, inkluż dwar kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ tar-reklamar politiku, | (61) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kull Stat Membru jaħtar punti singoli ta' kuntatt inkarigati mill-koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Jenħtieġ li dawn il-punti ta' kuntatt ikollhom biżżejjed riżorsi biex ikunu jistgħu jiggarantixxu koordinazzjoni effikaċi, inkluż dwar kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ tar-reklamar politiku. ***L-Awtorità jenħtieġ li b'mod regolari tlaqqa' l-punti uniċi ta' kuntatt maħtura mill-Istati Membri għall-iskambju tal-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet ta' tħassib komuni.*** |

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tkun rikonoxxuta mill-ordinament ġuridiku ta’ mill-inqas wieħed mill-Istati Membri jew stabbilita f’konformità miegħu; | (b) tkun rikonoxxuta mill-ordinament ġuridiku ta’ mill-inqas wieħed mill-Istati Membri jew ***ta’ pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt shiħ tiegħu ta’ rappreżentanza fih, jew tkun*** stabbilita f’konformità miegħu; |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) “partit politiku Ewropew” tfisser ***“alleanza politika”*** li ssegwi għanijiet politiċi , ***ikollha*** l-għan li ssegwi dawn l-għanijiet madwar l-Unjoni, u tkun irreġistrata mal-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej imsemmija fl-Artikolu 7 f’konformità ma’ dan ir-Regolament; | (3) “partit politiku Ewropew” tfisser ***alleanza politika*** li ssegwi għanijiet politiċi, ***li jkollha*** l-għan li ssegwi dawn l-għanijiet madwar l-Unjoni, u ***li l-maġġoranza tal-membri tagħha huma rikonoxxuti, jew stabbiliti, b’mod konformi mal-ordinament ġuridiku ta’ mill-inqas Stat Membu wieħed, u għandha s-sede tagħha fl-Unjoni Ewropea, u li*** tkun irreġistrata mal-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej imsemmija fl-Artikolu 7 f’konformità ma’ dan ir-Regolament; |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) “donazzjoni” tfisser kwalunkwe ***offerta ta’ flus***, kwalunkwe offerta in natura, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta’ kwalunkwe ***prodotti***, ***servizzi*** (inkluż self) jew ***xogħlijiet***, jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, bl-eċċezzjoni ta’ kontribuzzjonijiet ***mill-membri*** u l-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn individwi; | (7) “donazzjoni” tfisser kwalunkwe ***ħlas***, kwalunkwe offerta in natura, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta’ kwalunkwe ***prodott***, ***servizz*** (inkluż self) jew ***xogħol***, jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, bl-eċċezzjoni ta’ kontribuzzjonijiet***, tariffi ta’ assoċjazzjoni, riżorsi proprji anċillari*** u l-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn individwi; |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "kontribuzzjoni mill-membri" tfisser kwalunkwe ħlas ***fi flus***, inklużi ħlasijiet ta' sħubija, jew kwalunkwe kontribuzzjoni in natura, jew il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe ***prodotti***, ***servizzi*** (inklużi ***selfiet***) jew ***xogħlijiet***, u kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, meta mogħtija lil dak il-partit politiku Ewropew jew lil dik il-fondazzjoni politika Ewropea minn xi wieħed mill-membri tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn membri individwali; | (8) "kontribuzzjoni" tfisser kwalunkwe ħlas***, ħlief meta jkun indikat b'mod ċar li l-kontribuzzjoni ġejja mill-baġit ġeneral tal-Unjoni Ewropea***, inklużi ħlasijiet ta' sħubija, jew kwalunkwe kontribuzzjoni in natura, jew il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe ***prodott***, ***servizz*** (inklużi ***self***) jew ***xogħol***, u kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, meta mogħtija lil dak il-partit politiku Ewropew jew lil dik il-fondazzjoni politika Ewropea minn xi wieħed mill-membri tagħhom ***li għandu s-sede jew il-post ta' residenza tiegħu ġewwa l-Unjoni***, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn membri individwali; |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2– paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8 a) "tariffi ta' assoċjazzjoni" tfisser kwalunkwe pagament ipprovdut lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea minn wieħed mill-partiti membri tagħhom jew mill-organizzazzjonijiet membri tagħhom, li għandu s-sede tiegħu f'pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt sħiħ tiegħu ta' rappreżentanza fih.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) "riżorsi proprji" tfisser dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi proprji, bħal ***ħlasijiet ta' attendenza għall-konferenzi u*** bejgħ ta' pubblikazzjonijiet; | (9) "riżorsi proprji ***anċillari***" tfisser dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi proprji, bħal ***minn attivitajiet konġunti ma' enetitajiet politiċi oħra,*** bejgħ ta' pubblikazzjonijiet***, ħlasijiet ta' parteċipazzjoni għal konferenzi jew sessjonijiet ta' ħidma jew attivitajiet oħra direttament marbuta ma' attivitajiet politiċi***; |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "finanzjament indirett" tfisser finanzjament li minnu l-partit membru jibbenefika minn vantaġġ politiku, anki meta ma jiġux trasferiti fondi direttament; dan jenħtieġ li jinkludi każi li jippermettu lill-partit membru jevita spejjeż li altrimenti jkollu jħallas għal attivitajiet, li mhumiex attivitajiet politiċi ***fl-interess komuni***, organizzati għall-benefiċċju tiegħu u tiegħu biss; | (10) "finanzjament indirett" tfisser finanzjament li minnu l-partit membru jibbenefika minn vantaġġ politiku, anki meta ma jiġux trasferiti fondi direttament; dan jenħtieġ li jinkludi każi li jippermettu lill-partit membru jevita spejjeż li altrimenti jkollu jħallas għal attivitajiet, li mhumiex attivitajiet ***konġunti ma' entitajiet*** politiċi ***oħra kofinanzjati sa fejn dawn jikkonċernaw kwistjonijiet ta' rilevanza għall-oqsma ta' attivitajiet tal-Unjoni***, organizzati għall-benefiċċju tiegħu u tiegħu biss; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) "reklamar politiku" tfisser reklamar ***fis-sens tal-Artikolu*** 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku]; | (16) "reklamar politiku" tfisser "reklamar" ***kif definit fl-Artikolu*** 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku]; |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "reklam politiku" tfisser reklam ***fis-sens tal-Artikolu*** 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku]; | (17) "reklam politiku" tfisser "reklam" ***kif definit fl-Artikolu*** 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku]; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) "servizzi ta' reklamar politiku" tfisser servizzi ***fis-sens tal-Artikolu*** 2, il-punt (5), tar-Regolament 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku]. | (18) "servizzi ta' reklamar politiku" tfisser "servizzi" ***kif definit fl-Artikolu*** 2, il-punt (5), tar-Regolament 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku]. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tosserva, b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***permezz*** tal-modulu fl-Anness I; | (d) tosserva, b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi***, u*** tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***f'dak is-sens fil-forma*** tal-modulu fl-Anness I; |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) tiżgura ***wkoll*** li l-partiti membri tagħha li jkollhom is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-partiti membri tagħha li ***jkollhom*** is-sede tagħhom ***barra mill-Unjoni*** josservaw valuri ekwivalenti. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***permezz*** tal-modulu fl-Anness I; | (e) tiżgura li l-partiti membri tagħha li għandhom is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-partiti membri tagħha li ***għandhom*** is-sede tagħhom ***f'pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt sħiħ ta' rappreżentanza fih*** josservaw valuri ekwivalenti***, u*** tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***f'dak is-sens fil-forma*** tal-modulu fl-Anness I; |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tosserva, b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***permezz*** tal-modulu fl-Anness I; | (c) tosserva, b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi***, u*** tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***f'dak is-sens fil-forma*** tal-modulu fl-Anness I; |

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tiżgura ***wkoll*** li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li ***għandhom*** is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li għandhom is-sede tagħhom ***barra mill-Unjoni*** josservaw valuri ekwivalenti. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***permezz*** tal-modulu fl-Anness I; | (d) tiżgura li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li ***għandhom*** is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li għandhom is-sede tagħhom ***f’pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt sħiħ ta’ rappreżentanza fih*** josservaw valuri ekwivalenti***, u*** tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub ***f’dak is-sens fil-forma*** tal-modulu fl-Anness I; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) rekwiżit li l-partiti membri juru l-logo tal-partit politiku Ewropew b’mod viżibbli b’mod ċar u faċli għall-utent, li jispeċifika li dan għandu jitqiegħed fil-parti fuq tal-ewwel paġna tas-sit web tal-partit membru u b’mod ugwalment viżibbli bħal-logo tal-partit membru stess;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| j) ***in-normi*** interni ***li*** dwar ***il-bilanċ*** bejn il-ġeneri. | j) ir-regoli interni ***proprji*** dwar ***l-ugwaljanza*** bejn il-ġeneri. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** <br> ***Obbligi ta' trasparenza fir-rigward tal-użu tal-logos, il-pubblikazzjoni tal-programm politiku u l-bilanċ bejn il-ġeneri*** <br> ***1. Kull partit politiku Ewropew għandu jiżgura li l-partiti membri jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew. Il-logo tal-partit politiku Ewropew għandu jintwera fil-parti ta' fuq tal-paġna ta' quddiem tas-sit web tal-partit membru, b'mod viżibbli b'mod ċar.*** <br> ***2. Kull partit politiku Ewropew u l-partiti membri tiegħu għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom informazzjoni dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jsiru wara …[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], flimkien ma' informazzjoni aġġornata dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-Membri tal-Parlament Ewropew tagħhom. Kull partit politiku Ewropew għandu jiżgura li l-partiti membri tiegħu jippubblikaw tali informazzjoni dwar il-kandidati rispettivi tagħhom fl-elezzjonijiet Ewropej u dwar il-Membri tal-Parlament Ewropew tagħhom fuq is-siti web tagħhom.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-ewwel diffużjoni,*** kull partit politiku Ewropew għandu jittrażmetti lill-Awtorità informazzjoni dwar kull riklam politiku li jisponsorja jew jippubblika direttament biex jippermetti li l-kuntest usa' tar-reklamar politiku u ***l-għanijiet tiegħu*** jinftiehmu miċ-ċittadini. Din l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-punt 1 tal-Anness II. | 2. Kull partit politiku Ewropew għandu jittrażmetti lill-Awtorità informazzjoni dwar kull riklam politiku li jisponsorja jew jippubblika direttament biex jippermetti li l-kuntest usa' u ***l-objettivi*** tar-reklam politiku jinftiehmu miċ-ċittadini. Din l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-punt 1 tal-Anness II. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità f'forma li hija faċilment aċċessibbli u li tuża lingwaġġ sempliċi.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtorità għandha tippubblika ***minnufih*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fir-repożitorju previst fl-Artikolu 8***. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'forma li tkun faċilment aċċessibbli, viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, u li tuża lingwaġġ sempliċi***. | 3. L-Awtorità għandha tippubblika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fir-repożitorju previst fl-Artikolu 8 ***mingħajr dewmien żejjed***. |

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità regolatorja nazzjonali waħda jew aktar li jkollha l-kompetenza li tissorvelja l-konformità mal-paragrafi 1, 2 u 4 u tinnotifika lill-Awtorità b’dan. Tali awtoritajiet jew korpi regolatorji nazzjonali għandhom iħaddmu s-setgħat tagħhom b’mod imparzjali u trasparenti u jkunu legalment distinti mill-gvern u funzjonalment indipendenti mill-gvernijiet rispettivi tagħhom u minn kull korp pubbliku jew privat ieħor. L-Awtorità għandha tippubblika fis-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri u żżommha aġġornata. Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu suġġetti għal rimedji legali effikaċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b’talba ta’ kwalunkwe parti interessata, jista’ jitfittex rimedju xieraq li jirrikjedi li l-Partit Politiku Ewropew itemm kull ksur tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 jew 4.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) ir-regoli interni proprji dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.*** |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Rekwiżiti għar-regoli dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** |
| | ***1. Il-korpi governattivi kolleġġjali tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jilħqu bilanċ bejn il-ġeneri.*** |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jadottaw pjan għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri li jinkludi mekkaniżmi li jiggarantixxu l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom u l-partiti politiċi Ewropej għandhom jistiednu l-partiti membri tagħhom biex jagħmlu l-istess.*** |
| | ***3. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandu jkollhom protokoll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-fastidju sesswali u l-fastidju abbażi tal-ġeneru. Huma għandhom jiżguraw l-indipendenza u l-għarfien espert tal-esperti li jwettqu l-investigazzjonijiet u għandhom jieħdu l-miżuri xierqa fil-konfront tal-awturi ta' dawk l-atti. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jinkorporaw il-projbizzjoni ta' atti ta' fastidju sesswali u ta' fastidju abbażi tal-ġeneru fir-regoli interni tagħhom.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni u l-qtugħ mir-reġistru ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati ***f'konformità mal-Artikolu*** 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e) u (***f***), u fl-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e), u (g), ikomplu jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati. | L-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni u l-qtugħ mir-reġistru ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati ***fl-Artikolu*** 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e)***, (f)*** u (***h***), u fl-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e), u (g), ikomplu jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Kull emenda għad-dokumenti jew l-istatuti li tiġi ppreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9(2), għandha tiġi notifikata lill-Awtorità, li għandha taġġorna r-reġistrazzjoni f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Artikolu 18(2) u (4), mutatis mutandis. | 5. Kull emenda għad-dokumenti jew l-istatuti li tiġi ppreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9(2), għandha tiġi notifikata lill-Awtorità ***fi żmien xahrejn. L-Awtorità*** għandha taġġorna r-reġistrazzjoni ***fid-dawl ta' tali emendi, billi tapplika l-***proċeduri stipulati fl-Artikolu 18(2) u (4), mutatis mutandis. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-lista aġġornata tal-partiti membri ta' partit politiku Ewropew, annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), għandha tintbagħat lill-Awtorità kull sena. Kull bidla li b'konsegwenza tagħha l-partit politiku Ewropew jista' ma jibqax jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), għandha tiġi kkomunikata lill-Awtorità fi żmien erba' ġimgħat minn meta ssir tali bidla. | 6. Il-lista aġġornata tal-partiti membri ta' partit politiku Ewropew, annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), għandha tintbagħat lill-Awtorità ***sat-30 ta' Settembru*** kull sena. Kull bidla li b'konsegwenza tagħha l-partit politiku Ewropew jista' ma jibqax jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), għandha tiġi kkomunikata lill-Awtorità fi żmien erba' ġimgħat minn meta ssir tali bidla. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni | Verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni ***u eżami tar-raġunijiet għat-tneħħija mir-Reġistru mill-Awtorità*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura stabbilita ***fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3, u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati fl-Artikolu 4 (1), il-punti (a), (b), (d), (e) u (***f***), u ***l-Artikolu*** 6(1),il-punti minn (a) sa (e) u (g) , għadhom qed jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati. | 1. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura stabbilita ***fl-Artikolu 11a***, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3, u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e)***, (f)*** u (***h***), u ***fl-Artikolu*** 6(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g) , għadhom qed jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. ***Meta l-Awtorità ssib li xi waħda mill-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni jew mid-dispożizzjonijiet tal-governanza msemmija fil-paragrafu 1***, ***bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 3(1),il-punt d), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c),ma għadhomx qed jiġu rrispettati, għandha tinnotifika*** lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea ***kkonċernati.*** | 2. ***Fejn, wara verifika mwettqa fis-sens tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità tqis li waħda mir-raġunijiet għad-dereġistrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 19(1), il-punt (a) (i) jew (ii), tista' tapplika għal partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, l-Awtorità għandha, mingħajr dewmien żejjed***, ***tinforma*** lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar dan.<br><br>***Fejn l-Awtorità taf b'ċirkustanzi li jindikaw li waħda mir-raġunijiet għad-dereġistrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 19 (1), il-punt (a), jew fis-sens tal-Artikolu 19(2), tista' tapplika għal partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, l-awtorità għandha tinforma mingħajr dewmien żejjed lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar dan.***<br><br>***Meta jiġu infurmati partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea skont l-ewwel jew it-tieni subparagrafu, l-Awtorità għandha tistieden lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni kkonċernata.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. ***1 Il-Parlament Ewropew, b'inizjattiva proprja tiegħu jew wara talba motivata minn grupp ta' ċittadini***, ***ippreżentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu***, jew ***il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jippreżentaw talba lill-Awtorità għall-verifika tal-konformità minn partit*** politiku Ewropew ***speċifiku*** jew ***fondazzjoni*** politika Ewropea ***speċifika mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), u fl-Artikolu 3(2), il-punt (c)*** . ***F'tali każijiet, u fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 19(3), il-punt (a), l-Awtorità għandha titlob lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti msemmi fl-Artikolu 14 għal opinjoni dwar is-suġġett. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahrejn***. | 3. ***Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 3(1), punt (c), (f) jew (g), l-Artikolu 3(2), punt (e), (f) jew (g)***, jew ***id-dispożizzjonijiet ta' governanza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tagħti lill-partit*** politiku Ewropew jew ***lill-fondazzjoni*** politika Ewropea ***kkonċernati l-opportunità li jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni fil-limitu ta' żmien previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-iskadenza tista' tiġi estiża mill-Awtorità fuq talba motivata tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jekk u sa fejn tali estensjoni tkun meħtieġa u xierqa fir-rigward tal-miżuri korrettivi previsti mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta l-Awtorità ssir taf b'fatti li jistgħu jqajmu dubji dwar konformità minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c), għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-ħsieb li tippermetti lil kwalunkwe istituzzjoni minnhom tippreżenta talba għall-verifika kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jindikaw l-intenzjoni tagħhom fi żmien xahrejn minn meta jirċievu din l-informazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-proċeduri stipulati fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx jinbdew fil-perjodu ta' xahrejn qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Dan il-limitu ta' żmien ma għandux japplika fir-rigward tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 12.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'kunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-kumitat, l-Awtorità għandha tiddeċiedi jekk għandhiex taqta' mir-reġistru l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun motivata kif jisthoqq.*** | ***imħassar*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Deċiżjoni tal-Awtorità ta' qtugħ mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas ta' rispett tal-kundizzjonijiet stipulati f l-Artikolu 3 (1), il-punt (d), jew l-Artikolu 3(2), il-punt (c),tista' tiġi adottata biss f'każ ta' ksur manifest u serju ta' dawk il-kundizzjonijiet. Għandha tkun suġġetta għall-proċedura spjegata fil-paragrafu 4.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Deċiżjoni tal-Awtorità li taqta' mir-reġistru partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għar-raġuni ta' ksur manifest u serju fir-rigward tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), jew fl-Artikolu 3(2), il-punt (c), għandha tiġi kkomunikata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Id-deċiżjoni*** għandha ***tidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew*** u ***mill-Kunsill fi żmien tliet xhur minn meta d-deċiżjoni tkun ġiet ikkomunikata lill-Parlament*** Ewropew ***u lill-Kunsill*** jew ***jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Awtorità li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Fil-każ li ssir oġġezzjoni mill- mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-partit*** politiku Ewropew jew ***il-fondazzjoni*** politika Ewropea ***għandhom jibqgħu reġistrati.*** | 4. ***Malli jiskadu l-perjodi msemmija fil-paragrafi 2 u 3,*** jew ***malli tirċievi kwalunkwe osservazzjoni jew informazzjoni dwar miżuri korrettivi mill-partit*** politiku Ewropew ***jew mill-fondazzjoni*** politika Ewropea ***kkonċernati sa dak il-perijodu, l-Awtorità*** għandha, ***mingħajr dewmien żejjed u fid-dawl ta' kwalunkwe osservazzjoni bħal din sottomessa mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea, tivvaluta jekk xi waħda mir-raġunijiet għad-dereġistrazzjoni skont l-Artikolu 19(1), il-punt (a), jew skont l-Artikolu 19(2), tapplikax għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għad-deċiżjoni biss għal raġunijiet relatati mal-valutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c).*** | ***imħassar*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jiġu infurmati li jkunu tqajmu oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni tal-Awtorità li taqtagħhom mir-reġistru.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw pożizzjoni f'konformità mar-regoli rispettivi tagħhom għat-teħid tad-deċiżjonijiet kif stabbilit f'konformità mat-Trattati. Kull oġġezzjoni għandha tkun motivata kif misthoqq u għandha ssir pubblika.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Deċiżjoni tal-Awtorità li tneħħi mir-reġistru partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, li għaliha ma tkun issemmiet ebda oġġezzjoni skont il-proċedura stipulata fil-paragrafu 4, flimkien ma' raġunijiet dettaljati għad-dereġistrazzjoni, għandha tiġi notifikata lill-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati u tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-deċiżjoni għandha tieħu effett man-notifika f'konformità mal-Artikolu 297 TFUE .*** | ***imħassar*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Fondazzjoni politika Ewropea għandha awtomatikament titlef id-dritt għall-istatus tagħha bħala tali jekk il-partit politiku Ewropew li miegħu tkun affiljata jitneħħa mir-Reġistru.*** | ***imħassar*** |

Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***Verifika tal-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni relatati mal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni*** |
| | ***1. Il-Parlament Ewropew, b'inizjattiva proprja tiegħu jew wara talba motivata minn grupp ta' ċittadini, ippreżentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, jew il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jippreżentaw talba lill-Awtorità biex tivverifika jekk partit politiku Ewropew speċifiku jew fondazzjoni politika Ewropea speċifika jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), u fl-Artikolu 3(2), il-punti (c) u (d). F'każijiet bħal dawn, u fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11b(2), l-Awtorità għandha tinforma lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati mingħajr dewmien żejjed, tistedinhom jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom u tagħtihom l-opportunità li jintroduċu miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni fi żmien xahar.*** |
| | ***Il-perijodu jista' jiġi estiż mill-Awtorità fuq talba motivata tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jekk estensjoni tkun meħtieġa u xierqa fir-rigward tal-miżuri korrettivi previsti mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea.*** |
| | ***Malli jiskadi l-perijodu msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi jew malli tirċievi kwalunkwe osservazzjoni u informazzjoni dwar miżuri korrettivi mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati sa dak il-perijodu, l-Awtorità għandha tissottometti l-osservazzjonijiet magħmula mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati u, fejn applikabbli, id-deskrizzjoni tal-miżuri korrettivi meħuda minn dak il-partit jew dik il-fondazzjoni lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti msemmija fl-Artikolu 14, u għandha titlob lil dan il-kumitat għal opinjoni dwar is-suġġett. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahrejn.*** |
| | ***Meta l-Awtorità ssir taf b'fatti li jistgħu jqajmu dubji dwar il-konformità minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea speċifiċi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), u l-Artikolu 3(2), il-punti (c) u (d), din għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex kwalunkwe istituzzjoni minnhom tkun tista' tippreżenta talba għall-verifika kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jressqu talba għal verifika fi żmien xahrejn minn meta jirċievu dik l-informazzjoni.*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2. Il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx jinbdew fix-xahrejn li jippreċedu l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.*** |
| | ***3. L-Awtorità għandha tiddeċiedi jekk tneħħix ir-reġistrazzjoni tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti msemmija fl-Artikolu 14. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun debitament motivata.*** |
| | ***4. Deċiżjoni tal-Awtorità li tneħħi mir-reġistrazzjoni minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) jew (e), jew l-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d), għandha tiġi adottata biss fil-każ ta' ksur manifest u serju ta' dawk il-kundizzjonijiet. Id-deċiżjoni għandha tkun suġġetta għall-proċedura stabbilita fil-paragrafu 5.*** |
| | ***5. Deċiżjoni tal-Awtorità li taqta' mir-reġistru partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għar-raġuni ta' ksur manifest u serju tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) jew (e), jew fl-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d), għandha tiġi kkomunikata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi żmien tliet xhur minn meta d-deċiżjoni tkun ġiet ikkomunikata lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Awtorità li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Fil-każ li ssir oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea għandhom jibqgħu reġistrati.*** |
| | ***6. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw biss għad-deċiżjoni tal-Awtorità għad-dereġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew jew ifondazzjoni politika Ewropea minħabba raġunijiet relatati mal-valutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 (1), il-punt (d) jew (e), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d).*** |
| | ***7. Meta titqajjem oġġezzjoni għal deċiżjoni tal-Awtorità għad-dereġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jiġu infurmati mill-Awtorità dwar tali oġġezzjoni.*** |
| | ***8. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw pożizzjoni skont ir-regoli rispettivi tagħhom dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet stabbiliti f'konformità mat-Trattati. Kwalunkwe oġġezzjoni mqajma għal deċiżjoni tal-Awtorità għad-dereġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandha tkun debitament motivata, u għandha ssir pubblika.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 11b*** |
| | ***Verifika tal-obbligi fil-liġi nazzjonali*** |
| | ***1. Jekk partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jwettqu l-obbligi relevanti skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17(2) u jekk, fid-dawl tad-dritt fundamentali tal-libertà ta’ assoċjazzjoni minqux fl-Artikolu 12 tal-Karta u l-ħtieġa li jiġi żgurat il-pluraliżmu tal-partiti politiċi fl-Ewropa, dak in-nuqqas ikun serju biżżejjed biex jiġġustifika d-dereġistrazzjoni tagħhom, l-Istat Membru tas-sede tal-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jista’ jindirizza lill-Awtorità talba għad-dereġistrazzjoni. Dik it-talba għandha tkun debitament motivata. B’mod partikolari, hija għandha tidentifika b’mod preċiż u eżawrjenti l-azzjonijiet illegali u r-rekwiżiti nazzjonali speċifiċi li ma ġewx osservati.*** |
| | ***Jekk is-suġġett tat-talba tal-Istati Membri jirrigwarda esklużivament jew b’mod predominanti elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif minxuqa fl-Artikolu 2 tat-TUE, l-Awtorità għandha tibda proċedura ta’ verifika f’konformità mal-Artikolu 11a.*** |
| | ***Għal kwalunkwe kwistjoni oħra, li fiha, fit-talba tiegħu skont l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru jikkonferma li jeżisti rimedju effettiv kontra tali talba fil-livell nazzjonali u r-rimedji kollha li jikkonċernaw tali talba jkunu ġew eżawriti, l-Awtorità għandha, wara li tisma’ lir-rappreżentant tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, tivvaluta jekk ir-raġuni għad-dereġistrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 19(1), il-punt (d), tapplikax għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati.*** |
| | ***2. Jekk partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu naqsu b’mod gravi milli jwettqu l-obbligi relevanti tagħhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2), u jekk il-kwistjoni tikkonċerna b’mod esklużiv jew b’mod predominanti elementi li jaffettwaw ir-rispett għall-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, l-Istat Membru kkonċernat jista’ jindirizza talba lill-Awtorità f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1. L-Awtorità għandha tipproċedi bi qbil mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.*** |
| | ***3. Fi kwlaunkwe każ, l-Awtorità għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed. L-Awtorità għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar is-segwitu mogħti lit-talba motivata għad-dereġistrazzjoni.*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jekk l-Awtorità hija*** infurmata ***dwar*** deċiżjoni ta' awtorità superviżorja ***nazzjonali fis-sens tal-Artikolu*** 4 , il-punt (21), tar-Regolament (UE) 2016/679 li tikkonkludi li persuna fiżika jew ġuridika tkun kisret regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali u jekk minn dik id-deċiżjoni jirriżulta, jew inkella fejn altrimenti jkun hemm bażi raġonevoli biex tintlaħaq il-konklużjoni, li l-ksur ikun marbut mal-attivitajiet politiċi ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, l-Awtorità għandha tirreferi l-kwistjoni lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti imsemmi fl- Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament. L-awtorità tista', jekk ikun meħtieġ, tikkoordina mal-awtorità superviżorja ***nazzjonali*** kkonċernata. | 2. ***L-Awtorità għandha tiġi*** infurmata ***b'kull*** deċiżjoni ***fil-livell nazzjonali*** ta' awtorità superviżorja ***kif definita fl-Artikolu*** 4, il-punt (21),tar-Regolament (UE) 2016/679 li tikkonkludi li persuna fiżika jew ġuridika tkun kisret regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali u jekk minn dik id-deċiżjoni jirriżulta, jew inkella fejn altrimenti jkun hemm bażi raġonevoli biex tintlaħaq il-konklużjoni, li l-ksur ikun marbut mal-attivitajiet politiċi ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, l-Awtorità għandha tirreferi l-kwistjoni lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti imsemmi fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament. L-awtorità tista', jekk ikun meħtieġ, tikkoordina mal-awtorità superviżorja kkonċernata. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fid-dawl tal-opinjoni tal-kumitat, l-Awtorità għandha tiddeċiedi, skont l-Artikolu 30(**2**), il-punt (a)(vii), jekk għandhiex timponi sanzjonijiet finanzjarji fuq il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun debitament motivata, partikolarment fir-rigward tal-opinjoni tal-kumitat, u għandha tiġi ppubblikata malajr kemm jista' jkun. | 4. Fid-dawl tal-opinjoni tal-kumitat, l-Awtorità għandha tiddeċiedi, skont l-Artikolu 30(**1**), il-punt (a)(vii), jekk għandhiex timponi sanzjonijiet finanzjarji fuq il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun debitament motivata, partikolarment fir-rigward tal-opinjoni tal-kumitat, u għandha tiġi ppubblikata malajr kemm jista' jkun. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-proċedura stipulata f'dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 11. | 5. Il-proċedura stipulata f'dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju għall-proċedura stipulata ***fl-Artikoli 11, 11a u 11b. Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 11a(2) ma għandux japplika għall-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull sena l-Awtorità għandha tħejji u tippubblika rapport dwar l-attività ta' reklamar politiku tal-partiti politiċi Ewropej. Dan ir-rapport għandu jinkludi ***sommarju fattwali tar-rapporti*** għas-sena ta' rappurtar rilevanti ppubblikati mill-partiti politiċi Ewropej ***skont l-Artikolu*** 5(4)***, kif ukoll kull deċiżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali maħtura skont l-Artikolu 5(6) jew tal-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 5(7) li jirriżultalhom li partit politiku Ewropew kiser l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament***. | Kull sena l-Awtorità għandha tħejji u tippubblika rapport dwar l-attività ta' reklamar politiku tal-partiti politiċi Ewropej. Dan ir-rapport għandu jinkludi ***rapporti*** għas-sena ta' rappurtar rilevanti ppubblikati mill-partiti politiċi Ewropej ***b'mod konformi mal-Artikolu*** 5(4). |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandhom jitilfu l-personalità ġuridika Ewropea tagħhom ***man-notifika ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 11(5).*** | 1. Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandhom jitilfu l-personalità ġuridika Ewropea tagħhom ***meta jinqatgħu mir-Reġistru b'deċiżjoni tal-Awtorità:*** |
| | ***(a) jekk, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11, l-Awtorità tikkonstata li:*** |
| | ***(i) waħda mill-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), (b), (c), (f) jew (g), jew fl-Artikolu 3(2), il-punt (a), (b), (e), (f) jew (g), ma ġietx rispettata mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni;*** |
| | ***(ii) waħda mid-dispożizzjonijiet relatati mal-governanza stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), (b), (d), (e), (f), (h), jew (i) jew fl-Artikolu 6(1), il-punti (a) sa (e) jew (g), ma ġietx rispettata mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni;*** |
| | ***(iii) il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni huma f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iv) id-deċiżjoni li jiġi rreġistrat il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni hija bbażata fuq informazzjoni deċiżiva għad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni li ma kinitx korretta jew li kienet qarrieqa jew id-deċiżjoni tkun inkisbet b'qerq;*** |
| | ***(b) jekk, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11a, l-Awtorità tikkonstata li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) jew (e), jew l-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d), li jikkonċernaw ir-rispett għall-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, ikunu nkisru b'mod manifest u serju mill-partit politiku Ewropew inkwistjoni jew mill-partiti membri tiegħu jew mill-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni jew mill-organizzazzjonijiet membri tagħha;*** |
| | ***(c) fuq talba tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernata; jew*** |
| | ***(d) fuq talba ta' Stat Membru li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11b(1) u (3).*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Partit politiku Ewropew ***jew*** fondazzjoni politika Ewropea ***għandhom jitneħħew*** mir-Reġistru ***b'deċiżjoni tal-Awtorità:*** | 2. ***Jekk l-Awtorità tiddeċiedi li tneħħi*** partit politiku Ewropew ***mir-Reġistru, hija għandha tneħħi wkoll*** fondazzjoni politika Ewropea ***affiljata miegħu*** mir-Reġistru. |
| ***(a) b'konsegwenza ta' deċiżjoni adottata skont l-Artikoli 11 minn (2) sa (5);*** | |
| ***(b) fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 11(6);*** | |
| ***(c) fuq talba tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernata;*** | |
| ***(d) fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), .*** | |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Meta*** partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea ***jonqsu b'mod gravi milli jwettqu l-obbligi relevanti skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(2)***, ***l-Istat Membru tas-sede jista' jindirizza lill-Awtorità talba għal qtugħ mir-reġistru li tkun debitament motivata***, ***liema talba għandha tidentifika b'mod preċiż u eżawstiv l-azzjonijiet illegali u r-rekwiżiti nazzjonali speċifiċi li ma ġewx rispettati***. ***F'każijiet bħal dawn, l-Awtorità għandha:*** | 3. ***Id-deċiżjoni tal-awtorità li tneħħi*** partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea ***mir-Reġistru għandha tiġi indirizzata***, ***u nnotifikata***, ***lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** |
| ***(a) fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati b'mod esklużiv jew b'mod predominanti ma' elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea, kif espress fl-Artikolu 2 TUE, tniedi proċedura ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 11(3) ta' dan ir-Regolament. Għandu japplika wkoll l-Artikolu 11(4), (5) u (6) ta' dan ir-Regolament;*** | |
| ***(b) fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni oħra, u meta t-talba motivata tal-Istat Membru kkonċernat tikkonferma li jkunu ġew eżawriti r-rimedji nazzjonali kollha, tieħu deċiżjoni li tneħħi mir-Reġistru l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati.*** | |
| ***Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu diġà naqsu b'mod gravi milli jwettqu l-obbligi relevanti tagħhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2), u jekk il-kwistjoni jkollha rabta b'mod esklużiv jew b'mod predominanti ma' elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea, kif espress fl-Artikolu 2 TUE, l-Istat Membru kkonċernat jista' jindirizza talba lill-Awtorità f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-Awtorità għandha tipproċedi f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu.*** | |
| ***Fi kwlaunkwe każ, l-Awtorità għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed. L-Awtorità għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar is-segwitu mogħti lit-talba motivata għal qtugħ mir-reġistru.*** | |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-Awtorità għandha tiffissa d-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li fih il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea ikollhom is-sede tagħhom.*** | ***imħassar*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Partit politiku Ewropew li jkun irreġistrat skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jkun rappreżentat fil-Parlament Ewropew b'minn tal-inqas wieħed mill-membri tiegħu, u li ma jkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar- Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jista' japplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal kontribuzzjonijiet. | 1. Partit politiku Ewropew li jkun irreġistrat skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jkun rappreżentat fil-Parlament Ewropew b'minn tal-inqas wieħed mill-membri tiegħu, u li ma jkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar- Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jista' japplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal kontribuzzjonijiet ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea***. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Sħubija diretta tal-Parlament Ewropew għandha tiġi aċċettata f'każijiet fejn Membru tal-Parlament Ewropew ma jkunx membru ta' partit nazzjonali jew reġjonali affiljat ma' partit politiku Ewropew.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 5**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 5. Fil-limiti stipulati fl-Artikoli 24 u 25, in-nefqa rimborsabbli permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi n-nefqa amministrattiva u n-nefqa marbuta mal-assistenza teknika, laqgħat, riċerka, avvenimenti transfruntieri, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, kif ukoll in-nefqa relatata mal-kampanji. | 5. Fil-limiti stipulati fl-Artikoli 24 u 25, in-nefqa rimborsabbli permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea*** għandha tinkludi n-nefqa amministrattiva u n-nefqa marbuta mal-assistenza teknika, laqgħat, riċerka, avvenimenti transfruntieri, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, kif ukoll in-nefqa relatata mal-kampanji. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jirċievi finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, li jkunu jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20 (1) jew (2), għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Parlament Ewropew wara sejħa għal kontribuzzjonijiet jew proposti. | 1. Sabiex jirċievi finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, li jkunu jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20 (1) jew (2), għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Parlament Ewropew wara sejħa għal kontribuzzjonijiet ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea*** jew ***sejħa għal*** proposti. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni politika Ewropea għandhom, fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom, ikunu konformi mal-obbligi mniżżla fl-Artikolu 26 Mid-data tal-applikazzjoni tagħhom sa tmiem is-sena finanzjarja jew tal-azzjoni koperti mill-kontribuzzjoni jew l-għotja, għandhom jibqgħu reġistrati fir-Reġistru u ma jistgħu jkunu s-suġġett ta' ebda waħda mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 30(1) u fl-Artikolu 30(2), il-punti (a) (v) ***sa*** (***ix***). | 2. Il-partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni politika Ewropea għandhom, fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom, ikunu konformi mal-obbligi mniżżla fl-Artikolu 26 Mid-data tal-applikazzjoni tagħhom sa tmiem is-sena finanzjarja jew tal-azzjoni koperti mill-kontribuzzjoni jew l-għotja ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea***, għandhom jibqgħu reġistrati fir-Reġistru u ma jistgħu jkunu s-suġġett ta' ebda waħda mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 30(1) u fl-Artikolu 30(2), il-punti (a), (v) ***u*** (***vi***). |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi li l-partiti membri tal-UE tiegħu, bħala regola, ikunu ppubblikaw fis-siti web tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (i), , matul it-12-il xahar li jippreċedu d-data finali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew.*** | ***imħassar*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi l-konformità tiegħu mal-Artikolu 4(1), il-punt (j), u li l-partiti membri tiegħu kontinwament ippubblikaw fis-siti web tagħhom, matul it-12-il xahar preċedenti għad-data li fiha ssir l-applikazzjoni, informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-kandidati fl-aħħar elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dwar l-evoluzzjoni tar-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-Membri tagħhom tal-Parlament Ewropew.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi li huwa konformi mal-Artikolu 5, li jżomm politika aġġornata rigward l-użu tar-reklamar politiku u li din il-politika implimentaha matul it-12-il xahar preċedenti għad-data finali biex jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal kontribuzzjonijiet jew tas-sejħa għal proposti, u għandu jawtorizza u jamministra l-approprjazzjonijiet korrispondenti, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. | 7. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal kontribuzzjonijiet ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea*** jew tas-sejħa għal proposti, u għandu jawtorizza u jamministra l-approprjazzjonijiet korrispondenti, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet u riżorsi proprji | Donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet***, tariffi ta' assoċjazzjoni*** u riżorsi proprji ***anċillari*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom, fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26, jibagħtu wkoll lista tad-donaturi kollha bid-donazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jindikaw kemm in-natura kif ukoll il-valur tad-donazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal kontribuzzjonijiet magħmula minn partiti membri tal-partiti politiċi Ewropej u mill-organizzazzjonijiet membri tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. | 2. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom, fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26, jibagħtu wkoll lista tad-donaturi kollha bid-donazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jindikaw kemm in-natura kif ukoll il-valur tad-donazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal kontribuzzjonijiet ***u t-tariffi ta' assoċjazzjoni*** magħmula minn partiti membri tal-partiti politiċi Ewropej u mill-organizzazzjonijiet membri tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***u għal kontribuzzjonijiet li jaqbżu l-EUR 1 500 magħmula minn membri individwali ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet*** politiċi Ewropej. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal donazzjonijiet minn persuni fiżiċi li l-valur tagħhom jaqbeż ***l-EUR 1 500*** u jkun anqas jew ekwivalenti għal EUR 3 000, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jindikaw jekk ***id-donaturi*** korrispondenti jkunux taw kunsens bil-miktub minn qabel għall-pubblikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (e). | Għal donazzjonijiet ***u kontribuzzjonijiet*** minn persuni fiżiċi li l-valur tagħhom jaqbeż ***EUR 1500*** u jkun anqas jew ekwivalenti għal EUR 3 000, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jindikaw jekk ***il-persuni fiżiċi*** korrispondenti jkunux taw kunsens bil-miktub minn qabel għall-pubblikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (e). |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-donazzjonijiet riċevuti minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***u nfiq iffinanzjat minn dawn id-donazzjonijiet*** fi żmien sitt xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandhom, kull ġimgħa, ikunu rrappurtati bil-miktub lill-Awtorità, u f'konformità mal-paragrafu 2. | 3. Id-donazzjonijiet riċevuti minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej fi żmien sitt xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandhom, kull ġimgħa, ikunu rrappurtati bil-miktub lill-Awtorità, u f'konformità mal-paragrafu 2. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Għad-donazzjonijiet*** kollha ***li l-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 3 000***, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jitolbu ***lid-donaturi biex*** jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa ***għall-identifikazzjoni korretta tagħhom***. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jittrażmettu l-informazzjoni li jirċievu lill-Awtorità meta din titlobha. | 5. ***Fir-rigward tad-donazzjonijiet*** kollha ***minn donatur wieħed b'valur annwali kumulattiv ta' aktar minn EUR 3 000***, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jitolbu ***li tali donaturi*** jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa ***sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati kif xieraq***. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jittrażmettu l-informazzjoni li jirċievu lill-Awtorità meta din titlobha. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità għandha tistabbilixxi formola biex tintuża għall-finijiet ***tal-ewwel*** subparagrafu. | L-Awtorità għandha tistabbilixxi formola biex tintuża għall-finijiet ***tal-identifikazzjoni tad-donaturi msemmija fl-ewwel*** subparagrafu. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 6 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) donazzjonijiet jew ***kontribuzzjonijiet*** anonimi, | (a) donazzjonijiet***, kontribuzzjonijiet*** jew ***tariffi ta' assoċjazzjoni*** anonimi; |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 6 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) donazzjonijiet minn kwalunkwe entità privata bbażata ***f'pajjiż terz*** jew minn individwi ***minn pajjiż terz li*** mhumiex intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. | (d) donazzjonijiet minn kwalunkwe entità privata bbażata ***barra mill-Unjoni*** jew minn individwi ***barra mill-Unjoni li*** mhumiex intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-Awtorità għandha ***tagħmel verifiki*** meta jkollha raġunijiet biex temmen li donazzjoni tkun ***ingħatat*** bi ksur ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea u d-donaturi tagħhom. | 8. L-Awtorità għandha ***twettaq kontrolli*** meta jkollha raġunijiet biex temmen li donazzjoni tkun ***ġiet aċċettata*** bi ksur ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea u d-donaturi tagħhom. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Għandhom ikunu permessi kontribuzzjonijiet minn membri ta'*** partit politiku Ewropew ***li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru jew li huma ċittadini tiegħu, jew minn partiti membri li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa . Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri ma għanduxjaqbeż*** l-40 % tal-baġit annwali ***ta' partit politiku Ewropew. Il-valur tal-kontribuzzjonijiet mill-partit membri li għandhom is-sede f'pajjiż barra mill-Unjoni ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjonijiet totali minn dawn il-membri.*** | 9. ***Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lil*** partit politiku Ewropew ***ma għandux jaqbeż*** l-40 % tal-baġit annwali ***tiegħu***. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Il-valur totali tat-tariffi tal-assoċjazzjoni lil partit politiku Ewropew ma għandux jaqbeż l-20 % tal-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lil dak il-partit. Kwalunkwe ħlas ta' tariffi ta' assoċjazzjoni jista' jsir biss fil-qafas ta' regoli u rati ġeneralment applikabbli stabbiliti mill-partit politiku Ewropew.*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 10 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. ***Għandhom ikunu permessi kontribuzzjonijiet mill-membri, ta'fondazzjoni politika Ewropea li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru jew li huma ċittadini tiegħu, jew minn organizzazzjonijiet membri li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa ,*** u mill-partit politiku Ewropew li miegħu ***hi affiljata. Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri ma għanduxjaqbeż*** l-40 % tal-baġit annwali ta' fondazzjoni politika Ewropea u ma għandux jiġi minn fondi rċevuti minn partit politiku Ewropew ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'konformità ma'*** dan ir-Regolament***. Il-valur tal-kontribuzzjonijiet mill-partit membri li għandhom is-sede f'pajjiż barra mill-Unjoni ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjonijiet totali minn dawk il-membri***. | 10. ***Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-membri*** u ***tal-finanzjament*** mill-partit politiku Ewropew li miegħu ***huma affiljati ma għandux jeċċedi*** l-40 % tal-baġit annwali ta' fondazzjoni politika Ewropea u ma għandux jiġi minn fondi rċevuti minn partit politiku Ewropew ***fl-ambitu ta'*** dan ir-Regolament ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea*** . |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Il-valur totali tat-tariffi tal-assoċjazzjoni lil partit politiku Ewropew ma għandux jaqbeż l-20 % tal-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lil dak il-partit.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Kull kontribuzzjoni li mhijiex permessa skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lura f'konformità mal-paragrafu 7. | 12. Kull kontribuzzjoni ***jew tariffa ta' assoċjazzjoni*** li mhijiex permessa skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lura f'konformità mal-paragrafu 7. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Il-valur tar-riżorsi proprji ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea ġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji ma għandux jaqbeż il-***5 % tal-baġit annwali ta'*** dak il-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea. | 13. Il-valur tar-riżorsi proprji ***anċillari*** ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea ġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji ma għandux jaqbeż il-***10 % tal-ammont iġġenerat mill-kontribuzzjonijiet lil*** dak il-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea ***u t-tariffi ta' assoċjazzjoni tagħhom***. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej ***u ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej*** mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor jista' jintuża biex jiffinanzja kampanji referendarji meta dawn il-kampanji jkunu jikkonċernaw ***l-implimentazzjoni tat-Trattati tal-Unjoni***. | 2. Il-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor jista' jintuża biex jiffinanzja kampanji referendarji meta dawn il-kampanji jkunu jikkonċernaw ***kwistjonijiet direttament relatati mal-Unjoni Ewropea***. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Minkejja l-Artikolu 24(1) il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' ***partiti*** politiċi oħra, u b'mod partikolari l-partiti nazzjonali jew il-kandidati. Dawn il-partiti politiċi nazzjonali u l-kandidati għandhom jibqgħu jiġu regolati minn regoli nazzjonali. | 1. Minkejja l-Artikolu ***23(10) u l-Artikolu*** 24(1) il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' ***entitajiet*** politiċi oħra, u b'mod partikolari l-partiti nazzjonali jew il-kandidati. Dawn il-partiti politiċi nazzjonali u l-kandidati għandhom jibqgħu jiġu regolati minn regoli nazzjonali. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-finanzjament ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor ma għandux jintuża għall-ebda skop ieħor ħlief dak tal-finanzjament tal-kompiti tagħhom kif elenkati fl-Artikolu 2, il-punt (4), u biex jitħallas l-infiq marbut direttament mal-objettivi stabbiliti fl-istatuti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 6. B'mod partikolari ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' elezzjonijiet, ***ta'*** partiti politiċi, jew kandidati jew fondazzjonijiet oħra. | 2. Il-finanzjament ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor ma għandux jintuża għall-ebda skop ieħor ħlief dak tal-finanzjament tal-kompiti tagħhom kif elenkati fl-Artikolu 2, il-punt (4), u biex jitħallas l-infiq marbut direttament mal-objettivi stabbiliti fl-istatuti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 6. B'mod partikolari, ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' elezzjonijiet, partiti politiċi, jew kandidati ***fis-sitt xhur qabel l-elezzjonijiet nazzjonali*** jew ***Ewropej, jew ta'*** fondazzjonijiet oħra. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara tmiem is-sena finanzjarja, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jippreżentaw ***lill-Awtorità, b'kopja*** lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew ***u lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali Kompetenti tal-Istat Membru tas-sede tagħhom***: | 1. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara tmiem is-sena finanzjarja, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jippreżentaw lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew***, f'format miftuħ u li jinqara minn apparat, dan li ġej***: |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-lista ta' donaturi u kontributuri u d-donazzjonijiet jew ***kontribuzzjonijiet*** korrispondenti tagħhom irrappurtati f'konformità mal-Artikolu 23(2), (3) u (4). | (c) il-lista ta' donaturi u kontributuri u d-donazzjonijiet***, il-kontribuzzjonijiet*** jew ***it-tariffi ta' assoċjazzjoni*** korrispondenti tagħhom irrappurtati f'konformità mal-Artikolu 23(2), (3) u (4). |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jibagħtu wkoll kopja ta' kwalunkwe preżentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Awtorità u lill-punt ta' kuntatt nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru tas-sede tagħhom. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa f'format miftuħ u li jinqara mill-magni.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u ***mill-fondazzjonijiet*** politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e) u (***f***), l-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g), l-Artikolu 10(5) u (6), u ***l-Artikoli 23***, ***24 u 25***. | 2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u ***tal-fondazzjonijiet*** politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), il-puntiv(a), (b), (d), (e)***,*** (***f***) u (***h***), ***l-Artikolu 4a, l-Artikolu 5,*** l-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g), l-Artikolu 10(5) u (6), u ***l-Artikolu 23. F'każijiet fejn ma jkun involut l-ebda finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea***, ***hija għandha tikkontrolla wkoll il-konformità tal-partiti politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom fl-Artikolu*** 25***(1)***. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***tal-obbligi*** relatati mal-finanzjament mill-Unjoni b'dan ir-Regolament ***f'konformità mar-Regolament*** (UE, Euratom) 2018/1046 . Fit-twettiq ta' dawn il-kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. | L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***mal-obbligi*** relatati mal-finanzjament mill-Unjoni b'dan ir-Regolament ***u bir-Regolament*** (UE, Euratom) 2018/1046. Fit-twettiq ta' dawn il-kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. F'konformità mal-Artikolu 19, l-Awtorità għandha tiddeċiedi li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru bħala sanzjoni fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) meta l-partit jew il-fondazzjoni inkwistjoni jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;*** | |
| ***(b) meta jiġi stabbilit, f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Artikolu 11 minn (2) sa (5), li ma jkunux għadhom jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) jew (2);*** | |
| ***(c) meta d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni tal-partit jew tal-fondazzjoni inkwistjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni żbaljata jew żvijanti li għaliha jkun responsabbli l-applikant, jew fejn tali deċiżjoni tkun inkisbet bil-qerq;*** | |
| ***(d) meta talba ta' Stat Membru li jsir qtugħ mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas serju li jitwettqu l-obbligi skont il-liġi nazzjonali tkun tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(3), il-punt (b).*** | |

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-impenji meħuda u l-informazzjoni mogħtija minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea f’konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f)***, (i)*** u (***j***) u ***mal-tal-Artikolu*** 6(1), il-punti (a), (b), (d) u (e); | (ii) f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-impenji meħuda u l-informazzjoni mogħtija minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea f’konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f) u (***h***) u ***mal-Artikolu*** 6(1), il-punti (a), (b), (d) u (e); |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-obbligi previsti fl-Artikolu 4a(1):*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt iib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iib) fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-obbligi previsti fl-Artikolu 4a(2);*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt iic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iic) fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-obbligi previsti fl-Artikoli 5(1) sa (5):*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt vii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(viii)* ***fil-każ ta' nuqqas ta' forniment ta' evidenza dwar l-użu ta' logos u l-pubblikazzjoni ta' programmi politiċi skont l-Artikolu 21(3);*** | ***imħassar*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt ix**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(ix)* ***fil-każ ta' nuqqas ta' forniment ta' evidenza dwar rappreżentanza tal-ġeneri f'konformità mal-Artikolu 21 (4).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu aċċettaw donazzjonijiet ***u kontribuzzjonijiet*** li ma jkunux permessi skont l-Artikolu 23(1) jew (***5***), ħlief jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23 (7); | (i) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu aċċettaw donazzjonijiet***, kontribuzzjonijiet jew tariffi ta' assoċjazzjoni*** li ma jkunux permessi skont l-Artikolu 23(1) jew (***6***), ħlief jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23(7); |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għall-fini tal-paragrafi ***2*** u ***3***, għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet finanzjarji li ġejjin fuq partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea: | 4. Għall-fini tal-paragrafi ***1*** u ***2***, għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet finanzjarji li ġejjin fuq partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea: |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt b – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) f'każijiet ta' ksur kwantifikabbli, perċentwali ***fiss*** tal-ammont tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati ***f'konformità mal-iskala*** li ġejja, sa massimu ta' 10 % tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati: | (b) f'każijiet ta' ksur kwantifikabbli, perċentwali ***fissa*** tal-ammont tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati ***jew tas-somom użati għal attivitajiet ta' finanzjament li huma pprojbiti fis-sens tal-Artikolu 25, skont l-iskala*** li ġejja, sa massimu ta' 10 % tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati: |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt b – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Għall-applikazzjoni tal-perċentwali indikati fl-ewwel subparagrafu, kull donazzjoni jew ***kontribuzzjoni għandha titqies b'mod*** separat. | Għall-applikazzjoni tal-perċentwali indikati fl-ewwel subparagrafu, kull donazzjoni***, kontribuzzjoni, tariffa ta' assoċjazzjoni*** jew ***somma użata għal attivitajiet ta' finanzjament li huma projbiti fis-sens tal-Artikolu 25 għandhom jitqiesu b'mod*** separat. |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5a. L-awtorità għandha tirkupra l-ammonti korrispondenti mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea li fil-konfront tagħhom ikunu ġew imposti sanzjonijiet finanzjarji.*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Bil-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 38, qabel id-deċiżjoni finali tal-Awtorità relatata ma' xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment ma għandux jaqbeż xahar. B'mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu korreguti l-iżbalji minuri li jista' jkun hemm. | 1. Bil-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 38, qabel id-deċiżjoni finali tal-Awtorità relatata ma' xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30***(1), punti (a)(i) sa (iv)***, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment ma għandux jaqbeż xahar. B'mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu korreguti l-iżbalji minuri li jista' jkun hemm. |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 30. | 2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu ***biżżejjed*** miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 30. |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1), il-punti minn (b) sa (f) u fl-Artikolu 3(2), il-punt (c).*** | ***imħassar*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Irkupru*** | ***It-terminazzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-Awtorità li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jirtira jew iwaqqaf kwalunkwe deċiżjoni jew ftehim li jkunu għadhom fis-seħħ dwar il-finanzjament mill-Unjoni, ħlief fil-każ stipulat fl-Artikolu 19(2), il-punt (c), u fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (f). ***Għandu jirkupra wkoll kwalunkwe finanzjament mill-Unjoni, inklużi kwalunkwe fondi mhux minfuqa mis-snin preċedenti.*** | 1. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jittermina deċiżjoni ta' finanzjament li tkun għaddejja indirizzata lil partit politiku Ewropew jew lil fondazzjoni politika Ewropea b'effett futur abbażi tar-raġunijiet li ġejjin: |
| | ***(a) deċiżjoni mill-Awtorità li tneħħi l-partit jew il-fondazzjoni mir-Reġistru, bl-eċċezzjoni ta' deċiżjoni bbażata fuq ir-raġuni għad-dereġistrazzjoni stabbilita fl-Artikolu 19 (1), il-punt (a)(iv);*** |
| | ***(b) deċiżjoni ta' sanzjoni bbażata fuq l-Artikolu 30(1), il-punti (a)(v) u (vi).*** |
| | ***Raġunijiet oħra għat-terminazzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur jistgħu jiġu previsti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja.*** |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *2. 1 Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea li fuqhom tkun ġiet imposta xi sanzjoni għal kwalunkwe ksur elenkat fl-Artikolu 30(1) u l-Artikolu 30 (2), il-punti (a) (v) u (vi), għandhom għal dik ir-raġuni ma jibqgħux konformi mal-Artikolu 21(2). Bħala riżultat, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jittermina l-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja dwar finanzjament mill-Unjoni riċevut skont dan ir-Regolament, u għandu jirkupra ammonti li jkunu tħallsu indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja, inkluż kwalunkwe fond mhux minfuq tal-Unjoni minn snin preċedenti. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu wkoll jirkupra ammonti mħallsa indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja minn persuna fiżika li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni skont l-Artikolu 31, filwaqt li jqis, fejn applikabbli, ċirkostanzi eċċezzjonali relatati ma' dik il-persuna fiżika.* | *2. Deċiżjoni li tiġi terminata d-deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur għandha tidħol fis-seħħ fil-jum speċifikat fid-deċiżjoni ta' terminazzjoni jew, jekk l-ebda jum ma jkun speċifikat fiha, fil-jum li fih id-deċiżjoni ta' terminazzjoni tiġi nnotifikata lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea.* |
| *Fl-eventwalità ta' tali terminazzjoni, il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu limitati għan-nefqa rimborżabbli mġarrba mill-partit politiku Ewropew jew il-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-fondazzjoni politika Ewropea sad-data meta d-deċiżjoni ta' terminazzjoni tidħol fis-seħħ.* | |
| *Dan il-paragrafu għandu jkun applikabbli wkoll għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 19(2), il-punt (c),u fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (f).* | |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *2a. It-terminazzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur għandu jkollu l-konsegwenzi li ġejjin:* |
| | *(a) il-ftehim ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja għandu jiġi terminat mid-data msemmija fil-paragrafu 2;* |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu limitati għan-nefqa rimborżabbli verament imġarrba mill-partit politiku Ewropew jew il-kostijiet eliġibbli verament imġarrba mill-fondazzjoni politika Ewropea sad-data msemmija fil-paragrafu 2;*** |
| | ***(c) in-nefqa jew il-kostijiet imġarrba mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea mill-jum imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kkwalifikati bħala nefqa mhux rimborżabbli jew kostijiet ineliġibbli;*** |
| | ***(d) l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew se jirkupra l-fondi kollha tal-Unjoni mħallsa indebitament, inklużi*** |
| | ***(i) Fondi tal-Unjoni li ntefqu għal nefqa mhux rimborżabbli jew kostijiet ineliġibbli: u*** |
| | ***(ii) kwalunkwe prefinanzjament mhux użat tal-Unjoni li ma jkunx intefaq qabel id-data msemmija fil-paragrafu 2, inklużi fondi tal-Unjoni li ma ntefqux minn snin preċedenti; u*** |
| | ***(e) l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jirkupra kwalunkwe ammont imħallas indebitament minn persuna fiżika li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 31.*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 34a*** |
| | ***L-irtirar tad-deċiżjoni ta’ finanzjament b’effett retroattiv*** |
| | ***1. Abbażi ta’ deċiżjoni, meħuda mill-Awtorità li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru, ibbażata fuq ir-raġuni għad-dereġistrazzjoni stabbilita fl-Artikolu 19(1), il-punt (a)(iv), l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jirtira d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament indirizzati lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati b’effett retroattiv mid-data tal-adozzjoni ta’ dawk id-deċiżjonijiet.*** |
| | ***2. L-irtirar tad-deċiżjoni b’effett retroattiv ta’ finanzjament għandu jkollu l-konsegwenzi li ġejjin:*** |
| | ***(a) il-ftehim ta’ kontribuzzjoni jew ta’ għotja għandu jiġi tterminat mill-jum tan-notifika ta’ dik it-terminazzjoni lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati;*** |
| | ***(b) in-nefqa jew il-kostijiet kollha mġarrba mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea għandhom jiġu kkwalifikati bħala nefqa mhux rimborżabbli jew kostijiet ineliġibbli; u*** |
| | ***(c) kwalunkwe ammont imħallas fil-qafas tal-ftehim ta’ kontribuzzjoni jew għotja, flimkien ma’ kwalunkwe fondi tal-Unjoni mhux minfuqa minn snin preċedenti, għandhom jitqiesu bħala pagamenti mhux dovuti u għandhom jiġu rkuprati skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.*** |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Parlament Ewropew , ***taħt*** l-awtorità ***tal-Uffiċjal Awtorizzanti jew taħt dik tal-Awtorità, għandu jippubblika dan*** li ***ġej*** fuq sit web maħluq ***apposta*** għal ***dan*** il-għan, ***f’format miftuħ u*** li ***jinqara minn apparat***: | 1. Il-Parlament Ewropew, ***jew*** l-Awtorità***, f’konformità mad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet tagħhom, għandhom jippubblikaw f’format miftuħ*** li ***jista’ jinqara minn magna*** fuq sit web maħluq għal ***dak*** il-għan, ***dan*** li ***ġej***: |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-kontribuzzjonijiet msemmija fl-Artikolu 23(9) u (10) u rrappurtati minn partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2), inkluża l-identità ***tal-partiti membri*** jew l-organizzazzjonijiet li jkunu għamlu ***dawn*** il-kontribuzzjonijiet; | (f) il-kontribuzzjonijiet ***u t-tariffi ta' assoċjazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 23(9) u (10) u rrappurtati minn partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2), inkluża l-identità ***tal-membri individwali, tal-partiti*** jew l-organizzazzjonijiet ***membri*** li jkunu għamlu ***dawk*** il-kontribuzzjonijiet ***bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' aktar minn EUR 1 500 sa EUR 3 000 fis-sena li ġejjin minn persuni fiżiċi fejn dawk il-persuni ma jkunux taw il-kunsens tagħhom bil-miktub għal tali pubblikazzjoni.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) it-tariffi ta' assoċjazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(9a) u (10a) u rrappurtati mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2), inkluża l-identità tal-partiti jew l-organizzazzjonijiet li jkunu għamlu dawk il-pagamenti;*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) ir-riżorsi proprji anċillari msemmija fl-Artikolu 23(13) u rrappurtati minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2);*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 36 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-Parlament Ewropew għandu jippubblika*** l-lista tal-persuni ġuridiċi li jkunu membri ta' partit politiku Ewropew, kif annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), u aġġornata f'konformità mal-Artikolu 10(6), kif ukoll in-numru globali ta' membri individwali. | 2. ***L-Awtorità għandha tippubblika*** l-lista tal-persuni ġuridiċi li jkunu membri ta' partit politiku Ewropew, kif annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), u aġġornata f'konformità mal-Artikolu 10(6), kif ukoll in-numru globali ta' membri individwali. |

**Il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022**

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-Istati Membri u l-entitajiet jew l-esperti indipendenti awtorizzati biex jawditjaw il-kontijiet skont dan ir-Regolament għandhom ikunu responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għal kwalunkwe dannu li jikkawżaw fl-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament***, tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din, u b'mod partikolari għall-użu frodulenti tad-data personali***. | 8. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-Istati Membri u l-entitajiet jew l-esperti indipendenti awtorizzati biex jawditjaw il-kontijiet skont dan ir-Regolament għandhom ikunu responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għal kwalunkwe dannu li jikkawżaw fl-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri***, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679,*** għandhom jiżguraw li jiġu applikati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 44 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Kwalunkwe pass u deċiżjoni proċedurali meħuda qabel mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jew l-Awtorità f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jew abbażi tiegħu, għandhom jibqgħu applikabbli u jiġu interpretati fid-dawl ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 2 – inċiż 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***— f'każijiet fejn jintużaw tekniki ta' mmirar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2016/679.*** |

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT